European Commission

Erasmus+

Gwida tal-Programm

Fil-każ ta' tifsiriet kunfliġġenti bejn il-verżjonijiet lingwistiċi,

tipprevali l-verżjoni bl-Ingliż.

Verżjoni 1 (2023): 23-11-2022

Erasmus+

Werrej

PARTI A – INFORMAZZJONI ĠENERALI DWAR IL-PROGRAMM ERASMUS+ 4

X'INHUMA L-OBJETTIVI TAL-PROGRAMM ERASMUS+? 6

PRIJORITAJIET TAL-PROGRAMM ERASMUS+ 7

KARATTERISTIĊI IMPORTANTI TAL-PROGRAMM ERASMUS+ 11

X'INHI L-ISTRUTTURA TAL-PROGRAMM ERASMUS+? 15

X'INHU L-BAĠIT? 19

MIN JIMPLIMENTA L-PROGRAMM ERASMUS+? 20

LIEMA KORPI OĦRAJN HUMA INVOLUTI FL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM? 22

PAJJIŻI ELIĠIBBLI 33

PARTI B - INFORMAZZJONI DWAR L-AZZJONIJIET KOPERTI MINN DIN IL-GWIDA 38

LIEMA AZZJONIJIET HUMA PPREŻENTATI F'DIN IL-GWIDA? 38

AZZJONI EWLENIJA 1: MOBBILTÀ GĦALL-APPRENDIMENT TAL-INDIVIDWI 40

X'INHU PROĠETT TA' MOBBILTÀ? 41

PROĠETTI TA' MOBBILTÀ GĦALL-ISTUDENTI U L-PERSUNAL TAL-EDUKAZZJONI GĦOLJA 43

AKKREDITAZZJONI TAL-ERASMUS FL-OQSMA TAL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ VOKAZZJONALI, L-EDUKAZZJONI SKOLASTIKA U L-EDUKAZZJONI GĦALL-ADULTI 80

MOBBILTÀ GĦALL-ISTUDENTI U L-PERSUNAL FL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ VOKAZZJONALI 90

MOBBILTÀ TAL-ISTUDENTI TAL-ISKOLA U TAL-PERSUNAL FL-EDUKAZZJONI SKOLASTIKA 107

MOBBILTÀ GĦALL-ISTUDENTI U GĦALL-PERSUNAL FL-EDUKAZZJONI GĦALL-ADULTI 124

MOBBILTÀ GĦALL-APPRENDIMENT FIL-QASAM TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ 140

AKKREDITAZZJONI TAL-ERASMUS FIL-QASAM TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ 141

OPPORTUNITAJIET TA' MOBBILTÀ GĦAL ORGANIZZAZZJONIJIET AKKREDITATI TAL-ERASMUS FIL-QASAM TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ 147

PROĠETTI TA' MOBBILTÀ GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ – "SKAMBJI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ" 150

PROĠETTI TA' MOBBILTÀ GĦALL-PERSUNI LI JAĦDMU MAŻ-ŻGĦAŻAGĦ 163

ATTIVITAJIET TA' PARTEĊIPAZZJONI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ 178

PROĠETTI TA' MOBBILTÀ GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ - "AZZJONI TA' INKLUŻJONI TA' DISCOVEREU" 195

MOBBILTÀ TAL-PERSUNAL FIL-QASAM TAL-ISPORT 205

SKAMBJI VIRTWALI FL-EDUKAZZJONI GĦOLJA U Ż-ŻGĦAŻAGĦ 215

AZZJONI EWLENIJA 2: KOOPERAZZJONI BEJN L-ORGANIZZAZZJONIJIET U L-ISTITUZZJONIJIET 223

SĦUBIJIET GĦALL-KOOPERAZZJONI 226

SĦUBIJIET TA' KOOPERAZZJONI 236

SĦUBIJIET FUQ SKALA ŻGĦIRA 246

SĦUBIJIET GĦALL-EĊĊELLENZA 254

ĊENTRI TA' EĊĊELLENZA VOKAZZJONALI 255

AZZJONI ERASMUS MUNDUS 271

SĦUBIJIET GĦALL-INNOVAZZJONI 287
ALLEANZI GĦALL-INNOVAZZJONI 288
PROĠETTI LI JĦARSU ’L QUDDIEM 310
BINI TAL-KAPAĊITÀ FL-EDUKAZZJONI GĦOLJA 326
BINI TAL-KAPAĊITÀ FIL-QASAM TAL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ VOKAZZJONALI (VET) 342
BINI TAL-KAPAĊITÀ FIL-QASAM TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ 354
BINI TAL-KAPAĊITÀ FIL-QASAM TAL-ISPORT 361
AVVENIMENTI SPORTIVI EWROPEJ MINGĦAJR SKOP TA’ QLIGĦ 367
AZZJONI EWLENIJA 3: APPOĠĠ GĦALL-IŻVILUPP TA’ POLITIKA U L-KOOPERAZZJONI 373
ŻGĦAŻAGĦ EWROPEJ FLIMKIEN 375
AZZJONIJIET JEAN MONNET 384
AZZJONIJIET JEAN MONNET FIL-QASAM TAL-EDUKAZZJONI GĦOLJA 385
AZZJONIJIET JEAN MONNET F’OQSMA OĦRA TAL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ 400
DIBATTITU TA’ ORJENTAZZJONI JEAN MONNET 410
PARTI C - INFORMAZZJONI GĦALL-APPLIKANTI 420
KIF TISSOTTOMETTI APPLIKAZZJONI TA’ ERASMUS+? 420
PASS 1: REĠISTRAZZJONI 421
PASS 2: IĊĊEKKJA L-KONFORMITÀ MAL-KRITERJI TAL-PROGRAMM 422
PASS 3: IĊĊEKKJA L-KUNDIZZJONIJIET FINANZJARJI 429
PARTI D – GLOSSARJU TAT-TERMINI 444

PARTI A – INFORMAZZJONI ĠENERALI DWAR IL-PROGRAMM ERASMUS+

L-Erasmus+ huwa l-programm tal-UE fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport għall-perjodu 2021-2027. L-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport huma oqsma ewlenin li jappoġġaw liċ-ċittadini fl-iżvilupp personali u professjonali tagħhom. L-edukazzjoni u t-taħriġ ta' kwalità għolja u inklużivi, kif ukoll l-apprendiment informali u mhux formali, fl-aħħar mill-aħħar jgħammru liż-żgħażagħ u lill-parteċipanti ta' kull età bil-kwalifiki u bil-ħiliet meħtieġa għall-parteċipazzjoni sinifikanti tagħhom fis-soċjetà demokratika, għall-fehim interkulturali u għat-tranżizzjoni b'suċċess fis-suq tax-xogħol. Filwaqt li jibni fuq is-suċċess tal-programm fil-perjodu 2014-2020, l-Erasmus+ isaħħaħ l-isforzi tiegħu biex iżid l-opportunitajiet offruti lil aktar parteċipanti u lil medda usa' ta' organizzazzjonijiet, billi jiffoka fuq l-impatt kwalitattiv tiegħu u jikkontribwixxi għal soċjetajiet aktar inklużivi u koeżivi, aktar ekoloġiċi u adatti għad-dinja diġitali.

Iċ-ċittadini Ewropej iridu jkunu mgħammra aħjar bl-għarfien, bil-ħiliet u bil-kompetenzi meħtieġa f'soċjetà li qiegħda tinbidel b'mod dinamiku li qiegħda ssir dejjem aktar mobbli, multikulturali u diġitali. Li wieħed iqatta' żmien f'pajjiż ieħor biex jistudja, jitgħallem u jaħdem għandha ssir ħaġa komuni, u l-opportunità li wieħed jitgħallem żewġ lingwi oħra flimkien mal-lingwa materna tiegħu għandha tiġi offruta lil kulħadd. Il-Programm huwa komponent ewlieni li jappoġġa l-objettivi taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027, l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ u l-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport (2021-2024).

Kif uriet il-pandemija tal-COVID-19, qiegħed jirriżulta li l-aċċess għall-edukazzjoni, aktar minn qatt qabel, huwa essenzjali biex jiġi żgurat irkupru malajr, filwaqt li jiġu promossi opportunitajiet indaqs għal kulħadd. Bħala parti minn dan il-proċess ta' rkupru, il-programm Erasmus+ jieħu d-dimensjoni inklużiva tiegħu għal orizzont ġdid billi jappoġġa opportunitajiet għall-iżvilupp personali, soċjoedukattiv u professjonali tal-persuni fl-Ewropa u lil hinn minnha, bil-għan li ħadd ma jitħalla jibqa' lura.

Sabiex jiżdied l-impatt kwalitattiv tal-azzjonijiet tiegħu u jiġu żgurati opportunitajiet indaqs, il-Programm se jilħaq b'mod aħjar aktar persuni ta' etajiet differenti u minn sfondi kulturali, soċjali u ekonomiċi diversi. Huwa fil-qalba tal-Programm li nersqu aktar viċin ta' dawk b'inqas opportunitajiet, inklużi l-persuni b'diżabilità u l-migranti, kif ukoll iċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea li jgħixu f'żoni remoti jew li qegħdin jiffaċċjaw diffikultajiet soċjoekonomiċi. B'dan il-mod, il-Programm se jħeġġeġ ukoll lill-parteċipanti tiegħu, b'mod partikolari liż-żgħażagħ biex jinvolvu ruħhom u jitgħallmu jipparteċipaw fis-soċjetà ċivika, filwaqt li jqajjem sensibilizzazzjoni dwar il-valuri komuni tal-Unjoni Ewropea. Fl-2023, il-Programm se jkompli wkoll jimmobilizza l-isforzi tiegħu biex jimmitiga l-konsegwenzi soċjoekonomiċi u edukattivi tal-invażjoni Russa fl-Ukrajna, inkluż billi jappoġġa proġetti li jippromwovu l-attivitajiet edukattivi u jiffaċilitaw l-integrazzjoni tal-persuni li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna fl-ambjenti ta' apprendiment il-ġodda tagħhom, kif ukoll attivitajiet li jappoġġaw l-organizzazzjonijiet, l-istudenti u l-persunal fl-Ukrajna.

Barra minn hekk, f'konformità mal-objettivi tal-Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni dwar l-appoġġ għall-iżvilupp tat-talent biex tingħata spinta lill-kapaċità ta' innovazzjoni tal-Ewropa, l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali u tal-kompetenzi u l-ħiliet f'oqsma li jħarsu 'l quddiem, bħall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, l-enerġija nadifa, l-intelligenza artifiċjali, ir-robotika, l-analiżi tal-big data, eċċ. huwa essenzjali għat-tkabbir sostenibbli u l-koeżjoni futuri tal-Ewropa. Il-Programm jista' jagħmel kontribuzzjoni sinifikanti billi jistimola l-innovazzjoni u jnaqqas id-distakk fl-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi tal-Ewropa. Jeħtieġ li n-negozji tal-UE jsiru aktar kompetittivi permezz tat-talent u l-innovazzjoni. Dan l-investiment fl-għarfien, fil-ħiliet u fil-kompetenzi se jkun ta' benefiċċju għall-individwi, għall-istituzzjonijiet, għall-organizzazzjonijiet u għas-soċjetà kollha kemm hi billi jikkontribwixxi għat-tkabbir sostenibbli u jiżgura l-ekwità, il-prosperità u l-inklużjoni soċjali fl-Ewropa u lil hinn minnha.

Sfida oħra hija relatata max-xejriet madwar l-Ewropa ta' parteċipazzjoni limitata fil-ħajja demokratika u l-livelli baxxi ta' għarfien u ta' sensibilizzazzjoni dwar il-kwistjonijiet Ewropej u l-impatt tagħhom fuq il-ħajja taċ-ċittadini Ewropej kollha. Ħafna persuni isibuha bi tqila, jew iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet, biex jinvolvu ruħhom u jipparteċipaw b'mod attiv fil-komunitajiet tagħhom jew fil-ħajja politika u soċjali tal-Unjoni Ewropea. It-tisħiħ tal-identità Ewropea u tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-proċessi demokratiċi huwa ta' importanza kbira għall-futur tal-Unjoni Ewropea. Din il-kwistjoni tista' tiġi mmirata wkoll permezz ta' attivitajiet ta' apprendiment mhux formali, li għandhom l-għan li jsaħħu l-ħiliet u l-kompetenzi taż-żgħażagħ kif ukoll iċ-ċittadinanza attiva tagħhom.

F'konformità mal-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea sabiex tagħmel l-ekonomija tagħha sostenibbli, il-proġetti għandhom jitfasslu b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent u għandhom jinkorporaw prattiki ekoloġiċi fl-aspetti kollha. L-organizzazzjonijiet u l-parteċipanti involuti għandu jkollhom approċċ li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent meta jkunu qegħdin ifasslu l-proġetti tagħhom, li se jħeġġiġhom jiddiskutu u jitgħallmu dwar il-kwistjonijiet ambjentali, iġegħilhom jaħsbu dwar x'jista' jsir fil-livell tagħhom u jgħinhom joħorġu b'modi alternattivi aktar ekoloġiċi għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet tagħhom.

L-appoġġ u l-iffaċilitar tal-kooperazzjoni tranżnazzjonali u internazzjonali bejn l-organizzazzjonijiet fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport huma essenzjali sabiex il-persuni jingħataw aktar kompetenzi ewlenin, filwaqt li jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola u jiġu rrikonoxxuti l-kompetenzi miksuba permezz ta' apprendiment formali, informali u mhux formali. Dan jiffaċilita ċ-ċirkolazzjoni ta' ideat u t-trażmissjoni tal-aħjar prattiki u tal-għarfien espert u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet diġitali u b'hekk jikkontribwixxi għal edukazzjoni ta' kwalità għolja filwaqt li jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali. Il-Programm Erasmus+ huwa wieħed mill-aktar stejjer ta' suċċess viżibbli tal-Unjoni Ewropea. Dan jibni fuq il-kisbiet ta' aktar minn 30 sena ta' programmi Ewropej fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport, u jkopri kemm id-dimensjoni intra-Ewropea kif ukoll id-dimensjoni tas-sħubijiet internazzjonali.

Il-Gwida tal-Programm Erasmus+ hija abbozzata f'konformità mal-Programmi ta' Ħidma annwali tal-Erasmus+ adottati mill-Kummissjoni Ewropea, u għalhekk tista' tiġi riveduta sabiex tirrifletti l-prijoritajiet u l-linji ta' azzjoni definiti. L-implimentazzjoni ta' din il-Gwida hija soġġetta wkoll għad-disponibbiltà tal-approprjazzjonijiet previsti fl-abbozz tal-baġit wara l-adozzjoni tal-baġit għal dik is-sena mill-Awtorità tal-Baġit tal-UE jew kif previst fis-sistema tad-dodiċeżmi proviżorji.

X'INHUMA L-OBJETTIVI TAL-PROGRAMM ERASMUS+?

OBJETTIV ĠENERALI

L-objettiv ġenerali tal-Programm huwa li jappoġġa, permezz tal-apprendiment tul il-ħajja, l-iżvilupp edukattiv, professjonali u personali tal-persuni fl-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport, fl-Ewropa u lil hinn minnha, u b'hekk jikkontribwixxi għat-tkabbir sostenibbli, għall-impjiegi ta' kwalità u għall-koeżjoni soċjali, filwaqt li jixpruna l-innovazzjoni u jsaħħaħ l-identità Ewropea u ċ-ċittadinanza attiva. Bħala tali, il-Programm għandu jkun strument ewlieni biex tinbena Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, filwaqt li tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni strateġika Ewropea fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, bl-aġendi settorjali sottostanti tiegħu. Barra minn hekk, dan huwa kruċjali sabiex tiġi avvanzata l-kooperazzjoni fil-politika dwar iż-żgħażagħ fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ 2019-2027 u biex tiġi żviluppata d-dimensjoni Ewropea fl-isport.

OBJETTIVI SPEĊIFIĊI

Il-Programm għandu l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

- li jippromwovi l-mobbiltà għall-apprendiment tal-individwi u l-gruppi, kif ukoll il-kooperazzjoni, il-kwalità, l-inklużjoni u l-ekwità, l-eċċellenza, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell tal-organizzazzjonijiet u l-politiki fil-qasam tal-edukazzjoni u tat-taħriġ;
- li jippromwovi l-mobbiltà għall-apprendiment mhux formali u informali u l-parteċipazzjoni attiva fost iż-żgħażagħ, kif ukoll il-kooperazzjoni, il-kwalità, l-inklużjoni, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell tal-organizzazzjonijiet u l-politiki fil-qasam taż-żgħażagħ;
- li jippromwovi l-mobbiltà għall-apprendiment tal-persunal tal-isport, kif ukoll il-kooperazzjoni, il-kwalità, l-inklużjoni, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell tal-organizzazzjonijiet tal-isport u tal-politiki dwar l-isport.

PRIJORITAJIET TAL-PROGRAMM ERASMUS+

INKLUŻJONI U DIVERSITÀ

Il-Programm ifittex li jippromwovi l-opportunitajiet indaqs u l-aċċess, l-inklużjoni, id-diversità u l-ġustizzja fl-azzjonijiet kollha tiegħu. L-organizzazzjonijiet u l-parteċipanti b'inqas opportunitajiet huma nfishom, jinsabu fil-qalba ta' dawn l-objettivi u b'kont meħud ta' dawn, il-programm ipoġġi l-mekkaniżmi u r-riżorsi għad-dispożizzjoni tagħhom. Waqt it-tfassil tal-proġetti u l-attivitajiet tagħhom, l-organizzazzjonijiet għandu jkollhom approċċ inklużiv, li jagħmilhom aċċessibbli għal firxa diversa ta' parteċipanti.

Biex dan jinkiseb, l-Aġenziji Nazzjonali huma vitali wkoll biex jappoġġaw proġetti bil-għan li dawn ikunu kemm jista' jkun inklużivi u diversi. Abbażi tal-prinċipji u l-mekkaniżmi kumplessivi fil-livell Ewropew, l-Aġenziji Nazzjonali se jfasslu pjanijiet ta' inklużjoni u diversità sabiex jindirizzaw bl-aħjar mod il-ħtiġijiet tal-parteċipanti b'inqas opportunitajiet u sabiex jappoġġaw lill-organizzazzjonijiet li jaħdmu ma' dawn il-gruppi fil-mira fil-kuntest nazzjonali tagħhom. Fl-istess ħin, iċ-Ċentri tar-Riżorsi SALTO li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-programm huma wkoll atturi ewlenin fil-promozzjoni u fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' inklużjoni u diversità, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġbir tal-għarfien u t-tfassil u t-tmexxija ta' attivitajiet ta' bini tal-kapaċità għall-persunal tal-Aġenzija Nazzjonali u għall-benefiċjarji tal-programm. Bl-istess mod, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA) għandha rwol daqstant importanti għall-fergħat tal-programm li huma ġestiti permezz ta' ġestjoni diretta. F'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, id-Delegazzjonijiet tal-UE u – meta jkunu jeżistu – l-Uffiċċji Nazzjonali tal-Erasmus+ (NEOs) u l-Punti Fokali tal-Erasmus+ huma kruċjali wkoll sabiex il-programm jinġieb eqreb tal-gruppi fil-mira indirizzati minn din l-Istrateġija.

Sabiex jiġu implimentati dawn il-prinċipji, ġie żviluppat **Qafas dwar miżuri ta' inklużjoni**[1] kif ukoll **Strateġija għad-Diversità u l-Inklużjoni**[2] li jkopru l-oqsma kollha tal-programm sabiex jiġi appoġġat aċċess aktar faċli għall-finanzjament għal firxa usa' ta' organizzazzjonijiet, u biex jintlaħqu aħjar aktar parteċipanti b'inqas opportunitajiet. Din tistabbilixxi wkoll l-ispazju u l-mekkaniżmi għal dawk il-proġetti, appoġġati permezz tal-programm, li huma maħsuba sabiex jaħdmu fuq kwistjonijiet relatati mal-inklużjoni u d-diversità. Din l-Istrateġija għandha l-għan li tgħin biex jiġu indirizzati l-ostakli li gruppi fil-mira differenti jistgħu jiffaċċjaw biex ikollhom aċċess għal tali opportunitajiet fl-Ewropa u lil hinn minnha.

Il-lista ta' tali ostakli potenzjali, spjegata hawn taħt, ma hijiex eżawrjenti u hija maħsuba biex tipprovdi referenza fit-teħid ta' azzjoni bil-għan li jiżdiedu l-aċċessibbiltà u s-sensibilizzazzjoni fost persuni b'inqas opportunitajiet. Dawn l-ostakli jistgħu jxekklu l-parteċipazzjoni tagħhom kemm bħala fattur awtonomu kif ukoll flimkien bejniethom:

- **Diżabilitajiet:** Fosthom insuffiċjenzi fiżiċi, mentali, intellettwali jew sensorji li, flimkien ma' diversi ostakli, jistgħu jxekklu l-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva ta' xi ħadd fis-soċjetà bl-istess mod bħall-oħrajn[3].
- **Problemi tas-saħħa:** L-ostakli jistgħu jirriżultaw minn kwistjonijiet relatati mas-saħħa li jinkludu mard serju, mard kroniku, jew kwalunkwe sitwazzjoni oħra relatata mas-saħħa fiżika jew mentali li ma tippermettix li individwu jipparteċipa fil-programm.
- **Ostakli marbuta mas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ:** L-individwi li ma tantx imorru tajjeb fis-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ għal diversi raġunijiet, il-persuni li jitilqu kmieni mill-iskola, l-NEETs (il-persuni barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ) u l-adulti b'livell baxx ta' ħiliet jistgħu jiffaċċjaw ostakli. Għalkemm fatturi oħrajn

[1] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni - qafas ta' miżuri ta' inklużjoni tal-Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà 2021-2027:https://erasmus-plus.ec.europa.eu/document/commission-decision-framework-inclusion-2021-27

[2] Linji gwida tal-implimentazzjoni - L-Istrateġija għall-Inklużjoni u d-Diversità tal-Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà:https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/resources/implementation-guidelines-erasmus-and-european-solidarity-corps-inclusion-and-diversity_mt

[3] Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità:https://www.un.org/development/desa/disabilities/convention-on-the-rights-of-persons-with-disabilities.html

jista' jkollhom rwol, dawn id-diffikultajiet edukattivi, filwaqt li jistgħu jkunu marbuta wkoll ma' ċirkostanzi personali, jirriżultaw l-aktar minn sistema edukattiva li toħloq limitazzjonijiet strutturali u/jew li ma tqisx bis-sħiħ il-ħtiġijiet partikolari tal-individwu. L-individwi jistgħu jiffaċċjaw ukoll ostakli għall-parteċipazzjoni meta l-istruttura tal-kurrikuli tagħmilha diffiċli li wieħed jagħmel esperjenza li tinvolvi mobbiltà għall-apprendiment jew għat-taħriġ barra minn pajjiżu bħala parti mill-istudji tiegħu.

- **Differenzi kulturali:** Filwaqt li d-differenzi kulturali jistgħu jitqiesu bħala ostakli mill-persuni bi kwalunkwe sfond, dawn jistgħu jaffettwaw b'mod partikolari lill-persuni li għandhom inqas opportunitajiet. Tali differenzi jistgħu jirrappreżentaw ostakli sinifikanti għall-apprendiment b'mod ġenerali, aktar u aktar għal persuni migranti jew ta' refuġjati, speċjalment migranti li jkunu għadhom kif waslu, persuni li jappartjenu għal minoranza nazzjonali jew etnika, l-utenti tal-lingwa bis-sinjali, persuni b'diffikultajiet fl-adattament lingwistiku u fl-inklużjoni kulturali, eċċ. Li wieħed ikun espost għal lingwi barranin u differenzi kulturali meta jieħu sehem fi kwalunkwe tip ta' attivitajiet ta' programm jista' jpoġġi lill-individwi f'pożizzjoni skomda u b'xi mod jillimita l-benefiċċji mill-parteċipazzjoni tagħhom. U tali differenzi kulturali jistgħu saħansitra jwaqqfu lill-parteċipanti potenzjali milli japplikaw għal appoġġ permezz tal-programm, u b'hekk jirrappreżentaw ostaklu għad-dħul b'mod sħiħ.
- **Ostakli soċjali**: Diffikultajiet fl-aġġustament soċjali bħal kompetenzi soċjali limitati, imġiba antisoċjali jew ta' riskju għoli, persuni li (fil-passat) kienu awturi ta' reat, persuni li (fil-passat) kienu jabbużaw mid-droga jew mill-alkoħol, jew il-marġinalizzazzjoni soċjali jistgħu jirrappreżentaw ostaklu. Ostakli soċjali oħrajn jistgħu jirriżultaw minn ċirkostanzi tal-familja, pereżempju meta wieħed ikun l-ewwel fil-familja li jkollu aċċess għal edukazzjoni għolja jew ikun ġenitur (speċjalment ġenitur waħdu), persuna li tindokra lil ħaddieħor, persuna li taqla' l-għajxien tal-familja jew li tkun orfni, jew li tkun għexet jew attwalment tkun qiegħda tgħix f'kura istituzzjonali.
- **Ostakli ekonomiċi:** Żvantaġġi ekonomiċi bħal livell baxx ta' għajxien, introjtu baxx, l-istudenti li jridu jaħdmu bilfors għall-għajxien tagħhom, id-dipendenza mis-sistema ta' protezzjoni soċjali, il-qgħad fit-tul, sitwazzjonijiet prekarji jew il-faqar, li wieħed ikun mingħajr dar, ikollu d-dejn jew problemi finanzjarji, eċċ., jistgħu jirrappreżentaw ostaklu. Diffikultajiet oħrajn jistgħu jirriżultaw mit-trasferibbiltà limitata tas-servizzi (b'mod partikolari l-appoġġ lill-persuni b'inqas opportunitajiet) li jeħtieġ li jkunu "mobbli" flimkien mal-parteċipanti meta jmorru f'post imbiegħed jew, aktar u aktar, barra mill-pajjiż.
- **Ostakli marbuta mad-diskriminazzjoni:** L-ostakli jistgħu jseħħu bħala riżultat ta' diskriminazzjonijiet marbuta mal-ġeneru, l-età, l-etniċità, ir-reliġjon, it-twemmin, l-orjentazzjoni sesswali, id-diżabilità, jew il-fatturi intersezzjonali (taħlita ta' żewġ ostakli ta' diskriminazzjoni msemmija jew aktar).
- **Ostakli ġeografiċi**: Li wieħed ikun jgħix f'żoni remoti jew rurali, fuq gżejjer żgħar jew f'reġjuni periferiċi/ultraperiferiċi[4], f'subborgi urbani, f'żoni inqas moqdija (trasport pubbliku limitat, faċilitajiet fqar) jew f'żoni inqas żviluppati f'pajjiżi terzi, eċċ., jistgħu jikkostitwixxu ostaklu.

TRASFORMAZZJONI DIĠITALI

Il-pandemija tal-COVID-19 xeħtet aktar dawl fuq l-importanza tal-edukazzjoni diġitali għat-trasformazzjoni diġitali li l-Ewropa teħtieġ. B'mod partikolari, enfasizzat il-ħtieġa akbar li jiġi sfruttat il-potenzjal tat-teknoloġiji diġitali għat-tagħlim u l-apprendiment u għall-iżvilupp ta' ħiliet diġitali għal kulħadd. F'konformità mal-prijoritajiet strateġiċi tal-**Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali** (2021-2027)[5], il-Programm għandu l-għan li jappoġġa dan l-isforz biex jinvolvi lill-istudenti, lill-edukaturi, lill-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, liż-żgħażagħ u lill-organizzazzjonijiet fit-triq lejn it-trasformazzjoni diġitali.

[4] L-Unjoni Ewropea għandha disa' reġjuni ultraperiferiċi. Dawn huma l-Guyana Franċiża, Guadeloupe, Martinique, Mayotte, il-Gżira Réunion u Saint Martin (Franza), l-Azores u Madeira (il-Portugall) u l-Gżejjer Kanarji (Spanja).
[5] https://ec.europa.eu/education/education-in-the-eu/digital-education-action-plan_mt

Il-programm se jappoġġa l-ewwel prijorità strateġika tal-Pjan ta' Azzjoni, l-iżvilupp ta' ekosistema tal-edukazzjoni diġitali bi prestazzjoni għolja, billi jibni l-kapaċità u l-fehim kritiku f'kull tip ta' istituzzjoni tal-edukazzjoni u tat-taħriġ dwar kif jisfruttaw l-opportunitajiet offruti mit-teknoloġiji diġitali għat-tagħlim u l-apprendiment fil-livelli kollha u għas-setturi kollha u ħalli jiżviluppaw u jimplimentaw pjanijiet ta' trasformazzjoni diġitali ta' istituzzjonijiet edukattivi.

Il-programm se jappoġġa wkoll it-tieni prijorità strateġika tal-Pjan ta' Azzjoni, billi jappoġġa azzjonijiet li għandhom l-għan li jtejbu l-ħiliet diġitali u l-iżvilupp tal-kompetenza fil-livelli kollha tas-soċjetà u għal kulħadd (inklużi ż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet, l-istudenti, il-persuni li qegħdin ifittxu impjieg u l-ħaddiema). L-enfasi se tkun fuq it-trawwim tal-ħiliet diġitali bażiċi u dawk avvanzati kif ukoll tal-litteriżmu diġitali, li sar essenzjali għall-ħajja ta' kuljum u biex jippermetti lill-persuni jinnavigaw dinja sħiħa ta' algoritmi u jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà ċivili u fid-demokrazija.

F'konformità ma' dawn iż-żewġ prijoritajiet strateġiċi tal-Pjan ta' Azzjoni, se jiġi stabbilit Ċentru Ewropew tal-Edukazzjoni Diġitali biex isaħħaħ il-kooperazzjoni fl-edukazzjoni diġitali fil-livell tal-UE u ħalli jikkontribwixxi għall-iskambju ta' prattiki tajba, ħolqien konġunt u esperimentazzjoni. L-għan taċ-Ċentru se jkun li jappoġġa lill-Istati Membri permezz ta' kooperazzjoni transsettorjali aktar mill-qrib billi jindirizza l-edukazzjoni diġitali f'perspettiva ta' apprendiment tul il-ħajja. Iċ-Ċentru se joħloq konnessjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali, is-settur privat, l-esperti, ir-riċerkaturi, il-forituri tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u s-soċjetà ċivili permezz ta' żvilupp aktar aġli tal-politika u tal-prattika fl-edukazzjoni diġitali.

Il-Programm għandu jilħaq ukoll grupp fil-mira akbar kemm fl-Unjoni kif ukoll lil hinn minnha permezz ta' użu akbar tal-għodod tal-informazzjoni, tal-komunikazzjoni u tat-teknoloġija, l-użu kkombinat ta' mobbiltà fiżika u l-apprendiment virtwali u l-kooperazzjoni virtwali.

AMBJENT U L-ĠLIEDA KONTRA T-TIBDIL FIL-KLIMA

L-ambjent u l-azzjoni dwar il-klima huma prijoritajiet ewlenin għall-UE issa u fil-futur. **Il-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew**[6] hija l-istrateġija Ewropea l-ġdida għat-tkabbir u tirrikonoxxi r-rwol ewlieni tal-iskejjel, tal-istituzzjonijiet tat-taħriġ u tal-universitajiet biex jinvolvu ruħhom mal-istudenti tal-iskola, mal-ġenituri, u mal-komunità usa' dwar il-bidliet meħtieġa għal tranżizzjoni ta' suċċess ħalli sal-2050 issir newtrali għall-klima. Barra minn hekk, **ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-apprendiment għat-tranżizzjoni ekoloġika**[7] tenfasizza l-ħtieġa li l-istudenti ta' kull età jingħataw opportunitajiet biex isiru jafu aktar dwar il-kriżi klimatika u s-sostenibbiltà kemm fl-edukazzjoni formali kif ukoll fl-edukazzjoni mhux formali, u li l-apprendiment għat-tranżizzjoni ekoloġika jsir prijorità fil-politiki u l-programmi tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Is-sostenibbiltà għandha ssir parti mill-ispettru kollu tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inklużi l-kurrikuli, l-iżvilupp professjonali għall-edukaturi kif ukoll il-bini, l-infrastruttura u l-operazzjonijiet. Il-programm Erasmus+ se jkun strument importanti għall-bini tal-għarfien, il-ħiliet, u l-attitudnijiet dwar it-tibdil fil-klima u għall-appoġġ tal-iżvilupp sostenibbli kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll lil hinn minnha. Il-Programm se jżid in-numru ta' opportunitajiet ta' mobbiltà f'oqsma ekoloġiċi li jħarsu 'l quddiem, li jrawmu l-iżvilupp tal-kompetenzi, isaħħu l-prospetti tal-karriera u jinvolvu lill-parteċipanti f'oqsma li huma strateġiċi għat-tkabbir sostenibbli, b'attenzjoni speċjali fuq l-iżvilupp rurali (il-biedja sostenibbli, il-ġestjoni tar-riżorsi naturali, il-protezzjoni tal-ħamrija, il-bijoagrikoltura). Barra minn hekk, l-Erasmus+, bil-mobbiltà fil-qalba tiegħu, għandu jistinka biex tinkiseb in-newtralità karbonika billi jippromwovi modi ta' trasport sostenibbli u mġiba aktar ambjentalment responsabbli.

[6] https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/european-green-deal_mt

[7] https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-9242-2022-INIT/mt/pdf

L-ambjent u l-ġlieda kontra t-tisħin globali se jsiru prijorità orizzontali għall-għażla tal-proġetti. Se tingħata prijorità lil proġetti mmirati lejn l-iżvilupp ta' kompetenzi f'diversi setturi ekoloġiċi, inklużi dawk fil-qafas tal-kontribuzzjoni mill-edukazzjoni u l-kultura għall-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli, l-iżvilupp ta' strateġiji u metodoloġiji ta' ħiliet settorjali ekoloġiċi, kurrikuli orjentati lejn il-futur, kif ukoll inizjattivi li jappoġġaw l-approċċi ppjanati tal-organizzazzjonijiet parteċipanti fir-rigward tas-sostenibbiltà ambjentali.

Il-Programm jappoġġa l-użu ta' prattiki innovattivi sabiex l-istudenti, il-persunal u l-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ isiru atturi veri tal-bidla (eż. jiffrankaw ir-riżorsi, inaqqsu l-użu tal-enerġija, l-iskart u l-impronta tal-karbonju, jagħmlu għażliet ta' ikel u ta' mobbiltà sostenibbli eċċ.). Se tingħata prijorità wkoll lil proġetti li – permezz ta' attivitajiet relatati mal-edukazzjoni, mat-taħriġ, maż-żgħażagħ u mal-isport – jippermettu bidliet fl-imġiba għal preferenzi individwali, valuri kulturali, sensibilizzazzjoni u b'mod aktar ġenerali jappoġġaw involviment attiv għal żvilupp sostenibbli.

Għalhekk, l-organizzazzjonijiet u l-parteċipanti involuti għandhom jistinkaw biex jinkorporaw prattiki ekoloġiċi fil-proġetti kollha meta jfasslu l-attività, li se jħeġġiġhom jiddiskutu u jitgħallmu dwar kwistjonijiet ambjentali, jirriflettu dwar azzjonijiet lokali u joħorġu b'modi alternattivi aktar ekoloġiċi għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet tagħhom.

Pjattaformi bħall-Pjattaforma Ewropea għall-Edukazzjoni Skolastika (inkluż l-eTwinning) u l-EPALE se jkomplu jipproduċu materjali ta' appoġġ u jiffaċilitaw l-iskambju ta' prattiki u politiki edukattivi effettivi għas-sostenibbiltà ambjentali. L-Erasmus+ huwa wkoll strument b'saħħtu biex jilħaq u jinvolvi ruħu ma' firxa wiesgħa ta' atturi fis-soċjetà tagħna (skejjel, universitajiet, forituri tal-VET, organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u tal-isport, NGOs, awtoritajiet lokali u reġjonali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, eċċ.) li jistgħu jsiru aġenti attivi fit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika sal-2050.

PARTEĊIPAZZJONI FIL-ĦAJJA DEMOKRATIKA, VALURI KOMUNI U INVOLVIMENT ĊIVIKU

Il-Programm Erasmus+ jindirizza l-parteċipazzjoni limitata taċ-ċittadini fil-proċessi demokratiċi tiegħu u n-nuqqas ta' għarfien tagħhom dwar l-Unjoni Ewropea, u jipprova jgħinhom jegħlbu d-diffikultajiet fl-involviment attiv u l-parteċipazzjoni fil-komunitajiet tagħhom jew fil-ħajja politika u soċjali tal-Unjoni. It-tisħiħ tal-fehim taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea minn età bikrija huwa kruċjali għall-futur tal-Unjoni. Minbarra l-edukazzjoni formali, l-apprendiment mhux formali jista' jsaħħaħ il-fehim taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea u jrawwem sens ta' appartenenza għalih.

Il-Programm jappoġġa ċ-ċittadinanza attiva u l-etika fl-apprendiment tul il-ħajja; dan irawwem l-iżvilupp tal-kompetenzi soċjali u interkulturali, il-ħsieb kritiku u l-litteriżmu medjatiku. Tingħata prijorità lil proġetti li joffru opportunitajiet għall-parteċipazzjoni tal-persuni fil-ħajja demokratika, l-involviment soċjali u ċiviku permezz ta' attivitajiet ta' apprendiment formali u mhux formali. L-enfasi hija fuq is-sensibilizzazzjoni dwar il-kuntest tal-Unjoni Ewropea u tal-fehim tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward tal-valuri komuni tal-UE, il-prinċipji tal-unità u d-diversità, kif ukoll il-wirt soċjali, kulturali u storiku tagħhom.

Fil-qasam taż-żgħażagħ, ġiet imfassla Strateġija għall-Parteċipazzjoni taż-Żgħażagħ[8] biex tipprovdi qafas komuni u tappoġġa l-użu tal-Programm ħalli titrawwem il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika. L-Istrateġija għandha l-għan li ttejjeb il-kwalità tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-Programm u tikkomplementa d-dokumenti ewlenin tal-Politika tal-UE għaż-Żgħażagħ, bħall-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ u l-Għanijiet tal-UE dwar iż-Żgħażagħ. Is-Sett ta' Għodod għall-Parteċipazzjoni taż-Żgħażagħ[9] jakkumpanja l-Istrateġija u għandu l-għan li, f'termini prattiċi, isaħħaħ il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ f'kull waħda mill-azzjonijiet tal-Programm, billi jaqsam l-għarfien espert, ir-

[8] https://www.salto-youth.net/rc/participation/ypstrategy/
[9] https://participationpool.eu/toolkit/

rakkomandazzjonijiet, l-għodod u l-gwida prattika. Is-sett ta' għodod jinkludi fil-moduli tiegħu enfasi speċjali fuq kif il-prijoritajiet orizzontali l-ġodda għandhom jiġu koperti fil-proġetti.

KARATTERISTIĊI IMPORTANTI TAL-PROGRAMM ERASMUS+

Il-karatteristiċi li ġejjin tal-Programm jistħoqqilhom attenzjoni speċjali:

PROTEZZJONI, SAĦĦA U SIKUREZZA TAL-PARTEĊIPANTI

Il-protezzjoni u s-sikurezza tal-parteċipanti involuti fil-proġetti tal-Erasmus+ huma prinċipji importanti tal-Programm. Il-parteċipanti kollha għandu jkollhom l-opportunità li jieħdu vantaġġ sħiħ mill-possibbiltajiet għall-iżvilupp u l-apprendiment personali u professjonali. Dan għandu jiġi żgurat f'ambjent sikur li jirrispetta u jħares id-drittijiet tal-persuni kollha, l-integrità fiżika u emozzjonali tagħhom, is-saħħa mentali u l-benessri tagħhom.

Kull organizzazzjoni li tipparteċipa fil-Programm irid ikollha fis-seħħ proċeduri u arranġamenti effettivi li jippromwovu u jiggarantixxu s-sikurezza, il-protezzjoni u n-nondiskriminazzjoni tal-parteċipanti fl-attività tagħhom. Meta jkun meħtieġ, l-adulti għandhom jakkumpanjaw parteċipanti taħt l-età (studenti tal-iskola, studenti tal-VET, żgħażagħ) f'attivitajiet ta' mobbiltà. L-adulti akkumpanjaturi għandhom jiżguraw kwalità suffiċjenti tal-komponent tal-apprendiment tal-mobbiltà kif ukoll il-protezzjoni u s-sikurezza tal-parteċipanti taħt l-età.

Barra minn hekk, l-istudenti tal-iskola , l-istudenti, it-trainees, l-apprendisti, l-istudenti adulti, iż-żgħażagħ, u l-persunal kollha involuti f'attività ta' mobbiltà fil-qafas tal-Azzjonijiet Ewlenin kollha tal-Programm Erasmus+, iridu jkunu assigurati kontra r-riskji marbuta mal-parteċipazzjoni tagħhom f'dawn l-attivitajiet. Il-Programm iħalli f'idejn l-organizzaturi tal-proġett biex ifittxu l-aktar polza tal-assigurazzjoni adattata skont it-tip ta' proġett imwettaq u l-formati ta' assigurazzjoni disponibbli fil-livell nazzjonali. Barra minn hekk, ma hemmx bżonn li l-parteċipanti jissottoskrivu għal assigurazzjoni speċifika għal proġett, jekk diġà jkunu koperti minn poloz tal-assigurazzjoni eżistenti tal-organizzaturi tal-proġett.

Fi kwalunkwe każ, l-oqsma li ġejjin iridu jiġu koperti:

- fejn ikun rilevanti, assigurazzjoni tal-ivvjaġġar (inkluż dannu jew telf ta' bagalji);
- responsabbiltà ta' terzi (inkluż, fejn ikun xieraq, indennizz professjonali jew assigurazzjoni ta' responsabbiltà);
- aċċident u mard serju (inkluża l-inkapaċità permanenti jew temporanja);
- mewt (inkluż ripatrijazzjoni fil-każ ta' proġetti mwettqa barra mill-pajjiż).

Jekk ikun applikabbli, huwa rrakkomandat bis-sħiħ li l-parteċipanti f'attivitajiet tranżnazzjonali jkunu fil-pussess ta' Karta Ewropea tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa. Din hija kard bla ħlas li tagħti aċċess għal kura tas-saħħa meħtieġa medikament u pprovduta mill-Istat matul soġġorn temporanju fi kwalunkwe wieħed mis-27 pajjiż tal-UE, l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja, taħt l-istess kundizzjonijiet u bl-istess kost (b'xejn f'xi pajjiżi) bħall-persuni assigurati f'dak il-pajjiż. Aktar informazzjoni dwar il-karta u kif tiksibha hija disponibbli fuq https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=559&langId=mt.

Fl-aħħar nett, jekk il-proġetti jkunu jinvolvu żgħażagħ taħt it-18-il sena, l-organizzazzjonijiet parteċipanti huma meħtieġa jiksbu l-awtorizzazzjoni minn qabel ta' parteċipazzjoni mill-ġenituri tagħhom jew mingħand dawk li jaġixxu f'isimhom.

MULTILINGWIŻMU

Il-multilingwiżmu huwa wieħed mill-pedamenti tal-proġett Ewropew u simbolu qawwi tal-aspirazzjoni tal-UE li tkun magħquda fid-diversità tagħha. Il-lingwi barranin għandhom rwol prominenti fost il-ħiliet li se jgħinu biex il-persuni jkunu mgħammra aħjar għas-suq tax-xogħol u jagħmlu l-aħjar użu mill-opportunitajiet disponibbli. L-UE stabbiliet l-għan li kull ċittadin għandu jkollu l-opportunità li jitgħallem mill-inqas żewġ lingwi barranin, minn età bikrija.

Il-promozzjoni tal-apprendiment tal-lingwi u d-diversità lingwistika hija waħda mill-objettivi speċifiċi tal-Programm. Innuqqas ta' kompetenzi lingwistiċi huwa wieħed mill-ostakli ewlenin għall-parteċipazzjoni fil-programmi Ewropej tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u taż-żgħażagħ. L-opportunitajiet fis-seħħ biex joffru appoġġ lingwistiku għandhom l-għan li jagħmlu l-mobbiltà aktar effiċjenti u effettiva, itejbu l-prestazzjoni tal-apprendiment u għalhekk jikkontribwixxu għall-objettiv speċifiku tal-Programm.

Il-programm se joffri appoġġ għall-apprendiment tal-lingwi lill-parteċipanti li jwettqu attività ta' mobbiltà. Dan l-appoġġ se jiġi offrut prinċipalment permezz tal-pjattaforma ta' Appoġġ Lingwistiku Online (OLS) tal-Erasmus+, adattata kif meħtieġ għal setturi individwali, peress li l-e-Apprendiment joffri vantaġġi għall-apprendiment tal-lingwi f'termini ta' aċċess u flessibbiltà. L-Appoġġ Lingwistiku Online (OLS) tal-Erasmus+ se jippermetti lill-parteċipanti jivvalutaw, jipprattikaw u jtejbu l-għarfien tagħhom tal-lingwi. Minbarra l-OLS, jistgħu jiġu offruti forom oħrajn għall-appoġġ lingwistiku biex jiġu appoġġati l-ħtiġijiet tal-apprendiment tal-lingwi ta' gruppi partikolari fil-mira – bħall-użu tal-lingwa tas-sinjali jew il-braille, li jistgħu jiġu ffinanzjati permezz tal-kategorija ddedikata ta' appoġġ finanzjarju għall-inklużjoni.

Fil-qafas tal-proġetti ta' kooperazzjoni, se jiġu mħeġġa wkoll it-tagħlim u l-apprendiment tal-lingwi. L-innovazzjoni u l-prattiki tajba bil-għan li jiġu promossi l-ħiliet lingwistiċi jistgħu jinkludu pereżempju metodi ta' tagħlim u ta' valutazzjoni, l-iżvilupp ta' materjal pedagoġiku, ir-riċerka, l-apprendiment tal-lingwi assistit minn kompjuter u l-impriżi intraprenditorjali permezz tal-użu ta' lingwi barranin.

Il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet il-premjijiet tat-**Tikketta Lingwistika Ewropea (ELL)** biex tirrikonoxxi l-kwalità, tappoġġa l-kondiviżjoni tar-riżultati ta' proġetti eċċellenti fil-qasam tal-multilingwiżmu, u tippromwovi l-interess pubbliku fl-apprendiment tal-lingwi. L-Aġenziji Nazzjonali se jagħtu l-ELL kull sena jew kull sentejn lill-organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni u tat-taħriġ li jkunu lestew proġett tal-Erasmus+ mogħti minn Aġenzija Nazzjonali b'riżultati eċċellenti fil-qasam tal-apprendiment u tat-tagħlim tal-lingwi. Minbarra l-għażla fost il-proġetti tal-Erasmus+, l-Aġenzija Nazzjonali tista' tiddeċiedi li tagħti l-ELL lil inizjattivi oħrajn b'approċċi komprensivi, inklużivi jew innovattivi għat-tagħlim u għall-apprendiment tal-lingwi.

DIMENSJONI INTERNAZZJONALI

L-Erasmus+ jinkludi dimensjoni internazzjonali b'saħħitha (jiġifieri kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm) f'attivitajiet ta' mobbiltà, kooperazzjoni u djalogu ta' politika. Jappoġġa l-organizzazzjonijiet Ewropej biex jiffaċċjaw l-isfidi globali li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni, it-tibdil fil-klima u t-tranżizzjoni diġitali, b'mod partikolari billi jintensifika l-mobbiltà u l-kooperazzjoni internazzjonali ma' pajjiżi terzi, u jsaħħaħ ir-rwol tal-Unjoni Ewropea bħala attur globali. Isaħħaħ ir-rabtiet tas-soċjetà permezz tal-mobbiltà, l-iskambji u l-bini tal-kapaċità, filwaqt li jrawwem ir-reżiljenza soċjali, l-iżvilupp tal-bniedem, l-impjegabbiltà, il-parteċipazzjoni attiva u l-iżgurar ta' mezzi regolari għall-kooperazzjoni bejn il-persuni billi jippromwovi valuri, prinċipji u interessi madwar prijoritajiet komuni. L-attivitajiet joffru rispons għall-isfidi tal-kwalità, il-modernizzazzjoni u l-impjegabbiltà permezz ta' rilevanza u rispons akbar tal-edukazzjoni għal irkupru soċjoekonomiku ekoloġiku u sostenibbli, tkabbir u prosperità f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, li jikkontribwixxu għall-iżvilupp uman u istituzzjonali, it-tranżizzjoni diġitali, it-tkabbir u l-impjiegi, il-governanza tajba u l-paċi u s-sigurtà. L-involviment taż-żgħażagħ f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm huwa element ewlieni fil-proċess tal-bini ta' soċjetajiet li huma aktar reżiljenti u bbażati fuq fiduċja reċiproka u fehim interkulturali.

RIKONOXXIMENT U VALIDAZZJONI TAL-ĦILIET U L-KWALIFIKI

L-Erasmus+ jappoġġa l-għodod ta' trasparenza u rikonoxximent tal-UE għall-kompetenzi, il-ħiliet u l-kwalifiki – b'mod partikolari l-Europass (inklużi l-Kredenzjali Diġitali Ewropej għall-Apprendiment), il-Youthpass, il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK), il-Klassifikazzjoni Ewropea tal-Ħiliet, il-Kompetenzi, il-Kwalifiki u l-Impjiegi (ESCO), is-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti (ECTS), il-Qafas ta' Referenza Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità (EQAVET), ir-Reġistru Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità (EQAR), l-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Garanzija ta' Kwalità fl-Edukazzjoni Għolja (ENQA) – kif ukoll networks fl-UE kollha fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ li jappoġġaw

dawn l-għodod, b'mod partikolari ċ-Ċentru Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar ir-Rikonoxximent Akkademiku (NARIC), in-networks Euroguidance, iċ-Ċentri Nazzjonali tal-Europass u l-Punti ta' Koordinazzjoni Nazzjonali tal-QEK. L-iskop komuni ta' dawn l-għodod huwa li jiżguraw li l-kompetenzi, il-ħiliet u l-kwalifiki jkunu jistgħu jiġu rikonoxxuti aktar faċilment u jiġu mifhuma aħjar, fi ħdan il-fruntieri nazzjonali u bejniethom, fis-subsistemi kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll fis-setturi kollha tas-suq tax-xogħol, irrispettivament minn jekk dawn ikunux ġew akkwistati permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ formali jew permezz ta' esperjenzi oħrajn ta' apprendiment (eż. esperjenza ta' xogħol; volontarjat, apprendiment online).

Sabiex jilħqu dawn l-objettivi, l-għodod disponibbli għandhom ikunu jistgħu jindirizzaw fenomeni ġodda bħall-internazzjonalizzazzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ l-użu dejjem akbar tal-apprendiment diġitali u tal-għoti ta' kredenzjali diġitali, u jappoġġaw il-ħolqien ta' perkorsi ta' apprendiment flessibbli f'konformità mal-ħtiġijiet u l-objettivi tal-istudenti. L-għodod għandhom isaħħu wkoll il-komparabbiltà u l-portabbiltà tal-ħiliet, il-kompetenzi u l-kwalifiki bejn il-fruntieri, u jippermettu lill-istudenti u lill-ħaddiema jmorru liberament f'pajjiżi oħrajn għat-tagħlim jew għax-xogħol.

Numru ta' dokumenti ta' politika li ilhom stabbiliti jiggwidaw l-implimentazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri ta' dawn l-għodod, inkluży r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2017 dwar il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja, id-Deċiżjoni (UE) 2018/646 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 dwar qafas komuni għall-għoti ta' servizzi aħjar għall-ħiliet u l-kwalifiki (Europass) u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali. Minbarra dawn id-dokumenti ta' politika orizzontali, fil-qasam taż-żgħażagħ, l-istrateġiji tematiċi[10] bħall-Youthpass u l-Istrateġija Ewropea għat-Taħriġ (ETS) għandhom l-għan li joffru aktar appoġġ għall-iżviluppi f'dawn l-oqsma.

KOMUNIKAZZJONI TAL-PROĠETTI U R-RIŻULTATI TAGĦHOM SABIEX JIĠI MMASSIMIZZAT L-IMPATT

Il-komunikazzjoni tal-proġetti u r-riżultati tagħhom hija kruċjali biex jiġi żgurat l-impatt fil-livelli differenti. Skont l-azzjoni, l-applikanti għall-finanzjament taħt l-Erasmus+ huma meħtieġa jippjanaw l-attivitajiet ta' komunikazzjoni tagħhom immirati li jikkondividu l-informazzjoni dwar il-proġett u r-riżultati tagħhom matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett u warajh. L-applikazzjonijiet għall-proġetti se jiġu evalwati abbażi ta' kriterji rilevanti biex jiġi żgurat li dawn l-aspetti jiġu koperti. Il-livell u l-intensità tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni u tixrid għandhom ikunu proporzjonali għall-objettivi, għall-kamp ta' applikazzjoni u għall-miri tal-azzjonijiet differenti tal-Erasmus+.Il-benefiċjarji tal-finanzjament minn Erasmus+ ikollhom isegwu l-linji gwida dwar il-komunikazzjoni korporattiva għall-benefiċjarji tal-proġetti mħejjija mill-Kummissjoni Ewropea, jimmonitorjaw u jevalwaw is-suċċess tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni tagħhom, kemm b'mod kwalitattiv kif ukoll b'mod kwantitattiv.

Kif indikat fil-linji gwida dwar il-komunikazzjoni korporattiva, il-benefiċjarji jeħtiġilhom jirrikonoxxu b'mod ċar l-appoġġ tal-Unjoni Ewropea fl-attivitajiet u fil-prodotti kollha ta' komunikazzjoni u tixrid, bħal avvenimenti, siti web, materjal viżiv u pubblikazzjonijiet. B'mod partikolari, jeħtiġilhom jiżguraw li l-emblema tal-Unjoni Ewropea tkun inkluża fil-materjal kollu tal-komunikazzjoni u tirrispetta d-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim ta' għotja jew fid-deċiżjoni ta' għotja[11]. L-għotja tal-benefiċjarju tista' titnaqqas jekk tali dispożizzjonijiet ma jiġux irrispettati.

Il-benefiċjarji għandhom ifasslu strateġija ta' komunikazzjoni u pjan ta' komunikazzjoni billi jqisu l-fatturi li ġejjin:

- **L-objettivi tal-komunikazzjoni:** dawn jidentifikaw dak li tixtieq tikseb bl-attività ta' komunikazzjoni tiegħek, jiġifieri li tqajjem sensibilizzazzjoni, tippromwovi l-valuri tas-soċjetà, tiżviluppa sħubijiet ġodda għall-futur jew tinfluwenza l-politiki u l-prattiki;

[10] L-istrateġiji jinsabu hawnhekk: https://www.salto-youth.net/
[11] Gwida dwar kif għandha tintuża l-identità viżiva tal-Kummissjoni Ewropea, inkluża l-emblema tal-Unjoni Ewropea tista' tinsab hawnhekk https://ec.europa.eu/info/resources-partners/european-commission-visual-identity_mt#documents

- **Udjenza jew grupp fil-mira:** dawn huma l-persuni li tixtieq tilħaq u li jistgħu jagħmlu użu mir-riżultati. Kun speċifiku kemm tista'. Jistgħu jkunu l-pubbliku ġenerali, il-partijiet ikkonċernati, l-esperti u l-partijiet ikkonċernati oħrajn, dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, il-media eċċ.;
- **Il-mezzi u l-attivitajiet** biex tintlaħaq l-udjenza fil-mira:l-applikanti jeħtieġ jagħżlu l-mezzi u l-attivitajiet li huma l-aktar effettivi u xierqa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-miri magħżula tagħhom, bħall-media soċjali, l-avvenimenti, il-pubblikazzjonijiet.
- **Ir-riżultati tal-proġett** (outputs u eżiti) bħal gwida ta' prattika tajba, għodda jew prodott prattiku, rapport ta' riċerka dwar l-istudji, u liema għarfien u ħiliet nkisbu fost l-oħrajn. Ir-riżultati għandhom jiġu kondiviżi jew promossi wkoll permezz tal-Pjattaforma tar-Riżultati tal-Proġetti tal-Erasmus+ (https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/projects_mt).
- **It-twaqqit:** jeħtieġ li tippjana b'mod effettiv meta se jseħħu l-attivitajiet differenti (billi torbothom mal-pjan ta' ħidma/mal-istadji importanti), taqbel dwar mira realistika u tiżgura l-flessibbiltà skont il-progress tal-proġett, il-bidla fil-ħtiġijiet tal-udjenza jew tal-grupp fil-mira kif ukoll l-iżvilupp fil-politika u l-proċedura.
- **Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs):** l-indikaturi tal-prestazzjoni huma għodda ta' ġestjoni siewja biex jiġi mmonitorjat il-progress (u jiġu permessi l-aġġustamenti jekk ikun meħtieġ) matul l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni u tixrid u biex jiġi evalwat il-grad ta' suċċess fil-kisba tal-objettivi tiegħu. Il-KPIs għandhom ikunu konsistenti mal-Indikaturi tan-Network tal-Komunikazzjoni Korporattiva[12].

REKWIŻIT TA' AĊĊESS MIFTUĦ TAL-ERASMUS+ GĦALL-MATERJALI EDUKATTIVI

L-Erasmus+ jippromwovi l-aċċess miftuħ tal-outputs tal-proġetti biex jappoġġa l-apprendiment, it-tagħlim, it-taħriġ u l-ħidma fost iż-żgħażagħ. B'mod partikolari, il-benefiċjarji tal-Erasmus+ huma impenjati li jagħmlu kwalunkwe riżorsa u għodda edukattiva li tiġi prodotta fil-kuntest tal-proġetti appoġġati mill-Programm – dokumenti, media, software jew materjali oħrajn disponibbli bla ħlas għall-pubbliku taħt liċenzja miftuħa. Il-materjali għandhom ikunu aċċessibbli u rekuperabbli mingħajr kost jew limitazzjonijiet, u l-liċenzja miftuħa trid tippermetti lill-pubbliku juża, juża mill-ġdid, jadatta u jikkondividi r-riżorsa. Tali materjali huma magħrufa bħala "Riżorsi Edukattivi Miftuħa" (OER). Biex jintlaħaq dan l-għan, ir-riżorsi għandhom jittellgħu b'forma diġitali li tista' tiġi editjata, fuq pjattaforma xierqa u aċċessibbli b'mod miftuħ. Filwaqt li l-Erasmus+ iħeġġeġ lill-benefiċjarji biex japplikaw il-liċenzji l-aktar miftuħa,[13] il-benefiċjarji jistgħu jagħżlu liċenzji li jimponu xi ftit limitazzjonijiet, eż. jirrestringu l-użu kummerċjali minn oħrajn, jew jimpenjaw lil oħrajn japplikaw l-istess liċenzja fuq xogħlijiet derivattivi, jekk dan ikun xieraq għan-natura tal-proġett u għat-tip ta' materjal, u jekk xorta waħda tħalli lill-pubbliku juża, juża mill-ġdid, jadatta u jikkondividi r-riżorsa. Ir-rekwiżit ta' aċċess miftuħ huwa obbligatorju u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tal-benefiċjarji tal-għotja.

AĊĊESS MIFTUĦ GĦAR-RIĊERKA U GĦAD-*DATA* TA' ERASMUS+

L-Erasmus+ iħeġġeġ lill-benefiċjarji jippubblikaw l-output tar-riċerka permezz ta' perkorsi ta' aċċess miftuħ, jiġifieri b'modi li huma mingħajr kost jew restrizzjonijiet oħrajn ta' aċċess. Il-benefiċjarji huma mħeġġa wkoll japplikaw liċenzji miftuħa għal dan l-output tar-riċerka. Kull meta jkun possibbli, id-*data* miġbura mill-proġetti għandha tiġi ppubblikata bħala "*data* miftuħa", jiġifieri b'liċenzja miftuħa, f'format xieraq u fuq pjattaforma xierqa ta' *data* miftuħa.

[12] L-Indikaturi tan-Network tal-Komunikazzjoni u l-gwida ta' appoġġ jistgħu jinkisbu minn hawn:
https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/communication_network_indicators.pdf
https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/communication_network_indicators_supporting_guide.pdf

[13] Eż. il-liċenzji tal-Creative Commons Attribution jew tal-Creative Commons Attribution-Share Alike li jintużaw b'mod wiesa' għax-xogħlijiet kreattivi, il-GNU Public License u l-GNU Lesser Public License għas-software, jew l-Open Database License għall-bażijiet tad-*data*.

X'INHI L-ISTRUTTURA TAL-PROGRAMM ERASMUS+?

Sabiex jilħaq l-objettivi tiegħu, il-Programm Erasmus+ jipprevedi l-implimentazzjoni tal-Azzjonijiet Ewlenin li ġejjin fil-perjodu 2021-2027:

AZZJONI EWLENIJA 1 - MOBBILTÀ TAL-INDIVIDWI

Din l-Azzjoni Ewlenija tappoġġa:

- **Mobbiltà tal-istudenti u tal-persunal:** l-opportunitajiet għall-istudenti tal-iskola, l-istudenti, it-trainees u ż-żgħażagħ, kif ukoll għall-professuri, l-għalliema, il-ħarrieġa, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, il-kowċis tal-isport, il-persunal ta' istituzzjonijiet edukattivi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili sabiex iwettqu esperjenza ta' apprendiment u/jew esperjenza professjonali f'pajjiż ieħor;

- **Attivitajiet ta' parteċipazzjoni taż-żgħażagħ:** l-inizjattivi lokali u tranżnazzjonali mmexxija miż-żgħażagħ ġestiti minn gruppi informali ta' żgħażagħ u/jew ta' organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ biex jgħinu liż-żgħażagħ jinvolvu ruħhom u jitgħallmu jipparteċipaw fil-ħajja demokratika, iqajmu sensibilizzazzjoni dwar il-valuri komuni u d-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li jlaqqgħu liż-żgħażagħ u lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell lokali, nazzjonali u Ewropew, kif ukoll jikkontribwixxu għall-għanijiet komuni tal-Unjoni Ewropea;

- **Mobbiltà għall-kowċis tal-isport:** il-persunal tal-organizzazzjonijiet sportivi, primarjament fl-isport għad-dilettanti, jingħata l-opportunità li jtejjeb il-kompetenzi, il-kwalifiki u jikseb ħiliet ġodda permezz tal-mobbiltà għall-apprendiment billi jqatta' perjodu ta' żmien barra mill-pajjiż, u b'hekk jikkontribwixxi għall-bini tal-kapaċità u għall-iżvilupp tal-organizzazzjonijiet sportivi. Din l-azzjoni tappoġġa l-iżvilupp professjonali tal-kowċis, u persunal ieħor (kemm persunal imħallas kif ukoll voluntiera) fl-isport għad-dilettanti. Il-persunal fl-isport mhux għad-dilettanti, inkluż dak involut f'karrieri doppji fl-isport u mhux fl-isport, ukoll jista' jsaħħaħ l-impatt tal-apprendiment u t-trasferiment tal-għarfien għall-persunal u l-organizzazzjonijiet tal-isport għad-dilettanti. L-opportunitajiet ta' mobbiltà għall-apprendiment għall-persunal fl-isport mhux għad-dilettanti jistgħu jiġu appoġġati meta l-parteċipazzjoni ta' tali persunal tista' tkun ta' benefiċċju għall-isport għad-dilettanti.

- **DiscoverEU:** l-azzjoni li toffri lil dawk li għandhom 18-il sena l-opportunità li jkollhom esperjenza ta' vvjaġġar individwali jew fi grupp fuq perjodu qasir madwar l-Ewropa. Bħala attività ta' apprendiment informali, DiscoverEU għandha l-għan li trawwem is-sens ta' appartenenza għall-Unjoni Ewropea tal-parteċipanti u tippermettilhom jesploraw id-diversità kulturali tagħha. Din tfittex ukoll li tipprovdi liż-żgħażagħ b'ħiliet u kompetenzi ta' valur għall-ħajja futura tagħhom, kif ukoll tispirahom biex iħaddnu l-ivvjaġġar sostenibbli b'mod partikolari u l-kuxjenza ambjentali b'mod ġenerali. DiscoverEU tinkludi azzjoni ġenerali, fejn iż-żgħażagħ jistgħu japplikaw direttament fuq il-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ, kif ukoll azzjoni ta' inklużjoni. L-Azzjoni ta' Inklużjoni ta' DiscoverEU hija mmirata lejn iż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet biex tiffaċilita l-parteċipazzjoni tagħhom f'DiscoverEU fuq l-istess livell tal-pari tagħhom.

- Il-programm joffri **opportunitajiet ta' apprendiment tal-lingwi** lill-parteċipanti li jwettqu attività ta' mobbiltà barra mill-pajjiż. Dan l-appoġġ se jiġi offrut prinċipalment permezz tal-għodda tal-Appoġġ Lingwistiku Online (OLS) tal-Erasmus+, adattata kif meħtieġ għal setturi individwali, peress li l-e-Apprendiment joffri vantaġġi għall-apprendiment tal-lingwi f'termini ta' aċċess u flessibbiltà. F'każijiet partikolari, jiġifieri, meta l-apprendiment online ma jkunx l-aħjar għodda biex jintlaħaq il-grupp fil-mira, se jiġu offruti forom addizzjonali ta' appoġġ lingwistiku.

- **Skambji virtwali fl-edukazzjoni għolja u ż-żgħażagħ**:attivitajiet online bejn il-persuni li jippromwovu d-djalogu interkulturali u l-iżvilupp ta' ħiliet personali bejn individwi minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-programm, Stati Membri tal-UE jew pajjiżi terzi assoċjati mal-programm. Dawn isiru fi gruppi żgħar u dejjem jiġu mmoderati minn faċilitatur imħarreġ.

AZZJONI EWLENIJA 2 – KOOPERAZZJONI FOST L-ORGANIZZAZZJONIJIET U L-ISTITUZZJONIJIET

Din l-Azzjoni Ewlenija tappoġġa:

Sħubijiet għall-Kooperazzjoni, inklużi:

- **Sħubijiet ta' Kooperazzjoni:** L-għan primarju tas-Sħubijiet ta' Kooperazzjoni huwa li jippermettu lill-organizzazzjonijiet iżidu l-kwalità u r-rilevanza tal-attivitajiet tagħhom, jiżviluppaw u jsaħħu n-networks ta' sħab tagħhom, iżidu l-kapaċità tagħhom li joperaw b'mod konġunt fil-livell tranżnazzjonali, tingħata spinta lill-internazzjonalizzazzjoni tal-attivitajiet tagħhom u permezz tal-iskambju jew l-iżvilupp ta' prattiki u metodi ġodda kif ukoll il-kondiviżjoni u l-indirizzar tal-ideat.

- **Sħubijiet Fuq Skala Żgħira:** din l-azzjoni għandha l-għan li twessa' l-aċċess għall-programm għall-atturi fuq skala żgħira u għall-individwi li diffiċli jintlaħqu fl-oqsma tal-edukazzjoni skolastika, l-edukazzjoni għall-adulti, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, iż-żgħażagħ u l-isport. B'ammonti ta' għotjiet aktar baxxi mogħtija lill-organizzazzjonijiet, durata iqsar u rekwiżiti amministrattivi aktar sempliċi meta mqabbla mas-Sħubijiet ta' Kooperazzjoni, din l-azzjoni għandha l-għan li tilħaq lill-organizzazzjonijiet ta' bażi u lill-parteċipanti l-ġodda fil-Programm u l-organizzazzjonijiet b'inqas esperjenza, u tnaqqas l-ostakli għad-dħul fil-programm għal organizzazzjonijiet b'kapaċità organizzattiva iżgħar.

Sħubijiet għall-Eċċellenza, li jinkludu:

- **Universitajiet Ewropej:** Din l-azzjoni tappoġġa l-ħolqien ta' networks minn isfel għal fuq ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, li se jġibu kooperazzjoni transfruntiera fil-livell ta' ambizzjoni li jmiss, permezz tal-iżvilupp ta' strateġiji konġunti fit-tul għall-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni tal-aqwa kwalità, ibbażati fuq viżjoni komuni u valuri kondiviżi;
- **Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali (CoVE):** Din l-azzjoni tappoġġa approċċ minn isfel għal fuq għall-eċċellenza vokazzjonali li jinvolvi firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati lokali u li jippermetti lill-istituzzjonijiet tal-VET jadattaw malajr il-provvista tal-ħiliet għall-ħtiġijiet ekonomiċi u soċjali li qegħdin jevolvu. Dawn joperaw f'kuntest lokali partikolari, u joħolqu ekosistemi tal-ħiliet għall-innovazzjoni, l-iżvilupp reġjonali, u l-inklużjoni soċjali, filwaqt li jaħdmu ma' CoVEs f'pajjiżi oħrajn permezz ta' networks kollaborattivi internazzjonali. Dawn jipprovdu opportunitajiet għat-taħriġ inizjali taż-żgħażagħ kif ukoll għat-tkomplija tat-titjib tal-ħiliet u tat-taħriġ mill-ġdid tal-adulti, permezz ta' offerta flessibbli u f'waqtha ta' taħriġ li tissodisfa l-ħtiġijiet ta' suq tax-xogħol dinamiku, fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali;
- **Akkademji tal-Għalliema tal-Erasmus+:** L-objettiv kumplessiv ta' din l-azzjoni huwa li toħloq sħubijiet Ewropej ta' fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-għalliema sabiex jiġu stabbiliti l-Akkademji tal-Għalliema tal-Erasmus+ li se jiżviluppaw perspettiva Ewropea u internazzjonali fl-edukazzjoni tal-għalliema. Dawn l-Akkademji se jħaddnu l-multilingwiżmu u d-diversità kulturali, jiżviluppaw l-edukazzjoni tal-għalliema skont il-prijoritajiet tal-UE fil-politika tal-edukazzjoni u jikkontribwixxu għall-objettivi taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni.
- **Azzjoni Erasmus Mundus:** Din l-azzjoni għandha l-għan li trawwem l-eċċellenza u l-internazzjonalizzazzjoni madwar id-dinja tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja permezz ta' programmi ta' studju – fil-livell ta' master – li jitwasslu flimkien u jiġu rrikonoxxuti b'mod konġunt mill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja stabbiliti fl-Ewropa, u miftuħa għal istituzzjonijiet f'pajjiżi oħrajn tad-dinja.

Sħubijiet għall-Innovazzjoni, li jinkludu:

- **Alleanzi għall-Innovazzjoni:** Din l-azzjoni għandha l-għan li trawwem il-kooperazzjoni strateġika bejn l-atturi ewlenin fl-edukazzjoni għolja u fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, fin-negozju u fir-riċerka – it-"triangolu tal-għarfien" – biex trawwem l-innovazzjoni u l-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-identifikazzjoni u l-forniment tas-sett it-tajjeb ta' ħiliet, għarfien u kompetenzi sabiex jissodisfaw id-domanda futura tas-suq tax-xogħol f'setturi u oqsma li huma strateġiċi għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività tal-Ewropa;
- **Proġetti li Jħarsu 'l Quddiem:** Din l-azzjoni għandha l-għan li trawwem l-innovazzjoni, il-kreattività u l-parteċipazzjoni, kif ukoll l-intraprenditorija soċjali f'oqsma differenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Din se tappoġġa ideat li jħarsu 'l quddiem ibbażati fuq il-prijoritajiet Ewropej ewlenin, u li għandhom il-potenzjal li jiġu integrati u jagħtu kontribut għat-titjib tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, kif ukoll li jġibu effett innovattiv sostanzjali f'termini tal-metodi u l-prattiki għat-tipi kollha ta' kuntesti ta' apprendiment u ta' parteċipazzjoni attiva għall-koeżjoni soċjali tal-Ewropa.

Proġetti tal-Bini tal-Kapaċità, inkluż:

- **Proġetti tal-Bini tal-Kapaċità fil-qasam tal-edukazzjoni għolja:** Din l-azzjoni tappoġġa l-proġetti ta' kooperazzjoni internazzjonali bbażati fuq sħubijiet multilaterali bejn organizzazzjonijiet attivi fil-qasam tal-edukazzjoni għolja fl-Istati Membri tal-UE jew f'pajjiżi terzi assoċjati mal-programm u pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-programm. Dawn għandhom l-għan li jappoġġaw ir-rilevanza, il-kwalità, il-modernizzazzjoni u l-aċċessibbiltà tal-edukazzjoni għolja f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-programm bħala xprunatur tal-iżvilupp soċjoekonomiku sostenibbli.
- **Proġetti tal-Bini tal-Kapaċità fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali:** Din l-azzjoni fil-qasam tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali tappoġġa proġetti ta' kooperazzjoni internazzjonali bbażati fuq sħubijiet multilaterali bejn organizzazzjonijiet attivi fil-qasam tal-VET fl-Istati Membri tal-UE, f'pajjiżi terzi assoċjati mal-programm u f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-programm. Dawn għandhom l-għan li jappoġġaw ir-rilevanza, l-aċċessibbiltà, u r-rispons tal-istituzzjonijiet u s-sistemi tal-VET f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-programm, bħala xprunatur tal-iżvilupp soċjoekonomiku sostenibbli.
- **Proġetti tal-Bini tal-Kapaċità fil-qasam taż-żgħażagħ:** din l-azzjoni tappoġġa l-kooperazzjoni u l-iskambju fil-qasam taż-żgħażagħ bejn l-organizzazzjonijiet fl-Istati Membri tal-UE, il-pajjiżi terzi assoċjati mal-programm u l-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm u tkopri attivitajiet ta' apprendiment mhux formali, b'enfasi fuq iż-żieda tal-kapaċità tal-organizzazzjonijiet li jaħdmu maż-żgħażagħ barra mill-apprendiment formali, filwaqt li tiżgura l-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażagħ.
- **Proġetti tal-Bini tal-Kapaċità fil-qasam tal-isport:** L-azzjoni se tappoġġa l-proġetti ta' kooperazzjoni internazzjonali bbażati fuq sħubijiet multilaterali bejn l-organizzazzjonijiet attivi fil-qasam tal-isport fl-Istati Membri tal-UE, f'pajjiżi terzi assoċjati mal-programm u f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-programm. Dawn għandhom l-għan li jappoġġaw l-attivitajiet u l-politiki tal-isport f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-programm bħala mezz biex jiġu promossi l-valuri kif ukoll bħala għodda edukattiva biex jiġi promoss l-iżvilupp personali u soċjali tal-individwi u ħalli jinbnew komunitajiet aktar koeżivi.

Avvenimenti sportivi Ewropej mingħajr skop ta' qligħ:

Din l-azzjoni se tappoġġa t-tħejjija, l-organizzazzjoni u s-segwitu tal-avvenimenti sportivi mingħajr skop ta' qligħ, organizzati jew f'pajjiż wieħed jew f'diversi pajjiżi minn organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ jew minn korpi pubbliċi attivi fil-qasam tal-isport. Dawn l-avvenimenti se jkollhom l-għan li jżidu l-viżibbiltà tal-azzjonijiet sportivi tal-Erasmus+ kif ukoll li jqajmu sensibilizzazzjoni dwar ir-rwol tal-isport fil-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, l-opportunitajiet indaqs u l-attivitajiet fiżiċi li jtejbu s-saħħa.

Pjattaformi online bħall-**Pjattaforma Ewropea għall-Edukazzjoni Skolastika** (inkluż l-**eTwinning)**, il-**Pjattaforma Elettronika għat-Tagħlim tal-Adulti fl-Ewropa (EPALE)**, il-**Portal Ewropew taż-Żgħażagħ** se joffru spazji virtwali ta' kollaborazzjoni, bażijiet tad-*data* biex jinstab sieħeb, komunitajiet ta' prattika u servizzi online oħra għall-għalliema, il-ħarrieġa, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, dawk li jfasslu l-politika u prattikanti oħra, kif ukoll għall-istudenti tal-iskola, iż-żgħażagħ u l-istudenti adulti fl-Ewropa u lil hinn minnha.

AZZJONI EWLENIJA 3 – APPOĠĠ GĦALL-IŻVILUPP TAL-POLITIKA U L-KOOPERAZZJONI

Din l-Azzjoni Ewlenija tappoġġa:

L-azzjoni **Żgħażagħ Ewropej Flimkien**, (immirata kemm lejn l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ fil-livell lokali kif ukoll lejn organizzazzjonijiet akbar), tappoġġa s-sħubijiet li jaqsmu l-fruntieri. L-attivitajiet fil-qafas ta' din l-azzjoni għandhom jikkontribwixxu għat-twessigħ tas-sensibilizzazzjoni lejn iż-żgħażagħ biex tiġi żgurata diversità ta' ilħna, u sabiex tintlaħaq firxa diversa ta' żgħażagħ fi ħdan l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u lil hinn minnhom, inklużi żgħażagħ b'inqas opportunitajiet. Dawn għandhom jinvolvu varjetà ta' mezzi tradizzjonali u diġitali u jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' sħubijiet u networks, li jippermettu l-parteċipazzjoni u l-aċċess għal NGOs fil-livell lokali u movimenti taż-żgħażagħ.

Barra minn hekk, din l-Azzjoni Ewlenija tkopri:

- L-azzjonijiet immirati lejn it-tħejjija u l-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-aġenda politika tal-UE dwar l-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport, inklużi aġendi settorjali għall-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali,

l-iskejjel u l-apprendiment għall-adulti, u b'mod partikolari billi jiffaċilitaw il-governanza u l-funzjonament tal-**Metodi Miftuħa ta' Koordinazzjoni.**

- It-twettiq ta' **esperimentazzjonijiet ta' politiki** Ewropej, immexxija mill-awtoritajiet pubbliċi ta' livell għoli u li jinvolvu provi fuq il-post fir-rigward ta' miżuri ta' politika f'diversi pajjiżi, abbażi ta' metodi ta' evalwazzjoni sodi. F'konformità mal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ, se jingħata wkoll appoġġ finanzjarju lill-istrutturi li janimaw il-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali li jinħatru minn kull awtorità nazzjonali fil-qafas tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ fil-livell nazzjonali.
- L-azzjonijiet immirati lejn il-ġbir ta' evidenza u ta' għarfien dwar is-sistemi u l-politiki tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport fil-livell nazzjonali u Ewropew, bil-għan li jiffaċilitaw tfassil ta' politika motivat. Il-ġbir tal-evidenza u l-analiżi se jsiru permezz ta' **stħarriġ u studji madwar l-UE jew internazzjonali kif ukoll permezz tal-għarfien espert tematiku u speċifiku għall-pajjiż.**
- L-azzjonijiet li jiffaċilitaw it-**trasparenza u r-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kwalifiki, kif ukoll it-trasferiment tal-krediti**, biex titrawwem l-assigurazzjoni tal-kwalità, tiġi appoġġata l-validazzjoni tal-apprendiment mhux formali u informali, il-ġestjoni tal-ħiliet u l-gwida. Dan il-qasam se jinkludi wkoll l-appoġġ lill-korpi jew in-networks fil-livell nazzjonali u Ewropew li jiffaċilitaw l-iskambji trans-Ewropej kif ukoll l-iżvilupp ta' perkorsi flessibbli ta' apprendiment bejn oqsma differenti tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ u f'ambjenti ta' apprendiment formali, mhux formali u informali.
  L-azzjonijiet li jrawmu d-**djalogu ta' politika mal-partijiet ikkonċernati fl-Unjoni Ewropea u lil hinn minnha**, permezz ta', pereżempju, konferenzi, avvenimenti u attivitajiet oħrajn li jinvolvu lil dawk li jfasslu l-politika, prattikanti u partijiet ikkonċernati oħrajn fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport, sabiex iqajmu sensibilizzazzjoni dwar l-aġendi ta' politika Ewropej rilevanti u jippromwovu l-Ewropa bħala destinazzjoni eċċellenti għall-istudju u r-riċerka
- **Il-Kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali** b'għarfien espert u kapaċità analitika rikonoxxuti ħafna (bħall-OECD u l-Kunsill tal-Ewropa), biex jissaħħu l-impatt u l-valur miżjud tal-politiki fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport;

AZZJONIJIET JEAN MONNET

L-Azzjonijiet Jean Monnet jappoġġaw:

- **Azzjoni Jean Monnet fil-qasam tal-Edukazzjoni Għolja:** Din l-azzjoni tappoġġa l-Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Għolja fl-Ewropa u barra minnha biex jippromwovu t-tagħlim u r-riċerka dwar l-integrazzjoni Ewropea, kif ukoll id-dibattitu ta' orjentazzjoni u skambji li jinvolvu d-dinja akkademika u lil dawk li jfasslu l-politika dwar il-prijoritajiet tal-politika tal-Unjoni. Is-subazzjonijiet li ġejjin huma appoġġati: **Moduli Jean Monnet:** programmi qosra ta' tagħlim f'dixxiplina waħda jew aktar ta' studji tal-Unjoni Ewropea; **Katedri Jean Monnet:** karigi ta' tagħlim itwal bi speċjalizzazzjoni fl-istudji tal-Unjoni Ewropea għall-professuri individwali tal-università; **Ċentri ta' Eċċellenza Jean Monnet**: punti fokali li jiġbru l-għarfien tal-esperti ta' livell għoli f'diversi dixxiplini ta' studji Ewropej, kif ukoll li jiżviluppaw attivitajiet tranżnazzjonali u rabtiet strutturali ma' istituzzjonijiet akkademiċi f'pajjiżi oħrajn;

- **Azzjoni Jean Monnet f'oqsma oħra tal-edukazzjoni u t-taħriġ:** Din l-azzjoni tippromwovi l-għarfien dwar l-Unjoni Ewropea fl-iskejjel u fl-istituti tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) fl-Istati Membri tal-UE u f'pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm. Din għandha l-għan li toffri opportunitajiet lill-forniturі tal-edukazzjoni biex jiżviluppaw u jwasslu l-kontenut lill-istudenti u lill-forniturі tat-taħriġ tal-għalliema biex jappoġġaw lill-għalliema b'metodoloġiji u b'għarfien aġġornat dwar il-kwistjonijiet tal-Unjoni Ewropea u biex jippromwovu d-dibattitu u l-iskambji bejn ir-rappreżentanti tal-iskola u tal-VET u l-partijiet ikkonċernati fuq l-apprendiment dwar is-suġġetti tal-Unjoni Ewropea. Is-subazzjonijiet li ġejjin huma appoġġati: **Taħriġ tal-Għalliema**: tfassal u toffri proposti ta' taħriġ strutturat fuq suġġetti tal-UE lill-għalliema; **Inizjattiva għall-Apprendiment dwar l-UE:** biex jiġi promoss fehim aħjar, fl-edukazzjoni ġenerali u fit-taħriġ vokazzjonali (ISCED 1 – 4).

- **Dibattitu ta' orjentazzjoni Jean Monnet**: **In-Networks Jean Monnet fl-Edukazzjoni Għolja**, f'konformità ma' tema speċifika marbuta ma' prijorità tal-Kummissjoni, se jiġbru, jikkondividu u jiddiskutu fost is-sħab, is-sejbiet tar-riċerka, il-kontenut tal-korsijiet u l-esperjenzi u l-prodotti (l-istudji, l-artikli, il-kontenut tal-korsijiet, eċċ.). **Networks għal oqsma oħra tal-edukazzjoni u t-taħriġ,** l-iskambju ta' prattiki tajba u l-esperjenza ta' kotagħlim fi grupp ta' pajjiżi;

- **Appoġġ lill-istituzzjonijiet maħtura:** L-azzjoni tappoġġa l-istituzzjonijiet li jsegwu għan ta' interess Ewropew, li jipprovdi lill-Unjoni, lill-Istati Membri tagħha u liċ-ċittadini tagħha b'servizzi ta' kwalità għolja f'oqsma speċifiċi ta' prijorità. L-attivitajiet ewlenin u s-sensibilizzazzjoni ta' dawn l-istituzzjonijiet jinvolvu r-riċerka, inkluż il-ġbir tad-*data* u l-analiżi tagħha għat-tħejjija ta' politiki futuri, it-tagħlim *in situ* u online għall-persunal futur tal-organizzazzjonijiet internazzjonali u għall-impjegati taċ-ċivil b'mod partikolari fl-oqsma ġuridiċi u ta' ġestjoni, li jorganizzaw avvenimenti dwar il-kwistjonijiet ta' prijorità għall-Unjoni u jxerrdu r-riżultati speċifiċi u l-informazzjoni ġenerali għall-pubbliku ġenerali.

X'INHU L-BAĠIT?

Il-Programm għandu pakkett finanzjarju kumplessiv indikattiv ta' aktar minn EUR 26 biljun[14] tal-Baġit tal-UE għas-seba' snin (2021-2027). Il-baġit annwali huwa adottat mill-Awtorità tal-Baġit. Il-passi differenti għall-adozzjoni tal-baġit tal-UE jistgħu jiġu segwiti fuq:

https://ec.europa.eu/info/strategy/eu-budget/how-it-works/annual-lifecycle_en

Għal informazzjoni dwar il-baġit disponibbli skont l-azzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta l-Programm ta' Ħidma Annwali tal-Erasmus+ 2023:

(https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/resources/documents/annual-work-programmes_mt)

[14] B'mod indikattiv, il-pakkett finanzjarju tal-programm huwa stabbilit għal EUR 24.574 biljun fi prezzijiet attwali u żieda addizzjonali ta' EUR 1.7 biljun fi prezzijiet tal-2018

MIN JIMPLIMENTA L-PROGRAMM ERASMUS+?

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea hija finalment responsabbli għat-tmexxija tal-Programm Erasmus+. Tamministra l-baġit u tistabbilixxi l-prijoritajiet, il-miri u l-kriterji għall-Programm fuq bażi kontinwa. Barra minn hekk, tiggwida u timmonitorja l-implimentazzjoni ġenerali, is-segwitu u l-evalwazzjoni tal-Programm fil-livell Ewropew. Il-Kummissjoni Ewropea terfa' wkoll ir-responsabbiltà kumplessiva għas-superviżjoni u l-koordinazzjoni tal-istrutturi inkarigati mill-implimentazzjoni tal-Programm fil-livell nazzjonali.

L-AĠENZIJA EŻEKUTTIVA EWROPEA GĦALL-EDUKAZZJONI U GĦALL-KULTURA (EACEA)

Fil-livell Ewropew, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA) tal-Kummissjoni Ewropea hija responsabbli għall-implimentazzjoni ta' numru ta' azzjonijiet tal-Programm Erasmus+. L-EACEA timplimenta l-programm f'ġestjoni diretta. Minbarra l-informazzjoni li tinsab f'din il-Gwida, id-dokumenti rilevanti tas-Sejħa u l-formoli ta' applikazzjoni għall-azzjonijiet koperti minn din il-Gwida u ġestiti mill-Aġenzija Eżekuttiva huma ppubblikati fil-Portal dwar l-Opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti: https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/portal/screen/home.

L-Aġenzija Eżekuttiva hija inkarigata mill-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ ta' dawn il-proġetti, mill-promozzjoni tal-Programm, l-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet għal għotja, il-monitoraġġ tal-proġetti, sat-tixrid tal-proġetti u r-riżultati tal-Programm. Hija responsabbli wkoll għat-tnedija ta' sejħiet speċifiċi għall-proposti relatati ma' xi azzjonijiet tal-Programm li ma humiex koperti minn din il-gwida.

Il-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari permezz tal-Aġenzija Eżekuttiva, hija responsabbli wkoll:

- għat-twettiq tal-istudji fl-oqsma appoġġati mill-Programm;
- għat-twettiq tal-attivitajiet ibbażati fuq ir-riċerka u l-evidenza permezz tan-network Eurydice;
- għat-titjib tal-viżibbiltà u l-impatt sistemiku tal-Programm permezz tal-attivitajiet ta' tixrid u sfruttament tar-riżultati tal-Programm;
- għall-iżgurar tal-ġestjoni kuntrattwali u l-finanzjament ta' korpi u networks appoġġati mill-Programm Erasmus+;
- għall-amministrazzjoni tas-sejħiet għall-offerti sabiex jiġu pprovduti servizzi fil-qafas tal-Programm.

L-AĠENZIJI NAZZJONALI

L-implimentazzjoni tal-Programm Erasmus+ hija prinċipalment implimentata f'ġestjoni indiretta, jiġifieri li l-Kummissjoni Ewropea tafda l-kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit lill-Aġenziji Nazzjonali. Ir-raġunament wara dan l-approċċ huwa li l-Erasmus+ jitressaq kemm jista' jkun qrib il-benefiċjarji tiegħu u jadatta għad-diversità tas-sistemi nazzjonali tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ. Għal dan l-iskop, kull Stat Membru tal-UE jew pajjiż terz assoċjat mal-Programm ħatar Aġenzija Nazzjonali waħda jew aktar (għad-dettalji ta' kuntatt, jekk jogħġbok ikkonsulta l-link li ġejja: https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/contact_mt). Dawn l-Aġenziji Nazzjonali jippromwovu u jimplimentaw il-Programm fil-livell nazzjonali u jaġixxu bħala l-pont bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-organizzazzjonijiet parteċipanti fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali. Il-kompiti tagħhom huma li:

- jipprovdu informazzjoni xierqa dwar il-Programm Erasmus+;
- jamministraw proċess ta' għażla ġust u trasparenti għall-applikazzjonijiet tal-proġett li għandhom jiġu ffinanzjati fil-pajjiż tagħhom;
- jimmonitorjaw u jevalwaw l-implimentazzjoni tal-Programm f'pajjiżhom;
- jipprovdu appoġġ lill-applikanti tal-proġett u lill-organizzazzjonijiet parteċipanti matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett;
- jikkollaboraw b'mod effettiv man-network tal-Aġenziji Nazzjonali kollha u mal-Kummissjoni Ewropea;
- jippromwovu u jiżguraw il-viżibbiltà tal-Programm;
- jippromwovu t-tixrid u l-isfruttament tar-riżultati tal-Programm fil-livell lokali u nazzjonali.

Barra minn hekk, l-Aġenziji Nazzjonali għandhom rwol importanti bħala strutturi intermedjarji għall-iżvilupp tal-politika u għall-implimentazzjoni kwalitattiva tal-Programm Erasmus+ billi:

- iwettqu proġetti u attivitajiet, bħal Attivitajiet ta' Taħriġ u Kooperazzjoni u Attivitajiet ta' Networking – barra l-kompiti tal-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett – li jappoġġaw l-implimentazzjoni kwalitattiva tal-Programm u/jew jiskattaw l-iżviluppi tal-politika fl-oqsma appoġġati mill-Programm;
- jipprovdu approċċ ta' appoġġ għall-parteċipanti l-ġodda, l-organizzazzjonijiet b'inqas esperjenza u l-gruppi fil-mira b'inqas opportunitajiet, biex jitneħħew l-ostakli għall-parteċipazzjoni sħiħa fil-Programm;
- ifittxu kooperazzjoni mal-korpi esterni u l-Awtoritajiet Nazzjonali biex jiżdied l-impatt tal-Programm fl-oqsma ta' azzjoni rispettivi tagħhom, f'pajjiżhom u fl-Unjoni Ewropea.

L-approċċ ta' appoġġ tal-Aġenziji Nazzjonali għandu l-għan li jiggwida lill-applikanti u lill-benefiċjarji potenzjali tal-Programm matul il-fażijiet kollha, mill-ewwel kuntatt mal-Programm permezz tal-proċess ta' applikazzjoni sal-implimentazzjoni tal-proġett u l-evalwazzjoni finali. Dan l-approċċ huwa allinjat mal-prinċipji ta' ġustizzja u trasparenza tal-proċeduri tal-għażla. Huwa bbażat fuq l-idea li biex jiġu ggarantiti opportunitajiet indaqs għal kulħadd, jeħtieġ jiġu appoġġati l-gruppi fil-mira tal-Programm permezz ta' sistemi ta' għoti ta' pariri, konsulenza, monitoraġġ u kkowċjar imfassla għall-ħtiġijiet tagħhom.

Is-sejħiet rilevanti li jkopru l-azzjonijiet ġestiti mill-Aġenziji Nazzjonali tal-Erasmus+ jiġu ppubblikati fuq is-Sit Web tal-Erasmus+[15] u ppubbliċizzati fuq is-siti web tal-Aġenziji Nazzjonali.

[15] https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/resources_mt

LIEMA KORPI OĦRAJN HUMA INVOLUTI FL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM?

Minbarra l-korpi msemmija hawn fuq, iċ-Ċentri tar-Riżorsi u l-uffiċċji tal-informazzjoni, il-pjattaformi u n-networks tal-għarfien u tal-esperti li ġejjin jipprovdu għarfien espert komplementari għall-implimentazzjoni tal-Programm Erasmus+:

ĊENTRI TAR-RIŻORSI SALTO

L-għan taċ-Ċentri tar-Riżorsi SALTO huwa li jtejbu l-kwalità u l-impatt tal-programm Erasmus+ f'livell sistemiku billi jipprovdu għarfien espert, riżorsi, informazzjoni u attivitajiet ta' taħriġ f'oqsma speċifiċi għall-Aġenziji Nazzjonali tal-Erasmus+ u atturi oħrajn involuti fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ħidma fost iż-żgħażagħ. Fost l-oħrajn, dawn l-attivitajiet jinkludu l-organizzazzjoni ta' korsijiet ta' taħriġ, seminars, workshops, żjarat ta' studju, fora, kooperazzjoni u attivitajiet ta' bini ta' sħubija dwar temi ta' prijorità tal-Erasmus+.

Iċ-Ċentri tar-Riżorsi SALTO jistgħu jkopru bis-sħiħ l-oqsma kollha tal-Programm, jew xi wħud biss. Skont il-kamp ta' azzjoni tagħhom, iċ-Ċentri tar-Riżorsi SALTO jista' jkollhom fokus tematiku jew /fokus reġjonali (il-Pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant u r-Russja, in-Nofsinhar tal-Mediterran, il-Balkani tal-Punent). Is-SALTOs reġjonali, pereżempju, ikopru biss l-azzjonijiet fil-qasam taż-Żgħażagħ.

Barra minn hekk, iċ-Ċentri tar-Riżorsi SALTO joffru serje ta' għodod u bażijiet tad-*data* online permezz tas-sit web SALTO-YOUTH, bħal ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet ta' taħriġ Ewropej għall-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ fil-Kalendarju Ewropew tat-Taħriġ; għodod u metodi għall-attivitajiet edukattivi; opportunitajiet ta' apprendiment online; bażi tad-*data* ta' ħarrieġa u persuni ta' riżorsi fil-qasam tal-ħidma fost iż-żgħażagħ; u l-possibbiltà li jitfittxu organizzazzjonijiet sħab. Il-kompiti taċ-Ċentri tar-Riżorsi SALTO jinkludu l-monitoraġġ u l-preżentazzjoni tal-kisbiet, l-esperjenzi u t-tagħlimiet tal-programm meħuda fl-oqsma speċifiċi tagħhom.

ĊENTRI TAR-RIŻORSI SALTO LI JAPPOĠĠAW IL-PRIJORITAJIET TRAŻVERSALI TAL-ERASMUS+

F'konformità mal-prijoritajiet trażversali tal-Erasmus+, erba' Ċentri tar-Riżorsi SALTO jappoġġaw dawn il-prijoritajiet:

INKLUŻJONI U DIVERSITÀ SALTO

Żewġ Ċentri tar-Riżorsi SALTO jaħdmu flimkien biex jappoġġaw il-prijorità dwar l-Inklużjoni u d-Diversità fl-oqsma kollha tal-programm: wieħed fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u wieħed fil-qasam taż-żgħażagħ.

Il-missjoni ta' dawn iċ-Ċentri tar-Riżorsi SALTO hija li jtejbu l-kwalità u l-impatt tal-proġetti Erasmus+, bil-għan li l-programm isir aktar inklużiv u divers.

B'mod aktar speċifiku, dawn is-SALTOs jaġixxu wkoll bħala ċentri tal-għarfien ibbażati fuq l-evidenza u sensara imparzjali bbażati fuq l-għarfien espert u fuq l-esperjenza bil-ġestjoni tal-programm fil-qasam tal-inklużjoni u tad-diversità. Dan ifisser il-bini kontinwu u l-allokazzjoni tal-għarfien u tat-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tal-programm fil-qasam tematiku tiegħu fil-kuntesti tal-iżvilupp tal-programm f'kooperazzjoni man-network tal-Aġenziji Nazzjonali u mal-Kummissjoni permezz ta' pjattaformi xierqa. Barra minn hekk, dawn is-SALTOs jappoġġaw lill-Aġenziji Nazzjonali biex jimplimentaw il-programm b'mod li jpoġġi fil-prattika d-deċiżjonijiet ta' politika rilevanti (eż. konklużjonijiet/riżoluzzjonijiet tal-Kunsill), riżultati ta' attivitajiet ta' apprendiment reċiproku, u deċiżjonijiet dwar il-prijorità tal-inklużjoni u d-diversità.

Ir-responsabbiltajiet ewlenin tas-**SALTOs għall-Inklużjoni u d-Diversità** huma li:

- Iżidu l-kwalità u l-impatt tal-proġetti u l-attivitajiet tal-Erasmus+, filwaqt li jiffokaw fuq il-prijorità tal-inklużjoni u d-diversità.

- Jgħinu biex jiġu ottimizzati l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u s-segwitu tal-prijorità tal-inklużjoni u d-diversità fl-edukazzjoni u t-taħriġ kif definiti fil-programm Erasmus+.
- Jaqdu rwol ewlieni fl-iggwidar tal-Aġenziji Nazzjonali dwar l-analiżi u l-evalwazzjoni tal-impatt ta' proġetti li jiffokaw fuq il-prijorità tal-inklużjoni u d-diversità fl-edukazzjoni u t-taħriġ.

SALTO DWAR IT-TRANŻIZZJONI EKOLOĠIKA U L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI

Iċ-**Ċentru tar-Riżorsi SALTO dwar it-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli** jkopri l-oqsma kollha tal-Programm Erasmus+ u jikkontribwixxi għall-indirizzar tal-isfidi tat-tibdil fil-klima permezz tal-programmi tagħna, li jindirizzaw suġġetti relatati mal-klima u l-ambjent matul l-azzjonijiet.

Dan is-SALTO qiegħed jappoġġa l-implimentazzjoni tal-prijorità dwar il-ħarsien tal-ambjent, is-sostenibbiltà u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima fil-Programmi l-ġodda f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Patt Klimatiku, filwaqt li jappoġġa l-azzjonijiet taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni f'termini ta' edukazzjoni għall-klima u s-sostenibbiltà, u jikkontribwixxi direttament għall-kisba ta' wieħed mill-11-il Għan Ewropew dwar iż-Żgħażagħ (Ewropa Ekoloġika Sostenibbli) inklużi fl-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ. Ir-responsabbiltajiet ewlenin tas-**SALTO dwar it-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli** huma li:

- Iżid il-kwalità u l-impatt tal-proġetti u l-attivitajiet tal-Erasmus+, filwaqt li jiffoka fuq is-sostenibbiltà u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.
- Jgħin biex jiġu ottimizzati l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u s-segwitu tal-prijorità dwar il-ħarsien tal-ambjent, is-sostenibbiltà u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, kif definiti fil-programmi Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.
- Jaqdi rwol ewlieni fl-iggwidar tal-Aġenziji Nazzjonali dwar l-analiżi u l-evalwazzjoni tal-impatt ta' proġetti li jiffokaw fuq il-prijorità tal-programmi li huma l-ħarsien tal-ambjent, is-sostenibbiltà, u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

SALTO DIĠITALI

Iċ-Ċentru tar-Riżorsi Diġitali SALTO jkopri l-oqsma kollha tal-Programm Erasmus+ u, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali u d-dokumenti ta' politika ewlenin għaż-Żgħażagħ, jappoġġa l-implimentazzjoni tad-dimensjoni diġitali bħala prijorità ġenerali fil-Programmi Erasmus u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, filwaqt li jtejjeb b'mod kontinwu l-kwalità tal-edukazzjoni diġitali u l-aspetti diġitali fiż-Żgħażagħ. Jaġixxi bħala ċentru tal-għarfien ibbażat fuq l-evidenza fil-qasam tal-Edukazzjoni Diġitali u ż-Żgħażagħ, u jgħaddi l-għarfien fil-qasam tal-mandat tiegħu fl-iżvilupp ta' programm kif ukoll ta' politika. Ir-responsabbiltajiet ewlenin għal SALTO Diġitali huma li:

- Iżid il-kwalità u l-impatt tal-proġetti u l-attivitajiet tal-programmi tagħna, b'enfasi fuq il-prijoritajiet diġitali.
- Jgħin biex jiġu ottimizzati l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u s-segwitu tal-prijoritajiet tal-edukazzjoni diġitali u ż-Żgħażagħ kif definiti fil-programmi Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.
- Jaqdi rwol ewlieni fl-iggwidar tal-Aġenziji Nazzjonali fl-analiżi u l-evalwazzjoni tal-impatt ta' proġetti li jiffokaw fuq il-prijoritajiet diġitali tal-programmi, li jikkontribwixxu wkoll għall-politika u fora ta' partijiet ikkonċernati u b'mod partikolari ċ-Ċentru Ewropew għall-Edukazzjoni Diġitali.

PARTEĊIPAZZJONI U INFORMAZZJONI SALTO

Iċ-Ċentru tar-Riżorsi SALTO għall-Parteċipazzjoni u l-Informazzjoni jkopri l-oqsma kollha tal-Programm Erasmus+ u jistabbilixxi azzjonijiet strateġiċi u innovattivi sabiex iħeġġeġ il-parteċipazzjoni attiva fil-ħajja demokratika, inkluż billi:

- Jiżviluppa gwida għall-applikanti u l-benefiċjarji, b'mod partikolari biex jitrawmu l-involviment taż-żgħażagħ fit-teħid ta' deċiżjonijiet demokratiċi, il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja ċivika u soċjali permezz tal-volontarjat jew it-teħid ta' rwol fl-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ;
- Joffri gwida u appoġġ lill-Aġenziji Nazzjonali kollha dwar l-istrateġiji tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku biex jilħqu lil numru akbar ta' żgħażagħ, iżidu l-kwalità u l-impatt tal-attivitajiet ta' informazzjoni kif ukoll l-inklużività tagħhom u s-sostenibbiltà u t-trasferibbiltà tar-riżultati tal-proġetti.

Minbarra dawn is-SALTOs, żewġ Ċentri tar-Riżorsi SALTO speċifiċi għall-oqsma jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-Aġenziji Nazzjonali u l-organizzazzjonijiet sabiex jaħdmu ma' Erasmus+, billi jiffaċilitaw il-kooperazzjoni tranżnazzjonali, in-networking u l-apprendiment reċiproku fost l-Aġenziji Nazzjonali u partijiet ikkonċernati differenti:

- **TAĦRIĠ U KOOPERAZZJONI GĦALL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ SALTO**

  Joffri pjattaforma għal attivitajiet ta' taħriġ Ewropej;

  - jippermetti lill-partijiet ikkonċernati biex, fost l-oħrajn, jiżviluppaw il-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet tagħhom ħalli jaħtfu bis-sħiħ l-opportunitajiet tal-Erasmus+,
  - jikkondividu l-aħjar prattiki fost il-pajjiżi Ewropej, isibu sħab, jew iżidu l-impatt tal-proġetti tagħhom fil-livell Ewropew;

- **TAĦRIĠ U KOOPERAZZJONI FIL-QASAM TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ SALTO**

Iċ-Ċentru tar-Riżorsi għat-Taħriġ u l-Kooperazzjoni SALTO jiffoka fuq l-iżvilupp ta' azzjoni strateġika u innovattiva biex jiġi żgurat approċċ kumplessiv ta' kwalità għall-istrateġiji u l-attivitajiet ta' taħriġ fil-qasam taż-żgħażagħ, u r-rikonoxximent ta' apprendiment mhux formali u informali fil-ħidma fost iż-żgħażagħ madwar l-Ewropa, inkluż billi:

  - jiżviluppa u jimplimenta l-proċessi, l-attivitajiet, u l-għodod fl-Istrateġija Youthpass sabiex jappoġġa u jippromwovi r-rikonoxximent u l-validazzjoni ta' attivitajiet ta' apprendiment mhux formali u informali u tal-ħidma fost iż-żgħażagħ;
  - jiżviluppa u jimplimenta proċessi, attivitajiet, u għodod fl-Istrateġija Ewropea għat-Taħriġ fil-qasam taż-żgħażagħ, biex jappoġġa l-bini tal-kapaċità u l-iżvilupp tal-kwalità tal-ħidma Ewropea fost iż-żgħażagħ;
  - itejjeb il-kwalità tal-proġetti taż-żgħażagħ permezz ta' korsijiet ta' taħriġ, għodod u pubblikazzjonijiet u gwida prattiċi;
  - joffri appoġġ lill-persunal tal-Aġenziji Nazzjonali permezz tal-Ġestjoni tal-Għarfien u t-Taħriġ tal-Persunal;

- **ĊENTRI TAR-RIŻORSI SALTO REĠJONALI FIL-QASAM TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

  It-tliet SALTOs reġjonali: is-SALTO **EWROPA TAX-XLOKK**, is-SALTO **EWROPA TAL-LVANT** u **L-KAWKASU** u s-SALTO **EUROMED** irawmu kooperazzjoni strateġika u innovattiva bejn il-partijiet ikkonċernati mill-pajjiżi tal-programm u l-pajjiżi sħab tal-Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, bil-għan li:
  - ikomplu jżidu l-kwantità, il-kwalità u l-impatt tal-proġetti u tas-sħubijiet,
  - jappoġġaw il-ħidma fost iż-żgħażagħ u l-iżvilupp tal-politika dwar iż-żgħażagħ fil-pajjiżi sħab rispettivament fil-Balkani tal-Punent, fis-Sħubija tal-Lvant u r-Russja u fin-Nofsinhar tal-Mediterran.

Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq: www.salto-et.net u www.salto-youth.net

UFFIĊĊJI TAL-INFORMAZZJONI

Uffiċċji Nazzjonali tal-Erasmus+

Fil-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm ikkonċernat, l-Uffiċċji Nazzjonali tal-Erasmus+ (NEOs) jgħinu lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija Eżekuttiva u lill-awtoritajiet lokali fl-implimentazzjoni tal-Programm Erasmus+. Dawn huma l-punti fokali f'dawn il-pajjiżi għall-partijiet ikkonċernati tagħhom involuti fil-Programm Erasmus+ fil-qasam tal-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, iż-żgħażagħ u l-isport. Huma jikkontribwixxu għat-titjib tal-għarfien, il-viżibbiltà, ir-rilevanza, l-effettività u l-impatt tad-dimensjoni internazzjonali tal-Erasmus+.

L-Uffiċċji Nazzjonali tal-Erasmus+ huma responsabbli li:

- jipprovdu informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-Erasmus+ li huma miftuħa għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi tagħhom (inkluż fl-oqsma tal-edukazzjoni għolja, il-VET, iż-żgħażagħ u l-isport, fejn rilevanti);
- jagħtu pariri u jassistu lill-applikanti potenzjali;
- jikkoordinaw it-tim lokali ta' Esperti dwar ir-Riforma fl-Edukazzjoni Għolja (HEREs);
- jikkontribwixxu għall-istudji u l-avvenimenti;
- jipprovdu appoġġ għad-djalogu ta' politika;
- iżommu kuntatti mal-awtoritajiet lokali u d-delegazzjonijiet tal-UE;
- isegwu l-iżviluppi ta' politika fl-oqsma msemmija hawn fuq f'pajjiżhom.

Punti Fokali Nazzjonali tal-Erasmus+

Fil-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm ikkonċernat (il-Kontinent Amerikan, l-Afrika sub-Saħarjana, il-Lvant Nofsani, l-Asja u l-Paċifiku), in-network ta' Punti Fokali Nazzjonali (NFPs) jappoġġa lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija Eżekuttiva u lill-awtoritajiet lokali biex jipprovdu gwida, informazzjoni u assistenza prattiċi dwar l-aspetti kollha tal-parteċipazzjoni fl-Erasmus+ fil-qasam tal-edukazzjoni għolja, iż-żgħażagħ, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-isport. Dawn jaġixxu bħala punti fokali għall-partijiet ikkonċernati f'pajjiżhom u jikkontribwixxu għat-titjib tas-sensibilizzazzjoni, tal-viżibbiltà, tar-rilevanza, tal-effettività u tal-impatt tad-dimensjoni internazzjonali tal-Erasmus+.

Ċentri Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar ir-Rikonoxximent Akkademiku (NARIC)

In-network tan-NARIC jipprovdi informazzjoni dwar ir-rikonoxximent ta' diplomi u perjodi ta' studju mwettqa f'pajjiżi Ewropej oħrajn kif ukoll pariri dwar diplomi akkademiċi barranin fil-pajjiż fejn in-NARIC ikun stabbilit. In-network tan-NARIC jipprovdi pariri awtorevoli lil kull min jivvjaġġa barra l-pajjiż għall-iskopijiet ta' xogħol jew edukazzjoni ulterjuri, iżda wkoll lill-istituzzjonijiet, l-istudenti, il-konsulenti, il-ġenituri, l-għalliema u l-impjegaturi prospettivi.

Il-Kummissjoni Ewropea tappoġġa l-attivitajiet tan-network tan-NARIC permezz tal-iskambju tal-informazzjoni u tal-esperjenza bejn il-pajjiżi, l-identifikazzjoni ta' prattiki tajba, l-analiżi komparattiva tas-sistemi u l-politiki f'dan il-qasam, u d-diskussjoni u l-analiżi ta' kwistjonijiet ta' interess politiku edukattiv komuni.

Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq: https://www.enic-naric.net/

Network tal-Eurodesk

In-network tal-Eurodesk joffri servizzi ta' informazzjoni liż-żgħażagħ u lil dawk li jaħdmu magħhom dwar l-opportunitajiet Ewropej fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ, u l-involviment taż-żgħażagħ f'attivitajiet Ewropej.

In-network tal-Eurodesk, li jinsab fl-Istati Membri kollha tal-UE u fil-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm, u li huwa kkoordinat fil-livell Ewropew mill-Uffiċċju tal-Eurodesk Brussels-link, joffri servizzi ta' tweġibiet għall-mistoqsijiet, informazzjoni dwar il-finanzjament, avvenimenti u pubblikazzjonijiet. Dan jikkontribwixxi wkoll għall-animazzjoni tal-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ.

Il-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ joffri informazzjoni u opportunitajiet Ewropej u nazzjonali li huma ta' interess għaż-żgħażagħ li qegħdin jgħixu, jitgħallmu u jaħdmu fl-Ewropa. Dan jipprovdi informazzjoni fi 28 lingwa.

Sabiex taċċessa l-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ, żur: http://europa.eu/youth/. Għal aktar informazzjoni dwar il-Eurodesk, żur: https://www.eurodesk.eu

Otlas – l-għodda biex jinstab sieħeb għall-organizzazzjonijiet fil-qasam taż-żgħażagħ

Waħda mill-għodod żviluppati u ospitati miċ-Ċentri tar-Riżorsi għaż-Żgħażagħ-SALTO hija l-Otlas, għodda ċentrali online biex jinstab sieħeb għall-organizzazzjonijiet fil-qasam taż-żgħażagħ. L-organizzazzjonijiet jistgħu jirreġistraw id-dettalji ta' kuntatt tagħhom u l-oqsma ta' interess fl-Otlas, kif ukoll joħolqu talbiet għal sieħeb għall-ideat tal-proġetti.

Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq: www.salto-youth.net/otlas jew https://www.otlas.eu/

Pjattaformi u għodod

Il-Pjattaforma tar-Riżultati tal-Proġetti tal-Erasmus+

Il-Pjattaforma tar-Riżultati tal-Proġetti tal-Erasmus+ tipprovdi aċċess għall-informazzjoni u r-riżultati dwar il-proġetti kollha ffinanzjati taħt il-Programm Erasmus+. L-organizzazzjonijiet jistgħu jsibu l-ispirazzjoni tagħhom fir-rikkezza tal-informazzjoni tal-proġett u jagħmlu użu mir-riżultati u mit-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tal-Erasmus+.

L-informazzjoni u r-riżultati tal-proġett murija fuq il-pjattaforma jridu jkunu konformi bis-sħiħ mar-regoli u r-regolamenti applikabbli dwar id-*data* personali. Din hija primarjament ir-responsabbiltà tal-benefiċjarji tal-proġett taħt is-sorveljanza tal-uffiċjali tal-proġetti fl-Aġenziji.

Il-proġetti jistgħu jiġu mfittxija permezz ta' keyword, azzjoni ewlenija, sena, pajjiż, suġġett, tip ta' riżultati, eċċ. It-tiftix jista' jiġi ssejvjat u aġġornat b'mod kontinwu fuq l-aktar proġetti reċenti, skont kriterji definiti minn qabel. Il-proġetti ta' prattika tajba - li ġew identifikati f'termini ta' rilevanza ta' politika, impatt, potenzjal ta' komunikazzjoni - huma mmarkati.

Il-Pjattaforma tar-Riżultati tal-Proġetti tal-Erasmus+ tista' tiġi aċċessata hawnhekk: https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/projects/

Il-Pjattaforma Ewropea għall-Edukazzjoni Skolastika (ESEP) u l-eTwinning

Il-Pjattaforma Ewropea għall-Edukazzjoni Skolastika hija l-punt fejn jiltaqgħu l-partijiet ikkonċernati kollha fis-settur tal-edukazzjoni skolastika – il-persunal tal-iskejjel, ir-riċerkaturi, dawk li jfasslu l-politika u professjonisti oħrajn – li jkopri kull livell mill-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal sal-iskola primarja u sekondarja, inklużi l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.

Il-pjattaforma tilqa' fiha wkoll l-**eTwinning:** komunità ta' għalliema u persunal tal-iskejjel li jospitaw spazju sigur aċċessibbli biss għall-persunal skrinjat mill-Organizzazzjonijiet Nazzjonali ta' Appoġġ (NSO). Il-parteċipanti jistgħu jipparteċipaw f'ħafna attivitajiet billi: iwettqu proġetti ma' skejjel u klassijiet oħrajn; jiddiskutu mal-kollegi u jiżviluppaw networking professjonali; jinvolvu ruħhom f'varjetà ta' opportunitajiet professjonali ta' żvilupp (online u wiċċ imb wiċċ).

L-għalliema u l-iskejjel li jipparteċipaw fl-eTwinning jirċievu appoġġ mill-Organizzazzjonijiet ta' Appoġġ Nazzjonali (NSO) tagħhom. Dawn huma organizzazzjonijiet maħtura mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Jassistu lill-iskejjel matul il-proċess tar-reġistrazzjoni, il-proċess biex jinstab sieħeb u l-attivitajiet tal-proġett, jippromwovu l-użu tal-eTwinning, jagħtu l-premjijiet u t-tikketti tal-kwalità u jorganizzaw attivitajiet ta' żvilupp professjonali għall-għalliema.

L-Organizzazzjonijiet ta' Appoġġ Nazzjonali huma kkoordinati minn Servizz ta' Appoġġ Ċentrali (CSS), li huwa responsabbli wkoll għall-iżvilupp tal-Pjattaforma Ewropea għall-Edukazzjoni Skolastika u għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' żvilupp professjonali tal-għalliema fil-livell Ewropew.

Inti tista' taċċessa l-Pjattaforma Ewropea għall-Edukazzjoni Skolastika u l-eTwinning fuq: https://school-education.ec.europa.eu/

EPALE

Il-Pjattaforma Elettronika għat-Tagħlim tal-Adulti fl-Ewropa – magħrufa bħala EPALE – hija inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea ffinanzjata mill-Programm Erasmus+. Hija miftuħa għall-professjonisti tal-apprendiment għall-adulti: għalliema, edukaturi, ħarrieġa u voluntiera, kif ukoll għal dawk li jfasslu l-politika, riċerkaturi, ġurnalisti u professuri, u oħrajn involuti fl-apprendiment għall-adulti.

Is-sit joffri aħbarijiet aġġornati dwar żviluppi fil-qasam u fin-networks interattivi, li jippermettu lill-utenti jingħaqdu ma' oħrajn minn madwar l-Ewropa kollha, jinvolvu ruħhom f'diskussjonijiet u jiskambjaw prattika tajba. Fost ħafna għodod u kontenut, l-EPALE toffri strumenti ta' interess speċifiku għall-benefiċjarji (potenzjali) tal-Erasmus+. Xi eżempji jinkludu:

- Kalendarju ta' korsijiet u avvenimenti;
- Għodda għat-tiftix ta' sieħeb, utli biex jinsabu s-sħab ħalli jitħejja proġett iffinanzjat mill-UE jew sabiex tinsab jew tiġi offruta opportunità ta' job shadowing;
- Katalgu ta' Korsijiet, fejn il-viżitaturi jistgħu jsibu firxa wiesgħa ta' korsijiet online u offline;
- Komunitajiet ta' prattika joffru faċilità addizzjonali sabiex ikun hemm kollaborazzjoni ma' persuni u ma' organizzazzjonijiet b'interess simili;
- Spazji kollaborattivi, fejn is-sħab tal-proġett ikunu jistgħu jaħdmu f'ambjent sikur sabiex jiżviluppaw il-proġett tagħhom;
- **Erasmus+Space**, għodda sikura u sigura b'mod partikolari għall-koordinaturi tal-proġetti KA1 u KA2 tal-Erasmus+ u s-sħab tagħhom biex ipoġġu l-mobbiltà/il-kooperazzjoni mħallta fil-prattika u sabiex jużawha għall-ġestjoni u t-tixrid tal-proġetti;
- Ċentru tar-riżorsi, fejn il-benefiċjarji tal-proġett jistgħu jiksbu materjal ta' referenza utli u/jew itellgħu artikli, materjali għat-tagħlim, rapporti, manwali, u kwalunkwe materjal ieħor prodott mill-proġett tagħhom jew mill-organizzazzjoni tagħhom, u b'hekk joffri opportunità ta' tixrid addizzjonali;
- Blogg, fejn il-parteċipanti fil-proġetti jistgħu jikkondividu l-esperjenza tagħhom jew itellgħu vidjos fejn jippreżentaw ir-riżultati tagħhom b'mod informali u dinamiku.

Il-proġetti li jirċievu finanzjament mill-UE huma mħeġġa li jikkondividu l-informazzjoni dwar l-attivitajiet u r-riżultati tagħhom fuq il-pjattaforma permezz ta' posts fuq il-blogg, aħbarijiet, avvenimenti u tipi oħrajn ta' attivitajiet.

L-EPALE hija implimentata permezz ta' Servizz ta' Appoġġ Ċentrali u ta' network ta' Organizzazzjonijiet ta' Appoġġ Nazzjonali fl-Istati Membri tal-UE u fil-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm, li huma responsabbli sabiex jidentifikaw informazzjoni interessanti u jħeġġu lill-partijiet ikkonċernati sabiex jużaw u jikkontribwixxu għall-pjattaforma. L-EPALE tista' tiġi aċċessata fuq: https://epale.ec.europa.eu/.

SELFIE

SELFIE ("Awtoriflessjoni dwar l-Apprendiment Effettiv billi Jitrawwem l-użu ta' Teknoloġiji Edukattivi Innovattivi") hija għodda tal-awtoriflessjoni bla ħlas, multilingwi u bbażati fuq il-web li tgħin lill-iskejjel ġenerali u vokazzjonali jiżviluppaw il-kapaċità diġitali tagħhom.

SELFIE għall-iskejjel tiġbor b'mod anonimu l-fehmiet tal-istudenti, tal-għalliema u tal-mexxejja tal-iskejjel dwar kif tintuża t-teknoloġija fl-iskola tagħhom. Dan isir bl-użu ta' dikjarazzjonijiet qosra u mistoqsijiet u skala sempliċi ta' tweġibiet minn 1-5. Abbażi ta' dan l-input, l-għodda tiġġenera rapport – ritratt ("SELFIE") tal-punti b'saħħithom u dawk dgħajfa ta' skola fl-użu tat-teknoloġija tagħhom. SELFIE hija disponibbli għall-iskejjel primarji, sekondarji u vokazzjonali

fl-Ewropa u lil hinn minnha, u f'aktar minn 30 lingwa. Din tista' tintuża minn kwalunkwe skola – mhux biss minn dawk b'livelli avvanzati ta' infrastruttura, tagħmir u użu ta' teknoloġija.

Il-pandemija tal-COVID-19 uriet bidla enormi lejn it-teknoloġiji diġitali għax-xogħol u l-apprendiment mill-bogħod, inkluż għall-VET. Din uriet ukoll id-diffikultà li tinżamm il-parti tal-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol (WBL) tal-VET fil-kumpaniji, li jagħmilha saħansitra aktar urġenti li tiżdied l-effettività tad-djalogu bejn l-għalliema tal-VET u l-ħarrieġa fil-kumpaniji permezz ta' mezzi diġitali.

Bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali, għodda ġdida għall-għalliema ("SELFIE għall-Għalliema") disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE tippermetti lill-għalliema jagħmlu awtovalutazzjoni tal-kompetenza u l-kunfidenza diġitali tagħhom u jiksbu feedback immedjat dwar l-aspetti b'saħħithom u n-nuqqasijiet u fejn jistgħu jkomplu jiżviluppaw. It-timijiet tal-għalliema jistgħu wkoll jaħdmu flimkien biex jużaw l-għodda u jiżviluppaw pjan ta' taħriġ.

F'Ottubru 2021, l-għodda l-ġdida SELFIE għall-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol (WBL) tnediet bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE. Din tgħin biex l-istituzzjonijiet u l-kumpaniji tal-VET jitqarrbu lejn xulxin ħalli jiddiskutu b'mod konġunt kif l-aħjar tiġi inkorporata t-teknoloġija diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ ipprovduti. SELFIE għall-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol mhux biss tiġbor it-tliet perspettivi tal-mexxejja tal-iskejjel, tal-għalliema u tal-istudenti tal-VET, iżda żżid ukoll l-fehma tal-ħarrieġa fil-kumpaniji bħala r-raba' perspettiva. Aktar ħidma fuq SELFIE għall-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol se tiffoka fuq l-esplorazzjoni ta' kif l-għodda tista' tappoġġa l-monitoraġġ u l-iżvilupp tal-politika fil-livell tal-pajjiżi u tal-UE. Barra minn hekk, l-impatt ta' SELFIE għad-WBL fuq il-kumpaniji għandu jiġi analizzat aktar sabiex jiġi esplorat aktar involviment tal-kumpaniji jew sabiex tiġi żviluppata aktar l-għodda sabiex tkopri aspetti differenti skont il-ħtiġijiet tal-kumpaniji.

SELFIE ġiet żviluppata miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u mid-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Kultura (DĠ EAC). Aktar informazzjoni dwar SELFIE tinsab hawnhekk: https://ec.europa.eu/education/schools-go-digital_mt

HEInnovate

Il-qafas ta' gwida ta' HEInnovate joffri lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja (HEIs) fl-UE u lil hinn minnha l-opportunità biex jeżaminaw il-kapaċitajiet ta' innovazzjoni u ta' intraprenditorija tagħhom permezz ta' awtoriflessjoni f'dimensjoni waħda jew aktar minn tmien dimensjonijiet disponibbli, li huma:

- Tmexxija u Governanza
- Kapaċità Organizzattiva: Finanzjament, Persuni u Inċentivi
- Tagħlim u Apprendiment Intraprenditorjali
- Tħejjija u Appoġġ lill-Intraprendituri
- Trasformazzjoni u Kapaċità Diġitali
- Skambju tal-Għarfien u Kollaborazzjoni
- L-Istituzzjoni Internazzjonalizzata
- Kejl tal-Impatt

HEInnovate hija wkoll komunità ta' prattika u l-esperti tagħha joffru workshops għall-HEIs biex itejbu l-prestazzjoni tal-innovazzjoni tagħhom u jħarrġu l-avvenimenti ta' ħarrieġa sabiex ixerrdu l-approċċ b'mod aktar wiesa' fil-livell nazzjonali. Il-materjali ta' taħriġ huma disponibbli fuq is-sit web. Il-pjattaforma tipprovdi wkoll studji ta' każijiet u stejjer ta' utenti biex turi eżempji ta' approċċi ta' innovazzjoni differenti fil-HEIs madwar l-UE. Saru għadd ta' Rieżamijiet tal-Pajjiżi b'kollaborazzjoni mal-OECD u huma disponibbli fuq is-siti web tal-HEInnovate u tal-OECD. Ir-Rapporti tal-Pajjiżi ta' HEInnovate juru approċċi ta' innovazzjoni u intraprenditorija fi stati membri differenti tal-UE.

Il-proġetti ffinanzjati mill-Erasmus+ bħall-Alleanzi tal-Università Ewropea u l-Alleanzi għall-Innovazzjoni huma mistiedna jużaw il-HEInnovate fejn rilevanti sabiex jakkumpanjaw il-proġetti tagħhom.

HEInnovate tista' tiġi aċċessata fuq: https://heinnovate.eu/en

Il-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ

Il-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ joffri informazzjoni u opportunitajiet Ewropej u nazzjonali li huma ta' interess għaż-żgħażagħ li qegħdin jgħixu, jitgħallmu u jaħdmu fl-Ewropa. Dan iħeġġeġ ukoll il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika fl-Ewropa, b'mod partikolari permezz tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ u permezz ta' inizjattivi oħrajn biex jiġu involuti ż-żgħażagħ bil-għan li jinfluwenzaw it-tfassil tal-politika. Il-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ jipprovdi wkoll informazzjoni għal partijiet ikkonċernati oħrajn li jaħdmu fil-qasam taż-żgħażagħ u huwa disponibbli fi 28 lingwa u jista' jiġi aċċessat hawnhekk: https://europa.eu/youth/EU_mt

Inizjattiva tal-Kard Ewropea tal-Istudenti

L-Inizjattiva tal-Kard Ewropea tal-Istudenti għandha l-għan li tissimplifika l-mobbiltà għall-apprendiment u t-taħriġ billi tiddiġitalizza l-komponenti ewlenin kollha meħtieġa għall-organizzazzjoni tal-mobbiltà tal-istudenti, mill-għoti ta' informazzjoni sal-proċessi ta' applikazzjoni u l-issetiljar fil-komunità ospitanti meta jkunu barra minn pajjiżhom. Fil-kuntest ta' din l-inizjattiva, l-Applikazzjoni Mobbli tal-Erasmus+ u n-Network Erasmus mingħajr Karti issa huma disponibbli għall-istituzzjonijiet u għall-istudenti tal-edukazzjoni għolja u se jkomplu jissaħħu biż-żieda ta' servizzi u karatteristiċi ġodda għall-utenti.

L-Applikazzjoni Mobbli tal-Erasmus+ tagħti lill-istudenti punt uniku ta' aċċess online għall-informazzjoni u s-servizzi kollha li jeħtieġu qabel, l-iskambji tagħhom barra minn pajjiżhom, matulhom u warajhom. L-Applikazzjoni Mobbli tal-Erasmus+ tinkludi wkoll informazzjoni dwar il-parteċipazzjoni fil-programm għal studenti f'setturi oħra. L-applikazzjoni hija disponibbli biex titniżżel mill-App store u l-Google Play. Għal aktar informazzjoni: erasmusapp.eu

In-Network Erasmus mingħajr Karti jippermetti lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jikkonnettjaw ma' mezz ċentrali ta' komunikazzjoni sabiex jiskambjaw mingħajr xkiel data dwar il-mobbiltà tal-istudenti b'mod sigur u simplifikat li jappoġġa ġestjoni tal-mobbiltà kompletament diġitalizzata, inkluż ftehimiet ta' apprendiment online u ftehimiet interistituzzjonali diġitali. L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja li qegħdin ifittxu li jikkonnettjaw man-Network Erasmus mingħajr Karti jistgħu jaċċessaw informazzjoni dwar kif jikkonnettjaw, linji gwida u tutorials billi jżuru ċ-Ċentru ta' Kompetenza ta' Erasmus mingħajr Karti: https://cc.erasmuswithoutpaper.eu

NETWORKS TA' GĦARFIEN U TA' ESPERTI

In-network Eurydice

In-network Eurydice primarjament jiffoka fuq il-mod kif l-edukazzjoni fl-Ewropa hija strutturata u organizzata fil-livelli kollha u jimmira sabiex jikkontribwixxi għal fehim reċiproku aħjar tas-sistemi fl-Ewropa. Dan jipprovdi analiżijiet komparattivi fil-livell Ewropew u informazzjoni speċifika nazzjonali fl-oqsma tal-edukazzjoni u ż-żgħażagħ lil dawk responsabbli għas-sistemi u l-politiki tal-edukazzjoni fl-Ewropa, u se jgħinhom fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom.

In-Network Eurydice jipproduċi sors enormi ta' informazzjoni, inkluż deskrizzjonijiet dettaljati u ħarsiet ġenerali lejn is-sistemi tal-edukazzjoni nazzjonali (Sistemi u Politiki Nazzjonali tal-Edukazzjoni), rapporti tematiċi komparattivi dedikati għas-suġġetti speċifiċi ta' interess Komunitarju (Rapporti Tematiċi), indikaturi u statistika (Serje ta' *Data* Ewlenija), u serje ta' fatti u ċifri relatati mal-edukazzjoni, bħall-istrutturi nazzjonali tal-edukazzjoni, il-kalendarji skolastiċi, il-paragun tal-pagi tal-għalliema u taż-żmien meħtieġ ta' tagħlim għall-pajjiżi u l-livelli ta' edukazzjoni (Fatti u Ċifri).

Dan jikkonsisti f'unità ċentrali ta' koordinazzjoni li tinsab fl-Aġenzija Eżekuttiva u fl-unitajiet nazzjonali bbażati fl-Istati Membri kollha tal-UE u fil-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm kif ukoll l-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina u l-Montenegro.

Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq is-sit web tal-Aġenzija Eżekuttiva: https://eacea.ec.europa.eu/homepage

Network Nazzjonali tal-Korrispondenti tal-Wiki taż-Żgħażagħ

F'konformità mal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ u mal-objettiv li jittejjeb l-għarfien dwar kwistjonijiet taż-żgħażagħ fl-Ewropa, qiegħed jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju lill-Istrutturi Nazzjonali li jikkontribwixxu għall-Wiki taż-Żgħażagħ, għodda interattiva li tipprovdi informazzjoni dwar is-sitwazzjoni taż-żgħażagħ fl-Ewropa u dwar il-politiki nazzjonali taż-żgħażagħ b'mod koerenti, aġġornat u sfruttabbli.

L-appoġġ finanzjarju jingħata lill-korpi maħtura mill-awtoritajiet nazzjonali, li jinsabu fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm, għall-azzjonijiet imwettqa minn dawn il-korpi għall-produzzjoni ta' informazzjoni speċifika għall-pajjiż, deskrizzjonijiet u indikaturi komparabbli tal-pajjiż li jikkontribwixxu għal fehim reċiproku aħjar tas-sistemi u l-politiki taż-żgħażagħ fl-Ewropa.

Network ta' Esperti fir-Riforma tal-Edukazzjoni Għolja (HEREs)

Fil-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm ikkonċernat, it-Timijiet Nazzjonali tal-Esperti fir-Riforma tal-Edukazzjoni Għolja jipprovdu ġabra ta' għarfien espert lill-awtoritajiet lokali u l-partijiet ikkonċernati biex jippromwovu r-riforma u jsaħħu l-progress fl-edukazzjoni għolja. Dawn jieħdu sehem fl-iżvilupp tal-politiki fl-edukazzjoni għolja fil-pajjiż rispettiv tagħhom. L-attivitajiet tal-HERE huma bbażati fuq "kuntatti bejn il-pari". Kull tim nazzjonali jikkonsisti minn ħames membri sa ħmistax-il membru. Il-HEREs huma esperti fil-qasam tal-edukazzjoni għolja (Retturi, Viċi-Retturi, Dekani, professuri ta' livell għoli, uffiċjali tar-relazzjonijiet internazzjonali, studenti eċċ.).

Il-missjoni tal-HEREs tinvolvi appoġġ:

- għall-iżvilupp tal-politika fil-pajjiżi rispettivi tagħhom, billi tappoġġa l-modernizzazzjoni, il-proċessi ta' riforma u l-istrateġiji fl-edukazzjoni għolja, f'kuntatt mill-qrib mal-awtoritajiet lokali kkonċernati;
- għad-djalogu ta' politika mal-UE fil-qasam tal-edukazzjoni għolja;
- għall-attivitajiet ta' taħriġ u ta' konsulenza mmirati lejn il-partijiet ikkonċernati lokali, b'mod partikolari l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u l-persunal tagħhom;
- għall-proġetti tal-Erasmus+ (b'mod partikolari dawk implimentati taħt l-Azzjoni għall-Bini tal-Kapaċità) billi xxerred ir-riżultati u l-eżiti tagħhom, b'mod partikolari prattiki tajba u inizjattivi innovattivi u tisfruttahom għall-iskopijiet ta' taħriġ.

Timijiet Nazzjonali biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-għodod tal-VET tal-UE

L-iskop tat-timijiet nazzjonali tal-esperti tal-VET huwa li jipprovdu ġabra ta' għarfien espert sabiex jippromwovu l-applikazzjoni tal-għodod u l-prinċipji tal-VET tal-UE fi proġetti ffinanzjati mill-UE appoġġati mill-Programm Erasmus+. L-għodod tal-VET tal-UE kkonċernati huma stabbiliti fid-dokumenti rilevanti tal-politika tal-VET tal-UE bħall-Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-VET (bħall-Qafas tal-EQAVET, il-profili ewlenin tal-UE, it-traċċar tal-gradwati u oħrajn). L-esperti għandhom b'mod partikolari jipprovdu appoġġ lill-benefiċjarji ta' proġetti ffinanzjati mill-UE appoġġati mill-Programm Erasmus+ sabiex jimplimentaw l-għodod tal-VET tal-UE msemmija hawn fuq fil-proġetti tagħhom.

Punti ta' Referenza Nazzjonali tan-Network tal-EQAVET

Il-Punti ta' Referenza Nazzjonali (NRPs) tal-EQAVET huma stabbiliti mill-awtoritajiet nazzjonali u jlaqqgħu flimkien il-korpi rilevanti eżistenti li jinvolvu s-sħab soċjali u l-partijiet ikkonċernati kollha fil-livelli nazzjonali u reġjonali, biex

jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-qafas Ewropew għall-assigurazzjoni tal-kwalità fil-VET kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali għal kompetittività sostenibbli, ġustizzja soċjali u reżiljenza[16].

In-NRPs tal-EQAVET għandhom l-għan li 1) jieħdu inizjattivi konkreti biex jimplimentaw u jiżviluppaw aktar il-Qafas tal-EQAVET 2) jinformaw u jimmobilizzaw firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati ħalli jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-qafas tal-EQAVET 3) jappoġġaw l-awtoevalwazzjoni bħala mezz komplementari u effettiv ta' assigurazzjoni tal-kwalità 4) jipprovdu deskrizzjoni aġġornata tal-arranġamenti nazzjonali/reġjonali tal-assigurazzjoni tal-kwalità bbażati fuq il-Qafas tal-EQAVET u 5) jinvolvu ruħhom f'rieżamijiet bejn il-pari fil-livell tal-UE tal-assigurazzjoni tal-kwalità fil-livell tas-sistema tal-VET.

QEK, Europass u Euroguidance - Ċentri nazzjonali

Għal kull pajjiż, dawn it-tliet networks ta' ċentri nazzjonali huma appoġġati permezz ta' ftehim ta' għotja wieħed jew aktar:

Punti ta' Koordinazzjoni Nazzjonali tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (NCPs tal-QEK)

L-NCPs tal-QEK, maħtura mill-awtoritajiet nazzjonali, jappoġġawhom:

- fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u r-rieżami tal-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki u r-referenzjar tagħhom fil-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK);
- fir-rieżami u l-aġġornament, fejn rilevanti, tar-referenzjar tal-livelli tal-oqfsa jew tas-sistemi nazzjonali tal-kwalifiki għal-livelli tal-QEK.

L-NCPs tal-QEK iġibu l-QEK eqreb tal-individwi u tal-organizzazzjonijiet billi:

- jappoġġaw l-inklużjoni tal-livelli xierqa tal-QEK dwar iċ-ċertifikati, id-diplomi, is-supplimenti u dokumenti oħrajn tal-kwalifiki u dwar il-bażijiet tad-*data* tal-kwalifiki;
- jiżviluppaw reġistri jew bażijiet tad-*data* tal-kwalifiki li jinkludu kwalifiki inklużi fl-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki u jippubblikawhom fuq il-pjattaforma tal-Europass.

Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq: https://europa.eu/europass/mt/implementation-european-qualifications-framework-eqf

Ċentri Nazzjonali tal-Europass

Il-karatteristika prinċipali tal-Europass hija pjattaforma online li tipprovdi lill-individwi u lill-organizzazzjonijiet b'għodod u informazzjoni interattivi dwar l-opportunitajiet ta' apprendiment, l-oqfsa ta' kwalifiki u l-kwalifiki, il-gwida, l-informazzjoni dwar il-ħiliet, l-għodod ta' awtovalutazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-ħiliet u l-kwalifiki, u l-konnettività ma' opportunitajiet ta' apprendiment u ta' impjieg. Dan jirrikjedi ħidma sostanzjali fil-livell nazzjonali, imwettqa minn korpi maħtura mill-awtoritajiet nazzjonali. Dan jinkludi b'mod partikolari:

[16] Għandha tiżdied nota f'qiegħ il-paġna b'referenza għall-Ġurnal Uffiċjali meta tkun disponibbli

- Id-disponibbiltà tal-informazzjoni nazzjonali għall-pjattaforma tal-UE, jiġifieri l-iżgurar tal-interkonnessjoni bejn il-pjattaforma tal-UE u s-sorsi ta' *data* nazzjonali għall-opportunitajiet ta' apprendiment u l-bażijiet tad-*data* jew ir-reġistri nazzjonali tal-kwalifiki;
- Il-promozzjoni tal-użu tas-servizzi pprovduti mill-pjattaforma tal-UE;
- Il-kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fil-livell nazzjonali.

Network Euroguidance

Il-Euroguidance huwa network Ewropew ta' ċentri nazzjonali ta' riżorsi u informazzjoni, maħtur mill-awtoritajiet nazzjonali. Iċ-ċentri kollha tal-Euroguidance jikkondividu l-għanijiet komuni li ġejjin:

- il-kooperazzjoni u l-appoġġ fil-livell tal-Unjoni biex jissaħħu l-politiki, is-sistemi u l-prattiki għall-gwida fi ħdan l-Unjoni (l-iżvilupp tad-dimensjoni Ewropea tal-gwida tul il-ħajja);
- l-appoġġ tal-iżvilupp tal-kompetenza tal-prattikanti ta' gwida;
- il-provvediment tal-informazzjoni ta' kwalità dwar il-gwida tul il-ħajja
- il-promozzjoni tal-opportunitajiet Ewropej għall-mobbiltà għall-apprendiment u l-ġestjoni tal-karriera (permezz tal-pjattaforma tal-Europass).

Il-grupp prinċipali fil-mira tal-Euroguidance huwa l-prattikanti ta' gwida u dawk li jfasslu l-politika kemm mis-settur tal-edukazzjoni kif ukoll minn dak tal-impjiegi.

Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq: https://euroguidance.eu

MIN JISTA' JIPPARTEĊIPA FIL-PROGRAMM ERASMUS+?

L-individwi jikkostitwixxu l-popolazzjoni ewlenija fil-mira tal-Programm. Il-Programm jilħaq lil dawn l-individwi l-aktar permezz ta' organizzazzjonijiet, istituzzjonijiet, korpi jew gruppi li jorganizzaw tali attivitajiet. Għalhekk, il-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-Programm huma relatati ma' dawn iż-żewġ atturi: il-"parteċipanti" (individwi li jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-proġett Erasmus+ u li jistgħu jirċievu parti mill-għotja tal-UE maħsuba biex tkopri l-kostijiet tal-parteċipazzjoni tagħhom) u l-"organizzazzjonijiet parteċipanti"[17] (inklużi gruppi informali ta' żgħażagħ involuti fi proġett Erasmus+, bħala applikanti jew sħab u persuni b'impjieg indipendenti). Kemm fil-każ tal-parteċipanti kif ukoll tal-organizzazzjonijiet parteċipanti, il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni jiddependu fuq il-pajjiż li jkunu bbażati fih.

PARTEĊIPANTI F'ATTIVITAJIET TA' PROĠETTI TAL-ERASMUS+

Bħala regola ġenerali, il-parteċipanti fil-proġetti tal-Erasmus+ jeħtiġilhom ikunu stabbiliti fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm. Xi Azzjonijiet, b'mod partikolari fl-oqsma tal-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, iż-żgħażagħ u l-isport, huma miftuħa wkoll għal parteċipanti minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm.

Il-kundizzjonijiet speċifiċi għall-parteċipazzjoni fi proġett tal-Erasmus+ jiddependu fuq it-tip ta' Azzjoni kkonċernata.

F'termini ġenerali, il-gruppi fil-mira ewlenin huma:

[17] Il-persuni fiżiċi ma humiex eliġibbli li japplikaw direttament għal għotja mal-Aġenziji Nazzjonali tal-Erasmus+ jew mal-Aġenzija Eżekuttiva EACEA, bl-eċċezzjoni ta' persuni b'impjieg indipendenti (jiġifieri kummerċjanti waħdiena, fejn il-kumpanija ma jkollhiex personalità ġuridika separata minn dik tal-persuna fiżika).
Entitajiet li ma għandhomx personalità ġuridika skont id-dritt nazzjonali tagħhom jistgħu jipparteċipaw b'mod eċċezzjonali, diment li r-rappreżentanti tagħhom ikollhom il-kapaċità jassumu obbligi ġuridiċi f'isimhom, u li dawn joffru garanziji għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE li huma ekwivalenti għal dawk offruti minn persuni ġuridiċi.
Il-Korpi tal-UE (bl-eċċezzjoni taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea) ma jistgħux ikunu parti mill-konsorzju.

- Għall-proġetti rilevanti fil-qasam tal-edukazzjoni għolja, il-miri ewlenin huma: l-istudenti tal-edukazzjoni għolja (ċiklu qasir, l-ewwel, it-tieni jew it-tielet ċiklu), l-għalliema u l-professuri tal-edukazzjoni għolja, il-persunal tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, il-ħarrieġa u l-professjonisti fl-intrapriżi;
- Għall-proġetti rilevanti fil-qasam tat-taħriġ u l-edukazzjoni vokazzjonali, il-miri ewlenin huma: l-apprendisti u l-istudenti fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, il-professjonisti u l-ħarrieġa fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, il-persunal ta' organizzazzjonijiet inizjali tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, il-ħarrieġa u l-professjonisti fl-intrapriżi;
- Għall-proġetti rilevanti fil-qasam tal-edukazzjoni skolastika, il-miri ewlenin huma: il-mexxejja tal-iskejjel, l-għalliema tal-iskejjel u l-persunal tal-iskejjel, l-istudenti tal-iskola fl-edukazzjoni preprimarja, tal-primarja u tas-sekondarja;
- Għall-proġetti rilevanti fil-qasam tal-edukazzjoni għall-adulti, il-miri ewlenin huma: il-membri ta' organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni għall-adulti mhux vokazzjonali, il-ħarrieġa, il-persunal u l-istudenti fl-edukazzjoni għall-adulti mhux vokazzjonali;
- Għall-proġetti rilevanti fil-qasam taż-żgħażagħ, il-miri ewlenin huma: iż-żgħażagħ li għandhom bejn 13 u 30 sena[18], il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, il-persunal u l-membri ta' organizzazzjonijiet attivi fil-qasam taż-żgħażagħ;
- Għall-proġetti rilevanti fil-qasam tal-isport, il-miri ewlenin huma: il-professjonisti u l-voluntiera fil-qasam tal-isport, l-atleti u l-kowċis.

Għal aktar dettalji dwar il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni f'kull Azzjoni speċifika, jekk jogħġbok ikkonsulta l-Parti B ta' din il-Gwida.

ORGANIZZAZZJONIJIET PARTEĊIPANTI

Il-proġetti tal-Erasmus+ huma sottomessi u implimentati mill-organizzazzjonijiet parteċipanti. Jekk jintgħażel proġett, l-organizzazzjoni applikanti ssir benefiċjarju ta' għotja tal-Erasmus+. Il-benefiċjarji jiffirmaw ftehim ta' għotja li jagħtihom id-dritt li jirċievu appoġġ finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-proġett tagħhom.

Bħala regola ġenerali, l-organizzazzjonijiet li jipparteċipaw fil-proġetti tal-Erasmus+ iridu jkunu stabbiliti fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm. Xi Azzjonijiet huma miftuħa wkoll għall-organizzazzjonijiet parteċipanti minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, b'mod partikolari fil-qasam tal-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, iż-żgħażagħ u l-isport.

Il-kundizzjonijiet speċifiċi għall-parteċipazzjoni fi proġett tal-Erasmus+ jiddependu mit-tip ta' Azzjoni appoġġata mill-Programm. F'termini ġenerali, il-Programm huwa miftuħ għal kwalunkwe organizzazzjoni attiva fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ jew l-isport. Diversi Azzjonijiet huma miftuħa wkoll għall-parteċipazzjoni ta' atturi oħrajn fis-suq tax-xogħol.

Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok ikkonsulta l-Parti B ta' din il-Gwida.

PAJJIŻI ELIĠIBBLI

L-Istati Membri tal-UE jipparteċipaw bis-sħiħ fl-azzjonijiet kollha tal-Programm Erasmus+. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament dwar l-Erasmus+, il-pajjiżi terzi li ġejjin huma assoċjati mal-programm:

- il-membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE): in-Norveġja, l-Iżlanda u l-Liechtenstein;

[18] Japplikaw limiti differenti ta' età skont it-tipi differenti ta' attivitajiet. Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkonsulta l-Parti B ta' din il-Gwida. Jekk jogħġbok qis ukoll dawn li ġejjin:
limiti aktar baxxi tal-età - il-parteċipanti jridu jkunu laħqu l-età minima fid-data tal-bidu tal-attività.
limiti massimi tal-età - il-parteċipanti ma jridux ikunu akbar mill-età massima indikata fid-data tal-bidu tal-attività.

- il-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali: ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, ir-Repubblika tat-Turkija u r-Repubblika tas-Serbja;

L-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi terzi msemmija hawn fuq assoċjati mal-programm minn hawn 'il quddiem se jissejħu **"Stati Membri tal-UE u pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm".**

Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament, entitajiet legali minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm jistgħu jkunu eliġibbli f'azzjonijiet tal-Erasmus+ f'każijiet iġġustifikati kif xieraq u fl-interess tal-Unjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "**pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm").**

L-ISTATI MEMBRI TAL-UE U PAJJIŻI TERZI ASSOĊJATI MAL-PROGRAMM

Il-pajjiżi li ġejjin jistgħu jieħdu sehem b'mod sħiħ fl-Azzjonijiet kollha tal-Programm Erasmus+:

L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (UE)[19]			
Il-Belġju	Il-Greċja	Il-Litwanja	Il-Portugall
Il-Bulgarija	Spanja	Il-Lussemburgu	Ir-Rumanija
Iċ-Ċekja	Franza	L-Ungerija	Is-Slovenja
Id-Danimarka	Il-Kroazja	Malta	Is-Slovakkja
Il-Ġermanja	L-Italja	In-Netherlands	Il-Finlandja
L-Estonja	Ċipru	L-Awstrija	L-Iżvezja
L-Irlanda	Il-Latvja	Il-Polonja	

Pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm[20]		
Il-Maċedonja ta' Fuq	L-Iżlanda	In-Norveġja
Is-Serbja	Il-Liechtenstein	It-Turkija

PAJJIŻI TERZI MHUX ASSOĊJATI MAL-PROGRAMM

[19] Skont l-Artikolu 33.2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1764 tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u t-Territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea inkluż ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea minn naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra (Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni extra-Ewropea, inkluż Greenland) (EUR-Lex - 32021D1764 - MT - EUR-Lex (europa.eu)) l-Unjoni għandha tiżgura li individwi jew organizzazzjonijiet minn jew lejn Pajjiżi u Territorji ekstra-Ewropej (PTEE) għandhom ikunu eliġibbli għall-Erasmus+, skont ir-regoli tal-Programm u l-arranġamenti applikabbli għall-Istat Membru li miegħu huma konnessi dawn il-PTEE. Dan ifisser li individwi u organizzazzjonijiet mill-PTEE jkunu qegħdin jipparteċipaw fil-programm bi status ta' "Stat Membru tal-UE jew pajjiż terz assoċjat mal-Programm", fejn l-"Istat Membru tal-UE jew il-pajjiż terz assoċjat mal-Programm" ikun l-Istat Membru li miegħu jkunu konnessi. Il-lista ta' PTEE tista' tinstab fuq: https://ec.europa.eu/international-partnerships/where-we-work/overseas-countries-and-territories_en

[20] Soġġetti għall-iffirmar tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u dawk il-pajjiżi.

Il-pajjiżi li ġejjin jistgħu jieħdu sehem f'ċerti Azzjonijiet tal-Programm, soġġetti għal kriterji jew kundizzjonijiet speċifiċi (jekk jogħġbok ikkonsulta l-Parti B ta' din il-Gwida għal-lista eżatta tal-pajjiżi eliġibbli għal kull azzjoni speċifika). Il-finanzjament se jiġi allokat lill-organizzazzjonijiet fil-pajjiżi fi ħdan it-territorji tagħhom kif rikonoxxut mid-dritt internazzjonali. Il-finanzjament irid jirrispetta kwalunkwe restrizzjoni li jkun hemm fuq l-assistenza esterna tal-UE imposta mill-Kunsill Ewropew. L-applikazzjonijiet għandhom ikunu konformi mal-valuri kumplessivi tal-UE tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi kif previst fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Il-pajjiżi terzi li ġejjin li ma humiex assoċjati mal-Programm huma miġbura mill-ġdid skont l-istrumenti ta' azzjoni esterna tal-UE, jiġifieri l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI-Ewropa Globali)[21] u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPAIII)[22].

Il-Balkani tal-Punent (Reġjun 1)	L-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo[23], il-Montenegro
Il-Viċinat tal-Lvant (Reġjun 2)	L-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Belarussja, il-Georgia, il-Moldova, it-Territorju tal-Ukrajna kif rikonoxxut mid-dritt internazzjonali
Il-Pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran (Reġjun 3)	L-Alġerija, l-Eġittu, Iżrael[24], il-Ġordan, il-Libanu, il-Libja, il-Marokk, il-Palestina[25], is-Sirja[26], it-Tunežija
Il-Federazzjoni Russa (Reġjun 4)	It-Territorju tar-Russja kif rikonoxxut mid-dritt internazzjonali
Reġjun 5 L-Asja[27]	Il-Bangladesh, il-Bhutan, il-Kambodja, iċ-Ċina, ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea, l-Indja, l-Indonežja, il-Laos, il-Malażja, il-Maldivi, il-Mongolja, il-Myanmar, in-Nepal, il-Pakistan, il-Filippini, is-Sri Lanka, it-Tajlandja u l-Vjetnam Pajjiżi b'introjtu għoli: Il-Brunei, Hong Kong, il-Ġappun, il-Korea, il-Macao, Singapore u t-Tajwan
Reġjun 6 L-Asja Ċentrali[28]	L-Afganistan, il-Każakistan, il-Kirgistan, it-Taġikistan, it-Turkmenistan, l-Użbekistan
Reġjun 7 Il-Lvant Nofsani	L-Iran, l-Iraq, il-Jemen Pajjiżi b'introjtu għoli: Il-Bahrain, il-Kuwajt, l-Oman, il-Qatar, l-Arabja Sawdija, l-Emirati Għarab

21 Il-Ġurnal Uffiċjali L 209/2021 (europa.eu)

22https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/?qid=1634636420906&uri=CELEX:32021R1529

[23]Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

[24] Il-kriterji tal-eliġibbiltà fformulati fl-avviż tal-Kummissjoni Nru 2013/C-205/05 (ĠU C-205 tad-19/7/2013, pp. 9-11) għandhom japplikaw għall-azzjonijiet kollha implimentati permezz ta' din il-Gwida tal-Programm, inkluż fir-rigward ta' partijiet terzi li jirċievu appoġġ finanzjarju fil-każijiet fejn l-azzjoni rispettiva tkun tinvolvi appoġġ finanzjarju mogħti lil partijiet terzi minn benefiċjarji tal-għotja f'konformità mal-Artikolu 204 tar-Regolament Finanzjarju tal-UE.

[25]Dan l-isem ma għandux jiġi interpretat bħala rikonoxximent ta' Stat tal-Palestina u huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet individwali tal-Istati Membri dwar din il-kwistjoni.

[26] F'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' April 2018 dwar is-Sirja, l-istabbilimenti pubbliċi Sirjani ma humiex eliġibbli għall-finanzjament fil-qafas tal-Erasmus+.

[27] Il-pajjiżi l-inqas żviluppati fost dawn il-pajjiżi jistgħu jinsabu fuq: DAC-List-of-ODA-Recipients-for-reporting-2022-23-flows.pdf (oecd.org)

[28] Bħal hawn fuq

	Magħquda
Reġjun 8 **Il-Paċifiku**[29]	Il-Gżejjer Cook, Fiġi, Kiribati, il-Gżejjer Marshall, il-Mikroneżja, Nauru, Niue, Palau, Papua New Guinea, Samoa, il-Gżejjer Solomon, Timor Leste, Tonga, Tuvalu, Vanuatu Pajjiżi b'introjtu għoli: L-Awstralja, New Zealand
Reġjun 9 L-Afrika sub-Saħarjana[30] [31]	L-Angola, il-Benin, il-Botswana, il-Burkina Faso, il-Burundi, il-Kamerun, Cabo Verde, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, iċ-Chad, Comoros, il-Kongo, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Kosta tal-Avorju, il-Djibouti, il-Guinea Ekwatorjali, l-Eritrea, l-Eswatini, l-Etjopja, il-Gabon, il-Gambja, il-Ghana, il-Guinea, il-Guinea-Bissau, il-Kenja, il-Lesoto, il-Liberja, il-Madagascar, il-Malawi, il-Mali, il-Mauritania, Mauritius, il-Mozambique, in-Namibja, in-Niġer, in-Niġerja, ir-Rwanda, São Tomé u Príncipe, is-Senegal, is-Seychelles, Sierra Leone, is-Somalja, l-Afrika t'Isfel, is-Sudan t'Isfel, is-Sudan, it-Tanzanija, it-Togo, l-Uganda, iż-Żambja, iż-Żimbabwe
Reġjun 10 **L-Amerka Latina**	L-Arġentina, il-Bolivja, il-Brażil, iċ-Ċilì, il-Kolombja, il-Costa Rica, l-Ekwador, El Salvador, il-Gwatemala, il-Honduras, il-Messiku, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Paragwaj, il-Perù, l-Urugwaj u l-Venezwela
Reġjun 11 **Il-Karibew**[32]	Antigua u Barbuda, il-Bahamas, Barbados, il-Belize, Kuba, Dominica, ir-Repubblika Dominicana, Grenada, il-Guyana, il-Haiti, il-Ġamajka, Saint Kitts u Nevis, Saint Lucia, Saint Vincent u l-Grenadini, is-Suriname u Trinidad u Tobago
Reġjun 12 **L-Istati Uniti u l-Kanada**	L-Istati Uniti tal-Amerka, il-Kanada

Il-pajjiżi terzi li ġejjin li ma humiex assoċjati mal-Programm ma humiex koperti mill-Istrumenti ta' Azzjoni Esterna:

Reġjun 13	Andorra, Monaco, San Marino, l-Istat tal-Belt tal-Vatikan
Reġjun 14	Il-Gżejjer Faeroe, l-Iżvizzera, ir-Renju Unit

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta d-deskrizzjoni dettaljata tal-Azzjonijiet tal-Programm fil-Parti B ta' din il-Gwida.

REKWIŻITI RIGWARD VIŻI U PERMESSI TA' RESIDENZA

Il-parteċipanti fil-proġetti tal-Erasmus+ jista' jkollhom bżonn jiksbu viża biex joqogħdu barra mill-pajjiż fl-Istati Membri tal-UE u f'pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm jew f'pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm li jkun qiegħed jospita l-attività. L-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha huma responsabbli għall-iżgurar li l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa (viżi

[29] Bħal hawn fuq
[30] Bħal hawn fuq
[31] Il-pajjiżi mhux assoċjati mal-Programm li ġejjin huma ewlenin f'termini tal-migrazzjoni: Il-Burkina Faso, il-Burundi, l-Etjopja, il-Gambja, il-Kosta tal-Avorju, il-Guinea, il-Mali, il-Mauritania, in-Niġer, in-Niġerja, is-Senegal, l-Afrika t'Isfel, is-Sudan t'Isfel, is-Sudan
[32] Il-pajjiżi l-inqas żviluppati fost dawn il-pajjiżi jistgħu jinsabu fuq: DAC-List-of-ODA-Recipients-for-reporting-2022-23-flows.pdf (oecd.org)

jew permessi ta' residenza għal soġġorn qasir jew twil) ikunu nkisbu qabel ma sseħħ l-attività ppjanata. Huwa rrakkomandat ferm li l-awtorizzazzjonijiet jintalbu mingħand l-awtoritajiet kompetenti minn żmien twil qabel, peress li l-proċess jista' jieħu bosta ġimgħat. L-Aġenziji Nazzjonali u l-Aġenzija Eżekuttiva jistgħu jagħtu pariri u appoġġ ulterjuri rigward il-viżi, il-permessi ta' residenza, is-sigurtà soċjali, eċċ. Il-Portal tal-UE dwar l-Immigrazzjoni jinkludi informazzjoni ġenerali dwar il-viża u l-permessi ta' residenza, kemm għal soġġorni qosra kif ukoll għal dawk twal: https://ec.europa.eu/immigration/

PARTI B - INFORMAZZJONI DWAR L-AZZJONIJIET KOPERTI MINN DIN IL-GWIDA

F'din il-parti, il-qarrejja se jsibu l-informazzjoni li ġejja għall-Azzjonijiet u l-attivitajiet kollha koperti mill-Gwida tal-Programm Erasmus+:

- deskrizzjoni tal-objettivi u l-impatt mistenni tagħhom;
- deskrizzjoni tal-attivitajiet appoġġati;
- tabelli li jippreżentaw il-kriterji li jintużaw sabiex jiġu evalwati l-proposti tal-proġetti;
- informazzjoni addizzjonali siewja sabiex ikollhom fehim tajjeb tat-tip ta' proġetti appoġġati;
- deskrizzjoni tar-regoli ta' finanzjament.

Qabel ma jissottomettu applikazzjoni, l-applikanti huma avżati sabiex jaqraw bir-reqqa t-taqsima kollha dwar l-Azzjoni li taħtha jkunu jixtiequ japplikaw, kif ukoll l-informazzjoni ġenerali dwar il-prijoritajiet, l-objettivi u l-karatteristiċi ewlenin tal-programm.

LIEMA AZZJONIJIET HUMA PPREŻENTATI F'DIN IL-GWIDA?

It-taqsimiet "Azzjoni Ewlenija 1", "Azzjoni Ewlenija 2" u "Azzjoni Ewlenija 3" jippreżentaw l-Azzjonijiet li ġejjin:

<u>Azzjoni Ewlenija 1:</u>

- Proġetti ta' mobbiltà għall-istudenti u l-persunal fl-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET), l-edukazzjoni skolastika, l-edukazzjoni għall-adulti u ż-żgħażagħ;
- Attivitajiet ta' parteċipazzjoni taż-żgħażagħ.
- DiscoverEU – Azzjoni ta' Inklużjoni
- Mobbiltà għall-kowċis tal-isport
- Skambji virtwali fl-edukazzjoni għolja u ż-żgħażagħ

<u>Azzjoni Ewlenija 2:</u>

- Sħubijiet għall-Kooperazzjoni, li jinkludu:
    - Sħubijiet ta' Kooperazzjoni;
    - Sħubijiet fuq skala Żgħira.

- Sħubijiet għall-Eċċellenza, li jinkludu:

    - Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali;
    - Azzjoni Erasmus Mundus.

- Sħubijiet għall-Innovazzjoni:

    - Alleanzi għall-Innovazzjoni
    - Proġetti li jħarsu 'l quddiem.

- Il-Bini tal-Kapaċità fil-qasam tal-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, iż-żgħażagħ u l-isport.

- Avvenimenti sportivi Ewropej mingħajr skop ta' qligħ.

Azzjoni Ewlenija 3:

- Żgħażagħ Ewropej Flimkien

Azzjonijiet Jean Monnet:

- Jean Monnet fil-qasam tal-edukazzjoni għolja
- Jean Monnet f'oqsma oħra tal-edukazzjoni u tat-taħriġ

Barra minn hekk, xi azzjonijiet tal-Programm jiġu implimentati permezz ta' sejħiet speċifiċi għal proposti ġestiti direttament mill-Kummissjoni Ewropea jew mill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura. Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur is-siti web tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija Eżekuttiva.

AZZJONI EWLENIJA 1: MOBBILTÀ GĦALL-APPRENDIMENT TAL-INDIVIDWI

L-Azzjonijiet appoġġati taħt din l-Azzjoni Ewlenija huma mistennija jġibu effetti pożittivi u dejjiema fuq il-parteċipanti u l-organizzazzjonijiet parteċipanti involuti, kif ukoll fuq is-sistemi tal-politika fejn tali attivitajiet ikunu integrati.

Fir-rigward tal-istudenti tal-iskola, l-istudenti, t-trainees, l-apprendisti, l-istudenti adulti u ż-żgħażagħ, l-attivitajiet tal-mobbiltà appoġġati minn din l-Azzjoni Ewlenija għandhom jipproduċu wieħed jew aktar mill-eżiti li ġejjin:

- titjib fil-prestazzjoni tal-apprendiment;
- tisħiħ tal-impjegabbiltà u titjib fil-prospetti tal-karriera;
- sens akbar ta' inizjattiva u intraprenditorija;
- awtonomizzazzjoni u awtostima akbar;
- titjib fil-kompetenzi tal-lingwa barranija u diġitali;
- tisħiħ tas-sensibilizzazzjoni interkulturali;
- parteċipazzjoni aktar attiva fis-soċjetà;
- tisħiħ tal-interazzjonijiet pożittivi ma' persuni minn sfondi differenti;
- sensibilizzazzjoni aħjar dwar il-proġett Ewropew u l-valuri tal-UE;
- motivazzjoni akbar biex jieħdu sehem f'taħriġ jew edukazzjoni (formali/mhux formali) fil-ġejjieni wara l-perjodu ta' mobbiltà barra mill-pajjiż.

Fir-rigward tal-persunal, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ u l-professjonisti involuti fl-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ, l-attivitajiet ta' mobbiltà huma mistennija li jipproduċu wieħed jew aktar mill-eżiti li ġejjin:

- kompetenzi mtejba, marbuta mal-profili okkupazzjonali tagħhom (tagħlim, taħriġ, ħidma fost iż-żgħażagħ, eċċ.);
- fehim aħjar tal-prattiki, il-politiki u s-sistemi fl-edukazzjoni, it-taħriġ jew il-ħidma fost iż-żgħażagħ bejn il-pajjiżi;
- kapaċità akbar biex jiġu skattati bidliet f'termini ta' modernizzazzjoni u ftuħ internazzjonali fi ħdan l-organizzazzjonijiet edukattivi tagħhom;
- fehim akbar tal-interkonnessjonijiet bejn l-edukazzjoni formali u dik mhux formali, it-taħriġ vokazzjonali u s-suq tax-xogħol rispettivament;
- kwalità aħjar tax-xogħol u l-attivitajiet tagħhom favur l-istudenti, it-trainees, l-apprendisti, l-istudenti tal-iskola, l-istudenti, l-istudenti adulti u ż-żgħażagħ;
- fehim u rispons akbar għat-tipi kollha ta' diversità, eż. id-diversità soċjali, etnika, lingwistika, tal-ġeneri u kulturali kif ukoll ħiliet diversi;
- kapaċità akbar biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' persuni b'inqas opportunitajiet;
- żieda fl-appoġġ u l-promozzjoni ta' attivitajiet ta' mobbiltà għall-istudenti;
- żieda fl-opportunitajiet għall-iżvilupp professjonali u tal-karriera;
- titjib fil-kompetenzi tal-lingwa barranija u diġitali;
- żieda fil-motivazzjoni u fis-sodisfazzjon fix-xogħol ta' kuljum tagħhom.

L-attivitajiet appoġġati taħt din l-Azzjoni huma mistennija wkoll jipproduċu l-eżiti li ġejjin fuq l-organizzazzjonijiet parteċipanti:

- żieda fil-kapaċità sabiex joperaw fil- livell tal-UE/internazzjonali: ħiliet ta' ġestjoni u strateġiji ta' internazzjonalizzazzjoni mtejba; kooperazzjoni msaħħa ma' sħab minn pajjiżi oħrajn; allokazzjoni akbar ta' riżorsi finanzjarji (minbarra fondi tal-UE) biex jiġu organizzati proġetti tal-UE/internazzjonali; kwalità aħjar fit-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u s-segwitu ta' proġetti tal-UE/internazzjonali;

- mod innovattiv u mtejjeb ta' operazzjoni lejn il-gruppi fil-mira tagħhom, billi jiġu pprovduti pereżempju: programmi aktar attraenti għal studenti, trainees, apprendisti u żgħażagħ b'mod konformi mal-ħtiġijiet u l-

aspettattivi tagħhom; kwalifiki mtejba tal-persunal ta' tagħlim u taħriġ; proċessi mtejba ta' rikonoxximent u validazzjoni ta' kompetenzi miksuba matul il-perjodi ta' apprendiment barra l-pajjiż; attivitajiet aktar effettivi għall-benefiċċju tal-komunitajiet lokali, metodi u prattiki mtejba tal-ħidma fost iż-żgħażagħ sabiex jiġu involuti b'mod attiv iż-żgħażagħ u/jew jiġu indirizzati gruppi żvantaġġati, eċċ;

- ambjent aktar modern, dinamiku, impenjat u professjonali ġewwa l-organizzazzjoni: lesti li jintegraw prattiki tajba u metodi ġodda fl-attivitajiet ta' kuljum; miftuħa għal sinerġiji ma' organizzazzjonijiet attivi f'oqsma soċjali, edukattivi u ta' impjiegi differenti; l-ippjanar b'mod strateġiku tal-iżvilupp professjonali tal-persunal tagħhom b'rabta mal-ħtiġijiet individwali u l-objettivi organizzattivi; iż-żamma tal-komunikazzjoni, it-trasferiment tal-għarfien u s-sensibilizzazzjoni tat-titjib jekk rilevanti u l-kapaċità li jattiraw studenti u persunal akkademiku eċċellenti mid-dinja kollha.

Fuq perjodu twil, l-effett ikkombinat tal-bosta eluf ta' proġetti appoġġati taħt din l-Azzjoni Ewlenija huwa mistenni li jħalli impatt fuq is-sistemi tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ fil-pajjiżi parteċipanti, biex b'hekk jistimola r-riformi tal-politika u jattira riżorsi ġodda għall-opportunitajiet ta' mobbiltà fl-Ewropa u lil hinn minnha.

F'dan ir-rigward, fl-2023, il-Programm se jkompli jiġi mobilizzat ukoll biex jimmitiga l-konsegwenzi soċjoekonomiċi u edukattivi tal-invażjoni Russa fl-Ukrajna billi jappoġġa proġetti tal-mobbiltà li jiffaċilitaw l-integrazzjoni tal-persuni li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna

X'INHU PROĠETT TA' MOBBILTÀ?

L-organizzazzjonijiet attivi fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ se jirċievu appoġġ mill-Programm Erasmus+ sabiex iwettqu proġetti li jippromwovu tipi differenti ta' mobbiltà. Proġett ta' mobbiltà se jkun jikkonsisti fl-istadji li ġejjin:

- **Ippjanar** (inkluża d-definizzjoni tal-eżiti tal-apprendiment, il-formati tal-attività, l-iżvilupp tal-programm ta' ħidma, l-iskeda tal-attivitajiet)
- **Tħejjija** (inklużi l-arranġamenti prattiċi, l-għażla tal-parteċipanti, l-istabbiliment ta' ftehimiet ma' sħab u parteċipanti, it-tħejjija lingwistika/interkulturali/relatata mal-apprendiment u l-kompiti speċifiċi tal-parteċipanti qabel it-tluq);
- **Implimentazzjoni** tal-attivitajiet ta' mobbiltà;
- **Segwitu** (inklużi l-evalwazzjoni tal-attivitajiet, il-validazzjoni u r-rikonoxximent formali - fejn applikabbli - tal-eżiti tal-apprendiment tal-parteċipanti matul l-attività, kif ukoll it-tixrid u l-użu tal-eżiti tal-proġett).

Il-Programm Erasmus+ isaħħaħ l-appoġġ offrut lill-parteċipanti tal-attivitajiet ta' mobbiltà fit-titjib tal-kompetenzi tagħhom tal-lingwa barranija qabel u matul is-soġġorn tagħhom barra mill-pajjiż, inkluż l-għoti ta' appoġġ lingwistiku addizzjonali għall-parteċipanti f'mobbiltà fit-tul fl-oqsma tal-VET u l-edukazzjoni skolastika. Is-servizz ta' Appoġġ Lingwistiku Online (OLS) tal-Erasmus+ jipprovdi lill-parteċipanti f'attivitajiet ta' mobbiltà l-opportunità li jivvalutaw l-għarfien tagħhom tal-lingwi kif ukoll li jsegwu korsijiet lingwistiċi online biex itejbu l-kompetenzi tagħhom.

Barra minn hekk, l-Erasmus+ joffri spazju għall-iżvilupp ta' attivitajiet ta' mobbiltà li jinvolvu organizzazzjonijiet sħab bi sfondi differenti u attivi f'oqsma jew f'setturi soċjoekonomiċi differenti (pereżempju, apprendistati ta' studenti universitarji jew studenti tal-VET f'intrapriżi, NGOs, korpi pubbliċi; għalliema fl-iskejjel wara korsijiet ta' żvilupp professjonali f'kumpaniji jew f'ċentri ta' taħriġ; esperti fil-qasam tan-negozju li jagħtu lekċers jew taħriġ f'istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, eċċ.).

It-tielet element importanti tal-innovazzjoni u l-kwalità tal-attivitajiet ta' mobbiltà huwa li l-organizzazzjonijiet parteċipanti tal-Erasmus+ ikollhom il-possibbiltà li jorganizzaw attivitajiet ta' mobbiltà fi ħdan qafas strateġiku usa' u fuq perjodu medju. Permezz ta' applikazzjoni waħda għal għotja, il-koordinatur ta' proġett ta' mobbiltà se jkun jista'

jorganizza bosta attivitajiet ta' mobbiltà, li bihom bosta individwi jkunu jistgħu jivvjaġġaw lejn pajjiżi differenti. Bħala konsegwenza ta' dan, taħt l-Erasmus+ l-applikanti se jkunu jistgħu jfasslu l-proġett tagħhom f'konformità mal-ħtiġijiet tal-parteċipanti, iżda anke skont il-pjanijiet interni tagħhom għall-internazzjonalizzazzjoni, il-bini tal-kapaċità u l-modernizzazzjoni.

L-iskemi ta' akkreditazzjoni għandhom rwol importanti fl-iżgurar ta' impatt għoli tal-Azzjoni Ewlenija 1. Il-Karta Erasmus għall-Edukazzjoni Għolja, l-akkreditazzjoni Erasmus għall-konsorzji tal-mobbiltà għall-edukazzjoni għolja u l-akkreditazzjonijiet tal-Erasmus fl-oqsma tal-VET, l-edukazzjoni skolastika, l-edukazzjoni tal-adulti, u ż-żgħażagħ jippermettu lill-organizzazzjonijiet jibbenefikaw mill-Azzjoni Ewlenija 1 fuq bażi kontinwa, u b'hekk dawn jitħallew jiffokaw fuq l-objettivi fuq perjodu itwal u fuq l-impatt istituzzjonali.

Skont il-profil tal-parteċipanti involuti, it-tipi ta' proġetti ta' mobbiltà li ġejjin jiġu appoġġati mill-Azzjoni Ewlenija 1 tal-Programm Erasmus+:

Fil-qasam tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ:

- Proġetti ta' mobbiltà għall-istudenti u l-persunal tal-edukazzjoni għolja;
- Proġetti ta' mobbiltà għall-istudenti u l-persunal tal-VET;
- Proġetti ta' mobbiltà għall-istudenti u l-persunal tal-iskola;
- Proġetti ta' mobbiltà għall-istudenti u l-persunal tal-edukazzjoni għall-adulti.

Fil-qasam taż-Żgħażagħ:

- Proġetti ta' mobbiltà għaż-żgħażagħ - Skambji taż-żgħażagħ
- Proġetti ta' mobbiltà għall-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ
- L-attivitajiet ta' parteċipazzjoni taż-żgħażagħ
- Azzjoni ta' Inklużjoni ta' DiscoverEU

It-taqsimiet ta' hawn taħt jipprovdu l-informazzjoni dettaljata dwar il-kriterji u l-kundizzjonijiet li japplikaw għal kull tip ta' proġett ta' mobbiltà.

PROĠETTI TA' MOBBILTÀ GĦALL-ISTUDENTI U L-PERSUNAL TAL-EDUKAZZJONI GĦOLJA

Din l-azzjoni ta' mobbiltà tal-edukazzjoni għolja tappoġġa l-mobbiltà fiżika u mħallta tal-istudenti tal-edukazzjoni għolja fi kwalunkwe qasam u ċiklu ta' studju (ċiklu qasir, baċellerat, master u dottorat). L-istudenti jistgħu jew jistudjaw barra minn pajjiżhom f'istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja sieħba jew iwettqu traineeship f'intrapriża, f'istitut tar-riċerka, f'laboratorju, f'organizzazzjoni jew fi kwalunkwe post tax-xogħol ieħor rilevanti barra minn pajjiżhom. L-istudenti jistgħu jikkombinaw ukoll perjodu ta' studju barra minn pajjiżhom bi traineeship, u b'hekk ikomplu jtejbu l-eżiti tal-apprendiment u l-iżvilupp ta' ħiliet trażversali. Filwaqt li l-mobbiltà fiżika fit-tul hija mħeġġa bil-qawwa, din l-azzjoni tirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi offruta durata ta' mobbiltà fiżika aktar flessibbli biex jiġi żgurat li l-Programm ikun aċċessibbli għal studenti minn kull sfond, ċirkostanza u qasam ta' studju.

Din l-azzjoni tappoġġa wkoll lill-persunal tat-tagħlim tal-edukazzjoni għolja u dak amministrattiv biex jieħu sehem f'attivitajiet ta' żvilupp professjonali barra mill-pajjiż kif ukoll lill-persunal mid-dinja tax-xogħol biex jgħallem u jħarreġ lil studenti jew persunal f'istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja. Dawn l-attivitajiet jistgħu jikkonsistu f'perjodi ta' tagħlim kif ukoll ta' taħriġ (bħal job shadowing, perjodi ta' osservazzjoni, korsijiet ta' taħriġ).

Barra minn hekk, din l-azzjoni tappoġġa l-programmi intensivi mħallta, li jippermettu lil gruppi ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jiżviluppaw b'mod konġunt kurrikuli u attivitajiet ta' mobbiltà mħallta għall-istudenti kif ukoll għall-persunal akkademiku u amministrattiv.

Objettivi tal-azzjoni

L-objettiv ta' din l-azzjoni huwa li tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni b'sensibilizzazzjoni globali u li ssaħħaħ ir-rabta bejn l-edukazzjoni u r-riċerka.

Din l-azzjoni għandha l-għan li trawwem l-impjegabbiltà, l-inklużjoni soċjali, l-involviment ċiviku, l-innovazzjoni u s-sostenibbiltà ambjentali fl-Ewropa u lil hinn minnha billi tippermetti lill-istudenti mill-oqsma kollha tal-istudju u fiċ-ċikli kollha tal-istudju jkollhom l-opportunità li jistudjaw jew jitħarrġu barra mill-pajjiż bħala parti mill-istudji tagħhom. L-objettivi tal-azzjoni huma li:

- tesponi lill-istudenti għal fehmiet, għarfien, metodi ta' tagħlim u riċerka differenti kif ukoll għal prattiki tax-xogħol fil-qasam tal-istudju tagħhom fil-kuntest Ewropew u internazzjonali;
- tiżviluppa l-ħiliet trażversali tagħhom bħall-ħiliet ta' komunikazzjoni, il-ħiliet lingwistiċi, il-ħsieb kritiku, is-soluzzjoni tal-problemi, il-ħiliet interkulturali u l-ħiliet ta' riċerka;
- tiżviluppa l-ħiliet tagħhom li jħarsu 'l quddiem, bħall-ħiliet diġitali u ekoloġiċi, li jippermettulhom jindirizzaw l-isfidi tal-lum u ta' għada;
- tiffaċilita l-iżvilupp personali bħall-kapaċità li wieħed jadatta għal sitwazzjonijiet ġodda u li wieħed ikollu fiduċja fih innifsu.

L-objettiv huwa wkoll li kwalunkwe membru tal-persunal, inkluż persunal minn intrapriżi, ikun jista' jgħallem jew jitħarreġ barra mill-pajjiż bħala parti mill-iżvilupp professjonali tiegħu biex:

- jikkondividi l-għarfien espert tiegħu;
- jesperjenza ambjenti ġodda ta' tagħlim;
- jikseb ħiliet ġodda pedagoġiċi u fit-tfassil tal-kurrikulu kif ukoll ħiliet diġitali;
- jingħaqad ma' sħabu barra mill-pajjiż biex jiżviluppa attivitajiet komuni ħalli jintlaħqu l-objettivi tal-programm;
- jiskambja prattiki tajba u jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja;
- jipprepara aħjar lill-istudenti għad-dinja tax-xogħol.

Barra minn hekk, l-objettiv huwa li jitrawwem l-iżvilupp ta' kurrikuli tranżnazzjonali u transdixxiplinarji kif ukoll modi innovattivi ta' apprendiment u tagħlim, inklużi kollaborazzjoni online, apprendiment ibbażat fuq ir-riċerka u approċċi bbażati fuq l-isfidi bl-objettiv li jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà.

KIF TAĊĊESSA L-OPPORTUNITAJIET TA' MOBBILTÀ TAL-EDUKAZZJONI GĦOLJA TAL-ERASMUS+?

L-organizzazzjoni applikanti trid tkun stabbilita fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-programm Erasmus+ u jkollha akkreditazzjoni valida tal-edukazzjoni għolja. Tista' jew tapplika bħala istituzzjoni individwali tal-edukazzjoni għolja, li teħtieġ Karta Erasmus għall-Edukazzjoni Għolja (ECHE), jew f'isem konsorzju tal-mobbiltà, li jirrikjedi akkreditazzjoni ta' konsorzju.

Akkreditazzjoni ta' organizzazzjoni individwali - il-Karta Erasmus għall-Edukazzjoni Għolja

L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja (HEIs) iridu jkunu ngħataw il-Karta Erasmus għall-Edukazzjoni Għolja (ECHE)[33] qabel ma japplikaw għal proġett ta' mobbiltà mal-Aġenzija Nazzjonali tagħhom tal-Erasmus+. Meta jiffirmaw il-Karta Erasmus għall-Edukazzjoni Għolja, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jimpenjaw ruħhom li jipprovdu l-appoġġ kollu meħtieġ lill-parteċipanti mobbli, inkluż it-tħejjija lingwistika. Il-parteċipanti mobbli jistgħu jużaw l-appoġġ lingwistiku online sabiex itejbu l-kompetenzi tagħhom fil-lingwi barranin qabel u/jew matul il-mobbiltà.

Fost prinċipji oħrajn tal-ECHE, il-HEI parteċipanti trid twettaq mobbiltà għall-iskop tal-istudju u t-tagħlim biss fil-qafas ta' ftehimiet preċedenti bejn l-istituzzjonijiet u tagħżel parteċipanti prospettivi u tagħti għotjiet għall-mobbiltà b'mod ġust, trasparenti, koerenti u ddokumentat, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ftehim ta' għotja tagħha mal-Aġenzija Nazzjonali. Għandha tiżgura tali proċeduri ġusti u trasparenti matul l-istadji kollha tal-mobbiltà u fil-proċess ta' rispons għal mistoqsijiet/ilmenti mill-parteċipanti. Din trid tiżgura li ma tintalab l-ebda tariffa fil-każ ta' mobbiltà tal-kreditu, lil studenti mobbli li jkunu deħlin għal tagħlim, reġistrazzjoni, eżamijiet jew aċċess għall-faċilitajiet tal-laboratorju u tal-librerija. Wara l-mobbiltà, l-istituzzjoni għandha tiżgura wkoll li hija tirrikonoxxi b'mod awtomatiku u bis-sħiħ l-eżiti mill-perjodu ta' apprendiment barra mill-pajjiż.

L-ECHE hija kkomplementata mil-linji gwida tal-ECHE[34], dokument li jappoġġa lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-ECHE. L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jeħtiġilhom jirrispettaw kif xieraq l-ECHE u l-linji gwida ta' appoġġ tagħha filwaqt li jimplimentaw l-azzjonijiet kollha li jeħtieġu din l-akkreditazzjoni. Għal dan l-iskop, hija disponibbli Awtovalutazzjoni tal-ECHE[35] biex tappoġġa lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jivvalutaw il-prestazzjoni tagħhom fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-ECHE u liema oqsma jistgħu jissaħħu, kif ukoll toffri suġġerimenti dwar kif jistgħu jagħmlu aktar titjib.

Għalkemm l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm ma humiex eliġibbli li jiffirmaw l-ECHE[36], dawn iridu jirrispettaw il-prinċipji tal-ECHE. Għalhekk, l-aspetti bħal għażla ġusta u trasparenti tal-parteċipanti, ir-rikonoxximent tal-eżiti tal-apprendiment u l-appoġġ kollu meħtieġ offrut lill-parteċipanti mobbli jridu jsiru espliċiti fil-ftehim interistituzzjonali għal mobbiltà internazzjonali.

[33] https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/resources/documents/applicants/higher-education-charter_mt
[34] https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/resources/documents/erasmus-charter-higher-education-2021-2027-guidelines_mt
[35] https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/eche/start_en

[36] Bl-eċċezzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja mill-pajjiżi terzi tal-Balkani tal-Punent mhux assoċjati mal-programm, għall-iskop tas-Sejħa għal Proposti dwar l-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej, li għaliha huma eliġibbli.

Akkreditazzjoni ta' grupp - akkreditazzjoni Erasmus għall-konsorzji tal-mobbiltà għall-edukazzjoni għolja

Minbarra l-HEIs individwali, il-gruppi ta' HEIs jistgħu japplikaw għall-finanzjament ta' proġett ta' mobbiltà fl-edukazzjoni għolja. Grupp bħal dan jissejjaħ konsorzju tal-mobbiltà. Il-konsorzju tal-mobbiltà jeħtieġ li jkollu akkreditazzjoni Erasmus għall-konsorzji tal-mobbiltà għall-edukazzjoni għolja.

Il-koordinatur tal-konsorzju tal-mobbiltà japplika f'isem konsorzju tal-mobbiltà għall-akkreditazzjoni Erasmus għall-konsorzji tal-mobbiltà għall-edukazzjoni għolja u għal għotja tal-Erasmus+. Din l-akkreditazzjoni tingħata mill-istess Aġenzija Nazzjonali li tivvaluta t-talba għal finanzjament għal proġett ta' mobbiltà fl-edukazzjoni għolja. It-talbiet għal akkreditazzjoni u għal għotjiet għall-proġetti ta' mobbiltà jistgħu jsiru matul l-istess sejħa. Madankollu, l-għotja għall-proġetti ta' mobbiltà tingħata biss lil dawk il-gruppi ta' HEIs u organizzazzjonijiet li jkollhom suċċess fi tmiem il-proċess ta' akkreditazzjoni.

Sabiex tinkiseb l-akkreditazzjoni ta' konsorzju, iridu jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ

Organizzazzjonijiet parteċipanti eliġibbli	Konsorzju tal-mobbiltà fl-edukazzjoni għolja jista' jkun magħmul mill-organizzazzjonijiet parteċipanti li ġejjin: ▪ istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja li għandhom Karta Erasmus valida għall-Edukazzjoni għolja; ▪ kwalunkwe organizzazzjoni pubblika jew privata attiva fis-suq tax-xogħol jew fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ. Kull organizzazzjoni parteċipanti trid tkun stabbilita fl-istess Stat Membru tal-UE jew pajjiż terz assoċjat mal-Programm. Ma jistgħux jiġu stabbiliti konsorzji ta' mobbiltà f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-programm. L-organizzazzjonijiet membri kollha tal-konsorzju tal-mobbiltà jridu jiġu identifikati meta japplikaw għal akkreditazzjoni ta' konsorzju.
Min jista' japplika?	Kwalunkwe organizzazzjoni parteċipanti eliġibbli tista' tagħmilha ta' koordinatur u tapplika f'isem l-organizzazzjonijiet kollha involuti fil-konsorzju.
Numru ta' organizzazzjonijiet parteċipanti	Konsorzju tal-mobbiltà jrid jinkludi minimu ta' tliet organizzazzjonijiet parteċipanti eliġibbli, inklużi żewġ HEIs.
Durata tal-akkreditazzjoni tal-konsorzju	Il-perjodu kollu tal-programm. Wara l-għoti tal-akkreditazzjoni, bidliet sostanzjali fil-kompożizzjoni tal-konsorzju tal-mobbiltà jkunu jeħtieġu applikazzjoni ġdida għall-akkreditazzjoni.
Fejn napplika?	Mal-Aġenzija Nazzjonali tal-pajjiż fejn tkun stabbilita l-organizzazzjoni applikanti.
Meta napplika?	L-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tal-akkreditazzjoni tagħhom sat-**23 ta' Frar f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell) għall-proġetti li jibdew fl-1 ta' Ġunju tal-istess sena jew tas-snin ta' wara.**
Kif napplika?	Jekk jogħġbok ara l-Parti C ta' din il-Gwida għad-dettalji dwar kif wieħed għandu japplika.

KRITERJI GĦALL-GĦOTI

L-applikazzjoni għal akkreditazzjoni tiġi vvalutata skont il-kriterji għall-għoti li ġejjin:

Rilevanza tal-konsorzju **(punteġġ massimu ta' 30 punt)**	▪ Ir-rilevanza tal-proposta għall-: - objettivi tal-azzjoni; - ħtiġijiet u l-objettivi tal-organizzazzjonijiet parteċipanti fil-konsorzju u tal-parteċipanti individwali. ▪ Kemm il-proposta hija adattata għal dan li ġej: - għall-produzzjoni ta' eżiti tal-apprendiment ta' kwalità għolja għall-parteċipanti; - għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-kamp ta' applikazzjoni internazzjonali tal-organizzazzjonijiet parteċipanti fil-konsorzju; - għall-kisba ta' valur miżjud fil-livell tal-UE permezz ta' riżultati li ma jkunux jistgħu jinkisbu b'attivitajiet imwettqa minn kull HEI individwali.
Kwalità tal-kompożizzjoni tal-konsorzju u l-arranġamenti ta' kooperazzjoni **(punteġġ massimu ta' 20 punt)**	▪ Kemm: - il-konsorzju jinvolvi kompożizzjoni xierqa ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja li jibagħtu, fejn rilevanti, ma' organizzazzjonijiet parteċipanti komplementari minn setturi soċjoekonomiċi oħrajn bil-profil, l-esperjenza u l-għarfien espert meħtieġa biex iwettqu b'suċċess l-aspetti kollha tal-proġett; - il-koordinatur tal-konsorzju għandu esperjenza preċedenti fil-ġestjoni ta' konsorzju jew tip ta' proġett simili; - id-distribuzzjoni tar-rwoli, tar-responsabbiltajiet u tal-kompiti/riżorsi hija ddefinita sew u turi l-impenn u l-kontribuzzjoni attiva tal-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha; - il-kompiti/ir-riżorsi jinġabru flimkien u jiġu kondiviżi; - ir-responsabbiltajiet huma ċari għal kwistjonijiet ta' ġestjoni kuntrattwali u finanzjarja; - il-konsorzju jinvolvi parteċipanti ġodda u organizzazzjonijiet b'inqas esperjenza għall-azzjoni.
Kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-attività tal-konsorzju **(punteġġ massimu ta' 20 punt)**	▪ Iċ-ċarezza, il-kompletezza u l-kwalità tal-fażijiet kollha ta' proġett ta' mobbiltà (it-tħejjija, l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' mobbiltà, u s-segwitu); ▪ Il-kwalità tal-arranġamenti prattiċi, il-modalitajiet ta' ġestjoni u ta' appoġġ (eż. is-sejbien ta' organizzazzjonijiet li jilqgħu, it-tlaqqigħ, l-informazzjoni, l-appoġġ interkulturali u lingwistiku, il-monitoraġġ);

	▪ Il-kwalità tal-kooperazzjoni, tal-koordinazzjoni u tal-komunikazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet parteċipanti, kif ukoll ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn; ▪ Fejn rilevanti, il-kwalità tal-arranġamenti għar-rikonoxximent u l-validazzjoni tal-eżiti tal-apprendiment tal-parteċipanti, kif ukoll l-użu konsistenti tal-għodod Ewropej ta' trasparenza u ta' rikonoxximent; ▪ Jekk applikabbli, l-adegwatezza tal-miżuri għall-għażla tal-parteċipanti fl-attivitajiet ta' mobbiltà u għall-promozzjoni tal-persuni b'inqas opportunitajiet sabiex jipparteċipaw fl-attivitajiet ta' mobbiltà.
Impatt u tixrid **(punteġġ massimu ta' 30 punt)**	▪ Il-kwalità tal-miżuri għall-evalwazzjoni tal-eżiti tal-attivitajiet immexxija mill-konsorzju; ▪ L-impatt potenzjali tal-proġett: - fuq il-parteċipanti u l-organizzazzjonijiet parteċipanti matul u wara l-ħajja tal-proġett; - lil hinn mill-organizzazzjonijiet u l-individwi li jipparteċipaw b'mod dirett fil-proġett, fil-livelli istituzzjonali, lokali, reġjonali, nazzjonali u/jew internazzjonali. ▪ L-adegwatezza u l-kwalità tal-miżuri mmirati lejn it-tixrid tal-eżiti tal-attivitajiet immexxija mill-konsorzju fi ħdan l-organizzazzjonijiet u s-sħab parteċipanti u barra minnhom.

Sabiex jintgħażlu għall-akkreditazzjoni, il-proposti jridu jiksbu tal-inqas 60 punt b'kollox. Barra minn hekk, iridu jiksbu tal-inqas nofs il-punti massimi għal kull kriterju għall-għoti.

Stabbiliment ta' proġett

L-organizzazzjoni applikanti tapplika għall-għotja tal-proġett ta' mobbiltà, tiffirma u timplimenta l-ftehim ta' għotja u tagħmel ir-rapportar.

L-organizzazzjonijiet parteċipanti involuti fil-proġett ta' mobbiltà jassumu r-rwoli u l-kompiti li ġejjin:

- Organizzazzjoni li tibgħat: inkarigata biex tagħżel lill-istudenti/il-persunal u tibgħathom barra l-pajjiż. Dawn ir-responsabbiltajiet jinkludu wkoll il-pagamenti tal-għotja (għal dawk il-parteċipanti fl-Istati Membri tal-UE u pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm), it-tħejjija, il-monitoraġġ u r-rikonoxximent awtomatiku marbuta mal-perjodu ta' mobbiltà.

- Organizzazzjoni li tilqa': inkarigata biex tilqa' lill-istudenti/il-persunal minn barra l-pajjiż u toffrilhom programm ta' studju/traineeship jew programm ta' attivitajiet ta' taħriġ, jew li jibbenefikaw minn attività ta' tagħlim. Dawn ir-responsabbiltajiet jinkludu wkoll pagamenti ta' għotjiet (għal dawk il-parteċipanti li ġejjin minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm),

- Organizzazzjoni intermedjarja: din hija organizzazzjoni attiva fis-suq tax-xogħol jew fl-oqsma tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tal-ħidma fost iż-żgħażagħ fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm. Tista' tkun membru f'konsorzju tal-mobbiltà, iżda ma tkunx organizzazzjoni li tibgħat. Ir-rwol tagħha jista' jkun li tikkondividi u tiffaċilita l-proċeduri amministrattivi tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja li jibagħtu u li

tqabbel aħjar il-profili tal-istudenti mal-ħtiġijiet tal-intrapriżi f'każ ta' traineeships u tħejji lill-parteċipanti b'mod konġunt.

L-organizzazzjonijiet li jibagħtu u li jilqgħu, flimkien mal-istudenti/il-persunal, jeħtiġilhom ikunu qablu fuq l-attivitajiet li se jitwettqu mill-istudenti - fi "ftehim tal-apprendiment" - jew minn membri tal-persunal - fi "ftehim tal-mobbiltà" - qabel ma jibda l-perjodu ta' mobbiltà. Dawn il-ftehimiet jiddefinixxu l-kontenut għall-perjodu tal-mobbiltà barra l-pajjiż u jispeċifikaw d-dispożizzjonijiet ta' rikonoxximent formali ta' kull parti. Id-drittijiet u l-obbligi huma stabbiliti fil-ftehim ta' għotja ffirmat bejn il-benefiċjarju u l-parteċipant. Meta l-attività tkun bejn żewġ istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja (mobbiltà tal-istudenti għall-istudji li jinkludu mobbiltà mħallta u mobbiltà tal-persunal għall-finijiet ta' tagħlim), għandu jkun hemm fis-seħħ "ftehim interistituzzjonali" bejn l-istituzzjonijiet li jibagħtu u dawk li jilqgħu qabel ma jkunu jistgħu jibdew l-iskambji.

Dimensjonijiet orizzontali

Meta jitfassal proġett ta' mobbiltà, iridu jissaħħu d-dimensjonijiet orizzontali li ġejjin:

INKLUŻJONI U DIVERSITÀ FIL-MOBBILTÀ TAL-EDUKAZZJONI GĦOLJA

Sabiex l-aċċess għall-mobbiltà tal-istudenti u tal-persunal ikun faċli kemm jista' jkun, f'konformità mal-prinċipji tal-ECHE, il-HEIs iridu jiżguraw aċċess u opportunitajiet ugwali u ekwi għall-parteċipanti attwali u prospettivi minn kull sfond. Dan ifisser li jiġu inklużi parteċipanti b'inqas opportunitajiet, bħal parteċipanti b'kundizzjonijiet fiżiċi, mentali u relatati mas-saħħa, studenti bit-tfal, l-istudenti li jaħdmu jew li huma atleti professjonali u studenti mill-oqsma kollha ta' studju li ma humiex rappreżentati biżżejjed fil-mobbiltà. Id-definizzjoni tal-proċeduri tal-għażla interni li jqisu l-ekwità u l-inklużjoni u jivvalutaw il-mertu u l-motivazzjoni tal-applikanti b'mod olistiku hija essenzjali biex jiġi rrispettat dan il-prinċipju.Barra minn hekk, il-HEIs huma mħeġġa jistabbilixxu opportunitajiet ta' mobbiltà inkorporati, bħal twieqi ta' mobbiltà fil-kurrikuli tagħhom sabiex jgħinu jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-istudenti mill-oqsma kollha tal-istudju. F'dan ir-rigward, il-mobbiltà mħallta tista' tgħin biex jiġu offruti opportunitajiet addizzjonali li jistgħu jkunu aktar xierqa għal xi individwi jew gruppi ta' studenti. F'dan il-kuntest, il-preżenza ta' uffiċjali tal-inklużjoni f'dawk l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja tgħin biex jiġu indirizzati l-inklużjoni u d-diversità. L-uffiċjali tal-inklużjoni jistgħu pereżempju jgħinu biex iqajmu sensibilizzazzjoni, jiddefinixxu l-istrateġiji għall-komunikazzjoni u s-sensibilizzazzjoni, jiżguraw appoġġ adegwat matul il-mobbiltà f'kooperazzjoni mal-kollegi rilevanti u jgħinu biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn il-persunal rilevanti fl-istituzzjoni b'għarfien espert fil-qasam tal-inklużjoni u d-diversità.

SOSTENIBBILTÀ AMBJENTALI U PRATTIKI EKOLOĠIĊI FIL-MOBBILTÀ TAL-EDUKAZZJONI GĦOLJA

F'konformità mal-prinċipji tal-ECHE, il-HEIs iridu jippromwovu prattiki li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent fl-attivitajiet kollha relatati mal-Programm. Dan ifisser il-promozzjoni tal-użu ta' mezzi sostenibbli ta' trasport għall-mobbiltà, it-teħid ta' passi attivi fl-organizzazzjoni ta' avvenimenti, il-konferenzi u l-laqgħat relatati mal-mobbiltà tal-Erasmus+ b'mod li jagħmel inqas ħsara lill-ambjent, u s-sostituzzjoni ta' proċessi amministrattivi bbażati fuq il-karti bi proċessi diġitali (skont l-istandards u l-iskeda ta' żmien tal-Inizjattiva tal-Kard Ewropea tal-Istudenti). Il-HEIs għandhom iqajmu wkoll sensibilizzazzjoni fost il-parteċipanti kollha dwar diversi miżuri li jistgħu jieħdu waqt li jkunu barra minn pajjiżhom biex inaqqsu l-impronti tal-karbonju u tal-ambjent tal-attivitajiet tal-mobbiltà tagħhom u jimmonitorjaw il-progress lejn il-kisba ta' attivitajiet tal-mobbiltà aktar sostenibbli tal-istudenti u l-persunal.

DIĠITALIZZAZZJONI U EDUKAZZJONI U ĦILIET DIĠITALI FIL-MOBBILTÀ TAL-EDUKAZZJONI GĦOLJA

F'konformità mal-prinċipji tal-ECHE, il-HEIs għandhom jimplimentaw il-ġestjoni diġitali tal-mobbiltà tal-istudenti f'konformità mal-istandards tekniċi tal-Inizjattiva tal-Kard Ewropea tal-Istudenti. Dan ifisser li l-HEIs li jipparteċipaw fil-programm iridu jingħaqdu man-Network Erasmus mingħajr Karti biex jiskambjaw *data* dwar il-mobbiltà u jiġġestixxu ftehimiet ta' apprendiment online u ftehimiet interistituzzjonali diġitali hekk kif dawn il-karatteristiċi jsiru

operazzjonali[37]. Il-HEIs jistgħu jużaw il-fondi ta' appoġġ organizzazzjonali tagħhom għall-implimentazzjoni tal-ġestjoni tal-mobbiltà diġitali. L-istituzzjonijiet għandhom jippromwovu l-mobbiltà mħallta, il-kombinazzjoni ta' mobbiltà fiżika ma' komponent virtwali, fi ħdan l-istituzzjoni tagħhom biex joffru formati ta' mobbiltà aktar flessibbli u jkomplu jsaħħu l-eżiti tal-apprendiment u l-impatt tal-mobbiltà fiżika. Il-HEIs iridu jiżguraw il-kwalità tal-attivitajiet ta' mobbiltà mħallta u r-rikonoxximent formali għall-parteċipazzjoni f'mobbiltà mħallta, inkluż il-komponent virtwali. L-istituzzjonijiet għandhom iqajmu wkoll sensibilizzazzjoni fost l-istudenti u l-persunal tagħhom dwar l-opportunitajiet fi ħdan il-programm biex jiksbu u jiżviluppaw aktar il-ħiliet diġitali rilevanti fl-oqsma kollha tal-istudju, inklużi Traineeships tal-Opportunitajiet Diġitali għall-istudenti u l-gradwati reċenti biex ikomplu jiżviluppaw jew jiksbu ħiliet diġitali[38]. L-għalliema u l-persunal amministrattiv jistgħu jibbenefikaw ukoll minn taħriġ tal-ħiliet diġitali sabiex jiksbu ħiliet diġitali rilevanti sabiex jagħmlu użu minn teknoloġiji diġitali f'korsijiet u għad-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni.

PARTEĊIPAZZJONI U INVOLVIMENT ĊIVIKU

Il-programm għandu l-għan li jgħin lill-parteċipanti jiskopru l-benefiċċji taċ-ċittadinanza attiva u l-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika. L-attivitajiet ta' mobbiltà appoġġati għandhom isaħħu l-ħiliet parteċipattivi f'oqsma differenti tas-soċjetà ċivika, kif ukoll l-iżvilupp ta' kompetenzi soċjali u interkulturali, il-ħsieb kritiku u l-litteriżmu medjatiku. Kull fejn ikun possibbli, il-proġetti għandhom joffru opportunitajiet għall-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika, l-involviment soċjali u ċiviku permezz ta' attivitajiet ta' apprendiment formali jew mhux formali, kif ukoll it-trawwim ta' prattiki ta' ħolqien konġunt u ta' tfassil konġunt ta' attivitajiet ta' apprendiment. Il-parteċipazzjoni fil-mobbiltajiet għandha ttejjeb ukoll il-fehim tal-parteċipanti dwar l-Unjoni Ewropea u l-valuri komuni Ewropej, inkluż ir-rispett għall-prinċipji demokratiċi, id-dinjità tal-bniedem, l-unità u d-diversità, id-djalogu interkulturali, kif ukoll il-wirt soċjali, kulturali u storiku Ewropew.

Deskrizzjoni tal-attivitajiet

Mobbiltà tal-istudenti

Il-mobbiltà tal-istudenti tista' titwettaq fi kwalunkwe qasam u ċiklu ta' studju (ċiklu qasir/baċellerat/master/dottorat). Sabiex tiżgura attivitajiet ta' mobbiltà ta' kwalità għolja bl-akbar impatt possibbli fuq l-istudenti, l-attività ta' mobbiltà għandha tkun kompatibbli mal-ħtiġijiet ta' apprendiment relatati mal-lawrja u mal-iżvilupp personali tal-istudent.

L-istudenti jistgħu jwettqu l-attivitajiet deskritti hawn taħt:

- **Perjodu ta' studju** barra l-pajjiż f'istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja sieħba. Il-perjodu ta' studju barra l-pajjiż irid ikun parti mill-programm ta' studju tal-istudent sabiex ilesti lawrja fi kwalunkwe ċiklu ta' studju. Perjodu ta' studju barra l-pajjiż jista' jinkludi wkoll perjodu ta' traineeship. Tali kombinazzjoni toħloq sinerġiji bejn l-esperjenza akkademika u professjonali barra l-pajjiż.
  F'termini tal-ammont ta' xogħol, f'pajjiżi li jappartjenu għaż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja (EHEA), sena akkademika ta' studju full-time normalment tkun magħmula minn komponenti edukattivi li jammontaw għal

[37] L-iskeda ta' żmien għad-diġitalizzazzjoni tal-ġestjoni tal-mobbiltà fil-każ ta' mobbiltà internazzjonali qed tiġi żviluppata aktar mill-Kummissjoni Ewropea u se tiġi kkomunikata fi stadju aktar tard.

[38] Kwalunkwe traineeship għall-istudenti se jitqies bħala "traineeship fil-ħiliet diġitali" meta waħda jew aktar mill-attivitajiet li ġejjin tiġi pprattikata mit-trainee: il-kummerċjalizzazzjoni diġitali (pereżempju l-ġestjoni tal-media soċjali, l-analitika tal-web); id-disinn grafiku, mekkaniku jew arkitettoniku diġitali; l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet, software, kitbiet, jew siti web; l-installazzjoni, il-manutenzjoni u l-ġestjoni tas-sistemi u n-networks tal-IT; iċ-ċibersigurtà; l-analitika tad-*data*, l-estrazzjoni u l-viżwalizzazzjoni; l-ipprogrammar u t-taħriġ tar-robots u l-applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali. L-appoġġ ġeneriku tal-klijent, it-twettiq tal-ordni, id-dħul tad-*data* jew il-kompiti tal-uffiċċju ma jitqisux f'din il-kategorija.

60 kreditu tal-ECTS (jew unitajiet ekwivalenti f'pajjiżi barra mill-EHEA). Huwa rrakkomandat li għal perjodi ta' mobbiltà iqsar minn sena akkademika sħiħa, il-komponenti edukattivi inklużi fil-ftehim ta' apprendiment għandhom jiġu aġġustati proporzjonalment.

- **Traineeship** (kollokament ta' xogħol, internship) barra l-pajjiż f'intrapriża, f'istitut tar-riċerka, f'laboratorju, f'organizzazzjoni jew fi kwalunkwe post tax-xogħol rilevanti ieħor. It-traineeships barra l-pajjiż huma appoġġati matul l-istudji fi kwalunkwe ċiklu ta' studju u għal gradwati reċenti. Dan jinkludi wkoll assistantships tat-tagħlim għall-għalliema studenti u assistantships tar-riċerka għal studenti u kandidati għad-dottorat fi kwalunkwe faċilità ta' riċerka rilevanti. Sabiex ikomplu jissaħħu s-sinerġiji ma' Orizzont Ewropa, dawn il-mobbiltajiet jistgħu jseħħu wkoll fil-kuntest ta' proġetti ta' riċerka ffinanzjati minn Orizzont Ewropa, b'rispett sħiħ tal-prinċipju li ma jkunx hemm finanzjament doppju tal-UE għall-attivitajiet. Kull meta jkun possibbli, it-traineeships għandhom ikunu parti integrata tal-programm ta' studju tal-istudent.
  F'termini ta' ammont ta' xogħol, fil-prinċipju, il-parteċipanti jridu jaħdmu full-time, fuq il-bażi tal-ħin tax-xogħol tal-organizzazzjoni riċeventi tagħhom.

Mobbiltà għal dottorat

Biex jiġu ssodisfati aħjar il-ħtiġijiet diversi tal-apprendiment u t-taħriġ tal-kandidati għad-dottorat u biex jiġu żgurati opportunitajiet indaqs ma' dawk li għandhom l-istatus ta' persunal tal-edukazzjoni għolja, il-kandidati għad-dottorat u l-gradwati reċenti ("post-docs")[39] jistgħu jwettqu studju fiżiku fuq perjodu qasir jew fit-tul jew perjodi ta' mobbiltà ta' traineeship barra minn pajjiżhom. Huwa mħeġġeġ li jiżdied komponent virtwali mal-mobbiltà fiżika.

Mobbiltà mħallta

Kull perjodu ta' studju jew traineeship barra l-pajjiż ta' kwalunkwe durata, inkluż il-mobbiltà għal dottorat, jista' jsir bħala **mobbiltà mħallta**. Il-mobbiltà mħallta hija taħlita ta' mobbiltà fiżika b'komponent virtwali li jiffaċilita skambju kollaborattiv ta' apprendiment online u l-ħidma f'tim. Pereżempju, il-komponent virtwali jista' jgħaqqad lill-istudenti online minn pajjiżi u oqsma ta' studju differenti sabiex isegwu korsijiet online jew sabiex jaħdmu b'mod kollettiv u simultanjament fuq inkarigi li huma rikonoxxuti bħala parti mill-istudji tagħhom.

Kwalunkwe student jista' jwettaq ukoll mobbiltà mħallta billi jipparteċipa **fi programm intensiv imħallat** skont il-kriterji tal-eliġibbiltà speċifiċi għal programmi intensivi mħallta, deskritti f'din il-Gwida.

Barra minn hekk, studenti (ċiklu qasir/baċellerat/master) li ma jistgħux jipparteċipaw fi studju fiżiku fit-tul jew f'mobbiltà ta' traineeship, pereżempju, minħabba l-qasam ta' studju tagħhom jew minħabba li għandhom inqas opportunitajiet għal parteċipazzjoni, se jkunu jistgħu jwettqu mobbiltà fiżika fuq perjodu qasir billi din tingħaqad ma' komponent virtwali obbligatorju.

Mobbiltà tal-persunal

Il-mobbiltà tal-persunal tista' titwettaq minn kwalunkwe tip ta' persunal tal-edukazzjoni għolja jew minn persunal mistieden minn barra l-HEIs. Sabiex jiġu żgurati attivitajiet ta' mobbiltà ta' kwalità għolja bl-akbar impatt, l-attività ta'

[39] Il-post-docs jistgħu jipparteċipaw fi traineeships bl-istess rekwiżiti bħal kwalunkwe gradwat reċenti ieħor fi żmien 12-il xahar minn meta jkunu gradwaw. Għal dawk il-pajjiżi li fihom il-gradwati jeħtiġilhom jirreġistraw f'servizz militari jew fis-servizz ċivili obbligatorju wara li jkunu ggradwaw, il-perjodu ta' eliġibbiltà għall-gradwati reċenti se jiġi estiż bid-durata ta' dak is-servizz.

mobbiltà għandha tkun relatata mal-iżvilupp personali tal-istudent u tindirizza l-ħtiġijiet ta' apprendiment u l-iżvilupp personali tagħhom.

L-istudenti jistgħu jwettqu kwalunkwe waħda mill-attivitajiet deskritti hawn taħt:

- **Perjodu ta' tagħlim** barra l-pajjiż f'istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja sieħba. Il-perjodu ta' tagħlim barra l-pajjiż jippermetti lil kwalunkwe persunal tat-tagħlim f'istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja jew lil persunal minn intrapriżi sabiex jgħallem f'istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja sieħba barra l-pajjiż. Il-mobbiltà tal-persunal għall-finijiet ta' tagħlim tista' sseħħ fi kwalunkwe qasam ta' studju.

- **Perjodu ta' taħriġ** barra l-pajjiż f'istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja sieħba, intrapriża jew kwalunkwe post tax-xogħol ieħor rilevanti. Il-perjodu ta' taħriġ barra l-pajjiż jippermetti lil kwalunkwe persunal f'HEI sabiex jieħu sehem f'attività ta' taħriġ barra l-pajjiż li tkun rilevanti għax-xogħol ta' kuljum tiegħu fil-HEI. Dan jista' jieħu l-forma ta' avvenimenti ta' taħriġ (minbarra konferenzi) jew perjodi ta' job shadowing u ta' osservazzjoni.

Perjodu ta' mobbiltà tal-persunal barra l-pajjiż jista' jikkombina attivitajiet ta' tagħlim u ta' taħriġ. Kwalunkwe perjodu ta' tagħlim jew taħriġ barra l-pajjiż jista' jsir **bħala mobbiltà mħallta.**

Programmi intensivi mħallta

Dawn huma programmi qosra u intensivi li jużaw modi innovattivi ta' apprendiment u tagħlim, inkluż l-użu ta' kooperazzjoni online. Il-programmi jistgħu jinkludu apprendiment ibbażat fuq l-isfidi fejn timijiet tranżnazzjonali u transdixxiplinarji jaħdmu flimkien sabiex jindirizzaw l-isfidi pereżempju dawk marbuta mal-objettivi ta' żvilupp sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti jew sfidi oħrajn tas-soċjetà identifikati mir-reġjuni, l-ibliet jew il-kumpaniji. Il-programm għandu jkollu valur miżjud meta mqabbel ma' korsijiet jew taħriġ eżistenti offruti mill-HEI parteċipanti u jista' jkun pluriennali. Billi jippermettu formati ta' mobbiltà ġodda u aktar flessibbli li jikkombinaw il-mobbiltà fiżika ma' parti virtwali, il-programmi intensivi mħallta għandhom l-għan li jilħqu t-tipi kollha ta' studenti minn kull sfond, qasam u ċiklu ta' studju.

Il-gruppi ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja se jkollhom l-opportunità li jorganizzaw programmi intensivi mħallta qosra ta' apprendiment, tagħlim u taħriġ għall-istudenti u l-persunal. Matul dawn il-programmi intensivi mħallta, il-gruppi ta' studenti jew il-persunal bħala studenti se jwettqu mobbiltà fiżika fuq perjodu qasir barra mill-pajjiż flimkien ma' komponent virtwali obbligatorju li jiffaċilita l-iskambju kollaborattiv ta' apprendiment online u ħidma f'tim. Il-komponent virtwali jrid jgħaqqad flimkien lill-istudenti online sabiex jaħdmu b'mod kollettiv u simultanju fuq inkarigi speċifiċi li huma integrati fil-programm intensiv imħallat u jgħoddu mal-eżiti kumplessivi tal-apprendiment.

Barra minn hekk, il-programmi intensivi mħallta jistgħu jkunu miftuħa għall-istudenti u l-persunal minn kwalunkwe HEI. Il-programmi intensivi mħallta jibnu l-kapaċità għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' prattiki innovattivi ta' tagħlim u apprendiment fil-HEIs parteċipanti.

Mobbiltà internazzjonali li tinvolvi pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm

L-enfasi primarja tal-azzjoni ta' mobbiltà fl-edukazzjoni għolja hija li tappoġġa l-attivitajiet ta' mobbiltà fost l-Istati Membri tal-UE u pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm – id-dimensjoni Ewropea.

Barra minn hekk, l-azzjoni tappoġġa d-dimensjoni internazzjonali permezz ta' żewġ fergħat ta' attivitajiet ta' mobbiltà li jinvolvu pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm madwar id-dinja kollha.

Fergħa waħda tappoġġa l-**mobbiltà għall-pajjiżi terzi kollha mhux assoċjati mal-Programm** (ir-Reġjuni 1-14[40]) u hija ffinanzjata mill-fondi tal-politika interna tal-UE[41].

Fergħa oħra tappoġġa l-**mobbiltà lejn u minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm** (bl-eċċezzjoni tar-Reġjuni 13 u 14) u hija ffinanzjata minn strumenti ta' azzjoni esterna tal-UE (ara t-taqsima dwar il-pajjiżi eliġibbli fil-Parti A ta' din il-Gwida).

Iż-żewġ fergħat tal-mobbiltà internazzjonali jsegwu objettivi differenti, iżda komplementari, li jirriflettu l-prijoritajiet tal-politika tas-sorsi ta' finanzjament rispettivi:

Mobbiltà internazzjonali ħierġa appoġġata minn fondi ta' politika interna: L-enfasi prijoritarja hija fuq l-iżvilupp ta' ħiliet li jħarsu 'l quddiem u ħiliet rilevanti oħrajn ta' studenti u persunal minn HEIs li jinsabu fl-Istati Membri tal-UE u f'pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm. L-attivitajiet ta' mobbiltà internazzjonali għal kwalunkwe pajjiż mhux assoċjat huma ffinanzjati mill-għotja mogħtija lil proġetti ta' mobbiltà. Il-benefiċjarji tal-għotjiet jistgħu jużaw sa 20 % tal-aħħar għotja għal proġett mogħtija għall-mobbiltà ħierġa lill-pajjiżi mhux assoċjati madwar id-dinja kollha (ir-Reġjuni 1-14). Dawn l-opportunitajiet huma maħsuba sabiex iħeġġu organizzazzjoni fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm biex jiġu żviluppati attivitajiet ta' mobbiltà ħierġa ma' diversi pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, u huma mistennija jkopru l-aktar ambitu ġeografiku wiesa' possibbli.

Mobbiltà internazzjonali ħierġa u dieħla appoġġata minn fondi tal-politika esterna: Din l-azzjoni ssegwi l-prijoritajiet tal-politika esterna tal-UE; u bħala tali, numru ta' miri u regoli għall-kooperazzjoni huma stabbiliti mat-tnax-il reġjun eliġibbli (1-12), li huma dettaljati hawn taħt fit-taqsima "informazzjoni addizzjonali għal proġetti ta' mobbiltà appoġġati minn fondi tal-politika esterna".

L-attivitajiet ta' mobbiltà internazzjonali deskritti f'din l-azzjoni, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor, huma applikabbli għaż-żewġ fergħat.

X'INHUMA L-KRITERJI UŻATI SABIEX WIEĦED JAPPLIKA GĦAL PROĠETT TA' MOBBILTÀ U BIEX DAN JIĠI IMPLIMENTAT?

Il-kriterji ġenerali tal-eliġibbiltà jindirizzaw ir-rekwiżiti ġenerali fil-livell tal-proġett, filwaqt li l-kriterji speċifiċi elenkati fit-taqsimiet li ġejjin jindirizzaw ir-rekwiżiti għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet speċifiċi.

KRITERJI ĠENERALI TAL-ELIĠIBBILTÀ TAL-PROĠETTI TA' MOBBILTÀ

Sabiex applikant ikun eliġibbli għal għotja tal-Erasmus+, jeħtieġlu jikkonforma mal-kriterji li ġejjin:

[40] Għad-definizzjoni tar-reġjuni ara t-taqsima "pajjiżi eliġibbli" fil-Parti A ta' din il-gwida.
[41] Intestatura 2 tal-baġit tal-UE - Koeżjoni, reżiljenza u valuri.

Attivitajiet eliġibbli	L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja (HEIs) jistgħu jimplimentaw attività waħda jew aktar minn dawn li ġejjin: ▪ Mobbiltà tal-istudenti għall-finijiet ta' studju ▪ Mobbiltà tal-istudenti għall-finijiet ta' traineeships ▪ Mobbiltà tal-persunal għall-finijiet ta' tagħlim ▪ Mobbiltà tal-persunal għall-finijiet ta' taħriġ ▪ Programmi intensivi mħallta (mhux għal proġetti ta' mobbiltà appoġġati minn fondi tal-politika esterna) Flussi eliġibbli ta' attività ta' mobbiltà: ▪ Għal proġetti ta' mobbiltà appoġġati minn fondi ta' politika interna: mill-Istati Membri tal-UE u minn pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm sa kwalunkwe pajjiż fid-dinja (l-Istati Membri tal-UE u pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm u pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm mir-Reġjuni 1-14). ▪ Għal proġetti ta' mobbiltà appoġġati minn fondi tal-politika esterna: bejn l-Istati Membri tal-UE jew pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm u pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm (minbarra r-Reġjuni 13 u 14).
Min jista' japplika?	L-organizzazzjonijiet bl-akkreditazzjoni li ġejja jistgħu japplikaw għal għotja: ▪ Għal applikazzjoni bħala HEI individwali: l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja stabbiliti fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm u mogħtija b'Karta tal-Erasmus għall-Edukazzjoni għolja (ECHE). ▪ Għal applikazzjoni bħala konsorzju tal-mobbiltà: l-organizzazzjonijiet ta' koordinazzjoni stabbiliti fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm u l-koordinazzjoni ta' konsorzju mogħti b'akkreditazzjoni Erasmus għall-konsorzji tal-mobbiltà għall-edukazzjoni għolja. L-organizzazzjonijiet li ma jkollhomx akkreditazzjoni valida tal-konsorzju jistgħu japplikaw għal din l-akkreditazzjoni f'isem konsorzju tal-mobbiltà matul l-istess sejħa bħal meta japplikaw għal għotja ta' proġett ta' mobbiltà jew sejħa preċedenti. L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja involuti kollha mill-Istati Membri tal-UE u minn pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm irid ikollhom Karta Erasmus għall-Edukazzjoni għolja (ECHE). Dawn l-organizzazzjonijiet se jkunu eliġibbli għal proġett ta' mobbiltà biss jekk l-applikazzjoni tagħhom għall-akkreditazzjoni ta' konsorzju tiġi aċċettata. L-istudenti u l-persunal tal-edukazzjoni għolja ma jistgħux japplikaw direttament għal għotja; il-kriterji tal-għażla għall-parteċipazzjoni fl-attivitajiet ta' mobbiltà u fi programmi intensivi mħallta huma ddefiniti mill-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja li fiha jistudjaw jew huma impjegati.
Pajjiżi eliġibbli	Għall-parteċipazzjoni fl-attivitajiet: ▪ kwalunkwe Stat Membru tal-UE jew pajjiż terz assoċjat mal-Programm ▪ kwalunkwe pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm (għal kundizzjonijiet possibbli fi proġetti ta' mobbiltà appoġġati minn fondi tal-politika esterna jekk jogħġbok ara t-taqsima "Informazzjoni addizzjonali għal proġetti ta' mobbiltà appoġġati minn fondi tal-politika esterna" ta' din l-azzjoni u "Pajjiżi eliġibbli" fil-Parti A)

Numru ta' organizzazzjonijiet parteċipanti	In-numru ta' organizzazzjonijiet fil-formola tal-applikazzjoni huwa wieħed (l-applikant). Dan huwa jew il-HEI individwali jew il-koordinatur tal-konsorzju tal-mobbiltà stabbilit fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm. Matul l-implimentazzjoni tal-proġett ta' mobbiltà, iridu jiġu involuti minimu ta' żewġ organizzazzjonijiet (tal-inqas organizzazzjoni waħda li tibgħat u tal-inqas organizzazzjoni waħda li tilqa'). Għal proġetti ta' mobbiltà appoġġati minn fondi tal-politika esterna, trid tiġi involuta tal-inqas organizzazzjoni waħda minn pajjiż terz mhux assoċjat. Għal programmi intensivi mħallta fi proġetti ta' mobbiltà appoġġati minn fondi ta' politika interna: minbarra l-applikant (il-HEI li tapplika jew il-HEI f'konsorzju tal-mobbiltà li japplika), għandhom jiġu involuti tal-inqas żewġ HEIs minn żewġ Stati Membri oħrajn tal-UE u pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm fl-organizzazzjoni tal-programm intensiv imħallat matul l-implimentazzjoni.
Durata tal-proġett	Proġetti ta' mobbiltà appoġġati minn fondi ta' politika interna: 26 xahar Proġetti ta' mobbiltà appoġġati minn fondi tal-politika esterna: 24 xahar jew 36 xahar
Fejn napplika?	Mal-Aġenzija Nazzjonali tal-pajjiż fejn tkun stabbilita l-organizzazzjoni applikanti.
Meta napplika?	L-applikanti jridu jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għall-għotja sat-**23 ta' Frar f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell) kemm għall-proġetti ffinanzjati b'fondi ta' politika interna li jibdew fl-1 ta' Ġunju tal-istess sena kif ukoll għal proġetti ffinanzjati bi strumenti ta' azzjonijiet esterni li jibdew fl-1 ta' Awwissu tal-istess sena.**
Kif napplika?	Jekk jogħġbok ara l-Parti C ta' din il-Gwida għad-dettalji dwar kif wieħed għandu japplika.
Kriterji oħrajn meħtieġa	Il-HEI tista' tapplika għall-għotjiet mal-Aġenzija Nazzjonali tagħha permezz ta'żewġ mezzi differenti: • direttament bħala HEI individwali, • permezz ta' konsorzju tal-mobbiltà li tkun koordinatur/membru tiegħu. Il-HEI tista' tapplika darba biss għal kull ċiklu ta' għażla għal proġett ta' mobbiltà bħala HEI individwali u/jew bħala l-HEI ta' koordinazzjoni ta' konsorzju partikolari. Madankollu, il-HEI tista' tkun parti minn bosta konsorzji ta' mobbiltà differenti li japplikaw fl-istess ħin, jew tikkoordinahom. Iż-żewġ mezzi (applikazzjoni individwali u applikazzjoni ta' konsorzju) jistgħu jintużaw simultanjament. Madankollu, il-HEI tibqa' responsabbli sabiex tevita il-finanzjament doppju ta' parteċipant meta ż-żewġ mezzi jintużaw fl-istess sena akkademika. Il-proġett ta' mobbiltà għandu jimplimenta l-Inizjattiva Kard Ewropea tal-Istudenti sabiex jiffaċilita l-ġestjoni online taċ-ċiklu tal-mobbiltà u approċċi oħrajn li jirrispettaw aktar l-ambjent u inklużivi f'konformità mal-Karta Erasmus għall-Edukazzjoni Għolja (ECHE) u l-linji gwida tal-ECHE.

Minbarra l-kriterji tal-eliġibbiltà indikati hawn fuq, l-applikanti jiġu vvalutati skont il-kriterji ta' eliġibbiltà rilevanti indikati fit-taqsima li ġejja u skont il-**kriterji tal-esklużjoni, tal-għażla u l-kriterji għall-għoti** rilevanti. Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkonsulta l-Parti C ta' din il-Gwida.

Organizzazzjonijiet parteċipanti eliġibbli	▪ **Mobbiltà tal-istudenti għall-finijiet ta' studju:** L-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha mill-Istati Membri tal-UE jew minn pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm (kemm dawk li jibagħtu kif ukoll dawk li jilqgħu) iridu jkunu istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja (HEIs) mogħtija b'ECHE. L-organizzazzjonijiet kollha minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm (kemm dawk li jibagħtu kif ukoll dawk li jilqgħu) iridu jkunu HEIs rikonoxxuti mill-awtoritajiet kompetenti u jridu jkunu ffirmaw ftehimiet interistituzzjonali mas-sħab tagħhom mill-Istati Membri tal-UE jew minn pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm, qabel ma sseħħ il-mobbiltà. ▪ **Mobbiltà tal-istudenti għall-finijiet ta' traineeships**: L-organizzazzjoni li tibgħat trid tkun HEI minn Stat Membru tal-UE jew pajjiż terz assoċjat mal-Programm mogħti b'ECHE jew HEI minn pajjiż terz mhux assoċjat rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti li jkun iffirma ftehimiet interistituzzjonali mas-sħab tiegħu minn Stati Membri tal-UE jew minn pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm qabel ma sseħħ il-mobbiltà. F'każ ta' mobbiltà tal-istudenti għall-finijiet ta' traineeships, l-organizzazzjoni li tilqa' tista' tkun[42]: ○ kwalunkwe organizzazzjoni pubblika jew privata attiva fis-suq tax-xogħol jew fl-oqsma tal-edukazzjoni, tat-taħriġ, taż-żgħażagħ, tar-riċerka u tal-innovazzjoni. Pereżempju, tali organizzazzjoni tista' tkun: – intrapriża pubblika jew privata, żgħira, medja jew kbira (inkluż l-intrapriżi soċjali); – korp pubbliku fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali; – ambaxxati jew uffiċċji konsulari tal-Istat Membru tal-UE li jibgħat jew pajjiż terz assoċjat mal-Programm; – sieħeb soċjali jew rappreżentant ieħor tal-ħajja tax-xogħol, inklużi kmamar tal-kummerċ, assoċjazzjonijiet tas-snajja'/professjonali u trade unions; – istitut tar-riċerka; – fondazzjoni; – skola/istituzzjoni/ċentru edukattiv (fi kwalunkwe livell, mill-edukazzjoni preprimarja sa edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell, u bl-inklużjoni tal-edukazzjoni vokazzjonali u l-edukazzjoni għall-adulti); ○ organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, assoċjazzjoni, NGO; ○ korp li jipprovdi gwida għall-karriera, konsulenza professjonali u servizzi ta' informazzjoni; ○ HEI minn Stat Membru tal-UE jew minn pajjiż terz assoċjat mal-Programm mogħti b'ECHE, jew HEI minn pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti li jkun iffirma ftehimiet interistituzzjonali mas-sħab tiegħu minn Stat Membru tal-UE jew pajjiż terz assoċjat mal-Programm, qabel ma sseħħ il-mobbiltà.

[42] It-tipi ta' organizzazzjonijiet li ġejjin mhumiex eliġibbli bħala organizzazzjonijiet li jilqgħu għall-mobbiltà tal-istudenti għall-finijiet ta' traineeships:

L-istituzzjonijiet tal-UE u korpi oħrajn tal-UE inklużi l-aġenziji speċjalizzati (il-lista eżawrjenti tagħhom hija disponibbli fuq is-sit web - http://europa.eu/european-union/about-eu/institutions-bodies_mt); l-organizzazzjonijiet li jiġġestixxu l-programmi tal-UE bħall-Aġenziji Nazzjonali tal-Erasmus+ (sabiex jiġu evitati kunflitti ta' interessi possibbli u/jew finanzjament doppju).

Durata tal-attività	**Mobbiltà tal-istudenti għall-finijiet ta' studju**: minn xahrejn (jew terminu akkademiku wieħed jew trimestru) sa 12-il xahar ta' mobbiltà fiżika, minbarra l-ħin tal-ivvjaġġar. Dan jista' jinkludi perjodu komplementari ta' traineeship, jekk ippjanat, u jista' jiġi organizzat b'modi differenti skont il-kuntest: jew attività waħda wara l-oħra jew it-tnejn fl-istess ħin. Il-kombinazzjoni ssegwi r-regoli ta' finanzjament u d-durata minima tal-mobbiltà għall-istudju. **Mobbiltà tal-istudenti għall-finijiet ta' traineeships:** minn xahrejn sa 12-il xahar ta' mobbiltà fiżika, minbarra l-ħin tal-ivvjaġġar. Kwalunkwe student, b'mod partikolari dawk li ma jkunux jistgħu jipparteċipaw f'mobbiltà fiżika fit-tul għal studji jew għal traineeships, jistgħu jikkombinaw mobbiltà fiżika iqsar ma' komponent virtwali (mobbiltà mħallta fuq perjodu qasir). Barra minn hekk, kwalunkwe student jista' jipparteċipa fi programmi intensivi mħallta. F'dawn il-każijiet, il-mobbiltà fiżika trid iddum bejn ħamest ijiem u 30 jum (minbarra l-ħin tal-ivvjaġġar) u tista' tkun ikkombinata ma' komponent virtwali obbligatorju li jiffaċilita l-iskambju kollaborattiv ta' apprendiment online u ħidma f'tim. Il-mobbiltà mħallta għall-istudji trid tagħti minimu ta' tliet krediti tal-ECTS. **Mobbiltà għal studji u/jew għal traineeships għall-kandidati għad-dottorat**: minn 5 ijiem sa 30 jum jew minn xahrejn sa 12-il xahar ta' mobbiltà fiżika (mobbiltà għal studju tista' tinkludi perjodu ta' traineeship komplementari, jekk ikun ippjanat), minbarra l-ħin tal-ivvjaġġar. **Durata totali eliġibbli għal kull ċiklu ta' studju:** L-istess student jista' jipparteċipa f'perjodi ta' mobbiltà li jammontaw għal massimu ta' 12-il xahar[43] ta' mobbiltà fiżika għal kull ċiklu ta' studju[44], indipendentement mill-għadd u mit-tip ta' attivitajiet ta' mobbiltà: ▪ waqt l-ewwel ċiklu ta' studju (grad ta' Baċellerat jew ekwivalenti) inkluż iċ-ċiklu l-qasir (il-livelli 5 u 6 tal-QEK); ▪ waqt it-tieni ċiklu ta' studju (Master jew ekwivalenti - il-livell 7 tal-QEK); kif ukoll ▪ waqt it-tielet ċiklu ta' studju bħala kandidat għal dottorat (livell ta' dottorat jew il-livell 8 tal-QEK). Id-durata tat-traineeships minn gradwati reċenti tgħodd lejn il-massimu ta' 12-il xahar taċ-ċiklu li matulu japplikaw għat-traineeship. Il-perjodu ta' mobbiltà fiżika jista' jiġi interrott. Il-perjodu ta' interruzzjoni ma jgħoddx għad-durata tal-attività ta' mobbiltà. Għat-traineeships, btala ta' intrapriża/organizzazzjoni ma titqiesx bħala perjodu ta' interruzzjoni. L-għotja tinżamm matul dik il-btala. Il-perjodu ta' btala jgħodd għad-durata minima ta' perjodu ta' traineeship.

43 L-esperjenza preċedenti taħt il-Programm Erasmus+ u/jew bħala detenturi ta' boroż ta' studju tal-Erasmus Mundus tgħodd mat-12-il xahar għal kull ċiklu ta' studju.
44 Fi programmi ta' studju ta' ċiklu wieħed, bħall-mediċina, l-istudenti jistgħu jkunu mobbli sa 24 xahar.

Post(ijiet) tal-attività	L-istudenti jeħtiġilhom iwettqu l-attività ta' mobbiltà fiżika tagħhom fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm jew f'pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm differenti mill-pajjiż tal-organizzazzjoni li tibgħat u tal-pajjiż fejn l-istudent kellu l-akkomodazzjoni tiegħu matul l-istudji tiegħu[45].
Parteċipanti eliġibbli	L-istudenti rreġistrati f'HEI u miktubin fi studji li jwasslu għal lawrja rikonoxxuta jew kwalifika ta' livell terzjarju rikonoxxuta oħra (sa u inkluż il-livell tad-dottorat). Fil-każ tal-mobbiltà għal dottorat, il-parteċipant jeħtieġlu jkun fil-livell 8 tal-QEK. Gradwati reċenti tal-edukazzjoni għolja jistgħu jipparteċipaw f'mobbiltà għall-finijiet ta' traineeships. L-organizzazzjoni benefiċjarja tista' ma tiħux sehem fi traineeships għal gradwati reċenti. Il-gradwati reċenti jridu jintgħażlu mill-HEI tagħhom fl-aħħar sena ta' studju tagħhom, u jeħtiġilhom iwettqu u jlestu t-traineeships tagħhom barra l-pajjiż fi żmien sena minn meta jiggradwaw[46].
Kriterji oħrajn	Il-mobbiltà tal-istudenti tista' tkun fi kwalunkwe qasam ta' studju. Il-mobbiltà tal-istudenti tista' tkun perjodu ta' studju kkombinat ma' traineeship qasir (ta' inqas minn xahrejn) filwaqt li titqies bħala perjodu ta' studju kumplessiv. L-istudent, l-organizzazzjoni li tibgħat u dik li tilqa' jeħtiġilhom jiffirmaw ftehim ta' apprendiment. Il-perjodu ta' studju barra l-pajjiż irid ikun parti mill-programm ta' studju tal-istudent sabiex itemm lawrja. Kull meta jkun possibbli, it-traineeships għandhom ikunu parti integrata mill-programm ta' studju tal-istudent. L-insegwiment ta' korsijiet f'istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja ma jistax jitqies bħala traineeship. Fil-każ ta' mobbiltà mħallta tal-istudenti, l-attivitajiet jistgħu jinkludu l-parteċipazzjoni fil-korsijiet offruti f'format ta' apprendiment imħallat fi kwalunkwe HEI sieħba, taħriġ online u inkarigi ta' xogħol jew parteċipazzjoni fi programmi intensivi mħallta. Fir-rigward tal-mobbiltà internazzjonali, ara t-taqsima dwar il-"Mobbiltà internazzjonali li tinvolvi pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm".

45 Fil-każ ta' fergħat ta' kampusijiet li jiddependu mill-istituzzjoni prinċipali u li huma koperti bl-istess ECHE, il-pajjiż li fih tinsab l-istituzzjoni prinċipali se jitqies bħala l-pajjiż li jibgħat. Għalhekk, ma huwiex possibbli li jiġu organizzati mobbiltajiet bejn fergħat ta' kampusijiet u l-istituzzjoni prinċipali koperti mill-istess ECHE.

46 għal dawk il-pajjiżi li fihom il-gradwati jeħtiġilhom jirreġistraw f'servizz militari jew fis-servizz ċivili obbligatorju wara li jkunu ggradwaw, il-perjodu ta' eliġibbiltà għall-gradwati reċenti se jiġi estiż bid-durata ta' dak is-servizz.

KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ SPEĊIFIĊI GĦALL-MOBBILTÀ TAL-PERSUNAL

Organizzazzjonijiet parteċipanti eliġibbli	▪ **Mobbiltà tal-persunal għall-finijiet ta' tagħlim:** **L-organizzazzjoni li tibgħat trid tkun:** o HEI minn Stat Membru tal-UE jew minn pajjiż terz assoċjat mal-Programm mogħti b'ECHE, jew o HEI minn pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti li jkun iffirma ftehimiet interistituzzjonali mas-sħab tiegħu minn Stat Membru tal-UE jew minn pajjiż terz assoċjat mal-Programm, jew o fil-każ ta' persunal mistieden sabiex jgħallem fil-HEI: kwalunkwe organizzazzjoni pubblika jew privata (mhux mogħtija b'ECHE) fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm jew pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm attiva fis-suq tax-xogħol jew fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ, ir-riċerka u l-innovazzjoni. Pereżempju, tali organizzazzjoni tista' tkun: – intrapriża pubblika jew privata, żgħira, medja jew kbira (inkluż l-intrapriżi soċjali); – korp pubbliku fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali; – sieħeb soċjali jew rappreżentant ieħor tal-ħajja tax-xogħol, inklużi kmamar tal-kummerċ, assoċjazzjonijiet tas-snajja'/professjonali u trade unions; – istitut tar-riċerka; – fondazzjoni; – skola/istituzzjoni/ċentru edukattiv (fi kwalunkwe livell, mill-edukazzjoni preprimarja sa edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell, u bl-inklużjoni tal-edukazzjoni vokazzjonali u l-edukazzjoni għall-adulti); – organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, assoċjazzjoni, NGO; – korp li jipprovdi gwida għall-karriera, konsulenza professjonali u servizzi ta' informazzjoni. **L-organizzazzjoni li tilqa' trid tkun** HEI minn Stat Membru tal-UE jew minn pajjiż terz assoċjat mal-Programm li tkun ingħatat ECHE jew HEI minn pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm rikonoxxuta mill-awtoritajiet kompetenti u li tkun iffirmat ftehim interistituzzjonali mas-sieħeb minn Stat Membru tal-UE jew pajjiż terz assoċjat mal-Programm, qabel ma sseħħ il-mobbiltà. ▪ **Mobbiltà tal-persunal għall-finijiet ta' taħriġ:** **L-organizzazzjoni li tibgħat trid tkun** HEI minn Stat Membru tal-UE jew minn pajjiż terz assoċjat mal-Programm li tkun ingħatat ECHE, jew HEI minn pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm rikonoxxuta mill-awtoritajiet kompetenti li tkun iffirmat ftehimiet interistituzzjonali mas-sħab tagħha minn Stat Membru tal-UE jew pajjiż terz assoċjat mal-Programm, qabel ma sseħħ il-mobbiltà. **L-organizzazzjoni li tilqa' trid tkun**: o HEI minn Stat Membru tal-UE jew minn pajjiż terz assoċjat mal-Programm mogħti b'ECHE, jew HEI minn pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti li jkun iffirma ftehimiet interistituzzjonali mas-sħab tiegħu minn Stat Membru tal-UE jew pajjiż terz assoċjat mal-Programm, qabel ma sseħħ il-mobbiltà, jew o kwalunkwe organizzazzjoni pubblika jew privata mill-Istati Membri tal-UE u minn pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm (jew minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, jekk il-proġett ta' mobbiltà jkun iffinanzjat minn fondi ta' politika interna) attiva fis-suq tax-xogħol jew fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ, ir-riċerka u l-innovazzjoni.

Durata tal-attività tal-mobbiltà	**Mobbiltà tal-persunal għall-finijiet ta' tagħlim u taħriġ:** Id-durata tal-mobbiltà fost l-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi assoċjati mal-Programm trid tkun minn jumejn sa 60 jum ta' mobbiltà fiżika, minbarra l-ħin tal-ivvjaġġar. Fil-każ ta' persunal mistieden minn intrapriżi, id-durata minima hija ta' ġurnata ta' mobbiltà fiżika. Fil-każ ta' mobbiltà li tinvolvi pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, id-durata trid tkun bejn ħamest ijiem u 60 jum, minbarra l-ħin tal-ivvjaġġar. L-istess japplika għall-persunal mistieden mill-intrapriżi. Fil-każijiet kollha, in-numru minimu ta' jiem irid ikun magħmul minn jiem konsekuttivi. Il-perjodu ta' mobbiltà fiżika jista' jiġi interrott. Il-perjodu ta' interruzzjoni ma jgħoddx għad-durata tal-attività ta' mobbiltà. Attività ta' tagħlim għandha tinkludi minimu ta' 8 sigħat ta' tagħlim kull ġimgħa (jew kwalunkwe perjodu ieħor ta' soġġorn iqsar minn ġimgħa). Jekk il-mobbiltà ddum aktar minn ġimgħa, in-numru minimu ta' sigħat ta' tagħlim għal ġimgħa mhux kompluta għandu jkun proporzjonali għad-durata ta' dik il-ġimgħa. L-eċċezzjonijiet li ġejjin japplikaw: • Ma hemmx numru minimu ta' sigħat ta' tagħlim għall-persunal mistieden mill-intrapriżi. • Jekk l-attività ta' tagħlim tingħaqad ma' attività ta' taħriġ matul perjodu wieħed barra l-pajjiż, in-numru minimu ta' sigħat ta' tagħlim kull ġimgħa (jew kwalunkwe perjodu ieħor ta' soġġorn iqsar minn ġimgħa) jitnaqqas għal erba' sigħat.
Post(ijiet) tal-attività	Il-persunal jeħtieġlu jwettaq l-attività ta' mobbiltà fiżika tiegħu fi kwalunkwe Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm jew f'pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm differenti mill-pajjiż tal-organizzazzjoni li tibgħat u l-pajjiż tar-residenza tal-persunal.
Parteċipanti eliġibbli	**Mobbiltà tal-persunal għall-finijiet ta' tagħlim:** • Persunal li jaħdem f'HEI fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm jew f'pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm. • Persunal minn kwalunkwe intrapriża minn kwalunkwe pajjiż, li jaħdem f'organizzazzjoni pubblika jew privata (li ma hijiex HEI li għandha ECHE), attiv fis-suq tax-xogħol jew fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ, ir-riċerka u l-innovazzjoni u huwa mistieden jgħallem f'HEI fi kwalunkwe pajjiż (inklużi kandidati għad-dottorat li jkunu impjegati). **Mobbiltà tal-persunal għall-finijiet ta' taħriġ**: Persunal li jaħdem f'HEI fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm jew f'pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm.

Kriterji oħrajn	Il-mobbiltà tal-persunal tista' tkun perjodu ta' tagħlim ikkombinat ma' perjodu ta' taħriġ, filwaqt li titqies bħala perjodu ta' tagħlim kumplessiv. Il-mobbiltà ta' tagħlim jew ta' taħriġ tista' sseħħ f'aktar minn organizzazzjoni waħda li tilqa' fl-istess pajjiż, filwaqt li titqies bħala perjodu wieħed ta' tagħlim jew taħriġ bid-durata minima ta' soġġorn applikabbli. Il-mobbiltà għat-tagħlim tista' tkun fi kwalunkwe qasam ta' studju. Il-mobbiltà għat-tagħlim tista' tinkludi l-għoti ta' taħriġ għall-iżvilupp tal-HEI sieħba. Il-membru tal-persunal, l-organizzazzjoni li tibgħat u dik li tilqa' jeħtiġilhom jiffirmaw ftehim ta' mobbiltà. Fir-rigward tal-mobbiltà internazzjonali, ara "Mobbiltà internazzjonali li tinvolvi pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm".

KRITERJI SPEĊIFIĊI TAL-ELIĠIBBILTÀ GĦAL PROGRAMMI INTENSIVI MĦALLTA

Organizzazzjonijiet parteċipanti eliġibbli	Għandu jiġi żviluppat u implimentat programm intensiv imħallat minn tal-inqas tliet istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja (HEIs) li jkunu ġejjin minn tal-inqas tliet Stati Membri tal-UE u minn pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm. Barra minn hekk, kwalunkwe HEI jew organizzazzjoni oħra li tinsab fi Stat Membru tal-UE, f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm jew f'pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm tista' tipparteċipa sabiex tibgħat parteċipanti. Il-HEIs li jibagħtu studenti u persunal biex jipparteċipaw bħala studenti fi programmi intensivi mħallta jridu jkunu HEI minn Stat Membru tal-UE jew minn pajjiż terz assoċjat mal-Programm li tkun ingħatat ECHE jew HEI minn pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm rikonoxxuta mill-awtoritajiet kompetenti li tkun iffirmat ftehimiet interistituzzjonali mas-sħab tagħha minn Stat Membru tal-UE jew minn pajjiż terz assoċjat mal-Programm, qabel ma sseħħ il-mobbiltà. Għall-persunal tat-tagħlim u t-taħriġ involut fit-twettiq tal-programm, tista' tkun kwalunkwe organizzazzjoni minn Stat Membru tal-UE jew minn pajjiż terz assoċjat mal-Programm jew minn pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm (ara l-parteċipanti eliġibbli). Il-parteċipanti jistgħu jintbagħtu bil-finanzjament tal-Erasmus+ jew jieħdu sehem billi jġarrbu l-kostijiet huma stess. Il-HEIs minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm jistgħu jibagħtu l-parteċipanti bl-Erasmus+, jekk l-istituzzjoni li tilqa' jkollha, fl-istess ħin, proġett ta' mobbiltà ffinanzjat minn fondi tal-politika esterna li jiffinanzjaw studenti u persunal li jkunu deħlin minn dawn il-pajjiżi. Dawn il-parteċipanti minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm ma jgħoddux għar-rekwiżiti minimi. Il-HEI li tilqa' trid tingħata l-ECHE. Il-HEI li tilqa' tista' tkun l-istess bħall-HEI li tikkoordina jew differenti minnha. Organizzazzjonijiet oħrajn jistgħu jospitaw ukoll b'mod konġunt parteċipanti fil-pajjiż li jilqa' matul parti mill-attività fiżika. Il-HEI li tikkoordina wkoll trid tingħata ECHE. Il-HEI li tikkoordina/tilqa' hija jew il-HEI applikanti jew membru tal-HEI tal-konsorzju tal-mobbiltà li japplika għal proġett ta' mobbiltà ffinanzjat b'fondi ta' politika interna.
Durata tal-attività	Id-durata tal-komponent fiżiku ta' programm intensiv imħallat trid tkun ta' bejn 5 ijiem u 30 jum. L-ebda kriterju tal-eliġibbiltà ma huwa stabbilit għad-durata tal-komponent virtwali iżda l-komponenti virtwali u fiżiċi kkombinati jridu jagħtu minimu ta' tliet krediti tal-ECTS lill-istudenti.
Post(ijiet) tal-attività	L-attività fiżika tista' sseħħ fil-HEI li tilqa' jew fi kwalunkwe post ieħor fil-pajjiż tal-HEI li tilqa'.

Parteċipanti eliġibbli	**Studenti:** L-istudenti rreġistrati f'HEI fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm jew f'pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm, u rreġistrati fi studji li jwasslu għal grad rikonoxxut jew kwalifika rikonoxxuta oħra ta' livell terzjarju (sa u inkluż il-livell ta' dottorat). **Persunal:** Persunal li jaħdem f'HEI fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm jew f'pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm. **Persunal ta' tagħlim u ta' taħriġ involut fit-twettiq tal-programm:** • Il-persunal li jaħdem f'HEI fi Stat Membru tal-UE, f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm jew f'pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm. ▪ Il-persunal mistieden jgħallem f'HEI: li jkun ġej minn kwalunkwe intrapriża/organizzazzjoni pubblika jew privata (bl-eċċezzjoni tal-HEIs mogħtija b'ECHE); l-intrapriża/organizzazzjoni għandha tkun minn Stat Membru tal-UE, minn pajjiż terz assoċjat mal-Programm jew minn pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm attiv fis-suq tax-xogħol jew fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ, ir-riċerka u l-innovazzjoni; il-kandidati għad-dottorat li jkunu impjegati jgħoddu wkoll bħala eliġibbli taħt din l-azzjoni.
Kriterji oħrajn	Il-programmi intensivi mħallta għall-istudenti u l-persunal iridu jinkludu mobbiltà fiżika fuq perjodu qasir barra mill-pajjiż ikkombinat ma' komponent virtwali obbligatorju li jiffaċilita skambju kollaborattiv ta' apprendiment online u ta' ħidma f'tim. Il-komponent virtwali jrid jgħaqqad flimkien lill-istudenti online sabiex jaħdmu b'mod kollettiv u simultanju fuq inkarigi speċifiċi li huma integrati fil-programm intensiv imħallat u jgħoddu mal-eżiti kumplessivi tal-apprendiment. Il-programmi intensivi mħallta għandhom jagħtu mill-inqas tliet krediti tal-ECTS lill-istudenti. Sabiex ikun eliġibbli għal appoġġ organizzazzjonali, programm intensiv imħallat jeħtieġ li jinvolvi minimu ta' 15-il student mobbli tal-Erasmus+ appoġġati minn fondi ta' politika interna (li ma jinkludux persunal tat-tagħlim/tat-taħriġ involut fl-eżekuzzjoni tal-programm). Dawn il-15-il parteċipant jeħtiġilhom ikunu qegħdin iwettqu l-mobbiltà tagħhom speċifikament sabiex jattendu l-programm intensiv imħallat permezz ta' waħda mill-attivitajiet ta' mobbiltà tal-Erasmus+ li ġejjin: il-mobbiltà mħallta tal-istudenti għal perjodu qasir għal studji jew il-mobbiltà mħallta tal-persunal għal taħriġ. L-appoġġ individwali u, fejn applikabbli, l-appoġġ għall-ivvjaġġar lill-parteċipanti għall-attività fiżika jiġi pprovdut mill-HEI li tibgħat (u l-HEI li tilqa' fil-każ ta' persunal mistieden minn intrapriżi u fil-każ ta' parteċipanti minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-programm iffinanzjat bi strumenti ta' azzjoni esterna).

INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI GĦAL PROĠETTI TA' MOBBILTÀ APPOĠĠATI MINN FONDI TAL-POLITIKA ESTERNA

Il-fondi disponibbli għall-proġetti ta' mobbiltà appoġġati minn fondi tal-politika esterna huma maqsuma bejn reġjuni differenti tad-dinja fi 12-il pakkett baġitarju u d-daqs ta' kull pakkett baġitarju huwa differenti skont il-prijoritajiet tal-politika esterna tal-UE. Aktar informazzjoni dwar l-ammonti disponibbli taħt kull pakkett baġitarju se jkunu ppubblikati fuq is-siti web tal-Aġenziji Nazzjonali.

L-UE stabbiliet numru ta' miri indikattivi rigward il-bilanċ ġeografiku u l-prijoritajiet li għandhom jinkisbu fil-livell Ewropew matul id-durata kollha tal-programm (2021-2027), inkluż kooperazzjoni mal-pajjiżi l-inqas żviluppati. Dawn il-

miri u l-prijoritajiet indikattivi ma għandhomx għalfejn jintlaħqu mill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja individwali, iżda l-Aġenziji Nazzjonali se jikkunsidrawhom biex jiġi allokat il-baġit disponibbli. Dawn huma l-miri stabbiliti għall-proġetti ta' mobbiltà appoġġati minn fondi tal-politika esterna inġenerali fil-livell tal-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi assoċjati mal-Programm skont is-sejħa tal-2027:

- L-Asja:
  - Għandu jintefaq minimu ta' 25 % tal-baġit fuq il-mobbiltà mal-pajjiżi l-inqas żviluppati (LDCs) tar-reġjun;
  - Ma għandux jintefaq aktar minn 25 % tal-baġit fuq il-mobbiltà mal-Pajjiżi b'Introjtu Għoli (HICs) tar-reġjun;
  - Ma għandux jintefaq aktar minn 15 % tal-baġit fuq il-mobbiltà maċ-Ċina;
  - Ma għandux jintefaq aktar minn 10 % tal-baġit fuq il-mobbiltà mal-Indja.
- Il-Paċifiku:
  - Ma għandux jintefaq aktar minn 86.5 % tal-baġit fuq il-mobbiltà mal-Awstralja u n-New Zealand flimkien.
- L-Afrika sub-Saħarjana:
  - Għandu jintefaq minimu ta' 35 % tal-baġit fuq il-mobbiltà mal-pajjiżi l-inqas żviluppati (LDCs) tar-reġjun, b'enfasi speċjali fuq il-pajjiżi prijoritarji tal-migrazzjoni;
  - ma għandux jintefaq aktar minn 8 % tal-baġit fuq il-mobbiltà ma' kwalunkwe pajjiż.
- L-Amerka Latina:
  - Ma għandux jintefaq aktar minn 30 % tal-baġit fuq il-mobbiltà mal-Brażil u l-Messiku flimkien.
- Sħubija tal-Lvant:
  - Minimu ta' 40 % tal-baġit għandu jiġi allokat lil studenti b'inqas opportunitajiet.
- Viċinat tan-Nofsinhar:
  - Ma għandux jintefaq aktar minn 15 % tal-baġit fuq il-mobbiltà ma' kwalunkwe pajjiż;
  - Għandu jiġi allokat minimu ta' 65 % tal-fondi lill-istudenti, li 50 % minnhom għandhom ikunu studenti b'inqas opportunitajiet.
- Il-Balkani tal-Punent: l-enfasi għandha tkun fuq il-mobbiltà tal-istudenti.

Minħabba r-rekwiżit tal-kontribuzzjoni għall-objettivi tal-azzjoni esterna tal-UE, il-mobbiltajiet tal-ewwel u t-tieni ċiklu u fuq żmien qasir li l-istudenti wettqu mal-pajjiżi eliġibbli għall-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA)[47] fir-reġjuni 2-11 huma limitati għall-mobbiltà dieħla minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm. Il-mobbiltà ħierġa lejn dawn ir-reġjuni hija disponibbli biss għall-istudenti fil-livell ta' dottorat u għall-persunal.

Jekk l-applikant ikun ingħata proġett ta' mobbiltà appoġġat minn fondi ta' politika interna, il-flussi internazzjonali ta' mobbiltà ħierġa mhux eliġibbli msemmija hawn fuq għal dawn ir-reġjuni jistgħu jiġu ffinanzjati b'mod komplementari minn dan il-proġett ta' mobbiltà appoġġat minn fondi ta' politika interna.

Fl-aħħar nett, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jistgħu japplikaw għal 100 % tal-mobbiltà tal-persunal jew 100 % tal-mobbiltà tal-istudenti jew kwalunkwe kombinazzjoni tagħhom, sakemm dan ikun konformi ma' kwalunkwe kriterju tal-eliġibbiltà addizzjonali għall-proġetti stabbilit mill-Aġenzija Nazzjonali (ara t-taqsima li jmiss).

[47] Il-lista tal-pajjiżi li għalihom japplika dan ir-rekwiżit tista' tinsab fil-Lista tal-Pajjiżi tad-DAC li jirċievu l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp DAC-List-of-ODA-Recipients-for-reporting-2022-23-flows.pdf (oecd.org). Il-lista tad-DAC tiġi aġġornata perjodikament, biex il-pajjiżi jkunu jistgħu jiċċaqilqu minn kategorija għal oħra jew inkella joħorġu mil-lista. Madankollu, l-status tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) ta' pajjiż u r-restrizzjonijiet relattivi jibqgħu l-istess għaċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-proġetti taħt l-istess sejħa.

KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ ADDIZZJONALI GĦAL PROĠETTI TA' MOBBILTÀ APPOĠĠATI MINN FONDI TAL-POLITIKA ESTERNA STABBILITI MINN AĠENZIJI NAZZJONALI

Meta l-pakkett tal-baġit għal reġjun sieħeb partikolari jkun limitat, l-Aġenzija Nazzjonali tista' tagħżel li żżid kriterju tal-eliġibbiltà wieħed jew aktar mil-lista ta' hawn taħt:

- Jiġi limitat il-livell tal-lawrja għall-parteċipanti (pereżempju billi l-applikazzjonijiet jiġu limitati għal ċiklu wieħed jew tnejn biss – livell ta' baċellerat, master jew dottorat);
- Jiġi limitat it-tip ta' parteċipanti għal persunal jew għal studenti biss;
- Tiġi limitata d-durata tal-perjodi ta' mobbiltà (pereżempju tiġi limitata l-mobbiltà tal-istudenti għal sitt xhur, jew tiġi limitata l-mobbiltà tal-persunal għal għaxart ijiem).

Fl-eventwalità li Aġenzija Nazzjonali tiddeċiedi li tuża dawn il-kriterji tal-eliġibbiltà addizzjonali għall-proġetti, din id-deċiżjoni tkun ikkomunikata qabel id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, b'mod partikulari fuq is-sit web tal-Aġenzija Nazzjonali.

Kriterji għall-għoti

KRITERJI GĦALL-GĦOTI TA' PROĠETTI TA' MOBBILTÀ APPOĠĠATI MINN FONDI TA' POLITIKA INTERNA

Ma teżisti l-ebda valutazzjoni kwalitattiva (il-kwalità ġiet ivvalutata fil-fażi tal-applikazzjoni tal-ECHE jew meta kien qiegħed jintgħażel il-konsorzju tal-mobbiltà) u għaldaqstant ma jeżisti l-ebda kriterju għall-għoti.

Kwalunkwe applikazzjoni għal għotja eliġibbli (wara li tkun għaddiet mill-verifika tal-eliġibbiltà) tingħata finanzjament.

L-ammont massimu tal-għotja jiddependi fuq numru ta' elementi:

- in-numru ta' mobbiltajiet applikati għalihom;
- il-prestazzjoni tal-imgħoddi tal-applikant f'termini ta' numru ta' perjodi ta' mobbiltà, kwalità tajba fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet u tal-ġestjoni finanzjarja tajba, f'każ li l-applikant ikun irċieva għotja simili fis-snin ta' qabel;
- in-numru ta' programmi intensivi mħallta applikati għalihom;
- il-baġit nazzjonali totali allokat għall-azzjoni ta' mobbiltà għal proġetti ta' mobbiltà appoġġati minn fondi ta' politika interna.

KRITERJI GĦALL-GĦOTI GĦAL PROĠETTI TA' MOBBILTÀ APPOĠĠATI MILL-FONDI TAL-POLITIKA ESTERNA

L-applikazzjonijiet eliġibbli għall-għotja (wara li jkunu għaddew mill-verifika tal-eliġibbiltà) jiġu vvalutati abbażi tal-kriterji għall-għoti li ġejjin:

Kriterju għall-għoti fil-livell tal-proġett: **Kwalità tat-tfassil tal-proġett u arranġamenti ta' koperazzjoni** **(massimu ta' 40 punt)**	• Kemm l-organizzazzjoni applikanti tiddeskrivi b'ċarezza r-responsabbiltajiet, ir-rwoli u l-kompiti bejn is-sħab. • Il-kompletezza u l-kwalità tal-arranġamenti għall-għażla tal-parteċipanti, l-appoġġ li ngħatalhom u r-rikonoxximent tal-perjodu ta' mobbiltà tagħhom (b'mod partikolari fil-pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm).
Kriterju għall-għoti fil-livell tar-	Għal kull sħubija reġjonali:

reġjun: **Rilevanza tal-istrateġija** **(massimu ta' 40 punt)**	• Kemm il-proġett ta' mobbiltà ppjanat huwa rilevanti għall-istrateġija ta' internazzjonalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja involuti. • Ir-raġunament wara l-għażla tal-mobbiltà tal-persunal u/jew tal-istudenti Ir-raġunament wara l-immirar tal-kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet/organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni għolja f'pajjiżi speċifiċi fir-reġjun sieħeb.
Kriterju għall-għoti fil-livell tar-reġjun: **Impatt u tixrid** **(massimu ta' 20 punt)**	Għal kull sħubija reġjonali: • L-impatt potenzjali tal-proġett fuq il-parteċipanti, l-applikanti, l-organizzazzjonijiet sħab, fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali • Il-kwalità tal-miżuri mmirati lejn it-tixrid tar-riżultati tal-proġett ta' mobbiltà fil-livelli tal-fakultà u tal-istituzzjoni, u oltre minn hekk, fejn applikabbli, fil-pajjiżi kollha involuti.

L-applikant se jispjega kif il-proġett jissodisfa dawn it-tliet kriterji mill-perspettiva tal-istituzzjoni tiegħu stess (jew l-istituzzjonijiet fil-każ ta' applikazzjonijiet sottomessi minn konsorzji) u dik tal-istituzzjonijiet sħab fil-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm. Il-mistoqsija li tikkorrispondi għall-kriterju għall-għoti **Kwalità tad-disinn tal-proġett u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni** trid titwieġeb darba għall-proposta kollha tal-proġett, filwaqt li l-mistoqsijiet li jikkorrispondu għall-kriterji għall-għoti **Rilevanza tal-istrateġija** u **Impatt u tixrid** iridu jitwieġbu darba għal kull reġjun li l-applikant ikun qiegħed jippjana li jinvolvi fil-proġett.

L-applikanti għandhom jgħaqqdu l-proposta tagħhom fi "sħubijiet reġjonali", jiġifieri jirraggruppaw l-attivitajiet kollha li jinvolvu pajjiżi tal-istess reġjun. Kull sħubija reġjonali tingħata punteġġ separat. Il-ftehim reġjonali li jgħaqqad tal-inqas 60 punt, filwaqt li jilħaq il-livell limitu ta' 50 % għal kull kriterju tal-għotja ppreżentata fit-tabella, se jkun ikkunsidrat għal finanzjament.

L-għotja totali mogħtija lill-proġett tkun somma tal-għotjiet mogħtija lis-sħubijiet reġjonali li jkunu laħqu l-limitu minimu ta' kwalità, skont numru ta' elementi:

- in-numru ta' parteċipanti u d-durata tal-attività li għaliha ssir l-applikazzjoni;
- il-baġit allokat għal kull pajjiż jew reġjun;
- il-bilanċ ġeografiku f'reġjun partikolari.

Irrispettivament mill-punteġġ tas-sħubija reġjonali ogħla mil-limitu indikat, l-Aġenzija Nazzjonali tista' tagħti prijorità lill-mobbiltajiet ma' ċerti pajjiżi sabiex tiżgura l-bilanċ ġeografiku f'dak ir-reġjun, kif definit mill-miri ġeografiċi msemmija hawn fuq.

L-Aġenzija Nazzjonali ma hijiex obbligata li tiffinanzja l-mobbiltajiet kollha mitluba għal pajjiż terz partikolari mhux assoċjat mal-Programm, jekk it-talba titqies bħala eċċessiva fir-rigward tal-baġit disponibbli.

A) Regoli ta' finanzjament li japplikaw għall-attivitajiet kollha ta' mobbiltà fl-edukazzjoni għolja

Kategorija tal-baġit	Kostijiet eliġibbli u regoli applikabbli	Ammont

Appoġġ Organizzazzjonali	Il-kostijiet marbuta direttament mal-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' mobbiltà (bl-esklużjoni tas-sussistenza u l-ivvjaġġar għall-parteċipanti). **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji. **Regola tal-allokazzjoni:** abbażi tan-numru ta' parteċipanti fil-mobbiltà.	**Għal proġetti ta' mobbiltà appoġġati minn fondi ta' politika interna:** Sal-100 parteċipant: EUR 400 għal kull parteċipant, u lil hinn mill-100 parteċipant: EUR 230 għal kull parteċipant addizzjonali **Għal proġetti ta' mobbiltà appoġġati minn fondi tal-politika esterna:** EUR 500 għal kull parteċipant
Appoġġ għall-inklużjoni	**Appoġġ għall-inklużjoni għall-organizzazzjonijiet:** Kostijiet relatati mal-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' mobbiltà għal parteċipanti b'inqas opportunitajiet li jirrikjedu appoġġ addizzjonali abbażi ta' kostijiet reali. **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji **Regola tal-allokazzjoni:** abbażi tan-numru ta' parteċipanti b'inqas opportunitajiet li jirċievu appoġġ addizzjonali abbażi tal-kostijiet reali permezz tal-kategorija ta' appoġġ għall-inklużjoni.	EUR 100 għal kull parteċipant
	Appoġġ għall-inklużjoni għall-parteċipanti: Kostijiet addizzjonali relatati direttament ma' parteċipanti b'inqas opportunitajiet, li ma jistgħux jiġu koperti permezz tal-ammont ta' żieda għal appoġġ individwali għal parteċipanti b'inqas opportunitajiet. B'mod partikolari, dawn il-kostijiet għandhom l-għan li jkopru l-appoġġ finanzjarju addizzjonali meħtieġ għall-parteċipanti b'kundizzjonijiet fiżiċi, mentali jew relatati mas-saħħa biex jippermettu l-parteċipazzjoni tagħhom fil-mobbiltà kif ukoll fi żjarat preparatorji u għall-akkumpanjaturi (inklużi kostijiet relatati mal-ivvjaġġar u s-sussistenza, jekk dan ikun iġġustifikat u sakemm ma jkunx kopert permezz tal-kategoriji tal-baġit "appoġġ għall-ivvjaġġar" u "appoġġ individwali" għal dawn il-parteċipanti)[48].	100 % tal-kostijiet eliġibbli

[48] Fil-każ ta' akkumpanjaturi, jistgħu japplikaw ir-rati għall-persunal kif ukoll il-kostijiet eċċezzjonali għall-ivvjaġġar għali. F'każijiet eċċezzjonali, fejn l-akkumpanjatur ikun jeħtieġ joqgħod barra l-pajjiż għal aktar minn 60 jum, il-kostijiet żejda ta' sussistenza wara s-60 jum se jiġu appoġġati taħt l-intestatura tal-baġit "appoġġ għall-inklużjoni".

	Mekkaniżmu ta' finanzjament: kostijiet reali. **Regola tal-allokazzjoni:** it-talba trid tkun iġġustifikata mill-applikant u approvata mill-Aġenzija Nazzjonali.	
Kostijiet eċċezzjonali	Kostijiet għall-għoti ta' garanzija finanzjarja, jekk l-Aġenzija Nazzjonali titlob dan. Fil-każ ta' proġett ta' mobbiltà ffinanzjat b'fondi ta' politika interna: Kostijiet tal-ivvjaġġar għaljin tal-parteċipanti eliġibbli għall-appoġġ għall-ivvjaġġar. **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kostijiet reali. **Regola tal-allokazzjoni:** it-talba trid tkun iġġustifikata mill-applikant u approvata mill-Aġenzija Nazzjonali	**Kostijiet għal garanzija finanzjarja:** 80 % tal-kostijiet eliġibbli **Kostijiet tal-ivvjaġġar għaljin:** 80 % tal-kostijiet eliġibbli tal-ivvjaġġar

Għotja għal appoġġ organizzazzjonali għall-benefiċjarju (istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jew konsorzji):

L-appoġġ organizzazzjonali marbut mal-mobbiltajiet huwa kontribuzzjoni għal kwalunkwe kost imġarrab mill-istituzzjonijiet fir-rigward tal-attivitajiet ta' appoġġ għall-mobbiltà tal-istudenti u tal-persunal, kemm 'il ġewwa kif ukoll 'il barra, biex tinżamm konformità mal-Karta Erasmus għall-Edukazzjoni Għolja fl-Istati Membri tal-UE u fil-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm, u mal-prinċipji tal-ECHE kif riflessi fil-ftehimiet interistituzzjonali li sar qbil dwarhom fil-każ ta' istituzzjonijiet minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm. Pereżempju:

- l-arranġamenti organizzazzjonali mal-istituzzjonijiet sħab, inkluż żjarat lejn sħab potenzjali, biex jintlaħaq qbil dwar it-termini tal-ftehimiet interistituzzjonali għall-għażla, it-tħejjija, l-ospitabbiltà u l-integrazzjoni tal-parteċipanti mobbli; u biex dawn il-ftehimiet interistituzzjonali jinżammu aġġornati;
- l-għoti ta' katalogi tal-korsijiet aġġornati għall-istudenti internazzjonali;
- l-għoti ta' informazzjoni u assistenza lill-istudenti u l-persunal;
- l-għażla tal-istudenti u l-persunal;
- it-tħejjija tal-ftehimiet tal-apprendiment sabiex jiġi żgurat ir-rikonoxximent sħiħ tal-komponenti edukattivi tal-istudenti; it-tħejjija u r-rikonoxximent tal-ftehimiet ta' mobbiltà għall-persunal;
- it-tħejjija lingwistika u interkulturali pprovduta kemm għall-istudenti u għall-persunal li deħlin kif ukoll għal dawk li ħerġin, komplementarja għall-Appoġġ Lingwistiku Online tal-Erasmus+;
- l-iffaċilitar tal-integrazzjoni ta' parteċipanti mobbli li deħlin fil-HEI;
- l-iżgurar ta' arranġamenti ta' mentoraġġ u superviżjoni effiċjenti tal-parteċipanti mobbli;
- arranġamenti speċifiċi sabiex tiġi żgurata l-kwalità tat-traineeships tal-istudenti fl-intrapriżi/l-organizzazzjonijiet li jilqgħu;
- l-iżgurar tar-rikonoxximent tal-komponenti edukattivi u l-krediti relatati, bil-ħruġ ta' traskrizzjonijiet ta' rekords u supplimenti ta' diplomi;
- l-appoġġ għar-riintegrazzjoni tal-parteċipanti mobbli u li jkomplu jiġu żviluppati l-kompetenzi l-ġodda li jkunu kisbu għall-benefiċċju tal-HEI u l-pari;
- l-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Kard Ewropea tal-Istudenti (diġitalizzazzjoni tal-ġestjoni tal-mobbiltà);
- il-promozzjoni ta' modi ta' mobbiltà li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u proċeduri amministrattivi aktar ekoloġiċi;
- il-promozzjoni u l-ġestjoni tal-parteċipazzjoni ta' individwi b'inqas opportunitajiet;
- l-identifikazzjoni u l-promozzjoni ta' attivitajiet ta' involviment ċiviku u l-monitoraġġ tal-parteċipazzjoni f'tali attivitajiet;

- il-promozzjoni u l-ġestjoni tal-mobbiltà mħallta u/jew internazzjonali.

L-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jimpenjaw ruħhom biex jikkonformaw mal-prinċipji kollha tal-Karta ħalli jiżguraw mobbiltà ta' kwalità għolja, inklużi dawn: "jiżguraw li l-parteċipanti mobbli li jkunu ħerġin ikunu ppreparati sew għall-attivitajiet tagħhom barra mill-pajjiż, inkluża l-mobbiltà mħallta, billi jwettqu attivitajiet biex dawn jiksbu l-livell meħtieġ ta' profiċjenza lingwistika u jiżviluppaw il-kompetenzi interkulturali tagħhom" u "jipprovdu appoġġ lingwistiku xieraq lill-parteċipanti mobbli deħlin". Jista' jittieħed vantaġġ minn faċilitajiet eżistenti fl-istituzzjonijiet għat-taħriġ fil-lingwi. Dawk il-HEIs li jkunu jistgħu jipprovdu mobbiltà ta' kwalità għolja lill-istudenti u lill-persunal, inkluż appoġġ lingwistiku, b'kost irħas (jew minħabba li jkun iffinanzjat minn sorsi oħrajn li ma humiex finanzjament tal-UE) ikollhom il-possibbiltà li jittrasferixxu sehem tal-għotja tal-appoġġ organizzazzjonali ħalli jiffinanzjaw aktar attivitajiet ta' mobbiltà. Il-ftehim ta' għotja jispeċifika l-livell ta' flessibbiltà f'dan ir-rigward.

Fil-każijiet kollha, il-benefiċjarji se jkunu kuntrattwalment obbligati li jipprovdu tali servizzi ta' kwalità għolja u l-prestazzjoni tagħhom se tkun immonitorjata u kkontrollata mill-Aġenziji Nazzjonali, filwaqt li jitqiesu wkoll ir-rapporti tal-parteċipanti pprovduti mill-istudenti u l-persunal u dak direttament aċċessibbli għall-Aġenziji Nazzjonali u għall-Kummissjoni.

L-appoġġ organizzazzjonali huwa kkalkulat fuq in-numru tal-parteċipanti mobbli appoġġati kollha (inklużi parteċipanti mobbli b'għotja żero mill-fondi tal-Erasmus+ għall-perjodu kollu tal-mobbiltà – ara taħt dwar mobbiltajiet b'għotja żero – u persunal minn intrapriżi ta' tagħlim fil-HEI). Il-parteċipanti mobbli b'għotja żero mill-fondi tal-Erasmus+ għall-perjodu kollu tal-mobbiltà jgħoddu bħala parteċipanti mobbli appoġġati peress li jibbenefikaw mill-qafas ta' mobbiltà u mill-attivitajiet organizzazzjonali. Għalhekk jitħallas ukoll appoġġ organizzazzjonali għal dawn il-parteċipanti mobbli. Dan jeskludi l-persuni li jakkumpanjaw lill-parteċipanti matul l-attività tagħhom barra mill-pajjiż. Il-kalkolu tal-appoġġ organizzazzjonali ma jiżdiedx awtomatikament meta jiġu organizzati mobbiltajiet addizzjonali billi jiġu ttrasferiti fondi bejn il-kategoriji tal-baġit.

Fil-każ ta' konsorzji tal-mobbiltà, l-appoġġ organizzazzjonali riċevut jista' jiġi kondiviż bejn il-membri kollha skont ir-regoli li jkunu ftiehmu bejniethom.

Għal proġetti ta' mobbiltà appoġġati minn fondi tal-politika esterna, l-għotja tal-appoġġ organizzazzjonali se tkun kondiviża bejn is-sħab ikkonċernati fuq bażi aċċettabbli b'mod reċiproku li tkun ittieħdet deċiżjoni dwarha mill-istituzzjonijiet parteċipanti.

Parteċipanti mobbli b'għotja żero mill-Fondi tal-UE tal-Erasmus+

L-istudenti u l-persunal b'għotja żero mill-fondi tal-UE tal-Erasmus+ huma parteċipanti mobbli li ma jirċevux għotja tal-Erasmus+ relatata mal-ivvjaġġar u s-sussistenza, iżda li jissodisfaw b'mod ieħor il-kriterji kollha ta' mobbiltà tal-istudenti u l-persunal u li jibbenefikaw mill-vantaġġi kollha billi huma studenti u persunal tal-Erasmus+. Dawn jistgħu jirċievu fond tal-UE mhux tal-Erasmus+ (FSE, eċċ.) jew għotja nazzjonali, reġjonali jew tip ieħor ta' għotja bħala kontribuzzjoni għall-kostijiet ta' mobbiltà tagħhom. In-numru ta' parteċipanti mobbli b'għotja żero mill-fondi tal-UE tal-Erasmus+ għall-perjodu ta' mobbiltà kollu jgħodd fl-istatistika għall-indikatur tal-prestazzjoni użat sabiex jalloka l-baġit tal-UE bejn il-pajjiżi.

Appoġġ għall-inklużjoni

Persuna b'inqas opportunitajiet tiffaċċja kundizzjonijiet personali, fiżiċi, mentali jew relatati mas-saħħa li jagħmlu l-parteċipazzjoni fl-azzjoni tal-proġett/mobbiltà impossibbli mingħajr appoġġ finanzjarju supplimentari jew appoġġ ieħor. L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja li jkunu għażlu studenti u/jew persunal b'inqas opportunitajiet jistgħu japplikaw għal appoġġ ta' għotja addizzjonali mal-Aġenzija Nazzjonali biex ikopru l-kostijiet supplimentari għall-parteċipazzjoni tagħhom fl-attivitajiet ta' mobbiltà. Għall-parteċipanti b'inqas opportunitajiet, b'mod partikolari dawk b'kundizzjonijiet

fiżiċi, mentali jew relatati mas-saħħa, l-appoġġ ta' għotja jista' għalhekk ikun ogħla mill-ammont massimu ta' għotja individwali stabbilit hawn taħt. L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja se jiddeskrivu fuq is-sit web tagħhom kif l-istudenti u l-persunal b'inqas opportunitajiet jistgħu jitolbu u jiġġustifikaw tali appoġġ ta' għotja addizzjonali.

Il-finanzjament addizzjonali għall-istudenti u l-persunal b'inqas opportunitajiet jista' jiġi pprovdut ukoll minn sorsi oħrajn fil-livell lokali, reġjonali u/jew nazzjonali.

Kull istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja, billi tiffirma l-Karta Erasmus għall-Edukazzjoni Għolja, timpenja ruħha li tiżgura aċċess u opportunitajiet ugwali għall-parteċipanti minn kull sfond. Għaldaqstant, l-istudenti u l-persunal b'inqas opportunitajiet jistgħu jibbenefikaw mis-servizzi ta' appoġġ li l-istituzzjoni li tilqa' toffri lill-istudenti u lill-persunal lokali tagħha.

Kostijiet eċċezzjonali għall-ivvjaġġar għali

Huma biss il-parteċipanti eliġibbli għal appoġġ għall-ivvjaġġar li jipparteċipaw fi proġetti ta' mobbiltà appoġġati minn fondi ta' politika interna li huma eliġibbli għal kostijiet eċċezzjonali għall-ivvjaġġar għali.

Il-benefiċjarji tal-proġetti ta' mobbiltà se jitħallew jitolbu appoġġ finanzjarju għall-kostijiet tal-ivvjaġġar għaljin tal-parteċipanti skont l-intestatura tal-baġit "kostijiet eċċezzjonali" (80 % tal-kostijiet totali eliġibbli). Dan se jkun permess diment li l-benefiċjarji jkunu jistgħu jiġġustifikaw li r-regoli tal-finanzjament (ibbażati fuq il-kostijiet unitarji għal kull medda tad-distanza tal-ivvjaġġar) ma jkoprux tal-inqas 70 % tal-kostijiet tal-ivvjaġġar tal-parteċipanti. Jekk jingħataw, il-kostijiet eċċezzjonali għall-ivvjaġġar għali jissostitwixxu l-appoġġ għall-ivvjaġġar.

Sorsi oħrajn ta' finanzjament

Apparti l-għotja tal-Erasmus+, jew minbarra l-għotja tal-Erasmus+ (parteċipanti mobbli b'għotja żero mill-fondi tal-UE), l-istudenti u l-persunal jistgħu jirċievu għotja reġjonali, nazzjonali jew ta' kwalunkwe tip ieħor, ġestita minn organizzazzjoni oħra li ma hijiex l-Aġenzija Nazzjonali (eż. Ministeru jew awtoritajiet reġjonali). L-għotjiet tal-Erasmus+ jistgħu jiġu ssostitwiti wkoll minn fondi oħrajn mill-baġit tal-UE (FSE, eċċ.). L-għotjiet ipprovduti minn sorsi oħrajn ta' finanzjament apparti l-baġit tal-UE ma humiex soġġetti għall-ammonti u l-meded minimi/massimi stabbiliti f'dan id-dokument.

L-organizzazzjonijiet riċeventi għat-traineeships jistgħu jipprovdu appoġġ finanzjarju jew kontribuzzjoni *in natura* lit-trainees.

B) Appoġġ ta' għotja għall-mobbiltà tal-istudenti

Appoġġ individwali għall-mobbiltà fiżika – ammonti bażi għall-mobbiltà fit-tul

L-istudenti jistgħu jirċievu għotja ta' appoġġ individwali bħala kontribuzzjoni għall-kostijiet tal-ivvjaġġar u s-sussistenza tagħhom relatati mal-perjodu ta' studju jew mat-traineeships barra mill-pajjiż.

Għall-mobbiltà bejn l-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm u pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm mir-Reġjuni 13 u 14, l-ammonti ta' kull xahar se jiġu ddefiniti mill-Aġenziji Nazzjonali bi qbil mal-Awtoritajiet Nazzjonali, u/jew mal-HEIs abbażi ta' kriterji oġġettivi u trasparenti kif deskritt hawn taħt. L-ammonti eżatti se jiġu ppubblikati fuq is-siti web tal-Aġenziji Nazzjonali u tal-HEIs.

L-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm u l-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm mir-Reġjuni 13 u 14[49] huma maqsuma fit-tliet gruppi li ġejjin:

Grupp 1 Pajjiżi b'għoli tal-ħajja ogħla	Id-Danimarka, il-Finlandja, l-Iżlanda, l-Irlanda, il-Liechtenstein, il-Lussemburgu, in-Norveġja, l-Iżvezja. Pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm mir-Reġjun 14.
Grupp 2 Pajjiżi b'għoli tal-ħajja medju	L-Awstrija, il-Belġju, Ċipru, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, Malta, in-Netherlands, il-Portugall, Spanja. Pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm mir-Reġjun 13.
Grupp 3 Pajjiżi b'għoli tal-ħajja aktar baxx	Il-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Maċedonja ta' Fuq, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Serbja, is-Slovakkja, is-Slovenja, it-Turkija.

L-appoġġ ta' għotja individwali tal-UE tal-Erasmus+ li tingħata lill-istudenti se tiddependi fuq il-fluss tal-mobbiltà tagħhom bejn il-pajjiżi li jibagħtu u dawk li jilqgħu tal-istudent, kif ġej:

- il-mobbiltà lejn pajjiż b'għoli tal-ħajja simili: l-istudenti se jirċievu l-għotja tal-UE ta' medda medja;
- il-mobbiltà lejn pajjiż b'għoli tal-ħajja ogħla: l-istudenti se jirċievu l-għotja tal-UE ta' medda ogħla;
- il-mobbiltà lejn pajjiż b'għoli tal-ħajja aktar baxx: l-istudenti se jirċievu l-għotja tal-UE ta' medda baxxa.

L-ammonti ddefiniti mill-Aġenziji Nazzjonali se jkunu stabbiliti fil-meded minimi u massimi li ġejjin:

- **Għotja tal-UE ta' medda medja:** medda medja, bejn EUR 292 u EUR 606 fix-xahar, se tapplika għall-attivitajiet ta' mobbiltà lejn pajjiż b'għoli tal-ħajja simili: a) mill-Grupp 1 lejn il-Grupp 1, b) mill-Grupp 2 lejn il-Grupp 2 u c) mill-Grupp 3 lejn il-Grupp 3.

- **Għotja tal-UE ta' medda ogħla**: tikkorrispondi għall-medda medja applikata mill-Aġenzija Nazzjonali, kif ukoll mill-inqas EUR 50 u bejn EUR 348 u EUR 674 fix-xahar. Din tapplika għall-attivitajiet ta' mobbiltà lejn pajjiż b'għoli tal-ħajja ogħla: a) pajjiżi tal-Grupp 2 lejn il-Grupp 1 u b) pajjiżi tal-Grupp 3 lejn il-Grupp 1 u l-Grupp 2.

- **Għotja tal-UE ta' medda baxxa:** tikkorrispondi għall-medda medja applikata mill-Aġenzija Nazzjonali bi tnaqqis ta' mill-inqas EUR 50 u bejn EUR 225 u EUR 550 fix-xahar. Din tapplika għall-attivitajiet ta' mobbiltà lejn pajjiż b'għoli tal-ħajja aktar baxx: a) pajjiżi mill-Grupp 1 lejn il-Grupp 2 u 3 u b) mill-Grupp 2 lejn il-Grupp 3.

Meta jiġu ddefiniti l-ammonti li għandhom jiġu applikati mill-benefiċjarji f'pajjiżhom, l-Aġenziji Nazzjonali se jikkunsidraw żewġ kriterji speċifiċi:

- id-disponibbiltà u l-livell ta' sorsi oħrajn ta' kofinanzjament minn korpi privati jew pubbliċi fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali sabiex jissupplimentaw l-għotja tal-UE;
- il-livell ġenerali tad-domanda tal-istudenti li beħsiebhom jistudjaw jew jirċievu taħriġ barra l-pajjiż.

[49] Pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm mir-reġjuni 13 u 14 huma biss pajjiżi li jilqgħu.

Għall-attivitajiet ta' mobbiltà bejn l-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm u l-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm mir-Reġjuni 13 u 14, l-Aġenziji Nazzjonali jistgħu jiddeċiedu li jagħtu flessibbiltà lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja tagħhom billi jistabbilixxu meded minflok ammonti fil-livell nazzjonali. Dan għandu jkun ibbażat fuq raġunijiet iġġustifikati, pereżempju f'pajjiżi fejn ikun disponibbli kofinanzjament fil-livell reġjonali jew istituzzjonali.

L-ISTUDENTI U L-GRADWATI REĊENTI B'INQAS OPPORTUNITAJIET - AMMONT SUPPLIMENTARI GĦALL-APPOĠĠ INDIVIDWALI GĦALL-MOBBILTÀ FIT-TUL

L-istudenti u l-gradwati reċenti b'inqas opportunitajiet jirċievu ammont supplimentari għall-appoġġ individwali tal-għotja tal-UE tal-Erasmus+ tagħhom b'ammont ta' EUR 250 fix-xahar. Il-kriterji li għandhom jiġu applikati huma ddefiniti fil-livell nazzjonali mill-Aġenziji Nazzjonali bi ftehim mal-Awtoritajiet Nazzjonali.

L-ISTUDENTI U L-GRADWATI REĊENTI B'APPRENDISTATI - AMMONT SUPPLIMENTARI GĦALL-APPOĠĠ INDIVIDWALI GĦALL-MOBBILTÀ FIT-TUL

L-istudenti u l-gradwati reċenti li jwettqu traineeships se jirċievu ammont supplimentari addizzjonali mal-appoġġ individwali mill-għotja tal-UE tal-Erasmus+ b'ammont ta' EUR 150 fix-xahar. L-istudenti u l-gradwati reċenti b'inqas opportunitajiet li jieħdu sehem fi traineeships huma intitolati jirċievu l-ammont supplimentari għall-istudenti u l-gradwati reċenti b'inqas opportunitajiet u l-ammont supplimentari għat-traineeships.

STUDENTI U GRADWATI REĊENTI MIR-REĠJUNI ULTRAPERIFERIĊI U MILL-PTEE FUQ MOBBILTÀ FIT-TUL

B'kunsiderazzjoni tar-restrizzjonijiet imposti mill-pożizzjoni remota minn Stati Membri oħrajn tal-UE u l-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm u l-livell ekonomiku, l-istudenti u l-gradwati reċenti li jkunu qegħdin jistudjaw jew li jkunu studjaw f'istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja li jinsabu fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Istati Membri tal-UE, u Pajjiżi u Territorji Ekstra-Ewropej (PTEE) assoċjati mal-Istati Membri tal-UE se jirċievu l-ammonti ogħla li ġejjin għal appoġġ individwali:

Minn	Sa	Ammont
Ir-reġjuni ultraperiferiċi u l-PTEE	L-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm u l-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm mir-reġjuni 13 u 14.	EUR 786 fix-xahar

F'dan il-każ, l-ammont supplimentari għall-istudenti u l-gradwati reċenti b'inqas opportunitajiet mhux se japplika. Japplika l-ammont supplimentari għat-traineeships.

STUDENTI U GRADWATI REĊENTI FUQ MOBBILTÀ INTERNAZZJONALI FIT-TUL LI TINVOLVI PAJJIŻI TERZI MHUX ASSOĊJATI MAL-PROGRAMM

L-ammont bażi għall-appoġġ individwali huwa stabbilit kif ġej:

Minn	Sa	Ammont
L-Istati Membri tal-UE u pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm	Pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm mir-Reġjuni 1-12.	EUR 700 fix-xahar
L-Istati Membri tal-UE u pajjiżi terzi	Pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-	Kif deskritt hawn fuq fit-taqsima "Appoġġ ta' għotja għall-mobbiltà

assoċjati mal-Programm	Programm mir-Reġjuni 13 u 14.	tal-istudenti – Appoġġ individwali għall-mobbiltà fiżika”
Pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm mir-Reġjuni 1-12.	Grupp 1 tal-Istati Membri tal-UE u pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm	EUR 900 fix-xahar
	Grupp 2 tal-Istati Membri tal-UE u pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm	EUR 850 fix-xahar
	Grupp 3 tal-Istati Membri tal-UE u pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm	EUR 800 fix-xahar

F’dan il-każ se japplika l-ammont supplimentari għall-istudenti u l-gradwati reċenti b’inqas opportunitajiet.

L-ammont supplimentari għat-traineeships se japplika biss fil-każ ta’ mobbiltà lejn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm mir-Reġjuni 13 u 14.

L-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm jinkludu r-reġjuni ultraperiferiċi u l-PTEE.

STUDENTI U GRADWATI REĊENTI DWAR IL-MOBBILTÀ FIŻIKA GĦAL PERJODU QASIR – AMMONTI BAŻI TA’ APPOĠĠ INDIVIDWALI (MOBBILTÀ MĦALLTA U MOBBILTÀ GĦAL PERJODU QASIR GĦAD-DOTTORAT)

L-ammonti bażi għall-appoġġ individwali huma stabbiliti kif ġej:

Durata tal-attività fiżika	**Ammont (għal kwalunkwe Stat Membru tal-UE u pajjiż terz assoċjat mal-Programm jew pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm)**
Sal-14-il jum ta’ attività	EUR 79 għal kull jum
mill-15-il jum sat-30 jum ta’ attività	EUR 56 għal kull jum

Jum ta’ vjaġġar wieħed qabel l-attività u jum ta’ vjaġġar wieħed wara l-attività jistgħu jiġu koperti wkoll mill-appoġġ individwali.

STUDENTI U GRADWATI REĊENTI B’INQAS OPPORTUNITAJIET - AMMONT SUPPLIMENTARI GĦALL-APPOĠĠ INDIVIDWALI GĦALL-MOBBILTÀ FIŻIKA FUQ PERJODU QASIR

L-istudenti u l-gradwati reċenti b’inqas opportunitajiet jirċievu ammont supplimentari għall-appoġġ individwali mill-għotja tal-UE tal-Erasmus+ tagħhom ta’ ammont ta’ EUR 100 għal perjodu ta’ attività ta’ mobbiltà fiżika ta’ bejn 5 ijiem u 14-il jum u EUR 150 għal dak ta’ bejn 15 u 30 jum. Il-kriterji li għandhom jiġu applikati huma ddefiniti fil-livell nazzjonali mill-Aġenziji Nazzjonali bi ftehim mal-Awtoritajiet Nazzjonali.

L-ammont supplimentari għat-traineeships mhux se japplika f’dan il-każ.

L-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm jinkludu r-reġjuni ultraperiferiċi u l-PTEE.

STUDENTI U GRADWATI REĊENTI LI MA JIRĊEVUX APPOĠĠ GĦALL-IVVJAĠĠAR - AMMONT SUPPLIMENTARI GĦALL-APPOĠĠ INDIVIDWALI GĦALL-IVVJAĠĠAR EKOLOĠIKU

L-istudenti u l-gradwati riċenti li ma jirċevux il-kategorija tal-baġit tal-appoġġ għall-ivvjaġġar jistgħu jagħżlu vjaġġar ekoloġiku wkoll. F’dan il-każ, dawn se jirċievu kontribuzzjoni unika ta’ EUR 50 bħala ammont supplimentari għall-appoġġ

individwali u sa erbat ijiem ta' appoġġ individwali addizzjonali sabiex ikopru l-jiem tal-ivvjaġġar għal vjaġġ ta' ritorn, jekk rilevanti.

Appoġġ għall-ivvjaġġar

Il-parteċipanti li ġejjin se jirċievu l-ammonti ta' appoġġ għall-ivvjaġġar ta' hawn taħt sabiex jiġu appoġġati fil-kopertura tal-kostijiet tal-ivvjaġġar tagħhom (bl-eċċezzjoni ta' dawk li għalihom tapplika n-nonparteċipazzjoni deskritta hawn taħt):

- studenti u gradwati reċenti li jkunu qegħdin jistudjaw jew li jkunu studjaw f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja li jinsabu fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Istati Membri tal-UE, f'Ċipru, l-Iżlanda, Malta, u f'Pajjiżi u Territorji Ekstra-Ewropej (PTEE) assoċjati mal-Istati Membri tal-UE u li sejrin lejn Stati Membri tal-UE u pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm jew pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm mir-Reġjuni 13 jew 14;
- studenti u gradwati reċenti b'inqas opportunitajiet fuq mobbiltà għal fuq perjodu qasir; kif ukoll
- studenti ħerġin u deħlin u gradwati reċenti fil-mobbiltà internazzjonali li tinvolvi pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, ħlief ir-Reġjuni 13 u 14.

Distanzi tal-ivvjaġġar[50]	**F'każ ta' vjaġġar standard**	**F'każ ta' vjaġġar ekoloġiku**
Bejn 10 u 99 km:	EUR 23 għal kull parteċipant	
Bejn 100 u 499 km:	EUR 180 għal kull parteċipant	EUR 210 għal kull parteċipant
Bejn 500 u 1999 km:	EUR 275 għal kull parteċipant	EUR 320 għal kull parteċipant
Bejn 2000 u 2999 km:	EUR 360 għal kull parteċipant	EUR 410 għal kull parteċipant
Bejn 3000 u 3999 km:	EUR 530 għal kull parteċipant	EUR 610 għal kull parteċipant
Bejn 4000 u 7999 km:	EUR 820 għal kull parteċipant	
8000 km jew aktar:	EUR 1500 għal kull parteċipant	

L-istudenti u l-gradwati reċenti li jagħżlu vjaġġar ekoloġiku se jirċievu sa erbat ijiem ta' appoġġ individwali addizzjonali sabiex ikopru l-jiem tal-ivvjaġġar għal vjaġġ ta' ritorn, jekk rilevanti.

Fi proġetti ta' mobbiltà appoġġati minn fondi ta' politika interna, il-benefiċjarji tal-għotjiet jistgħu jagħżlu li ma jipprovdux appoġġ għall-ivvjaġġar għall-istudenti eliġibbli kollha u għall-gradwati reċenti kollha fuq mobbiltà mill-Istati Membri tal-UE u minn pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm lil pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm. L-istudenti u l-gradwati reċenti b'inqas opportunitajiet ma humiex inklużi f'din in-nonparteċipazzjoni u dejjem iridu jirċievu appoġġ għall-ivvjaġġar.

[50] Abbażi tad-distanza tal-ivvjaġġar għal kull parteċipant. Id-distanzi tal-ivvjaġġar iridu jiġu kkalkulati billi jintuża l-kalkulatur tad-distanza appoġġat mill-Kummissjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/tools/distance_mt.htm). Id-distanza ta' vjaġġ f'direzzjoni waħda trid tintuża sabiex jiġi kkalkulat l-ammont tal-għotja tal-UE li se tappoġġa l-vjaġġ 'l hemm u lura.

C) APPOĠĠ TA' GĦOTJA GĦALL-MOBBILTÀ TAL-PERSUNAL

Il-persunal se jirċievi għotja mill-UE bħala kontribuzzjoni għall-kostijiet tiegħu għall-ivvjaġġar u s-sussistenza matul il-perjodu barra l-pajjiż kif ġej:

Kategorija tal-baġit	Kostijiet eliġibbli u regoli applikabbli	Ammont		
		Distanza tal-ivvjaġġar	**Vjaġġar standard**	**Vjaġġar ekoloġiku**
Appoġġ għall-ivvjaġġar	Il-kontribuzzjoni għall-kostijiet tal-ivvjaġġar tal-parteċipanti, mill-post tal-oriġini tagħhom għall-post tal-attività u lura. **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji. **Regola tal-allokazzjoni:** abbażi tad-distanza tal-ivvjaġġar għal kull parteċipant. L-applikant jeħtieġlu jindika d-distanza bejn il-post tal-oriġini u l-post tal-attività[51] billi juża l-kalkulatur tad-distanza appoġġat mill-Kummissjoni Ewropea[52].	10 – 99 km	EUR 23	
		100 – 499 km	EUR 180	EUR 210
		500 – 1999 km	EUR 275	EUR 320
		2000 – 2999 km	EUR 360	EUR 410
		3000 – 3999 km	EUR 530	EUR 610
		4000 – 7999 km	EUR 820	
		8000 km jew aktar	EUR 1,500	
Appoġġ individwali	Kostijiet relatati direttament mas-sussistenza tal-parteċipanti matul l-attività. **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji. **Regola tal-allokazzjoni:** abbażi tad-durata tas-soġġorn għal kull parteċipant (jekk ikun hemm bżonn, inkluż ukoll jum ta' vjaġġar wieħed qabel l-attività u jum ta' vjaġġar ieħor wara l-attività) Il-persunal li jagħżel l-ivvjaġġar ekoloġiku se jirċievi sa erbat ijiem ta' appoġġ individwali addizzjonali sabiex ikopri l-jiem tal-ivvjaġġar għal vjaġġ ta' ritorn, jekk rilevanti.	Sal-14-il jum ta' attività:tabella A1.1, għal kull jum għal kull parteċipant mill-Istati Membri tal-UE u minn pajjiżi terzi assoċjati mal-programm jew it-tabella A1.2, għal kull jum għal kull parteċipant minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-programm bejn il-15-il jum u s-60 jum ta' attività: 70 % tat-tabella A1.1, għal kull jum għal kull parteċipant mill-Istati Membri tal-UE u minn pajjiżi terzi assoċjati mal-programm jew 70 % tat-tabella A1.2, għal kull jum għal kull parteċipant minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-programm		

[51] Pereżempju, jekk persuna minn Madrid (Spanja) qed tieħu sehem f'attività li qed issir f'Ruma (l-Italja), l-applikant jikkalkula d-distanza minn Madrid sa Ruma (1365.28 KM) u mbagħad jagħżel il-medda tad-distanza tal-ivvjaġġar applikabbli (jiġifieri bejn 500 u 1,999 km).
[52] http://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/tools/distance_mt.htm

Tabella A – Appoġġ individwali (ammonti f'euro għal kull jum)

L-ammonti jiddependu fuq il-pajjiż li jilqa'. Dawn l-ammonti jiġu stabbiliti fil-meded minimi u massimi pprovduti fit-tabella ta' hawn taħt. Meta jiġu ddefiniti l-ammonti li għandhom jiġu applikati mill-benefiċjarji f'pajjiżhom, l-Aġenziji Nazzjonali, bi qbil mal-Awtoritajiet Nazzjonali, se jikkunsidraw żewġ kriterji speċifiċi:

- id-disponibbiltà u l-livell ta' sorsi oħrajn ta' kofinanzjament minn korpi privati jew pubbliċi fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali sabiex jissupplimentaw l-għotja tal-UE;
- il-livell ġenerali tad-domanda tal-persunal li għandu l-ħsieb li jgħallem jew jirċievi taħriġ barra l-pajjiż.

L-istess perċentwal fil-medda għandu jiġi applikat għall-pajjiżi destinatarji kollha. Ma huwiex possibbli li jingħata l-istess ammont għall-pajjiżi destinatarji kollha.

Pajjiż li jilqa'	**Persunal mill-Istati Membri tal-UE u minn pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm**	**Persunal minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm**
	Minimu-Massimu (għal kull jum)	**Ammont (għal kull jum)**
	A1.1	**A1.2**
Id-Danimarka, il-Finlandja, l-Iżlanda, l-Irlanda, il-Liechtenstein, il-Lussemburgu, in-Norveġja, l-Iżvezja	90-180	180
Pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm mir-Reġjun 14	90-180	Mhux eliġibbli
L-Awstrija, il-Belġju, Ċipru, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, Malta, in-Netherlands, il-Portugall, Spanja	79-160	160
Pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm mir-Reġjun 13	79-160	Mhux eliġibbli
Il-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Maċedonja ta'	67-140	140

Fuq, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Serbja, is-Slovakkja, is-Slovenja, it-Turkija		
Pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm mir-Reġjuni 1-12	180	Mhux eliġibbli

Għall-attivitajiet ta' mobbiltà bejn l-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm u l-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm mir-Reġjuni 13 u 14, l-Aġenziji Nazzjonali jistgħu jiddeċiedu li jagħtu flessibbiltà lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja tagħhom billi jistabbilixxu meded minflok ammonti fil-livell nazzjonali. Dan għandu jkun ibbażat fuq raġunijiet iġġustifikati, pereżempju f'pajjiżi fejn ikun disponibbli kofinanzjament fil-livell reġjonali jew istituzzjonali. L-ammonti eżatti se jiġu ppubblikati fuq is-sit web ta' kull Aġenzija Nazzjonali u tal-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja.

D) LIVELL TA' APPOĠĠ FINANZJARJU GĦALL-ISTUDENTI U L-PERSUNAL DEFINIT MILL-ISTITUZZJONIJIET TAL-EDUKAZZJONI GĦOLJA U L-KONSORZJI TAL-MOBBILTÀ

Fil-każijiet kollha, il-HEIs u l-konsorzji tal-mobbiltà se jkunu meħtieġa jħarsu l-prinċipji u l-kriterji li ġejjin meta jiddefinixxu u/jew japplikaw ir-rati tal-UE fi ħdan l-istituzzjoni tagħhom:

- Ladarba r-rati jkunu ġew iddefiniti mill-istituzzjonijiet/il-konsorzji, dawn għandhom jibqgħu l-istess matul id-durata tal-proġett ta' mobbiltà. Ma huwiex possibbli li jitnaqqas jew jiżdied il-livell ta' għotjiet fl-istess proġett.
- Ir-rati jridu jiġu ddefiniti u/jew applikati b'mod oġġettiv u trasparenti, filwaqt li jitqiesu l-prinċipji kollha u l-metodoloġija deskritta hawn fuq (jiġifieri b'kunsiderazzjoni tal-fluss tal-mobbiltà kif ukoll il-finanzjament speċifiku addizzjonali).
- L-istess livell ta' għotja jrid jingħata lill-istudenti kollha li jmorru fl-istess grupp ta' pajjiżi għall-istess tip ta' mobbiltà – studji jew traineeships (ħlief għall-istudenti u l-gradwati reċenti b'inqas opportunitajiet jew minn Stati Membri tal-UE ultraperiferiċi u pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm, reġjuni ultraperiferiċi u PTEE).

E) Programmi intensivi mħallta

Kategorija tal-baġit	Kostijiet eliġibbli u regoli applikabbli	Ammont
Appoġġ Organizzazzjonali	Kostijiet relatati direttament mal-organizzazzjoni tal-programmi intensivi (bl-esklużjoni tal-kostijiet tas-sussistenza u tal-ivvjaġġar għall-parteċipanti). **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji. **Regola tal-allokazzjoni:** abbażi tan-numru ta' parteċipanti fil-mobbiltà tal-edukazzjoni għolja (studenti) iffinanzjati minn proġetti ta' mobbiltà appoġġati minn fondi ta' politika interna,	EUR 400 għal kull parteċipant, b'minimu ta' 15 u b'massimu ta' 20 parteċipant mobbli tal-Erasmus+ iffinanzjat

	mingħajr ma jitqiesu l-għalliema/il-ħarrieġa involuti fit-twettiq tal-programm. L-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja li tikkoordina tapplika għall-appoġġ tal-organizzazzjoni f'isem il-grupp ta' istituzzjonijiet li jorganizzaw b'mod konġunt il-programm intensiv imħallat.	

L-għotja ta' appoġġ organizzazzjonali għall-programmi intensivi mħallta hija kontribuzzjoni għal kwalunkwe kost imġarrab mill-istituzzjonijiet involuti fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-programmi intensivi mħallta, bħall-kostijiet relatati mat-tħejjija, id-disinn, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u s-segwitu tal-programmi, inkluż it-twettiq ta' attivitajiet fiżiċi u virtwali/remoti kif ukoll il-ġestjoni u l-koordinazzjoni kumplessivi.

Il-HEI li tikkoordina hija responsabbli għall-kondiviżjoni tal-għotja ta' appoġġ organizzazzjonali għal programmi intensivi mħallta fost is-sħubija fejn jiġġarrbu l-kostijiet imsemmija hawn fuq.

AKKREDITAZZJONI TAL-ERASMUS FL-OQSMA TAL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ VOKAZZJONALI, L-EDUKAZZJONI SKOLASTIKA U L-EDUKAZZJONI GĦALL-ADULTI

L-akkreditazzjoni tal-Erasmus hija għodda għall-organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET), l-edukazzjoni skolastika u l-edukazzjoni għall-adulti li jridu jinfetħu għall-iskambju u l-kooperazzjoni transfruntiera. L-għoti tal-akkreditazzjoni tal-Erasmus jikkonferma li l-applikant ikun stabbilixxa pjan sabiex jimplimenta attivitajiet ta' mobbiltà ta' kwalità għolja bħala parti minn sforz usa' sabiex jiżviluppa l-organizzazzjoni tiegħu. Dan il-pjan jissejjaħ Pjan Erasmus u huwa parti ewlenija mill-applikazzjoni għal akkreditazzjoni tal-Erasmus.

L-applikanti jistgħu japplikaw għal akkreditazzjoni individwali tal-Erasmus għall-organizzazzjoni tagħhom, jew għal akkreditazzjoni tal-Erasmus għall-koordinaturi ta' konsorzju ta' mobbiltà, kif spjegat hawn taħt. Mhix meħtieġa esperjenza preċedenti fil-Programm biex wieħed japplika.

L-organizzazzjonijiet li diġà għandhom akkreditazzjoni tal-Erasmus jistgħu jingħataw tikketta ta' eċċellenza sabiex tiġi rrikonoxxuta l-ħidma preċedenti u d-dedikazzjoni tagħhom għall-kwalità.

KIF TAĊĊESSA L-OPPORTUNITAJIET TA' MOBBILTÀ B'AKKREDITAZZJONI TAL-ERASMUS?

Applikanti li jirnexxu għall-akkreditazzjoni tal-Erasmus jiksbu aċċess simplifikat għal opportunitajiet ta' finanzjament tal-Azzjoni Ewlenija 1 fil-forma ta' proġetti ta' mobbiltà akkreditati ppreżentati f'din il-Gwida.

OBJETTIVI TAL-AZZJONI

FIT-TLIET OQSMA KOLLHA:

Tisħiħ tad-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim u tal-apprendiment billi:

- jiġu promossi l-valuri tal-inklużjoni u tad-diversità, tat-tolleranza u tal-parteċipazzjoni demokratika
- jiġi promoss l-għarfien dwar il-wirt u d-diversità komuni Ewropej
- jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' networks professjonali madwar l-Ewropa

FIL-QASAM TAL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ VOKAZZJONALI:

Kontribuzzjoni għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u d-Dikjarazzjoni ta' Osnabrück[53] u għall-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa[54], u għall-ħolqien taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni billi:

- tittejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali u kontinwi (IVET u CVET)
- jissaħħu l-kompetenzi ewlenin u l-ħiliet trażversali, b'mod partikolari l-apprendiment tal-lingwi u l-ħiliet diġitali
- jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' ħiliet speċifiċi għall-impjiegi meħtieġa fis-suq tax-xogħol attwali u futur
- jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki u jiġi promoss l-użu ta' metodi u teknoloġiji pedagoġiċi ġodda u innovattivi, u jiġi appoġġat l-iżvilupp professjonali tal-għalliema, tal-ħarrieġa, tal-mentors u ta' persunal ieħor fil-VET
- tinbena l-kapaċità tal-forniturі tal-VET biex iwettqu proġetti ta' mobbiltà ta' kwalità għolja, u l-kapaċità tagħhom li jifformaw sħubijiet ta' kwalità filwaqt li jiżviluppaw l-istrateġija ta' internazzjonalizzazzjoni tagħhom

[53] https://www.cedefop.europa.eu/files/osnabrueck_declaration_eu2020.pdf
[54] https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1223

- il-mobbiltà ssir possibbiltà realistika għal kwalunkwe student fl-IVET u s-CVET, u tiżdied id-durata medja tal-mobbiltà għall-istudenti tal-VET biex tittejjeb il-kwalità u jiżdied l-impatt tagħha
- jitrawmu l-kwalità, it-trasparenza u r-rikonoxximent tal-eżiti tal-apprendiment tal-perjodi ta' mobbiltà barra l-pajjiż, speċjalment permezz ta' għodod u strumenti Ewropej għal dan l-iskop

FIL-QASAM TAL-EDUKAZZJONI SKOLASTIKA

Titjib fil-kwalità tat-tagħlim u tal-apprendiment fl-edukazzjoni skolastika billi:

- jiġi appoġġat l-iżvilupp professjonali tal-għalliema, tal-mexxejja tal-iskejjel u ta' persunal ieħor tal-iskejjel
- jiġi promoss l-użu ta' teknoloġiji ġodda u ta' metodi ta' tagħlim innovattivi
- jittejbu l-apprendiment tal-lingwi u d-diversità tal-lingwi fl-iskejjel
- jiġu appoġġati l-kondiviżjoni u t-trasferiment tal-aħjar prattiki fit-tagħlim u fl-iżvilupp tal-iskola

Kontribuzzjoni għall-ħolqien taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni billi:

- tinbena l-kapaċità tal-iskejjel biex jinvolvu ruħhom fi skambji u kooperazzjoni transfruntiera, u jwettqu proġetti ta' mobbiltà ta' kwalità għolja
- il-mobbiltà għall-apprendiment issir possibbiltà realistika għal kwalunkwe student fl-edukazzjoni skolastika
- jitrawwem ir-rikonoxximent tal-eżiti tal-apprendiment tal-istudenti tal-iskola u tal-persunal f'perjodi ta' mobbiltà barra l-pajjiż

FIL-QASAM TAL-EDUKAZZJONI GĦALL-ADULTI:

Kontribuzzjoni għall-ħolqien taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u għall-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa[55] billi:

- tittejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni formali, informali u mhux formali għall-adulti
- tittejjeb il-kwalità tal-offerta tal-edukazzjoni għall-adulti permezz tal-professjonalizzazzjoni tal-persunal tagħha u l-bini tal-kapaċitajiet tal-forniturі tal-edukazzjoni għall-adulti sabiex jimplimentaw programmi ta' apprendiment ta' kwalità għolja
- tittejjeb il-kwalità tat-tagħlim u l-apprendiment f'kull forma ta' edukazzjoni għall-adulti, u l-fatt li din issir rilevanti għall-ħtiġijiet tas-soċjetà inġenerali
- jittejjeb l-għoti ta' edukazzjoni għall-adulti għal kompetenzi ewlenin kif definiti mill-qafas tal-UE (2018), inklużi l-ħiliet bażiċi (il-litteriżmu, in-numeriżmu, il-ħiliet diġitali) u l-ħiliet oħrajn tal-ħajja
- tinbena l-kapaċità tal-forniturі tal-edukazzjoni għall-adulti u organizzazzjonijiet oħrajn bi rwol fil-qasam tal-edukazzjoni għall-adulti biex iwettqu proġetti ta' mobbiltà ta' kwalità għolja
- tiżdied il-parteċipazzjoni tal-adulti ta' kull età u sfond soċjoekonomiku fl-edukazzjoni għall-adulti, speċjalment billi titrawwem il-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet li jaħdmu ma' studenti żvantaġġati, forniturі żgħar tal-edukazzjoni għall-adulti, parteċipanti ġodda fil-Programm u organizzazzjonijiet b'inqas esperjenza, kif ukoll organizzazzjonijiet ta' bażi bbażati fil-komunità

[55] https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1223

KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ

Min jista' japplika?	Fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali: (1) Organizzazzjonijiet li jipprovdu edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali inizjali jew kontinwi (2) Awtoritajiet pubbliċi lokali u reġjonali, korpi ta' koordinazzjoni u organizzazzjonijiet oħrajn bi rwol fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (3) Il-kumpaniji u l-organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati oħrajn li jospitaw, iħarrġu jew jaħdmu b'xi mod ieħor mal-istudenti u l-apprendisti fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali
	Fil-qasam tal-edukazzjoni skolastika: (1) L-iskejjel li jipprovdu edukazzjoni ġenerali fil-livell preprimarju, primarju jew sekondarju[56] (2) Awtoritajiet pubbliċi lokali u reġjonali, korpi ta' koordinazzjoni u organizzazzjonijiet oħrajn bi rwol fil-qasam tal-edukazzjoni skolastika
	Fil-qasam tal-edukazzjoni għall-adulti: (1) L-organizzazzjonijiet li jipprovdu edukazzjoni formali, informali u mhux formali għall-adulti[57] (2) L-awtoritajiet pubbliċi lokali u reġjonali, il-korpi ta' koordinazzjoni u organizzazzjonijiet oħrajn bi rwol fil-qasam tal-edukazzjoni għall-adulti
	Definizzjonijiet u prinċipji applikabbli fit-tliet oqsma kollha L-eliġibbiltà tal-organizzazzjonijiet skont il-kriterju (1) se tiġi ddeterminata abbażi tal-programmi u tal-attivitajiet edukattivi li jkunu qegħdin jipprovdu. Organizzazzjoni tista' tkun eliġibbli f'aktar minn qasam wieħed jekk tkun qiegħda tipprovdi programmi u attivitajiet edukattivi differenti. L-Awtorità Nazzjonali kompetenti f'kull pajjiż se tiddefinixxi: ▪ il-programmi u l-attivitajiet edukattivi li jippermettu lill-organizzazzjonijiet ikunu eliġibbli taħt il-kriterju (1), u ▪ organizzazzjonijiet eliġibbli taħt il-kriterju (2). Id-definizzjonijiet applikabbli u l-eżempji ta' organizzazzjonijiet eliġibbli se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-Aġenzija Nazzjonali responsabbli.
Pajjiżi eliġibbli	L-applikanti jeħtiġilhom ikunu stabbiliti fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm.
Fejn tissottometti applikazzjoni?	L-applikazzjonijiet iridu jiġu sottomessi lill-Aġenzija Nazzjonali tal-pajjiż fejn tkun stabbilita l-organizzazzjoni applikanti.

[56] Inklużi l-organizzazzjonijiet li jipprovdu edukazzjoni u l-indukrar tat-tfal f'età bikrija. Skejjel bi status speċjali u taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet nazzjonali f'pajjiż ieħor (eż. Lycée français jew skejjel Ġermaniżi) jista' jkollhom japplikaw mal-Aġenzija Nazzjonali (NA) tal-pajjiż ta' superviżjoni. Għal informazzjoni preċiża f'kull każ, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-Aġenzija Nazzjonali fil-pajjiż ospitanti jew fil-pajjiż tal-awtorità nazzjonali rilevanti.

[57] Mingħajr preġudizzju għad-definizzjonijiet stabbiliti mill-Awtorità Nazzjonali kompetenti, jekk jogħġbok innota li l-organizzazzjonijiet li jipprovdu edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali lil studenti adulti ġeneralment jitqiesu li huma forniturі ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, u mhux forniturі ta' edukazzjoni għall-adulti. Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta d-definizzjonijiet applikabbli fis-sit web tal-Aġenzija Nazzjonali tiegħek.

Data ta' skadenza għas-sottomissjoni	**id-19 ta' Ottubru f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell)**
Standards ta' kwalità tal-Erasmus	L-applikanti għall-akkreditazzjoni tal-Erasmus jeħtiġilhom jissottoskrivu għall-istandards tal-kwalità tal-Erasmus kif ippreżentati fuq is-sit web Europa: https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/resources/documents/erasmus-quality-standards-mobility-projects-vet-adults-schools_mt L-istandards tal-kwalità tal-Erasmus jistgħu jiġu aġġornati matul il-perjodu ta' validità tal-akkreditazzjoni. F'dak il-każ, se jintalab ftehim mal-organizzazzjonijiet akkreditati qabel ma jkunu jistgħu japplikaw għall-għotja li jmiss tagħhom.
Numru ta' applikazzjonijiet	Organizzazzjoni tista' tapplika darba f'kull wieħed mit-tliet oqsma koperti minn din is-sejħa: l-edukazzjoni għall-adulti, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u l-edukazzjoni skolastika. L-organizzazzjonijiet li japplikaw għal aktar minn qasam wieħed jeħtieġ li jissottomettu applikazzjonijiet separati għal kull qasam. L-organizzazzjonijiet li diġà għandhom akkreditazzjoni tal-Erasmus ma jistgħux japplikaw għal akkreditazzjoni ġdida fl-istess qasam.
Tip ta' applikazzjonijiet	L-applikanti jistgħu japplikaw bħala organizzazzjoni individwali jew bħala koordinatur tal-konsorzju ta' mobbiltà. Ma huwiex possibbli li ssir applikazzjoni għaż-żewġ tipi ta' akkreditazzjoni fl-istess qasam.
Akkreditazzjoni tal-Erasmus għall-koordinaturi ta' konsorzju ta' mobbiltà	Konsorzju ta' mobbiltà huwa grupp ta' organizzazzjonijiet mill-istess pajjiż li jimplimenta attivitajiet ta' mobbiltà bħala parti minn Pjan konġunt tal-Erasmus. Kull konsorzju ta' mobbiltà huwa kkoordinat minn organizzazzjoni ewlenija waħda: koordinatur tal-konsorzju tal-mobbiltà li jeħtieġlu jkun akkreditat b'akkreditazzjoni tal-Erasmus. Il-koordinatur tal-konsorzju tal-mobbiltà jista' jorganizza attivitajiet huwa stess (l-istess bħal kwalunkwe organizzazzjoni b'akkreditazzjoni individwali), u barra minn hekk jista' jipprovdi opportunitajiet ta' mobbiltà lil organizzazzjonijiet membri oħrajn fil-konsorzju tiegħu. Akkreditazzjoni tal-Erasmus ma hijiex meħtieġa għall-membri tal-konsorzju. L-applikanti għall-koordinaturi ta' konsorzju tal-mobbiltà se jkunu meħtieġa jiddeskrivu l-iskop u l-kompożizzjoni ppjanata tal-konsorzju tagħhom fl-applikazzjoni. L-organizzazzjonijiet membri tal-konsorzju ppjanati kollha jridu jkunu mill-istess Stat Membru tal-UE jew minn pajjiż terz assoċjat mal-Programm bħall-koordinatur tal-konsorzju tal-mobbiltà. Madankollu, f'dan l-istadju ma hijiex meħtieġa lista eżatta tal-membri tal-konsorzju. Għall-kriterji tal-eliġibbiltà li japplikaw għall-membri tal-konsorzju u għal aktar dettalji, jekk jogħġbok ara t-taqsima dwar proġetti ta' mobbiltà akkreditati.
Organizzazzjonijiet ta' appoġġ	Organizzazzjoni ta' appoġġ hija organizzazzjoni li tassisti organizzazzjoni akkreditata f'aspetti prattiċi tal-implimentazzjoni tal-proġett li ma jikkonċernawx kompiti ewlenin tal-proġett kif definiti fl-istandards ta' kwalità tal-Erasmus. Kwalunkwe organizzazzjoni attiva fl-edukazzjoni u t-taħriġ tista' ssir organizzazzjoni ta' appoġġ. Ir-rwol u l-obbligi tal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ iridu jiġu ddefiniti b'mod formali bejniethom u bejn l-organizzazzjoni akkreditata. L-organizzazzjoni ta' appoġġ taġixxi taħt is-superviżjoni tal-

	organizzazzjoni akkreditata, li fl-aħħar mill-aħħar tibqa' responsabbli għar-riżultati u l-kwalità tal-attivitajiet implimentati. Il-kontribuzzjonijiet kollha tal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ iridu jikkonformaw mal-istandards tal-kwalità tal-Erasmus. F'konsorzju tal-mobbiltà, l-organizzazzjonijiet membri tal-konsorzju jitqiesu bħala organizzazzjonijiet ta' appoġġ jekk sistematikament iwettqu kompiti marbuta ma' attivitajiet ta' mobbiltà għal parteċipanti li jaħdmu għal organizzazzjonijiet membri oħrajn tal-konsorzju jew irreġistrati fihom.

KRITERJI TAL-GĦAŻLA

L-applikanti jeħtieġ ikollhom kapaċità operazzjonali u professjonali suffiċjenti biex jimplimentaw il-Pjan Erasmus propost, inkluži mill-inqas sentejn ta' esperjenza rilevanti fil-qasam tal-applikazzjoni u, fil-każ tal-koordinatur tal-konsorzju tal-mobbiltà, irid ikollu kapaċità xierqa sabiex jikkoordina l-konsorzju.

Jekk jogħġbok aqra l-**Parti C ta' din il-Gwida** għal aktar informazzjoni dwar il-kriterji ġenerali tal-kapaċità operazzjonali u dawn ir-rekwiżiti speċifiċi għall-applikanti tal-akkreditazzjoni.

KRITERJI TAL-ESKLUŻJONI

L-applikanti jeħtiġilhom jissottomettu dikjarazzjoni ffirmata fuq l-unur tagħhom, li tiċċertifika li ma jinsabu fl-ebda waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-kriterji tal-esklużjoni elenkati fil-**Parti C ta' din il-Gwida**, li l-Pjan Erasmus sottomess fih kontenut oriġinali miktub mill-applikant, u li ma tħallset l-ebda organizzazzjoni oħra jew individwu estern ieħor għall-abbozzar tal-applikazzjoni.

Fl-istess ħin, l-applikanti huma permessi u mħeġġa jfittxu parir ta' politika minn awtoritajiet u esperti tal-edukazzjoni rilevanti, jew jiskambjaw prattiki tajba ma' organizzazzjonijiet simili għal tagħhom li għandhom aktar esperjenza fl-Erasmus+. L-applikanti għal koordinatur tal-konsorzju tal-mobbiltà jistgħu jikkonsultaw ma' membri potenzjali tal-konsorzju meta jkunu qegħdin jabbozzaw l-applikazzjoni tagħhom. L-applikanti jistgħu jappoġġaw l-applikazzjoni tagħhom b'dokumenti strateġiċi rilevanti għall-Pjan Erasmus tagħhom, bħal strateġija ta' internazzjonalizzazzjoni jew strateġija żviluppata mill-korpi ta' superviżjoni jew ta' koordinazzjoni tagħhom.

KRITERJI GĦALL-GĦOTI

L-applikazzjonijiet se jiġu evalwati b'mod separat għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, għall-edukazzjoni skolastika u għall-edukazzjoni għall-adulti. Il-kwalità tal-applikazzjonijiet se tiġi vvalutata billi jiġu assenjati punti minn total ta' 100, abbażi tal-kriterji u l-ponderazzjonijiet ta' hawn taħt.

Sabiex ikunu kkunsidrati għall-għoti, l-applikazzjonijiet iridu jissodisfaw il-limiti li ġejjin:

- Mill-inqas 70 mit-total ta' 100 punt, u
- Mill-inqas nofs il-punti tal-punteġġ massimu f'kull waħda mill-erba' kategoriji tal-kriterji għall-għoti

Rilevanza **(punteġġ massimu ta'**	Kemm: ▪ il-profil, l-esperjenza, l-attivitajiet u l-popolazzjoni fil-mira ta' studenti tal-applikant huma rilevanti għall-qasam tal-applikazzjoni u l-objettivi tal-akkreditazzjonijiet tal-Erasmus, u t-tip ta' applikazzjoni (organizzazzjoni individwali jew koordinatur ta' konsorzju)

10 punti)	▪ barra minn hekk, għall-organizzazzjonijiet li japplikaw sabiex isiru koordinaturi akkreditati tal-konsorzju: o il-profil tal-membri tal-konsorzju ppjanati huwa rilevanti għall-iskop u għall-objettivi tal-konsorzju kif definit fl-applikazzjoni, għall-qasam tal-applikazzjoni u għall-objettivi tal-akkreditazzjonijiet tal-Erasmus o il-ħolqien tal-konsorzju jġib valur miżjud ċar għall-membri tiegħu f'termini tal-objettivi tal-akkreditazzjonijiet tal-Erasmus
Pjan Erasmus: Objettivi **(punteġġ massimu ta' 40 punt)**	Kemm: ▪ il-Pjan Erasmus propost huwa konformi mal-objettivi tal-akkreditazzjonijiet tal-Erasmus ▪ l-objettivi tal-Pjan Erasmus propost jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-applikant, tal-persunal tiegħu u tal-istudenti b'mod ċar u konkret o għall-koordinaturi tal-konsorzju, dan il-kriterju japplika għall-konsorzju ppjanat kollu u jirrikjedi li l-objettivi tal-Pjan Erasmus ikunu koerenti mal-iskop tal-konsorzju kif definit fl-applikazzjoni. ▪ l-objettivi tal-Pjan Erasmus propost u t-twaqqit tagħhom huma realistiċi u ambizzjużi biżżejjed biex jinkiseb impatt pożittiv għall-organizzazzjoni (jew għall-konsorzju). ▪ il-miżuri proposti sabiex jinżamm rendikont u jiġi evalwat il-progress tal-objettivi tal-Pjan Erasmus huma xierqa u konkreti ▪ jekk l-applikant ikun hemeż dokumenti strateġiċi mal-applikazzjoni tiegħu: hemm spjegazzjoni ċara tar-rabta bejn il-Pjan Erasmus propost u d-dokumenti inklużi
Pjan Erasmus: Attivitajiet **(punteġġ massimu ta' 20 punt)**	Kemm: ▪ in-numru propost ta' parteċipanti f'attivitajiet ta' mobbiltà huwa proporzjonali għad-daqs u għall-esperjenza tal-organizzazzjoni applikanti o għall-koordinaturi tal-konsorzju, se jitqies id-daqs ippjanat tal-konsorzju ▪ in-numru propost ta' parteċipanti fl-attivitajiet ta' mobbiltà huwa realistiku u xieraq għall-objettivi stabbiliti fil-Pjan Erasmus ▪ il-profili tal-parteċipanti ppjanati huma rilevanti għall-qasam tal-applikazzjoni, il-Pjan Erasmus propost, u l-objettivi tal-akkreditazzjonijiet tal-Erasmus ▪ fejn ikun rilevanti u jekk l-applikant qiegħed jippjana li jorganizza attivitajiet ta' mobbiltà għall-istudenti: l-involviment ta' parteċipanti b'inqas opportunitajiet
Pjan Erasmus: Ġestjoni **(punteġġ massimu ta' 30 punt)**	Kemm: ▪ l-applikant ippropona modi konkreti biex jikkontribwixxi għall-prinċipji bażiċi tal-akkreditazzjoni tal-Erasmus deskritti fl-istandards tal-kwalità tal-Erasmus ▪ l-applikant ippropona allokazzjoni ċara u sħiħa tal-kompiti f'konformità mal-istandards tal-kwalità tal-Erasmus ▪ l-applikant alloka riżorsi xierqa għall-ġestjoni tal-attivitajiet tal-Programm f'konformità mal-istandards tal-kwalità tal-Erasmus ▪ ikun hemm involviment xieraq fil-livell ta' ġestjoni tal-organizzazzjoni ▪ ikunu ġew iddefiniti miżuri xierqa biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-attivitajiet tal-programm f'każ ta' bidliet fil-persunal jew fil-ġestjoni tal-organizzazzjoni applikanti ▪ l-applikant ippropona passi konkreti u loġiċi biex jintegra r-riżultati tal-attivitajiet ta' mobbiltà tiegħu fil-ħidma regolari tal-organizzazzjoni o għall-koordinaturi ta' konsorzju, dan il-kriterju japplika għall-konsorzju ppjanat kollu

IN-NUMRU MASSIMU TA' AKKREDITAZZJONIJIET TAL-ERASMUS MOGĦTIJA

F'pajjiżi fejn l-interess għall-akkreditazzjonijiet tal-Erasmus huwa għoli ħafna, l-Aġenzija Nazzjonali tista' tistabbilixxi numru massimu ta' akkreditazzjonijiet li għandhom jingħataw. Din id-deċiżjoni se tittieħed fuq bażi separata għal kull wieħed mit-tliet oqsma u se tiġi ppubblikata fuq is-sit web tal-Aġenzija Nazzjonali flimkien ma' din is-Sejħa.

- Jekk l-Aġenzija Nazzjonali ma tistabbilixxix numru massimu ta' akkreditazzjonijiet approvati għal qasam partikolari, l-applikazzjonijiet kollha li jissodisfaw il-kriterji minimi stabbiliti f'din is-Sejħa se jiġu approvati.
- Jekk l-Aġenzija Nazzjonali tistabbilixxi numru massimu ta' akkreditazzjonijiet approvati għal qasam partikolari, se tiġi stabbilita lista ta' klassifikazzjoni tal-applikazzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji minimi. L-akkreditazzjonijiet se jingħataw lill-applikazzjonijiet bl-ewwel waħda tkun dik bl-ogħla punteġġ sakemm jintlaħaq in-numru massimu ta' akkreditazzjonijiet mogħtija. F'każ li aktar minn applikazzjoni waħda jkollha l-istess numru ta' punti bħall-aħħar waħda li għandha tingħata, in-numru massimu ta' akkreditazzjonijiet mogħtija se jiżdied biex jinkludi l-applikazzjonijiet kollha b'dak in-numru ta' punti.

VALIDITÀ

Il-validità tal-akkreditazzjonijiet tal-Erasmus mogħtija skont din is-sejħa għal proposti tibda fl-1 ta' Frar 2024 u tkompli matul il-perjodu ta' programmazzjoni kollu sal-2027. Sabiex jiġi żgurat l-ippjanar realistiku, il-Pjan Erasmus sottomess se jkopri perjodu iqsar ta' sentejn sa ħames snin, u se jiġi aġġornat perjodikament.

F'każ li tkun meħtieġa akkreditazzjoni tal-Erasmus għall-parteċipazzjoni fi kwalunkwe azzjoni wara t-tmiem tal-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, l-Aġenzija Nazzjonali tista' testendi l-validità tal-akkreditazzjoni skont il-kundizzjonijiet iddefiniti mill-Kummissjoni Ewropea. Fid-dawl ta' din il-possibbiltà, l-applikanti jistgħu jissottomettu Pjanijiet tal-Erasmus li jestendu lil hinn mill-2027.

L-akkreditazzjoni tista' tiġi tterminata fi kwalunkwe ħin f'każ li l-organizzazzjoni ma tibqax teżisti jew bi ftehim mal-Aġenzija Nazzjonali u l-organizzazzjoni akkreditata. L-Aġenzija Nazzjonali tista' ttemm l-akkreditazzjoni b'mod unilaterali skont il-kundizzjonijiet deskritti taħt "Rapportar, monitoraġġ u assigurazzjoni tal-kwalità". It-terminazzjoni unilaterali tal-akkreditazzjoni mill-organizzazzjoni akkreditata tkun possibbli biss jekk matul mill-inqas tliet snin konsekuttivi l-akkreditazzjoni ma tkunx intużat biex jiġu sottomessi applikazzjonijiet għal proġetti ta' mobbiltà akkreditati.

RAPPORTAR, MONITORAĠĠ U ASSIGURAZZJONI TAL-KWALITÀ

Rapporti tal-għeluq fi tmiem kull ftehim ta' għotja	Fi tmiem kull ftehim ta' għotja approvat fil-qafas tal-akkreditazzjoni tal-Erasmus, l-organizzazzjoni akkreditata se tissottometti rapport finali dwar l-attivitajiet u l-miri li jkunu twettqu u nkisbu, kif speċifikat fil-ftehim ta' għotja applikabbli.

Rapporti ta' progress dwar l-akkreditazzjoni	Abbażi tal-kontenut tal-Pjan Erasmus approvat, u mill-inqas darba matul perjodu ta' ħames snin, l-organizzazzjonijiet akkreditati se jkunu meħtieġa: – jirrapportaw dwar kif żguraw ir-rispett tal-istandards tal-kwalità tal-Erasmus – jirrapportaw dwar kif l-objettivi tal-Pjan Erasmus tagħhom qegħdin jimxu 'l quddiem – jaġġornaw il-Pjan Erasmus tagħhom L-Aġenzija Nazzjonali tista' tiddeċiedi li titlob rapport ta' progress dwar l-elementi differenti elenkati hawn fuq fl-istess ħin, jew b'mod separat. L-Aġenzija Nazzjonali tista' tiddeċiedi li tissostitwixxi kwalunkwe rapport ta' progress dwar l-akkreditazzjoni bi żjara ta' monitoraġġ strutturata. Abbażi tal-prestazzjoni tal-organizzazzjoni akkreditata li tirriżulta minn kontrolli ta' rapportar, monitoraġġ u assigurazzjoni tal-kwalità, jew minħabba bidliet sinifikanti fl-organizzazzjoni, l-Aġenzija Nazzjonali tista' tibdel in-numru u l-iskeda tar-rapporti ta' progress. Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet akkreditati jistgħu b'mod volontarju jitolbu li jsir aġġornament tal-Pjan Erasmus tagħhom. Abbażi tar-raġunament tal-organizzazzjoni, l-Aġenzija Nazzjonali se tiddeċiedi jekk aġġornament huwiex iġġustifikat. Aġġornament tal-Pjan Erasmus jista' jinkludi talba għal bidla minn akkreditazzjoni ta' organizzazzjoni individwali għal akkreditazzjoni għal koordinatur tal-konsorzju ta' mobbiltà, jew bil-kontra.
Monitoraġġ u kontrolli	L-Aġenzija Nazzjonali tista' torganizza kontrolli formali, żjarat ta' monitoraġġ jew attivitajiet oħrajn biex iżżomm rendikont tal-progress u tal-prestazzjoni tal-organizzazzjonijiet akkreditati, tiżgura r-rispett tal-istandards tal-kwalità miftiehma, u tipprovdi l-appoġġ. Il-kontrolli formali jistgħu jieħdu l-forma ta' kontrolli dokumentati jew żjarat fuq il-post fl-organizzazzjoni akkreditata, lill-membri tal-konsorzju, lill-organizzazzjonijiet ta' appoġġ, u fi kwalunkwe bini ieħor fejn iseħħu attivitajiet rilevanti. L-Aġenzija Nazzjonali tista' titlob l-għajnuna tal-Aġenziji Nazzjonali f'pajjiżi oħrajn biex jikkontrollaw u jimmonitorjaw l-attivitajiet li jseħħu hemmhekk.

Wara rapport jew attività ta' monitoraġġ, l-Aġenzija Nazzjonali se tipprovdi feedback lill-organizzazzjoni akkreditata. L-Aġenzija Nazzjonali tista' tipprovdi wkoll lill-organizzazzjoni akkreditata bi struzzjonijiet obbligatorji jew konsultattivi dwar kif tista' ttejjeb il-prestazzjoni tagħha.

F'każ ta' applikanti li jkunu għadhom kif ġew akkreditati, organizzazzjonijiet ta' riskju għoli, jew f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-istruzzjonijiet u mad-dati ta' skadenza tal-Aġenzija Nazzjonali, prestazzjoni baxxa ħafna li tirriżulta minn kontrolli ta' rapportar, monitoraġġ u assigurazzjoni tal-kwalità, jew ksur tar-regoli tal-Programm (inkluż f'azzjoni oħra), l-Aġenzija Nazzjonali tista' tieħu l-miżuri rimedjali li ġejjin:

- Osservazzjoni: l-Aġenzija Nazzjonali tista' tillimita l-livell ta' finanzjament li l-organizzazzjoni akkreditata tista' tapplika għalih f'azzjonijiet fejn l-akkreditazzjoni tal-Erasmus tkun rekwiżit.

  L-organizzazzjonijiet li jkunu għadhom kif ġew akkreditati jistgħu jitpoġġew taħt osservazzjoni jekk jiġi identifikat riskju ta' implimentazzjoni ta' kwalità baxxa matul il-kontroll tal-kapaċità operazzjonali, jew jekk l-assessuri tal-applikazzjoni jindikaw nuqqasijiet serji fil-Pjan Erasmus tal-applikant.

- Sospensjoni: l-organizzazzjonijiet sospiżi ma jistgħux japplikaw għal finanzjament f'azzjonijiet fejn l-akkreditazzjoni tal-Erasmus tkun rekwiżit. L-Aġenzija Nazzjonali tista' ttemm ukoll xi ftehimiet ta' għotja jew il-ftehimiet ta' għotja kollha li jkunu għaddejjin mogħtija fil-qafas tal-akkreditazzjoni sospiża.

Il-perjodu ta' osservazzjoni jew ta' sospensjoni se jkompli sakemm l-Aġenzija Nazzjonali tiddetermina li l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti f'din is-Sejħa għal darba oħra huma ssodisfati, u li r-riskju ta' prestazzjoni baxxa ġie indirizzat mill-organizzazzjoni akkreditata.

L-organizzazzjonijiet taħt sospensjoni jew osservazzjoni ma jistgħux japplikaw għal akkreditazzjoni ġdida fl-istess qasam.

F'każ ta' nuqqas ta' konformità kontinwu mal-istruzzjonijiet u mad-dati ta' skadenza tal-Aġenzija Nazzjonali, prestazzjoni baxxa ħafna, jew f'każ ta' ksur ripetut jew sinifikanti tar-regoli tal-Programm (inkluż f'azzjoni oħra), l-Aġenzija Nazzjonali tista' ttemm l-akkreditazzjoni.

RIKONOXXIMENT TAL-EĊĊELLENZA

L-organizzazzjonijiet akkreditati bl-aħjar prestazzjoni se jiġu rikonoxxuti permezz tal-għoti ta' tikketti ta' eċċellenza.

Bħala parti minn din is-Sejħa, tingħata tikketta ta' eċċellenza lill-organizzazzjonijiet akkreditati kollha li kisbu punteġġ medju ta' mill-inqas 85 punti fl-evalwazzjoni tal-aħħar żewġ rapporti finali tagħhom għall-proġetti ta' mobbiltà akkreditati (il-proġetti li tlestew skont il-karta tal-mobbiltà tal-VET preċedenti matul il-perjodu ta' programmazzjoni tal-Erasmus+ 2014-2020 se jitqiesu għall-organizzazzjonijiet tal-VET li ġew akkreditati mill-ġdid permezz tal-proċedura ta' akkreditazzjoni ħafifa skont is-sejħa għal proposti tal-2020).

It-tikketti ta' eċċellenza mogħtija se jkunu validi għal tliet snin.

MOBBILTÀ GĦALL-ISTUDENTI U L-PERSUNAL FL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ VOKAZZJONALI

Din l-azzjoni tappoġġa l-forniturі tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) u organizzazzjonijiet oħrajn attivi fil-qasam tal-VET li jixtiequ jorganizzaw attivitajiet ta' mobbiltà għall-apprendiment għall-istudenti u l-persunal tal-VET.

Hija appoġġata firxa wiesgħa ta' attivitajiet, inkluż job shadowing u korsijiet ta' żvilupp professjonali għall-persunal, traineeships u kollokamenti fit-tul (ErasmusPro), esperti mistiedna, u attivitajiet oħrajn kif spjegat hawn taħt.

L-organizzazzjonijiet parteċipanti għandhom jippromwovu b'mod attiv **l-inklużjoni u d-diversità, is-sostenibbiltà ambjentali** u l-**edukazzjoni diġitali** permezz tal-attivitajiet tagħhom: billi jużaw l-opportunitajiet ta' finanzjament speċifiċi pprovduti mill-Programm għal dawn l-iskopijiet, billi jqajmu sensibilizzazzjoni fost il-parteċipanti tagħhom, billi jikkondividu l-aħjar prattiki, u billi jagħżlu disinn xieraq għall-attivitajiet tagħhom.

OBJETTIVI TAL-AZZJONI

L-objettiv tal-attivitajiet ta' mobbiltà ffinanzjati mill-Erasmus+ huwa li jipprovdu opportunitajiet ta' apprendiment lill-individwi u li jappoġġaw l-internazzjonalizzazzjoni u l-iżvilupp istituzzjonali tal-forniturі tal-VET u tal-organizzazzjonijiet oħrajn attivi fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. L-azzjoni se tappoġġa l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u d-Dikjarazzjoni ta' Osnabrück[58], u l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa[59]. Se tikkontribwixxi wkoll għall-ħolqien taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni. B'mod speċifiku, l-objettivi ta' din l-azzjoni huma:

Titjib fil-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali u kontinwi (IVET u CVET) fl-Ewropa billi:

- jissaħħu l-kompetenzi ewlenin u l-ħiliet trażversali, b'mod partikolari l-apprendiment tal-lingwi u l-ħiliet diġitali
- jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' ħiliet speċifiċi għall-impjiegi meħtieġa fis-suq tax-xogħol attwali u futur
- jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki u jiġi promoss l-użu ta' metodi u teknoloġiji pedagoġiċi ġodda u innovattivi, u jiġi appoġġat l-iżvilupp professjonali tal-għalliema, tal-ħarrieġa, tal-mentors u ta' persunal ieħor fil-VET
- tinbena l-kapaċità tal-forniturі tal-VET biex iwettqu proġetti ta' mobbiltà ta' kwalità għolja, u l-kapaċità tagħhom li jifformaw sħubijiet ta' kwalità filwaqt li jiżviluppaw l-istrateġija ta' internazzjonalizzazzjoni tagħhom
- il-mobbiltà ssir possibbiltà realistika għal kwalunkwe student fl-IVET u s-CVET, u tiżdied id-durata medja tal-mobbiltà għall-istudenti tal-VET biex tittejjeb il-kwalità u jiżdied l-impatt tagħha
- jitrawmu l-kwalità, it-trasparenza u r-rikonoxximent tal-eżiti tal-apprendiment tal-perjodi ta' mobbiltà barra l-pajjiż, speċjalment bl-użu ta' għodod u strumenti Ewropej[60].

Tisħiħ tad-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim u tal-apprendiment billi:

- jiġu promossi l-valuri tal-inklużjoni u d-diversità, it-tolleranza u l-parteċipazzjoni demokratika
- jiġi promoss l-għarfien dwar il-wirt u d-diversità komuni Ewropej
- jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' networks professjonali madwar l-Ewropa

[58] https://www.cedefop.europa.eu/files/osnabrueck_declaration_eu2020.pdf
[59] https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1223
[60] Memorandum ta' Qbil u Ftehimiet ta' Apprendiment.

KIF TAĊĊESSA L-OPPORTUNITAJIET TA' MOBBILTÀ TAL-ERASMUS+?

Il-fornituri tal-VET u organizzazzjonijiet oħrajn attivi fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jistgħu japplikaw għall-finanzjament b'żewġ modi:

- **Proġetti fuq perjodu qasir għall-mobbiltà tal-istudenti u l-persunal** – dawn il-proġetti jipprovdu lill-applikanti b'opportunità li jorganizzaw attivitajiet ta' mobbiltà varji fuq perjodu ta' bejn sitt xhur u tmintax-il xahar. Il-proġetti fuq perjodu qasir huma l-aħjar għażla għall-organizzazzjonijiet li japplikaw għall-Erasmus+ għall-ewwel darba, jew għal dawk li jixtiequ jorganizzaw biss numru limitat ta' attivitajiet.
- **Proġetti akkreditati għall-mobbiltà tal-istudenti u l-persunal** – dawn il-proġetti huma miftuħin biss għall-organizzazzjonijiet li għandhom akkreditazzjoni tal-Erasmus fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Din il-fergħa ta' finanzjament speċjali tippermetti lill-organizzazzjonijiet akkreditati biex jirċievu regolarment finanzjament għal attivitajiet ta' mobbiltà li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni gradwali tal-Pjan Erasmus tagħhom. L-akkreditazzjonijiet tal-Erasmus huma miftuħa għall-organizzazzjonijiet kollha li jridu jorganizzaw attivitajiet ta' mobbiltà fuq bażi regolari. Mhix meħtieġa esperjenza preċedenti fil-Programm biex wieħed japplika. Biex issir taf aktar dwar din l-opportunità, jekk jogħġbok aqra l-kapitolu ta' din il-gwida dwar l-akkreditazzjoni tal-Erasmus fl-oqsma tal-edukazzjoni għall-adulti, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u l-edukazzjoni skolastika.

Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet jistgħu jissieħbu fil-Programm mingħajr ma jissottomettu applikazzjoni billi:

- **Jissieħbu ma' konsorzju eżistenti tal-mobbiltà tal-Erasmus+** immexxi minn koordinatur ta' konsorzju akkreditat f'pajjiżhom li qiegħed jaċċetta membri ġodda fil-konsorzju tiegħu.
- **Jospitaw parteċipanti minn pajjiż ieħor**: kwalunkwe organizzazzjoni tista' tospita studenti jew persunal li jkunu ġejjin minn organizzazzjoni sieħba barra l-pajjiż. Li ssir organizzazzjoni ospitanti hija esperjenza siewja u mod tajjeb biex issir taf aktar dwar il-Programm qabel ma tapplika inti stess.

Il-fornituri tal-VET huma mħeġġa jissieħbu fi pjattaformi online Ewropej bħall-EPALE u l-eTwinning. L-EPALE tipprovdi l-opportunità li wieħed jingħaqad ma' kollegi minn madwar l-Ewropa u li jitgħallem minnhom, permezz ta' posts fuq il-blogg, il-fora, l-għodda għat-Tiftix ta' Sieħeb tagħha; din tippermetti li jinħolqu Komunitajiet ta' prattiki u li wieħed isib materjal ta' apprendiment u jattendi għall-avvenimenti. Din tinkludi wkoll il-Komunità tal-prattikanti Ewropej tal-VET, spazju għall-għalliema, il-ħarrieġa u tuturi fil-kumpaniji tal-VET sabiex jikkollaboraw u jiġu informati dwar inizjattivi Ewropej. L-eTwinning hija komunità online ospitata fuq pjattaforma sigura u aċċessibbli għall-għalliema u għall-persunal tal-iskejjel skrutinizzata mill-organizzazzjonijiet ta' appoġġ nazzjonali tal-eTwinning. L-eTwinning tippermetti lill-fornituri tal-VET jistabbilixxu klassijiet virtwali konġunti u jwettqu proġetti ma' fornituri oħrajn tal-VET u organizzazzjonijiet sħab oħra (jiġifieri kumpaniji ospitanti), tippermetti lill-għalliema u lill-ħarrieġa jiddiskutu u jwettqu skambji mal-kollegi u jinvolvu ruħhom f'varjetà ta' opportunitajiet ta' żvilupp professjonali. L-eTwinning hija wkoll l-ambjent perfett biex wieħed isib sħab għal proġetti futuri.

STABBILIMENT TA' PROĠETT

L-organizzazzjoni applikanti hija l-attur ewlieni fi proġett tal-Azzjoni Ewlenija 1. L-applikant jabbozza u jissottometti l-applikazzjoni, jiffirma l-ftehim ta' għotja, jimplimenta l-attivitajiet tal-mobbiltà, u jirrapporta lill-Aġenzija Nazzjonali. Il-proċess tal-applikazzjoni kemm għall-proġetti għal perjodu qasir kif ukoll għall-akkreditazzjoni tal-Erasmus jiffoka fuq il-ħtiġijiet u l-pjanijiet tal-organizzazzjoni applikanti.

L-attivitajiet ta' mobbiltà fi proġett ta' mobbiltà jistgħu jkunu ħerġin jew deħlin. Il-biċċa l-kbira tat-tipi ta' attivitajiet disponibbli huma attivitajiet ta' mobbiltà ħierġa. Dan ifisser li l-organizzazzjoni applikanti se taġixxi bħala organizzazzjoni li

tibgħat: se tagħżel il-parteċipanti u tibgħathom f'organizzazzjoni ospitanti barra l-pajjiż. Barra minn hekk, hemm tipi speċjali ta' attivitajiet deħlin li jippermettu lill-organizzazzjonijiet applikanti jistiednu esperti jew għalliema u edukaturi fit-taħriġ fl-organizzazzjoni tagħhom. L-iskop tal-attivitajiet deħlin ma huwiex li joħolqu skambji bidirezzjonali, iżda pjuttost li jinkludu persuni li jistgħu jgħinu fl-iżvilupp u fl-internazzjonalizzazzjoni tal-organizzazzjoni applikanti.

L-implimentazzjoni tal-attivitajiet kollha appoġġati fil-qafas ta' din l-Azzjoni trid issegwi l-istandards tal-kwalità tal-Erasmus. L-istandards tal-kwalità ta' Erasmus ikopru prattiki konkreti ta' implimentazzjoni għal kompiti ta' proġetti bħall-għażla u t-tħejjija tal-parteċipanti, id-definizzjoni, l-evalwazzjoni u r-rikonoxximent tal-eżiti tal-apprendiment, il-kondiviżjoni tar-riżultati tal-proġett, eċċ. Biex taqra t-test sħiħ tal-istandards tal-kwalità tal-Erasmus, jekk jogħġbok żur il-link li ġejja fuq is-sit web Europa: https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/resources/documents/erasmus-quality-standards-mobility-projects-vet-adults-schools_mt

Dimensjonijiet orizzontali

Il-proġetti kollha ta' mobbiltà għandhom jintegraw id-dimensjonijiet li ġejjin komuni għall-programm Erasmus+ kollu:

Inklużjoni u diversità

F'konformità mal-istandards tal-kwalità tal-Erasmus, l-organizzazzjonijiet li jirċievu appoġġ mill-Programm iridu jiżguraw li joffru opportunitajiet ta' mobbiltà b'mod inklużiv u ġust, lill-parteċipanti minn kull sfond. L-għażla tal-istudenti li se jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-proġett għandha tqis fatturi ewlenin bħall-motivazzjoni, il-mertu, kif ukoll l-iżvilupp personali u l-ħtiġijiet tal-apprendiment tal-parteċipanti. Bl-istess mod, l-għażla tal-parteċipanti tal-persunal għandha tiżgura li l-benefiċċji tal-iżvilupp professjonali tagħhom ikunu disponibbli għall-istudenti kollha fl-organizzazzjoni.

Matul it-tħejjija, l-implimentazzjoni u s-segwitu tal-attivitajiet ta' mobbiltà, l-organizzazzjonijiet li jibagħtu u dawk ospitanti għandhom jinvolvu lill-parteċipanti f'deċiżjonijiet ewlenin sabiex jiġu żgurati benefiċċji u impatt massimi għal kull parteċipant.

Benefiċjarji u organizzazzjonijiet parteċipanti oħrajn li jipprovdu l-edukazzjoni u t-taħriġ huma mħeġġa joħolqu u jiffaċilitaw b'mod attiv l-opportunitajiet ta' mobbiltà, pereżempju billi jistabbilixxu twieqi ta' mobbiltà fil-kalendarju akkademiku tagħhom u jiddefinixxu l-passi standard ta' riintegrazzjoni għall-parteċipanti li jirritornaw.

Prattiki ambjentalment sostenibbli u responsabbli

F'konformità mal-istandards tal-kwalità tal-Erasmus, l-organizzazzjonijiet li jirċievu appoġġ mill-Programm iridu jippromwovu mġiba ambjentalment sostenibbli u responsabbli fost il-parteċipanti tagħhom, filwaqt li jqajmu s-sensibilizzazzjoni dwar l-importanza li tittieħed azzjoni biex titnaqqas jew tiġi kkumpensata l-impronta ambjentali tal-attivitajiet ta' mobbiltà. Dawn il-prinċipji għandhom jiġu riflessi fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet kollha tal-Programm, speċjalment permezz tal-użu ta' appoġġ speċifiku ta' finanzjament ipprovdut mill-Programm biex jiġu promossi mezzi sostenibbli tal-ivjaġġar. L-organizzazzjonijiet li jipprovdu l-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom jintegraw dawn il-prinċipji fil-ħidma ta' kuljum tagħhom, u għandhom jippromwovu b'mod attiv bidla fil-mentalità u fl-imġiba fost l-istudenti u l-persunal tagħhom.

Trasformazzjoni diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ

F'konformità mal-istandards tal-kwalità tal-Erasmus, il-Programm jappoġġa lill-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha fl-inkorporazzjoni tal-użu ta' għodod u metodi ta' apprendiment diġitali biex jikkomplementaw l-attivitajiet fiżiċi tagħhom, itejbu l-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet sħab, u jtejbu l-kwalità tal-apprendiment u t-tagħlim tagħhom. L-istituzzjonijiet tal-VET għandhom iqajmu wkoll sensibilizzazzjoni fost l-istudenti tagħhom dwar l-opportunitajiet fi ħdan il-programm biex jiksbu u jkomplu jiżviluppaw ħiliet diġitali rilevanti, inklużi Traineeships ta' Opportunità Diġitali għall-

istudenti tal-VET u għall-gradwati reċenti[61]. Barra minn hekk, il-parteċipanti tal-persunal jistgħu jibbenefikaw minn Traineeships ta' Opportunità Diġitali: attivitajiet ta' mobbiltà li jippermettulhom jiksbu ħiliet diġitali u jibnu l-kapaċità tagħhom li jħarrġu, jgħallmu u jwettqu kompiti oħrajn bl-għajnuna ta' għodod diġitali. Tali attivitajiet jistgħu jiġu organizzati bi kwalunkwe wieħed mill-formati ta' mobbiltà tal-persunal disponibbli.

Parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika

Il-programm għandu l-għan li jgħin lill-parteċipanti jiskopru l-benefiċċji taċ-ċittadinanza attiva u l-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika. L-attivitajiet ta' mobbiltà appoġġati għandhom isaħħu l-ħiliet parteċipattivi f'oqsma differenti tas-soċjetà ċivika, kif ukoll l-iżvilupp ta' kompetenzi soċjali u interkulturali, il-ħsieb kritiku u l-litteriżmu medjatiku. Kull fejn ikun possibbli, il-proġetti għandhom joffru opportunitajiet għall-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika, l-involviment soċjali u ċiviku permezz ta' attivitajiet ta' apprendiment formali jew mhux formali. Dawn għandhom itejbu wkoll il-fehim tal-parteċipanti dwar l-Unjoni Ewropea u l-valuri komuni Ewropej, inkluż ir-rispett għall-prinċipji demokratiċi, id-dinjità tal-bniedem, l-unità u d-diversità, id-djalogu interkulturali, kif ukoll il-wirt soċjali, kulturali u storiku Ewropew.

ATTIVITAJIET

Din it-taqsima tippreżenta t-tipi ta' attivitajiet li jistgħu jiġu appoġġati mill-fondi tal-Erasmus+, kemm bħala parti minn proġetti fuq perjodu qasir kif ukoll minn proġetti akkreditati.

Għal kwalunkwe attività, jista' jingħata appoġġ addizzjonali lill-akkumpanjaturi tal-parteċipanti b'inqas opportunitajiet, lill-minorenni, jew lill-adulti żgħażagħ li jeħtieġu superviżjoni. L-akkumpanjaturi jistgħu jiġu appoġġati għad-durata sħiħa tal-attività jew għal parti minnha.

MOBBILTÀ TAL-PERSUNAL

Attivitajiet eliġibbli	▪ Job shadowing (minn jumejn sa 60 jum) ▪ Inkarigi ta' tagħlim jew ta' taħriġ (minn jumejn sa 365 jum) ▪ Korsijiet u taħriġ (minn jumejn sa 30 jum, massimu ta' 10 ijiem ta' tariffi tal-kors għal kull parteċipant) Minbarra l-mobbiltà fiżika, l-attivitajiet kollha tal-mobbiltà tal-persunal jistgħu jitħalltu ma' attivitajiet virtwali. Id-durati minimi u massimi speċifikati hawn fuq japplikaw għall-komponent tal-mobbiltà fiżika. **Job shadowing**: il-parteċipanti jistgħu jqattgħu perjodu ta' żmien f'organizzazzjoni ospitanti f'pajjiż ieħor bil-għan li jitgħallmu prattiki ġodda u jiġbru ideat ġodda permezz ta' osservazzjoni u interazzjoni mal-pari, mal-esperti jew ma' prattikanti oħrajn fix-xogħol ta' kuljum tagħhom fl-

[61] Kwalunkwe mobbiltà tal-istudenti tal-VET titqies bħala "Traineeship ta' Opportunità Diġitali" meta waħda jew aktar mill-attivitajiet li ġejjin jiġu pprattikati mit-trainee: il-kummerċjalizzazzjoni diġitali (pereżempju l-ġestjoni tal-media soċjali, l-analitika tal-web); id-disinn grafiku, mekkaniku jew arkitettoniku diġitali; l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet, software, kitbiet, jew siti web; l-installazzjoni, il-manutenzjoni u l-ġestjoni tas-sistemi u n-networks tal-IT; iċ-ċibersigurtà; l-analitika tad-*data*, l-estrazzjoni u l-viżwalizzazzjoni; l-ipprogrammar u t-taħriġ tar-robots u l-applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali. L-appoġġ ġeneriku tal-klijent, it-twettiq tal-ordni, id-dħul tad-*data* jew il-kompiti tal-uffiċċju ma jitqisux f'din il-kategorija.

	organizzazzjoni ospitanti. **Inkarigi ta' tagħlim jew ta' taħriġ**: il-parteċipanti jistgħu jqattgħu perjodu ta' żmien jgħallmu jew jipprovdu taħriġ lill-istudenti f'organizzazzjoni ospitanti f'pajjiż ieħor, bħala mod kif jitgħallmu billi jwettqu l-kompiti tagħhom u jiskambjaw mal-pari. **Korsijiet u taħriġ**: il-parteċipanti jistgħu jibbenefikaw minn kors strutturat jew minn tip simili ta' taħriġ ipprovdut minn professjonisti kwalifikati u bbażat fuq programm ta' apprendiment definit minn qabel u fuq l-eżiti tal-apprendiment. It-taħriġ irid jinvolvi parteċipanti minn tal-inqas żewġ pajjiżi differenti u jrid jippermetti lill-parteċipanti jinteraġixxu ma' studenti oħrajn u mal-ħarrieġa. Attivitajiet kompletament passivi fosthom li wieħed jisma' lekċers, diskorsi jew konferenzi tal-massa ma humiex appoġġati. L-applikanti għandhom ikunu konxji li l-forniturі kollha tal-korsijiet huma kompletament indipendenti mill-programm Erasmus+ u qegħdin jaġixxu bħala forniturі ta' servizzi f'suq ħieles. L-għażla tal-korsijiet u t-taħriġ hija għalhekk responsabbiltà tal-organizzazzjoni benefiċjarja. L-istandards tal-kwalità li ġejjin huma disponibbli bħala appoġġ biex jiggwidaw lill-applikanti fl-għażla tagħhom: https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/resources/quality-standards-courses-under-key-action-1-learning-mobility-individuals_mt
Parteċipanti eliġibbli	Il-parteċipanti eliġibbli jinkludu l-għalliema, il-ħarrieġa, u l-esperti l-oħrajn kollha li ma jgħallmux u l-persunal li jaħdem fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali (iVET) u fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali kontinwu (cVET). Il-persunal eliġibbli li ma jgħallimx jinkludi persunal li jaħdem fil-VET inizjali u kontinwi, jew fil-forniturі tal-VET (bħala persunal tal-ġestjoni, uffiċjali tal-mobbiltà internazzjonali, eċċ.) jew f'organizzazzjonijiet oħrajn attivi fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (eż. ħarrieġa f'kumpaniji sħab lokali, konsulenti, koordinaturi tal-politika responsabbli mill-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, eċċ.). Il-parteċipanti jeħtiġilhom ikunu qegħdin jaħdmu fl-organizzazzjoni li tibgħat, jew iridu jkunu qegħdin jaħdmu regolarment mal-organizzazzjoni li tibgħat sabiex jgħinu fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet ewlenin tal-organizzazzjoni (pereżempju bħala ħarrieġa esterni u fil-kumpaniji, esperti, jew voluntiera). Fil-każijiet kollha, il-kompiti li jorbtu lill-parteċipant mal-organizzazzjoni li tibgħat iridu jkunu dokumentati b'mod li jippermetti lill-Aġenzija Nazzjonali tivverifika din ir-rabta (pereżempju ma' kuntratt ta' xogħol jew volontarjat, deskrizzjoni tal-kompitu, jew dokument simili). L-Aġenziji Nazzjonali għandhom jistabbilixxu prattika trasparenti u konsistenti dwar x'jikkostitwixxi relazzjonijiet ta' ħidma aċċettabbli u dokumentazzjoni ta' sostenn fil-kuntest nazzjonali tagħhom.
Postijiet eliġibbli	L-attivitajiet iridu jsiru barra l-pajjiż, fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm. Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet li jkollhom akkreditazzjoni tal-Erasmus jistgħu jibagħtu lill-parteċipanti fuq job shadowing u fuq karigi ta' tagħlim jew taħriġ f'pajjiżi terzi mhux

	assoċjati mal-Programm (ir-Reġjuni 1-14 kif speċifikat fil-Parti A: Pajjiżi eliġibbli).

MOBBILTÀ TAL-ISTUDENTI

Attivitajiet eliġibbli	▪ Il-parteċipazzjoni f'kompetizzjonijiet ta' ħiliet tal-VET (minn jum sa 10 ijiem) ▪ Il-mobbiltà għall-apprendiment fuq perjodu qasir tal-istudenti tal-VET (minn 10 ijiem sa 89 jum) ▪ Il-mobbiltà għall-apprendiment fit-tul tal-istudenti tal-VET (ErasmusPro) (minn 90 sa 365 jum) Minbarra l-mobbiltà fiżika, l-attivitajiet kollha ta' mobbiltà tal-istudenti jistgħu jitħalltu ma' attivitajiet virtwali. Id-durati minimi u massimi speċifikati hawn fuq japplikaw għall-komponent tal-mobbiltà fiżika. **Parteċipazzjoni fil-kompetizzjonijiet tal-ħiliet tal-VET:** L-istudenti tal-VET jistgħu jipparteċipaw f'avvenimenti settorjali internazzjonali li fihom id-dimostrazzjoni kompetittiva tal-ħiliet hija ċentrali għall-promozzjoni, ir-rikonoxximent u l-iskambju tal-esperjenza, l-għarfien espert u l-innovazzjonijiet teknoloġiċi fil-VET[62]. Il-finanzjament huwa pprovdut ukoll għall-persunal, għall-mentors jew għall-esperti li jakkumpanjaw lill-istudenti matul l-attività. **Mobbiltà għall-apprendiment għal perjodu qasir tal-istudenti tal-VET**: L-istudenti tal-VET jistgħu jqattgħu perjodu ta' apprendiment barra l-pajjiż f'fornitur sieħeb tal-VET, f'kumpanija, jew f'organizzazzjoni oħra attiva fil-qasam tal-VET jew tas-suq tax-xogħol. Il-perjodu ta' apprendiment irid jinkludi komponent qawwi bbażat fuq ix-xogħol u programm ta' apprendiment individwali jrid jiġi ddefinit għal kull parteċipant. Għal parteċipanti b'inqas opportunitajiet, il-mobbiltà tista' tiġi organizzata b'durata minima ta' jumejn, jekk din tkun iġġustifikata. **Mobbiltà għall-apprendiment fit-tul tal-istudenti tal-VET (ErasmusPro)**: L-istudenti tal-VET jistgħu jqattgħu perjodu itwal ta' apprendiment barra l-pajjiż f'fornitur sieħeb tal-VET, f'kumpanija, jew f'organizzazzjoni oħra attiva fil-qasam tal-VET jew tas-suq tax-xogħol. Il-perjodu ta' apprendiment irid jinkludi komponent qawwi bbażat fuq ix-xogħol u programm ta' apprendiment individwali jrid jiġi ddefinit għal kull parteċipant.
Parteċipanti eliġibbli	Il-parteċipanti eliġibbli jinkludu studenti u apprendisti fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali (iVET) u fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali kontinwi (cVET). Il-parteċipanti jridu jkunu rreġistrati fi programm tal-iVET jew tas-cVET eliġibbli[63]. Il-gradwati reċenti (inklużi dawk li qabel kienu apprendisti) ta' programmi iVET u cVET eliġibbli huma eliġibbli li jipparteċipaw sa 12-il xahar wara li jkunu ggradwaw. F'każ li l-parteċipanti

[62] Aktar dettalji dwar id-definizzjoni tal-kompetizzjonijiet tal-ħiliet tal-VET jinsabu fil-Parti D – Glossarju tat-termini.
[63] Il-programmi tal-iVET u tas-cVET eliġibbli f'kull Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm se jiġu ddefiniti mill-Awtorità Nazzjonali kompetenti u ppubblikati fuq is-sit web tal-Aġenzija Nazzjonali rilevanti.

	kienu qed iwettqu servizz ċivili jew militari obbligatorju wara li ggradwaw, il-perjodu ta' eliġibbiltà se jiġi estiż bid-durata tas-servizz.
Postijiet eliġibbli	L-attivitajiet iridu jsiru barra l-pajjiż, fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm. Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet li jkollhom akkreditazzjoni tal-Erasmus jistgħu jibagħtu studenti għall-mobbiltà fuq perjodu qasir, għall-mobbiltà fit-tul (ErasmusPro) u għall-kompetizzjonijiet tal-ħiliet tal-VET f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm (ir-Reġjuni 1-14 kif speċifikat fil-Parti A: Pajjiżi eliġibbli).

ATTIVITAJIET APPOĠĠATI OĦRAJN

Attivitajiet eliġibbli	▪ Esperti mistiedna (minn jumejn sa 60 jum) ▪ L-ospitar tal-għalliema u l-edukaturi li jkunu qegħdin jitħarrġu (minn 10 ijiem sa 365 jum) **Esperti mistiedna:** l-organizzazzjonijiet jistgħu jistiednu ħarrieġa, għalliema, esperti fil-politika jew professjonisti kkwalifikati oħrajn minn barra l-pajjiż li jistgħu jgħinuhom itejbu t-tagħlim, it-taħriġ u l-apprendiment fl-organizzazzjoni li tilqa'. Pereżempju, l-esperti mistiedna jistgħu jipprovdu taħriġ lill-persunal tal-organizzazzjoni li tilqa', juru metodi ġodda ta' tagħlim jew jgħinu fit-trasferiment ta' prattiki tajba fl-organizzazzjoni u fl-amministrazzjoni. **Ospitar tal-għalliema u l-edukaturi li jkunu qegħdin jitħarrġu:** l-organizzazzjonijiet applikanti jistgħu jospitaw għalliema li jkunu qegħdin jitħarrġu li jkunu jixtiequ jwettqu traineeship barra l-pajjiż. L-organizzazzjoni ospitanti se tirċievi appoġġ biex tistabbilixxi l-attività, filwaqt li l-appoġġ għall-ivvjaġġar u dak individwali għall-parteċipant għandu jiġi pprovdut mill-istituzzjoni li tibgħat tagħhom (li tista' tapplika wkoll għall-finanzjament tal-Erasmus+ għal dan l-iskop).
Parteċipanti eliġibbli	**L-esperti mistiedna** jistgħu jkunu kwalunkwe persuna minn Stat Membru ieħor tal-UE jew minn pajjiż terz assoċjat mal-Programm, li jistgħu jipprovdu għarfien espert u taħriġ rilevanti għall-ħtiġijiet u l-objettivi tal-organizzazzjoni li tistedinhom. **L-ospitar ta' għalliema u edukaturi li jkunu qed jitħarrġu** huwa disponibbli għall- parteċipanti li jkunu rreġistrati fi programm edukattiv għall-għalliema jew li jkunu gradwaw[64] minnu dan l-aħħar (jew tip simili ta' programm edukattiv għall-ħarrieġa jew l-edukaturi) fi Stat Membru ieħor tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm.
Postijiet eliġibbli	Il-post għall-esperti u l-għalliema/edukaturi mistiedna li jkunu qegħdin jitħarrġu dejjem huwa l-organizzazzjoni benefiċjarja (inklużi l-membri tal-konsorzju).

Żjarat preparatorji

[64] Il-gradwati reċenti huma eliġibbli biex jipparteċipaw sa 12-il xahar wara li jkunu ggradwaw. F'każ li l-parteċipanti kienu qed iwettqu servizz ċivili jew militari obbligatorju wara li ggradwaw, il-perjodu ta' eliġibbiltà se jiġi estiż bid-durata tas-servizz.

X'inhi żjara preparatorja?	Żjara preparatorja hija żjara f'organizzazzjoni ospitanti prospettiva mill-persunal mill-organizzazzjoni li tibgħat bl-iskop li titħejja aħjar attività ta' mobbiltà tal-istudenti jew tal-persunal.
Meta tista' tiġi organizzata żjara preparatorja?	Kull żjara preparatorja jrid ikollha motivazzjoni ċara u trid isservi biex ittejjeb l-inklużività, il-kamp ta' applikazzjoni u l-kwalità tal-attivitajiet ta' mobbiltà. Pereżempju, jistgħu jiġu organizzati żjarat preparatorji biex titħejja aħjar il-mobbiltà tal-parteċipanti b'inqas opportunitajiet, biex jibdew jaħdmu ma' organizzazzjoni sieħba ġdida, jew biex iħejju attivitajiet ta' mobbiltà aktar fit-tul. Jistgħu jiġu organizzati żjarat preparatorji bi tħejjija għal kwalunkwe tip ta' mobbiltà tal-istudenti jew tal-persunal, ħlief "korsijiet u taħriġ".
Min jista' jieħu sehem fi żjara preparatorja?	Iż-żjarat preparatorji jistgħu jitwettqu minn kwalunkwe persuna eliġibbli għall-attivitajiet ta' mobbiltà tal-persunal u involuta fl-organizzazzjoni tal-proġett. B'mod eċċezzjonali, l-istudenti li se jieħdu sehem f'mobbiltà għall-apprendiment fit-tul u l-parteċipanti b'inqas opportunitajiet fi kwalunkwe tip ta' attività jistgħu jieħdu sehem fi żjarat preparatorji għall-attivitajiet tagħhom. Massimu ta' tliet persuni jista' jieħu sehem fi żjara preparatorja, u tista' tiġi organizzata massimu ta' żjara preparatorja waħda għal kull organizzazzjoni ospitanti.
Fejn jistgħu jsiru żjarat preparatorji?	Iż-żjarat preparatorji jsiru fil-bini tal-organizzazzjoni ospitanti prospettiva, jew fi kwalunkwe post ieħor fejn ikunu ppjanati li jsiru attivitajiet ta' mobbiltà. Ir-regoli applikabbli għall-postijiet tal-attivitajiet ta' mobbiltà tal-persunal u tal-istudenti japplikaw ukoll għal żjarat preparatorji marbuta ma' dawk l-attivitajiet.

PROĠETTI FUQ PERJODU QASIR GĦALL-MOBBILTÀ TAL-ISTUDENTI U L-PERSUNAL FL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ VOKAZZJONALI

Il-proġetti fuq perjodu qasir għall-mobbiltà tal-istudenti u l-persunal huma mod dirett u sempliċi kif wieħed jista' jibbenefika mill-Erasmus+. L-iskop tagħhom huwa li jippermettu lill-benefiċjarju jorganizza ftit attivitajiet b'mod faċli u jikseb esperjenza fil-Programm.

Sabiex il-proġetti fuq perjodu qasir jibqgħu sempliċi, dawn jinkludu limitu fuq in-numru ta' parteċipanti u d-durata tal-proġett. Il-format huwa miftuħ biss għal organizzazzjonijiet individwali u mhux għall-konsorzji. L-organizzazzjonijiet akkreditati ma jistgħux japplikaw għal proġetti fuq perjodu qasir peress li diġà għandhom aċċess permanenti għall-finanzjament tal-Erasmus+.

L-applikazzjoni għal proġetti fuq perjodu qasir tinkludi lista u deskrizzjoni tal-attivitajiet li l-organizzazzjoni applikanti beħsiebha torganizza.

KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ

Organizzazzjonijiet eliġibbli: min jista' japplika?	L-organizzazzjonijiet li ġejjin huma eliġibbli[65] biex japplikaw: (1) Organizzazzjonijiet li jipprovdu edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali inizjali jew kontinwi (2) Awtoritajiet pubbliċi lokali u reġjonali, korpi ta' koordinazzjoni u organizzazzjonijiet oħrajn bi rwol fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (3) Il-kumpaniji u l-organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati oħrajn li jospitaw, iħarrġu jew jaħdmu b'xi mod ieħor mal-istudenti u l-apprendisti fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali L-organizzazzjonijiet li għandhom akkreditazzjoni tal-Erasmus fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali ma jistgħux japplikaw għal proġetti fuq perjodu qasir.
Pajjiżi eliġibbli	L-organizzazzjonijiet applikanti jridu jkunu stabbiliti fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm
Fejn tissottometti applikazzjoni?	L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi lill-Aġenzija Nazzjonali tal-pajjiż fejn ikun stabbilit l-applikant.
Skadenzi tal-applikazzjoni	Ċiklu 1 (għall-Aġenziji Nazzjonali kollha): **it-23 ta' Frar f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell)** Ċiklu 2: L-Aġenziji Nazzjonali jistgħu jiddeċiedu li jiftħu t-tieni skadenza (Ċiklu 2). F'dan il-każ, l-Aġenzija Nazzjonali se tinforma lill-applikanti permezz tas-sit web tagħha. Għaċ-Ċiklu 2, l-applikanti jridu jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom sal-**4 ta' Ottubru f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell).**

[65] L-ORGANIZZAZZJONIJIET ELIĠIBBLI F'KULL STAT MEMBRU TAL-UE JEW F'PAJJIŻ TERZ ASSOĊJAT MAL-PROGRAMM SE JIĠU DDEFINITI MILL-AWTORITÀ NAZZJONALI KOMPETENTI U PPUBBLIKATI FUQ IS-SIT WEB TAL-AĠENZIJA NAZZJONALI RILEVANTI FLIMKIEN MA' EŻEMPJI RILEVANTI.

Dati tal-bidu tal-proġett	Il-proġetti jistgħu jagħżlu d-dati tal-bidu li ġejjin: ▪ Ċiklu 1: bejn l-1 ta' Ġunju u l-31 ta' Diċembru tal-istess sena ▪ Ċiklu 2 (jekk miftuħ): bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Mejju tas-sena ta' wara
Durata tal-proġett	Minn 6 xhur sa 18-il xahar
Numru ta' applikazzjonijiet	Għal kull ċiklu ta' għażla, organizzazzjoni tista' tapplika għal proġett wieħed biss fuq perjodu qasir fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. L-organizzazzjonijiet li jirċievu għotja għal proġett fuq perjodu qasir taħt l-ewwel ċiklu ta' applikazzjonijiet ma jistgħux japplikaw għat-tieni ċiklu tal-istess sejħa għall-proposti. Fi żmien perjodu ta' kwalunkwe ħames snin ta' sejħiet konsekuttivi, l-organizzazzjonijiet jistgħu jirċievu massimu ta' tliet għotjiet għal proġetti fuq perjodu qasir fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. L-għotjiet riċevuti fil-perjodu 2014–2020 ma jgħoddux ma' dan il-limitu.
Attivitajiet eliġibbli	It-tipi kollha ta' attivitajiet għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Għal lista dettaljata u għar-regoli, ara t-taqsima "Attivitajiet". Sabiex ikunu eliġibbli, l-applikazzjonijiet iridu jinkludu mill-inqas attività waħda ta' mobbiltà tal-persunal jew tal-istudenti.
Kamp ta' applikazzjoni tal-proġett	Applikazzjoni għal proġett fuq perjodu qasir tista' tinkludi massimu ta' 30 parteċipant f'attivitajiet ta' mobbiltà. Iż-żjarat preparatorji u l-parteċipazzjoni tal-akkumpanjaturi mhux se jgħoddu ma' dan il-limitu.
Organizzazzjonijiet ta' appoġġ	Organizzazzjoni ta' appoġġ hija organizzazzjoni li tassisti organizzazzjoni akkreditata f'aspetti prattiċi tal-implimentazzjoni tal-proġett li ma jikkonċernawx kompiti ewlenin tal-proġett (kif definiti fl-istandards ta' kwalità tal-Erasmus). Kwalunkwe organizzazzjoni attiva fl-edukazzjoni u t-taħriġ tista' ssir organizzazzjoni ta' appoġġ. Ir-rwol u l-obbligi tal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ iridu jiġu ddefiniti b'mod formali bejniethom u bejn l-organizzazzjoni benefiċjarja. L-organizzazzjoni ta' appoġġ taġixxi taħt is-superviżjoni tal-organizzazzjoni benefiċjarja, li fl-aħħar mill-aħħar tibqa' responsabbli għar-riżultati u l-kwalità tal-attivitajiet implimentati. Il-kontribuzzjonijiet kollha tal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ iridu jikkonformaw mal-istandards tal-kwalità tal-Erasmus.

KRITERJI GĦALL-GĦOTI

L-applikazzjonijiet sottomessi se jiġu vvalutati billi jiġu assenjati punti minn total ta' 100, abbażi tal-kriterji u l-ponderazzjonijiet ta' hawn taħt. Sabiex ikunu kkunsidrati għall-għoti, l-applikazzjonijiet iridu jissodisfaw il-limiti li ġejjin:

- Mill-inqas 60 punt mit-total ta' 100 punt, u
- Mill-inqas nofs il-punti tal-punteġġ massimu f'kull waħda mit-tliet kategoriji tal-kriterji għall-għoti

Rilevanza **(punteġġ massimu ta' 30 punt)**	Kemm: ▪ il-profil, l-esperjenza, l-attivitajiet u l-popolazzjoni fil-mira tal-istudenti tal-applikant huma rilevanti għall-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali ▪ il-proposta tal-proġett hija rilevanti għall-objettivi tal-azzjoni ▪ il-proposta tal-proġett hija rilevanti għall-prijoritajiet speċifiċi li ġejjin: – l-appoġġ lil parteċipanti ġodda u organizzazzjonijiet b'inqas esperjenza – l-appoġġ għall-parteċipanti fl-attivitajiet ta' ErasmusPro – l-appoġġ lill-parteċipanti b'inqas opportunitajiet
Kwalità tat-tfassil tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 40 punt)**	Kemm: ▪ l-objettivi proposti tal-proġett jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-organizzazzjoni applikanti, il-persunal tagħha u l-istudenti b'mod ċar u konkret ▪ il-kontenut tal-attivitajiet proposti u l-bilanċ bejn tipi differenti ta' attivitajiet huma xierqa biex jintlaħqu l-objettivi tal-proġett ▪ hemm pjan ċar ta' ħidma għal kull waħda mill-attivitajiet proposti ▪ il-proġett jinkorpora prattiki ambjentalment sostenibbli u responsabbli ▪ il-proġett jinkorpora l-użu ta' għodod diġitali (b'mod partikolari l-eTwinning għall-iVET u l-EPALE għas-cVET) u metodi ta' apprendiment biex jikkomplementaw l-attivitajiet ta' mobbiltà fiżika tagħhom, u ħalli jtejbu l-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet sħab
Kwalità tal-azzjonijiet ta' segwitu **(punteġġ massimu ta' 30 punt)**	Kemm: ▪ l-applikant iddefinixxa b'mod ċar il-kompiti u r-responsabbiltajiet għat-twettiq tal-attivitajiet f'konformità mal-istandards tal-kwalità tal-Erasmus ▪ l-applikant ippropona passi konkreti u loġiċi biex jintegra r-riżultati tal-attivitajiet ta' mobbiltà fil-ħidma regolari tal-organizzazzjoni ▪ l-applikant ippropona mod xieraq ta' kif jiġu evalwati l-eżiti tal-proġett ▪ l-applikant ippropona passi konkreti u effettivi biex ir-riżultati tal-proġett isiru magħrufa fi ħdan l-organizzazzjoni applikanti, biex ir-riżultati jiġu kondiviżi ma' organizzazzjonijiet oħrajn u mal-pubbliku, u ħalli l-finanzjament tal-Unjoni Ewropea jiġi rikonoxxut b'mod pubbliku

PROĠETTI AKKREDITATI GĦALL-MOBBILTÀ TAL-ISTUDENTI U L-PERSUNAL FL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ VOKAZZJONALI

L-organizzazzjonijiet li għandhom akkreditazzjoni tal-Erasmus fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jistgħu japplikaw għall-finanzjament bħala parti minn fergħa ta' finanzjament speċjali miftuħa għalihom biss. L-applikazzjonijiet huma bbażati fuq il-Pjan Erasmus li kien approvat qabel, u għalhekk mhijiex meħtieġa lista u deskrizzjoni dettaljata tal-attivitajiet ippjanati fiż-żmien tal-applikazzjoni għall-fondi. Minflok, l-applikazzjonijiet jiffokaw fuq l-istima tal-baġit meħtieġ għas-sett ta' attivitajiet li jmiss.

Kriterji tal-eliġibbiltà

Organizzazzjonijiet eliġibbli: min jista' japplika?	L-organizzazzjonijiet li għandhom akkreditazzjoni tal-Erasmus valida fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali huma eliġibbli li japplikaw.
Konsorzju ta' mobbiltà	L-organizzazzjonijiet li għandhom akkreditazzjoni tal-Erasmus għall-koordinaturi tal-konsorzju tal-mobbiltà jeħtiġilhom japplikaw għall-format tal-konsorzju tal-mobbiltà. Il-lista tal-membri tal-konsorzju tal-mobbiltà trid tiġi pprovduta bħala parti mill-applikazzjoni u trid tinkludi mill-inqas organizzazzjoni membru waħda flimkien mal-koordinatur. Kwalunkwe organizzazzjoni li tissodisfa l-kriterji tal-eliġibbiltà għall-akkreditazzjoni tal-Erasmus fl-istess qasam tista' ssir membru ta' konsorzju tal-mobbiltà. L-organizzazzjonijiet membri tal-konsorzju ppjanati kollha jridu jkunu mill-istess Stat Membru tal-UE jew minn pajjiż terz assoċjat mal-Programm bħall-koordinatur tal-konsorzju tal-mobbiltà. Il-membri tal-konsorzju ma humiex meħtieġa jkollhom akkreditazzjoni tal-Erasmus. L-organizzazzjonijiet li jieħdu sehem f'konsorzju tal-mobbiltà jistgħu jirċievu finanzjament għall-implimentazzjoni ta' massimu ta' żewġ ftehimiet ta' għotja tal-Azzjoni Ewlenija 1 fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fil-qafas tal-istess Sejħa għall-proposti. Għalhekk, l-organizzazzjonijiet tal-VET li jirċievu għotja għal proġett fuq perjodu qasir jew għal proġett akkreditat jistgħu jieħdu sehem ukoll f'konsorzju wieħed tal-mobbiltà tal-VET bħala organizzazzjonijiet membri. Organizzazzjonijiet oħrajn jistgħu jieħdu sehem f'massimu ta' żewġ konsorzji tal-mobbiltà.
Fejn tissottometti applikazzjoni?	L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi lill-Aġenzija Nazzjonali tal-pajjiż fejn tkun stabbilita l-organizzazzjoni applikanti.
Skadenza tal-applikazzjoni	**it-23 ta' Frar f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell)**
Data tal-bidu tal-proġett	L-1 ta' Ġunju tal-istess sena
Durata tal-proġett	Il-proġetti akkreditati kollha se jkollhom durata inizjali ta' 15-il xahar. Wara 12-il xahar, il-benefiċjarji kollha se jkollhom il-possibbiltà li jestendu l-proġett tagħhom għal durata totali ta' 24 xahar.
Numru ta' applikazzjonijiet	L-organizzazzjonijiet akkreditati jistgħu japplikaw darba biss għal kull ċiklu ta' għażla.

Attivitajiet eliġibbli	It-tipi kollha ta' attivitajiet għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Għal lista dettaljata u għar-regoli, ara t-taqsima "Attivitajiet". Sabiex ikunu eliġibbli, l-applikazzjonijiet iridu jinkludu mill-inqas attività waħda ta' mobbiltà tal-persunal jew tal-istudenti.
Kamp ta' applikazzjoni tal-proġett	In-numru ta' parteċipanti li jistgħu jiġu inklużi fi proġetti akkreditati ma huwiex limitat, minbarra kwalunkwe limitazzjoni definita fl-istadju tal-allokazzjoni tal-baġit. Il-proġetti ma jistgħux jallokaw aktar minn 20 % tal-għotja mogħtija għal attivitajiet ma' pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm[66]. Dawn l-opportunitajiet huma maħsuba biex iħeġġu lill-organizzazzjonijiet fl-Istati Membri tal-UE u f'pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm biex jiżviluppaw attivitajiet ta' mobbiltà ħierġa ma' diversi pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm. Dawn l-attivitajiet huma mistennija jkopru l-aktar ambitu ġeografiku wiesa' possibbli.

ALLOKAZZJONI TAL-BAĠIT

Il-kwalità tal-Pjan Erasmus tal-applikant ġiet ivvalutata fl-istadju tal-applikazzjoni għall-akkreditazzjoni u għalhekk l-ebda valutazzjoni kwalitattiva ma ssir fl-istadju tal-allokazzjoni tal-baġit. L-applikazzjonijiet għal għotja eliġibbli kollha se jirċievu finanzjament.

L-ammont tal-għotja mogħti se jiddependi fuq għadd ta' elementi:

- il-baġit totali disponibbli għall-allokazzjoni lil applikanti akkreditati
- l-attivitajiet mitluba (inkluż il-baġit stmat meħtieġ sabiex dawn jiġu implimentati)
- l-għotja bażika u massima
- il-kriterji ta' allokazzjoni li ġejjin: il-prestazzjoni tal-applikant, il-prijoritajiet ta' politika, u l-bilanċ ġeografiku (jekk applikati mill-Aġenzija Nazzjonali)

Regoli dettaljati dwar l-għotja bażika u massima, il-punteġġ tal-kriterji tal-allokazzjoni, il-ponderazzjoni ta' kull kriterju, il-metodu tal-allokazzjoni, u l-baġit disponibbli għall-proġetti akkreditati se jiġu ppubblikati mill-Aġenzija Nazzjonali qabel l-iskadenza tas-sejħa.

[66] Il-kategoriji tal-baġit "Appoġġ għall-inklużjoni għall-parteċipanti" u "Kostijiet eċċezzjonali għall-ivjaġġar għali" mhux se jgħoddu ma' dan il-limitu.

X'INHUMA R-REGOLI TA' FINANZJAMENT?

Ir-regoli ta' finanzjament li ġejjin japplikaw għal proġetti fuq perjodu qasir u għal proġetti akkreditati.

<table>
<tr><th>Kategorija tal-baġit</th><th>Kostijiet eliġibbli u regoli applikabbli</th><th colspan="3">Ammont</th></tr>
<tr><td rowspan="3">Appoġġ organizzazzjonali</td><td rowspan="3">Il-kostijiet relatati direttament mal-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' mobbiltà li ma humiex koperti minn kategoriji oħrajn ta' kostijiet.

Pereżempju: it-tħejjija (pedagoġika, interkulturali u oħrajn), il-mentoraġġ, il-monitoraġġ u l-appoġġ tal-parteċipanti matul il-mobbiltà, is-servizzi, l-għodod u t-tagħmir meħtieġa għall-komponenti virtwali f'attivitajiet imħallta, ir-rikonoxximent tal-eżiti tal-apprendiment, il-kondiviżjoni tar-riżultati u li l-finanzjament tal-Unjoni Ewropea jsir viżibbli għall-pubbliku.

L-appoġġ organizzazzjonali jkopri l-kostijiet imġarrba kemm mill-organizzazzjonijiet li jibagħtu kif ukoll minn dawk ospitanti (ħlief fil-każ tal-mobbiltà tal-persunal għal korsijiet u taħriġ). Id-diviżjoni tal-għotja mogħtija se tiġi miftiehma bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet.

Mekkaniżmu ta' finanzjament: kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji.

Regola tal-allokazzjoni: abbażi tan-numru ta' parteċipanti.</td><td colspan="3">EUR 100
– Għal kull parteċipant fil-mobbiltà tal-persunal għall-korsijiet u t-taħriġ
– Għal kull espert mistieden
– Għal kull għalliem jew edukatur ospitat li jkun qiegħed jitħarreġ
– Għal kull parteċipant fil-kompetizzjonijiet tal-ħiliet tal-VET</td></tr>
<tr><td colspan="3">EUR 350; EUR 200 wara mitt parteċipant fl-istess tip ta' attività
– Għal kull parteċipant fil-mobbiltà għall-apprendiment fuq perjodu qasir ta' studenti tal-VET
– Għal kull parteċipant fil-mobbiltà tal-persunal għal job shadowing u inkarigi ta' tagħlim jew taħriġ</td></tr>
<tr><td colspan="3">EUR 500
– Għal kull parteċipant fil-mobbiltà għall-apprendiment fit-tul ta' studenti tal-VET (ErasmusPro)
– Għal kull parteċipant fi kwalunkwe attività ma' pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm</td></tr>
<tr><td rowspan="7">Vjaġġar</td><td rowspan="7">Kontribuzzjoni għall-kostijiet tal-ivjaġġar bir-ritorn tal-parteċipanti u l-akkumpanjaturi, mill-post tal-oriġini tagħhom sal-post tal-attività.

Mekkaniżmu ta' finanzjament: kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji

Regola tal-allokazzjoni: abbażi tad-distanza tal-ivvjaġġar u n-numru ta' persuni

L-applikant jeħtieġlu jindika d-distanza bl-ajru bejn il-post tal-oriġini u l-post tal-attività[67] billi juża l-kalkulatur tad-distanza appoġġat mill-Kummissjoni Ewropea[68].</td><td>Distanza tal-ivvjaġġar</td><td>Vjaġġar standard</td><td>Vjaġġar ekoloġiku</td></tr>
<tr><td>10 – 99 km</td><td>EUR 23</td><td></td></tr>
<tr><td>100 – 499 km</td><td>EUR 180</td><td>EUR 210</td></tr>
<tr><td>500 – 1999 km</td><td>EUR 275</td><td>EUR 320</td></tr>
<tr><td>2000 – 2999 km</td><td>EUR 360</td><td>EUR 410</td></tr>
<tr><td>3000 – 3999 km</td><td>EUR 530</td><td>EUR 610</td></tr>
<tr><td>4000 – 7999 km</td><td>EUR 820</td><td></td></tr>
</table>

<table>
<tr><td></td><td></td><td>8000 km jew aktar</td><td>EUR 1,500</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td rowspan="5">Appoġġ individwali</td><td rowspan="5">Kostijiet ta’ sussistenza għall-parteċipanti u l-akkumpanjaturi[69] matul l-attività.

Jekk meħtieġ, il-kostijiet ta’ sussistenza jkunu eliġibbli għal ħin ta’ vjaġġar qabel u wara l-attività, b’massimu ta’ jumejn ta’ vjaġġar għall-parteċipanti u l-akkumpanjaturi li jirċievu għotja standard għall-ivvjaġġar, u massimu ta’ sitt ijiem addizzjonali f’każ ta’ għotja għall-ivjaġġar ekoloġiku.

Mekkaniżmu ta’ finanzjament: kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji.

Regola tal-allokazzjoni: abbażi tan-numru ta’ persuni, id-durata tas-soġġorn u l-pajjiż li jilqa’[70].</td><td>Kategorija ta’ parteċipanti</td><td>Grupp ta’ pajjiżi 1</td><td>Grupp ta’ pajjiżi 2</td><td>Grupp ta’ pajjiżi 3</td></tr>
<tr><td>Persunal</td><td>EUR 101 – 180</td><td>EUR 90 – 160</td><td>EUR 79 – 140</td></tr>
<tr><td>Studenti tal-VET</td><td>EUR 39 – 120</td><td>EUR 34 – 104</td><td>EUR 28 – 88</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dawn ta’ hawn fuq huma rati bażi għal kull jum tal-attività. Kull Aġenzija Nazzjonali se tiddeċiedi dwar ir-rati bażi eżatti fil-meded permessi.

Ir-rata bażi hija pagabbli sal-14-il jum tal-attività. Mill-15-il jum tal-attività, ir-rata pagabbli tkun ugwali għal 70 % tar-rata bażi. Ir-rati pagabbli jiġu aġġustati għall-eqreb Euro sħiħ.</td></tr>
</table>

[69] Fil-każ tal-akkumpanjaturi, japplikaw ir-rati għall-persunal. F’każijiet eċċezzjonali, fejn l-akkumpanjatur ikun jeħtieġ joqgħod barra l-pajjiż għal aktar minn 60 jum, il-kostijiet żejda ta’ sussistenza wara s-60 jum se jiġu appoġġati taħt l-intestatura tal-baġit “Appoġġ għall-inklużjoni”.

[70] **Gruppi ta’ pajjiżi li jilqgħu għall-Istati Membri tal-UE u pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm:**
Grupp ta’ pajjiżi 1: In-Norveġja, id-Danimarka, il-Lussemburgu, l-Iżlanda, l-Iżvezja, l-Irlanda, il-Finlandja, il-Liechtenstein;
Grupp ta’ pajjiżi 2: In-Netherlands, l-Awstrija, il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, Spanja, Ċipru, il-Greċja, Malta, il-Portugall;
Grupp ta’ pajjiżi 3: Is-Slovenja, l-Estonja, il-Latvja, il-Kroazja, is-Slovakkja, ir-Repubblika Ċeka, il-Litwanja, it-Turkija, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija, il-Bulgarija, il-Maċedonja ta’ Fuq, is-Serbja

Gruppi ta’ pajjiżi li jilqgħu għal pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm:
Grupp ta’ pajjiżi 1: Il-Ġappun, Iżrael, il-Korea t’Isfel, il-Georgia, l-Arġentina, l-Armenja, l-Angola, l-Arabja Sawdija, il-Kuwajt, l-Istati Uniti, ir-Renju Unit, l-Iżvizzera, il-Bahrain, l-Ażerbajġan, is-Sudan, Saint Kitts u Nevis, Saint Vincent u l-Grenadini, l-Emirati Għarab Magħquda, Hong Kong, il-Libanu, il-Vjetnam, il-Messiku, it-Tajwan, il-Moldova, il-Malażja, it-Tanzanija, il-Kanada, Singapore, l-Awstralja, it-Tajlandja, il-Gżejjer Faeroe.
Grupp ta’ pajjiżi 2: L-Indja, il-Każakistan, il-Brażil, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, iċ-Ċilì, in-Niġerja, l-Uganda, il-Liberja, il-Djibouti, ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea, l-Użbekistan, it-Turkmenistan, ir-Repubblika Dominicana, il-Ġamajka, il-Belarussja, il-Libja, is-Sirja, Kuba, il-Jemen, il-Kenja, ir-Rwanda, is-Seychelles, Antigua u Barbuda, il-Brunei, Montenegro, il-Malawi, Barbados, Saint Lucia, Grenada, Dominica, l-Urugwaj, l-Albanija, iċ-Ċina, il-Filippini, il-Perù, il-Venezwela, il-Panama, il-Ghana, iċ-Chad, il-Guyana, l-Eġittu, il-Marokk, Kiribati, l-Oman, il-Bożnija-Ħerzegovina, l-Iran, il-Mozambique, is-Senegal, Mauritius, il-Qatar, Andorra, il-Ġordan, l-Indonesja, Laos, l-Afrika t’Isfel, l-Etjopja, il-Bangladesh, l-Ekwador, il-Paragwaj, il-Costa Rica, il-Kosta tal-Avorju, Sierra Leone, il-Gabon, il-Haiti, il-Bahamas, Papua New Guinea, il-Mikronesja, l-Ukrajna, il-Kirgistan, ir-Russja, Monaco, San Marino, il-Palestina, l-Istat tal-Belt tal-Vatikan.
Grupp ta’ pajjiżi 3: In-Nepal, il-Maldivi, it-Taġikistan, in-Nikaragwa, iż-Żambja, il-Guinea, il-Kongo, il-Botswana, il-Belize, Samoa, il-Gżejjer Marshall, Palau, Tuvalu, Nauru, il-Gżejjer Cook, Niue, New Zealand, il-Pakistan, il-Bhutan, El Salvador, is-Suriname, il-Gwatemala, il-Honduras, is-Somalja, Trinidad u Tobago, l-Alġerija, il-Kolombja, il-Gambja, Fiġi, il-Gżejjer Solomon, Vanuatu, il-Kambodja, iż-Żimbabwe, il-Burundi, il-Mongolja, il-Kamerun, Timor Leste, Sri Lanka, Madagascar, il-Mali, it-Togo, São Tomé u Príncipe, Tonga, il-Bolivja, il-Benin, il-Lesoto, il-Macao, it-Tunežija, l-Iraq, il-Burkina Faso, il-Guinea Ekwatorjali, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, il-Guinea-Bissau, in-Namibja, Comoros, l-Eritrea, il-Myanmar, l-Afganistan, in-Niġer, il-Mauritania, Cabo Verde, il-Kosovo, l-Eswatini, is-Sudan t’Isfel.

Appoġġ għall-inklużjoni	**Appoġġ għall-inklużjoni għall-organizzazzjonijiet:** Il-kostijiet relatati mal-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' mobbiltà għall-parteċipanti b'inqas opportunitajiet. **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji. **Regola tal-allokazzjoni:** abbażi tan-numru ta' parteċipanti b'inqas opportunitajiet.	EUR 100 għal kull parteċipant
	Appoġġ għall-inklużjoni għall-parteċipanti: Kostijiet addizzjonali marbuta direttament ma' parteċipanti b'inqas opportunitajiet u mal-akkumpanjaturi tagħhom (inklużi kostijiet relatati mal-ivvjaġġar u s-sussistenza, jekk ma tintalabx għotja għal dawn il-parteċipanti permezz tal-kategoriji tal-baġit "Vjaġġar" u "Appoġġ individwali"). **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kostijiet reali. **Regola tal-allokazzjoni:** it-talba trid tkun iġġustifikata mill-applikant u approvata mill-Aġenzija Nazzjonali.	100 % tal-kostijiet eliġibbli
Żjarat preparatorji	Il-kostijiet li jkopru l-ivvjaġġar u s-sussistenza għall-parteċipazzjoni fi żjara preparatorja. **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji. **Regola tal-allokazzjoni:** abbażi tan-numru ta' parteċipanti.	EUR 575 għal kull parteċipant, b'massimu ta' tliet parteċipanti għal kull żjara
Tariffi tal-kors	Kostijiet li jkopru t-tariffi ta' reġistrazzjoni għall-format tal-mobbiltà tal-persunal "Korsijiet u taħriġ". **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji. **Regola tal-allokazzjoni:** abbażi tad-durata tal-attività.	EUR 80 għal kull parteċipant kull jum; membru individwali tal-persunal jista' jirċievi massimu ta' EUR 800 f'tariffi tal-kors fi ħdan ftehim ta' għotja wieħed.
Appoġġ lingwistiku	Il-kostijiet tal-provvista ta' materjali għall-apprendiment tal-lingwi u ta' taħriġ għall-parteċipanti li jeħtieġ itejbu l-għarfien tal-lingwa li se jkunu qegħdin jużaw biex jistudjaw jew biex jirċievu taħriġ matul l-attività tagħhom. L-appoġġ lingwistiku huwa eliġibbli għall-parteċipanti fil-mobbiltà tal-persunal ta' aktar minn 30 jum u f'mobbiltà individwali fuq perjodu qasir u fit-tul tal-istudenti. L-appoġġ jitħallas biss jekk il-parteċipant ma	EUR 150 għal kull parteċipant Barra minn hekk: EUR 150 ta' appoġġ lingwistiku msaħħaħ għal kull parteċipant fl-ErasmusPro

	jkunx jista' jirċievi Appoġġ Lingwistiku Online minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tal-lingwa jew tal-livell meħtieġ. Din il-kundizzjoni tal-aħħar ma tapplikax għall-appoġġ imsaħħaħ ipprovdut għall-parteċipanti tal-ErasmusPro. **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji. **Regola tal-allokazzjoni:** abbażi tan-numru ta' parteċipanti.	
Kostijiet eċċezzjonali	Kostijiet għall-għoti ta' garanzija finanzjarja, jekk l-Aġenzija Nazzjonali titlob dan. Il-kostijiet tal-ivvjaġġar għaljin tal-parteċipanti u l-akkumpanjaturi tagħhom li ma jistgħux jiġu appoġġati mill-kategorija standard "Vjaġġar" minħabba l-pożizzjoni ġeografika remota jew ostakli oħrajn. Kostijiet tal-viża u dawk relatati mal-viża, permessi ta' residenza, vaċċinazzjonijiet, ċertifikati mediċi. **Mekkaniżmu ta' finanzjament**: kostijiet reali. **Regola tal-allokazzjoni**: it-talba trid tkun iġġustifikata mill-applikant u approvata mill-Aġenzija Nazzjonali. L-ivvjaġġar għali japplika f'każijiet fejn l-appoġġ għall-ivvjaġġar ibbażat fuq il-kost unitarju ma jkoprix 70 % tal-kostijiet tal-ivvjaġġar tal-parteċipanti.	**Kostijiet għal garanzija finanzjarja:** 80 % tal-kostijiet eliġibbli **Kostijiet tal-ivvjaġġar għaljin:** 80 % tal-kostijiet eliġibbli tal-ivvjaġġar **Kostijiet tal-viża u dawk relatati mal-viża, permessi ta' residenza, vaċċinazzjonijiet, ċertifikati mediċi**: 100 % tal-kostijiet eliġibbli

MOBBILTÀ TAL-ISTUDENTI TAL-ISKOLA U TAL-PERSUNAL FL-EDUKAZZJONI SKOLASTIKA

Din l-azzjoni tappoġġa lill-iskejjel u organizzazzjonijiet oħrajn attivi fil-qasam tal-edukazzjoni skolastika li jixtiequ jorganizzaw attivitajiet ta' mobbiltà għall-apprendiment għall-istudenti u l-persunal tal-iskola.

Hija appoġġata firxa wiesgħa ta' attivitajiet, inkluż job shadowing u korsijiet ta' żvilupp professjonali għall-persunal, mobbiltà individwali u ta' gruppi għall-istudenti tal-iskola, l-esperti mistiedna, u attivitajiet oħrajn kif spjegat hawn taħt.

L-organizzazzjonijiet parteċipanti għandhom jippromwovu b'mod attiv **l-inklużjoni u d-diversità, is-sostenibbiltà ambjentali** u l-**edukazzjoni diġitali** permezz tal-attivitajiet tagħhom: billi jużaw l-opportunitajiet ta' finanzjament speċifiċi pprovduti mill-Programm għal dawn l-iskopijiet, billi jqajmu sensibilizzazzjoni fost il-parteċipanti tagħhom, billi jikkondividu l-aħjar prattiki, u billi jagħżlu disinn xieraq għall-attivitajiet tagħhom.

OBJETTIVI TAL-AZZJONI

Din l-azzjoni għandha l-għan li tipprovdi opportunitajiet ta' apprendiment lill-individwi u li jappoġġaw l-internazzjonalizzazzjoni u l-iżvilupp istituzzjonali tal-iskejjel u ta' organizzazzjonijiet oħrajn fl-edukazzjoni skolastika. B'mod speċifiku, l-objettivi ta' din l-azzjoni huma:

Tisħiħ tad-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim u tal-apprendiment billi:

- jiġu promossi l-valuri tal-inklużjoni u tad-diversità, tat-tolleranza u tal-parteċipazzjoni demokratika
- jiġi promoss l-għarfien dwar il-wirt u d-diversità komuni Ewropej
- jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' networks professjonali madwar l-Ewropa

Titjib fil-kwalità tat-tagħlim u tal-apprendiment fl-edukazzjoni skolastika billi:

- jiġi appoġġat l-iżvilupp professjonali tal-għalliema, tal-mexxejja tal-iskejjel u ta' persunal ieħor tal-iskejjel
- jiġi promoss l-użu ta' teknoloġiji ġodda u ta' metodi ta' tagħlim innovattivi
- jittejbu l-apprendiment tal-lingwi u d-diversità tal-lingwi fl-iskejjel
- jiġu appoġġati l-kondiviżjoni u t-trasferiment tal-aħjar prattiki fit-tagħlim u fl-iżvilupp tal-iskola

Kontribuzzjoni għall-ħolqien taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni billi:

- tinbena l-kapaċità tal-iskejjel biex jinvolvu ruħhom fi skambji u kooperazzjoni transfruntiera, u jwettqu proġetti ta' mobbiltà ta' kwalità għolja
- il-mobbiltà għall-apprendiment issir possibbiltà realistika għal kwalunkwe student fl-edukazzjoni skolastika
- jitrawwem ir-rikonoxximent tal-eżiti tal-apprendiment tal-istudenti tal-iskola u tal-persunal f'perjodi ta' mobbiltà barra l-pajjiż

KIF TAĊĊESSA L-OPPORTUNITAJIET TA' MOBBILTÀ TAL-ERASMUS+?

L-iskejjel u l-organizzazzjonijiet oħrajn attivi fl-edukazzjoni skolastika jistgħu japplikaw għall-finanzjament b'żewġ modi:

- **Proġetti fuq perjodu qasir għall-mobbiltà tal-istudenti u l-persunal** – dawn il-proġetti jipprovdu lill-applikanti b'opportunità li jorganizzaw attivitajiet ta' mobbiltà varji fuq perjodu ta' bejn sitt xhur u tmintax-il xahar. Il-proġetti fuq perjodu qasir huma l-aħjar għażla għall-organizzazzjonijiet li japplikaw għall-Erasmus+ għall-ewwel darba, jew għal dawk li jixtiequ jorganizzaw biss numru limitat ta' attivitajiet.

- **Proġetti akkreditati għall-mobbiltà tal-istudenti u l-persunal** – dawn il-proġetti huma miftuħin biss għall-organizzazzjonijiet li għandhom akkreditazzjoni tal-Erasmus fil-qasam tal-edukazzjoni skolastika. Din il-fergħa ta' finanzjament speċjali tippermetti lill-organizzazzjonijiet akkreditati biex jirċievu regolarment finanzjament għal

attivitajiet ta' mobbiltà li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni gradwali tal-Pjan Erasmus tagħhom. L-akkreditazzjonijiet tal-Erasmus huma miftuħa għall-organizzazzjonijiet kollha li jridu jorganizzaw attivitajiet ta' mobbiltà fuq bażi regolari. Mhix meħtieġa esperjenza preċedenti fil-Programm biex wieħed japplika. Biex issir taf aktar dwar din l-opportunità, jekk jogħġbok aqra l-kapitolu ta' din il-gwida dwar l-akkreditazzjoni tal-Erasmus fl-oqsma tal-edukazzjoni għall-adulti, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u l-edukazzjoni skolastika.

Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet jistgħu jissieħbu fil-Programm mingħajr ma jissottomettu applikazzjoni billi:

- **Jissieħbu ma' konsorzju eżistenti tal-mobbiltà tal-Erasmus+** immexxi minn koordinatur ta' konsorzju akkreditat f'pajjiżhom li qiegħed jaċċetta membri ġodda fil-konsorzju tiegħu.

- **Ospitar ta' parteċipanti minn pajjiż ieħor:** kwalunkwe organizzazzjoni tista' tospita studenti jew persunal li jkunu ġejjin minn organizzazzjoni sieħba barra l-pajjiż. Li ssir organizzazzjoni ospitanti hija esperjenza siewja u mod tajjeb ta' kif toħloq sħubijiet u titgħallem aktar dwar il-Programm qabel ma tapplika inti stess.

L-iskejjel huma mħeġġa wkoll sabiex jissieħbu fl-**eTwinning**: komunità online ospitata fuq pjattaforma sigura aċċessibbli għall-għalliema u għall-persunal tal-iskejjel skrutinizzata mill-organizzazzjoni tal-appoġġ nazzjonali tal-eTwinning. L-eTwinning tippermetti lill-iskejjel jistabbilixxu klassijiet virtwali konġunti u jwettqu proġetti ma' skejjel oħrajn, tippermetti lill-għalliema jiddiskutu u jwettqu skambji ma' kollegi u jinvolvu ruħhom f'varjetà ta' opportunitajiet ta' żvilupp professjonali. L-eTwinning hija wkoll l-ambjent perfett biex wieħed isib sħab għal proġetti futuri.

Barra minn hekk, l-iskejjel u l-għalliema huma mistiedna jużaw l-għodod SELFIE: għodod tal-awtoriflessjoni bla ħlas, multilingwi u bbażati fuq il-web maħluqa mill-Kummissjoni Ewropea biex jgħinu lill-iskejjel u lill-għalliema jiżviluppaw il-kapaċità diġitali tagħhom. L-għodda għall-għalliema tippermetti lill-għalliema jagħmlu awtovalutazzjoni tal-kompetenza u l-kunfidenza diġitali tagħhom, u jiksbu feedback dwar l-aspetti b'saħħithom u n-nuqqasijiet tagħhom fl-għarfien jew fil-kompetenzi fejn jistgħu jagħmlu titjib. It-timijiet tal-għalliema jistgħu wkoll jaħdmu flimkien biex jużaw l-għodda u jiżviluppaw pjan ta' taħriġ. L-għodod SEFIE jistgħu jiġu aċċessati online, hawnhekk: https://ec.europa.eu/education/schools-go-digital

STABBILIMENT TA' PROĠETT

L-organizzazzjoni applikanti hija l-attur ewlieni fi proġett tal-Azzjoni Ewlenija 1. L-applikant jabbozza u jissottometti l-applikazzjoni, jiffirma l-ftehim ta' għotja, jimplimenta l-attivitajiet tal-mobbiltà, u jirrapporta lill-Aġenzija Nazzjonali. Il-proċess tal-applikazzjoni kemm għall-proġetti għal perjodu qasir kif ukoll għall-akkreditazzjoni tal-Erasmus jiffoka fuq il-ħtiġijiet u l-pjanijiet tal-organizzazzjoni applikanti.

L-attivitajiet ta' mobbiltà fi proġett ta' mobbiltà jistgħu jkunu ħerġin jew deħlin. Il-biċċa l-kbira tat-tipi ta' attivitajiet disponibbli huma attivitajiet ta' mobbiltà ħierġa. Dan ifisser li l-organizzazzjoni applikanti se taġixxi bħala organizzazzjoni li tibgħat: se tagħżel il-parteċipanti u tibgħathom f'organizzazzjoni ospitanti barra l-pajjiż. L-użu ta' dawn l-opportunitajiet biex jiġu organizzati skambji bidirezzjonali jew attivitajiet konġunti ma' skola sieħba waħda jew aktar huwa mħeġġeġ bil-qawwa. F'dak il-każ, kull skola parteċipanti għandha tapplika għall-finanzjament tal-Erasmus+ jew tista' tissieħeb f'konsorzju eżistenti. Sabiex il-proċess biex jinstabu sħab ikun aktar faċili, l-Erasmus+ jipprovdi għodod ħalli jinstabu sħab barra mill-pajjiż bħala parti mill-Pjattaforma Ewropea għall-Edukazzjoni Skolastika (https://school-education.ec.europa.eu/).

Barra minn hekk, hemm tipi speċjali ta' attivitajiet deħlin li jippermettu lill-organizzazzjonijiet applikanti jistiednu esperti jew għalliema fit-taħriġ fl-organizzazzjoni tagħhom. L-iskop tal-attivitajiet deħlin ma huwiex li joħolqu skambji bidirezzjonali, iżda pjuttost li jinkludu persuni li jistgħu jgħinu fl-iżvilupp u fl-internazzjonalizzazzjoni tal-organizzazzjoni applikanti.

L-implimentazzjoni tal-attivitajiet kollha appoġġati fil-qafas ta' din l-Azzjoni trid issegwi l-istandards tal-kwalità tal-Erasmus. L-istandards tal-kwalità ta' Erasmus ikopru prattiki konkreti ta' implimentazzjoni għal kompiti ta' proġetti bħall-għażla u t-tħejjija tal-parteċipanti, id-definizzjoni, l-evalwazzjoni u r-rikonoxximent tal-eżiti tal-apprendiment, il-kondiviżjoni tar-

riżultati tal-proġett, eċċ. Biex taqra t-test sħiħ tal-istandards tal-kwalità tal-Erasmus, jekk jogħġbok żur il-link li ġejja fuq is-sit web Europa: https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/resources/documents/erasmus-quality-standards-mobility-projects-vet-adults-schools

Dimensjonijiet orizzontali

Il-proġetti kollha ta' mobbiltà għandhom jintegraw id-dimensjonijiet li ġejjin komuni għall-programm Erasmus+ kollu:

INKLUŻJONI U DIVERSITÀ

F'konformità mal-istandards tal-kwalità tal-Erasmus, l-organizzazzjonijiet li jirċievu appoġġ mill-Programm iridu jiżguraw li joffru opportunitajiet ta' mobbiltà b'mod inklużiv u ġust, lill-parteċipanti minn kull sfond. L-għażla tal-istudenti li se jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-proġett għandha tqis fatturi ewlenin bħall-motivazzjoni, il-mertu, kif ukoll l-iżvilupp personali u l-ħtiġijiet tal-apprendiment tal-parteċipanti. Bl-istess mod, l-għażla tal-parteċipanti tal-persunal għandha tiżgura li l-benefiċċji tal-iżvilupp professjonali tagħhom ikunu disponibbli għall-istudenti kollha fl-organizzazzjoni.

Matul it-tħejjija, l-implimentazzjoni u s-segwitu tal-attivitajiet ta' mobbiltà, l-organizzazzjonijiet li jibagħtu u dawk ospitanti għandhom jinvolvu lill-parteċipanti f'deċiżjonijiet ewlenin sabiex jiġu żgurati benefiċċji u impatt massimi għal kull parteċipant.

Benefiċjarji u organizzazzjonijiet parteċipanti oħrajn li jipprovdu l-edukazzjoni u t-taħriġ huma mħeġġa joħolqu u jiffaċilitaw b'mod attiv l-opportunitajiet ta' mobbiltà, pereżempju billi jistabbilixxu twieqi ta' mobbiltà fil-kalendarju akkademiku tagħhom u jiddefinixxu l-passi standard ta' riintegrazzjoni għall-parteċipanti li jirritornaw.

PRATTIKI AMBJENTALMENT SOSTENIBBLI U RESPONSABBLI

F'konformità mal-istandards tal-kwalità tal-Erasmus, l-organizzazzjonijiet li jirċievu appoġġ mill-Programm iridu jippromwovu mġiba ambjentalment sostenibbli u responsabbli fost il-parteċipanti tagħhom, filwaqt li jqajmu s-sensibilizzazzjoni dwar l-importanza li tittieħed azzjoni biex titnaqqas jew tiġi kkumpensata l-impronta ambjentali tal-attivitajiet ta' mobbiltà. Dawn il-prinċipji għandhom jiġu riflessi fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet kollha tal-Programm, speċjalment permezz tal-użu ta' appoġġ speċifiku ta' finanzjament ipprovdut mill-Programm biex jiġu promossi mezzi sostenibbli tal-ivjaġġar. L-organizzazzjonijiet li jipprovdu l-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom jintegraw dawn il-prinċipji fil-ħidma ta' kuljum tagħhom, u għandhom jippromwovu b'mod attiv bidla fil-mentalità u fl-imġiba fost l-istudenti u l-persunal tagħhom.

TRASFORMAZZJONI DIĠITALI FL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ

F'konformità mal-istandards tal-kwalità tal-Erasmus, il-Programm jappoġġa lill-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha fl-inkorporazzjoni tal-użu ta' għodod u metodi ta' apprendiment diġitali biex jikkomplementaw l-attivitajiet fiżiċi tagħhom, itejbu l-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet sħab, u jtejbu l-kwalità tal-apprendiment u t-tagħlim tagħhom. Barra minn hekk, il-parteċipanti tal-persunal jistgħu jibbenefikaw minn Traineeships ta' Opportunità Diġitali: attivitajiet ta' mobbiltà li jippermettulhom jiksbu ħiliet diġitali u jibnu l-kapaċità tagħhom li jħarrġu, jgħallmu u jwettqu kompiti oħrajn bl-għajnuna ta' għodod diġitali. Tali attivitajiet jistgħu jiġu organizzati bi kwalunkwe wieħed mill-formati ta' mobbiltà tal-persunal disponibbli.

PARTEĊIPAZZJONI FIL-ĦAJJA DEMOKRATIKA

Il-programm għandu l-għan li jgħin lill-parteċipanti jiskopru l-benefiċċji taċ-ċittadinanza attiva u l-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika. L-attivitajiet ta' mobbiltà appoġġati għandhom isaħħu l-ħiliet parteċipattivi f'oqsma differenti tas-soċjetà

ċivika, kif ukoll l-iżvilupp ta' kompetenzi soċjali u interkulturali, il-ħsieb kritiku u l-litteriżmu medjatiku. Kull fejn ikun possibbli, il-proġetti għandhom joffru opportunitajiet għall-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika, l-involviment soċjali u ċiviku permezz ta' attivitajiet ta' apprendiment formali jew mhux formali. Dawn għandhom itejbu wkoll il-fehim tal-parteċipanti dwar l-Unjoni Ewropea u l-valuri komuni Ewropej, inkluż ir-rispett għall-prinċipji demokratiċi, id-dinjità tal-bniedem, l-unità u d-diversità, id-djalogu interkulturali, kif ukoll il-wirt soċjali, kulturali u storiku Ewropew.

ATTIVITAJIET

Din it-taqsima tippreżenta t-tipi ta' attivitajiet li jistgħu jiġu appoġġati mill-fondi tal-Erasmus+, kemm bħala parti minn proġetti fuq perjodu qasir kif ukoll minn proġetti akkreditati.

Għal kwalunkwe attività, jista' jingħata appoġġ addizzjonali lill-akkumpanjaturi tal-parteċipanti b'inqas opportunitajiet, lill-minorenni, jew lill-adulti żgħażagħ li jeħtieġu superviżjoni. L-akkumpanjaturi jistgħu jiġu appoġġati għad-durata sħiħa tal-attività jew għal parti minnha.

MOBBILTÀ TAL-PERSUNAL

Formati disponibbli	▪ Job shadowing (minn jumejn sa 60 jum) ▪ Inkarigi ta' tagħlim (minn jumejn sa 365 jum) ▪ Korsijiet u taħriġ (minn jumejn sa 30 jum, massimu ta' 10 ijiem ta' tariffi tal-kors għal kull parteċipant) Minbarra l-mobbiltà fiżika, l-attivitajiet kollha tal-mobbiltà tal-persunal jistgħu jitħalltu ma' attivitajiet virtwali. Id-durati minimi u massimi speċifikati hawn fuq japplikaw għall-komponent tal-mobbiltà fiżika. **Job shadowing**: il-parteċipanti jistgħu jqattgħu perjodu ta' żmien f'organizzazzjoni ospitanti f'pajjiż ieħor bil-għan li jitgħallmu prattiki ġodda u jiġbru ideat ġodda permezz ta' osservazzjoni u interazzjoni mal-pari, mal-esperti jew ma' prattikanti oħrajn fix-xogħol ta' kuljum tagħhom fl-organizzazzjoni ospitanti. **Inkarigi ta' tagħlim jew ta' taħriġ**: il-parteċipanti jistgħu jqattgħu perjodu ta' żmien jgħallmu jew jipprovdu taħriġ lill-istudenti f'organizzazzjoni ospitanti f'pajjiż ieħor, bħala mod kif jitgħallmu billi jwettqu l-kompiti tagħhom u jiskambjaw mal-pari. **Korsijiet u taħriġ**: il-parteċipanti jistgħu jibbenefikaw minn kors strutturat jew minn tip simili ta' taħriġ ipprovdut minn professjonisti kwalifikati u bbażat fuq programm ta' apprendiment definit minn qabel u fuq l-eżiti tal-apprendiment. It-taħriġ irid jinvolvi parteċipanti minn tal-inqas żewġ pajjiżi differenti u jrid jippermetti lill-parteċipanti jinteraġixxu ma' studenti oħrajn u mal-ħarrieġa. Attivitajiet kompletament passivi fosthom li wieħed jisma' lekċers, diskorsi jew konferenzi tal-massa ma humiex appoġġati. L-applikanti għandhom ikunu konxji li l-forniturі kollha tal-korsijiet huma kompletament indipendenti mill-programm Erasmus+ u qegħdin jaġixxu bħala forniturі ta' servizzi f'suq ħieles. L-għażla tal-korsijiet u t-taħriġ hija għalhekk responsabbiltà tal-organizzazzjoni benefiċjarja. L-istandards tal-kwalità li ġejjin huma disponibbli bħala appoġġ biex jiggwidaw lill-applikanti fl-għażla tagħhom: https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/resources/quality-standards-courses-under-

	key-action-1-learning-mobility-individuals_mt
Parteċipanti eliġibbli	Il-parteċipanti eliġibbli jinkludu għalliema, mexxejja tal-iskejjel u l-esperti l-oħrajn kollha li ma jgħallmux u l-persunal li jaħdem fl-edukazzjoni skolastika. Persunal eliġibbli li ma jgħallimx jinkludi persunal li jaħdem fl-edukazzjoni skolastika, jew fl-iskejjel (assistenti tal-għalliema, konsulenti pedagoġiċi, psikologi, eċċ.) jew f'organizzazzjonijiet oħrajn attivi fl-edukazzjoni skolastika (eż. spetturi tal-iskejjel, konsulenti, koordinaturi tal-politika inkarigati mill-edukazzjoni skolastika, eċċ.). Il-parteċipanti jeħtiġilhom ikunu qegħdin jaħdmu fl-organizzazzjoni li tibgħat, jew ikunu qegħdin jaħdmu regolarment mal-organizzazzjoni li tibgħat biex jgħinu fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet ewlenin tal-organizzazzjoni (pereżempju bħala ħarrieġa esterni, esperti, jew voluntiera). Fil-każijiet kollha, il-kompiti li jorbtu lill-parteċipant mal-organizzazzjoni li tibgħat iridu jkunu dokumentati b'mod li jippermetti lill-Aġenzija Nazzjonali tivverifika din ir-rabta (pereżempju ma' kuntratt ta' xogħol jew volontarjat, deskrizzjoni tal-kompitu, jew dokument simili). L-Aġenziji Nazzjonali għandhom jistabbilixxu prattika trasparenti u konsistenti dwar x'jikkostitwixxi relazzjonijiet ta' ħidma aċċettabbli u dokumentazzjoni ta' sostenn fil-kuntest nazzjonali tagħhom.
Postijiet eliġibbli	L-attivitajiet iridu jsiru barra l-pajjiż, fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm.

MOBBILTÀ TAL-ISTUDENTI

Formati disponibbli	▪ Mobbiltà fi gruppi ta' studenti tal-iskola (minn jumejn sa 30 jum, mill-inqas żewġ studenti tal-iskola għal kull grupp) ▪ Mobbiltà għall-apprendiment fuq perjodu qasir tal-istudenti tal-iskola (minn għaxart ijiem sa 29 jum) ▪ Mobbiltà għall-apprendiment fit-tul tal-istudenti tal-iskola (minn 30 sa 365 jum) Minbarra l-mobbiltà fiżika, l-attivitajiet kollha tal-mobbiltà tal-istudenti tal-iskola jistgħu jitħalltu ma' attivitajiet virtwali. Id-durati minimi u massimi speċifikati hawn fuq japplikaw għall-komponent tal-mobbiltà fiżika. **Mobbiltà fi gruppi tal-istudenti tal-iskola:** grupp ta' studenti tal-iskola mill-iskola li tibgħat jistgħu jqattgħu ħin jitgħallmu flimkien mal-pari tagħhom f'pajjiż ieħor. L-iskola li tibgħat trid tfassal l-attivitajiet ta' apprendiment f'kooperazzjoni ma' skola sieħba fil-pajjiż ospitanti[71]. L-għalliema jew persunal tal-edukazzjoni kwalifikat ieħor mill-iskola li tibgħat iridu jakkumpanjaw

[71] Il-programmi ta' attività fi grupp li jikkonsistu kompletament jew prinċipalment f'attivitajiet kummerċjalment disponibbli bħal korsijiet fi skola tal-lingwi jew f'attivitajiet kummerċjali oħrajn "lesti" ma humiex eliġibbli. Vjaġġi konġunti lejn qalb in-natura, postijiet kulturali, kompetizzjonijiet internazzjonali jew kontenut rilevanti ieħor jista' jifforma parti mill-attività jekk ikun inkorporat fi programm usa' ta' apprendiment bejn il-pari mfassal miż-żewġ skejjel.

	lill-istudenti tal-iskola għad-durata kollha tal-attività u jiggwidaw il-proċess ta' apprendiment tagħhom. Jekk ikun meħtieġ, adulti oħra jistgħu jaġixxu wkoll bħala akkumpanjaturi biex jappoġġaw l-għalliema akkumpanjaturi[72]. **Mobbiltà għall-apprendiment fuq perjodu qasir tal-istudenti tal-iskola:** l-istudenti tal-iskola jistgħu jqattgħu perjodu barra l-pajjiż sabiex jistudjaw fi skola sieħba jew sabiex iwettqu traineeship f'organizzazzjoni rilevanti oħra barra l-pajjiż. Irid jiġi ddefinit programm ta' apprendiment individwali għal kull parteċipant. Għal parteċipanti b'inqas opportunitajiet, il-mobbiltà tista' tiġi organizzata b'durata minima ta' jumejn, jekk din tkun iġġustifikata. **Mobbiltà għall-apprendiment fit-tul ta' studenti tal-iskola**: l-istudenti tal-iskola jistgħu jqattgħu perjodu barra l-pajjiż sabiex jistudjaw fi skola sieħba jew sabiex iwettqu traineeship f'organizzazzjoni rilevanti oħra barra l-pajjiż. Irid jiġi ddefinit programm ta' apprendiment individwali għal kull parteċipant. Irid jiġi pprovdut taħriġ obbligatorju ta' qabel it-tluq lill-parteċipanti kollha u se jsir disponibbli appoġġ akbar għall-finanzjament għall-appoġġ organizzazzjonali u lingwistiku.
Parteċipanti eliġibbli	L-istudenti tal-iskola parteċipanti jeħtiġilhom ikunu rreġistrati fi programm edukattiv fl-iskola li tibgħat[73]. Il-parteċipazzjoni hija possibbli wkoll għall-istudenti li jkunu ħadu edukazzjoni barra minn ambjent istituzzjonali f'pajjiżi fejn teżisti prattika bħal din[74].
Postijiet eliġibbli	L-attivitajiet iridu jsiru barra l-pajjiż, fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm. Il-mobbiltà fi grupp ta' studenti tal-iskola trid issir fi skola ospitanti. B'mod eċċezzjonali, l-attivitajiet jistgħu jsiru f'post ieħor fil-pajjiż tal-iskola ospitanti, jekk dan ikun iġġustifikat mill-kontenut u l-kwalità tal-attività. F'dan il-każ, l-ivvjaġġar tal-parteċipanti mill-iskola ospitanti sal-post mhux se jitqiesu bħala attività ta' mobbiltà tranżnazzjonali. Għalhekk, ma jistgħux jintalbu fondi addizzjonali għal dan l-iskop. Barra minn hekk, il-mobbiltà fi grupp tal-istudenti tal-iskola tista' sseħħ f'sede ta' Istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea jekk l-attività tkun organizzata f'istituzzjoni tal-UE jew f'kooperazzjoni magħha[75].

[72] Fil-każijiet kollha, l-iskejjel li jibagħtu u dawk ospitanti jibqgħu responsabbli biex jiżguraw ir-rispett sħiħ tar-regoli u l-liġijiet applikabbli fil-pajjiżi li jibagħtu u dawk ospitanti.

[73] ID-DEFINIZZJONI TA' PROGRAMMI EDUKATTIVI ELIĠIBBLI F'KULL STAT MEMBRU TAL-UE JEW F'PAJJIŻ TERZ ASSOĊJAT MAL-PROGRAMM SE TIĠI DDEFINITA MILL-AWTORITÀ NAZZJONALI KOMPETENTI U PPUBBLIKATA FUQ IS-SIT WEB TAL-AĠENZIJA NAZZJONALI RILEVANTI.

[74] Il-legalità u l-kundizzjonijiet għall-edukazzjoni barra mill-kuntest istituzzjonali huma rregolati bil-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' kull pajjiż. F'pajjiżi fejn jeżistu possibbiltajiet bħal dawn, l-Awtorità Nazzjonali kompetenti tiddeċiedi liema skejjel jistgħu jaġixxu bħala li jibagħtu skejjel għall-istudenti li jkunu qed jieħdu edukazzjoni bl-istess mod.

[75] Is-Sedi tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea huma Brussell, Frankfurt, il-Lussemburgu, Strasburgu u The Hague. L-attivitajiet fis-sedi tal-UE se jitqiesu bħala mobbiltà u jista' jintalab finanzjament tranżnazzjonali (kif deskritt fit-taqsima "X'inhuma r-regoli ta' finanzjament?") għall-parteċipanti kollha, irrispettivament mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

	Irrispettivament mill-post, l-attivitajiet tal-grupp iridu jinvolvu studenti tal-iskola minn tal-inqas żewġ Stati Membri tal-UE jew pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm.

ATTIVITAJIET APPOĠĠATI OĦRAJN

Formati disponibbli	▪ Esperti mistiedna (minn jumejn sa 60 jum) ▪ L-ospitar tal-għalliema u l-edukaturi li jkunu qegħdin jitħarrġu (minn 10 ijiem sa 365 jum) **Esperti mistiedna:** l-iskejjel jistgħu jistiednu ħarrieġa, għalliema, esperti tal-politika jew professjonisti kkwalifikati oħrajn minn barra l-pajjiż li jistgħu jgħinu fit-titjib tat-tagħlim u tal-apprendiment fl-iskola li tilqa'. Pereżempju, l-esperti mistiedna jistgħu jipprovdu taħriġ lill-persunal tal-iskejjel, juru metodi ġodda ta' tagħlim jew jgħinu fit-trasferiment ta' prattiki tajba fl-organizzazzjoni u l-ġestjoni. **Ospitar tal-għalliema u l-edukaturi li jkunu qegħdin jitħarrġu:** l-organizzazzjonijiet applikanti jistgħu jospitaw għalliema li jkunu qegħdin jitħarrġu li jkunu jixtiequ jwettqu traineeship barra l-pajjiż. L-organizzazzjoni ospitanti se tirċievi appoġġ biex tistabbilixxi l-attività, filwaqt li l-appoġġ għall-ivvjaġġar u dak individwali għall-parteċipant għandu jiġi pprovdut mill-istituzzjoni li tibgħat tagħhom (li tista' tapplika għall-finanzjament tal-Erasmus+ għal dan l-iskop).
Parteċipanti eliġibbli	**L-esperti mistiedna** jistgħu jkunu kwalunkwe persuna minn Stat Membru ieħor tal-UE jew minn pajjiż terz assoċjat mal-Programm, li jistgħu jipprovdu għarfien espert u taħriġ rilevanti għall-ħtiġijiet u l-objettivi tal-organizzazzjoni li tistedinhom. **L-ospitar ta' għalliema u edukaturi li jkunu qed jitħarrġu** huwa disponibbli għall- parteċipanti li jkunu rreġistrati fi programm edukattiv għall-għalliema jew li jkunu gradwaw[76] minnu dan l-aħħar (jew tip simili ta' programm edukattiv għall-ħarrieġa jew l-edukaturi) fi Stat Membru ieħor tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm.
Postijiet eliġibbli	Il-post għall-esperti u l-għalliema mistiedna li jkunu qed jitħarrġu huwa dejjem l-organizzazzjoni benefiċjarja (inklużi l-membri tal-konsorzju).

Żjarat preparatorji

X'inhi żjara preparatorja?	Żjara preparatorja hija żjara f'organizzazzjoni ospitanti prospettiva mill-persunal mill-organizzazzjoni li tibgħat bl-iskop li titħejja aħjar attività ta' mobbiltà tal-istudenti jew tal-persunal.
Meta tista' tiġi organizzata żjara	Kull żjara preparatorja jrid ikollha motivazzjoni ċara u trid isservi biex ittejjeb l-inklużività, il-kamp ta' applikazzjoni u l-kwalità tal-attivitajiet ta' mobbiltà.

[76] Il-gradwati reċenti huma eliġibbli biex jipparteċipaw sa 12-il xahar wara li jkunu ggradwaw. F'każ li l-parteċipanti kienu qed iwettqu servizz ċivili jew militari obbligatorju wara li ggradwaw, il-perjodu ta' eliġibbiltà se jiġi estiż bid-durata tas-servizz.

preparatorja?	Pereżempju, jistgħu jiġu organizzati żjarat preparatorji biex titħejja aħjar il-mobbiltà tal-parteċipanti b'inqas opportunitajiet, biex jibdew jaħdmu ma' organizzazzjoni sieħba ġdida, jew biex iħejju attivitajiet ta' mobbiltà aktar fit-tul. Jistgħu jiġu organizzati żjarat preparatorji bi tħejjija għal kwalunkwe tip ta' mobbiltà tal-istudenti jew tal-persunal, ħlief "korsijiet u taħriġ".
Min jista' jieħu sehem fi żjara preparatorja?	Iż-żjarat preparatorji jistgħu jitwettqu minn kwalunkwe persuna eliġibbli għall-attivitajiet ta' mobbiltà tal-persunal u involuta fl-organizzazzjoni tal-proġett. B'mod eċċezzjonali, l-istudenti li se jieħdu sehem f'mobbiltà għall-apprendiment fit-tul u l-parteċipanti b'inqas opportunitajiet fi kwalunkwe tip ta' attività jistgħu jieħdu sehem fi żjarat preparatorji għall-attivitajiet tagħhom. Massimu ta' tliet persuni jista' jieħu sehem fi żjara preparatorja, u tista' tiġi organizzata massimu ta' żjara preparatorja waħda għal kull organizzazzjoni ospitanti.
Fejn jistgħu jsiru żjarat preparatorji?	Iż-żjarat preparatorji jsiru fil-bini tal-organizzazzjoni ospitanti prospettiva, jew fi kwalunkwe post ieħor fejn ikunu ppjanati li jsiru attivitajiet ta' mobbiltà. Ir-regoli applikabbli għall-postijiet tal-attivitajiet ta' mobbiltà tal-persunal u tal-istudenti japplikaw ukoll għal żjarat preparatorji marbuta ma' dawk l-attivitajiet.

PROĠETTI FUQ PERJODU QASIR GĦALL-MOBBILTÀ TAL-ISTUDENTI TAL-ISKOLA U L-PERSUNAL FL-EDUKAZZJONI SKOLASTIKA

Il-proġetti fuq perjodu qasir għall-mobbiltà tal-istudenti tal-iskola u l-persunal huma mod dirett u sempliċi kif wieħed jista' jibbenefika mill-Erasmus+. L-iskop tagħhom huwa li jippermettu lill-organizzazzjonijiet jorganizzaw ftit attivitajiet b'mod faċli u jiksbu esperjenza fil-Programm.

Sabiex il-proġetti fuq perjodu qasir jibqgħu sempliċi, dawn jinkludu limitu fuq in-numru ta' parteċipanti u d-durata tal-proġett. Il-format huwa miftuħ biss għall-organizzazzjonijiet individwali u mhux għall-koordinaturi ta' konsorzju. L-organizzazzjonijiet akkreditati ma jistgħux japplikaw għal proġetti fuq perjodu qasir peress li diġà għandhom aċċess permanenti għall-finanzjament tal-Erasmus+.

L-applikazzjoni għal proġetti fuq perjodu qasir tinkludi lista u deskrizzjoni tal-attivitajiet li l-organizzazzjoni applikanti beħsiebha torganizza.

KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ

Organizzazzjonijiet eliġibbli: min jista' japplika?	L-organizzazzjonijiet li ġejjin huma eliġibbli[77] biex japplikaw: (1) L-iskejjel li jipprovdu edukazzjoni ġenerali fil-livell preprimarju, primarju jew sekondarju[78] (2) Awtoritajiet pubbliċi lokali u reġjonali, korpi ta' koordinazzjoni u organizzazzjonijiet oħrajn bi rwol fil-qasam tal-edukazzjoni skolastika L-organizzazzjonijiet li għandhom akkreditazzjoni tal-Erasmus fl-edukazzjoni skolastika ma jistgħux japplikaw għal proġetti fuq perjodu qasir.
Pajjiżi eliġibbli	L-organizzazzjonijiet applikanti jridu jkunu stabbiliti fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm.
Fejn tissottometti applikazzjoni?	L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi lill-Aġenzija Nazzjonali tal-pajjiż fejn tkun stabbilita l-organizzazzjoni applikanti.
Skadenzi tal-applikazzjoni	Ċiklu 1 (għall-Aġenziji Nazzjonali kollha): **it-23 ta' Frar f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell)** Ċiklu 2: L-Aġenziji Nazzjonali jistgħu jiddeċiedu li jiftħu t-tieni skadenza (Ċiklu 2). F'dan il-każ, l-Aġenzija Nazzjonali se tinforma lill-applikanti permezz tas-sit web tagħha. Għaċ-Ċiklu 2, l-applikanti jridu jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom sal-**4 ta' Ottubru f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell).**
Dati tal-bidu tal-proġett	Il-proġetti jistgħu jagħżlu d-dati tal-bidu li ġejjin: ▪ Ċiklu 1: bejn l-1 ta' Ġunju u l-31 ta' Diċembru tal-istess sena ▪ Ċiklu 2 (jekk miftuħ): bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Mejju tas-sena ta' wara
Durata tal-proġett	Minn 6 xhur sa 18-il xahar
Numru ta' applikazzjonijiet	Għal kull ċiklu ta' għażla, organizzazzjoni tista' tapplika għal proġett wieħed biss fuq perjodu qasir fil-qasam tal-edukazzjoni skolastika. L-organizzazzjonijiet li jirċievu għotja għal proġett fuq perjodu qasir taħt l-ewwel ċiklu ta' applikazzjonijiet ma jistgħux japplikaw għat-tieni ċiklu tal-istess sejħa għall-proposti. Fi żmien perjodu ta' kwalunkwe ħames snin ta' sejħiet konsekuttivi, l-organizzazzjonijiet jistgħu jirċievu massimu ta' tliet għotjiet għal proġetti fuq perjodu qasir fl-edukazzjoni skolastika. L-għotjiet riċevuti fil-perjodu 2014–2020 ma jgħoddux ma' dan il-limitu.

[77] Id-definizzjoni ta' organizzazzjonijiet eliġibbli f'kull Stat Membru tal-UE jew pajjiż terz assoċjat mal-Programm se tiġi ddefinita mill-Awtorità Nazzjonali kompetenti u ppubblikata fuq is-sit web tal-Aġenzija Nazzjonali rilevanti flimkien ma' eżempji rilevanti.

[78] Inklużi l-organizzazzjonijiet li jipprovdu edukazzjoni u l-indukrar tat-tfal f'età bikrija. Skejjel bi status speċjali u taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet nazzjonali f'pajjiż ieħor (eż. Lycée français jew skejjel Ġermaniżi) jista' jkollhom japplikaw mal-Aġenzija Nazzjonali (NA) tal-pajjiż ta' superviżjoni. Għal informazzjoni preċiża f'kull każ, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-Aġenzija Nazzjonali fil-pajjiż ospitanti jew fil-pajjiż tal-awtorità nazzjonali rilevanti.

Attivitajiet eliġibbli	It-tipi kollha ta' attivitajiet għall-edukazzjoni skolastika. Għal lista dettaljata u għar-regoli, ara t-taqsima "Attivitajiet". Sabiex ikunu eliġibbli, l-applikazzjonijiet iridu jinkludu mill-inqas attività waħda ta' mobbiltà tal-persunal jew tal-istudenti.
Kamp ta' applikazzjoni tal-proġett	Applikazzjoni għal proġett fuq perjodu qasir tista' tinkludi massimu ta' 30 parteċipant f'attivitajiet ta' mobbiltà. Iż-żjarat preparatorji u l-parteċipazzjoni tal-akkumpanjaturi mhux se jgħoddu ma' dan il-limitu.
Organizzazzjonijiet ta' appoġġ	Organizzazzjoni ta' appoġġ hija organizzazzjoni li tassisti organizzazzjoni akkreditata f'aspetti prattiċi tal-implimentazzjoni tal-proġett li ma jikkonċernawx kompiti ewlenin tal-proġett (kif definiti fl-istandards ta' kwalità tal-Erasmus). Kwalunkwe organizzazzjoni attiva fl-edukazzjoni u t-taħriġ tista' ssir organizzazzjoni ta' appoġġ. Ir-rwol u l-obbligi tal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ iridu jiġu ddefiniti b'mod formali bejniethom u bejn l-organizzazzjoni benefiċjarja. L-organizzazzjoni ta' appoġġ taġixxi taħt is-superviżjoni tal-organizzazzjoni benefiċjarja, li fl-aħħar mill-aħħar tibqa' responsabbli għar-riżultati u l-kwalità tal-attivitajiet implimentati. Il-kontribuzzjonijiet kollha tal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ iridu jikkonformaw mal-istandards tal-kwalità tal-Erasmus.

KRITERJI GĦALL-GĦOTI

L-applikazzjonijiet sottomessi se jiġu vvalutati billi jiġu assenjati punti minn total ta' 100, abbażi tal-kriterji għall-għoti u l-ponderazzjonijiet ta' hawn taħt. Sabiex ikunu kkunsidrati għall-għoti, l-applikazzjonijiet iridu jissodisfaw il-limiti li ġejjin:

- Mill-inqas 60 punt mit-total ta' 100 punt, u
- Mill-inqas nofs il-punti tal-punteġġ massimu f'kull waħda mit-tliet kategoriji tal-kriterji għall-għoti

Rilevanza **(punteġġ massimu ta' 30 punt)**	Kemm: ▪ il-profil, l-esperjenza, l-attivitajiet tal-applikant u l-popolazzjoni fil-mira tal-istudenti huma rilevanti għall-qasam tal-edukazzjoni skolastika ▪ il-proposta tal-proġett hija rilevanti għall-objettivi tal-azzjoni ▪ il-proposta tal-proġett hija rilevanti għall-prijoritajiet speċifiċi li ġejjin: – l-appoġġ lil parteċipanti ġodda u organizzazzjonijiet b'inqas esperjenza – l-appoġġ lill-parteċipanti f'mobbiltà għall-apprendiment fit-tul tal-istudenti tal-iskola – l-appoġġ lill-parteċipanti b'inqas opportunitajiet
Kwalità tat-tfassil tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 40 punt)**	Kemm: ▪ l-objettivi proposti tal-proġett jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-organizzazzjoni applikanti, il-persunal tagħha u l-istudenti b'mod ċar u konkret ▪ il-kontenut tal-attivitajiet proposti u l-bilanċ bejn tipi differenti ta' attivitajiet huma xierqa biex jintlaħqu l-objettivi tal-proġett ▪ hemm pjan ċar ta' ħidma għal kull waħda mill-attivitajiet proposti ▪ il-proġett jinkorpora prattiki ambjentalment sostenibbli u responsabbli

	▪ il-proġett jinkorpora l-użu ta' għodod diġitali (b'mod partikolari l-eTwinning) u metodi ta' apprendiment biex jikkomplementaw l-attivitajiet ta' mobbiltà fiżika tagħhom, u ħalli jtejbu l-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet sħab
Kwalità tal-azzjonijiet ta' segwitu (punteġġ massimu ta' 30 punt)	Kemm: ▪ l-applikant iddefinixxa b'mod ċar il-kompiti u r-responsabbiltajiet għat-twettiq tal-attivitajiet f'konformità mal-istandards tal-kwalità tal-Erasmus ▪ l-applikant ippropona passi konkreti u loġiċi biex jintegra r-riżultati tal-attivitajiet ta' mobbiltà fil-ħidma regolari tal-organizzazzjoni ▪ l-applikant ippropona mod xieraq ta' kif jiġu evalwati l-eżiti tal-proġett ▪ l-applikant ippropona passi konkreti u effettivi biex ir-riżultati tal-proġett isiru magħrufa fi ħdan l-organizzazzjoni applikanti, biex ir-riżultati jiġu kondiviżi ma' organizzazzjonijiet oħrajn u mal-pubbliku, u ħalli l-finanzjament tal-Unjoni Ewropea jiġi rikonoxxut b'mod pubbliku

PROĠETTI AKKREDITATI GĦALL-MOBBILTÀ TAL-ISTUDENTI TAL-ISKOLA U L-PERSUNAL FL-EDUKAZZJONI SKOLASTIKA

L-organizzazzjonijiet li għandhom akkreditazzjoni tal-Erasmus fl-edukazzjoni skolastika jistgħu japplikaw għall-finanzjament bħala parti minn fergħa ta' finanzjament speċjali miftuħa għalihom biss. L-applikazzjonijiet huma bbażati fuq il-Pjan Erasmus li kien approvat qabel, u għalhekk mhijiex meħtieġa lista u deskrizzjoni dettaljata tal-attivitajiet ippjanati. Minflok, l-applikazzjonijiet jiffokaw fuq l-istima tal-baġit meħtieġ għas-sett ta' attivitajiet li jmiss.

Kriterji tal-eliġibbiltà

Organizzazzjonijiet eliġibbli: min jista' japplika?	L-organizzazzjonijiet li għandhom akkreditazzjoni tal-Erasmus valida fl-edukazzjoni skolastika huma eliġibbli li japplikaw.
Konsorzju ta' mobbiltà	L-organizzazzjonijiet li għandhom akkreditazzjoni tal-Erasmus għall-koordinaturi tal-konsorzju tal-mobbiltà jeħtiġilhom japplikaw għall-format tal-konsorzju tal-mobbiltà. Il-lista tal-membri tal-konsorzju tal-mobbiltà trid tiġi pprovduta bħala parti mill-applikazzjoni u trid tinkludi mill-inqas organizzazzjoni membru waħda flimkien mal-koordinatur. Kwalunkwe organizzazzjoni li tissodisfa l-kriterji tal-eliġibbiltà għall-akkreditazzjoni tal-Erasmus fl-istess qasam tista' ssir membru ta' konsorzju tal-mobbiltà. L-organizzazzjonijiet membri tal-konsorzju ppjanati kollha jridu jkunu mill-istess Stat membru tal-UE jew minn pajjiż terz assoċjat mal-Programm bħall-koordinatur tal-konsorzju tal-mobbiltà[79]. Il-membri tal-konsorzju ma humiex meħtieġa jkollhom akkreditazzjoni tal-Erasmus. L-organizzazzjonijiet li jieħdu sehem f'konsorzju tal-mobbiltà jistgħu jirċievu finanzjament għall-implimentazzjoni ta' massimu ta' żewġ ftehimiet ta' għotja tal-Azzjoni Ewlenija 1 fil-qasam tal-edukazzjoni skolastika fil-qafas tal-istess Sejħa għall-proposti. Għalhekk, l-organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni skolastika li jirċievu għotja għal proġett fuq perjodu qasir jew għal proġett akkreditat jistgħu jieħdu sehem ukoll f'konsorzju tal-mobbiltà wieħed biss fl-edukazzjoni skolastika bħala organizzazzjonijiet membri. Organizzazzjonijiet oħrajn jistgħu jieħdu sehem f'massimu ta' żewġ konsorzji tal-mobbiltà.
Fejn tissottometti applikazzjoni?	L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi lill-Aġenzija Nazzjonali tal-pajjiż fejn tkun stabbilita l-organizzazzjoni applikanti.
Skadenza tal-applikazzjoni	**it-23 ta' Frar f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell)**
Data tal-bidu tal-proġett	L-1 ta' Ġunju tal-istess sena

[79] L-iskejjel bi status speċjali u taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet nazzjonali f'pajjiż ieħor (eż. Lycée français jew skejjel Ġermaniżi) jistgħu jieħdu sehem f'konsorzji ta' mobbiltà mmexxija minn organizzazzjonijiet akkreditati mill-Aġenzija Nazzjonali fil-pajjiż ta' superviżjoni tal-iskola. Madankollu, ma jistgħux jieħdu sehem fl-istess ħin f'konsorzji jew fi proġett fuq perjodu qasir ġestit minn Aġenziji Nazzjonali f'żewġ pajjiżi differenti.

Durata tal-proġett	Il-proġetti akkreditati kollha se jkollhom durata inizjali ta' 15-il xahar. Wara 12-il xahar, il-benefiċjarji kollha se jkollhom il-possibbiltà li jestendu l-proġett tagħhom għal durata totali ta' 24 xahar.
Numru ta' applikazzjonijiet	L-organizzazzjonijiet akkreditati jistgħu japplikaw darba biss għal kull ċiklu ta' għażla.
Attivitajiet eliġibbli	It-tipi kollha ta' attivitajiet għall-edukazzjoni skolastika. Għal lista dettaljata u għar-regoli, ara t-taqsima "Attivitajiet". Sabiex ikunu eliġibbli, l-applikazzjonijiet iridu jinkludu mill-inqas attività waħda ta' mobbiltà tal-persunal jew tal-istudenti.
Kamp ta' applikazzjoni tal-proġett	In-numru ta' parteċipanti li jistgħu jiġu inklużi fi proġetti akkreditati ma huwiex limitat, minbarra kwalunkwe limitazzjoni definita fl-istadju tal-allokazzjoni tal-baġit.

ALLOKAZZJONI TAL-BAĠIT

Il-kwalità tal-Pjan Erasmus tal-applikant ġiet ivvalutata fl-istadju tal-applikazzjoni għall-akkreditazzjoni u għalhekk mhi se ssir l-ebda valutazzjoni kwalitattiva fl-istadju tal-allokazzjoni tal-baġit. L-applikazzjonijiet għal għotja eliġibbli kollha se jirċievu finanzjament.

L-ammont tal-għotja mogħti se jiddependi fuq għadd ta' elementi:

- il-baġit totali disponibbli għall-allokazzjoni lil applikanti akkreditati
- l-attivitajiet mitluba (inkluż il-baġit stmat meħtieġ sabiex dawn jiġu implimentati)
- l-għotja bażika u massima
- il-kriterji ta' allokazzjoni li ġejjin: il-prestazzjoni tal-applikant, il-prijoritajiet ta' politika, u l-bilanċ ġeografiku (jekk applikati mill-Aġenzija Nazzjonali)

Ir-regoli dettaljati dwar l-għotja bażika u massima, il-punteġġ tal-kriterji tal-allokazzjoni, il-ponderazzjoni ta' kull kriterju, il-metodu tal-allokazzjoni, u l-baġit disponibbli għall-proġetti akkreditati se jiġu ppubblikati mill-Aġenzija Nazzjonali qabel l-iskadenza tas-sejħa.

X'INHUMA R-REGOLI TA' FINANZJAMENT?

Ir-regoli ta' finanzjament li ġejjin japplikaw għal proġetti fuq perjodu qasir u għal proġetti akkreditati.

Kategorija tal-baġit	Kostijiet eliġibbli u regoli applikabbli	Ammont
Appoġġ organizzazzjonali	Il-kostijiet relatati direttament mal-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' mobbiltà li ma humiex koperti minn kategoriji oħrajn ta' kostijiet. Pereżempju: it-tħejjija (pedagoġika, interkulturali u oħrajn), il-mentoraġġ, il-monitoraġġ u l-appoġġ tal-parteċipanti matul il-mobbiltà, is-servizzi, l-għodod u t-tagħmir meħtieġa għall-komponenti virtwali	EUR 100 – Għal kull student tal-iskola f'mobbiltà fi grupp, b'massimu ta' EUR 1000 għal kull grupp – Għal kull parteċipant fil-mobbiltà tal-persunal għall-korsijiet u t-taħriġ – Għal kull espert mistieden – Għal kull għalliem jew edukatur ospitat li

<table>
<tr><td rowspan="3"></td><td rowspan="3">f’attivitajiet imħallta, ir-rikonoxximent tal-eżiti tal-apprendiment, il-kondiviżjoni tar-riżultati u li l-finanzjament tal-Unjoni Ewropea jsir viżibbli għall-pubbliku.

L-appoġġ organizzazzjonali jkopri l-kostijiet imġarrba kemm mill-organizzazzjonijiet li jibagħtu kif ukoll minn dawk ospitanti (ħlief fil-każ tal-mobbiltà tal-persunal għal korsijiet u taħriġ). Id-diviżjoni tal-għotja mogħtija se tiġi miftiehma bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet.

Mekkaniżmu ta’ finanzjament: kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji.

Regola tal-allokazzjoni: abbażi tan-numru ta’ parteċipanti.</td><td>jkun qiegħed jitħarreġ</td></tr>
<tr><td>EUR 350; EUR 200 wara mitt parteċipant fl-istess tip ta’ attività
– Għal kull parteċipant f’mobbiltà għall-apprendiment fuq perjodu qasir tal-istudenti tal-iskola
– Għal kull parteċipant fil-mobbiltà tal-persunal għal job shadowing u inkarigi ta’ tagħlim jew taħriġ</td></tr>
<tr><td>EUR 500
– Għal kull parteċipant f’mobbiltà għall-apprendiment fit-tul tal-istudenti tal-iskola</td></tr>
<tr><td rowspan="8">Vjaġġar</td><td rowspan="8">Kontribuzzjoni għall-kostijiet tal-ivjaġġar bir-ritorn tal-parteċipanti u l-akkumpanjaturi, mill-post tal-oriġini tagħhom sal-post tal-attività.

Barra minn hekk: kontribuzzjoni għall-kostijiet tal-ivjaġġar bir-ritorn tal-parteċipanti u l-akkumpanjaturi mill-post tal-oriġini tagħhom lejn il-post tat-taħriġ ta’ qabel it-tluq għall-istudenti tal-iskola f’mobbiltà fit-tul.

Mekkaniżmu ta’ finanzjament: kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji.

Regola tal-allokazzjoni: abbażi tad-distanza tal-ivvjaġġar u n-numru ta’ persuni.

L-applikant jeħtieġlu jindika d-distanza bl-ajru bejn il-post tal-oriġini u l-post tal-attività[80] billi juża l-kalkulatur tad-distanza appoġġat mill-Kummissjoni Ewropea[81].</td><td>Distanza tal-ivvjaġġar</td><td>Vjaġġar standard</td><td>Vjaġġar ekoloġiku</td></tr>
<tr><td>10 – 99 km</td><td>EUR 23</td><td></td></tr>
<tr><td>100 – 499 km</td><td>EUR 180</td><td>EUR 210</td></tr>
<tr><td>500 – 1999 km</td><td>EUR 275</td><td>EUR 320</td></tr>
<tr><td>2000 – 2999 km</td><td>EUR 360</td><td>EUR 410</td></tr>
<tr><td>3000 – 3999 km</td><td>EUR 530</td><td>EUR 610</td></tr>
<tr><td>4000 – 7999 km</td><td>EUR 820</td><td></td></tr>
<tr><td>8000 km jew aktar</td><td>EUR 1,500</td><td></td></tr>
</table>

[80] Pereżempju, jekk persuna minn Madrid (Spanja) qed tieħu sehem f’attività li qed issir f’Ruma (l-Italja), l-applikant jikkalkula d-distanza minn Madrid sa Ruma (1365,28 KM) u mbagħad jagħżel il-medda tad-distanza tal-ivvjaġġar applikabbli (jiġifieri bejn 500 u 1,999 km).
[81] http://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/tools/distance_mt.htm

<table>
<tr><td rowspan="5">Appoġġ individwali</td><td rowspan="5">Kostijiet ta’ sussistenza għall-parteċipanti u l-akkumpanjaturi[82] matul l-attività.

Jekk ikun meħtieġ: il-kostijiet ta’ sussistenza huma eliġibbli għal ħin ta’ vjaġġar qabel u wara l-attività, b’massimu ta’ jumejn ta’ vjaġġar għall-parteċipanti u l-akkumpanjaturi li jirċievu għotja standard għall-ivvjaġġar, u massimu ta’ sitt ijiem ta’ vvjaġġar fil-każ ta’ għotja għall-ivvjaġġar ekoloġiku.

Mekkaniżmu ta’ finanzjament: kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji.

Regola tal-allokazzjoni: abbażi tan-numru ta’ persuni, id-durata tas-soġġorn u l-pajjiż li jilqa’[83].</td><td>Kategorija ta’ parteċipanti</td><td>Grupp ta’ pajjiżi 1</td><td>Grupp ta’ pajjiżi 2</td><td>Grupp ta’ pajjiżi 3</td></tr>
<tr><td>Persunal</td><td>EUR 101 – 180</td><td>EUR 90 – 160</td><td>EUR 79 – 140</td></tr>
<tr><td>Studenti tal-iskola</td><td>EUR 45 – 80</td><td>EUR 39 – 70</td><td>EUR 34 – 60</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dawn ta’ hawn fuq huma rati bażi għal kull jum tal-attività. Kull Aġenzija Nazzjonali se tiddeċiedi dwar ir-rati bażi eżatti fil-meded permessi.

Ir-rata bażi hija pagabbli sal-14-il jum tal-attività. Mill-15-il jum tal-attività, ir-rata pagabbli tkun ugwali għal 70 % tar-rata bażi. Ir-rati pagabbli jiġu aġġustati għall-eqreb Euro sħiħ.</td></tr>
<tr><td rowspan="2">Appoġġ għall-inklużjoni</td><td>Appoġġ għall-inklużjoni għall-organizzazzjonijiet: Il-kostijiet relatati mal-organizzazzjoni ta’ attivitajiet ta’ mobbiltà għall-parteċipanti b’inqas opportunitajiet.

Mekkaniżmu ta’ finanzjament: kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji

Regola tal-allokazzjoni: abbażi tan-numru ta’ parteċipanti b’inqas opportunitajiet</td><td colspan="4">EUR 100 għal kull parteċipant</td></tr>
<tr><td>Appoġġ għall-inklużjoni għall-parteċipanti: Kostijiet addizzjonali marbuta direttament ma’ parteċipanti b’inqas opportunitajiet u mal-akkumpanjaturi tagħhom (inklużi kostijiet relatati mal-ivvjaġġar u s-sussistenza, jekk ma tintalabx għotja għal dawn il-parteċipanti permezz tal-kategoriji tal-baġit “Vjaġġar” u “Appoġġ individwali”).</td><td colspan="4">100 % tal-kostijiet eliġibbli</td></tr>
</table>

[82] Fil-każ tal-akkumpanjaturi, japplikaw ir-rati għall-persunal. F’każijiet eċċezzjonali, fejn l-akkumpanjatur ikun jeħtieġ joqgħod barra l-pajjiż għal aktar minn 60 jum, il-kostijiet żejda ta’ sussistenza wara s-60 jum se jiġu appoġġati taħt l-intestatura tal-baġit “Appoġġ għall-inklużjoni”.

[83] Gruppi ta’ pajjiżi li jilqgħu:
Grupp ta’ pajjiżi 1: In-Norveġja, id-Danimarka, il-Lussemburgu, l-Iżlanda, l-Iżvezja, l-Irlanda, il-Finlandja, il-Liechtenstein;
Grupp ta’ pajjiżi 2: In-Netherlands, l-Awstrija, il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, Spanja, Ċipru, il-Greċja, Malta, il-Portugall;
Grupp ta’ pajjiżi 3: Is-Slovenja, l-Estonja, il-Latvja, il-Kroazja, is-Slovakkja, ir-Repubblika Ċeka, il-Litwanja, it-Turkija, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija, il-Bulgarija, il-Maċedonja ta’ Fuq, is-Serbja

	Mekkaniżmu ta' finanzjament: kostijiet reali. **Regola tal-allokazzjoni:** it-talba trid tkun iġġustifikata mill-applikant u approvata mill-Aġenzija Nazzjonali.	
Żjarat preparatorji	Il-kostijiet li jkopru l-ivvjaġġar u s-sussistenza għall-parteċipazzjoni fi żjara preparatorja. **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kostijiet unitarji. **Regola tal-allokazzjoni:** abbażi tan-numru ta' parteċipanti.	EUR 575 għal kull parteċipant, b'massimu ta' tliet parteċipanti għal kull żjara
Tariffi tal-kors	Kostijiet li jkopru t-tariffi ta' reġistrazzjoni għall-format tal-mobbiltà tal-persunal "Korsijiet u taħriġ". **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji. **Regola tal-allokazzjoni:** abbażi tad-durata tal-attività.	EUR 80 għal kull parteċipant kull jum; membru individwali tal-persunal jista' jirċievi massimu ta' EUR 800 f'tariffi tal-kors fi ħdan ftehim ta' għotja wieħed.
Appoġġ lingwistiku	Il-kostijiet tal-provvista ta' materjali għall-apprendiment tal-lingwi u ta' taħriġ għall-parteċipanti li jeħtieġ itejbu l-għarfien tal-lingwa li se jkunu qegħdin jużaw biex jistudjaw jew biex jirċievu taħriġ matul l-attività tagħhom. L-appoġġ lingwistiku huwa eliġibbli għall-parteċipanti fil-mobbiltà tal-persunal ta' aktar minn 30 jum u f'mobbiltà individwali fuq perjodu qasir u fit-tul tal-istudenti. L-appoġġ jitħallas biss jekk il-parteċipant ma jkunx jista' jirċievi Appoġġ Lingwistiku Online minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tal-lingwa jew tal-livell meħtieġ. Din il-kundizzjoni tal-aħħar ma tapplikax għal appoġġ imsaħħaħ ipprovdut lill-parteċipanti fil-mobbiltà għall-apprendiment fit-tul tal-istudenti tal-iskola. **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji. **Regola tal-allokazzjoni:** abbażi tan-numru ta' parteċipanti.	EUR 150 għal kull parteċipant Barra minn hekk: EUR 150 ta' appoġġ lingwistiku msaħħaħ għal kull parteċipant f'mobbiltà għall-apprendiment fit-tul tal-istudenti tal-iskola
Kostijiet eċċezzjonali	Kostijiet għall-għoti ta' garanzija finanzjarja, jekk l-Aġenzija Nazzjonali titlob dan. Il-kostijiet tal-ivvjaġġar għaljin tal-parteċipanti u l-akkumpanjaturi tagħhom li ma jistgħux jiġu appoġġati mill-kategorija standard "Vjaġġar" minħabba l-	**Kostijiet għal garanzija finanzjarja:** 80 % tal-kostijiet eliġibbli **Kostijiet tal-ivvjaġġar għaljin:** 80 % tal-kostijiet eliġibbli tal-ivvjaġġar **Kostijiet tal-viża u dawk relatati mal-viża,**

	pożizzjoni ġeografika remota jew ostakli oħrajn. Kostijiet tal-viża u dawk relatati mal-viża, permessi ta' residenza, vaċċinazzjonijiet, ċertifikati mediċi. **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kostijiet reali. **Regola tal-allokazzjoni:** it-talba trid tkun iġġustifikata mill-applikant u approvata mill-Aġenzija Nazzjonali. L-ivvjaġġar għali japplika f'każijiet fejn l-appoġġ għall-ivvjaġġar ibbażat fuq il-kost unitarju ma jkoprix 70 % tal-kostijiet tal-ivvjaġġar tal-parteċipanti.	**permessi ta' residenza, vaċċinazzjonijiet, ċertifikati mediċi:** 100 % tal-kostijiet eliġibbli

MOBBILTÀ GĦALL-ISTUDENTI U GĦALL-PERSUNAL FL-EDUKAZZJONI GĦALL-ADULTI

Din l-azzjoni tappoġġa lill-forniturі tal-edukazzjoni għall-adulti u organizzazzjonijiet oħrajn attivi fil-qasam tal-edukazzjoni għall-adulti li jridu jorganizzaw attivitajiet ta' mobbiltà għall-apprendiment għall-istudenti adulti u għall-persunal tal-edukazzjoni.

Hija appoġġata firxa wiesgħa ta' attivitajiet, inkluż job shadowing u korsijiet ta' żvilupp professjonali għall-persunal, mobbiltà individwali u ta' gruppi ta' studenti adulti b'inqas opportunitajiet (b'mod partikolari studenti adulti b'livell baxx ta' ħiliet), l-esperti mistiedna, u attivitajiet oħrajn kif spjegat hawn taħt.

L-organizzazzjonijiet parteċipanti għandhom jippromwovu b'mod attiv **l-inklużjoni u d-diversità, is-sostenibbiltà ambjentali** u l-**edukazzjoni diġitali** permezz tal-attivitajiet tagħhom. Għandhom jagħmlu dan billi jużaw l-opportunitajiet speċifiċi ta' finanzjament ipprovduti mill-Programm għal dawn l-iskopijiet, billi jqajmu sensibilizzazzjoni fost il-parteċipanti tagħhom, billi jikkondividu l-aħjar prattiki, u billi jagħżlu disinn xieraq għall-attivitajiet tagħhom.

OBJETTIVI TAL-AZZJONI

Din l-azzjoni għandha l-għan li tipprovdi opportunitajiet ta' apprendiment lill-individwi u li tappoġġa l-internazzjonalizzazzjoni u l-iżvilupp istituzzjonali tal-forniturі tal-edukazzjoni għall-adulti u organizzazzjonijiet oħrajn attivi fil-qasam tal-edukazzjoni għall-adulti. L-azzjoni se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Aġenda għall-Ħiliet u għall-ħolqien taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni. B'mod speċifiku, l-objettivi ta' din l-azzjoni huma:

- it-tisħiħ tad-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim u tal-apprendiment
- il-promozzjoni tal-valuri tal-inklużjoni u tad-diversità, tat-tolleranza u tal-parteċipazzjoni demokratika
- il-promozzjoni tal-għarfien dwar il-wirt u d-diversità komuni Ewropej
- l-appoġġ għall-iżvilupp ta' networks professjonali madwar l-Ewropa
- It-titjib tal-kwalità tal-edukazzjoni formali, informali u mhux formali għall-adulti fl-Ewropa għal kompetenzi ewlenin kif definiti mill-qafas tal-UE (2018), inklużi ħiliet bażiċi (litteriżmu, numeriżmu, ħiliet diġitali) u ħiliet oħrajn tal-ħajja
- l-estensjoni u d-diversifikazzjoni tal-offerta tal-edukazzjoni għall-adulti permezz tal-professjonalizzazzjoni tal-edukaturi u l-bini tal-kapaċità tal-forniturі tal-edukazzjoni għall-adulti
- is-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni u tal-aċċessibbiltà ta' programmi ta' tagħlim u ta' apprendiment ta' kwalità għolja f'kull forma ta' edukazzjoni għall-adulti, u l-fatt li dawn isiru rilevanti għall-ħtiġijiet tal-individwi u tas-soċjetà inġenerali
- il-bini tal-kapaċità tal-forniturі tal-edukazzjoni għall-adulti sabiex iwettqu proġetti ta' mobbiltà ta' kwalità għolja
- iż-żieda fil-parteċipazzjoni tal-adulti ta' kull età u sfond soċjoekonomiku fl-edukazzjoni għall-adulti, speċjalment billi titrawwem il-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet li jaħdmu ma' studenti żvantaġġati, forniturі żgħar tal-edukazzjoni għall-adulti, parteċipanti ġodda fil-Programm u organizzazzjonijiet b'inqas esperjenza, kif ukoll organizzazzjonijiet ta' bażi bbażati fil-komunità

KIF TAĊĊESSA L-OPPORTUNITAJIET TA' MOBBILTÀ TAL-ERASMUS+?

Il-forniturі tal-edukazzjoni għall-adulti u organizzazzjonijiet oħrajn attivi fl-edukazzjoni għall-adulti jistgħu japplikaw għall-finanzjament b'żewġ modi:

- **Proġetti fuq perjodu qasir għall-mobbiltà tal-istudenti u l-persunal** – dawn il-proġetti jipprovdu lill-applikanti b'opportunità li jorganizzaw attivitajiet ta' mobbiltà varji fuq perjodu ta' bejn sitt xhur u tmintax-il xahar. Il-proġetti

fuq perjodu qasir huma l-aħjar għażla għall-organizzazzjonijiet li japplikaw għall-Erasmus+ għall-ewwel darba, jew għal dawk li jixtiequ jorganizzaw biss numru limitat ta' attivitajiet.

- **Proġetti akkreditati għall-mobbiltà tal-istudenti u l-persunal** – dawn il-proġetti huma miftuħin biss għall-organizzazzjonijiet li għandhom akkreditazzjoni tal-Erasmus fil-qasam tal-edukazzjoni għall-adulti. Din il-fergħa ta' finanzjament speċjali tippermetti lill-organizzazzjonijiet akkreditati biex jirċievu regolarment finanzjament għal attivitajiet ta' mobbiltà li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni gradwali tal-Pjan Erasmus tagħhom. L-akkreditazzjonijiet tal-Erasmus huma miftuħa għall-organizzazzjonijiet kollha li jridu jorganizzaw attivitajiet ta' mobbiltà fuq bażi regolari. Mhix meħtieġa esperjenza preċedenti fil-Programm biex wieħed japplika. Biex issir taf aktar dwar din l-opportunità, jekk jogħġbok aqra l-kapitolu ta' din il-gwida dwar l-akkreditazzjoni tal-Erasmus fl-oqsma tal-edukazzjoni għall-adulti, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u l-edukazzjoni skolastika.

Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet jistgħu jissieħbu fil-Programm mingħajr ma jissottomettu applikazzjoni billi:

- **Jissieħbu f'konsorzju eżistenti tal-mobbiltà tal-Erasmus** immexxi minn koordinatur akkreditat tal-konsorzju f'pajjiżhom li jkun qiegħed jaċċetta membri ġodda fil-konsorzju tiegħu.
- **Ospitar ta' parteċipanti minn pajjiż ieħor:** kwalunkwe organizzazzjoni tista' tospita parteċipanti li jkunu ġejjin minn organizzazzjoni sieħba barra l-pajjiż. Li ssir organizzazzjoni ospitanti hija esperjenza siewja u mod tajjeb ta' kif toħloq sħubijiet u titgħallem aktar dwar il-Programm qabel ma tapplika inti stess.

STABBILIMENT TA' PROĠETT

L-organizzazzjoni applikanti hija l-attur ewlieni fi proġett tal-Azzjoni Ewlenija 1. L-applikant jabbozza u jissottometti l-applikazzjoni, jiffirma l-ftehim ta' għotja, jimplimenta l-attivitajiet tal-mobbiltà, u jirrapporta lill-Aġenzija Nazzjonali tiegħu. Il-proċess tal-applikazzjoni kemm għall-proġetti għal perjodu qasir kif ukoll għall-akkreditazzjoni tal-Erasmus jiffoka fuq il-ħtiġijiet u l-pjanijiet tal-organizzazzjoni applikanti.

L-attivitajiet ta' mobbiltà fi proġett ta' mobbiltà jistgħu jkunu ħerġin u deħlin. Il-biċċa l-kbira tat-tipi ta' attivitajiet disponibbli huma attivitajiet ta' mobbiltà ħierġa. Dan ifisser li l-organizzazzjoni applikanti se taġixxi bħala organizzazzjoni li tibgħat: se tagħżel il-parteċipanti u tibgħathom f'organizzazzjoni ospitanti barra l-pajjiż. Barra minn hekk, hemm tipi speċjali ta' attivitajiet deħlin li jippermettu lill-organizzazzjonijiet applikanti jistiednu esperti, għalliema u edukaturi fit-taħriġ fl-organizzazzjoni tagħhom. L-iskop tal-attivitajiet deħlin ma huwiex li joħolqu skambji bidirezzjonali, iżda pjuttost li jinkludu persuni li jistgħu jgħinu fl-iżvilupp u fl-internazzjonalizzazzjoni tal-organizzazzjoni applikanti. Sabiex il-proċess biex jinstabu sħab ikun aktar faċli, l-Erasmus+ jappoġġa għodod ħalli jinstabu sħab barra mill-pajjiż: EPALE

L-implimentazzjoni tal-attivitajiet kollha appoġġati fil-qafas ta' din l-Azzjoni trid issegwi l-istandards tal-kwalità tal-Erasmus. L-istandards tal-kwalità ta' Erasmus ikopru prattiki konkreti ta' implimentazzjoni għal kompiti ta' proġetti bħall-għażla u t-tħejjija tal-parteċipanti, id-definizzjoni, l-evalwazzjoni u r-rikonoxximent tal-eżiti tal-apprendiment, il-kondiviżjoni tar-riżultati tal-proġett, eċċ. Biex taqra t-test sħiħ tal-istandards tal-kwalità tal-Erasmus, jekk jogħġbok żur il-link li ġejja fuq is-sit web Europa: https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/resources/documents/erasmus-quality-standards-mobility-projects-vet-adults-schools_mt

Dimensjonijiet orizzontali

Il-proġetti kollha ta' mobbiltà għandhom jintegraw id-dimensjonijiet li ġejjin komuni għall-programm Erasmus+ kollu:

INKLUŻJONI U DIVERSITÀ

F'konformità mal-istandards tal-kwalità tal-Erasmus, l-organizzazzjonijiet li jirċievu appoġġ mill-Programm iridu jiżguraw li joffru opportunitajiet ta' mobbiltà b'mod inklużiv u ġust, lill-parteċipanti minn kull sfond. L-għażla tal-istudenti li se jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-proġett għandha tqis fatturi ewlenin bħall-motivazzjoni, il-mertu, kif ukoll l-iżvilupp personali u l-ħtiġijiet tal-apprendiment tal-parteċipanti. Bl-istess mod, l-għażla tal-parteċipanti tal-persunal għandha tiżgura li l-benefiċċji tal-iżvilupp professjonali tagħhom ikunu disponibbli għall-istudenti kollha fl-organizzazzjoni.

Matul it-tħejjija, l-implimentazzjoni u s-segwitu tal-attivitajiet ta' mobbiltà, l-organizzazzjonijiet li jibagħtu u dawk ospitanti għandhom jinvolvu lill-parteċipanti f'deċiżjonijiet ewlenin sabiex jiġu żgurati benefiċċji u impatt massimi għal kull parteċipant.

Benefiċjarji u organizzazzjonijiet parteċipanti oħrajn li jipprovdu l-edukazzjoni u t-taħriġ huma mħeġġa joħolqu u jiffaċilitaw b'mod attiv l-opportunitajiet ta' mobbiltà, pereżempju billi jistabbilixxu twieqi ta' mobbiltà fil-kalendarju akkademiku tagħhom u jiddefinixxu l-passi standard ta' riintegrazzjoni għall-parteċipanti li jirritornaw.

PRATTIKI AMBJENTALMENT SOSTENIBBLI U RESPONSABBLI

F'konformità mal-istandards tal-kwalità tal-Erasmus, l-organizzazzjonijiet li jirċievu appoġġ mill-Programm iridu jippromwovu mġiba ambjentalment sostenibbli u responsabbli fost il-parteċipanti tagħhom, filwaqt li jqajmu s-sensibilizzazzjoni dwar l-importanza li tittieħed azzjoni biex titnaqqas jew tiġi kkumpensata l-impronta ambjentali tal-attivitajiet ta' mobbiltà. Dawn il-prinċipji għandhom jiġu riflessi fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet kollha tal-Programm, speċjalment permezz tal-użu ta' appoġġ speċifiku ta' finanzjament ipprovdut mill-Programm biex jiġu promossi mezzi sostenibbli tal-ivjaġġar. L-organizzazzjonijiet li jipprovdu l-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom jintegraw dawn il-prinċipji fil-ħidma ta' kuljum tagħhom, u għandhom jippromwovu b'mod attiv bidla fil-mentalità u fl-imġiba fost l-istudenti u l-persunal tagħhom.

TRASFORMAZZJONI DIĠITALI FL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ

F'konformità mal-istandards tal-kwalità tal-Erasmus, il-Programm jappoġġa lill-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha fl-inkorporazzjoni tal-użu ta' għodod u metodi ta' apprendiment diġitali biex jikkomplementaw l-attivitajiet fiżiċi tagħhom, itejbu l-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet sħab, u jtejbu l-kwalità tal-apprendiment u t-tagħlim tagħhom. Barra minn hekk, il-parteċipanti tal-persunal jistgħu jibbenefikaw minn Traineeships ta' Opportunità Diġitali: attivitajiet ta' mobbiltà li jippermettulhom jiksbu ħiliet diġitali u jibnu l-kapaċità tagħhom li jħarrġu, jgħallmu u jwettqu kompiti oħrajn bl-għajnuna ta' għodod diġitali. Tali attivitajiet jistgħu jiġu organizzati bi kwalunkwe wieħed mill-formati ta' mobbiltà tal-persunal disponibbli.

PARTEĊIPAZZJONI FIL-ĦAJJA DEMOKRATIKA

Il-programm għandu l-għan li jgħin lill-parteċipanti jiskopru l-benefiċċji taċ-ċittadinanza attiva u l-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika. L-attivitajiet ta' mobbiltà appoġġati għandhom isaħħu l-ħiliet parteċipattivi f'oqsma differenti tas-soċjetà ċivika, kif ukoll l-iżvilupp ta' kompetenzi soċjali u interkulturali, il-ħsieb kritiku u l-litteriżmu medjatiku. Kull fejn ikun possibbli, il-proġetti għandhom joffru opportunitajiet għall-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika, l-involviment soċjali u ċiviku permezz ta' attivitajiet ta' apprendiment formali jew mhux formali. Dawn għandhom itejbu wkoll il-fehim tal-parteċipanti dwar l-Unjoni Ewropea u l-valuri komuni Ewropej, inkluż ir-rispett għall-prinċipji demokratiċi, id-dinjità tal-bniedem, l-unità u d-diversità, id-djalogu interkulturali, kif ukoll il-wirt soċjali, kulturali u storiku Ewropew.

ŻVILUPP TA' KOMPETENZI EWLENIN

Il-programm jappoġġa l-iżvilupp tul il-ħajja u t-tisħiħ tal-kompetenzi ewlenin[84] meħtieġa għall-iżvilupp u s-sodisfazzjon personali, l-impjegabbiltà, iċ-ċittadinanza attiva u l-inklużjoni soċjali. L-organizzazzjonijiet parteċipanti għandhom joffru attivitajiet ta' taħriġ u ta' apprendiment adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-istudenti, jgħinuhom jiksbu indipendenza ekonomika u jneħħu l-ostakli li jiffaċċjaw fl-edukazzjoni u fil-kuntatti soċjali.

ATTIVITAJIET

Din it-taqsima tippreżenta t-tipi ta' attivitajiet li jistgħu jiġu appoġġati mill-fondi tal-Erasmus+, kemm bħala parti minn proġetti fuq perjodu qasir kif ukoll minn proġetti akkreditati.

Għal kwalunkwe attività, jista' jingħata appoġġ addizzjonali lill-akkumpanjaturi tal-parteċipanti b'inqas opportunitajiet. L-akkumpanjaturi jistgħu jiġu appoġġati għad-durata sħiħa tal-attività jew għal parti minnha.

Mobbiltà tal-persunal

Formati disponibbli	▪ Job shadowing (minn jumejn sa 60 jum) ▪ Inkarigi ta' tagħlim jew ta' taħriġ (minn jumejn sa 365 jum) ▪ Korsijiet u taħriġ (minn jumejn sa 30 jum, massimu ta' 10 ijiem ta' tariffi tal-kors għal kull parteċipant) Minbarra l-mobbiltà fiżika, l-attivitajiet kollha tal-mobbiltà tal-persunal jistgħu jitħalltu ma' attivitajiet virtwali. Id-durati minimi u massimi speċifikati hawn fuq japplikaw għall-komponent tal-mobbiltà fiżika. **Job shadowing**: il-parteċipanti jistgħu jqattgħu perjodu ta' żmien f'organizzazzjoni ospitanti f'pajjiż ieħor bil-għan li jitgħallmu prattiki ġodda u jiġbru ideat ġodda permezz ta' osservazzjoni u interazzjoni mal-pari, mal-esperti jew ma' prattikanti oħrajn fix-xogħol ta' kuljum tagħhom fl-organizzazzjoni ospitanti. **Inkarigi ta' tagħlim jew ta' taħriġ**: il-parteċipanti jistgħu jqattgħu perjodu ta' żmien jgħallmu jew jipprovdu taħriġ lill-istudenti f'organizzazzjoni ospitanti f'pajjiż ieħor, bħala mod kif jitgħallmu billi jwettqu l-kompiti tagħhom u jiskambjaw mal-pari. **Korsijiet u taħriġ**: il-parteċipanti jistgħu jibbenefikaw minn kors strutturat jew minn tip simili ta' taħriġ ipprovdut minn professjonisti kwalifikati, abbażi ta' programm ta' apprendiment definit minn qabel u l-eżiti tal-apprendiment. It-taħriġ irid jinvolvi parteċipanti minn tal-inqas żewġ pajjiżi differenti u jrid jippermetti lill-parteċipanti jinteraġixxu ma' studenti oħrajn u mal-ħarrieġa. Attivitajiet kompletament passivi fosthom li wieħed jisma' lekċers, diskorsi jew

[84] Kompetenzi ewlenin - https://ec.europa.eu/education/policies/school/key-competences-and-basic-skills_mt

	konferenzi tal-massa ma humiex appoġġati. L-applikanti għandhom ikunu konxji li l-forituri kollha tal-korsijiet huma kompletament indipendenti mill-programm Erasmus+ u qegħdin jaġixxu bħala forituri ta' servizzi f'suq ħieles. L-għażla tal-korsijiet u t-taħriġ hija għalhekk responsabbiltà tal-organizzazzjoni benefiċjarja. L-istandards tal-kwalità li ġejjin huma disponibbli bħala appoġġ biex jiggwidaw lill-applikanti fl-għażla tagħhom: https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/resources/quality-standards-courses-under-key-action-1-learning-mobility-individuals_mt
Parteċipanti eliġibbli	Il-parteċipanti eliġibbli jinkludu għalliema, ħarrieġa, u l-esperti u l-persunal l-oħrajn kollha fl-edukazzjoni għall-adulti, li ma jgħallmux. Il-persunal eliġibbli li ma jgħallimx jinkludi persunal li jaħdem fl-edukazzjoni għall-adulti, jew f'forituri tal-edukazzjoni għall-adulti (eż. persunal amministrattiv) jew f'organizzazzjonijiet oħrajn attivi fl-edukazzjoni għall-adulti (eż. voluntiera, konsulenti, koordinaturi tal-politika responsabbli għall-edukazzjoni għall-adulti, eċċ.). Il-parteċipanti jeħtiġilhom ikunu qegħdin jaħdmu fl-organizzazzjoni li tibgħat, jew ikunu qegħdin jaħdmu regolarment mal-organizzazzjoni li tibgħat biex jgħinu fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet ewlenin tal-organizzazzjoni (pereżempju bħala ħarrieġa esterni, esperti, jew voluntiera). Fil-każijiet kollha, il-kompiti li jorbtu lill-parteċipant mal-organizzazzjoni li tibgħat iridu jkunu dokumentati b'mod li jippermetti lill-Aġenzija Nazzjonali tivverifika din ir-rabta (pereżempju ma' kuntratt ta' xogħol jew volontarjat, deskrizzjoni tal-kompitu, jew dokument simili). L-Aġenziji Nazzjonali għandhom jistabbilixxu prattika trasparenti u konsistenti dwar x'jikkostitwixxi relazzjonijiet ta' ħidma aċċettabbli u dokumentazzjoni ta' sostenn fil-kuntest nazzjonali tagħhom.
Postijiet eliġibbli	L-attivitajiet iridu jsiru barra l-pajjiż, fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm.

Mobbiltà tal-istudenti

Formati disponibbli	▪ Mobbiltà fi gruppi ta' studenti adulti (minn jumejn sa 30 jum, mill-inqas żewġ studenti għal kull grupp) ▪ Mobbiltà għall-apprendiment fuq perjodu qasir tal-istudenti adulti (minn jumejn sa 29 jum) ▪ Mobbiltà għall-apprendiment fit-tul tal-istudenti adulti (minn 30 sa 365 jum) Minbarra l-mobbiltà fiżika, l-attivitajiet kollha ta' mobbiltà tal-istudenti jistgħu jitħalltu ma' attivitajiet virtwali. Id-durati minimi u massimi speċifikati hawn fuq japplikaw għall-komponent tal-mobbiltà fiżika. **Mobbiltà fi gruppi ta' studenti adulti:** grupp ta' studenti adulti mill-organizzazzjoni li tibgħat jistgħu jqattgħu żmien f'pajjiż ieħor biex jibbenefikaw minn apprendiment innovattiv organizzat permezz ta' kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet li jibagħtu u dawk ospitanti (ix-xiri ta'

	servizzi ta' taħriġ disponibbli kummerċjalment ma huwiex appoġġat). L-attivitajiet jistgħu jinkludu taħlita ta' diversi metodi u tekniki ta' apprendiment formali, informali u mhux formali, bħall-apprendiment bejn il-pari, l-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol, il-volontarjat, u approċċi innovattivi oħrajn. Il-ħarrieġa kwalifikati mill-organizzazzjoni li tibgħat iridu jakkumpanjaw lill-istudenti għad-durata kollha tal-attività u jieħdu sehem fl-implimentazzjoni tal-programm ta' apprendiment. Il-kontenut tal-attivitajiet ta' mobbiltà fi gruppi għandu jiffoka fuq il-kompetenzi ewlenin tal-istudenti adulti jew l-inklużjoni u d-diversità, is-sostenibbiltà diġitali, ambjentali u d-dimensjonijiet parteċipattivi tal-programm. **Mobbiltà għall-apprendiment għal perjodu qasir tal-istudenti adulti**: l-istudenti adulti jistgħu jqattgħu perjodu barra l-pajjiż f'organizzazzjoni ospitanti sabiex itejbu l-għarfien u l-ħiliet tagħhom. Irid jiġi ddefinit programm ta' apprendiment individwali għal kull parteċipant. Fi tmiem l-attività, kull student jeħtieġlu jgħaddi minn evalwazzjoni u ċertifikazzjoni tal-eżiti tal-apprendiment. Il-programm ta' apprendiment jista' jinkludi taħlita ta' diversi metodi ta' apprendiment formali, informali u mhux formali, inkluż apprendiment fil-klassi, l-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol, job shadowing, osservazzjoni u approċċi innovattivi oħra. **Mobbiltà għall-apprendiment fit-tul tal-istudenti adulti**: l-istudenti adulti jistgħu jqattgħu perjodu itwal barra l-pajjiż f'organizzazzjoni ospitanti sabiex itejbu l-għarfien u l-ħiliet tagħhom. Irid jiġi ddefinit programm ta' apprendiment individwali għal kull parteċipant. Il-programm ta' apprendiment jista' jinkludi taħlita ta' diversi metodi ta' apprendiment formali, informali u mhux formali, inkluż apprendiment fil-klassi, l-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol, job shadowing, osservazzjoni u approċċi innovattivi oħra. Jekk jogħġbok innota li d-differenza bejn il-formati tal-attività tal-grupp u dawk individwali ma hijiex ibbażata fuq arranġamenti ta' vjaġġar u ta' akkomodazzjoni, iżda b'mod esklużiv fuq ir-rekwiżiti għal programmi ta' apprendiment kollettivi jew individwali. Għaldaqstant, il-format tal-mobbiltà tal-grupp huwa rrakkomandat għal attivitajiet sempliċi li jagħmlu użu mir-riżorsi u l-kontenut eżistenti, filwaqt li formati individwali huma aktar adattati għall-programmi ta' apprendiment li jeħtieġu investiment speċifiku mill-organizzazzjonijiet li jibagħtu u li jirċievu (inkluż f'każijiet li fihom diversi parteċipanti se jkunu qegħdin jivvjaġġaw u joqogħdu flimkien). F'konformità mar-rekwiżiti tagħhom, huwa pprovdut livell differenti ta' appoġġ organizzazzjonali għal formati ta' attività differenti, kif definit fir-regoli ta' finanzjament ippreżentati fl-aħħar ta' dan il-kapitolu.
Parteċipanti eliġibbli	Il-parteċipanti eliġibbli huma studenti li jipparteċipaw fi programm ta' edukazzjoni għall-adulti[85] fl-organizzazzjoni li tibgħat. Fl-għażla tal-parteċipanti, il-proġetti kollha għandhom jimmiraw għal taħlita inklużiva u bbilanċjata ta' profili tal-parteċipanti u għall-involviment sinifikanti tal-parteċipanti b'inqas opportunitajiet, f'konformità mal-objettivi tal-azzjoni**.**

[85] ID-DEFINIZZJONI TA' PROGRAMMI U ATTIVITAJIET TA' EDUKAZZJONI GĦALL-ADULTI ELIĠIBBLI F'KULL STAT MEMBRU TAL-UE JEW F'PAJJIŻ TERZ ASSOĊJAT MAL-PROGRAMM SE TIĠI DDEFINITA MILL-AWTORITÀ NAZZJONALI KOMPETENTI U PPUBBLIKATA FUQ IS-SIT WEB TAL-AĠENZIJA NAZZJONALI RILEVANTI.

Postijiet eliġibbli	L-attivitajiet iridu jsiru barra l-pajjiż, fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm. Il-mobbiltà fi grupp ta' studenti adulti trid isseħħ fl-organizzazzjoni ospitanti. B'mod eċċezzjonali, l-attivitajiet jistgħu jsiru f'post ieħor fil-pajjiż tal-organizzazzjoni ospitanti, jekk dan ikun iġġustifikat mill-kontenut u l-kwalità tal-attività. F'dan il-każ, l-ivvjaġġar tal-parteċipanti mill-organizzazzjoni ospitanti sal-post mhux se jitqiesu bħala attività ta' mobbiltà tranżnazzjonali. Għalhekk, ma jistgħux jintalbu fondi addizzjonali għal dan l-iskop. Barra minn hekk, il-mobbiltà fi grupp ta' studenti adulti tista' sseħħ f'sede ta' istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea jekk l-attività tkun organizzata f'istituzzjoni tal-UE jew f'kooperazzjoni magħha[86].

Attivitajiet appoġġati oħrajn

Formati disponibbli	▪ Esperti mistiedna (minn jumejn sa 60 jum) ▪ L-ospitar tal-għalliema u l-edukaturi li jkunu qegħdin jitħarrġu (minn 10 ijiem sa 365 jum) **Esperti mistiedna:** l-organizzazzjonijiet jistgħu jistiednu ħarrieġa, għalliema, esperti fil-politika jew professjonisti kkwalifikati oħrajn minn barra l-pajjiż li jistgħu jgħinuhom itejbu t-tagħlim, it-taħriġ u l-apprendiment fl-organizzazzjoni li tilqa'. Pereżempju, l-esperti mistiedna jistgħu jipprovdu taħriġ lill-persunal tal-organizzazzjoni li tilqa', juru metodi ġodda ta' tagħlim jew jgħinu fit-trasferiment ta' prattiki tajba fl-organizzazzjoni u fl-amministrazzjoni. **Ospitar tal-għalliema u l-edukaturi li jkunu qegħdin jitħarrġu:** l-organizzazzjonijiet applikanti jistgħu jospitaw għalliema li jkunu qegħdin jitħarrġu li jkunu jixtiequ jwettqu traineeship barra l-pajjiż. L-organizzazzjoni ospitanti se tirċievi appoġġ biex tistabbilixxi l-attività, filwaqt li l-appoġġ għall-ivvjaġġar u dak individwali għall-parteċipant għandu jiġi pprovdut mill-istituzzjoni li tibgħat tagħhom (li tista' tapplika għall-finanzjament tal-Erasmus+ għal dan l-iskop).
Parteċipanti eliġibbli	**L-esperti mistiedna** jistgħu jkunu kwalunkwe persuna minn Stat Membru ieħor tal-UE jew minn pajjiż terz assoċjat mal-Programm, li jistgħu jipprovdu għarfien espert u taħriġ rilevanti għall-ħtiġijiet u l-objettivi tal-organizzazzjoni li tistedinhom. **L-ospitar ta' għalliema u edukaturi li jkunu qed jitħarrġu** huwa disponibbli għall- parteċipanti li jkunu rreġistrati fi programm edukattiv għall-għalliema jew li jkunu gradwaw[87] minnu dan l-aħħar (jew tip simili ta' programm edukattiv għall-ħarrieġa jew l-edukaturi) fi Stat Membru ieħor tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm.

[86] Is-Sedi tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea huma Brussell, Frankfurt, il-Lussemburgu, Strasburgu u The Hague. L-attivitajiet fis-sedi tal-UE se jitqiesu bħala mobbiltà u jista' jintalab finanzjament tranżnazzjonali (kif deskritt fit-taqsima "X'inhuma r-regoli ta' finanzjament?") għall-parteċipanti kollha, irrispettivament mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

[87] Il-gradwati reċenti huma eliġibbli biex jipparteċipaw sa 12-il xahar wara li jkunu ggradwaw. F'każ li l-parteċipanti kienu qed iwettqu servizz ċivili jew militari obbligatorju wara li ggradwaw, il-perjodu ta' eliġibbiltà se jiġi estiż bid-durata tas-servizz.

Postijiet eliġibbli	Il-post għall-esperti u l-għalliema mistiedna li jkunu qed jitħarrġu huwa dejjem l-organizzazzjoni benefiċjarja (inklużi l-membri tal-konsorzju).

Żjarat preparatorji

X'inhi żjara preparatorja?	Żjara preparatorja hija żjara f'organizzazzjoni ospitanti prospettiva mill-persunal mill-organizzazzjoni li tibgħat bl-iskop li titħejja aħjar attività ta' mobbiltà tal-istudenti jew tal-persunal.
Meta tista' tiġi organizzata żjara preparatorja?	Kull żjara preparatorja jrid ikollha motivazzjoni ċara u trid isservi biex ittejjeb l-inklużività, il-kamp ta' applikazzjoni u l-kwalità tal-attivitajiet ta' mobbiltà. Pereżempju, jistgħu jiġu organizzati żjarat preparatorji biex titħejja aħjar il-mobbiltà tal-parteċipanti b'inqas opportunitajiet, biex jibdew jaħdmu ma' organizzazzjoni sieħba ġdida, jew biex iħejju attivitajiet ta' mobbiltà aktar fit-tul. Jistgħu jiġu organizzati żjarat preparatorji bi tħejjija għal kwalunkwe tip ta' mobbiltà tal-istudenti jew tal-persunal, ħlief "korsijiet u taħriġ".
Min jista' jieħu sehem fi żjara preparatorja?	Iż-żjarat preparatorji jistgħu jitwettqu minn kwalunkwe persuna eliġibbli għall-attivitajiet ta' mobbiltà tal-persunal u involuta fl-organizzazzjoni tal-proġett. B'mod eċċezzjonali, l-istudenti li se jieħdu sehem f'mobbiltà għall-apprendiment fit-tul u l-parteċipanti b'inqas opportunitajiet fi kwalunkwe tip ta' attività jistgħu jieħdu sehem fi żjarat preparatorji għall-attivitajiet tagħhom. Massimu ta' tliet persuni jista' jieħu sehem fi żjara preparatorja, u tista' tiġi organizzata massimu ta' żjara preparatorja waħda għal kull organizzazzjoni ospitanti.
Fejn jistgħu jsiru żjarat preparatorji?	Iż-żjarat preparatorji jsiru fil-bini tal-organizzazzjoni ospitanti prospettiva, jew fi kwalunkwe post ieħor fejn ikunu ppjanati li jsiru attivitajiet ta' mobbiltà. Ir-regoli applikabbli għall-postijiet tal-attivitajiet ta' mobbiltà tal-persunal u tal-istudenti japplikaw ukoll għal żjarat preparatorji marbuta ma' dawk l-attivitajiet.

PROĠETTI FUQ PERJODU QASIR GĦALL-MOBBILTÀ TAL-ISTUDENTI U L-PERSUNAL FL-EDUKAZZJONI GĦALL-ADULTI

Il-proġetti fuq perjodu qasir għall-mobbiltà tal-istudenti u l-persunal huma mod dirett u sempliċi kif wieħed jista' jibbenefika mill-Erasmus+. L-iskop tagħhom huwa li jippermettu lill-organizzazzjonijiet jorganizzaw ftit attivitajiet b'mod faċli u jiksbu esperjenza fil-Programm.

Sabiex il-proġetti fuq perjodu qasir jibqgħu sempliċi, dawn jinkludu limitu fuq in-numru ta' parteċipanti u d-durata tal-proġett. Il-format huwa miftuħ biss għall-organizzazzjonijiet individwali u mhux għall-koordinaturi ta' konsorzju. L-organizzazzjonijiet akkreditati ma jistgħux japplikaw għal proġetti fuq perjodu qasir peress li diġà għandhom aċċess permanenti għall-finanzjament tal-Erasmus+.

L-applikazzjoni għal proġetti fuq perjodu qasir tinkludi lista u deskrizzjoni tal-attivitajiet li l-organizzazzjoni applikanti beħsiebha torganizza.

KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ

Organizzazzjonijiet eliġibbli: min jista' japplika?	L-organizzazzjonijiet li ġejjin huma eliġibbli[88] biex japplikaw: (1) L-organizzazzjonijiet li jipprovdu edukazzjoni formali, informali u mhux formali għall-adulti[89] (2) L-awtoritajiet pubbliċi lokali u reġjonali, il-korpi ta' koordinazzjoni u organizzazzjonijiet oħrajn bi rwol fil-qasam tal-edukazzjoni għall-adulti L-organizzazzjonijiet li għandhom akkreditazzjoni tal-Erasmus fl-edukazzjoni għall-adulti ma jistgħux japplikaw għal proġetti fuq perjodu qasir.
Pajjiżi eliġibbli	L-organizzazzjonijiet applikanti jridu jkunu stabbiliti fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm.
Fejn tissottometti applikazzjoni?	L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi lill-Aġenzija Nazzjonali tal-pajjiż fejn tkun stabbilita l-organizzazzjoni applikanti.
Skadenzi tal-applikazzjoni	Ċiklu 1 (għall-Aġenziji Nazzjonali kollha): **it-23 ta' Frar f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell)** Ċiklu 2: L-Aġenziji Nazzjonali jistgħu jiddeċiedu li jiftħu t-tieni skadenza (Ċiklu 2). F'dan il-każ, l-Aġenzija Nazzjonali se tinforma lill-applikanti permezz tas-sit web tagħha. Għaċ-Ċiklu 2, l-applikanti jridu jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom sal-**4 ta' Ottubru f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell).**

[88] Id-definizzjoni ta' organizzazzjonijiet eliġibbli f'kull Stat Membru tal-UE jew pajjiż terz assoċjat mal-Programm se tiġi ddefinita mill-Awtorità Nazzjonali kompetenti u ppubblikata fuq is-sit web tal-Aġenzija Nazzjonali rilevanti flimkien ma' eżempji rilevanti.

89 Mingħajr preġudizzju għad-definizzjonijiet stabbiliti mill-Awtorità Nazzjonali kompetenti, jekk jogħġbok innota li l-organizzazzjonijiet li jipprovdu edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali lil studenti adulti ġeneralment jitqiesu li huma forniturі ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, u mhux forniturі ta' edukazzjoni għall-adulti. Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta d-definizzjonijiet applikabbli fuq is-sit web tal-Aġenzija Nazzjonali tiegħek.

Dati tal-bidu tal-proġett	Il-proġetti jistgħu jagħżlu d-dati tal-bidu li ġejjin: ▪ Ċiklu 1: bejn l-1 ta' Ġunju u l-31 ta' Diċembru tal-istess sena ▪ Ċiklu 2 (jekk miftuħ): bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Mejju tas-sena ta' wara
Durata tal-proġett	Minn 6 xhur sa 18-il xahar
Numru ta' applikazzjonijiet	Għal kull ċiklu ta' għażla, organizzazzjoni tista' tapplika għal proġett wieħed biss fuq perjodu qasir fil-qasam tal-edukazzjoni għall-adulti. L-organizzazzjonijiet li jirċievu għotja għal proġett fuq perjodu qasir taħt l-ewwel ċiklu ta' applikazzjonijiet ma jistgħux japplikaw għat-tieni ċiklu tal-istess sejħa għall-proposti. Fi żmien perjodu ta' kwalunkwe ħames snin ta' sejħiet konsekuttivi, l-organizzazzjonijiet jistgħu jirċievu massimu ta' tliet għotjiet għal proġetti fuq perjodu qasir fil-qasam tal-edukazzjoni għall-adulti. L-għotjiet riċevuti fil-perjodu 2014–2020 ma jgħoddux ma' dan il-limitu.
Attivitajiet eliġibbli	It-tipi kollha ta' attivitajiet għall-edukazzjoni għall-adulti. Għal lista dettaljata u għar-regoli, ara t-taqsima "Attivitajiet". Sabiex ikunu eliġibbli, l-applikazzjonijiet iridu jinkludu mill-inqas attività waħda ta' mobbiltà tal-persunal jew tal-istudenti.
Kamp ta' applikazzjoni tal-proġett	Applikazzjoni għal proġett fuq perjodu qasir tista' tinkludi massimu ta' 30 parteċipant f'attivitajiet ta' mobbiltà. Iż-żjarat preparatorji u l-parteċipazzjoni tal-akkumpanjaturi mhux se jgħoddu ma' dan il-limitu.
Organizzazzjonijiet ta' appoġġ	Organizzazzjoni ta' appoġġ hija organizzazzjoni li tassisti organizzazzjoni akkreditata f'aspetti prattiċi tal-implimentazzjoni tal-proġett li ma jikkonċernawx kompiti ewlenin tal-proġett (kif definiti fl-istandards ta' kwalità tal-Erasmus). Kwalunkwe organizzazzjoni attiva fl-edukazzjoni u t-taħriġ tista' ssir organizzazzjoni ta' appoġġ. Ir-rwol u l-obbligi tal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ iridu jiġu ddefiniti b'mod formali bejniethom u bejn l-organizzazzjoni benefiċjarja. L-organizzazzjoni ta' appoġġ taġixxi taħt is-superviżjoni tal-organizzazzjoni benefiċjarja, li fl-aħħar mill-aħħar tibqa' responsabbli għar-riżultati u l-kwalità tal-attivitajiet implimentati. Il-kontribuzzjonijiet kollha tal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ iridu jikkonformaw mal-istandards tal-kwalità tal-Erasmus.

KRITERJI GĦALL-GĦOTI

L-applikazzjonijiet sottomessi se jiġu vvalutati billi jiġu assenjati punti minn total ta' 100, abbażi tal-kriterji u l-ponderazzjonijiet ta' hawn taħt. Sabiex ikunu kkunsidrati għall-għoti, l-applikazzjonijiet iridu jissodisfaw il-limiti li ġejjin:

- Mill-inqas 60 punt mit-total ta' 100 punt, u
- Mill-inqas nofs il-punti massimi f'kull waħda mit-tliet kategoriji tal-kriterji għall-għoti

Rilevanza (punteġġ massimu ta' 30 punt)	Kemm: ▪ il-profil, l-esperjenza, l-attivitajiet tal-applikant u l-popolazzjoni fil-mira tal-istudenti huma rilevanti għall-qasam tal-edukazzjoni għall-adulti

	▪ il-proposta tal-proġett hija rilevanti għall-objettivi tal-azzjoni ▪ il-proposta tal-proġett hija rilevanti għall-prijoritajiet speċifiċi li ġejjin: – l-appoġġ lil parteċipanti ġodda u organizzazzjonijiet b'inqas esperjenza – l-appoġġ lill-parteċipanti b'inqas opportunitajiet
Kwalità tat-tfassil tal-proġett (punteġġ massimu ta' 40 punt)	Kemm: ▪ l-objettivi proposti tal-proġett jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-organizzazzjoni applikanti, il-persunal tagħha u l-istudenti b'mod ċar u konkret ▪ il-kontenut tal-attivitajiet proposti u l-bilanċ bejn tipi differenti ta' attivitajiet huma xierqa biex jintlaħqu l-objettivi tal-proġett ▪ hemm pjan ċar ta' ħidma għal kull waħda mill-attivitajiet proposti ▪ il-proġett jinkorpora prattiki ambjentalment sostenibbli u responsabbli ▪ il-proġett jinkorpora l-użu ta' għodod diġitali (b'mod partikolari l-EPALE) u metodi ta' apprendiment biex jikkomplementaw l-attivitajiet ta' mobbiltà fiżika tagħhom, u ħalli jtejbu l-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet sħab
Kwalità tal-azzjonijiet ta' segwitu (punteġġ massimu ta' 30 punt)	Kemm: ▪ l-applikant iddefinixxa b'mod ċar il-kompiti u r-responsabbiltajiet għat-twettiq tal-attivitajiet f'konformità mal-istandards tal-kwalità tal-Erasmus ▪ l-applikant ippropona passi konkreti u loġiċi biex jintegra r-riżultati tal-attivitajiet ta' mobbiltà fil-ħidma regolari tal-organizzazzjoni ▪ l-applikant ippropona mod xieraq ta' kif jiġu evalwati l-eżiti tal-proġett ▪ l-applikant ippropona passi konkreti u effettivi biex ir-riżultati tal-proġett isiru magħrufa fi ħdan l-organizzazzjoni applikanti, biex ir-riżultati jiġu kondiviżi ma' organizzazzjonijiet oħrajn u mal-pubbliku, u ħalli l-finanzjament tal-Unjoni Ewropea jiġi rikonoxxut b'mod pubbliku

PROĠETTI AKKREDITATI GĦALL-MOBBILTÀ TAL-ISTUDENTI U L-PERSUNAL FL-EDUKAZZJONI GĦALL-ADULTI

L-organizzazzjonijiet li għandhom akkreditazzjoni tal-Erasmus fl-edukazzjoni għall-adulti jistgħu japplikaw għall-finanzjament bħala parti minn fergħa ta' finanzjament speċjali miftuħa għalihom biss. L-applikazzjonijiet huma bbażati fuq il-Pjan Erasmus li kien approvat qabel, u għalhekk mhijiex meħtieġa lista u deskrizzjoni dettaljata tal-attivitajiet ippjanati. Minflok, l-applikazzjonijiet jiffokaw fuq l-istima tal-baġit meħtieġ għas-sett ta' attivitajiet li jmiss.

Kriterji tal-eliġibbiltà

Organizzazzjonijiet eliġibbli: min jista' japplika?	L-organizzazzjonijiet li għandhom akkreditazzjoni tal-Erasmus valida fl-edukazzjoni għall-adulti huma eliġibbli sabiex japplikaw.
Konsorzju ta' mobbiltà	L-organizzazzjonijiet li għandhom akkreditazzjoni tal-Erasmus għall-koordinaturi tal-konsorzju tal-mobbiltà jeħtiġilhom japplikaw għall-format tal-konsorzju tal-mobbiltà. Il-lista tal-membri tal-konsorzju tal-mobbiltà trid tiġi pprovduta bħala parti mill-applikazzjoni u trid tinkludi mill-inqas organizzazzjoni membru waħda flimkien mal-koordinatur. Kwalunkwe organizzazzjoni li tissodisfa l-kriterji tal-eliġibbiltà għall-akkreditazzjoni tal-Erasmus fl-istess qasam tista' ssir membru ta' konsorzju tal-mobbiltà. L-organizzazzjonijiet membri tal-konsorzju ppjanati kollha jridu jkunu mill-istess Stat Membru tal-UE jew minn pajjiż terz assoċjat mal-Programm bħall-koordinatur tal-konsorzju tal-mobbiltà. Il-membri tal-konsorzju ma humiex meħtieġa jkollhom akkreditazzjoni tal-Erasmus. L-organizzazzjonijiet li jieħdu sehem f'konsorzju tal-mobbiltà jistgħu jirċievu finanzjament minn massimu ta' żewġ ftehimiet ta' għotja tal-Azzjoni Ewlenija 1 fil-qasam tal-edukazzjoni għall-adulti fil-qafas tal-istess Sejħa għall-proposti. Għalhekk, l-organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni għall-adulti li jirċievu għotja għal proġett fuq perjodu qasir jew proġett akkreditat jistgħu jieħdu sehem ukoll f'konsorzju tal-mobbiltà wieħed biss tal-edukazzjoni għall-adulti bħala organizzazzjonijiet membri. Organizzazzjonijiet oħrajn jistgħu jieħdu sehem f'massimu ta' żewġ konsorzji tal-mobbiltà.
Fejn tissottometti applikazzjoni?	L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi lill-Aġenzija Nazzjonali tal-pajjiż fejn tkun stabbilita l-organizzazzjoni applikanti.
Skadenza tal-applikazzjoni	**it-23 ta' Frar f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell)**
Data tal-bidu tal-proġett	L-1 ta' Ġunju tal-istess sena
Durata tal-proġett	Il-proġetti akkreditati kollha se jkollhom durata inizjali ta' 15-il xahar. Wara 12-il xahar, il-benefiċjarji kollha se jkollhom il-possibbiltà li jestendu l-proġett tagħhom għal durata totali ta' 24 xahar.
Numru ta' applikazzjonijiet	L-organizzazzjonijiet akkreditati jistgħu japplikaw darba biss għal kull ċiklu ta' għażla.

Attivitajiet disponibbli	It-tipi kollha ta' attivitajiet għall-edukazzjoni għall-adulti. Għal lista dettaljata u għar-regoli, ara t-taqsima "Attivitajiet". Sabiex ikunu eliġibbli, l-applikazzjonijiet iridu jinkludu mill-inqas attività waħda ta' mobbiltà tal-persunal jew tal-istudenti.
Kamp ta' applikazzjoni tal-proġett	In-numru ta' parteċipanti li jistgħu jiġu inklużi fi proġetti akkreditati ma huwiex limitat, minbarra kwalunkwe limitazzjoni definita fl-istadju tal-allokazzjoni tal-baġit.

ALLOKAZZJONI TAL-BAĠIT

Il-kwalità tal-Pjan Erasmus tal-applikant ġiet ivvalutata fl-istadju tal-applikazzjoni għall-akkreditazzjoni u għalhekk mhi se ssir l-ebda valutazzjoni kwalitattiva fl-istadju tal-allokazzjoni tal-baġit. L-applikazzjonijiet għal għotja eliġibbli kollha se jirċievu finanzjament.

L-ammont tal-għotja mogħti se jiddependi fuq għadd ta' elementi:

- il-baġit totali disponibbli għall-allokazzjoni lil applikanti akkreditati
- l-attivitajiet mitluba (inkluż il-baġit stmat meħtieġ sabiex dawn jiġu implimentati)
- l-għotja bażika u massima
- il-kriterji ta' allokazzjoni li ġejjin: il-prestazzjoni tal-applikant, il-prijoritajiet ta' politika, u l-bilanċ ġeografiku (jekk applikati mill-Aġenzija Nazzjonali)

Ir-regoli dettaljati dwar l-għotja bażika u massima, il-punteġġ tal-kriterji tal-allokazzjoni, il-ponderazzjoni ta' kull kriterju, il-metodu tal-allokazzjoni, u l-baġit disponibbli għall-proġetti akkreditati se jiġu ppubblikati mill-Aġenzija Nazzjonali qabel l-iskadenza tas-sejħa.

X'INHUMA R-REGOLI TA' FINANZJAMENT?

Ir-regoli ta' finanzjament li ġejjin japplikaw għal proġetti fuq perjodu qasir u għal proġetti akkreditati.

Kategorija tal-baġit	Kostijiet eliġibbli u regoli applikabbli	Ammont
Appoġġ organizzazzjonali	Il-kostijiet relatati direttament mal-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' mobbiltà li ma humiex koperti minn kategoriji oħrajn ta' kostijiet. Pereżempju: it-tħejjija (pedagoġika, interkulturali u oħrajn), il-mentoraġġ, il-monitoraġġ u l-appoġġ tal-parteċipanti matul il-mobbiltà, is-servizzi, l-għodod u t-tagħmir meħtieġa għall-komponenti virtwali f'attivitajiet imħallta, ir-rikonoxximent tal-eżiti tal-apprendiment, il-kondiviżjoni tar-riżultati u li l-	EUR 100 – Għal kull student fil-mobbiltà tal-grupp. – Għal kull parteċipant fil-mobbiltà tal-persunal għall-korsijiet u t-taħriġ – Għal kull espert mistieden – Għal kull għalliem jew edukatur ospitat li jkun qiegħed jitħarreġ

<table>
<tr><td></td><td>finanzjament tal-Unjoni Ewropea jsir viżibbli għall-pubbliku.

L-appoġġ organizzazzjonali jkopri l-kostijiet imġarrba kemm mill-organizzazzjonijiet li jibagħtu kif ukoll minn dawk ospitanti (ħlief fil-każ tal-mobbiltà tal-persunal għal korsijiet u taħriġ). Id-diviżjoni tal-għotja mogħtija se tiġi miftiehma bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet.

Mekkaniżmu ta’ finanzjament: kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji.

Regola tal-allokazzjoni: abbażi tan-numru ta’ parteċipanti.</td><td>EUR 350; EUR 200 wara mitt parteċipant fl-istess tip ta’ attività
– Għal kull parteċipant fil-mobbiltà għall-apprendiment fuq perjodu qasir ta’ studenti adulti
– Għal kull parteċipant fil-mobbiltà tal-persunal għal job shadowing u inkarigi ta’ tagħlim jew taħriġ

EUR 500
Għal kull parteċipant fil-mobbiltà għall-apprendiment fit-tul tal-istudenti adulti</td></tr>
<tr><td>Vjaġġar</td><td>Kontribuzzjoni għall-kostijiet tal-ivjaġġar bir-ritorn tal-parteċipanti u l-akkumpanjaturi, mill-post tal-oriġini tagħhom sal-post tal-attività.

Mekkaniżmu ta’ finanzjament: kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji.

Regola tal-allokazzjoni: abbażi tad-distanza tal-ivvjaġġar u n-numru ta’ persuni.

L-applikant jeħtieġlu jindika d-distanza bl-ajru bejn il-post tal-oriġini u l-post tal-attività[90] billi juża l-kalkulatur tad-distanza appoġġat mill-Kummissjoni Ewropea[91].</td><td><table>
<tr><th>Distanza tal-ivvjaġġar</th><th>Vjaġġar standard</th><th>Vjaġġar ekoloġiku</th></tr>
<tr><td>10 – 99 km</td><td>EUR 23</td><td></td></tr>
<tr><td>100 – 499 km</td><td>EUR 180</td><td>EUR 210</td></tr>
<tr><td>500 – 1999 km</td><td>EUR 275</td><td>EUR 320</td></tr>
<tr><td>2000 – 2999 km</td><td>EUR 360</td><td>EUR 410</td></tr>
<tr><td>3000 – 3999 km</td><td>EUR 530</td><td>EUR 610</td></tr>
<tr><td>4000 – 7999 km</td><td>EUR 820</td><td></td></tr>
<tr><td>8000 km jew aktar</td><td>EUR 1,500</td><td></td></tr>
</table></td></tr>
<tr><td>Appoġġ individwali</td><td>Kostijiet ta’ sussistenza għall-parteċipanti u l-</td><td><table>
<tr><th>Kategorija ta’ parteċipanti</th><th>Grupp ta’</th><th>Grupp ta’</th><th>Grupp ta’</th></tr>
</table></td></tr>
</table>

[90] Pereżempju, jekk persuna minn Madrid (Spanja) qed tieħu sehem f’attività li qed issir f’Ruma (l-Italja), l-applikant jikkalkula d-distanza minn Madrid sa Ruma (1365.28 KM) u mbagħad jagħżel il-medda tad-distanza tal-ivvjaġġar applikabbli (jiġifieri bejn 500 u 1,999 km).
[91] http://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/tools/distance_mt.htm

<table>
<tr>
<td></td>
<td>akkumpanjaturi[92] matul l-attività.

Jekk ikun meħtieġ: il-kostijiet ta’ sussistenza huma eliġibbli għal ħin ta’ vjaġġar qabel u wara l-attività, b’massimu ta’ jumejn ta’ vjaġġar għall-parteċipanti u l-akkumpanjaturi li jirċievu għotja standard għall-ivvjaġġar, u massimu ta’ sitt ijiem ta’ vvjaġġar fil-każ ta’ għotja għall-ivvjaġġar ekoloġiku.

Mekkaniżmu ta’ finanzjament: kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji.

Regola tal-allokazzjoni: abbażi tan-numru ta’ persuni, id-durata tas-soġġorn u l-pajjiż li jilqa’[93].</td>
<td>
<table>
<tr><td></td><td>pajjiżi 1</td><td>pajjiżi 2</td><td>pajjiżi 3</td></tr>
<tr><td>Persunal</td><td>EUR 101 – 180</td><td>EUR 90 – 160</td><td>EUR 79 – 140</td></tr>
<tr><td>Studenti</td><td>EUR 39 – 120</td><td>EUR 34 – 104</td><td>EUR 28 – 88</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dawn ta’ hawn fuq huma rati bażi għal kull jum tal-attività. Kull Aġenzija Nazzjonali se tiddeċiedi dwar ir-rati bażi eżatti fil-meded permessi.

Ir-rata bażi hija pagabbli sal-14-il jum tal-attività. Mill-15-il jum tal-attività, ir-rata pagabbli tkun ugwali għal 70 % tar-rata bażi. Ir-rati pagabbli jiġu aġġustati għall-eqreb Euro sħiħ.</td></tr>
</table>
</td>
</tr>
<tr>
<td rowspan="2">Appoġġ għall-inklużjoni</td>
<td>Appoġġ għall-inklużjoni għall-organizzazzjonijiet: Il-kostijiet relatati mal-organizzazzjoni ta’ attivitajiet ta’ mobbiltà għall-parteċipanti b’inqas opportunitajiet.

Mekkaniżmu ta’ finanzjament: kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji.

Regola tal-allokazzjoni: abbażi tan-numru ta’ parteċipanti b’inqas opportunitajiet.</td>
<td>EUR 100 għal kull parteċipant</td>
</tr>
<tr>
<td>Appoġġ għall-inklużjoni għall-parteċipanti: Kostijiet addizzjonali marbuta direttament ma’ parteċipanti b’inqas opportunitajiet u mal-akkumpanjaturi tagħhom (inklużi kostijiet relatati mal-ivvjaġġar u s-sussistenza, jekk ma tintalabx għotja għal dawn il-parteċipanti permezz tal-kategoriji tal-baġit “Vjaġġar” u “Appoġġ individwali”).

Mekkaniżmu ta’ finanzjament: kostijiet reali.

Regola tal-allokazzjoni: it-talba trid tkun iġġustifikata</td>
<td>100 % tal-kostijiet eliġibbli</td>
</tr>
</table>

[92] Fil-każ tal-akkumpanjaturi, japplikaw ir-rati għall-persunal. F’każijiet eċċezzjonali, fejn l-akkumpanjatur ikun jeħtieġ joqgħod barra l-pajjiż għal aktar minn 60 jum, il-kostijiet żejda ta’ sussistenza wara s-60 jum se jiġu appoġġati taħt l-intestatura tal-baġit “Appoġġ għall-inklużjoni”.

[93] Gruppi ta’ pajjiżi li jilqgħu:
Grupp ta’ pajjiżi 1: In-Norveġja, id-Danimarka, il-Lussemburgu, l-Iżlanda, l-Iżvezja, l-Irlanda, il-Finlandja, il-Liechtenstein;
Grupp ta’ pajjiżi 2: In-Netherlands, l-Awstrija, il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, Spanja, Ċipru, il-Greċja, Malta, il-Portugall;
Grupp ta’ pajjiżi 3: Is-Slovenja, l-Estonja, il-Latvja, il-Kroazja, is-Slovakkja, ir-Repubblika Ċeka, il-Litwanja, it-Turkija, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija, il-Bulgarija, il-Maċedonja ta’ Fuq, is-Serbja

	mill-applikant u approvata mill-Aġenzija Nazzjonali.	
Żjarat preparatorji	Il-kostijiet li jkopru l-ivvjaġġar u s-sussistenza għall-parteċipazzjoni fi żjara preparatorja. **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kostijiet unitarji. **Regola tal-allokazzjoni:** abbażi tan-numru ta' parteċipanti.	EUR 575 għal kull parteċipant, b'massimu ta' tliet parteċipanti għal kull żjara
Tariffi tal-kors	Kostijiet li jkopru t-tariffi ta' reġistrazzjoni għall-format tal-mobbiltà tal-persunal "Korsijiet u taħriġ". **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji. **Regola tal-allokazzjoni:** abbażi tad-durata tal-attività.	EUR 80 għal kull parteċipant kull jum; membru individwali tal-persunal jista' jirċievi massimu ta' EUR 800 f'tariffi tal-kors fi ħdan ftehim ta' għotja wieħed.
Appoġġ lingwistiku	Il-kostijiet tal-provvista ta' materjali għall-apprendiment tal-lingwi u ta' taħriġ għall-parteċipanti li jeħtieġ itejbu l-għarfien tal-lingwa li se jkunu qegħdin jużaw biex jistudjaw jew biex jirċievu taħriġ matul l-attività tagħhom. L-appoġġ lingwistiku huwa eliġibbli għall-parteċipanti fil-mobbiltà tal-persunal ta' aktar minn 30 jum u l-parteċipanti f'mobbiltà għall-apprendiment fuq perjodu qasir u fit-tul tal-istudenti adulti. L-appoġġ jitħallas biss jekk il-parteċipant ma jkunx jista' jirċievi Appoġġ Lingwistiku Online minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tal-lingwa jew tal-livell meħtieġ. **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji. **Regola tal-allokazzjoni:** abbażi tan-numru ta' parteċipanti.	EUR 150 għal kull parteċipant
Kostijiet eċċezzjonali	Kostijiet għall-għoti ta' garanzija finanzjarja, jekk l-Aġenzija Nazzjonali titlob dan. Il-kostijiet tal-ivvjaġġar għaljin tal-parteċipanti u l-akkumpanjaturi tagħhom li ma jistgħux jiġu appoġġati mill-għotja standard "Vjaġġar" minħabba l-pożizzjoni ġeografika remota jew ostakli oħrajn. Kostijiet tal-viża u dawk relatati mal-viża, permessi ta' residenza, vaċċinazzjonijiet, ċertifikati mediċi. **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kostijiet reali **Regola tal-allokazzjoni:** it-talba trid tkun iġġustifikata mill-applikant u approvata mill-Aġenzija Nazzjonali. L-	**Kostijiet għal garanzija finanzjarja:** 80 % tal-kostijiet eliġibbli **Kostijiet tal-ivvjaġġar għaljin:** 80 % tal-kostijiet eliġibbli tal-ivvjaġġar **Kostijiet tal-viża u dawk relatati mal-viża, permessi ta' residenza, vaċċinazzjonijiet, ċertifikati mediċi:** 100 % tal-kostijiet eliġibbli

	ivvjaġġar għali japplika f'każijiet fejn l-appoġġ għall-ivvjaġġar ibbażat fuq il-kost unitarju ma jkoprix 70 % tal-kostijiet tal-ivvjaġġar tal-parteċipanti.	

MOBBILTÀ GĦALL-APPRENDIMENT FIL-QASAM TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Din it-taqsima tal-Gwida tal-Programm tippreżenta l-azzjonijiet tal-Azzjoni Ewlenija 1 fil-qasam taż-Żgħażagħ. Dawn l-azzjonijiet jipprovdu opportunitajiet ta' apprendiment mhux formali u informali għaż-żgħażagħ u l-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ.

L-apprendiment mhux formali u informali jippermetti liż-żgħażagħ jiksbu kompetenzi essenzjali li jikkontribwixxu għall-iżvilupp soċjoedukattiv u personali tagħhom u jrawwem il-parteċipazzjoni attiva tagħhom fis-soċjetà, u b'hekk itejjeb il-prospetti ta' impjieg tagħhom.

Permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom f'attivitajiet ta' mobbiltà għall-apprendiment, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ jiżviluppaw ħiliet rilevanti għall-iżvilupp professjonali tagħhom, irawmu prattiki organizzattivi ġodda u jtejbu l-kwalità tal-ħidma fost iż-żgħażagħ b'mod ġenerali.

L-attivitajiet ta' apprendiment fil-qasam taż-żgħażagħ għandu jkollhom impatt pożittiv sinifikanti fuq iż-żgħażagħ kif ukoll fuq l-organizzazzjonijiet involuti, il-komunitajiet fejn isiru dawn l-attivitajiet, fil-qasam taż-żgħażagħ stess u fis-setturi Ewropej ekonomiċi u soċjetali inġenerali. L-Azzjonijiet li ġejjin huma appoġġati:

- Il-mobbiltà taż-żgħażagħ - Skambji taż-żgħażagħ
- Proġetti ta' mobbiltà għall-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ
- L-attivitajiet ta' parteċipazzjoni taż-żgħażagħ
- Azzjoni ta' Inklużjoni ta' DiscoverEU

KIF TAĊĊESSA DAWN L-OPPORTUNITAJIET?

Hemm żewġ modi ta' kif wieħed jista' japplika għall-finanzjament:

- **Il-proġetti standard** jipprovdu lill-organizzazzjonijiet applikanti u lill-gruppi informali taż-żgħażagħ b'opportunità li jimplimentaw attività waħda jew aktar taż-żgħażagħ fuq perjodu ta' bejn tliet xhur u erbgħa u għoxrin xahar. Il-proġetti standard huma l-aħjar għażla għall-organizzazzjonijiet li qegħdin jipprovaw l-Erasmus+ għall-ewwel darba, għal dawk li jixtiequ jorganizzaw proġett ta' darba u/jew numru limitat ta' attivitajiet.

- **Il-proġetti akkreditati** huma miftuħa biss għal organizzazzjonijiet li għandhom akkreditazzjoni tal-Erasmus fil-qasam taż-żgħażagħ. Din il-fergħa ta' finanzjament speċjali tippermetti lill-organizzazzjonijiet akkreditati biex jirċievu regolarment finanzjament għal attivitajiet ta' mobbiltà li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni gradwali tal-Pjan Erasmus tagħhom.

L-organizzazzjonijiet li jridu jorganizzaw attivitajiet ta' mobbiltà fuq bażi regolari jistgħu japplikaw għal akkreditazzjoni tal-Erasmus. Sabiex issir taf aktar dwar l-akkreditazzjonijiet, jekk jogħġbok aqra l-kapitolu ta' din il-gwida dwar l-*akkreditazzjoni tal-Erasmus fil-qasam taż-żgħażagħ*.

Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet u l-gruppi informali taż-żgħażagħ jistgħu jissieħbu fil-Programm mingħajr ma jissottomettu applikazzjoni billi jissieħbu fi proġett bħala sieħeb.

AKKREDITAZZJONI TAL-ERASMUS FIL-QASAM TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

L-akkreditazzjonijiet tal-Erasmus huma għodda għall-organizzazzjonijiet li jridu jiftħu l-attivitajiet tagħhom għall-iskambju u l-kooperazzjoni transfruntiera u li jippjanaw li jimplimentaw attivitajiet ta' mobbiltà għall-apprendiment fuq bażi regolari.

L-akkreditazzjoni tal-Erasmus fil-qasam taż-Żgħażagħ tagħti aċċess simplifikat għall-opportunitajiet ta' finanzjament taħt l-Azzjoni Ewlenija 1 - attivitajiet ta' mobbiltà għall-apprendiment fil-qasam taż-żgħażagħ.

L-applikanti se jkunu meħtieġa jistabbilixxu l-objettivi u l-pjan tagħhom fuq perjodu itwal f'termini ta' attivitajiet li għandhom jiġu appoġġati mill-fondi tal-Erasmus, il-benefiċċji mistennija kif ukoll l-approċċ tagħhom għall-ġestjoni tal-proġetti. L-għoti tal-akkreditazzjoni tal-Erasmus fil-qasam taż-Żgħażagħ jikkonferma li l-applikant għandu proċessi u miżuri xierqa u effettivi fis-seħħ biex jimplimenta attivitajiet ta' mobbiltà għall-apprendiment ta' kwalità għolja kif ippjanat u jużahom għall-benefiċċju tal-qasam taż-żgħażagħ. L-akkreditazzjoni tingħata għall-perjodu ta' programmazzjoni kollu sal-2027.

OBJETTIVI TAL-AZZJONI

L-Akkreditazzjoni tal-Erasmus fil-qasam tal-azzjoni taż-żgħażagħ għandha l-objettivi li ġejjin:

- Issaħħaħ l-iżvilupp personali u professjonali taż-żgħażagħ permezz ta' attivitajiet ta' mobbiltà għall-apprendiment mhux formali u informali;
- Trawwem l-għoti tas-setgħa liż-żgħażagħ, iċ-ċittadinanza u l-parteċipazzjoni attivi tagħhom fil-ħajja demokratika;
- Trawwem l-iżvilupp ta' kwalità tal-ħidma fost iż-żgħażagħ fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali, Ewropew u internazzjonali billi tibni l-kapaċità tal-organizzazzjonijiet attivi fil-qasam taż-żgħażagħ u tappoġġa l-iżvilupp professjonali tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ;
- Tippromwovi l-inklużjoni u d-diversità, id-djalogu interkulturali u l-valuri tas-solidarjetà, l-opportunitajiet indaqs u d-drittijiet tal-bniedem fost iż-żgħażagħ fl-Ewropa.

AĊĊESS GĦALL-FINANZJAMENT GĦALL-APPLIKANTI LI JINTGĦAŻLU

L-applikanti li jintgħażlu għall-akkreditazzjoni tal-Erasmus fil-qasam taż-Żgħażagħ se jiksbu aċċess simplifikat għall-opportunitajiet ta' finanzjament taħt l-Azzjoni Ewlenija 1 li ġejja fil-qasam taż-żgħażagħ:

- Proġetti ta' mobbiltà għaż-żgħażagħ - Skambji taż-żgħażagħ
- Proġetti ta' mobbiltà għall-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ

..

Is-sejħa annwali għall-finanzjament għal proġetti akkreditati hija ppreżentata fit-taqsima "Opportunitajiet ta' mobbiltà għal organizzazzjonijiet akkreditati tal-Erasmus fil-qasam taż-żgħażagħ".

KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ

Min jista' japplika?	It-tipi ta' organizzazzjonijiet li ġejjin huma eliġibbli sabiex japplikaw: • organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, assoċjazzjoni, NGO; NGO Ewropea taż-Żgħażagħ; korp pubbliku fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali; intrapriża soċjali; korp bi skop ta' qligħ attiv fir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva; L-organizzazzjonijiet applikanti jridu jkunu stabbiliti fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm.
Fejn tissottometti applikazzjoni?	L-applikazzjonijiet iridu jiġu sottomessi lill-Aġenzija Nazzjonali tal-pajjiż fejn tkun stabbilita l-organizzazzjoni applikanti.
Data ta' skadenza għas-sottomissjoni	**id-19 ta' Ottubru f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell)**
Standards tal-kwalità tal-Erasmus għaż-Żgħażagħ	L-applikanti għall-akkreditazzjoni tal-Erasmus fil-qasam taż-Żgħażagħ iridu jissottoskrivu għall-istandards tal-kwalità tal-Erasmus għaż-Żgħażagħ kif ippreżentati fuq is-sit web Europa: https://ec.europa.eu/programs/erasmus-plus/sites/default/files/eac-a03-2020-erasmus-youth-quality-standards_en.pdf

KRITERJI TAL-GĦAŻLA

L-applikanti jeħtieġ ikollhom kapaċità operazzjonali u professjonali suffiċjenti sabiex jimplimentaw il-pjan ta' attività propost, inklużi mill-inqas sentejn ta' esperjenza rilevanti fl-implimentazzjoni ta' attivitajiet fil-qasam taż-żgħażagħ.

Jekk jogħġbok aqra l-Parti C ta' din il-gwida biex issir taf aktar informazzjoni dwar il-kriterji ġenerali tal-kapaċità operazzjonali u dawn ir-rekwiżiti speċifiċi għall-applikanti tal-akkreditazzjoni.

KRITERJI TAL-ESKLUŻJONI

L-applikanti jeħtiġilhom jissottomettu dikjarazzjoni ffirmata fuq l-unur tagħhom, li tiċċertifika li ma jinsabu fl-ebda waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-kriterji tal-esklużjoni elenkati fil-Parti C ta' din il-Gwida, li l-applikazzjoni sottomessa fiha kontenut oriġinali miktub mill-organizzazzjoni applikanti, u li ma tħallset l-ebda organizzazzjoni oħra jew individwu estern ieħor għall-abbozzar tal-applikazzjoni.

KRITERJI GĦALL-GĦOTI

Il-kwalità tal-applikazzjonijiet se tiġi vvalutata billi jiġu assenjati punti minn total ta' 100, abbażi tal-kriterji għall-għoti u l-ponderazzjonijiet ta' hawn taħt. Sabiex ikunu kkunsidrati għall-għoti, l-applikazzjonijiet iridu jissodisfaw il-limiti li ġejjin:

- Mill-inqas 70 mit-total ta' 100 punt, u
- Mill-inqas nofs il-punti massimi f'kull waħda mit-tliet kategoriji tal-kriterji għall-għoti

Rilevanza tal-profil u tal-esperjenza tal-organizzazzjoni (massimu ta' 20 punt)	Ir-rilevanza tal-organizzazzjoni għall-qasam taż-żgħażagħ u l-objettivi tal-azzjoni f'termini: • tal-objettivi u l-prinċipji tal-organizzazzjoni; • tal-gruppi fil-mira tal-organizzazzjoni; • tal-attivitajiet regolari tal-organizzazzjoni; • tal-esperjenza tal-organizzazzjoni fil-qasam taż-żgħażagħ.
Żvilupp strateġiku (massimu ta' 40 punt)	Kemm: • L-objettivi identifikati huma rilevanti u f'konformità mal-objettivi tal-Azzjoni u jikkontribwixxu għall-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ; • L-attivitajiet ippjanati huma adattati sabiex jindirizzaw il-ħtiġijiet u l-objettivi identifikati; • L-attivitajiet ippjanati jġibu magħhom benefiċċju reali għall-organizzazzjoni, għall-parteċipanti, għall-organizzazzjonijiet parteċipanti u għandhom potenzjal ta' impatt usa' (eż. fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u tranżnazzjonali); • L-objettivi u l-attivitajiet ippjanati huma integrati fil-ħidma u fl-attivitajiet regolari tal-organizzazzjoni; • L-organizzazzjoni tikkontribwixxi għall-istrateġija għad-Diversità u l-Inklużjoni tal-Programm; • L-organizzazzjoni tinkorpora fl-attivitajiet tagħha prinċipju bażiku wieħed jew aktar (is-sostenibbiltà u r-responsabbiltà ambjentali, il-parteċipazzjoni attiva fin-network tal-organizzazzjonijiet tal-Erasmus, il-komponenti virtwali)
Kwalità tal-ġestjoni u tal-koordinazzjoni	Kemm: • L-objettivi, l-attivitajiet u l-miri ppjanati huma ċari u realistiċi fir-rigward tar-riżorsi umani u l-organizzazzjoni interna tal-applikant

(massimu ta' 40 punt)	• L-approċċ ta' sħubija huwa bbilanċjat u effettiv u, fejn applikabbli, xieraq sabiex jiddaħħlu organizzazzjonijiet ġodda u b'inqas esperjenza • Il-miżuri biex tiġi żgurata l-kwalità tal-attivitajiet u s-sikurezza u l-protezzjoni tal-parteċipanti huma xierqa; • Jiġi applikat il-prinċipju ta' parteċipazzjoni attiva taż-żgħażagħ u jiġi ppjanat l-involviment tal-parteċipanti fil-fażijiet kollha tal-attivitajiet; • Il-miżuri biex tiġi żgurata dimensjoni soda ta' apprendiment huma xierqa, inkluż l-appoġġ għar-riflessjoni, l-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-eżiti tal-apprendiment; • Il-metodi għall-kejl tal-progress tal-organizzazzjoni lejn l-ilħuq tal-objettivi tagħha (monitoraġġ u evalwazzjoni) u għall-ġestjoni tar-riskju huma xierqa u effettivi; • Il-miżuri mmirati lejn il-kondiviżjoni tal-eżiti tal-proġett fi ħdan l-organizzazzjonijiet parteċipanti u lil hinn minnhom huma xierqa u effettivi.

VALIDITÀ

L-akkreditazzjoni tal-Erasmus fil-qasam taż-żgħażagħ tingħata għall-perjodu ta' programmazzjoni kollu sal-2027, soġġetta għal monitoraġġ regolari u konformità kontinwa mar-rekwiżiti u l-istruzzjonijiet tal-akkreditazzjoni maħruġa mill-Aġenzija Nazzjonali. Sabiex jiġi żgurat ippjanar realistiku, il-pjan tal-attivitajiet sottomess bħala parti mill-applikazzjoni jista' jkopri perjodu ta' bejn tliet snin u seba' snin, u se jiġi aġġornat perjodikament kif spjegat fit-taqsima li jmiss.

F'każ li tkun meħtieġa akkreditazzjoni tal-Erasmus għall-parteċipazzjoni fi kwalunkwe azzjoni wara t-tmiem tal-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, l-Aġenzija Nazzjonali tista' testendi l-validità tal-akkreditazzjoni skont il-kundizzjonijiet iddefiniti mill-Kummissjoni Ewropea.

RAPPORTAR, MONITORAĠĠ U ASSIGURAZZJONI TAL-KWALITÀ

Rapporti tal-għeluq fi tmiem kull ftehim ta' għotja	Fi tmiem kull ftehim ta' għotja approvat skont l-akkreditazzjoni tal-Erasmus fil-qasam taż-żgħażagħ, l-organizzazzjoni akkreditata se tippreżenta rapport finali[94] dwar l-attivitajiet u l-miri li jkunu twettqu u nkisbu, kif speċifikat fil-ftehim ta' għotja applikabbli.

[94] Għall-iskopijiet tal-ġestjoni tal-għotjiet, dan ir-rapport jissejjaħ ir-Rapport Finali.

Rapporti ta' progress dwar l-akkreditazzjoni	Mill-inqas darba matul il-validità tal-akkreditazzjoni, l-organizzazzjonijiet se jkunu meħtieġa: • Jirrapportaw dwar il-progress li qegħdin jagħmlu biex jilħqu l-objettivi tagħhom; • Jirrapportaw dwar kif qegħdin jiżguraw li l-istandards tal-kwalità tal-Erasmus għaż-Żgħażagħ jiġu rrispettati; • Jaġġornaw il-pjan ta' attività tagħhom. L-Aġenzija Nazzjonali tista' tiddeċiedi li titlob rapport ta' progress dwar l-elementi differenti elenkati hawn fuq fl-istess ħin, jew b'mod separat. L-Aġenzija Nazzjonali tista' tiddeċiedi li tissostitwixxi r-rekwiżiti ta' rapportar dwar l-objettivi u l-istandards tal-kwalità tal-Erasmus għaż-Żgħażagħ bi żjara ta' monitoraġġ. Abbażi tal-prestazzjoni tal-organizzazzjoni akkreditata li tirriżulta minn kontrolli ta' rapportar, monitoraġġ u assigurazzjoni tal-kwalità, jew bħala riżultat ta' bidliet sinifikanti fl-organizzazzjoni, l-Aġenzija Nazzjonali tista' tibdel in-numru u l-iskeda tar-rapporti ta' progress. Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet akkreditati jistgħu jitolbu volontarjament li jaġġornaw l-akkreditazzjoni tagħhom. Abbażi tar-raġunament tal-organizzazzjoni, l-Aġenzija Nazzjonali se tiddeċiedi jekk aġġornament huwiex ġustifikat u aċċettabbli.
Monitoraġġ u kontrolli	L-Aġenzija Nazzjonali tista' torganizza żjarat ta' monitoraġġ, kontrolli formali jew attivitajiet oħrajn biex iżżomm rendikont tal-progress u tal-prestazzjoni tal-organizzazzjonijiet akkreditati, tivvaluta r-rispett tal-istandards tal-kwalità miftiehma, u tipprovdi l-appoġġ. Il-kontrolli formali jistgħu jieħdu l-forma ta' kontrolli dokumentati jew żjarat fl-organizzazzjoni u kwalunkwe bini ieħor fejn isiru jew ikunu saru attivitajiet. L-Aġenzija Nazzjonali tista' titlob l-għajnuna ta' Aġenziji Nazzjonali jew esperti esterni f'pajjiżi oħrajn biex jikkontrollaw u jimmonitorjaw l-attivitajiet li jseħħu hemmhekk.

ASSIGURAZZJONI TAL-KWALITÀ

Wara rapport jew attività ta' monitoraġġ, l-Aġenzija Nazzjonali se tipprovdi feedback lill-organizzazzjoni akkreditata. L-Aġenzija Nazzjonali tista' tipprovdi wkoll struzzjonijiet obbligatorji jew konsultattivi lill-organizzazzjoni akkreditata dwar kif tista' ttejjeb il-prestazzjoni tagħha.

MIŻURI RIMEDJALI

F'każ ta' applikanti li jkunu għadhom kif ġew akkreditati, organizzazzjonijiet ta' riskju għoli, jew f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-istruzzjonijiet u mad-dati ta' skadenza tal-Aġenzija Nazzjonali, prestazzjoni baxxa ħafna li tirriżulta minn

kontrolli ta' rapportar, monitoraġġ u assigurazzjoni tal-kwalità, jew ksur tar-regoli tal-Programm (inkluż f'azzjoni oħra), l-Aġenzija Nazzjonali tista' tieħu l-miżuri rimedjali li ġejjin:

- Osservazzjoni: l-Aġenzija Nazzjonali tista' tillimita l-livell ta' finanzjament li l-organizzazzjoni akkreditata tista' tapplika għalih f'azzjonijiet fejn l-akkreditazzjoni tal-Erasmus tkun rekwiżit. L-organizzazzjonijiet li jkunu għadhom kif ġew akkreditati jistgħu jitqiegħdu taħt osservazzjoni jekk jiġi identifikat riskju ta' implimentazzjoni ta' kwalità baxxa matul il-kontroll tal-kapaċità operazzjonali.
- Sospensjoni: l-organizzazzjonijiet sospiżi ma jistgħux japplikaw għal finanzjament f'azzjonijiet fejn l-akkreditazzjoni tal-Erasmus tkun rekwiżit. L-Aġenzija Nazzjonali tista' ttemm ukoll xi ftehimiet ta' għotja jew il-ftehimiet ta' għotja kollha li jkunu għaddejjin mogħtija fil-qafas tal-akkreditazzjoni sospiża.

Il-perjodu ta' osservazzjoni jew sospensjoni se jkompli sakemm l-Aġenzija Nazzjonali tiddetermina li l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti f'din is-Sejħa għal darba oħra huma ssodisfati, u li r-riskju ta' prestazzjoni baxxa ġie indirizzat mill-organizzazzjoni akkreditata.

Organizzazzjonijiet taħt sospensjoni jew osservazzjoni ma jistgħux japplikaw għal akkreditazzjoni ġdida.

F'każ ta' nuqqas ta' konformità kontinwu mal-istruzzjonijiet u mad-dati ta' skadenza tal-Aġenzija Nazzjonali, prestazzjoni baxxa ħafna, jew f'każ ta' ksur ripetut jew sinifikanti tar-regoli tal-Programm (inkluż f'azzjoni oħra), l-Aġenzija Nazzjonali tista' ttemm l-akkreditazzjoni.

L-akkreditazzjoni tista' wkoll tiġi tterminata fi kwalunkwe ħin f'każ li l-organizzazzjoni ma tibqax teżisti jew bi ftehim mal-Aġenzija Nazzjonali u l-organizzazzjoni akkreditata. L-Aġenzija Nazzjonali jew l-organizzazzjoni akkreditata tista' ttemm l-akkreditazzjoni b'mod unilaterali jekk ma tkun saret l-ebda applikazzjoni għal finanzjament skont dik l-akkreditazzjoni matul mill-inqas tliet snin konsekuttivi.

OPPORTUNITAJIET TA' MOBBILTÀ GĦAL ORGANIZZAZZJONIJIET AKKREDITATI TAL-ERASMUS FIL-QASAM TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

L-organizzazzjonijiet akkreditati għandhom il-possibbiltà li japplikaw għall-finanzjament (talba għal għotja) għall-attivitajiet ta' mobbiltà taż-żgħażagħ b'mod simplifikat. L-applikazzjonijiet huma bbażati fuq il-pjan ta' akkreditazzjoni approvat qabel, u għalhekk mhijiex meħtieġa lista u deskrizzjoni dettaljata tal-attivitajiet ippjanati. Minflok, l-applikazzjonijiet jiffokaw fuq l-istima tan-numru ta' attivitajiet li għandhom jiġu implimentati u n-numru ta' parteċipanti involuti.

L-attivitajiet ta' mobbiltà li għandhom jiġu implimentati fil-qafas ta' din l-Azzjoni jridu jsegwu r-regoli u l-prinċipji stabbiliti għal kull tip ta' attività fit-taqsimiet rispettivi ta' din il-Gwida.

L-organizzazzjonijiet akkreditati jimpenjaw ruħhom li jikkonformaw mal-istandards tal-Kwalità tal-Erasmus għaż-Żgħażagħ u li jipprovdu attivitajiet ta' mobbiltà ta' kwalità għolja fil-qasam taż-żgħażagħ.

L-organizzazzjonijiet akkreditati taż-Żgħażagħ ma humiex eliġibbli għall-finanzjament fil-qafas tal-Iskambji taż-Żgħażagħ standard u l-proġetti ta' mobbiltà għall-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ. Madankollu, dawn jistgħu jieħdu r-rwol ta' sħab f'dawk il-proġetti.

Kriterji tal-eliġibbiltà

Il-kriterji ġenerali ta' hawn taħt japplikaw għat-talbiet għal għotja.

Min jista' japplika?	Organizzazzjoni li jkollha akkreditazzjoni valida tal-Erasmus fil-qasam taż-Żgħażagħ fl-iskadenza tal-applikazzjoni
Attivitajiet eliġibbli	▪ Skambji taż-Żgħażagħ ▪ Attivitajiet ta' żvilupp professjonali tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ Barra minn hekk, jistgħu jiġu implimentati l-attivitajiet li ġejjin: ▪ Żjarat preparatorji ▪ Attivitajiet ta' żvilupp tas-sistema u ta' sensibilizzazzjoni (flimkien biss mal-attivitajiet ta' żvilupp professjonali tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ) Id-deskrizzjoni u l-kriterji tal-eliġibbiltà għal kull waħda minn dawn l-attivitajiet huma ddefiniti fit-taqsimiet rilevanti ta' din il-Gwida.
Durata tal-proġett	Il-proġetti akkreditati kollha se jkollhom durata inizjali ta' 15-il xahar. Wara 12-il xahar, il-benefiċjarji kollha se jkollhom il-possibbiltà li jestendu l-proġett tagħhom għal durata totali ta' 24 xahar.
Fejn napplika?	Mal-Aġenzija Nazzjonali tal-pajjiż fejn tkun stabbilita l-organizzazzjoni applikanti
Meta napplika?	L-applikanti jridu jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għal għotja sad-dati li ġejjin: ▪ **it-23 ta' Frar f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell)** għall-proġetti li jibdew fl-1 ta' Ġunju tal-istess sena.
Kif napplika?	Jekk jogħġbok ara l-Parti C ta' din il-Gwida għad-dettalji dwar kif wieħed għandu japplika.

Kriterji oħrajn	Organizzazzjoni akkreditata tista' tapplika darba biss għal kull sejħa. Mal-formola tal-applikazzjoni jrid ikun hemm annessa dikjarazzjoni fuq l-unur tar-rappreżentant legali.

ALLOKAZZJONI TAL-BAĠIT

L-ammont tal-għotja mogħti se jiddependi fuq għadd ta' elementi:

- il-baġit totali disponibbli għall-allokazzjoni lil applikanti akkreditati
- l-attivitajiet mitluba
- l-għotja minima u massima
- il-kriterji ta' allokazzjoni li ġejjin: il-prestazzjoni finanzjarja, il-prestazzjoni kwalitattiva, il-prijoritajiet tal-politika u l-oqsma tematiċi indirizzati mill-attivitajiet li għalihom saret applikazzjoni, u l-bilanċ ġeografiku (jekk applikati mill-Aġenzija nazzjonali)

Ir-regoli dettaljati dwar l-għotja bażika u massima, il-punteġġ tal-kriterji tal-allokazzjoni, il-ponderazzjoni ta' kull kriterju, il-metodu tal-allokazzjoni, u l-baġit disponibbli għall-proġetti akkreditati se jiġu ppubblikati mill-Aġenzija Nazzjonali qabel l-iskadenza tas-sejħa.

PROĠETTI TA' MOBBILTÀ GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ – "SKAMBJI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ"

Fil-qafas ta' din l-Azzjoni[95], l-organizzazzjonijiet u l-gruppi informali taż-żgħażagħ jistgħu jirċievu appoġġ biex iwettqu proġetti li jlaqqgħu flimkien żgħażagħ minn pajjiżi differenti biex jiskambjaw u jitgħallmu barra mis-sistema edukattiva formali tagħhom.

OBJETTIVI TAL-AZZJONI

L-Erasmus+ jappoġġa l-mobbiltà għall-apprendiment mhux formali taż-żgħażagħ fil-forma ta' Skambji taż-Żgħażagħ, bil-għan li ż-żgħażagħ jiġu involuti u jingħataw is-setgħa li jsiru ċittadini attivi, jiġu konnessi mal-proġett Ewropew kif ukoll jiġu megħjuna jakkwistaw u jiżviluppaw kompetenzi għall-ħajja u l-futur professjonali tagħhom.

B'mod aktar speċifiku, l-Iskambji taż-Żgħażagħ għandhom l-għan li:

- irawmu d-djalogu u l-apprendiment interkulturali u li wieħed iħossu Ewropew;
- jiżviluppaw il-ħiliet u l-attitudnijiet taż-żgħażagħ;
- issaħħu l-valuri Ewropej u jneħħu l-preġudizzji u l-istereotipi;
- iqajmu sensibilizzazzjoni dwar suġġetti soċjalment rilevanti u b'hekk jistimulaw l-involviment fis-soċjetà u l-parteċipazzjoni attiva.

L-Azzjoni hija miftuħa għaż-żgħażagħ kollha, b'enfasi speċjali fuq dawk b'inqas opportunitajiet.

KUNTEST TAL-POLITIKA

L-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ 2019-2027 tistabbilixxi Qafas għal Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ, ibbażat fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Mejju 2018 dwar "L-Impenn, il-Konnessjoni u l-Għoti tas-Setgħa liż-żgħażagħ". L-Istrateġija trawwem il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika, tappoġġa l-involviment soċjali u ċiviku u għandha l-għan li tiżgura li ż-żgħażagħ kollha jkollhom ir-riżorsi meħtieġa sabiex jieħdu sehem fis-soċjetà. L-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ tinkludi wkoll proċess ta' djalogu maż-Żgħażagħ u f'dak il-kuntest, fl-2018 ġew żviluppati 11-il għan Ewropew dwar iż-Żgħażagħ. Dawn l-għanijiet jidentifikaw oqsma transsettorjali li jaffettwaw il-ħajja taż-żgħażagħ u jindikaw l-isfidi. L-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ għandha tikkontribwixxi għat-twettiq ta' din il-viżjoni fir-rigward taż-żgħażagħ. Taħt il-qasam ewlieni "Konnessjoni", l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ qiegħda tippromwovi u tiffaċilita l-konnessjonijiet, ir-relazzjonijiet u l-iskambju tal-esperjenza bejn iż-żgħażagħ bħala assi ċentrali għall-iżvilupp futur tal-UE. Dawn il-konnessjonijiet jitrawmu bl-aħjar mod permezz ta' forom differenti ta' mobbiltà, li waħda minnhom hija l-Iskambji taż-Żgħażagħ.

https://europa.eu/youth/home_mt

Strateġiji tematiċi fil-qasam taż-żgħażagħ

Il-Programm Erasmus+ ifittex li jippromwovi l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, it-tisħiħ tal-kwalità ta' proċessi ta' apprendiment informali u mhux formali u l-iżvilupp ta' ħidma ta' kwalità fost iż-żgħażagħ. Aktar appoġġ f'dawn l-oqsma

[95] Il-baġit prinċipali ta' din l-Azzjoni huwa allokat biex jappoġġa attivitajiet tranżnazzjonali li jinvolvu organizzazzjonijiet u parteċipanti minn Stati Membri tal-UE u pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm. Madankollu, sa 25 % tal-baġit disponibbli jista' jiffinanzja attivitajiet ta' mobbiltà internazzjonali inkluži organizzazzjonijiet u parteċipanti minn pajjiżi terzi ġirien tal-UE li mhumiex assoċjati mal-Programm (ir-reġjuni 1 sa 4; ara t-taqsima "Pajjiżi eliġibbli" fil-Parti A ta' din il-Gwida).

huwa disponibbli permezz ta' strateġiji tematiċi speċifiċi, bħall-Istrateġija għall-Parteċipazzjoni taż-Żgħażagħ, il-Youthpass u l-Istrateġija Ewropea għat-Taħriġ (ETS)[96].

DESKRIZZJONI TAL-ATTIVITAJIET

Skambji taż-Żgħażagħ

L-Iskambji taż-Żgħażagħ huma laqgħat ta' gruppi ta' żgħażagħ minn tal-inqas żewġ pajjiżi differenti li jiltaqgħu għal perjodu qasir biex jimplimentaw b'mod konġunt programm ta' apprendiment mhux formali (taħlita ta' workshops, eżerċizzji, dibattiti, logħob ta' rwol, simulazzjonijiet, attivitajiet fuq barra, eċċ.) dwar suġġett ta' interess għalihom, filwaqt li jfittxu ispirazzjoni mill-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażagħ[97]. Il-perjodu ta' apprendiment jinkludi fażi ta' ppjanar qabel l-applikazzjoni, fażi ta' tħejjija qabel l-iskambju kif ukoll evalwazzjoni u segwitu wara.

L-attivitajiet li ġejjin ma humiex eliġibbli għal għotjiet fi ħdan l-Iskambji taż-Żgħażagħ: il-vjaġġi għal studji akkademiċi; l-attivitajiet ta' skambju li jkollhom l-għan li jagħmlu profitt finanzjarju; l-attivitajiet ta' skambju li jistgħu jitqiesu bħala turiżmu; festivals; l-ivvjaġġar għal btala; tours ta' divertiment, laqgħat statutorji, korsijiet ta' taħriġ mill-adulti għaż-żgħażagħ.

Żjarat Preparatorji

Barra mill-Iskambji taż-Żgħażagħ, il-proġetti jistgħu jinkludu wkoll Żjarat Preparatorji. Iż-żjarat preparatorji għandhom l-għan li jiżguraw attivitajiet ta' kwalità għolja billi jiġu ffaċilitati u jitħejjew arranġamenti amministrattivi, jinbnew il-fiduċja u l-fehim, u tiġi stabbilita sħubija soda bejn l-organizzazzjonijiet u l-persuni involuti. Fil-każ ta' attivitajiet ta' Skambji taż-Żgħażagħ ma' żgħażagħ b'inqas opportunitajiet, iż-żjara preparatorja għandha tippermetti li jiġi żgurat li l-ħtiġijiet speċifiċi tal-parteċipanti jkunu jistgħu jiġu indirizzati. Iż-Żjarat Preparatorji jsiru fil-pajjiż ta' waħda mill-organizzazzjonijiet li jilqgħu qabel ma tibda l-attività tal-Iskambju taż-Żgħażagħ.

[96] L-istrateġiji jistgħu jinsabu hawn: https://www.salto-youth.net/

[97] L-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażagħ ġew żviluppati fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ. Dawn l-għanijiet jidentifikaw oqsma transsettorjali li jaffettwaw il-ħajja taż-żgħażagħ u jindikaw l-isfidi. https://youth.europa.eu/home_mt

STABBILIMENT TA' PROĠETT

Proġett jiġi implimentat minn tal-inqas żewġ organizzazzjonijiet. L-organizzazzjonijiet involuti fi proġett għandhom jibbenefikaw mill-parteċipazzjoni tagħhom; għalhekk il-proġett għandu jkun konformi mal-objettivi tagħhom u jkun xieraq għall-ħtiġijiet tagħhom. L-organizzazzjonijiet involuti jassumu r-rwoli li "jibagħtu" u/jew "li jilqgħu" l-parteċipanti, jiġifieri li jospitaw l-attività. Waħda mill-organizzazzjonijiet tassumi wkoll ir-rwol ta' koordinatur u tapplika għall-proġett kollu f'isem is-sħubija.

Proġett jikkonsisti f'erba' stadji: l-ippjanar, it-tħejjija, l-implimentazzjoni u s-segwitu. L-organizzazzjonijiet parteċipanti u ż-żgħażagħ involuti fl-attivitajiet għandhom jassumu rwol attiv f'dawk l-istadji kollha u b'hekk isaħħu l-esperjenza tagħhom fl-apprendiment.

- L-ippjanar (id-definizzjoni tal-ħtiġijiet, l-objettivi, l-eżiti tal-apprendiment, il-formati tal-attività, l-iżvilupp tal-programm ta' ħidma, l-iskeda tal-attivitajiet, eċċ. qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni)
- It-tħejjija (arranġamenti prattiċi, it-twaqqif ta' ftehimiet mas-sħab, it-tħejjija lingwistika/interkulturali/relatata mal-apprendiment u l-kompiti tal-parteċipanti qabel it-tluq eċċ.);
- L-implimentazzjoni tal-attivitajiet;
- Is-segwitu (l-evalwazzjoni tal-attivitajiet, l-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-eżiti tal-apprendiment tal-parteċipanti, kif ukoll it-tixrid u l-użu tal-eżiti tal-proġett).

Skambju taż-Żgħażagħ ta' kwalità:

- jiddependi mill-involviment attiv taż-żgħażagħ u tal-organizzazzjonijiet parteċipanti, li għandhom jassumu rwol attiv fl-istadji kollha tal-proġett, u b'dan il-mod isaħħu l-esperjenza tagħhom fl-apprendiment u l-iżvilupp;
- jinvolvi gruppi diversi ta' parteċipanti u jibni fuq din id-diversità;
- ikun ibbażat fuq ħtiġijiet identifikati b'mod ċar tal-parteċipanti żgħażagħ;
- jiżgura li l-eżiti tal-apprendiment mhux formali u informali tal-parteċipanti jiġu identifikati u ddokumentati kif xieraq;
- iħeġġeġ lill-parteċipanti sabiex jirriflettu dwar suġġetti u valuri Ewropej.

Proċess ta' apprendiment

It-twettiq ta' Skambju taż-Żgħażagħ fil-kuntest tal-apprendiment mhux formali jeħtieġ li mill-inqas parti mill-eżiti tal-apprendiment mixtieqa tiġi ppjanata minn qabel, sabiex jiġu żgurati l-opportunitajiet xierqa. Iż-żgħażagħ li jieħdu sehem fl-attività għandhom jikkontribwixxu għall-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tagħhom u għall-apprendiment li jixtiequ jiksbu jew jiżviluppaw permezz tal-Iskambju taż-Żgħażagħ.

Il-parteċipanti għandhom ikunu involuti wkoll kemm jista' jkun fit-tfassil u l-iżvilupp tal-attività (it-twaqqif tal-programm, il-metodi ta' ħidma u d-definizzjoni tat-tqassim tal-kompiti) u jaħsbu dwar kif għandhom jippreparaw biex jimmassimizzaw l-apprendiment u l-iżvilupp personali li jiksbu matul l-Iskambju.

Wara li tintemm l-attività ewlenija, il-parteċipanti għandhom jiġu mistiedna jipprovdu feedback dwar l-attività, jirriflettu fuq dak li jkunu tgħallmu u kif jistgħu jagħmlu użu minn dawn l-eżiti tal-apprendiment. Barra minn hekk, il-parteċipanti għandhom iqisu segwitu possibbli tal-attività. Dan jista' jsir individwalment u meta jkun possibbli bħala grupp.

L-organizzazzjonijiet għandhom jappoġġaw il-proċess ta' apprendiment, l-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-eżiti tal-apprendiment, b'mod partikolari permezz tal-Youthpass.

Standards tal-Kwalità tal-Erasmus għaż-Żgħażagħ

L-implimentazzjoni tal-proġetti kollha appoġġati fil-qafas ta' din l-Azzjoni trid issegwi l-Istandards tal-Kwalità tal-Erasmus għaż-Żgħażagħ biex jiġu organizzati attivitajiet ta' mobbiltà għall-apprendiment ta' kwalità għolja. L-Istandards tal-Kwalità tal-Erasmus għaż-Żgħażagħ ikopru l-prinċipji bażiċi tal-Azzjoni, kif ukoll il-prattiki konkreti tal-implimentazzjoni għall-kompiti tal-proġett bħall-għażla u t-tħejjija tal-parteċipanti, id-definizzjoni, l-evalwazzjoni u r-rikonoxximent tal-eżiti tal-apprendiment, il-kondiviżjoni tar-riżultati tal-proġett, eċċ. L-Istandards tal-Kwalità tal-Erasmus għaż-Żgħażagħ huma disponibbli hawnhekk: https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/resources/documents/erasmus-quality-standards-mobility-projects-youth_mt

Protezzjoni u Sikurezza tal-parteċipanti

Skambju taż-Żgħażagħ jinvolvi lill-mexxejja tal-gruppi. Il-mexxejja tal-gruppi jimmonitorjaw u jipprovdu appoġġ lill-parteċipanti biex jiżguraw il-proċess ta' apprendiment kwalitattiv matul l-attività ewlenija. Fl-istess ħin, dawn jipprovdu ambjent sikur, rispettuż u mhux diskriminatorju, kif ukoll il-protezzjoni tal-parteċipanti. Matul l-ippjanar u t-tħejjija ta' Skambju taż-Żgħażagħ, għandha tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-protezzjoni u s-sikurezza tal-parteċipanti u għandhom jiġu previsti l-miżuri kollha meħtieġa għall-prevenzjoni/it-tnaqqis tar-riskji.

DIMENSJONIJIET ORIZZONTALI

Meta jitfassal proġett ta' mobbiltà, iridu jissaħħu d-dimensjonijiet orizzontali li ġejjin:

Inklużjoni u diversità

Il-Programm Erasmus+ ifittex li jippromwovi l-opportunitajiet indaqs u l-aċċess, l-inklużjoni u l-ġustizzja fl-azzjonijiet kollha tiegħu. L-organizzazzjonijiet li jirċievu appoġġ minn din l-azzjoni għandhom ifasslu attivitajiet ta' proġetti aċċessibbli u inklużivi, filwaqt li jqisu l-fehmiet tal-parteċipanti b'inqas opportunitajiet u jinvolvuhom fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

L-Iskambji taż-Żgħażagħ huma partikolarment adattati għall-inklużjoni taż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet:

- Il-mobbiltà fi gruppi toffri esperjenza ta' mobbiltà internazzjonali fis-sikurezza ta' grupp;
- Id-durata qasira tal-Iskambji taż-Żgħażagħ tagħmel l-involviment taż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet wieħed xieraq;
- L-involviment tal-parteċipanti lokali jiffaċilita l-ewwel parteċipazzjoni fi proġetti Ewropej.

L-Iskambji taż-Żgħażagħ huma adattati wkoll biex issir ħidma fuq l-inklużjoni u d-diversità bħala s-suġġett tal-proġett, pereżempju biex tiġi appoġġata l-ġlieda kontra l-istereotipi, jitrawmu l-fehim, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni.Il-proġett kollu għandu jieħu approċċ konxju lejn l-inklużjoni u d-diversità. Dawn l-aspetti għandhom jitqiesu fl-ippjanar, it-tħejjija, l-implimentazzjoni u s-segwitu.

Sostenibbiltà ambjentali

Skambju taż-Żgħażagħ għandu jippromwovi mġiba ambjentalment sostenibbli u responsabbli fost il-parteċipanti, iqajjem is-sensibilizzazzjoni dwar l-importanza li tittieħed azzjoni sabiex titnaqqas jew tiġi kkumpensata l-impronta ambjentali tal-attivitajiet ta' mobbiltà. Skambju taż-Żgħażagħ għandu jitfassal u jiġi implimentat b'kuxjenza ambjentali billi pereżempju jiġu integrati prattiki sostenibbli bħall-għażla ta' materjali li jistgħu jerġgħu jintużaw jew li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, it-tnaqqis tal-iskart u r-riċiklaġġ u mezzi sostenibbli tat-trasport.

Trasformazzjoni diġitali fil-qasam taż-żgħażagħ

Il-Programm Erasmus+ jappoġġa lill-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha fl-inkorporazzjoni tal-użu ta' għodod diġitali u metodi ta' apprendiment biex jikkomplementaw l-attivitajiet fiżiċi tagħhom, itejbu l-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet sħab, u ħalli jtejbu l-kwalità tal-attivitajiet. Hija mħeġġa l-introduzzjoni ta' elementi diġitali u online biex jitnaqqas il-limitu għall-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet. Permezz ta' proġetti u attivitajiet li għandhom l-għan li jagħtu spinta lill-ħiliet diġitali, irawmu l-litteriżmu diġitali u/jew jiżviluppaw fehim tar-riskji u l-opportunitajiet tat-teknoloġija diġitali, il-programm jista' jibdel il-mentalità u jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' approċċi diġitali u mħallta fl-attivitajiet taż-żgħażagħ.

Skont it-tfassil u l-objettivi tal-attivitajiet, l-iżvilupp tal-kompetenzi u s-sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet diġitali, u l-użu ta' teknoloġiji ġodda, jistgħu jiġu introdotti fil-mobbiltajiet għall-apprendiment.

L-Aġenziji Nazzjonali joffru firxa ta' opportunitajiet ta' taħriġ għall-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ u għall-mexxejja taż-żgħażagħ permezz tal-Attivitajiet ta' Taħriġ u Kooperazzjoni tagħhom, inkluż dwar l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali fil-qasam taż-żgħażagħ. Dawn l-offerti huma ppubblikati fil-Kalendarju Ewropew tat-Taħriġ https://www.salto-youth.net/tools/european-training-calendar/ Tista' tittieħed ispirazzjoni wkoll mill-għodod tas-SALTO https://www.salto-youth.net/tools/

Sostenibbiltà Ambjentali

Proġett għandu jippromwovi mġiba ambjentalment sostenibbli u responsabbli fost il-parteċipanti, filwaqt li jqajjem is-sensibilizzazzjoni dwar l-importanza li tittieħed azzjoni biex titnaqqas jew tiġi kkumpensata l-impronta ambjentali tal-attivitajiet ta' mobbiltà. Dan għandu jitfassal u jiġi implimentat b'kuxjenza ambjentali billi eż. jiġu integrati prattiki sostenibbli bħall-għażla ta' materjali li jistgħu jerġgħu jintużaw jew li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, it-tnaqqis tal-iskart u r-riċiklaġġ, il-mezzi sostenibbli ta' trasport.

Parteċipazzjoni u Involviment ċiviku

Il-Programm Erasmus+ jappoġġa lill-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha fit-titjib tal-kwalità tal-proġetti tagħhom billi jintegra dimensjoni parteċipattiva, filwaqt li joffri opportunitajiet rilevanti liż-żgħażagħ ħalli jinvolvu ruħhom u jipparteċipaw b'mod attiv fil-ħolqien u fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' proġetti bħala l-perkors biex jiġu skoperti l-benefiċċji taċ-ċittadinanza attiva u tal-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika. Ir-riżorsi għat-tisħiħ tad-dimensjoni parteċipattiva tal-proġetti appoġġati jistgħu jiġu aċċessati, fost l-oħrajn, permezz tas-sit web participationpool.eu. Huma mħeġġa wkoll ir-rabtiet ma' inizjattivi u pjattaformi nazzjonali, internazzjonali jew (oħrajn) eżistenti tal-UE li huma fformati madwar il-parteċipazzjoni u l-involviment ċiviku, kif ukoll l-involviment fihom.

KRITERJI UŻATI GĦALL-VALUTAZZJONI TA' PROĠETTI STANDARD TAL-ISKAMBJI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Kriterji tal-eliġibbiltà

Il-kriterji ġenerali ta' hawn taħt japplikaw għal proġetti standard tal-Iskambji taż-Żgħażagħ. Għall-akkreditazzjonijiet, jekk jogħġbok irreferi għat-taqsima rilevanti ta' din il-gwida.

Min jista' japplika?	Kwalunkwe organizzazzjoni jew grupp parteċipanti eliġibbli stabbilit fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm jista' jkun l-applikant. Din l-organizzazzjoni tapplika f'isem l-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha involuti fil-proġett[98].
Organizzazzjonijiet parteċipanti eliġibbli	Organizzazzjoni parteċipanti tista' tkun: • organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, assoċjazzjoni, NGO; NGO Ewropea taż-Żgħażagħ; korp pubbliku fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali; intrapriża soċjali; korp bi skop ta' qligħ attiv fir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva; • grupp informali ta' żgħażagħ[99]. stabbilita fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm jew f'pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm ġar tal-UE (ir-Reġjuni 1 sa 4; ara t-taqsima "Pajjiżi Eliġibbli" fil-Parti A ta' din il-Gwida).
Numru ta' organizzazzjonijiet parteċipanti	Iridu jkunu involuti mill-inqas żewġ organizzazzjonijiet parteċipanti (mill-inqas organizzazzjoni li tibgħat waħda u mill-inqas organizzazzjoni li tilqa' waħda) minn pajjiżi differenti.
Durata tal-proġett	Minn 3 xhur sa 24 xahar.
Fejn napplika?	Mal-Aġenzija Nazzjonali tal-pajjiż fejn ikun stabbilit l-applikant
Meta napplika?	L-applikanti jridu jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għal għotja sad-dati li ġejjin: **it-23 ta' Frar f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell) għall-proġetti li jibdew bejn l-1 ta' Ġunju u l-31 ta' Diċembru tal-istess sena** **l-4 ta' Ottubru f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell) għall-proġetti li jibdew bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Mejju tas-sena ta' wara** **Ċiklu addizzjonali possibbli:** L-Aġenziji Nazzjonali jistgħu jiddeċiedu li jiftħu ċiklu addizzjonali. L-Aġenziji Nazzjonali se jinformaw lill-applikanti dwar il-ftuħ taċ-ċiklu addizzjonali permezz tas-sit web tagħhom. • Jekk jiġi organizzat ċiklu addizzjonali, l-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom sal-**4 ta' Mejju f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell)** għall-proġetti li jibdew bejn l-1 ta' Awwissu u l-31 ta' Diċembru tal-istess sena

[98] L-ORGANIZZAZZJONIJIET PARTEĊIPANTI SE JKOLLHOM JIFFIRMAW MANDAT LILL-ORGANIZZAZZJONI APPLIKANTI. Il-mandati għandhom jiġu pprovduti fl-istadju tal-applikazzjoni u mhux aktar tard miż-żmien tal-iffirmar tal-ftehim ta' għotja. Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkonsulta l-Parti C ta' din il-Gwida.

[99] Grupp ta' mill-inqas erba' żgħażagħ ta' bejn it-13 u t-30 sena. Wieħed mill-membri tal-grupp li għandu mill-inqas 18-il sena jassumi r-rwol ta' rappreżentant u jieħu r-responsabbiltà f'isem il-grupp. Jekk jogħġbok iċċekkja l-glossarju għad-definizzjoni ta' grupp informali. Għall-iskopijiet ta' din l-azzjoni u kwalunkwe dispożizzjoni relatata magħha, "grupp informali ta' żgħażagħ" għandu jkun konformi mal-kunċett ta' "organizzazzjoni parteċipanti". Fejn issir referenza għal "organizzazzjoni parteċipanti", din għandha titqies li tkopri wkoll "grupp informali ta' żgħażagħ".

Kif napplika?	Jekk jogħġbok ara l-Parti C ta' din il-Gwida għad-dettalji dwar kif wieħed għandu japplika.
Annessi	Mal-formola tal-applikazzjoni jrid ikun hemm annessa dikjarazzjoni fuq l-unur tar-rappreżentant legali. Mal-formola tal-applikazzjoni jrid ikun hemm annessa skeda ta' żmien għal kull waħda mill-attivitajiet ippjanata fil-proġett tal-Iskambji taż-Żgħażagħ u taż-Żjarat Preparatorji.

Kriterji tal-Eliġibbiltà addizzjonali għall-Iskambji taż-Żgħażagħ

Durata tal-attività	Minn 5 ijiem sa 21 jum, bl-esklużjoni tal-jiem tal-ivvjaġġar.
Post(ijiet) tal-attività	L-attività trid issir fil-pajjiż ta' waħda (jew diversi, f'każ ta' attivitajiet itineranti) mill-organizzazzjonijiet parteċipanti fl-attività.
Numru ta' organizzazzjonijiet parteċipanti	Iridu jkunu involuti mill-inqas żewġ organizzazzjonijiet parteċipanti (mill-inqas organizzazzjoni li tibgħat waħda u mill-inqas organizzazzjoni li tilqa' waħda) minn pajjiżi differenti. **Attivitajiet fi ħdan l-Istati Membri tal-UE u pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm**: l-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha jridu jkunu minn Stat Membru tal-UE jew minn pajjiż terz assoċjat mal-Programm. **Attivitajiet ma' pajjiżi terzi ġirien tal-UE li mhumiex assoċjati mal-Programm**: L-attività trid tinvolvi mill-inqas organizzazzjoni parteċipanti waħda minn Stat Membru tal-UE jew minn pajjiż terz assoċjat mal-Programm u organizzazzjoni parteċipanti waħda minn pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm ġar tal-UE (ir-Reġjuni 1-4).
Parteċipanti eliġibbli	Żgħażagħ ta' bejn it-13 u t-30 sena[100] residenti fil-pajjiżi tal-organizzazzjonijiet li jibagħtu u li jirċievu tagħhom. Mexxejja ta' gruppi[101] u faċilitaturi involuti jeħtieġ ikollhom mill-inqas 18-il sena.

[100] Jekk jogħġbok qis dawn li ġejjin:
limiti aktar baxxi tal-età - il-parteċipanti jridu jkunu laħqu l-età minima fid-data tal-bidu tal-attività.
limiti massimi tal-età - il-parteċipanti ma jridux ikunu akbar mill-età massima indikata fid-data tal-bidu tal-attività.
[101] mexxej ta' grupp huwa adult li jingħaqad maż-żgħażagħ li jipparteċipaw fi skambju taż-żgħażagħ sabiex jiżgura l-apprendiment, il-protezzjoni u s-sikurezza effettivi tagħhom.

Numru ta' parteċipanti għal kull attività u kompożizzjoni tal-gruppi nazzjonali	Minimu ta' 16 u massimu ta' 60 parteċipant għal kull attività (il-mexxejja tal-gruppi, il-faċilitaturi u l-akkumpanjaturi ma humiex inklużi). Fil-każijiet ta' Skambji taż-Żgħażagħ li jinvolvu biss żgħażagħ b'inqas opportunitajiet, in-numru minimu ta' parteċipanti huwa 10. Minimu ta' erba' parteċipanti għal kull grupp (il-mexxejja tal-gruppi, il-faċilitaturi u l-akkumpanjaturi ma humiex inklużi). Minimu ta' żewġ gruppi ta' żgħażagħ minn żewġ pajjiżi differenti. Kull grupp irid ikollu mill-inqas mexxej ta' grupp wieħed. Massimu ta' żewġ faċilitaturi għal kull attività
Kriterji oħrajn	Mill-inqas waħda mill-organizzazzjonijiet li tibgħat jew waħda mill-organizzazzjonijiet li tilqa' fl-attività trid tkun mill-pajjiż tal-Aġenzija Nazzjonali li lilha tiġi sottomessa l-applikazzjoni.

Kriterji tal-Eliġibbiltà addizzjonali għaż-Żjarat Preparatorji

Post(ijiet) tal-attività	L-attività trid issir fil-pajjiż ta' waħda mill-organizzazzjonijiet li tilqa'.
Parteċipanti eliġibbli	Rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet parteċipanti, faċilitaturi, mexxejja tal-gruppi u żgħażagħ li jieħdu sehem fl-attività ewlenija.

KRITERJI GĦALL-GĦOTI

Il-proġetti se jiġu vvalutati skont il-kriterji għall-għoti li ġejjin. Sabiex jiġu kkunsidrati għall-finanzjament, il-proposti jridu jiksbu tal-inqas 60 punt. Barra minn hekk, iridu jiksbu tal-inqas nofs il-punti tal-punteġġ massimu f'kull waħda mill-kategoriji tal-kriterji għall-għoti msemmija hawn taħt.

Rilevanza, raġunament u impatt **(punteġġ massimu ta' 30 punt)**	• Ir-rilevanza tal-proġett: - għall-objettivi tal-Azzjoni; - għall-ħtiġijiet tal-organizzazzjonijiet parteċipanti u l-parteċipanti tal-iskambju; - Kemm il-proġett huwa adatt biex jipproduċi eżiti tal-apprendiment ta' kwalità għolja għall-parteċipanti; - • L-impatt potenzjali tal-proġett: - fuq il-parteċipanti u l-organizzazzjonijiet parteċipanti matul u wara l-ħajja tal-proġett; - barra l-organizzazzjonijiet u l-individwi li jieħdu sehem direttament fil-proġett, fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u/jew Ewropew jew globali. • Kemm il-proġett huwa adattat biex jikkontribwixxi għall-inklużjoni u d-diversità, id-dimensjonijiet ekoloġiċi, diġitali u parteċipattivi tal-Programm; • Kemm il-proġett jintroduċi parteċipanti ġodda u organizzazzjonijiet b'inqas esperjenza għall-Azzjoni.
Kwalità tat-tfassil tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 40 punt)**	• Il-konsistenza bejn il-ħtiġijiet identifikati, l-objettivi tal-proġett, il-profili tal-parteċipanti u l-attivitajiet proposti; • Iċ-ċarezza, il-kompletezza u l-kwalità tal-fażijiet kollha tal-proġett: l-ippjanar, it-tħejjija (inkluża t-tħejjija pprovduta lill-parteċipanti), l-implimentazzjoni tal-attivitajiet u s-segwitu; • Kemm iż-żgħażagħ huma involuti fil-fażijiet kollha tal-attivitajiet; • Kemm l-attivitajiet huma mfassla b'mod aċċessibbli u inklużiv u huma miftuħa għal parteċipanti bi sfondi u kapaċitajiet diversi. • L-adegwatezza tal-metodi ta' apprendiment parteċipattiv proposti, inkluż ta' kwalunkwe komponent online/diġitali; • Il-kwalità tal-arranġamenti u l-appoġġ għall-proċess ta' riflessjoni, l-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-eżiti tal-apprendiment tal-parteċipanti, u l-użu konsistenti tal-għodod Ewropej ta' trasparenza u ta' rikonoxximent, b'mod partikolari l-Youthpass; • Ir-rappreżentanza bilanċjata tal-parteċipanti f'termini ta' pajjiżi u ġeneru; • L-adegwatezza u l-effettività tal-miżuri previsti biex jiġu żgurati s-sikurezza u l-protezzjoni tal-parteċipanti; • Kemm l-attivitajiet jinkorporaw prattiki sostenibbli u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent.
Kwalità tal-ġestjoni tal-proġetti **(punteġġ massimu ta' 30 punt)**	• Il-kwalità tal-arranġamenti prattiċi, il-ġestjoni u l-modalitajiet ta' appoġġ; • Il-kwalità tal-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet parteċipanti, kif ukoll ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn; • Il-kwalità tal-miżuri għall-evalwazzjoni tal-fażijiet u l-eżiti differenti tal-proġett; • L-adegwatezza u l-kwalità tal-miżuri mmirati lejn it-tixrid tal-eżiti tal-proġett fi ħdan l-organizzazzjonijiet parteċipanti u lil hinn minnhom.

REGOLI TA' FINANZJAMENT

<table>
<tr><th>Kategorija tal-baġit</th><th>Kostijiet eliġibbli u regoli applikabbli</th><th colspan="3">Ammont</th></tr>
<tr><td>Appoġġ Organizzazzjonali</td><td>Kostijiet relatati direttament mal-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' mobbiltà.

Mekkaniżmu ta' finanzjament: kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji

Regola tal-allokazzjoni: abbażi tan-numru ta' parteċipanti, esklużi l-mexxejja tal-gruppi, l-akkumpanjaturi u l-faċilitaturi.</td><td colspan="3">EUR 100 għal kull parteċipant fi Skambju taż-Żgħażagħ</td></tr>
<tr><td rowspan="8">Vjaġġar</td><td rowspan="8">Kontribuzzjoni għall-kostijiet tal-ivvjaġġar tal-parteċipanti, inklużi l-mexxejja tal-grupp, l-akkumpanjaturi u l-faċilitaturi, mill-post tal-oriġini tagħhom sal-post tal-attività u lura.

Mekkaniżmu ta' finanzjament: kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji.

Regola tal-allokazzjoni: abbażi tad-distanza tal-ivvjaġġar u n-numru ta' persuni.

L-applikant jeħtieġlu jindika d-distanza bejn il-post tal-oriġini u l-post tal-attività[102] billi juża l-kalkulatur tad-distanza appoġġat mill-Kummissjoni Ewropea[103].

Għall-attivitajiet itineranti, l-applikant għandu jżid id-distanzi bejn il-postijiet individwali u jagħżel il-medda ta' distanza li tikkorrispondi għat-total[104].</td><td>Distanza tal-ivvjaġġar</td><td>Vjaġġar standard</td><td>Vjaġġar ekoloġiku</td></tr>
<tr><td>10 – 99 km</td><td>EUR 23</td><td></td></tr>
<tr><td>100 – 499 km</td><td>EUR 180</td><td>EUR 210</td></tr>
<tr><td>500 – 1999 km</td><td>EUR 275</td><td>EUR 320</td></tr>
<tr><td>2000 – 2999 km</td><td>EUR 360</td><td>EUR 410</td></tr>
<tr><td>3000 – 3999 km</td><td>EUR 530</td><td>EUR 610</td></tr>
<tr><td>4000 – 7999 km</td><td>EUR 820</td><td></td></tr>
<tr><td>8000 km jew aktar</td><td>EUR 1,500</td><td></td></tr>
</table>

[102] Pereżempju, jekk persuna minn Madrid (Spanja) qed tieħu sehem f'attività li qed issir f'Ruma (l-Italja), l-applikant jikkalkula d-distanza minn Madrid sa Ruma (1365.28 KM) u mbagħad jagħżel il-medda tad-distanza tal-ivvjaġġar applikabbli (jiġifieri bejn 500 u 1,999 km).

[103] http://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/tools/distance_mt.htm

[104] Pereżempju, jekk parteċipant minn Madrid (Spanja) ikun qiegħed jieħu sehem f'attività itineranti li sseħħ l-ewwel f'Ruma (l-Italja) u mbagħad f'Ljubljana (is-Slovenja), l-applikant l-ewwel jikkalkula d-distanza bejn Madrid u Ruma (1365.28 KM), imbagħad bejn Ruma u Ljubljana (489.75 KM) u jżid iż-żewġ distanzi flimkien (1855.03 KM) b) jagħżel il-medda tad-distanza tal-ivvjaġġar applikabbli (jiġifieri bejn 500 u 1,999 KM) u c) jikkalkula l-għotja tal-UE li se tipprovdi l-kontribuzzjoni għall-kostijiet tal-ivvjaġġar tal-parteċipant minn Madrid għal Ljubljana (b'waqfa f'Ruma) u r-ritorn (EUR 275).

Appoġġ individwali	Kostijiet marbuta mas-sussistenza. **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji. **Regola tal-allokazzjoni:** abbażi tad-durata taż-żjara għal kull parteċipant, inklużi l-mexxejja tal-gruppi, l-akkumpanjaturi u l-faċilitaturi (jekk meħtieġ), inkluż ukoll jum wieħed tal-ivvjaġġar qabel l-attività u jum wieħed tal-ivvjaġġar wara l-attività, u sa **erbat ijiem addizzjonali** għall-parteċipanti li jirċievu għotja għall-ivjaġġar ekoloġiku.	Tabella A2.1 għal kull parteċipant għal kull jum
Appoġġ għall-inklużjoni	**Appoġġ għall-inklużjoni għall-organizzazzjonijiet:** Kostijiet relatati mal-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' mobbiltà li jinvolvu parteċipanti b'inqas opportunitajiet. **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji. **Regola tal-allokazzjoni:** abbażi tan-numru ta' parteċipanti b'inqas opportunitajiet, esklużi l-mexxejja tal-gruppi, l-akkumpanjaturi u l-faċilitaturi.	EUR 100 għal kull parteċipant fi Skambju taż-Żgħażagħ
	Appoġġ għall-inklużjoni għall-parteċipanti: Kostijiet addizzjonali marbuta direttament ma' parteċipanti b'inqas opportunitajiet u l-akkumpanjaturi tagħhom, inklużi l-mexxejja tal-gruppi u l-faċilitaturi (inklużi kostijiet iġġustifikati relatati mal-ivvjaġġar u s-sussistenza jekk ma tintalabx għotja għal dawn il-parteċipanti permezz tal-kategoriji tal-baġit "Vjaġġar" u "Appoġġ individwali"). **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kostijiet reali. **Regola tal-allokazzjoni:** it-talba trid tkun iġġustifikata mill-applikant u approvata mill-Aġenzija Nazzjonali.	100 % tal-kostijiet eliġibbli
Appoġġ għaż-żjara preparatorja	Kostijiet marbuta mal-implimentazzjoni taż-żjara preparatorja li jinkludu l-ivvjaġġar u s-sussistenza. **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kostijiet unitarji. **Regola tal-allokazzjoni:** esklużi l-parteċipanti mill-organizzazzjoni li tilqa'. Jistgħu jiġu ffinanzjati massimu ta' żewġ parteċipanti għal kull organizzazzjoni parteċipanti, diment li t-tieni parteċipant ikun	EUR 575 għal kull parteċipant għal kull żjara preparatorja.

	żagħżugħ. Barra minn hekk, jista' jiġi ffinanzjat ukoll faċilitatur wieħed għal kull żjara preparatorja. Kundizzjonali: il-ħtieġa ta' Żjara Preparatorja, l-objettivi u l-parteċipanti jridu jkunu ġġustifikati mill-applikant u approvati mill-Aġenzija Nazzjonali. Din il-kundizzjoni ma tapplikax għal proġetti ffinanzjati taħt is-sistema ta' akkreditazzjoni.	
Kostijiet eċċezzjonali	Kostijiet għall-għoti ta' garanzija finanzjarja, jekk l-Aġenzija Nazzjonali titlob dan. Kostijiet tal-viża u dawk relatati mal-viża, permessi ta' residenza, vaċċinazzjonijiet, ċertifikati mediċi. Il-kostijiet tal-ivvjaġġar għaljin tal-parteċipanti, inkluż tal-akkumpanjaturi, il-mexxejja tal-gruppi, il-ħarrieġa u l-faċilitaturi li ma jistgħux jiġu appoġġati bil-kategorija standard "Vjaġġar" minħabba l-pożizzjoni ġeografika remota jew ostakli oħrajn (jiġifieri meta l-użu ta' mezzi tat-trasport aktar nodfa u b'livell aktar baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jirriżulta f'kostijiet għoljin tal-ivvjaġġar). **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kostijiet reali. **Regola tal-allokazzjoni:** it-talba trid tkun iġġustifikata mill-applikant u approvata mill-Aġenzija Nazzjonali. L-ivvjaġġar għali japplika f'każijiet fejn l-appoġġ għall-ivvjaġġar ibbażat fuq il-kost unitarju ma jkoprix 70 % tal-kostijiet tal-ivvjaġġar tal-parteċipanti. Jekk jingħataw, il-kostijiet eċċezzjonali għall-ivvjaġġar għali jissostitwixxu l-għotja standard għall-ivvjaġġar.	**Garanzija finanzjarja:** 80 % tal-kostijiet eliġibbli **Kostijiet tal-ivvjaġġar għaljin:** 80 % tal-kostijiet eliġibbli tal-ivvjaġġar **Kostijiet tal-viża u dawk relatati mal-viża, permessi ta' residenza, vaċċinazzjonijiet, ċertifikati mediċi**: 100 % tal-kostijiet eliġibbli

Tabella A2.1 Appoġġ individwali għall-iskambji taż-żgħażagħ

	Appoġġ Individwali (euro għal kull jum)
L-Awstrija	EUR 51
Il-Belġju	EUR 47
Il-Bulgarija	EUR 36
Il-Kroazja	EUR 39
Ċipru	EUR 36
Ir-Repubblika	EUR 36

Ċeka	
Id-Danimarka	EUR 51
L-Estonja	EUR 37
Il-Finlandja	EUR 51
Il-Maċedonja ta' Fuq	EUR 31
Franza	EUR 43
Il-Ġermanja	EUR 46
Il-Greċja	EUR 43
L-Ungerija	EUR 37
L-Iżlanda	EUR 51
L-Irlanda	EUR 55
L-Italja	EUR 44
Il-Latvja	EUR 38
Il-Liechtenstein	EUR 51
Il-Litwanja	EUR 38
Il-Lussemburgu	EUR 51
Malta	EUR 44
In-Netherlands	EUR 51
In-Norveġja	EUR 56
Il-Polonja	EUR 38
Il-Portugall	EUR 42
Ir-Rumanija	EUR 36
Is-Serbja	EUR 33
Is-Slovakkja	EUR 39
Is-Slovenja	EUR 38
Spanja	EUR 38
L-Iżvezja	EUR 51
It-Turkija	EUR 36
Pajjiżi terzi ġirien mhux assoċjati mal-Programm	EUR 33

PROĠETTI TA' MOBBILTÀ GĦALL-PERSUNI LI JAĦDMU MAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Fil-qafas ta' din l-Azzjoni[105], l-organizzazzjonijiet jistgħu jirċievu appoġġ biex iwettqu proġetti li jinkludu attività ta' apprendiment waħda jew aktar għall-iżvilupp professjonali u l-bini tal-kapaċità tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ u l-organizzazzjoni tagħhom.

OBJETTIVI TAL-AZZJONI

Din l-Azzjoni tappoġġa l-iżvilupp professjonali tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ u b'hekk l-iżvilupp ta' ħidma ta' kwalità fost iż-żgħażagħ fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali, Ewropew u internazzjonali, permezz ta' esperjenzi ta' apprendiment mhux formali u informali f'attivitajiet ta' mobbiltà. L-Azzjoni tikkontribwixxi għall-objettivi tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ 2019-2027, b'mod partikolari għall-Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażagħ[106] għall-kwalità, l-innovazzjoni u r-rikonoxximent tal-ħidma fost iż-żgħażagħ.

B'mod aktar speċifiku, il-proġetti ta' mobbiltà għall-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ għandhom l-għan li:

- Jipprovdu opportunitajiet ta' apprendiment mhux formali u informali għall-iżvilupp edukattiv u professjonali tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, filwaqt li jikkontribwixxu għal prattika individwali ta' kwalità għolja kif ukoll għall-evoluzzjoni tal-organizzazzjonijiet u s-sistemi tal-ħidma fost iż-żgħażagħ;
- Jibnu komunità ta' persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ li tista' tappoġġa l-kwalità tal-proġetti u l-attivitajiet għaż-żgħażagħ fil-programmi tal-UE u lil hinn minnhom.
- Jiżviluppaw prattiki lokali ta' ħidma fost iż-żgħażagħ u jikkontribwixxu għall-bini tal-kapaċità għal ħidma ta' kwalità fil-qasam taż-żgħażagħ tal-parteċipanti u l-organizzazzjoni tagħhom, filwaqt li jkollhom impatt ċar fuq il-ħidma regolari maż-żgħażagħ tal-persuni parteċipanti li jaħdmu maż-żgħażagħ.

KUNTEST TAL-POLITIKA

L-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ 2019-2027 tistabbilixxi Qafas għal Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ, ibbażat fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Mejju 2018 dwar "L-Impenn, il-Konnessjoni u l-Għoti tas-Setgħa liż-żgħażagħ". L-Istrateġija trawwem il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika, tappoġġa l-involviment soċjali u ċiviku u għandha l-għan li tiżgura li ż-żgħażagħ kollha jkollhom ir-riżorsi meħtieġa sabiex jieħdu sehem fis-soċjetà. L-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ tinkludi wkoll proċess ta' djalogu maż-Żgħażagħ u f'dak il-kuntest, fl-2018 ġew żviluppati 11-il għan Ewropew dwar iż-Żgħażagħ. Dawn l-għanijiet jidentifikaw oqsma transsettorjali li jaffettwaw il-ħajja taż-żgħażagħ u jindikaw l-isfidi. L-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ għandha tikkontribwixxi għat-twettiq ta' din il-viżjoni fir-rigward taż-

[105] Il-baġit prinċipali ta' din l-Azzjoni huwa allokat biex jappoġġa attivitajiet tranżnazzjonali li jinvolvu organizzazzjonijiet u parteċipanti minn Stati Membri tal-UE u pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm. Madankollu, sa 25 % tal-baġit disponibbli jista' jiffinanzja attivitajiet ta' mobbiltà internazzjonali inklużi organizzazzjonijiet u parteċipanti minn pajjiżi terzi ġirien tal-UE li mhumiex assoċjati mal-Programm (ir-reġjuni 1 sa 4; ara t-taqsima "Pajjiżi eliġibbli" fil-Parti A ta' din il-Gwida).

[106] IR-RIŻOLUZZJONI TAL-KUNSILL U TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI LI JILTAQGĦU FI ĦDAN IL-KUNSILL DWAR IL-QAFAS GĦALL-ISTABBILIMENT TA' AĠENDA EWROPEA GĦALL-ĦIDMA FOST IŻ-ŻGĦAŻAGĦ
http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=uriserv:OJ.C_.2020.415.01.0001.01.MLT. Aktar informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażagħ tinsab fuq www.bonn-process.net.

żgħażagħ. Taħt il-qasam ewlieni "Setgħa", l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ qiegħda tappoġġa l-għoti tas-setgħa liż-żgħażagħ permezz tal-kwalità, l-innovazzjoni u r-rikonoxximent tal-ħidma fost iż-żgħażagħ.

https://europa.eu/youth/home_mt

Strateġiji tematiċi fil-qasam taż-żgħażagħ

Il-Programm Erasmus+ ifittex li jippromwovi l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, it-tisħiħ tal-kwalità ta' proċessi ta' apprendiment informali u mhux formali u l-iżvilupp ta' ħidma ta' kwalità fost iż-żgħażagħ. Aktar appoġġ f'dawn l-oqsma huwa disponibbli permezz ta' strateġiji tematiċi speċifiċi, bħall-Istrateġija għall-Parteċipazzjoni taż-Żgħażagħ, il-Youthpass u l-Istrateġija Ewropea għat-Taħriġ (ETS)[107].

DESKRIZZJONI TAL-ATTIVITAJIET

Attivitajiet ta' Żvilupp Professjonali (PDAs)

L-attivitajiet ta' żvilupp professjonali huma attivitajiet tranżnazzjonali jew internazzjonali ta' mobbiltà għall-apprendiment li jappoġġaw l-iżvilupp professjonali tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ. Dawn jistgħu jieħdu l-forma ta':

- **Żjarat ta' studju u tipi differenti ta' inkarigi**, bħal job shadowing, skambji ta' persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ u apprendiment bejn il-pari, f'organizzazzjonijiet ta' ħidma fost iż-żgħażagħ u organizzazzjonijiet attivi fil-qasam taż-żgħażagħ barra l-pajjiż.
- **Networking u bini tal-komunità** fost il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ li jieħdu sehem fl-azzjoni u li jappoġġaw l-objettivi tagħha.
- **Korsijiet ta' taħriġ** li jappoġġaw l-iżvilupp ta' kompetenzi (eż. ibbażati fuq mudelli ta' kompetenza eżistenti rilevanti), biex jimplimentaw prattiki ta' kwalità ta' ħidma fost iż-żgħażagħ jew jindirizzaw u jittestjaw metodi innovattivi (pereżempju dawk relatati ma' ħidma diġitali u intelliġenti fost iż-żgħażagħ[108]).
- **Seminars u workshops** li jappoġġaw b'mod partikolari l-bini tal-għarfien u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki marbuta mal-objettivi, il-valuri u l-prijoritajiet tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ u tal-programmi tal-UE li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tagħha.

L-attivitajiet li ġejjin ma humiex eliġibbli għal għotjiet fil-qafas tal-Proġetti ta' Mobbiltà għall-Persuni li Jaħdmu maż-Żgħażagħ: il-vjaġġi għal studji akkademiċi; l-attivitajiet li għandhom l-għan li jagħmlu profitt finanzjarju; l-attivitajiet li jistgħu jitqiesu bħala turiżmu; festivals; l-ivvjaġġar għal btala; tours ta' divertiment, laqgħat statutorji.

Attivitajiet ta' żvilupp tas-sistema u ta' sensibilizzazzjoni

Il-proġetti ta' mobbiltà għall-Persuni li Jaħdmu maż-Żgħażagħ jistgħu jinkludu **attivitajiet ta' żvilupp tas-sistema u ta' sensibilizzazzjoni**, li huma attivitajiet komplementari li għandhom l-għan li jsaħħu l-impatt tal-proġett ta' mobbiltà fuq il-post. Dawn jinkludu dawk l-attivitajiet kollha li jikkontribwixxu għall-Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażagħ[109] għall-kwalità, l-innovazzjoni u r-rikonoxximent tal-ħidma fost iż-żgħażagħ u li jġibu lura t-tagħlimiet meħuda u l-għodod lill-

[107] L-istrateġiji jistgħu jinsabu hawn: https://www.salto-youth.net/
[108] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52017XG1207(01)
[109] http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=uriserv:OJ.C_.2020.415.01.0001.01.MLT u www.bonn-process.net

organizzazzjonijiet involuti fil-proġetti u lil hinn minnhom. Dawn l-attivitajiet komplementari jirrappreżentaw opportunità għall-benefiċjarji b'aktar esperjenza u riżorsi biex jittestjaw metodi u tweġibiet innovattivi għal sfidi kondiviżi, tip ta' spazju għal "laboratorju Ewropew tal-ħidma fost iż-żgħażagħ" li jirriżulta mill-attivitajiet ta' żvilupp professjonali implimentati fi ħdan il-proġetti u li jkollhom tifsira lil hinn minnhom.

Il-produzzjoni tal-għodod u l-kondiviżjoni tal-prattiki li jikkontribwixxu għall-iżvilupp u l-evoluzzjoni tal-organizzazzjonijiet u s-sistemi tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' bini tal-komunità u l-introduzzjoni ta' metodi innovattivi li jinkludu l-użu ta' teknoloġiji diġitali permezz tal-ħidma fost iż-żgħażagħ huma xi eżempji. Dawn l-attivitajiet imorru lil hinn mill-attivitajiet ta' tixrid ta' segwitu, li huma parti miċ-ċiklu tal-ħajja normali tal-proġett, madankollu, attivitajiet ta' tixrid aktar immirati u strateġiċi jistgħu wkoll ikunu adattati taħt dawn l-attivitajiet komplementari.

Attività ta' żvilupp tas-sistema u ta' sensibilizzazzjoni tista' titwettaq fil-livell tranżnazzjonali, internazzjonali jew nazzjonali.

Żjarat preparatorji

Iż-żjarat preparatorji għandhom l-għan li jiżguraw attivitajiet ta' kwalità għolja billi jiġu ffaċilitati u jitħejjew arranġamenti amministrattivi, jinbnew il-fiduċja u l-fehim, u tiġi stabbilita sħubija soda bejn l-organizzazzjonijiet u l-persuni involuti. Iż-Żjarat Preparatorji jsiru fil-pajjiż ta' waħda mill-organizzazzjonijiet li jilqgħu qabel ma tibda l-Attività tal-Iżvilupp Professjonali.

STABBILIMENT TA' PROĠETT

Proġett appoġġat minn din l-azzjoni jrid jinkludi PDA waħda jew aktar. L-attivitajiet jistgħu jiġu kkombinati b'mod flessibbli, skont l-objettivi tal-proġett u l-ħtiġijiet tal-organizzazzjoni(jiet) parteċipanti u l-persuni parteċipanti li jaħdmu maż-żgħażagħ.

Proġett jiġi implimentat minn tal-inqas żewġ organizzazzjonijiet. Kundizzjoni fundamentali għat-twassil ta' proġetti ta' kwalità għolja hija li l-organizzazzjonijiet involuti kollha jeħtieġ jiġu identifikati bħala sħubija soda fl-istadju tal-applikazzjoni. L-organizzazzjonijiet involuti jassumu r-rwoli li "jibagħtu" u/jew "li jilqgħu" l-parteċipanti, jiġifieri li jospitaw l-attività. Waħda mill-organizzazzjonijiet tassumi wkoll ir-rwol ta' koordinatur u tapplika għall-proġett kollu f'isem is-sħubija.

Proġett jikkonsisti f'erba' stadji: l-ippjanar, it-tħejjija, l-implimentazzjoni u s-segwitu.

- L-ippjanar (id-definizzjoni tal-ħtiġijiet, l-objettivi, l-eżiti tal-apprendiment, il-formati tal-attività, l-iżvilupp tal-programm ta' ħidma, l-iskeda tal-attivitajiet, eċċ.)
- It-tħejjija (arranġamenti prattiċi, l-għażla tal-parteċipanti, it-twaqqif ta' ftehimiet ma' sħab, it-tħejjija lingwistika/interkulturali/relatata mal-apprendiment u l-kompiti tal-parteċipanti qabel it-tluq eċċ.);
- L-implimentazzjoni tal-attivitajiet;
- Is-segwitu (l-evalwazzjoni tal-attivitajiet, l-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-eżiti tal-apprendiment tal-parteċipanti, kif ukoll it-tixrid u l-użu tal-eżiti tal-proġett).

Proġett ta' mobbiltà ta' kwalità għall-Persuni li Jaħdmu maż-Żgħażagħ:

- ikollu impatt ċar fuq il-ħidma regolari maż-żgħażagħ tal-persuni parteċipanti li jaħdmu maż-żgħażagħ u fuq l-organizzazzjoni tagħhom;
- jiddependi mill-involviment attiv tal-organizzazzjonijiet parteċipanti u tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, li għandhom jassumu rwol attiv fl-istadji kollha tal-proġett, u b'dan il-mod isaħħu l-esperjenza tagħhom ta' apprendiment u żvilupp;

- ikun ibbażat fuq ħtiġijiet identifikati b'mod ċar għall-edukazzjoni u l-iżvilupp professjonali tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ[110] b'mod partikolari dwar il-kwalità, l-innovazzjoni u r-rikonoxximent, u jkun akkumpanjat minn miżuri xierqa ta' għażla, tħejjija u segwitu;
- jiżgura li l-eżiti tal-apprendiment mhux formali u informali tal-parteċipanti jkunu rikonoxxuti kif suppost u li l-eżiti tal-proġett, inkluż kwalunkwe metodu, materjal u għodda, ikunu trasferibbli u użati fi ħdan l-organizzazzjonijiet parteċipanti, filwaqt li jikkontribwixxu għall-evoluzzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-ħidma fost iż-żgħażagħ, u jkomplu jinxterdu b'mod wiesa' fil-qasam taż-żgħażagħ;
- iħeġġeġ lill-parteċipanti biex jirriflettu dwar suġġetti u valuri Ewropej u jipprovdi lill-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ b'għodod u metodi sabiex jippromwovu r-rispett u jiġġestixxu d-diversità fix-xogħol tagħhom ta' kuljum.
- jippromwovi l-użu ta' prattiki u metodi innovattivi bħall-inklużjoni ta' attivitajiet ta' ħidma diġitali fost iż-żgħażagħ bil-ħsieb li jkun strument għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe forma ta' diżinformazzjoni online u aħbarijiet foloz.

Proċess ta' Apprendiment

Proġett ta' Mobbiltà għall-Persuni li Jaħdmu maż-Żgħażagħ jeħtieġ jipprevedi appoġġ għall-proċess ta' riflessjoni, l-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-eżiti tal-apprendiment, b'mod partikolari permezz tal-Youthpass, biex jappoġġa r-rikonoxximent u l-impatt tal-eżiti tal-proġett, il-prattiki tal-ħidma fost iż-żgħażagħ, il-metodoloġiji u l-materjali li jirriżultaw fil-qasam taż-żgħażagħ.

PROTEZZJONI U SIKUREZZA TAL-PARTEĊIPANTI

Matul l-ippjanar u t-tħejjija ta' proġett, għandha tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-protezzjoni u s-sikurezza tal-parteċipanti u għandhom jiġu previsti l-miżuri kollha meħtieġa għall-prevenzjoni/it-tnaqqis tar-riskji.

STANDARDS TA' KWALITÀ TAL-ERASMUS+ GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

L-implimentazzjoni tal-proġetti kollha appoġġati fil-qafas ta' din l-Azzjoni trid issegwi **l-istandards tal-Kwalità tal-Erasmus+ għaż-Żgħażagħ** biex jiġu organizzati attivitajiet ta' mobbiltà għall-apprendiment ta' kwalità għolja. L-Istandards tal-Kwalità tal-Erasmus+ għaż-Żgħażagħ ikopru l-prinċipji bażiċi tal-Azzjoni, kif ukoll prattiki ta' implimentazzjoni konkreti għal kompiti ta' proġetti bħall-għażla u t-tħejjija tal-parteċipanti, id-definizzjoni, l-evalwazzjoni u r-rikonoxximent tal-eżiti tal-apprendiment, il-kondiviżjoni tar-riżultati tal-proġetti, eċċ. L-Istandards tal-Kwalità tal-Erasmus+ għaż-Żgħażagħ huma disponibbli hawnhekk https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/resources/documents/erasmus-quality-standards-mobility-projects-youth_en

Dimensjonijiet orizzontali

Fit-tfassil ta' proġett ta' mobbiltà, id-dimensjonijiet li ġejjin komuni għall-Programm Erasmus+ kollu għandhom jiġu integrati fil-proġett :

[110] Irreferi għall-"Mudell ta' Kompetenza tal-Istrateġija Ewropea għat-Taħriġ għall-Persuni li Jaħdmu maż-Żgħażagħ biex jaħdmu internazzjonalment", HTTPS://WWW.SALTO-YOUTH.NET/RC/TRAINING-AND-COOPERATION/TRAININGSTRATEGY/

INKLUŻJONI U DIVERSITÀ

Il-Programm Erasmus+ ifittex li jippromwovi l-opportunitajiet indaqs u l-aċċess, l-inklużjoni u l-ġustizzja fl-azzjonijiet kollha tiegħu. L-organizzazzjonijiet għandhom ifasslu attivitajiet ta' proġetti aċċessibbli u inklużivi, filwaqt li jqisu l-fehmiet tal-parteċipanti b'inqas opportunitajiet u jinvolvuhom fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

- Il-proġetti ta' mobbiltà għall-Persuni li jaħdmu maż-Żgħażagħ huma partikolarment adattati biex isaħħu s-sensibilizzazzjoni dwar id-diversità tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ kif ukoll biex itejbu l-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa ħalli jinvolvu b'suċċess lill-parteċipanti b'inqas opportunitajiet fil-prattika tal-ħidma fost iż-żgħażagħ. L-involviment tal-persuni parteċipanti li jaħdmu maż-żgħażagħ fl-istadji kollha tal-proġett irawwem gwida bir-reqqa permezz tal-proċess ta' apprendiment u żvilupp u jippermetti segwitu aktar mill-qrib;
- Il-preżenza ta' ħarrieġa u faċilitaturi f'ħafna mill-attivitajiet tiżgura approċċ aktar mill-qrib u adattat, imfassal apposta għall-ħtiġijiet tal-parteċipanti;
- Il-proġett kollu għandu jieħu approċċ konxju lejn l-inklużjoni u d-diversità. Dawn l-aspetti għandhom jitqiesu fl-ippjanar, it-tħejjija, l-implimentazzjoni u s-segwitu. Il-mod ta' kif il-proġett isaħħaħ il-kapaċità tal-organizzazzjonijiet parteċipanti biex jindirizzaw kwistjonijiet ta' inklużjoni u diversità fl-attivitajiet regolari tagħhom huwa ta' importanza partikolari.
- Il-format huwa xieraq ukoll sabiex jinvolvi parteċipanti b'inqas opportunitajiet. Il-flessibbiltà offruta mill-azzjoni fil-format tal-attivitajiet (eż. id-durata, it-tip eċċ…) tagħmilha adattabbli għall-ħtiġijiet tal-parteċipanti. Il-proġetti ta' mobbiltà għall-Persuni li Jaħdmu maż-Żgħażagħ huma adatti wkoll biex issir ħidma fuq l-inklużjoni u d-diversità bħala s-suġġett tal-proġett, pereżempju l-iskambju ta' prattiki u metodi inklużivi.

SOSTENIBBILTÀ AMBJENTALI

Proġett għandu jippromwovi mġiba ambjentalment sostenibbli u responsabbli fost il-parteċipanti, filwaqt li jqajjem is-sensibilizzazzjoni dwar l-importanza li tittieħed azzjoni biex titnaqqas jew tiġi kkumpensata l-impronta ambjentali tal-attivitajiet ta' mobbiltà. Dan għandu jitfassal u jiġi implimentat b'kuxjenza ambjentali billi eż. jiġu integrati prattiki sostenibbli bħall-għażla ta' materjali li jistgħu jerġgħu jintużaw jew li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, it-tnaqqis tal-iskart u r-riċiklaġġ, il-mezzi sostenibbli ta' trasport.

TRASFORMAZZJONI DIĠITALI

Il-Programm Erasmus+ jappoġġa lill-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha fl-inkorporazzjoni tal-użu ta' għodod diġitali u metodi ta' apprendiment biex jikkomplementaw l-attivitajiet fiżiċi tagħhom, itejbu l-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet sħab, u ħalli jtejbu l-kwalità tal-attivitajiet. Hija mħeġġa l-introduzzjoni ta' elementi diġitali u online biex jitnaqqas il-limitu għall-parteċipazzjoni tal-parteċipanti b'inqas opportunitajiet. Permezz ta' proġetti u attivitajiet li għandhom l-għan li jagħtu spinta lill-ħiliet diġitali, irawmu l-litteriżmu diġitali u/jew jiżviluppaw fehim tar-riskji u l-opportunitajiet tat-teknoloġija diġitali, il-programm jista' jibdel il-mentalità u jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' approċċi diġitali u mħallta fl-attivitajiet taż-żgħażagħ.

Skont it-tfassil u l-objettivi tal-attivitajiet, l-iżvilupp tal-kompetenzi u s-sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet diġitali, u l-użu ta' teknoloġiji ġodda, jistgħu jiġu introdotti fil-mobbiltajiet għall-apprendiment.

L-Aġenziji Nazzjonali joffru firxa ta' opportunitajiet ta' taħriġ għall-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ u għall-mexxejja taż-żgħażagħ permezz tal-Attivitajiet ta' Taħriġ u Kooperazzjoni tagħhom, inkluż dwar l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali fil-qasam taż-żgħażagħ. Dawn l-offerti huma ppubblikati fil-Kalendarju Ewropew tat-Taħriġ https://www.salto-youth.net/tools/european-training-calendar/ Tista' tittieħed ispirazzjoni wkoll mill-għodod tas-SALTO https://www.salto-youth.net/tools/

PARTEĊIPAZZJONI

Il-Programm Erasmus+ jappoġġa lill-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha fit-titjib tal-kwalità tal-proġetti tagħhom billi jintegra dimensjoni parteċipattiva, filwaqt li joffri opportunitajiet rilevanti lill-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ ħalli jinvolvu ruħhom u jipparteċipaw b'mod attiv fil-ħolqien u fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' proġetti bħala l-perkors biex jiġu skoperti l-benefiċċji taċ-ċittadinanza attiva u tal-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika. Ir-riżorsi għat-tisħiħ tad-dimensjoni parteċipattiva tal-proġetti appoġġati jistgħu jiġu aċċessati, fost l-oħrajn, permezz tas-sit web participationpool.eu. Huma mħeġġa wkoll ir-rabtiet ma' inizjattivi u pjattaformi nazzjonali, internazzjonali jew (oħrajn) eżistenti tal-UE li huma fformati madwar il-parteċipazzjoni u l-involviment ċiviku, kif ukoll l-involviment fihom.

KRITERJI UŻATI GĦALL-VALUTAZZJONI TAL-PROĠETTI STANDARD TA' MOBBILTÀ TAL-PERSUNI LI JAĦDMU MAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ

Il-kriterji ġenerali ta' hawn taħt japplikaw għall-proġetti standard ta' mobbiltà għall-Persuni li Jaħdmu maż-Żgħażagħ. Għall-applikanti akkreditati, jekk jogħġbok irreferi għat-taqsima rilevanti ta' din il-Gwida.

Min jista' japplika?	Kwalunkwe organizzazzjoni parteċipanti eliġibbli stabbilita fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm tista' tkun l-applikant. Din l-organizzazzjoni tapplika f'isem l-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha involuti fil-proġett[111].
Organizzazzjonijiet parteċipanti eliġibbli	Organizzazzjoni parteċipanti tista' tkun: • organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, assoċjazzjoni, NGO; NGO Ewropea taż-Żgħażagħ; korp pubbliku fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali; intrapriża soċjali; korp bi skop ta' qligħ attiv fir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva; • grupp ta' żgħażagħ attivi fil-ħidma fost iż-żgħażagħ iżda mhux neċessarjament fil-kuntest ta' organizzazzjoni taż-żgħażagħ (jiġifieri grupp informali ta' żgħażagħ) [112] stabbilit fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm jew f'pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm ġar tal-UE (ir-Reġjuni 1 sa 4; ara t-taqsima "Pajjiżi Eliġibbli" fil-Parti A ta' din il-Gwida).
Numru ta' organizzazzjonijiet parteċipanti	Iridu jkunu involuti mill-inqas żewġ organizzazzjonijiet parteċipanti (mill-inqas organizzazzjoni li tibgħat waħda u mill-inqas organizzazzjoni li tilqa' waħda) minn pajjiżi differenti.
Durata tal-proġett	Minn 3 xhur sa 24 xahar
Fejn napplika?	Mal-Aġenzija Nazzjonali tal-pajjiż fejn tkun stabbilita l-organizzazzjoni applikanti

[111] L-organizzazzjonijiet parteċipanti se jkollhom jiffirmaw mandat lill-organizzazzjoni applikanti. Il-mandati għandhom jiġu pprovduti fl-istadju tal-applikazzjoni u mhux aktar tard miż-żmien tal-iffirmar tal-ftehim ta' għotja. Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkonsulta l-Parti C ta' din il-Gwida.

[112] Grupp ta' mill-inqas erba' żgħażagħ ta' bejn it-13 u t-30 sena. Wieħed mill-membri tal-grupp li għandu mill-inqas 18-il sena jassumi r-rwol ta' rappreżentant u jieħu r-responsabbiltà f'isem il-grupp. Jekk jogħġbok iċċekkja l-glossarju għad-definizzjoni ta' grupp informali.

Meta napplika?	L-applikanti jridu jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għal għotja sad-dati li ġejjin: **it-23 ta' Frar f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell) għall-proġetti li jibdew bejn l-1 ta' Ġunju u l-31 ta' Diċembru tal-istess sena** **l-4 ta' Ottubru f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell) għall-proġetti li jibdew bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Mejju tas-sena ta' wara** **Ċiklu addizzjonali possibbli:** L-Aġenziji Nazzjonali jistgħu jiddeċiedu li jiftħu ċiklu addizzjonali. L-Aġenziji Nazzjonali se jinformaw lill-applikanti dwar il-ftuħ taċ-ċiklu addizzjonali permezz tas-sit web tagħhom. Jekk jiġi organizzat ċiklu addizzjonali, l-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom sal-**4 ta' Mejju f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell)** għall-proġetti li jibdew bejn l-1 ta' Awwissu u l-31 ta' Diċembru tal-istess sena
Kif napplika?	Jekk jogħġbok ara l-Parti C ta' din il-Gwida għad-dettalji dwar kif wieħed għandu japplika.
Kriterji oħrajn	Mal-formola tal-applikazzjoni jrid ikun hemm annessa dikjarazzjoni fuq l-unur tar-rappreżentant legali. Kull proġett irid jinkludi mill-inqas Attività waħda ta' Żvilupp Professjonali. Mal-formola tal-applikazzjoni jrid ikun hemm annessa skeda ta' żmien għal kull waħda mill-Attivitajiet ta' Żvilupp Professjonali, iż-żjarat preparatorji u l-attivitajiet ta' żvilupp tas-sistema u ta' sensibilizzazzjoni ppjanati fil-proġett.

Kriterji tal-Eliġibbiltà addizzjonali għall-Attivitajiet ta' Żvilupp Professjonali

Durata tal-attivitajiet	Minn jumejn sa 60 jum, esklużi l-jiem tal-ivvjaġġar. Il-minimu ta' jumejn iridu jkunu konsekuttivi.
Post(ijiet) tal-attivitajiet	L-attivitajiet iridu jsiru fil-pajjiż ta' waħda (jew diversi, f'każ ta' attivitajiet itineranti) mill-organizzazzjonijiet parteċipanti fl-attività.
Numru ta' organizzazzjonijiet parteċipanti	Iridu jkunu involuti mill-inqas żewġ organizzazzjonijiet parteċipanti (mill-inqas organizzazzjoni li tibgħat waħda u mill-inqas organizzazzjoni li tilqa' waħda) minn pajjiżi differenti. **Attivitajiet fi ħdan l-Istati Membri tal-UE u pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm**: l-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha jridu jkunu minn Stat Membru tal-UE jew minn pajjiż terz assoċjat mal-Programm. **Attivitajiet ma' pajjiżi terzi ġirien tal-UE li mhumiex assoċjati mal-Programm**: l-attività trid tinvolvi mill-inqas organizzazzjoni parteċipanti waħda minn Stat Membru tal-UE jew minn pajjiż terz assoċjat mal-Programm u organizzazzjoni parteċipanti waħda minn pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm ġar tal-UE (ir-Reġjuni 1-4).
Parteċipanti eliġibbli	L-ebda limitu ta' età. Il-parteċipanti, bl-eċċezzjoni ta' ħarrieġa, akkumpanjaturi u faċilitaturi, jeħtiġilhom ikunu residenti fil-pajjiż tal-organizzazzjoni li tibgħat jew dik li tilqa' tagħhom.
Numru ta' parteċipanti	Numru of parteċipanti: Sa 50 parteċipant (esklużi, fejn rilevanti, il-ħarrieġa, l-akkumpanjaturi u l-faċilitaturi) f'kull attività pjanata mill-proġett. F'kull attività jridu jkunu involuti parteċipanti mill-pajjiż tal-organizzazzjoni li tilqa'.
Kriterji oħrajn	Mill-inqas waħda mill-organizzazzjonijiet li tibgħat jew waħda mill-organizzazzjonijiet li tilqa' fl-attività trid tkun mill-pajjiż tal-Aġenzija Nazzjonali li lilha tiġi sottomessa l-applikazzjoni.

Kriterji tal-Eliġibbiltà addizzjonali għaż-Żjarat Preparatorji

Post(ijiet) tal-attività	L-attività trid issir fil-pajjiż ta' waħda mill-organizzazzjonijiet li tilqa'.
Parteċipanti eliġibbli	Rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet parteċipanti, ħarrieġa u faċilitaturi li jieħdu sehem fl-attività ewlenija.

KRITERJI GĦALL-GĦOTI

Il-proġetti se jiġu vvalutati skont il-kriterji li ġejjin. Sabiex jiġu kkunsidrati għall-finanzjament, il-proposti jridu jiksbu tal-inqas 60 punt. Barra minn hekk, iridu jiksbu tal-inqas nofs il-punti tal-punteġġ massimu f'kull waħda mill-kategoriji tal-kriterji għall-għoti msemmija hawn taħt.

Rilevanza, raġunament u impatt
 	
(punteġġ massimu ta' 30 punt)
	• Ir-rilevanza tal-proġett:
	  ○ għall-objettivi tal-Azzjoni;
	  ○ għall-ħtiġijiet tal-iżvilupp u l-evoluzzjoni tal-organizzazzjonijiet parteċipanti;
	  ○ għall-ħtiġijiet u l-objettivi tal-persuni parteċipanti li jaħdmu maż-żgħażagħ.
	• Kemm il-proposta hi adattata:
	  ○ għall-produzzjoni ta' eżiti tal-apprendiment ta' kwalità għolja għall-persuni parteċipanti li jaħdmu maż-żgħażagħ;
	  ○ għat-tisħiħ jew għat-trasformazzjoni tal-ħidma fost iż-żgħażagħ tal-organizzazzjonijiet parteċipanti, fir-rigward tal-kwalità, l-innovazzjoni u r-rikonoxximent, kif ukoll il-kapaċitajiet u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, minn dawk lokali għal dawk globali kif xieraq.
	  ○ għall-involviment tal-parteċipanti attivi fil-ħidma fost iż-żgħażagħ fl-organizzazzjonijiet parteċipanti,
	  ○ għall-involviment ta' organizzazzjonijiet li jwettqu ħidma konkreta fost iż-żgħażagħ u ħidma regolari maż-żgħażagħ fuq livell lokali.
	• L-impatt potenzjali tal-proġett:
	  ○ fuq il-persuni parteċipanti li jaħdmu maż-żgħażagħ u l-organizzazzjonijiet parteċipanti matul u wara l-ħajja tal-proġett;
	  ○ fuq prattiki konkreti ta' ħidma fost iż-żgħażagħ u ħidma ta' kwalità fost iż-żgħażagħ;
	  ○ barra l-organizzazzjonijiet u l-individwi li jieħdu sehem direttament fil-proġett, fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u/jew Ewropew jew globali.
	• Kemm il-proġett jinkorpora miżuri li għandhom l-għan li jagħmlu r-riżultati tiegħu sostenibbli lil hinn mill-ħajja tal-proġett;
	• Kemm il-proġett huwa adattat biex jikkontribwixxi għall-inklużjoni u d-diversità, id-dimensjonijiet ekoloġiċi, diġitali u parteċipattivi tal-Programm;
	• Kemm il-proġett jintroduċi parteċipanti ġodda u organizzazzjonijiet b'inqas esperjenza għall-Azzjoni.
	• Kemm l-attivitajiet proposti ta' żvilupp tas-sistema u ta' sensibilizzazzjoni qegħdin jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-ambjent tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, (jekk applikabbli).

Kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 40 punt)**	• Il-konsistenza bejn il-ħtiġijiet identifikati, l-objettivi tal-proġett, il-profili tal-parteċipanti u l-attivitajiet proposti; • Kemm il-proġett jikkontribwixxi għat-titjib tal-kwalità tal-ħidma fost iż-żgħażagħ tal-organizzazzjonijiet parteċipanti • Iċ-ċarezza, il-kompletezza u l-kwalità tal-fażijiet kollha tal-proġett: it-tħejjija (inkluża t-tħejjija pprovduta lill-parteċipanti), l-implimentazzjoni tal-attivitajiet u s-segwitu; • L-adegwatezza tal-miżuri għall-għażla tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ (f'konformità mad-definizzjoni tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ fil-bażi ġuridika) fl-attivitajiet u kemm il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ ikunu involuti b'mod attiv fl-istadji kollha tal-proġett; • Kemm l-attivitajiet huma mfassla b'mod aċċessibbli u inklużiv u huma miftuħa għal parteċipanti b'inqas opportunitajiet. • L-adegwatezza tal-metodi ta' apprendiment parteċipattiv proposti, inkluż ta' kwalunkwe komponent virtwali; • Il-kwalità tal-arranġamenti u l-appoġġ għall-proċess ta' riflessjoni, l-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-eżiti tal-apprendiment tal-parteċipanti, u l-użu konsistenti tal-għodod Ewropej ta' trasparenza u ta' rikonoxximent, b'mod partikolari l-Youthpass; • Ir-rappreżentanza bilanċjata tal-parteċipanti f'termini ta' pajjiżi u ġeneru; • Kemm l-attivitajiet jinkorporaw prattiki sostenibbli u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent; • Il-kwalità tal-għodod u l-prattiki proposti taħt "attivitajiet ta' żvilupp tas-sistema u ta' sensibilizzazzjoni" u kemm it-tfassil tagħhom jista' jiġi rreplikat u jispira organizzazzjonijiet oħrajn (jekk applikabbli)
Kwalità tal-ġestjoni tal-proġetti **(punteġġ massimu ta' 30 punt)**	• Il-kwalità tal-arranġamenti prattiċi, il-ġestjoni u l-modalitajiet ta' appoġġ; • Il-kwalità tal-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet parteċipanti, kif ukoll ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn; • Il-kwalità tal-miżuri għall-evalwazzjoni tal-fażijiet u l-eżiti differenti tal-proġett; • L-adegwatezza u l-kwalità tal-miżuri mmirati lejn it-tixrid tal-eżiti tal-proġett fi ħdan l-organizzazzjonijiet parteċipanti u lil hinn minnhom.

REGOLI TA' FINANZJAMENT

<table>
<tr><th>Kategorija tal-baġit</th><th>Kostijiet eliġibbli u regoli applikabbli</th><th colspan="3">Ammont</th></tr>
<tr><td>Appoġġ Organizzazzjonali</td><td>Kostijiet relatati direttament mal-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' mobbiltà.

Mekkaniżmu ta' finanzjament: kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji.

Regola tal-allokazzjoni: abbażi tan-numru ta' parteċipanti, esklużi l-akkumpanjaturi, il-ħarrieġa u l-faċilitaturi.</td><td colspan="3">EUR 100 għal kull parteċipant f'Attività ta' Żvilupp Professjonali.</td></tr>
<tr><td rowspan="8">Vjaġġar</td><td rowspan="8">Kontribuzzjoni għall-kostijiet tal-ivvjaġġar tal-parteċipanti, inklużi l-ħarrieġa, l-akkumpanjaturi u l-faċilitaturi, mill-post tal-oriġini tagħhom sal-post tal-attività u lura.

Mekkaniżmu ta' finanzjament: kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji.

Regola tal-allokazzjoni: abbażi tad-distanza tal-ivvjaġġar u n-numru ta' persuni.

L-applikant jeħtieġlu jindika d-distanza bejn il-post tal-oriġini u l-post tal-attività[113] billi juża l-kalkulatur tad-distanza appoġġat mill-Kummissjoni Ewropea[114].

Għall-attivitajiet itineranti, l-applikant għandu jżid id-distanzi bejn il-postijiet individwali u jagħżel il-medda ta' distanza li tikkorrispondi għat-total[115].</td><td>Distanza tal-ivvjaġġar</td><td>Vjaġġar standard</td><td>Vjaġġar ekoloġiku</td></tr>
<tr><td>10 – 99 km</td><td>EUR 23</td><td></td></tr>
<tr><td>100 – 499 km</td><td>EUR 180</td><td>EUR 210</td></tr>
<tr><td>500 – 1999 km</td><td>EUR 275</td><td>EUR 320</td></tr>
<tr><td>2000 – 2999 km</td><td>EUR 360</td><td>EUR 410</td></tr>
<tr><td>3000 – 3999 km</td><td>EUR 530</td><td>EUR 610</td></tr>
<tr><td>4000 – 7999 km</td><td>EUR 820</td><td></td></tr>
<tr><td>8000 km jew aktar</td><td>EUR 1,500</td><td></td></tr>
</table>

[113] Pereżempju, jekk persuna minn Madrid (Spanja) qed tieħu sehem f'attività li qed issir f'Ruma (l-Italja), l-applikant jikkalkula d-distanza minn Madrid sa Ruma (1365.28 KM) u mbagħad jagħżel il-medda tad-distanza tal-ivvjaġġar applikabbli (jiġifieri bejn 500 u 1,999 km).

[114] http://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/tools/distance_mt.htm

[115] Pereżempju, jekk parteċipant minn Madrid (Spanja) ikun qiegħed jieħu sehem f'attività itineranti li sseħħ l-ewwel f'Ruma (l-Italja) u mbagħad f'Ljubljana (is-Slovenja), l-applikant l-ewwel jikkalkula d-distanza bejn Madrid u Ruma (1365.28 KM), imbagħad bejn Ruma u Ljubljana (489.75 KM) u jżid iż-żewġ distanzi flimkien (1855.03 KM) b) jagħżel il-medda tad-distanza tal-ivvjaġġar applikabbli (jiġifieri bejn 500 u 1,999 KM) u c) jikkalkula l-għotja tal-UE li se tipprovdi l-kontribuzzjoni għall-kostijiet tal-ivvjaġġar tal-parteċipant minn Madrid għal Ljubljana (b'waqfa f'Ruma) u r-ritorn (EUR 275).

Appoġġ individwali	Kostijiet marbuta mas-sussistenza. **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji. **Regola tal-allokazzjoni:** abbażi tad-durata tas-soġġorn għal kull parteċipant, inklużi l-akkumpanjaturi, il-ħarrieġa u l-faċilitaturi (jekk ikun meħtieġ), inkluż ukoll jum ta' vjaġġar wieħed qabel l-attività u jum ta' vjaġġar ieħor wara l-attività, u sa **erbat ijiem** addizzjonali għall-parteċipanti li jirċievu għotja għall-ivvjaġġar ekoloġiku.	Tabella A2.2 għal kull parteċipant għal kull jum. Massimu ta' EUR 1,100 għal kull parteċipant (inklużi l-ħarrieġa, il-faċilitaturi u l-akkumpanjaturi)
Appoġġ għall-inklużjoni	**Appoġġ għall-inklużjoni għall-organizzazzjonijiet:** Kostijiet relatati mal-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' mobbiltà li jinvolvu parteċipanti b'inqas opportunitajiet. **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji. **Regola tal-allokazzjoni:** abbażi tan-numru ta' parteċipanti b'inqas opportunitajiet, esklużi l-akkumpanjaturi, il-ħarrieġa u l-faċilitaturi.	EUR 100 għal kull parteċipant
	Appoġġ għall-inklużjoni għall-parteċipanti: Kostijiet addizzjonali relatati direttament ma' parteċipanti b'inqas opportunitajiet u l-akkumpanjaturi, il-ħarrieġa u l-faċilitaturi tagħhom (inklużi kostijiet iġġustifikati relatati mal-ivvjaġġar u s-sussistenza jekk ma tintalabx għotja għal dawn il-parteċipanti permezz tal-kategoriji tal-baġit "Vjaġġar" u "Appoġġ individwali"). **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kostijiet reali. **Regola tal-allokazzjoni:** it-talba trid tkun iġġustifikata mill-applikant u approvata mill-Aġenzija Nazzjonali.	100 % tal-kostijiet eliġibbli
Appoġġ għaż-żjara preparatorja	Kostijiet marbuta mal-implimentazzjoni taż-żjara preparatorja li jinkludu l-ivvjaġġar u s-sussistenza. **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji. **Regola tal-allokazzjoni:** esklużi l-parteċipanti mill-organizzazzjoni li tilqa'. Jistgħu jiġu ffinanzjati massimu ta' żewġ parteċipanti għal kull organizzazzjoni parteċipanti għal kull attività. Barra minn hekk, jista'	EUR 575 għal kull parteċipant għal kull żjara preparatorja.

	jiġi ffinanzjat ukoll faċilitatur wieħed għal kull żjara preparatorja. Kundizzjonali: il-ħtieġa ta' Żjara Preparatorja, l-objettivi u l-parteċipanti jridu jkunu ġġustifikati mill-applikant u approvati mill-Aġenzija Nazzjonali. Din il-kundizzjoni ma tapplikax għal proġetti ffinanzjati taħt is-sistema ta' akkreditazzjoni.	
Attivitajiet ta' żvilupp tas-sistema u ta' sensibilizzazzjoni	Kostijiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-attivitajiet komplementari. Kostijiet indiretti: Ammont b'rata fissa, li ma jaqbiżx 7 % tal-kostijiet diretti eliġibbli tal-attivitajiet komplementari, huwa eliġibbli taħt kostijiet indiretti, u jirrappreżenta l-kostijiet amministrattivi ġenerali tal-benefiċjarju li jistgħu jitqiesu debitabbli għall-attivitajiet komplementari (eż. il-kontijiet tad-dawl jew tal-internet, il-kostijiet għall-post, il-kost tal-persunal permanenti, eċċ.). **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kostijiet reali. **Regola tal-allokazzjoni:** il-ħtieġa u l-objettivi jridu jkunu ġġustifikati mill-applikant u approvati mill-Aġenzija Nazzjonali. Massimu ta' 10 % tal-kostijiet totali tal-proġett jistgħu jiġu allokati għal dawn l-attivitajiet.	Massimu sa 80 % tal-kostijiet eliġibbli.
Kostijiet eċċezzjonali	Kostijiet għall-għoti ta' garanzija finanzjarja, jekk l-Aġenzija Nazzjonali titlob dan. Kostijiet tal-viża u dawk relatati mal-viża, permessi ta' residenza, vaċċinazzjonijiet, ċertifikati mediċi. Il-kostijiet tal-ivvjaġġar għaljin tal-parteċipanti, inkluż tal-akkumpanjaturi, il-ħarrieġa u l-faċilitaturi li ma jistgħux jiġu appoġġati bil-kategorija standard "Vjaġġar" minħabba l-pożizzjoni ġeografika remota jew ostakli oħrajn (jiġifieri meta l-użu ta' mezzi tat-trasport aktar nodfa u b'livell aktar baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jirriżulta f'kostijiet għoljin tal-ivvjaġġar). **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kostijiet reali. **Regola tal-allokazzjoni:** it-talba trid tkun iġġustifikata mill-applikant u approvata mill-Aġenzija Nazzjonali**.** L-ivvjaġġar għali japplika f'każijiet fejn l-appoġġ għall-ivvjaġġar ibbażat fuq il-kost unitarju ma jkoprix 70 % tal-kostijiet tal-ivvjaġġar tal-parteċipanti. Jekk jingħataw, il-kostijiet eċċezzjonali għall-ivvjaġġar għali	**Garanzija finanzjarja:** 80 % tal-kostijiet eliġibbli Kostijiet tal-ivvjaġġar għaljin: 80 % tal-kostijiet eliġibbli tal-ivvjaġġar **Kostijiet tal-viża u dawk relatati mal-viża, permessi ta' residenza, vaċċinazzjonijiet, ċertifikati mediċi:** 100 % tal-kostijiet eliġibbli

	jissostitwixxu l-għotja standard għall-ivvjaġġar.	

Tabella A2.2 **Appoġġ individwali għall-Attivitajiet ta' Żvilupp Professjonali**

	Appoġġ Individwali (euro għal kull jum)
L-Awstrija	EUR 68
Il-Belġju	EUR 73
Il-Bulgarija	EUR 60
Il-Kroazja	EUR 70
Ċipru	EUR 65
Ir-Repubblika Ċeka	EUR 61
Id-Danimarka	EUR 81
L-Estonja	EUR 63
Il-Finlandja	EUR 80
Il-Maċedonja ta' Fuq	EUR 51
Franza	EUR 74
Il-Ġermanja	EUR 65
Il-Greċja	EUR 80
L-Ungerija	EUR 62
L-Iżlanda	EUR 80
L-Irlanda	EUR 83
L-Italja	EUR 74
Il-Latvja	EUR 66
Il-Liechtenstein	EUR 83
Il-Litwanja	EUR 65
Il-Lussemburgu	EUR 74
Malta	EUR 73
In-Netherlands	EUR 77
In-Norveġja	EUR 83
Il-Polonja	EUR 66
Il-Portugall	EUR 73
Ir-Rumanija	EUR 61
Is-Serbja	EUR 51
Is-Slovakkja	EUR 67
Is-Slovenja	EUR 67
Spanja	EUR 68

L-Iżvezja	EUR 79
It-Turkija	EUR 61
Pajjiżi terzi ġirien mhux assoċjati mal-Programm	EUR 54

ATTIVITAJIET TA' PARTEĊIPAZZJONI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Din l-azzjoni[116] tappoġġa attivitajiet barra mill-edukazzjoni u t-taħriġ formali li jħeġġu, irawmu u jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika tal-Ewropa fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew.

OBJETTIVI TAL-AZZJONI

L-Erasmus+ jappoġġa proġetti ta' parteċipazzjoni lokali, nazzjonali, tranżnazzjonali u internazzjonali mmexxija miż-żgħażagħ u ġestiti minn gruppi informali ta' żgħażagħ u/jew organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ li jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika tal-Ewropa u li jsegwu wieħed mill-objettivi li ġejjin jew aktar:

- jipprovdu liż-żgħażagħ b'opportunitajiet biex jinvolvu ruħhom u jitgħallmu jipparteċipaw fis-soċjetà ċivika billi joffru perkorsi ta' involviment għaż-żgħażagħ fil-ħajja ta' kuljum tagħhom iżda anke fil-ħajja demokratika, bil-għan li jkun hemm parteċipazzjoni ċivika, ekonomika, soċjali, kulturali u politika sinifikanti taż-żgħażagħ minn kull sfond, b'enfasi speċjali fuq dawk b'inqas opportunitajiet);
- iqajmu sensibilizzazzjoni fost iż-żgħażagħ dwar il-valuri komuni u d-drittijiet fundamentali Ewropej u jikkontribwixxu għall-proċess ta' integrazzjoni Ewropea, inkluż permezz tal-kontribuzzjoni għall-ilħuq ta' wieħed mill-Għanijiet tal-UE dwar iż-Żgħażagħ jew aktar;
- jiżviluppaw il-kompetenzi diġitali u l-litteriżmu medjatiku taż-żgħażagħ (b'mod partikolari l-ħsieb kritiku u l-kapaċità li jivvalutaw u jaħdmu bl-informazzjoni) bil-għan li tiżdied ir-reżiljenza taż-żgħażagħ għad-diżinformazzjoni, l-aħbarijiet foloz u l-propaganda, kif ukoll il-kapaċità tagħhom li jipparteċipaw fil-ħajja demokratika;
- ilaqqgħu flimkien liż-żgħażagħ u lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tranżnazzjonali u/jew jikkontribwixxu għad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ.

KUNTEST TAL-POLITIKA

L-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ 2019-2027[117] tistabbilixxi Qafas għal Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ, ibbażat fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Mejju 2018 dwar "L-Impenn, il-Konnessjoni u l-Għoti tas-Setgħa liż-żgħażagħ". Taħt il-qasam ewlieni "Involviment", l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ timmira lejn parteċipazzjoni ċivika, ekonomika, soċjali, kulturali u politika sinifikanti taż-żgħażagħ. L-Istrateġija trawwem il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika, tappoġġa l-involviment soċjali u ċiviku u għandha l-għan li tiżgura li ż-żgħażagħ kollha jkollhom ir-riżorsi meħtieġa sabiex jieħdu sehem fis-soċjetà.

L-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ tinkludi wkoll proċess ta' djalogu maż-Żgħażagħ u f'dak il-kuntest, fl-2018 ġew żviluppati 11-il għan Ewropew dwar iż-Żgħażagħ, li jidentifikaw firxa ta' oqsma transsettorjali li jaffettwaw il-ħajja taż-żgħażagħ u jindikaw l-isfidi li għandhom jiġu indirizzati f'kull wieħed minnhom. Abbażi tal-kontribut tal-partijiet ikkonċernati żgħażagħ, kull ċiklu ta' 18-il xahar tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ jidentifika prijoritajiet tematiċi speċifiċi, magħżula biex isiru l-fokus tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ matul perjodu partikolari.

Strateġiji tematiċi fil-qasam taż-żgħażagħ

[116] Il-baġit prinċipali ta' din l-Azzjoni huwa allokat biex jappoġġa attivitajiet tranżnazzjonali li jinvolvu organizzazzjonijiet u parteċipanti minn Stati Membri tal-UE u pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm. Madankollu, sa 25 % tal-baġit disponibbli jista' jiffinanzja proġetti internazzjonali inklużi organizzazzjonijiet u parteċipanti minn pajjiżi terzi ġirien tal-UE li mhumiex assoċjati mal-Programm (ir-reġjuni 1 sa 4; ara t-taqsima "Pajjiżi eliġibbli" fil-Parti A ta' din il-Gwida).
[117] https://europa.eu/youth/strategy_mt

Il-Programm Erasmus+ ifittex li jippromwovi l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, it-tisħiħ tal-kwalità ta' proċessi ta' apprendiment informali u mhux formali u l-iżvilupp ta' ħidma ta' kwalità fost iż-żgħażagħ. Aktar appoġġ f'dawn l-oqsma huwa disponibbli permezz ta' strateġiji tematiċi speċifiċi, bħall-Istrateġija għall-Parteċipazzjoni taż-Żgħażagħ, il-Youthpass u l-Istrateġija Ewropea għat-Taħriġ (ETS)[118].

DESKRIZZJONI TAL-ATTIVITAJIET

L-attivitajiet tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ huma attivitajiet ta' apprendiment mhux formali li jikkonċernaw il-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażagħ. Tali attivitajiet għandhom l-għan li jippermettu liż-żgħażagħ jesperjenzaw skambji, kooperazzjoni, azzjoni kulturali u ċivika. L-attivitajiet appoġġati għandhom jgħinu lill-parteċipanti jsaħħu l-kompetenzi personali, soċjali, taċ-ċittadinanza u dawk diġitali tagħhom u jsiru ċittadini Ewropej attivi.

Din l-Azzjoni tappoġġa l-użu ta' forom alternattivi, innovattivi, intelliġenti u diġitali ta' parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, inkluża l-estensjoni tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ f'varjetà ta' setturi u spazji (servizzi tal-kura tas-saħħa, faċilitajiet sportivi eċċ., irrispettivament minn jekk dawn humiex operati mis-settur pubbliku jew privat), u b'hekk tiftaħ il-perkorsi għall-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażagħ minn kull sfond.

L-attivitajiet ta' parteċipazzjoni taż-żgħażagħ jistgħu jintużaw b'mod attiv biex isiru djalogi u diskussjonijiet bejn iż-żgħażagħ u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet ħalli tiġi promossa l-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika fl-Ewropa. Bħala riżultat konkret, iż-żgħażagħ jistgħu jsemmgħu leħinhom (permezz tal-formulazzjoni ta' pożizzjonijiet, proposti u rakkomandazzjonijiet) speċjalment dwar kif għandhom jitfasslu u jiġu implimentati l-politiki dwar iż-żgħażagħ fl-Ewropa. L-attivitajiet ta' parteċipazzjoni taż-żgħażagħ jistgħu jieħdu wkoll il-forma ta' azzjoni ċivika u ta' attiviżmu taż-żgħażagħ, li jippermettu liż-żgħażagħ jinvolvu ruħhom f'diversi modi biex iqajmu sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet li huma importanti għalihom.

L-attivitajiet ta' parteċipazzjoni taż-żgħażagħ jistgħu jkunu jew tranżnazzjonali (implimentati f'pajjiż parteċipant wieħed jew aktar u jinvolvu grupp(i) informali ta' żgħażagħ u/jew organizzazzjonijiet minn diversi pajjiżi parteċipanti) jew nazzjonali (implimentati fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali u jinvolvu grupp(i) informali ta' żgħażagħ u/jew organizzazzjonijiet minn pajjiż parteċipant wieħed). L-attivitajiet nazzjonali tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ huma partikolarment adatti biex jittestjaw l-ideat fil-livell lokali u bħala għodda għas-segwitu ta' inizjattivi preċedenti biex jgħinu fit-titjib u l-iżvilupp ulterjuri ta' ideat ta' suċċess.

L-attivitajiet kollha tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, irrispettivament mil-livell li fih jiġu implimentati, jeħtieġ ikollhom dimensjoni Ewropea ċara u/jew valur miżjud u kull attività individwali appoġġata trid tikkontribwixxi b'mod ċar biex jintlaħaq wieħed mill-objettivi tal-Azzjoni elenkati hawn fuq jew aktar.

L-attivitajiet appoġġati jistgħu jieħdu l-forma ta' (jew ikunu taħlita ta'): workshops, dibattiti, logħob ta' rwol, simulazzjonijiet, użu ta' għodod diġitali (eż. għodod għad-demokrazija diġitali), kampanji ta' sensibilizzazzjoni, taħriġ,

[118] L-istrateġiji jistgħu jinsabu hawn: Strateġija għall-Parteċipazzjoni taż-Żgħażagħ: https://participationpool.eu/ Youthpass: https://www.youthpass.eu/de/ SALTO-ŻGĦAŻAGĦ - X'inhu Youthpass? / ETS: https://www.salto-youth.net/rc/training-and-cooperation/trainingstrategy/

laqgħat u forom oħrajn ta' interazzjoni online jew offline bejn iż-żgħażagħ u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, konsultazzjonijiet, avvenimenti ta' informazzjoni u/jew kulturali eċċ.

Xi eżempji ta' attivitajiet li jistgħu jiġu implimentati fi ħdan proġett huma:

- workshops u/jew laqgħat wiċċ imb wiċċ jew online, seminars jew avvenimenti/proċessi oħrajn fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali jew tranżnazzjonali li joffru spazju għal informazzjoni, dibattitu u parteċipazzjoni attiva taż-żgħażagħ dwar kwistjonijiet rilevanti għall-ħajja ta' kuljum tagħhom bħala ċittadini Ewropej attivi, li idealment jinkludu, iwasslu jew isegwu l-interazzjonijiet ma' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u partijiet ikkonċernati oħrajn ikkonċernati minn tali kwistjonijiet;
- konsultazzjonijiet maż-żgħażagħ li jidentifikaw suġġetti/kwistjonijiet ta' rilevanza speċifika għalihom (fil-kuntest lokali, reġjonali, nazzjonali jew tranżnazzjonali) u jidentifikaw il-ħtiġijiet tagħhom relatati mal-parteċipazzjoni fl-indirizzar ta' tali suġġetti/kwistjonijiet;
- kampanji ta' sensibilizzazzjoni li jikkonċernaw il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika, inklużi avvenimenti ta' informazzjoni u/jew kulturali marbuta ma' sfidi speċifiċi tas-soċjetà rilevanti għaż-żgħażagħ;
- il-faċilitazzjoni tal-aċċess għal spazji virtwali u/jew fiżiċi miftuħa, sikuri u aċċessibbli għaż-żgħażagħ, li joffru opportunitajiet effettivi għall-apprendiment sabiex wieħed jipparteċipa fil-ħajja u l-proċessi demokratiċi;
- simulazzjonijiet tal-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi u r-rwoli ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fi ħdan tali istituzzjonijiet.

Kull fejn ikun rilevanti, huwa mħeġġeġ ħafna li jiġu integrati formati ta' attività diġitali (eż. webinars, hackathons, diversi għodod tal-e-parteċipazzjoni eċċ.) u/jew taħriġ dwar l-użu ta' għodod tad-demokrazija diġitali f'attivitajiet li għandhom jiġu implimentati fi ħdan proġett ta' attivitajiet tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ.

Proġett għandu jikkonsisti minn attivitajiet differenti li flimkien jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettivi ppjanati.

Dawn l-attivitajiet għandhom jiġu ffinanzjati primarjament permezz tal-kategorija tal-baġit "ġestjoni tal-proġett", li hija kontribuzzjoni ta' unità ta' kull xahar. Dawn l-attivitajiet tal-proġett tipikament se jinkludu laqgħat ta' ġestjoni tal-proġetti u attivitajiet kontinwi u regolari tal-proġett. Il-proġett jista' jinkludi wkoll avveniment wieħed jew aktar ta' Parteċipazzjoni taż-żgħażagħ.

It-terminu "avvenimenti fiżiċi" jkopri avvenimenti li huma ċentrali biex jintlaħqu l-objettivi tal-proġett; jistgħu jimmarkaw l-istadji importanti fil-proġett u għandhom jispikkaw b'mod ċar mill-attivitajiet tal-proġett li jkunu għaddejjin, jew permezz tal-kontenut tagħhom, id-daqs tagħhom jew il-profil tal-parteċipanti tagħhom. Barra minn hekk, avveniment ta' Parteċipazzjoni taż-żgħażagħ huwa avveniment fiżiku, li jinvolvi l-preżenza fiżika taż-żgħażagħ u, fejn rilevanti, parteċipanti oħrajn wkoll. Għal avveniment fiżiku ma jattendux biss il-membri tal-grupp informali jew iż-żgħażagħ fl-organizzazzjonijiet benefiċjarji li huma direttament involuti fl-attivitajiet kumplessivi tal-proġett, iżda anke udjenza usa' ta' żgħażagħ u/jew ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet. Id-durata tal-avveniment għandha tkun xierqa għall-attivitajiet ippjanati u għall-kisbiet mistennija, u l-avvenimenti jistgħu jkunu kemm qosra ħafna (sigħat) kif ukoll itwal. Appoġġ speċifiku għall-organizzazzjoni ta' avvenimenti fiżiċi huwa disponibbli fuq bażi ta' "kull parteċipant għal kull avveniment", irrispettivament mid-durata tal-avveniment.

Il-proġetti ta' parteċipazzjoni taż-żgħażagħ li għandhom attivitajiet ta' proġett jew avvenimenti fiżiċi li jirrikjedu li l-parteċipanti jivvjaġġaw lejn post differenti minn fejn jirrisjedu, jistgħu japplikaw għal finanzjament addizzjonali għall-mobbiltà, li huwa magħmul minn appoġġ għall-ivvjaġġar u għas-sussistenza. Proġetti ta' parteċipazzjoni tal-Mobbiltà taż-Żgħażagħ jistgħu jkunu kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali, iżda dejjem għandhom jappoġġaw attività ta' proġett iffinanzjata permezz tal-kostijiet tal-ġestjoni tal-proġett jew avveniment ta' parteċipazzjoni taż-żgħażagħ (iffinanzjat permezz tal-appoġġ għal Avvenimenti ta' parteċipazzjoni taż-żgħażagħ).

It-tipi ta' attivitajiet li ġejjin ma jistgħux jiġu appoġġati fil-qafas ta' din l-Azzjoni: laqgħat statutorji ta' organizzazzjonijiet jew networks ta' organizzazzjonijiet, **l-organizzazzjoni ta' avvenimenti politiċi partiġjani**, l-infrastruttura fiżika (eż. il-kost tal-kostruzzjoni/l-akkwist ta' binjiet u t-tagħmir permanenti tagħhom).

Eżempji ta' proġetti b'element qawwi ta' parteċipazzjoni (mhux limitat għall-format tal-attivitajiet tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ) u l-aħjar prattiki rilevanti jistgħu jinstabu fis-Sett ta' Għodod għall-Parteċipazzjoni taż-Żgħażagħ[119].

STABBILIMENT TA' PROĠETT

Proġett appoġġat minn din l-Azzjoni għandu jinkludi wieħed jew aktar mill-elementi deskritti hawn fuq. Dawn l-elementi jistgħu jiġu kkombinati b'mod flessibbli, skont l-objettivi tal-proġett u l-ħtiġijiet tal-organizzazzjoni(jiet) parteċipanti u l-parteċipanti.

Proġett huwa implimentat minn grupp informali wieħed jew aktar ta' żgħażagħ, organizzazzjoni waħda jew aktar, jew taħlita tagħhom. Il-grupp(i) informali taż-żgħażagħ u/jew l-organizzazzjonijiet parteċipanti jridu jiġu identifikati fl-istadju tal-applikazzjoni. Żgħażagħ oħrajn jistgħu jkunu involuti fil-proġett bħala parteċipanti f'xi wħud mill-attivitajiet jew bħala parti mill-grupp fil-mira għall-attivitajiet. Jekk ikun involut biss grupp informali ta' żgħażagħ, wieħed mill-membri tal-grupp japplika f'isem il-grupp. Jekk ikunu involuti diversi gruppi jew organizzazzjonijiet, wieħed minnhom jieħu r-rwol ta' koordinatur u japplika għall-proġett kollu f'isem is-sħubija.

Proġett jikkonsisti f'erba' stadji: l-ippjanar, it-tħejjija, l-implimentazzjoni u s-segwitu. L-organizzazzjonijiet parteċipanti u ż-żgħażagħ involuti fl-attivitajiet għandhom jieħdu rwol attiv f'dawk l-istadji kollha u b'hekk isaħħu l-esperjenza tal-apprendiment tagħhom ("attivitajiet maħsuba miż-żgħażagħ għaż-żgħażagħ"). Is-Sett ta' Għodod għall-Parteċipazzjoni taż-Żgħażagħ jista' jipprovdi ideat u gwida prattiċi sabiex tissaħħaħ il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ.

- L-ippjanar (id-definizzjoni tal-ħtiġijiet, l-objettivi, l-eżiti tal-apprendiment, il-formati tal-attività, l-iżvilupp tal-programm ta' ħidma, l-iskeda tal-attivitajiet, eċċ.)
- It-tħejjija (arranġamenti prattiċi, l-istabbiliment ta' ftehimiet mas-sħab, il-konferma tal-grupp(i) fil-mira tal-attivitajiet previsti, it-tħejjija lingwistika/interkulturali/relatata mal-apprendiment u mal-kompiti tal-parteċipanti, eċċ.);
- L-implimentazzjoni tal-attivitajiet;
- Is-segwitu (l-evalwazzjoni tal-attivitajiet, l-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-eżiti tal-apprendiment tal-parteċipanti, kif ukoll it-tixrid u l-użu tal-eżiti tal-proġett). Bħala parti mill-fażi ta' segwitu, kull proġett għandu jipprevedi li jipprovdi feedback dwar l-eżiti konkreti tal-proġett lill-parteċipanti żgħażagħ, inkluż dwar kif tali eżiti jkunu ġew ikkomunikati lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn u/jew użati minnhom.

Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ

Is-suġġetti u l-prijoritajiet identifikati fil-kuntest tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ[120] jistgħu jservu ta' ispirazzjoni għall-attivitajiet tal-parteċipazzjoni taż-Żgħażagħ fil-livelli kollha. Sors simili ta' ispirazzjoni jista' jinsab fl-Għanijiet tal-UE dwar iż-

[119] https://participationpool.eu/toolkit/
[120] https://europa.eu/youth/strategy/euyouthdialogue_mt

Żgħażagħ żviluppati fid-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ u li jidentifikaw oqsma transsettorjali li jaffettwaw il-ħajja taż-żgħażagħ u jindikaw l-isfidi. Barra minn hekk, ir-riżultati ta' attivitajiet ta' parteċipazzjoni taż-żgħażagħ ta' suċċess jistgħu jintużaw bħala kontribut għal stadji ulterjuri tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ.

Proċess ta' Apprendiment

Proġett ta' Attivitajiet ta' parteċipazzjoni taż-żgħażagħ jeħtieġ jipprevedi appoġġ għall-proċess ta' riflessjoni, l-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-eżiti individwali tal-apprendiment tal-parteċipanti kollha [jiġifieri anke parteċipanti li ma jkunux fil-grupp(i) informali taż-żgħażagħ li jimplimentaw il-proġett u/jew dawk li ma jkunux fost iż-żgħażagħ involuti b'mod attiv fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-proġett], b'mod partikolari permezz tal-Youthpass.

Protezzjoni u Sikurezza tal-parteċipanti

Matul l-ippjanar u t-tħejjija ta' proġett, għandha tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-protezzjoni u s-sikurezza tal-parteċipanti u għandhom jiġu previsti l-miżuri kollha meħtieġa għall-prevenzjoni/it-tnaqqis tar-riskji.

Bini ta' Komunità

L-inklużjoni tal-attivitajiet tal-bini ta' komunità f'attivitajiet tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ hija mħeġġa bil-qawwa. Kull fejn ikun possibbli, tali attivitajiet għandhom ifittxu li jissopravivu lil hinn mid-durata tal-proġetti appoġġati u jsiru awtosuffiċjenti.

Standards tal-Kwalità tal-Erasmus għaż-Żgħażagħ

L-implimentazzjoni tal-attivitajiet kollha appoġġati fil-qafas ta' din l-Azzjoni trid issegwi l-**Istandards tal-Kwalità tal-Erasmus għaż-Żgħażagħ** biex jiġu organizzati attivitajiet ta' mobbiltà għall-apprendiment ta' kwalità għolja. L-Istandards tal-Kwalità tal-Erasmus għaż-Żgħażagħ ikopru l-prinċipji bażiċi tal-Azzjoni, kif ukoll prattiki ta' implimentazzjoni konkreti għal kompiti ta' proġetti bħall-għażla u t-tħejjija tal-parteċipanti, id-definizzjoni, l-evalwazzjoni u r-rikonoxximent tal-eżiti tal-apprendiment, il-kondiviżjoni tar-riżultati tal-proġetti, eċċ. L-**Istandards tal-Kwalità tal-Erasmus għaż-Żgħażagħ** huma disponibbli hawnhekk https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/resources/documents/erasmus-quality-standards-mobility-projects-youth_en

DIMENSJONIJIET ORIZZONTALI

Inklużjoni u diversità

Il-Programm Erasmus+ ifittex li jippromwovi l-opportunitajiet indaqs u l-aċċess, l-inklużjoni u l-ġustizzja fl-azzjonijiet kollha tiegħu. L-applikanti għandhom ifasslu attivitajiet ta' proġetti aċċessibbli u inklużivi, filwaqt li jqisu l-fehmiet tal-parteċipanti b'inqas opportunitajiet u jinvolvuhom fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

L-attivitajiet ta' parteċipazzjoni taż-żgħażagħ huma partikolarment adatti għall-inklużjoni taż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet:

- L-attivitajiet ta' parteċipazzjoni taż-żgħażagħ huma mfassla bħala format ta' azzjoni ta' bażi b'parametri flessibbli ħafna (id-durata, in-numru ta' parteċipanti, l-attivitajiet nazzjonali/tranżnazzjonali eċċ.), li jistgħu jiġu adattati faċilment għall-ħtiġijiet speċifiċi taż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet.
- Gruppi informali ta' żgħażagħ li jwettqu proġett ta' attivitajiet ta' parteċipazzjoni taż-żgħażagħ jistgħu jiġu appoġġati minn **kowċ**[121]. Is-servizzi ta' kowċ jistgħu jkunu partikolarment rilevanti u ta' għajnuna biex jappoġġaw liż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet fl-iżvilupp u fit-twettiq tal-proġetti tagħhom.
- L-objettivi tal-azzjoni jinkludu l-għoti ta' opportunitajiet liż-żgħażagħ biex jitgħallmu jipparteċipaw fis-soċjetà ċivika, kif ukoll it-titjib tal-litteriżmu diġitali u medjatiku. Il-proġetti li jsegwu dawn l-għanijiet jistgħu jkunu utli b'mod speċjali sabiex jgħinu liż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet jegħlbu xi wħud mill-isfidi li jistgħu jkunu qegħdin jiffaċċjaw.

L-attivitajiet tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ huma wkoll partikolarment adattati biex jaħdmu tematikament fuq l-inklużjoni u d-diversità fis-soċjetà, pereżempju biex jappoġġaw il-ġlieda kontra l-istereotipi, irawmu l-fehim, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni.

Sostenibbiltà Ambjentali

Proġett għandu jippromwovi mġiba ambjentalment sostenibbli u responsabbli fost il-parteċipanti, filwaqt li jqajjem is-sensibilizzazzjoni dwar l-importanza li tittieħed azzjoni biex titnaqqas jew tiġi kkumpensata l-impronta ambjentali tal-attivitajiet ta' mobbiltà. Dan għandu jitfassal u jiġi implimentat b'kuxjenza ambjentali billi eż. jiġu integrati prattiki sostenibbli bħall-għażla ta' materjali li jistgħu jerġgħu jintużaw jew li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, it-tnaqqis tal-iskart u r-riċiklaġġ, il-mezzi sostenibbli ta' trasport.

Trasformazzjoni diġitali fil-qasam taż-żgħażagħ

Il-Programm Erasmus+ jappoġġa lill-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha fl-inkorporazzjoni tal-użu ta' għodod diġitali u metodi ta' apprendiment biex jikkomplementaw l-attivitajiet fiżiċi tagħhom, itejbu l-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet sħab, u ħalli jtejbu l-kwalità tal-attivitajiet. Hija mħeġġa l-introduzzjoni ta' elementi diġitali u online biex jitnaqqas il-limitu għall-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet. Permezz ta' proġetti u attivitajiet li għandhom l-għan li jagħtu spinta lill-ħiliet diġitali, irawmu l-litteriżmu diġitali u/jew jiżviluppaw fehim tar-riskji u l-opportunitajiet tat-teknoloġija diġitali, il-programm jista' jibdel il-mentalità u jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' approċċi diġitali u mħallta fl-attivitajiet taż-żgħażagħ.

Skont it-tfassil u l-objettivi tal-attivitajiet, l-iżvilupp tal-kompetenzi u s-sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet diġitali, u l-użu ta' teknoloġiji ġodda jistgħu jiġu introdotti f'avvenimenti fiżiċi jew f'mobbiltajiet ta' apprendiment, filwaqt li komponenti purament virtwali għandhom jiġu ffinanzjati mill-kostijiet tal-ġestjoni tal-proġett. Spejjeż iġġustifikati kif xieraq għall-inklużjoni ta' żgħażagħ b'inqas opportunitajiet jistgħu jiġu applikati taħt l-appoġġ għall-inklużjoni għall-parteċipanti.

L-Aġenziji Nazzjonali joffru firxa ta' opportunitajiet ta' taħriġ għall-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ u għall-mexxejja taż-żgħażagħ permezz tal-Attivitajiet ta' Taħriġ u Kooperazzjoni tagħhom, inkluż dwar l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali fil-qasam taż-żgħażagħ. Dawn l-offerti jiġu ppubblikati fil-Kalendarju Ewropew tat-Taħriġ https://www.salto-youth.net/tools/european-training-calendar/. Tista' tittieħed ispirazzjoni wkoll mill-Għodod tas-SALTO https://www.salto-youth.net/tools/ .

[121] Skont il-ħtiġijiet tagħhom, gruppi informali ta' żgħażagħ jistgħu jużaw kowċ wieħed jew aktar matul il-proġett.

Parteċipazzjoni

Il-Programm Erasmus+ jappoġġa lill-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha fit-titjib tal-kwalità tal-proġetti tagħhom billi jintegra dimensjoni parteċipattiva, filwaqt li joffri opportunitajiet rilevanti liż-żgħażagħ ħalli jinvolvu ruħhom u jipparteċipaw b'mod attiv fil-ħolqien u fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' proġetti bħala l-perkors biex jiġu skoperti l-benefiċċji taċ-ċittadinanza attiva u tal-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika. Ir-riżorsi għat-tisħiħ tad-dimensjoni parteċipattiva tal-proġetti appoġġati jistgħu jiġu aċċessati, fost l-oħrajn, permezz tas-sit web participationpool.eu. Huma mħeġġa wkoll ir-rabtiet ma' inizjattivi u pjattaformi nazzjonali, internazzjonali jew (oħrajn) eżistenti tal-UE li huma fformati madwar il-parteċipazzjoni u l-involviment ċiviku, kif ukoll l-involviment fihom.

KRITERJI LI JINTUŻAW BIEX JIĠI VVALUTAT DAN IL-PROĠETT

Kriterji tal-Eliġibbiltà

Min jista' japplika?	Kwalunkwe organizzazzjoni parteċipanti eliġibbli stabbilita fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm tista' tkun l-applikant. Din l-organizzazzjoni tapplika f'isem l-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha involuti fil-proġett[122].
Organizzazzjonijiet parteċipanti eliġibbli	Organizzazzjoni parteċipanti tista' tkun: • organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, assoċjazzjoni, NGO; NGO Ewropea taż-Żgħażagħ; korp pubbliku fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali; intrapriża soċjali; korp bi skop ta' qligħ attiv fir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva; • grupp informali ta' żgħażagħ.[123] stabbilita fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm jew f'pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm ġar tal-UE (ir-Reġjuni 1 sa 4; ara t-taqsima "Pajjiżi Eliġibbli" fil-Parti A ta' din il-Gwida).
Numru u profil tal-organizzazzjonijiet parteċipanti	• Proġetti Nazzjonali għall-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ: trid tiġi involuta mill-inqas organizzazzjoni parteċipanti waħda. • Proġetti tranżnazzjonali u internazzjonali ta' Parteċipazzjoni taż-żgħażagħ: iridu jiġu involuti mill-inqas żewġ organizzazzjonijiet parteċipanti minn pajjiżi differenti.
Durata tal-proġett	Minn 3 xhur sa 24 xahar.
Post(ijiet) tal-attivitajiet	• L-attivitajiet iridu jsiru fil-pajjiż ta' organizzazzjoni parteċipanti waħda jew aktar. L-attivitajiet jistgħu jsiru wkoll fis-sede ta' Istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea[124], anke jekk fil-proġett ma jkunx hemm organizzazzjonijiet parteċipanti mill-pajjiż li jospita l-Istituzzjoni.
Parteċipanti eliġibbli	Żgħażagħ ta' bejn it-13 u t-30 sena[125] residenti fil-pajjiż tal-organizzazzjonijiet parteċipanti u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet rilevanti għas-suġġetti indirizzati mill-proġett.
Fejn napplika?	Mal-Aġenzija Nazzjonali tal-pajjiż fejn tkun stabbilita l-organizzazzjoni applikanti.

[122] L-organizzazzjonijiet parteċipanti se jkollhom jiffirmaw mandat lill-organizzazzjoni applikanti. Il-mandati għandhom jiġu pprovduti fl-istadju tal-applikazzjoni u mhux aktar tard miż-żmien tal-iffirmar tal-ftehim ta' għotja. Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkonsulta l-Parti C ta' din il-Gwida.

[123] Grupp ta' mill-inqas erba' żgħażagħ ta' bejn it-13 u t-30 sena. Wieħed mill-membri tal-grupp li għandu mill-inqas 18-il sena jassumi r-rwol ta' rappreżentant u jieħu r-responsabbiltà f'isem il-grupp. Jekk jogħġbok iċċekkja l-glossarju għad-definizzjoni ta' grupp informali. Għall-iskopijiet ta' din l-azzjoni u kwalunkwe dispożizzjoni relatata magħha, "grupp informali ta' żgħażagħ" għandu jkun konformi mal-kunċett ta' "organizzazzjoni parteċipanti". Fejn issir referenza għal "organizzazzjoni parteċipanti", din għandha titqies li tkopri wkoll "grupp informali ta' żgħażagħ".

[124] Is-Sedi tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea huma Brussell, Frankfurt, il-Lussemburgu, Strasburgu u The Hague

[125] Jekk jogħġbok qis dawn li ġejjin:

limiti aktar baxxi tal-età - il-parteċipanti jridu jkunu laħqu l-età minima fid-data tal-bidu tal-attività.

limiti massimi tal-età - il-parteċipanti jeħtiġilhom ma jkunux akbar mill-età massima indikata fil-bidu tal-attività.

Meta napplika?	L-applikanti jridu jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għal għotja sad-dati li ġejjin: **it-23 ta' Frar f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell) għall-proġetti li jibdew bejn l-1 ta' Ġunju u l-31 ta' Diċembru tal-istess sena** **l-4 ta' Ottubru f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell) għall-proġetti li jibdew bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Mejju tas-sena ta' wara** **Ċiklu addizzjonali possibbli:** L-Aġenziji Nazzjonali jistgħu jiddeċiedu li jiftħu ċiklu addizzjonali. L-Aġenziji Nazzjonali se jinformaw lill-applikanti dwar il-ftuħ taċ-ċiklu addizzjonali permezz tas-sit web tagħhom. Jekk jiġi organizzat ċiklu addizzjonali, l-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom sal-**4 ta' Mejju f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell)** għall-proġetti li jibdew bejn l-1 ta' Awwissu u l-31 ta' Diċembru tal-istess sena.
Kif napplika?	Jekk jogħġbok ara l-Parti C ta' din il-Gwida għad-dettalji dwar kif wieħed għandu japplika.
Annessi	Mal-formola tal-applikazzjoni jrid ikun hemm annessa dikjarazzjoni fuq l-unur tar-rappreżentant legali. Jekk il-proġett jippjana li jimplimenta attivitajiet ta' mobbiltà u/jew avvenimenti fiżiċi: Skeda ta' żmien tal-attivitajiet ta' mobbiltà u/jew tal-avvenimenti fiżiċi ppjanati trid tiġi annessa mal-formola tal-applikazzjoni.

KRITERJI GĦALL-GĦOTI

Rilevanza, raġunament u impatt
 	
(punteġġ massimu ta' 30 punt)
	• Ir-rilevanza tal-proġett:
	  ○ għall-objettivi tal-Azzjoni;
	  ○ għall-ħtiġijiet tal-organizzazzjonijiet parteċipanti u l-parteċipanti.
	• Kemm il-proġett se jindirizza waħda jew aktar mill-prijoritajiet identifikati fil-kuntest tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ jew l-Għanijiet dwar iż-Żgħażagħ;
	• Kemm il-proġett huwa adattat biex jipproduċi eżiti tal-apprendiment ta' kwalità għolja għall-parteċipanti;
	• Kemm il-proġett jipprovdi valur miżjud Ewropew;
	• L-impatt potenzjali tal-proġett:
	  ○ fuq il-parteċipanti u l-organizzazzjonijiet parteċipanti matul u wara l-ħajja tal-proġett;
	  ○ barra l-organizzazzjonijiet u l-individwi li jieħdu sehem direttament fil-proġett, fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u/jew Ewropew jew globali.
	• Kemm il-proġett fih miżuri li għandhom l-għan li jagħmlu r-riżultati tiegħu sostenibbli lil hinn mill-ħajja tal-proġett.
	• Kemm il-proġett huwa adattat biex jikkontribwixxi għall-inklużjoni u d-diversità, id-dimensjonijiet ekoloġiċi, diġitali u parteċipattivi tal-Programm;
	• Kemm il-proġett jintroduċi parteċipanti ġodda u organizzazzjonijiet b'inqas esperjenza għall-Azzjoni;
	• Kemm il-proġett jindirizza prattiki sostenibbli u ma jagħmlux ħsara lill-ambjent.

Kwalità tat-tfassil tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 40 punt)**	• Il-konsistenza bejn il-ħtiġijiet identifikati, l-objettivi tal-proġett, il-profili tal-parteċipanti u l-attivitajiet proposti; • Iċ-ċarezza, il-kompletezza u l-kwalità tal-fażijiet kollha tal-proġett: it-tħejjija (inkluża t-tħejjija tal-parteċipanti), l-implimentazzjoni u s-segwitu (inkluż mekkaniżmu ta' feedback għall-parteċipanti); • Kemm iż-żgħażagħ huma involuti fil-fażijiet kollha tal-attivitajiet; • Kemm l-attivitajiet huma mfassla b'mod aċċessibbli u inklużiv u huma miftuħa għal parteċipanti b'inqas opportunitajiet; • L-adegwatezza tal-metodi ta' apprendiment parteċipattiv proposti, inkluż ta' kwalunkwe komponent virtwali; • Kemm il-proġett jagħmel użu minn forom alternattivi, innovattivi u intelligenti ta' parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, b'mod partikolari sabiex jiġu ttestjati ideat ġodda u jsir segwitu; • Il-kwalità tal-arranġamenti u l-appoġġ għall-proċess ta' riflessjoni, l-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-eżiti tal-apprendiment tal-parteċipanti, u l-użu konsistenti tal-għodod Ewropej ta' trasparenza u ta' rikonoxximent, b'mod partikolari l-Youthpass; • L-adegwatezza u l-effettività tal-miżuri previsti biex jiġu żgurati s-sikurezza u l-protezzjoni tal-parteċipanti; • Kemm l-attivitajiet jinkorporaw prattiki sostenibbli u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent.
Kwalità tal-ġestjoni tal-proġetti **(punteġġ massimu ta' 30 punt)**	• Il-kwalità tal-arranġamenti prattiċi u l-modalitajiet ta' ġestjoni u ta' appoġġ; • Il-kwalità tal-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni bejn il-parteċipanti tal-grupp(i), l-organizzazzjonijiet parteċipanti, kif ukoll ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn; • Il-kwalità tal-miżuri għall-evalwazzjoni tal-fażijiet u l-eżiti differenti tal-proġett; • L-adegwatezza u l-kwalità tal-miżuri mmirati lejn it-tixrid tal-eżiti tal-proġett fi ħdan l-organizzazzjonijiet parteċipanti u lil hinn minnhom.

REGOLI TA' FINANZJAMENT

Il-baġit tal-proġett irid jiġi abbozzat skont ir-regoli ta' finanzjament li ġejjin (f'euro):

Għotja massima mogħtija għal kull proġett għal attivitajiet ta' parteċipazzjoni taż-żgħażagħ: EUR 60,000

Kategorija tal-baġit	Kostijiet eliġibbli u regoli applikabbli	Ammont
Ġestjoni tal-proġett	Kostijiet marbuta mal-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-proġett (eż. it-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' laqgħat tal-proġett u ta' attivitajiet, il-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni bejn is-sħab, l-evalwazzjoni, it-tixrid u s-segwitu) **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji. **Regola tal-allokazzjoni:** abbażi tad-durata tal-proġett.	EUR 500 kull xahar
Kostijiet tal-ikkowċjar	Kostijiet marbuta mal-involviment ta' kowċ fil-proġett. Il-kostijiet tal-ikkowċjar huma applikabbli biss jekk il-proġett jiġi implimentat minn grupp informali ta' żgħażagħ. **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji. **Regola tal-allokazzjoni:** abbażi tal-pajjiż fejn iseħħ il-proġett u l-jiem tax-xogħol. It-talba għall-appoġġ finanzjarju sabiex jiġu koperti l-kostijiet tal-kowċ trid tkun iġġustifikati fil-formola ta' applikazzjoni. Id-durata tal-ikkowċjar ma hijiex marbuta mad-durata tal-proġett.	Tabella B3 għal kull jum ta' xogħol. Massimu ta' 12-il jum.

Appoġġ għall-inklużjoni għall-parteċipanti	Kostijiet addizzjonali relatati direttament ma' parteċipanti b'inqas opportunitajiet u l-akkumpanjaturi tagħhom, il-faċilitaturi u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet f'attivitajiet u avvenimenti tal-proġett (inklużi kostijiet iġġustifikati relatati mal-ivvjaġġar u s-sussistenza jekk ma tintalabx għotja għal dawn il-parteċipanti permezz tal-kategoriji tal-baġit "Vjaġġar" u "Appoġġ individwali"). **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kostijiet reali. **Regola tal-allokazzjoni:** it-talba trid tkun iġġustifikata mill-applikant u approvata mill-Aġenzija Nazzjonali.	100 % tal-kostijiet eliġibbli
Kostijiet eċċezzjonali	Kostijiet għall-għoti ta' garanzija finanzjarja, jekk l-Aġenzija Nazzjonali titlob dan. **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kostijiet reali. **Regola tal-allokazzjoni:** it-talba trid tkun iġġustifikata mill-applikant u approvata mill-Aġenzija Nazzjonali.	**Garanzija finanzjarja**: 80 % tal-kostijiet eliġibbli

Tabella B3 Kostijiet tal-ikkowċjar

	Għalliem/Ħarrieġ/Riċerkatur **Persuna li taħdem maż-żgħażagħ** **Kontribuzzjoni unitarja għal kull jum**
Id-Danimarka, l-Irlanda, il-Lussemburgu, in-Netherlands, l-Awstrija, l-Iżvezja, il-Liechtenstein, in-Norveġja	241
Il-Belġju, il-Ġermanja, Franza, l-Italja, il-Finlandja, l-Iżlanda	214

Ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja, Spanja, Ċipru, Malta, il-Portugall, is-Slovenja	137
Il-Bulgarija, l-Estonja, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Serbja, is-Slovakkja, il-Maċedonja ta' Fuq, it-Turkija	74

Finanzjament addizzjonali għal avvenimenti fiżiċi mwettqa fil-qafas tal-proġett

Kategorija tal-baġit	Kostijiet eliġibbli u regoli applikabbli	Ammont
Appoġġ għall-avvenimenti tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ	Il-kostijiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' avvenimenti fiżiċi nazzjonali u tranżnazzjonali u internazzjonali li huma ċentrali għall-ilħuq tal-objettivi tal-proġett tal-attivitajiet ta' parteċipazzjoni taż-Żgħażagħ.Din il-kategorija tal-baġit ma hijiex maħsuba sabiex tkopri l-parteċipazzjoni tal-persunal tal-organizzazzjoni(jiet) parteċipanti/ membri tal-grupp(i) informali taż-żgħażagħ u tal-faċilitaturi, peress li l-attendenza ta' avvenimenti bħal dawn minn dawn il-parteċipanti għandha tkun koperta mill-kategorija tal-baġit "ġestjoni tal-proġetti". Meta jkun rilevanti, l-appoġġ għall-avvenimenti ta' parteċipazzjoni taż-Żgħażagħ jista' jiġi kkombinat ma' finanzjament għall-mobbiltajiet fi ħdan l-attivitajiet ta' parteċipazzjoni taż-Żgħażagħ skont ir-regoli applikabbli ta' hawn taħt. **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kontribuzzjoni għall-	EUR 100 għal kull parteċipant

	kostijiet unitarji. **Regola tal-allokazzjoni:** fuq il-bażi tan-numru ta' parteċipanti fl-avveniment, inklużi dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, minbarra l-persunal tal-organizzazzjoni(jiet) parteċipanti/ membri tal-grupp(i) informali taż-żgħażagħ u l-faċilitaturi.	

Finanzjament addizzjonali għall-mobbiltajiet imwettqa fil-qafas tal-proġett

Kategorija tal-baġit	Kostijiet eliġibbli u regoli applikabbli	Ammont		
		Distanza tal-ivvjaġġar	**Vjaġġar standard**	**Vjaġġar ekoloġiku**
Vjaġġar	Kontribuzzjoni għall-kostijiet tal-ivvjaġġar tal-parteċipanti, inklużi l-akkumpanjaturi tagħhom, il-faċilitaturi u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, mill-post tal-oriġini tagħhom sal-post tal-attività tal-proġett jew l-avveniment fiżiku u lura, irrispettivament minn jekk l-ivvjaġġar ikunx nazzjonali jew tranżnazzjonali. **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji. **Regola tal-allokazzjoni:** abbażi tad-distanza tal-ivvjaġġar u n-numru ta' persuni. L-applikant jeħtieġlu jindika d-distanza bejn il-post tal-oriġini u l-post tal-attività[126] billi juża l-kalkulatur tad-distanza appoġġat mill-Kummissjoni Ewropea[127]. Għall-attivitajiet itineranti, l-applikant għandu jżid id-distanzi bejn il-postijiet individwali u jagħżel il-medda ta' distanza li tikkorrispondi għat-total[128].	10 – 99 km	EUR 23	
		100 – 499 km	EUR 180	EUR 210
		500 – 1999 km	EUR 275	EUR 320
		2000 – 2999 km	EUR 360	EUR 410
		3000 – 3999 km	EUR 530	EUR 610
		4000 – 7999 km	EUR 820	
		8000 km jew aktar	EUR 1,500	
Appoġġ individwali	Kostijiet marbuta mas-sussistenza. **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kontribuzzjoni għall-	Tabella A2.1 għal kull parteċipant għal kull jum		

[126] Pereżempju, jekk persuna minn Madrid (Spanja) qed tieħu sehem f'attività li qed issir f'Ruma (l-Italja), l-applikant jikkalkula d-distanza minn Madrid sa Ruma (1365.28 KM) u mbagħad jagħżel il-medda tad-distanza tal-ivvjaġġar applikabbli (jiġifieri bejn 500 u 1,999 km).
[127] http://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/tools/distance_mt.htm
[128] Pereżempju, jekk parteċipant minn Madrid (Spanja) ikun qiegħed jieħu sehem f'attività itineranti li sseħħ l-ewwel f'Ruma (l-Italja) u mbagħad f'Ljubljana (is-Slovenja), l-applikant l-ewwel jikkalkula d-distanza bejn Madrid u Ruma (1365.28 KM), imbagħad bejn Ruma u Ljubljana (489.75 KM) u jżid iż-żewġ distanzi flimkien (1855.03 KM) b) jagħżel il-medda tad-distanza tal-ivvjaġġar applikabbli (jiġifieri bejn 500 u 1,999 KM) u c) jikkalkula l-għotja tal-UE li se tipprovdi l-kontribuzzjoni għall-kostijiet tal-ivvjaġġar tal-parteċipant minn Madrid għal Ljubljana (b'waqfa f'Ruma) u r-ritorn (EUR 275).

	kostijiet unitarji. **Regola tal-allokazzjoni:** abbażi tad-durata tas-soġġorn għal kull parteċipant, l-akkumpanjaturi tagħhom , il-faċilitaturi u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet (jekk ikun meħtieġ), inkluż ukoll jum ta' vjaġġar wieħed qabel l-attività u jum ta' vjaġġar ieħor wara l-attività (jekk meħtieġ), u sa **erbat ijiem addizzjonali** għall-parteċipanti li jirċievu għotja għall-ivvjaġġar ekoloġiku	
Appoġġ għall-inklużjoni għall-organizzazzjonijiet	Kostijiet relatati mal-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' mobbiltà li jinvolvu parteċipanti b'inqas opportunitajiet. **Mekkaniżmu ta' finanzjament**: kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji. **Regola tal-allokazzjoni**: abbażi tan-numru ta' parteċipanti b'inqas opportunitajiet, esklużi l-akkumpanjaturi, il-faċilitaturi u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet.	EUR 100 għal kull parteċipant
Kostijiet eċċezzjonali	Kostijiet tal-viża u dawk relatati mal-viża, permessi ta' residenza, vaċċinazzjonijiet, ċertifikati mediċi. Il-kostijiet tal-ivvjaġġar għaljin tal-parteċipanti, inkluż tal-grupp(i) informali, l-akkumpanjaturi, il-faċilitaturi u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet li ma jistgħux jiġu appoġġati bil-kategorija standard "Vjaġġar" minħabba l-pożizzjoni ġeografika remota jew ostakli oħrajn (jiġifieri meta l-użu ta' mezzi tat-trasport aktar nodfa u b'livell aktar baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jirriżulta f'kostijiet għoljin tal-ivvjaġġar). **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kostijiet reali. **Regola tal-allokazzjoni:** it-talba trid tkun iġġustifikata mill-applikant u approvata mill-Aġenzija Nazzjonali. L-ivvjaġġar għali japplika f'każijiet fejn l-appoġġ għall-ivvjaġġar ibbażat fuq il-kost unitarju ma jkoprix 70 % tal-kostijiet tal-ivvjaġġar tal-parteċipanti. Jekk jingħataw, il-kostijiet eċċezzjonali għall-ivvjaġġar għali jissostitwixxu l-għotja standard għall-ivvjaġġar.	**Kostijiet tal-viża u dawk relatati mal-viża, permessi ta' residenza, vaċċinazzjonijiet, ċertifikati mediċi:** 100 % tal-kostijiet eliġibbli **Vjaġġar għali:** 80 % tal-kostijiet eliġibbli tal-ivvjaġġar

Tabella A2.1: Appoġġ Individwali	Attivitajiet ta' Parteċipazzjoni taż-Żgħażagħ

għall-attivitajiet ta' mobbiltà tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ	**(euro għal kull jum)**
L-Awstrija	EUR 51
Il-Belġju	EUR 47
Il-Bulgarija	EUR 36
Il-Kroazja	EUR 39
Ċipru	EUR 36
Ir-Repubblika Ċeka	EUR 36
Id-Danimarka	EUR 51
L-Estonja	EUR 37
Il-Finlandja	EUR 51
Il-Maċedonja ta' Fuq	EUR 31
Franza	EUR 43
Il-Ġermanja	EUR 46
Il-Greċja	EUR 43
L-Ungerija	EUR 37
L-Iżlanda	EUR 51
L-Irlanda	EUR 55
L-Italja	EUR 44
Il-Latvja	EUR 38
Il-Liechtenstein	EUR 51
Il-Litwanja	EUR 38
Il-Lussemburgu	EUR 51
Malta	EUR 44
In-Netherlands	EUR 51
In-Norveġja	EUR 56
Il-Polonja	EUR 38
Il-Portugall	EUR 42
Ir-Rumanija	EUR 36
Is-Serbja	EUR 33
Is-Slovakkja	EUR 39
Is-Slovenja	EUR 38
Spanja	EUR 38
L-Iżvezja	EUR 51
It-Turkija	EUR 36
Pajjiżi terzi ġirien mhux assoċjati mal-Programm	EUR 33

PROĠETTI TA' MOBBILTÀ GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ - "AZZJONI TA' INKLUŻJONI TA' DISCOVEREU"

Taħt l-Azzjoni ta' Inklużjoni ta' DiscoverEU, l-organizzazzjonijiet u l-gruppi informali taż-żgħażagħ jistgħu jirċievu appoġġ sabiex iwettqu proġetti li jippermettu liż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet jipparteċipaw f'DiscoverEU fuq l-istess livell mal-pari tagħhom.

DiscoverEU toffri liż-żgħażagħ li għandhom 18-il sena ċans li jkollhom esperjenza individwali jew fi grupp fuq perjodu qasir li jivvjaġġaw madwar l-Ewropa bil-ferrovija jew b'mezzi oħrajn ta' trasport fejn meħtieġ. L-objettivi huma li ż-żgħażagħ:

- jingħataw l-opportunità li jitgħallmu dwar l-Ewropa iżda wkoll li jiskopru l-opportunitajiet tal-Ewropa għall-għażliet futuri tagħhom fl-edukazzjoni u l-ħajja;
- jiġu mgħammra bl-għarfien, bil-ħiliet tal-ħajja u bil-kompetenzi li jkunu ta' valur għalihom;
- jiġu mħeġġa l-konnessjoni u d-djalogu interkulturali bejniethom;
- jiġu mrawma bis-sens ta' appartenenza fl-Unjoni Ewropea;
- jiġu ispirati jħaddnu vjaġġar sostenibbli b'mod partikolari u kuxjenza ambjentali b'mod ġenerali.

OBJETTIVI TAL-AZZJONI

DiscoverEU tfittex li ssaħħaħ id-dimensjoni tal-inklużjoni tagħha billi tipprovdi appoġġ addizzjonali lill-parteċipanti b'inqas opportunitajiet sabiex jesploraw l-Ewropa.

B'mod aktar speċifiku, l-Azzjoni ta' Inklużjoni ta' DiscoverEU għandha l-għan li:

- Tilħaq liż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet li ma japplikawx fuq inizjattiva tagħhom stess;
- Tegħleb l-ostakli li jwaqqfu lil dawn iż-żgħażagħ milli jipparteċipaw direttament fiċ-ċiklu ta' applikazzjoni ġenerali ta' DiscoverEU u tipprovdi l-appoġġ meħtieġ sabiex ikunu jistgħu jivvjaġġaw;
- Tiskatta u ssaħħaħ l-iżvilupp tal-kompetenzi u l-ħiliet taż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet li jieħdu sehem f'DiscoverEU.

KUNTEST TAL-POLITIKA

L-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ 2019-2027 tistabbilixxi Qafas għal Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ, ibbażat fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Mejju 2018 dwar "L-Impenn, il-Konnessjoni u l-Għoti tas-Setgħa liż-żgħażagħ". L-Istrateġija trawwem il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika, tappoġġa l-involviment soċjali u ċiviku u għandha l-għan li tiżgura li ż-żgħażagħ kollha jkollhom ir-riżorsi meħtieġa sabiex jieħdu sehem fis-soċjetà. L-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ tinkludi wkoll proċess ta' djalogu maż-Żgħażagħ u f'dak il-kuntest, fl-2018 ġew żviluppati 11-il għan Ewropew dwar iż-Żgħażagħ. Dawn l-għanijiet jidentifikaw oqsma transsettorjali li jaffettwaw il-ħajja taż-żgħażagħ u jindikaw l-isfidi. L-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ għandha tikkontribwixxi għat-twettiq ta' din il-viżjoni fir-rigward taż-żgħażagħ. Taħt il-qasam ewlieni "Konnessjoni", l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ qiegħda tippromwovi u tiffaċilita l-konnessjonijiet, ir-relazzjonijiet u l-iskambju tal-esperjenza bejn iż-żgħażagħ bħala assi ċentrali għall-iżvilupp futur tal-UE. Dawn il-konnessjonijiet jitrawmu bl-aħjar mod permezz ta' forom differenti ta' mobbiltà, li waħda minnhom hija DiscoverEU.

Strateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ | Portal Ewropew taż-Żgħażagħ (europa.eu)

DESKRIZZJONI TAL-ATTIVITAJIET

Azzjoni ta' Inklużjoni ta' DiscoverEU

Bl-Azzjoni ta' Inklużjoni ta' DiscoverEU, żagħżugħ wieħed sa ħames żgħażagħ b'inqas opportunitajiet mill-istess pajjiż jiltaqgħu għal perjodu qasir sabiex jivvjaġġaw madwar l-Ewropa. Il-perjodu ta' apprendiment jinkludi l-ippjanar, it-tħejjija, l-implimentazzjoni qabel u matul l-ivvjaġġar ta' DiscoverEU kif ukoll is-segwitu wara l-ivvjaġġar.

L-attivitajiet li ġejjin ma humiex eliġibbli għal għotjiet taħt DiscoverEU: il-vjaġġi għal studji akkademiċi; l-attivitajiet ta' skambju li jkollhom l-għan li jagħmlu profitt finanzjarju; l-attivitajiet ta' skambju li jistgħu jitqiesu bħala tours ta' divertiment, laqgħat statutorji, korsijiet ta' taħriġ mill-adulti għaż-żgħażagħ.

STABBILIMENT TA' PROĠETT

Proġett jiġi implimentat minn organizzazzjoni waħda jew minn grupp informali ta' żgħażagħ, li jibgħat parteċipant wieħed jew aktar (grupp ta' parteċipanti) fuq ivvjaġġar fl-ambitu ta' DiscoverEU. L-organizzazzjoni għandha tibbenefika mill-parteċipazzjoni tagħha fl-Azzjoni ta' Inklużjoni ta' DiscoverEU u għalhekk il-proġett għandu jkun konformi mal-objettivi tal-organizzazzjoni u jissodisfa l-ħtiġijiet tagħha. Hija possibbli l-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati f'pajjiżi oħra li jistgħu joffru attivitajiet[129] jew appoġġ lill-parteċipanti, eż. ospitar eċċ.

Proġett jikkonsisti f'erba' stadji: l-ippjanar, it-tħejjija, l-implimentazzjoni u s-segwitu. L-organizzazzjonijiet parteċipanti u ż-żgħażagħ involuti fl-attivitajiet għandhom jassumu rwol attiv f'dawk l-istadji kollha u b'hekk isaħħu l-esperjenza tagħhom fl-apprendiment.

- l-ippjanar tal-esperjenza tal-ivvjaġġar (id-definizzjoni tal-ħtiġijiet, l-objettivi, l-eżiti tal-apprendiment, it-tip ta' attività(jiet), l-ippjanar tal-ivvjaġġar, l-iskeda tal-attivitajiet eċċ.);
- it-tħejjija (l-arranġamenti prattiċi tal-ivvjaġġar fl-ambitu ta' DiscoverEU, l-istabbiliment ta' ftehimiet mal-partijiet ikkonċernati, l-organizzazzjoni ta' attivitajiet lingwistiċi/interkulturali/ta' apprendiment/kulturali/ambjentali/diġitali, il-kompiti relatati mat-tħejjija tal-parteċipanti qabel it-tluq, eċċ.);
- l-implimentazzjoni ta' attivitajiet matul l-ivvjaġġar ta' DiscoverEU;
- is-segwitu (l-evalwazzjoni tal-attivitajiet, l-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-eżiti tal-apprendiment tal-parteċipanti, kif ukoll it-tixrid u l-użu tal-eżiti tal-proġett).

Azzjoni ta' Inklużjoni ta' kwalità ta' DiscoverEU:

[129] ara s-Sett ta' Għodod għall-Parteċipazzjoni taż-Żgħażagħ imħejjija minn SALTO PI, il-module 9 "DiscoverEU (DiscoverEU(https://participationpool.eu/wp-content/uploads/2021/05/Discover-EU-1.pdf) (https://participationpool.eu/wp-content/uploads/2021/05/Discover-EU-1.pdf) bħala ispirazzjoni

- tiddependi mill-involviment attiv taż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet u l-organizzazzjonijiet parteċipanti, li għandhom jassumu rwol attiv fl-istadji kollha tal-proġett, u b'dan il-mod isaħħu l-esperjenza tagħhom fl-apprendiment u l-iżvilupp;
- tinvolvi preferibbilment gruppi diversi ta' parteċipanti b'inqas opportunitajiet u tibni fuq din id-diversità;
- tkun ibbażata fuq ħtiġijiet identifikati b'mod ċar tal-parteċipanti żgħażagħ;
- tiżgura li l-eżiti tal-apprendiment mhux formali u informali tal-esperjenza ta' DiscoverEU tal-parteċipanti jiġu identifikati u ddokumentati kif xieraq;
- tħeġġeġ lill-parteċipanti sabiex jirriflettu dwar suġġetti u valuri Ewropej.

Proċess ta' apprendiment

It-twaqqif ta' Azzjoni ta' Inklużjoni ta' DiscoverEU fil-kuntest tal-apprendiment mhux formali jeħtieġ li mill-inqas parti mill-eżiti tal-apprendiment mixtieqa tiġi ppjanata minn qabel, sabiex jiġu żgurati l-opportunitajiet xierqa. Il-parteċipanti għandhom jikkontribwixxu għall-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tagħhom u għall-apprendiment li jixtiequ jiksbu jew jiżviluppaw permezz tal-ivvjaġġar tagħhom ta' DiscoverEU.

Il-parteċipanti għandhom ikunu involuti wkoll kemm jista' jkun fit-tfassil u l-iżvilupp tal-attività(jiet) matul l-ivvjaġġar tagħhom (l-istabbiliment tal-programm, l-itinerarju, l-attivitajiet, il-prenotazzjoni tal-akkomodazzjoni, eċċ.) u jaħsbu dwar kif għandhom jippreparaw sabiex jimmassimizzaw l-apprendiment u l-iżvilupp personali li jiksbu matul l-ivvjaġġar tagħhom.

Wara l-ivvjaġġar ta' DiscoverEU, il-parteċipanti għandhom jiġu mistiedna jipprovdu feedback dwar l-esperjenza tagħhom ta' DiscoverEU, jirriflettu fuq dak li jkunu tgħallmu u kif jistgħu jagħmlu użu minn dawn l-eżiti tal-apprendiment.

L-organizzazzjonijiet għandhom jappoġġaw il-proċess ta' apprendiment, l-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-eżiti tal-apprendiment, b'mod partikolari billi jużaw il-Youthpass għall-parteċipanti ta' DiscoverEU.

Protezzjoni u Sikurezza tal-parteċipanti

L-Azzjoni ta' Inklużjoni ta' DiscoverEU tista' tinvolvi l-mexxej(a) tal-grupp, il-faċilitatur(i), l-akkumpanjatur(i) li jistgħu jimmonitorjaw u jipprovdu appoġġ lill-parteċipanti sabiex jiġi żgurat proċess ta' apprendiment kwalitattiv matul l-ivvjaġġar ta' DiscoverEU. Fl-istess ħin, dawn jipprovdu ambjent sikur, rispettuż u mhux diskriminatorju, kif ukoll il-protezzjoni tal-parteċipanti. Matul l-ippjanar u t-tħejjija tal-ivvjaġġar ta' DiscoverEU taħt l-Azzjoni ta' Inklużjoni ta' DiscoverEU, għandha tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-protezzjoni u s-sikurezza tal-parteċipanti u għandhom jiġu previsti l-miżuri kollha meħtieġa għall-prevenzjoni/it-tnaqqis tar-riskji.

Standards tal-Kwalità tal-Erasmus għaż-Żgħażagħ

L-implimentazzjoni tal-proġetti kollha appoġġati fil-qafas ta' din l-Azzjoni trid issegwi l-Istandards tal-Kwalità tal-Erasmus għaż-Żgħażagħ biex jiġu organizzati attivitajiet ta' mobbiltà għall-apprendiment ta' kwalità għolja. L-Istandards tal-Kwalità tal-Erasmus għaż-Żgħażagħ ikopru l-prinċipji bażiċi tal-Azzjoni, kif ukoll il-prattiki konkreti tal-implimentazzjoni għall-kompiti tal-proġett bħall-għażla u t-tħejjija tal-parteċipanti, id-definizzjoni, l-evalwazzjoni u r-rikonoxximent tal-eżiti tal-apprendiment, il-kondiviżjoni tar-riżultati tal-proġett, eċċ. L-Istandards tal-Kwalità tal-Erasmus għaż-Żgħażagħ huma disponibbli hawnhekk: https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/resources/documents/erasmus-quality-standards-mobility-projects-youth_mt

Dimensjonijiet Orizzontali

Inklużjoni u diversità

Il-Programm Erasmus+ ifittex li jippromwovi l-opportunitajiet indaqs u l-aċċess, l-inklużjoni u l-ġustizzja fl-azzjonijiet kollha tiegħu. L-organizzazzjonijiet għandhom ifasslu attivitajiet ta' proġetti aċċessibbli u inklużivi, filwaqt li jqisu l-fehmiet tal-parteċipanti b'inqas opportunitajiet u jinvolvuhom fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

L-Azzjoni ta' Inklużjoni ta' DiscoverEU hija partikolarment adatta għall-inklużjoni taż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet:

- Sabiex jesperjenzaw l-ivvjaġġar waħedhom bħala individwi;
- Il-mobbiltà tal-gruppi toffri esperjenza ta' mobbiltà internazzjonali fis-sikurezza ta' grupp;
- Minħabba d-durata qasira u l-akkumpanjament mill-qrib minn organizzazzjoni, iż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet jiksbu l-opportunità li jesperjenzaw l-ivvjaġġar fi grupp jew saħansitra waħedhom.

L-Azzjoni ta' Inklużjoni ta' DiscoverEU hija adatta wkoll għall-ħidma fuq l-inklużjoni u d-diversità sabiex tiġi appoġġata l-ġlieda kontra l-istereotipi, jitrawmu l-fehim, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni.

Sostenibbiltà ambjentali

DiscoverEU għandha tippromwovi mġiba ambjentalment sostenibbli u responsabbli fost il-parteċipanti, filwaqt li tqajjem is-sensibilizzazzjoni tagħhom dwar l-importanza li tittieħed azzjoni sabiex titnaqqas jew tiġi kkumpensata l-impronta ambjentali tal-attivitajiet ta' mobbiltà. L-Azzjoni ta' Inklużjoni ta' DiscoverEU għandha titfassal u tiġi implimentata b'kuxjenza ambjentali, billi eż. jiġu integrati prattiki sostenibbli bħall-għażla ta' materjali li jistgħu jerġgħu jintużaw jew li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, it-tnaqqis tal-iskart u r-riċiklaġġ u mezzi sostenibbli tat-trasport.

Trasformazzjoni diġitali f'DiscoverEU

Il-Programm Erasmus+ jappoġġa lill-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha fl-inkorporazzjoni tal-użu ta' għodod diġitali u metodi ta' apprendiment online sabiex jikkomplementaw l-attivitajiet fiżiċi, itejbu l-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati, u l-kwalità tal-attivitajiet. Hija mħeġġa l-introduzzjoni ta' elementi diġitali u online biex jitnaqqas il-limitu għall-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet. Permezz ta' proġetti u attivitajiet li għandhom l-għan li jagħtu spinta lill-ħiliet diġitali, irawmu l-litteriżmu diġitali u/jew jiżviluppaw fehim tar-riskji u l-opportunitajiet tat-teknoloġija diġitali, il-programm jista' jibdel il-mentalità u jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' approċċi diġitali u mħallta fl-attivitajiet taż-żgħażagħ.

Skont it-tfassil u l-objettivi tal-attivitajiet, l-iżvilupp tal-kompetenzi u s-sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet diġitali, u l-użu ta' teknoloġiji ġodda, jistgħu jiġu introdotti fil-mobbiltajiet għall-apprendiment.

Parteċipazzjoni

Il-Programm Erasmus+ jappoġġa lill-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha fit-titjib tal-kwalità tal-proġetti tagħhom billi jintegra dimensjoni parteċipattiva, filwaqt li joffri opportunitajiet rilevanti liż-żgħażagħ ħalli jinvolvu ruħhom u jipparteċipaw b'mod attiv fil-ħolqien u fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' proġetti bħala l-perkors biex jiġu skoperti l-benefiċċji taċ-ċittadinanza attiva u tal-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika. Ir-riżorsi għat-tisħiħ tad-dimensjoni parteċipattiva tal-proġetti appoġġati jistgħu jiġu aċċessati, fost l-oħrajn, permezz tas-sit web participationpool.eu. Huma mħeġġa wkoll ir-rabtiet ma' inizjattivi u pjattaformi nazzjonali, internazzjonali jew (oħrajn) eżistenti tal-UE li huma fformati madwar il-parteċipazzjoni u l-involviment ċiviku, kif ukoll l-involviment fihom.

KRITERJI LI JINTUŻAW BIEX JIĠI VVALUTAT DAN IL-PROĠETT

KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ

Kriterji Ġenerali tal-Eliġibbiltà

Il-kriterji ġenerali ta' hawn taħt japplikaw għal azzjoni ta' inklużjoni ta' DiscoverEU.

Min jista' japplika?	Kwalunkwe organizzazzjoni jew grupp parteċipanti eliġibbli stabbilit fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm jista' jkun l-applikant.
Organizzazzjonijiet parteċipanti eliġibbli	Organizzazzjoni parteċipanti eliġibbli tista' tkun: • organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, assoċjazzjoni, NGO; korp pubbliku fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali; intrapriża soċjali; korp bi skop ta' qligħ attiv fir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva; • grupp informali ta' żgħażagħ[130]. stabbilita fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm
Numru ta' organizzazzjonijiet parteċipanti	Minimu ta' organizzazzjoni parteċipanti waħda
Durata tal-proġett	Minn tliet xhur sa 18-il xahar.
Fejn napplika?	Mal-Aġenzija Nazzjonali tal-pajjiż fejn tkun stabbilita l-organizzazzjoni applikanti
Meta napplika?	L-applikanti jridu jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għal għotja sad-dati li ġejjin: **l-4 ta' Ottubru f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell) għall-proġetti li jibdew bejn l-1 ta' Marzu u l-31 ta' Awwissu tas-sena ta' wara** **Skadenza addizzjonali possibbli:** **it-23 ta' Frar f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell) għall-proġetti li jibdew bejn l-1 ta' Lulju tal-istess sena u l-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara**
Kif napplika?	Jekk jogħġbok ara l-Parti C ta' din il-Gwida għad-dettalji dwar kif wieħed għandu japplika.

[130] Grupp ta' mill-inqas erba' żgħażagħ ta' bejn it-18 u t-30 sena. Wieħed mill-membri tal-grupp jassumi r-rwol ta' rappreżentant u jieħu r-responsabbiltà f'isem il-grupp. Jekk jogħġbok iċċekkja l-glossarju għad-definizzjoni ta' grupp informali. Għall-iskopijiet ta' din l-azzjoni u kwalunkwe dispożizzjoni relatata magħha, "grupp informali ta' żgħażagħ" għandu jkun konformi mal-kunċett ta' "organizzazzjoni parteċipanti". Fejn issir referenza għal "organizzazzjoni parteċipanti", din għandha titqies li tkopri wkoll "grupp informali ta' żgħażagħ".

Annessi	Mal-formola tal-applikazzjoni jrid ikun hemm annessa dikjarazzjoni fuq l-unur tar-rappreżentant legali.

Kriterji tal-Eliġibbiltà Addizzjonali għall-Azzjoni ta' Inklużjoni ta' DiscoverEU

Durata għal kull vjaġġ ta' DiscoverEU	Minn jum sa 30 jum. L-organizzazzjoni tista' torganizza diversi vjaġġi ta' DiscoverEU (b'parteċipant wieħed sa ħames parteċipanti u eventwalment l-akkumpanjatur(i) kull darba) matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett.
Post(ijiet) tal-proġett	L-ivvjaġġar ta' DiscoverEU jrid isir f'mill-inqas pajjiż wieħed ieħor differenti minn fejn il-parteċipant(i) ikun beda/bdew l-ivvjaġġar tagħhom.
Numru ta' organizzazzjonijiet parteċipanti	Trid tiġi involuta mill-inqas organizzazzjoni parteċipanti waħda.
Parteċipanti eliġibbli	Żgħażagħ b'inqas opportunitajiet[131] li għandhom 18-il sena[132] u residenti legalment fil-pajjiżi tal-organizzazzjoni li tibgħat tagħhom. Il-mexxejja ta' gruppi[133], il-faċilitaturi jew l-akkumpanjaturi involuti jeħtieġ ikollhom mill-inqas 18-il sena.
Numru ta' parteċipanti u kompożizzjoni tal-gruppi nazzjonali	Minimu ta' parteċipant wieħed u massimu ta' ħames parteċipanti għal kull ivvjaġġar ta' DiscoverEU (il-mexxejja tal-gruppi, il-faċilitaturi u l-akkumpanjaturi ma humiex inklużi). Il-gruppi jistgħu jivvjaġġaw waħedhom jew jistgħu jkunu akkumpanjati.

KRITERJI GĦALL-GĦOTI

Il-proġetti se jiġu vvalutati skont il-kriterji għall-għoti li ġejjin. Sabiex jiġu kkunsidrati għall-finanzjament, il-proposti jridu jiksbu tal-inqas 60 punt. Barra minn hekk, iridu jiksbu tal-inqas nofs il-punti tal-punteġġ massimu f'kull waħda mill-kategoriji tal-kriterji għall-għoti msemmija hawn taħt.

---

[131] ara d-definizzjoni fil-glossarju dwar "parteċipant b'inqas opportunitajiet"

[132] Jekk jogħġbok qis dawn li ġejjin:

limiti aktar baxxi tal-età - il-parteċipanti jridu jkunu laħqu l-età minima fid-data tal-bidu tal-attività.

limiti massimi tal-età - il-parteċipanti ma jridux ikunu akbar mill-età massima indikata fid-data tal-bidu tal-attività.

[133] MEXXEJ TA' GRUPP HUWA ADULT LI JINGĦAQAD MAŻ-ŻGĦAŻAGĦ SABIEX JIŻGURA L-APPRENDIMENT, IL-PROTEZZJONI U S-SIKUREZZA EFFETTIVI TAGĦHOM.

Rilevanza, raġunament u impatt **(punteġġ massimu ta' 40 punt)**	• Ir-rilevanza tal-proġett: - għall-objettivi tal-Azzjoni; - għall-ħtiġijiet tal-organizzazzjonijiet parteċipanti u l-parteċipanti. - Kemm il-proġett jippermetti l-apprendiment permezz tal-iskoperta; • L-impatt potenzjali tal-proġett: - fuq il-parteċipanti u l-organizzazzjonijiet parteċipanti matul u wara l-ħajja tal-proġett; • Kemm l-organizzazzjoni tista' turi esperjenza preċedenti fil-ħidma fost iż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet fil-livell lokali. • Kemm il-proġett huwa adattat biex jikkontribwixxi għall-inklużjoni u d-diversità, id-dimensjonijiet ekoloġiċi, diġitali u parteċipattivi tal-Programm; • Kemm il-proġett jintroduċi parteċipanti ġodda u organizzazzjonijiet b'inqas esperjenza għall-programm Erasmus+ li jistgħu jagħtu prova tal-esperjenza fil-ħidma fost iż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet
Kwalità tat-tfassil tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 40 punt)**	• Iċ-ċarezza, il-kompletezza u l-kwalità tal-fażijiet kollha tal-proġett: it-tħejjija mfassla apposta għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-parteċipanti, l-appoġġ matul l-ivvjaġġar, l-implimentazzjoni tal-attivitajiet u s-segwitu; • Kemm il-parteċipanti huma involuti fil-fażijiet kollha tal-attivitajiet; • L-attivitajiet huma mfassla b'mod aċċessibbli u inklużiv. • Il-kwalità tal-arranġamenti u l-appoġġ għall-proċess ta' riflessjoni, l-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-eżiti tal-apprendiment tal-parteċipanti, u l-użu tal-Youthpass; • L-adegwatezza u l-effettività tal-miżuri previsti biex jiġu żgurati s-sikurezza u l-protezzjoni tal-parteċipanti; • Kemm l-attivitajiet jinkorporaw prattiki sostenibbli u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent.
Kwalità tal-ġestjoni tal-proġetti **(punteġġ massimu ta' 20 punt)**	• Il-kwalità tal-arranġamenti prattiċi, il-ġestjoni u l-modalitajiet ta' appoġġ; • Il-kwalità tal-kooperazzjoni u tal-komunikazzjoni ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn jekk applikabbli; • Il-kwalità tal-miżuri għall-evalwazzjoni tal-fażijiet u l-eżiti differenti tal-proġett; • L-adegwatezza u l-kwalità tal-miżuri mmirati lejn it-tixrid tal-eżiti tal-proġett fi ħdan l-organizzazzjonijiet parteċipanti u lil hinn minnhom.

REGOLI TA' FINANZJAMENT

Kategorija tal-baġit	Kostijiet eliġibbli u regoli applikabbli	Ammont

<table>
<tr><td rowspan="9">Kostijiet tal-ivjaġġar</td><td rowspan="9">Pass tal-ivvjaġġar: Numru ta’ passes tal-ivvjaġġar għall-parteċipanti.

Numru ta’ passes tal-ivvjaġġar ta’ kwalunkwe akkumpanjatur (bl-użu tal-istess mezzi ta’ trasport bħall-parteċipanti).

Bħala regola bażika, il-parteċipanti se jivvjaġġaw bil-mezz tat-trasport li għandu l-inqas emissjonijiet kumplessivi ta’ gassijiet serra[134].

Mekkaniżmu ta’ finanzjament:

- Kontribuzzjoni in natura għall-pass tal-ivvjaġġar;
- Kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji: f’każijiet fejn il-pajjiż ta’ oriġini ma jkunx marbut direttament mas-sistema tal-ferrovija fuq l-Ewropa kontinentali u jkun meħtieġ vjaġġar addizzjonali , b’mezzi oħrajn ta’ trasport, biex jintlaħaq il-pajjiż fejn tibda l-mobbiltà.
- Vjaġġar ekoloġiku: F’każ li l-parteċipanti jkunu jeħtieġu vjaġġar addizzjonali sabiex jilħqu l-post fejn tibda l-attività, ikunu intitolati wkoll għall-appoġġ għall-ivvjaġġar, inkluż “l-ivvjaġġar ekoloġiku” fejn applikabbli.</td><td colspan="3">Pass tal-ivvjaġġar ta’ sebat ijiem ta’ vjaġġar[135] fi żmien xahar</td></tr>
<tr><td colspan="3">Kontribuzzjoni għall-użu ta’ mezzi oħrajn tat-trasport fejn applikabbli</td></tr>
<tr><td>Distanza tal-ivvjaġġar</td><td>Vjaġġar standard</td><td>Vjaġġar ekoloġiku</td></tr>
<tr><td>10 – 99 km</td><td>EUR 23</td><td></td></tr>
<tr><td>100 – 499 km</td><td>EUR 180</td><td>EUR 210</td></tr>
<tr><td>500 – 1999 km</td><td>EUR 275</td><td>EUR 320</td></tr>
<tr><td>2000 – 2999 km</td><td>EUR 360</td><td>EUR 410</td></tr>
<tr><td>3000 – 3999 km</td><td>EUR 530</td><td>EUR 610</td></tr>
<tr><td>4000 – 7999 km</td><td>EUR 820</td><td></td></tr>
<tr><td>8000 km jew aktar</td><td>EUR 1,500</td><td></td></tr>
<tr><td>Appoġġ Organizzazzjonali</td><td>Kostijiet relatati direttament mal-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta’ mobbiltà.

Mekkaniżmu ta’ finanzjament: kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji

Regola tal-allokazzjoni: abbażi tan-numru ta’</td><td colspan="3">EUR 100 għal kull parteċipant</td></tr>
</table>

[134] https://www.eea.europa.eu/data-and-maps/indicators/energy-efficiency-and-specific-co2-emissions/energy-efficiency-and-specific-co2-9

[135] Il-pass tal-ivvjaġġar huwa validu għal 30 jum li fihom il-parteċipant jista’ jivvjaġġa fuq kemm-il ferrovija jixtieq il-parteċipant minn nofsillejl sa nofsillejl f’kuljum mis-sebat ijiem ta’ vjaġġar. Kif jintefqu l-jiem l-oħra huma fid-diskrezzjoni tal-parteċipant.

	parteċipanti, eskluži l-mexxejja tal-gruppi, l-akkumpanjaturi u l-faċilitaturi.	
Appoġġ individwali	Kostijiet marbuta mas-sussistenza. **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji. **Regola tal-allokazzjoni:** abbaži tad-durata tas-soġġorn għal kull parteċipant, inkluži l-mexxejja tal-gruppi, l-akkumpanjaturi u l-faċilitaturi.	EUR 70 għal kull parteċipant kull jum. Massimu ta' 21 jum ta' appoġġ għal kull parteċipant.
Appoġġ għall-inklużjoni	Il-kostijiet relatati mal-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' mobbiltà għall-parteċipanti b'inqas opportunitajiet. **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji. **Regola tal-allokazzjoni:** abbaži tan-numru ta' parteċipanti b'inqas opportunitajiet, eskluži l-mexxejja tal-gruppi, l-akkumpanjaturi u l-faċilitaturi.	EUR 100 għal kull parteċipant
	Kostijiet addizzjonali marbuta direttament ma' parteċipanti b'inqas opportunitajiet u l-akkumpanjaturi tagħhom, inkluži l-mexxejja tal-gruppi u l-faċilitaturi (inkluži kostijiet iġġustifikati relatati mal-ivvjaġġar u s-sussistenza jekk ma tintalabx għotja għal dawn il-parteċipanti permezz tal-kategoriji tal-baġit "Vjaġġar" u "Appoġġ individwali"). **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kostijiet reali. **Regola tal-allokazzjoni:** it-talba trid tkun iġġustifikata mill-applikant u approvata mill-Aġenzija Nazzjonali.	100 % tal-kostijiet eliġibbli
Kostijiet eċċezzjonali	Kostijiet għall-għoti ta' garanzija finanzjarja, jekk l-Aġenzija Nazzjonali titlob dan. Kostijiet tal-viża u dawk relatati mal-viża, permessi ta' residenza, vaċċinazzjonijiet, ċertifikati mediċi. **Kostijiet tal-prenotazzjoni:** f'xi pajjiżi ma huwiex possibbli li wieħed jivvjaġġa mingħajr prenotazzjoni obbligatorja tas-sit. Il-kopertura ta' dawk il-kostijiet	**Garanzija finanzjarja:** 80 % tal-kostijiet eliġibbli **Kostijiet tal-viża u dawk relatati mal-viża, permessi ta' residenza, vaċċinazzjonijiet, ċertifikati mediċi**: 100 % tal-kostijiet eliġibbli **Kostijiet tal-prenotazzjoni:** 80 % tal-

	tal-prenotazzjoni minbarra l-pass tal-ivvjaġġar fejn applikabbli hija alternattiva minnhom. Kostijiet tal-ivvjaġġar għaljin tal-parteċipanti, inklużi l-akkumpanjaturi, il-mexxejja tal-gruppi u l-faċilitaturi; li ma jistgħux jiġu appoġġati bil-kategorija standard "Vjaġġar" minħabba l-pożizzjoni ġeografika remota jew ostakli oħrajn (jiġifieri meta l-użu ta' mezzi tat-trasport aktar nodfa u b'livell aktar baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jirriżulta f'kostijiet tal-ivvjaġġar għaljin). **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kostijiet reali. **Regola tal-allokazzjoni:** it-talba trid tkun iġġustifikata mill-applikant u approvata mill-Aġenzija Nazzjonali. L-ivvjaġġar għali japplika f'każijiet fejn l-appoġġ għall-ivvjaġġar ibbażat fuq il-kost unitarju ma jkoprix 70 % tal-kostijiet tal-ivvjaġġar tal-parteċipanti. Jekk jingħataw, il-kostijiet eċċezzjonali għall-ivvjaġġar għali jissostitwixxu l-għotja standard għall-ivvjaġġar.	kostijiet eliġibbli tal-prenotazzjoni **Kostijiet tal-ivvjaġġar għaljin:** 80 % tal-kostijiet eliġibbli tal-ivvjaġġar

MOBBILTÀ TAL-PERSUNAL FIL-QASAM TAL-ISPORT

Din l-azzjoni għandha l-għan li tgħin fl-iżvilupp tal-organizzazzjonijiet sportivi billi tappoġġa l-mobbiltà għall-apprendiment tal-persunal tagħhom.

L-organizzazzjonijiet parteċipanti għandhom jippromwovu b'mod attiv l-inklużjoni u d-diversità, is-sostenibbiltà ambjentali, l-edukazzjoni diġitali u l-parteċipazzjoni attiva permezz tal-attivitajiet tagħhom. Għandhom jagħmlu dan billi jużaw l-opportunitajiet speċifiċi ta' finanzjament ipprovduti mill-Programm għal dawn l-iskopijiet, billi jqajmu sensibilizzazzjoni fost il-parteċipanti tagħhom, billi jikkondividu l-aħjar prattiki, u billi jagħżlu disinn xieraq għall-attivitajiet tagħhom.

L-objettiv ġenerali ta' din l-azzjoni huwa li tagħti l-opportunità lill-persunal tal-organizzazzjonijiet sportivi, primarjament fl-isport għad-dilettanti, li jtejjeb il-kompetenzi, il-kwalifiki u jikseb ħiliet ġodda permezz tal-mobbiltà għall-apprendiment billi jqatta' perjodu ta' żmien barra mill-pajjiż, u b'hekk jikkontribwixxi għall-bini tal-kapaċità u għall-iżvilupp tal-organizzazzjonijiet sportivi.

Din l-azzjoni tappoġġa l-iżvilupp professjonali tal-kowċis, u persunal ieħor (kemm persunal imħallas kif ukoll voluntiera) fl-isport għad-dilettanti. Il-persunal fl-isport mhux għad-dilettanti, inkluż dak involut f'karrieri doppji fl-isport u mhux fl-isport, ukoll jista' jsaħħaħ l-impatt tal-apprendiment u t-trasferiment tal-għarfien għall-persunal u l-organizzazzjonijiet tal-isport għad-dilettanti. L-opportunitajiet ta' mobbiltà għall-apprendiment għall-persunal fl-isport mhux għad-dilettanti jistgħu jiġu appoġġati meta l-parteċipazzjoni ta' tali persunal tista' tkun ta' benefiċċju għall-isport għad-dilettanti.

L-Azzjoni tikkontribwixxi għall-objettivi tal-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Isport 2021-2024[136].

B'mod speċifiku, il-proġetti ta' mobbiltà fil-qasam tal-isport għandhom l-għan li:

- jenfasizzaw l-isport għad-dilettanti, filwaqt li jqisu r-rwol importanti li l-isport għandu fil-promozzjoni tal-attività fiżika u ta' stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa, ir-relazzjonijiet interpersonali, l-inklużjoni soċjali u l-ugwaljanza;
- jiżviluppaw id-dimensjoni Ewropea fl-isport u l-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tal-mobbiltà għall-apprendiment fl-isport;
- jibnu l-kapaċità tal-organizzazzjonijiet ta' bażi;
- itejbu l-għarfien u l-kompetenzi tal-persunal tal-isport;
- jippromwovu l-valuri Ewropej komuni permezz tal-isport, il-governanza tajba u l-integrità fl-isport, l-iżvilupp sostenibbli, kif ukoll l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ħiliet fl-isport u permezz tiegħu.
- Jippromwovu stil ta' ħajja attiv u favur l-ambjent u ċittadinanza attiva;
- Jistabbilixxu networks Ewropej tal-kowċis u l-persunal tal-isport.

[136] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX:42020Y1204(01)

L-organizzazzjoni applikanti hija l-attur ewlieni fi proġett tal-Azzjoni Ewlenija 1. L-applikant jabbozza u jissottometti l-applikazzjoni, jiffirma l-ftehim ta' għotja mal-Aġenzija Nazzjonali ta' Erasmus+, jimplimenta l-attivitajiet tal-mobbiltà, u jirrapporta lill-Aġenzija Nazzjonali tal-Erasmus+ tiegħu. Iż-żewġ tipi ta' attivitajiet appoġġati huma attivitajiet ta' mobbiltà ħierġa. Dan ifisser li l-organizzazzjoni applikanti se taġixxi bħala organizzazzjoni li tibgħat: se tagħżel il-parteċipanti u tibgħathom f'organizzazzjoni ospitanti barra l-pajjiż.

Proġett jista' jinkludi attività waħda jew aktar. L-attivitajiet jistgħu jiġu kkombinati, skont l-objettivi tal-proġett u l-ħtiġijiet tal-organizzazzjoni(jiet) parteċipanti u l-parteċipanti nfushom.

Proġett jikkonsisti f'erba' stadji: l-ippjanar, it-tħejjija, l-implimentazzjoni u s-segwitu.

- L-ippjanar (id-definizzjoni tal-ħtiġijiet, l-objettivi, l-eżiti tal-apprendiment, il-formati tal-attività, l-iżvilupp tal-programm ta' ħidma, l-iskeda tal-attivitajiet, eċċ.)
- It-tħejjija (l-arranġamenti prattiċi, l-għażla tal-parteċipanti, it-tħejjija lingwistika/interkulturali/relatata mal-apprendiment u mal-kompiti tal-parteċipanti qabel it-tluq, laqgħat preparatorji virtwali, eċċ.);
- L-implimentazzjoni tal-attivitajiet;
- Is-segwitu (l-evalwazzjoni tal-attivitajiet, l-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-eżiti tal-apprendiment tal-parteċipanti, kif ukoll it-tixrid u l-isfruttar tal-eżiti tal-proġett, il-laqgħat ta' segwitu virtwali).

Erasmus+ fil-qasam tal-isport jappoġġa l-prijoritajiet orizzontali tal-programm:

Inklużjoni u Diversità

Il-Programm Erasmus+ ifittex li jippromwovi l-opportunitajiet indaqs u l-aċċess, l-inklużjoni u l-ġustizzja fl-azzjonijiet kollha tiegħu. L-organizzazzjonijiet li jirċievu appoġġ mill-Programm iridu jiżguraw li joffru opportunitajiet ta' mobbiltà b'mod inklużiv u ġust, lill-parteċipanti minn kull sfond. L-għażla tal-parteċipanti għandha tiżgura li l-benefiċċji tal-iżvilupp professjonali tagħhom ikunu trasferibbli bis-sħiħ fl-organizzazzjoni emittenti tagħhom.

Matul it-tħejjija, l-implimentazzjoni u s-segwitu tal-attivitajiet ta' mobbiltà, l-organizzazzjonijiet li jibagħtu u dawk ospitanti għandhom jinvolvu lill-parteċipanti f'deċiżjonijiet ewlenin sabiex jiġu żgurati benefiċċji u impatti massimi għal kull parteċipant

Sostenibbiltà Ambjentali

Proġett għandu jippromwovi mġiba ambjentalment sostenibbli u responsabbli fost il-parteċipanti, filwaqt li jqajjem is-sensibilizzazzjoni dwar l-importanza li tittieħed azzjoni biex titnaqqas jew tiġi kkumpensata l-impronta ambjentali tal-attivitajiet ta' mobbiltà. Dan għandu jitfassal u jiġi implimentat b'kuxjenza ambjentali, eż. billi jiġu integrati prattiki sostenibbli bħall-għażla ta' materjali li jistgħu jerġgħu jintużaw jew li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, it-tnaqqis tal-iskart u r-riċiklaġġ. Dawn il-prinċipji għandhom jiġu riflessi fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet kollha tal-Programm, speċjalment permezz tal-użu ta' appoġġ speċifiku ta' finanzjament ipprovdut mill-Programm biex jiġu promossi mezzi sostenibbli tal-ivjaġġar.

Tranżizzjoni diġitali

Il-Programm Erasmus+ jappoġġa lill-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha fl-inkorporazzjoni tal-użu ta' għodod diġitali u metodi ta' apprendiment biex jikkomplementaw l-attivitajiet fiżiċi tagħhom, itejbu l-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet sħab, u ħalli jtejbu l-kwalità tal-attivitajiet.

Parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika

Il-programm għandu l-għan li jgħin lill-parteċipanti jiskopru l-benefiċċji taċ-ċittadinanza attiva u l-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika. L-attivitajiet ta' mobbiltà appoġġati għandhom isaħħu l-ħiliet parteċipattivi f'oqsma differenti tas-soċjetà ċivika, kif ukoll l-iżvilupp ta' kompetenzi soċjali u interkulturali, il-ħsieb kritiku u l-litteriżmu medjatiku. Kull fejn ikun possibbli, il-proġetti għandhom joffru opportunitajiet għall-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika, l-involviment soċjali u ċiviku permezz ta' attivitajiet ta' apprendiment formali jew mhux formali. Dawn għandhom itejbu wkoll il-fehim tal-parteċipanti dwar l-Unjoni Ewropea u l-valuri komuni Ewropej, inkluż ir-rispett għall-prinċipji demokratiċi, id-dinjità tal-bniedem, l-unità u d-diversità, id-djalogu interkulturali, kif ukoll il-wirt soċjali, kulturali u storiku Ewropew.

Formati disponibbli:

Huma appoġġati l-attivitajiet li ġejjin:

- Job shadowing u perjodi ta' osservazzjoni (jumejn sa 14-il jum)
- Inkarigi ta' kkowċjar jew taħriġ (15-il jum sa 60 jum)

Job shadowing huwa meta l-parteċipanti jistgħu jqattgħu perjodu ta' żmien (jumejn sa 14-il jum) f'organizzazzjoni ospitanti f'pajjiż ieħor bil-għan li jitgħallmu prattiki ġodda u jiġbru ideat ġodda permezz ta' osservazzjoni u interazzjoni mal-pari, mal-kowċis, mal-voluntiera jew ma' membri oħrajn tal-persunal fix-xogħol ta' kuljum tagħhom fl-organizzazzjoni ospitanti.

L-inkarigi ta' kkowċjar jew ta' taħriġ huma meta l-parteċipanti jistgħu jqattgħu perjodu ta' żmien (15-il jum sa 60 jum) jikkowċjaw jew jipprovdu taħriġ f'organizzazzjoni ospitanti f'pajjiż ieħor, bħala mod kif jitgħallmu permezz tat-tlestija tal-kompiti tagħhom u l-iskambju mal-pari. Dan jikkontribwixxi għall-bini tal-kapaċità tal-organizzazzjonijiet ta' bażi.

L-attivitajiet ma jistax ikollhom skop ta' qligħ.

Minbarra l-mobbiltà fiżika, l-attivitajiet kollha tal-mobbiltà tal-persunal jistgħu jitħalltu ma' attivitajiet virtwali. Id-durati minimi u massimi speċifikati hawn fuq japplikaw għall-komponent tal-mobbiltà fiżika.

Għal kwalunkwe attività, jista' jingħata appoġġ addizzjonali lill-akkumpanjaturi tal-parteċipanti b'inqas opportunitajiet. L-akkumpanjaturi jistgħu jiġu appoġġati għad-durata sħiħa tal-attività jew għal parti minnha.

Żjarat preparatorji

Iż-żjarat preparatorji għandhom l-għan li jiżguraw attivitajiet ta' kwalità għolja billi jiġu ffaċilitati u jitħejjew arranġamenti amministrattivi, jinbnew il-fiduċja u l-fehim, u tiġi stabbilita sħubija soda bejn l-organizzazzjonijiet u l-persuni involuti.

L-organizzazzjonijiet jistgħu jistabbilixxu żjara preparatorja għand is-sieħeb ospitanti tagħhom qabel ma sseħħ il-mobbiltà. Iż-żjarat preparatorji ma humiex attività awtonoma, iżda arranġament ta' appoġġ għall-mobbiltà tal-persunal. Kull żjara preparatorja jrid ikollha motivazzjoni ċara u trid isservi biex ittejjeb il-kamp ta' applikazzjoni u l-kwalità tal-attivitajiet ta' mobbiltà. Pereżempju, jistgħu jiġu organizzati żjarat preparatorji biex tibda ssir ħidma ma' organizzazzjoni sieħba ġdida, jew biex jitħejjew attivitajiet ta' mobbiltà itwal. Jistgħu jiġu organizzati żjarat preparatorji għaż-żewġ tipi ta' mobbiltà tal-persunal.

Kriterji tal-Eliġibbiltà

Min jista' japplika?	Organizzazzjoni parteċipanti tista' tkun: • Organizzazzjoni pubblika jew privata attiva fil-qasam tal-isport u tal-attività fiżika u li torganizza attivitajiet sportivi u fiżiċi fil-livell lokali (eż., organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, awtorità pubblika lokali, klabb sportiv) • Organizzazzjoni tal-isport mhux għad-dilettanti jekk il-parteċipazzjoni tal-persunal tagħha tibbenefika lill-isport għad-dilettanti (eż., organizzazzjoni internazzjonali)
Fejn napplika?	L-organizzazzjonijiet applikanti jridu jkunu stabbiliti fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi lill-Aġenzija Nazzjonali fil-pajjiż fejn tkun stabbilita l-organizzazzjoni applikanti.
Meta napplika?	L-applikanti jridu jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għal għotja sad-dati li ġejjin: • **it-23 ta' Frar f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell)** **Ċiklu addizzjonali possibbli:** L-Aġenziji Nazzjonali jistgħu jiddeċiedu li jiftħu ċiklu addizzjonali. L-Aġenziji Nazzjonali se jinformaw lill-applikanti dwar il-ftuħ taċ-ċiklu addizzjonali permezz tas-sit web tagħhom. Jekk jiġi organizzat ċiklu ieħor, l-applikanti jridu jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom sal-**4 ta' Ottubru f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell)**.
Dati tal-bidu tal-proġett	Il-proġetti jibdew **bejn l-1 ta' Ġunju u l-31 ta' Diċembru tal-istess sena** Jekk jinfetaħ ċiklu fakultattiv, il-proġetti jibdew **bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Mejju tas-sena ta' wara**
Kif napplika?	Jekk jogħġbok ara l-Parti C ta' din il-Gwida għad-dettalji dwar kif wieħed għandu japplika.
Durata tal-proġett	Minn 3 xhur sa 18-il xahar

Durata tal-attivitajiet	Job shadowing u perjodi ta' osservazzjoni: jumejn sa 14-il jum konsekuttivi (minbarra l-jiem tal-ivvjaġġar) Inkarigi ta' kkowċjar u taħriġ: 15-il jum – 60 jum konsekuttivi (minbarra l-jiem tal-ivvjaġġar)
Parteċipanti eliġibbli	○ Il-kowċis u persunal tal-isport ieħor f'organizzazzjonijiet tal-isport għad-dilettanti ○ Il-persunal fl-isport mhux għad-dilettanti, inkluži dawk involuti f'karrieri doppji u f'karrieri mhux sportivi, fejn il-parteċipazzjoni ta' tali persunal tista' tkun ta' benefiċċju għall-isport għad-dilettanti. ○ Voluntiera (minbarra kowċis) f'organizzazzjonijiet sportivi. Il-parteċipanti jeħtiġilhom ikunu qegħdin jaħdmu fl-organizzazzjoni li tibgħat, jew ikunu qegħdin jaħdmu regolarment mal-organizzazzjoni li tibgħat sabiex jgħinu fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet ewlenin tal-organizzazzjoni. Il-parteċipanti jeħtiġilhom ikunu residenti fil-pajjiż tal-organizzazzjoni li tibgħat tagħhom. Fil-każijiet kollha, il-kompiti li jorbtu lill-parteċipant mal-organizzazzjoni li tibgħat iridu jkunu dokumentati b'mod li jippermetti lill-Aġenzija Nazzjonali tivverifika din ir-rabta (pereżempju ma' kuntratt ta' xogħol jew volontarjat, deskrizzjoni tal-kompitu, jew dokument simili). Il-parteċipanti ma jistgħux jinvolvu ruħhom f'attività ta' mobbiltà f'kapaċità ta' atleti.
Numru ta' parteċipanti	Massimu ta' 10 parteċipanti għal kull proġett
Post tal-attivitajiet	L-attivitajiet iridu jsiru barra l-pajjiż, fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm.

Kriterji tal-Eliġibbiltà addizzjonali għaż-Żjarat Preparatorji

Post(ijiet) tal-attività	Iż-Żjarat Preparatorji jsiru fil-pajjiż tal-organizzazzjoni li tilqa' qabel ma tibda l-attività.
Parteċipanti eliġibbli	Rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet parteċipanti li jieħdu sehem fl-attività ewlenija. Iż-żjarat preparatorji jistgħu jitwettqu minn persunal involut direttament fl-organizzazzjoni ta' proġett jew persunal li jipparteċipaw fil-mobbiltà.

KRITERJI GĦALL-GĦOTI

L-applikazzjonijiet sottomessi se jiġu vvalutati billi jiġu assenjati punti minn total ta' 100, abbażi tal-kriterji u l-ponderazzjonijiet ta' hawn taħt. Sabiex ikunu kkunsidrati għall-għoti, l-applikazzjonijiet iridu jissodisfaw il-limiti li ġejjin:

- Mill-inqas 60 punt mit-total ta' 100 punt, u
- Mill-inqas nofs il-punti massimi f'kull waħda mit-tliet kategoriji tal-kriterji għall-għoti

Rilevanza u impatt
 	
(punteġġ massimu ta' 30 punt)
	Kemm:
	
	• Il-profil, l-esperjenza u l-attivitajiet tal-applikant huma rilevanti għall-isport għad-dilettanti;
	
	• Il-proposta tal-proġett hija rilevanti
	  • għall-objettivi tal-azzjoni
	  • għall-ħtiġijiet u l-iżvilupp tal-organizzazzjonijiet parteċipanti
	  • għall-ħtiġijiet u l-iżvilupp tal-persunal parteċipanti
	
	• Kemm il-proposta hi adattata:
	  • għall-produzzjoni ta' eżiti tal-apprendiment ta' kwalità għolja għall-persunal parteċipanti;
	  • għat-tisħiħ jew it-trasformazzjoni tal-prattiki ta' ħidma tal-organizzazzjonijiet parteċipanti, għaż-żieda tal-kwalità, il-kapaċitajiet u l-innovazzjoni tagħha
	  • għall-produzzjoni ta' impatt potenzjali fuq l-organizzazzjonijiet parteċipanti u l-persunal matul u wara l-ħajja tal-proġett
	
	• Kemm il-proġett jiddefinixxi eżiti tal-apprendiment konkreti
	• Kemm il-proġett huwa adattat biex jikkontribwixxi għall-inklużjoni u d-diversità, id-dimensjonijiet ekoloġiċi, diġitali u parteċipattivi tal-Programm;
	• Kemm il-proġett jintroduċi parteċipanti ġodda u organizzazzjonijiet b'inqas esperjenza għall-azzjoni.

Il-kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 40 punt)**	Kemm: • L-objettivi proposti tal-proġett jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-organizzazzjoni applikanti u l-persunal tagħha b'mod ċar u konkret • Il-kwalità tal-arranġamenti prattiċi, il-ġestjoni u l-modalitajiet ta' appoġġ; • Il-proġett jinkorpora prattiki ambjentalment sostenibbli u responsabbli • Il-proġett jinkorpora l-użu ta' għodod diġitali u metodi ta' apprendiment biex jikkomplementaw l-attivitajiet ta' mobbiltà fiżika tagħhom, u ħalli jtejbu l-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet sħab • Kemm l-attivitajiet huma mfassla b'mod aċċessibbli u inklużiv u huma miftuħa għal parteċipanti b'inqas opportunitajiet • Ir-rappreżentanza bilanċjata tal-parteċipanti f'termini ta' pajjiżi u ġeneru; • Għall-persunal minn organizzazzjonijiet għad-dilettanti, spjegazzjoni ċara kif il-parteċipazzjoni ta' tali persunal se tkun ta' benefiċċju għall-isport għad-dilettanti
Kwalità tal-azzjonijiet ta' segwitu **(punteġġ massimu ta' 30 punt)**	Kemm: • l-applikant ippropona passi konkreti u loġiċi biex jintegra r-riżultati tal-attivitajiet ta' mobbiltà fil-ħidma regolari tal-organizzazzjoni • l-applikant ippropona passi konkreti u effettivi biex ir-riżultati tal-proġett isiru magħrufa fi ħdan l-organizzazzjoni applikanti, biex ir-riżultati jiġu kondiviżi ma' organizzazzjonijiet oħrajn u mal-pubbliku, u ħalli l-finanzjament tal-Unjoni Ewropea jiġi rikonoxxut b'mod pubbliku

<table>
<tr><th>Kategorija tal-baġit</th><th>Kostijiet eliġibbli u regoli applikabbli</th><th colspan="3">Ammont</th></tr>
<tr><td>Appoġġ Organizzazzjonali</td><td>Il-kostijiet relatati direttament mal-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta’ mobbiltà li ma humiex koperti minn kategoriji oħra ta’ kostijiet.

Pereżempju, it-tħejjija, il-mentoraġġ, il-monitoraġġ u l-appoġġ tal-parteċipanti matul il-mobbiltà, is-servizzi, l-għodod u t-tagħmir meħtieġa għall-komponenti virtwali f’attivitajiet imħallta, il-kondiviżjoni tar-riżultati u li l-finanzjament tal-Unjoni Ewropea jsir viżibbli għall-pubbliku.

L-appoġġ organizzazzjonali jkopri l-kostijiet imġarrba kemm mill-organizzazzjonijiet emittenti kif ukoll minn dawk li jospitaw. Id-diviżjoni tal-għotja mogħtija se tiġi miftiehma bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet.

Mekkaniżmu ta’ finanzjament: kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji.

Regola tal-allokazzjoni: abbażi tan-numru ta’ parteċipanti, minbarra l-akkumpanjaturi.</td><td colspan="3">EUR 350 għal kull parteċipant</td></tr>
<tr><td rowspan="8">Vjaġġar</td><td rowspan="8">Kontribuzzjoni għall-kostijiet tal-ivvjaġġar tal-parteċipanti, inklużi l-akkumpanjaturi, mill-post tal-oriġini tagħhom sal-post tal-attività u lura.

Mekkaniżmu ta’ finanzjament: kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji.

Regola tal-allokazzjoni: abbażi tad-distanza tal-ivvjaġġar u n-numru ta’ persuni.

L-applikant jeħtieġlu jindika d-distanza bejn il-post tal-oriġini u l-post tal-attività[137] billi juża l-kalkulatur tad-distanza appoġġat mill-Kummissjoni Ewropea[138].</td><td>Distanza tal-ivvjaġġar</td><td>Vjaġġar standard</td><td>Vjaġġar ekoloġiku</td></tr>
<tr><td>0 – 99 km</td><td>EUR 23</td><td></td></tr>
<tr><td>100 – 499 km</td><td>EUR 180</td><td>EUR 210</td></tr>
<tr><td>500 – 1999 km</td><td>EUR 275</td><td>EUR 320</td></tr>
<tr><td>2000 – 2999 km</td><td>EUR 360</td><td>EUR 410</td></tr>
<tr><td>3000 – 3999 km</td><td>EUR 530</td><td>EUR 610</td></tr>
<tr><td>4000 – 7999 km</td><td>EUR 820</td><td></td></tr>
<tr><td>8000 km jew aktar</td><td>EUR 1,500</td><td></td></tr>
</table>

[137] Pereżempju, jekk persuna minn Madrid (Spanja) qed tieħu sehem f’attività li qed issir f’Ruma (l-Italja), l-applikant jikkalkula d-distanza minn Madrid sa Ruma (1365.28 KM) u mbagħad jagħżel il-medda tad-distanza tal-ivvjaġġar applikabbli (jiġifieri bejn 500 u 1,999 km).
[138] http://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/tools/distance_mt.htm

Appoġġ individwali	Kostijiet ta' sussistenza għall-parteċipanti u l-akkumpanjaturi matul l-attività. Jekk ikun meħtieġ: il-kostijiet ta' sussistenza huma eliġibbli għal ħin ta' vjaġġar qabel u wara l-attività, b'massimu ta' jumejn ta' vjaġġar għall-parteċipanti u l-akkumpanjaturi li jirċievu għotja standard għall-ivvjaġġar, u massimu ta' sitt ijiem ta' vvjaġġar fil-każ ta' għotja għall-ivvjaġġar ekoloġiku. **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji. **Regola tal-allokazzjoni:** abbażi tan-numru ta' persuni, id-durata taż-żjara u l-pajjiż li jilqa'[139]	**Grupp ta' pajjiżi 1**: EUR 101 – 180 **Grupp ta' pajjiżi 2**: EUR 90 – 160 **Grupp ta' pajjiżi 3**: EUR 79 – 140 Dawn ta' hawn fuq huma rati bażi għal kull jum tal-attività. Kull Aġenzija Nazzjonali se tiddeċiedi dwar ir-rati bażi eżatti fil-meded permessi. Ir-rata bażi hija pagabbli sal-14-il jum tal-attività. Mill-15-il jum tal-attività, ir-rata pagabbli tkun ugwali għal 70 % tar-rata bażi. Ir-rati pagabbli jiġu aġġustati għall-eqreb Euro sħiħ.
Appoġġ għall-inklużjoni	**Appoġġ għall-inklużjoni għall-organizzazzjonijiet:** Il-kostijiet relatati mal-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' mobbiltà għall-parteċipanti b'inqas opportunitajiet. **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji. **Regola tal-allokazzjoni:** abbażi tan-numru ta' parteċipanti b'inqas opportunitajiet, minbarra l-akkumpanjaturi.	EUR 100 għal kull parteċipant
	Appoġġ għall-inklużjoni għall-parteċipanti: Kostijiet addizzjonali marbuta direttament ma' parteċipanti b'inqas opportunitajiet u mal-akkumpanjaturi tagħhom (inklużi kostijiet relatati mal-ivvjaġġar u s-sussistenza, jekk ma tintalabx għotja għal dawn il-parteċipanti permezz tal-kategoriji tal-baġit "Vjaġġar" u "Appoġġ individwali"). **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kostijiet reali. **Regola tal-allokazzjoni:** it-talba trid tkun iġġustifikata mill-applikant u approvata mill-Aġenzija Nazzjonali.	100 % tal-kostijiet eliġibbli
Appoġġ għaż-żjara	Kostijiet marbuta mal-implimentazzjoni taż-żjara preparatorja li jinkludu l-ivvjaġġar u s-sussistenza.	EUR 575 għal kull parteċipant, b'massimu ta' żewġ parteċipanti għal kull żjara preparatorja.

[139] grupp ta' pajjiżi 1: in-Norveġja, id-Danimarka, il-Lussemburgu, l-Iżlanda, l-Iżvezja, l-Irlanda, il-Finlandja, il-Liechtenstein;
grupp ta' pajjiżi 2: in-Netherlands, l-Awstrija, il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, Spanja, Ċipru, il-Greċja, Malta, il-Portugall;
grupp ta' pajjiżi 3: is-Slovenja, l-Estonja, il-Latvja, il-Kroazja, is-Slovakkja, ir-Repubblika Ċeka, il-Litwanja, it-Turkija, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija, il-Bulgarija, il-Maċedonja ta' Fuq, is-Serbja

preparatorja	**Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji. **Regola tal-allokazzjoni:** abbażi tad-durata tal-attività	
Appoġġ lingwistiku	Il-kostijiet tal-provvista ta' materjali għall-apprendiment tal-lingwi u ta' taħriġ għall-parteċipanti li jeħtieġ itejbu l-għarfien tal-lingwa li se jkunu qegħdin jużaw biex jikkowċjaw jew biex jagħtu taħriġ matul l-attività tagħhom. L-appoġġ lingwistiku huwa eliġibbli għall-parteċipanti fil-mobbiltà tal-persunal għal aktar minn 30 jum. L-appoġġ jitħallas biss jekk il-parteċipant ma jkunx jista' jirċievi Appoġġ Lingwistiku Online minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tal-lingwa jew tal-livell meħtieġ. **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji. **Regola tal-allokazzjoni:** abbażi tan-numru ta' parteċipanti.	EUR 150 għal kull parteċipant
Kostijiet eċċezzjonali	Kostijiet għall-għoti ta' garanzija finanzjarja, jekk l-Aġenzija Nazzjonali titlob dan. Il-kostijiet tal-ivvjaġġar għaljin tal-parteċipanti u l-akkumpanjaturi tagħhom li ma jistgħux jiġu appoġġati mill-għotja standard "Vjaġġar" minħabba l-pożizzjoni ġeografika remota jew ostakli oħrajn. Kostijiet tal-viża u dawk relatati mal-viża, permessi ta' residenza, vaċċinazzjonijiet, ċertifikati mediċi. **Mekkaniżmu ta' finanzjament:** kostijiet reali. **Regola tal-allokazzjoni:** it-talba trid tkun iġġustifikata mill-applikant u approvata mill-Aġenzija Nazzjonali**.** L-ivvjaġġar għali japplika f'każijiet fejn l-appoġġ għall-ivvjaġġar ibbażat fuq il-kost unitarju ma jkoprix 70 % tal-kostijiet tal-ivvjaġġar tal-parteċipanti.	**Garanzija finanzjarja:** 80 % tal-kostijiet eliġibbli Kostijiet tal-ivvjaġġar għaljin: 80 % tal-kostijiet eliġibbli **Kostijiet tal-viża u dawk relatati mal-viża, permessi ta' residenza, vaċċinazzjonijiet, ċertifikati mediċi:** 100 % tal-kostijiet eliġibbli

SKAMBJI VIRTWALI FL-EDUKAZZJONI GĦOLJA U Ż-ŻGĦAŻAGĦ

Il-proġetti ta' skambji virtwali jikkonsistu f'attivitajiet online bejn il-persuni li jippromwovu d-djalogu interkulturali u l-iżvilupp ta' ħiliet personali. Dawn jagħmluha possibbli għal kull żagħżugħ li jkollu aċċess għal edukazzjoni internazzjonali u transkulturali ta' kwalità għolja (kemm formali kif ukoll mhux formali) mingħajr mobbiltà fiżika. Filwaqt li d-dibattitu jew it-taħriġ virtwali ma jissostitwixxix bis-sħiħ il-benefiċċji tal-mobbiltà fiżika, il-parteċipanti fi skambji virtwali għandhom igawdu xi wħud mill-benefiċċji tal-esperjenzi edukattivi internazzjonali. Il-pjattaformi diġitali jirrappreżentaw għodda siewja biex jirrispondu parzjalment għar-restrizzjonijiet globali fuq il-mobbiltà kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19. L-iskambji virtwali jgħinu wkoll fit-tixrid tal-valuri Ewropej. Barra minn hekk, f'xi każijiet dawn jistgħu jħejju, japprofondixxu u jestendu l-iskambji fiżiċi, kif ukoll iżidu d-domanda ġdida għalihom.

L-iskambji virtwali jsiru fi gruppi żgħar u dejjem jiġu mmoderati minn faċilitatur imħarreġ. Dawn għandhom jiġu integrati faċilment fi proġetti taż-żgħażagħ (edukazzjoni mhux formali) jew f'korsijiet ta' edukazzjoni għolja. L-iskambji virtwali jistgħu jattiraw parteċipanti miż-żewġ setturi, anke jekk, skont proġetti speċifiċi, dawn jistgħu jinvolvu parteċipanti minn wieħed minnhom biss jew mit-tnejn li huma. Il-proġetti kollha fil-qafas ta' din is-sejħa se jinvolvu organizzazzjonijiet u parteċipanti li ġejjin kemm mill-Istati Membri tal-UE kif ukoll minn pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm, u pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm f'reġjuni eliġibbli.

OBJETTIVI TAL-AZZJONI

L-azzjoni se jkollha l-għan li:

- Tħeġġeġ djalogu interkulturali ma' pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm u żżid it-tolleranza permezz ta' interazzjonijiet online bejn il-persuni, li jibnu fuq teknoloġiji diġitali u favur iż-żgħażagħ;
- Tippromwovi diversi tipi ta' skambji virtwali bħala komplement għall-mobbiltà fiżika tal-Erasmus+, filwaqt li tippermetti lil aktar żgħażagħ jibbenefikaw minn esperjenza interkulturali u internazzjonali;
- Issaħħaħ il-ħsieb kritiku u l-litteriżmu medjatiku, b'mod partikolari fl-użu tal-internet u tal-media soċjali, bħall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, l-indottrinazzjoni, il-polarizzazzjoni u r-radikalizzazzjoni vjolenti;
- Trawwem l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali u personali[140] tal-istudenti, taż-żgħażagħ u tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ[141], inkluża l-prattika tal-lingwi barranin u tal-ħidma f'tim, b'mod partikolari sabiex tissaħħaħ l-impjegabbiltà;
- Tippromwovi ċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, tat-tolleranza u tan-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni;
- Issaħħaħ id-dimensjoni taż-żgħażagħ fir-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi terzi.

OQSMA TEMATIĊI/OBJETTIVI SPEĊIFIĊI

L-Iskambji Virtwali tal-Erasmus+ huma inizjattiva minn isfel għal fuq. F'din is-sejħa, l-organizzazzjonijiet parteċipanti huma liberi li jagħżlu s-suġġetti li se jiffokaw fuqhom, iżda l-proposti jridu juru l-impatt mistenni tagħhom fir-rigward ta'

[140] Il-ħiliet personali jinkludu l-kapaċità ta' ħsieb kritiku, il-kurżità u l-kreattività, it-teħid ta' inizjattiva, is-soluzzjoni tal-problemi u l-ħidma kollaborattiva, il-kapaċità ta' komunikazzjoni effiċjenti f'ambjent multikulturali u interdixxiplinarju, l-abbiltà ta' adattament għall-kuntest, l-immaniġġjar tal-istress u tal-inċertezza. Dawn il-ħiliet huma parti mill-kompetenzi ewlenin, kif deskritti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim tul il-Ħajja (ĠU C 189/1 tal-4.6.2018).

[141] Il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ huma professjonisti jew voluntiera involuti f'apprendiment mhux formali li jappoġġa liż-żgħażagħ fl-iżvilupp soċjoedukattiv u professjonali personali tagħhom.

wieħed mill-objettivi jew aktar msemmija hawn fuq (ara wkoll it-taqsima "Impatt mistenni" hawn taħt). L-aspetti tal-ġeneru għandhom jitqiesu kif meħtieġ, skont il-kamp ta' applikazzjoni u t-temi tal-proġetti (eż. billi jiġu introdotti aspetti tas-sensittività tal-ġeneru fit-taħriġ). Jeħtieġ tingħata attenzjoni speċjali lill-inklużjoni ta' persuni soċjalment u ekonomikament vulnerabbli u ta' persuni li ma jistgħux japplikaw għall-mobbiltà fiżika. Peress li hu aktar faċili li l-iskambji virtwali jiġu organizzati mal-istudenti u l-universitajiet, l-applikanti huma mħeġġa jinvolvu liż-żgħażagħ u lill-organizzazzjonijiet mhux irreġistrati fl-edukazzjoni għolja.

ATTIVITAJIET

Il-proġetti se jiġu ffinanzjati abbażi ta' pjanijiet ta' ħidma li jistgħu jintegraw firxa wiesgħa ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni online, inkluż pereżempju:

- Diskussjonijiet iffaċilitati online bejn iż-żgħażagħ ta' organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ ibbażati f'pajjiżi differenti, bħala parti minn proġetti taż-żgħażagħ. Dawn jistgħu jinkludu simulazzjonijiet ta' logħob ta' rwol;
- Taħriġ għall-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ li jixtiequ jiżviluppaw proġett ta' skambju virtwali ma' kollegi minn pajjiżi oħrajn;
- Diskussjonijiet iffaċilitati online bejn studenti ta' istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Għolja bbażati f'pajjiżi differenti, bħala parti minn lawrji tal-edukazzjoni għolja;
- Taħriġ għall-professuri/persunal tal-università li jixtiequ jiżviluppaw proġett ta' skambju virtwali ma' kollegi minn pajjiżi oħrajn; Korsijiet online miftuħa interattivi li jinkludu materjali tradizzjonali tal-kors bħal lekċers bil-films, qari, u settijiet ta' problemi (bħall-MOOCs magħrufa sew, Korsijiet Online Miftuħa Massivi, iżda li jagħmlu enfasi fuq fora interattivi tal-utenti fi gruppi żgħar sabiex jappoġġaw l-interazzjonijiet tal-komunità fost l-istudenti, il-professuri, l-assistenti tat-tagħlim, iż-żgħażagħ u l-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ).

STABBILIMENT TA' PROĠETT

Il-proġetti kollha ta' skambju virtwali jeħtieġ ikunu:

- Moderati minn faċilitaturi mħarrġa;
- Siguri u protettivi mill-perspettiva tal-parteċipanti u l-ospitanti, f'konformità sħiħa mar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*[142];
- Politikament sodi u kulturalment rilevanti: l-attivitajiet ta' skambju virtwali jridu jkunu integrati bis-sħiħ fis-setturi taż-żgħażagħ u tal-edukazzjoni għolja u jkunu aġġornati mal-kulturi online u offline taż-żgħażagħ fil-pajjiżi parteċipanti;
- Miftuħa u aċċessibbli fil-livell tal-esperjenza tal-utenti u tal-interazzjoni. Ir-reġistrazzjoni u l-interazzjonijiet mal-pari, il-faċilitaturi, l-amministraturi, u partijiet ikkonċernati oħrajn għandhom ikunu sempliċi u faċli;
- Prinċipalment sinkroniċi, b'komponenti asinkroniċi possibbli (eż. qari, filmati); u
- fl-aħħar nett, iridu jipprevedu metodu ta' rikonoxximent tal-parteċipazzjoni u l-apprendiment għaż-żgħażagħ fi tmiem l-iskambju.

[142] https://ec.europa.eu/info/law/law-topic/data-protection/eu-data-protection-rules_mt.

L-organizzazzjonijiet parteċipanti jridu jorganizzaw skambji virtwali għal persuni li għandhom bejn 13 u 30 sena. Jekk proġett ikun jinvolvi persuni taħt it-18-il sena, l-organizzazzjonijiet parteċipanti huma meħtieġa jiksbu awtorizzazzjoni minn qabel ta' parteċipazzjoni mill-ġenituri tagħhom jew mingħand dawk li jaġixxu f'isimhom. Il-parteċipanti individwali jeħtiġilhom ikunu bbażati fil-pajjiżi tal-organizzazzjonijiet li jipparteċipaw fil-proġett.

Sabiex iwettqu l-attivitajiet tagħhom, il-proġetti għandhom jiddependu, kemm jista' jkun, minn għodod u pjattaformi eżistenti.

LIEMA HUMA L-KRITERJI LI GĦANDHOM JIĠU SSODISFATI BIEX WIEĦED JAPPLIKA GĦAL SKAMBJI VIRTWALI FI PROĠETTI TAL-EDUKAZZJONI GĦOLJA U TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ?

KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ

Sabiex ikunu eliġibbli għal għotja tal-Erasmus+, il-proposti tal-proġett għal Skambji Virtwali fl-Edukazzjoni Għolja u ż-Żgħażagħ iridu jikkonformaw mal-kriterji li ġejjin:

Min jista' japplika?	L-organizzazzjonijiet li ġejjin jistgħu jkunu involuti bħala koordinatur: - Organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati attivi fil-qasam tal-edukazzjoni għolja jew taż-żgħażagħ (edukazzjoni mhux formali); - Istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, assoċjazzjonijiet jew organizzazzjonijiet ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, kif ukoll organizzazzjonijiet nazzjonali jew internazzjonali tar-retturi, tal-għalliema jew tal-istudenti li jkunu legalment rikonoxxuti; L-organizzazzjoni tapplika f'isem l-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha involuti fil-proġett u trid tkun stabbilita legalment u tinsab fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm.

X'tipi ta' organizzazzjonijiet huma eliġibbli biex jipparteċipaw fil-proġett?	L-organizzazzjonijiet parteċipanti jistgħu jkunu stabbiliti jew fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm jew f'pajjiż terz eliġibbli mhux assoċjat mal-Programm. Kull proposta ta' proġett tista' tinvolvi biss organizzazzjonijiet u parteċipanti minn wieħed mir-reġjuni eliġibbli ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm. Ir-reġjuni eliġibbli koperti minn din l-azzjoni huma r-Reġjuni 1, 2, 3 u 9 (ara t-taqsima "Pajjiżi eliġibbli" fil-parti A ta' din il-Gwida). L-organizzazzjonijiet parteċipanti jistgħu jaqgħu taħt il-kategoriji li ġejjin: - Organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ[143]; - Istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, assoċjazzjonijiet jew organizzazzjonijiet ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, kif ukoll organizzazzjonijiet nazzjonali jew internazzjonali tar-retturi, tal-għalliema jew tal-istudenti li jkunu legalment rikonoxxuti; - Vetturi tal-bidla fis-sistema edukattiva (maniġers tal-università, dipartimenti internazzjonali, dekani, aġenziji ta' kwalità, eċċ.); organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati attivi fl-oqsma tal-edukazzjoni għolja jew taż-żgħażagħ u stabbiliti fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm jew f'wieħed mill-pajjiżi terzi eliġibbli mhux assoċjati mal-Programm. Entitajiet oħrajn jistgħu jipparteċipaw fi rwoli oħrajn ta' konsorzju, bħal sħab assoċjati, subkuntratturi, partijiet terzi li jagħtu kontribuzzjonijiet in natura, eċċ. L-entitajiet affiljati ma humiex eliġibbli għal finanzjament.
Numru u profil tal-organizzazzjonijiet parteċipanti	Il-proposti jridu jiġu sottomessi minn konsorzju ta' mill-inqas erba' organizzazzjonijiet. Il-konsorzji jridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin: - Minimu ta' żewġ istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jew organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ minn żewġ Stati Membri tal-UE u pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm u żewġ istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jew organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ minn żewġ pajjiżi terzi eliġibbli mhux assoċjati mal-Programm li jappartjenu għall-istess reġjun eliġibbli; u - In-numru ta' organizzazzjonijiet mill-Istati Membri tal-UE u minn pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm ma jistax ikun ogħla min-numru ta' organizzazzjonijiet minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm. - Fil-każ tal-Afrika sub-Saħarjana, l-applikanti huma mħeġġa jinvolvu parteċipanti minn firxa wiesgħa ta' pajjiżi fil-proposta tagħhom, inklużi l-pajjiżi l-inqas żviluppati[144] u/jew sħab li għandhom inqas esperjenza fl-Erasmus+. L-entitajiet affiljati ma jgħoddux għall-kriterji minimi tal-eliġibbiltà għall-kompożizzjoni tal-konsorzju.
Post tal-attivitajiet	L-attivitajiet iridu jsiru fil-pajjiżi tal-organizzazzjonijiet parteċipanti.
Durata tal-proġett	Normalment il-proġetti għandhom idumu 36 xahar (jistgħu jsiru estensjonijiet, jekk ikunu ġġustifikati kif xieraq u permezz ta' emenda).

[143] Jiġifieri kwalunkwe organizzazzjoni, pubblika jew privata, li taħdem għaż-żgħażagħ barra mill-ambjenti formali jew li taħdem magħhom. Organizzazzjonijiet bħal dawn jistgħu, pereżempju, ikunu: organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, assoċjazzjoni, NGO (inklużi NGOs Ewropej taż-Żgħażagħ); Kunsill nazzjonali taż-Żgħażagħ; awtorità pubblika fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali; istituzzjoni tal-edukazzjoni jew tar-riċerka; jew fondazzjoni.

[144] Skont il-lista tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-OECD tal-Pajjiżi l-Inqas Żviluppati: DAC-List-of-ODA-Recipients-for-reporting-2022-23-flows.pdf (oecd.org).

Fejn napplika?	Mal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA). ID tas-Sejħa: ERASMUS-EDU-2023-VIRT-EXCH
Meta napplika?	L-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għal għotja sas-**26 ta' April fil-17:00:00** (ħin ta' Brussell).

L-organizzazzjonijiet applikanti se jiġu vvalutati skont il-kriterji tal-esklużjoni u tal-għażla rilevanti. Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkonsulta l-Parti C ta' din il-Gwida.

IMPATT MISTENNI

L-attivitajiet u l-outputs tal-proġetti differenti se jkollhom l-għan li jilħqu impatt pożittiv fir-rigward tal-objettivi tas-sejħa li, filwaqt li jvarjaw f'konformità mal-ispeċifiċitajiet tal-proġetti, għandhom ikunu marbuta mill-qrib mad-dimensjoni tal-apprendiment tal-iskambji virtwali. Kull proposta ta' proġett għandha tinkludi informazzjoni dwar dan l-impatt mistenni. L-applikanti huma mħeġġa jipprevedu feedback minn individwi u organizzazzjonijiet parteċipanti, b'mod partikolari fir-rigward tal-valur tal-apprendiment, meta jirrapportaw dwar l-impatt tal-proġetti.

KRITERJI GĦALL-GĦOTI

Rilevanza tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 30 punt)**	▪ L-applikazzjoni hija rilevanti għall-objettivi ġenerali u speċifiċi magħżula tas-sejħa. Il-proposta tal-proġett hija konsistenti mar-rekwiżiti tas-sejħa. Il-proposta hija spjegata b'mod ċar. ▪ Konsistenza: Il-komponenti differenti tal-applikazzjoni huma koerenti u konsistenti. L-applikazzjoni hija bbażata fuq analiżi adegwata tal-isfidi u l-ħtiġijiet; l-objettivi huma realistiċi u jindirizzaw kwistjonijiet rilevanti għall-organizzazzjonijiet parteċipanti u għall-gruppi fil-mira diretti u indiretti. Hija pprovduta evidenza tal-effettività tal-approċċ propost għall-iskambju virtwali. ▪ Żieda: L-applikazzjoni turi l-potenzjal li żżid il-prattika/i tagħha f'livelli differenti (eż. lokali, reġjonali, nazzjonali, UE) u t-trasferibbiltà tagħha għal setturi differenti. Iż-żieda x'aktarx li tiġġenera impatt mhux biss fil-livell tal-organizzazzjonijiet sħab differenti iżda wkoll fil-livell tas-sistema u/jew tal-politika. Il-proposta għandha l-potenzjal li tiżviluppa fiduċja reċiproka u ssaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera. ▪ Valur miżjud Ewropew: L-applikazzjoni ġġib valur miżjud fil-livell tal-UE, permezz ta' riżultati li ma jintlaħqux fil-livell tal-pajjiż biss, u hemm potenzjal għat-trasferiment tar-riżultati lejn pajjiżi mhux involuti fil-proġett. L-eżiti tal-proġett għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għall-aġendi ta' politika rilevanti tal-UE.

Kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 20 punt)**	• Pjan strateġiku: L-applikazzjoni tistabbilixxi strateġija ċara li tibni fuq analiżi tal-fattibbiltà u tidentifika l-attivitajiet meħtieġa għall-ittestjar, l-adattament, u/jew iż-żieda tal-prattika/i ta' skambju virtwali fil-kuntest il-ġdid tas-sħubija tal-proġett. ▪ Ħtiġijiet: Il-ħtiġijiet differenti tas-sħab differenti ġew identifikati u jitqiesu sew. Ġie żviluppat kunċett ċar ta' kif se jiġu ġestiti dawn il-ħtiġijiet differenti. L-approċċ(i) pedagoġiku(pedagoġiċi) magħżul(a) huwa/huma wkoll konformi ma' dawn il-ħtiġijiet differenti. ▪ Struttura: Il-programm ta' ħidma huwa ċar u intelliġibbli, u jkopri l-fażijiet kollha tal-proġett. L-indikaturi tal-kisba u l-mezzi ta' verifika ġew definiti b'mod ċar għal kull eżitu. ▪ Ġestjoni: Il-pjan ta' ġestjoni tal-proġett huwa sod, b'riżorsi adegwati allokati għall-kompiti differenti. Ġew stabbiliti proċessi effettivi ta' kooperazzjoni u tat-teħid ta' deċiżjonijiet, li jinftiehmu mill-partijiet ikkonċernati kollha. Il-baġit juri l-kosteffettività u l-valur għall-flus. Hemm koerenza bejn il-kompiti, ir-rwoli u r-riżorsi finanzjarji allokati lis-sħab. L-arranġamenti ta' ġestjoni finanzjarja huma ċari u xierqa. ▪ Evalwazzjoni: Miżuri speċifiċi għall-proċessi ta' monitoraġġ u r-riżultati tanġibbli (jiġifieri l-indikaturi tal-kisba u l-mezzi ta' verifika) jiżguraw li l-implimentazzjoni tal-proġett tkun ta' kwalità għolja. L-eżiti tal-apprendiment jiġu evalwati u rikonoxxuti. Hemm pjan ċar ta' assigurazzjoni tal-kwalità li jkopri wkoll il-ġestjoni tal-proġett b'mod adegwat. L-istrateġija ta' monitoraġġ tinkludi l-identifikazzjoni tar-riskju u pjan ta' azzjoni ta' mitigazzjoni. Dawn l-elementi huma inklużi u dettaljati wkoll fil-qafas loġiku (mudell obbligatorju tas-Sejħa).
Kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni **(punteġġ massimu ta' 20 punt)**	▪ Konfigurazzjoni: Is-sħubija hija kapaċi tiżgura l-ilħuq sħiħ tal-objettivi tal-proġett. Il-konsorzju għandu l-ħiliet, l-għarfien espert u l-esperjenza kollha meħtieġa fl-oqsma koperti mill-proġett. Hija żgurata allokazzjoni adegwata ta' ħin u ta' input fost is-sħab. Il-ħiliet u l-kompetenzi tas-sħubija huma komplementari. ▪ Impenn: Kull organizzazzjoni parteċipanti turi l-involviment sħiħ korrispondenti għall-kapaċitajiet u l-qasam speċifiku ta' għarfien tagħha. ▪ Kooperazzjoni: L-arranġamenti ta' kooperazzjoni huma bbilanċjati. Huma proposti mekkaniżmi effettivi biex jiġu żgurati koordinazzjoni, teħid ta' deċiżjonijiet u komunikazzjoni tajbin bejn l-organizzazzjonijiet parteċipanti, il-partijiet kkonċernati u kwalunkwe parti rilevanti oħra.

Impatt **(punteġġ massimu ta' 30 punt)**	▪ Tixrid: Strateġija ċara ta' sensibilizzazzjoni, tixrid u komunikazzjoni tiżgura li jintlaħqu l-gruppi fil-mira rilevanti, kif ukoll il-partijiet ikkonċernati ġenerali u l-pubbliku matul il-ħajja tal-proġett. Din l-istrateġija tinkludi pjanijiet biex kwalunkwe materjal prodott isir aċċessibbli permezz ta' liċenzji miftuħa. ▪ Sfruttament: L-applikazzjoni turi li l-approċċ(i) ta' skambju virtwali magħżul(a) jista'/jistgħu jinxtered/jinxterdu u/jew jiġi/u estiż/i b'suċċess, li joħloq impatt usa' u jinfluwenza l-bidla sistemika. L-approċċ ta' sfruttament huwa deskritt b'mod ċar u l-miżuri proposti biex jiġu sfruttati r-riżultati tal-proġett huma potenzjalment effettivi. ▪ Impatt: L-impatt prevedibbli, b'mod partikolari għall-gruppi fil-mira identifikati huwa definit b'mod ċar u hemm fis-seħħ miżuri biex jiġi żgurat li l-impatt ikun jista' jinkiseb u jiġi evalwat. L-eżiti tal-apprendiment huma ddefiniti b'mod ċar qabel kull attività ta' skambju virtwali u jitkejlu wara kull attività, il-progress jiġi rreġistrat u l-kisbiet jiġu rrikonoxxuti. Ir-riżultati tal-attivitajiet x'aktarx ikunu sinifikanti. L-eżiti tal-proġett għandhom il-potenzjal li jappoġġaw bidliet, titjib, jew żviluppi fit-tul għall-benefiċċju tal-gruppi u s-sistemi fil-mira kkonċernati. L-applikazzjoni tispjega wkoll kif l-impatt tal-apprendiment (eżiti tal-apprendiment) permezz tal-iskambju virtwali se jiġi evalwat biex isiru rakkomandazzjonijiet informati (tad-data) ħalli jittejbu t-tagħlim u l-apprendiment tal-iskambju virtwali lil hinn mill-proġett. Dawn l-elementi huma inklużi u dettaljati wkoll fil-qafas loġiku (mudell obbligatorju tas-Sejħa) ▪ Sostenibbiltà: L-applikazzjoni tinkludi miżuri u riżorsi xierqa biex tiżgura li r-riżultati u l-benefiċċji jistgħu jiġu sostnuti wara l-ħajja tal-proġett.

Sabiex jiġu kkunsidrati għall-finanzjament, il-proposti jridu jiksbu tal-inqas 60 punt. Barra minn hekk, iridu jiksbu tal-inqas nofs il-punti massimi f'kull waħda mill-kategoriji tal-kriterji għall-għoti msemmija hawn fuq (jiġifieri tal-inqas 15-il punt għall-kategoriji "rilevanza tal-proġett" u "impatt"; Għaxar punti għall-kategoriji "kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni" u "kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett").

F'każ ta' *ex aequo*, il-prijorità se tingħata lil proġetti li jkollhom l-ogħla punteġġ taħt il-kriterju "rilevanza tal-proġett" u mbagħad "impatt".

MIRI ĠEOGRAFIĊI

L-istrumenti ta' azzjoni esterna tal-UE qegħdin jikkontribwixxu għal din l-azzjoni. Il-baġit disponibbli huwa maqsum bejn reġjuni differenti u d-daqs ta' kull pakkett baġitarju huwa differenti. Aktar informazzjoni dwar l-ammonti disponibbli taħt kull pakkett baġitarju se tiġi ppubblikata fuq il-Portal tal-Opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti (FTOP).

L-Afrika sub-Saħarjana: Se tingħata prijorità lill-pajjiżi l-inqas żviluppati f'dan ir-reġjun; għandha ssir ukoll enfasi speċjali fuq il-pajjiżi prijoritarji tal-migrazzjoni[145]; l-ebda pajjiż mhu se jkollu aċċess għal aktar minn 8 % tal-finanzjament previst għal dan ir-reġjun.

Bħala regola ġenerali, u fil-limiti tal-oqfsa legali nazzjonali u Ewropej eżistenti, ir-riżultati għandhom ikunu disponibbli bħala riżorsi edukattivi miftuħa (OER) kif ukoll fuq pjattaformi rilevanti, professjonali, settorjali jew tal-awtoritajiet kompetenti. Il-proposta se tiddeskrivi kif id-*data*, il-materjali, id-dokumenti u l-attività tal-media awdjoviżiva u soċjali

[145]Il-pajjiżi mhux assoċjati mal-Programm li ġejjin huma ewlenin f'termini tal-migrazzjoni: Il-Burkina Faso, il-Burundi, l-Etjopja, il-Gambja, il-Kosta tal-Avorju, il-Guinea, il-Mali, il-Mauritania, in-Niġer, in-Niġerja, is-Senegal, l-Afrika t'Isfel, is-Sudan t'Isfel u s-Sudan.

prodotti se jkunu disponibbli bla ħlas u kif se jiġu promossi permezz ta' liċenzji miftuħa, u ma tinkludix limitazzjonijiet sproporzjonati

X'INHUMA R-REGOLI TA' FINANZJAMENT?

Din l-azzjoni ssegwi mudell ta' finanzjament ta' somma f'daqqa. L-ammont tal-kontribuzzjoni ta' somma waħda f'daqqa se jiġi ddeterminat għal kull għotja abbażi tal-baġit stmat tal-azzjoni proposta mill-applikant. L-awtorità tal-għoti se tistabbilixxi s-somma f'daqqa ta' kull għotja bbażata fuq il-proposta, ir-riżultat tal-evalwazzjoni, ir-rati ta' finanzjament u l-ammont massimu tal-għotja stabbilit fis-sejħa.

L-għotja tal-UE għal kull proġett se tkun ta' **massimu ta' EUR 500,000, b'EUR 200 bħala investiment massimu għall-organizzazzjonijiet għal kull parteċipant (jiġifieri proġett ta' EUR 500,000 ikollu jilħaq mill-inqas 2 500 parteċipant).**L-għotja li tingħata tista' tkun inqas mill-ammont mitlub.

Kif tiġi ddeterminata s-somma f'daqqa tal-proġett?

L-applikanti jridu jimlew tabella tal-baġit dettaljata fil-formola tal-applikazzjoni, filwaqt li jqisu l-punti li ġejjin:

a) Il-baġit għandu jkun dettaljat kif meħtieġ mill-benefiċjarju/i u organizzat f'pakketti ta' ħidma koerenti (pereżempju maqsum f'"ġestjoni tal-proġetti", "taħriġ", "organizzazzjoni tal-avvenimenti", "preparazzjoni u implimentazzjoni tal-mobbiltà", "komunikazzjoni u tixrid", "assigurazzjoni tal-kwalità", eċċ.);

b) Il-proposta trid tiddeskrivi l-attivitajiet koperti minn kull pakkett ta' ħidma;

c) Fil-proposta tagħhom, l-applikanti jeħtiġilhom jipprovdu tqassim tal-kostijiet stmati li juru s-sehem għal kull pakkett ta' ħidma (u, fi ħdan kull pakkett ta' ħidma, is-sehem assenjat lil kull benefiċjarju u entità affiljata);

d) Il-kostijiet deskritti jistgħu jkopru l-kostijiet tal-persunal, il-kostijiet tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza, il-kostijiet tat-tagħmir u tas-subkuntrattar kif ukoll kostijiet oħrajn (bħat-tixrid tal-informazzjoni, il-pubblikazzjoni jew it-traduzzjoni).

Il-proposti se jiġu evalwati skont il-proċeduri ta' evalwazzjoni standard bl-għajnuna tal-esperti interni u/jew esterni. L-esperti se jivvalutaw il-kwalità tal-proposti, skont ir-rekwiżiti definiti fis-sejħa u l-impatt, il-kwalità u l-effiċjenza mistennija tal-azzjoni.

Wara l-evalwazzjoni tal-proposta, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni se jistabbilixxi l-ammont tas-somma f'daqqa, filwaqt li jqis is-sejbiet tal-valutazzjoni mwettqa. Il-valur tas-somma f'daqqa se jkun limitat għal massimu ta' 95 % tal-baġit stmat iddeterminat wara l-evalwazzjoni

Il-parametri tal-għotja (l-ammont massimu tal-għotja, ir-rata ta' finanzjament, il-kostijiet totali eliġibbli, eċċ.) se jiġu stabbiliti fil-Ftehim ta' Għotja. Mhuwiex permess appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi. Il-kostijiet tal-voluntiera u tal-SMEs huma permessi. Jekk jogħġbok irreferi għall-Parti C ta' din il-Gwida tal-Programm, għat-taqsima dwar "Kostijiet Diretti Eliġibbli". Il-proposta trid tinkludi kostijiet għal żewġ laqgħat (sa żewġ persuni għal kull applikazzjoni) fis-sena organizzati mill-Kummissjoni Ewropea jew fuq l-inizjattiva tagħha.

Il-kisbiet tal-proġett se jiġu evalwati fuq l-eżiti mwettqa. L-iskema ta' finanzjament tippermetti li ssir enfasi fuq l-outputs aktar milli fuq l-inputs, u b'hekk titqiegħed enfasi fuq il-kwalità u l-livell tal-kisba tal-objettivi li jistgħu jitkejlu.

Aktar dettalji huma deskritti fil-mudell tal-Ftehim ta' Għotja disponibbli fil-Portal tal-Opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti (FTOP).

AZZJONI EWLENIJA 2: KOOPERAZZJONI BEJN L-ORGANIZZAZZJONIJIET U L-ISTITUZZJONIJIET

Din l-Azzjoni Ewlenija tappoġġa:

- Sħubijiet għall-Kooperazzjoni, inklużi Sħubijiet ta' Kooperazzjoni u Sħubijiet fuq skala Żgħira;
- Sħubijiet għall-Eċċellenza, inklużi Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali u l-Azzjoni Erasmus Mundus;
- Sħubijiet għall-Innovazzjoni, inklużi Alleanzi u proġetti li Jħarsu 'l quddiem;
- Il-proġetti tal-Bini tal-Kapaċità fl-oqsma tal-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, iż-żgħażagħ u l-isport;
- Avvenimenti sportivi Ewropej mingħajr skop ta' qligħ.

L-Azzjonijiet appoġġati fil-qafas ta' din l-Azzjoni Ewlenija huma mistennija jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-prijoritajiet tal-programm, biex iġibu effetti pożittivi u dejjiema fuq l-organizzazzjonijiet parteċipanti, fuq is-sistemi politiċi fejn isiru tali Azzjonijiet kif ukoll fuq l-organizzazzjonijiet u l-persuni direttament jew indirettament involuti fl-attivitajiet organizzati.

Din l-Azzjoni Ewlenija hija mistennija tirriżulta fl-iżvilupp, it-trasferiment u/jew l-implimentazzjoni ta' prattiki innovattivi fil-livelli organizzazzjonali, lokali, reġjonali, nazzjonali jew Ewropew.

Skont il-qasam indirizzat u t-tip ta' applikant, dawn l-azzjonijiet huma ġestiti jew mill-Aġenziji Nazzjonali jew mill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA). Id-dettalji kollha dwar min jista' japplika u fejn wieħed għandu japplika huma speċifikati fit-Taqsimiet ta' hawn taħt.

Għall-organizzazzjonijiet parteċipanti, il-proġetti appoġġati taħt din l-Azzjoni Ewlenija huma maħsuba li jipproduċu l-eżiti li ġejjin:

- approċċi innovattivi sabiex jindirizzaw il-gruppi fil-mira tagħhom, billi jipprovdu pereżempju: programmi ta' edukazzjoni u taħriġ aktar attraenti, f'konformità mal-ħtiġijiet u l-aspettattivi tal-individwi; l-użu ta' approċċi parteċipattivi u metodoloġiji diġitali; proċessi ġodda jew imtejba tar-rikonoxximent u l-validazzjoni ta' kompetenzi; effettività akbar tal-attivitajiet għall-benefiċċju tal-komunitajiet lokali; prattiki ġodda jew imtejba sabiex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' gruppi fil-mira b'inqas opportunitajiet u sabiex jittrattaw id-differenzi fl-eżiti tal-apprendiment marbuta mad-differenzi ġeografiċi u soċjoekonomiċi; approċċi ġodda sabiex jindirizzaw id-diversità soċjali, etnika, lingwistika u kulturali; approċċi ġodda sabiex jappoġġaw aħjar il-kompetittività u l-impjiegi b'mod partikolari fuq livell reġjonali u lokali; rikonoxximent ta' eċċellenza fl-apprendiment jew fit-tagħlim ta' lingwa permezz tat-Tikketta Ewropea għal-Lingwi;
- ambjent aktar modern, dinamiku, impenjat u professjonali ġewwa l-organizzazzjoni: lesti li jintegraw prattiki tajba u metodi ġodda inklużi l-kapaċitajiet diġitali fl-attivitajiet ta' kuljum; miftuħa għas-sinerġiji ma' organizzazzjonijiet attivi f'oqsma differenti jew f'setturi soċjoekonomiċi oħrajn; l-ippjanar strateġiku tal-iżvilupp professjonali għall-persunal f'konformità mal-ħtiġijiet individwali u l-objettivi organizzazzjonali;
- żieda fil-kapaċità u l-professjonaliżmu sabiex isir xogħol fil-livell tal-UE/internazzjonali: kompetenzi ta' ġestjoni mtejba u strateġiji ta' internazzjonalizzazzjoni; tisħiħ fil-kooperazzjoni mas-sħab minn pajjiżi oħrajn, oqsma oħra ta' edukazzjoni, taħriġ u żgħażagħ u/jew setturi soċjoekonomiċi oħrajn; żieda fl-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji (minbarra fondi tal-UE) sabiex jiġu organizzati proġetti tal-UE/internazzjonali fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ; kwalità aħjar fit-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u s-segwitu ta' proġetti tal-UE/internazzjonali;
- żieda fl-għarfien u fis-sensibilizzazzjoni dwar l-isport u l-attività fiżika;
- żieda fis-sensibilizzazzjoni tar-rwol tal-isport fil-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, l-opportunitajiet indaqs u stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa;

Il-proġetti ffinanzjati fil-qafas ta' din l-Azzjoni Ewlenija x'aktarx ikollhom ukoll impatt pożittiv fuq il-persuni direttament jew indirettament involuti fl-attivitajiet, bħal:

- sens akbar ta' inizjattiva u intraprenditorija;
- żieda fil-kompetenza f'lingwi barranin;
- żieda fil-livell ta' kompetenza diġitali;
- fehim u rispons akbar għat-tipi kollha ta' diversità, eż. id-diversità soċjali, etnika, lingwistika, tal-ġeneri u kulturali kif ukoll ħiliet diversi;
- titjib fil-livelli ta' ħiliet għall-impjegabbiltà u l-ħolqien ta' negozji ġodda (inkluża l-intraprenditorija soċjali);
- parteċipazzjoni aktar attiva fis-soċjetà;
- attitudni aktar pożittiva lejn il-proġett Ewropew u l-valuri tal-UE;
- fehim u rikonoxximent aħjar tal-ħiliet u l-kwalifiki fl-Ewropa u lil hinn minnha;
- titjib fil-kompetenzi, marbutin mal-profili okkupazzjonali (tagħlim, taħriġ, ħidma fost iż-żgħażagħ, ikkowċjar tal-isport, eċċ.);
- fehim aħjar tal-prattiki, il-politiki u s-sistemi fl-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport fil-pajjiżi kollha;
- fehim aħjar tal-interkonnessjonijiet bejn l-edukazzjoni formali, mhux formali, it-taħriġ vokazzjonali, forom oħra ta' apprendiment u s-suq tax-xogħol rispettivament;
- żieda fl-opportunitajiet għall-iżvilupp professjonali;
- żieda fil-motivazzjoni u fis-sodisfazzjon fix-xogħol ta' kuljum;
- żieda fil-prattika tal-isport u l-attività fiżika.

Fil-livell sistemiku, huma mistennija jiskattaw il-modernizzazzjoni u jsaħħu r-reazzjoni tas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ u politiki taż-żgħażagħ għall-isfidi ewlenin tad-dinja tal-lum: is-sostenibbiltà ambjentali, it-trasformazzjoni diġitali, l-impjiegi, l-istabbiltà ekonomika u t-tkabbir, iżda anke l-ħtieġa li jiġu promossi l-kompetenzi soċjali, ċiviċi u interkulturali, id-djalogu interkulturali, il-valuri demokratiċi u d-drittijiet fundamentali, l-inklużjoni soċjali, is-saħħa u l-benessri mentali, in-nondiskriminazzjoni u ċ-ċittadinanza attiva, il-ħsieb kritiku u l-litteriżmu medjatiku.

Għalhekk, l-impatt ta' din l-Azzjoni Ewlenija huwa maħsub li jkun:

- iż-żieda fil-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ, il-ħidma fost iż-żgħażagħ u l-prattiki tal-isport fl-Ewropa u lil hinn minnha: il-kombinament ta' livelli ta' eċċellenza u attraenza ogħla b'żieda fl-opportunitajiet għal kulħadd;
- is-sistemi tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ li huma allinjati aħjar mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u l-opportunitajiet li joffri, u rabtiet aktar mill-qrib man-negozji u l-komunità;
- it-titjib fil-provvediment u l-valutazzjoni tal-ħiliet bażiċi u trażversali, b'mod partikolari: l-intraprenditorija, il-kompetenzi soċjali, ċiviċi, interkulturali u lingwistiċi, il-ħsieb kritiku, il-ħiliet diġitali u l-litteriżmu medjatiku;
- iż-żieda fis-sinerġiji u r-rabtiet u titjib fit-tranżizzjoni bejn is-setturi differenti tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ fil-livell nazzjonali, b'titjib fl-użu tal-għodod ta' referenza Ewropej għar-rikonoxximent, il-validazzjoni u t-trasparenza tal-kompetenzi u l-kwalifiki;
- iż-żieda fl-użu tal-eżiti tal-apprendiment meta jiġu deskritti u ddefiniti l-kwalifiki, il-partijiet mill-kwalifiki u l-kurrikuli, bħala appoġġ għat-tagħlim u l-apprendiment u fil-valutazzjoni;
- iż-żieda fis-sensibilizzazzjoni u l-ftuħ għad-diversità soċjali u żieda fl-inklużività u l-aċċessibbiltà tas-sistemi u l-possibilitajiet edukattivi;
- il-kooperazzjoni interreġjonali u tranżnazzjonali ġdida u msaħħa bejn l-awtoritajiet pubbliċi fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ;
- l-użu aktar strateġiku u integrat tal-ICTs u tar-riżorsi edukattivi miftuħa (OER) fis-sistemi tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ;
- iż-żieda fil-motivazzjoni għall-apprendiment ta' lingwi permezz ta' metodi ta' tagħlim innovattivi jew rabtiet aħjar mal-użu prattiku tal-ħiliet lingwistiċi meħtieġa mis-suq tax-xogħol;
- l-interazzjoni msaħħa bejn il-prattika, ir-riċerka u l-politika;
- żieda fil-livell ta' parteċipazzjoni fl-isport u fl-attività fiżika bħal għodda għas-saħħa u l-benesseri;

- għarfien akbar dwar kif jiġu indirizzati t-theddidiet transfruntiera għall-integrità tal-isport, bħad-doping, il-logħob mixtri u l-vjolenza, kif ukoll kull tip ta' intolleranza u diskriminazzjoni, appoġġ aħjar għall-governanza tajba fl-isport u l-karrieri doppji tal-atleti;
- ir-rikonoxximent akbar tal-attivitajiet volontarji fl-isport;
- iż-żieda fill-mobbiltà ta' voluntiera, kowċis, maniġers u l-persunal ta' organizzazzjonijiet sportivi mingħajr skop ta' qligħ;
- aktar inklużjoni soċjali u opportunitajiet indaqs fl-isport.

SĦUBIJIET GĦALL-KOOPERAZZJONI

X'INHUMA S-SĦUBIJIET GĦALL-KOOPERAZZJONI?

Din l-azzjoni tippermetti lill-organizzazzjonijiet parteċipanti jiksbu esperjenza fil-kooperazzjoni internazzjonali u li jsaħħu l-kapaċitajiet tagħhom, iżda anke jipproduċu riżultati tanġibbli innovattivi ta' kwalità għolja. Skont l-objettivi tal-proġett, l-organizzazzjonijiet parteċipanti involuti, jew l-impatt mistenni, fost elementi oħrajn, is-Sħubijiet għall-Kooperazzjoni jistgħu jkunu ta' daqsijiet u kamp ta' applikazzjoni differenti, u jadattaw l-attivitajiet tagħhom kif xieraq. Il-valutazzjoni kwalitattiva ta' dawn il-proġetti se tkun proporzjonata għall-objettivi tal-kooperazzjoni u għan-natura tal-organizzazzjonijiet involuti.

Abbażi ta' din il-loġika, żewġ tipi ta' sħubijiet huma offruti lill-organizzazzjonijiet sabiex jaħdmu, jitgħallmu u jikbru flimkien:

- **Sħubijiet ta' Kooperazzjoni**
- **Sħubijiet fuq skala Żgħira**

Dawn iż-żewġ tipi ta' sħubijiet huma ppreżentati fid-dettall fil-paġni li jmiss. L-informazzjoni inkluża fiż-żewġ taqsimiet se tgħinek tagħżel it-tip ta' sħubija li taqbel l-aktar mal-profil u l-istruttura tal-organizzazzjoni tiegħek u mal-ideat tal-proġett tiegħek.

LIEMA ATTIVITAJIET TIPIKAMENT JITWETTQU MINN SĦUBIJIET GĦALL-KOOPERAZZJONI?

Matul il-ħajja ta' proġett, l-organizzazzjonijiet jistgħu tipikament iwettqu firxa wiesgħa ta' attivitajiet. Minn attivitajiet tradizzjonali għal dawk aktar kreattivi u innovattivi, l-organizzazzjonijiet għandhom il-flessibbiltà li jagħżlu l-aħjar kombinazzjoni li tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi tal-proġett fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tiegħu u fi proporzjon mal-kapaċitajiet tas-sħubija. Pereżempju:

- **Ġestjoni tal-proġett:** l-attivitajiet li huma meħtieġa biex jiġi żgurat l-ippjanar, l-implimentazzjoni u s-segwitu adegwati tal-proġetti, inkluża kollaborazzjoni bla xkiel u effiċjenti bejn is-sħab tal-proġetti. F'din il-fażi, l-attivitajiet tipikament jinkludu kompiti organizzazzjonali u amministrattivi, laqgħat virtwali bejn is-sħab, it-tħejjija ta' materjali ta' komunikazzjoni, it-tħejjija u s-segwitu tal-parteċipanti li jieħdu sehem fl-attivitajiet, eċċ.
- **Attivitajiet ta' implimentazzjoni**: jistgħu jinkludu avvenimenti ta' networking, laqgħat, sessjonijiet ta' ħidma għall-iskambju ta' prattiki u għall-iżvilupp ta' riżultati. Dawn l-attivitajiet jistgħu jinvolvu wkoll il-parteċipazzjoni tal-persunal u tal-istudenti (sakemm il-parteċipazzjoni tagħhom tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi tal-proġett).
- **Attivitajiet ta' kondiviżjoni u ta' promozzjoni**: l-organizzazzjoni ta' konferenzi, sessjonijiet, avvenimenti mmirati lejn il-kondiviżjoni, l-ispjegazzjoni u l-promozzjoni tar-riżultati tal-proġett, kemm jekk huma fil-forma ta' riżultati tanġibbli, konklużjonijiet, prattiki tajba jew fi kwalunkwe forma oħra.

KONTRIBUZZJONI TA' DIN L-AZZJONI GĦALL-KISBA TAL-PRIJORITAJIET TAL-POLITIKA

Fuq bażi annwali, il-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi prijoritajiet u objettivi komuni li għandhom jiġu segwiti fil-livell tal-Programm Erasmus+ f'oqsma differenti tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport. Għalhekk, minbarra l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet involuti fil-proġett, is-sħubijiet għall-kooperazzjoni għandhom l-għan li jikkontribwixxu bir-riżultati tagħhom lejn il-kisba tal-prijoritajiet.

Għalhekk, il-proġetti huma mitluba jfasslu l-ħidma tagħhom fir-rigward ta' waħda minn dawn il-prijoritajiet jew aktar u li jagħżluhom fl-istadju tal-applikazzjoni. Meta jkunu qegħdin jitfasslu l-proposti tal-proġetti, huwa rrakkomandat ukoll li jiġu kkonsultati r-riżultati prodotti minn proġetti ffinanzjati preċedentement ibbażati fuq prijoritajiet simili, biex tiġi żgurata l-konsistenza u jiġu evitati d-duplikazzjonijiet, kif ukoll biex progressivament jiġu żviluppati r-riżultati eżistenti u jingħata kontribut għall-iżvilupp konġunt tal-oqsma differenti. Informazzjoni utli dwar proġetti ffinanzjati tista' tinsab fil-Pjattaforma tar-Riżultati tal-Proġetti tal-Erasmus+: https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/projects_en .

Barra minn hekk, sabiex il-prijoritajiet Ewropej jintrabtu aħjar mal-ħtiġijiet speċifiċi fil-livell nazzjonali, l-Aġenziji Nazzjonali tal-Erasmus+ għandhom il-possibbiltà li jidentifikaw waħda jew aktar minn dawn il-prijoritajiet Ewropej bħala partikolarment rilevanti fil-kuntest nazzjonali tagħhom, biex l-organizzazzjonijiet jiġu mħeġġa jiffokaw il-kontribuzzjonijiet tagħhom f'dawn l-oqsma magħżula f'sena partikolari.

Fl-2023, is-Sħubijiet għall-Kooperazzjoni jridu jindirizzaw wieħed jew aktar mill-oqsma prijoritarji li ġejjin:

PRIJORITAJIET LI JAPPLIKAW GĦAS-SETTURI KOLLHA TAL-ERASMUS+

- **Inklużjoni u diversità fl-oqsma kollha tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport**: il-Programm se jappoġġa proġetti li jippromwovu l-inklużjoni soċjali u li għandhom l-għan li jtejbu s-sensibilizzazzjoni għal persuni b'inqas opportunitajiet, inklużi persuni b'diżabilità u persuni bi sfond ta' migrazzjoni, kif ukoll persuni li jgħixu f'żoni rurali u remoti bħar-reġjuni ultraperiferiċi, persuni li jiffaċċjaw inugwaljanzi bejn il-ġeneri, diffikultajiet soċjoekonomiċi jew kwalunkwe sors potenzjali ieħor ta' diskriminazzjoni abbażi tas-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Dawn il-proġetti se jgħinu biex jiġu indirizzati l-ostakli li jiffaċċjaw dawn il-gruppi fl-aċċess għall-opportunitajiet offruti mill-programm, kif ukoll jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' ambjenti inklużivi li jrawmu l-ekwità u l-ugwaljanza, u li jirrispondu għall-ħtiġijiet tal-komunità usa'. Taħt din il-prijorità, il-Programm jappoġġa proġetti li jippromwovu attivitajiet edukattivi u jiffaċilitaw l-integrazzjoni ta' persuni li jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna fl-ambjenti ta' apprendiment il-ġodda tagħhom.

- **Ambjent u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima:** il-Programm għandu l-għan li jappoġġa, fis-setturi kollha, is-sensibilizzazzjoni dwar it-tranżizzjoni ekoloġika, l-isfidi ambjentali u dawk tat-tibdil fil-klima. Se tingħata prijorità lil proġetti li għandhom l-għan li jiżviluppaw kompetenzi f'setturi varji b'rilevanza għas-sostenibbiltà, li jiżviluppaw metodoloġiji u strateġiji ta' ħiliet settorjali ekoloġiċi, kif ukoll kurrikuli orjentati lejn il-futur li jissodisfaw aħjar il-ħtiġijiet tal-individwi. Il-Programm se jappoġġa wkoll l-ittestjar ta' prattiċi innovattivi biex iħejji lill-istudenti, lill-persunal u lill-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ ħalli jsiru aġenti veri tal-bidla (eż. jiffrankaw ir-riżorsi, inaqqsu l-użu tal-enerġija u l-iskart, jikkumpensaw l-emissjonijiet tal-impronta tal-karbonju, jagħmlu għażliet ta' ikel u ta' mobbiltà sostenibbli, eċċ.). Se tingħata prijorità wkoll lil proġetti li – permezz tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-attivitajiet tal-isport - jippermettu bidliet fl-imġiba għal preferenzi individwali, drawwiet ta' konsum, u stili ta' ħajja, f'konformità mal-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida[146]; jiżviluppaw kompetenzi ta' sostenibbiltà tal-edukaturi u tal-mexxejja tal-edukazzjoni u jappoġġaw l-approċċi ppjanati tal-organizzazzjonijiet parteċipanti fir-rigward tas-sostenibbiltà ambjentali.

- **Indirizzar tat-trasformazzjoni diġitali permezz tal-iżvilupp tal-prontezza diġitali, ir-reżiljenza u l-kapaċità**: Il-Programm se jappoġġa l-pjanijiet tat-trasformazzjoni diġitali tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni primarja u sekondarja, tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET), tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni għall-adulti. Se tingħata prijorità lil proġetti li għandhom l-għan li jżidu l-kapaċità u l-prontezza tal-istituzzjonijiet biex jiġġestixxu bidla effettiva lejn l-edukazzjoni diġitali. Il-Programm se jappoġġa l-użu bi skop tat-teknoloġiji diġitali fl-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport għat-tagħlim, l-apprendiment, il-valutazzjoni u l-involviment. Dan jinkludi l-iżvilupp ta' pedagoġija u għarfien espert diġitali fl-użu ta' għodod diġitali għall-għalliema, inklużi teknoloġiji aċċessibbli u ta' assistenza u l-ħolqien u l-użu innovattiv ta' kontenut ta' edukazzjoni diġitali. Bl-istess mod, dan jinkludi l-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali tal-popolazzjoni kollha permezz ta' programmi u inizjattivi xierqa. Se tingħata attenzjoni partikolari lil promozzjoni tal-ugwaljanza bejn

[146] https://europa.eu/new-european-bauhaus/index_mt

il-ġeneri u l-indirizzar tad-differenzi fir-relazzjoni bejn l-aċċess u l-użu minn gruppi sottorappreżentati. Il-Programm se jkompli jappoġġa l-użu tal-oqfsa Ewropej dwar il-kompetenzi diġitali tal-edukaturi, taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet.

- **Valuri komuni, involviment ċiviku u parteċipazzjoni**: Il-Programm se jappoġġa ċ-ċittadinanza attiva u l-etika fl-apprendiment tul il-ħajja; se jrawwem l-iżvilupp tal-kompetenzi soċjali u interkulturali, il-ħsieb kritiku u l-litteriżmu medjatiku. Se tingħata wkoll prijorità lil proġetti li joffru opportunitajiet għall-parteċipazzjoni tannies fil-ħajja demokratika, l-involviment soċjali u ċiviku permezz ta' attivitajiet ta' apprendiment formali jew mhux formali, bħal pereżempju attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' promozzjoni tal-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet tal-2024 għall-Parlament Ewropew. Il-fokus se jkun ukoll fuq is-sensibilizzazzjoni u l-fehim tal-kuntest tal-Unjoni Ewropea, notevolment fir-rigward tal-valuri komuni tal-UE, il-prinċipji tal-unità u tad-diversità, kif ukoll l-identità kulturali, il-kuxjenza kulturali u l-wirt soċjali u storiku tagħhom.

Minbarra l-prijoritajiet ġenerali msemmija hawn fuq, il-prijoritajiet speċifiċi li ġejjin se jiġu segwiti fis-setturi rispettivi.

PRIJORITAJIET SPEĊIFIĊI GĦAS-SETTUR

Fil-qasam tal-edukazzjoni għolja:

Se tingħata prijorità lil azzjonijiet li huma essenzjali sabiex jintlaħqu l-objettivi taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni. L-għan huwa li jiġi appoġġat is-settur tal-edukazzjoni għolja sabiex isir aktar interkonness, innovattiv, inklużiv u diġitali. Għal dan l-iskop, il-Programm se jħeġġeġ kooperazzjoni ħafna aktar profonda u interdixxiplinari bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, kif ukoll mal-ekosistemi tal-innovazzjoni ta' madwarhom, u t-tisħiħ tar-rabtiet bejn l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni. B'mod partikolari, l-enfasi se tkun fuq it-tisħiħ tal-inklużjoni, il-mobbiltà, id-diġitalizzazzjoni, l-apprendiment tul il-ħajja, l-assigurazzjoni tal-kwalità u r-rikonoxximent awtomatiku. L-objettiv sottostanti huwa li titħaffef it-trasformazzjoni tal-edukazzjoni għolja madwar l-Ewropa, biex il-ġenerazzjonijiet futuri jiġu mħarrġa fil-ħolqien konġunt tal-għarfien għal soċjetà reżiljenti, inklużiva u sostenibbli.

- **Promozzjoni ta' sistemi tal-edukazzjoni għolja interkonnessi**: il-programm se jkollu l-għan li jsaħħaħ il-kooperazzjoni strateġika u strutturata bejn l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja permezz ta': a) appoġġ għall-iżvilupp u l-ittestjar ta' diversi tipi ta' mudelli ta' kooperazzjoni, inkluża l-kooperazzjoni virtwali u mħallta u l-użu ta' għodod diġitali u pjattaformi online differenti; b) titjib fil-mobbiltà billi jiġi implimentat ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-kwalifiki u tal-eżiti tal-apprendiment, u billi l-mobbiltà tiġi integrata fil-kurrikuli; c) appoġġ għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja biex jimplimentaw il-prinċipji ta' Bolonja, inkluża l-promozzjoni ta' valuri akkademiċi fundamentali u l-istandards u l-linji gwida għall-assigurazzjoni tal-kwalità, u għodod biex tissaħħaħ il-mobbiltà għal kulħadd; d) l-appoġġ għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, f'kooperazzjoni qawwija mar-rappreżentanti tal-Istati Membri għall-kooperazzjoni u l-azzjonijiet innovattivi pilota; e) l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Erasmus Mingħajr Karti, il-varar tal-Identifikatur Ewropew tal-Istudenti u l-Kard Ewropea tal-Istudenti.

- **Stimolu ta' prattiki innovattivi ta' apprendiment u tagħlim:** sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà u jiġu promossi l-innovazzjoni u l-intraprenditorija permezz ta' appoġġ: a) għall-iżvilupp ta' kurrikuli orjentati lejn l-eżiti tal-apprendiment u ċċentrati fuq l-istudenti li jissodisfaw aħjar il-ħtiġijiet ta' apprendiment tal-istudenti u jnaqqsu l-ispariġġi fil-ħiliet, u jippromwovu l-intraprenditorija, filwaqt li jkunu rilevanti wkoll għas-suq tax-xogħol u għas-soċjetà usa', pereżempju billi jiġi mistieden persunal mill-intrapriżi u mid-dinja tax-xogħol jew billi l-kurrikuli jitfasslu b'mod konġunt mal-industrija, inklużi l-SMEs; b) għall-iżvilupp, l-ittestjar u l-implimentazzjoni ta' perkorsi ta' apprendiment flessibbli u t-tfassil ta' kors modulari (part-time, online jew imħallat) u forom xierqa ta' valutazzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' valutazzjoni online; c) għall-promozzjoni tad-dimensjoni tal-apprendiment tul il-ħajja tal-edukazzjoni għolja, inkluż billi jiġu esplorati l-possibbiltajiet għall-

użu, il-validazzjoni u r-rikonoxximent ta' korsijiet ta' apprendiment qosra li jwasslu għal mikrokredenzjali; d) għall-implimentazzjoni ta' approċċi transdixxiplinari u pedagoġiji innovattivi bħal apprendiment invertit, apprendiment internazzjonali kollaborattiv online, apprendiment ibbażat fuq ir-riċerka u programmi intensivi mħallta, li jappoġġaw l-akkwist ta' ħiliet u intraprenditorija trasferibbli li jħarsu 'l quddiem permezz ta' approċċ ibbażat fuq l-isfidi;

- **Żvilupp ta' STEM/STEAM fl-edukazzjoni għolja, b'mod partikolari l-parteċipazzjoni tan-nisa fl-iSTEM:** Din il-prijorità tappoġġa l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' kurrikuli ta' edukazzjoni għolja ta' STEM li huma adegwati għall-użu, li jsegwu approċċ ta' STEAM; il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa fl-oqsma ta' studju tal-iSTEM u speċjalment fl-inġinerija, l-ICT u l-ħiliet diġitali avvanzati; l-iżvilupp ta' programmi ta' gwida u ta' mentoraġġ għall-istudenti, speċjalment il-bniet u n-nisa, biex isegwu oqsma ta' studju u okkupazzjonijiet ta' STEM u tal-ICT; it-trawwim ta' prattiki ta' edukazzjoni u ta' taħriġ sensittivi għall-ġeneru fl-edukazzjoni tal-iSTEM; l-eliminazzjoni tal-istereotipi tal-ġeneri fl-iSTEM;

- **L-ippremjar tal-eċċellenza fl-apprendiment, fit-tagħlim u fl-iżvilupp tal-ħiliet**, permezz ta' a) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji u ta' kultura ta' kwalità biex tiġi ppremjata u inċentivata l-eċċellenza fit-tagħlim, inkluż it-tagħlim online, il-kwalità msaħħa tal-esperjenza ta' studju u t-tagħlim għall-istudenti b'inqas opportunitajiet, l-apprendiment u t-tagħlim iffokati fuq l-istudenti fl-edukazzjoni għolja, kif ukoll permezz ta' appoġġ għal karrieri akkademiċi flessibbli u attraenti, filwaqt li jiġu apprezzati l-attivitajiet ta' tagħlim, riċerka, intraprenditorija, ġestjoni u tmexxija; b) it-taħriġ tal-professuri f'pedagoġiji ġodda u innovattivi, inkluż it-tagħlim f'ambjenti online jew imħallta, approċċi transdixxiplinari, tfassil ta' kurrikulu ġdid, metodi ta' twassil u ta' valutazzjoni li jorbtu l-edukazzjoni mar-riċerka u l-innovazzjoni fejn rilevanti, c) l-iżvilupp ta' prattiki ġodda fit-tfassil tat-tagħlim, fuq il-bażi tar-riċerka edukattiva u l-kreattività.

- **Appoġġ għall-kapaċitajiet diġitali u ekoloġiċi tas-settur tal-edukazzjoni għolja**; permezz ta' appoġġ għal a) trasformazzjoni diġitali tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja (inkluża l-interoperabbiltà) u d-diġitalizzazzjoni tal-mobbiltà tal-istudenti marbuta mal-inizjattiva tal-Kard Ewropea tal-Istudenti, b) l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali tal-istudenti u tal-persunal, u c) bażijiet tad-*data* ta' stħarriġ dwar is-sitwazzjoni tal-gradwati. Fir-rigward tat-tranżizzjoni ekoloġika, il-programm se jappoġġa a) approċċi li jkopru istituzzjonijiet sħaħ, b) approċċi transdixxiplinari flimkien ma' sfond dixxiplinari b'saħħtu u apprendiment tul il-ħajja, inkluż permezz ta' mikrokredenzjali, c) l-iżvilupp ta' kurrikuli f'konformità mal-ħiliet ekoloġiċi meħtieġa, d) l-appoġġ ta' sħubijiet tranżnazzjonali bejn studenti, professuri, universitajiet, impjegaturi, komunitajiet u partijiet ikkonċernati oħrajn dwar l-isfidi klimatiċi sabiex jinħolqu mexxejja reali tal-edukazzjoni għolja fil-qasam klimatiku.

- **Bini ta' sistemi ta' edukazzjoni għolja inklużivi**: Il-programm se jrawwem approċċi inkużivi għal attivitajiet ta' mobbiltà u ta' kooperazzjoni bħal a) appoġġ għall-edukazzjoni ta' studenti u persunal refuġjati, u appoġġ lill-istituzzjonijiet u lill-persunal tal-pajjiżi ospitanti sabiex ilaħħqu ma' dan l-impenn, b) żieda fir-rati ta' aċċess, ta' parteċipazzjoni u ta' tlestija ta' persuni b'inqas opportunitajiet, inklużi gruppi sottorappreżentati, anke permezz tal-iżvilupp ta' miri kwantitattivi volontarji; c) l-appoġġ attiv lill-parteċipanti mobbli deħlin, matul il-proċess tat-tfittxija tal-akkomodazzjoni, inkluż permezz ta' kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti għall-provvista ta' akkomodazzjoni xierqa u affordabbli; d) l-appoġġ għas-saħħa mentali tal-istudenti u tal-professuri; e) it-trawwim tal-bilanċ bejn il-ġeneri fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, fl-oqsma kollha tal-istudju u f'pożizzjonijiet ta' tmexxija; f) it-trawwim tal-involviment ċiviku permezz tal-promozzjoni ta' apprendiment informali u attivitajiet ekstrakurrikulari u r-rikonoxximent ta' xogħol volontarju u komunitarju fir-riżultati akkademiċi tal-istudenti.

- **Appoġġ għall-innovazzjoni u għall-ħiliet intraprenditorjali tal-istudenti:** Il-programm se jipprovdi appoġġ għall-innovazzjoni u għall-intraprenditorija fl-edukazzjoni għolja, inkluż pereżempju permezz ta' a) l-appoġġ għall-istabbiliment u għall-funzjonament ta' laboratorji ħajjin u ta' inkubaturi fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-

edukazzjoni għolja, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-settur intraprenditorjali u ma' atturi rilevanti oħrajn, biex jappoġġa l-apprendiment u t-tagħlim innovattivi u jgħin lill-intraprendituri studenti jiżviluppaw l-ideat tagħhom f'negozji, b) l-appoġġ għal sħubijiet ta' apprendiment u ta' tagħlim ma' organizzazzjonijiet kummerċjali u mhux kummerċjali fis-settur privat li jkattru l-esponiment tal-istudenti għall-innovazzjoni u għall-intraprenditorija.

Fil-qasam tal-edukazzjoni skolastika:

- **Indirizzar tal-iżvantaġġ fl-apprendiment, it-tluq bikri mill-iskola u l-profiċjenza baxxa fil-ħiliet bażiċi**: L-għan ta' din il-prijorità huwa li tgħin biex l-istudenti kollha jkollhom suċċess, b'mod partikolari dawk b'inqas opportunitajiet. Il-prijorità tinkludi l-monitoraġġ, l-identifikazzjoni bikrija ta' studenti tal-iskola f'riskji, approċċi preventivi u ta' intervent bikri għal studenti b'diffikultajiet, il-promozzjoni ta' approċċi aktar iffokati fuq l-istudenti, il-promozzjoni tal-benesseri u s-saħħa mentali għall-istudenti u l-għalliema, kif ukoll il-protezzjoni mill-bullying fl-iskola. Fil-livell tal-iskejjel, din il-prijorità tappoġġa approċċi olistiċi għat-tagħlim u l-apprendiment u l-kollaborazzjoni fost l-atturi kollha fl-iskejjel, kif ukoll mal-familji u mal-partijiet ikkonċernati esterni oħrajn. Fl-aħħar nett, fil-livell strateġiku, l-enfasi hija dwar it-titjib tat-tranżizzjonijiet bejn l-istadji differenti tal-edukazzjoni, it-titjib tal-evalwazzjoni u l-iżvilupp ta' sistemi b'saħħithom ta' assigurazzjoni tal-kwalità.

- **Appoġġ lill-għalliema, lill-mexxejja tal-iskejjel u lill-professjonijiet oħra tat-tagħlim:** Din il-prijorità tappoġġa lill-prattikanti fil-professjonijiet tal-għalliema (inklużi l-edukaturi tal-għalliema) matul il-fażijiet kollha tal-karriera tagħhom. Il-proġetti taħt din il-prijorità jistgħu jiffokaw fuq it-tisħiħ tal-edukazzjoni inizjali tal-għalliema, kif ukoll fuq l-iżvilupp professjonali kontinwu tagħhom, b'mod partikolari billi jtejbu l-qafas ta' politika u l-opportunitajiet konkreti għall-mobbiltà tal-għalliema. It-tieni fokus tal-prijorità huwa li l-karrieri tat-tagħlim isiru aktar attraenti u varjati, u li jissaħħu l-għażla, ir-reklutaġġ u l-evalwazzjoni għall-professjonijiet tat-tagħlim. Fl-aħħar nett, il-proġetti jistgħu jappoġġaw direttament ukoll l-iżvilupp ta' tmexxija tal-iskola aktar b'saħħitha u metodi innovattivi ta' tagħlim u ta' valutazzjoni.

- **Żvilupp ta' kompetenzi ewlenin:** Il-proġetti taħt din il-prijorità se jiffokaw fuq il-promozzjoni ta' kollaborazzjoni transkurrikulari, bl-użu ta' approċċi ta' apprendiment innovattivi, l-iżvilupp tal-kreattività, l-appoġġ lill-għalliema biex iwasslu tagħlim ibbażat fuq il-kompetenza u l-iżvilupp tal-valutazzjoni u l-validazzjoni ta' kompetenzi ewlenin.

- **Promozzjoni ta' approċċ komprensiv għat-tagħlim u l-apprendiment tal-lingwi:** Din il-prijorità tinkludi proġetti li jaħdmu fuq l-appoġġ tal-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-lingwa fil-kurrikuli kollha u l-iżgurar li l-istudenti jilħqu livelli ta' kompetenza tal-lingwa adegwati sa tmiem l-edukazzjoni obbligatorja. L-integrazzjoni tal-użu ta' teknoloġiji ġodda għall-apprendiment tal-lingwi hija wkoll parti mill-isforzi taħt din il-prijorità. Fl-aħħar nett, il-prijorità tappoġġa proġetti li jistgħu jgħinu sabiex jinħolqu skejjel konxji dwar il-lingwa u li jibnu fuq id-diversità lingwistika li dejjem qiegħda tiżdied fl-iskejjel, pereżempju billi jħeġġu l-apprendiment u l-għarfien bikri tal-lingwa u jiżviluppaw alternattivi ta' tagħlim bilingwi (speċjalment f'reġjuni u żoni tal-fruntiera fejn l-abitanti jużaw aktar minn lingwa waħda).

- **Promozzjoni tal-interess u l-eċċellenza fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija, u l-matematika (STEM) u l-approċċ STEAM:** Din il-prijorità tappoġġa proġetti li jippromwovu l-approċċ STEM għall-edukazzjoni permezz ta' tagħlim interdixxiplinari f'kuntesti kulturali, ambjentali, ekonomiċi, ta' tfassil u oħrajn, filwaqt li tippromwovi b'mod partikolari l-interess fl-iSTEM fost il-bniet. Il-prijorità tinkludi l-iżvilupp u l-promozzjoni ta' pedagoġiji effettivi u innovattivi u metodi ta' valutazzjoni. L-iżvilupp ta' sħubijiet bejn l-iskejjel, in-negozji, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, l-istituzzjonijiet tar-riċerka, u s-soċjetà usa' huwa partikolarment siewi f'dan il-kuntest. Fil-livell strateġiku, il-prijorità sservi sabiex tippromwovi l-iżvilupp ta' strateġiji nazzjonali tal-

iSTEM.

- **Żvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità għolja**: Din il-prijorità tiffoka fuq il-promozzjoni tal-implimentazzjoni tal-qafas ta' kwalità tal-UE għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal mehmuż mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2019 dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija ta' kwalità għolja tat-tfal[147]. Tinkludi proġetti li jipprovdu appoġġ għall-iżvilupp professjonali inizjali u kontinwu tal-persunal involut fl-organizzazzjoni, it-tmexxija u l-provvista ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal. Barra minn hekk, il-prijorità tappoġġa wkoll il-ħolqien, l-ittestjar u l-implimentazzjoni ta' strateġiji u prattiki biex titrawwem il-parteċipazzjoni tat-tfal kollha fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, inklużi tfal b'inqas opportunitajiet.

- **Rikonoxximent tal-eżiti tal-apprendiment għall-parteċipanti fil-mobbiltà għall-apprendiment transfruntier:** Din il-prijorità għandha l-għan li tgħin biex ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku titpoġġa fil-prattika. Din tappoġġa l-inkorporazzjoni ta' skambji ta' klassijiet transfruntiera fi programmi tal-iskola, il-bini tal-kapaċità tal-iskejjel biex jorganizzaw perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż għall-istudenti tal-iskola tagħhom, u l-ħolqien ta' sħubijiet fit-tul bejn skejjel f'pajjiżi differenti. Fil-livell strateġiku, din il-prijorità għandha l-għan li tinvolvi aktar lill-awtoritajiet tal-iskola fil-livelli kollha fl-isforzi biex jiġi żgurat ir-rikonoxximent, u tappoġġa l-iżvilupp u l-kondiviżjoni ta' għodod u prattiki għat-tħejjija, il-monitoraġġ u r-rikonoxximent ta' perjodi barra mill-pajjiż.

- **Appoġġ lill-innovaturi fl-iskola:** F'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar strateġija Ewropea għall-universitajiet[148], din il-prijorità għandha l-għan li tinvolvi lil personalitajiet importanti minn negozji ġodda sabiex jaġixxu bħala ambaxxaturi u mentors ħalli jispiraw liż-żgħażagħ, u tistedinhom jiżviluppaw ideat u soluzzjonijiet ġodda.

Fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (kemm fil-bidu u kemm kontinwi):

- **Adattament tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol:** Dan jinkludi l-appoġġ għall-iżvilupp ta' programmi tal-VET li joffru taħlita bbilanċjata ta' ħiliet vokazzjonali u joħolqu opportunitajiet ta' apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol allinjati tajjeb maċ-ċikli ekonomiċi kollha, l-impjiegi li qegħdin jevolvu u l-metodi ta' ħidma u l-kompetenzi ewlenin. Din il-prijorità trawwem ukoll l-iżvilupp tal-kurrikuli, tal-offerti tal-programmi u tal-kwalifiki tal-VET li jiġu aġġornati regolarment, filwaqt li tibni fuq l-informazzjoni dwar il-ħiliet. Il-proġetti se jappoġġaw lill-forituri tal-VET fl-adattament tal-offerta ta' taħriġ tagħhom għall-ħtiġijiet tal-ħiliet li qegħdin jinbidlu, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u ċ-ċikli ekonomiċi.

- **Żieda fil-flessibbiltà tal-opportunitajiet fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali:** Din il-prijorità tappoġġa inizjattivi li jiżviluppaw programmi tal-VET flessibbli u ċċentrati fuq l-istudenti, u li jikkontribwixxu biex jingħalqu l-lakuni eżistenti fl-aċċess għat-taħriġ għall-adulti tal-età tax-xogħol sabiex jiġġestixxu b'suċċess it-tranżizzjonijiet tas-suq tax-xogħol. Il-proġetti taħt din il-prijorità jikkontribwixxu wkoll għall-iżvilupp ta' programmi ta' taħriġ vokazzjonali kontinwi mfassla biex ikunu adattabbli għas-suq tax-xogħol, kif ukoll programmi li jiffaċilitaw it-trasferiment, ir-rikonoxximent u l-akkumulazzjoni ta' eżiti tal-apprendiment li jwasslu għal kwalifiki nazzjonali.

- **Kontribuzzjoni għall-innovazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali:** Din il-prijorità tappoġġa proġetti li l-għan ewlieni tagħhom huwa li jibdlu b'mod sostanzjali l-mod li bih il-VET huwa ipprattikat, u b'hekk dan isir

[147] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A32019H0605%2801%29&qid=1638446515934
[148] https://education.ec.europa.eu/document/commission-communication-on-a-european-strategy-for-universities

aktar rilevanti għall-ħtiġijiet attwali u futuri tal-ekonomija u tas-soċjetà. Dawn il-bidliet jistgħu jkunu organizzazzjonali (ippjanar, finanzjament, ġestjoni tar-riżorsi umani, monitoraġġ u komunikazzjoni). Dawn jistgħu jindirizzaw ukoll proċessi ta' tagħlim u ta' apprendiment permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' approċċi ta' tagħlim u ta' apprendiment ġodda u aktar rilevanti. Dawn il-bidliet jistgħu jkunu relatati mal-ekosistema tal-forniturі tal-VET u l-mod kif jinvolvu ruħhom mas-sħab, pereżempju permezz ta' diffużjoni teknoloġika u riċerka applikata, ta' promozzjoni, ta' networking u ta' attivitajiet ta' internazzjonalizzazzjoni. Dawn jistgħu jimmiraw ukoll l-iżvilupp u l-provvista ta' prodotti u servizzi tal-VET (eż. l-iżvilupp tal-ħiliet, ir-riċerka applikata, u l-konsulenza) lil atturi esterni bħal studenti, kumpaniji u gvernijiet.

- **Attraenza dejjem akbar tal-VET:** Se tingħata prijorità lill-proġetti li jikkontribwixxu biex tiżdied l-attraenza tal-VET f'livelli differenti. Eżempji ta' dawn jistgħu jkunu proġetti li jaħdmu għal permeabbiltà akbar bejn diversi livelli edukattivi, li jrawmu ambjenti ta' apprendiment miftuħa u parteċipattivi, jappoġġaw l-iżvilupp professjonali tal-għalliema u tal-ħarrieġa tal-VET, jew jiffaċilitaw ir-rikonoxximent tal-eżiti tal-apprendiment u l-użu tal-Europass u ta' servizzi diġitali oħrajn. Din il-prijorità tappoġġa wkoll proġetti li jiżviluppaw sħubijiet fit-tul għall-istabbiliment jew għat-tisħiħ ta' kompetizzjonijiet internazzjonali, nazzjonali, reġjonali u settorjali tal-ħiliet. L-impatt ta' dawn l-attivitajiet jista' jiġi ottimizzat billi jaħdmu mill-qrib flimkien man-negozji, mal-forniturі tal-VET, mal-kmamar tal-kummerċ u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra tul il-fażijiet differenti taċ-ċiklu tal-proġett.

- **Titjib fl-assigurazzjoni tal-kwalità fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali:** Din il-prijorità tiffoka fuq il-kejl u t-titjib tal-kwalità tal-VET billi jiġu żviluppati sistemi nazzjonali ta' assigurazzjoni tal-kwalità, kemm għall-VET inizjali kif ukoll kontinwu, fl-ambjenti kollha ta' apprendiment u fil-formati kollha tal-apprendiment, imwassla kemm mill-forniturі pubbliċi kif ukoll minn dawk privati. B'mod partikolari, dan jinkludi l-istabbiliment u l-ittestjar ta' arranġamenti ta' traċċar tal-gradwati f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ tal-perkors fil-karriera tal-gradwati, u r-Rakkomandazzjoni dwar il-Qafas ta' Referenza Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (EQAVET)[149], kif ukoll l-esplorazzjoni tal-profili ewlenin vokazzjonali tal-UE, u l-mikrokredenzjali.

- **Ħolqien u implimentazzjoni ta' strateġiji ta' internazzjonalizzazzjoni għall-forniturі tal-VET**: Din il-prijorità għandha l-għan li tistabbilixxi mekkaniżmi ta' appoġġ u oqfsa kuntrattwali għall-promozzjoni tal-mobbiltà ta' kwalità tal-persunal u tal-istudenti tal-VET. Aspetti partikolarment importanti jinkludu r-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-kwalifiki u tal-eżiti tal-apprendiment, kif ukoll l-iżvilupp ta' servizzi ta' appoġġ għall-istudenti għall-mobbiltà tal-istudenti. Tali servizzi jistgħu jinkludu l-informazzjoni, il-motivazzjoni, it-tħejjija u l-iffaċilitar tal-integrazzjoni soċjali tal-istudenti tal-VET fil-pajjiż ospitanti, kif ukoll it-tisħiħ tas-sensibilizzazzjoni interkulturali u ċ-ċittadinanza attiva tagħhom.

Fil-qasam tal-edukazzjoni għall-adulti:

- **iż-żieda fl-adozzjoni u fit-titjib tal-inklużività u tal-aċċessibbiltà tal-edukazzjoni għall-adulti:** Se tingħata prijorità lil proġetti li jagħtu s-setgħa u jippermettu lill-adulti jipparteċipaw fit-taħriġ sabiex jitnaqqsu d-differenzi fil-ħiliet u n-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol kif ukoll sabiex tiġi promossa u ffaċilitata l-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment. B'mod partikolari, proġetti li jibnu fuq kontijiet individwali tal-apprendiment u oqfsa abilitanti (inklużi opportunitajiet ta' validazzjoni u ta' gwida u strateġiji effettivi ta' motivazzjoni).

- **Titjib tad-disponibbiltà ta' apprendiment ta' kwalità għolja, flessibbli u rikonoxxut għall-adulti:** Din il-prijorità

[149] https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/2aeac659-5ef4-4f95-aa7d-7e867fa8b0d2

tipprovdi appoġġ għall-ħolqien u l-iżvilupp ta' offerti ta' apprendiment flessibbli adattati għall-ħtiġijiet tal-apprendiment tal-adulti, pereżempju bl-iżvilupp ta' opportunitajiet ta' apprendiment diġitali u mħallta. Tingħata prijorità wkoll lil proġetti li jaħdmu fuq il-validazzjoni tal-ħiliet iċċertifikati b'mikrokredenzjali jew miksuba permezz ta' apprendiment informali u mhux formali.

- **Promozzjoni ta' ċentri ta' apprendiment lokali u ta' spazji ta' tagħlim innovattivi**: Din il-prijorità għandha l-għan li tappoġġa ambjenti ta' apprendiment lokali, li tippromwovi l-inklużjoni soċjali, l-involviment ċiviku u d-demokrazija, u li tattira u toffri lil kulħadd fil-komunità opportunitajiet ta' apprendiment tul il-ħajja u fl-aspetti kollha tal-ħajja, anke billi tisfrutta t-teknoloġiji diġitali u tinkludi miżuri għall-ħidma sabiex jintlaħqu l-istudenti u għall-involviment tagħhom. Pereżempju, il-proġetti jistgħu jħeġġu ċentri ta' apprendiment lokali, libreriji, mużewijiet, ħabsijiet, soċjetà ċivili u l-komunità usa' (NGOs, awtoritajiet lokali, saħħa, kultura, eċċ.) sabiex jaħdmu flimkien biex jimmotivaw u jippermettu lill-adulti ta' kull età jitgħallmu l-ħiliet tal-ħajja u l-kompetenzi ewlenin meħtieġa sabiex ikunu reżiljenti u adattabbli fid-dawl tal-bidla u l-inċertezza.

- **Il-ħolqien ta' perkorsi għat-titjib tal-ħiliet:** Din il-prijorità għandha l-għan li tippromwovi opportunitajiet ġodda ta' edukazzjoni għall-adulti, b'mod partikolari għall-adulti b'livell baxx ta' ħiliet, għarfien u kompetenzi. Il-ħolqien ta' perkorsi ġodda għat-titjib tal-ħiliet għandu jippermetti lill-istudenti adulti jsaħħu l-kompetenzi ewlenin tagħhom u jagħmlu progress lejn kwalifiki ogħla. Xogħol komplementari kopert taħt din il-prijorità jinkludi l-iżvilupp ta' gwida bħala servizz biex jiġi żgurat li l-adulti jkollhom aċċess għall-apprendiment rilevanti matul il-ħajja, it-titjib tal-identifikazzjoni u l-iskrinjar tal-ħiliet, it-tfassil ta' offerti ta' apprendiment imfassla apposta, u l-iżvilupp ta' strateġiji effettivi ta' sensibilizzazzjoni, ta' gwida u ta' motivazzjoni.

  Titjib tal-kompetenzi tal-edukaturi u ta' persunal ieħor ta' apprendiment u ta' gwida għall-adulti: Tingħata prijorità b'mod partikolari lill-proġetti li jiżviluppaw kompetenzi tal-persunal li jwasslu għal titjib kumplessiv fil-provvista, f'konformità mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. B'mod partikolari, se tingħata prijorità lill-proġetti li jappoġġaw lill-edukaturi, inklużi timijiet ta' tmexxija, biex jgħallmu u jaġixxu għas-sostenibbiltà u biex jiżviluppaw il-kompetenzi diġitali tal-edukaturi, eż. permezz tat-Traineeships tal-Opportunitajiet Diġitali (DOTs) u jtejbu l-metodi u l-għodod tat-tagħlim permezz tal-użu effettiv ta' soluzzjonijiet innovattivi u ta' teknoloġiji diġitali. Se tingħata prijorità lill-proġetti li jimmiraw lejn l-iżvilupp ta' ħiliet sabiex jirrikonoxxu u jwieġbu għall-ħtiġijiet ta' apprendiment individwali eż. jitfasslu perkorsi jew pjanijiet imfassla apposta adattati għall-isfond u għaċ-ċirkostanzi tal-istudenti, il-valutazzjoni tal-għarfien u tal-ħiliet preċedenti tal-istudenti adulti, metodi ta' tagħlim aħjar u aktar innovattivi, minbarra li jissaħħaħ ir-rwol ta' appoġġ li għandu l-persunal tal-edukazzjoni għall-adulti fil-motivazzjoni, fl-iggwidar u fl-għoti ta' pariri lill-istudenti f'sitwazzjonijiet ta' apprendiment diffiċli.

- **Ħolqien u promozzjoni ta' opportunitajiet ta' apprendiment fost iċ-ċittadini u l-ġenerazzjonijiet kollha:** Tingħata prijorità lill-proġetti li joħolqu u jippromwovu l-apprendiment interġenerazzjonali, inklużi opportunitajiet ta' apprendiment u skambji ta' esperjenzi tal-gruppi kollha tal-età, inklużi l-anzjani, bil-għan li jinbena fehim aħjar tal-Unjoni Ewropea u tal-valuri tagħha, u tissaħħaħ l-identità Ewropea.

- **Tisħiħ tal-assigurazzjoni tal-kwalità fl-opportunitajiet tal-apprendiment għall-adulti:** Din il-prijorità tappoġġa l-iżvilupp ta' mekkaniżmi ta' assigurazzjoni ta' kwalità aħjar għall-politiki u l-provvista tal-apprendiment għall-adulti. B'mod partikolari, dan jinkludi l-iżvilupp u t-trasferiment ta' metodoloġiji ta' monitoraġġ biex titkejjel l-effettività tal-provvista tal-edukazzjoni għall-adulti u biex jinżamm rendikont tal-progress tal-istudenti adulti.

Fil-qasam taż-żgħażagħ:

Se tingħata prijorità lill-azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-oqsma ewlenin tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ 2019-2027: l-involviment, il-konnessjoni u l-għoti tas-setgħa liż-żgħażagħ. Se jkun hemm enfasi partikolari fuq it-tisħiħ tal-kooperazzjoni transsettorjali li tippermetti sinerġiji akbar fost oqsma differenti ta' azzjonijiet li huma importanti għaż-żgħażagħ, il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ f'diversi skali u formati u l-appoġġ taċ-ċittadinanza attiva taż-żgħażagħ, b'mod partikolari ż-żgħażagħ f'riskju ta' esklużjoni soċjali. Prijoritajiet speċifiċi għall-qasam taż-żgħażagħ jinkludu:

- **Promozzjoni ta' ċittadinanza attiva, sens ta' inizjattiva taż-żgħażagħ u l-intraprenditorija taż-żgħażagħ, inkluża l-intraprenditorija soċjali:** Il-prijorità għandha l-għan li trawwem ċittadinanza attiva fost iż-żgħażagħ, b'mod partikolari permezz tal-volontarjat u ta' atti ta' solidarjetà, u b'hekk issaħħaħ is-sens ta' inizjattiva taż-żgħażagħ, b'mod partikolari fil-qasam soċjali, u tappoġġa lill-komunitajiet tagħhom. Il-proġetti taħt din il-prijorità jistgħu jippromwovu wkoll l-intraprenditorija, l-apprendiment kreattiv u l-intraprenditorija soċjali fost iż-żgħażagħ. Id-djalogu interkulturali, l-għarfien u r-rikonoxximent tad-diversità u l-promozzjoni tat-tolleranza huma kruċjali għal din il-prijorità.

- **Żieda fil-kwalità, l-innovazzjoni u r-rikonoxximent tal-ħidma fost iż-żgħażagħ:** Il-prijorità għandha l-għan li tippromwovi r-rikonoxximent u l-validazzjoni tal-ħidma fost iż-żgħażagħ u l-apprendiment informali u mhux formali fil-livelli kollha, u tappoġġa l-iżvilupp u l-innovazzjoni tal-kwalità fil-ħidma fost iż-żgħażagħ, f'konformità mal-prijoritajiet stabbiliti fl-Aġenda Ewropea għall-ħidma fost iż-żgħażagħ u d-Dikjarazzjoni ta' Bonn ta' Diċembru 2020. Dan jinkludi l-bini tal-kapaċità tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ fil-prattiki online u offline tagħhom, kif ukoll appoġġ għall-iżvilupp u l-kondiviżjoni ta' metodi biex jintlaħqu żgħażagħ emarġinati, jiġu evitati r-razziżmu u l-intolleranza fost iż-żgħażagħ, u r-riskji, l-opportunitajiet u l-implikazzjonijiet tad-diġitalizzazzjoni.

- **Tisħiħ tal-impjegabbiltà taż-żgħażagħ:** Il-prijorità għandha l-għan li ssaħħaħ il-kompetenzi ewlenin u l-ħiliet bażiċi taż-żgħażagħ. Is-settur taż-żgħażagħ għandu rwol importanti fit-tħaffif tat-tranżizzjoni taż-żgħażagħ miż-żgħożija sal-età adulta, inkluż fl-appoġġ tal-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol. L-attivitajiet li jiffokaw fuq l-inklużjoni u l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet (inklużi NEETs), b'enfasi partikolari fuq iż-żgħażagħ f'riskju ta' marġinalizzazzjoni u dawk bi sfond ta' migranti, jinsabu fil-qalba ta' din il-prijorità.

- **Tisħiħ tar-rabtiet bejn il-politika, ir-riċerka u l-prattika:** Din il-prijorità tindirizza l-ħtieġa għal rabtiet aktar b'saħħithom bejn il-politika, ir-riċerka u l-prattika fil-qasam taż-żgħażagħ biex tiġi pprovduta evidenza mtejba tal-ħtiġijiet u jiġi ffaċilitat it-tfassil tal-politika. Attivitajiet li jippromwovu għarfien aħjar dwar is-sitwazzjoni taż-żgħażagħ u l-politiki taż-żgħażagħ fl-Ewropa u lil hinn se jkunu ta' importanza għal din il-prijorità.

Fil-qasam tal-isport:

Se tingħata prijorità lis-sħubijiet li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' dokumenti ta' politika ewlenin bħall-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Isport (2021-2024) jew ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-attività fiżika favur is-saħħa. Prijoritajiet speċifiċi fil-qasam tal-isport jinkludu:

- **Inkoraġġiment ta' stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa għal kulħadd:** il-proġetti taħt din il-prijorità se jiffokaw prinċipalment fuq: a) l-implimentazzjoni tat-tliet pilastri tal-inizjattiva HealthyLifestle4All, b) l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-attività fiżika favur is-saħħa u l-Linji Gwida tal-UE dwar l-Attività Fiżika c) l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Ġimgħa Ewropea tal-Isport d) il-promozzjoni tal-isport u tal-attività fiżika bħala għodda għas-saħħa e) il-promozzjoni tal-attivitajiet kollha li jħeġġu l-prattika tal-isport u tal-attività fiżika f) il-promozzjoni tal-isport u tal-logħob tradizzjonali.

- **Promozzjoni tal-integrità u tal-valuri fl-isport:** il-proġetti taħt din il-prijorità se jiffokaw prinċipalment fuq a) il-ġlieda kontra l-użu tad-doping b) il-ġlieda kontra l-logħob mixtri u l-korruzzjoni fl-isport c) it-titjib tal-governanza tajba fl-isport u d) il-promozzjoni tal-valuri pożittivi tal-isport.

- **Promozzjoni tal-edukazzjoni fl-isport u permezz tiegħu:** il-proġetti taħt din il-prijorità se jiffokaw prinċipalment fuq a) l-appoġġ għall-iżvilupp tal-ħiliet fl-isport, b) l-inkoraġġiment ta' karrieri doppji tal-atleti c) il-promozzjoni tal-kwalità tal-ikkowċjar u tal-persunal d) l-użu tal-mobbiltà bħala għodda għat-titjib tal-kwalifiki e) il-promozzjoni tal-impjegabbiltà permezz tal-isport.

- **Promozzjoni tal-ugwaljanza u tal-valuri Ewropej fl-isport u permezz tiegħu**: il-proġetti taħt din il-prijorità se jiffokaw l-aktar fuq il-promozzjoni ta' a) l-ugwaljanza fl-isport, inkluża l-ugwaljanza bejn il-ġeneri[150], b) il-valuri Ewropej inkluż l-użu tal-isport bħala mezz għall-paċi u għall-inklużjoni, c) il-valuri tan-nondiskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi, il-ġlieda kontra r-razziżmu, l-aċċess miftuħ u t-tolleranza għal oħrajn.

[150] https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/684ab3af-9f57-11ec-83e1-01aa75ed71a1/language-en

SĦUBIJIET TA' KOOPERAZZJONI

L-għan primarju tas-Sħubijiet ta' Kooperazzjoni huwa li jippermettu lill-organizzazzjonijiet iżidu l-kwalità u r-rilevanza tal-attivitajiet tagħhom, jiżviluppaw u jsaħħu n-networks ta' sħab tagħhom, iżidu l-kapaċità tagħhom li joperaw b'mod konġunt fil-livell tranżnazzjonali, filwaqt li jagħtu spinta lill-internazzjonalizzazzjoni tal-attivitajiet tagħhom u permezz tal-iskambju jew l-iżvilupp ta' prattiki u metodi ġodda kif ukoll il-kondiviżjoni u l-indirizzar tal-ideat.

Għandhom l-għan li jappoġġaw l-iżvilupp, it-trasferiment u/jew l-implimentazzjoni ta' prattiki innovattivi kif ukoll l-implimentazzjoni ta' inizjattivi konġunti li jippromwovu l-kooperazzjoni, l-apprendiment bejn il-pari u l-iskambji ta' esperjenza fil-livell Ewropew. Ir-riżultati għandhom ikunu jistgħu jergħu jintużaw, jiġu ttrasferiti, jiġu mtejba u, jekk ikun possibbli, ikollhom dimensjoni transdixxiplinarja qawwija.

Il-proġetti magħżula huma mistennija jikkondividu r-riżultati tal-attivitajiet tagħhom fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tranżnazzjonali.

Is-Sħubijiet ta' Kooperazzjoni għandhom l-għeruq tagħhom fil-prijoritajiet u l-oqfsa ta' politika ta' kull settur tal-Erasmus+, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali, filwaqt li għandhom l-għan li jipproduċu inċentivi għal kooperazzjoni transsettorjali u orizzontali f'oqsma tematiċi.

Skont il-qasam tal-proġett propost jew it-tip ta' applikant, is-Sħubijiet ta' Kooperazzjoni huma ġestiti jew mill-**Aġenziji Nazzjonali** jew mill-**Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA)**. Għal aktar informazzjoni f'dan ir-rigward, jekk jogħġbok irreferi għat-taqsima "fejn napplika" taħt IL-KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ.

OBJETTIVI TAL-AZZJONI

Is-Sħubijiet ta' Kooperazzjoni għandhom l-għan li:

- **Itejbu l-kwalità tal-ħidma, l-attivitajiet u l-prattiki tal-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet involuti,** li jinfetħu għal atturi ġodda, mhux inklużi b'mod naturali f'settur wieħed;
- **Jibnu l-kapaċità tal-organizzazzjonijiet** biex jaħdmu b'mod tranżnazzjonali u fis-setturi kollha;
- **Jindirizzaw il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet komuni** fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport;
- **Jippermettu trasformazzjoni u bidla** (fil-livell individwali, organizzazzjonali jew settorjali), li jwasslu għal titjib u approċċi ġodda, fi proporzjon mal-kuntest ta' kull organizzazzjoni.

LIEMA HUMA L-KRITERJI LI GĦANDHOM JIĠU SSODISFATI BIEX WIEĦED JAPPLIKA GĦAL SĦUBIJA TA' KOOPERAZZJONI?

Sabiex ikunu eliġibbli għal għotja tal-Erasmus+, il-proposti tal-proġett għal Sħubijiet ta' Kooperazzjoni jridu jikkonformaw mal-kriterji tal-eliġibbiltà li ġejjin:

KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ

Min jista' japplika?	Kwalunkwe organizzazzjoni parteċipanti stabbilita fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm tista' tkun l-applikant. Din l-organizzazzjoni tapplika f'isem l-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha involuti fil-proġett.
	Kwalunkwe organizzazzjoni pubblika jew privata, stabbilita fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz

Liema tipi ta' organizzazzjonijiet huma eliġibbli biex jipparteċipaw fil-proġett?	assoċjat mal-Programm jew fi kwalunkwe pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm tad-dinja (ara t-taqsima "Pajjiżi Eliġibbli" fil-Parti A ta' din il-Gwida) tista' tipparteċipa fi Sħubija ta' Kooperazzjoni[151]. **Eċċezzjoni:** l-organizzazzjonijiet mill-Belarussja (ir-Reġjun 2) u mill-Federazzjoni Russa (ir-Reġjun 4) ma humiex eliġibbli biex jipparteċipaw f'din l-azzjoni. **L-organizzazzjonijiet stabbiliti fl-Istati Membri tal-UE u f'pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm jistgħu jew jipparteċipaw bħala koordinatur** tal-proġett **jew bħala organizzazzjoni sieħba**. **L-organizzazzjonijiet f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm ma jistgħux jipparteċipaw bħala koordinaturi tal-proġetti**. Irrispettivament mill-qasam milqut mill-proġett, **is-Sħubijiet ta' Kooperazzjoni huma miftuħin għal kwalunkwe tip ta' organizzazzjoni attiva fi kwalunkwe qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ, l-isport jew setturi soċjoekonomiċi oħrajn** kif ukoll għall-organizzazzjonijiet li jwettqu attivitajiet li huma trażversali għal oqsma differenti (eż. awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, ċentri ta' rikonoxximent u ta' validazzjoni, kmamar tal-kummerċ, organizzazzjonijiet kummerċjali, ċentri ta' gwida, organizzazzjonijiet kulturali u sportivi). Skont il-prijorità u l-objettivi indirizzati mill-proġett, is-Sħubijiet ta' Kooperazzjoni għandhom jinvolvu l-aktar firxa xierqa u diversa ta' sħab sabiex jibbenefikaw mill-esperjenzi, il-profili u l-għarfien espert speċifiku differenti tagħhom u sabiex jipproduċi riżultati rilevanti u ta' kwalità għolja tal-proġett.
Parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet sħab assoċjati	Minbarra l-organizzazzjonijiet li jieħdu sehem b'mod formali fil-proġett (l-organizzazzjonijiet koordinaturi u sħab), is-Sħubijiet ta' Kooperazzjoni jistgħu jinvolvu wkoll sħab oħra mis-settur pubbliku jew privat li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-kompiti/attivitajiet speċifiċi tal-proġett jew jappoġġaw il-promozzjoni u s-sostenibbiltà tal-proġett. Fi ħdan proġett tal-Erasmus+, dawn is-sħab se jissejħu **"sħab assoċjati"**. Għall-aspetti tal-eliġibbiltà u tal-ġestjoni kuntrattwali, dawn ma jitqisux bħala sħab tal-proġett, u ma jirċievu l-ebda finanzjament mill-Programm bħala parti mill-proġett. Madankollu, jinftiehem ir-rwol tagħhom fi ħdan is-sħubija u tingħata stampa globali dwar il-proposta, l-involviment tagħhom fil-proġett u fl-attivitajiet differenti jeħtieġ jiġi deskritt b'mod ċar.
Numru u profil tal-organizzazzjonijiet parteċipanti	**Sħubija ta' Kooperazzjoni hija proġett tranżnazzjonali** u trid tinvolvi **minimu ta' tliet organizzazzjonijiet** minn **tliet Stati Membri differenti tal-UE jew pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm**. Ma hemm l-ebda numru massimu ta' organizzazzjonijiet parteċipanti fi sħubija waħda. L-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha jridu jiġu identifikati meta ssir l-applikazzjoni għal għotja. Bħala regola ġenerali, **is-Sħubijiet ta' Kooperazzjoni jimmiraw il-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet stabbiliti fl-Istati Membri tal-UE jew il-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm**. Madankollu, **l-organizzazzjonijiet minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm** jistgħu jkunu

[151] Kwalunkwe istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja (HEI) stabbilita fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm u li tixtieq li tieħu sehem fi Sħubija ta' Kooperazzjoni jrid ikollha Karta Erasmus għall-Edukazzjoni Għolja (ECHE) valida. L-ECHE ma hijiex meħtieġa għall-HEIs parteċipanti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, iżda dawn se jkollhom jikkonformaw mal-prinċipji tagħha.
Għall-iskopijiet ta' din l-Azzjoni, gruppi informali ta' żgħażagħ ma għandhomx jitqiesu bħala organizzazzjoni, u għalhekk ma humiex eliġibbli sabiex jipparteċipaw (la bħala applikanti u lanqas bħala sħab).

	involuti bħala **sħab** (mhux bħala applikanti), **jekk il-parteċipazzjoni tagħhom iġġib valur miżjud essenzjali għall-proġett** u sakemm tiġi ssodisfata l-parteċipazzjoni minima minn tliet organizzazzjonijiet minn tliet Stati Membri differenti tal-UE jew pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm.
Prijoritajiet indirizzati	Sabiex jitqiesu għall-finanzjament, is-Sħubijiet ta' Kooperazzjoni iridu jindirizzaw jew: • **mill-inqas prijorità orizzontali waħda** **u/jew** • **mill-inqas prijorità speċifika waħda rilevanti għall-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport li hija milquta l-aktar**. Għal proġetti fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ ġestiti mill-Aġenziji Nazzjonali tal-Erasmus+ f'ġestjoni indiretta, l-Aġenziji Nazzjonali jistgħu, fost dawn il-prijoritajiet, jagħtu aktar kunsiderazzjoni lil dawk li huma partikolarment rilevanti fil-kuntest nazzjonali tagħhom (imsejħa "prijoritajiet Ewropej fil-kuntest nazzjonali"). L-Aġenziji Nazzjonali jridu jinformaw kif xieraq lill-applikanti potenzjali permezz tas-siti web uffiċjali tagħhom. Għall-proġetti fil-qasam tal-isport tista' tiġi indirizzata prijorità (orizzontali jew speċifika) waħda biss.
Post tal-attivitajiet	**L-attivitajiet kollha ta' Sħubija ta' Kooperazzjoni jridu jsiru fil-pajjiżi tal-organizzazzjonijiet li jkunu qegħdin jipparteċipaw fil-proġett**, jew bis-sħiħ jew bħala sħab assoċjati. Barra minn hekk, jekk ikun iġġustifikat kif xieraq fir-rigward tal-objettivi jew tal-implimentazzjoni tal-proġett: • L-attivitajiet jistgħu jsiru wkoll fis-sede ta' Istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea[152], anke jekk fil-proġett ma jkunx hemm organizzazzjonijiet parteċipanti mill-pajjiż li jospita l-Istituzzjoni. • L-attivitajiet li jinvolvu l-kondiviżjoni u l-promozzjoni tar-riżultati jistgħu jsiru wkoll f'avvenimenti/konferenzi tranżnazzjonali tematiċi rilevanti fl-Istati Membri tal-UE jew fil-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm jew fil-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm.
Durata tal-proġett	Bejn 12-il xahar u 36 xahar. Id-durata trid tintgħażel fl-istadju tal-applikazzjoni, abbażi tal-objettivi tal-proġett u tat-tip ta' attivitajiet ippjanati maż-żmien. Id-durata ta' Sħubija ta' Kooperazzjoni tista' tiġi estiża, fuq talba ġustifikata mill-benefiċjarju u bi qbil mal-Aġenzija Nazzjonali jew Eżekuttiva, (diment li d-durata sħiħa ma taqbiżx is-36 xahar). F'każ bħal dan, l-għotja totali ma hijiex se tinbidel.
Fejn napplika?	**Għal Sħubijiet fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ sottomessi minn kwalunkwe organizzazzjoni f'dawn l-oqsma, bl-eċċezzjoni tal-NGOs Ewropej**: • Mal-**Aġenzija Nazzjonali** tal-pajjiż fejn tkun stabbilita l-organizzazzjoni applikanti. **Għal Sħubijiet fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ sottomessi mill-NGOs Ewropej[153]**:

[152] Is-Sedi tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea huma Brussell, Frankfurt, il-Lussemburgu, Strasburgu u The Hague

[153] Għal definizzjoni ta' x'inhi meqjusa NGO Ewropea għall-iskopijiet tal-Programm Erasmus+, jekk jogħġbok ara l-"Parti D – Glossarju" ta' din il-Gwida.

	• Mal-**Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA)**, ibbażata fi Brussell - NGOs Ewropej - ID tas-Sejħa: ERASMUS-2023-PCOOP-ENGO ▪ Lott 1: ERASMUS-EDU-2023-PCOOP-ENGO ▪ Lott 2: ERASMUS-YOUTH-2023-PCOOP-ENGO **Għal Sħubijiet fil-qasam tal-isport:** • Mal-**Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA)**, ibbażata fi Brussell - Sport - ID tas-Sejħa: ERASMUS-SPORT-2023-SCP Fil-każijiet kollha, **l-istess konsorzju ta' sħab** jista' jissottometti **applikazzjoni waħda biss u lil Aġenzija waħda biss għal kull skadenza**[154]
Meta napplika?	**Għal Sħubijiet fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ sottomessi minn kwalunkwe organizzazzjoni f'dawn l-oqsma, bl-eċċezzjoni tal-NGOs Ewropej**: • L-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjoni għal għotja tagħhom sat-**22 ta' Marzu f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell)** għall-proġetti li jibdew bejn l-1 ta' Settembru u l-31 ta' Diċembru tal-istess sena. **Għal Sħubijiet fil-qasam taż-żgħażagħ sottomessi minn kwalunkwe organizzazzjoni f'dan il-qasam, bl-eċċezzjoni tal-NGOs Ewropej**: • L-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjoni għal għotja tagħhom sal-**4 ta' Ottubru f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell)** għall-proġetti li jibdew bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Awwissu tas-sena ta' wara. **Skadenza addizzjonali possibbli:** L-Aġenziji Nazzjonali fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ jistgħu jorganizzaw **it-tieni ċiklu ta' applikazzjonijiet**, li għalih japplikaw ukoll ir-regoli stabbiliti f'din il-Gwida. L-Aġenziji Nazzjonali se jagħtu informazzjoni dwar din il-possibbiltà permezz tas-sit web tagħhom. Jekk jiġi organizzat it-tieni ċiklu, l-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tal-għotja tagħhom sal-**4 ta' Ottubru f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell)** għall-proġetti li jibdew bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Awwissu tas-sena ta' wara. **Għal Sħubijiet fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ sottomessi mill-NGOs Ewropej**: • L-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għal għotja sat-**22 ta' Marzu fil-17:00:00 (ħin ta' Brussell)**. **Għal Sħubijiet fil-qasam tal-isport:**

[154] Dan jinkludi kemm l-Aġenziji Nazzjonali tal-Erasmus+ kif ukoll l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA), ibbażata fi Brussell.

	• L-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għal għotja sat-**22 ta' Marzu fil-17:00:00 (ħin ta' Brussell).**

L-organizzazzjonijiet applikanti se jiġu vvalutati skont il-kriterji tal-esklużjoni u tal-għażla rilevanti. Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkonsulta l-Parti C ta' din il-Gwida.

STABBILIMENT TA' PROĠETT

Il-proġett ta' Sħubija ta' Kooperazzjoni jikkonsisti f'erba' stadji, li jibdew saħansitra qabel ma tintgħażel il-proposta tal-proġett għall-finanzjament: l-ippjanar, it-tħejjija, l-implimentazzjoni u s-segwitu. L-organizzazzjonijiet parteċipanti u l-parteċipanti involuti fl-attivitajiet għandhom jieħdu rwol attiv f'dawk l-istadji kollha u b'hekk itejbu l-esperjenza tal-apprendiment tagħhom.

- L-ippjanar (id-definizzjoni tal-ħtiġijiet, l-objettivi, il-proġett u l-eżiti tal-apprendiment, il-formati tal-attività, l-iskeda eċċ.);
- It-tħejjija (l-ippjanar tal-attivitajiet, l-iżvilupp ta' programm ta' ħidma, l-arranġamenti prattiċi, il-konferma tal-grupp(i) fil-mira tal-attivitajiet previsti, l-istabbiliment ta' ftehimiet mas-sħab eċċ.);
- L-implimentazzjoni tal-attivitajiet;
- Is-segwitu (l-evalwazzjoni tal-attivitajiet u l-impatt tagħhom fuq livelli differenti, il-kondiviżjoni u l-użu tar-riżultati tal-proġett).

Is-Sħubijiet ta' Kooperazzjoni jistgħu jinkludu l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' apprendiment, tagħlim u taħriġ tranżnazzjonali tal-individwi u gruppi ta' individwi, diment li jġibu magħhom valur miżjud fl-ilħuq tal-objettivi tal-proġett. Il-format, l-iskop, it-tip u n-numru ta' parteċipanti fl-attivitajiet proposti se jiġu deskritti u ġġustifikati bħala parti mill-applikazzjoni tal-proġett.

<u>Aspetti orizzontali li għandhom jiġu kkunsidrati meta tkun qed tfassal il-proġett tiegħek:</u>

Minbarra l-konformità mal-kriterji formali u l-istabbiliment ta' arranġament ta' kooperazzjoni sostenibbli mas-sħab kollha tal-proġett, l-elementi li ġejjin jistgħu jikkontribwixxu biex jiżdiedu l-impatt u l-implimentazzjoni kwalitattiva tas-Sħubijiet ta' Kooperazzjoni matul il-fażijiet differenti tal-proġett. L-applikanti huma mħeġġa jqisu dawn l-opportunitajiet u d-dimensjonijiet meta jfasslu l-proġetti ta' Sħubija ta' Kooperazzjoni.

Inklużjoni u Diversità

Il-Programm Erasmus+ ifittex li jippromwovi l-opportunitajiet indaqs u l-aċċess, l-inklużjoni u l-ġustizzja fl-azzjonijiet kollha tiegħu. Sabiex jiġu implimentati dawn il-prinċipji, tfasslet Strateġija għad-Diversità u l-Inklużjoni[155] biex tappoġġa sensibilizzazzjoni aħjar ta' parteċipanti minn sfondi aktar diversi, b'mod partikolari dawk b'inqas opportunitajiet li jiffaċċjaw ostakli ħalli jipparteċipaw fi Proġetti Ewropej. Is-sħubijiet ta' kooperazzjoni huma partikolarment adatti biex issir ħidma fuq l-inklużjoni u d-diversità bħala s-suġġett tal-proġett, filwaqt li jiġu żviluppati aktar prattiki u metodi inklużivi u sensittivi għad-diversità, f'konformità mal-prijorità politika korrispondenti għall-azzjoni. Barra minn hekk,

[155] https://erasmus-plus.ec.europa.eu/document/implementation-guidelines-erasmus-and-european-solidarity-corps-inclusion-and-diversity-strategy

indipendentement mill-aspett tematiku tal-proġetti tagħhom, l-organizzazzjonijiet għandhom ifasslu attivitajiet ta' proġetti aċċessibbli u inklużivi, filwaqt li jqisu l-fehmiet tal-parteċipanti b'inqas opportunitajiet u jinvolvuhom fit-teħid ta' deċiżjonijiet matul il-proċess kollu.

Sostenibbiltà ambjentali

Il-proġetti għandhom jitfasslu b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent u għandhom jinkorporaw prattiki ekoloġiċi fl-aspetti kollha tagħhom. L-organizzazzjonijiet u l-parteċipanti għandu jkollhom approċċ li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent meta jfasslu l-proġett, li se jħeġġeġ lil dawk kollha involuti fil-proġett biex jiddiskutu u jitgħallmu dwar kwistjonijiet ambjentali, filwaqt li jirriflettu dwar x'jista' jsir f'livelli differenti u jgħin lill-organizzazzjonijiet u lill-parteċipanti sabiex joħorġu b'modi alternattivi u aktar ekoloġiċi ta' implimentazzjoni ta' attivitajiet tal-proġett.

Dimensjoni diġitali

Il-kooperazzjoni virtwali u l-esperimentazzjoni b'opportunitajiet ta' apprendiment virtwali u mħallta huma essenzjali għal Sħubijiet ta' Kooperazzjoni ta' suċċess. B'mod partikolari, il-proġetti fil-qasam tal-edukazzjoni skolastika u l-edukazzjoni għall-adulti huma mħeġġa bil-qawwa biex jużaw il-Pjattaforma Ewropea għall-Edukazzjoni Skolastika (inkluż l-eTwinning), jew il-pjattaforma għat-tagħlim tal-adulti EPALE biex jaħdmu flimkien qabel, matul u wara l-attivitajiet tal-proġett. Il-proġetti fil-qasam taż-żgħażagħ huma mħeġġa bil-qawwa biex jużaw il-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ u l-Pjattaforma Ewropea għall-Istrateġija għaż-Żgħażagħ.

Parteċipazzjoni u Involviment ċiviku

Il-Programm jappoġġa l-parteċipazzjoni u l-involviment attiv fl-azzjonijiet kollha tiegħu. Is-Sħubija ta' Kooperazzjoni għandha toffri opportunitajiet għall-parteċipazzjoni tal-persuni fil-ħajja demokratika, fl-involviment soċjali u ċiviku. Il-fokus se jkun ukoll fuq is-sensibilizzazzjoni u l-fehim tal-kuntest tal-Unjoni Ewropea, notevolment fir-rigward tal-valuri komuni tal-UE, il-prinċipji tal-unità u tad-diversità, kif ukoll l-identità kulturali, il-kuxjenza kulturali u l-wirt soċjali u storiku tagħhom.

KRITERJI GĦALL-GĦOTI

Rilevanza **(punteġġ massimu ta' 25 punt)**	Kemm: ▪ il-proposta hija rilevanti għall-objettivi u l-prijoritajiet tal-Azzjoni. Barra minn hekk, il-proposta se titqies bħala rilevanti ħafna jekk: – tindirizza l-prijorità "inklużjoni u diversità"; – Fil-każ ta' proġetti ġestiti mill-Aġenziji Nazzjonali tal-Erasmus+: jekk tindirizza "Prijorità Ewropea fil-kuntest nazzjonali" waħda jew aktar, kif imħabbar mill-Aġenzija Nazzjonali; – Fil-każ ta' proġetti sottomessi mill-ENGOs fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ lill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura: kemm l-applikant imexxi attivitajiet li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE f'wieħed minn dawn is-setturi. ▪ il-profil, l-esperjenza u l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet parteċipanti huma rilevanti għall-qasam tal-applikazzjoni; ▪ il-proposta hija bbażata fuq analiżi ġenwina u xierqa tal-bżonnijiet; ▪ il-proposta tkun adattata għall-ħolqien ta' sinerġiji bejn oqsma differenti tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport jew potenzjalment ikollha impatt qawwi fuq wieħed jew aktar minn dawk l-oqsma; ▪ il-proposta hija innovattiva;

	▪ il-proposta hija komplementari għal inizjattivi oħrajn li diġà twettqu mill-organizzazzjonijiet parteċipanti; ▪ il-proposta ġġib valur miżjud fil-livell tal-UE permezz ta' riżultati li ma kinux jinkisbu minn attivitajiet imwettqa f'pajjiż wieħed.
Kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 30 punt)**	Kemm: ▪ l-objettivi tal-proġett huma ddefiniti b'mod ċar, huma realistiċi u jindirizzaw il-ħtiġijiet u l-objettivi tal-organizzazzjonijiet parteċipanti u l-ħtiġijiet tal-gruppi fil-mira tagħhom; ▪ il-metodoloġija proposta hija ċara, adegwata u fattibbli: - il-pjan ta' ħidma tal-proġett huwa ċar, komplet u effettiv, inklużi l-fażijiet xierqa għat-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-kondiviżjoni tar-riżultati tal-proġett; - il-proġett huwa kosteffettiv u jalloka riżorsi xierqa għal kull attività; - il-proġett jipproponi miżuri xierqa ta' kontroll tal-kwalità, ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni biex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tal-proġett tkun ta' kwalità għolja, titlesta fil-ħin u tkun skont il-baġit; ▪ l-attivitajiet huma mfassla b'mod aċċessibbli u inklużiv u huma miftuħa għal persuni b'inqas opportunitajiet. ▪ il-proġett jinkorpora l-użu ta' għodod u metodi ta' apprendiment diġitali biex jikkomplementaw l-attivitajiet ta' mobbiltà fiżika tagħhom, u ħalli jtejbu l-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet sħab. – Jekk il-pjattaformi online tal-Erasmus+ ikunu disponibbli fil-qasam/fl-oqsma tal-organizzazzjonijiet parteċipanti: kemm il-proġett jagħmel użu mill-pjattaformi online tal-Erasmus+ (il-Pjattaforma Ewropea għall-Edukazzjoni Skolastika, inkluż l-eTwinning, EPALE, il-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ, il-Pjattaforma tal-UE tal-Istrateġija għaż-Żgħażagħ) bħala għodod għat-tħejjija, l-implimentazzjoni u s-segwitu tal-attivitajiet tal-proġett. ▪ Il-proġett huwa mfassal b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent u jinkorpora prattiki ekoloġiċi f'fażijiet differenti tal-proġett Jekk il-proġett jippjana attivitajiet ta' taħriġ, tagħlim jew apprendiment: ▪ kemm dawn l-attivitajiet huma xierqa għall-objettivi tal-proġett u jinvolvu l-profil u n-numru xieraq ta' parteċipanti; ▪ il-kwalità tal-arranġamenti prattiċi, il-ġestjoni u l-modalitajiet ta' appoġġ fl-attivitajiet ta' apprendiment, tagħlim u taħriġ; ▪ il-kwalità tal-arranġamenti għar-rikonoxximent u l-validazzjoni tal-eżiti tal-apprendiment tal-parteċipanti, f'konformità mal-għodod u l-prinċipji Ewropej dwar it-trasparenza u r-rikonoxximent.
Kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni **(punteġġ massimu ta' 20 punt)**	Kemm: ▪ il-proġett jinvolvi taħlita xierqa ta' organizzazzjonijiet parteċipanti f'termini ta' profil, inklużi l-organizzazzjonijiet ta' bażi, l-esperjenza preċedenti fil-Programm u l-għarfien espert sabiex l-objettivi kollha tal-proġett jitlestew b'suċċess; ▪ il-proġett jinvolvi parteċipanti ġodda u organizzazzjonijiet b'inqas esperjenza għall-Azzjoni ▪ l-allokazzjoni proposta tal-kompiti turi l-impenn u l-kontribuzzjoni attiva tal-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha; ▪ il-proposta tinkludi mekkaniżmi effettivi għall-koordinazzjoni u l-komunikazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet parteċipanti, kif ukoll ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn. ▪ Jekk ikun applikabbli, kemm l-involviment ta' organizzazzjoni parteċipanti minn pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm iġib valur miżjud essenzjali għall-proġett (jekk din il-

	kundizzjoni ma tiġix issodisfata, l-organizzazzjoni parteċipanti minn pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm se tiġi eskluża mill-proposta tal-proġett fl-istadju tal-valutazzjoni).
Impatt **(punteġġ massimu ta' 25 punt)**	Kemm: ▪ il-proposta tal-proġett tinkludi passi konkreti u loġiċi biex jiġu integrati r-riżultati tal-proġett fil-ħidma regolari tal-organizzazzjoni parteċipanti; ▪ il-proġett għandu l-potenzjal li jkollu impatt pożittiv fuq il-parteċipanti u l-organizzazzjonijiet parteċipanti tiegħu, kif ukoll fuq il-komunitajiet usa' tagħhom; ▪ ir-riżultati mistennija tal-proġett għandhom il-potenzjal li jintużaw barra l-organizzazzjonijiet li jipparteċipaw fil-proġett matul u wara l-ħajja tal-proġett, u fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali jew Ewropew; ▪ il-proposta tal-proġett tinkludi passi konkreti u effettivi biex ir-riżultati tal-proġett isiru magħrufa fi ħdan l-organizzazzjonijiet parteċipanti, biex ir-riżultati jiġu kondiviżi ma' organizzazzjonijiet oħrajn u mal-pubbliku, u biex jiġi rikonoxxut pubblikament il-finanzjament tal-Unjoni Ewropea; ▪ jekk ikun rilevanti, kemm il-proposta tiddeskrivi kif il-materjali, id-dokumenti u l-media prodotti se jkunu disponibbli bla ħlas u kif se jiġu promossi permezz ta' liċenzji miftuħin, u ma jkunx fihom limitazzjonijiet sproporzjonati; ▪ il-proposta tal-proġett tinkludi passi konkreti u effettivi biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-proġett, il-kapaċità tiegħu li jkompli jkollu impatt u jipproduċi riżultati wara li tkun intużat għalkollox l-għotja tal-UE.

Sabiex jiġu kkunsidrati għall-finanzjament, il-proposti jridu jiksbu tal-inqas 60 punt. Barra minn hekk, iridu jiksbu tal-inqas nofs il-punti massimi f'kull waħda mill-kategoriji tal-kriterji għall-għoti msemmija hawn fuq (jiġifieri tal-inqas 12-il punt[156] għall-kategoriji "rilevanza tal-proġett" u "impatt"; Ħmistax-il punt għall-kategorija "kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett", u 10 punti għall-kategorija "kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni").

F'każijiet fejn żewġ applikazzjonijiet jew aktar ikunu rċevew l-istess punteġġ totali (każijiet *ex aequo*), se tingħata prijorità lill-ogħla punteġġi għar-"rilevanza tal-proġett" u mbagħad għall-"impatt".

X'INHUMA R-REGOLI TA' FINANZJAMENT?

Il-mudell ta' finanzjament propost jikkonsisti minn għażla ta' tliet somom waħdanin f'daqqa, li jikkorrispondu għall-ammont totali tal-għotja għall-proġett: **EUR 120,000, EUR 250,000 u EUR 400,000.** L-applikanti jagħżlu bejn it-tliet ammonti definiti minn qabel skont l-attivitajiet li jridu jwettqu u r-riżultati li jridu jiksbu.

Meta jippjanaw il-proġetti tagħhom, l-organizzazzjonijiet applikanti - flimkien mas-sħab tal-proġett tagħhom - **se jkollhom jagħżlu l-ammont tas-somma waħda f'daqqa** li jkun aktar xieraq biex ikopri l-kostijiet tal-proġetti tagħhom, abbażi tal-ħtiġijiet u l-objettivi tagħhom. Jekk il-proġett jintgħażel għall-finanzjament, l-ammont tas-somma f'daqqa mitlub isir l-ammont kumplessiv tal-għotja.

Il-proposti jridu **jiddeskrivu l-attivitajiet** li l-applikanti jimpenjaw ruħhom li jwettqu bl-ammont tas-somma f'daqqa mitlub u jridu jissodisfaw il-prinċipji tal-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività.

[156] Billi l-punti deċimali mhumiex applikabli fil-valutazzjoni ta' din l-azzjoni, il-punteġġ minimu għal dawn il-kriterji jiġi aġġustat 'l isfel għal 12-il punt.

L-għażla tal-ammont ta' somma f'daqqa li għandu jintalab għandha tkun ibbażata fuq l-istima proprja tal-applikant għall-kost kumplessiv tal-proġett.Minn din l-istima, l-applikanti jeħtiġilhom **jagħżlu l-ammont tas-somma waħda f'daqqa li jkun l-aktar adattat għall-ħtiġijiet tagħhom** filwaqt li jiżguraw użu effiċjenti tal-fondi u r-rispett tal-prinċipju ta' kofinanzjament (jiġifieri l-baġits tal-proġetti huma mistennija jiġu kkomplementati b'sorsi oħrajn ta' finanzjament, għalhekk, il-kost kumplessiv mistennija tal-proġett għandu jkun ogħla mill-ammont fiss tas-somma f'daqqa mitluba).

F'każ ta' dubji bejn żewġ ammonti, l-applikanti jistgħu: a) inaqqsu l-kost tal-proġett tagħhom, pereżempju billi jsibu modi aktar kosteffettivi biex jiksbu riżultati simili jew billi jadattaw in-numru/l-iskala tal-attivitajiet tal-proġett għall-baġit; b) iżidu l-iskala tal-proġett tagħhom, pereżempju billi jimmiraw li jilħqu aktar parteċipanti bl-attivitajiet tagħhom, iżidu n-numru ta' attivitajiet jew jipproduċu outputs addizzjonali tal-proġett.

L-adegwatezza tan-numru, il-kamp ta' applikazzjoni u l-kumplessità tal-attivitajiet proposti tal-proġett għall-ammont mitlub, flimkien mar-rilevanza tagħhom għall-objettivi tal-proġett, se jkunu elementi importanti tal-valutazzjoni tal-kwalità, f'konformità mal-kriterji għall-għoti deskritti hawn fuq.

Rekwiżiti

Id-deskrizzjoni tal-proġett għandha tinkludi **metodoloġija dettaljata tal-proġett** b'**distribuzzjoni ċara tal-kompiti** u l-**arranġamenti finanzjarji fost is-sħab**, skeda ta' żmien dettaljata bir-riżultati tanġibbli/riżultati ewlenin, is-sistema ta' monitoraġġ u ta' kontroll u l-għodod stabbiliti sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni f'waqtha tal-attivitajiet tal-proġett.

Il-metodoloġija tal-proġett għandha turi l-analiżi li twassal **għall-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet**, l-istabbiliment tal-objettivi, is-sistema stabbilita għall-**monitoraġġ** tal-proġett, mekkaniżmu ta' **assigurazzjoni tal-kwalità** u **strateġija ta' evalwazzjoni**. Bħala parti mill-istrateġija ta' evalwazzjoni, l-applikanti jeħtiġilhom jidentifikaw sett ta' **indikaturi kwantitattivi** u **kwalitattivi** li jippermettu li tiġi vvalutata l-kontribuzzjoni tar-riżultati tanġibbli/tar-riżultati prodotti biex jintlaħqu l-objettivi tal-proġett.

Id-deskrizzjoni tal-proġett għandha tagħmel distinzjoni bejn il-ġestjoni tal-proġett u l-pakketti ta' ħidma għall-implimentazzjoni. L-applikanti jeħtiġilhom jaqsmu l-attivitajiet tal-proġett f'"**pakketti ta' ħidma**".

Pakkett ta' ħidma huwa ddefinit bħala sett ta' attivitajiet li jikkontribwixxi għall-ilħuq ta' objettivi speċifiċi komuni.

Ir-rabta ma' objettivi u riżultati tanġibbli speċifiċi għandha tiġi deskritta b'mod ċar għal kull pakkett ta' ħidma. L-applikanti huma rrakkomandati li jaqsmu l-proġetti tagħhom f'massimu ta' ħames pakketti ta' ħidma, inkluż dak dwar il-ġestjoni tal-proġetti. Il-pakkett ta' ħidma dwar il-ġestjoni tal-proġett huwa maħsub biex ikopri l-attivitajiet orizzontali li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proġett, bħall-monitoraġġ, il-koordinazzjoni, il-komunikazzjoni, l-evalwazzjoni u l-ġestjoni tar-riskju. Il-porzjon tas-somma f'daqqa allokata għall-ġestjoni tal-proġett għandu jkun massimu ta' 20 % tat-total.

Il-valutazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti għandha ssegwi l-prinċipju tal-proporzjonalità: aktar ma jkun għoli l-ammont mitlub, aktar ikun mistenni li l-metodoloġija tal-proġett tkun akkurata u komprensiva.

Is-subkuntrattar tas-servizzi huwa permess diment li ma jkoprix attivitajiet ewlenin li fuqhom jiddependi direttament l-ilħuq tal-objettivi tal-azzjoni. F'każijiet bħal dawn, l-ammont bbaġitjat għas-subkuntrattar irid jiġi inkluż fid-deskrizzjoni tal-attivitajiet koperti mis-subkuntratt.

Pagament tal-Għotja

Il-kundizzjoni għall-pagament sħiħ tal-għotja hija t-tlestija tal-attivitajiet kollha f'konformità mal-kriterji tal-kwalità deskritti fl-applikazzjoni. F'każ li attività waħda jew aktar ma jkunux kompluti, ikunu parzjalment kompluti jew ivvalutati bħala mhux sodisfaċenti fil-valutazzjoni tal-kwalità, jista' jiġi applikat tnaqqis xieraq tal-ammont tal-għotja fl-istadju tar-rapport finali f'każijiet ta' implimentazzjoni ħażina, parzjali jew tardiva billi ma jiġux aċċettati pakketti ta' ħidma jew attivitajiet uniċi, jew billi jitnaqqas l-ammont kumplessiv b'perċentwal b'rata fissa.

Il-valutazzjoni tar-rapport finali hija bbażata fuq id-deskrizzjonijiet dettaljati ta' kull attività mwettqa, l-informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva li turi l-livell tal-ilħuq tal-objettivi tal-proġett iddikjarati fl-applikazzjoni, il-kwalità tar-riżultati tal-proġetti mtellgħin fil-Pjattaforma tar-Riżultati tal-Proġetti Erasmus+ u awtovalutazzjoni tal-organizzazzjonijiet sħab.

SĦUBIJIET FUQ SKALA ŻGĦIRA

Is-Sħubijiet fuq skala Żgħira huma mfassla biex iwessgħu l-aċċess għall-programm għal atturi fuq skala żgħira u individwi li diffiċli jintlaħqu fl-oqsma tal-edukazzjoni skolastika, l-edukazzjoni għall-adulti, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, iż-żgħażagħ u l-isport. B'ammonti ta' għotjiet aktar baxxi mogħtija lill-organizzazzjonijiet, durata iqsar u rekwiżiti amministrattivi aktar sempliċi meta mqabbla mas-Sħubijiet ta' Kooperazzjoni, din l-azzjoni għandha l-għan li tilħaq lill-organizzazzjonijiet ta' bażi, l-organizzazzjonijiet b'inqas esperjenza u l-parteċipanti l-ġodda fil-Programm, u tnaqqas l-ostakli għad-dħul fil-programm għal organizzazzjonijiet b'kapaċità organizzattiva iżgħar. Din l-azzjoni se tappoġġa wkoll formati flessibbli – li jħalltu attivitajiet b'karattru tranżnazzjonali u nazzjonali għalkemm b'dimensjoni Ewropea – li jippermettu lill-organizzazzjonijiet ikollhom aktar mezzi biex jilħqu lill-persuni b'inqas opportunitajiet. Is-Sħubijiet fuq skala Żgħira jistgħu jikkontribwixxu wkoll għall-ħolqien u l-iżvilupp ta' networks tranżnazzjonali u għat-trawwim ta' sinerġiji ma' politiki lokali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali u bejniethom.

OBJETTIVI TAL-AZZJONI

- **Tattira u twessa' l-aċċess għall-parteċipanti l-ġodda, għall-organizzazzjonijiet b'inqas esperjenza u għall-atturi fuq skala żgħira għall-programm.** Dawn is-sħubijiet għandhom iservu bħala l-ewwel pass għall-organizzazzjonijiet fil-kooperazzjoni fil-livell Ewropew.
- **Tappoġġa l-inklużjoni ta' gruppi fil-mira b'inqas opportunitajiet**
- **Tappoġġa ċ-ċittadinanza Ewropea attiva u ġġib id-dimensjoni Ewropea fil-livell lokali**

Barra minn hekk, l-objettivi ewlenin tas-Sħubijiet ta' Kooperazzjoni japplikaw ukoll għas-Sħubijiet fuq Skala Żgħira, proporzjonalment għall-kamp ta' applikazzjoni u l-volum ta' kull proġett:

- **Iżżid il-kwalità tal-ħidma u l-prattiki tal-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet involuti**, li jinfetħu għal atturi ġodda mhux inklużi b'mod naturali f'settur wieħed;
- **Tibni l-kapaċità tal-organizzazzjonijiet** biex jaħdmu b'mod tranżnazzjonali u fis-setturi kollha;
- **Tindirizza l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet komuni fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport;**
- **Tippermetti t-trasformazzjoni u l-bidla** (fil-livell individwali, organizzazzjonali jew settorjali), li jwasslu għal titjib, fi proporzjon mal-kuntest ta' kull organizzazzjoni;

X'INHUMA L-KRITERJI LI GĦANDHOM JIĠU SSODISFATI BIEX WIEĦED JAPPLIKA GĦAL SĦUBIJA FUQ SKALA ŻGĦIRA?

Is-Sħubijiet fuq skala Żgħira jridu jħarsu l-kriterji li ġejjin biex ikunu eliġibbli għal għotja tal-Erasmus+:

KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ

Min jista' japplika?	Kwalunkwe organizzazzjoni parteċipanti stabbilita fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm tista' tkun l-applikant. Din l-organizzazzjoni tapplika f'isem l-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha involuti fil-proġett.

Liema tipi ta' organizzazzjonijiet huma eliġibbli biex jipparteċipaw fil-proġett?	Kwalunkwe organizzazzjoni pubblika jew privata[157], stabbilita fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm (ara t-taqsima "Pajjiżi Eliġibbli" fil-Parti A ta' din il-Gwida) tista' tipparteċipa fi Sħubija fuq skala Żgħira. Irrispettivament mill-qasam milqut mill-proġett, is-Sħubijiet fuq skala Żgħira huma miftuħin għal kwalunkwe tip ta' organizzazzjoni attiva fi kwalunkwe qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ, l-isport jew setturi soċjoekonomiċi oħrajn kif ukoll għall-organizzazzjonijiet li jwettqu attivitajiet li huma trażversali għal oqsma differenti (eż. awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, ċentri ta' rikonoxximent u ta' validazzjoni, kmamar tal-kummerċ, organizzazzjonijiet kummerċjali, ċentri ta' gwida, organizzazzjonijiet kulturali u sportivi). Skont il-prijorità u l-objettivi indirizzati mill-proġett, is-Sħubijiet fuq skala Żgħira għandhom jinvolvu l-aktar firxa xierqa u diversa ta' sħab sabiex jibbenefikaw mill-esperjenzi, il-profili u l-għarfien espert speċifiku differenti tagħhom.
Numru u profil tal-organizzazzjonijiet parteċipanti	Sħubija fuq skala Żgħira hija tranżnazzjonali u tinvolvi mill-inqas żewġ organizzazzjonijiet minn żewġ Stati Membri differenti tal-UE jew pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm. Ma hemm l-ebda numru massimu ta' organizzazzjonijiet parteċipanti fi sħubija waħda. L-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha jridu jiġu identifikati meta ssir l-applikazzjoni għal għotja.
Prijoritajiet indirizzati	Sabiex jitqiesu għall-finanzjament, is-Sħubijiet fuq skala Żgħira jridu jindirizzaw jew: • mill-inqas prijorità orizzontali waħda u/jew • mill-inqas prijorità speċifika waħda rilevanti għall-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport li hija milquta l-aktar. Għall-proġetti fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni skolastika, l-edukazzjoni għall-adulti u ż-żgħażagħ ġestiti mill-Aġenziji Nazzjonali tal-Erasmus+, l-Aġenziji Nazzjonali jistgħu, fost dawn il-prijoritajiet, jagħtu aktar kunsiderazzjoni lil dawk li huma partikolarment rilevanti fil-kuntest nazzjonali tagħhom (imsejħa "prijoritajiet Ewropej fil-kuntest

[157] Għall-iskopijiet ta' din l-Azzjoni, gruppi informali ta' żgħażagħ m'għandhomx jitqiesu bħala organizzazzjoni, u għalhekk mhumiex eliġibbli biex jipparteċipaw (la bħala applikanti u lanqas bħala sħab).

	nazzjonali"). L-Aġenziji Nazzjonali jridu jinformaw kif xieraq lill-applikanti potenzjali permezz tas-siti web uffiċjali tagħhom. Għall-proġetti fil-qasam tal-isport tista' tiġi indirizzata prijorità (orizzontali jew speċifika) waħda biss.
Post(ijiet) tal-attivitajiet	L-attivitajiet kollha ta' Sħubija fuq skala Żgħira jridu isiru fil-pajjiżi tal-organizzazzjonijiet li jkunu qegħdin jipparteċipaw fil-proġett. Barra minn hekk, jekk ikun iġġustifikat kif xieraq fir-rigward tal-objettivi jew l-implimentazzjoni tal-proġett, l-attivitajiet jistgħu jseħħu wkoll fis-sede ta' Istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea[158], anke jekk fil-proġett ma jkun hemm l-ebda organizzazzjoni parteċipanti mill-pajjiż li jospita l-Istituzzjoni.
Durata tal-proġett	Bejn 6 xhur u 24 xahar. Id-durata trid tintgħażel fl-istadju tal-applikazzjoni, abbażi tal-objettivi tal-proġett u tat-tip ta' attivitajiet ippjanati maż-żmien. F'każijiet eċċezzjonali, id-durata ta' Sħubija fuq skala Żgħira tista' tiġi estiża, fuq talba tal-benefiċjarju u bi qbil mal-Aġenzija Nazzjonali jew Eżekuttiva. F'każ bħal dan, l-għotja totali ma tinbidilx.
Fejn napplika?	**Għal Sħubijiet fuq skala Żgħira fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni skolastika, l-edukazzjoni għall-adulti u ż-żgħażagħ sottomessi minn kwalunkwe organizzazzjoni f'dawn l-oqsma:** • Mal-Aġenzija Nazzjonali tal-pajjiż fejn tkun stabbilita l-organizzazzjoni applikanti. **Għal Sħubijiet fuq skala Żgħira fil-qasam tal-isport**: • Mal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA), ibbażata fi Brussell. ID tas-Sejħa: ERASMUS-SPORT-2023-SSCP Fiż-żewġ każijiet, l-istess konsorzju ta' sħab jista' jissottometti applikazzjoni waħda biss u lil Aġenzija waħda għal kull skadenza[159].
Meta napplika?	**Għal Sħubijiet fuq skala Żgħira fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni skolastika, l-edukazzjoni għall-adulti u ż-żgħażagħ** sottomessi minn kwalunkwe organizzazzjoni f'dawn l-oqsma: • L-applikanti jridu jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għall-għotja • **sat-22 ta' Marzu f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell) għall-**

[158] Is-Sedi tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea huma Brussell, Frankfurt, il-Lussemburgu, Strasburgu u The Hague

[159] Dan jinkludi kemm l-Aġenziji Nazzjonali tal-Erasmus+ kif ukoll l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA), ibbażata fi Brussell.

	proġetti li jibdew bejn l-1 ta' Settembru u l-31 ta' Diċembru tal-istess sena • **sal-4 ta' Ottubru f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell)** għall-proġetti li jibdew bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Awwissu tas-sena ta' wara. **Skadenza addizzjonali possibbli għal Sħubijiet fuq skala Żgħira fil-qasam taż-żgħażagħ:** L-Aġenziji Nazzjonali jistgħu jorganizzaw ċiklu addizzjonali għall-applikazzjonijiet għal proġetti fil-qasam taż-żgħażagħ, li għalihom japplikaw ukoll ir-regoli stabbiliti f'din il-Gwida. L-Aġenziji Nazzjonali se jagħtu informazzjoni dwar din il-possibbiltà permezz tas-sit web tagħhom. Jekk jiġi organizzat iċ-ċiklu addizzjonali, l-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjoni għal għotja tagħhom sal-**4 ta' Mejju f'12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell)** għall-proġetti li jibdew bejn l-1 ta' Awwissu u l-31 ta' Diċembru tal-istess sena **Għal Sħubijiet fuq skala Żgħira fil-qasam tal-isport**: L-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjoni għal għotja tagħhom sat-**22 ta' Marzu fil-17:00:00**

STABBILIMENT TA' PROĠETT

Il-proġett ta' Sħubija fuq skala Żgħira jikkonsisti f'erba' stadji, li jibdew saħansitra qabel ma tintgħażel il-proposta tal-proġett għall-finanzjament: l-ippjanar, it-tħejjija, l-implimentazzjoni u s-segwitu. L-organizzazzjonijiet parteċipanti u l-parteċipanti involuti fl-attivitajiet għandhom jieħdu rwol attiv f'dawk l-istadji kollha u b'hekk itejbu l-esperjenza tal-apprendiment tagħhom.

- L-ippjanar (id-definizzjoni tal-ħtiġijiet, l-objettivi, il-proġett u l-eżiti tal-apprendiment, il-formati tal-attività, l-iskeda eċċ.);
- it-tħejjija (l-ippjanar tal-attivitajiet, l-iżvilupp ta' programm ta' ħidma, l-arranġamenti prattiċi, il-konferma tal-grupp(i) fil-mira tal-attivitajiet previsti, l-istabbiliment ta' ftehimiet mas-sħab eċċ.);
- l-implimentazzjoni tal-attivitajiet;
- is-segwitu (l-evalwazzjoni tal-attivitajiet u l-impatt tagħhom fuq livelli differenti, il-kondiviżjoni u l-użu tar-riżultati tal-proġett).

Is-Sħubijiet fuq skala Żgħira jistgħu jinkludu l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' apprendiment, tagħlim u taħriġ tranżnazzjonali tal-individwi u gruppi ta' individwi, diment li jġibu magħhom valur miżjud fl-ilħuq tal-objettivi tal-proġett.

Għal Sħubijiet fuq skala Żgħira fil-qasam tal-isport, huwa rrakkomandat li fil-proposti jiġi inkluż mill-inqas klabb sportiv lokali jew reġjonali wieħed.

Aspetti orizzontali li għandhom jiġu kkunsidrati meta tkun qed tfassal il-proġett tiegħek:

Minbarra l-konformità mal-kriterji formali u l-istabbiliment ta' arranġament ta' kooperazzjoni sostenibbli mas-sħab kollha tal-proġett, l-elementi li ġejjin jistgħu jikkontribwixxu biex jiżdiedu l-impatt u l-implimentazzjoni kwalitattiva tas-sħubijiet ta' kooperazzjoni. L-applikanti huma mħeġġa jqisu dawn l-opportunitajiet u d-dimensjonijiet meta jfasslu proġetti ta' Sħubijiet fuq skala Żgħira.

Inklużjoni u Diversità

Il-Programm Erasmus+ ifittex li jippromwovi l-opportunitajiet indaqs u l-aċċess, l-inklużjoni u l-ġustizzja fl-azzjonijiet kollha tiegħu. Sabiex jiġu implimentati dawn il-prinċipji, tfasslet Strateġija għad-Diversità u l-Inklużjoni[160] biex tappoġġa sensibilizzazzjoni aħjar ta' parteċipanti minn sfondi aktar diversi, b'mod partikolari dawk b'inqas opportunitajiet li jiffaċċjaw ostakli ħalli jipparteċipaw fi Proġetti Ewropej. Is-sħubijiet fuq skala żgħira huma partikolarment adatti biex issir ħidma fuq l-inklużjoni u d-diversità bħala s-suġġett tal-proġett, filwaqt li jiġu żviluppati aktar prattiki u metodi inklużivi u sensittivi għad-diversità, f'konformità mal-prijorità politika korrispondenti għall-azzjoni. Barra minn hekk, indipendentement mill-aspett tematiku tal-proġetti tagħhom, l-organizzazzjonijiet għandhom ifasslu attivitajiet ta' proġetti aċċessibbli u inklużivi, filwaqt li jqisu l-fehmiet tal-parteċipanti b'inqas opportunitajiet u jinvolvuhom fit-teħid ta' deċiżjonijiet matul il-proċess kollu.

Sostenibbiltà ambjentali

Il-proġetti għandhom jitfasslu b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent u għandhom jinkorporaw prattiki ekoloġiċi fl-aspetti kollha tagħhom. L-organizzazzjonijiet u l-parteċipanti għandu jkollhom approċċ li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent meta jfasslu l-proġett, li se jħeġġeġ lil dawk kollha involuti fil-proġett biex jiddiskutu u jitgħallmu dwar kwistjonijiet ambjentali, filwaqt li jirriflettu dwar x'jista' jsir f'livelli differenti u jgħin lill-organizzazzjonijiet u lill-parteċipanti sabiex joħorġu b'modi alternattivi u aktar ekoloġiċi ta' implimentazzjoni ta' attivitajiet tal-proġett.

Dimensjoni diġitali
Il-kooperazzjoni virtwali u l-esperimentazzjoni b'opportunitajiet ta' apprendiment virtwali u mħallta huma essenzjali għas-Sħubijiet fuq skala Żgħira li jirnexxu. B'mod partikolari, il-proġetti fil-qasam tal-edukazzjoni skolastika u l-edukazzjoni għall-adulti huma mħeġġa bil-qawwa biex jużaw il-Pjattaforma Ewropea għall-Edukazzjoni Skolastika, l-eTwinning u jew l-Pjattaforma għat-tagħlim tal-adulti (EPALE) sabiex jaħdmu flimkien qabel, matul u wara l-attivitajiet tal-proġett. Il-proġetti fil-qasam taż-żgħażagħ huma mħeġġa bil-qawwa biex jużaw il-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ u l-Pjattaforma Ewropea għall-Istrateġija għaż-Żgħażagħ sabiex jaħdmu flimkien qabel, matul u wara l-attivitajiet tal-proġett.

Parteċipazzjoni u Involviment ċiviku

Il-Programm jappoġġa l-parteċipazzjoni u l-involviment attiv fl-azzjonijiet kollha tiegħu. Is-Sħubija fuq skala Żgħira għandha toffri opportunitajiet għall-parteċipazzjoni tal-persuni fil-ħajja demokratika, fl-involviment soċjali u ċiviku. Il-fokus se jkun ukoll fuq is-sensibilizzazzjoni u l-fehim tal-kuntest tal-Unjoni Ewropea, notevolment fir-rigward tal-valuri komuni tal-UE, il-prinċipji tal-unità u tad-diversità, kif ukoll l-identità kulturali, il-kuxjenza kulturali u l-wirt soċjali u storiku tagħhom.

[160] https://erasmus-plus.ec.europa.eu/document/implementation-guidelines-erasmus-and-european-solidarity-corps-inclusion-and-diversity-strategy

KRITERJI GĦALL-GĦOTI

Rilevanza tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 30 punt)**	Kemm: ▪ il-proposta tal-proġett hija rilevanti għall-objettivi u l-prijoritajiet tal-Azzjoni. Barra minn hekk, il-proposta se titqies bħala rilevanti ħafna jekk: – tindirizza l-prijorità "inklużjoni u diversità"; – Fil-każ ta' proġetti ġestiti mill-Aġenziji Nazzjonali tal-Erasmus+: jekk tindirizza "Prijorità Ewropea fil-kuntest nazzjonali" waħda jew aktar, kif imħabbar mill-Aġenzija Nazzjonali; ▪ il-profil, l-esperjenza u l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet parteċipanti huma rilevanti għall-qasam tal-applikazzjoni; ▪ il-proposta ġġib valur miżjud fil-livell tal-UE billi tibni l-kapaċità tal-organizzazzjonijiet sabiex jinvolvu ruħhom f'kooperazzjoni u networking transfruntiera.
Kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett (punteġġ massimu ta' 30 punt)	Kemm: ▪ l-objettivi tal-proġett huma ddefiniti b'mod ċar, realistiċi u jindirizzaw il-ħtiġijiet u l-objettivi tal-organizzazzjonijiet parteċipanti u l-ħtiġijiet tal-gruppi fil-mira tagħhom; ▪ l-attivitajiet huma mfassla b'mod aċċessibbli u inklużiv u huma miftuħa għal persuni b'inqas opportunitajiet. ▪ il-metodoloġija proposta hija ċara, adegwata u fattibbli: – il-pjan ta' ħidma tal-proġett huwa ċar, komplet u effettiv, inklużi l-fażijiet xierqa għat-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-kondiviżjoni tar-riżultati tal-proġett; – il-proġett huwa kosteffettiv u jalloka riżorsi xierqa għal kull attività; ▪ il-proġett jinkorpora l-użu ta' għodod diġitali u metodi ta' apprendiment biex jikkomplementaw l-attivitajiet fiżiċi tagħhom, u ħalli jtejbu l-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet sħab o Jekk applikabbli: kemm il-proġett jagħmel użu mill-pjattaformi online tal-Erasmus+ (il-Pjattaforma Ewropea għall-Edukazzjoni Skolastika, EPALE, il-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ, il-Pjattaforma tal-UE tal-Istrateġija għaż-Żgħażagħ) bħala għodod għat-tħejjija, l-implimentazzjoni u s-segwitu tal-attivitajiet tal-proġett. ▪ Il-proġett huwa mfassal b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent u jinkorpora prattiki ekoloġiċi f'fażijiet differenti tal-proġett.
Kwalità tal-arranġamenti ta' sħubija u ta' kooperazzjoni (punteġġ massimu ta' 20 punt)	Kemm: ▪ il-proġett jinvolvi taħlita xierqa ta' organizzazzjonijiet parteċipanti f'termini ta' profil; ▪ il-proġett jinvolvi parteċipanti ġodda u organizzazzjonijiet b'inqas esperjenza għall-Azzjoni; ▪ l-allokazzjoni proposta tal-kompiti turi l-impenn u l-kontribuzzjoni attiva tal-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha; ▪ il-proposta tinkludi mekkaniżmi effettivi għall-koordinazzjoni u l-komunikazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet parteċipanti.
Impatt **(punteġġ massimu**	Kemm: ▪ il-proposta tal-proġett tinkludi passi konkreti u loġiċi biex jiġu integrati r-riżultati

ta' 20 punt)	tal-proġett fil-ħidma regolari tal-organizzazzjoni parteċipanti; ▪ il-proġett għandu l-potenzjal li jkollu impatt pożittiv fuq il-parteċipanti u l-organizzazzjonijiet parteċipanti tiegħu, kif ukoll fuq il-komunità usa'; ▪ il-proposta tal-proġett tinkludi mod xieraq sabiex jiġu evalwati l-eżiti tal-proġett; ▪ il-proposta tal-proġett tinkludi passi konkreti u effettivi biex ir-riżultati tal-proġett isiru magħrufa fi ħdan l-organizzazzjonijiet parteċipanti, biex ir-riżultati jiġu kondiviżi ma' organizzazzjonijiet oħrajn u l-pubbliku, u biex jiġi rikonoxxut pubblikament il-finanzjament tal-Unjoni Ewropea.

Sabiex jiġu kkunsidrati għall-finanzjament, il-proposti jridu jiksbu tal-inqas 60 punt. Barra minn hekk, iridu jiksbu tal-inqas nofs il-punti massimi f'kull waħda mill-kategoriji tal-kriterji għall-għoti msemmija hawn fuq (jiġifieri minimu ta' 15-il punt għall-kategoriji "rilevanza tal-proġett" u "kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett"; Għaxar punti għall-kategoriji "kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni" u "impatt").

F'każijiet fejn żewġ applikazzjonijiet jew aktar ikunu rċevew l-istess punteġġ totali (każijiet *ex aequo*), se tingħata prijorità lill-ogħla punteġġi għar-"rilevanza tal-proġett" u mbagħad għall-"impatt".

X'INHUMA R-REGOLI TA' FINANZJAMENT?

Il-mudell ta' finanzjament propost jikkonsisti minn għażla ta' żewġ somom f'daqqa possibbli, li jikkorrispondu għall-ammont totali tal-għotja għall-proġett. L-applikanti se jagħżlu bejn iż-żewġ ammonti definiti minn qabel skont l-attivitajiet li jridu jwettqu u r-riżultati li jridu jiksbu:

Ammonti ta' somom waħdanin f'daqqa:

- EUR 30,000
- EUR 60,000

Meta jippjanaw il-proġetti tagħhom, l-organizzazzjonijiet applikanti - flimkien mas-sħab tal-proġett tagħhom - **se jkollhom jagħżlu l-ammont tas-somma waħda f'daqqa** li jkun aktar xieraq biex ikopri l-kostijiet tal-proġetti tagħhom, abbażi tal-ħtiġijiet u l-objettivi tagħhom. Jekk il-proġett jintgħażel għall-finanzjament, l-ammont tas-somma f'daqqa mitlub isir l-ammont kumplessiv tal-għotja.

Il-proposti jridu **jiddeskrivu l-attivitajiet** li l-applikanti jimpenjaw ruħhom li jwettqu bl-ammont tas-somma f'daqqa mitlub u jridu jissodisfaw il-prinċipji tal-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività.

L-għażla tal-ammont ta' somma f'daqqa li għandu jintalab għandha tkun ibbażata fuq l-istima proprja tal-applikant għall-kost kumplessiv tal-proġett. Minn din l-istima, l-applikanti jeħtiġilhom jagħżlu l-ammont li huwa l-aktar adattat għall-ħtiġijiet tagħhom filwaqt li jiżguraw użu effiċjenti tal-fondi u r-rispett tal-prinċipju ta' kofinanzjament (jiġifieri l-baġits tal-proġetti huma mistennija jiġu kkomplementati b'sorsi oħrajn ta' finanzjament, għalhekk, il-kost kumplessiv mistenni tal-proġett għandu jkun ogħla mill-ammont fiss ta' somma f'daqqa mitlub).

F'każ ta' dubji bejn żewġ ammonti, l-applikanti jistgħu: a) inaqqsu l-kost tal-proġett tagħhom, pereżempju billi jsibu modi aktar kosteffettivi biex jiksbu riżultati simili jew billi jadattaw in-numru/l-iskala tal-attivitajiet tal-proġett għall-baġit; b) iżidu l-iskala tal-proġett tagħhom, pereżempju billi jimmiraw li jilħqu aktar parteċipanti bl-attivitajiet tagħhom, iżidu n-numru ta' attivitajiet jew jipproduċu outputs addizzjonali tal-proġett.

L-adegwatezza tan-numru, il-kamp ta' applikazzjoni u l-kumplessità tal-attivitajiet proposti tal-proġett għall-ammont mitlub, flimkien mar-rilevanza tagħhom għall-objettivi tal-proġett, se jkunu elementi importanti tal-valutazzjoni tal-kwalità, f'konformità mal-kriterji għall-għoti deskritti hawn fuq.

REKWIŻITI

Meta wieħed iqis li s-sħubijiet fuq skala żgħira huma strument għall-inklużjoni u l-aċċess ta' parteċipanti ġodda u organizzazzjonijiet b'inqas esperjenza għall-programm, il-livell ta' informazzjoni meħtieġ sabiex issir applikazzjoni għal għotja fil-qafas ta' din l-azzjoni se jkun sempliċi, filwaqt li tiġi żgurata l-konformità mar-regoli tar-Regolament Finanzjarju tal-UE. Għalhekk, id-deskrizzjoni tal-proġett għandha tinkludi:

- Objettivi
- Attivitajiet proposti
- Riżultati mistennija

L-objettivi, l-attivitajiet u r-riżultati maħsuba għandhom ikunu marbuta b'mod ċar ma' xulxin u ppreżentati b'mod koerenti. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu wkoll skeda ta' żmien ġenerali tal-proġett bid-data mistennija għat-tlestija tal-attivitajiet ewlenin.

L-applikanti għandhom jipprovdu biżżejjed informazzjoni dwar il-pjan tal-baġit sabiex l-evalwaturi jkunu jistgħu jivvalutaw l-adegwatezza ta' kull attività, kif ukoll il-koerenza ta' kull attività mal-oħrajn.

Il-**baġit tal-proġett** irid jelenka l-attivitajiet ippjanati tal-proġett u jindika l-porzjon tal-għotja allokat għal kull attività.

Is-subkuntrattar tas-servizzi huwa permess diment li ma jkoprix attivitajiet ewlenin li fuqhom jiddependi direttament l-ilħuq tal-objettivi tal-azzjoni. F'każijiet bħal dawn, l-ammont bbaġitjat għas-subkuntrattar irid jiġi inkluż fid-deskrizzjoni tal-attivitajiet koperti mis-subkuntratt.

Pagament tal-għotja

Il-kundizzjoni għall-pagament sħiħ tal-għotja hija t-tlestija tal-attivitajiet kollha f'konformità mal-kriterji tal-kwalità deskritti fl-applikazzjoni. F'każ li attività waħda jew aktar ma tkunx kompluta, tkun parzjalment kompluta jew ivvalutata bħala mhux sodisfaċenti fil-valutazzjoni tal-kwalità, jista' jiġi applikat tnaqqis xieraq tal-ammont tal-għotja fl-istadju tar-rapport finali f'każijiet ta' implimentazzjoni ħażina, parzjali jew tardiva billi ma jiġux aċċettati attivitajiet uniċi jew billi jitnaqqas l-ammont kumplessiv b'perċentwal b'rata fissa.

Il-valutazzjoni tar-rapport finali hija bbażata fuq id-deskrizzjonijiet dettaljati ta' kull attività mwettqa, l-informazzjoni li turi l-livell tal-ilħuq tal-objettivi tal-proġett iddikjarati fl-applikazzjoni, il-kwalità tar-riżultati tal-proġett imtellgħin fuq il-Pjattaforma tar-Riżultati tal-Proġett Erasmus+ u awtovalutazzjoni tal-organizzazzjonijiet sħab.

SĦUBIJIET GĦALL-EĊĊELLENZA

X'INHUMA S-SĦUBIJIET GĦALL-EĊĊELLENZA?

Is-Sħubijiet għall-Eċċellenza jappoġġaw proġetti b'perspettiva sostenibbli fit-tul. L-azzjonijiet li ġejjin huma appoġġati fil-qafas ta' dan it-tip ta' sħubijiet:

- Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali (CoVEs)
- Azzjoni Erasmus Mundus:
    - Master Konġunt tal-Erasmus Mundus u
    - Miżuri tat-Tfassil tal-Erasmus Mundus.

Dawn l-azzjonijiet huma ġestiti mill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA).

ĊENTRI TA' EĊĊELLENZA VOKAZZJONALI

L-implimentazzjoni ta' approċċi ta' eċċellenza vokazzjonali tidher bi prominenza fl-aġenda politika kumplessiva tal-UE għall-ħiliet u għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (VET). L-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa, iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2020 dwar il-VET[161], kif ukoll id-Dikjarazzjoni ta' Osnabrück[162], ilkoll jinkludu referenzi ċari ħafna għall-Eċċellenza Vokazzjonali bħala forza mexxejja għar-riformi fis-settur tal-VET.

L-inizjattiva dwar iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali (CoVE) għandha l-għan li twieġeb għal din il-prijorità ta' politika li tappoġġa r-riformi fis-settur tal-VET, li jiżguraw ħiliet u kompetenzi ta' kwalità għolja li jwasslu għal impjiegi ta' kwalità u għal opportunitajiet tul il-karriera, li jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' ekonomija innovattiva, inklużiva u sostenibbli[163]. L-inizjattiva CoVE tappoġġa wkoll l-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija Diġitali l-ġdida, u l-Istrateġiji Industrijali u tal-SMEs il-ġodda, peress li l-ħiliet huma kruċjali għas-suċċess tagħhom.

Is-CoVEs joperaw f'kuntest lokali partikolari, u joħolqu ekosistemi tal-ħiliet għall-innovazzjoni, l-iżvilupp reġjonali, u l-inklużjoni soċjali, filwaqt li jaħdmu mas-CoVEs f'pajjiżi oħrajn permezz ta' networks kollaborattivi internazzjonali. Jistabbilixxu approċċ minn isfel għal fuq għall-eċċellenza vokazzjonali li jinvolvi firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati lokali u li jippermetti lill-istituzzjonijiet tal-VET jadattaw malajr il-provvista tal-ħiliet għall-ħtiġijiet ekonomiċi u soċjali li qegħdin jevolvu.

Dawn jipprovdu opportunitajiet għat-taħriġ inizjali taż-żgħażagħ kif ukoll għat-tkomplija tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-adulti, permezz ta' offerta flessibbli u f'waqtha ta' taħriġ li tissodisfa l-ħtiġijiet ta' suq tax-xogħol dinamiku, fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Jaġixxu bħala katalisti għall-iżvilupp u għall-innovazzjoni tan-negozji lokali, billi jaħdmu mill-qrib mal-kumpaniji (b'mod partikolari l-SMEs) fuq proġetti tar-riċerka applikata, joħolqu ċentri tal-għarfien u l-innovazzjoni, kif ukoll jappoġġaw l-inizjattivi intraprenditorjali tal-istudenti tagħhom.

In-networks għandhom l-għan ta' **"konverġenza 'l fuq"** tal-eċċellenza tal-VET. Dawn se jkunu miftuħa għall-involviment ta' pajjiżi b'sistemi ta' eċċellenza vokazzjonali żviluppati sew, kif ukoll dawk fil-proċess tal-iżvilupp ta' approċċi simili, immirati lejn l-esplorazzjoni tal-potenzjal sħiħ tal-istituzzjonijiet tal-VET biex jaqdu rwol proattiv fl-appoġġ tat-tkabbir u l-innovazzjoni.

Din l-inizjattiva tintroduċi "**dimensjoni Ewropea**" għall-Eċċellenza Vokazzjonali billi tappoġġa l-implimentazzjoni tal-politika u tal-azzjonijiet tal-VET tal-UE maqbulin mal-istati membri, mas-sħab soċjali u mal-forniturі tal-VET.

Il-kunċett ta' Eċċellenza Vokazzjonali propost hawnhekk huwa kkaratterizzat **minn approċċ olistiku ċċentrat fuq l-istudent** li fih il-VET:

- Huwa parti integrata mill-**ekosistemi tal-ħiliet[164],** li jikkontribwixxu għall-iżvilupp reġjonali[165], għall-innovazzjoni[166], għall-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti[167] u ta' raggruppamenti[168], kif ukoll għal ktajjen

161 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32020H1202%2801%29

162 https://www.cedefop.europa.eu/files/osnabrueck_declaration_eu2020.pdf

163 Ara l-fuljett dwar il-Ħiliet tal-VET għal-lum u għall-futur

164 L-**ekosistemi tal-ħiliet** huma ddefiniti bħala formazzjonijiet soċjali reġjonali jew settorjali li fihom il-kapaċità tal-bniedem tiġi żviluppata u użata għal skopijiet produttivi (Finegold 1999). L-elementi bażiċi tagħhom huma l-ambjenti tan-negozju u l-mudelli tan-negozju assoċjati, l-oqfsa istituzzjonali/ta' politika, il-modi ta' kif jiġu involuti l-ħaddiema, l-istruttura tal-impjiegi, kif ukoll il-livell ta' ħiliet u sistemi għall-formazzjoni tagħhom (Buchanan *et al.* 2001).Ara A guide to the skill ecosystem approach to workforce development

165 **Il-Politika tal-Iżvilupp Reġjonali** - l-Iżvilupp reġjonali huwa terminu wiesa' iżda dan jista' jitqies bħala sforz ġenerali biex jitnaqqsu d-disparitajiet reġjonali billi jiġu appoġġati l-attivitajiet ekonomiċi (tal-impjiegi u tal-ġenerazzjoni tal-ġid) fir-reġjuni

166 **Innovazzjoni** hija l-implimentazzjoni ta' prodott (oġġett jew servizz) ġdid jew imtejjeb b'mod sinifikanti, jew proċess, metodu ġdid ta' kummerċjalizzazzjoni, jew metodu organizzazzjonali ġdid fil-prattiki tan-negozju, fl-organizzazzjoni tal-post tax-xogħol jew fir-relazzjonijiet esterni

167 **L-Ispeċjalizzazzjoni Intelliġenti** hija approċċ ibbażat fuq il-post ikkaratterizzat mill-identifikazzjoni ta' oqsma strateġiċi għal intervent ibbażat kemm fuq l-analiżi tal-punti b'saħħithom u fuq il-potenzjal tal-ekonomija kif ukoll fuq Proċess ta' Skoperta Intraprenditorjali b'involviment wiesa' tal-partijiet ikkonċernati. Din tħares 'il barra u tħaddan viżjoni wiesgħa tal-innovazzjoni inkluż

ta' valur speċifiċi u għall-ekosistemi industrijali[169];

- Huma parti mit-**triangoli tal-għarfien**[170], li jaħdmu mill-qrib ma' setturi oħrajn tal-edukazzjoni u t-taħriġ, mal-komunità xjentifika, u man-negozju;
- Jippermettu lill-istudenti jiksbu kemm **kompetenzi vokazzjonali** (speċifiċi għall-impjieg) kif ukoll **kompetenzi ewlenin**[171] permezz ta' **provvista ta' kwalità għolja** sostnuta minn assigurazzjoni tal-kwalità;
- Jibnu **forom innovattivi ta' sħubijiet**[172] mad-dinja tax-xogħol, u huma appoġġati mill-iżvilupp professjonali kontinwu tal-persunal tat-tagħlim u t-taħriġ, pedagoġiji innovattivi, mobbiltà tal-istudenti u tal-persunal u strateġiji ta' internazzjonalizzazzjoni tal-VET.

OBJETTIVI TAL-AZZJONI

Din l-azzjoni tappoġġa l-istabbiliment u l-iżvilupp gradwali ta' networks kollaborattivi internazzjonali ta' **Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali**.

Iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali se joperaw f'żewġ livelli:

1. **Fil-livell nazzjonali**, li jinvolvi firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati lokali li joħolqu ekosistemi tal-ħiliet għall-innovazzjoni lokali, l-iżvilupp reġjonali, u l-inklużjoni soċjali, filwaqt li ssir ħidma mas-CoVEs f'pajjiżi oħrajn permezz ta' networks kollaborattivi internazzjonali.

2) **Fil-livell internazzjonali** li jgħaqqad flimkien is-CoVEs li għandhom interess komuni:

- f'setturi speċifiċi[173] jew ekosistemi industrijali[174],
- approċċi innovattivi sabiex jiġu indirizzati l-isfidi ekonomiċi u tas-soċjetà (eż. it-tibdil fil-klima, id-diġitalizzazzjoni, l-intelliġenza artifiċjali, l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli[175], l-integrazzjoni tal-migranti u ta' gruppi żvantaġġati, it-titjib tal-ħiliet tal-persuni b'livelli baxxi ta' kwalifiki, eċċ.), jew
- approċċi innovattivi sabiex jittejbu s-sensibilizzazzjoni, il-kwalità u l-effettività tas-CoVEs eżistenti.

In-networks se jlaqqgħu flimkien is-CoVEs eżistenti, jew jiżviluppaw il-mudell ta' Eċċellenza Vokazzjonali billi jgħaqqdu s-sħab minn diversi pajjiżi, li jkun beħsiebhom jiżviluppaw Eċċellenza Vokazzjonali fil-kuntest lokali tagħhom permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali. Dawn jistgħu jikkontribwixxu, eż. għall-fażi tat-twettiq tal-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida[176] billi jikkollaboraw mal-komunitajiet involuti fit-trasformazzjonijiet lokali mrawma mill-inizjattiva.

Is-CoVEs ma humiex maħsuba biex jibnu istituzzjonijiet u infrastruttura ġodda tal-VET mill-bidu nett (għalkemm jistgħu jagħmlu dan ukoll). Jistgħu jkunu skejjel/forniturі vokazzjonali eżistenti li jistinkaw biex jiksbu l-eċċellenza billi jinvolvu ruħhom fis-sett ta' attivitajiet proposti minn din l-inizjattiva Ewropea. Is-CoVEs jistgħu jkunu wkoll ċentri ġodda stabbiliti bl-iskop li jipprovdu offerti u servizzi ta' taħriġ eċċellenti li jwieġbu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.

---

168 Ir-**raggruppamenti** industrijali huma gruppi ta' intrapriżi speċjalizzati, spiss SMEs, u atturi ta' appoġġ relatati oħrajn li jikkooperaw mill-qrib f'post speċifiku. Hemm madwar 3,000 raggruppament speċjalizzat fl-Ewropa. Il-politika industrijali mġedda tal-UE tirrikonoxxi r-raggruppamenti bħala għodda b'saħħitha biex tappoġġa l-innovazzjoni industrijali. Ara l-Pjattaforma Ewropea għall-Kollaborazzjoni bejn ir-Raggruppamenti (ECCP).

169 Ara l-**14-il ekosistema industrijali** kif deskritti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020, kif ukoll l-SWD(2021) 351, Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku għall-2021

170 Ara **Education in the knowledge triangle**

171 Kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-**Kompetenzi Ewlenin** għat-Tagħlim Tul il-Ħajja

172 Ara l-ħidma tal-ETF dwar Sħubijiet Pubbliċi-Privati għall-iżvilupp tal-ħiliet inklużivi

173 Ara pereżempju s-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni agrikola (EIP-AGRI) li taħdem sabiex trawwem biedja u forestrija kompetittivi u sostenibbli

174 Ara l-**14-IL EKOSISTEMA INDUSTRIJALI** KIF DESKRITTI FIL-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020, kif ukoll l-SWD(2021) 351, Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku għall-2021

175 Ara d-Dikjarazzjoni ta' Berlin dwar l-Edukazzjoni għall-SDG

176 https://europa.eu/new-european-bauhaus/index_mt

Is-CoVEs jiksbu l-objettivi tagħhom billi jiġbru flimkien u jaħdmu mill-qrib ma' sett ta' sħab lokali/reġjonali bħal forniturі tal-VET inizjali u kontinwi, istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja li jinkludu universitajiet tax-xjenzi applikati u politekniċi, istituzzjonijiet tar-riċerka, parks tax-xjenza, aġenziji tal-innovazzjoni, kumpaniji, kmamar u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, sħab soċjali, intrapriżi soċjali, kunsilli tal-ħiliet settorjali, assoċjazzjonijiet professjonali/settorjali, awtoritajiet nazzjonali u reġjonali u aġenziji tal-iżvilupp, servizzi għall-impjiegi, awtoritajiet tal-kwalifiki, organizzazzjonijiet tal-inklużjoni soċjali u tar-riintegrazzjoni, eċċ.

Għalhekk, din is-sejħa se tappoġġa proġetti li jlaqqgħu flimkien sħab lokali jew reġjonali minn diversi pajjiżi li jiżviluppaw sett ta' attivitajiet taħt tliet raggruppamenti; 1) It-tagħlim u l-apprendiment, 2) Il-kooperazzjoni u s-sħubijiet, u 3) Il-governanza u l-finanzjament.

Is-CoVEs huma maħsuba għal organizzazzjonijiet li jipprovdu edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, fi kwalunkwe livell tal-QEK minn 3 sa 8, inkluż il-livell sekondarju għoli, il-livell postsekondarju mhux terzjarju kif ukoll il-livell terzjarju (eż. Universitajiet tax-xjenzi applikati, Istituti politekniċi, eċċ.).

Madankollu, l-applikazzjonijiet ma jistgħux jinkludu biss attivitajiet immirati lejn studenti fil-livell terzjarju; l-applikazzjonijiet li jiffokaw fuq il-VET fil-livell postsekondarju (il-livelli tal-QEK minn 6 sa 8) iridu jinkludu mill-inqas livell wieħed ieħor ta' kwalifika tal-VET bejn il-livelli tal-QEK minn 3 sa 5, kif ukoll komponent qawwi ta' apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol[177].

KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ

Sabiex ikunu eliġibbli għal għotja tal-Erasmus+, il-proposti tal-proġett għaċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali iridu jikkonformaw mal-kriterji li ġejjin:

Min jista' japplika?	L-applikanti (koordinatur u sħab sħaħ) jeħtiġilhom ikunu: ▪ Entitajiet legali (korpi pubbliċi jew privati) attivi fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jew fid-dinja tax-xogħol; ▪ Stabbiliti fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm (Pajjiżi li għadhom għaddejjin bin-negozjati għal ftehim ta' assoċjazzjoni u fejn il-ftehim jidħol fis-seħħ qabel il-firma tal-għotja huma eliġibbli). L-organizzazzjonijiet minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm jistgħu jipparteċipaw ukoll iżda mhux bħala koordinaturi. Jeħtiġilhom ikunu organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati attivi fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jew fid-dinja tax-xogħol. **Eċċezzjoni**: l-organizzazzjonijiet mill-Belarussja (ir-Reġjun 2) u mill-Federazzjoni Russa (ir-Reġjun 4) ma humiex eliġibbli biex jipparteċipaw f'din l-azzjoni.

[177] Skont id-definizzjoni tas-Cedefop, l-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol jirreferi għall-għarfien u l-ħiliet miksuba permezz tat-twettiq tal-kompiti f'kuntest vokazzjonali, jew fuq il-post tax-xogħol […] jew f'istituzzjoni tal-VET u r-riflessjoni fuqhom. Għall-IVET, skont ir-rapport tal-Kummissjoni mill-2013 (L-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol fl-Ewropa: Prattiki u Indikaturi tal-olitika), hemm tliet forom ta' apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol: 1) skemi ta' alternanza jew apprendistati tipikament magħrufa bħala s-"sistema doppja", 2) l-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol bħala VET ibbażat fl-iskola li jinkludi perjodi ta' taħriġ fuq ix-xogħol fil-kumpaniji u 3) l-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol integrat fi programm ibbażat fl-iskola, permezz ta' laboratorji fuq il-post, workshops, kċejjen, ristoranti, ditti żgħar jew ta' prattika, simulazzjonijiet jew assenjar ta' proġetti kummerċjali/industrijali reali.
Għat-terminoloġija kollha tal-VET inkluż l-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol, jekk jogħġbok uża l-pubblikazzjoni uffiċjali TAS-Cedefop: https://www.cedefop.europa.eu/files/4117_en.pdf

Liema tip ta' organizzazzjonijiet jistgħu jipparteċipaw f'dan il-proġett?	L-organizzazzjonijiet parteċipanti jistgħu jkunu, pereżempju (lista mhux eżawrjenti): ▪ Forniturі tal-VET ▪ Organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' forniturі tal-VET ▪ Kumpaniji, organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-industrija jew tas-settur ▪ Awtoritajiet nazzjonali/reġjonali tal-kwalifiki ▪ Istituti tar-riċerka ▪ Aġenziji tal-innovazzjoni ▪ Awtoritajiet għall-iżvilupp reġjonali
Numru u profil tal-organizzazzjonijiet parteċipanti	Is-sħubija trid tinkludi mill-inqas **tmien applikanti** (koordinatur u sħab sħaħ) minn minimu ta' **erba' Stati Membri tal-UE jew pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm**. **Kull** Stat Membru tal-UE jew pajjiż terz assoċjat mal-Programm irid jinkludi: a) mill-inqas **intrapriża waħda, organizzazzjoni rappreżentattiva waħda tal-industrija jew tas-settur**, u b) mill-inqas **fornitur wieħed tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali** (fil-livell sekondarju u/jew terzjarju). Kompożizzjoni ulterjuri tas-sħubija għandha tirrifletti n-natura speċifika tal-proposta. L-organizzazzjonijiet minn **pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm** jistgħu jipparteċipaw ukoll bħala sħab sħaħ, entitajiet affiljati jew sħab assoċjati (mhux bħala koordinaturi), sal-punt li jintwera li l-parteċipazzjoni tagħhom iġġib valur miżjud essenzjali għall-proġett.
Post tal-attivitajiet	L-attivitajiet jistgħu jsiru fi kwalunkwe pajjiż eliġibbli, jekk ikunu ġġustifikati kif xieraq fir-rigward tal-objettivi jew tal-implimentazzjoni tal-proġett.
Durata tal-proġett	Normalment il-proġetti għandhom idumu 48 xahar (jistgħu jsiru estensjonijiet, jekk ikunu ġġustifikati kif xieraq u permezz ta' emenda).
Fejn napplika?	Mal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA). ID tas-Sejħa: ERASMUS-EDU-2023-PEX-COVE.
Meta napplika?	L-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għal għotja sat-**8 ta' Ġunju fil-17:00:00 (ħin ta' Brussell)**.

L-organizzazzjonijiet applikanti se jiġu vvalutati skont il-kriterji tal-esklużjoni u tal-għażla rilevanti. Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkonsulta l-Parti C ta' din il-Gwida.

STABBILIMENT TA' PROĠETT

Is-CoVEs huma kkaratterizzati mill-adozzjoni **ta' approċċ sistemiku** li permezz tiegħu l-istituzzjonijiet tal-VET jikkontribwixxu b'mod attiv għall-ħolqien konġunt ta' "**ekosistemi tal-ħiliet**" , flimkien ma' firxa wiesgħa ta' sħab lokali/reġjonali oħra. Is-COVEs huma mistennija jmorru ferm lil hinn mis-sempliċi provvista ta' kwalifika vokazzjonali ta' kwalità.

Hawn taħt, nippreżentaw lista mhux eżawrjenti ta' attivitajiet tipiċi pprovduti mis-CoVEs. Il-proġetti se jilħqu l-objettivi tagħhom billi jibnu fuq taħlita ta' dawn l-attivitajiet (il-punti huma eżempji indikattivi ta' azzjonijiet possibbli taħt kull attività)[178].

[178] Jistgħu jkunu kkomplementati wkoll b'attivitajiet oħrajn miftiehma bejn is-sħab

Il-proġett irid jagħżel l-attivitajiet rilevanti (billi jipprovdi dettalji dwar l-azzjonijiet konkreti u r-riżultati tanġibbli) indikati taħt it-tliet raggruppamenti li ġejjin:

- **mill-inqas erbgħa** mill-attivitajiet elenkati fil-Formola tal-Applikazzjoni taħt ir-**Raggruppament 1 - Tagħlim u apprendiment**,
- **mill-inqas tlieta** mill-attivitajiet elenkati fil-Formola tal-Applikazzjoni taħt ir-**Raggruppament 2 - Kooperazzjoni u sħubija**, u
- **mill-inqas tnejn** mill-attivitajiet elenkati fil-Formola tal-Applikazzjoni taħt ir-**Raggruppament 3 - Governanza u finanzjament**.

Raggruppament 1 - Tagħlim u apprendiment

i. L-għoti ta' **ħiliet rilevanti għas-suq tax-xogħol** lin-nies

- Billi jiġu anticipati l-ħtiġijiet futuri b'rabta mal-ħiliet bl-użu ta' mezzi effettivi biex jiġu identifikati malajr il-ħtiġijiet li jinbidlu tas-suq tax-xogħol[179], u biex il-provvista ta' ħiliet titqabbel mal-opportunitajiet ta' xogħol
- Permezz ta' fokus kemm fuq il-**ħiliet tekniċi** kif ukoll fuq il-**kompetenzi ewlenin**[180]
- Billi jiġu inklużi l-ħiliet meħtieġa għat-**tranżizzjonijiet ekoloġiċi** u **diġitali**[181]

ii. Is-segwitu ta' approċċ **ta' apprendiment tul il-ħajja u inklużiv** fil-VET

- Permezz tal-iżgurar ta' opportunitajiet ta' apprendiment għal persuni ta' kull età u sfond soċjoekonomiku[182]
- Permezz tal-kombinament tal-offerti ta' kwalifiki **tal-VET inizjali** u ta' **taħriġ kontinwu** għat-titjib tal-ħiliet u għat-taħriġ mill-ġdid li jkunu informati mill-informazzjoni dwar il-ħiliet[183]
- L-għoti ta' programmi tal-VET ta' livell ogħla, l-iżvilupp ta' perkorsi flessibbli, u ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-VET u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja[184]

iii. L-iżvilupp ta' **kurrikuli u kwalifiki tal-VET,** li jippermettu l-flessibbiltà u l-individwalizzazzjoni tal-eżekuzzjoni

- Billi jiġu żviluppati pjanijiet jew perkorsi ta' apprendiment individwali[185] għal kull student[186], inkluż għall-adulti
- L-integrazzjoni tal-mobbiltà internazzjonali tal-istudenti[187] fil-kurrikuli, l-iżgurar tal-validazzjoni u r-rikonoxximent tal-eżiti tal-apprendiment miksuba barra mill-pajjiż
- It-tfassil ta' kwalifiki li jintegraw komponenti kemm ta' apprendiment imsejjes fl-iskola kif ukoll ta' apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol[188]
- L-iżvilupp ta' Profili Vokazzjonali Ewlenin Ewropej[189], li jikkontribwixxu għall-mobbiltà tal-istudenti u tal-ħaddiema, filwaqt li jiġi żgurat ir-rikonoxximent tagħha, kif ukoll it-trasparenza, il-fehim u l-portabbiltà tal-eżiti tal-apprendiment[190]

---

179 Ara l-ħidma tas-Cedefop dwar il-Ħiliet għas-suq tax-xogħol, u t-Tqabbil tal-ħiliet

180 Kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim Tul il-Ħajja

181 Ara l-pubblikazzjonijiet tas-Cedefop dwar "Digital, greener and more resilient" u dwar "The green employment and skills transformation" kif ukoll l-ESCO taxonomy of skills for the green transition.

182 Guide on making TVET and skills development inclusive for all tal-ILO

183 Filwaqt li ssir elaborazzjoni fuq għodod eżistenti ta' Informazzjoni dwar il-Ħiliet bħal dawk ipprovduti bl-għodda OVATE tas-Cedefop, u inizjattivi oħrajn dwar il-Ħiliet immirati lejn it-twettiq ta' taħriġ rilevanti għas-suq tax-xogħol (eż. il-Patt għall-Ħiliet u l-Pjanijiet ta' Azzjoni Settorjali)

184 Ara Process model for the cooperation between VET and HE institutions u l-istudju li ħiereġ tal-OECD dwar "Pathways to Professions: Understanding higher vocational and professional tertiary education systems".

185 Ara Michele Schweisfurtha f'Learner-Centred Education in International Perspective

186 Ara l-eżempju tal-Finlandja.

187 Inkluża l-"internazzjonalizzazzjoni fil-pajjiż", definita bħala "integrazzjoni bi skop ta' dimensjonijiet internazzjonali u interkulturali fil-kurrikulu formali u informali għall-istudenti kollha f'ambjenti ta' apprendiment domestiku". Ara Beelen & Jones, 2015

188 Ara l-pubblikazzjoni tal-ETF "A handbook for policy makers and social partners" on Work based learning

189 Il-Profili Vokazzjonali Ewlenin Ewropej jiddeskrivu settijiet ta' eżiti ewlenin tal-apprendiment li jikkorrispondu għal profili okkupazzjonali li huma komuni u rilevanti għall-programmi nazzjonali tal-VET madwar il-pajjiżi tal-UE f'oqsma okkupazzjonali/vokazzjonali speċifiċi.

190 Ara l-istudju tas-Cedefop dwar Comparing Vocational Education and Training Qualifications

- L-iżvilupp u/jew l-użu ta' mikrokredenzjali[191] sabiex jiġi rikonoxxut l-eżitu ta' opportunitajiet ta' apprendiment għal żmien qasir adattati għal soċjetà u għal suq tax-xogħol li jinbidlu malajr
- L-użu tal-Kredenzjali Diġitali Ewropej għall-Apprendiment, li jippermettu li jiġu awtentikati, ivvalidati u rikonoxxuti faċilment il-kredenzjali ta' kwalunkwe daqs, għamla jew forma

iv. L-iżvilupp ta' **materjali u metodoloġiji innovattivi ta' apprendiment iċċentrat fuq l-istudenti**

- Inkluż apprendiment interdixxiplinari, ibbażat fuq il-proġetti u bbażat fuq il-kompetenzi, "Fabbriki tal-apprendiment", makerspaces[192]u l-edukazzjoni pożittiva[193]
- L-użu ta' oqfsa ta' kompetenza Ewropej[194] u ta' għodod derivattivi bħal DigComp[195], EntreComp[196], FreenComp, LifeComp[197], GreenComp[198] SELFIE WBL[199], Ittestja l-ħiliet diġitali tiegħek[200], u ċ-Ċertifikat Ewropew tal-Ħiliet Diġitali[201]
- L-isfruttar ta' tagħmir tat-tagħlim u ta' teknoloġiji diġitali innovattivi bħal MOOCs, simulaturi, realtà virtwali u awmentata, intelligenza artifiċjali, kemm għal apprendiment ibbażat fl-iskola kif ukoll għall-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol
- It-trawwim tal-**eċċellenza tal-istudenti**[202] permezz ta' azzjonijiet li jħeġġu lill-istudenti tal-VET jesploraw **il-potenzjal kreattiv u tal-innovazzjoni tagħhom**[203], li jwassal għal ċiklu virtuż ta' benefiċċji għall-istudenti, għall-għalliema/għall-ħarrieġa u għall-istituzzjoni tal-VET li jistgħu jintegraw l-aħjar prattiki fi programmi regolari[204]

v. L-investiment **fl-iżvilupp professjonali inizjali** u **kontinwu tal-għalliema u tal-ħarrieġa**[205]

- Għall-ħiliet pedagoġiċi, tekniċi, ekoloġiċi u diġitali inklużi dawk meħtieġa għall-apprendiment online u mill-bogħod
- L-integrazzjoni tal-mobbiltà tal-għalliema u tal-ħarrieġa fl-istrateġiji tat-tagħlim, tal-iżvilupp u tal-internazzjonalizzazzjoni[206]
- L-appoġġ għall-implimentazzjoni ta' kultura ta' kwalità bbażata fuq sistemi ta' ġestjoni definiti[207]

vi. L-istabbiliment ta' mekkaniżmi b'saħħithom **għall-assigurazzjoni tal-kwalità**

- Fuq il-bażi ta' għodod u ta' strumenti Ewropej bħall-EQAVET
- Il-ħidma fuq iċ-ċertifikazzjoni tal-forniturі tal-edukazzjoni u tat-taħriġ abbażi ta' standards żviluppati minn organizzazzjonijiet nazzjonali u/jew **internazzjonali rilevanti tal-istandards** - eż. ISO 21001 jew l-EFQM (ara wkoll it-tikketta tal-EVTA għall-Eċċellenza fil-VET)

vii. L-istabbiliment ta' **ċirkwiti effettivi ta' feedback** u **ta' sistemi effettivi ta' stħarriġ dwar is-sitwazzjoni tal-gradwati**

---

191 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32022H0627%2802%29&qid=1656349729862
192 Il-makerspaces huma spazji tax-xogħol kollaborattivi għat-twettiq, l-apprendiment, l-esplorazzjoni u l-kondivizjoni (ara r-rapport tal-JRC)
193 Ara The state of positive education u IPEN International positive education network
194 Ara d-dokument ta' Margherita Bacigalupo dwar Competence frameworks as orienteering tools
195 Il-Qafas Ewropew ta' Kompetenza Diġitali
196 EntreComp The entrepreneurship competence framework
197 Il-qafas Ewropew għall-aspetti personali, soċjali u ta' apprendiment biex wieħed jitgħallem kompetenza ewlenija
198 Ara L-Qafas Ewropew ta' Kompetenza għas-Sostenibbiltà, "GreenComp", u Greening Technical and Vocational Education and Training: A Practical Guide for Institutions TAL-UNESCO-UNEVOC
199 L-informazzjoni kollha dwar SELFIE għall-Apprendiment Online Msejjes fuq ix-Xogħol
200 Ara Ittestja l-ħiliet diġitali tiegħek | Europass
201 L-EDSC hija azzjoni prevista fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali
202 Ara l-eżempju tal-inizjattiva Netherlandiża dwar l-Eċċellenza tal-MBO
203 Il-JRC studja kif titrawwem il-kreattività fl-LLL inkluż fil-VET
204 Pereżempju, ara t-Tabella 3 fl-istudju tal-JRC – "Creativity – a transversal skill for lifelong learning".
205 Ara L-ħidma tas-Cedefop dwar l-iżvilupp professjonali tal-għalliema u tal-ħarrieġa
206 Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-mobbiltà tal-għalliema u tal-ħarrieġa, b'mod partikolari l-mobbiltà Ewropea, matul l-edukazzjoni u t-taħriġ inizjali u fuq il-lant tax-xogħol tagħhom
207 Ara wkoll l-inizjattiva tal-UE dwar l-Akkademji tal-Għalliema

- L-istabbiliment ta' proċeduri, ta' mekkaniżmi u ta' strumenti għal feedback u għal rieżami effettivi bħala parti minn proċess ta' apprendiment strateġiku fl-organizzazzjoni tal-VET, biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' provvista ta' kwalità għolja u jittejbu l-opportunitajiet għall-istudenti
- L-abilitazzjoni tal-adattament f'waqtu tal-provvista ta' apprendiment ibbażat fuq sistemi effettivi ta' stħarriġ dwar is-sitwazzjoni tal-gradwati[208]

viii. Il-provvista ta' **servizzi ta' gwida**

- L-iżgurar ta' gwida ta' kwalità[209] kemm għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-adulti biex jiġu appoġġati l-karriera u l-għażliet ta' edukazzjoni u ta' taħriġ tagħhom, kif ukoll il-parteċipazzjoni tagħhom fl-apprendiment tul il-ħajja
- L-għoti ta' appoġġ imfassal apposta lil persuni b'vulnerabbiltajiet
- L-għoti tal-possibbiltà għall-adulti biex ikunu jistgħu jagħmlu użu mill-intitolamenti tagħhom għat-taħriġ

ix. L-għoti ta' **validazzjoni** tal-apprendiment preċedenti

- L-għoti ta' validazzjoni tal-ħiliet, irrispettivament minn kif inkisbu, inkluż barra mill-edukazzjoni u t-taħriġ formali: fuq il-post tax-xogħol, fid-dar jew f'attivitajiet volontarji[210], bħala bażi għall-għoti ta' taħriġ personalizzat

Raggruppament 2 - Kooperazzjoni u sħubijiet

x. L-istabbiliment ta' **sħubijiet bejn in-negozji u l-edukazzjoni**

- It-trawwim ta' relazzjonijiet ta' benefiċċju reċiproku mas-settur tan-negozju billi jiġu fformati sħubijiet fit-tul bejn in-negozji u l-edukazzjoni, inkluż għall-innovazzjoni u għall-antiċipazzjoni tal-ħiliet
- Il-ħidma flimkien sabiex il-kurrikuli jiġu rieżaminati u aġġornati kontinwament ħalli tiġi żgurata r-rilevanza tagħhom għall-ħtiġijiet tal-istudenti u tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari għall-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol u għall-apprendisti
- L-appoġġ lill-kumpaniji u b'mod partikolari lill-SMEs b'taħriġ imfassal apposta għat-**titjib tal-ħiliet u għat-taħriġ mill-ġdid**
- Il-kooperazzjoni mas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi u mas-soċjetà ċivili biex jittejbu l-ħiliet u għat-taħriġ mill-ġdid tal-persuni qiegħda u inattivi
- L-appoġġ għall-kooperazzjoni bbażata fuq is-settur u dik reġjonali, inklużi l-adeżjoni **mal-Patt għall-Ħiliet**[211], u l-appoġġ għall-implimentazzjoni tiegħu
- L-għoti ta' appoġġ tekniku, ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-ħiliet, ta' għodod u ta' metodoloġiji lill-SMEs
- L-organizzazzjoni ta' apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol, apprendistati, u opportunitajiet ta' internships għall-istudenti, il-kondiviżjoni tat-tagħmir, kif ukoll skambji ta' għalliema u ħarrieġa bejn il-kumpaniji u ċ-ċentri tal-VET[212]

xi. **Ir-Riċerka applikata** u **l-Innovazzjoni**

- Il-ħidma flimkien mal-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs dwar proġetti ta' **riċerka applikata**[213] li jinvolvu studenti u persunal tal-VET

---

[208] Ara Tracking Learning and Career Paths of VET graduates to improve quality of VET provision, Mapping of VET graduate tracking measures, kif ukoll Mapping the state of graduate tracking policies and practices, u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ tal-perkors fil-karriera tal-gradwati

[209] Ara n-Network Euroguidance, ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar it-titjib tar-rwol tal-iggwidar tul il-ħajja fl-istrateġiji ta' tagħlim tul il-ħajja, il-pubblikazzjoni dwar Investing in career guidance, kif ukoll il-ħidma tas-Cedefop dwar Lifelong Guidance

[210] Ara l-ħidma tas-Cedefop dwar il-Validazzjoni tal-apprendiment mhux formali u informali, kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-validazzjoni tal-apprendiment mhux formali u informali

[211] Ara l-Patt għall-Ħiliet

[212] JISTGĦU JINKLUDU L-ISTABBILIMENT U L-OPERAT TA' ALLEANZI TAT-TAĦRIĠ (ARA l-mudell Awstrijak) u ċentri ta' Taħriġ bejn il-Kumpaniji ITCs (ara l-mudell Ġermaniż). Ara wkoll l-eżempju Netherlandiż dwar is-sħubijiet bejn in-Negozji u l-Edukazzjoni fis-settur tal-ICT

[213] Ara l-eżempju tal-Kulleġġi u tal-istituti Kanadiżi li jagħmlu użu mir-riċerka applikata biex isaħħu l-kapaċità tagħhom li jinnovaw u jingranaw ir-rabtiet b'saħħithom tagħhom fl-industrija u fil-komunità, u l-pubblikazzjoni tal-NCVER dwar Developing VET applied research:steps towards enhancing VET's role in the innovation system kif ukoll SMEs and TAFEs collaborating through applied research for growth

- L-użu jew il-ħolqien konġunt ta' **ċentri ta' innovazzjoni** u ta' **ċentri ta' diffużjoni tat-teknoloġija**[214] biex jiġi appoġġat il-proċess ta' innovazzjoni tal-SMEs bl-involviment tal-istudenti u tal-persunal tal-VET
- Il-kontribut għall-ħolqien u għat-tixrid ta' għarfien ġdid[215]

xii. **L-internazzjonalizzazzjoni tal-VET** u **l-mobbiltà barra mill-pajjiż**

- L-iżvilupp ta' ppjanar strateġiku għall-attivitajiet internazzjonali, marbut mill-qrib mal-iżvilupp tal-istituzzjoni tal-VET, u l-kwalità tal-prattiki tat-tagħlim u tal-apprendiment [216]
- Il-ħolqien ta' strutturi ta' appoġġ u ta' miżuri sabiex titrawwem u tiġi żgurata l-kwalità tal-esperjenzi tal-mobbiltà tal-VET (inkluża l-mobbiltà virtwali) fost is-sħab fin-network CoVE f'konformità mal-Istandards ta' Kwalità tal-Erasmus[217]
- It-tnedija ta' inizjattivi biex jiġu mmobilizzati l-istudenti, l-għalliema u l-ħarrieġa (inklużi l-ħarrieġa fil-kumpaniji), kif ukoll l-esperti, biex jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet offruti mill-programm Erasmus+ (Ka1) ħalli jinvolvu ruħhom f'mobbiltà barra mill-pajjiż

xiii. It-trawwim ta' **ħiliet u inizjattivi intraprenditorjali**

- L-iżvilupp ta' kultura intraprenditorjali fi ħdan l-organizzazzjonijiet tal-VET[218] inklużi mexxejja, persunal, għalliema u ħarrieġa kif ukoll studenti[219]
- Il-ħidma mas-sħab lokali sabiex jiġu żviluppati l-ħiliet u l-attitudnijiet intraprenditorjali tal-istudenti li jwieġbu għall-isfidi reali tad-dinja
- L-għoti jew il-ħolqien ta' rabtiet ma' inkubaturi tan-negozju lokali għall-istudenti tal-VET biex jiżviluppaw l-inizjattivi ta'[220] intraprenditorija tagħhom

xiv. Iż-żieda tal-**attraenza tal-VET**

- Permezz tat-tnedija u tal-parteċipazzjoni attiva f'kampanji u attivitajiet ta' komunikazzjoni[221], immirati biex iżidu l-attraenza tal-VET
- L-għoti ta' informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' xogħol permezz tal-VET u l-attirar taż-żgħażagħ u tal-adulti (inklużi l-istudenti fl-iskejjel primarji u sekondarji) għall-perkorsi ta' apprendiment tal-VET
- It-twaqqif ta' **Kampus Internazzjonali tal-VET jew kampijiet tas-sajf**[222] immirati lejn l-istudenti, l-għalliema u l-ħarrieġa, il-mexxejja fl-istituzzjonijiet tal-VET, it-Trade unions, kif ukoll għal persuni li qegħdin jikkunsidraw alternattivi ta' studju vokazzjonali fil-futur. Dawn jistgħu jiffokaw fuq oqsma, prodotti jew servizzi okkupazzjonali speċifiċi, kif ukoll fuq sfidi kumplessi ta' importanza ekonomika u tas-soċjetà

xv. **Kompetizzjonijiet tal-ħiliet**

- It-trawwim tal-parteċipazzjoni tal-istudenti f'kompetizzjonijiet settorjali, nazzjonali u internazzjonali tal-ħiliet, immirati biex iżidu l-attraenza u l-eċċellenza fil-VET (eż. il-kompetizzjonijiet World Skills u/jew EuroSkills).

Raggruppament 3 - Governanza u finanzjament

xvi. **L-awtonomija** u l-**governanza** effettiva tal-**VET**

---

214 Ara l-eżempju minn Fraunhofer dwar it-trasferiment tal-għarfien mir-riċerka tal-istituti għal kumpaniji privati
215 Ara l-politika ta' valorizzazzjoni tal-UE: nagħmlu r-riżultati tar-riċerka jaħdmu għas-soċjetà
216 Ara GO-international – A practical guide on strategic internationalisation in VET
217 Ara L-Istandards ta' Kwalità tal-Erasmus - proġetti ta' mobbiltà - VET, adulti, skejjel, u mudelli għall-Ftehimiet ta' mobbiltà u ta' apprendiment
218 Ara l-gwida prattika tal-UNESCO-UNEVOC dwar Entrepreneurial learning for TVET institutions
219 Ara EntreComp: il-qafas ta' kompetenza għall-intraprenditorija. Ara JA Europe dwar it-tħejjija tan-nies għax-xogħol u għall-intraprenditorija
220 Ara r-rapport finali dwar Entrepreneurship in Vocational Education and Training, l-eżempju tal-Austria national action plan for entrepreneurship education, u A guide for fostering entrepreneurship education
221 Ara l-eżempju tas-Sommer der Berufsausbildung TAL-ĠERMANJA
222 Ara eżempju ta' Kamp tas-Sajf, ta' Kamp tat-Teknoloġija, u ta' Kamp tas-Sajf għal tfal b'diżabilità.

- L-iżvilupp tal-kapaċità tal-forniturі tal-VET li jieħdu deċiżjonijiet, b'mod indipendenti u b'responsabbiltà, dwar kwistjonijiet edukattivi, organizzazzjonali, finanzjarji, relatati mal-persunal u kwistjonijiet oħrajn, fis-segwitu ta' attività mwettqa fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni definit mir-regoli u r-regolamenti nazzjonali[223]
- L-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, b'mod partikolari l-kumpaniji, il-kmamar, l-assoċjazzjonijiet professjonali u settorjali, it-trade unions, l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali u s-sħab soċjali, inklużi r-rappreżentanti tal-istudenti, fil-governanza tas-sistemi tal-VET

xvii. Approċċ strateġiku għall-**iżvilupp u għall-governanza tal-ħiliet**

- L-involviment attiv fis-sistemi nazzjonali u reġjonali ta' governanza tal-ħiliet
- Il-kontribut b'perspettiva ta' ħiliet għat-tfassil tal-politika soċjali u dwar l-impjiegi fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew

xviii. Il-ħolqien konġunt ta' **ekosistemi tal-ħiliet**

- Il-mobilizzazzjoni ta' sħab ekonomiċi u soċjali rilevanti kif ukoll ta' istituzzjonijiet edukattivi u ta' taħriġ oħrajn biex jinvolvu jew joħolqu ekosistemi tal-ħiliet lokali mmirati lejn l-appoġġ tal-innovazzjoni, l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelligenti, ir-raggruppamenti, u s-setturi u l-ktajjen tal-valur (ekosistemi industrijali)
- L-abilitazzjoni tal-ekosistemi tal-ħiliet lokali tikkontribwixxi biex jiġi attirat l-investiment barrani224, billi tiġi żgurata l-provvista f'waqtha tal-ħiliet għall-kumpaniji li jinvestu lokalment

xix. L-iżvilupp ta' **mudelli finanzjarji sostenibbli**

- Il-kombinament tal-finanzjament pubbliku u privat[225], kif ukoll tal-attivitajiet li jiġġeneraw l-introjtu, u l-isfruttar bis-sħiħ tal-iskemi ta' finanzjament ibbażati fuq il-prestazzjoni (jekk rilevanti)

xx. Użu sħiħ mill-**istrumenti finanzjarji nazzjonali u tal-UE**

- Dawn jistgħu jinkludu l-appoġġ ta' azzjonijiet ta' edukazzjoni u taħriġ, il-mobbiltà tal-istudenti u tal-persunal, l-attivitajiet ta' riċerka applikata, l-investimenti fl-infrastruttura għall-immodernizzar taċ-ċentri tal-VET b'tagħmir avvanzat, l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni sabiex jiġu żgurati l-eċċellenza u s-sostenibbiltà tal-organizzazzjonijiet tal-VET u s-servizzi li jipprovdu

Il-proġett irid jidentifika u jispjega b'mod ċar l-għażla ta' kull waħda mill-attivitajiet magħżula, u jiddeskrivi kif ix-xogħol li għandu jitwettaq permezz ta' dawk l-attivitajiet se jikkontribwixxi b'mod konkret għall-pakketti ta' ħidma rilevanti, u bl-objettivi kumplessivi tal-proġett.

Il-proġetti huma meħtieġa japplikaw strumenti u għodod madwar l-UE kollha[226] kull meta jkun rilevanti.

Il-proġetti jridu jinkludu t-tfassil ta' pjan ta' azzjoni fit-tul għall-implimentazzjoni progressiva tar-riżultati tanġibbli tal-proġett wara li jkun intemm il-proġett. Dan il-pjan għandu jkun ibbażat fuq sħubijiet sostnuti bejn il-forniturі tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-partijiet ikkonċernati ewlenin tal-industrija fil-livell xieraq. Għandu jinkludi l-identifikazzjoni ta' strutturi xierqa ta' governanza, kif ukoll pjanijiet għall-iskalabbiltà u s-sostenibbiltà finanzjarja.

Għandu jiżgura wkoll il-viżibbiltà xierqa u t-tixrid wiesa' tax-xogħol tan-networks tas-COVEs, inkluż fil-livell tal-UE u dak politiku nazzjonali u jinkludi dettalji dwar kif l-implimentazzjoni se tiġi implimentata fil-livelli Ewropej, nazzjonali u/jew reġjonali mas-sħab rilevanti. Il-pjan ta' azzjoni għandu jindika wkoll kif opportunitajiet ta' finanzjament oħrajn tal-UE, u l-finanzjament nazzjonali u reġjonali, kif ukoll il-finanzjament privat jistgħu jappoġġaw il-varar tal-proġett.

IMPATT MISTENNI

---

223 Il-kunsiderazzjoni tal-awtonomija tal-ġestjoni pedagoġika, finanzjarja u operazzjonali, allinjata ma' mekkaniżmi effettivi ta' responsabbiltà. Ara wkoll GEORG SPÖTTL f'Autonomy of (Vocational) Schools as an Answer to Structural Changes

224 Ara l-eżempji tal-Kanada u ta' Singapore

225 Ara l-OECD Education GPS, u l-Funding Mechanisms for Financing Vocational Training: An Analytical Framework

226 Bħall-QEK, l-EQAVET, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas Ewropew għall-Apprendistati Effettivi u ta' Kwalità, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kompetenzi ewlenin, eċċ.

L-istabbiliment u l-iżvilupp gradwali tan-networks Ewropej ta' Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali huma mistennija jżidu r-rispons tal-VET biex jadattaw il-provvista tal-ħiliet għall-ħtiġijiet ekonomiċi u soċjali li qed jevolvu, filwaqt li jiġi żgurat li l-VET ikun fuq quddiem nett biex jipprovdi soluzzjonijiet għall-isfidi li jirriżultaw mill-ħtiġijiet tal-ħiliet li qed jinbidlu malajr.

Billi jifformaw parti essenzjali mit-"triangolu tal-għarfien" – il-kollaborazzjoni mill-qrib bejn in-negozji, l-edukazzjoni u r-riċerka – u billi jaqdu rwol fundamentali fil-provvista ta' ħiliet li jappoġġaw l-innovazzjoni u l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali huma mistennija jiżguraw ħiliet u kompetenzi ta' kwalità għolja li jwasslu għal impjiegi ta' kwalità u opportunitajiet tul il-karriera, li jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' ekonomija innovattiva, inklużiva u sostenibbli.

Billi jkollhom għeruq sodi f'kuntesti reġjonali/lokali filwaqt li fl-istess ħin joperaw fuq livell tranżnazzjonali, iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali se jifformaw sħubijiet b'saħħithom u dejjiema bejn il-komunità tal-VET u d-dinja tax-xogħol fuq livell nazzjonali u bejn il-fruntieri. Se jikkontribwixxu wkoll għall-internazzjonalizzazzjoni tal-VET billi jlaqqgħu flimkien lis-sħab mid-dinja kollha. Huma se jimmiraw għal "**konverġenza 'l fuq**" ta' eċċellenza fil-VET, li jkun diffiċli li tiġi stabbilita fin-nuqqas ta' inċentivi tal-UE, ta' appoġġ tekniku, u ta' opportunitajiet għal apprendiment reċiproku.

Permezz tat-tixrid wiesa' tal-eżiti tal-proġetti fil-livelli tranżnazzjonali, nazzjonali u/jew reġjonali u l-iżvilupp ta' pjan ta' azzjoni fit-tul għall-implimentazzjoni progressiva tar-riżultati tanġibbli tal-proġett, filwaqt li jitqiesu l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u dawk ta' żvilupp nazzjonali u reġjonali, il-proġetti individwali huma mistennija jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati rilevanti fi ħdan l-organizzazzjonijiet parteċipanti u barra minnhom u jiżguraw impatt fit-tul wara l-ħajja tal-proġett.

KRITERJI GĦALL-GĦOTI

Il-kriterji għall-għoti li ġejjin japplikaw:

Rilevanza tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 35 punt)**	• **Ħolqa għall-politika**: il-proposta tistabbilixxi u tiżviluppa network ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali ta' Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali, bil-għan li trawwem l-eċċellenza tal-VET; tispjega kif se tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet tal-prijoritajiet ta' politika koperti mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-VET għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza[227], kif ukoll id-Dikjarazzjoni ta' Osnabrück[228]; • **Konsistenza**: kemm il-proposta hija bbażata fuq analiżi adegwata tal-ħtiġijiet; l-għanijiet huma ddefiniti b'mod ċar, huma realistiċi u jindirizzaw kwistjonijiet rilevanti għall-organizzazzjonijiet parteċipanti u għall-azzjoni; • **Attivitajiet**: L-attivitajiet magħżula mit-tliet raggruppamenti huma identifikati, deskritti u marbuta b'mod ċar mal-objettivi kumplessivi tal-proġett; • **Innovazzjoni**: il-proposta tqis metodi u tekniki tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, u twassal għal riżultati u soluzzjonijiet innovattivi għall-qasam tagħha b'mod ġenerali, jew għall-kuntest ġeografiku li fih jiġi implimentat il-proġett (eż. il-kontenut; l-outputs prodotti, il-metodi ta' ħidma applikati, l-organizzazzjonijiet u l-persuni involuti jew immirati); • **Dimensjoni reġjonali**: il-proposta turi l-kontribuzzjoni tagħha għall-istrateġiji reġjonali ta' żvilupp, ta' innovazzjoni u ta' speċjalizzazzjoni intelligenti, abbażi tal-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet u tal-isfidi lokali/reġjonali f'kull wieħed mill-pajjiżi parteċipanti; • **Kooperazzjoni u sħubijiet**: kemm il-proposta tidentifika u tinvolvi b'mod adegwat l-aktar sħab rilevanti, li huma neċessarji biex jintlaħqu l-objettivi tal-proġett, u tispjega kif se tistabbilixxi relazzjonijiet b'saħħithom u dejjiema fil-livelli kemm lokali kif ukoll tranżnazzjonali, bejn il-komunità tal-VET u n-negozji (jistgħu jiġu rrappreżentati minn kmamar jew minn assoċjazzjonijiet), li fihom l-interazzjonijiet ikunu reċiproċi u ta' benefiċċju għal xulxin; • **Valur miżjud Ewropew**: il-proposta turi b'mod ċar il-valur miżjud fil-livelli individwali (student u/jew persunal), istituzzjonali u sistemiċi, iġġenerat permezz ta' riżultati li jkunu diffiċli li jinkisbu mis-sħab li jaġixxu mingħajr il-kooperazzjoni Ewropea; • **Internazzjonalizzazzjoni**: il-proposta turi l-kontribuzzjoni tagħha għad-dimensjoni internazzjonali tal-eċċellenza tal-VET, inkluż l-iżvilupp ta' strateġiji biex titrawwem il-mobbiltà tranżnazzjonali tal-VET għall-istudenti u għall-persunal, kif ukoll sħubijiet sostenibbli; • **Ħiliet diġitali**: kemm il-proposta tipprevedi attivitajiet relatati mal-iżvilupp ta' ħiliet diġitali (eż. antiċipazzjoni tal-ħiliet, kurrikuli innovattivi u metodoloġiji tat-tagħlim, gwida, eċċ.) relatati mal-iżvilupp tal-ħiliet diġitali; • **Ħiliet ekoloġiċi**: kemm il-proposta tipprevedi attivitajiet (eż. antiċipazzjoni tal-ħiliet, kurrikuli innovattivi u metodoloġiji tat-tagħlim, gwida, eċċ.) marbuta mat-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari u ekoloġika; • **Dimensjoni soċjali**: il-proposta tinkludi tħassib orizzontali fid-diversi azzjonijiet biex tiġi indirizzata d-diversità u jiġu promossi l-valuri komuni, l-ugwaljanza, inkluża l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u n-nondiskriminazzjoni u l-inklużjoni soċjali, inkluż għal persuni bi bżonnijiet speċjali/b'inqas opportunitajiet.

[227] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=uriserv:OJ.C_.2020.417.01.0001.01.MLT
[228] *https://www.cedefop.europa.eu/files/osnabrueck_declaration_eu2020.pdf*

Kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 25 punt)**	• **Koerenza**: it-tfassil kumplessiv tal-proġett jiżgura konsistenza bejn l-objettivi, l-attivitajiet u l-baġit propost tal-proġett. Il-proposta tippreżenta sett koerenti u komprensiv ta' attivitajiet u servizzi xierqa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet identifikati u jwasslu għar-riżultati mistennija. Ikun hemm fażijiet xierqa għat-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, l-isfruttament, l-evalwazzjoni u t-tixrid; • **Attivitajiet:** Il-ħidma li għandha titwettaq taħt kull waħda mill-attivitajiet magħżula mit-tliet raggruppamenti hija deskritta b'mod ċar f'termini tal-eżiti/tar-riżultati tanġibbli mistennija tagħhom, tal-kontribuzzjoni konkreta tagħhom għall-pakketti ta' ħidma rilevanti, u tal-koerenza tagħhom mal-objettivi kumplessivi tal-proġett; • **Metodoloġija:** il-kwalità u l-fattibbiltà tal-metodoloġija proposta u l-adegwatezza tagħha għall-produzzjoni tar-riżultati mistennija; • **Ġestjoni**: il-koordinatur juri ġestjoni ta' kwalità għolja, il-kapaċità li jikkoordina n-networks tranżnazzjonali u tmexxija f'ambjent kumpless, u jistabbilixxi arranġamenti sodi ta' ġestjoni. L-iskedi ta' żmien, l-organizzazzjoni, il-kompiti u r-responsabbiltajiet huma ddefiniti sew u realistiċi. Il-proposta talloka riżorsi xierqa għal kull attività. Jiġi ddefinit sett ċar ta' *Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni*, u skeda ta' żmien għall-valutazzjoni u l-kisba tagħhom; • **Baġit**: il-baġit jipprevedi r-riżorsi xierqa meħtieġa għas-suċċess, la huwa sopravalutat u lanqas sottovalutat; • **Pjan ta' ħidma**: il-kwalità u l-effettività tal-pjan ta' ħidma, inkluż sa fejn ir-riżorsi assenjati għall-pakketti ta' ħidma huma konformi mal-objettivi u r-riżultati tanġibbli tagħhom; • **Kontroll finanzjarju u tal-kwalità**: il-miżuri ta' kontroll (l-evalwazzjoni kontinwa tal-kwalità, ir-rieżamijiet bejn il-pari, l-attivitajiet ta' valutazzjoni komparattiva, eċċ.) u l-indikaturi tal-kwalità jiżguraw li l-implimentazzjoni tal-proġett tkun ta' kwalità għolja u kosteffiċjenti. L-isfidi/ir-riskji tal-proġett huma identifikati b'mod ċar u l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni huma indirizzati kif suppost. Il-proċessi tar-rieżami espert huma ppjanati bħala parti integrali tal-proġett. Dawn il-proċessi jinkludu valutazzjoni esterna indipendenti f'nofs it-terminu u fl-aħħar tal-proġett; • Jekk il-proġett jinkludi **attivitajiet ta' mobbiltà** (għall-istudenti u/jew għall-persunal): - Il-kwalità tal-arranġamenti prattiċi, il-ġestjoni u l-modalitajiet ta' appoġġ; - Kemm dawn l-attivitajiet huma xierqa għall-miri tal-proġett u jinvolvu n-numru xieraq ta' parteċipanti; - Il-kwalità tal-arranġamenti għar-rikonoxximent u l-validazzjoni tal-eżiti tal-apprendiment tal-parteċipanti, f'konformità mal-għodod u l-prinċipji Ewropej dwar it-trasparenza u r-rikonoxximent.
Kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni **(punteġġ massimu ta' 20 punt)**	• **Konfigurazzjoni**: il-proġett jinvolvi taħlita xierqa ta' organizzazzjonijiet parteċipanti komplimentari bil-profil, il-kompetenzi, l-esperjenza u l-għarfien espert meħtieġa biex iwettqu b'suċċess l-aspetti kollha tal-proġett. Ir-rwol ta' kull sieħeb irid ikun identifikat b'mod ċar, u l-valur miżjud tiegħu jrid ikun spjegat; • **Konverġenza 'l fuq**: kemm is-sħubija tlaqqa' flimkien organizzazzjonijiet attivi fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, jew fid-dinja tax-xogħol, li jinsabu fi stadji differenti tal-iżvilupp ta' approċċi ta' eċċellenza vokazzjonali, u tippermetti skambju bla xkiel u effettiv ta' għarfien espert u għarfien fost dawk is-sħab; • **Dimensjoni ġeografika**: kemm is-sħubija tinkludi sħab rilevanti minn reġjuni ġeografiċi differenti, kif ukoll sa fejn l-applikant ikun immotiva l-kompożizzjoni ġeografika tas-sħubija u wera r-rilevanza tiegħu għall-kisba tal-objettivi tas-CoVEs; kif ukoll sa liema punt is-sħubija tinkludi firxa wiesgħa u xierqa ta' atturi rilevanti fil-livell lokali u reġjonali; • **Involviment ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm**: jekk ikun applikabbli, spjega b'mod ċar l-involviment ta' organizzazzjonijiet parteċipanti minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm iġib valur miżjud essenzjali għall-proġett; • **Kollaborazzjoni**: huwa propost mekkaniżmu effettiv biex jiġu żgurati koordinazzjoni, teħid ta' deċiżjonijiet u komunikazzjoni tajbin bejn l-organizzazzjonijiet parteċipanti, il-parteċipanti u kwalunkwe parti kkonċernata rilevanti oħra.

Impatt **(punteġġ massimu ta' 20 punt)**	• **Sfruttament**: il-proposta turi kif l-eżiti tal-proġett se jintużaw mis-sħab u minn partijiet ikkonċernati oħrajn. Tipprovdi mezzi biex jitkejjel l-isfruttament matul il-ħajja tal-proġett u wara; • **Tixrid**: il-proposta tipprovdi pjan ċar għat-tixrid tar-riżultati, u tinkludi miri xierqa, attivitajiet, twaqqit rilevanti, għodod u mezzi biex jiġi żgurat li r-riżultati u l-benefiċċji jitqassmu b'mod effettiv lill-partijiet ikkonċernati, dawk li jfasslu l-politika, lill-professjonisti ta' gwida, lill-intrapriżi, lill-istudenti żgħażagħ, eċċ. matul u wara l-ħajja tal-proġett; il-proposta tindika wkoll liema sħab se jkunu responsabbli għat-tixrid; • **Impatt**: il-proposta turi l-impatt potenzjali tal-proġett: - Fuq il-parteċipanti u l-organizzazzjonijiet parteċipanti matul u wara l-ħajja tal-proġett; - Barra mill-organizzazzjonijiet u mill-individwi li jipparteċipaw direttament fil-proġett, kif ukoll il-potenzjal tiegħu għall-integrazzjoni fl-iżvilupp tal-ħiliet tal-VET reġjonali, nazzjonali u/jew Ewropew. Il-proposta tinkludi miżuri kif ukoll miri u indikaturi ddefiniti b'mod ċar biex timmonitorja l-progress u tivvaluta l-impatt mistenni (fuq perjodu qasir u twil); • **Sostenibbiltà**: il-proposta tispjega kif is-CoVE se jiġi implimentat u żviluppat aktar. Il-proposta tinkludi t-tfassil ta' pjan ta' azzjoni fit-tul għall-implimentazzjoni progressiva tar-riżultati tanġibbli tal-proġett wara li jkun intemm il-proġett. Dan il-pjan għandu jkun ibbażat fuq sħubijiet sostnuti bejn il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-partijiet ikkonċernati ewlenin tal-industrija fil-livell xieraq. Għandu jinkludi l-identifikazzjoni ta' strutturi ta' governanza xierqa, kif ukoll pjanijiet għall-iskalabbiltà u s-sostenibbiltà finanzjarja, inkluża l-identifikazzjoni ta' riżorsi finanzjarji (Ewropej, nazzjonali u privati) biex jiġi żgurat li r-riżultati u l-benefiċċji miksuba jkollhom sostenibbiltà fit-tul.

Sabiex jiġu kkunsidrati għall-finanzjament, l-applikazzjonijiet iridu jiksbu tal-inqas **70 punt** (minn total ta' 100 punt), filwaqt li jitqies ukoll il-punteġġ minimu meħtieġ għal kull wieħed mill-erba' kriterji għall-għoti: minimu ta' 18-il punt għall-kategorija "rilevanza tal-proġett"; minimu ta' 13-il punt għall-"kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett" u 11-il punt għall-kategoriji ta' "kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni" u "impatt". F'każijiet *ex aequo*, se tingħata prijorità lill-ogħla punteġġi għar-"rilevanza tal-proġett" u mbagħad għall-"impatt".

Bħala regola ġenerali, u fil-limiti tal-oqfsa legali nazzjonali u Ewropej eżistenti, ir-riżultati għandhom ikunu disponibbli bħala **riżorsi edukattivi miftuħa** (OER) kif ukoll fuq pjattaformi rilevanti, professjonali, settorjali jew tal-awtoritajiet kompetenti. Il-proposta se tiddeskrivi kif id-*data*, il-materjali, id-dokumenti u l-attività tal-media awdjoviżiva u soċjali prodotti jkunu disponibbli bla ħlas u kif se jiġu promossi permezz ta' liċenzji miftuħa, u ma tinkludix limitazzjonijiet sproporzjonati.

Siġill ta' Eċċellenza

Il-proposti tal-proġetti evalwati 'l fuq mil-limiti tal-kwalità, b'punteġġ totali **ta' 75 % jew ogħla**, iżda li ma jistgħux jiġu ffinanzjati fil-qafas tal-Erasmus+ minħabba n-nuqqas ta' baġit disponibbli taħt din is-sejħa għal proposti, jistgħu jingħataw ċertifikat tas-**Siġill ta' Eċċellenza** bħala xhieda tal-kwalità tal-proposti u sabiex jiġi ffaċilitat il-finanzjament alternattiv tagħhom fil-livell nazzjonali jew reġjonali.

Is-Siġill ta' Eċċellenza huwa ċertifikat ta' tikketta ta' kwalità mogħti lil proposti ta' proġetti ta' kwalità li ma jistgħux jiġu ffinanzjati fil-qafas tal-Erasmus+ minħabba fondi insufficjenti[229]. It-tikketta tirrikonoxxi l-kwalità tal-proposta u tiffaċilita t-tfittxija għal finanzjament alternattiv. Il-korpi ta' finanzjament fil-livell nazzjonali jew reġjonali jistgħu jiddeċiedu li jiffinanzjaw direttament il-proposta tal-proġett tad-detentur tas-Siġill abbażi tal-proċess ta' evalwazzjoni ta' kwalità għolja mwettaq mill-esperti indipendenti tal-Kummissjoni, mingħajr ma jwettqu proċess ta' evalwazzjoni sħiħ ġdid. L-

[229] L-Artikolu 32(3) tar-Regolament dwar l-Erasmus+ 2021-2027.

għoti tas-Siġill ta' Eċċellenza jista' jiffaċilita wkoll il-finanzjament alternattiv mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) jew mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), f'konformità mal-Artikolu 73(4) tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK)[230].

L-applikanti għandhom jiġu mgħarrfin li l-għoti ta' ċertifikat tas-Siġill ta' Eċċellenza ma jipprovdix garanzija għal finanzjament alternattiv awtomatiku, peress li d-deċiżjoni li potenzjalment jiġu ffinanzjati l-proposti tal-proġetti tad-detenturi tas-Siġill hija kompletament **diskrezzjonali** għall-Awtoritajiet ta' Ġestjoni tal-fondi tal-Politika ta' koeżjoni, skont il-FEŻR jew il-FSE+, jew korpi oħrajn ta' finanzjament fil-livell nazzjonali u reġjonali.

Jekk l-applikant jipprovdi awtorizzazzjoni minn qabel fil-formola tal-applikazzjoni, id-*data* tal-proposta tal-proġett tad-detenturi tas-Siġill tista' tiġi kondiviża mal-Awtoritajiet ta' Ġestjoni tal-fondi tal-Politika ta' koeżjoni u ma' korpi oħrajn ta' finanzjament potenzjalment interessati fil-livell nazzjonali jew reġjonali permezz tal-Aġenziji Nazzjonali, b'rispett sħiħ tar-regoli li jirregolaw il-kunfidenzjalità tal-proposta u l-protezzjoni ta' *data* personali.

X'INHUMA R-REGOLI TA' FINANZJAMENT?

Din l-azzjoni ssegwi mudell ta' finanzjament ta' somma f'daqqa. L-ammont tal-kontribuzzjoni ta' somma waħda f'daqqa se jiġi ddeterminat għal kull għotja abbażi tal-baġit stmat tal-azzjoni proposta mill-applikanti. L-awtorità tal-għoti se tistabbilixxi s-somma f'daqqa ta' kull għotja bbażata fuq il-proposta, ir-riżultat tal-evalwazzjoni, ir-rati ta' finanzjament u l-ammont massimu tal-għotja stabbilit fis-sejħa.

L-għotja massima tal-UE għal kull proġett hija ta' EUR 4 miljun

KIF TIĠI DDETERMINATA S-SOMMA F'DAQQA TAL-PROĠETT?

L-applikanti jeħtiġilhom jimlew tabella tal-baġit dettaljata skont il-formola tal-applikazzjoni, filwaqt li jqisu l-punti li ġejjin:

a) Il-baġit għandu jkun dettaljat kif meħtieġ mill-benefiċjarju/i u organizzat f'pakketti ta' ħidma koerenti (pereżempju maqsum f'"ġestjoni tal-proġetti", "taħriġ", "organizzazzjoni tal-avvenimenti", "preparazzjoni u implimentazzjoni tal-mobbiltà", "komunikazzjoni u tixrid", "assigurazzjoni tal-kwalità", eċċ.);

b) Il-proposta trid tiddeskrivi l-attivitajiet koperti minn kull pakkett ta' ħidma;

c) Fil-proposta tagħhom, l-applikanti jeħtiġilhom jipprovdu tqassim tal-kostijiet stmati li juru s-sehem għal kull pakkett ta' ħidma (u, fi ħdan kull pakkett ta' ħidma, is-sehem assenjat lil kull benefiċjarju u entità affiljata);

d) Il-kostijiet deskritti jistgħu jkopru l-kostijiet tal-persunal, il-kostijiet tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza, il-kostijiet tat-tagħmir u tas-subkuntrattar kif ukoll kostijiet oħrajn (bħat-tixrid tal-informazzjoni, il-pubblikazzjoni jew it-traduzzjoni).

Il-proposti se jiġu evalwati skont il-proċeduri ta' evalwazzjoni standard bl-għajnuna tal-esperti interni u/jew esterni. L-esperti se jivvalutaw il-kwalità tal-proposti skont ir-rekwiżiti definiti fis-sejħa u l-impatt, mistenni, il-kwalità u l-effiċjenza tal-azzjoni.

230 EUR-Lex - 32021R1060 - EN - EUR-Lex (europa.eu)

Wara l-evalwazzjoni tal-proposta, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni se jistabbilixxi l-ammont tas-somma f'daqqa, filwaqt li jqis is-sejbiet tal-valutazzjoni mwettqa. Il-valur tas-somma f'daqqa se jkun limitat għal massimu ta' 80 % tal-baġit stmat iddeterminat wara l-evalwazzjoni.

Il-parametri tal-għotja (l-ammont massimu tal-għotja, ir-rata ta' finanzjament, il-kostijiet totali eliġibbli, eċċ.) se jiġu stabbiliti fil-Ftehim ta' Għotja. Mhuwiex permess appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi. Il-kostijiet tal-voluntiera u tal-SMEs huma permessi. Jekk jogħġbok irreferi għall-Parti C ta' din il-Gwida tal-Programm, it-taqsima "Kostijiet diretti eliġibbli".

Il-kisbiet tal-proġett se jiġu evalwati fuq l-eżiti mwettqa. Din l-iskema ta' finanzjament se tippermetti li ssir enfasi fuq l-outputs aktar milli fuq l-inputs, u b'hekk titqiegħed enfasi fuq il-kwalità u l-livell tal-kisba ta' objettivi li jistgħu jitkejlu.

Il-proposta trid tinkludi l-kostijiet għal mill-inqas laqgħa annwali waħda (rappreżentant 1 minn kull sieħeb sħiħ tal-proġett) organizzata mill-Kummissjoni Ewropea/l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura jew fuq l-inizjattiva tagħha għall-iskambju ta' prattiki tajba u għall-apprendiment reċiproku bejn iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali.

Aktar dettalji huma deskritti fil-mudell tal-Ftehim ta' Għotja disponibbli fil-Portal tal-Opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti (FTOP).

AZZJONI ERASMUS MUNDUS

L-azzjoni Erasmus Mundus tinkludi:

- **Lott 1: Master Konġunt tal-Erasmus Mundus (EMJM) u**
- **Lott 2: Miżuri tat-Tfassil tal-Erasmus Mundus (EMDM).**

Din l-azzjoni għandha l-għan li trawwem l-eċċellenza u l-internazzjonalizzazzjoni madwar id-dinja tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja permezz ta' programmi ta' studju – fil-livell ta' Master – li jitwasslu u jiġu rrikonoxxuti b'mod konġunt mill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja (HEIs) stabbiliti fl-Ewropa, u miftuħa għal istituzzjonijiet f'pajjiżi oħrajn tad-dinja.

Il-Master Konġunt tal-Erasmus Mundus u l-Miżuri tat-Tfassil tal-Erasmus jirrappreżentaw żewġ lottijiet indipendenti. Ma hemm l-ebda obbligu li jiġi implimentat EMDM qabel EMJM. L-għoti ta' EMDM ma jimplikax finanzjament awtomatiku taħt EMJM u t-tlestija ta' proġett EMDM ma hijiex kriterju tal-għoti għal EMJM.

Lott 1: Master Konġunt tal-Erasmus Mundus (EMJM)

L-EMJM jappoġġa programmi ta' studju tranżnazzjonali integrati ta' livell għoli fil-livell ta' Master[231] imwassla minn konsorzju internazzjonali ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja (HEIs) minn pajjiżi differenti madwar id-dinja u, fejn rilevanti, minn sħab edukattivi u/jew mhux edukattivi oħra b'għarfien espert speċifiku u interess fl-oqsma ta' studju/dominji professjonali kkonċernati.

L-EMJMs huma programmi ta' eċċellenza u għandhom jikkontribwixxu għall-integrazzjoni u l-internazzjonalizzazzjoni taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja (EHEA). L-ispeċifiċità tal-EMJMs tinsab fil-grad għoli ta' għaqda/integrazzjoni fost l-istituzzjonijiet parteċipanti u l-eċċellenza tal-kontenut akkademiku tagħhom.

OBJETTIVI TAL-EMJM

L-EMJM għandu l-għan li jsaħħaħ l-attraenza u l-eċċellenza tal-edukazzjoni għolja Ewropea fid-dinja u li jattira talent lejn l-Ewropa, permezz ta' taħlita ta':

(i) kooperazzjoni akkademika istituzzjonali sabiex tintwera l-eċċellenza Ewropea fl-edukazzjoni għolja, u
(ii) mobbiltà individwali għall-istudenti kollha li jieħdu sehem fl-EMJM, b'boroż ta' studju ffinanzjati mill-UE għall-aħjar studenti li japplikaw

[231] LIVELL 7 TAL-KLASSIFIKAZZJONI STANDARD INTERNAZZJONALI TAL-EDUKAZZJONI ISCED 2011.

LIEMA HUMA L-KRITERJI LI GĦANDHOM JIĠU SSODISFATI BIEX WIEĦED JAPPLIKA GĦALL-MASTER KONĠUNT TAL-ERASMUS MUNDUS?

KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ

Sabiex ikunu eliġibbli għal għotja tal-Erasmus, il-proposti ta' proġetti għal Master Konġunt tal-Erasmus Mundus iridu jikkonformaw mal-kriterji li ġejjin:

Min jista' japplika?	L-applikanti (koordinatur u sħab sħaħ) jeħtiġilhom ikunu entitajiet legali: - istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja (HEIs); - stabbiliti fi Stat Membru tal-UE, f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm jew f'pajjiż terz eliġibbli mhux assoċjat mal-Programm. Il-HEIs stabbiliti fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm irid ikollhom Karta Erasmus għall-Edukazzjoni Għolja (ECHE). L-ECHE ma hijiex meħtieġa għall-HEIs parteċipanti minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, iżda dawn se jkollhom jikkonformaw mal-prinċipji tagħha. Assoċjazzjonijiet jew organizzazzjonijiet ta' HEIs, organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati (inklużi l-entitajiet affiljati tagħhom) li jikkontribwixxu direttament u b'mod attiv għat-twassil tal-EMJM (Master Konġunt tal-Erasmus Mundus), stabbiliti fi Stat Membru tal-UE, f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm jew f'pajjiż terz eliġibbli mhux assoċjat mal-Programm, jistgħu jipparteċipaw ukoll iżda mhux bħala koordinaturi. Barra minn hekk, il-programm ta' studju tal-EMJM jista' jibbenefika wkoll mill-involviment ta' sħab assoċjati (fakultattiv). Fl-istadju tal-applikazzjoni[232], is-sħab sħaħ tal-HEIs iridu juru li ssodisfaw ir-rekwiżiti tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità (QA) tal-ġuriżdizzjoni tagħhom għall-programm konġunt. Dan jista' jirriżulta jew (i) milli jkunu implimentaw b'suċċess l-Approċċ Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità tal-Programmi Konġunti (jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali tippermetti dan), (ii) jew ikunu bbażati fuq akkreditazzjoni/evalwazzjoni speċifika tal-programm konġunt, (iii) jew ta' kull komponent nazzjonali li abbażi tiegħu jkun kompost il-EMJM. **Eċċezzjoni:** l-organizzazzjonijiet mill-Belarussja (ir-Reġjun 2) u mill-Federazzjoni Russa (ir-Reġjun 4) ma humiex eliġibbli biex jipparteċipaw f'din l-azzjoni.

[232] Sakemm ma jkunux stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi u uffiċjali marbuta mal-implimentazzjoni tal-Erasmus Mundus fil-livell nazzjonali/reġjonali (li għandhom jiġu eżaminati każ b'każ mill-EACEA)

Kompożizzjoni tal-konsorzju	Il-proposti jridu jiġu sottomessi minn konsorzju ta' mill-inqas tliet HEIs applikanti (koordinatur u sħab sħaħ) minn tliet pajjiżi differenti, li minnhom mill-inqas żewġ Stati Membri differenti tal-UE u/jew pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm. L-entitajiet affiljati ma jgħoddux għall-kriterji minimi tal-eliġibbiltà għall-kompożizzjoni tal-konsorzju.
Post tal-attivitajiet	L-attivitajiet jistgħu jsiru fi kwalunkwe pajjiż eliġibbli.
Durata tal-proġett	Normalment il-proġetti għandhom idumu 74 xahar (jistgħu jsiru estensjonijiet, jekk ikunu ġġustifikati kif xieraq u permezz ta' emenda). Il-Lawrji ta' Master Konġunt tal-Erasmus Mundus (EMJMDs) u l-Master Konġunt (EMJMs) li kienu ffinanzjati qabel jistgħu japplikaw biss għal tiġdid mhux aktar kmieni mis-sena qabel ma jintemm il-kuntratt. Fl-ebda ċirkostanza ma jistgħu jibdew żewġ edizzjonijiet ta' Master iffinanzjat minn żewġ ftehimiet ta' għotja differenti fl-istess sena akkademika.
Fejn napplika?	Mal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura. ID tas-Sejħa: ERASMUS-EDU-2023-PEX-EMJM-MOB
Meta napplika?	L-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għal għotja sas-**16 ta' Frar fil-17:00:00 (ħin ta' Brussell).**

L-organizzazzjonijiet applikanti se jiġu vvalutati skont il-kriterji tal-esklużjoni u tal-għażla rilevanti. Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkonsulta l-Parti C ta' din il-Gwida.

STABBILIMENT TA' PROĠETT

Il-EMJMs huma mistennija jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

1) Jinkludu **kurrikulu mfassal b'mod konġunt u integrat b'mod sħiħ** li jaderixxi mal-Istandards għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità tal-Programmi Konġunti fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja (EHEA)[233] applikabbli fid-data tal-applikazzjoni tal-EMJM. Dawn l-istandards ikopru l-aspetti ewlenin kollha tal-programmi konġunti, f'termini ta' tfassil konġunt, implimentazzjoni, twassil u assigurazzjoni tal-kwalità.

   Lil hinn mill-Istandards għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità tal-Programmi Konġunti, il-EMJMs jagħmlu enfasi fuq il-proċeduri ta' implimentazzjoni konġunti/komuni li ġejjin:

   - Rekwiżiti konġunti ta' ammissjoni tal-istudenti u l-applikazzjoni, l-għażla, il-politika tat-tariffa, il-monitoraġġ, ir-regoli/proċeduri tal-evalwazzjoni tal-eżami/tal-prestazzjoni;
   - It-tfassil ta' programm konġunt u attivitajiet integrati ta' tagħlim/taħriġ inkluża politika tal-lingwa miftiehma b'mod konġunt u proċess konġunt għar-rikonoxximent ta' perjodi ta' studju fi ħdan il-konsorzju;
   - Servizzi komuni offruti lill-istudenti (eż. korsijiet tal-lingwa, appoġġ għall-viża);

[233] https://www.eqar.eu/kb/joint-programmes/agreed-standards/

- Attivitajiet konġunti ta' promozzjoni u sensibilizzazzjoni biex tiġi żgurata l-viżibbiltà tal-programm madwar id-dinja kif ukoll tal-iskema ta' boroż ta' studju Erasmus Mundus. L-istrateġija promozzjonali għandha tinkludi sit web speċifiku integrat u komprensiv (bl-Ingliż, kif ukoll bil-lingwa(i) tat-tagħlim ewlenija jekk differenti) li jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-programm għall-istudenti u għall-partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn bħal impjegaturi futuri;
- Ġestjoni amministrattiva u finanzjarja konġunta mill-konsorzju;
- Il-lawrji konġunti huma mħeġġa, jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali tippermetti dan.

2) Jitwasslu **minn konsorzju ta' HEIs** u, fejn rilevanti, sħab edukattivi u/jew mhux edukattivi oħra, stabbiliti fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm jew f'pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm. Il-konsorzju jrid jinvolvi mill-inqas tliet HEIs minn tliet pajjiżi differenti, li mill-inqas tnejn minnhom iridu jkunu Stati Membri tal-UE u pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm.

   Is-sħab kollha tal-HEIs (mill-Istati Membri tal-UE jew minn pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm jew minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm) jeħtiġilhom ikunu istituzzjonijiet ta' għoti ta' lawrji fil-livell ta' Master u jagħtu jew lawrja konġunta jew multipla li tagħti xhieda tat-tlestija b'suċċess tal-programm tal-EMJM lill-istudenti li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-lawrja. L-impenn istituzzjonali neċessarju tal-organizzazzjonijiet kollha li jipparteċipaw fil-konsorzju tal-EMJM irid jiġi żgurat qabel ir-reġistrazzjoni tal-ewwel studenti tal-EMJM sabiex jiġu ggarantiti integrazzjoni u appoġġ istituzzjonali sodi. Dan l-impenn jieħu l-forma ta' Ftehim ta' Sħubija EMJM, li jrid jiġi ffirmat mill-istituzzjonijiet sħab kollha (inkluż sħab assoċjati jekk jitqiesu rilevanti). Il-HEIs parteċipanti minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm għandhom jimpenjaw ruħhom għall-prinċipji tal-ECHE f'dan il-Ftehim ta' Sħubija. Dan il-Ftehim ta' Sħubija tal-EMJM se jkollu jkopri l-aspetti akkademiċi, operazzjonali, amministrattivi u finanzjarji kollha relatati mal-implimentazzjoni tal-EMJM u l-ġestjoni tal-boroż ta' studju għall-EMJM (ara hawn taħt). L-abbozz ta' Ftehim ta' Sħubija irid jiġi pprovdut fl-istadju tal-applikazzjoni.

   Il-programm ta' studju tal-EMJM jista' jibbenefika wkoll mill-involviment ta' sħab assoċjati (fakultattiv). Dawn l-organizzazzjonijiet jikkontribwixxu b'mod indirett għall-implimentazzjoni ta' kompiti/attivitajiet speċifiċi u/jew jappoġġaw it-tixrid u s-sostenibbiltà tal-EMJM. Din il-kontribuzzjoni tista' pereżempju tieħu l-forma ta' trasferiment ta' għarfien u ħiliet, il-provvista ta' korsijiet komplementari jew l-għoti ta' appoġġ għal possibbiltajiet għal sekondar jew kollokament. Għall-eliġibbiltà u l-aspetti tal-ġestjoni kuntrattwali, dawn ma jitqisux bħala benefiċjarji tal-finanzjament tal-Programm.

3) **Reġistrazzjoni ta' studenti eċċellenti madwar id-dinja**. L-għażla, ir-reklutaġġ u l-monitoraġġ tal-istudenti individwali jaqgħu taħt ir-responsabbiltà unika tal-konsorzju tal-EMJM. L-għażla tal-istudenti trid tiġi organizzata b'mod trasparenti, imparzjali u ekwu. Fost dawn l-istudenti, numru minnhom jistgħu jibbenefikaw minn borża ta' studju tal-EMJM.

   EMJM jirreġistra studenti fil-livell ta' Master li jkunu kisbu l-ewwel lawrja ta' edukazzjoni għolja jew juru livell ekwivalenti rikonoxxut ta' apprendiment skont il-leġiżlazzjoni u l-prattiki nazzjonali fil-pajjiżi/fl-istituzzjonijiet li jagħtu l-lawrja. L-ewwel ġenerazzjoni ta' studenti reġistrati ma għandhiex tibda tistudja aktar tard mis-sena akkademika ta' wara s-sena tal-għażla tal-proġett.

   Sabiex tiġi ggarantita trasparenza sħiħa, u biex jiġu ddefiniti d-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-istudenti kollha rreġistrati, iż-żewġ partijiet (jiġifieri l-istudenti rreġistrati u l-konsorzju EMJM) jeħtiġilhom jiffirmaw Ftehim tal-Istudenti mar-reġistrazzjoni tal-istudenti fil-programm. Il-mudell tal-Ftehim tal-Istudenti jrid jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-EMJM.

4) Jinkludi **l-mobbiltà fiżika obbligatorja għall-istudenti rreġistrati kollha:** Il-binarji ta' mobbiltà u l-mekkaniżmu għar-rikonoxximent tal-perjodi ta' studju fost l-istituzzjonijiet sħab iridu jkunu ġew miftiehma fi ħdan il-konsorzju fl-istadju ta' applikazzjoni tal-proġett.

L-EMJM irid jinkludi l-mobbiltà fiżika obbligatorja għall-istudenti kollha rreġistrati (detenturi ta' boroż ta' studju tal-EMJM jew le) li tikkonsisti f'minimu ta' żewġ perjodi ta' studju f'żewġ pajjiżi, li minnhom mill-inqas wieħed irid ikun Stat Membru tal-UE jew pajjiż terz assoċjat mal-Programm. Dawn iż-żewġ pajjiżi jridu jkunu differenti mill-pajjiż ta' residenza tal-istudent fl-istadju ta' reġistrazzjoni. Kull wieħed miż-żewġ perjodi ta' studju obbligatorji jrid jikkorrispondi għal ammont ta' xogħol ta' mill-inqas semestru akkademiku wieħed (30 kreditu tal-ECTS jew ekwivalenti)[234].

Il-perjodi ta' studju kollha tal-programm ta' Master iridu jsiru fil-HEIs sħab sħaħ, jew taħt is-superviżjoni diretta tagħhom.

Il-perjodi obbligatorji ta' mobbiltà ma jistgħux jinbidlu b'mobbiltà virtwali (l-apprendiment mill-bogħod).

5) Il-promozzjoni **tal-iskambju tal-persunal u tal-akkademiċi mistiedna** sabiex jikkontribwixxu għal attivitajiet ta' tagħlim, taħriġ, riċerka u attivitajiet amministrattivi.

6) **It-tlestija b'suċċess tal-programm EMJM konġunt trid twassal jew għall-għoti ta' lawrja konġunta** (jiġifieri diploma waħda mogħtija minn tal-inqas żewġ HEIs minn pajjiżi differenti, li tal-inqas waħda minnhom trid tkun Stat Membru tal-UE jew pajjiż terz assoċjat mal-Programm), jew **ta' lawrji multipli** (jiġifieri tal-inqas żewġ diplomi mogħtija minn żewġ istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja minn pajjiżi differenti, li tal-inqas waħda minnhom trid tkun Stat Membru tal-UE jew pajjiż terz assoċjat mal-Programm), jew kombinazzjoni tat-tnejn.

Il-lawrja/i mogħtija lill-gradwati jridu jappartjenu għas-sistemi tal-lawrji ta' edukazzjoni għolja tal-pajjiżi li fihom huma bbażati l-HEIs. Il-lawrja/i għandhom jiġu rrikonoxxuti b'mod reċiproku mill-HEIs sħab sħaħ kollha li jagħtu l-lawrji. Il-konsorzji għandhom jipprovdu lill-istudenti b'Suppliment konġunt għad-Diploma fi tmiem l-istudji tagħhom, li jkopri l-kontenut kollu tal-programm ta' Master.

Fl-istadju tal-applikazzjoni, il-proposti tal-EMJM iridu jippreżentaw programmi ta' studju konġunti żviluppati bis-sħiħ, li huma lesti biex jitħaddmu u jiġu rreklamati madwar id-dinja minnufih wara li jintgħażlu. Ma hemm ebda limitu f'termini ta' dixxiplini.

Minbarra l-kontribuzzjoni finanzjarja biex jitħaddmu l-programmi ta' Master konġunti (ara t-taqsima ta' hawn taħt dwar ir-regoli ta' finanzjament), kwalunkwe proġett iffinanzjat mill-EM li jintemm fil-perjodu 2021-2027 (inklużi dawk li bdew matul il-perjodu 2014-2020) jista' jkompli jħaddem il-kors bħala Master tal-Erasmus Mundus sa tliet edizzjonijiet addizzjonali wara t-tmiem tal-azzjoni, diment li l-valutazzjoni tal-ftehimiet ta' għotja mwettqa mill-EACEA fl-istadju tar-rapportar finali se tirriżulta f'punteġġ ta' 75 jew aktar. Il-Masters ikkonċernati għandhom jimpenjaw ruħhom li (i) ikomplu jirrispettaw l-objettivi, il-kamp ta' applikazzjoni, l-impatt mistenni tal-azzjoni, (ii) jinvolvu ruħhom biex jiżguraw il-kontinwità mal-programm ta' Masters iffinanzjat qabel u (iii) jipprovdu rapport tal-attività fi tmiem il-perjodu kkonċernat.

IMPATT MISTENNI

Fil-livell tas-sistema

- Titrawwem il-kooperazzjoni akkademika fi ħdan l-EHEA u lil hinn billi jiġu appoġġati t-tagħlim u l-kwalifiki konġunti, it-titjib fil-kwalità, il-promozzjoni tal-eċċellenza akkademika;
- Tissaħħaħ id-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni għolja permezz tal-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet fl-Ewropa u barra minnha, u permezz tal-mobbiltà għall-aħjar studenti madwar id-dinja;

[234] B'mod eċċezzjonali, għall-programmi ta' studju ta' 60 kreditu tal-ECTS, kull wieħed mill-perjodi obbligatorji ta' studju jista' jikkorrispondi għal mill-inqas 20 ECTS jew ekwivalenti.

- Jiżdiedu s-sinerġiji bejn l-edukazzjoni għolja, l-innovazzjoni u r-riċerka;
- Jitneħħew l-ostakli għall-apprendiment, jittejjeb l-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità għolja u mmexxija mill-innovazzjoni u b'hekk issir aktar faċli għall-istudenti biex jiċċaqilqu bejn il-pajjiżi;
- Jingħata rispons għall-ħtiġijiet tas-soċjetà u tas-suq tax-xogħol;
- Jingħata kontribut għall-iżvilupp ta' politiki innovattivi dwar l-edukazzjoni.

Fil-livell istituzzjonali

- L-HEIs Ewropej u mhux Ewropej jingħataw aktar opportunitajiet għal kooperazzjoni akkademika strutturata u sostenibbli madwar id-dinja;
- Tittejjeb il-kwalità tal-programmi fil-livell ta' Master u l-arranġamenti ta' superviżjoni;
- Jiżdiedu l-internazzjonalizzazzjoni u l-kompetittività tal-organizzazzjonijiet parteċipanti;
- Jiġi appoġġat il-ħolqien ta' networks ġodda u tissaħħaħ il-kwalità ta' dawk eżistenti;
- Tiżdied l-attraenza tal-organizzazzjoni(jiet) parteċipanti lejn studenti b'talent;
- Jingħata kontribut għall-politiki tal-internazzjonalizzazzjoni tal-HEIs billi tiġi żviluppata sensibilizzazzjoni internazzjonali permezz tal-kurrikuli tagħhom u t-tfassil ta' strateġiji komprensivi ta' internazzjonalizzazzjoni (kooperazzjoni istituzzjonali u mobbiltà transfruntiera tal-persuni).

Fil-livell individwali

- Tittejjeb l-impjegabbiltà tal-istudenti parteċipanti,
- Jittejbu l-kompetenzi u l-ħiliet ewlenin tal-istudenti;
- Jinħolqu mentalitajiet u approċċi ġodda għall-istudji akkademiċi permezz ta' esperjenza internazzjonali, interdixxiplinari, intersettorjali u interkulturali;
- Jissaħħu il-kapaċitajiet ta' networking u komunikazzjoni tal-istudenti;
- Tiżdied il-kontribuzzjoni individwali għall-ekonomija u s-soċjetà bbażati fuq l-għarfien.

KRITERJI GĦALL-GĦOTI

Rilevanza tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 30 punt)**	**Sfond u objettivi ġenerali** • L-għanijiet kumplessivi u l-objettivi speċifiċi tal-proġett u r-rilevanza tagħhom fir-rigward tal-EMJM. **Analiżi tal-ħtiġijiet u objettivi speċifiċi** • Ir-raġunament tal-proġett u l-analiżi tal-ħtiġijiet li fuqhom hija mibnija l-proposta; • Kwistjonijiet/sfidi/lakuni u objettivi speċifiċi li l-proġett għandu l-għan li jindirizza f'termini akkademiċi, u fir-rigward tal-ħtiġijiet tas-soċjetà u tas-suq tax-xogħol. **Komplementarjetà ma' azzjonijiet u innovazzjonijiet oħrajn** • Strateġija sabiex jitrawmu l-eċċellenza u l-innovazzjoni; • Appoġġ għall-istrateġija ta' modernizzazzjoni u internazzjonalizzazzjoni tal-HEIs sħab; • Il-karattru uniku u l-valur miżjud tal-proġett meta mqabbel mal-offerta eżistenti tal-programmi ta' Master; • Strateġija biex jiżdiedu l-attraenza, l-integrazzjoni, l-internazzjonalizzazzjoni, u tingħata kontribuzzjoni għall-objettivi ta' politika taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja.

Kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 30 punt)**	**Kunċett u metodoloġija** • L-għada/integrazzjoni tal-EMJM, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti deskritti fit-taqsima "Stabbiliment ta' proġett". B'mod partikolari, il-proposta tiddeskrivi: - Il-programm akkademiku u kif l-eċċellenza u l-elementi innovattivi fl-esperjenza tal-apprendiment se jkunu żgurati fil-konsorzju kollu; - L-organizzazzjoni ta' perjodi ta' studju inklużi r-rekwiżiti minimi ta' mobbiltà u r-rikonoxximent reċiproku tal-eżiti/krediti tal-apprendiment; - Il-prinċipji u r-rekwiżiti għall-applikazzjoni, l-għażla, il-parteċipazzjoni tal-istudenti fil-kors, u l-allokazzjoni tal-boroż ta' studju tal-istudenti; - Is-servizzi offruti lill-istudenti; - Il-kontribuzzjoni tal-persunal mobbli u tal-akkademiċi mistiedna għal attivitajiet ta' tagħlim, taħriġ, riċerka u amministrattivi; - Miżuri ta' appoġġ speċifiċi għall-iffaċilitar ta' aċċess ugwali u inklużiv għall-parteċipanti, u r-reġistrazzjoni ta' studenti/persunal/akkademiċi mistiedna bi ħtiġijiet individwali marbuta ma' insufiċjenzi fiżiċi, mentali, intellettwali jew sensorji fit-tul. **Strateġija għall-assigurazzjoni tal-kwalità, monitoraġġ u evalwazzjoni** • Il-miżuri interni u esterni ta' assigurazzjoni tal-kwalità tal-programm ta' Master; • Sa liema punt il-kurrikulu imfassal b'mod konġunt u integrat bis-sħiħ jaderixxi mal-Istandards għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità tal-Programmi Konġunti fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja; • Il-lawrja/i konġunta/i li għandhom jitwasslu u r-rikonoxximent tagħha/tagħhom mill-HEIs li jkunu sħab sħaħ tal-għoti, kif ukoll is-suppliment tad-diploma konġunta. **Timijiet tal-proġetti, persunal u esperti** • Timijiet tal-proġetti u kif se jaħdmu flimkien sabiex jimplimentaw il-proġett. **Kosteffettività u ġestjoni finanzjarja** • Il-ġestjoni tal-finanzjament tal-UE, il-mobilizzazzjoni tal-finanzjament komplementari, u l-pjan tal-baġit. **Ġestjoni tar-riskju** • L-identifikazzjoni tar-riskji fl-implimentazzjoni tal-proġett, u l-ippjanar ta' miżuri ta' mitigazzjoni adegwati.

Kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni **(punteġġ massimu ta' 20 punt)**	**Stabbiliment tal-konsorzju** • Ir-raġunament għall-kompożizzjoni tal-konsorzju u l-komplementarjetajiet tas-sħab; il-valur miżjud tagħhom għall-implimentazzjoni tal-EMJM u kif kull sieħeb jibbenefika mill-parteċipazzjoni tiegħu fil-proġett; • Il-karattru innovattiv tal-konsorzju u l-inklużjoni ta' sħab b'livelli differenti ta' esperjenza bl-azzjoni Erasmus Mundus. Jekk applikabbli: - kif ġie msaħħaħ il-konsorzju Erasmus Mundus eżistenti - kif hija organizzata l-kooperazzjoni mal-atturi mhux edukattivi u għal liema skop • Id-definizzjoni tar-rwoli u l-kompiti ta' kull sieħeb, u l-livell ta' involviment fl-attivitajiet tal-proġett. **Ġestjoni tal-konsorzju u teħid tad-deċiżjonijiet** • Arranġamenti ta' kooperazzjoni, korpi ta' tmexxija u għodod ta' ġestjoni b'mod partikolari li jikkonċernaw il-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja; • Impenn istituzzjonali tal-istituzzjonijiet sħab għall-implimentazzjoni tal-EMJM; • L-adegwatezza tal-abbozz tal-Ftehim ta' Sħubija għal ġestjoni effettiva tal-EMJM.
Impatt **(punteġġ massimu ta' 20 punt)**	**Impatt u ambizzjoni** • L-impatt fil-livell tas-sistema (fid-dinja akkademika u barra minnha, inklużi l-pubbliku ġenerali u s-soċjetà), fil-livell istituzzjonali (organizzazzjonijiet sħab), u fil-livell individwali (b'enfasi partikolari fuq l-impjegabbiltà); • Projezzjonijiet f'termini tan-numru ta' studenti rreġistrati fil-perjodu ta' żmien tal-proġett. Miżuri li jiżguraw bilanċ bejn il-pajjiżi fir-reklutaġġ tal-istudenti. **Komunikazzjoni, tixrid u viżibbiltà** • Strateġija ta' promozzjoni biex tattira studenti eċċellenti minn madwar id-dinja: gruppi fil-mira, il-kompiti tas-sħab, u kif l-istudenti se jkunu mħeġġa jikkontribwixxu għall-identità/komunità tal-Erasmus+; • L-istrateġija għat-tixrid, l-isfruttament u l-viżibbiltà. **Sostenibbiltà u kontinwazzjoni** • L-istrateġija ta' żvilupp u ta' sostenibbiltà ta' nofs it-terminu/fit-tul lil hinn mill-perjodu ta' finanzjament tal-UE, inkluża l-mobilizzazzjoni ta' sorsi oħrajn ta' finanzjament; • Sinerġiji/komplementari ma' attivitajiet oħrajn (iffinanzjati mill-UE u mhux mill-UE) li jistgħu jibnu fuq ir-riżultati tal-proġett

Sabiex jiġu kkunsidrati għall-finanzjament, il-proposti jridu jiksbu tal-inqas **70 punt.**Barra minn hekk, iridu jiksbu tal-inqas 22 punt għall-kriterju tal-għoti "Rilevanza tal-proġett". F'każijiet *ex aequo*, se tingħata prijorità lill-ogħla punteġġi għar-"rilevanza tal-proġett" u mbagħad, għall-"impatt".

X'INHUMA R-REGOLI TA' FINANZJAMENT?

L-għotja tal-EMJM tiġi kkalkulata abbażi tat-tliet komponenti li ġejjin:

- il-kontribuzzjoni għall-kostijiet istituzzjonali għall-implimentazzjoni tal-programm;
- in-numru massimu ta' boroż ta' studju għall-istudenti li għandhom jingħataw matul id-durata kollha tal-ftehim.
- iż-żieda maħsuba sabiex tkopri l-ħtiġijiet individwali tal-istudenti b'diżabilità

Din il-kontribuzzjoni hija maħsuba sabiex tiffinanzja mill-inqas erba' edizzjonijiet tal-programm tal-Master, li kull waħda minnhom ddum bejn sena u sentejn akkademiċi (60, 90 jew 120 kreditu ECTS).

Kontribuzzjoni għall-kostijiet istituzzjonali tal-EMJM

Din tieħu l-forma ta' kost unitarju għal kull student irreġistrat u hija maħsuba biex tkopri parti mill-kostijiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-programm EMJM.

Il-kostijiet unitarji jinkludu l-kostijiet tal-persunal (tagħlim, vjaġġar), il-lekċerers mistiedna, il-promozzjoni, it-tixrid, il-kostijiet organizzazzjonali (inkluża l-kopertura sħiħa tal-assigurazzjoni għall-istudenti rreġistrati, l-appoġġ finanzjarju għall-istudenti rreġistrati bi bżonnijiet individwali fil-każ li ma jkunux koperti mill-mekkaniżmu supplimentari (ara hawn taħt), l-assistenza bl-akkomodazzjoni, u servizzi oħrajn tal-istudenti), il-kostijiet amministrattivi, u l-kostijiet l-oħrajn kollha meħtieġa sabiex jiġi implimentat programm ta' Master ta' suċċess.

Proġetti magħżula ma jistgħux jitolbu tariffi għall-applikazzjoni tal-istudenti. Barra minn hekk, il-proġetti ma jistgħux jitolbu tariffi għat-tagħlim jew kostijiet obbligatorji oħrajn relatati mal-parteċipazzjoni tal-istudenti fil-kors għad-detenturi ta' boroż ta' studju tal-Erasmus Mundus.

Il-kontribuzzjoni massima għall-kostijiet istituzzjonali hija: **EUR 750/xahar x DR x NRES**

Fejn:

- **DR** = durata massima f'xhur tal-programm ta' Master (eż. 12-il xahar, 18-il xahar, 24 xhur)
- **NRES** = in-numru ta' studenti <u>rreġistrati</u> (detenturi ta' borża ta' studju u dawk li ma humiex) previst għad-durata kollha tal-ftehim ta' għotja.

Kun af li għall-kalkolu tal-għotja, in-NRES se jkun limitat għal 100 (esklużi boroż ta' studju addizzjonali għal reġjuni tad-dinja fil-mira, jekk applikabbli).

Boroż ta' studju għall-istudenti

Il-borża ta' studju se tkun kontribuzzjoni għall-kostijiet imġarrba mill-istudenti benefiċjarji u għandha tkopri l-kostijiet tal-ivvjaġġar, tal-viża, tal-installazzjoni u tas-sussistenza. Din tiġi kkalkulata abbażi ta' kost unitarju ta' kull xahar għall-perjodu kollu meħtieġ mid-detentur ta' borża ta' studju rreġistrat sabiex ilesti l-programm ta' studju (prorata tan-numru ta' jiem reali). Dan il-perjodu jkopri l-istudju, ir-riċerka, l-attivitajiet ta' kollokament, it-tħejjija u d-difiża tat-teżi, f'konformità mar-rekwiżit tal-Master konġunt. Matul dan il-perjodu, il-borża ta' studju tista' tingħata biss b'mod sħiħ, u lil studenti full-time.

Il-borża ta' studju tingħata għal reġistrazzjoni full-time, u se tkopri d-durata kollha tal-programm ta' Master (jiġifieri 12-il xahar, 18-il xahar, 24 xahar). Durata mnaqqsa tal-borża ta' studju hija applikabbli f'każ ta' rikonoxximent ta' apprendiment preċedenti (b'durata minima ta' borża ta' studju ta' sena akkademika waħda).

L-istudenti li qabel ikunu kisbu borża ta' studju tal-EMJM ma humiex eliġibbli biex japplikaw għal borża ta' studju addizzjonali taħt il-EMJM.

Il-boroż ta' studju tal-EMJM jistgħu jiġu offruti lil studenti minn madwar id-dinja kollha. Madankollu, il-konsorzji għandhom jiżguraw bilanċ ġeografiku – jiġifieri mhux aktar minn 10 % tan-numru totali ta' boroż ta' studju mogħtija matul l-implimentazzjoni tal-proġett għandhom jingħataw lil kandidati mill-istess nazzjonalità (din ir-regola ma tapplikax għall-boroż ta' studju addizzjonali għal reġjuni tad-dinja fil-mira, jekk applikabbli).

<u>Kalkolu tal-borża ta' studju massima għal kull student:</u>

Il-borża ta' studju hija kkalkulata bħala: **EUR 1,400/xahar x DS**

Fejn **DS** = durata tal-programm ta' Master.

Kalkolu tal-ammont massimu ta' borża ta' studju tal-EMJM għad-durata tal-ftehim ta' għotja:

L-ammont massimu tal-borża ta' studju huwa kkalkulat bħala: **EUR 1,400/xahar x DR x NRS**
Fejn:

- **DR** = durata massima f'xhur tal-programm ta' Master (eż. 12-il xahar, 18-il xahar, 24 xhur)
- **NRS** = numru ta' boroż ta' studju previsti għad-durata kollha tal-ftehim ta' għotja (massimu ta' 60, eskluži boroż ta' studju addizzjonali għal reġjuni tad-dinja fil-mira, jekk applikabbli)

Kontribuzzjoni għall-ħtiġijiet individwali tal-istudenti b'diżabilità

Il-kontribuzzjoni għall-ħtiġijiet individwali hija eliġibbli jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà stabbiliti fil-ftehim ta' għotja. Dawn se jintużaw għal studenti rreġistrati (dawk li għandhom borża ta' studju jew dawk mingħajrha) b'diżabilità (eż. insuffiċjenzi fiżiċi, mentali, intellettwali jew sensorji fit-tul), bħal dawk relatati mal-akkwist ta' oġġetti jew servizzi speċjali (eż. assistenza minn persuni terzi, adattament tal-ambjent tax-xogħol, kostijiet addizzjonali tal-ivvjaġġar/tat-trasport).

L-appoġġ sabiex jiġu koperti tali ħtiġijiet individwali ta' studenti rreġistrati, se jieħu l-forma tal-kostijiet unitarji ta' ħtiġijiet speċjali li ġejjin:

(a) EUR 3,000
(b) EUR 4,500
(c) EUR 6,000
(d) EUR 9,500
(e) EUR 13,000
(f) EUR 18,500
(g) EUR 27,500
(h) EUR 35,500
(i) EUR 47,500
(j) EUR 60,000

Kalkolu tal-kontribuzzjoni tal-kost unitarju għal kull student:

L-istudenti rreġistrati se jiddikjaraw liema tip ta' oġġetti/servizzi huma meħtieġa u l-kost tagħhom. Il-kost unitarju applikabbli se jiġi identifikat bħala r-rata li tikkorrispondi għal ispejjeż stmati jew li hija immedjatament inqas. Dan il-kost unitarju huwa kontribuzzjoni, u ma huwiex maħsub sabiex ikopri bis-sħiħ il-kostijiet reali.

NB: kostijiet taħt l-inqas rata (jiġifieri inqas minn EUR 3,000) ma humiex se jkunu eliġibbli għal appoġġ addizzjonali u se jkollhom jiġu koperti mill-kontribuzzjoni għall-kostijiet istituzzjonali tal-EMJM jew minn sorsi oħrajn ta' finanzjament tal-istituzzjonijiet benefiċjarji.

Kalkolu tal-kontribuzzjoni massima allokata lill-EMJM għad-durata tal-ftehim ta' għotja:

Fl-istadju tal-applikazzjoni, abbażi tal-istima tagħhom, l-applikanti se jitolbu massimu ta' żewġ kostijiet unitarji, li jikkorrispondu għall-ogħla kostijiet unitarji disponibbli, jiġifieri massimu ta' 2 x EUR 60,000. Dan l-ammont se jintuża biex jiġu allokati l-kostijiet unitarji lill-istudenti kkonċernati.

Fl-istadju tal-implimentazzjoni, il-kostijiet unitarji se jieħdu l-forma ta' kontribuzzjoni unitarja ta' kull xahar, ikkalkulata kif ġej:

{unità ta' bżonnijiet speċjali x (1/numru ta' xhur)}

In-numru ta' xhur fil-formula ta' hawn fuq għandu jikkorrispondi għan-numru ta' xhur li fihom intużaw jew ġew prodotti oġġetti jew servizzi ta' bżonnijiet speċjali għall-implimentazzjoni tal-azzjoni, skont in-natura tal-oġġetti jew tas-servizzi. Għal kostijiet ta' darba, in-numru ta' xhur għandu jikkorrispondi għal 1.

FONDI ADDIZZJONALI GĦAL STUDENTI MINN REĠJUNI TAD-DINJA FIL-MIRA

L-applikanti jistgħu japplikaw għal fondi addizzjonali għal studenti minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm mir-reġjuni li ġejjin:**Ir-Reġjuni 1, 3, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11** iffinanzjati mill-istrumenti ta' azzjoni esterna tal-UE.

L-EMJMs proposti għall-finanzjament jistgħu jirċievu sa 31 borża ta' studju addizzjonali (inklużi l-kostijiet istituzzjonali korrispondenti) iffinanzjati mill-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI), u sa 4 boroż ta' studju addizzjonali (inklużi l-kostijiet istituzzjonali korrispondenti) iffinanzjati mill-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) għad-durata kollha tal-kors ta' Master. Dawn il-boroż ta' studju addizzjonali huma offruti biex jirrispondu għall-prijoritajiet stabbiliti tal-azzjoni esterna tal-UE fir-rigward tal-edukazzjoni għolja u jqisu l-livelli differenti ta' żvilupp ekonomiku u soċjali fil-pajjiżi terzi rilevanti mhux assoċjati mal-Programm. Dawn il-boroż ta' studju se jiġu allokati lill-EMJMs magħżula għal finanzjament skont il-klassifikazzjoni tagħhom f'ordni dekrexxenti, u billi jitqies il-baġit disponibbli.

Aktar informazzjoni dwar l-ammonti disponibbli taħt kull pakkett baġitarju se tiġi ppubblikata fuq il-Portal tal-Opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti (FTOP). Il-fondi se jkollhom jintużaw b'mod ġeografikament ibbilanċjat u l-istituzzjonijiet huma mħeġġa jirreklutaw studenti fl-ifqar pajjiżi terzi u f'dawk l-inqas żviluppati li ma humiex assoċjati mal-Programm.

Il-miri ġeografiċi u s-sehem tal-baġit indikattiv stabbiliti għal din l-azzjoni huma dawn li ġejjin:

- Reġjun 1 (Il-Balkani tal-Punent): Se tingħata attenzjoni partikolari lill-boroż ta' studju fl-oqsma tat-tibdil fil-klima, l-ambjent u l-enerġija, it-teknoloġiji diġitali, l-inġinerija, it-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi
- Reġjun 3 (Viċinat tan-Nofsinhar): 8 % tal-baġit disponibbli min-NDICI.
- Reġjun 5 (l-Asja): 23 % tal-baġit disponibbli min-NDICI. Se tingħata prijorità lill-pajjiżi l-inqas żviluppati.
- Reġjun 6 (l-Asja Ċentrali): 9 % tal-baġit disponibbli min-NDICI. Se tingħata prijorità lill-pajjiżi l-inqas żviluppati.
- Reġjun 7 (il-Lvant Nofsani): 3 % tal-baġit disponibbli min-NDICI. Se tingħata prijorità lill-pajjiżi l-inqas żviluppati.
- Reġjun 8 (il-Paċifiku): 1 % tal-baġit disponibbli min-NDICI. Se tingħata prijorità lill-pajjiżi l-inqas żviluppati.
- Reġjun 9 (l-Afrika sub-Saħarjana): 31 % tal-baġit disponibbli min-NDICI. Se tingħata prijorità lill-pajjiżi l-inqas żviluppati. Għandha ssir enfasi speċjali wkoll fuq il-pajjiżi prijoritarji tal-migrazzjoni. L-ebda pajjiż ma jista' jkollu aċċess għal aktar minn 8 % tal-finanzjament previst għar-Reġjun.
- Reġjun 10 (l-Amerka Latina): 24 % tal-baġit disponibbli min-NDICI.Massimu ta' 30 % għall-Brażil u l-Messiku flimkien.
- Reġjun 11 (il-Karibew): 1 % tal-baġit disponibbli min-NDICI.

Il-baġits u l-prijoritajiet fil-mira reġjonali japplikaw b'mod indikattiv fil-livell tal-proġett u se jiġu mmonitorjati fl-istadju tal-implimentazzjoni.

Kalkolu tal-għotja finali

L-għotja finali se tiġi kkalkulata fl-istadju finali tar-rapportar abbażi tan-numru ta' boroż ta' studju mogħtija, in-numru ta' studenti rreġistrati u n-numru reali ta' kostijiet unitarji allokati għall-ħtiġijiet individwali, sakemm l-ammont totali ma jaqbiżx l-għotja massima mogħtija. Il-proġetti se jkollhom il-flessibbiltà li jittrasferixxu fondi bejn boroż ta' studju (minbarra boroż ta' studju supplimentari għal reġjuni tad-dinja fil-mira, jekk applikabbli) u ħtiġijiet individwali skont il-ħtiġijiet reali u f'konformità mal-ftehim ta' għotja. Trasferimenti bejn l-intestaturi tal-baġit u bejn l-istrumenti ta' finanzjament ma humiex permessi.

Aktar dettalji huma deskritti fil-mudell tal-Ftehim ta' Għotja disponibbli fil-Portal tal-Opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti (FTOP).

Lott 2: Miżuri tat-Tfassil tal-Erasmus Mundus

Il-Miżuri tat-Tfassil tal-Erasmus Mundus għandhom isaħħu l-kapaċitajiet tal-universitajiet biex jimmodernizzaw u jinternazzjonalizzaw il-kurrikuli u l-prattiki tat-tagħlim tagħhom, jgħaqqdu r-riżorsi tagħhom, u għas-sistemi tal-edukazzjoni għolja biex jiżviluppaw mekkaniżmi komuni relatati mal-assigurazzjoni tal-kwalità, l-akkreditazzjoni u r-rikonoxximent tal-lawrji u l-krediti. Dan l-appoġġ huwa maħsub ukoll sabiex jesplora u jisfrutta l-opportunitajiet offruti mill-Approċċ Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità ta' Programmi Konġunti. Abbażi tal-grad għoli ta' għaqda/integrazzjoni fost l-istituzzjonijiet parteċipanti, programmi tranżnazzjonali integrati bħal dawn għandhom jikkontribwixxu għall-integrazzjoni u l-internazzjonalizzazzjoni taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja (EHEA).

OBJETTIV TAL-MIŻURI TAT-TFASSIL TAL-ERASMUS MUNDUS

L-objettiv ewlieni tal-Miżuri tat-Tfassil tal-Erasmus Mundus huwa li jitħeġġeġ l-iżvilupp ta' **programmi ta' studju** fil-livell ta' Master ġodda, innovattivi, ta' livell għoli, integrati u tranżnazzjonali. Dawn il-miżuri ta' tfassil għandhom **jinvolvu** (a) l-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm, u/jew (b) l-istituzzjonijiet minn dawn il-pajjiżi, u/jew (c) oqsma tematiċi **sottorappreżentati tal-Erasmus Mundus (ara l-Katalgu tal-Erasmus Mundus)[235].**

LIEMA HUMA L-KRITERJI LI GĦANDHOM JIĠU SSODISFATI BIEX WIEĦED JAPPLIKA GĦALL-MIŻURI TAT-TFASSIL TAL-ERASMUS MUNDUS?

Sabiex ikunu eliġibbli għal għotja, il-proposti ta' proġetti għal Miżuri tat-Tfassil tal-Erasmus Mundus iridu jikkonformaw mal-kriterji li ġejjin:

Min jista' japplika?	L-applikanti jeħtiġilhom ikunu entitajiet legali: - istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja (HEIs); - stabbiliti fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm jew f'pajjiż terz eliġibbli mhux assoċjat mal-Programm. **Eċċezzjoni:** l-organizzazzjonijiet mill-Belarussja (ir-Reġjun 2) u mill-Federazzjoni Russa (ir-Reġjun 4) ma humiex eliġibbli biex jipparteċipaw f'din l-azzjoni. Il-HEIs stabbiliti fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm irid ikollhom Karta Erasmus għall-Edukazzjoni Għolja (ECHE). L-ECHE ma hijiex meħtieġa għall-HEIs parteċipanti minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, iżda dawn se jkollhom jikkonformaw mal-prinċipji tagħha.
Post tal-attivitajiet	L-attivitajiet jistgħu jsiru fi kwalunkwe pajjiż eliġibbli.

[235] https://eacea.ec.europa.eu/erasmus-plus/emjmd-catalogue_mt

Durata tal-proġett	Normalment il-proġetti għandhom idumu 15-il xahar (jistgħu jsiru estensjonijiet, jekk ikunu ġġustifikati kif xieraq u permezz ta' emenda).
Fejn napplika?	Mal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura. ID tas-Sejħa: ERASMUS-EDU-2023-EMJM-DESIGN
Meta napplika?	L-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għal għotja sas-**16 ta' Frar fil-17:00:00** (ħin ta' Brussell).

L-organizzazzjonijiet applikanti se jiġu vvalutati skont il-kriterji tal-esklużjoni u tal-għażla rilevanti. Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkonsulta l-Parti C ta' din il-Gwida.

STABBILIMENT TA' PROĠETT

L-EMDM jappoġġaw it-tfassil ta' programmi ta' studju ta' livell għoli fil-livell ta' Master[236], li jitwassal b'mod konġunt minn konsorzju internazzjonali ta' HEIs minn pajjiżi differenti madwar id-dinja u, fejn rilevanti, sħab oħra edukattivi u/jew mhux edukattivi b'għarfien espert speċifiku u interess fl-oqsma ta' studju/oqsma professjonali kkonċernati.

L-EMDM huma proġetti monobeneficjarji. Il-beneficjarju se jibda l-attivitajiet ta' kuntatt u kollaborazzjoni bil-ħsieb li jistabbilixxi programm ta' Master f'konformità mad-definizzjoni ta' "programm ta' Master integrat" (ara t-taqsima EMJM "Stabbiliment ta' proġett"). Fl-istadju tal-applikazzjoni, il-beneficjarju għandu jidentifika l-organizzazzjonijiet parteċipanti. Madankollu, dawn mhux se jieħdu sehem fil-proċess firmatarju tal-ftehim ta' għotja. L-attivitajiet ippjanati se jiġu deskritti taħt il-Parti B tal-formola tal-applikazzjoni u f'pakkett ta' ħidma uniku.

Sal-aħħar tal-perjodu ta' finanzjament, il-Master imfassal b'mod konġunt għandu:

- Joffri kurrikulu kompletament integrat imwassal minn konsorzju ta' HEIs (magħmul minn tal-inqas tliet HEIs minn tliet pajjiżi differenti, li mill-inqas tnejn minnhom iridu jkunu Stati Membri tal-UE u pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm);
- Jimmira li jirrekluta studenti eċċellenti madwar id-dinja;
- Jinkludi l-mobbiltà fiżika obbligatorja għall-istudenti kollha reklutati;
- Iwassal jew għal lawrja konġunta (jiġifieri diploma waħda unika mogħtija f'isem tal-inqas żewġ HEIs minn pajjiżi differenti, li tal-inqas wieħed minnhom irid ikun Stat Membru tal-UE jew pajjiż terz assoċjat mal-Programm), jew lawrji multipli (jiġifieri mill-inqas żewġ diplomi maħruġa minn żewġ istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja minn pajjiżi differenti, li mill-inqas wieħed minnhom irid ikun Stat Membru tal-UE jew pajjiż terz assoċjat mal-Programm), jew kombinazzjoni tat-tnejn.

Il-proġett huwa mistenni wkoll li jkun fassal il-mekkaniżmi konġunti li ġejjin:

- Rekwiżiti konġunti ta' ammissjoni għall-istudenti u regoli/proċeduri ta' applikazzjoni, għażla, monitoraġġ, eżami/evalwazzjoni tal-prestazzjoni;
- Tfassil ta' programm konġunt u attivitajiet integrati ta' tagħlim/taħriġ;
- Servizzi komuni offruti lill-istudenti (eż. korsijiet tal-lingwa, appoġġ għall-viża);
- Strateġija konġunta ta' promozzjoni u ta' sensibilizzazzjoni;
- Ġestjoni amministrattiva u finanzjarja konġunta mill-konsorzju;

[236] LIVELL 7 TAL-KLASSIFIKAZZJONI STANDARD INTERNAZZJONALI TAL-EDUKAZZJONI ISCED 2011.

- Politika dwar lawrja konġunta;
- Abbozz ta' ftehim ta' sħubija konġunta li jinvolvi mill-inqas tliet HEIs minn tliet pajjiżi differenti, li mill-inqas tnejn minnhom għandhom ikunu Stati Membri tal-UE u pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm. Dan il-ftehim huwa maħsub sabiex ikopri l-aspetti akkademiċi, operazzjonali, amministrattivi u finanzjarji kollha relatati mal-implimentazzjoni tal-programm ta' Master.
- Abbozz ta' Ftehim konġunt tal-Istudenti.

Il-programm ta' Master li qiegħed jiġi żviluppat huwa mistenni jaderixxi mal-Istandards għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità tal-Programmi Konġunti fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja (EHEA)[237].

Huwa mħeġġeġ li mill-inqas iniedu kwalunkwe proċess ta' akkreditazzjoni/evalwazzjoni qabel it-tmiem tal-proġett, u jesploraw l-opportunitajiet offruti mill-Approċċ Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità ta' Programmi Konġunti (jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali tippermetti dan).

IMPATT MISTENNI

- L-HEIs Ewropej u mhux Ewropej jingħataw opportunitajiet għall-iżvilupp ta' sħubijiet ġodda;
- Tittejjeb il-kwalità u titrawwem l-innovazzjoni fil-programmi fil-livell ta' Master u fl-arranġamenti ta' superviżjoni;
- Jiżdiedu l-internazzjonalizzazzjoni u l-kompetittività tal-organizzazzjonijiet parteċipanti;
- Tiżdied l-attraenza tal-organizzazzjoni(jiet) parteċipanti lejn studenti b'talent;
- Jingħata kontribut għall-politiki tal-internazzjonalizzazzjoni tal-universitajiet billi tiġi żviluppata sensibilizzazzjoni internazzjonali permezz tal-kurrikuli tagħhom u t-tfassil ta' strateġiji komprensivi ta' internazzjonalizzazzjoni (kooperazzjoni istituzzjonali u mobbiltà transfruntiera tal-persuni).

KRITERJI GĦALL-GĦOTI

Rilevanza **(punteġġ massimu ta' 40 punt)**	**Sfond u objettivi ġenerali** • L-għanijiet kumplessivi u l-objettivi ġenerali tal-proġett u r-rilevanza tagħhom fir-rigward tal-Miżuri tat-Tfassil tal-Erasmus Mundus. **Analiżi tal-ħtiġijiet u objettivi speċifiċi** • Ir-raġunament għat-tfassil ta' programm ta' Master integrat ħafna. • Il-kontribuzzjoni għall-iżvilupp ta' sħubijiet ġodda u l-potenzjal li jiġu involuti (a) l-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm, u/jew (b) l-istituzzjonijiet minn dawn il-pajjiżi, u/jew (c) l-oqsma tematiċi tal-Erasmus Mundus sottorappreżentati. **Komplementarjetà ma' azzjonijiet u innovazzjonijiet oħrajn** • L-ambizzjoni tal-proġett meta mqabbla mal-offerta ta' programmi ta' Master eżistenti u l-kontribuzzjoni għall-attraenza tal-EHEA.

[237] HTTPS://WWW.EQAR.EU/KB/JOINT-PROGRAMMES/AGREED-STANDARDS/

Kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 20 punt)**	**Kunċett u metodoloġija** • L-adegwatezza u l-fattibbiltà tal-attivitajiet ippjanati biex jinkisbu l-objettivi u l-eżiti mistennija. **Ġestjoni tal-proġetti, assigurazzjoni tal-kwalità u strateġija ta' monitoraġġ u evalwazzjoni** • Il-miżuri previsti biex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tal-proġett tkun ta' kwalità għolja u titlesta fil-ħin. • Il-passi ppjanati għat-tnedija ta' proċess ta' akkreditazzjoni/evalwazzjoni għall-kors ta' Master propost, jekk possibbli billi jittieħed vantaġġ mill-opportunitajiet offruti mill-Approċċ Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità tal-Programmi Konġunti. **Timijiet tal-proġetti, persunal u esperti** • Ir-riżorsi operazzjonali previsti (inklużi l-organizzazzjonijiet parteċipanti) b'rabta mal-attivitajiet u l-eżiti ppjanati. • Definizzjoni tar-rwoli u d-distribuzzjoni tal-kompiti fit-tim tal-proġett.
Kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni **(punteġġ massimu ta' 20 punt)**	**Stabbiliment tal-konsorzju** • Ir-rwol mistenni tal-organizzazzjonijiet parteċipanti. Il-kontribuzzjoni tagħhom għall-implimentazzjoni tal-proġett, u t-tfassil tal-programm ta' Master. • Ir-raġunament għall-parteċipazzjoni, il-valur miżjud u l-komplementarjetà tagħhom.
Impatt **(punteġġ massimu ta' 20 punt)**	**Impatt u ambizzjoni** • L-impatt mistenni u l-ambizzjoni tal-proġett tal-EMDM il-ġdid. **Komunikazzjoni, tixrid u viżibbiltà** • Attivitajiet previsti għall-promozzjoni u t-tixrid tal-programm tal-Master il-ġdid u l-eżiti tal-proġett. **Sostenibbiltà u kontinwazzjoni** • Passi previsti sabiex jitnieda/jiġi implimentat b'suċċess il-programm ta' Master il-ġdid (inkluża l-approvazzjoni istituzzjonali) u miżuri previsti sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tiegħu (inkluża l-identifikazzjoni ta' sorsi possibbli ta' finanzjament).

Sabiex jiġu kkunsidrati għall-finanzjament, il-proposti jridu jiksbu tal-inqas **60 punt.** F'każijiet *ex aequo*, se tingħata prijorità lill-ogħla punteġġi għar-"Rilevanza tal-proġett" u mbagħad, għall-"impatt".

X'INHUMA R-REGOLI TA' FINANZJAMENT?

L-appoġġ jieħu l-forma ta' kontribuzzjoni finanzjarja ta' somma f'daqqa għall-kostijiet marbuta direttament mal-attivitajiet meħtieġa biex jiġi stabbilit il-programm ta' Master il-ġdid, bħal laqgħat u konferenzi, studji/stħarriġ, proċess ta' akkreditazzjoni/evalwazzjoni, eċċ. Il-kontribuzzjoni tista' tintuża wkoll biex tkopri l-kostijiet tal-persunal, il-kostijiet tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni, il-kostijiet amministrattivi u l-attivitajiet subkuntrattati, diment li jkunu rilevanti għall-implimentazzjoni tal-Miżuri tat-Tfassil tal-Erasmus Mundus.

Is-somma f'daqqa se tammonta għal **EUR 55,000 għal kull proġett**

Il-parametri tal-għotja se jiġu stabbiliti fil-Ftehim ta' Għotja.

Għall-pagament finali tal-għotja, il-benefiċjarji se jkollhom jipprovdu evidenza li l-attivitajiet previsti fl-applikazzjoni tagħhom twettqu b'mod sħiħ u sodisfaċenti.

Aktar dettalji huma deskritti fil-mudell tal-Ftehim ta' Għotja disponibbli fil-Portal tal-Opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti (FTOP).

SĦUBIJIET GĦALL-INNOVAZZJONI

Sħubijiet għal proġetti ta' appoġġ għall-innovazzjoni li għandhom l-għan li jiksbu impatt sistemiku fil-livell Ewropew billi jkollhom il-kapaċità li jużaw l-eżiti tal-proġett fuq skala Ewropea u/jew billi jkunu jistgħu jittrasferixxuhom f'kuntesti tematiċi jew ġeografiċi differenti. Huma jiffokaw fuq oqsma tematiċi li huma strateġiċi għat-tkabbir u l-kompetittività tal-Ewropa u l-koeżjoni soċjali. L-azzjonijiet li ġejjin huma inklużi fil-qafas ta' dan it-tip ta' sħubijiet:

- Alleanzi għall-innovazzjoni
- Proġetti li Jħarsu 'l Quddiem

Dawn l-azzjonijiet huma ġestiti mill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA)

ALLEANZI GĦALL-INNOVAZZJONI

L-**Alleanzi għall-Innovazzjoni** għandhom l-għan li jsaħħu l-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Ewropa billi jagħtu spinta lill-innovazzjoni permezz tal-**kooperazzjoni u l-fluss tal-għarfien** fost l-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (kemm inizjali kif ukoll kontinwi), u l-ambjent soċjoekonomiku usa', inkluża r-riċerka.

Huma għandhom ukoll l-għan li jagħtu spinta lill-provvista ta' ħiliet ġodda u jindirizzaw l-ispariġġi fil-ħiliet billi jfasslu u joħolqu kurrikuli ġodda **għall-edukazzjoni għolja (HE) u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET)** , filwaqt li jappoġġaw l-iżvilupp ta' **sens ta' inizjattiva** u ta' **mentalitajiet intraprenditorjali** fl-UE.

OBJETTIVI TAL-AZZJONI

Dawn is-sħubijiet għandhom jimplimentaw sett koerenti u komprensiv ta' attivitajiet **settorjali jew transsettorjali**, li għandhom ikunu adattabbli għal żviluppi futuri fl-għarfien madwar l-UE.

Sabiex tingħata spinta lill-innovazzjoni, l-enfasi se tkun fuq **it-talent u l-iżvilupp tal-ħiliet**. L-ewwel nett, il-kompetenzi diġitali saru dejjem aktar importanti fil-profili kollha tal-impjiegi fis-suq tax-xogħol kollu. It-tieni, it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u aktar ekoloġika jeħtieġ tkun sostnuta mit-tibdil fil-kwalifiki u fil-kurrikuli nazzjonali tal-edukazzjoni u tat-taħriġ biex jintlaħqu l-ħtiġijiet professjonali emerġenti għal **ħiliet ekoloġiċi** u għal żvilupp sostenibbli. It-tielet, it-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika teħtieġ adozzjoni aċċellerata ta' teknoloġiji ġodda, b'mod partikolari fl-oqsma innovattivi ħafna tat-teknoloġija avvanzata, fis-setturi kollha tal-ekonomija u fis-soċjetà tagħna.

L-objettivi tasl-Alleanzi għall-Innovazzjoni jistgħu jinkisbu billi jiġi applikat wieħed jew iż-żewġ Lottijiet li ġejjin (organizzazzjoni tista' tkun involuta f'bosta proposti):

Lott 1: Alleanzi għall-Edukazzjoni u l-Intrapriżi

L-Alleanzi għall-Edukazzjoni u l-Intrapriżi huma proġetti tranżnazzjonali, strutturati u mmexxija mir-riżultati, li fihom is-sħab jikkondividu għanijiet komuni u jaħdmu flimkien sabiex irawmu l-innovazzjoni, ħiliet ġodda, sens ta' inizjattiva u mentalitajiet intraprenditorjali.

Huma għandhom l-għan li jrawmu l-innovazzjoni fl-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-intrapriżi u l-ambjent soċjoekonomiku usa'. Dan jinkludi l-indirizzar tal-isfidi soċjali u ekonomiċi bħat-tibdil fil-klima, it-tibdil demografiku, id-diġitalizzazzjoni, il-ħolqien ta' teknoloġiji fixkiela ġodda bħall-intelliġenza artifiċjali u t-tibdil rapidu fl-impjiegi permezz tal-innovazzjoni soċjali u r-reżiljenza tal-komunità, kif ukoll l-innovazzjoni tas-suq tax-xogħol.

L-Alleanzi għall-Edukazzjoni u l-Intrapriżi jlaqqgħu flimkien l-intrapriżi u kemm il-forniturі tal-edukazzjoni għolja kif ukoll dawk tat-taħriġ vokazzjonali biex jaħdmu flimkien fi sħubija. Filwaqt li joperaw f'settur ekonomiku wieħed jew f'bosta setturi ekonomiċi differenti, dawn joħolqu relazzjonijiet affidabbli u sostenibbli u juru l-karattru innovattiv u tranżnazzjonali tagħhom fl-aspetti kollha. Filwaqt li kull sħubija trid tinkludi mill-inqas VET wieħed u organizzazzjoni waħda tal-edukazzjoni għolja, dawn jistgħu jindirizzaw jew it-tnejn li huma jew wieħed minn dawn l-oqsma edukattivi. Il-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet tal-VET u tal-edukazzjoni għolja għandha tkun rilevanti u għandha tkun ta' benefiċċju għaż-żewġ setturi.

Għandhom l-għan li jilħqu waħda jew aktar mill-miri li ġejjin:

- Irawmu **approċċi ġodda, innovattivi u multidixxiplinari għat-tagħlim u l-apprendiment**: irawmu l-innovazzjoni fit-tfassil u t-twassil tal-edukazzjoni, il-metodi ta' tagħlim, it-tekniki ta' valutazzjoni, l-ambjenti ta' apprendiment u/jew l-iżvilupp ta' ħiliet ġodda;

- **Appoġġ għall-iżvilupp tal-ħiliet fl-oqsma tat-teknoloġija avvanzata**; jappoġġaw il-kapaċità ta' innovazzjoni tal-Ewropa billi jwessgħu l-grupp ta' talent tagħha f'dawn it-teknoloġiji fixkiela ġodda;

- Irawmu **l-istabbiliment ta' inkubaturi** fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u tat-taħriġ madwar l-Ewropa;

- Irawmu **r-responsabbiltà soċjali korporattiva** (eż. l-ekwità, l-inklużjoni, it-tibdil fil-klima, il-protezzjoni ambjentali u l-iżvilupp sostenibbli);

- Jistimulaw **sens ta' inizjattiva** u **attitudnijiet, mentalitajiet u ħiliet intraprenditorjali** fl-istudenti, il-persunal edukattiv u ħaddiema oħrajn, f'konformità mal-Qafas ta' Kompetenza tal-Intraprenditorija (EntreComp)[238];

- Itejbu l-**kwalità u r-rilevanza tal-ħiliet** żviluppati u ċċertifikati permezz tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ (inkluż ħiliet ġodda u l-indirizzar tal-ispariġġi fil-ħiliet);

- Jiffaċilitaw il-**fluss u l-ħolqien konġunt tal-għarfien** bejn l-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, ir-riċerka, is-settur pubbliku u s-settur tan-negozju;

- Jibnu u jappoġġaw **sistemi** effettivi u effiċjenti ta' edukazzjoni għolja u ta' **edukazzjoni u taħriġ** vokazzjonali, li huma konnessi u inklużivi, u li jikkontribwixxu għall-innovazzjoni.

Lott 2: Alleanzi għal Kooperazzjoni Settorjali dwar il-Ħiliet (l-implimentazzjoni tal-"Blueprint"[239])

L-Alleanzi għall-Kooperazzjoni Settorjali dwar il-Ħiliet għandhom l-għan li joħolqu approċċi strateġiċi ġodda u kooperazzjoni għal soluzzjonijiet konkreti għall-iżvilupp tal-ħiliet – kemm fuq perjodu qasir kif ukoll fuq dak medju – f'oqsma li jimplimentaw azzjoni ewlenija tal-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza, il-**Patt għall-Ħiliet**. L-objettiv ewlieni tal-Patt huwa li jimmobilizza u jinċentiva lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex jieħdu azzjonijiet konkreti għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol, billi jiġbru flimkien l-isforzi u jistabbilixxu sħubijiet, anke fil-livell tal-UE li jindirizzaw il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, l-appoġġ għal tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali kif ukoll għal strateġiji ta' ħiliet u tkabbir nazzjonali, reġjonali u lokali. Għalhekk, ir-riżultati tanġibbli tal-Alleanzi għall-Kooperazzjoni Settorjali dwar il-Ħiliet, jiġifieri l-informazzjoni settorjali dwar il-ħiliet, l-istrateġiji tal-ħiliet, il-profili okkupazzjonali, il-programmi ta' taħriġ, u l-ippjanar fit-tul, se jkunu kontribuzzjoni importanti għall-ħidma tas-sħubijiet fuq skala kbira bbażati fuq l-ekosistemi li ngħaqdu mal-Patt għall-Ħiliet.

L-Alleanzi għall-Kooperazzjoni Settorjali dwar il-Ħiliet ifittxu li jindirizzaw id-diskrepanzi fil-ħiliet fis-suq tax-xogħol li jxekklu t-tkabbir, l-innovazzjoni u l-kompetittività f'setturi jew f'oqsma speċifiċi, bil-għan kemm ta' interventi fuq perjodu qasir kif ukoll ta' strateġiji fit-tul. Dawn l-Alleanzi se jiġu implimentati fl-14-il ekosistema industrijali identifikati fl-Istrateġija Industrijali l-Ġdida għall-Ewropa[240] (ara l-kriterji tal-eliġibbiltà).

Is-sħubijiet fuq skala kbira tal-Patt għall-Ħiliet fl-ekosistemi se jibnu fuq il-Blueprint għall-kooperazzjoni settorjali dwar il-ħiliet. Għalhekk, l-Alleanzi fil-qafas tal-Lott 2 se jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-impenji tal-Patt billi jiżviluppaw strateġiji tal-ħiliet settorjali. Dawn l-istrateġiji jridu jwasslu għal impatt sistemiku u strutturali fuq it-tnaqqis tan-nuqqasijiet, id-diskrepanzi u l-ispariġġi fil-ħiliet, kif ukoll fuq l-iżgurar tal-kwalità u tal-livelli tal-ħiliet xierqa. L-istrateġiji tal-ħiliet settorjali jridu jinkludu sett ċar ta' attivitajiet, stadji importanti u objettivi definiti sew bil-għan li jkun hemm tlaqqigħ fid-domanda u fil-provvista tal-ħiliet b'appoġġ tal-implimentazzjoni kumplessiva tas-sħubijiet tal-ħiliet fuq skala

[238] https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/bitstream/JRC101581/lfna27939enn.pdf
[239] L-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza: https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1223
[240] COM/2020/102 final: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52020DC0102

kbira bbażati fuq l-ekosistemi skont il-Patt. L-Alleanzi għandhom l-għan li jibnu l-bażijiet għal dawn is-sħubijiet tal-Ħiliet u jiddefinixxu l-perkors li għandu jitkompla wara li jiġu ffinalizzati l-proġetti.

Abbażi tal-evidenza dwar il-ħtiġijiet tal-ħiliet fir-rigward ta' profili okkupazzjonali, l-Alleanzi tal-Blueprint jappoġġaw it-tfassil u t-twassil ta' kontenut tranżnazzjonali ta' edukazzjoni u taħriġ, kif ukoll metodoloġiji ta' tagħlim u taħriġ, għall-adozzjoni rapida fil-livell reġjonali u lokali u għal okkupazzjonijiet ġodda li qegħdin jitfaċċaw.

Il-proposti għandhom jinkludu t-tfassil ta' programmi ta' taħriġ vokazzjonali kontinwi sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet urġenti tal-ħiliet tal-persuni fl-età tax-xogħol. Il-proposti għandhom jinkludu wkoll żviluppi ta' profili okkupazzjonali emerġenti, kwalifiki relatati, li għandhom ikopru livelli tal-VET superjuri u postsekondarji (livelli tal-QEK minn 3 sa 5) u livelli terzjarji (livelli tal-QEK minn 6 sa 8). Barra minn hekk, il-proposti għandhom jinkludu t-tfassil ta' kurrikuli ewlenin relatati u programmi ta' edukazzjoni u taħriġ li jwasslu għal dawk il-kwalifiki.

Kull proġett irid jinkludi fost is-sħab tiegħu kemm l-organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) kif ukoll dawk tal-edukazzjoni għolja (HE) u l-atturi tas-suq tax-xogħol. Idealment dawn jinvolvu wkoll il-korpi ta' politika, il-korpi ta' ċertifikazzjoni kif ukoll l-assoċjazzjonijiet settorjali Ewropej u r-rappreżentanti tal-industrija.

LIEMA HUMA L-KRITERJI LI GĦANDHOM JIĠU SSODISFATI BIEX WIEĦED JAPPLIKA GĦAL SĦUBIJIET GĦALL-INNOVAZZJONI?

KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ

Sabiex ikunu eliġibbli għal għotja tal-Erasmus+, il-proposti tal-proġett għal-**Lott 1 - Alleanzi għall-Edukazzjoni u l-Intrapriżi** iridu jikkonformaw mal-kriterji li ġejjin:

Min jista' japplika?	L-applikanti (koordinatur u sħab sħaħ) jeħtiġilhom ikunu: - organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati; - Istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, forniturі tal-VET, Networks ta' forniturі tal-VET, Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jew kbar (inklużi intrapriżi soċjali), Istituti tar-riċerka, Organizzazzjonijiet mhux governattivi, Korpi pubbliċi fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali, Organizzazzjonijiet attivi fl-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ, Intermedjarji li jirrappreżentaw organizzazzjonijiet jew intrapriżi tal-edukazzjoni, tat-taħriġ jew taż-żgħażagħ, Korpi tal-akkreditazzjoni, taċ-ċertifikazzjoni, tar-rikonoxximent jew tal-kwalifiki, Kmamar tal-kummerċ, tal-industrija jew tax-xogħol, kmamar tal-artiġjanat, Sħab soċjali Ewropej jew nazzjonali, Sptarijiet jew istituzzjonijiet oħrajn tal-kura, inkluża l-kura fit-tul, Awtoritajiet responsabbli għall-edukazzjoni, għat-taħriġ jew għall-impjiegi fil-livell reġjonali jew nazzjonali, Servizzi tal-impjiegi, Uffiċċji nazzjonali tal-istatistika, Aġenziji tal-iżvilupp ekonomiku, Assoċjazzjonijiet settorjali jew professjonali, Kunsilli tal-ħiliet settorjali, Korpi li jipprovdu gwida għall-karriera, konsulenza professjonali, servizzi ta' informazzjoni u servizzi għall-impjiegi; - stabbiliti fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm L-organizzazzjonijiet minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm jistgħu jipparteċipaw ukoll bħala sħab sħaħ iżda mhux bħala koordinaturi. **Eċċezzjoni:** l-organizzazzjonijiet mill-Belarussja (ir-Reġjun 2) u mill-Federazzjoni Russa (ir-Reġjun 4) ma humiex eliġibbli biex jipparteċipaw f'din l-azzjoni. L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja stabbiliti fi **Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm** irid ikollhom Karta Erasmus għall-Edukazzjoni Għolja (ECHE) valida. L-ECHE ma hijiex meħtieġa għall-HEIs parteċipanti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm.
Kompożizzjoni tal-konsorzju	L-Alleanzi għall-Edukazzjoni u l-Intrapriżi jridu jkopru mill-inqas **erba' Stati Membri tal-UE jew pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm**, li jinvolvu minimu **ta' tmien applikanti (koordinatur u sħab sħaħ).**Il-konsorzju jrid jinkludi mill-inqas **tliet atturi tas-suq tax-xogħol** (intrapriżi jew kumpaniji, jew organizzazzjonijiet intermedjarji rappreżentattivi, bħal kmamar, trade unions jew assoċjazzjonijiet tal-kummerċ) u mill-inqas **tliet forniturі tal-edukazzjoni u t-taħriġ** (VET u HEIs), bħala applikanti (koordinatur u sħab sħaħ). **Għandu jkun hemm mill-inqas istituzzjoni waħda ta' HE u fornitur wieħed tal-VET involuti bħala applikanti** (koordinatur u sħab sħaħ) **f'kull proposta**. L-entitajiet affiljati ma jgħoddux għall-kriterji minimi tal-eliġibbiltà għall-kompożizzjoni tal-konsorzju.
Durata tal-proġett	Il-proġetti normalment għandhom idumu 24 jew 36 xahar. (jistgħu jsiru estensjonijiet, jekk ikunu ġġustifikati kif xieraq u permezz ta' emenda). Id-durata trid tintgħażel fl-istadju tal-applikazzjoni, abbażi tal-objettiv tal-proġett u tat-tip ta' attivitajiet ippjanati maż-żmien.
Fejn napplika?	Mal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA). ID tas-Sejħa tal-Lott 1: ERASMUS-EDU-2023-PI-ALL-INNO-EDU-ENTERP
Meta napplika?	L-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għal għotja sat-**3 ta' Mejju fil-17:00:00** (ħin ta' Brussell).

Sabiex ikunu eliġibbli għal għotja tal-Erasmus+, il-proposti tal-proġett għal-**Lott 2 - Alleanzi għall-Kooperazzjoni Settorjali dwar il-Ħiliet (l-implimentazzjoni tal-"Blueprint")** iridu jikkonformaw mal-kriterji li ġejjin:

Min jista' japplika?	Diment li jkunu sħab fi sħubijiet tal-ħiliet fuq skala kbira skont il-Patt għall-Ħiliet[241], l-organizzazzjonijiet li ġejjin jistgħu jiġu involuti bħala applikanti (koordinatur u sħab sħaħ) jew sħab assoċjati taħt il-Lott 2 - Alleanzi għall-Kooperazzjoni Settorjali dwar il-Ħiliet (Blueprint). Jistgħu jkunu organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati stabbiliti legalment fi **Stat Membru tal-UE** jew **f'pajjiż terz assoċjat** mal-programm**:** • Istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja • Fornituri tal-VET • Networks ta' fornituri tal-VET • Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jew kbar (inklużi intrapriżi soċjali) • Istituti tar-riċerka • Organizzazzjonijiet mhux governattivi • Korpi pubbliċi fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali • Organizzazzjonijiet attivi fl-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ • Intermedjarji li jirrappreżentaw organizzazzjonijiet jew intrapriżi tal-edukazzjoni, tat-taħriġ jew taż-żgħażagħ • Korpi tal-akkreditazzjoni, taċ-ċertifikazzjoni, tar-rikonoxximent jew tal-kwalifiki • Kmamar tal-kummerċ, tal-industrija jew tax-xogħol, kmamar tal-artiġjanat • Sħab soċjali Ewropej jew nazzjonali • Sptarijiet jew istituzzjonijiet oħrajn tal-kura, inkluża l-kura fit-tul • Awtoritajiet responsabbli għall-edukazzjoni, għat-taħriġ jew għall-impjieg fil-livell reġjonali jew nazzjonali • Servizzi għall-impjiegi • Uffiċċji nazzjonali tal-istatistika • Aġenziji tal-iżvilupp ekonomiku • Assoċjazzjonijiet settorjali jew professjonali • Kunsilli tal-ħiliet settorjali • Korpi li jipprovdu gwida għall-karriera, konsulenza professjonali, servizzi ta' informazzjoni u servizzi għall-impjiegi Barra minn hekk, il-koordinatur jeħtieġlu jkun qiegħed jikkoordina sħubija tal-ħiliet fuq skala kbira bbażata fuq l-ekosistema skont il-Patt għall-Ħiliet. L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja stabbiliti fi **Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm** irid ikollhom Karta Erasmus għall-Edukazzjoni Għolja (ECHE) valida.
Kompożizzjoni tal-konsorzju	Alleanzi għall-Kooperazzjoni Settorjali dwar il-Ħiliet (Blueprint) iridu jkopru mill-inqas **8 Stati Membri tal-UE jew pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm** u jinvolvu mill-inqas **12-il applikant (koordinatur u sħab sħaħ)** Il-konsorzju jrid jinkludi mill-inqas **5 atturi tas-suq tax-xogħol** (intrapriżi jew kumpaniji, jew organizzazzjonijiet intermedjarji rappreżentattivi, bħal kmamar, trade unions jew assoċjazzjonijiet kummerċjali) u mill-inqas **5 fornituri tal-edukazzjoni u tat-taħriġ** (VET u HEIs) bħala applikanti **(koordinatur u sħab sħaħ)**. **Għandu jkun hemm mill-inqas istituzzjoni waħda ta' HE u fornitur wieħed tal-VET involuti bħala applikanti (koordinatur u sħab sħaħ) f'kull proposta.** L-entitajiet affiljati ma jgħoddux għall-kriterji minimi tal-eliġibbiltà għall-kompożizzjoni tal-konsorzju.

[241] https://ec.europa.eu/social/home.jsp?langId=mt

Setturi jew oqsma	**L-14-il ekosistema industrijali kif identifikati fir-Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku għall-2021[242]:** Il-proposti li jkopru l-ekosistemi industrijali li ġejjin se **jkollhom prijorità** jekk ma jkun hemm l-ebda Blueprint relatat li jkun għadu għaddej jew jekk il-Blueprints relatati li jkunu għaddejjin se jintemmu sa tmiem l-2023: **1. Mobbiltà-Trasport-Karozzi**: Produzzjoni ta' vetturi bil-mutur, vapuri u ferroviji, u aċċessorji; It-tiswija u l-manutenzjoni tagħhom; Trasport tal-Merkanzija eċċ. 2. **Tessuti**: Produzzjoni ta' tessuti, ħwejjeġ li jintlibsu, żraben, ġilda u ġojjellerija eċċ. 3. **Enerġija Rinnovabbli**: Muturi, magni u turbini elettriċi; Ġenerazzjoni tal-elettriku; Manifattura u distribuzzjoni tal-gass eċċ. 4. **Elettronika**: Produzzjoni tal-elettronika eċċ. **5. Bl-imnut**: Bejgħ bl-imnut; Bejgħ bl-ingrossa konness mal-konsumaturi eċċ **6. Kostruzzjoni**: Il-bini ta' proprjetà residenzjali u mhux residenzjali; Bini ta' toroq u ferroviji; Bini ta' utilitajiet u inġinerija ċivili; Attivitajiet assoċjati; eċċ. **7. Ajruspazju u Difiża:** Il-produzzjoni tal-inġenji tal-ajru; il-manifattura u s-servizzi tal-ispazju; il-prodotti u t-teknoloġiji tad-difiża, eċċ. **8. Industriji Intensivi fl-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju:** Estrazzjoni tal-fjuwils fossili; Raffinar; Manifattura ta' prodotti b'impatt ambjentali għoli: plastiks, sustanzi kimiċi, fertilizzanti, ħadid u azzar, prodotti bbażati fuq il-foresti, siment, gomma, metalli mhux ferrużi, eċċ. Il-proposti li jkopru l-ekosistemi industrijali li ġejjin **mhux se jkollhom** prijorità minħabba li l-Alleanzi tal-Blueprint relatati għadhom għaddejjin: **9. Turiżmu:** Trasport u vjaġġar tal-passiġġieri; Lukandi, akkomodazzjoni għal żmien qasir; Ristoranti u catering; Avvenimenti, parks tematiċi eċċ. **10. Ikel agrikolu:** Produzzjoni ta' pjanti u annimali; Ipproċessar tal-ikel; Attivitajiet veterinarji eċċ. **11. Industriji Kreattivi u Kulturali:** Gazzetti, kotba u perjodiċi; Films taċ-ċinema, vidjows u televiżjoni; Radju u mużika; eċċ. **12. Diġitali:** Telekomunikazzjonijiet; Software u pprogrammar; Portali web; Manifattura ta' kompjuters u ta' tagħmir, eċċ. **13. Prossimità u Ekonomija Soċjali:** Intrapriżi soċjali, assoċjazzjonijiet u kooperattivi li għandhom l-għan li jiġġeneraw impatt soċjali eċċ.

[242] COM/2020/102 final: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52020DC0102

	14. Saħħa: Prodotti u tagħmir farmaċewtiċi; Sptarijiet, djar tal-kura, kura residenzjali eċċ. Għall-proposta tagħhom, l-Alleanzi għandhom jagħżlu l-ekosistema industrijali unika li l-proġett tagħhom se jindirizza[243]. Proposta waħda biss għal kull ekosistema industrijali tista' tintgħażel għall-finanzjament. Proposta tista' tikkonċerna ekosistema li ma hijiex koperta minn proġett Blueprint kontinwu jew ekosistema li diġà għandha Blueprint għaddej. Fil-każ tal-aħħar, il-proposta trid tindirizza setturi u oqsma li huma b'mod ċar differenti minn dawk indirizzati mill-proġett/i Blueprint li jkunu għaddejjin[244].
Durata tal-proġett	Normalment il-proġetti għandhom idumu 48 xahar (jistgħu jsiru estensjonijiet, jekk ikunu ġġustifikati kif xieraq u permezz ta' emenda)
Fejn napplika?	Mal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA). ID tas-Sejħa tal-Lott 2: ERASMUS-EDU-2023-PI-ALL-INNO-BLUEPRINT
Meta napplika?	L-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għal għotja sat-**3 ta' Mejju fil-17:00:00** (ħin ta' Brussell).

L-organizzazzjonijiet applikanti se jiġu vvalutati skont il-kriterji tal-esklużjoni u tal-għażla rilevanti. Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkonsulta l-Parti C ta' din il-Gwida.

STABBILIMENT TA' PROĠETT

Kull Alleanza għandha timplimenta sett koerenti, komprensiv u varjabbli ta' attivitajiet interkonnessi biex issaħħaħ l-innovazzjoni fl-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-intrapriżi (inklużi l-intrapriżi kbar, żgħar u ta' daqs medju u l-intrapriżi soċjali) u l-ambjent soċjoekonomiku usa'.

<u>Lott 1: Alleanzi għall-Edukazzjoni u l-Intrapriżi</u>

Mill-inqas waħda mill-attivitajiet li ġejjin (lista mhux eżawrjenti) trid tiġi inkluża f'kull Alleanza għall-Edukazzjoni u l-Intrapriżi:

Tingħata spinta lill-innovazzjoni

- L-iżvilupp u l-implimentazzjoni b'mod konġunt ta' metodi ta' apprendiment u tagħlim ġodda (bħal kurrikuli multidixxiplinari ġodda, tagħlim u apprendiment iċċentrati fuq l-istudent u bbażati fuq problemi reali, l-użu ta' teknoloġiji innovattivi, l-użu akbar tal-mikrokredenzjali);
- L-iżvilupp u l-ittestjar ta' programmi u attivitajiet ta' edukazzjoni kontinwa ma' u fi ħdan l-intrapriżi;
- L-iżvilupp ta' programmi edukattivi u ta' taħriġ biex jappoġġaw l-iżvilupp tal-ħiliet meħtieġa fl-oqsma tat-teknoloġija profonda**;**
- L-istabbiliment ta' inkubaturi fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u tat-taħriġ madwar l-Ewropa, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-settur intraprenditorjali, sabiex jgħinu lill-intraprendituri studenti jiżviluppaw l-ideat tagħhom f'negozji. Dan jista' jinkiseb, pereżempju, billi tiġi pprovduta firxa wiesgħa ta' servizzi li jibdew

[243] **Pereżempju**, is-settur tal-**passaġġi fuq l-ilma intern** jew is-settur tal-**avjazzjoni ċivili** għandhom partijiet f'żewġ ekosistemi industrijali differenti: it-trasport tal-passiġġieri jappartjeni għat-"Turiżmu", filwaqt li min-naħa l-oħra, it-trasport tal-merkanzija jappartjeni għall-"Mobbiltà-Trasport-Karozzi". Skont l-użu tiegħu, l-**idroġenu** huwa faċilitatur ewlieni fl-ekosistemi li ġejjin: Mobbiltà/trasport/karozzi; Enerġija rinnovabbli; Industriji intensivi fl-enerġija; Kostruzzjoni; Ajruspazju u difiża. Proposta għandha tindirizza ekosistema waħda biss.

[244] https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1415&langId=mt

b'taħriġ maniġerjali, fil-ħiliet, fil-finanzi u fin-negozju, kif ukoll bil-provvista ta' spazju għall-uffiċċji, u bil-faċilitazzjoni ta' finanzjament tal-kapital ta' riskju.

- L-iżvilupp u l-ittestjar ta' soluzzjonijiet għal talbiet soċjali urġenti mhux indirizzati mis-suq u mmirati lejn gruppi vulnerabbli fis-soċjetà; l-indirizzar tal-isfidi tas-soċjetà jew relatati mal-bidliet fl-attitudnijiet u l-valuri, l-istrateġiji u l-politiki, l-istrutturi u l-proċessi organizzazzjonali, is-sistemi u s-servizzi ta' twassil;
- L-iżvilupp ta' soluzzjonijiet għall-kwistjonijiet ta' sfida, l-innovazzjoni tal-prodotti u l-proċessi (permezz tal-kollaborazzjoni tal-istudenti, tal-professuri u tal-prattikanti).

Żvilupp ta' sens ta' inizjattiva u mentalitajiet, kompetenzi u ħiliet intraprenditorjali

- L-iżvilupp ta' metodi ta' tagħlim u għodod ta' apprendiment ġodda li jinkorporaw l-apprendiment u l-applikazzjoni ta' ħiliet trażversali tul il-programmi ta' edukazzjoni għolja u ta' VET żviluppati b'kooperazzjoni mal-intrapriżi u li għandhom l-għan li jsaħħu l-impjegabbiltà, il-kreattività u perkorsi professjonali ġodda;
- Kull fejn ikun xieraq, jiġi introdott sens ta' inizjattiva u intraprenditorija f'dixxiplina, kurrikulu, kors eċċ. partikolari sabiex l-istudenti, ir-riċerkaturi, il-persunal u l-edukaturi jingħataw il-kompetenzi, il-ħiliet u l-motivazzjoni biex jiżviluppaw sens ta' inizjattiva u mentalità intraprenditorjali u ħalli jkunu jistgħu jiffaċċjaw diversi sfidi fl-edukazzjoni tagħhom u fil-ħajja professjonali u privata tagħhom;
- Il-ħolqien ta' opportunitajiet ta' apprendiment ġodda permezz tal-esperjenzi prattiċi u l-applikazzjoni ta' sens ta' inizjattiva u kompetenzi u ħiliet intraprenditorjali li jistgħu jinvolvu u/jew iwasslu għat-tnedija ta' servizzi, prodotti u prototipi ġodda, u għall-ħolqien ta' negozji ġodda u spin-offs;
- L-introduzzjoni ta' aktar "approċċi ffokati fuq l-istudent" fejn l-istudenti jfasslu apposta l-perkorsi edukattivi tagħhom stess.

Stimulazzjoni tal-fluss u tal-iskambju tal-għarfien bejn l-edukazzjoni għolja, il-VET, l-intrapriżi u r-riċerka

- Il-bini ta' sistemi u intrapriżi tal-HE u l-VET inklużivi u konnessi permezz ta' fiduċja reċiproka, rikonoxximent u ċertifikazzjoni transfruntiera, perkorsi flessibbli bejn il-VET u l-HE, it-trawwim tal-VET f'livelli ogħla tal-QEK, u t-tisħiħ tal-mobbiltà għall-istudenti u l-ħaddiema;
- Apprendistati u attivitajiet relatati mal-qasam ta' studju fl-intrapriżi li huma inkorporati b'mod sħiħ fil-kurrikulu, rikonoxxuti u kkreditati; strutturi biex jipprovaw u jittestjaw miżuri innovattivi; skambji ta' studenti, riċerkaturi, persunal tat-tagħlim u persunal tal-intrapriża għal perjodu limitat; l-għoti ta' inċentivi għall-involviment tal-persunal tal-intrapriża fit-tagħlim u r-riċerka; analiżi tad-*data* tar-riċerka. Fejn rilevanti, il-proġetti jistgħu jingħaqdu mal-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati[245].

Identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tas-suq relatati mar-reżiljenza u l-professjonijiet emerġenti

- L-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tas-suq u l-professjonijiet emerġenti (min-naħa tad-domanda), it-tisħiħ tar-rispons tas-sistemi fil-livelli kollha għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol (min-naħa tal-provvista); l-adattament tal-provvista tal-HE u l-VET għall-ħtiġijiet tal-ħiliet permezz tat-tfassil u t-twassil ta' kurrikuli tranżnazzjonali mifruxa mas-settur kollu li jintegraw l-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol;

[245]https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1147&langId=mt#:~:text=The%20European%20Alliance%20for%20Apprenticeships%20%28EAfA%29%20unites%20governments,through%20national%20commitments%20and%20voluntary%20pledges%20from%20stakeholders.

- L-identifikazzjoni ta' dawk il-ħiliet li huma meħtieġa fl-isfera pubblika sabiex jissolvew l-isfidi tas-soċjetà (eż. it-tibdil fil-klima, is-saħħa) u titħeġġeġ ir-reżiljenza fil-livell tas-soċjetà u tal-komunità, inkluż permezz tal-kooperazzjoni tal-HEIs u l-forniturі tal-VET mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali kif ukoll mas-settur privat biex jikkontribwixxu għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' Strateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti fir-reġjuni;
- L-għoti ta' appoġġ sabiex jingħeleb l-ispariġġ fil-ħiliet kemm għar-reżiljenza kif ukoll għall-ħtiġijiet tas-suq.

<u>Lott 2: Alleanzi għal Kooperazzjoni Settorjali dwar il-Ħiliet (l-implimentazzjoni tal-"Blueprint")</u>

L-attivitajiet li ġejjin iridu jiġu implimentati:

Żvilupp ta' approċċ strateġiku għall-kooperazzjoni settorjali dwar il-ħiliet

- L-istabbiliment ta' kooperazzjoni sostenibbli dwar l-iżvilupp tal-ħiliet bejn il-partijiet ikkonċernati ewlenin tal-industrija inklużi s-sħab soċjali, il-forniturі tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, u l-awtoritajiet pubbliċi (fil-livell nazzjonali u reġjonali). Il-proġett se jkollu wkoll l-għan li jibni l-kooperazzjoni bejn il-kumpaniji kbar u l-kumpaniji mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs) tul il-katina tal-valur f'ekosistema industrijali partikolari;
- Il-ġbir ta' informazzjoni dwar il-ħiliet fuq bażi kontinwa: it-twassil ta' evidenza kwalitattiva u *data* kwantitattiva rilevanti fil-livell tal-UE u tal-pajjiżi u/jew fil-livell reġjonali skont il-format ta' *data* miftuħa marbut; l-iżvilupp ta' metodoloġija komuni għall-antiċipazzjoni ta' ħtiġijiet tal-ħiliet futuri kif ukoll il-monitoraġġ (fuq bażi annwali) tal-progress u l-evoluzzjoni tad-domanda u l-provvista ta' ħiliet ibbażati fuq xenarji ta' previżjoni kredibbli, abbażi tal-Panorama tal-Ħiliet tal-UE u, fejn rilevanti, il-ħidma tal-OECD, il-Forum Ekonomiku Dinji u l-Alleanzi tal-Ħiliet Settorjali eżistenti;
- L-immappjar tal-appoġġ eżistenti għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid disponibbli fis-settur/fl-ekosistema (ipprovdut mill-industrija, il-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati) u l-identifikazzjoni ta' liema minn dawk l-azzjonijiet jistgħu jiġu estiżi sabiex jappoġġaw il-kumpaniji fil-ktajjen tal-valur;
- Abbażi tal-informazzjoni dwar il-ħiliet, l-iżvilupp ta' strateġija tal-ħiliet għall-ekosistema industrijali inklużi prijoritajiet għal azzjonijiet li jappoġġaw l-objettivi ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol tal-ekosistema industrijali u ta' dawk li jistgħu jissieħbu fis-settur (eż. dawk ekonomikament inattivi). L-istrateġija għandha turi fid-dettall kif ix-xejriet ewlenin, bħall-iżviluppi globali, soċjetali u teknoloġiċi fl-ekosistema industrijali, x'aktarx jaffettwaw l-impjiegi u l-ħtiġijiet tal-ħiliet. Għandha tiddeskrivi l-iskeda taż-żmien mistennija u tagħti attenzjoni partikolari lill-impatt tat-teknoloġiji diġitali u dawk abilitanti ewlenin. L-istrateġija għandha tidentifika u tiddefinixxi profili okkupazzjonali u ħiliet relatati li x'aktarx jitfaċċaw fis-settur (jiġifieri se jkunu kompletament ġodda). Għandha tidentifika wkoll atturi industrijali u partijiet ikkonċernati ewlenin li għandhom ikunu involuti fl-implimentazzjoni tal-istrateġija. Din l-istrateġija għandha tkun waħda mill-ewwel riżultati tanġibbli ewlenin tal-proġett, li tindika sett ċar ta' attivitajiet, stadji importanti u outputs iddefiniti sew, kif ukoll l-istabbiliment ta' azzjonijiet ta' prijorità konkreti li jissuġġerixxu kif isir it-tqabbil bejn id-domanda u l-provvista ta' ħiliet għal dawn l-okkupazzjonijiet emerġenti. L-istrateġija għandha tintuża bħala bażi għall-bini tas-sħubija skont il-Patt għall-Ħiliet;
- Fejn rilevanti, għandha tiżgura li r-riżultati tal-proġett huma disponibbli f'format ta' *data* miftuħa sabiex ikunu jistgħu jikkontribwixxu għall-Panorama tal-Ħiliet tal-UE u għall-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjiegi (ESCO);
- It-twassil ta' evidenza kwalitattiva u *data* kwantitattiva rilevanti fil-livell tal-UE u tal-pajjiżi u/jew fil-livell reġjonali skont il-format ta' *data* miftuħa marbut.

Tfassil ta' kurrikuli u programmi ta' taħriġ "ewlenin" miftiehma mas-settur Ewropew kollu

- **Fl-ewwel sena tal-attività (rispons reattiv)**

B'mod parallel mal-azzjonijiet ta' hawn fuq, il-proġetti kollha għandhom **jindirizzaw malajr il-ħtiġijiet urġenti tal-ħiliet fl-okkupazzjonijiet f'ekosistema industrijali li jirriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19 u t-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika** (evidenza li għandha tiġi pprovduta fil-proposta):

- Billi, fejn disponibbli, jibbażaw fuq il-profili okkupazzjonali tal-Klassifikazzjoni tal-ESCO u l-oqfsa ta' kompetenza eżistenti[246];
- It-tfassil ta' programmi ta' taħriġ vokazzjonali kontinwi għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol permezz ta' apprendiment innovattiv imħallat u msejjes fuq ix-xogħol;
- L-iżgurar tal-kwalità tajba tal-kontenut u l-provvista tal-programmi ta' taħriġ il-ġodda billi jiġu applikati metodi ta' assigurazzjoni tal-kwalità f'konformità mal-EQAVET u l-ESG (Standards u Linji Gwida Ewropej għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Għolja);
- L-iżgurar tal-adozzjoni rapida u l-użu tal-programmi ta' taħriġ billi jintlaħqu l-atturi prinċipali fil-ktajjen tal-valur fi ħdan l-ekosistema industrijali, għaċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali[247], għar-reġjuni li jimplimentaw strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelligenti[248], għal Sħubijiet ta' Raggruppamenti Ewropej[249] u għal Komunitajiet ta' Għarfien u Innovazzjoni (KICs) tal-Istitut Ewropew tat-Teknoloġija (EIT)[250] li huma attivi fl-istess ekosistema industrijali.

- **Matul il-proġett kollu (rispons proattiv)**

Il-proġetti mbagħad għandhom jaħdmu fuq **l-iżvilupp ta' profili okkupazzjonali u ta' kontenut ta' taħriġ għal profili okkupazzjonali li qed jinbidlu u dawk emerġenti**:

- Abbażi tal-ħtiġijiet identifikati tal-ħiliet għal profili okkupazzjonali emerġenti f'ekosistema industrijali, it-tfassil ta' kurrikuli modulari ġodda tal-VET u kwalifiki relatati għall-edukazzjoni u t-taħriġ inizjali (E&T) (kurrikuli sħaħ għall-integrazzjoni f'sistemi nazzjonali ta' edukazzjoni u taħriġ), u l-programmi ta' taħriġ vokazzjonali kontinwi għat-titjib fil-ħiliet jew għat-taħriġ mill-ġdid tal-persuni fl-età tax-xogħol (moduli li jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-ħiliet emerġenti);
- Dawn il-kurrikuli u l-programmi ta' taħriġ għandhom ikunu magħmula minn unitajiet ta' eżiti tal-apprendiment, f'konformità mal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK)/Oqfsa Nazzjonali tal-Kwalifiki (QNK) u jkunu informati mill-ESCO; il-kurrikuli għandhom jipprovdu ħiliet speċifiċi għall-impjiegi kif ukoll kompetenzi ewlenin[251], li jinkludu b'mod partikolari ħiliet trażversali u dixxiplini ta' STEAM[252];
- L-integrazzjoni ta' perjodi ta' apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol fil-kontenut il-ġdid tat-taħriġ, inkluż opportunitajiet sabiex l-għarfien jiġi applikat f'sitwazzjonijiet prattiċi tal-"ħajja reali" fuq il-post tax-xogħol, u li jkun fih l-esperjenza ta' apprendiment tranżnazzjonali, kull meta jkun possibbli;
- L-applikazzjoni ta' ġestjoni tal-kwalità għall-kontenut il-ġdid tat-taħriġ jew bl-applikazzjoni ta' prinċipji tal-assigurazzjoni tal-kwalità tal-EQAVET u l-ESG jew bl-użu tas-sistemi tal-assigurazzjoni tal-kwalità diġà eżistenti li, madankollu, iridu jkunu konformi mal-EQAVET u l-ESG;

[246] Eż. il-Qafas ta' Kompetenza Diġitali għaċ-Ċittadini, il-Qafas ta' Kompetenza għall-Intraprenditorija u l-Qafas Ewropew għall-Kompetenza fl-Elettronika (e-CF)

[247] https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1501

[248] https://s3platform.jrc.ec.europa.eu/home

[249] https://www.clustercollaboration.eu

[250] https://eit.europa.eu/

[251] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:32018H0604(01)&from=EN

[252] Ix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija, l-arti u l-matematika

- Il-promozzjoni ta' kwalifiki settorjali rilevanti inkluż programmi konġunti tranżnazzjonali (li jinkludu Profili Vokazzjonali Ewlenin Ewropej[253]) mogħtija minn aktar minn fornitur wieħed tal-E&T, u b'hekk tiġi ffaċilitata ċ-ċertifikazzjoni transfruntiera, u tinbena fiduċja reċiproka, li tikkontribwixxi għal mobbiltà akbar tal-istudenti u tal-professjonisti fis-settur**.**

Twettiq tal-kurrikuli u tal-programmi ta' taħriġ "ewlenin"

- L-iżvilupp ta' metodoloġiji tat-twassil għall-kurrikuli u l-programmi tat-taħriġ, li huma adattati għad-diversi gruppi fil-mira, bl-użu ta' approċċi innovattivi lejn it-tagħlim u l-apprendiment, inkluż il-provvista ta' apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol, l-użu tal-ICTs (eż. l-apprendiment imħallat, is-simulaturi, ir-realtà awmentata, eċċ.), soluzzjonijiet ta' mobbiltà virtwali/mħallta għall-istudenti u l-persunal, u r-riżorsi edukattivi miftuħa (eż. l-apprendiment imsaħħaħ bl-IA, MOOCs)[254]);
- L-iżvilupp ta' azzjonijiet sabiex jiffaċilitaw it-trasferiment interġenerazzjonali tal-għarfien professjonali;
- Id-deskrizzjoni ta' modi kif il-metodoloġiji u l-proċeduri tal-valutazzjoni jistgħu jkopru l-forom kollha ta' apprendiment, inkluż l-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol, u kif jistgħu jiffaċilitaw il-validazzjoni tal-ħiliet u tal-kompetenzi miksuba qabel it-taħriġ;
- Il-bini fuq kuntatti stabbiliti u fuq kuntatti ġodda stabbiliti man-naħa tad-domanda għall-ħiliet matul il-fażi tal-informazzjoni dwar il-ħiliet, l-ilħuq ta' forituri ta' opportunitajiet ta' impjieg, bħal impjegaturi privati u pubbliċi u servizzi għall-impjiegi, għal tqabbil potenzjali ma' gradwati ta' taħriġ;
- L-identifikazzjoni ta' miżuri adegwati sabiex jintraċċaw l-istudenti wara li jkunu lestew it-taħriġ tagħhom sabiex jiġu pprovduti "ċirkwiti ta' feedback"[255]. Dawn is-sistemi ta' intraċċar u feedback jistgħu jibnu fuq l-informazzjoni mingħand il-kumpaniji, l-istudenti/l-impjegati, kif ukoll minn riżorsi ta' informazzjoni pubblika u mill-partijiet ikkonċernati fis-suq tax-xogħol;
- Il-proposta tal-miżuri xierqa għar-rikonoxximent formali tal-kurrikuli vokazzjonali VET u HE ġodda jew adattati u l-kwalifiki fil-pajjiżi fejn jinsabu s-sħab u fl-ekosistema industrijali koperta.

Tfassil ta' pjan ta' azzjoni fit-tul għall-implimentazzjoni progressiva tar-riżultati tanġibbli tal-proġett wara li jkun intemm il-proġett

- Dan il-pjan għandu jkun ibbażat fuq sħubijiet sostnuti bejn il-forituri tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, il-partijiet ikkonċernati ewlenin tal-industrija u l-awtoritajiet pubbliċi (reġjonali jew nazzjonali) fil-livell xieraq sabiex jiġu ffaċilitati/jissaħħu s-sħubijiet ta' ħiliet bejn diversi partijiet ikkonċernati skont il-Patt għall-Ħiliet għat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol. Għandu jinkludi l-identifikazzjoni ta' strutturi xierqa ta' governanza, kif ukoll pjanijiet għall-iskalabbiltà u s-sostenibbiltà finanzjarja**;**
- Il-pjan għandu jiżgura l-viżibbiltà xierqa u t-tixrid wiesa' tar-riżultati, inkluż fil-livell politiku tal-UE u nazzjonali/reġjonali u jinkludi dettalji dwar kif l-implimentazzjoni se tiġi implimentata fil-livelli nazzjonali u/jew reġjonali mal-awtoritajiet pubbliċi rilevanti;
- Il-pjan għandu jipprevedi kif ir-riżultati tanġibbli tal-proġett, b'mod partikolari l-informazzjoni dwar il-ħiliet, l-istrateġija u l-programmi ta' taħriġ, se jiġu aġġornati wara t-tmiem tad-durata ta' erba' snin tal-proġett, inkluż billi jiġu previsti s-sorsi futuri ta' finanzjament tiegħu;

---

[253] Il-Profili Vokazzjonali Ewlenin Ewropej jiddeskrivu settijiet ta' eżiti ewlenin tal-apprendiment li jikkorrispondu għal profili okkupazzjonali li huma komuni u rilevanti għall-programmi nazzjonali tal-VET madwar il-pajjiżi tal-UE f'oqsma okkupazzjonali/vokazzjonali speċifiċi

[254] Il-MOOC huwa Kors Online Miftuħ Massiv immirat lejn parteċipazzjoni bla limitu u aċċess miftuħ permezz tal-internet. Minbarra l-materjal tradizzjonali tal-korsijiet bħal lekċers iffilmjati, qari, u settijiet tal-problemi, ħafna MOOCs jipprovdu forums interattivi għall-utenti sabiex jappoġġaw l-interazzjonijiet tal-komunità fost l-istudenti, il-professuri u l-assistenti tat-tagħlim.

[255] Ara r-Riżultat tanġibbli fuq terminu medju 2 (MTD2), f'Il-Konklużjonijiet ta' Riga 2015: https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/200c516d-b8de-4c2a-a233-218671296c8d/language-mt

- Il-pjan għandu jindika kif l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE (eż. faċilità għall-irkupru u r-reżiljenza (RRF), il-qafas finanzjarju pluriennali tal-UE (QFP) 2021-2027, inklużi l-Fondi Strutturali Ewropej, InvestEU, l-Erasmus+), kif ukoll l-investiment privat u l-finanzjament nazzjonali/reġjonali jistgħu jappoġġaw l-istrateġiji tal-ħiliet. Dan għandu jqis l-Istrateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelligenti, is-sħubijiet ta' raggruppamenti Ewropej, in-networks taċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali u l-Komunitajiet ta' Innovazzjoni tal-EIT.

<u>Taħt iż-żewġ Lottijiet (Lott 1: Alleanzi għall-Edukazzjoni u l-Intrapriżi u Lott 2: Alleanzi għal Kooperazzjoni Settorjali dwar il-Ħiliet (l-implimentazzjoni tal-"Blueprint")</u>

L-Alleanzi għall-Innovazzjoni huma meħtieġa japplikaw strumenti u għodod mifruxa mal-UE kollha, bħall-QEK, l-ESCO, il-Europass (inklużi l-Kredenzjali Diġitali Ewropej għall-Apprendiment), l-EQAVET u l-ESG, kull fejn rilevanti. Jekk il-proposti jissuġġerixxu, pereżempju, il-ħolqien ta' komunitajiet ta' prattiki jew l-iżvilupp ta' siti web għall-kollaborazzjoni, dawn għandhom, fejn rilevanti, jibnu fuq, u jagħmlu użu minn, pjattaformi online eżistenti bħall-Pjattaforma għall-Edukazzjoni Skolastika, EPALE, jew il-Komunità tal-EPALE tal-prattikanti tal-VET[256].

Sabiex jipprovaw u jittestjaw kurrikuli ġodda jew metodi ġodda ta' taħriġ u apprendiment, l-Alleanzi għall-Innovazzjoni jistgħu jorganizzaw attivitajiet ta' mobbiltà għall-apprendiment tal-istudenti, l-għalliema, ir-riċerkaturi u l-persunal diment li jkunu jappoġġaw/jikkomplementaw l-attivitajiet prinċipali tas-sħubijiet u jġibu valur miżjud fl-implimentazzjoni tal-objettivi tal-proġett.

IMPATT MISTENNI

L-Alleanzi għall-Innovazzjoni se jkollhom l-għeruq tagħhom f'kooperazzjoni strateġika u sostenibbli fost l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni għolja u l-intrapriżi li jaħdmu flimkien sabiex jagħtu spinta lill-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Ewropa. Dawn se jsaħħu b'mod konsiderevoli s-sinerġiji bejn iż-żewġ oqsma edukattivi fit-trawwim tal-innovazzjoni, ħiliet ġodda, sens ta' inizjattiva u mentalitajiet intraprenditorjali. Dawn l-Alleanzi fost l-HE, il-VET u l-intrapriżi huma mistennija li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-ekosistemi reġjonali u jipprovdu direttament kontribut siewi għall-ekonomija, filwaqt li jintegraw l-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol. Filwaqt li l-universitajiet għandhom għarfien u *data* tar-riċerka li jippermettulhom jipprovdu l-kontribut direttament lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju biex tingħata spinta lill-ekonomiji lokali, il-forniturі tal-VET jipprovdu l-ħiliet meħtieġa mill-intrapriżi u jistgħu jrawmu t-tkabbir fl-ekonomija lokali.

Fuq skala akbar, l-Alleanzi għall-Innovazzjoni huma mistennija jimmiraw l-isfidi tas-soċjetà u dawk ekonomiċi, kemm fl-edukazzjoni kif ukoll fl-impjiegi, u jqisu l-oqsma ewlenin bħall-isfidi tal-innovazzjoni, il-provvista tal-ħiliet, it-tibdil fil-klima, l-ekonomija ekoloġika, id-demografija, id-diġitalizzazzjoni u l-intelligenza artifiċjali. Il-benefiċċji jistgħu jinkisbu wkoll mill-kooperazzjoni mal-intrapriżi l-kbar. L-Alleanzi għall-Innovazzjoni se jiffokaw fuq il-ħtieġa taċ-ċittadini u jħaffu l-modernizzazzjoni tal-HE u tal-VET.

Il-Patt għall-Ħiliet mhux biss se jistabbilixxi qafas għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet l-oħrajn tal-Aġenda għall-Ħiliet aġġornata, iżda wkoll għat-tixrid u l-isfruttament tar-riżultati tal-proġetti tal-Alleanzi għall-Innovazzjoni. B'mod partikolari, ir-riżultati tal-Alleanzi tal-Blueprint għall-kooperazzjoni settorjali dwar il-ħiliet se jintużaw bħala l-bażi għas-sħubijiet settorjali fuq skala kbira tal-Patt għall-Ħiliet.

[256] https://epale.ec.europa.eu/mt/practitioners-in-vet

Barra minn hekk, l-Alleanzi se jgħinu fl-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-UE dwar l-Aġenda Mġedda għall-Edukazzjoni Għolja[257] u se jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni[258]. Dawn se jikkontribwixxu wkoll għall-implimentazzjoni tal-istrateġiji industrijali u għall-SMEs tal-UE (2021).

L-Alleanzi għall-Innovazzjoni se jqisu wkoll l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030[259] u d-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima[260] bħala parametri ġenerali tal-azzjoni, u b'hekk jgħinu lill-Kummissjoni Ewropea timplimenta l-Patt Ekoloġiku[261] l-ġdid tagħha u l-Pjan ta' Rkupru għall-Ewropa[262]. L-Alleanzi se jikkontribwixxu wkoll ideat għall-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida[263] li għandha l-għan li tfassal modi sostenibbli ġodda ta' għajxien biex jintlaħqu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku.

L-Alleanzi għall-Innovazzjoni għandu jkollhom impatt għal perjodu qasir u twil fuq il-firxa usa' ta' partijiet ikkonċernati involuti, fil-livell individwali, organizzazzjonali u sistemiku. Dan l-Impatt huwa mistenni jmur lil hinn mill-ħajja tal-proġett u lil hinn mill-organizzazzjonijiet involuti fis-sħubijiet. Huwa mistenni li s-sħubija u l-attivitajiet jippersistu. Minħabba dan, ir-riżultati/ir-riżultati tanġibbli jistgħu ma jkunux awtonomi iżda jkunu marbuta ma' impriżi, skemi, proġetti, pjattaformi eżistenti eċċ jew integrati fihom.

KRITERJI GĦALL-GĦOTI

Il-kriterji għall-għoti li ġejjin japplikaw għal **Lott 1- Alleanzi għall-Edukazzjoni u l-Intrapriżi**:

[257] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52017DC0247
[258] https://ec.europa.eu/education/education-in-the-eu/european-education-area_mt
[259] https://www.un.org/sustainabledevelopment/sustainable-development-goals/
[260] https://unfccc.int/process-and-meetings/the-paris-agreement/the-paris-agreement
[261] https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/european-green-deal-communication_mt.pdf
[262] https://ec.europa.eu/info/strategy/recovery-plan-europe_mt
[263] https://europa.eu/new-european-bauhaus/index_mt

Rilevanza tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 25 punt)**	Sfond u objettivi ġenerali • **Rabta mal-politika u l-inizjattivi tal-UE**: il-proposta tqis u tikkontribwixxi għal kisba tal-objettivi Ewropej fl-oqsma tal-VET u tal-edukazzjoni għolja; il-proposta tqis u tikkontribwixxi biex tingħata viżibbiltà lill-għodod u l-inizjattivi eżistenti tal-UE għall-iżvilupp tal-ħiliet; • **Skop**: il-proposta hija rilevanti għall-objettivi u l-attivitajiet tal-Azzjoni. Analiżi tal-ħtiġijiet u objettivi speċifiċi • **Konsistenza**: l-objettivi huma bbażati fuq analiżi soda tal-ħtiġijiet; huma ddefiniti b'mod ċar, realistiċi u jindirizzaw kwistjonijiet rilevanti għall-organizzazzjonijiet parteċipanti u għall-Azzjoni; • **Ħiliet diġitali**: kemm il-proposta tintegra l-ħiliet diġitali fil-kontenut tat-taħriġ għal profil okkupazzjonali relatat wieħed jew bosta u, jekk applikabbli , kemm il-proposta tintegra l-ħiliet marbuta mal-ħtiġijiet tal-oqsma tat-teknoloġija profonda fil-kontenut tat-taħriġ; • **Ħiliet ekoloġiċi**: kemm il-proposta tintegra ħiliet marbuta mat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u aktar ekoloġika fil-kontenut tat-taħriġ għal profil okkupazzjonali relatat wieħed jew bosta; • **Ħiliet ta' reżiljenza**: kemm il-proposta tintegra l-ħiliet marbuta mal-kapaċità ta' adattament, ġestjoni tal-bidla, u l-kura għal xulxin bħala komunità. **Komplementarjetà ma' azzjonijiet oħrajn u mal-innovazzjoni – valur miżjud Ewropew** • **Innovazzjoni**: il-proposta tqis metodi u tekniki tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, bħall-istabbiliment ta' inkubaturi fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, u twassal għal riżultati u għal soluzzjonijiet innovattivi speċifiċi għall-proġetti; • **Valur miżjud Ewropew**: il-proposta turi b'mod ċar il-valur miżjud iġġenerat permezz tat-tranżnazzjonalità u t-trasferibbiltà potenzjali tagħha; • **Rappreżentazzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ**: l-Alleanza tinkludi sħab li jirrappreżentaw lill-forituri tal-edukazzjoni u tat-taħriġ b'mod adegwat, u turi b'mod ċar il-benefiċċji/ir-rilevanza kemm għall-edukazzjoni għolja kif ukoll għall-VET.

Kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 30 punt)**	**Kunċett u metodoloġija** • **Koerenza**: it-tfassil kumplessiv tal-proġett jiżgura konsistenza bejn l-objettivi tal-proġett, il-metodoloġija, l-attivitajiet u l-baġit propost. Il-proposta tippreżenta sett koerenti u komprensiv ta' attivitajiet xierqa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet identifikati u jwasslu għar-riżultati mistennija; • **Struttura**: il-programm ta' ħidma huwa ċar u intelliġibbli, u jkopri l-fażijiet kollha (it-tħejjija, l-implimentazzjoni, l-isfruttament, is-sorveljanza, l-evalwazzjoni u t-tixrid); • **Metodoloġija:** kull meta jkun rilevanti, il-proposta tagħmel użu mill-istrumenti u l-għodod tal-UE relatati mal-ħiliet u l-okkupazzjonijiet, bħall-QEK, l-ESCO, il-Europass, l-EQAVET, l-ESG. **Ġestjoni tal-proġetti, assigurazzjoni tal-kwalità u strateġija ta' monitoraġġ u evalwazzjoni** • **Ġestjoni**: huma previsti arranġamenti sodi ta' ġestjoni. L-iskedi ta' żmien, l-organizzazzjoni, il-kompiti u r-responsabbiltajiet huma ddefiniti sew u realistiċi. Il-proposta talloka riżorsi xierqa għal kull attività; • **Pjan ta' ħidma**: il-kwalità u l-effettività tal-pjan ta' ħidma, inkluż sa fejn ir-riżorsi assenjati għall-pakketti ta' ħidma huma konformi mal-objettivi u r-riżultati tanġibbli tagħhom; • **Kwalità tal-arranġamenti għar-rikonoxximent u l-validazzjoni tal-kwalifiki**: f'konformità mal-għodod u mal-prinċipji Ewropej dwar it-trasparenza u r-rikonoxximent, inkluż għall-mikrokredenzjali. **Kosteffettività u ġestjoni finanzjarja** • **Baġit**: il-baġit jipprevedi r-riżorsi xierqa meħtieġa għas-suċċess, la huwa sopravalutat u lanqas sottovalutat; • **Kontroll finanzjarju u tal-kwalità**: il-miżuri ta' kontroll (l-evalwazzjoni kontinwa tal-kwalità, ir-rieżamijiet bejn il-pari, l-attivitajiet ta' valutazzjoni komparattiva, eċċ.) u l-indikaturi tal-kwalità jiżguraw li l-implimentazzjoni tal-proġett tkun ta' kwalità għolja u kosteffiċjenti. L-isfidi/ir-riskji tal-proġett huma identifikati b'mod ċar u l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni huma indirizzati kif suppost. Il-proċessi tar-rieżami espert huma ppjanati bħala parti integrali tal-proġett. Il-programm ta' ħidma tal-Alleanza jinkludi valutazzjoni tal-kwalità esterna indipendenti f'nofs it-terminu u fl-aħħar tal-proġett.

Kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni **(punteġġ massimu ta' 25 punt)**	**Stabbiliment tal-konsorzju** • **Konfigurazzjoni**: il-kompożizzjoni tas-sħubija hija konformi mal-objettivi tal-azzjoni u tal-proġett; din tlaqqa' flimkien taħlita xierqa ta' organizzazzjonijiet rilevanti, inklużi l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni għolja u l-intrapriżi bil-profili meħtieġa, il-ħiliet, l-esperjenza, l-għarfien espert u l-appoġġ għall-ġestjoni neċessarji meħtieġa għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-proġett; l-Alleanza tinkludi sħab li jirrappreżentaw b'mod xieraq is-settur jew l-approċċ transsettorjali kkonċernat; • **Impenn:** il-kontribuzzjonijiet mis-sħab huma sinifikanti, pertinenti u komplementari; id-distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet u tal-kompiti hija ċara, xierqa u turi l-impenn u l-kontribuzzjoni attiva tal-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha fir-rigward tal-għarfien espert u l-kapaċità speċifika tagħhom; • **Involviment ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm**: jekk ikun applikabbli, l-involviment ta' organizzazzjonijiet parteċipanti minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm iġib valur miżjud essenzjali għall-Alleanza. **Ġestjoni tal-konsorzju u teħid tad-deċiżjonijiet** • **Kompiti**: il-koordinatur juri ġestjoni u koordinazzjoni ta' kwalità għolja tan-networks tranżnazzjonali u ta' tmexxija f'ambjent kumpless. Il-kompiti individwali huma allokati abbażi tal-għarfien espert speċifiku ta' kull sieħeb; • **Kollaborazzjoni/Spirtu ta' tim**: qiegħed jiġi propost mekkaniżmu effettiv biex jiżgura l-koordinazzjoni, ir-riżoluzzjoni tal-konflitti, it-teħid ta' deċiżjonijiet u l-komunikazzjoni effiċjenti bejn l-organizzazzjonijiet parteċipanti, il-parteċipanti u kwalunkwe parti kkonċernata rilevanti oħra; • **Sodisfazzjon**: l-Alleanza tipprovdi valur miżjud ċar u benefiċċji lil kull organizzazzjoni.
Impatt **(punteġġ massimu ta' 20 punt)**	**Impatt u ambizzjoni** • **Sfruttament**: il-proposta turi kif l-eżiti tal-Alleanza se jintużaw mis-sħab u l-partijiet ikkonċernati l-oħrajn. Tipprovdi mezzi biex jitkejjel l-isfruttament matul il-ħajja tal-proġett u wara; • **Impatt**: il-proposta turi rilevanza u sensibilizzazzjoni soċjetali u ekonomiċi. Dan jiżgura l-impatt fil-livell lokali, nazzjonali u Ewropew fuq il-gruppi fil-mira u l-partijiet ikkonċernati rilevanti bi rwol sinifikanti fis-settur ikkonċernat inkluż fl-edukazzjoni u t-taħriġ. Tinkludi miżuri kif ukoll miri u indikaturi biex timmonitorja l-progress u tivvaluta l-impatt mistenni (fuq perjodu qasir u twil). **Komunikazzjoni, tixrid u viżibbiltà** • **Tixrid**: il-proposta tipprovdi pjan ċar għat-tixrid tar-riżultati, u tinkludi attivitajiet xierqa u t-twaqqit, l-għodod u l-mezzi tagħhom biex jiġi żgurat li r-riżultati u l-benefiċċji jitqassmu b'mod effettiv lill-partijiet ikkonċernati u lill-udjenza mhux parteċipanti matul il-ħajja tal-proġett u wara. **Sostenibbiltà u kontinwazzjoni** • **Aċċess miftuħ**: Jekk ikun rilevanti, il-proposta tiddeskrivi kif il-materjali, id-dokumenti u l-media prodotti se jkunu disponibbli bla ħlas u kif se jiġu promossi permezz ta' liċenzji miftuħa, u ma jkunx fihom limitazzjonijiet mhux proporzjonati; • **Sostenibbiltà**: il-proposta tispjega kif se jiġi żviluppat il-pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni fil-livelli nazzjonali u reġjonali. Il-proposta tinkludi miżuri xierqa u l-identifikazzjoni ta' riżorsi finanzjarji (Ewropej, nazzjonali jew privati) sabiex tiżgura li r-riżultati u l-benefiċċji miksuba jkunu sostnuti wara l-ħajja tal-proġett.

Sabiex jiġu kkunsidrati għall-finanzjament, il-proposti jridu jiksbu tal-inqas **70 punt** filwaqt li jitqies il-punteġġ minimu meħtieġ għal kull wieħed mill-erba' kriterji għall-għoti: minimu ta' 13-il punt għall-kategorija "rilevanza tal-proġett"; Sittax-il punt għall-"kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett", 13-il punt għall-"kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni" u 11-il punt għall-"impatt".

Il-proposti *ex aequo* fi ħdan l-istess suġġett se jingħataw prijorità skont il-punteġġi li ngħataw għall-kriterju tal-għoti "rilevanza" u mbagħad "impatt".

Il-kriterji għall-għoti li ġejjin japplikaw għal **<u>Lott 2 - Alleanzi għal Kooperazzjoni Settorjali (l-implimentazzjoni tal-"Blueprint")</u>:**

Rilevanza tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 25 punt)**	**Sfond u objettivi ġenerali** • **Rabta mal-politika u l-inizjattivi tal-UE**: il-proposta tqis u tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi Ewropej fil-qasam tal-HE u l-VET u l-politiki settorjali tal-UE rilevanti għall-ekosistema industrijali magħżula, tappoġġa s-sħubija tal-ħiliet fuq skala kbira fil-qafas tal-Patt għall-Ħiliet fl-ekosistema industrijali tagħha. Tikkontribwixxi għall-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa u tqis l-għodod tal-UE. Proposta li tindirizza ekosistema industrijali li fiha diġà ġiet implimentata Alleanza tal-Blueprint trid tispeċifika b'mod ċar kif se tibni fuq il-proġett tal-Blueprint preċedenti; ma jrid jkun hemm l-ebda trikkib fil-kamp ta' applikazzjoni, fl-outputs u fl-attivitajiet. Fi kwalità ugwali, proposta li tkopri ekosistema ta' prijorità se tkun aktar rilevanti minn proposta li tkopri ekosistema li ma għandha l-ebda prijorità; • **Skop**: il-proposta hija rilevanti għall-objettivi u l-attivitajiet tal-Azzjoni. B'mod partikolari, il-proposta tinkludi żviluppi dwar sett rilevanti ħafna ta' profili okkupazzjonali emerġenti, u tfassal il-kwalifiki relatati, organizzati f'unitajiet ta' eżiti tal-apprendiment, kemm fil-livelli tal-QEK 3 sa 5 kif ukoll fil-livelli tal-QEK 6 sa 8. Il-proposta tinkludi t-tfassil, it-test u l-għoti inizjali tal-programmi ta' edukazzjoni u taħriġ relatati, maħsuba u mwassla bħala opportunitajiet ta' apprendiment modulari, flessibbli u aċċessibbli, filwaqt li titqies il-validazzjoni tal-ħiliet miksuba qabel. **Analiżi tal-ħtiġijiet u objettivi speċifiċi** • **Konsistenza**: l-objettivi huma bbażati fuq analiżi soda tal-ħtiġijiet; huma ddefiniti b'mod ċar, realistiċi u jindirizzaw kwistjonijiet rilevanti għall-organizzazzjonijiet parteċipanti u għall-Azzjoni; • **Rappreżentazzjoni tas-settur/qasam**: l-Alleanza tinkludi sħab li jirrappreżentaw l-ekosistema industrijali kkonċernata b'mod adegwat; • **Teknoloġiji abilitanti essenzjali (KETs) u diġitali, inkluż ħiliet fl-Intelliġenza Artifiċjali (IA)**: kemm il-proposta tindirizza dawn il-ħiliet fit-tfassil tal-proġett għal profil okkupazzjonali relatat wieħed jew bosta; • **Ħiliet ekoloġiċi**: il-proposta tintegra l-ħiliet marbuta mat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u aktar ekoloġika fil-kontenut tat-taħriġ għal profil okkupazzjonali relatat wieħed jew bosta. **Komplementarjetà ma' azzjonijiet oħrajn u mal-innovazzjoni – valur miżjud Ewropew** • **Innovazzjoni**: il-proposta tqis metodi u tekniki tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, u twassal għal riżultati u soluzzjonijiet innovattivi; • **Valur miżjud Ewropew**: il-proposta turi b'mod ċar il-valur miżjud iġġenerat permezz tat-tranżnazzjonalità tagħha; • **Rappreżentazzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ**: l-Alleanza tinkludi sħab li jirrappreżentaw il-forniturі tal-edukazzjoni u t-taħriġ b'mod adegwat.

Kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 30 punt)**	**Kunċett u metodoloġija** • **Koerenza**: Il-proposta tippreżenta sett koerenti u komprensiv ta' attivitajiet xierqa, konkreti u prattiċi biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet identifikati u jwasslu għar-riżultati mistennija; • **Struttura**: il-programm ta' ħidma huwa ċar u intelliġibbli, u jkopri l-fażijiet kollha (it-tħejjija, l-implimentazzjoni, l-isfruttament, is-sorveljanza, l-evalwazzjoni u t-tixrid); • **Metodoloġija:** kull meta jkun rilevanti, il-proposta tagħmel użu mill-istrumenti u l-għodod tal-UE relatati mal-ħiliet u l-okkupazzjonijiet, bħall-QEK, l-ESCO, il-Europass, l-EQAVET, l-ESG. **Ġestjoni tal-proġetti, assigurazzjoni tal-kwalità u strateġija ta' monitoraġġ u evalwazzjoni** • **Ġestjoni**: huma previsti arranġamenti sodi ta' ġestjoni. L-iskedi ta' żmien, l-organizzazzjoni, il-kompiti u r-responsabbiltajiet huma ddefiniti sew u realistiċi. Il-proposta talloka riżorsi xierqa għal kull attività; • **Pjan ta' ħidma**: il-kwalità u l-effettività tal-pjan ta' ħidma, inkluż sa fejn ir-riżorsi assenjati għall-pakketti ta' ħidma huma konformi mal-objettivi u r-riżultati tanġibbli tagħhom; • **Kwalità tal-arranġamenti għar-rikonoxximent u l-validazzjoni tal-kwalifiki**: f'konformità mal-għodod u mal-prinċipji Ewropej dwar it-trasparenza u r-rikonoxximent. **Kosteffettività u ġestjoni finanzjarja** • **Baġit**: il-baġit jipprevedi r-riżorsi xierqa meħtieġa għas-suċċess, la huwa sopravalutat u lanqas sottovalutat u huwa proporzjonat għall-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta; proposta għal ekosistema industrijali li fiha diġà għaddejja Alleanza tal-Blueprint hija mistennija tissottometti baġit li juri b'mod ċar li l-finanzjament doppju se jiġi evitat, peress li se jikkomplementa u jibni fuq il-ħidma li diġà saret mill-Blueprint li għaddej bħalissa; • **Kontroll finanzjarju u tal-kwalità**: il-miżuri ta' kontroll (l-evalwazzjoni kontinwa tal-kwalità, ir-rieżamijiet bejn il-pari, l-attivitajiet ta' valutazzjoni komparattiva, eċċ.) u l-indikaturi tal-kwalità jiżguraw li l-implimentazzjoni tal-proġett hija ta' kwalità għolja u kosteffiċjenti. L-isfidi/ir-riskji tal-proġett huma identifikati b'mod ċar u l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni huma indirizzati kif suppost. Il-proċessi tar-rieżami espert huma ppjanati bħala parti integrali tal-proġett. Il-programm ta' ħidma tal-Alleanza jinkludi valutazzjoni tal-kwalità esterna indipendenti f'nofs it-terminu u fl-aħħar tal-proġett.

Kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni **(punteġġ massimu ta' 25 punt)**	**Stabbiliment tal-konsorzju** • **Konfigurazzjoni**: is-sħubija hija magħmula minn sħab ta' sħubijiet tal-ħiliet fuq skala kbira skont il-Patt għall-Ħiliet; din tlaqqa' flimkien taħlita xierqa ta' organizzazzjonijiet rilevanti, inklużi l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni għolja u l-industrija, inklużi l-SMEs, bil-profili, il-ħiliet, l-esperjenza, l-għarfien espert u l-appoġġ għall-ġestjoni neċessarji meħtieġa għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-proġett. Is-sħubija proposta fl-applikazzjoni turi l-għarfien espert u r-rappreżentattività tas-sħubija tal-ħiliet fuq skala kbira rilevanti skont il-Patt. Il-parteċipazzjoni tas-sħab soċjali Ewropej u/jew is-sħab soċjali nazzjonali fil-pajjiżi koperti mill-Alleanza hija rilevanti ħafna. It-tixrid u r-rappreżentattività ġeografiċi tas-sħab rilevanti fuq l-Istati Membri tal-UE u r-reġjuni involuti fl-Alleanza għandhom ikunu tali li l-Alleanza jkollha kapaċità ta' implimentazzjoni kbira fil-pajjiżi u r-reġjuni koperti (eż. permezz tal-parteċipazzjoni ta' organizzazzjoni fis-settur Ewropew u/jew sħab soċjali Ewropej); • **Impenn:** il-kontribuzzjonijiet mis-sħab huma sinifikanti, pertinenti u komplementari; id-distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet u tal-kompiti hija ċara, xierqa u turi l-impenn u l-kontribuzzjoni attiva tal-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha fir-rigward tal-għarfien espert u l-kapaċità speċifika tagħhom; **Ġestjoni tal-konsorzju u teħid tad-deċiżjonijiet** • **Kompiti**: il-koordinatur juri ġestjoni u koordinazzjoni ta' kwalità għolja tan-networks tranżnazzjonali u ta' tmexxija f'ambjent kumpless. Il-kompiti individwali huma allokati abbażi tal-għarfien espert speċifiku ta' kull sieħeb; • **Kollaborazzjoni/Spirtu ta' tim**: huwa propost mekkaniżmu effettiv biex jiġu żgurati koordinazzjoni, teħid ta' deċiżjonijiet u komunikazzjoni tajbin bejn l-organizzazzjonijiet parteċipanti, il-parteċipanti u kwalunkwe parti kkonċernata rilevanti oħra; • **Sodisfazzjon**: l-Alleanza tipprovdi valur miżjud ċar u benefiċċji għas-sħubija tal-ħiliet fuq skala kbira rilevanti.

Impatt **(punteġġ massimu ta' 20 punt)**	**Impatt u ambizzjoni** • **Sfruttament**: il-proposta turi kif l-eżiti tal-Alleanza se jiġu implimentati f'konformità mal-objettivi u mal-impenji tas-sħubija tal-ħiliet fuq skala kbira rilevanti skont il-Patt għall-Ħiliet; • **Impatt**: il-proposta turi rilevanza u sensibilizzazzjoni soċjetali u ekonomiċi. Din tiżgura l-impatt fil-livell lokali, nazzjonali u Ewropew fuq il-gruppi fil-mira u l-partijiet ikkonċernati rilevanti bi rwol sinifikanti fl-ekosistema kkonċernata inkluż fl-edukazzjoni u t-taħriġ, bħal dawk li ngħaqdu mal-Patt għall-Ħiliet. Tinkludi miżuri kif ukoll miri u indikaturi biex timmonitorja l-progress u tivvaluta l-impatt mistenni (fuq perjodu qasir u twil). **Komunikazzjoni, tixrid u viżibbiltà** • **Tixrid**: il-proposta tipprovdi pjan ċar għat-tixrid tar-riżultati, u tinkludi attivitajiet xierqa u t-twaqqit, l-għodod u l-mezzi tagħhom biex jiġi żgurat li r-riżultati u l-benefiċċji jitqassmu b'mod effettiv lill-partijiet ikkonċernati. **Sostenibbiltà u kontinwazzjoni** • **Aċċess miftuħ**: jekk rilevanti, il-proposta tiddeskrivi kif il-materjali, id-dokumenti u l-media prodotti se jkunu disponibbli bla ħlas u kif se jiġu promossi permezz ta' liċenzji miftuħa u f'format ta' *data* miftuħa marbut, u ma fihiex limitazzjonijiet sproporzjonati; • **Sostenibbiltà**: il-proposta tispjega kif se jiġi żviluppat il-pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni fil-livelli nazzjonali u reġjonali. Il-proposta tinkludi miżuri xierqa u l-identifikazzjoni ta' riżorsi finanzjarji (Ewropej, nazzjonali u privati) sabiex tiżgura li r-riżultati u l-benefiċċji miksuba mill-Alleanza jkunu sostnuti wara l-ħajja tal-proġett.

Fil-każ tal-Lott 2, tista' tiġi ffinanzjata proposta waħda biss għal kull ekosistema.

Sabiex jiġu kkunsidrati għall-finanzjament, il-proposti jridu jiksbu tal-inqas **70 punt**, filwaqt li jitqies ukoll il-punteġġ minimu meħtieġ għal kull wieħed mill-erba' kriterji għall-għoti: minimu ta' 13-il punt għall-kategorija "rilevanza tal-proġett"; Sittax-il punt għall-kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett, 13-il punt għall-kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni u 11-il punt għall-impatt.

X'INHUMA R-REGOLI TA' FINANZJAMENT?

Din l-azzjoni ssegwi mudell ta' finanzjament ta' somma f'daqqa. L-ammont tal-kontribuzzjoni ta' somma waħda f'daqqa se jiġi ddeterminat għal kull għotja abbażi tal-baġit stmat tal-azzjoni proposta mill-applikant. L-awtorità tal-għoti se tistabbilixxi s-somma f'daqqa ta' kull għotja bbażata fuq il-proposta, ir-riżultat tal-evalwazzjoni, ir-rati ta' finanzjament u l-ammont massimu tal-għotja stabbilit fis-sejħa.

L-għotja massima tal-UE għal kull proġett hija kif ġej:

- **<u>Lott 1 - Alleanzi għall-Edukazzjoni u l-Intrapriżi</u>**

  - **EUR 1 miljun** (proġett ta' **sentejn**)
  - **EUR 1,5 miljun** (proġett ta' **tliet snin**)

- **<u>Lott 2 - Alleanzi għal Kooperazzjoni Settorjali dwar il-Ħiliet (l-implimentazzjoni tal-"Blueprint")</u>**:

  - **EUR 4 miljun (proġett ta' erba' snin)** - proposta waħda biss għal kull ekosistema industrijali tista' tintgħażel għall-finanzjament. Fi kwalità ugwali, proposta li tkopri ekosistema li ma tkunx koperta minn

Alleanza tal-Blueprint li għaddejja bħalissa se tiġi vvalutata bħala aktar rilevanti minn proposta li tkopri parti minn ekosistema fejn diġà tkun għaddejja Blueprint.

Kif tiġi ddeterminata s-somma f'daqqa tal-proġett?

L-applikanti jeħtiġilhom jimlew tabella tal-baġit dettaljata skont il-formola tal-applikazzjoni, filwaqt li jqisu l-punti li ġejjin:

a) Il-baġit għandu jkun dettaljat kif meħtieġ mill-benefiċjarju/i u organizzat f'pakketti ta' ħidma koerenti (pereżempju maqsum f'"ġestjoni tal-proġetti", "taħriġ", "organizzazzjoni tal-avvenimenti", "preparazzjoni u implimentazzjoni tal-mobbiltà", "komunikazzjoni u tixrid", "assigurazzjoni tal-kwalità", eċċ.);

b) Il-proposta trid tiddeskrivi l-attivitajiet koperti minn kull pakkett ta' ħidma;

c) Fil-proposta tagħhom, l-applikanti jeħtiġilhom jipprovdu tqassim tal-kostijiet stmati li juru s-sehem għal kull pakkett ta' ħidma (u, fi ħdan kull pakkett ta' ħidma, is-sehem assenjat lil kull benefiċjarju u entità affiljata);

d) Il-kostijiet deskritti jistgħu jkopru l-kostijiet tal-persunal, il-kostijiet tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza, il-kostijiet tat-tagħmir u tas-subkuntrattar kif ukoll kostijiet oħrajn (bħat-tixrid tal-informazzjoni, il-pubblikazzjoni jew it-traduzzjoni).

Il-proposti se jiġu evalwati skont il-proċeduri ta' evalwazzjoni standard bl-għajnuna tal-esperti interni u/jew esterni. L-esperti se jivvalutaw il-kwalità tal-proposti skont ir-rekwiżiti definiti fis-sejħa u l-impatt, mistenni, il-kwalità u l-effiċjenza tal-azzjoni. Il-valur tas-somma f'daqqa se jkun limitat għal massimu ta' 80 % tal-baġit stmat iddeterminat wara l-evalwazzjoni

Wara l-evalwazzjoni tal-proposta, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni se jistabbilixxi l-ammont tas-somma f'daqqa, filwaqt li jqis is-sejbiet tal-valutazzjoni mwettqa.

Il-parametri tal-għotja (l-ammont massimu tal-għotja, ir-rata ta' finanzjament, il-kostijiet totali eliġibbli, eċċ.) se jiġu stabbiliti fil-Ftehim ta' Għotja. Mhuwiex permess appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi. Il-kostijiet tal-voluntiera huma permessi. Jekk jogħġbok irreferi għall-Parti C ta' din il-Gwida tal-Programm, it-taqsima "Kostijiet diretti eliġibbli".

Il-kisbiet tal-proġett se jiġu evalwati fuq l-eżiti mwettqa. L-iskema ta' finanzjament tippermetti li ssir enfasi fuq l-outputs aktar milli fuq l-inputs, u b'hekk titqiegħed enfasi fuq il-kwalità u l-livell tal-kisba tal-objettivi li jistgħu jitkejlu.

Aktar dettalji huma deskritti fil-mudell tal-Ftehim ta' Għotja disponibbli fil-Portal tal-Opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti (FTOP).

PROĠETTI LI JĦARSU ’L QUDDIEM

Skop tal-azzjoni

Wara l-pandemija reċenti**, il-ħtieġa ta’ innovazzjoni fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ tagħna, kif ukoll taż-żgħażagħ, qatt ma kienet daqshekk kbira.**L-innovazzjoni fit-tagħlim u l-apprendiment hija kruċjali kemm fuq livell individwali kif ukoll fuq livell istituzzjonali. Dawn l-approċċi innovattivi ma għandhomx jipprovdu biss lill-ħaddiema tal-lum u ta’ għada bil-ħiliet xierqa għal swieq tax-xogħol li jinbidlu malajr, iżda għandhom jagħtu wkoll il-kreattività u l-ħiliet lill-forza tax-xogħol tal-lum u ta’ għada biex jikkonfrontaw il-kumplessità dejjem akbar tal-isfidi tas-soċjetà li lkoll qegħdin niffaċċjaw bħat-tibdil fil-klima, il-protezzjoni tal-bijodiversità, l-enerġija nadifa, is-saħħa pubblika, id-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni, l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u l-analiżi tad-*data*.

Din l-azzjoni se timmira li trawwem **l-innovazzjoni, il-kreattività u l-parteċipazzjoni**, kif ukoll l-intraprenditorija soċjali f’oqsma differenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ, fi ħdan setturi jew bejn is-setturi u d-dixxiplini.

Il-Proġetti li Jħarsu ’l Quddiem huma proġetti fuq skala kbira li għandhom l-għan li **jidentifikaw, jiżviluppaw, jittestjaw u/jew jivvalutaw approċċi (ta’ politika) innovattivi** li għandhom il-potenzjal li jiġu integrati, u b’hekk itejbu s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Dawn se jappoġġaw ideat li jħarsu ’l quddiem li jirrispondu għall-**prijoritajiet Ewropej ewlenin**, u li għandhom il-potenzjal li jiġu integrati u jagħtu kontribut għat-titjib tas-sistemi tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ, kif ukoll li jġibu effett innovattiv sostanzjali f’termini tal-metodi u l-prattiki għat-tipi kollha ta’ kuntesti ta’ apprendiment u ta’ parteċipazzjoni attiva għall-koeżjoni soċjali tal-Ewropa.

L-għan huwa li jiġu appoġġati proġetti ta’ kooperazzjoni tranżnazzjonali li jimplimentaw sett koerenti u komprensiv ta’ **attivitajiet settorjali jew transsettorjali** li jew:

a)**irawmu l-innovazzjoni** f’termini tal-kamp ta’ applikazzjoni, il-metodi u l-prattiki rivoluzzjonarji, u/jew

b)jiżguraw **trasferiment tal-innovazzjoni** (bejn il-pajjiżi, is-setturi politiċi jew il-gruppi fil-mira), u b’hekk jiġi żgurat sfruttament sostenibbli tar-riżultati tal-proġetti innovattivi u/jew trasferibbiltà f’kuntesti u udjenzi differenti fil-livell tal-UE.

Is-sħubijiet għandhom ikunu magħmulin minn taħlita ta’ organizzazzjonijiet pubbliċi u privati li jgħaqqdu lir-riċerkaturi, il-prattikanti u s-sħab mal-kapaċità li jilħqu lil dawk li jfasslu l-politika.

Għalhekk, proġetti li jħarsu ’l quddiem għandhom jiġu implimentati minn sħubija mħallta ta’ organizzazzjonijiet:

- abbażi tal-eċċellenza u l-għarfien tal-ogħla livell ta’ żvilupp tekniku,
- li jkollhom il-kapaċità li jinnovaw,
- li jkunu kapaċi jiġġeneraw impatt sistemiku permezz tal-attivitajiet tagħhom u l-potenzjal li jixprunaw l-aġenda politika fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

Il-proġetti appoġġati se jkollhom l-għan li jiksbu impatt sistemiku fil-livell Ewropew billi jkollhom il-kapaċità li jużaw l-eżiti innovattivi tagħhom fuq skala Ewropea u/jew billi jkunu jistgħu jittrasferixxuhom f’kuntesti tematiċi jew ġeografiċi differenti.

Lott 1: Edukazzjoni diġitali (transsettorjali)

Il-proġetti taħt il-Lott 1 jistgħu jindirizzaw setturi edukattivi differenti jew jgħaqqdu s-setturi edukattivi, u jridu jappoġġaw **edukazzjoni diġitali ta’ kwalità għolja u inklużiva**, f’konformità mal-Pjan ta’ Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali.

Il-proposti taħt dan il-Lott għandhom jindirizzaw **waħda** mit-tliet prijoritajiet li ġejjin:

- **Prijorità 1**: Teknoloġija tal-edukazzjoni (edTech): l-espansjoni ta’ soluzzjonijiet ibbażati fl-UE permezz tal-kooperazzjoni u l-assigurazzjoni tal-kwalità;
- **Prijorità 2**: Approċċi pedagoġiċi effettivi dwar l-informatika għal-livell primarju u sekondarju tal-edukazzjoni;
- **Prijorità 3**: It-taħriġ tal-għalliema u l-iżvilupp tal-kurrikulu fl-indirizzar tad-diżinformazzjoni u l-promozzjoni tal-litteriżmu.

Dawn il-prijoritajiet huma spjegati aktar fid-dettall taħt it-taqsima “Stabbiliment ta’ proġett” hawn taħt.

Lott 2: Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali (VET)

Il-proġetti taħt il-Lott 2 jindirizzaw is-settur tal-VET. Dawn il-proġetti jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-prinċipji u l-objettivi tal-**Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**[264]**,** l-**Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa**[265], ir-**Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali** għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza[266] u d-**Dikjarazzjoni ta' Osnabrück** dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali[267] bħala faċilitatur tal-irkupru u t-tranżizzjonijiet ġusti lejn ekonomiji diġitali u ekoloġiċi[268].

Il-proposti sottomessi taħt il-Lott 2 iridu jindirizzaw waħda miż-żewġ prijoritajiet li ġejjin li huma dettaljati taħt "Stabbiliment ta' proġett":

- **Prijorità 4**: Il-mikrokredenzjali għall-impjegabbiltà;
- **Prijorità 5**: It-titjib tal-attraenza tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (VET) permezz ta' sħubijiet u networks ta' forniturі tal-VET.

Lott 3: Apprendiment għall-adulti

Il-proġetti taħt il-Lott 3 jindirizzaw il-qasam ta' politika tal-apprendiment għall-adulti. Dawn il-proġetti jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-prinċipji u l-objettivi tal-Pjan ta' Azzjoni tal-**Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**[269]**,** l-**Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa**[270], u r-**Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Perkorsi ta' titjib tal-ħiliet**[271]: Opportunitajiet Ġodda għall-Adulti.

Il-proposti sottomessi taħt il-Lott 3 iridu jindirizzaw waħda miż-żewġ prijoritajiet li ġejjin li huma dettaljati taħt "Stabbiliment ta' proġett":

- **Prijorità 6**: L-iżvilupp ta' reġistri nazzjonali ta' opportunitajiet ta' taħriġ ta' kwalità assigurata u rilevanti għas-suq tax-xogħol;
  Prijorità 7: L-appoġġ għall-Patt għall-Ħiliet

OBJETTIVI TAL-AZZJONI

L-**objettivi ġenerali** huma kif ġej:

- Inizjattivi innovattivi b'impatt qawwi fuq ir-riformi fl-edukazzjoni u t-taħriġ, iżda f'**oqsma strateġiċi ta' politika** speċifiċi;
- Il-kontribuzzjoni għat-**tisħiħ tal-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Ewropa** permezz tal-promozzjoni tal-innovazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ;
- **Il-ħolqien ta' bidla sistemika** permezz tat-trawwim tal-innovazzjoni kemm fil-livell tal-prattika kif ukoll fil-livell tal-politika;
- **L-appoġġ għal ideat li jħarsu 'l quddiem** li jiffokaw fuq suġġetti u prijoritajiet ewlenin fil-livell tal-UE, b'potenzjal ċar li jiġu integrati f'settur wieħed jew aktar;
- Bħala metodi u prattiki edukattivi rivoluzzjonarji kompletament innovattivi u/jew ta' trasferiment tal-innovazzjoni: l-iżgurar ta' **sfruttament sostenibbli** tar-riżultati tal-proġetti innovattivi u/jew it-**trasferibbiltà** f'kuntesti u udjenzi differenti fil-livell tal-UE.

L-**objettivi speċifiċi** jinkludu:

264 https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/economy-works-people/jobs-growth-and-investment/european-pillar-social-rights/european-pillar-social-rights-action-plan_mt
265 https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1223&langId=mt
266 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32020H1202%2801%29
267 https://www.cedefop.europa.eu/files/osnabrueck_declaration_eu2020.pdf
268 https://op.europa.eu/webpub/empl/VET-skills-for-today-and-future/mt/index.html
269 https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/economy-works-people/jobs-growth-and-investment/european-pillar-social-rights/european-pillar-social-rights-action-plan_mt
270 https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1223&langId=mt
271 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32016H1224(01)

- **L-identifikazzjoni, l-iżvilupp, l-ittestjar u/jew il-valutazzjoni** ta' approċċi innovattivi li għandhom il-potenzjal li jiġu integrati biex jittejbu s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ u tittejjeb l-effettività tal-politiki u l-prattiki fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ;
- **It-tnedija ta' azzjonijiet pilot** sabiex jiġu ttestjati soluzzjonijiet għall-isfidi tal-preżent u tal-futur bil-ħsieb li jingħata bidu għal impatt sostenibbli u sistemiku;
- **L-appoġġ għall-kooperazzjoni tranżnazzjonali u l-apprendiment reċiproku** dwar kwistjonijiet li jħarsu 'l quddiem fost il-partijiet ikkonċernati ewlenin u l-għoti tas-setgħa lill-partijiet ikkonċernati biex jiżviluppaw soluzzjonijiet innovattivi u jippromwovu t-trasferiment ta' dawk is-soluzzjonijiet f'kuntesti ġodda, inkluż il-bini tal-kapaċità tal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

L-attivitajiet taħt Proġetti li Jħarsu 'l Quddiem għandhom jikkontribwixxu għal dan li ġej:

- Itejbu l-kwalità, l-effiċjenza, l-attraenza, u l-ekwità tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ;
- Itejbu l-effettività tal-politiki fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ;
- Jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Oqfsa u l-inizjattivi legali tal-UE kif ukoll rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż mis-Semestru Ewropew;
- Evidenza u fehim mtejba dwar grupp(i) fil-mira, sitwazzjonijiet ta' apprendiment u tagħlim u metodoloġiji u għodda effettivi li jistgħu jispiraw u jistimulaw l-innovazzjoni fil-livell tas-sistema;
- Jiżviluppaw għarfien li jappoġġa politika bbażata fuq l-evidenza;
- Jiskattaw bidliet fl-imġiba fil-livell tal-UE.

L-attivitajiet ewlenin taħt dawn il-Prijoritajiet jistgħu jinvolvu (lista mhux eżawrjenti):

- Ir-riċerka dwar l-azzjoni, xogħol ta' mmappjar, il-produzzjoni ta' outputs settorjali jew transsettorjali fuq skala kbira;
- Attivitajiet ta' bini tal-kapaċità tranżnazzjonali bħat-taħriġ, l-analiżi ta' kuntesti ta' politika, ir-riċerka politika, l-aġġustamenti istituzzjonali;
- Attivitajiet pilota għall-ittestjar ta' soluzzjonijiet innovattivi;
- Avvenimenti tranżnazzjonali fuq skala kbira jew attivitajiet ta' networking, kemm settorjali kif ukoll transsettorjali;
- Attivitajiet ta' sfruttament sabiex jitqassmu r-riżultati lill-komunità jew lis-settur edukattiv;
- Attivitajiet ta' riflessjoni, riċerka u sperimentazzjoni b'ideat innovattivi.

Il-Proġetti li Jħarsu 'l Quddiem huma meħtieġa japplikaw strumenti u għodod madwar l-UE kollha kull meta jkun rilevanti.

Il-Proġetti li Jħarsu 'l Quddiem għandhom jinkludu t-tfassil ta' pjan ta' azzjoni fit-tul (lil hinn mid-durata tal-proġett iffinanzjat mill-Erasmus+) għall-adozzjoni u l-integrazzjoni progressiva tal-innovazzjonijiet żviluppati sabiex ikunu jistgħu jħallu impatt fuq is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet rilevanti. Dawn għandhom jiżguraw ukoll il-viżibbiltà xierqa u t-tixrid wiesa' tal-ħidma, inkluż fil-livell politiku tal-UE u dak nazzjonali.

Il-Proġetti li Jħarsu 'l Quddiem jistgħu jindikaw ukoll kif opportunitajiet ta' finanzjament oħrajn tal-UE (eż. il-Fondi Strutturali Ewropej, il-Fond Ewropew għall-Investiment Strateġiku, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta), il-finanzjament nazzjonali u reġjonali, kif ukoll il-finanzjament privat, jistgħu jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-proġett. Dawn jistgħu jqisu l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelligenti u l-iżviluppi nazzjonali u reġjonali fl-Ekosistemi Industrijali Ewropej.

KRITERJI LI GĦANDHOM JIĠU SSODISFATI BIEX WIEĦED JAPPLIKA GĦAL PROĠETTI LI JĦARSU ’L QUDDIEM

KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ

Sabiex ikunu eliġibbli għal għotja tal-Erasmus+, il-proposti tal-proġett għal Proġetti li Jħarsu ’l Quddiem iridu jikkonformaw mal-kriterji li ġejjin:

Min jista’ japplika	L-applikanti (koordinatur u sħab sħaħ) jeħtiġilhom ikunu: - organizzazzjonijiet/entitajiet pubbliċi jew privati li huma attivi fl-oqsma tal-edukazzjoni u tat-taħriġ jew fid-dinja tax-xogħol; - stabbiliti fi Stat Membru tal-UE jew f’pajjiż terz assoċjat mal-Programm (Pajjiżi li għadhom għaddejjin bin-negozjati għal ftehim ta’ assoċjazzjoni u fejn il-ftehim jidħol fis-seħħ qabel il-firma tal-għotja huma eliġibbli). **Eċċezzjoni**: Għal-Lott 3, “Prijorità 7 Appoġġ għall-Patt għall-Ħiliet”, l-organizzazzjonijiet ta’ koordinazzjoni tas-sħubijiet tal-Patt għall-Ħiliet biss jistgħu jkunu koordinaturi, u huma biss l-organizzazzjonijiet li jkunu involuti fi sħubijiet eżistenti tal-Patt għall-Ħiliet fl-iskadenza għas-sottomissjoni li jistgħu jkunu sħab sħaħ. L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja stabbiliti fi Stat Membru tal-UE jew f’pajjiż terz assoċjat mal-Programm irid ikollhom Karta Erasmus għall-Edukazzjoni Għolja (ECHE) valida. L-organizzazzjonijiet minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm jistgħu jiġu involuti bħala sħab assoċjati (mhux bħala koordinaturi jew sħab sħaħ).

Kompożizzjoni tal-konsorzju	Għal-**Lott 1** Il-konsorzju jrid jinkludi mill-inqas **tliet applikanti (koordinatur u sħab sħaħ)** minn minimu ta' **tliet Stati Membri tal-UE jew pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm.** L-entitajiet affiljati ma jgħoddux għall-kriterji minimi tal-eliġibbiltà għall-kompożizzjoni tal-konsorzju. Il-konsorzju jrid jinkludi **mill-inqas awtorità pubblika waħda** fil-livell nazzjonali jew reġjonali (eż. Ministeri tal-Innovazzjoni, tal-Edukazzjoni, tax-Xogħol jew tal-Ekonomija, l-awtoritajiet tal-kwalifiki jew tal-assigurazzjoni tal-kwalità eċċ.), **minn Stat Membru tal-UE jew minn pajjiż terz assoċjat mal-Programm, bħala applikant (koordinatur jew sieħeb sħiħ)**. Skont il-**Prijorità 1 (EdTech),** il-konsorzju jrid jinkludi mill-inqas kumpanija waħda tal-EdTech minn Stat Membru tal-UE **jew minn pajjiż terz assoċjat mal-Programm**, bħala applikant **(koordinatur jew sieħeb sħiħ)**. Għal-**Lott 2**: Il-konsorzju jrid jinkludi mill-inqas **sitt applikanti (koordinatur u sħab sħaħ)** minn minimu ta' **tliet Stati Membri tal-UE jew pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm.** L-entitajiet affiljati ma jgħoddux għall-kriterji minimi tal-eliġibbiltà għall-kompożizzjoni tal-konsorzju. Għal mill-inqas tliet pajjiżi eliġibbli, il-konsorzju jrid jinkludi, għal kull pajjiż: a) mill-inqas **intrapriża waħda, organizzazzjoni rappreżentattiva waħda tal-industrija jew tas-settur**, u b) mill-inqas **fornitur wieħed tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali, jew organizzazzjoni rappreżentattiva** (fil-livell sekondarju u/jew terzjarju). **Għal-Lott 3**: **Skont il-Prijorità 6,** il-konsorzju jrid jinkludi mill-inqas **tliet applikanti (koordinatur u sħab sħaħ)** minn minimu ta' **tliet Stati Membri tal-UE jew pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm**. L-entitajiet affiljati ma jgħoddux għall-kriterji minimi tal-eliġibbiltà għall-kompożizzjoni tal-konsorzju. Trid tinkludi wkoll entitajiet pubbliċi jew privati inkarigati minn, jew li għandhom grad għoli ta' responsabbiltà għal (jew influwenza fuq), l-organizzazzjoni u/jew il-finanzjament u/jew il-provvista ta' servizzi edukattivi għall-adulti (eż. valutazzjoni tal-ħiliet, validazzjoni tal-kompetenzi, edukazzjoni u taħriġ, orjentazzjoni u gwida), bħala applikanti jew sħab assoċjati. **Skont il-Prijorità 7,** il-konsorzju jrid jinkludi **biss** sħab ta' sħubijiet eżistenti tal-Patt għall-Ħiliet bħala **applikanti (koordinatur u sħab sħaħ)** minn minimu ta' **tliet Stati Membri tal-UE jew pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm**. L-entitajiet affiljati ma jgħoddux għall-kriterji minimi tal-eliġibbiltà għall-kompożizzjoni tal-konsorzju.
Post tal-attivitajiet	L-attivitajiet iridu jsiru fl-Istati Membri tal-UE jew f'pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm.

Durata tal-proġett	Għal-**Lott 1**, il-proġetti normalment għandhom idumu bejn 24 u 48 xahar (jistgħu jsiru estensjonijiet, jekk ikunu ġġustifikati kif xieraq u permezz ta' emenda). Għal-**Lott 2**, il-proġetti normalment għandhom idumu 36 xahar (jistgħu jsiru estensjonijiet, jekk ikunu ġġustifikati kif xieraq u permezz ta' emenda). Għal-**Lott 3**, il-proġetti normalment għandhom idumu 24 xahar (jistgħu jsiru estensjonijiet, jekk ikunu ġġustifikati kif xieraq u permezz ta' emenda). Id-durata trid tintgħażel fl-istadju tal-applikazzjoni, abbażi tal-objettiv tal-proġett, tat-tip ta' attivitajiet ippjanati maż-żmien, il-baġit u l-ambizzjonijiet stabbiliti għall-proġett.
Fejn napplika?	Mal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA). ID tas-Sejħa tal-Lott 1: ERASMUS-EDU-2023-PI-FORWARD-LOT1 ID tas-Sejħa tal-Lott 2: ERASMUS-EDU-2023-PI-FORWARD-LOT2 ID tas-Sejħa tal-Lott 3: ERASMUS-EDU-2023-PI-FORWARD-LOT3
Meta napplika?	L-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għal għotja sal-**15 ta' Marzu fil-17:00** (ħin ta' Brussell)

L-organizzazzjonijiet applikanti se jiġu vvalutati skont il-kriterji tal-esklużjoni u tal-għażla rilevanti. Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkonsulta l-Parti C ta' din il-Gwida.

STABBILIMENT TA' PROĠETT

Il-Proġetti Li Jħarsu 'l Quddiem dejjem għandhom iqisu l-kuntesti ta' politika trażversali li ġejjin:

1. **Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.**
2. **Il-Patt Ekoloġiku tal-Kummissjoni Ewropea[272], l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU[273]** u **d-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima[274];**
3. **L-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa**[275];
4. **Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali** (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza[276]
5. **Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-mikrokredenzjali[277]**
6. **Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar kontijiet individwali tal-apprendiment[278]**
7. **Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar aġenda Ewropea ġdida għat-tagħlim tal-adulti 2021-2030[279]**
8. **Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Perkorsi ta' titjib tal-ħiliet: Opportunitajiet Ġodda għall-Adulti[280].**
9. **It-Trasformazzjoni Diġitali** fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ tagħna, kif ukoll fiż-żgħażagħ, kif inkluża fil-**Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027[281]** tal-Kummissjoni Ewropea;

LOTT 1: EDUKAZZJONI DIĠITALI (TRANSSETTORJALI)

Il-proposti sottomessi taħt il-Lott 1 iridu **jappoġġaw edukazzjoni diġitali ta' kwalità għolja u inklużiva**, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027.

Is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ bħalissa għaddejjin minn trasformazzjoni diġitali profonda, li qiegħda tiġi xprunata minn avvanzi fil-konnettività; l-użu wiesa' tal-apparati u tal-applikazzjonijiet diġitali; il-ħtieġa ta' flessibbiltà individwali; id-disponibbiltà usa' ta' kontenut ta' edukazzjoni diġitali ta' kwalità għolja u l-ħtieġa għalih u d-domanda dejjem akbar għall-ħiliet diġitali. Il-pandemija tal-COVID-19, li kellha impatt kbir fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ, aċċellerat il-bidla u pprovdiet diversi esperjenzi u perspettivi ġodda ta' apprendiment.

Il-**Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027** jistabbilixxi l-politika tal-UE għat-trasformazzjoni diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ matul il-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss. Huwa sejħa għall-azzjoni għal kooperazzjoni aktar b'saħħitha fil-livell Ewropew sabiex jittieħdu tagħlimiet mill-kriżi tal-COVID-19 u biex is-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ jsiru aktar adattati għall-era diġitali. Il-Pjan ta' Azzjoni jipprevedi 14-il azzjoni taħt żewġ prijoritajiet strateġiċi, jiġifieri:

- L-appoġġ għall-iżvilupp ta' **ekosistema ta' edukazzjoni diġitali** bi prestazzjoni għolja (1)
- L-indirizzar tal-ħtieġa li jissaħħu **l-kompetenzi diġitali għat-trasformazzjoni diġitali** (2)

Il-Pjan ta' Azzjoni, li ġie adottat mill-Kummissjoni bħala faċilitatur importanti taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, beda l-implimentazzjoni tiegħu f'Jannar 2021.

F'dawn l-aħħar xhur, wara li aċċettat l-istedina tal-Kunsill u wara d-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2021 tal-President tal-Kummissjoni von der Leyen, il-Kummissjoni nediet Djalogu Strutturat mal-Istati Membri dwar l-edukazzjoni u l-ħiliet

---

272 https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/european-green-deal-communication_en.pdf
273 https://www.un.org/sustainabledevelopment/sustainable-development-goals/
274 https://ec.europa.eu/clima/policies/international/negotiations/paris_mt
275 https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catid=1223&langid=mt
276 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32020H1202(01)
277 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32022H0627(02)&qid=1656349729862
278 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32022H0627%2803%29&qid=1656361055059
279 https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-14485-2021-INIT/mt/pdf
280 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32016H1224(01)
281 https://ec.europa.eu/education/education-in-the-eu/digital-education-action-plan_mt

diġitali. Id-djalogu għandu l-għan li jappoġġa lill-Istati Membri fit-trasformazzjoni diġitali tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ tagħhom f'approċċ integrat, koerenti u aktar ambizzjuż, li jgħaqqad flimkien setturi differenti tal-gvern, kif ukoll is-settur privat (eż. kumpaniji tal-EdTech), sħab soċjali u s-soċjetà ċivili. Permezz tad-Djalogu Strutturat, il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jippreżentaw dijanjożi kondiviża dwar is-sitwazzjoni u l-perspettivi fil-livell nazzjonali; jidentifikaw it-tagħlimiet meħuda u l-passi neċessarji li jmiss għal azzjoni ulterjuri dwar l-edukazzjoni diġitali. Id-Djalogu se jitlesta fi tmiem l-2022 u se jikkontribwixxi għal azzjonijiet futuri fil-livell tal-UE dwar l-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali, inklużi żewġ proposti għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-fatturi abilitanti għall-edukazzjoni diġitali u dwar it-titjib tal-provvista ta' ħiliet diġitali fl-edukazzjoni u fit-taħriġ.

F'dan il-kuntest, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-metodoloġiji adegwati u l-opportunitajiet ta' taħriġ tal-għalliema jkunu fis-seħħ biex jiġi żgurat l-iżvilupp effettiv tal-ħiliet u tal-kompetenzi diġitali permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Dawk jistgħu jinkludu l-provvista tal-informatika bħala mezz għall-promozzjoni tal-użu attiv tat-teknoloġiji minn età bikrija u l-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi biex jiġu indirizzati kwistjonijiet urġenti tas-soċjetà, bħall-indirizzar tad-diżinformazzjoni u l-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali.

Minbarra dak spjegat hawn fuq, il-Pjan ta' Azzjoni tal-Edukazzjoni Diġitali jistabbilixxi li għandha tiġi appoġġata kooperazzjoni aktar effettiva fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali fil-livell tal-UE permezz tat-twaqqif ta' Ċentru Ewropew għall-Edukazzjoni Diġitali. Iċ-Ċentru se jippromwovi l-kollaborazzjoni transsettorjali, jidentifika u jikkondividi prattiki tajba u jappoġġa lill-Istati Membri u lis-settur tal-edukazzjoni u t-taħriġ b'għodod, oqfsa, gwida, għarfien espert tekniku u riċerka fil-qasam tal-edukazzjoni diġitali. Iċ-Ċentru għandu jgħaqqad inizjattivi u atturi tal-edukazzjoni diġitali nazzjonali u reġjonali u jappoġġa mudelli ġodda għall-iskambju ta' kontenut tal-edukazzjoni diġitali, filwaqt li jindirizza kwistjonijiet bħal standards komuni, l-interoperabbiltà, l-aċċessibbiltà u l-assigurazzjoni tal-kwalità. F'konformità mal-objettivi taċ-Ċentru, huwa importanti wkoll li l-atturi kollha fl-ekosistema tal-edukazzjoni diġitali jiġu appoġġati biex jikkooperaw ma' xulxin b'mod effettiv u b'mod partikolari biex tiġi ffaċilitata l-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi/l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u s-setturi li qegħdin jiżviluppaw b'mod rapidu, bħat-Teknoloġija Ewropea tal-Edukazzjoni (EdTech).

Il-Proġetti Li Jħarsu 'l Quddiem se jindirizzaw **waħda** mit-tliet prijoritajiet li ġejjin:

Prijorità 1: Teknoloġija tal-edukazzjoni (EdTech): l-espansjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fl-UE permezz tal-kooperazzjoni u l-assigurazzjoni tal-kwalità

Is-settur Ewropew tat-teknoloġija tal-edukazzjoni (EdTech) huwa sors importanti ta' innovazzjoni fl-edukazzjoni diġitali u qiegħed jikber malajr. Madankollu, għadu frammentat ħafna, u spiss ikun nieqes mill-esperjenza u l-kapaċità li jikkoopera b'mod effettiv mal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u mal-awtoritajiet pubbliċi b'mod sostenibbli.

Proġetti li jħarsu 'l quddiem f'dan il-qasam prijoritarju jinvolvu organizzazzjonijiet tal-EdTech ibbażati fl-UE billi jrawmu l-kooperazzjoni bejn l-industrija u l-awtoritajiet pubbliċi, filwaqt li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' ekosistema tal-edukazzjoni diġitali Ewropea bi prestazzjoni għolja.

Il-proġetti taħt din il-prijorità għandhom jindirizzaw kemm:

- l-iżvilupp ta' qafas ta' assigurazzjoni tal-kwalità bbażat fuq l-evidenza għat-teknoloġija tal-edukazzjoni, f'kooperazzjoni mal-Ministeri tal-Edukazzjoni, b'referenza għall-eżiti tal-apprendiment miksuba permezz tal-integrazzjoni ta' soluzzjonijiet tat-teknoloġija tal-edukazzjoni fit-tagħlim, fl-apprendiment u fil-valutazzjoni.
- il-promozzjoni ta' kooperazzjoni transsettorjali bejn il-forituri tat-teknoloġija tal-edukazzjoni, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, u l-awtoritajiet pubbliċi fl-indirizzar ta' aċċess effiċjenti u ekwu għal kontenut ta' edukazzjoni diġitali ta' kwalità għolja.

Prijorità 2: Approċċi pedagoġiċi effettivi dwar l-informatika għal-livell primarju u sekondarju tal-edukazzjoni

L-informatika[282] għadha dixxiplina relattivament ġdida fl-edukazzjoni fl-iskola. Filwaqt li xi pajjiżi Ewropej għandhom tradizzjoni twila ta' tagħlim tal-informatika, oħrajn introduċew dan is-suġġett biss dan l-aħħar, speċjalment fl-edukazzjoni primarja u sekondarja tal-ewwel livell. Il-proċessi ta' riforma riċenti wasslu għal bidliet fil-kurrikuli tal-iskejjel u għal xejra ġenerali sabiex tissaħħaħ l-informatika fl-iskola fl-UE. Madankollu, l-evidenza eżistenti turi li filwaqt li hemm esperjenza fit-tagħlim tal-informatika fl-edukazzjoni terzjarja u, sa ċertu punt, fis-sekondarja tat-tieni livell, l-ammont ta' għarfien u ta' riċerka żviluppati fit-tagħlim f'livell sekondarju u primarju aktar baxx huwa ħafna aktar limitat.

L-appoġġ għall-iżvilupp ta' approċċi pedagoġiċi effettivi dwar l-informatika u l-valutazzjoni relatata jista' jgħin fit-tħejjija aħjar tal-għalliema biex jibnu u jikkondividu l-għarfien espert dwar kif is-suġġett jista' jiġi integrat bl-aħjar mod fil-livelli differenti tal-edukazzjoni fl-iskola - u b'hekk jiġi promoss aħjar l-użu attiv u sikur tat-teknoloġija diġitali miż-żgħażagħ.

Il-proġetti taħt din il-prijorità għandhom jindirizzaw kemm:

- l-iżvilupp u l-ittestjar ta' approċċi pedagoġiċi effettivi u innovattivi li huma xierqa u bi progressjoni ċara bejn il-livelli differenti tal-edukazzjoni u b'mod partikolari b'enfasi fuq il-livell primarju u sekondarju.
- l-inizjattivi ta' taħriġ għall-għalliema mmirati lejn iż-żieda fid-disponibbiltà ta' għalliema (ġeneralisti u speċjalizzati) bi tħejjija u bi kwalifika adegwati biex jgħallmu d-dixxiplina.

Prijorità 3: It-taħriġ tal-għalliema u l-iżvilupp tal-kurrikulu fl-indirizzar tad-diżinformazzjoni u l-promozzjoni tal-litteriżmu

Bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027, il-Kummissjoni Ewropea nediet linji gwida komuni għall-għalliema u għall-edukaturi biex tippromwovi l-litteriżmu diġitali u tindirizza d-diżinformazzjoni permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ[283]. Madankollu, huma meħtieġa aktar sforzi fil-livell sistemiku biex jiġi żgurat li s-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ jipprovdu liż-żgħażagħ bil-ħiliet u bil-kompetenzi b'mod effettiv, biex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet urġenti u li l-għalliema u l-edukaturi jiġu appoġġati fit-taħriġ u fl-iżvilupp professjonali kontinwu tagħhom fil-qasam.

Għal dan l-għan, proġetti li jħarsu 'l quddiem dwar it-taħriġ tal-għalliema u l-iżvilupp tal-kurrikulu fil-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali u fl-indirizzar tad-diżinformazzjoni jkunu jikkontribwixxu għall-appoġġ tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u b'mod partikolari lill-istudenti u lill-għalliema u lill-edukaturi biex jindirizzaw sfidi ġodda u emerġenti fil-klassi marbuta mill-qrib mal-ambjent online dinamiku b'mod effettiv u strutturat.

- Il-proġetti fil-qafas ta' din il-prijorità għandhom jindirizzaw kemm it-taħriġ inizjali tal-għalliema kif ukoll l-iżvilupp professjonali kontinwu, fil-qasam tal-litteriżmu diġitali u tal-indirizzar tad-diżinformazzjoni kemm f'termini ta' kontenut kif ukoll ta' metodoloġija, iżda wkoll f'termini ta' adozzjoni sistemika;
- Ir-riċerka u l-iskambju ta' approċċi effettivi u skalabbli fl-iżvilupp tal-kurrikulu fil-qasam tal-litteriżmu diġitali u tal-indirizzar tad-diżinformazzjoni.

LOTT 2: EDUKAZZJONI U TAĦRIĠ VOKAZZJONALI (VET)

Il-proposti sottomessi taħt il-Lott 2 iridu jindirizzaw waħda miż-żewġ prijoritajiet li ġejjin:

Prijorità 4 - Il-mikrokredenzjali għall-impjegabbiltà

Il-"mikrokredenzjali" huma r-rekord (eż. attestazzjoni jew ċertifikat) tal-eżiti tal-apprendiment li student ikun kiseb wara volum żgħir ta' apprendiment. Kien hemm tkabbir u użu esponenzjali tal-mikrokredenzjali hekk kif il-ħaddiema u l-

[282] L-informatika hija d-dixxiplina li ssostni l-kompetenzi meħtieġa biex wieħed jifhem id-dinja diġitali.
[283] https://education.ec.europa.eu/mt/focus-topics/digital-education/action-plan/action-7

persuni li qed ifittxu impjieg ifittxu li jtejbu l-ħiliet u jitħarrġu mill-ġdid f'konformità mad-domandi li qegħdin jinbidlu malajr tas-suq tax-xogħol, mal-impatt tat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika u mal-irkupru mill-COVID-19. Hemm potenzjal kbir fil-mikrokredenzjali biex jiġi appoġġat l-apprendiment tul il-ħajja u forom aktar inklużivi ta' apprendiment permezz ta' apprendiment aktar flessibbli u opportunitajiet rilevanti ta' apprendiment. Il-Kummissjoni ħadet passi permezz tal-proposta tagħha għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà biex tistabbilixxi definizzjoni, format standard għad-deskrizzjoni tal-mikrokredenzjali u prinċipji għat-tfassil u għall-ħruġ ta' mikrokredenzjali.

Dawn l-elementi huma essenzjali biex jiġu żgurati l-kwalità, il-fiduċja u l-użu tal-mikrokredenzjali u jippermettu l-potenzjal sħiħ tagħhom bħala strument għall-apprendiment. Sabiex jiġi żviluppat aktar il-potenzjal tal-mikrokredenzjali, il-proġetti għandhom jindirizzaw qasam 1 jew taħlita tal-oqsma li ġejjin:

- **Il-mikrokredenzjali għal suq tax-xogħol aktar inklużiv:** kif il-mikrokredenzjali jistgħu jintużaw fl-ekosistemi tal-ħiliet, fil-politiki attivi tas-suq tax-xogħol (jiġifieri s-servizzi għall-impjiegi, l-appoġġ għat-taħriġ u l-inċentivi għall-impjiegi) biex jiġu appoġġati l-impjegabbiltà u l-inklużjoni għal gruppi żvantaġġati inklużi ż-żgħażagħ, ir-riċevituri tal-introjtu minimu, il-persuni qiegħda fit-tul, il-persuni b'diżabilità u l-persuni bi kwalifiki baxxi fis-swieq tax-xogħol tal-UE.
- **Il-mikrokredenzjali għat-tranżizzjoni ekoloġika:** kif il-mikrokredenzjali jistgħu jitfasslu, jiġu pprovduti u aġġornati biex in-nies jitgħammru bil-ħiliet neċessarji għat-tranżizzjoni ekoloġika bbażata fuq l-użu tal-informazzjoni dwar il-ħiliet tas-suq tax-xogħol u fuq il-kontribut mill-impjegaturi, mill-industrija u mis-sħab soċjali.
- **Il-portabbiltà tal-mikrokredenzjali:** kif nistgħu nagħmlu l-aħjar użu mid-diġitalizzazzjoni, mill-istandards miftuħa u mis-servizzi ta' awtentikazzjoni, inklużi l-Kredenzjali Diġitali Ewropej għall-Apprendiment (parti mill-Europass), biex tkun permessa l-portabbiltà tal-mikrokredenzjali bejn il-pajjiżi, l-impjegaturi, l-edukazzjoni u t-taħriġ u s-sistemi tal-impjiegi.

<u>Prijorità 5</u>: It-titjib tal-attraenza tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (VET) permezz ta' sħubijiet u networks ta' forniturі tal-VET

Madwar l-UE, il-gradwati reċenti tal-programmi tal-VET (fil-livell sekondarju tat-tieni livell u fil-livell postsekondarju) għandhom it-tendenza li jkunu ferm aktar impjegabbli mill-gradwati reċenti tal-edukazzjoni ġenerali. Barra minn hekk, il-VET jaqdi rwol prominenti fix-xenarju Ewropew tal-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell peress li madwar nofs (48.4 %) l-istudenti kollha rreġistrati fl-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell huma rreġistrati fi programmi tal-VET.

Madankollu, f'xi pajjiżi, il-VET għadu qed jiffaċċja ħafna preġudizzji u jbati minn perċezzjoni negattiva; u għalhekk, hija meħtieġa bidla fil-mentalità fost iż-żgħażagħ, il-ġenituri, il-kumpaniji u l-istudenti adulti, fil-livell lokali - fejn iseħħ il-VET, f'kooperazzjoni mill-qrib man-networks ta' forniturі tal-VET.

Barra minn hekk, iż-żieda fis-sensibilizzazzjoni dwar l-importanza li l-VET jitkompla jkun ta' benefiċċju għall-kompetittività tal-kumpaniji u tal-ħaddiema.

Il-kunsiderazzjoni tal-VET bħala għażla attraenti hija parti mill-viżjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-VET: "[F]id-dawl tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali [u tal-isfidi demografiċi,] hemm il-ħtieġa li tiġi estiża u mtejba b'mod sinifikanti l-offerta ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali għaż-żgħażagħ u għall-adulti, filwaqt li tiżdied ukoll l-attraenza u l-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali."

Dawn l-isfidi jeħtieġu azzjoni, pereżempju billi tiżdied il-kapaċità fil-livell lokali sabiex tissaħħaħ l-attraenza u l-eċċellenza tal-VET u sabiex il-politika, l-inizjattivi, il-programmi tal-VET Ewropej jinġiebu eqreb lejn il-prattika.

Il-proġetti jridu tal-inqas jimplimentaw is-sett ta' attivitajiet imsemmija hawn taħt (jistgħu jiżdiedu attivitajiet addizzjonali):

- **Joħolqu networks u sħubijiet ġodda tal-forituri tal-VET u/jew isaħħu dawk eżistenti** fil-livell settorjali, reġjonali, nazzjonali, jew Ewropew, b'mod partikolari għall-pajjiżi li għandhom arranġamenti limitati ta' rappreżentanza fost il-forituri tal-VET, biex jiżguraw sensibilizzazzjoni effettiva fost il-komunità tal-VET għall-iskop tat-tisħiħ tal-attraenza u tal-eċċellenza tal-VET b'modi innovattivi; dan jista' jinkludi l-possibbiltà ta' kontribuzzjoni u/jew ta' ħolqien ta' Komunitajiet ta' Prattiki (inkluż dawk virtwali) b'appoġġ għall-attraenza u għall-eċċellenza fil-VET.
- Jorganizzaw **kampanji ta' komunikazzjoni** nazzjonali u/jew tranżnazzjonali biex juru l-benefiċċji u l-opportunitajiet tal-karriera offruti mill-kwalifiki inizjali tal-VET għaż-żgħażagħ kif ukoll it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid għall-adulti;
- **Jorganizzaw avvenimenti u/jew inizjattivi ta' networking** fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali jew Ewropej biex tiġi żgurata sensibilizzazzjoni wiesgħa ma' gruppi fil-mira differenti, bl-użu ta' taħlita ta' metodi ta' komunikazzjoni innovattivi online u tradizzjonali; dawn se jinvolvu grad qawwi ta' innovazzjoni[284];
- **Isaħħu l-kooperazzjoni mal-atturi ekonomiċi u soċjali**, inklużi l-awtoritajiet pubbliċi, is-sħab soċjali, u l-impjegaturi biex jimmobilizzaw l-azzjonijiet ħalli tiżdied l-attraenza u l-eċċellenza tal-VET ukoll bil-għan li jitrawmu ambjenti tax-xogħol li jwasslu għall-apprendiment. Il-proġetti se jfittxu li jinkludu kemm jista' jkun lill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali jew reġjonali fil-proġetti;
- **Jagħżlu testimonji, jinnominaw ambaxxaturi, u/jew jistabbilixxu premji għall-eċċellenza** f'diversi oqsma (għall-istudenti, l-għalliema, il-ħarrieġa tal-VET, il-forituri innovattivi tal-VET, il-kumpaniji, l-apprendistati eċċ.) biex iservu bħala eżempji ta' ispirazzjoni u ta' mobilizzazzjoni ħalli jiżdiedu l-attraenza u l-eċċellenza fl-VET. L-għotjiet u inizjattivi oħrajn jistgħu jkunu nazzjonali jew tranżnazzjonali u jibnu fuq dak li diġà jeżisti f'xi pajjiżi u jistgħu jiżdiedu u jsiru sostenibbli f'pajjiżi differenti.

Il-proġetti taħt il-Prijorità 5 huma mħeġġin jikkooperaw mal-proġetti l-oħrajn magħżula taħt l-istess prijorità u joħolqu sinerġiji fost l-attivitajiet tagħhom (inkluż permezz tal-organizzazzjoni ta' avvenimenti konġunti).

LOTT 3: APPRENDIMENT GĦALL-ADULTI

Il-proposti sottomessi taħt il-Lott 3 iridu jindirizzaw il-prijorità li ġejja:

<u>Prijorità 6</u>:L-iżvilupp ta' reġistri nazzjonali ta' opportunitajiet ta' taħriġ ta' kwalità assigurata u rilevanti għas-suq tax-xogħol

Fost ir-raġunijiet li jillimitaw il-parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti, l-istudenti potenzjali jirrapportaw informazzjoni inċerta dwar l-opportunitajiet. Il-pajsaġġ divers tal-opportunitajiet tat-taħriġ għall-adulti huwa diffiċli biex jiġi nnavigat f'ħafna Stati Membri, u spiss ikun inċert għall-osservaturi jekk opportunità speċifika tkunx ta' kwalità tajba u sussegwentement tkunx se tkun ta' valur fis-suq tax-xogħol. Għall-adulti, dan inaqqas l-inċentivi għat-tiftix u għat-teħid ta' opportunitajiet bħal dawn. Għall-korpi ta' finanzjament potenzjali, jew għall-awtoritajiet pubbliċi jew għall-impjegaturi, dan inaqqas ir-rieda li jżidu l-investiment tagħhom fl-iżvilupp tal-ħiliet. Ir-reġistri nazzjonali ta' opportunitajiet ta' taħriġ ta' kwalità assigurata u rilevanti għas-suq tax-xogħol intużaw bħala għodda innovattiva biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi f'diversi Stati Membri, spiss marbuta ma' appoġġ finanzjarju għall-individwi biex jieħdu l-opportunitajiet f'dawn ir-reġistri, u xi drabi jinkludu wkoll informazzjoni dwar opportunitajiet ta' gwida u ta' validazzjoni. L-informazzjoni ta' kwalità dwar l-għoti ta' opportunitajiet ta' gwida u ta' validazzjoni tgħin ukoll lill-benefiċjarji potenzjali tagħhom biex jinvolvu ruħhom fl-użu tagħhom u jagħmlu l-aħjar għażla.

Il-proġetti se jidentifikaw metodi u mekkaniżmi biex jgħinu ħalli jiġi żgurat li ladarba tali reġistri jkunu operazzjonali, jilħqu numru sinifikanti ta' utenti minħabba li:

- Itejbu l-komunikazzjoni bejn id-"dinja tal-edukazzjoni u t-taħriġ" u d-"dinja tax-xogħol" (eż. jinvolvu l-informazzjoni dwar il-ħiliet, is-sħab soċjali, il-forituri tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn fil-governanza tagħhom);

[284] Jistgħu, pereżempju, jinkludu hackathons għall-istudenti tal-VET u għall-forituri tal-VET, jew avvenimenti li jippromwovu ambjenti attraenti innovattivi, pereżempju, permezz tar-realtà virtwali. Il-kampanji u l-avvenimenti għandhom ixerrdu informazzjoni konkreta dwar l-VET dwar il-pajjiżi kkonċernati, immirata lejn il-ġenituri, l-istudenti, l-għalliema, il-ħarrieġa u l-impjegaturi, pereżempju dwar: 1) il-kopertura tal-impjegabbiltà bbażata fuq stħarriġ dwar is-sitwazzjoni tal-gradwati u l-antiċipazzjoni u t-tbassir tal-ħiliet; 2) il-kontribut għall-indirizzar tal-istereotipi marbuta mal-ġeneru fil-VET; 3) il-promozzjoni ta' opportunitajiet ta' permeabbiltà bejn il-VET u l-edukazzjoni għolja/il-VET għolja

- Jilħqu bilanċ tajjeb bejn l-iżgurar tal-kwalità u l-għoti ta' offerta diversa ta' opportunitajiet li jwieġbu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol;
- Jikkombinaw is-sempliċità mill-perspettiva tal-utent bi flessibbiltà xierqa fil-"back end"/dwar l-opportunitajiet inklużi (eż. il-possibbiltà ta' "rotot multipli" fir-reġistru, id-differenzjazzjoni reġjonali tal-opportunitajiet inklużi, eċċ.); u
- Jikkatalizzaw investimenti addizzjonali għat-taħriġ (eż. billi jsiru referenza affidabbli għall-iskemi pubbliċi li jipprovdu appoġġ finanzjarju għat-taħriġ, jew negozjar kollettiv jew fil-livell tal-kumpaniji dwar l-intitolamenti għat-taħriġ).
- Ikunu interoperabbli ma' reġistri nazzjonali oħrajn u mal-Pjattaforma tal-Europass bis-saħħa tal-użu tagħhom tal-istandards tal-Mudell Ewropew tal-Apprendiment (skema tad-*data*).

<u>Prijorità 7</u>: L-appoġġ għall-Patt għall-Ħiliet

Il-Patt għall-Ħiliet huwa l-ewwel azzjoni ewlenija tal-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa tal-2020. Il-Patt għandu għeruq sodi fil-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u jappoġġa l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku u tat-trasformazzjoni diġitali, kif stabbilit fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Ewropa Soċjali b'Saħħitha għal Tranżizzjonijiet Ġusti". Jikkontribwixxi wkoll biex tintlaħaq il-mira tal-UE ta' 60 % tal-adulti li jipparteċipaw fit-taħriġ kull sena sal-2030, kif stabbilit fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Il-Patt għall-Ħiliet huwa mudell ta' involviment ġdid biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-ħiliet u biex jitwettqu l-perkors ta' rkupru, l-Istrateġija Industrijali tal-UE u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Għandu l-għan li jkompli jindirizza d-diskrepanzi fil-ħiliet fl-ekosistemi industrijali billi jimmobilizza kumpaniji, ħaddiema, awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, sħab soċjali, organizzazzjonijiet tal-industrija, forniturі tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali, kmamar tal-kummerċ u servizzi għall-impjiegi sabiex jinvestu f'azzjonijiet ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid. Billi jgħaqqdu l-forzi u jagħmlu impenji konkreti biex isir investiment fit-taħriġ għal persuni ta' età lavorattiva, is-sħubijiet tal-ħiliet skont il-Patt qegħdin jgħinu ħalli jiġu indirizzati l-isfidi tal-ħiliet tal-lum.

Għalhekk, il-proġetti fil-qafas ta' din il-prijorità għandhom jinkludu biss sħab tas-sħubijiet eżistenti tal-Patt għall-Ħiliet.

Il-proġetti se jimplimentaw **l-attivitajiet kollha** elenkati hawn taħt:

- L-iżvilupp u l-appoġġ ta' strutturi jew ta' arranġamenti ta' governanza li jgħaqqdu lill-membri fl-istess sħubija tal-Patt għall-Ħiliet;
- L-iżvilupp u l-appoġġ tal-kooperazzjoni ta' kumpaniji kbar mal-SMEs, u fost l-SMEs li huma membri tal-istess sħubija tal-Patt għall-Ħiliet fil-qasam tat-taħriġ;
- L-appoġġ tad-definizzjoni, tal-implimentazzjoni u tal-monitoraġġ tal-impenji konkreti li għamlet u se tagħmel is-sħubija tal-Patt għall-Ħiliet, bħal:
  - il-ġbir ta' informazzjoni dwar il-ħiliet,
  - it-titjib tal-ħiliet ta' persuni b'ħiliet baxxi,
  - it-taħriġ mill-ġdid tal-persuni għal kompiti ġodda f'xogħolhom, it-taħriġ mill-ġdid ta' persuni minn setturi oħrajn b'ħiliet trasferibbli għas-settur proprju, bil-ħsieb partikolari li r-refuġjati mill-Ukrajna jiġu integrati fis-suq tax-xogħol.

IMPATT MISTENNI

Il-Proġetti li Jħarsu 'l Quddiem għandhom l-intenzjoni li jipprovdu soluzzjonijiet innovattivi li jistgħu jiġu integrati fil-livell reġjonali, nazzjonali u Ewropew u idealment bil-potenzjal li jiġu żviluppati aktar jew permezz ta' finanzjament mill-UE jew inkella permezz ta' appoġġ nazzjonali u reġjonali.

Il-prattiki minn isfel għal fuq għandhom jindirizzaw b'mod korrett il-prijoritajiet fissi stabbiliti biex isaħħu l-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Ewropa, jagħmlu impatt qawwi fuq ir-riformi tal-edukazzjoni u t-taħriġ u joħolqu bidla sistemika.

Permezz tat-tixrid wiesa' tal-eżiti tal-proġetti fil-livelli tranżnazzjonali, nazzjonali u/jew reġjonali, filwaqt li jitqiesu wkoll l-Ekosistemi Industrijali nazzjonali u Ewropej u l-istrateġiji reġjonali ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, il-Proġetti li Jħarsu 'L Quddiem huma mistennija jħallu impatt katartiku fil-livell tas-sistema biex jgħinu lis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ

jilħqu aħjar l-isfidi ta' dinja li qiegħda tinbidel b'rata mgħaġġla.

KRITERJI GĦALL-GĦOTI

Rilevanza tal-proġett **(massimu ta' 30 punt)**	• **Rabta mal-politika u l-inizjattivi tal-UE**: il-proposta tistabbilixxi u tiżviluppa proġett li jappoġġa idea li tħares 'il quddiem fil-livell tal-UE, filwaqt li tqis u trawwem għodod u inizjattivi eżistenti tal-UE (jekk rilevanti). Il-proposta tappoġġa wkoll l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE (eż. l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa), Oqfsa tal-UE u l-inizjattivi tal-UE bħar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi mis-Semestru Ewropew; • **Skop**: il-proposta hija rilevanti għall-objettiv tal-Azzjoni, kif ukoll għall-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-Azzjoni (ara t-taqsima "Objettiv tal-azzjoni" hawn fuq); • **Kamp ta' applikazzjoni**: il-proposta tindirizza waħda mill-prijoritajiet tal-Azzjoni (ara t-taqsima "Stabbiliment ta' proġett" hawn fuq). Skont il-prijorità indirizzata: – **Lott 1: Edukazzjoni diġitali (transsettorjali) - L-appoġġ għal edukazzjoni diġitali ta' kwalità għolja u inklużiva**: kemm il-proposta tippjana b'mod konsistenti u tintegra l-attivitajiet, ir-riċerka u l-avvenimenti li jikkontribwixxu b'mod ċar għall-objettivi tal-Lott, b'mod partikolari taħt l-objettivi speċifiċi tal-prijoritajiet li kull proposta tiffoka fuqhom. – **Prijorità 4 – Mikrokredenzjali għall-impjegabbiltà:** kemm il-proposta tiżgura li l-mikrokredenzjali jagħmlu użu minn - jew jesploraw l-adattament ta' - sistemi nazzjonali eżistenti u għodod u servizzi tal-UE għal: (1) ħiliet u kwalifiki (oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki, sistemi ta' kreditu, Europass li tinkludi kredenzjali Diġitali Ewropej għall-Apprendiment, għodod tal-assigurazzjoni tal-kwalità eċċ.) u (2) l-impjegabbiltà (sistemi ta' taħriġ, kontijiet individwali tal-apprendiment individwali, Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi, involviment mas-Sħab Soċjali, eċċ.); – **Prijorità 5 - Attraenza tal-VET:** kemm il-proposta tistabbilixxi jew issaħħaħ in-networks u l-assoċjazzjonijiet tal-forniturі tal-VET, biex tikkontribwixxi b'modi innovattivi u konkreti ħalli żżid l-attraenza u l-eċċellenza fil-VET, u biex jintlaħqu l-forniturі tal-VET f'pajjiżi li għandhom arranġamenti ta' rappreżentanza limitati fost il-forniturі tal-VET. – **Prijorità 6 – Reġistri nazzjonali ta' opportunitajiet ta' taħriġ:** kemm il-proposta tipprevedi kooperazzjoni u skambju dwar kif għandhom jiġu stabbiliti jew jissaħħu r-reġistri effettivi ta' opportunitajiet ta' taħriġ ta' kwalità assigurata u rilevanti għas-suq tax-xogħol li jistgħu jiffunzjonaw bħala referenza affidabbli għal skemi pubbliċi jew privati li jipprovdu appoġġ finanzjarju għat-taħriġ u sa liema punt jikkonformaw mal-iskema tad-*data* tal-Mudell Ewropew tal-Apprendiment; – **Prijorità 7 – L-Appoġġ għall-Patt għall-Ħiliet:** kemm il-proposta tipprevedi azzjonijiet li se jsaħħu l-kooperazzjoni fost is-sħab li jirriżultaw f'informazzjoni aħjar dwar il-ħiliet u f'titjib tal-ħiliet u f'taħriġ mill-ġdid effettivi tal-ħaddiema. • **Innovazzjoni**: il-proposta tqis metodi u tekniki tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, u twassal għal riżultati u soluzzjonijiet innovattivi li jistgħu jiġu integrati f'settur ekonomiku jew edukattiv wieħed jew aktar; • **Konsistenza**: l-objettivi huma bbażati fuq analiżi soda tal-ħtiġijiet; huma ddefiniti b'mod ċar, realistiċi u jindirizzaw kwistjonijiet rilevanti għall-organizzazzjonijiet parteċipanti u għall-Azzjoni; • **Valur miżjud Ewropew**: il-proposta turi b'mod ċar il-valur miżjud fil-livell sistemiku tal-UE, iġġenerat permezz tat-tranżnazzjonalità u t-trasferibbiltà potenzjali tagħha; • **Kuntest ta' wara l-pandemija**: kemm il-proposta tintegra miżuri li jrawmu politiki u prattiki ġodda fil-livell sistemiku sabiex jiġu ffaċċjati sfidi ġodda maħluqa mill-pandemija riċenti.

Kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett **(massimu ta' 30 punt)**	• **Koerenza**: it-tfassil kumplessiv tal-proġett jiżgura konsistenza bejn l-objettivi tal-proġett, il-metodoloġija, l-attivitajiet, id-durata u l-baġit propost. Il-proposta tippreżenta sett koerenti u komprensiv ta' attivitajiet xierqa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet identifikati u jwasslu għar-riżultati mistennija; • **Struttura**: il-programm ta' ħidma huwa ċar u komplet (ikopri l-fażijiet xierqa tal-proġett: it-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, it-tixrid u l-isfruttament). Dan jinkludi analiżi *ex ante* u *ex post* (it-tnejn fi ħdan id-durata tal-proġett) tal-innovazzjoni introdotta fl-edukazzjoni; • **Metodoloġija:** il-kwalità u l-fattibbiltà tal-metodoloġija proposta u l-adegwatezza tagħha għall-produzzjoni tar-riżultati mistennija, bl-użu ta' strumenti tal-UE kull meta jkun rilevanti għall-proġett; • **Ġestjoni**: huma previsti arranġamenti sodi ta' ġestjoni. L-iskedi ta' żmien, l-organizzazzjoni, il-kompiti u r-responsabbiltajiet huma ddefiniti sew u realistiċi. Il-proposta talloka riżorsi xierqa għal kull attività; • **It-titjib tal-kwalità u l-effettività**: il-proposta tinkorpora l-innovazzjoni tagħha b'mod ċar fl-attivitajiet u r-riżultati li jtejbu l-kwalità, l-effiċjenza u l-ekwità tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ; • **Baġit**: il-baġit jipprevedi r-riżorsi xierqa meħtieġa għas-suċċess, la huwa sopravalutat u lanqas sottovalutat; • **Kontroll finanzjarju u tal-kwalità**: il-miżuri ta' kontroll (l-evalwazzjoni u t-taħriġ kontinwi tal-kwalità, ir-rieżamijiet bejn il-pari, l-attivitajiet ta' valutazzjoni komparattiva, eċċ.) u l-indikaturi tal-kwalità jiżguraw li l-implimentazzjoni tal-proġett tkun ta' kwalità għolja u kosteffiċjenti. L-isfidi/ir-riskji tal-proġett huma identifikati b'mod ċar u l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni huma indirizzati kif suppost. Il-proċessi tar-rieżami espert huma ppjanati bħala parti integrali tal-proġett. Il-programm ta' ħidma jinkludi valutazzjoni indipendenti esterna tal-kwalità f'nofs it-terminu u ftit xhur qabel ma jintemm il-proġett sabiex ikunu jistgħu jsiru aġġustamenti potenzjali tal-proġett.

Kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni
 	
(massimu ta' 20 punt)
	• **Konfigurazzjoni**: il-kompożizzjoni tas-sħubija hija konformi mal-objettivi tal-azzjoni u tal-proġett. Din tlaqqa' flimkien taħlita xierqa ta' organizzazzjonijiet rilevanti u komplementari bil-profili, il-ħiliet, l-esperjenza, l-għarfien espert u l-appoġġ għall-ġestjoni neċessarji meħtieġa għat-twettiq b'suċċess tal-proġett kollu. Il-proposta tinkludi sħab li jirrappreżentaw is-settur jew l-approċċ transsettorjali kkonċernat b'mod adegwat. **Konfigurazzjoni skont il-lott/il-prijorità indirizzata:**
	- **Prijorità 4– Mikrokredenzjali għall-impjegabbiltà:** Kemm is-sħubija tinkludi organizzazzjonijiet li huma involuti b'mod attiv fil-politika jew fil-prattika fl-oqsma tal-apprendiment tul il-ħajja (inklużi l-livelli u t-tipi kollha ta' apprendiment, ta' edukazzjoni u ta' taħriġ) u s-sistemi tal-impjiegi, inklużi politiki attivi tas-suq tax-xogħol (jiġifieri servizzi għall-impjiegi, appoġġ għat-taħriġ u inċentivi għall-impjiegi).
	– **Prijorità 5 - Attraenza tal-VET:** Kemm is-sħubija:
	  • tinkludi assoċjazzjonijiet jew networks Ewropej, nazzjonali, reġjonali jew settorjali tal-forniturі tal-VET;
	  • tinkludi lill-awtoritajiet pubbliċi biex tiżgura l-impatt tal-attivitajiet;
	  • tiżgura kopertura ġeografika tajba, b'mod partikolari għal pajjiżi li għandhom arranġamenti ta' rappreżentanza limitati fost il-forniturі tal-VET.
	• **Impenn:** il-kontribuzzjonijiet mis-sħab huma sinifikanti, pertinenti u komplementari. Id-distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet u tal-kompiti hija ċara, xierqa u turi l-impenn u l-kontribuzzjoni attiva tal-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha fir-rigward tal-għarfien espert u l-kapaċità speċifika tagħhom;
	• **Kompiti**: il-koordinatur juri ġestjoni u koordinazzjoni ta' kwalità għolja tan-networks tranżnazzjonali u ta' tmexxija f'ambjent kumpless. Il-kompiti individwali huma allokati abbażi tal-għarfien espert speċifiku ta' kull sieħeb;

	• **Kollaborazzjoni/Spirtu ta' tim**: huwa propost mekkaniżmu effettiv biex jiżgura l-koordinazzjoni, it-teħid ta' deċiżjonijiet, il-komunikazzjoni u r-riżoluzzjoni tal-konflitti tajbin bejn l-organizzazzjonijiet parteċipanti, il-parteċipanti u kwalunkwe parti kkonċernata rilevanti oħra; • **Id-dimensjoni ġeografika u l-involviment ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm (jekk applikabbli)**: is-sħubija tinkludi sħab rilevanti minn żoni ġeografiċi differenti u din il-kompożizzjoni ġeografika hija motivata. Jekk applikabbli, l-involviment ta' organizzazzjonijiet parteċipanti minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm iġib valur miżjud essenzjali għall-ilħuq tal-objettivi tal-Proġett li Jħares 'il Quddiem.

Impatt, tixrid u sostenibbiltà
 	
(massimu ta' 20 punt)
	• **Sfruttament**: il-proposta turi kif l-eżiti tal-proġett se jiġu integrati fil-livell tas-sistema f'settur wieħed jew aktar. Tipprovdi mezzi biex jitkejjel l-isfruttament matul il-ħajja tal-proġett u wara;
	• **Tixrid**: il-proposta tipprovdi pjan ċar għat-tixrid tar-riżultati, u tinkludi miri kwantitattivi xierqa identifikati, l-attivitajiet, it-twaqqit, l-għodod u l-mezzi rilevanti biex jiġi żgurat li r-riżultati u l-benefiċċji jitqassmu b'mod effettiv lill-partijiet ikkonċernati, lil dawk li jfasslu l-politika u l-ixprunaturi tal-innovazzjoni xierqa matul il-ħajja tal-proġett u wara. Il-proposta tindika wkoll liema sħab se jkunu responsabbli għat-tixrid u turi l-esperjenza rilevanti li għandhom fl-attivitajiet ta' tixrid. It-tixrid iqis ukoll l-istrateġiji nazzjonali u reġjonali ta' speċjalizzazzjoni intelligenti li jħallu impatt fuq il-livell massimu f'dawn il-livelli; **Aċċess miftuħ**: bħala regola ġenerali, u fil-limiti tal-oqfsa legali nazzjonali u Ewropej eżistenti, ir-riżultati għandhom ikunu disponibbli bħala **riżorsi edukattivi miftuħa** (OER) kif ukoll fuq pjattaformi rilevanti, professjonali, settorjali jew tal-awtoritajiet kompetenti. Il-proposta se tiddeskrivi kif id-*data*, il-materjali, id-dokumenti u l-attività tal-media awdjoviżiva u soċjali prodotti se jkunu disponibbli bla ħlas u kif se jiġu promossi permezz ta' liċenzji miftuħa, u ma tinkludix limitazzjonijiet sproporzjonati;
	• **Impatt**: il-proposta turi l-impatt potenzjali tal-proġett:
	  • Fuq il-gruppi u s-settur(i) fil-mira;
	  • Fuq dawk li jfasslu l-politika fil-livell tas-sistema;
	  • Barra dawk li jfasslu l-politika u l-awtoritajiet fil-mira diretta tal-proġett, fuq l-ixprunaturi tal-innovazzjoni privati jew pubbliċi fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u/jew Ewropej. Il-proposta turi l-potenzjal li għandu jiġi implimentat minn partijiet ikkonċernati ewlenin oħrajn fis-settur jew lil hinn minnu.
	Il-proposta tinkludi miżuri kif ukoll miri u indikaturi kwantitattivi identifikati biex timmonitorja l-progress u tivvaluta l-impatt mistenni (fuq perjodu qasir u twil);
	• **Sostenibbiltà**: il-proposta tispjega kif il-Proġett li Jħares 'il Quddiem se jiġi implimentat u żviluppat aktar f'livelli differenti (lokali, reġjonali, nazzjonali). Il-proposta tinkludi t-tfassil ta' pjan ta' azzjoni fit-tul għall-implimentazzjoni progressiva tar-riżultati tanġibbli tal-proġett wara li l-proġett ikun intemm u l-inkorporazzjoni tagħhom fil-pjan ġenerali. Dan il-pjan għandu jkun ibbażat fuq sħubijiet sostnuti bejn dawk li jfasslu l-politika, il-forituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ u partijiet ikkonċernati ewlenin tal-industrija fil-livell xieraq. Għandu jinkludi l-identifikazzjoni ta' strutturi ta' governanza xierqa, kif ukoll pjanijiet għall-iskalabbiltà u s-sostenibbiltà finanzjarja, inkluża l-identifikazzjoni potenzjali ta' riżorsi finanzjarji (Ewropej, nazzjonali u privati) biex jiġi żgurat li r-riżultati u l-benefiċċji miksuba jkollhom sostenibbiltà fit-tul.

Sabiex jiġu kkunsidrati għall-finanzjament, l-applikazzjonijiet iridu jiksbu tal-inqas **70 punt** (minn total ta' 100 punt), filwaqt li jitqies ukoll il-punteġġ minimu meħtieġ għal kull wieħed mill-erba' kriterji għall-għoti: minimu ta' 15-il punt għall-kategorija "rilevanza tal-proġett"; Ħmistax-il punt għall-"kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett", 10 punti għall-"kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni" u 10 punti għall-"impatt".

Il-proposti *ex aequo* fl-istess prijorità se jingħataw prijorità skont il-punteġġi li ngħataw għall-kriterju tal-għoti

“Rilevanza” u mbagħad “Impatt”.

Il-Kumitat ta’ Evalwazzjoni, jekk ikun possibbli, se jkollu l-għan li jiżgura kopertura bbilanċjata tal-prijoritajiet.

X’INHUMA R-REGOLI TA’ FINANZJAMENT?

Din l-azzjoni ssegwi mudell ta’ finanzjament ta’ somma f’daqqa. L-ammont tal-kontribuzzjoni ta’ somma waħda f’daqqa se jiġi ddeterminat għal kull għotja abbażi tal-baġit stmat tal-azzjoni proposta mill-applikant. L-awtorità tal-għoti se tistabbilixxi s-somma f’daqqa ta’ kull għotja bbażata fuq il-proposta, ir-riżultat tal-evalwazzjoni, ir-rati ta’ finanzjament u l-ammont massimu tal-għotja stabbilit fis-sejħa.

L-**għotja massima tal-UE** għal kull proġett hija kif ġej:

- **Għal-Lott 1** – Edukazzjoni Diġitali (Transsettorjali): EUR 1,500,000
- Għal-**Lott 2** - Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali (VET): EUR 900,000
- Għal-**Lott 3** - Edukazzjoni għall-adulti (AE): EUR 1,000,000

In-**numru massimu ta’ proġetti** li għandhom jiġu ffinanzjati huwa:

Għal-**lottijiet kollha**: ma hemm l-ebda numru massimu ta’ proġetti stabbilit ħlief ir-restrizzjonijiet baġitarji.

Għal-**Lott 1**: hemm mira indikattiva ta’ tliet proġetti għal kull prijorità.

Kif tiġi ddeterminata s-somma f’daqqa tal-proġett?

L-applikanti jeħtiġilhom jimlew tabella tal-baġit dettaljata skont il-formola tal-applikazzjoni, filwaqt li jqisu l-punti li ġejjin:

a) Il-baġit għandu jkun dettaljat kif meħtieġ mill-benefiċjarju/i u organizzat f’pakketti ta’ ħidma koerenti (pereżempju maqsum f’“ġestjoni tal-proġetti”, “analiżi”, “taħriġ”, “organizzazzjoni tal-avvenimenti”, “implimentazzjoni tal-mobbiltà”, “pjan ta’ azzjoni fit-tul”, “komunikazzjoni u tixrid”, “assigurazzjoni tal-kwalità”, eċċ.);

b) Il-proposta trid tiddeskrivi l-attivitajiet koperti minn kull pakkett ta’ ħidma;

c) Fil-proposta tagħhom, l-applikanti jeħtiġilhom jipprovdu tqassim tal-kostijiet stmati li juru s-sehem għal kull pakkett ta’ ħidma (u, fi ħdan kull pakkett ta’ ħidma, is-sehem assenjat lil kull benefiċjarju u entità affiljata);

d) Il-kostijiet deskritti jistgħu jkopru l-kostijiet tal-persunal, il-kostijiet tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza, il-kostijiet tat-tagħmir u tas-subkuntrattar kif ukoll kostijiet oħrajn (bħat-tixrid tal-informazzjoni, il-pubblikazzjoni jew it-traduzzjoni).

Il-proposti se jiġu evalwati skont il-proċeduri ta’ evalwazzjoni standard bl-għajnuna tal-esperti interni u/jew esterni. L-esperti se jivvalutaw il-kwalità tal-proposti skont ir-rekwiżiti definiti fis-sejħa u l-impatt, mistenni, il-kwalità u l-effiċjenza tal-azzjoni. Il-valur tas-somma f’daqqa se jkun limitat għal massimu ta’ 80 % tal-baġit stmat iddeterminat wara l-evalwazzjoni.

Wara l-evalwazzjoni tal-proposta, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni se jistabbilixxi l-ammont tas-somma f’daqqa, filwaqt li jqis is-sejbiet tal-valutazzjoni mwettqa.

Il-parametri tal-għotja (l-ammont massimu tal-għotja, ir-rata ta’ finanzjament, il-kostijiet totali eliġibbli, eċċ.) se jiġu stabbiliti fil-Ftehim ta’ Għotja. Mhuwiex permess appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi. Il-kostijiet tal-voluntiera u tal-SMEs huma permessi. Jekk jogħġbok irreferi għall-Parti C ta’ din il-Gwida tal-Programm, it-taqsima “Kostijiet diretti eliġibbli”.

Taħt il-**Lott 2, prijorità 5**, il-proposta għandha tinkludi l-kostijiet għal avveniment annwali konġunt wieħed b’mod indikattiv li jippermetti l-iskambju ta’ prattiki tajba u l-kooperazzjoni ma’ proġetti oħrajn magħżula taħt il-prijorità (sa żewġ persuni għal kull applikazzjoni/avveniment konġunt).

Il-kisbiet tal-proġett se jiġu evalwati fuq l-eżiti mwettqa. L-iskema ta’ finanzjament tippermetti li ssir enfasi fuq l-outputs aktar milli fuq l-inputs, u b’hekk titqiegħed enfasi fuq il-kwalità u l-livell tal-kisba tal-objettivi li jistgħu jitkejlu.

Aktar dettalji huma deskritti fil-mudell tal-Ftehim ta’ Għotja disponibbli fil-Portal tal-Opportunitajiet ta’ Finanzjament u ta’ Offerti (FTOP).

BINI TAL-KAPAĊITÀ FL-EDUKAZZJONI GĦOLJA

Il-Bini tal-Kapaċità fl-azzjoni dwar l-Edukazzjoni Għolja (CBHE) jappoġġa proġetti ta' kooperazzjoni internazzjonali bbażati fuq sħubijiet multilaterali bejn organizzazzjonijiet attivi fil-qasam tal-edukazzjoni għolja. Dan jappoġġa r-rilevanza, il-kwalità, il-modernizzazzjoni u r-rispons tal-edukazzjoni għolja f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm għall-irkupru soċjoekonomiku, it-tkabbir u l-prosperità u r-reazzjoni għal xejriet riċenti, b'mod partikolari l-globalizzazzjoni ekonomika iżda wkoll it-tnaqqis reċenti fl-iżvilupp tal-bniedem, il-fraġilità, u ż-żieda fl-inugwaljanzi soċjali, ekonomiċi u ambjentali aggravati mill-pandemija tal-COVID-19.

L-azzjoni hija mistennija li tikkontribwixxi għall-prijoritajiet ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea:

Il-Patt Ekoloġiku - Is-sistemi tal-Edukazzjoni Għolja huma kruċjali għall-appoġġ tal-Patt Ekoloġiku, u potenzjalment jippermettu bidla profonda fl-imġiba u fil-ħiliet tal-persuni. Il-proġetti tas-CBHE huma mħeġġa jiżviluppaw kompetenzi f'setturi varji b'rilevanza għas-sostenibbiltà, strateġiji u metodoloġiji ta' ħiliet settorjali ekoloġiċi, kif ukoll kurrikuli orjentati lejn il-futur li jissodisfaw aħjar il-ħtiġijiet tal-individwi. Erasmus+ jappoġġa wkoll l-ittestjar ta' prattiki innovattivi biex l-istudenti u l-forituri tal-edukazzjoni għolja jitħejjew ħalli jsiru aġenti veri tal-bidla.

It-trasformazzjoni diġitali - Il-proġetti għandhom jappoġġaw l-iżvilupp u l-użu tal-ħiliet diġitali sabiex it-trasformazzjoni diġitali ssir komprensiva u inklużiva kemm jista' jkun. Iħeġġu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji diġitali tal-edukazzjoni għolja. Jakkumpanjaw it-tranżizzjoni diġitali billi jintegraw id-diġitalizzazzjoni fis-sistemi tal-edukazzjoni għolja u jsaħħu programmi li jkopru l-ħiliet diġitali. Jipprovdu assistenza għat-taħriġ tal-għalliema u għall-apprendiment tal-edukazzjoni online.

L-integrazzjoni tal-migranti - Il-proġetti għandhom jippromwovu l-mobbiltà u b'mod partikolari jappoġġaw ir-rikonoxximent ta' lawrji u ta' kredenzjali fir-reġjuni differenti, anke sabiex jappoġġaw il-konnettività intrareġjonali. Il-proġetti għandhom jappoġġaw l-integrazzjoni tal-migranti u tal-persuni spostati permezz tal-aċċess għall-edukazzjoni.

Il-governanza, il-paċi, is-sigurtà u l-iżvilupp tal-bniedem - Il-proġetti tas-CBHE jistgħu jgħinu fit-twaqqif tal-pedamenti għat-tisħiħ taċ-ċittadinanza attiva u fil-bini ta' għarfien espert speċifiku f'oqsma bħad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-multilateraliżmu. Il-proġetti tas-CBHE jistgħu jgħinu biex jinstabu soluzzjonijiet fit-tul għal problemi ta' governanza dgħajfa fl-edukazzjoni għolja.

It-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi - L-edukazzjoni hija meħtieġa biex jinbnew ħiliet għall-ħajja u x-xogħol, bħall-ħiliet fundamentali, il-ħiliet "personali" (eż. is-soluzzjoni tal-problemi, il-komunikazzjoni), u x-Xjenza, it-Teknoloġija, l-Inġinerija, l-Arti u l-Matematika (STEAM). L-edukazzjoni tappoġġa wkoll l-impjegabbiltà u hija prekundizzjoni għat-tkabbir sostenibbli.

L-azzjoni se tikkontribwixxi wkoll għad-dimensjoni esterna tal-politiki interni tal-UE fil-qasam tal-edukazzjoni. Se tappoġġa rkupru ekonomiku globali ekoloġiku u sostenibbli ta' suċċess fil-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, b'rabta mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u mal-Ftehim ta' Pariġi.

L-attivitajiet u l-eżiti tal-proġetti tas-CBHE jridu jkunu mmirati biex ikunu ta' benefiċċju għall-**pajjiżi terzi eliġibbli mhux assoċjati mal-Programm**, l-istituzzjonijiet u s-sistemi tal-edukazzjoni għolja tagħhom.

OBJETTIVI TAL-AZZJONI

B'mod speċifiku, l-azzjoni se:

- Ittejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni għolja f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm u ssaħħaħ ir-rilevanza tiegħu għas-suq tax-xogħol u għas-soċjetà;
- Ittejjeb il-livell ta' kompetenzi, ħiliet u potenzjal ta' impjegabbiltà tal-istudenti fil-HEIs fil-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm billi jiżviluppaw programmi edukattivi ġodda u innovattivi;
- Tippromwovi l-edukazzjoni inklużiva, l-ugwaljanza, l-ekwità, in-nondiskriminazzjoni u l-promozzjoni tal-kompetenzi ċiviċi fl-edukazzjoni għolja fil-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm;
- Issaħħaħ it-tagħlim, il-mekkaniżmi ta' valutazzjoni għall-persunal u għall-istudenti tal-HEI, l-assigurazzjoni tal-kwalità, il-ġestjoni, il-governanza, l-inklużjoni, l-innovazzjoni, il-bażi tal-għarfien, il-kapaċitajiet diġitali u intraprenditorjali, kif ukoll l-internazzjonalizzazzjoni tal-HEIs fil-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm;
- Iżżid il-kapaċitajiet tal-HEIs, tal-korpi responsabbli mill-edukazzjoni għolja u tal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm biex jimmodernizzaw is-sistemi tal-edukazzjoni għolja tagħhom,

b'mod partikolari f'termini ta' governanza u finanzjament, billi tappoġġa d-definizzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-proċessi ta' riforma;
- Ittejjeb it-taħriġ tal-għalliema u l-iżvilupp professjonali kontinwu biex ikollhom impatt fuq il-kwalità fit-tul tas-sistema tal-edukazzjoni fil-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm;
- Tistimula l-kooperazzjoni tal-istituzzjonijiet, il-bini tal-kapaċità u l-iskambju ta' prattika tajba;
- Trawwem il-kooperazzjoni bejn reġjuni differenti tad-dinja permezz ta' inizjattivi konġunti.

L-azzjoni se tiżgura l-ekwità u l-inklużjoni, it-tisħiħ tas-sistema u l-bini tal-kapaċità kif ukoll l-impjegabbiltà b'mod trażversali fl-azzjoni. L-interventi mhux se jibqgħu jindirizzaw biss il-modernizzazzjoni tal-programmi tat-tagħlim fiha nnifisha, iżda għandhom iqisu wkoll il-governanza, il-ġestjoni u t-tisħiħ tal-ekosistemi ekonomiċi u soċjali usa' tal-edukazzjoni għolja. L-indirizzar ta' kwistjonijiet reġjonali, il-bini ta' alleanzi u koalizzjonijiet, il-pilotaġġ ta' approċċi u inizjattivi ġodda mibnija fuq is-sjieda tal-pajjiżi se jiġu mħeġġa bil-qawwa. L-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku, iż-żieda fil-kapaċità tal-ICT fil-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm u l-parteċipazzjoni tal-istudenti fil-proċessi tal-ippjanar u tal-apprendiment se jkunu elementi trażversali tal-azzjoni. Se jiġu żgurati l-koerenza, is-sinerġiji u l-komplementarjetà ma' interventi rilevanti oħrajn tal-Unjoni Ewropea fil-qasam.

IMPATT MISTENNI

- Il-HEIs modernizzati li mhux biss se jittrasferixxu l-għarfien iżda se joħolqu wkoll valur ekonomiku u soċjali permezz tat-trasferiment tar-riżultati tat-tagħlim u tar-riċerka tagħhom lejn il-komunità/pajjiż;
- Aċċess imtejjeb għall-edukazzjoni għolja u titjib fil-kwalità tagħha, b'mod partikolari għal persuni b'inqas opportunitajiet u fl-ifqar pajjiżi fir-reġjuni differenti;
- Żieda fil-parteċipazzjoni tal-HEIs li jinsabu f'żoni remoti;
- Governanza għal tfassil ta' politika u implimentazzjoni ta' politika effiċjenti u effettivi fil-qasam tal-edukazzjoni għolja;
- L-integrazzjoni reġjonali u l-istabbiliment ta' rikonoxximent komparabbli, għodod ta' assigurazzjoni tal-kwalità sabiex jappoġġaw il-kooperazzjoni akkademika, il-mobbiltà għall-istudenti, il-persunal u r-riċerkaturi;
- Rabta u kooperazzjoni aktar b'saħħithom mas-settur privat, il-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-intraprenditorija;
- Allinjament tad-dinja akkademika mas-suq tax-xogħol li jtejjeb l-impjegabbiltà tal-istudenti;
- Sens akbar ta' inizjattiva u intraprenditorija tal-istudenti;
- Żieda fil-livell ta' kompetenza diġitali għall-istudenti u l-persunal;
- Sjieda istituzzjonali tar-riżultati tas-CBHE u b'hekk tiġi żgurata s-sostenibbiltà;
- Sjieda nazzjonali bl-esperimentazzjoni u l-integrazzjoni ta' prattiki pożittivi u tal-aħjar prattiki fl-HE;
- Żieda fil-kapaċità u l-professjonaliżmu sabiex isir xogħol fil-livell internazzjonali: kompetenzi ta' ġestjoni mtejba u strateġiji ta' internazzjonalizzazzjoni;
- Kwalità aħjar fit-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u s-segwitu ta' proġetti tal-UE/internazzjonali.

ATTIVITAJIET

L-attivitajiet proposti jridu jkunu marbuta direttament mal-objettivi ta' hawn fuq, mal-oqsma ta' prijorità reġjonali, mal-karatteristiċi tal-Fergħat (ara hawn taħt) u jridu jkunu dettaljati f'deskrizzjoni tal-proġett li tkopri l-perjodu kollu ta' implimentazzjoni.

Fil-kuntest ta' din l-azzjoni, l-attivitajiet tal-proġett iridu jkunu mmirati biex isaħħu u jkunu ta' benefiċċju għall-pajjiżi terzi eliġibbli mhux assoċjati mal-Programm, għall-HEIs tagħhom u għal organizzazzjonijiet oħrajn attivi fil-qasam tal-edukazzjoni għolja u tas-sistemi.

Il-proġetti ffinanzjati se jkunu jistgħu jintegraw firxa wiesgħa ta' kooperazzjoni, skambju, komunikazzjoni u attivitajiet oħrajn, li eżempji tagħhom huma pprovduti taħt id-deskrizzjoni tat-tliet Fergħat disponibbli taħt din l-azzjoni. L-attivitajiet proposti għandhom iġibu valur miżjud u se jkollhom impatt dirett fuq il-kisba tar-riżultati tal-proġett.

MIRI ĠEOGRAFIĊI

Il-proġetti tas-CBHE jistgħu jiġu implimentati bħala:

- Proġetti nazzjonali, jiġifieri proġetti li jinvolvu istituzzjonijiet minn pajjiż terz eliġibbli wieħed biss mhux assoċjat mal-Programm;
- Proġetti multinazzjonali (reġjonali) fi ħdan Reġjun eliġibbli wieħed;
- Proġetti ta' diversi pajjiżi li jinvolvu aktar minn reġjun wieħed (transreġjonali) u li jinvolvu mill-inqas pajjiż wieħed minn kull reġjun eliġibbli[285].

Għal kull Reġjun hemm baġit definit u aktar informazzjoni dwar l-ammonti disponibbli hija ppubblikata fuq il-Portal tal-Opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti (FTOP): https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/portal/screen/home

Minbarra li tingħata attenzjoni speċjali sabiex jittejjeb l-aċċess ekwu u bbilanċjat skont il-ġeneru għall-HEIs f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, b'mod partikolari għal persuni b'inqas opportunitajiet, l-azzjoni se tieħu approċċ inklużiv fir-reġjuni kollha bil-għan li żżid il-parteċipazzjoni tal-ifqar pajjiżi terzi u dawk l-inqas żviluppati li ma humiex assoċjati mal-Programm.

OQSMA TA' PRIJORITÀ REĠJONALI

Għall-Fergħat 1 u 2, il-proposti jridu jirrispettaw il-prijoritajiet reġjonali definiti minn qabel, li jiġu ppubblikati fuq il-Portal dwar l-Opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti (FTOP): https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/portal/screen/home

Għall-Fergħa 3, il-proposti jridu jirrispettaw ir-rekwiżiti għall-Ukrajna ppubblikati fuq il-Portal tal-Opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti (FTOP): https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/portal/screen/home

FERGĦAT TAL-PROĠETTI

Sabiex jiġu indirizzati d-diversi sfidi fil-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, l-azzjoni tas-CBHE hija magħmula minn tliet Fergħat speċifiċi:

Fergħa 1 - It-trawwim tal-aċċess għall-kooperazzjoni fl-edukazzjoni għolja

Din il-Fergħa hija mfassla sabiex tattira HEIs u atturi fuq skala żgħira b'inqas esperjenza fl-azzjoni tas-CBHE biex tiffaċilita l-aċċess għal organizzazzjonijiet ġodda[286]. Dawn is-sħubijiet għandhom jaġixxu bħala l-ewwel pass għall-HEIs u għall-organizzazzjonijiet b'kapaċità operazzjonali iżgħar li jinsabu f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm sabiex jaċċessaw u jżidu l-mezzi biex jilħqu lil persuni b'inqas opportunitajiet. Din il-Fergħa se tiffinanzja proġetti fuq skala żgħira sabiex tnaqqas id-distakk fl-internazzjonalizzazzjoni fost HEIs minn pajjiżi terzi eliġibbli mhux assoċjati mal-Programm, mill-istess pajjiż jew Reġjun. Il-proġetti għandhom jistabbilixxu sħubijiet biex jiżviluppaw ideat ta' kooperazzjoni kif ukoll sabiex jiffaċilitaw it-trasferiment tal-għarfien espert, l-esperjenza u l-prattiki tajba, irawmu l-aċċess għal opportunitajiet ta' bini tal-kapaċità u jtejbu l-inklużjoni soċjali u l-aċċess ta' studenti/persunal b'inqas opportunitajiet għal offerta kwalitattiva ta' edukazzjoni għolja. B'mod partikolari, dawn il-proġetti se jiffokaw b'mod partikolari fuq:

- Il-HEIs minn pajjiżi terzi l-inqas żviluppati mhux assoċjati mal-Programm;
- Il-HEIs li jinsabu f'reġjuni/żoni remoti ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm;
- L-organizzazzjonijiet ġodda jew il-HEIs b'inqas esperjenza minn pajjiżi terzi li ma humiex assoċjati mal-Programm;
- Studenti u persunal b'inqas opportunitajiet.

Attivitajiet

[285] Il-proġetti transreġjonali jridu jkunu fl-oqsma prijoritarji tar-Reġjuni kollha involuti, juru r-rilevanza tagħhom għal kull Reġjun u jiġġustifikaw dan permezz ta' analiżi dettaljata tal-ħtiġijiet u tal-objettivi komuni.

[286] Jekk jogħġbok ara d-definizzjoni ta' organizzazzjoni ġdida fil-Parti D - Glossarju.

L-attivitajiet proposti u r-riżultati tal-proġetti għandu jkollhom valur miżjud ċar għall-benefiċjarji fil-mira. Lista mhux eżawrjenti ta' attivitajiet possibbli hija pprovduta hawn taħt:

Attivitajiet li għandhom l-għan li jsaħħu l-kapaċità maniġerjali/amministrattiva tal-HEIs fil-mira bħal:

- ir-riforma u l-immodernizzar tal-governanza tal-universitajiet, inkluż it-tisħiħ tas-servizzi b'mod partikolari għall-benefiċċju tal-istudenti (gwida għall-istudenti, konsulenza u orjentazzjoni lejn l-impjiegi eċċ.);
- l-istabbiliment jew it-tisħiħ ta' uffiċċji tar-relazzjonijiet internazzjonali u l-elaborazzjoni ta' strateġiji ta' internazzjonalizzazzjoni;
- l-istabbiliment jew l-iżvilupp ta' unitajiet ta' assigurazzjoni tal-kwalità u proċessi/strateġija ġodda jew eżistenti fi ħdan il-HEIs;
- il-ħolqien jew iż-żieda tal-kapaċità tal-unitajiet ta' ppjanar u ta' evalwazzjoni;
- it-tisħiħ tal-mekkaniżmi għall-komunikazzjoni u t-tixrid tar-riżultati minn proġetti ta' kooperazzjoni internazzjonali;
- il-bini ta' kapaċitajiet biex jiġu appoġġati l-istudenti u l-attivitajiet ta' mobbiltà tal-persunal.

Attivitajiet li għandhom l-għan li jiżguraw edukazzjoni ta' kwalità għolja u rilevanti bħal:

- moduli jew programmi ta' studju, orjentazzjonijiet tekniċi jew professjonali tal-programmi;
- l-istabbiliment ta' programmi ta' studju intensivi li jlaqqgħu flimkien studenti u persunal tat-tagħlim minn HEIs parteċipanti għal perjodi iqsar ta' studju;
- l-iżvilupp ta' kapaċitajiet għal studenti postlawrja u persunal akkademiku kif ukoll il-promozzjoni tal-mobbiltà tagħhom;
- l-implimentazzjoni ta' korsijiet ta' taħriġ għall-persunal akkademiku tal-HEI;
- il-ħolqien ta' sinerġiji u t-tisħiħ tar-rabtiet mas-settur tan-negozju u ma' organizzazzjonijiet privati jew pubbliċi attivi fis-suq tax-xogħol u fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ.

Attivitajiet li għandhom l-għan li jżidu l-aċċessibbiltà tal-istudenti/il-persunal b'inqas opportunitajiet bħal:

- l-iżvilupp ta' perkorsi u opportunitajiet ta' apprendiment remoti u inklużivi billi wieħed jibbaża fuq it-teknoloġija diġitali u t-tagħlim elettroniku għal studenti vulnerabbli;
- l-aġġornament tat-teknoloġija diġitali biex jiġu żviluppati servizzi speċifiċi li għandhom l-għan li jiżguraw opportunitajiet ta' apprendiment ugwali u ġust għall-istudenti b'diżabilità;
- il-promozzjoni ta' inizjattivi mmirati lejn id-diskriminazzjoni pożittiva billi tingħata s-setgħa lin-nisa u lill-minoranzi etniċi/reliġjużi;
- l-iżvilupp ta' inizjattivi li jindirizzaw u jnaqqsu l-ostakli li jiffaċċjaw il-gruppi żvantaġġati fl-aċċess għall-opportunitajiet ta' apprendiment;
- il-kontribut għall-ħolqien ta' ambjenti inklużivi li jrawmu l-ekwità u l-ugwaljanza, u li jwieġbu għall-ħtiġijiet tal-komunità usa'.

Fergħa 2 - Sħubijiet għat-trasformazzjoni fl-edukazzjoni għolja

Il-proġetti taħt din il-Fergħa għandhom jindirizzaw l-istat differenti ta' avvanz u sfidi tal-HEIs li jinsabu f'pajjiżi terzi eliġibbli mhux assoċjati mal-programm, isaħħu l-impatt tal-Programm u, fejn rilevanti, jikkomplementaw sorsi oħrajn ta' finanzjament. Huma għandhom jintroduċu approċċi u inizjattivi ġodda fl-edukazzjoni għolja, ibbażati fuq l-apprendiment bejn il-pari u t-trasferiment tal-esperjenza u l-prattika tajba li taffettwa mhux biss lill-istituzzjonijiet iżda wkoll lis-soċjetà inġenerali. Is-sħubijiet għat-trasformazzjoni fl-edukazzjoni għolja huma proġetti kumplessi u innovattivi ta' bini tal-kapaċità bbażati fuq trasferiment ta' esperjenza, kompetenzi u prattika tajba b'firxa ta' attivitajiet interkonnessi li għandhom l-għan li jsaħħu l-kapaċitajiet tal-HEIs fil-mira sabiex jindirizzaw l-isfidi tas-seklu 21 bħall-migrazzjoni, it-tibdil fil-klima, il-governanza u l-bidla lejn ekonomija diġitali. L-eżiti tal-proġetti għandu jkollhom impatt sinifikanti u fit-tul fuq il-HEIs fil-mira lil hinn mill-ħajja tal-proġetti u bħala tali jkunu ta' benefiċċju għas-soċjetà kollha kemm hi.

B'mod partikolari, dawn il-proġetti se jikkombinaw l-elementi li ġejjin għall-benefiċċju tal-HEIs fil-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm:

- **L-innovazzjoni fl-edukazzjoni għolja** sabiex tissaħħaħ ir-rilevanza tagħha għas-suq tax-xogħol u għas-soċjetà. Huwa mistenni li l-proġetti proposti jindirizzaw l-ispariġġi bejn ir-rekwiżiti tal-impjegaturi u l-offerta ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u jipproponu soluzzjonijiet integrali sabiex tissaħħaħ l-impjegabbiltà aħjar tal-istudenti. Dan jista' jsir permezz tal-implimentazzjoni ta' interventi komprensivi li jinkludu:

- it-tfassil ta' kurrikuli innovattivi u l-introduzzjoni ta' elementi innovattivi fil-kurrikuli eżistenti;
- l-implimentazzjoni ta' metodi innovattivi ta' apprendiment u tagħlim (jiġifieri tagħlim u apprendiment iċċentrati fuq l-istudenti u bbażati fuq il-problemi reali);
- l-involviment attiv mad-dinja tan-negozju u mar-riċerka, l-organizzazzjoni ta' programmi u attivitajiet edukattivi kontinwi ma' u fi ħdan l-intrapriżi;
- it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-HEIs fil-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm sabiex isir network effettiv fir-riċerka, fl-innovazzjoni xjentifika u teknoloġika.

- **Il-promozzjoni tar-riforma fil-HEIs** sabiex isiru katalisti tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali fil-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm. Il-proġetti għandhom jappoġġaw lill-HEIs sabiex jiżviluppaw u jimplimentaw ir-riformi istituzzjonali li jagħmluhom kostitwenti aktar demokratiċi, inklużivi, ekwi u sħaħ tas-soċjetà ċivili. Ir-riformi istituzzjonali jinkludu sistemi u strutturi ġodda ta' governanza u ġestjoni, prontezza f'termini ta' ħiliet diġitali, servizzi universitarji moderni, proċessi ta' assigurazzjoni tal-kwalità, għodod u metodi għall-professjonalizzazzjoni u l-iżvilupp professjonali tal-persunal akkademiku, tekniku u amministrattiv. L-iżvilupp ta' mentalità intraprenditorjali u kompetenzi u ħiliet imtejba fi ħdan l-istituzzjonijiet huma aspetti ewlenin għas-suċċess ta' din il-Fergħa. L-apprendiment trażversali tal-ħiliet, l-edukazzjoni tal-intraprenditorija u l-applikazzjoni prattika tal-ħiliet intraprenditorjali se jippermettu lill-HEIs iqiegħdu l-għarfien u r-riżorsi tagħhom għas-servizz tal-komunitajiet lokali/nazzjonali/reġjonali tagħhom.

Attivitajiet

L-attivitajiet proposti u r-riżultati tal-proġetti għandu jkollhom valur miżjud ċar għall-benefiċjarji fil-mira. Lista mhux eżawrjenti ta' attivitajiet possibbli hija pprovduta hawn taħt:

- l-iżvilupp, l-ittestjar u l-adattament ta' kurrikuli innovattivi f'termini ta' kontenut [kompetenzi ewlenin u ħiliet trażversali, (intraprenditorija, soluzzjoni tal-problemi, impjiegi ekoloġiċi eċċ.)], l-istruttura (modulari, konġunt…) u l-metodi ta' tagħlim/apprendiment [inkluż l-użu ta' apprendiment miftuħ u flessibbli, mobbiltà virtwali, riżorsi edukattivi miftuħa, apprendiment imħallat, Korsijiet Online Miftuħa Massivi (MOOC), eċċ.];
- l-iżvilupp, l-ittestjar u l-implimentazzjoni ta' metodi, għodod u materjali ġodda ta' apprendiment (bħal kurrikuli multidixxiplinari ġodda, tagħlim u apprendiment iċċentrati fuq l-istudenti u bbażati fuq il-problemi reali) permezz ta' taħriġ prattiku u kollokamenti ta' studenti;
- l-introduzzjoni ta' riformi tat-tip ta' Bolonja (sistema ta' ċiklu bi tliet livelli, għodod ta' trasparenza bħas-sistemi ta' kreditu u s-Suppliment għad-Diploma, l-assigurazzjoni tal-kwalità, l-evalwazzjoni, l-Oqfsa Nazzjonali/Reġjonali tal-Kwalifiki, ir-rikonoxximent ta' apprendiment preċedenti u mhux formali, eċċ.) fil-livell istituzzjonali;
- l-introduzzjoni ta' skemi ta' taħriġ prattiku, internships u l-studju ta' każijiet meħudin mill-ħajja vera fin-negozju u fl-industrija, li huma inkorporati b'mod sħiħ fil-kurrikulu, rikonoxxuti u kkreditati;
- l-introduzzjoni ta' sistemi ta' apprendiment doppju li jgħaqqdu l-istudji terzjarji mal-VET sekondarji superjuri bħala mezz sabiex tingħata spinta lill-impjegabbiltà tal-gradwati;
- l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet għall-kwistjonijiet ta' sfida, l-innovazzjoni tal-prodotti u l-proċessi (studenti, professuri u prattikanti flimkien);
- l-iżvilupp u l-ittestjar ta' soluzzjonijiet għal talbiet soċjali urġenti mhux indirizzati mis-suq u mmirati lejn gruppi vulnerabbli fis-soċjetà; l-indirizzar tal-isfidi tas-soċjetà jew relatati mal-bidliet fl-attitudnijiet u l-valuri, l-istrateġiji u l-politiki, l-istrutturi u l-proċessi organizzazzjonali, is-sistemi u s-servizzi ta' twassil;
- l-appoġġ lill-ħolqien ta' ċentri, inkubaturi għall-innovazzjoni, trasferiment tat-teknoloġija u negozji ġodda, u l-integrazzjoni tal-edukazzjoni, tar-riċerka u tal-innovazzjoni fil-livell istituzzjonali/reġjonali/nazzjonali;
- l-iżvilupp u l-ittestjar ta' programmi u attivitajiet ta' edukazzjoni kontinwa fi ħdan l-intrapriżi u magħhom;
- strutturi biex jipprovaw u jittestjaw miżuri innovattivi; skambji ta' studenti, riċerkaturi, persunal tat-tagħlim u persunal tal-intrapriża għal perjodu limitat; l-għoti ta' inċentivi għall-involviment tal-persunal tal-intrapriża fit-tagħlim u r-riċerka;
- ir-riforma tas-sistemi u l-istrutturi ta' governanza u ġestjoni fil-livell istituzzjonali (inklużi metodi u sistemi ta' assigurazzjoni tal-kwalità, ġestjoni finanzjarja u awtonomija tal-HEI, relazzjonijiet internazzjonali, servizzi u konsulenza tal-istudenti, gwida għall-karriera, bordijiet akkademiċi u ta' riċerka, eċċ.);
- l-iżvilupp ta' strateġiji u għodod għall-internazzjonalizzazzjoni tal-HEIs (ftuħ internazzjonali tal-kurrikuli, skemi ta' mobbiltà interistituzzjonali), u l-kapaċità tagħhom li jingħaqdu b'mod effettiv fir-riċerka, fl-innovazzjoni xjentifika u teknoloġika (kooperazzjoni xjentifika u trasferiment tal-għarfien, eċċ.);

- l-iżvilupp u l-ittestjar ta' soluzzjonijiet għal talbiet soċjali urġenti mhux indirizzati mis-suq u mmirati lejn gruppi vulnerabbli fis-soċjetà; l-indirizzar tal-isfidi tas-soċjetà jew relatati mal-bidliet fl-attitudnijiet u l-valuri, l-istrateġiji u l-politiki, l-istrutturi u l-proċessi organizzazzjonali, is-sistemi u s-servizzi ta' twassil;
- l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet għall-kwistjonijiet ta' sfida, l-innovazzjoni tal-prodotti u l-proċessi (studenti, professuri u prattikanti flimkien);
- l-iżvilupp, l-adattament u t-twassil ta' għodod u metodi għat-titjib tal-ħiliet, l-evalwazzjoni/il-valutazzjoni, il-professjonalizzazzjoni u l-iżvilupp professjonali tal-persunal akkademiku u amministrattiv, għat-taħriġ inizjali tal-għalliema u l-iżvilupp kontinwu tal-karriera.

Fergħa 3 - Proġetti ta' riforma strutturali

Il-Proġetti taħt din il-Fergħa għandhom jappoġġaw l-isforzi f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm biex jiġu żviluppati sistemi koerenti u sostenibbli ta' edukazzjoni għolja ħalli jissodisfaw il-ħtiġijiet soċjoekonomiċi tagħhom u tintlaħaq ambizzjoni wiesgħa biex tinħoloq ekonomija xprunata mill-għarfien. L-integrazzjoni u t-titjib tar-riżultati ta' suċċess kif ukoll tas-sinerġiji ma' appoġġ kontinwu jew ta' riżerva fil-qasam taħt programmi ta' appoġġ bilaterali huma wkoll elementi ta' din il-Fergħa. Il-proġetti ta' Riforma Strutturali se jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' pajjiżi terzi eliġibbli mhux assoċjati mal-Programm sabiex jappoġġaw it-titjib u l-innovazzjoni sistemiċi u strutturali sostenibbli fil-livell tas-settur tal-edukazzjoni għolja. B'mod aktar speċifiku, dawn il-proġetti se jindirizzaw l-isforzi tal-pajjiżi biex jiġu żviluppati sistemi koerenti u sostenibbli ta' Edukazzjoni Għolja ħalli jissodisfaw il-ħtiġijiet soċjoekonomiċi tagħhom u fl-aħħar mill-aħħar joħolqu ekonomija xprunata mill-għarfien. Billi jinvolvu lill-Awtoritajiet Nazzjonali kompetenti (b'mod partikolari l-Ministeri tal-Edukazzjoni) ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, il-HEIs, l-istituzzjonijiet ta' Riċerka u awtoritajiet/korpi u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn, dawn il-proġetti b'mod partikolari se:

- Jippromwovu l-kooperazzjoni u l-apprendiment reċiproku fost l-awtoritajiet pubbliċi u bejniethom fl-ogħla livell istituzzjonali tal-Istati Membri tal-UE jew tal-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm u tal-pajjiżi terzi eliġibbli mhux assoċjati mal-Programm biex irawmu titjib u innovazzjoni sistemiċi fis-settur tal-edukazzjoni għolja.
- Jippromwovu sistemi inklużivi tal-edukazzjoni għolja li jistgħu jipprovdu l-kundizzjonijiet it-tajba għall-istudenti ta' sfondi differenti sabiex jaċċessaw l-apprendiment u jirnexxu. Għalhekk għandha tingħata attenzjoni partikolari lil persuni b'inqas opportunitajiet.
- Iżidu l-kapaċitajiet tal-HEIs ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, tal-korpi responsabbli mill-edukazzjoni għolja u tal-awtoritajiet kompetenti (b'mod partikolari Ministeri) permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fid-definizzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-proċessi ta' riforma biex jimmodernizzaw is-sistemi tal-edukazzjoni għolja tagħhom, b'mod partikolari f'termini ta' governanza u finanzjament.
- Jidentifikaw is-sinerġiji ma' inizjattivi tal-UE li għaddejjin bħalissa fil-pajjiż(i) terz(i) mhux assoċjati mal-Programm f'oqsma koperti mill-Erasmus+.

It-tisħiħ tal-ambjent diġitali tal-edukazzjoni għall-Ukrajna

Taħt din il-Fergħa 3, din l-azzjoni se tappoġġa wkoll proġett ta' Riforma strutturali mmirat lejn il-ħolqien ta' ambjent diġitali tal-edukazzjoni miftuħa sabiex joffri edukazzjoni għolja ta' kwalità għall-istudenti rreġistrati fl-Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Għolja tal-Ukrajna, b'mod partikolari għal dawk li qed jaħarbu mill-Ukrajna jew studenti spostati internament - kif ukoll opportunitajiet edukattivi għall-komunità wiesgħa tal-Ukrajna barra mill-pajjiż - abbażi tal-kooperazzjoni bejn l-universitajiet tal-Ukrajna u universitajiet Ewropej oħrajn. Tali ambjent diġitali jappoġġa wkoll skambji u kooperazzjoni mal-persunal akkademiku.

L-għan mistenni ta' dan il-proġett huwa li:

- jappoġġa l-iżvilupp ta' ekosistema tal-edukazzjoni diġitali bi prestazzjoni għolja tal-universitajiet Ukreni, u b'hekk jiggarantixxi l-kontinwazzjoni tal-attivitajiet tagħhom, kif ukoll il-prestazzjoni tagħhom matul u wara l-kunflitt;
- jappoġġa d-diġitalizzazzjoni tal-metodi ta' tagħlim u apprendiment u l-provvista tal-infrastruttura meħtieġa għall-apprendiment online u inklużiv, anke f'konformità mal-għanijiet ġenerali tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027.

B'mod aktar speċifiku, permezz ta' dan il-proġett, network ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja tal-Ukrajna se jingħata l-opportunità li jistabbilixxi pjattaforma online konġunta multiistituzzjonali li tgħaqqad ukoll il-pjattaformi tal-

edukazzjoni diġitali eżistenti. L-istituzzjonijiet edukattivi Ewropej li għandhom esperjenza fl-apprendiment mill-bogħod u online jistgħu jipprovdu wkoll appoġġ għat-twaqqif u għat-tmexxija tal-pjattaforma konġunta.

Din il-pjattaforma tiġbor flimkien il-korsijiet diġitali online u kontenut rilevanti ieħor mgħallem fl-universitajiet Ukreni qabel il-gwerra u aġġornat skont l-istandards tal-kwalità tal-proġett. Il-pjattaforma tista' tippermetti wkoll il-ġestjoni tal-korsijiet, ir-reġistrazzjoni, l-awtentikazzjoni tal-istudenti, ir-repożitorju tal-materjali tal-apprendiment, l-eżamijiet online u l-valutazzjoni eċċ. Il-miri ewlenin tal-pjattaforma jkunu dawk il-HEIs li tilfu l-infrastruttura tagħhom b'mod irrevokabbli jew parzjali, u li l-persunal akkademiku u l-istudenti tagħhom ġew rilokati lejn reġjuni oħrajn tal-Ukrajna jew barra mill-pajjiż, għalkemm tista' tappoġġa wkoll HEIs Ukreni oħrajn u l-istudenti tagħhom.

Matul il-proġett, is-sħab mill-Ukrajna jingħataw l-opportunità li jimplimentaw il-lista indikattiva ta' attivitajiet li ġejja:

- ifasslu regoli u mekkaniżmi interistituzzjonali għall-iżvilupp ta' korsijiet u ta' materjali universitarji;
- ifasslu u jwasslu kontenut u korsijiet tal-edukazzjoni diġitali, li se jkunu disponibbli għall-HEIs Ukreni kollha permezz tal-pjattaforma online;
- jipprovdu attivitajiet ta' taħriġ għall-persunal akkademiku li jipprovdi tagħlim online u mill-bogħod permezz tal-pjattaforma;
- jiżviluppaw proċeduri għar-rikonoxximent tal-eżiti tal-apprendiment u tal-krediti tal-ECTS, b'mod partikolari għall-korsijiet universitarji;
- jiżviluppaw mekkaniżmi konġunti ta' assigurazzjoni tal-kwalità;
- kwalunkwe attività ta' kwalità għolja li se tiżgura l-kontinwità tas-sistema ta' edukazzjoni għolja tal-Ukrajna, minkejja ċ-ċirkostanzi diffiċili.

Fuq perjodu medju, il-pjattaforma tista' sservi bħala bażi għall-istabbiliment ta' Università Miftuħa fl-Ukrajna, li tiġbor flimkien l-offerta diġitali tal-universitajiet eżistenti u, minbarra dan, tippermetti wkoll l-iżvilupp ta' programmi ġodda, li jinkludu korsijiet online ġodda u l-materjal ta' studju rilevanti.

Informazzjoni u rekwiżiti addizzjonali għal dan se jiġu ppubblikati fuq il-Portal tal-Opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti (FTOP): https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/portal/screen/home

Attivitajiet

Il-proġetti għandhom jipproponu attivitajiet li se jġibu valur miżjud ċar għas-sistema tal-edukazzjoni għolja kollha kemm hi u li se jkollhom impatt dirett fuq il-benefiċjarji fil-mira. Dawn l-attivitajiet għandhom jikkontribwixxu għar-riforma tal-politiki tal-edukazzjoni għolja li jirrispondu għall-ħtiġijiet tas-soċjetà u tas-suq tax-xogħol.

Lista mhux eżawrjenti ta' attivitajiet possibbli hija pprovduta hawn taħt:

- It-trawwim ta' sjieda nazzjonali permezz tal-esperimentazzjoni u l-integrazzjoni ta' prattiki pożittivi u tal-aħjar prattiki fl-Edukazzjoni Għolja fil-livell nazzjonali u/jew reġjonali:
  - biex tiżdied l-impjegabbiltà tal-gradwati;
  - biex jitwessa' l-aċċess għall-Edukazzjoni Għolja għal persuni b'inqas opportunitajiet;
  - biex jissaħħu r-rabtiet bejn, l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni.
- Jingħata kontribut għat-tfassil ta' politika effiċjenti u effettiv fil-qasam tal-edukazzjoni għolja billi jiġu involuti partijiet ikkonċernati oħrajn fil-qasam tal-Edukazzjoni Għolja:
  - l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi responsabbli oħrajn biex tiżdied ir-rilevanza tas-settur tal-Edukazzjoni għolja u jiżdied l-impatt tiegħu fuq is-soċjetà inġenerali;
  - l-iffaċilitar tal-parteċipazzjoni attiva tal-istudenti fil-governanza u r-riforma tas-sistema tal-Edukazzjoni Għolja;
  - l-involviment ta' assoċjazzjonijiet attivi f'oqsma rilevanti oħrajn bħat-taħriġ vokazzjonali u ż-żgħażagħ;
  - it-tisħiħ tad-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni għolja permezz ta' kooperazzjoni bejn istituzzjonijiet ta' livell għoli fl-istati Membri tal-UE jew f'pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm u f'pajjiżi terzi eliġibbli mhux

assoċjati mal-Programm. B'mod partikolari, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' skemi li jiffaċilitaw il-mobbiltà tal-istudenti u tal-persunal akkademiku bħall-ħolqien ta' sistema reġjonali għat-trasferiment tal-kreditu jew appoġġ għall-iżvilupp ta' Oqfsa Nazzjonali tal-Kwalifiki;
    - id-definizzjoni ta' qafas ta' assigurazzjoni tal-kwalità nazzjonali/reġjonali.
- It-trawwim ta' kooperazzjoni akkademika reġjonali u l-promozzjoni ta' konverġenza volontarja tal-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm lejn strateġija reġjonali komuni fil-qasam tal-Edukazzjoni Għolja:
    - id-definizzjoni ta' passi għall-ħolqien ta' Żona ta' Edukazzjoni Għolja reġjonali;
    - l-iffaċilitar tar-rikonoxximent nazzjonali u transfruntier;
    - it-tneħħija tal-ostakli għall-apprendiment, it-titjib tal-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità għolja u xprunata mill-innovazzjoni u l-iffaċilitar għall-istudenti biex jiċċaqilqu bejn il-pajjiżi.
- It-trawwim tal-introduzzjoni ta' mekkaniżmi ta' finanzjament li għandhom l-għan li:
    - iżidu l-parteċipazzjoni ta' persuni b'inqas opportunitajiet fl-edukazzjoni għolja;
    - jeliminaw id-distakk diġitali fil-livell istituzzjonali u individwali.
- Isaħħu l-attraenza tal-professjoni tat-tagħlim billi jintroduċi miżuri bħal:
    - il-promozzjoni ta' inizjattivi għall-iżvilupp tal-karriera;
    - il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tagħhom fl-internazzjonalizzazzjoni tal-Edukazzjoni Għolja billi joħolqu inċentivi.

Awtoritajiet pubbliċi responsabbli b'kompetenzi fis-setturi indirizzati mill-proġett (eż. l-impjiegi, iż-żgħażagħ, il-finanzi, l-affarijiet soċjali, l-affarijiet interni, il-ġustizzja, is-saħħa, eċċ.) huma mħeġġa jipparteċipaw fil-proġetti kif ukoll awtoritajiet mill-Istati Membri tal-UE jew mill-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm.

Il-HEIs minn pajjiżi terzi eliġibbli mhux assoċjati mal-Programm huma partikolarment imħeġġa jaġixxu bħala applikanti taħt din il-Fergħa.

It-tisħiħ tal-ambjent diġitali tal-edukazzjoni għall-Ukrajna

B'mod aktar speċifiku għal din l-inizjattiva, huwa mistenni li network ta' istituzzjonijiet Ukreni bl-appoġġ tal-istituzzjonijiet Ewropej li għandhom esperjenza fl-apprendiment mill-bogħod se jistabbilixxi pjattaforma online li tlaqqa' flimkien il-korsijiet diġitali online u kontenut rilevanti ieħor mgħallem fl-universitajiet Ukreni qabel il-gwerra u aġġornat skont l-istandards tal-kwalità tal-proġett (l-ewwel stadju) u jew żviluppati b'mod speċjali fi ħdan/għall-Università Miftuħa (Virtwali) Ukrena (it-tieni stadju). L-objettiv għandu jkun li l-korsijiet li għandhom jiġu offruti fuq il-pjattaforma jiġu pprovduti mill-Universitajiet Ukreni, u għalhekk l-istudenti jistudjaw u jiggradwaw b'mod simili għall-istudent preżenti fil-kampus.

Matul il-proġett, l-istituzzjonijiet ikunu meħtieġa jfasslu regoli u mekkaniżmi interistituzzjonali għall-iżvilupp tal-korsijiet u tal-materjali tal-universitajiet, kif ukoll it-twassil, it-tagħlim u l-apprendiment tal-korsijiet, li għandhom ikunu disponibbli għall-HEIs Ukreni kollha permezz tal-pjattaforma online; jiżviluppaw proċeduri ta' rikonoxximent tal-eżiti tal-apprendiment u tal-krediti tal-ECTS, b'mod partikolari għall-Korsijiet Universitarji; jiżviluppaw mekkaniżmi konġunti ta' assigurazzjoni tal-kwalità inkluż qafas ta' awtovalutazzjoni tal-korsijiet u tal-materjali tal-OVUU. Il-proġett se jappoġġa l-ħolqien ta' kontenut u ta' korsijiet ġodda tal-edukazzjoni diġitali.

L-attivitajiet ta' taħriġ għall-professuri Ukreni fit-tagħlim mill-bogħod se jiġu inklużi fil-pjattaforma.

Huwa mistenni li fl-ewwel stadju, il-pjattaforma tappoġġa prinċipalment lill-HEIs li irrevokabbilment jew parzjalment tilfu l-infrastruttura tagħhom b'mod irevokabbli jew parzjali, li l-persunal akkademiku u l-istudenti ġew rilokati lejn reġjuni oħrajn tal-Ukrajna jew barra mill-pajjiż, lil HEIs oħrajn tal-UA u lill-istudenti.

Il-pjattaforma se toħloq viżibbiltà u aċċess għall-prodotti edukattivi diġitali, żviluppati mill-HEIs Ukreni, għall-pubbliku usa' fl-Ukrajna u madwar id-dinja permezz ta' Korsijiet Miftuħa.

KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ

Min jista'	Pajjiżi terzi eliġibbli mhux assoċjati mal-Programm għal din l-azzjoni:

japplika?	Il-pajjiżi terzi kollha mhux assoċjati mal-Programm (jekk jogħġbok ara t-taqsima "Pajjiżi Eliġibbli" fil-Parti A ta' din il-Gwida) fir-Reġjuni 1, 2, 3, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11[287]. **Eċċezzjoni:** l-organizzazzjonijiet mill-Belarussja (ir-Reġjun 2) u mill-Federazzjoni Russa (ir-Reġjun 4) ma humiex eliġibbli biex jipparteċipaw f'din l-azzjoni. **Għall-Fergħat 1 u 2** L-applikanti (koordinatur u sħab) jeħtiġilhom ikunu entitajiet legali: - istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja (HEIs) jew organizzazzjonijiet tal-HEIs[288]; - stabbiliti fi Stat Membru tal-UE, f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm[289] jew f'pajjiżi terzi eliġibbli mhux assoċjati mal-Programm. **Għall-Fergħa 3** **<u>It-tisħiħ tal-ambjent diġitali tal-edukazzjoni għall-Ukrajna:</u>** Il-proposti jridu jiġu sottomessi minn konsorzju (koordinatur u sħab), li jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin: **Kopertura ġeografika:** - It-territorju tal-Ukrajna kif rikonoxxut mid-dritt internazzjonali; - mill-inqas Stat Membru tal-UE jew pajjiż terz wieħed assoċjat mal-Programm; **Kopertura istituzzjonali:** - mill-inqas HEI waħda minn <u>kull</u> pajjiż parteċipanti; - awtorità nazzjonali kompetenti (eż. Ministeru) responsabbli għall-edukazzjoni għolja fl-<u>Ukrajna</u>. **<u>Proġetti Oħrajn ta' Riforma Strutturali:</u>** L-applikanti (koordinatur u sħab) jeħtiġilhom ikunu entitajiet legali: - istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja (HEIs), organizzazzjonijiet ta' HEIs jew organizzazzjonijiet nazzjonali jew internazzjonali rikonoxxuti tar-retturi, tal-għalliema jew tal-istudenti; - stabbiliti fi Stat Membru tal-UE, f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm jew f'pajjiżi terzi eliġibbli mhux assoċjati mal-Programm. - organizzazzjonijiet mis-Sirja ma humiex eliġibbli biex jipparteċipaw f'din il-Fergħa. Il-HEIs li jinsabu fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm irid ikollhom Karta Erasmus għall-Edukazzjoni Għolja (ECHE). L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja (HEIs), stabbiliti f'pajjiżi terzi eliġibbli mhux assoċjati mal-Programm, u rikonoxxuti bħala tali mill-awtoritajiet kompetenti, mal-entitajiet affiljati tagħhom (jekk ikun hemm), iridu joffru programmi sħaħ ta' studju li jwasslu għal lawrji tal-edukazzjoni għolja u għal diplomi rikonoxxuti fil-livell tal-kwalifiki tal-edukazzjoni terzjarja[290].

287 Bl-eċċezzjoni tal-pajjiżi b'introjtu għoli (HICs) fir-Reġjuni 5, 7 u 8 (jekk jogħġbok ara t-taqsima "Pajjiżi Eliġibbli" fil-Parti A ta' din il-Gwida).

288 Organizzazzjoni tal-HEIs mhux se titqies bħala HEI. Huma biss dawk il-membri, li huma stabbiliti fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm jew f'pajjiż terz eliġibbli mhux assoċjat mal-Programm li jistgħu jibbenefikaw mill-għotja.

289 Pajjiżi li għadhom għaddejjin bin-negozjati għal ftehim ta' assoċjazzjoni u fejn il-ftehim jidħol fis-seħħ qabel il-firma tal-għotja huma eliġibbli.

290 Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni (ISCED 2013), edukazzjoni terzjarja, mill-inqas livell 5. Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja tal-livell 4 tal-ISCED 2011 ma hijiex aċċettata.

	Assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati, inklużi l-entitajiet affiljati tagħhom (jekk ikun hemm), attivi fis-suq tax-xogħol jew fl-oqsma tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u taż-żgħażagħ li jinsabu fi Stat Membru tal-UE, f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm jew f'pajjiżi terzi eliġibbli mhux assoċjati mal-Programm, jistgħu jieħdu sehem ukoll, iżda mhux bħala koordinaturi.
Kompożizzjoni tal-konsorzju	**Għall-Fergħat 1 u 2** Il-proposti jridu jiġu sottomessi minn konsorzju (koordinatur u sħab), li jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin: **Kopertura ġeografika:** - mill-inqas żewġ Stati Membri tal-UE jew pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm; - mill-inqas pajjiż terz eliġibbli wieħed mhux assoċjat mal-Programm; - mill-inqas żewġ pajjiżi terzi eliġibbli mhux assoċjati mal-Programm għar-Reġjuni 1, 10 u 11; - mill-inqas pajjiż terz wieħed mhux assoċjat mal-Programm mir-Reġjun 10 u ieħor mir-Reġjun 11 għal proġetti li jinvolvu ż-żewġ Reġjuni[291]. **Kopertura istituzzjonali:** - mill-inqas HEI waħda minn kull Stat Membru parteċipanti tal-UE jew minn pajjiż terz assoċjat mal-Programm; - mill-inqas żewġ HEIs minn kull pajjiż terz parteċipanti mhux assoċjat mal-Programm. Il-kopertura istituzzjonali tapplika għall-pajjiżi kollha li jipparteċipaw fil-konsorzju. In-numru ta' applikanti minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm irid ikun daqs jew ogħla min-numru ta' applikanti mill-Istati Membri tal-UE u minn pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm. **Eċċezzjoni:** Fil-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm fejn in-numru ta' HEIs ikun inqas minn ħamsa fil-pajjiż kollu jew f'każijiet fejn istituzzjoni waħda tirrappreżenta aktar minn 50 % tal-popolazzjoni tal-istudenti b'mod kumplessiv, jiġu aċċettati applikazzjonijiet li jinkludu HEI waħda biss minn dawk il-pajjiżi. **Għall-Fergħa 3:** Il-proposti jridu jiġu sottomessi minn konsorzju (koordinatur u sħab), li jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin: **Kopertura ġeografika:** - mill-inqas żewġ Stati Membri tal-UE jew pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm; - mill-inqas pajjiż terz eliġibbli wieħed mhux assoċjat mal-Programm. **Kopertura istituzzjonali:** - mill-inqas HEI waħda minn kull Stat Membru parteċipanti tal-UE jew minn pajjiż terz assoċjat mal-Programm;

[291] Huwa possibbli li jiġu ppreżentati proġetti interreġjonali ma' pajjiż terz wieħed biss mhux assoċjat mal-programm mir-reġjun 10 u ieħor mir-reġjun 11.

	- mill-inqas żewġ HEIs minn kull pajjiż terz parteċipanti mhux assoċjati mal-Programm; - awtorità nazzjonali kompetenti (eż. Ministeru) responsabbli għall-edukazzjoni għolja f'kull wieħed mill-pajjiżi terzi eliġibbli mhux assoċjati mal-Programm. Il-kopertura istituzzjonali tapplika għall-pajjiżi kollha li jipparteċipaw fil-konsorzju. In-numru ta' applikanti minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm irid ikun daqs jew ogħla min-numru ta' applikanti mill-Istati Membri tal-UE u minn pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm. **Eċċezzjoni:** Fil-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm fejn in-numru ta' HEIs ikun inqas minn ħamsa fil-pajjiż kollu jew f'każijiet fejn istituzzjoni waħda tirrappreżenta aktar minn 50 % tal-popolazzjoni tal-istudenti b'mod kumplessiv, jiġu aċċettati wkoll applikazzjonijiet li jinkludu HEI waħda biss minn dawk il-pajjiżi.
Post tal-attivitajiet	L-attivitajiet għandhom isiru fil-pajjiżi li jieħdu sehem fil-proġetti.
Durata tal-proġett	**Għall-Fergħat 1 u 2** Il-proġetti normalment għandhom idumu 24 jew 36 xahar (jistgħu jsiru estensjonijiet, jekk ikunu ġġustifikati kif xieraq u permezz ta' emenda). **Għall-Fergħa 3** Il-proġetti normalment għandhom idumu 36 jew 48 xahar (jistgħu jsiru estensjonijiet, jekk ikunu ġġustifikati kif xieraq u permezz ta' emenda).
Fejn napplika?	Mal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA). **Fergħa 1** ID tas-Sejħa: ERASMUS-EDU-2023-CBHE ID tas-Suġġett: ERASMUS-EDU-2023-CBHE-STRAND-1 **Fergħa 2** ID tas-Sejħa: ERASMUS-EDU-2023-CBHE ID tas-Suġġett: ERASMUS-EDU-2023-CBHE-STRAND-2 **Fergħa 3** ID tas-Sejħa: ERASMUS-EDU-2023-CBHE ID tas-Suġġett: ERASMUS-EDU-2023-CBHE-STRAND-3
Meta napplika?	L-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għal għotja sas-**16 ta' Frar fil-17:00:00 (ħin ta' Brussell)**.

KRITERJI GĦALL-GĦOTI

Il-proġett se jiġi vvalutat bi proċedura b'żewġ fażijiet skont il-kriterji li ġejjin:

Fażi 1

Rilevanza tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 30 punt)**	• **Skop**: il-proposta hija rilevanti għall-objettivi u l-attivitajiet tal-azzjoni tas-CBHE u għall-ispeċifiċitajiet tal-Fergħa. Dan jikkostitwixxi rispons adegwat għall-ħtiġijiet u r-restrizzjonijiet attwali tal-pajjiż(i) jew tar-Reġjun(i) fil-mira u tal-gruppi fil-mira u tal-benefiċjarji finali. Jitqiesu l-ħtiġijiet tal-parteċipanti fil-mira b'inqas opportunitajiet (fejn applikabbli). Il-proposta tindirizza l-prijoritajiet ġenerali tal-UE.

	• **Objettivi**: l-objettivi huma bbażati fuq analiżi soda tal-ħtiġijiet; dawn huma ddefiniti b'mod ċar, huma speċifiċi, jistgħu jitkejlu, jistgħu jintlaħqu, huma realistiċi u marbuta biż-żmien. Dawn jindirizzaw kwistjonijiet rilevanti għall-organizzazzjonijiet parteċipanti (f'konformità mal-istrateġija ta' modernizzazzjoni, żvilupp u internazzjonalizzazzjoni tal-HEIs fil-mira), u strateġiji ta' żvilupp għall-edukazzjoni għolja fil-pajjiżi terzi eliġibbli mhux assoċjati mal-Programm. • **Rabta mal-politika u l-inizjattivi tal-UE**: il-proposta tqis u ssaħħaħ il-komplementarjetà/is-sinerġiji ma' interventi oħrajn ffinanzjati mill-UE u minn entitajiet oħrajn (donaturi, pubbliċi u privati), fejn xieraq. • **Valur miżjud tal-UE**: Il-proposta turi li ma setgħux jinkisbu riżultati simili mingħajr il-kooperazzjoni tal-HEIs mill-istati Membri tal-UE jew minn pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm u mingħajr il-finanzjament tal-UE. **B'mod partikolari għall-Fergħa 1** • Il-proposta tindirizza b'mod ċar il-prijoritajiet reġjonali definiti minn qabel għar-Reġjun(i) fil-mira. **B'mod partikolari għall-Fergħa 2** • Il-proposta tiffoka fuq elementi innovattivi u metodi u tekniki tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku fil-qasam identifikat ta' intervent. • Il-proposta tindirizza b'mod ċar il-prijoritajiet reġjonali definiti minn qabel għar-Reġjun(i) fil-mira. **B'mod partikolari għall-Fergħa 3** • Il-proposta tindirizza r-riforma u l-modernizzazzjoni tas-sistema/i tal-edukazzjoni għolja f'konformità mal-istrateġiji ta' żvilupp tal-pajjiżi terzi fil-mira li ma humiex assoċjati mal-Programm.
Kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 30 punt)**	• **Koerenza**: it-tfassil kumplessiv tal-proġett jiżgura konsistenza bejn l-objettivi tal-proġett, il-metodoloġija, l-attivitajiet u l-baġit propost. Il-proposta tippreżenta sett koerenti u komprensiv ta' attivitajiet xierqa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet identifikati u jwasslu għar-riżultati mistennija. • **Metodoloġija:** il-loġika tal-intervent hija ta' kwalità tajba, l-outputs u l-eżiti ppjanati huma koerenti u fattibbli, u s-suppożizzjonijiet u r-riskji ewlenin ġew identifikati b'mod ċar. L-istruttura u l-kontenut tal-Matriċi tal-Qafas Loġiku (LFM) huma adegwati, jiġifieri l-għażla ta' indikaturi verifikabbli oġġettivament, id-disponibbiltà tad-*data*, id-*data* tal-linja bażi, il-valuri fil-mira, eċċ. • **Pjan ta' ħidma**: il-kwalità u l-effettività tal-pjan ta' ħidma, inkluż sa fejn ir-riżorsi assenjati għall-pakketti ta' ħidma huma konformi mal-objettivi u r-riżultati tanġibbli tagħhom; ir-relazzjoni bejn ir-riżorsi u r-riżultati mistennija hija adegwata u l-pjan ta' ħidma huwa realistiku, b'attivitajiet, linji ta' żmien definiti sew u b'riżultati tanġibbli u stadji importanti ċari. • **Baġit**: il-proposta hija kosteffiċjenti u talloka r-riżorsi finanzjarji xierqa meħtieġa għal implimentazzjoni b'suċċess tal-proġett. • **Kontroll tal-kwalità**: il-miżuri ta' kontroll (l-evalwazzjoni kontinwa tal-kwalità, ir-rieżamijiet bejn il-pari, l-attivitajiet ta' valutazzjoni komparattiva, eċċ.) u l-indikaturi tal-kwalità jiżguraw li l-implimentazzjoni tal-proġett tkun ta' kwalità għolja. • **Sostenibbiltà ambjentali**: il-proġett huwa mfassal b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent u jinkorpora prattiki ekoloġiċi (eż, ivvjaġġar ekoloġiku) f'fażijiet differenti tal-proġett.
Kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni	• **Ġestjoni**: huma previsti arranġamenti sodi ta' ġestjoni. L-iskedi ta' żmien, l-istrutturi ta' governanza, l-arranġamenti usa' kollaborazzjoni u r-responsabbiltajiet huma ddefiniti sew u realistiċi. • **Kompożizzjoni**: is-sħubija tiġbor taħlita xierqa ta' organizzazzjonijiet bil-kompetenzi meħtieġa rilevanti għall-objettivi tal-proposta u għall-ispeċifiċitajiet tal-Fergħa; il-

(punteġġ massimu ta' 20 punt)	proposta tinkludi l-aktar firxa xierqa u diversa ta' sħab mhux akkademiċi. • **Kompiti**: ir-rwoli u l-kompiti jiġu assenjati abbażi tal-għarfien espert, il-profili u l-esperjenza speċifiċi ta' kull sieħeb u huma xierqa. • **Kollaborazzjoni**: qegħdin jiġu proposti mekkaniżmi effettivi biex jiġu żgurati kollaborazzjoni, komunikazzjoni u riżoluzzjoni tal-kunflitti effiċjenti bejn l-organizzazzjonijiet sħab u kwalunkwe parti kkonċernata rilevanti oħra. • **Impenn:** il-kontribuzzjoni mis-sħab huma sinifikanti, pertinenti u komplementari; il-proposta turi l-involviment, l-impenn u s-sjieda tas-sħab tal-objettivi u r-riżultati speċifiċi tal-proġett, b'mod partikolari mill-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm. **B'mod partikolari għall-Fergħa 2** • Il-proposta tinvolvi organizzazzjonijiet mhux akkademiċi u partijiet ikkonċernati rilevanti li se jġibu valur miżjud innovattiv għall-objettivi tal-proposta. **B'mod partikolari għall-Fergħa 3** • Il-proposta turi li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-edukazzjoni għolja huma involuti bis-saħħa fit-tmexxija u fl-implimentazzjoni tal-azzjoni.
Sostenibbiltà, impatt u tixrid tar-riżultati mistennija **(punteġġ massimu ta' 20 punt)**	• **Sfruttament**: il-proposta turi kif l-eżiti tal-proġett se jintużaw mis-sħab u minn partijiet ikkonċernati oħrajn, kif se jiġu żgurati l-effetti multiplikatur (inkluż il-kamp ta' applikazzjoni għar-replikazzjoni u l-estensjoni tal-eżitu tal-azzjoni fil-livell settorjali, kif ukoll il-livell lokali/reġjonali/nazzjonali jew internazzjonali) u jipprovdi mezzi biex jitkejjel l-isfruttament fil-ħin ta' finanzjament tal-proġett u wara. • **Tixrid**: il-proposta tipprovdi pjan ċar u effiċjenti għat-tixrid tar-riżultati, u tinkludi attivitajiet xierqa u t-twaqqit tagħhom, għodod u mezzi biex jiżguraw li r-riżultati u l-benefiċċji jitqassmu b'mod effettiv lill-partijiet ikkonċernati kollha rilevanti u lill-udjenza mhux parteċipanti, filwaqt li jilħqu u jattiraw partijiet ikkonċernati rilevanti għall-eżiti fiż-żmien il-finanzjament tal-proġett u warajh. • **Impatt**: il-proposta tiżgura impatt tanġibbli fuq il-gruppi fil-mira tagħha u l-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-livell lokali, nazzjonali jew reġjonali. Dan jinkludi miżuri, kif ukoll objettivi u indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u għall-valutazzjoni tal-impatt mistenni (fuq perjodu qasir u twil) fil-livell individwali, istituzzjonali u sistemiku. • **Sostenibbiltà:** il-proposta tispjega kif ir-riżultati tal-proġett se jiġu sostnuti finanzjarjament (wara t-tmiem tal-finanzjament tal-proġett) u b'mod istituzzjonali (attivitajiet u servizzi jibqgħu fis-seħħ) u kif se tiġi żgurata s-sjieda lokali. **B'mod partikolari għall-Fergħa 1** • Il-proposta tiżgura rispons kontinwu u sostenibbli għall-ostakli eżistenti u ż-żieda fl-aċċessibbiltà tal-istudenti/tal-persunal b'inqas opportunitajiet għall-opportunitajiet ta' apprendiment u r-riżorsi offruti mill-HEIs. • Il-proposta x'aktarx iżżid il-kapaċitajiet ta' kooperazzjoni internazzjonali ta' istituzzjonijiet f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm. **B'mod partikolari għall-Fergħa 2** • Il-proposta tiżgura impatt sinifikanti fuq l-istituzzjonijiet tal-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, b'mod partikolari fuq l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' innovazzjoni tagħhom u l-modernizzazzjoni tal-governanza tagħhom, biex jinfetħu għas-soċjetà inġenerali, għas-suq tax-xogħol u għad-dinja usa'. • Il-proposta turi l-potenzjal tagħha għal impatt usa' fuq is-soċjetà u/jew fuq is-settur ekonomiku. **B'mod partikolari għall-Fergħa 3** • Il-proposta turi kif ir-riżultati tal-proġett se jwasslu għal riformi tal-politika jew modernizzazzjoni fl-edukazzjoni għolja fil-livell sistemiku.

L-applikazzjonijiet jistgħu jġibu sa 100 punt. Sabiex jiġu kkunsidrati għall-finanzjament, il-proposti jridu jiksbu tal-inqas 60 punt u mill-inqas nofs il-punti massimi għal kull kriterju għall-għoti.

F'każ ta' proposti *ex aequo*, il-prijorità se tingħata lil proġetti li jġibu l-ogħla punteġġ taħt il-kriterju "Rilevanza tal-proġett" u mbagħad "Sostenibbiltà, impatt u tixrid tar-riżultati mistennija".

Barra minn hekk , il-Kumitat ta' Evalwazzjoni se jqis:

- varjetà tematika ta' proġetti u rappreżentanza ġeografika suffiċjenti f'Reġjun f'termini ta' numru ta' proġetti għal kull pajjiż;
- il-konformità mar-rekwiżiti applikabbli għar-Reġjuni li ġejjin:
  - **Għall-Pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant**: għall-Fergħat 1 u 2 se tingħata prijorità lill-HEIs minn reġjuni mhux kapitali u/jew rurali u/jew aktar remoti;
  - **Għall-Asja, l-Asja Ċentrali, il-Lvant Nofsani u l-Paċifiku**: għall-Fergħat 1 u 2 se tingħata prijorità lill-pajjiżi l-inqas żviluppati;
  - **Għall-Afrika sub-Saħarjana**: għall-Fergħat kollha, se tingħata prijorità lill-pajjiżi l-inqas żviluppati; għandha ssir enfasi speċjali wkoll fuq il-pajjiżi prijoritarji tal-migrazzjoni u fuq proġetti reġjonali li jinvolvu l-HEIs minn diversi pajjiżi. L-ebda pajjiż ma jista' jikseb aktar minn 8 % tal-finanzjament previst għar-Reġjun.

Wara dan, il-proposti se jiġu kklassifikati f'ordni dekrexxenti skont ir-Reġjun u skont il-Fergħa.

Fit-tieni pass, għal proposti li huma proposti mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni għall-finanzjament (u l-lista ta' riżerva), id-Delegazzjoni(jiet) tal-UE fil-pajjiż(i) terz(i) eliġibbli rilevanti mhux assoċjat(i) mal-Programm se jiġu kkonsultati dwar l-aspetti li ġejjin:

- Rikonoxximent tal-HEIs mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali
- Il-fattibbiltà tal-proġett fil-kuntest lokali tal-pajjiż(i) terz(i)
- Il-proġett qiegħed jikkontribwixxi għall-ħtiġijiet lokali fil-qasam prijoritarju
- It-trikkib mal-inizjattivi eżistenti fil-qasam tematiku magħżul iffinanzjat mid-Delegazzjoni tal-UE, mid-donaturi nazzjonali jew internazzjonali

Se jinżammu biss proġetti li jkunu għaddew b'suċċess mill-konsultazzjoni tad-Delegazzjoni(jiet) tal-UE għal finanzjament mill-UE, fi ħdan il-limiti tal-baġit disponibbli għal kull Reġjun, u sa massimu ta' żewġ proposti ffinanzjati għal kull organizzazzjoni applikanti. Huwa previst baġit indikattiv għal kull waħda mit-tliet Fergħat, madankollu huwa possibbli trasferiment baġitarju minn Linja għal oħra.

INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

L-aċċettazzjoni ta' applikazzjoni ma tfissirx impenn biex jingħata finanzjament ugwali għall-ammont mitlub mill-applikant. Il-finanzjament mitlub jista' jitnaqqas fuq bażi tar-regoli finanzjarji applikabbli għall-Fergħat ta' azzjoni u r-riżultati tal-evalwazzjoni.

Bħala regola ġenerali, u fil-limiti tal-oqfsa legali nazzjonali u Ewropej eżistenti, ir-riżultati għandhom ikunu disponibbli bħala riżorsi edukattivi miftuħa (OER) kif ukoll fuq pjattaformi rilevanti, professjonali, settorjali jew tal-awtoritajiet kompetenti. Il-proposta se tiddeskrivi kif id-*data*, il-materjali, id-dokumenti u l-attività tal-media awdjoviżiva u soċjali prodotti jkunu disponibbli bla ħlas u kif se jiġu promossi permezz ta' liċenzji miftuħa, u ma tinkludix limitazzjonijiet sproporzjonati.

STABBILIMENT TA' PROĠETT

<u>Għandhom jitqiesu l-punti li ġejjin:</u>

1. **Impenn tal-istituzzjonijiet sħab fil-proġett**

Proġett tas-CBHE effettiv irid jiżgura parteċipazzjoni qawwija tal-istituzzjonijiet sħab kollha speċjalment dawk fil-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm. Sjieda kondiviża fl-istabbiliment tal-proposta se tagħmilhom responsabbli għall-

eżiti tal-proġett u għas-sostenibbiltà tal-proġett. Il-proġetti tas-CBHE jistgħu jinvolvu "Sħab assoċjati" li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' kompiti/attivitajiet speċifiċi għall-proġett jew jappoġġaw it-tixrid u s-sostenibbiltà tal-proġett. Għal kwistjonijiet ta' ġestjoni kuntrattwali, is-"Sħab assoċjati" ma jitqisux bħala parti mis-sħubija, u ma jirċevux finanzjament.

2. **Analiżijiet tal-ħtiġijiet**

Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet hija l-ewwel pass importanti fl-iżvilupp ta' proposta tas-CBHE. L-iskop ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet huwa li jiġu identifikati dawk l-oqsma li jeħtieġ jissaħħu, u r-raġunijiet għal-lakuni f'dawk l-oqsma. Dan, min-naħa tiegħu, jipprovdi l-bażi għat-tfassil ta' interventi xierqa biex jiġu indirizzati l-lakuni u, b'hekk, tinbena l-kapaċità tal-HEIs.

3. **Implimentazzjoni u monitoraġġ**

Ladarba jitlestew l-analiżijiet tal-ħtiġijiet, jista' jiġi stabbilit pjan ta' implimentazzjoni biex jiġu indirizzati l-lakuni li jkunu ġew identifikati.

Għandhom jitqiesu l-elementi ewlenin li ġejjin:

- **Immodernizzar /kurrikuli ġodda:** Fil-każ tal-proġetti li jinkludu "l-iżvilupp tal-kurrikulu", hu mistenni li jinkludu taħriġ għall-persunal tat-tagħlim u li jindirizzaw kwistjonijiet bħall-assigurazzjoni tal-kwalità u l-impjegabbiltà tal-gradwati permezz ta' rabtiet mas-suq tax-xogħol. Il-programmi ta' studju għandhom ikunu akkreditati u/jew liċenzjati uffiċjalment qabel it-tmiem tal-perjodu ta' finanzjament tal-proġett. It-tagħlim ta' korsijiet ġodda jew aġġornati għandu jibda matul iż-żmien tal-proġett b'numru adegwat ta' studenti u għalliema mħarrġa mill-ġdid u għandu jseħħ matul mill-inqas terz tad-durata tal-proġett. It-taħriġ matul il-proġetti ta' riforma tal-kurrikulu jista' jkun ukoll immirat lejn persunal amministrattiv bħal persunal tal-librerija, persunal tal-laboratorju u persunal tal-IT. Il-proġetti huma mħeġġa bil-qawwa biex fil-kurrikuli modernizzati jintegraw kollokamenti għall-istudenti fin-negozju/fl-intrapriża. Il-kollokamenti jrid ikollhom durata raġonevoli sabiex jippermettu l-akkwist tal-ħiliet meħtieġa
- **Involviment tal-istudenti:** Il-proġetti għandhom jipprevedu l-involviment tal-istudenti (eż. fl-elaborazzjoni ta' programmi ta' studju ġodda) u dan mhux biss matul il-fażi ta' ttestjar/pilotaġġ tal-proġett.
- **Mobbiltà tal-persunal u tal-istudenti:** Il-mobbiltà trid tkun immirata l-aktar lejn l-istudenti mill-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm u lejn il-persunal mill-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm u hija indirizzata lejn: il-persunal (eż. il-maniġers, it-trasferiment tar-riċerka u t-teknoloġija, il-persunal tekniku u amministrattiv) b'kuntratt uffiċjali fl-istituzzjonijiet benefiċjarji u involuti fil-proġett; l-istudenti [f'ċiklu qasir, l-ewwel ċiklu (Baċellerat jew ekwivalenti), it-tieni ċiklu (Master jew ekwivalenti) u t-tielet ċiklu jew dottorat] irreġistrati f'waħda mill-istituzzjonijiet benefiċjarji. Il-mobbiltà tal-istudenti fi ħdan l-istati Membri tal-UE u pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm u bejniethom ma hijiex eliġibbli. Il-mobbiltà trid tkun ta' durata raġonevoli biex jiġi żgurat l-apprendiment u l-kisba tal-ħiliet meħtieġa f'konformità mal-objettivi tal-proġett u normalment ma għandhiex tkun iqsar minn ġimgħa. Huwa rrakkomandat li l-mobbiltà fiżika tiġi kkombinata mal-mobbiltà virtwali. Tista' tintuża sabiex tħejji, tappoġġa u ssegwi l-mobbiltà fiżika. Tista' tiġi organizzata wkoll biex jiġu indirizzati l-persuni bi bżonnijiet speċjali jew b'inqas opportunitajiet sabiex jiġu megħjuna jegħlbu l-ostakoli għal mobbiltà fiżika fit-tul.
- **L-assigurazzjoni tal-kwalità** trid tkun komponent inkorporat tal-proġett biex jiġi żgurat li l-proġetti tas-CBHE jwasslu b'suċċess ir-riżultati mistennija u jilħqu impatt li jmur ferm lil hinn mis-sħubija nnifisha. Iridu jiġu stabbiliti miżuri ta' kontroll ta' kwalità, inkluż indikaturi u valutazzjonijiet komparattivi biex jiżguraw li l-implimentazzjoni tal-proġett tkun ta' kwalità għolja, titlesta fil-ħin u tkun kosteffiċjenti.
- **Ftehim ta' sħubija:** Iridu jiġu miftiehma modalitajiet ta' implimentazzjoni dettaljati tal-proġett bejn is-sħab tal-proġett u fformalizzati fi "ftehim ta' sħubija" li għandu jiġi ffirmat mis-sħab fil-bidu tal-proġett. Għandha tiġi sottomessa kopja tal-ftehim ta' sħubija lill-Aġenzija Eżekuttiva fi żmien sitt xhur mill-firma tal-ftehim ta' għotja.
- **Tagħmir:** Huwa biss ix-xiri ta' tagħmir li huwa direttament rilevanti għall-objettivi tal-Fergħa u magħmul sa mhux aktar tard minn 12-il xahar qabel it-tmiem tal-proġett li jista' jitqies bħala nefqa eliġibbli. It-tagħmir huwa maħsub esklużivament għall-HEIs tal-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm inkluż fis-sħubija, fejn irid jiġi rreġistrat fl-inventarju uffiċjali tal-HEIs li jinxtara għalihom.
- **Impatt u sostenibbiltà:** Il-proġetti tas-CBHE huma mistennija jkollhom impatt strutturali fit-tul fil-pajjiżi terzi eliġibbli mhux assoċjati mal-Programm. Il-proposti se jkollhom juru l-impatt mistenni fit-tliet livelli (individwali, istituzzjonali u tas-sistema) fejn rilevanti u għandhom jistabbilixxu metodoloġija u jidentifikaw l-għodod biex dan jitkejjel.**Implimentazzjoni li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent**: Il-proġetti għandhom jikkunsidraw prattiki

ambjentalment korretti fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet tagħhom, inkluża l-ġestjoni tal-proġett. Il-proġetti huma mistennija jirreġistraw u jikkalkulaw l-impronta tal-karbonju individwali tal-parteċipanti relatata mat-trasport b'mod sistematiku.**Aċċess miftuħ**: Il-proposta għandha tiżgura li l-materjali, id-dokumenti u l-media prodotti se jkunu disponibbli bla ħlas u kif se jiġu promossi permezz ta' liċenzji miftuħa, u ma jkunx fihom limitazzjonijiet mhux proporzjonati

X'INHUMA R-REGOLI TA' FINANZJAMENT?

Din l-azzjoni ssegwi mudell ta' finanzjament ta' somma f'daqqa. L-ammont tal-kontribuzzjoni ta' somma waħda f'daqqa se jiġi ddeterminat għal kull għotja abbażi tal-baġit stmat tal-azzjoni proposta mill-applikant. L-awtorità tal-għoti se tistabbilixxi s-somma f'daqqa ta' kull għotja bbażata fuq il-proposta, ir-riżultat tal-evalwazzjoni, ir-rati ta' finanzjament u l-ammont massimu tal-għotja stabbilit fis-sejħa.

L-**għotja tal-UE** għal kull proġett hija kif ġej:

- Għall-**Fergħa 1** – It-trawwim tal-aċċess għall-kooperazzjoni fl-edukazzjoni għolja: Bejn EUR 200,000 u EUR 400,000 għal kull proġett
- Għall-**Fergħa 2 -** Sħubijiet għat-trasformazzjoni fl-edukazzjoni għolja: Bejn EUR 400,000 u EUR 800,000 għal kull proġett
- Għall-**Fergħa 3** - It-tisħiħ tal-ambjent diġitali tal-edukazzjoni għall-Ukrajna: sa EUR 5,000,000. Proġetti Oħrajn ta' Riforma Strutturali: Bejn EUR 600,000 u EUR 1,000,000 għal kull proġett.

Kif tiġi ddeterminata s-somma f'daqqa tal-proġett?

L-applikanti jeħtiġilhom jimlew tabella tal-baġit dettaljata skont il-formola tal-applikazzjoni, filwaqt li jqisu l-punti li ġejjin:

- Il-baġit għandu jkun dettaljat kif meħtieġ mill-benefiċjarji u organizzat f'pakketti ta' ħidma koerenti (pereżempju maqsum f'"ġestjoni tal-proġetti", "taħriġ", "organizzazzjoni ta' avvenimenti", "preparazzjoni u implimentazzjoni tal-mobbiltà", "komunikazzjoni u tixrid", "assigurazzjoni tal-kwalità", "tagħmir" eċċ.).
- Il-proposta trid tiddeskrivi l-attivitajiet/ir-riżultati tanġibbli koperti minn kull pakkett ta' ħidma.
- Fil-proposta tagħhom, l-applikanti jeħtiġilhom jipprovdu tqassim tal-kostijiet stmati li juru s-sehem għal kull pakkett ta' ħidma (u, fi ħdan kull pakkett ta' ħidma, is-sehem assenjat lil kull benefiċjarju u entità affiljata).
- Il-kostijiet deskritti jistgħu jkopru l-kostijiet tal-persunal, il-kostijiet tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza, il-kostijiet tat-tagħmir u tas-subkuntrattar kif ukoll kostijiet oħrajn (bħat-tixrid tal-informazzjoni, il-pubblikazzjoni jew it-traduzzjoni).
- Il-kostijiet għat-tagħmir għandhom jippreżentaw massimu ta' 35 % tal-għotja mogħtija mill-UE u l-għotja tal-UE se tkopri 100 % tal-kostijiet eliġibbli.
- Is-subkuntrattar għandu jirrappreżenta massimu ta' 10 % tal-għotja mogħtija mill-UE.

Il-proposti se jiġu evalwati skont il-proċeduri ta' evalwazzjoni standard bl-għajnuna tal-esperti interni u/jew esterni. L-esperti se jivvalutaw il-kwalità tal-proposti skont ir-rekwiżiti definiti fis-sejħa u l-impatt, mistenni, il-kwalità u l-effiċjenza tal-azzjoni. Il-valur tas-somma f'daqqa se jkun limitat għal massimu ta' 90 % tal-baġit stmat iddeterminat wara li l-evalwazzjoni u l-parametri tal-għotja (l-ammont massimu tal-għotja, ir-rata ta' finanzjament, il-kostijiet eliġibbli totali, eċċ.) jiġu stabbiliti fil-Ftehim ta' Għotja.

Il-kisbiet tal-proġett se jiġu evalwati fuq l-eżiti mwettqa. L-iskema ta' finanzjament tippermetti li ssir enfasi fuq l-outputs aktar milli fuq l-inputs, u b'hekk titqiegħed enfasi fuq il-kwalità u l-livell tal-kisba tal-objettivi li jistgħu jitkejlu.

Aktar dettalji huma deskritti fil-mudell tal-Ftehim tal-Għotja disponibbli fil-Portal tal-Opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti (FTOP): https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/portal/screen/home

BINI TAL-KAPAĊITÀ FIL-QASAM TAL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ VOKAZZJONALI (VET)

Proġetti tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet huma proġetti ta' kooperazzjoni internazzjonali bbażati fuq sħubijiet multilaterali bejn organizzazzjonijiet attivi fil-qasam tal-VET fl-Istati Membri tal-UE, u f'pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm u f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm. Dawn għandhom l-għan li jappoġġaw ir-rilevanza, l-aċċessibbiltà u r-rispons tal-istituzzjonijiet u s-sistemi tal-VET f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm bħala xprunatur tal-iżvilupp soċjoekonomiku sostenibbli.

Permezz ta' inizjattivi konġunti li jrawmu l-kooperazzjoni fir-reġjuni differenti tad-dinja, din l-azzjoni għandha l-għan li żżid il-kapaċità tal-forituri tal-VET - speċjalment fl-oqsma tal-ġestjoni, il-governanza, l-inklużjoni, l-assigurazzjoni tal-kwalità, u l-innovazzjoni – biex ikunu mgħammra aħjar ħalli jinvolvu ruħhom fis-settur privat/mal-intrapriżi/mal-assoċjazzjonijiet tan-negozju biex jesploraw l-opportunitajiet ta' impjieg u jiżviluppaw b'mod konġunt interventi tal-VET risponsivi. Is-sħubijiet internazzjonali għandhom jikkontribwixxu għat-titjib tal-kwalità tal-VET fil-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, b'mod partikolari billi jsaħħu l-kapaċitajiet tal-persunal u tal-għalliema tal-VET kif ukoll billi jsaħħu r-rabta bejn il-forituri tal-VET u s-suq tax-xogħol.

Huwa previst li l-proġetti ta' bini tal-kapaċità tal-VET jikkontribwixxu għall-objettivi ta' politika usa' li qegħdin jiġu segwiti bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm jew ir-reġjun ikkonċernat, inklużi l-pakketti ta' investiment tal-Global Gateway.

OBJETTIVI TAL-AZZJONI

B'mod speċifiku, l-azzjoni se:

- Tibni l-kapaċità tal-forituri tal-VET biex isaħħu l-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati privati u pubbliċi fil-qasam tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali għal interventi tal-VET orjentati lejn id-domanda u mmexxija mill-opportunitajiet;
- Ittejjeb il-kwalità u r-rispons tal-VET għall-iżviluppi ekonomiċi u soċjali sabiex issaħħaħ ir-rilevanza tal-provvista tal-ħiliet għas-suq tax-xogħol;
- Tallinja l-provvista tal-VET mal-istrateġiji lokali, reġjonali u nazzjonali ta' żvilupp.

OQSMA TEMATIĊI

Il-karatteristiċi li jikkaratterizzaw il-bini tal-kapaċità fil-VET jinkludu xi oqsma tematiċi ppreżentati hawn taħt. Il-proposti għandhom jiffokaw fuq tema waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

- Apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol (għaż-żgħażagħ u/jew għall-adulti);
- Mekkaniżmi ta' assigurazzjoni tal-kwalità;
- L-iżvilupp professjonali tal-għalliema/il-ħarrieġa tal-VET;
- Kompetenzi ewlenin, inkluża l-intraprenditorija;
- Sħubijiet Pubbliċi-Privati fil-VET;
- L-innovazzjoni fil-VET;
- Il-ħiliet ekoloġiċi u diġitali għat-tranżizzjoni doppja;
- Ħiliet li jaqblu mal-opportunitajiet ta' xogħol kurrenti u futuri.

Barra minn hekk, l-applikanti jistgħu jkopru oqsma tematiċi li ma humiex ippreżentati hawn fuq. Dawn iridu juru li huma partikolarment xierqa biex jintlaħqu l-objettivi tas-sejħa u l-ħtiġijiet identifikati.

ATTIVITAJIET

L-attivitajiet proposti jridu jkunu marbuta direttament mal-objettivi u l-oqsma tematiċi tal-azzjoni, jiġifieri jridu jikkorrispondu ma' qasam tematiku wieħed jew aktar elenkati hawn fuq u jridu jkunu dettaljati f'deskrizzjoni tal-proġett li tkopri l-perjodu kollu ta' implimentazzjoni.

Fil-kuntest ta' din l-azzjoni internazzjonali dinjija, l-attivitajiet tal-proġett iridu jiffokaw fuq il-bini u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet attivi fil-qasam tal-VET prinċipalment fil-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm koperti mill-azzjoni.

Il-proġetti ffinanzjati se jkunu jistgħu jintegraw firxa wiesgħa ta' kooperazzjoni, skambju, komunikazzjoni u attivitajiet oħrajn li jinkludu pereżempju:

- Il-ħolqien u l-iżvilupp ta' networks u skambji ta' prattika tajba bejn il-forituri tal-VET fil-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm u fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm;
- Il-ħolqien ta' għodod, programmi u materjali oħrajn biex tinbena l-kapaċità tal-istituzzjonijiet minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm (skemi ta' taħriġ prattiku, programmi u għodod ta' taħriġ għall-valutazzjoni u l-validazzjoni tal-eżiti tal-apprendiment fil-VET, pjanijiet ta' azzjoni individwali għall-istituzzjonijiet parteċipanti; gwida professjonali u konsulenza u metodi ta' kkowċjar...);
- Il-ħolqien ta' mekkaniżmi sabiex is-settur privat jiġi involut kemm fit-tfassil kif ukoll fit-twassil tal-kurrikuli u sabiex l-istudenti tal-VET jiġu pprovduti b'esperjenza bbażata fuq ix-xogħol ta' kwalità għolja;
- L-iżvilupp u t-trasferiment ta' approċċi pedagoġiċi, materjali u metodi tat-tagħlim u tat-taħriġ, inklużi apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol, mobbiltà virtwali, riżorsi edukattivi miftuħa u sfruttament aħjar tal-potenzjal tal-ICT;
- L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' skambju (virtwali) internazzjonali primarjament għall-persunal (inklużi l-għalliema u l-persunal mhux tat-tagħlim bħall-mexxejja tal-iskejjel, il-maniġers, il-konsulenti, eċċ.).

F'każ li jiġu proposti attivitajiet ta' mobbiltà tal-istudenti u tal-persunal, dawn għandhom jikkontribwixxu direttament għall-objettivi tal-proġett u jkunu integrati b'mod qawwi fil-loġika tal-proġett kollu kemm hu.

L-attivitajiet proposti għandhom iġibu valur miżjud u se jkollhom impatt dirett fuq il-kisba tar-riżultati tal-proġett.

PRIJORITAJIET REĠJONALI

Il-baġit disponibbli huwa maqsum bejn reġjuni differenti tad-dinja (jiġifieri l-Balkani tal-Punent, il-Viċinat tal-Lvant, il-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran, l-Afrika sub-Saħarjana, l-Amerka Latina u l-Karibew) u d-daqs ta' kull pakkett baġitarju huwa differenti. Aktar informazzjoni dwar l-ammonti disponibbli taħt kull pakkett baġitarju se tiġi ppubblikata fuq il-Portal tal-Opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti (FTOP).

L-UE stabbiliet numru ta' prijoritajiet rigward il-bilanċ ġeografiku u l-objettivi speċifiċi. Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet huma mħeġġa jaħdmu mas-sħab fl-ifqar pajjiżi terzi u f'dawk lanqas żviluppati li ma humiex assoċjati mal-Programm.

Il-prijoritajiet reġjonali stabbiliti għal din l-azzjoni huma dawn li ġejjin:

Jekk l-applikazzjoni tinvolvi pajjiż sieħeb wieħed jew aktar tal-ETF (Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ)[292], il-proposta għandha tipprovdi evidenza ta' rispons għar-rakkomandazzjonijiet tal-ETF ifformulati fir-rapporti reġjonali rilevanti tal-proċess ta' Turin[293][294].

Il-Balkani tal-Punent

- Se tingħata prijorità lil proġetti li jikkontribwixxu għall-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment tagħhom u/jew għar-rakkomandazzjonijiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ skont il-proċess ta' Turin (ara hawn fuq);
- Il-mobbiltà tal-istudenti u tal-persunal (għalliema, ħarrieġa, diretturi, maniġers eċċ.) se tkun privileġġata.

Il-Viċinat tal-Lvant

- Se tingħata prijorità lil proġetti li jikkontribwixxu għall-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment tiegħu u/jew għar-rakkomandazzjonijiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ skont il-proċess ta' Turin (ara hawn fuq).

Il-Pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran

- Se tingħata prijorità lil proġetti li jikkontribwixxu għall-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment tagħhom u/jew għar-rakkomandazzjonijiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ skont il-proċess ta' Turin (ara hawn fuq).

L-Afrika sub-Saħarjana

- Se tingħata prijorità lill-pajjiżi l-inqas żviluppati; għandha ssir ukoll enfasi speċjali fuq il-pajjiżi prijoritarji tal-migrazzjoni; l-ebda pajjiż mhu se jkollu aċċess għal aktar minn 8 % tal-finanzjament previst għar-Reġjun;
- Se tingħata prijorità lil proġetti li jikkontribwixxu għall-Programmi Indikattivi Pluriennali[295] ġeografiċi rispettivi fil-livell tal-pajjiżi jew reġjonali.

L-Amerka Latina

- Se tingħata prijorità lill-proġetti reġjonali (proġetti li jinvolvu aktar minn pajjiż terz eliġibbli wieħed mhux assoċjat mal-Programm) jew proġetti f'pajjiżi b'introjtu baxx u medju superjuri;
- Se tingħata prijorità lil proġetti li jikkontribwixxu għall-Programm Indikattiv Pluriennali[296] ġeografiku rispettiv fil-livell tal-pajjiżi jew reġjonali.

Il-Karibew

- Se tingħata prijorità lill-proġetti reġjonali (proġetti li jinvolvu aktar minn pajjiż terz eliġibbli wieħed mhux assoċjat mal-Programm) jew proġetti fil-pajjiżi l-inqas żviluppati, b'introjtu baxx u medju superjuri;
- Se tingħata prijorità lil proġetti li jikkontribwixxu għall-Programm Indikattiv Pluriennali[297] ġeografiku rispettiv fil-livell tal-pajjiżi jew reġjonali.

F'każ li jiġu indirizzati l-prijoritajiet reġjonali ta' hawn fuq, il-proġetti se jkollhom juru kif u sa liema punt jagħmlu dan.

---

292 Ħlief il-Belarussja u l-pajjiżi tal-Asja Ċentrali li ma humiex eliġibbli taħt din l-azzjoni.

293 Il-Proċess ta' Turin (TRP) huwa proċess parteċipattiv li jwassal għal analiżi bbażata fuq l-evidenza tal-politiki dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) f'pajjiż. Il-proċess ta' Turin, li ġie introdott fl-2010 u jitwettaq kull sentejn, jipprovdi ħarsa lejn l-istat ta' żvilupp tas-sistemi tal-VET fil-pajjiżi sħab tal-ETF, ħarsa ġenerali lejn il-progress li sar u l-prijoritajiet għall-futur.

[294] https://www.etf.europa.eu/en/publications-and-resources/publications/policies-human-capital-development-southern-and-eastern; https://www.etf.europa.eu/mt/publications-and-resources/publications/policies-human-capital-development-eastern-partnership-etf; https://www.etf.europa.eu/en/publications-and-resources/publications/policies-human-capital-development-south-eastern-europe-and

[295] https://international-partnerships.ec.europa.eu/funding/funding-instruments/global-europe-programming_mt

[296] Bħal hawn fuq

[297] Bħal hawn fuq

STABBILIMENT TA' PROĠETT

Proġett ta' bini tal-kapaċità fil-qasam tal-VET jikkonsisti f'erba' stadji:

- L-identifikazzjoni u l-bidu tal-proġett;
- It-tħejjija, it-tfassil u l-ippjanar tal-proġett;
- L-implimentazzjoni tal-proġett u l-monitoraġġ tal-attivitajiet;
- Ir-rieżami tal-proġett u l-valutazzjoni tal-impatt.

Jekk jogħġbok innota li filwaqt li l-attivitajiet preparatorji jistgħu jibdew qabel ma l-proposta tiġi sottomessa jew magħżula għall-finanzjament, il-kostijiet jistgħu jiġġarrbu u l-attivitajiet jiġu implimentati biss wara l-iffirmar tal-ftehim ta' għotja.

L-organizzazzjonijiet parteċipanti u l-parteċipanti involuti fl-attivitajiet għandhom jieħdu rwol attiv f'dawk l-istadji kollha u b'hekk isaħħu l-esperjenza tal-apprendiment tagħhom.

- **Identifikazzjoni u bidu**

  Identifika problema, ħtieġa jew opportunità li tista' tindirizza bl-idea tal-proġett tiegħek fil-kuntest tas-sejħa; identifika l-attivitajiet ewlenin u l-eżiti prinċipali li jistgħu jkunu mistennija mill-proġett; immappja l-partijiet ikkonċernati rilevanti u s-sħab potenzjali; ifformula l-objettiv(i) tal-proġett; żgura l-allinjament tal-proġett mal-objettivi strateġiċi tal-organizzazzjonijiet parteċipanti; wettaq xi ppjanar inizjali biex il-proġett jingħata bidu tajjeb, u iġbor flimkien l-informazzjoni meħtieġa biex titkompla l-fażi li jmiss eċċ.

- **Tħejjija, tfassil u ppjanar**

  Speċifika l-kamp ta' applikazzjoni tal-proġett u l-approċċ xieraq; iddeskrivi b'mod ċar il-metodoloġija proposta filwaqt li tiżgura l-konsistenza bejn l-objettivi u l-attivitajiet tal-proġett; iddeċiedi dwar skeda għall-kompiti involuti; agħmel stima tar-riżorsi meħtieġa u żviluppa d-dettall tal-proġett eż. valutazzjoni tal-ħtiġijiet; iddefinixxi objettivi sodi u indikaturi tal-impatt (speċifiċi, li jistgħu jitkejlu, li jistgħu jintlaħqu, li huma rilevanti u marbuta biż-żmien); identifika l-eżiti tal-proġett u tal-apprendiment; l-iżvilupp ta' programm ta' ħidma, formati ta' attività, impatt mistenni, baġit kumplessiv stmat; it-tħejjija ta' pjan ta' implimentazzjoni tal-proġett u pjan ta' komunikazzjoni sod u realistiku li jinkludi aspetti strateġiċi tal-governanza tal-proġett, il-monitoraġġ, il-kontroll tal-kwalità, ir-rapportar u t-tixrid tar-riżultati; id-definizzjoni ta' arranġamenti prattiċi u l-konferma tal-grupp(i) fil-mira għall-attivitajiet previsti; l-istabbiliment ta' ftehimiet mas-sħab u l-kitba tal-proposta eċċ.

- **Implimentazzjoni u monitoraġġ tal-attivitajiet**

  It-twettiq tal-implimentazzjoni tal-proġett skont pjanijiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti għar-rapportar u l-komunikazzjoni; il-monitoraġġ tal-attivitajiet li għaddejjin u l-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-proġett skont il-pjanijiet tal-proġett; l-identifikazzjoni u t-teħid ta' azzjoni korrettiva biex jiġu indirizzati d-devjazzjonijiet mill-pjanijiet u biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet u r-riskji; l-identifikazzjoni ta' nuqqasijiet ta' konformità mal-istandards tal-kwalità stabbiliti u t-teħid ta' azzjonijiet korrettivi eċċ.

- **Rieżami u valutazzjoni tal-impatt**

  Il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-proġett skont l-objettivi tal-proġett u l-pjanijiet ta' implimentazzjoni; l-evalwazzjoni tal-attivitajiet u l-impatt tagħhom fuq livelli differenti, kondiviżjoni u użu tar-riżultati tal-proġett, eċċ.

Barra minn hekk, fejn xieraq, u f'termini proporzjonali, il-proġetti huma mistennija:

- Jintegraw pjan ta' azzjoni fit-tul għall-implimentazzjoni progressiva tar-riżultati tanġibbli tal-proġett wara li l-proġett ikun intemm (abbażi ta' sħubijiet sostnuti) inklużi miżuri għall-iskalabbiltà u s-sostenibbiltà finanzjarja;
- Jiżguraw viżibbiltà xierqa u tixrid wiesa' tal-eżiti tal-proġett, fil-livelli tranżnazzjonali, nazzjonali u/jew reġjonali mas-sħab rilevanti.

Aspetti orizzontali li għandhom jiġu kkunsidrati meta tkun qed tfassal il-proġett tiegħek

Minbarra l-konformità mal-kriterji formali u l-istabbiliment ta' arranġament ta' kooperazzjoni sostenibbli mas-sħab kollha tal-proġett, l-elementi li ġejjin jistgħu jikkontribwixxu biex jiżdiedu l-impatt u l-implimentazzjoni kwalitattiva tal-proġetti tal-bini tal-kapaċità matul il-fażijiet differenti tal-proġett.

L-applikanti (koordinatur u sħab sħaħ) huma mħeġġa jqisu dawn l-opportunitajiet u d-dimensjonijiet meta jfasslu l-proġetti tagħhom.

- **Inklużjoni u diversità**

  Il-Programm se jappoġġa proġetti li jippromwovu l-inklużjoni soċjali u li għandhom l-għan li jtejbu s-sensibilizzazzjoni għal persuni b'inqas opportunitajiet, inklużi persuni b'diżabilità u persuni bi sfond ta' migrazzjoni, kif ukoll persuni li jgħixu f'żoni rurali u remoti, persuni li jiffaċċjaw diffikultajiet soċjoekonomiċi jew kwalunkwe sors potenzjali ieħor ta' diskriminazzjoni abbażi tas-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Dawn il-proġetti se jgħinu biex jiġu indirizzati l-ostakli li jiffaċċjaw dawn il-gruppi fl-aċċess għall-opportunitajiet offruti mill-programm, kif ukoll jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' ambjenti inklużivi li jrawmu l-ekwità u l-ugwaljanza, u li jirrispondu għall-ħtiġijiet tal-komunità usa'.

- **Sostenibbiltà ambjentali**

  Il-Programm jappoġġa s-sensibilizzazzjoni dwar l-isfidi ambjentali u tat-tibdil fil-klima. Il-proġetti huma mħeġġa jiżviluppaw kompetenzi f'setturi varji b'rilevanza għas-sostenibbiltà, strateġiji u metodoloġiji ta' ħiliet settorjali ekoloġiċi, kif ukoll kurrikuli orjentati lejn il-futur li jissodisfaw aħjar il-ħtiġijiet tal-individwi. Il-Programm jappoġġa wkoll l-ittestjar ta' prattiċi innovattivi biex iħejji lill-istudenti u lill-fornituri tal-VET ħalli jsiru aġenti veri tal-bidla (eż. jiffrankaw ir-riżorsi, inaqqsu l-użu tal-enerġija u l-iskart, jikkompensaw l-emissjonijiet tal-impronta tal-karbonju, jagħmlu għażliet ta' ikel u ta' mobbiltà sostenibbli, eċċ.).

- **Dimensjoni diġitali**

  Il-Programm jappoġġa l-pjanijiet ta' trasformazzjoni diġitali tal-edukazzjoni u t-taħriġ primarju, sekondarju u vokazzjonali (VET). Dan irawwem l-użu bi skop tat-teknoloġiji diġitali. Dan jinkludi l-iżvilupp ta' pedagoġija u għarfien espert diġitali fl-użu ta' għodod diġitali, inklużi teknoloġiji aċċessibbli u ta' assistenza u l-ħolqien u l-użu innovattiv ta' kontenut ta' edukazzjoni diġitali.

- **Valuri komuni, involviment ċiviku u parteċipazzjoni**

  Il-Programm jappoġġa ċ-ċittadinanza attiva u l-etika fl-apprendiment tul il-ħajja. Il-proġetti għandhom joffru opportunitajiet għall-parteċipazzjoni tal-persuni fil-ħajja demokratika, fl-involviment soċjali u ċiviku. Il-fokus se jkun ukoll fuq is-sensibilizzazzjoni u l-fehim tal-kuntest tal-Unjoni Ewropea, notevolment fir-rigward tal-valuri komuni tal-UE, il-prinċipji tal-unità u tad-diversità, kif ukoll l-identità kulturali, il-kuxjenza kulturali u l-wirt soċjali u storiku tagħhom.

LIEMA HUMA L-KRITERJI LI GĦANDHOM JIĠU SSODISFATI BIEX WIEĦED JAPPLIKA GĦAL PROĠETT TA' BINI TAL-KAPAĊITÀ FIL-QASAM TAL-VET?

KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ

Sabiex ikunu eliġibbli għal għotja tal-Erasmus, il-proposti ta' proġetti għall-bini tal-kapaċità fil-qasam tal-VET iridu jikkonformaw mal-kriterji li ġejjin:

Min jista' japplika?	Kwalunkwe organizzazzjoni pubblika jew privata attiva fil-qasam tal-VET u stabbilita legalment fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz eliġibbli assoċjat mal-Programm (jekk jogħġbok ara l-Parti A ta' din il-Gwida).L-organizzazzjonijiet minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm ma jistgħux ikunu koordinaturi. Il-koordinatur japplika f'isem l-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha involuti fil-proġett.
X'tipi ta' organizzazzjonijiet huma eliġibbli biex jipparteċipaw fil-proġett?	**Kull organizzazzjoni parteċipanti** trid tkun attiva fil-qasam tal-VET jew fis-suq tax-xogħol. Tista' tkun involuta bħala sieħeb sħiħ, entità affiljata jew sieħeb assoċjat u trid tkun stabbilita fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm (jekk jogħġbok ara l-Parti A ta' din il-Gwida), jew f'pajjiż terz eliġibbli mhux assoċjat mal-Programm (jekk jogħġbok ara hawn taħt). **Pajjiżi terzi eliġibbli mhux assoċjati mal-Programm għal din l-azzjoni:** ▪ Il-pajjiżi terzi kollha mhux assoċjati mal-Programm fir-Reġjuni 1, 2, 3, 9, 10 u 11 (jekk jogħġbok ara l-Parti A ta' din il-Gwida); **Eċċezzjoni:** l-organizzazzjonijiet mill-Belarussja (ir-Reġjun 2) ma humiex eliġibbli biex jipparteċipaw f'din l-azzjoni. **It-tip ta' organizzazzjonijiet eliġibbli jista' jkun (lista mhux eżawrjenti):** ▪ Forniturі tal-VET; ▪ Kumpaniji, organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-industrija jew tas-settur; ▪ Awtoritajiet nazzjonali/reġjonali tal-kwalifiki; ▪ Servizzi għall-impjiegi; ▪ Istituti tar-riċerka; ▪ Aġenziji tal-innovazzjoni; ▪ Awtoritajiet għall-iżvilupp reġjonali eċċ. **Is-sħab assoċjati** jistgħu jipparteċipaw sa fejn jintwera li l-parteċipazzjoni tagħhom iġġib valur miżjud essenzjali għall-proġett (eż. l-implimentazzjoni ta' kompiti/attivitajiet speċifiċi għall-proġett jew tappoġġa t-tixrid u s-sostenibbiltà tal-proġett). Għal kwistjonijiet ta' ġestjoni kuntrattwali, is-sħab assoċjati ma jitqisux bħala parti mis-sħab tal-proġett u ma jirċevux finanzjament.

Numru u profil tal-organizzazzjonijiet parteċipanti	Il-proġetti ta' bini tal-kapaċità huma tranżnazzjonali u jridu jinvolvu **mill-inqas erba' organizzazzjonijiet** (koordinatur u sħab sħaħ) **minn minimu ta' tliet pajjiżi**: 1. Mill-inqas **organizzazzjoni waħda minn żewġ Stati Membri differenti tal-UE** u mill-inqas **żewġ organizzazzjonijiet minn tal-inqas pajjiż terz eliġibbli wieħed mhux assoċjat mal-Programm, analiżi operazzjonali**, jew 2. Mill-inqas **organizzazzjoni waħda minn żewġ pajjiżi terzi differenti assoċjati mal-Programm** u mill-inqas **żewġ organizzazzjonijiet minn tal-inqas pajjiż terz eliġibbli wieħed mhux assoċjat mal-Programm,** jew 3. Mill-inqas **organizzazzjoni waħda minn Stat Membru tal-UE u organizzazzjoni waħda minn pajjiż terz assoċjat mal-Programm** u mill-inqas **żewġ organizzazzjonijiet minn tal-inqas pajjiż terz eliġibbli wieħed mhux assoċjat mal-Programm.** Il-konsorzju jrid jinkludi mill-inqas fornitur wieħed tal-VET fil-livell tal-edukazzjoni mhux terzjarja. In-numru ta' organizzazzjonijiet mill-Istati Membri tal-UE u minn pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm **ma jistax ikun ogħla** min-numru ta' organizzazzjonijiet minn pajjiżi terzi eliġibbli mhux assoċjati mal-Programm. **L-entitajiet affiljati u s-sħab assoċjati** ma jitqisux f'dawn ir-rekwiżiti ta' hawn fuq.
Post tal-attivitajiet	L-attività trid issir fil-pajjiżi tal-organizzazzjonijiet li jipparteċipaw fil-proġett ħlief f'każijiet iġġustifikati kif xieraq relatati mal-objettivi tal-azzjoni. Barra minn hekk, jekk ikun iġġustifikat kif xieraq fir-rigward tal-objettivi jew tal-implimentazzjoni tal-proġett: • L-attivitajiet jistgħu jsiru wkoll fis-sede ta' Istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea, anke jekk fil-proġett ma jkunx hemm organizzazzjonijiet parteċipanti mill-pajjiż li jospita l-Istituzzjoni; • L-attivitajiet li jinvolvu l-kondiviżjoni u l-promozzjoni tar-riżultati jistgħu jsiru wkoll f'avvenimenti/konferenzi tranżnazzjonali tematiċi rilevanti fl-Istati Membri tal-UE jew fil-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm jew fil-pajjiżi terzi eliġibbli mhux assoċjati mal-Programm.
Durata tal-proġett	Il-proġetti normalment għandhom idumu **12-il xahar, 24 jew 36 xahar** (jistgħu jsiru estensjonijiet, jekk ikunu ġġustifikati kif xieraq u permezz ta' emenda). Id-durata trid tintgħażel fl-istadju tal-applikazzjoni, abbażi tal-objettiv tal-proġett u tat-tip ta' attivitajiet previsti tul iż-żmien.
Fejn napplika?	Mal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA). ID tas-Sejħa: ERASMUS-EDU-2023-CB-VET
Meta napplika?	L-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għal għotja sat-**28 ta' Frar fil-17:00:00 (ħin ta' Brussell)**.
Kriterji oħrajn	Tista' tiġi sottomessa proposta waħda biss għal kull data tal-għeluq mill-istess koordinatur. Jekk aktar minn proposta waħda tiġi sottomessa mill-koordinatur, l-ewwel waħda li tkun ġiet sottomessa biss tiġi kkunsidrata filwaqt li l-oħra/oħrajn jiġu rrifjutati awtomatikament.

L-organizzazzjonijiet applikanti se jiġu vvalutati skont il-kriterji tal-esklużjoni u tal-għażla rilevanti. Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkonsulta l-Parti C ta' din il-Gwida.

IMPATT MISTENNI

Il-proġetti mogħtija għandhom juru l-impatt mistenni tagħhom billi jiksbu r-riżultati li ġejjin:

- Rabtiet aktar stretti bejn il-pajjiżi terzi mhux assoċjati mas-sistema tal-ET tal-Programm u s-suq tax-xogħol tiegħu;

- Rabtiet imtejba bejn il-profili tal-VET u l-istrateġiji u l-prijoritajiet lokali/reġjonali/nazzjonali;
- Kapaċitajiet imtejba tal-forniturі tal-VET speċjalment fl-oqsma tal-ġestjoni, il-governanza, l-inklużjoni, l-assigurazzjoni tal-kwalità, l-innovazzjoni u l-internazzjonalizzazzjoni;
- Żieda fl-esponiment tal-persunal, tal-maniġers, ta' dawk li jfasslu l-politika u tal-għalliema anzjani għal approċċi li jqarrbu s-suq tax-xogħol u l-VET;
- Għarfien, ħiliet tekniċi, maniġerjali u pedagoġiċi mtejba tal-għalliema u tal-ħarrieġa tal-VET;
- Kontribut aħjar tal-għalliema/il-ħarrieġa, tal-istudenti u tal-impjegaturi tal-VET fil-kurrikulu, fit-tfassil tal-profil u fir-riforma tat-taħriġ;
- Livell imtejjeb ta' kompetenzi, ħiliet u potenzjal ta' impjegabbiltà tal-istudenti tal-VET;
- Kooperazzjoni akbar bejn reġjuni differenti tad-dinja permezz ta' inizjattivi konġunti;
- L-iżvilupp tal-kompetenzi tal-organizzazzjonijiet parteċipanti fir-rigward tas-sostenibbiltà ambjentali;
- Ħiliet u kompetenzi diġitali mtejba tal-pubbliku fil-mira permezz ta' attivitajiet u inizjattivi xierqa;
- Żieda fil-kompetenzi soċjali u interkulturali fil-qasam tal-VET.

KRITERJI GĦALL-GĦOTI

Fil-parti B tal-applikazzjoni, kull proposta trid twieġeb il-punti kollha elenkati taħt l-erba' kriterji għall-għoti ppreżentati hawn taħt.

Rilevanza tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 30 punt)**	▪ **Rabta mal-oqsma tematiċi:** ir-rilevanza tal-proposta għall-objettivi u għall-oqsma tematiċi tal-azzjoni; ▪ **Prijoritajiet reġjonali:** il-proposta tindirizza l-prijoritajiet reġjonali, **inklużi d-dokumenti ta' politika rilevanti elenkati fil-qafas ta' din l-azzjoni;** ▪ **Kuntest lokali**: il-proposta hija bbażata fuq analiżi adegwata tal-ħtiġijiet u hija fattibbli fil-kuntest lokali tal-pajjiż(i) fil-mira; ▪ **Konsistenza:** l-objettivi tal-applikazzjoni huma ddefiniti b'mod ċar, huma realistiċi u jindirizzaw kwistjonijiet rilevanti għall-organizzazzjonijiet parteċipanti u għall-gruppi fil-mira; ▪ **Innovazzjoni:** il-proposta tqis metodi u tekniki tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, u twassal għal riżultati u soluzzjonijiet innovattivi għall-qasam tagħha b'mod ġenerali, jew għall-kuntest ġeografiku li fih jiġi implimentat il-proġett (eż. il-kontenut; l-outputs prodotti, il-metodi ta' ħidma applikati, l-organizzazzjonijiet u l-persuni involuti jew immirati); ▪ **Komplementarjetà:** il-proposta hija komplementari għal inizjattivi oħrajn li diġà twettqu mill-organizzazzjonijiet parteċipanti; ▪ **Bini tal-kapaċità:** l-attivitajiet ta' bini tal-kapaċità huma ddefiniti b'mod ċar u għandhom l-għan li jsaħħu l-kapaċitajiet, prinċipalment tal-organizzazzjonijiet parteċipanti minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm; ▪ **Rabta mal-istrateġiji:** l-attivitajiet jintegraw lilhom infushom fl-istrateġiji ta' żvilupp tal-forniturі tal-VET fil-mira u fl-istrateġiji ta' appoġġ fil-livell tal-pajjiżi, inkluża attenzjoni akbar għall-impjegabbiltà, l-inklużjoni, id-diversità u l-parteċipanti soċjoekonomikament żvantaġġati fejn rilevanti; ▪ **Aspetti orizzontali:** jitqiesu l-aspetti orizzontali tal-Programm.

Kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 30 punt)**	▪ **Koerenza:** it-tfassil kumplessiv tal-proġett jiżgura konsistenza bejn l-objettivi, l-attivitajiet u l-baġit propost tal-proġett. Il-proposta tippreżenta sett koerenti u komprensiv ta' attivitajiet u servizzi xierqa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet identifikati u jwasslu għar-riżultati mistennija. Ikun hemm fażijiet xierqa għat-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, l-isfruttament, l-evalwazzjoni u t-tixrid; ▪ **Metodoloġija:** l-adegwatezza u l-kwalità tal-metodoloġija proposta biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet identifikati; ▪ **Pjan ta' ħidma:** il-kwalità u l-effettività tal-pjan ta' ħidma, inkluż sa fejn ir-riżorsi assenjati għall-pakketti ta' ħidma huma konformi mal-objettivi u r-riżultati tanġibbli tagħhom; ▪ **Metodi ta' apprendiment mhux formali:** il-kwalità tal-metodi ta' apprendiment mhux formali proposti - jekk applikabbli, jiġifieri jekk il-metodi ta' apprendiment mhux formali humiex proposti fl-applikazzjoni; ▪ **L-għażla tal-parteċipanti:** il-kwalità tal-arranġamenti għall-għażla tal-parteċipanti involuti fl-attivitajiet tal-proposti fir-rigward tal-objettivi tal-inklużjoni u d-diversità; ▪ **Rikonoxximent u validazzjoni:** il-kwalità tal-arranġamenti għar-rikonoxximent u l-validazzjoni tal-eżiti tal-apprendiment tal-parteċipanti kif ukoll l-użu konsistenti ta' għodod ta' trasparenza u rikonoxximent Ewropej; ▪ **Miżuri ta' kontroll tal-kwalità:** l-eżistenza u r-rilevanza tal-miżuri ta' kontroll tal-kwalità sabiex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tal-proġett tkun ta' kwalità għolja, titlesta fil-ħin u tkun skont il-baġit; ▪ **Kosteffettività:** kemm il-proġett huwa kosteffettiv u jalloka riżorsi xierqa għal kull attività; ▪ **Attivitajiet ta' mobbiltà:** l-adegwatezza tal-miżuri għall-għażla u/jew l-involviment ta' parteċipanti f'attivitajiet ta' mobbiltà (jekk jogħġbok irreferi għal "Protezzjoni, saħħa u sikurezza tal-parteċipanti" fil-parti A ta' din il-Gwida kif ukoll għal rekwiżiti u rakkomandazzjonijiet oħrajn applikabbli għal Proġetti ta' mobbiltà tal-KA1) – jekk applikabbli, jiġifieri jekk l-attivitajiet tal-mobbiltà jkunu parti mill-applikazzjoni.
Kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni **(punteġġ massimu ta' 20 punt)**	▪ **Konfigurazzjoni:** il-proġett jinvolvi taħlita xierqa ta' organizzazzjonijiet parteċipanti komplimentari bil-profil, l-esperjenza u l-għarfien espert meħtieġa biex iwettqu b'suċċess l-aspetti kollha tal-proġett; ▪ **Impenn:** id-distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet u tal-kompiti turi l-impenn u l-kontribuzzjoni attiva tal-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha. ▪ **Kollaborazzjoni:** l-eżistenza ta' mekkaniżmi effettivi għall-koordinazzjoni u l-komunikazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet parteċipanti, kif ukoll ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn.
Impatt **(punteġġ massimu ta' 20 punt)**	▪ **Impatt:** l-impatt potenzjali tal-proġett: - fuq il-parteċipanti u l-organizzazzjonijiet parteċipanti matul u wara l-ħajja tal-proġett; - barra l-organizzazzjonijiet u l-individwi li ħadu sehem direttament fil-proġett, fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u/jew internazzjonali; ▪ **Tixrid:** il-kwalità tal-pjan ta' tixrid: l-adegwatezza u l-kwalità tal-miżuri mmirati lejn il-kondiviżjoni tal-eżiti tal-proġett fi ħdan l-organizzazzjonijiet parteċipanti u barra minnhom; ▪ **Sfruttament:** il-proposta turi kif l-eżiti tal-proġett se jintużaw mis-sħab u minn partijiet ikkonċernati oħrajn. Tiddeskrivi miżuri ta' sfruttament matul il-ħajja tal-proġett u wara; ▪ **Aċċess miftuħ:** il-proposta tiddeskrivi kif il-materjali, id-dokumenti u l-media prodotti se jkunu disponibbli bla ħlas u kif se jiġu promossi permezz ta' liċenzji miftuħa, u ma jkunx fihom limitazzjonijiet sproporzjonati; ▪ **Sostenibbiltà:** il-kwalità tal-pjanijiet biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-proġett: il-kapaċità tiegħu li jibqa' jkollu impatt u jipproduċi riżultati wara li tkun intużat l-għotja tal-UE.

Sabiex jiġu kkunsidrati għall-finanzjament, il-proposti jridu jiksbu tal-inqas 60 punt (minn total ta' 100 punt).

Barra minn hekk, iridu jiksbu tal-inqas nofs il-punti massimi tal-punteġġ għal kull waħda mill-erba' tal-kriterji għall-għoti msemmija hawn fuq (jiġifieri minimu ta' 15-il punt għall-kategoriji "rilevanza tal-proġett" u "kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett"; Għaxar punti għall-kategoriji "kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni" u "impatt").

F'każijiet fejn żewġ applikazzjonijiet jew aktar ikunu rċevew l-istess punteġġ totali (każijiet *ex aequo*), se tingħata prijorità lill-ogħla punteġġi għar-"rilevanza tal-proġett" u mbagħad għall-"impatt".

INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

L-aċċettazzjoni ta' applikazzjoni ma tfissirx impenn biex jingħata finanzjament ugwali għall-ammont mitlub mill-applikanti. Il-finanzjament mitlub jista' jitnaqqas fuq bażi tar-regoli finanzjarji applikabbli għall-azzjoni u r-riżultati tal-evalwazzjoni.

Bħala regola ġenerali, u fil-limiti tal-oqfsa legali nazzjonali u Ewropej eżistenti, ir-riżultati għandhom ikunu disponibbli bħala riżorsi edukattivi miftuħa (OER) kif ukoll fuq pjattaformi rilevanti, professjonali, settorjali jew tal-awtoritajiet kompetenti. Il-proposta se tiddeskrivi kif id-*data*, il-materjali, id-dokumenti u l-attività tal-media awdjoviżiva u soċjali prodotti jkunu disponibbli bla ħlas u kif se jiġu promossi permezz ta' liċenzji miftuħa, u ma tinkludix limitazzjonijiet sproporzjonati.

X'INHUMA R-REGOLI TA' FINANZJAMENT?

Din l-azzjoni ssegwi mudell ta' finanzjament ta' somma f'daqqa. L-ammont tal-kontribuzzjoni ta' somma waħda f'daqqa se jiġi ddeterminat għal kull għotja abbażi tal-baġit stmat tal-azzjoni proposta mill-applikanti. L-awtorità tal-għoti se tistabbilixxi s-somma f'daqqa ta' kull għotja bbażata fuq il-proposta, ir-riżultat tal-evalwazzjoni, ir-rati ta' finanzjament u l-ammont massimu tal-għotja stabbilit fis-sejħa.

L-għotja tal-UE għal kull proġett se tvarja minn **minimu ta' EUR 100,000 u massimu ta' EUR 400,000**

<u>Kif tiġi ddeterminata s-somma f'daqqa tal-proġett?</u>

L-applikanti jeħtiġilhom jimlew tabella tal-baġit dettaljata skont il-formola tal-applikazzjoni, filwaqt li jqisu l-punti li ġejjin:

e) Il-baġit għandu jkun dettaljat kif meħtieġ mill-benefiċjarju/i u organizzat f'pakketti ta' ħidma koerenti (pereżempju maqsum f'"ġestjoni tal-proġetti", "taħriġ", "organizzazzjoni tal-avvenimenti", "preparazzjoni u implimentazzjoni tal-mobbiltà", "komunikazzjoni u tixrid", "assigurazzjoni tal-kwalità", eċċ.);

f) Il-proposta trid tiddeskrivi l-attivitajiet koperti minn kull pakkett ta' ħidma;

g) Fil-proposta tagħhom, l-applikanti jeħtiġilhom jipprovdu tqassim tal-kostijiet stmati li juru s-sehem għal kull pakkett ta' ħidma (u, fi ħdan kull pakkett ta' ħidma, is-sehem assenjat lil kull benefiċjarju u entità affiljata);

h) Il-kostijiet deskritti jistgħu jkopru l-kostijiet tal-persunal, il-kostijiet tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza, il-kostijiet tat-tagħmir u tas-subkuntrattar kif ukoll kostijiet oħrajn (bħat-tixrid tal-informazzjoni, il-pubblikazzjoni jew it-traduzzjoni).

Il-proposti se jiġu evalwati skont il-proċeduri ta' evalwazzjoni standard bl-għajnuna tal-esperti interni u/jew esterni. L-esperti se jivvalutaw il-kwalità tal-proposti skont ir-rekwiżiti definiti fis-sejħa u l-impatt, mistenni, il-kwalità u l-effiċjenza tal-azzjoni. Wara l-evalwazzjoni tal-proposta, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni se jistabbilixxi l-ammont tas-somma f'daqqa, filwaqt li jqis is-sejbiet tal-valutazzjoni mwettqa. Il-valur tas-somma f'daqqa se jkun limitat għal massimu ta' 80 % tal-baġit stmat iddeterminat wara l-evalwazzjoni.

Il-parametri tal-għotja (l-ammont massimu tal-għotja, ir-rata ta' finanzjament, il-kostijiet totali eliġibbli, eċċ.) se jiġu stabbiliti fil-Ftehim ta' Għotja. Mhuwiex permess appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi. Il-kostijiet tal-voluntiera u tal-SMEs huma permessi. Jekk jogħġbok irreferi għall-Parti C ta' din il-Gwida tal-Programm, it-taqsima "Kostijiet diretti eliġibbli".

Il-kisbiet tal-proġett se jiġu evalwati fuq l-eżiti mwettqa. L-iskema ta' finanzjament tippermetti li ssir enfasi fuq l-outputs aktar milli fuq l-inputs, u b'hekk titqiegħed enfasi fuq il-kwalità u l-livell tal-kisba tal-objettivi li jistgħu jitkejlu.

Aktar dettalji huma deskritti fil-mudell tal-Ftehim ta' Għotja disponibbli fil-Portal tal-Opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti (FTOP).

BINI TAL-KAPAĊITÀ FIL-QASAM TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Il-proġetti tal-bini tal-kapaċità huma proġetti ta' kooperazzjoni internazzjonali bbażati fuq sħubijiet multilaterali bejn organizzazzjonijiet attivi fil-qasam taż-żgħażagħ fil-pajjiżi tal-Programm u fil-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm. Dawn għandhom l-għan li jappoġġaw il-kooperazzjoni internazzjonali u d-djalogu ta' politika fil-qasam taż-żgħażagħ u l-apprendiment mhux formali, bħala xprunatur tal-iżvilupp soċjoekonomiku sostenibbli u l-benesseri tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u taż-żgħażagħ innifishom.

OBJETTIVI TAL-AZZJONI

L-azzjoni se jkollha l-għan li:

- żżid il-kapaċità tal-organizzazzjonijiet li jaħdmu maż-żgħażagħ barra mill-apprendiment formali;
- tippromwovi attivitajiet ta' apprendiment mhux formali f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, speċjalment dawk immirati lejn żgħażagħ b'inqas opportunitajiet, bil-għan li jittejjeb il-livell ta' kompetenzi filwaqt li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażagħ fis-soċjetà;
- tappoġġa l-iżvilupp tal-ħidma fost iż-żgħażagħ f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, filwaqt li ttejjeb il-kwalità u r-rikonoxximent tiegħu;
- trawwem l-iżvilupp, l-ittestjar u t-tnedija ta' skemi u programmi ta' mobbiltà għall-apprendiment mhux formali f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm;
- tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ (2019-2027) inklużi l-11-il Għan Ewropew dwar iż-Żgħażagħ, u l-Pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażagħ fl-Azzjoni Esterna tal-UE;
- trawwem il-kooperazzjoni bejn reġjuni differenti tad-dinja permezz ta' inizjattivi konġunti;
- issaħħaħ is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet mas-sistemi tal-edukazzjoni formali u/jew mas-suq tax-xogħol;

OQSMA TEMATIĊI/OBJETTIVI SPEĊIFIĊI

Il-proposti għandhom jiffokaw fuq qasam tematiku wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

- il-parteċipazzjoni politika, l-involviment ċiviku u d-djalogu ma' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet;
- l-inklużjoni ta' żgħażagħ b'inqas opportunitajiet;
- id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-valuri;
- l-għoti tas-setgħa / l-involviment / l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ;
- il-paċi u r-rikonċiljazzjoni ta' wara l-kunflitt;
- l-ambjent u l-klima;
- il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;
- ħiliet diġitali u intraprenditorjali.

ATTIVITAJIET

L-attivitajiet proposti jridu jkunu marbuta direttament mal-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-azzjoni, jiġifieri jridu jikkorrispondu ma' qasam tematiku wieħed jew aktar elenkati hawn fuq u jridu jkunu dettaljati f'deskrizzjoni tal-proġett li tkopri l-perjodu kollu ta' implimentazzjoni. Fl-aħħar nett, fil-kuntest ta' din l-azzjoni internazzjonali dinjija, l-attivitajiet tal-proġett iridu jiffokaw fuq il-bini u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-**organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u taż-żgħażagħ prinċipalment fil-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, koperti mill-azzjoni**.

Il-proġetti ffinanzjati se jkunu jistgħu jintegraw **firxa wiesgħa ta' kooperazzjoni, skambju, komunikazzjoni u attivitajiet oħrajn** li:

- jikkontribwixxu biex iħeġġu d-djalogu ta' politika, il-kooperazzjoni, in-networking u l-iskambji tal-prattiki;
- jippromwovu l-kooperazzjoni strateġika bejn l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ minn naħa waħda, u l-awtoritajiet pubbliċi min-naħa l-oħra, b'mod partikolari f'pajjiżi terzi eliġibbli mhux assoċjati mal-Programm;

- jippromwovu l-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u l-organizzazzjonijiet attivi fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll ma' organizzazzjonijiet mis-suq tax-xogħol;
- iżidu l-kapaċitajiet tal-kunsilli taż-żgħażagħ, il-pjattaformi taż-żgħażagħ u l-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali li għandhom x'jaqsmu maż-żgħażagħ, b'mod partikolari f'pajjiżi terzi eliġibbli mhux assoċjati mal-Programm;
- isaħħu l-ġestjoni, il-governanza, il-kapaċità ta' innovazzjoni, it-tmexxija u l-internazzjonalizzazzjoni tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, b'mod partikolari f'pajjiżi terzi eliġibbli mhux assoċjati mal-Programm
- jappoġġaw l-iżvilupp ta' kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni, kif ukoll l-iżvilupp ta' għodod ta' informazzjoni, komunikazzjoni u media;
- jgħinu fl-iżvilupp ta' metodi, ta' għodod u ta' materjali ta' ħidma fost iż-żgħażagħ, inkluż it-tħeġġiġ ta' inizjattivi ta' ħolqien konġunt u ta' tfassil konġunt ta' proġetti, li jippermettu l-ħolqien ta' proġetti parteċipattivi;
- joħolqu forom ġodda ta' twassil ta' ħidma fost iż-żgħażagħ u jipprovdu taħriġ u appoġġ; jiffaċilitaw il-mobbiltà għall-apprendiment mhux formali.

Eżempji ta' attivitajiet jinkludu:

- l-iżvilupp ta' għodod u metodi għall-iżvilupp soċjoprofessjonali tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ u l-ħarrieġa;
- l-iżvilupp ta' metodi ta' apprendiment mhux formali, speċjalment dawk li jippromwovu l-ksib/it-titjib ta' kompetenzi, inklużi l-ħiliet tal-litteriżmu medjatiku;
- l-iżvilupp ta' forom ġodda ta' skemi ta' taħriġ prattiku u simulazzjoni ta' każijiet meħudin mill-ħajja vera fis-soċjetà;
- l-iżvilupp ta' forom ġodda ta' ħidma fost iż-żgħażagħ, b'mod partikolari l-użu strateġiku ta' apprendiment miftuħ u flessibbli, kooperazzjoni virtwali, riżorsi edukattivi miftuħa (OER) u sfruttament aħjar tal-potenzjal tal-ICT;
- l-organizzazzjoni ta' avvenimenti/seminars/sessjonijiet ta' ħidma/skambju ta' prattika tajba għall-kooperazzjoni, networking, is-sensibilizzazzjoni u għall-iskopijiet ta' apprendiment bejn il-pari
- l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' mobbiltà għaż-żgħażagħ u/jew għall-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ biex jiġu ttestjati għodod u metodi żviluppati mis-sħubija. Jekk jogħġbok innota li l-attivitajiet ta' mobbiltà jridu jkunu sekondarji għall-objettivi ewlenin tal-azzjoni, u jridu jkunu strumentali għall-kisba ta' dawn l-objettivi u l-bażi tagħhom

STABBILIMENT TA' PROĠETT

Proġett ta' Bini tal-Kapaċità fil-qasam taż-żgħażagħ jikkonsisti f'erba' stadji, li jibdew saħansitra qabel ma tintgħażel il-proposta tal-proġett għall-finanzjament[298] eż. 1) Identifikazzjoni u bidu tal-proġett; 2) It-tħejjija, it-tfassil u l-ippjanar tal-proġett; 3) L-implimentazzjoni tal-proġett u l-monitoraġġ tal-attivitajiet; u 4) Ir-rieżami tal-proġett u l-valutazzjoni tal-impatt.

L-organizzazzjonijiet parteċipanti u l-parteċipanti involuti fl-attivitajiet għandhom jieħdu rwol attiv f'dawk l-istadji kollha u b'hekk isaħħu l-esperjenza tal-apprendiment tagħhom.

- **Identifikazzjoni u bidu**; identifika problema, ħtieġa jew opportunità li tista' tindirizza bl-idea tal-proġett tiegħek fil-kuntest tas-sejħa; identifika l-attivitajiet ewlenin u l-eżiti prinċipali li jistgħu jkunu mistennija mill-proġett; immappja l-partijiet ikkonċernati rilevanti u s-sħab potenzjali; ifformula l-objettiv(i) tal-proġett; żgura l-allinjament tal-proġett mal-objettivi strateġiċi tal-organizzazzjonijiet parteċipanti; wettaq xi ppjanar inizjali biex il-proġett jingħata bidu tajjeb, u iġbor flimkien l-informazzjoni meħtieġa biex titkompla l-fażi li jmiss eċċ.;

[298] Jekk jogħġbok innota li filwaqt li l-attivitajiet preparatorji jistgħu jibdew qabel ma l-proposta tiġi sottomessa jew magħżula għall-finanzjament, il-kostijiet jistgħu jiġġarrbu u l-attivitajiet jiġu implimentati biss wara l-iffirmar tal-ftehim ta' għotja.

- **Tħejjija, tfassil u ppjanar**; speċifika l-kamp ta' applikazzjoni tal-proġett u l-approċċ xieraq; iddeskrivi b'mod ċar il-metodoloġija proposta filwaqt li tiżgura l-konsistenza bejn l-objettivi u l-attivitajiet tal-proġett; iddeċiedi dwar skeda għall-kompiti involuti; agħmel stima tar-riżorsi meħtieġa u żviluppa d-dettall tal-proġett eż. valutazzjoni tal-ħtiġijiet; iddefinixxi objettivi sodi u indikaturi tal-impatt (speċifiċi, li jistgħu jitkejlu, li jistgħu jintlaħqu, li huma rilevanti u marbuta biż-żmien); identifika l-eżiti tal-proġett u tal-apprendiment; l-iżvilupp ta' programm ta' ħidma, formati ta' attività, impatt mistenni, baġit kumplessiv stmat; it-tħejjija ta' pjan ta' implimentazzjoni tal-proġett u pjan ta' komunikazzjoni sod u realistiku li jinkludi aspetti strateġiċi tal-governanza tal-proġett, il-monitoraġġ, il-kontroll tal-kwalità, ir-rapportar u t-tixrid tar-riżultati; id-definizzjoni ta' arranġamenti prattiċi u l-konferma tal-grupp(i) fil-mira għall-attivitajiet previsti; l-istabbiliment ta' ftehimiet mas-sħab u l-kitba tal-proposta eċċ.;
- **Implimentazzjoni u monitoraġġ tal-attivitajiet**: it-twettiq tal-implimentazzjoni tal-proġett skont pjanijiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti għar-rapportar u l-komunikazzjoni; il-monitoraġġ tal-attivitajiet li għaddejjin u l-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-proġett skont il-pjanijiet tal-proġett; l-identifikazzjoni u t-teħid ta' azzjoni korrettiva biex jiġu indirizzati d-devjazzjonijiet mill-pjanijiet u biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet u r-riskji; l-identifikazzjoni ta' nuqqasijiet ta' konformità mal-istandards tal-kwalità stabbiliti u t-teħid ta' azzjonijiet korrettivi eċċ.;
- **Rieżami u valutazzjoni tal-impatt**: il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-proġett skont l-objettivi tal-proġett u l-pjanijiet ta' implimentazzjoni; l-evalwazzjoni tal-attivitajiet u l-impatt tagħhom fuq livelli differenti, kondiviżjoni u użu tar-riżultati tal-proġett, eċċ.

ASPETTI ORIZZONTALI LI GĦANDHOM JIĠU KKUNSIDRATI META TKUN QED TFASSAL IL-PROĠETT TIEGĦEK:

Minbarra l-konformità mal-kriterji formali u l-istabbiliment ta' arranġament ta' kooperazzjoni sostenibbli mas-sħab kollha tal-proġett, l-elementi li ġejjin jistgħu jikkontribwixxu biex jiżdiedu l-impatt u l-implimentazzjoni kwalitattiva tal-proġetti tal-Bini tal-Kapaċità matul il-fażijiet differenti tal-proġett. L-applikanti huma mħeġġa jqisu dawn l-opportunitajiet u d-dimensjonijiet meta jfasslu l-proġetti tagħhom.

Sostenibbiltà ambjentali

Il-proġetti għandhom jitfasslu b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent u għandhom jinkorporaw prattiki ekoloġiċi fl-aspetti kollha tagħhom. L-organizzazzjonijiet u l-parteċipanti għandu jkollhom approċċ li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent meta jfasslu l-proġett, li se jħeġġeġ lil dawk kollha involuti fil-proġett biex jiddiskutu u jitgħallmu dwar kwistjonijiet ambjentali, filwaqt li jirriflettu dwar x'jista' jsir f'livelli differenti u jgħin lill-organizzazzjonijiet u lill-parteċipanti sabiex joħorġu b'modi alternattivi u aktar ekoloġiċi ta' implimentazzjoni ta' attivitajiet tal-proġett.

Inklużjoni u Diversità

Il-Programm Erasmus+ ifittex li jippromwovi l-opportunitajiet indaqs u l-aċċess, l-inklużjoni u l-ġustizzja fl-azzjonijiet kollha tiegħu. Sabiex jiġu implimentati dawn il-prinċipji, tfasslet Strateġija għad-Diversità u l-Inklużjoni biex tappoġġa sensibilizzazzjoni aħjar lill-parteċipanti minn sfondi aktar diversi, b'mod partikolari dawk b'inqas opportunitajiet li jiffaċċjaw ostakli ħalli jipparteċipaw fi Proġetti Ewropej. L-organizzazzjonijiet għandhom ifasslu attivitajiet ta' proġetti aċċessibbli u inklużivi, filwaqt li jqisu l-fehmiet tal-parteċipanti b'inqas opportunitajiet u jinvolvuhom fit-teħid tad-deċiżjonijiet matul il-proċess kollu.

Dimensjoni diġitali

Il-kooperazzjoni virtwali u l-esperimentazzjoni b'opportunitajiet ta' apprendiment virtwali u mħallta huma essenzjali għal proġetti ta' suċċess. B'mod partikolari, il-proġetti huma mħeġġa bil-qawwa biex jużaw il-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ u l-Pjattaforma Ewropea għall-Istrateġija għaż-Żgħażagħ sabiex jaħdmu flimkien qabel, matul u wara l-attivitajiet tal-proġett.

Valuri komuni, involviment ċiviku u parteċipazzjoni

Il-proġetti se jappoġġaw iċ-ċittadinanza attiva u l-etika, kif ukoll irawmu l-iżvilupp ta' kompetenzi soċjali u interkulturali, il-ħsieb kritiku u l-litteriżmu medjatiku. L-enfasi se tkun ukoll fuq is-sensibilizzazzjoni u l-fehim tal-kuntest tal-Unjoni Ewropea fid-dinja.

LIEMA HUMA L-KRITERJI LI GĦANDHOM JIĠU SSODISFATI BIEX WIEĦED JAPPLIKA GĦAL PROĠETT TA' BINI TAL-KAPAĊITÀ FIL-QASAM TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ?

KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ

Sabiex ikunu eliġibbli għal għotja tal-Erasmus, il-proposti ta' proġetti għal Bini tal-Kapaċità fil-qasam taż-Żgħażagħ iridu jikkonformaw mal-kriterji li ġejjin:

Min jista' japplika?	L-applikanti (koordinatur u sħab sħaħ) jeħtiġilhom ikunu entitajiet legali: - NGOs (inklużi NGOs Ewropej taż-Żgħażagħ u Kunsilli nazzjonali taż-Żgħażagħ) li jaħdmu fil-qasam taż-Żgħażagħ; - awtoritajiet pubbliċi fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali; Għandhom ikunu stabbiliti fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm, jew organizzazzjonijiet f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm mir-Reġjuni 1 u 3 (jekk jogħġbok ara t-taqsima "Kontej Eliġibbli" fil-Parti A tal-Gwida tal-Programm). Kumpaniji pubbliċi jew privati (intrapriżi żgħar, medji jew kbar (inkluż intrapriżi soċjali) jistgħu jipparteċipaw ukoll iżda mhux bħala koordinaturi. Il-proposti jridu jiġu sottomessi minn konsorzju ta' mill-inqas erba' applikanti (koordinatur u sħab sħaħ), li jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin: li jkopri mill-inqas Stat Membru tal-UE jew pajjiż terz wieħed assoċjat mal-Programm; li jkopri mill-inqas żewġ pajjiżi terzi eliġibbli mhux assoċjati mal-Programm. L-entitajiet affiljati ma jgħoddux għall-kriterji minimi tal-eliġibbiltà għall-kompożizzjoni tal-konsorzju.
Post tal-attivitajiet	L-attivitajiet iridu jsiru fil-pajjiżi tal-organizzazzjonijiet applikanti (koordinatur u sħab sħaħ). F'każijiet iġġustifikati kif xieraq, l-attivitajiet jistgħu jsiru wkoll f'pajjiżi eliġibbli oħrajn ta' din l-azzjoni.
Durata tal-proġett	Il-proġetti normalment għandhom idumu 12-il xahar, 24 jew 36 xahar (jistgħu jsiru estensjonijiet, jekk ikunu ġġustifikati kif xieraq u permezz ta' emenda).
Fejn napplika?	Mal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA). ID tas-Sejħa: ERASMUS-YOUTH-2023-CB
Meta napplika?	L-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għal għotja sat-**8 ta' Marzu fil-17:00:00** (ħin ta' Brussell).

L-organizzazzjonijiet applikanti se jiġu vvalutati skont il-kriterji tal-esklużjoni u tal-għażla rilevanti. Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkonsulta l-Parti C ta' din il-Gwida.

IMPATT MISTENNI

Il-proġetti mogħtija għandhom juru l-impatt mistenni tagħhom billi:

- jikkontribwixxu għall-prijoritajiet "Impenn-Konnessjoni-Għoti tas-setgħa" tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ 2019-2027
- jibnu fuq l-eżiti tal-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażagħ, id-Djalogu maż-Żgħażagħ u proġetti oħrajn taż-żgħażagħ;
- itejbu l-involviment taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika, f'termini ta' ċittadinanza attiva u l-involviment ma' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet (l-għoti ta' setgħa, ħiliet ġodda, l-involviment taż-żgħażagħ fit-tfassil tal-proġetti, eċċ.), b'mod partikolari fil-pajjiżi terzi eliġibbli mhux assoċjati mal-Programm;
- itejbu l-kapaċitajiet intraprenditorjali u innovattivi taż-żgħażagħ f'pajjiżi terzi eliġibbli mhux assoċjati mal-Programm;
- itejbu l-kapaċità tas-settur taż-żgħażagħ sabiex jaħdem b'mod tranżnazzjonali bil-kura tal-inklużività, is-solidarjetà u s-sostenibbiltà;
- jippromwovu u jikkontribwixxu għall-apprendiment u l-kooperazzjoni tranżnazzjonali bejn iż-żgħażagħ u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, b'mod partikolari fil-pajjiżi terzi eliġibbli mhux assoċjati mal-Programm;
- isaħħu l-prattiki eżistenti u s-sensibilizzazzjoni lil hinn mis-sħubija, inkluż bl-użu tajjeb tal-mezzi diġitali sabiex jibqgħu konnessi fiċ-ċirkostanzi kollha anke f'sitwazzjonijiet ta' bogħod, iżolament jew konfinament;
- jorbtu r-riżultati mal-komunitajiet lokali, joħolqu opportunitajiet ta' impjieg u jrawmu ideat innovattivi li jistgħu jiġu replikati u jiżdiedu f'ambjenti oħrajn f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm;
- juru l-inklużjoni u l-aċċessibbiltà tal-gruppi fil-mira b'inqas opportunitajiet u individwi f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm;
- jiżviluppaw għodod ġodda u metodi ta' apprendiment mhux formali, speċjalment dawk li jippromwovu l-akkwist/it-titjib tal-kompetenzi, inklużi prattiki innovattivi ta' ħiliet fil-litteriżmu medjatiku, b'mod partikolari fil-pajjiżi terzi eliġibbli mhux assoċjati mal-Programm;
- ixerrdu r-riżultati tagħhom b'mod effettiv u attraenti fost iż-żgħażagħ involuti fl-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ.

KRITERJI GĦALL-GĦOTI

Rilevanza tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 30 punt)**	▪ Ir-rilevanza tal-proposta għall-objettivi tal-Azzjoni; ▪ Kemm: - l-objettivi huma ddefiniti b'mod ċar, huma realistiċi u jindirizzaw kwistjonijiet rilevanti għall-organizzazzjonijiet parteċipanti u l-gruppi fil-mira; - il-proposta tkun innovattiva u/jew komplementari għal inizjattivi oħrajn li diġà twettqu mill-organizzazzjonijiet parteċipanti; - l-attivitajiet ta' bini tal-kapaċità huma ddefiniti b'mod ċar u għandhom l-għan li jsaħħu l-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet parteċipanti; - il-proġett jinvolvi żgħażagħ b'inqas opportunitajiet.

Kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 30 punt)**	▪ Iċ-ċarezza, il-kompletezza u l-kwalità tal-programm ta' ħidma, inkluż fażijiet xierqa għat-tħejjija, għall-implimentazzjoni, għas-sorveljanza, għall-evalwazzjoni u għat-tixrid; ▪ L-adegwatezza u l-kwalità tal-metodoloġija proposta biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet identifikati; ▪ Il-konsistenza bejn l-objettivi tal-proġett u l-attivitajiet proposti; ▪ Il-kwalità u l-effettività tal-pjan ta' ħidma, inkluż sa fejn ir-riżorsi assenjati għall-pakketti ta' ħidma huma konformi mal-objettivi u r-riżultati tanġibbli tagħhom; ▪ Il-kwalità tal-metodi ta' apprendiment mhux formali proposti; ▪ Il-kwalità tal-arranġamenti għar-rikonoxximent u l-validazzjoni tal-eżiti tal-apprendiment tal-parteċipanti kif ukoll l-użu konsistenti ta' għodod ta' trasparenza u rikonoxximent Ewropej; ▪ L-eżistenza u r-rilevanza tal-miżuri ta' kontroll tal-kwalità biex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tal-proġett tkun ta' kwalità għolja, titlesta fil-ħin u tkun skont il-baġit; ▪ Kemm il-proġett huwa kosteffettiv u jalloka riżorsi xierqa għal kull attività. ▪ L-adegwatezza tal-miżuri għall-għażla u/jew l-involviment ta' parteċipanti f'attivitajiet ta' mobbiltà, jekk ikun hemm (jekk jogħġbok irreferi għal "Protezzjoni, saħħa u sikurezza tal-parteċipanti" fil-parti A ta' din il-Gwida kif ukoll għal rekwiżiti u rakkomandazzjonijiet oħrajn applikabbli għal Proġetti ta' mobbiltà tal-KA1.)
Kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni **(punteġġ massimu ta' 20 punt)**	▪ Kemm: - il-proġett jinvolvi taħlita xierqa ta' organizzazzjonijiet parteċipanti komplimentari bil-profil, l-esperjenza u l-għarfien espert meħtieġa biex iwettqu b'suċċess l-aspetti kollha tal-proġett; - id-distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet u tal-kompiti turi l-impenn u l-kontribuzzjoni attiva tal-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha. ▪ L-eżistenza ta' mekkaniżmi effettivi għall-koordinazzjoni u l-komunikazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet parteċipanti, kif ukoll ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn
Impatt **(punteġġ massimu ta' 20 punt)**	▪ Il-kwalità tal-miżuri għall-evalwazzjoni tal-eżiti tal-proġett; ▪ L-impatt potenzjali tal-proġett: - fuq il-parteċipanti u l-organizzazzjonijiet parteċipanti matul u wara l-ħajja tal-proġett; - barra l-organizzazzjonijiet u l-individwi li ħadu sehem direttament fil-proġett, fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u/jew internazzjonali. ▪ Il-kwalità tal-pjan ta' tixrid: l-adegwatezza u l-kwalità tal-miżuri mmirati lejn il-kondiviżjoni tal-eżiti tal-proġett fi ħdan l-organizzazzjonijiet parteċipanti u barra minnhom; ▪ Jekk ikun rilevanti, il-proposta tiddeskrivi kif il-materjali, id-dokumenti u l-media prodotti se jkunu disponibbli bla ħlas u kif se jiġu promossi permezz ta' liċenzji miftuħa, u ma jkunx fihom limitazzjonijiet sproporzjonati; ▪ Il-kwalità tal-pjanijiet biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-proġett: il-kapaċità tiegħu li jibqa' jkollu impatt u jipproduċi riżultati wara li tkun intużat l-għotja tal-UE.

Sabiex jiġu kkunsidrati għall-finanzjament, il-proposti jridu jiksbu tal-inqas 60 punt. Barra minn hekk, iridu jiksbu tal-inqas nofs il-punti massimi f'kull waħda mill-kategoriji tal-kriterji għall-għoti msemmija hawn fuq (jiġifieri minimu ta' 15-il punt għall-kategoriji "rilevanza tal-proġett" u "kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett"; Għaxar punti għall-kategoriji "kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni" u "impatt").

F'każ ta' *ex aequo*, il-prijorità se tingħata lil proġetti li jkollhom l-ogħla punteġġ taħt il-kriterju "rilevanza tal-proġett" u mbagħad "impatt".

Bħala regola ġenerali, u fil-limiti tal-oqfsa legali nazzjonali u Ewropej eżistenti, ir-riżultati għandhom ikunu disponibbli bħala riżorsi edukattivi miftuħa (OER) kif ukoll fuq pjattaformi rilevanti, professjonali, settorjali jew tal-awtoritajiet kompetenti. Il-proposta se tiddeskrivi kif id-*data*, il-materjali, id-dokumenti u l-attività tal-media awdjoviżiva u soċjali prodotti se jkunu disponibbli bla ħlas u kif se jiġu promossi permezz ta' liċenzji miftuħa, u ma tinkludix limitazzjonijiet sproporzjonati

X'INHUMA R-REGOLI TA' FINANZJAMENT?

Din l-azzjoni ssegwi mudell ta' finanzjament ta' somma f'daqqa. L-ammont tal-kontribuzzjoni ta' somma waħda f'daqqa se jiġi ddeterminat għal kull għotja abbażi tal-baġit stmat tal-azzjoni proposta mill-applikant. L-awtorità tal-għoti se tistabbilixxi s-somma f'daqqa ta' kull għotja bbażata fuq il-proposta, ir-riżultat tal-evalwazzjoni, ir-rati ta' finanzjament u l-ammont massimu tal-għotja stabbilit fis-sejħa.

L-għotja tal-UE għal kull proġett se tvarja minn **minimu ta' EUR 100,000 u massimu ta' EUR 300,000.**

Kif tiġi ddeterminata s-somma f'daqqa tal-proġett?

L-applikanti jeħtiġilhom jimlew tabella tal-baġit dettaljata skont il-formola tal-applikazzjoni, filwaqt li jqisu l-punti li ġejjin:

e) Il-baġit għandu jkun dettaljat kif meħtieġ mill-benefiċjarju/i u organizzat f'pakketti ta' ħidma koerenti (pereżempju maqsum f'"ġestjoni tal-proġetti", "taħriġ", "organizzazzjoni tal-avvenimenti", "preparazzjoni u implimentazzjoni tal-mobbiltà", "komunikazzjoni u tixrid", "assigurazzjoni tal-kwalità", eċċ.);

f) Il-proposta trid tiddeskrivi l-attivitajiet koperti minn kull pakkett ta' ħidma;

g) Fil-proposta tagħhom, l-applikanti jeħtiġilhom jipprovdu tqassim tal-kostijiet stmati li juru s-sehem għal kull pakkett ta' ħidma (u, fi ħdan kull pakkett ta' ħidma, is-sehem assenjat lil kull benefiċjarju u entità affiljata);

h) Il-kostijiet deskritti jistgħu jkopru l-kostijiet tal-persunal, il-kostijiet tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza, il-kostijiet tat-tagħmir u tas-subkuntrattar kif ukoll kostijiet oħrajn (bħat-tixrid tal-informazzjoni, il-pubblikazzjoni jew it-traduzzjoni).

Il-proposti se jiġu evalwati skont il-proċeduri ta' evalwazzjoni standard bl-għajnuna tal-esperti interni u/jew esterni. L-esperti se jivvalutaw il-kwalità tal-proposti, skont ir-rekwiżiti definiti fis-sejħa u l-impatt, il-kwalità u l-effiċjenza mistennija tal-azzjoni.

Wara l-evalwazzjoni tal-proposta, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni se jistabbilixxi l-ammont tas-somma f'daqqa, filwaqt li jqis is-sejbiet tal-valutazzjoni mwettqa. Il-valur tas-somma f'daqqa se jkun limitat għal massimu ta' 80 % tal-baġit stmat iddeterminat wara l-evalwazzjoni

Il-parametri tal-għotja (l-ammont massimu tal-għotja, ir-rata ta' finanzjament, il-kostijiet totali eliġibbli, eċċ.) se jiġu stabbiliti fil-Ftehim ta' Għotja.

Il-kisbiet tal-proġett se jiġu evalwati fuq l-eżiti mwettqa. L-iskema ta' finanzjament tippermetti li ssir enfasi fuq l-outputs aktar milli fuq l-inputs, u b'hekk titqiegħed enfasi fuq il-kwalità u l-livell tal-kisba tal-objettivi li jistgħu jitkejlu.

Aktar dettalji huma deskritti fil-mudell tal-Ftehim ta' Għotja disponibbli fil-Portal tal-Opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti (FTOP).

BINI TAL-KAPAĊITÀ FIL-QASAM TAL-ISPORT

Il-proġetti tal-bini tal-kapaċità huma proġetti ta' kooperazzjoni internazzjonali bbażati fuq sħubijiet multilaterali bejn organizzazzjonijiet attivi fil-qasam tal-isport fil-pajjiżi tal-Programm u fil-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm. Dawn għandhom l-għan li jappoġġaw l-attivitajiet u l-politiki tal-isport f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm bħala mezz biex jiġu promossi l-valuri kif ukoll bħala għodda edukattiva biex jiġi promoss l-iżvilupp personali u soċjali tal-individwi u ħalli jinbnew komunitajiet aktar koeżivi.

OBJETTIVI TAL-AZZJONI

L-azzjoni se jkollha l-għan li:

- issaħħaħ il-kapaċità tal-organizzazzjonijiet sportivi għad-dilettanti;
- tħeġġeġ il-prattika tal-isport u tal-attività fiżika f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm;
- tippromwovi l-inklużjoni soċjali permezz tal-isport;
- tippromwovi valuri pożittivi permezz tal-isport (bħal logħob ġust, tolleranza, spirtu ta' tim);
- trawwem il-kooperazzjoni bejn reġjuni differenti tad-dinja permezz ta' inizjattivi konġunti.

OQSMA TEMATIĊI/OBJETTIVI SPEĊIFIĊI

Il-proposti għandhom jiffokaw fuq ċerti oqsma tematiċi definiti fl-istadju tal-programmazzjoni. Eżempji ta' oqsma partikolarment rilevanti huma:

- il-promozzjoni ta' valuri komuni, in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri permezz tal-isport;
- l-iżvilupp tal-ħiliet (permezz tal-isport) meħtieġ biex jittejjeb l-involviment soċjali ta' gruppi żvantaġġati (eż. l-indipendenza, it-tmexxija eċċ.).
- l-integrazzjoni tal-migranti;
- ir-rikonċiljazzjoni ta' wara l-kunflitt;

ATTIVITAJIET

L-attivitajiet proposti jridu jkunu marbuta direttament mal-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-azzjoni, jiġifieri jridu jikkorrispondu ma' qasam tematiku wieħed jew aktar elenkati hawn fuq u jridu jkunu dettaljati f'deskrizzjoni tal-proġett li tkopri l-perjodu kollu ta' implimentazzjoni. Fl-aħħar nett, fil-kuntest ta' din l-azzjoni internazzjonali dinjija, l-attivitajiet tal-proġett iridu jiffokaw fuq il-bini u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet sportivi u <u>prinċipalment fil-pajjiżi mhux assoċjati mal-Programm mir-Reġjun 1, koperti mill-azzjoni</u>.

Il-proġetti ffinanzjati se jkunu jistgħu jintegraw **firxa wiesgħa ta' kooperazzjoni, skambju, komunikazzjoni u attivitajiet oħrajn** li jinkludu pereżempju:

- Il-ħolqien u l-iżvilupp ta' networks bejn organizzazzjonijiet/pajjiżi/reġjuni;
- L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-iskambju tal-aħjar prattiki/ideat;
- L-implimentazzjoni ta' attivitajiet sportivi komuni u avvenimenti sekondarji edukattivi;
- It-tnedija, l-ittestjar, il-kondiviżjoni u l-implimentazzjoni ta' forom ġodda ta' metodi, għodod, prattiki u materjali ta' apprendiment mhux formali permezz ta' taħriġ prattiku u mobbiltà tal-persunal tal-isport;
- Is-sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni ta' gruppi żvantaġġati fl-isport;
- L-appoġġ għall-bini ta' soċjetà ċivili involuta u attiva.

STABBILIMENT TA' PROĠETT

Proġett ta' Bini tal-Kapaċità fil-qasam tal-isport jikkonsisti f'erba' stadji, li jibdew saħansitra qabel ma tintgħażel il-proposta tal-proġett għall-finanzjament[299] eż. 1) Identifikazzjoni u bidu tal-proġett; 2) It-tħejjija, it-tfassil u l-ippjanar tal-proġett; 3) L-implimentazzjoni tal-proġett u l-monitoraġġ tal-attivitajiet; u 4) Ir-rieżami tal-proġett u l-valutazzjoni tal-impatt.

L-organizzazzjonijiet parteċipanti u l-parteċipanti involuti fl-attivitajiet għandhom jieħdu rwol attiv f'dawk l-istadji kollha u b'hekk isaħħu l-esperjenza tal-apprendiment tagħhom.

- **Identifikazzjoni u bidu**; identifika problema, ħtieġa jew opportunità li tista' tindirizza bl-idea tal-proġett tiegħek fil-kuntest tas-sejħa; identifika l-attivitajiet ewlenin u l-eżiti prinċipali li jistgħu jkunu mistennija mill-proġett; immappja l-partijiet ikkonċernati rilevanti u s-sħab potenzjali; ifformula l-objettiv(i) tal-proġett; żgura l-allinjament tal-proġett mal-objettivi strateġiċi tal-organizzazzjonijiet parteċipanti; wettaq xi ppjanar inizjali biex il-proġett jingħata bidu tajjeb, u iġbor flimkien l-informazzjoni meħtieġa biex titkompla l-fażi li jmiss eċċ.;
- **Tħejjija, tfassil u ppjanar**; speċifika l-kamp ta' applikazzjoni tal-proġett u l-approċċ xieraq; iddeskrivi b'mod ċar il-metodoloġija proposta filwaqt li tiżgura l-konsistenza bejn l-objettivi u l-attivitajiet tal-proġett; iddeċiedi dwar skeda għall-kompiti involuti; agħmel stima tar-riżorsi meħtieġa u żviluppa d-dettall tal-proġett eż. valutazzjoni tal-ħtiġijiet; iddefinixxi objettivi sodi u indikaturi tal-impatt (speċifiċi, li jistgħu jitkejlu, li jistgħu jintlaħqu, li huma rilevanti u marbuta biż-żmien); identifika l-eżiti tal-proġett u tal-apprendiment; l-iżvilupp ta' programm ta' ħidma, formati ta' attività, impatt mistenni, baġit kumplessiv stmat; it-tħejjija ta' pjan ta' implimentazzjoni tal-proġett u pjan ta' komunikazzjoni sod u realistiku li jinkludi aspetti strateġiċi tal-governanza tal-proġett, il-monitoraġġ, il-kontroll tal-kwalità, ir-rapportar u t-tixrid tar-riżultati; id-definizzjoni ta' arranġamenti prattiċi u l-konferma tal-grupp(i) fil-mira għall-attivitajiet previsti; l-istabbiliment ta' ftehimiet mas-sħab u l-kitba tal-proposta eċċ.;
- **Implimentazzjoni u monitoraġġ tal-attivitajiet**: it-twettiq tal-implimentazzjoni tal-proġett skont pjanijiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti għar-rapportar u l-komunikazzjoni; il-monitoraġġ tal-attivitajiet li għaddejjin u l-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-proġett skont il-pjanijiet tal-proġett; l-identifikazzjoni u t-teħid ta' azzjoni korrettiva biex jiġu indirizzati d-devjazzjonijiet mill-pjanijiet u biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet u r-riskji; l-identifikazzjoni ta' nuqqasijiet ta' konformità mal-istandards tal-kwalità stabbiliti u t-teħid ta' azzjonijiet korrettivi eċċ.;
- **Rieżami u valutazzjoni tal-impatt**: il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-proġett skont l-objettivi tal-proġett u l-pjanijiet ta' implimentazzjoni; l-evalwazzjoni tal-attivitajiet u l-impatt tagħhom fuq livelli differenti, kondiviżjoni u użu tar-riżultati tal-proġett, eċċ.

ASPETTI ORIZZONTALI LI GĦANDHOM JIĠU KKUNSIDRATI META TKUN QED TFASSAL IL-PROĠETT TIEGĦEK:

Minbarra l-konformità mal-kriterji formali u l-istabbiliment ta' arranġament ta' kooperazzjoni sostenibbli mas-sħab kollha tal-proġett, l-elementi li ġejjin jistgħu jikkontribwixxu biex jiżdiedu l-impatt u l-implimentazzjoni kwalitattiva tal-proġetti tal-Bini tal-Kapaċità matul il-fażijiet differenti tal-proġett. L-applikanti huma mħeġġa jqisu dawn l-opportunitajiet u d-dimensjonijiet meta jfasslu l-proġetti tagħhom.

Inklużjoni u Diversità

299 Jekk jogħġbok innota li filwaqt li l-attivitajiet preparatorji jistgħu jibdew qabel ma l-proposta tiġi sottomessa jew magħżula għall-finanzjament, il-kostijiet jistgħu jiġġarrbu u l-attivitajiet jiġu implimentati biss wara l-iffirmar tal-ftehim ta' għotja.

Il-Programm Erasmus+ ifittex li jippromwovi l-opportunitajiet indaqs u l-aċċess, l-inklużjoni u l-ġustizzja fl-azzjonijiet kollha tiegħu. Sabiex jiġu implimentati dawn il-prinċipji, tfasslet Strateġija għad-Diversità u l-Inklużjoni biex tappoġġa sensibilizzazzjoni aħjar lill-parteċipanti minn sfondi aktar diversi, b'mod partikolari dawk b'inqas opportunitajiet li jiffaċċjaw ostakli ħalli jipparteċipaw fi Proġetti Ewropej. L-organizzazzjonijiet għandhom ifasslu attivitajiet ta' proġetti aċċessibbli u inklużivi, filwaqt li jqisu l-fehmiet tal-parteċipanti b'inqas opportunitajiet u jinvolvuhom fit-teħid tad-deċiżjonijiet matul il-proċess kollu.

Sostenibbiltà ambjentali

Il-proġetti għandhom jitfasslu b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent u għandhom jinkorporaw prattiki ekoloġiċi fl-aspetti kollha tagħhom. L-organizzazzjonijiet u l-parteċipanti għandu jkollhom approċċ li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent meta jfasslu l-proġett, li se jħeġġeġ lil dawk kollha involuti fil-proġett biex jiddiskutu u jitgħallmu dwar kwistjonijiet ambjentali, filwaqt li jirriflettu dwar x'jista' jsir f'livelli differenti u jgħin lill-organizzazzjonijiet u lill-parteċipanti sabiex joħorġu b'modi alternattivi u aktar ekoloġiċi ta' implimentazzjoni ta' attivitajiet tal-proġett.

Dimensjoni diġitali

Il-kooperazzjoni virtwali u l-esperimentazzjoni b'opportunitajiet ta' apprendiment virtwali u mħallta huma essenzjali għal proġetti ta' suċċess.

Valuri komuni, involviment ċiviku u parteċipazzjoni

Il-proġetti se jappoġġaw iċ-ċittadinanza attiva u l-etika, kif ukoll irawmu l-iżvilupp ta' kompetenzi soċjali u interkulturali, il-ħsieb kritiku u l-litteriżmu medjatiku. L-enfasi se tkun ukoll fuq is-sensibilizzazzjoni u l-fehim tal-kuntest tal-Unjoni Ewropea fid-dinja.

LIEMA HUMA L-KRITERJI LI GĦANDHOM JIĠU SSODISFATI BIEX WIEĦED JAPPLIKA GĦAL PROĠETT TA' BINI TAL-KAPAĊITÀ FIL-QASAM TAL-ISPORT?

KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ

Sabiex ikunu eliġibbli għal għotja tal-Erasmus, il-proposti ta' proġetti għal Bini tal-Kapaċità fil-qasam tal-Isport iridu jikkonformaw mal-kriterji li ġejjin:

Min jista' japplika?	L-applikanti (koordinaturi u sħab sħaħ) jeħtiġilhom: - ikunu entitajiet legali (korpi pubbliċi jew privati) attivi fil-qasam tal-isport - ikunu stabbiliti fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm jew f'pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm mir-Reġjun 1. Il-koordinatur tal-konsorzju jeħtieġlu jkun organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ. Organizzazzjonijiet bħal dawn jistgħu, pereżempju, ikunu: • korp pubbliku li jieħu ħsieb l-isport fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali; • organizzazzjoni sportiva fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali, Ewropew jew internazzjonali; • Kumitat Olimpiku Nazzjonali jew konfederazzjoni Nazzjonali tal-Isport; • organizzazzjoni li tirrappreżenta l-moviment "sport għal kulħadd"; • organizzazzjoni attiva fil-qasam tal-promozzjoni tal-attività fiżika; • organizzazzjoni li tirrappreżenta s-settur tad-divertiment attiv;

Kompożizzjoni tal-konsorzju	Il-proġetti ta' bini tal-kapaċità huma tranżnazzjonali u jinvolvu mill-inqas **erba' organizzazzjonijiet minn minimu ta' tliet pajjiżi**: Mill-inqas **organizzazzjoni waħda minn żewġ Stati Membri differenti tal-UE u pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm** u mill-inqas **żewġ organizzazzjonijiet minn tal-inqas pajjiż terz eliġibbli wieħed mhux assoċjat mal-Programm mir-Reġjun 1.** In-numru ta' organizzazzjonijiet mill-Istati Membri tal-UE u minn pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm ma jistax ikun ogħla min-numru ta' organizzazzjonijiet minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm.
Post tal-attivitajiet	L-attività trid issir fil-pajjiżi tal-organizzazzjonijiet li jipparteċipaw fl-attività ħlief f'każijiet iġġustifikati kif xieraq relatati mal-objettivi tal-azzjoni. Barra minn hekk,: • L-attivitajiet jistgħu jsiru wkoll fis-sede ta' Istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea, anke jekk fil-proġett ma jkunx hemm organizzazzjonijiet parteċipanti mill-pajjiż li jospita l-Istituzzjoni. • L-attivitajiet li jinvolvu l-kondiviżjoni u l-promozzjoni tar-riżultati jistgħu jsiru wkoll f'avvenimenti/konferenzi tranżnazzjonali tematiċi rilevanti fl-Istati Membri tal-UE jew fil-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm jew fil-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm.
Durata tal-proġett	Normalment, il-Proġetti tal-bini tal-kapaċità għandhom idumu sena, sentejn jew tliet snin. Id-durata trid tintgħażel fl-istadju tal-applikazzjoni, abbażi tal-objettiv tal-proġett u tat-tip ta' attivitajiet previsti tul iż-żmien.
Fejn napplika?	Mal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA). ID tas-Sejħa: ERASMUS-SPORT-2023-CB
Meta napplika?	L-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għal għotja sat-**22 ta' Marzu fil-17:00:00 (ħin ta' Brussell).**

L-organizzazzjonijiet applikanti se jiġu vvalutati skont il-kriterji tal-esklużjoni u tal-għażla rilevanti. Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkonsulta l-Parti C ta' din il-Gwida.

IMPATT MISTENNI

Il-proġetti mogħtija għandhom juru l-impatt mistenni tagħhom billi:

- iżidu l-parteċipazzjoni u l-kapaċità tal-organizzazzjonijiet sportivi għad-dilettanti;
- iżidu l-parteċipazzjoni tan-nisa f'attivitajiet sportivi u fiżiċi;
- itejbu l-involviment soċjali ta' gruppi żvantaġġati;
- itejbu l-kapaċità tas-settur tal-isport biex jaħdem b'mod tranżnazzjonali bil-kura tal-inklużività, is-solidarjetà u s-sostenibbiltà;
- jippromwovu u jikkontribwixxu għall-apprendiment u l-kooperazzjoni tranżnazzjonali bejn iż-żgħażagħ sportivi u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, b'mod partikolari fil-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm;
- ixerrdu r-riżultati tagħhom b'mod effettiv u attraenti fost iż-żgħażagħ sportivi involuti fl-organizzazzjonijiet tal-isport.

KRITERJI GĦALL-GĦOTI

Rilevanza tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 30 punt)**	▪ Ir-rilevanza tal-proposta għall-objettivi tal-Azzjoni; ▪ Kemm: - l-objettivi huma ddefiniti b'mod ċar, huma realistiċi u jindirizzaw kwistjonijiet rilevanti għall-organizzazzjonijiet parteċipanti u l-gruppi fil-mira; - il-proposta tkun innovattiva u/jew komplementari għal inizjattivi oħrajn li diġà twettqu mill-organizzazzjonijiet parteċipanti; - l-attivitajiet ta' bini tal-kapaċità huma ddefiniti b'mod ċar u għandhom l-għan li jsaħħu l-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet parteċipanti;
Kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 20 punt)**	▪ Iċ-ċarezza, il-kompletezza u l-kwalità tal-programm ta' ħidma, inkluż fażijiet xierqa għat-tħejjija, għall-implimentazzjoni, għas-sorveljanza, għall-evalwazzjoni u għat-tixrid; ▪ L-adegwatezza u l-kwalità tal-metodoloġija proposta biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet identifikati; ▪ Il-konsistenza bejn l-objettivi tal-proġett u l-attivitajiet proposti; ▪ Il-kwalità u l-effettività tal-pjan ta' ħidma, inkluż sa fejn ir-riżorsi assenjati għall-pakketti ta' ħidma huma konformi mal-objettivi u r-riżultati tanġibbli tagħhom; ▪ Il-kwalità tal-metodi ta' apprendiment mhux formali proposti; jekk ikun hemm; ▪ L-eżistenza u r-rilevanza tal-miżuri ta' kontroll tal-kwalità biex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tal-proġett tkun ta' kwalità għolja, titlesta fil-ħin u tkun skont il-baġit; ▪ Kemm il-proġett huwa kosteffettiv u jalloka riżorsi xierqa għal kull attività. ▪
Kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni **(punteġġ massimu ta' 20 punt)**	▪ Kemm: - il-proġett jinvolvi taħlita xierqa ta' organizzazzjonijiet parteċipanti komplimentari bil-profil, l-esperjenza u l-għarfien espert meħtieġa biex iwettqu b'suċċess l-aspetti kollha tal-proġett; - id-distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet u tal-kompiti turi l-impenn u l-kontribuzzjoni attiva tal-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha. ▪ L-eżistenza ta' mekkaniżmi effettivi għall-koordinazzjoni u l-komunikazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet parteċipanti, kif ukoll ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn
Impatt **(punteġġ massimu ta' 30 punt)**	▪ Il-kwalità tal-miżuri għall-evalwazzjoni tal-eżiti tal-proġett; ▪ L-impatt potenzjali tal-proġett: - fuq il-parteċipanti u l-organizzazzjonijiet parteċipanti matul u wara l-ħajja tal-proġett; - barra l-organizzazzjonijiet u l-individwi li ħadu sehem direttament fil-proġett, fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u/jew internazzjonali. ▪ Il-kwalità tal-pjan ta' tixrid: l-adegwatezza u l-kwalità tal-miżuri mmirati lejn il-kondiviżjoni tal-eżiti tal-proġett fi ħdan l-organizzazzjonijiet parteċipanti u barra minnhom; ▪ Jekk ikun rilevanti, il-proposta tiddeskrivi kif il-materjali, id-dokumenti u l-media prodotti se jkunu disponibbli bla ħlas u kif se jiġu promossi permezz ta' liċenzji miftuħa, u ma jkunx fihom limitazzjonijiet sproporzjonati; ▪ Il-kwalità tal-pjanijiet biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-proġett: il-kapaċità tiegħu li jibqa' jkollu impatt u jipproduċi riżultati wara li tkun intużat l-għotja tal-UE.

Sabiex jiġu kkunsidrati għall-finanzjament, il-proposti jridu jiksbu tal-inqas 60 punt. Barra minn hekk, iridu jiksbu tal-inqas nofs il-punti massimi tal-punteġġ f'kull waħda mill-kategoriji tal-kriterji għall-għoti msemmija hawn fuq (jiġifieri tal-inqas 15-il punt għall-kategoriji "rilevanza tal-proġett" u "impatt"; Għaxar punti għall-kategoriji "kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni" u "kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett").

F'każ ta' *ex aequo*, il-prijorità se tingħata lil proġetti li jkollhom l-ogħla punteġġ taħt il-kriterju "rilevanza tal-proġett" u mbagħad "impatt".

Bħala regola ġenerali, u fil-limiti tal-oqfsa legali nazzjonali u Ewropej eżistenti, ir-riżultati għandhom ikunu disponibbli bħala riżorsi edukattivi miftuħa (OER) kif ukoll fuq pjattaformi rilevanti, professjonali, settorjali jew tal-awtoritajiet kompetenti. Il-proposta se tiddeskrivi kif id-*data*, il-materjali, id-dokumenti u l-attività tal-media awdjoviżiva u soċjali prodotti se jkunu disponibbli bla ħlas u kif se jiġu promossi permezz ta' liċenzji miftuħa, u ma tinkludix limitazzjonijiet sproporzjonati

X'INHUMA R-REGOLI TA' FINANZJAMENT?

Din l-azzjoni ssegwi mudell ta' finanzjament ta' somma f'daqqa. L-ammont tal-kontribuzzjoni ta' somma waħda f'daqqa se jiġi ddeterminat għal kull għotja abbażi tal-baġit stmat tal-azzjoni proposta mill-applikant. L-awtorità tal-għoti se tistabbilixxi s-somma f'daqqa ta' kull għotja bbażata fuq il-proposta, ir-riżultat tal-evalwazzjoni, ir-rati ta' finanzjament u l-ammont massimu tal-għotja stabbilit fis-sejħa.

L-għotja tal-UE għal kull proġett għandha tvarja bejn **EUR 100,000 u EUR 200,000.**

Kif tiġi ddeterminata s-somma f'daqqa tal-proġett?

L-applikanti jeħtiġilhom jimlew tabella tal-baġit dettaljata skont il-formola tal-applikazzjoni, filwaqt li jqisu l-punti li ġejjin:

i) Il-baġit għandu jkun dettaljat kif meħtieġ mill-benefiċjarju/i u organizzat f'pakketti ta' ħidma koerenti (pereżempju maqsum f'"ġestjoni tal-proġetti", "taħriġ", "organizzazzjoni tal-avvenimenti", "preparazzjoni u implimentazzjoni tal-mobbiltà", "komunikazzjoni u tixrid", "assigurazzjoni tal-kwalità", eċċ.);

j) Il-proposta trid tiddeskrivi l-attivitajiet koperti minn kull pakkett ta' ħidma;

k) Fil-proposta tagħhom, l-applikanti jeħtiġilhom jipprovdu tqassim tal-kostijiet stmati li juru s-sehem għal kull pakkett ta' ħidma (u, fi ħdan kull pakkett ta' ħidma, is-sehem assenjat lil kull benefiċjarju u entità affiljata);

l) Il-kostijiet deskritti jistgħu jkopru l-kostijiet tal-persunal, il-kostijiet tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza, il-kostijiet tat-tagħmir u tas-subkuntrattar kif ukoll kostijiet oħrajn (bħat-tixrid tal-informazzjoni, il-pubblikazzjoni jew it-traduzzjoni).

Il-proposti se jiġu evalwati skont il-proċeduri ta' evalwazzjoni standard bl-għajnuna tal-esperti interni u/jew esterni. L-esperti se jivvalutaw il-kwalità tal-proposti, skont ir-rekwiżiti definiti fis-sejħa u l-impatt, il-kwalità u l-effiċjenza mistennija tal-azzjoni.

Wara l-evalwazzjoni tal-proposta, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni se jistabbilixxi l-ammont tas-somma f'daqqa, filwaqt li jqis is-sejbiet tal-valutazzjoni mwettqa. Il-valur tas-somma f'daqqa se jkun limitat għal massimu ta' 80 % tal-baġit stmat iddeterminat wara l-evalwazzjoni

Il-parametri tal-għotja (l-ammont massimu tal-għotja, ir-rata ta' finanzjament, il-kostijiet totali eliġibbli, eċċ.) se jiġu stabbiliti fil-Ftehim ta' Għotja.

Il-kisbiet tal-proġett se jiġu evalwati fuq l-eżiti mwettqa. L-iskema ta' finanzjament tippermetti li ssir enfasi fuq l-outputs aktar milli fuq l-inputs, u b'hekk titqiegħed enfasi fuq il-kwalità u l-livell tal-kisba tal-objettivi li jistgħu jitkejlu.

Aktar dettalji huma deskritti fil-mudell tal-Ftehim ta' Għotja disponibbli fil-Portal tal-Opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti (FTOP).

AVVENIMENTI SPORTIVI EWROPEJ MINGĦAJR SKOP TA' QLIGĦ

OBJETTIVI TAL-AZZJONI

Din l-Azzjoni għandha l-għan li tappoġġa l-organizzazzjoni ta' avvenimenti sportivi b'dimensjoni Ewropea fl-oqsma li ġejjin:

- Il-volontarjat fl-isport;
- L-inklużjoni soċjali permezz tal-isport;
- Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fl-isport, inkluża l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;
- **Inkoraġġiment ta' stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa għal kulħadd:** il-proġetti taħt din il-prijorità se jiffokaw prinċipalment fuq: a) l-implimentazzjoni tat-tliet pilastri tal-inizjattiva HealthyLifestle4All, b) l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-attività fiżika favur is-saħħa u l-Linji Gwida tal-UE dwar l-Attività Fiżika c) l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Ġimgħa Ewropea tal-Isport d) il-promozzjoni tal-isport u tal-attività fiżika bħala għodda għas-saħħa e) il-promozzjoni tal-attivitajiet kollha li jħeġġu l-prattika tal-isport u tal-attività fiżika f) il-promozzjoni tal-isport u tal-logħob tradizzjonali.

Il-proġett għandu jiffoka fuq wieħed minn dawn l-objettivi. Jista' jiffoka wkoll fuq l-objettivi li jifdal iżda l-objettiv ewlieni jrid ikun identifikabbli b'mod ċar u prevalenti fil-proposta.

Dan jipprovdi appoġġ finanzjarju għall-organizzazzjoni ta' avveniment sportiv wieħed madwar l-Ewropa kollha fi Stat Membru wieħed tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm jew għall-organizzazzjoni ta' avvenimenti lokali Ewropej f'diversi Stati Membri tal-UE u f'pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm.

LIEMA HUMA L-KRITERJI LI GĦANDHOM JIĠU SSODISFATI BIEX WIEĦED JAPPLIKA GĦAL AVVENIMENTI SPORTIVI EWROPEJ MINGĦAJR SKOP TA' QLIGĦ?

KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ

Sabiex ikunu eliġibbli għal għotja tal-UE+, il-proposti ta' proġetti għal Avvenimenti Sportivi Ewropej Mingħajr Skop ta' Qligħ iridu jikkonformaw mal-kriterji li ġejjin:

Min jista' japplika?	Kwalunkwe organizzazzjoni pubblika jew privata, bl-entitajiet affiljati tagħha (jekk ikun hemm), attiva fil-qasam tal-isport, stabbilita fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm. Pereżempju, tali organizzazzjoni tista' tkun (lista mhux eżawrjenti): • korp pubbliku li jieħu ħsieb l-isport fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali; • organizzazzjoni sportiva fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali, Ewropew jew internazzjonali; • Kumitat Olimpiku Nazzjonali jew konfederazzjoni Nazzjonali tal-Isport; • organizzazzjoni li tirrappreżenta l-moviment "sport għal kulħadd"; • organizzazzjoni attiva fil-qasam tal-promozzjoni tal-attività fiżika; • organizzazzjoni li tirrappreżenta s-settur tad-divertiment attiv; • organizzazzjoni attiva fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ jew iż-żgħażagħ.

Kompożizzjoni tal-konsorzju	Avveniment Sportiv Ewropew Mingħajr Skop ta' Qligħ huwa tranżnazzjonali u jinvolvi: **Għall-avveniment lokali Ewropew (Tip I)**: jinvolvi bejn tlieta u ħames organizzazzjonijiet. Kull organizzazzjoni trid tiġi minn Stati Membri tal-UE differenti u minn pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm. **Għall-avveniment lokali Ewropew (Tip II)**: minimu ta' sitt organizzazzjonijiet li jkunu ġejjin minn sitt Stati Membri differenti tal-UE u minn pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm **Għall-avveniment madwar l-Ewropa kollha:** minimu ta' 10 organizzazzjonijiet (applikant wieħed + disa' organizzazzjonijiet parteċipanti ppreżentati bħala sħab assoċjati) li jkunu ġejjin minn 10 Stati Membri tal-UE differenti u minn pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm.
Attivitajiet eliġibbli	**Għall-avvenimenti lokali Ewropej (Tip I u II)**, l-attivitajiet iridu jsiru f'kull Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm involut fl-Avveniment Sportiv Ewropew Mingħajr Skop ta' Qligħ. **Għall-avveniment madwar l-Ewropa** kollha, l-attivitajiet iridu jsiru fl-Istat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm tal-organizzazzjoni applikanti involuta fl-Avveniment Sportiv Ewropew Mingħajr Skop ta' Qligħ.
Durata tal-proġett	Id-durata trid tintgħażel fl-istadju tal-applikazzjoni (normalment il-proġetti għandhom idumu 12 jew 18-il xahar), abbażi tal-objettiv tal-proġett u tat-tip ta' attivitajiet previsti maż-żmien. Jistgħu jsiru estensjonijiet, jekk ikunu ġġustifikati kif xieraq u permezz ta' emenda.
Fejn napplika?	Mal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA). ID tas-Sejħa: ERASMUS-SPORT-2023-SNCESE.
Meta napplika?	L-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għal għotja sat-**22 ta' Marzu fil-17:00:00** (ħin ta' Brussell).

L-organizzazzjonijiet applikanti se jiġu vvalutati skont il-kriterji tal-esklużjoni u tal-għażla rilevanti. Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkonsulta l-Parti C ta' din il-Gwida.

STABBILIMENT TA' PROĠETT

L-għotja tal-UE se tingħata lill-organizzazzjonijiet inkarigati mit-tħejjija, l-organizzazzjoni u s-segwitu tal-avvenimenti sportivi.

L-attivitajiet standard li ġejjin huma appoġġati (lista mhux eżawrjenti):

- it-tħejjija u l-organizzazzjoni tal-avveniment;
- l-organizzazzjoni ta' attivitajiet edukattivi għal atleti, kowċis, organizzaturi u voluntiera fit-tħejjija għall-avveniment;
- l-organizzazzjoni ta' avvenimenti sekondarji għall-avveniment sportiv (konferenzi, seminars);
- it-taħriġ tal-voluntiera;
- l-implimentazzjoni ta' attivitajiet istituzzjonali (evalwazzjonijiet, abbozzar ta' pjanijiet futuri);
- attivitajiet ta' komunikazzjoni relatati mas-suġġett tal-avveniment.

L-avvenimenti sportivi li ġejjin ma humiex appoġġati fil-qafas ta' din l-azzjoni:

- Kompetizzjonijiet sportivi organizzati minn federazzjonijiet/assoċjazzjonijiet/kampjonati sportivi nazzjonali, Ewropej jew internazzjonali fuq bażi regolari (Kampjonati Nazzjonali, Ewropej jew Dinjija) sakemm l-appoġġ finanzjarju ma jintalabx għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet sekondarji mmirati lejn popolazzjoni kbira.

IMPATT MISTENNI

L-impatt mistenni ta' din l-azzjoni huwa:

- żieda fl-għarfien fir-rigward tar-rwol tal-isport fil-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, l-opportunitajiet indaqs u l-attività fiżika favur is-saħħa (HEPA);
- żieda fil-parteċipazzjoni fl-isport, l-attività fiżika u l-attività volontarja.

KRITERJI GĦALL-GĦOTI

Rilevanza tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 30 punt)**	Kemm: • il-proposta hija rilevanti għall-objettivi u l-prijoritajiet tal-Azzjoni; • il-proposta hija bbażata fuq analiżi ġenwina u xierqa tal-bżonnijiet; • il-proposta hija innovattiva; • il-proposta hija komplementari għal inizjattivi oħrajn li diġà twettqu mill-organizzazzjonijiet parteċipanti; • il-proposta ġġib valur miżjud fil-livell tal-UE permezz ta' riżultati li ma kinux jinkisbu minn attivitajiet imwettqa minn pajjiż wieħed
Kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 20 punt)**	Kemm: • il-pjan ta' ħidma tal-proġett huwa ċar, komplet u effettiv, inklużi l-fażijiet xierqa għat-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-kondiviżjoni tar-riżultati tal-proġett; • il-proġett huwa kosteffettiv u jalloka riżorsi xierqa għal kull attività; • il-metodoloġija proposta hija ċara, adegwata u fattibbli; • il-proġett jipproponi miżuri ta' kontroll tal-kwalità rilevanti biex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tal-proġett hija ta' kwalità għolja, titlesta fil-ħin u tkun skont il-baġit; • il-proġett jinkorpora l-użu ta' għodod u metodi ta' apprendiment diġitali biex jikkomplementaw l-attivitajiet ta' mobbiltà fiżika tagħhom, u ħalli jtejbu l-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet sħab.
Kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni **(punteġġ massimu ta' 20 punt)**	Kemm: • il-proġett jinvolvi taħlita xierqa ta' organizzazzjonijiet parteċipanti f'termini ta' profil u għarfien espert sabiex l-objettivi kollha tal-proġett jitlestew b'suċċess; • l-allokazzjoni proposta tal-kompiti turi l-impenn u l-kontribuzzjoni attiva tal-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha; • il-proposta tinkludi mekkaniżmi effettivi għall-koordinazzjoni u l-komunikazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet parteċipanti, kif ukoll ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn • jekk ikun applikabbli, kemm l-involviment ta' organizzazzjoni parteċipanti minn pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm iġib valur miżjud għall-proġett.

Impatt **(punteġġ massimu ta' 30 punt)**	Kemm: • il-proposta tal-proġett tinkludi passi konkreti u loġiċi biex jiġu integrati r-riżultati tal-proġett fil-ħidma regolari tal-organizzazzjoni parteċipanti; • il-proġett għandu l-potenzjal li jkollu impatt pożittiv fuq il-parteċipanti u l-organizzazzjonijiet parteċipanti tiegħu, kif ukoll fuq il-komunità usa'; • ir-riżultati mistennija tal-proġett għandhom il-potenzjal li jintużaw barra l-organizzazzjonijiet li jipparteċipaw fil-proġett matul u wara l-ħajja tal-proġett, u fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali jew Ewropew; • il-proposta tal-proġett tinkludi pjanijiet u metodi xierqa sabiex jiġu evalwati l-eżiti tal-proġett; • il-proposta tal-proġett tinkludi passi konkreti u effettivi biex ir-riżultati tal-proġett isiru magħrufa fi ħdan l-organizzazzjonijiet parteċipanti, biex ir-riżultati jiġu kondiviżi ma' organizzazzjonijiet oħrajn u mal-pubbliku, u biex jiġi rikonoxxut pubblikament il-finanzjament tal-Unjoni Ewropea; • il-proposta tal-proġett tinkludi passi konkreti u effettivi biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-proġett, il-kapaċità tiegħu li jkompli jkollu impatt u jipproduċi riżultati wara li tkun intużat għalkollox l-għotja tal-UE.

Sabiex jiġu kkunsidrati għall-finanzjament, il-proposti jridu jiksbu **tal-inqas 60 punt**, filwaqt li jitqies il-limitu minimu meħtieġ għal kull wieħed mill-erba' kriterji għall-għoti: minimu ta' 15-il punt għall-kategoriji "rilevanza tal-proġett" u "impatt", u 10 punti għall-kategoriji "kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett" u "kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' koperazzjoni"). F'każijiet *ex aequo*, se tingħata prijorità lill-ogħla punteġġi għar-"rilevanza tal-proġett" u mbagħad għall-"impatt".

X'INHUMA R-REGOLI TA' FINANZJAMENT?

Il-kontribuzzjonijiet għal Avvenimenti Sportivi Ewropej Mingħajr Skop ta' Qligħ jieħdu l-forma ta' somom f'daqqa. L-ammont tas-somma f'daqqa fissa jiddependi fuq in-numru ta' avvenimenti u n-numru ta' organizzazzjonijiet involuti fil-proġett.

L-applikanti se jagħżlu bejn it-tliet ammonti definiti minn qabel skont in-numru ta' avvenimenti u n-numru ta' organizzazzjonijiet involuti fil-proġett.

Kategorija ta' Avvenimenti sportivi		**Somma f'daqqa fissa**
Avvenimenti lokali Ewropej: Mill-inqas avveniment wieħed għal kull pajjiż.	**Tip I**: minn minimu ta' tliet organizzazzjonijiet li jkunu ġejjin minn tliet Stati Membri differenti tal-UE u minn pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm sa massimu ta' ħames organizzazzjonijiet li jkunu ġejjin minn ħames Stati Membri differenti tal-UE u minn pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm.	EUR 200,000

	Tip II: minimu ta' sitt organizzazzjonijiet li jkunu ġejjin minn sitt Stati Membri differenti tal-UE u minn pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm	EUR 300,000
Avvenimenti madwar l-Ewropa kollha: avveniment wieħed b'tal-inqas 10 organizzazzjonijiet parteċipanti minn tal-inqas 10 Stati Membri tal-UE u pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm (inkluża l-organizzazzjoni applikanti)		EUR 450,000

a) Għall-avveniment lokali Ewropew (Tip I): **EUR 200,000**

Il-proposti jikkonċernaw proġetti multibenefiċjarji li fihom l-ispejjeż kollha jridu jiġu koperti mill-Applikant u mill-Organizzazzjonijiet sħab. L-organizzazzjonijiet parteċipanti identifikati (minn tlieta sa ħamsa) jitqiesu bħala kobenefiċjarji u l-avvenimenti u l-attivitajiet sekondarji organizzati se jseħħu f'kull Stat Membru tal-UE jew pajjiż terz assoċjat mal-Programm involut.

Il-proposti għandhom jinkludu taqsima speċifika bid-**distribuzzjoni tal-kompiti u tal-għotja tal-UE fost is-sħab**. L-iskeda taż-żmien għall-implimentazzjoni ta' kull attività tal-proġett u l-iskadenza għall-produzzjoni tar-riżultati tanġibbli tal-proġett għandhom jiġu indikati wkoll.

L-applikanti jeħtiġilhom jaqsmu l-attivitajiet tal-proġett f'"**pakketti ta' ħidma**". Kull pakkett ta' ħidma għandu jkun marbut ma' objettivi speċifiċi, u l-applikanti jeħtiġilhom jidentifikaw sett ta' indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi li jippermettu l-valutazzjoni tal-livell ta' kisba ta' dawk l-objettivi.

b) Għall-avveniment lokali Ewropew (Tip II): **EUR 300,000**

Il-proposti jikkonċernaw proġetti multibenefiċjarji li fihom l-ispejjeż kollha jridu jiġu koperti mill-Applikant u mill-Organizzazzjonijiet sħab. L-organizzazzjonijiet parteċipanti identifikati (minimu ta' sitta) jitqiesu bħala kobenefiċjarji u l-avvenimenti u l-attivitajiet sekondarji organizzati se jsiru f'kull Stat Membru tal-UE jew pajjiż terz assoċjat mal-Programm involut.

Il-proposti għandhom jinkludu taqsima speċifika bid-**distribuzzjoni tal-kompiti u tal-għotja tal-UE fost is-sħab**. L-iskeda taż-żmien għall-implimentazzjoni ta' kull attività tal-proġett u l-iskadenza għall-produzzjoni tar-riżultati tanġibbli tal-proġett għandhom jiġu indikati wkoll.

L-applikanti jeħtiġilhom jaqsmu l-attivitajiet tal-proġett f'"**pakketti ta' ħidma**". Kull pakkett ta' ħidma għandu jkun marbut ma' objettivi speċifiċi, u l-applikanti jeħtiġilhom jidentifikaw sett ta' indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi li jippermettu l-valutazzjoni tal-livell ta' kisba ta' dawk l-objettivi.

c) Għall-avveniment madwar l-Ewropa kollha: **EUR 450,000**

Il-proposti jikkonċernaw proġetti monobenefiċjarji li jfisser li l-ispejjeż kollha jridu jiġu koperti mill-Organizzazzjoni applikanti u għaldaqstant, l-avveniment u l-attivitajiet sekondarji organizzati se jseħħu fl-Istat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm tal-Organizzazzjoni applikanti. Għall-aspetti tal-ġestjoni kuntrattwali, l-organizzazzjonijiet parteċipanti ma jitqisux bħala sħab tal-proġett, u lanqas bħala sħab assoċjati u ma jirċievu l-ebda finanzjament mill-Programm bħala parti mill-proġett u għaldaqstant ma jistgħux jiġu indikati fil-proposta tal-baġit.

L-iskeda taż-żmien għall-implimentazzjoni ta' kull attività tal-proġett u l-iskadenza għall-produzzjoni tar-riżultati tanġibbli tal-proġett għandhom jiġu indikati.

L-applikanti jeħtiġilhom jaqsmu l-attivitajiet tal-proġett f'"**pakketti ta' ħidma**". Kull pakkett ta' ħidma għandu jkun marbut ma' objettivi speċifiċi, u l-applikanti jeħtiġilhom jidentifikaw sett ta' indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi li jippermettu l-valutazzjoni tal-livell ta' kisba ta' dawk l-objettivi.

Pagament tal-Għotja

Il-kundizzjonijiet għall-pagament sħiħ tal-għotja huma t-tlestija tal-pakketti ta' ħidma f'konformità mal-kriterji tal-kwalità deskritti fl-applikazzjoni. F'każ li pakkett ta' ħidma wieħed ma jkunx tlesta, ikun parzjalment komplut jew ivvalutat bħala mhux sodisfaċenti fil-valutazzjoni tal-kwalità, jista' jiġi applikat tnaqqis xieraq tal-ammont tal-għotja kif deskritt fil-ftehim ta' għotja.

Aktar dettalji huma deskritti fil-mudell tal-Ftehim ta' Għotja disponibbli fil-Portal tal-Opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti (FTOP).

AZZJONI EWLENIJA 3: APPOĠĠ GĦALL-IŻVILUPP TA' POLITIKA U L-KOOPERAZZJONI

L-Azzjoni Ewlenija 3 tipprovdi appoġġ għall-kooperazzjoni politika fil-livell tal-Unjoni Ewropea, u b'hekk tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' politiki eżistenti u għall-iżvilupp ta' politiki ġodda, li jistgħu jiskattaw il-modernizzazzjoni u r-riformi, fil-livell tal-Unjoni Ewropea, u tas-sistemi, fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ taż-żgħażagħ u l-isport.

L-Azzjonijiet implimentati permezz ta' din l-Azzjoni Ewlenija għandhom l-għan li:

- iħejju u jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-aġenda politika tal-UE dwar l-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport billi jiffaċilitaw il-governanza u l-funzjonament tal-Metodi Miftuħa ta' Koordinazzjoni;
- iwettqu esperimentazzjonijiet ta' politiki Ewropej, immexxija mill-awtoritajiet pubbliċi ta' livell għoli u li jinvolvu provi fuq il-post dwar il-miżuri tal-politika f'bosta pajjiżi, abbażi ta' metodi ta' evalwazzjoni sodi;
- jiġbru evidenza u għarfien dwar is-sistemi u l-politiki tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport fil-livell nazzjonali u Ewropew, bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat it-tfassil ta' politika raġunat;
- jiffaċilitaw it-trasparenza u r-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kwalifiki, kif ukoll it-trasferiment tal-krediti, irawmu l-assigurazzjoni tal-kwalità, l-għoti ta' kredenzjali diġitali, jappoġġaw il-validazzjoni tal-apprendiment mhux formali u informali, il-ġestjoni tal-ħiliet u l-gwida;
- irawmu djalogu ta' politika mal-partijiet ikkonċernati fi ħdan u barra l-Unjoni Ewropea, permezz ta' konferenzi, avvenimenti u attivitajiet oħrajn li jinvolvu lil dawk li jfasslu l-politika, prattikanti u partijiet ikkonċernati oħrajn fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport, sabiex titqajjem sensibilizzazzjoni dwar l-aġendi tal-politika Ewropea rilevanti u sabiex jippromwovu l-Ewropa bħala destinazzjoni eċċellenti ta' studju u riċerka;
- itejbu l-implimentazzjoni tal-programm f'termini kwalitattivi billi jiffaċilitaw it-trasferiment tal-għarfien u l-prattika bejn l-Aġenziji Nazzjonali, jgħammru lill-Aġenziji Nazzjonali u lill-Kummissjoni b'riżorsi ta' riflessjoni li jippermettu l-elaborazzjoni tal-attivitajiet u l-istrateġiji sabiex jimplimentaw il-programm f'rabta aktar b'saħħitha mal-iżviluppi tal-politika, l-għoti ta' strumenti għall-isfruttament aħjar tal-potenzjal tas-sinerġiji u l-komplementarjetajiet;
- jipprovdu opportunitajiet għall-persuni fi kwalunkwe stadju ta' ħajjithom b'esperjenza ta' apprendiment barra mill-pajjiż fil-qasam tal-għarfien espert tagħhom, bħall-governanza pubblika, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, teknoloġiji ġodda, intrapriża eċċ.;
- jippermettu lill-korpi ta' implimentazzjoni tal-Erasmus+ jaġixxu bħala faċilitaturi għat-tkabbir tal-proġetti tal-Erasmus+ biex japplikaw għal għotjiet jew jiżviluppaw sinerġiji permezz tal-appoġġ tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ġestiti fil-livell nazzjonali u reġjonali, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, u l-programmi dwar il-migrazzjoni, is-sigurtà, il-ġustizzja u ċ-ċittadinanza, is-saħħa u l-kultura;
- jappoġġaw avvenimenti, kampanji u attivitajiet oħrajn li jinformaw liċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet dwar il-programm Erasmus+ u l-politiki tal-Unjoni Ewropea fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport;
- jikkontribwixxu għall-identifikazzjoni u t-tixrid ta' prattiki tajba kif ukoll stejjer ta' suċċess mill-proġetti appoġġati biex jingħataw aktar viżibbiltà u jikbru fid-daqs fuq livelli lokali, nazzjonali u Ewropej.

LIEMA AZZJONIJIET HUMA APPOĠĠATI?

L-Azzjoni li ġejja hija implimentata permezz tal-Gwida tal-Programm:

- Żgħażagħ Ewropej Flimkien

Din l-Azzjoni hija ġestita mill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA).

L-Azzjoni Ewlenija 3 tkopri ħafna Azzjonijiet oħrajn b'appoġġ għar-riforma politika fl-oqsma tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u taż-żgħażagħ li huma implimentati direttament mill-Kummissjoni Ewropea jew permezz ta' sejħiet speċifiċi għal proposti ġestiti mill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura. Dawn l-azzjonijiet huma miġbura fit-taqsimiet li ġejjin:

- Appoġġ għall-iżvilupp tal-politika Ewropea;

- Appoġġ għall-għodod u l-miżuri tal-Unjoni li jrawmu l-kwalità, it-trasparenza u r-rikonoxximent tal-ħiliet, il-kompetenzi u l-kwalifiki
- Id-djalogu ta' politika u l-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati ewlenin u l-organizzazzjonijiet internazzjonali
- Miżuri li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni kwalitattiva u inklużiva tal-programm
- Kooperazzjoni ma' strumenti oħrajn tal-Unjoni u appoġġ għal politiki oħrajn tal-Unjoni
- Tixrid u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni

Aktar informazzjoni dwar l-azzjonijiet appoġġati hija disponibbli fuq is-siti web tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Aġenzija Eżekuttiva.

ŻGĦAŻAGĦ EWROPEJ FLIMKIEN

Il-proġetti taż-Żgħażagħ Ewropej Flimkien għandhom l-għan li joħolqu networks li jippromwovu sħubijiet reġjonali, li għandhom jitmexxew b'kooperazzjoni mill-qrib maż-żgħażagħ minn madwar l-Ewropa (Stati Membri tal-UE u pajjiżi terzi assoċjati mal-programm). In-networks għandhom jorganizzaw skambji, jippromwovu t-taħriġ (pereżempju għall-mexxejja taż-żgħażagħ) u jippermettu liż-żgħażagħ infushom biex jistabbilixxu proġetti konġunti, li kollha kemm huma jistgħu jsiru permezz ta' attivitajiet fiżiċi kif ukoll online.

OBJETTIVI TAL-AZZJONI

Il-proġetti Żgħażagħ Ewropej Flimkien għandhom l-għan li joħolqu networks li jippromwovu sħubijiet reġjonali, li jippermettu liż-żgħażagħ madwar l-Ewropa jistabbilixxu proġetti konġunti, jorganizzaw skambji u jippromwovu taħriġ (eż. għall-mexxejja taż-żgħażagħ) kemm permezz ta' attivitajiet fiżiċi kif ukoll online. L-azzjoni se tappoġġa żewġ lottijiet li jappoġġaw sħubijiet tranżnazzjonali għal organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ mil-livell lokali sa sħubijiet fuq skala kbira, bil-għan li tissaħħaħ id-dimensjoni Ewropea tal-attivitajiet tagħhom, inkluż dwar kif wieħed jgħix aħjar flimkien u li jgħinu fit-tfassil ta' modi ta' għajxien sostenibbli futuri, f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew u mal-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida[300].

Prijoritajiet tematiċi importanti qegħdin jaħdmu flimkien mal-Għanijiet tal-UE dwar iż-Żgħażagħ u, b'mod ġenerali, mal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ 2019-2027[301] u jippromwovuhom. L-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażagħ huma riflessi wkoll fil-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni tal-President von der Leyen[302]. Il-proposti tal-proġetti jistgħu jittrattaw ukoll it-temi tal-"Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa". L-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-2024 huma rilevanti fil-kuntest ta' din l-azzjoni.

Iż-żgħażagħ u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ huma atturi ewlenin fl-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19. In-networks taż-żgħażagħ għandhom jikkunsidraw modi kif jistgħu jiġu fformati s-solidarjetà u l-inklużività, u kif tista' tittejjeb il-kwalità tal-ħajja wara l-pandemija, li jaqblu mal-isfidi relatati mal-ħiliet diġitali u mal-istil ta' ħajja ekoloġiku sostenibbli[303].

OBJETTIVI SPEĊIFIĊI

L-azzjoni tfittex li tappoġġa b'mod speċifiku:

- il-promozzjoni u l-iżvilupp ta' kooperazzjoni strutturata tranżnazzjonali, online u offline, bejn organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ differenti biex jibnu jew isaħħu sħubijiet li jiffokaw fuq is-solidarjetà u l-parteċipazzjoni demokratika inklużiva ta' kulħadd f'kuntest ta' pressjoni fuq l-istrutturi soċjoekonomiċi u f'konformità mal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ, l-Għanijiet tal-UE dwar iż-Żgħażagħ u d-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ;
- L-implimentazzjoni tal-Oqfsa u l-inizjattivi tal-UE bħar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi mis-Semestru Ewropew[304] sa fejn dawn huma relatati mal-qasam taż-żgħażagħ;
- l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ involuti f'inizjattivi li jħeġġu liż-żgħażagħ jipparteċipaw fil-proċess demokratiku u fis-soċjetà billi jorganizzaw taħriġ, juru l-aspetti komuni fost iż-żgħażagħ Ewropej u jinkoraġġixxu diskussjoni u dibattitu dwar il-konnessjoni tagħhom mal-UE, il-valuri u l-pedamenti demokratiċi tagħha. Dan jinkludi l-organizzazzjoni ta' avvenimenti bħala tħejjija għall-elezzjonijiet tal-2024 għall-Parlament Ewropew.

---

300 https://europa.eu/new-european-bauhaus/index_mt
301Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill 2018/C 456/01, ippubblikata f'Diċembru 2018: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:42018Y1218(01)&from=MT
302 Ara https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_19_5542
303 Ara HTTPS://EUROPA.EU/NEW-EUROPEAN-BAUHAUS/INDEX_MT
304 https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/economic-and-fiscal-policy-coordination/eu-economic-governance-monitoring-prevention-correction/european-semester_mt.

- il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni ta' gruppi ta' żgħażagħ sottorappreżentati fil-politika, organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili billi jinvolvu żgħażagħ vulnerabbli u soċjoekonomikament żvantaġġati;

- Modi ġodda sabiex l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ jingħataw is-setgħa li jindirizzaw il-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19, billi jiġu appoġġati modi innovattivi ta' kooperazzjoni u ħolqien, żvilupp u ġestjoni tan-network. B'mod indikattiv, dan jista' jinkludi t-tisħiħ tal-kollaborazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ f'kuntest diġitali bl-użu ta' metodi ta' apprendiment mhux formali rilevanti u mudelli organizzattivi li jinkludu modi alternattivi ta' skambji u għajnuna reċiproka.

- It-tisħiħ tad-dimensjoni Ewropea tal-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, inklużi attivitajiet dwar kif nistgħu ngħixu aħjar flimkien wara l-pandemija u li jgħinu fit-tfassil ta' modi futuri sostenibbli ta' għajxien transfruntier.

ATTIVITAJIET

L-azzjoni hija mmirata lejn l-NGOs (mingħajr skop ta' qligħ) u l-korpi pubbliċi, li jipproponu proġetti b'kapaċità li jimmobilizzaw liż-żgħażagħ fi sħubijiet li jkopru pajjiżi u reġjuni differenti fi ħdan l-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm.

L-attivitajiet ta' mobbiltà għaż-żgħażagħ għandhom jifformaw komponent ewlieni tal-proġetti taż-Żgħażagħ Ewropej Flimkien. Din il-mobbiltà għandha toffri skambji transfruntiera u opportunitajiet ta' taħriġ mhux formali jew informali għaż-żgħażagħ minn madwar l-Ewropa (il-Lvant, il-Punent, it-Tramuntana u n-Nofsinhar) li jistgħu jitħejjew u jiġu appoġġati permezz ta' fora online sabiex jikkontribwixxu għall-objettivi ta' din l-azzjoni. Dawn l-attivitajiet ta' mobbiltà jridu jkunu ġġustifikati b'mod ċar ħafna skont l-objettivi tal-azzjoni.

L-attivitajiet kollha għandhom jikkontribwixxu biex titwessa' s-sensibilizzazzjoni lejn iż-żgħażagħ, u b'hekk jintlaħqu ż-żgħażagħ kemm fi ħdan l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ kif ukoll dawk lil hinn minnhom, inklużi ż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet, biex jiġi żgurat li tinstema' diversità ta' ilħna.

LIEMA HUMA L-KRITERJI LI GĦANDHOM JIĠU SSODISFATI BIEX WIEĦED JAPPLIKA GĦALL-AZZJONI FIL-LIVELL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ EWROPEJ FLIMKIEN?

KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ

Sabiex ikunu eliġibbli għal għotja tal-Erasmus, il-proposti ta' proġetti għal Żgħażagħ Ewropej Flimkien iridu jikkonformaw mal-kriterji li ġejjin:

Min jista' japplika?	L-applikanti (koordinaturi u sħab sħaħ) jeħtiġilhom ikunu entitajiet legali: - NGOs (inklużi NGOs Ewropej taż-Żgħażagħ u Kunsilli nazzjonali taż-Żgħażagħ) li jaħdmu fil-qasam taż-Żgħażagħ; - awtoritajiet pubbliċi fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali; Għandhom ikunu stabbiliti fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm. Kumpaniji pubbliċi jew privati (intrapriżi żgħar, medji jew kbar, inkluż intrapriżi soċjali) kif ukoll l-entitajiet affiljati tagħhom jistgħu jipparteċipaw ukoll iżda mhux bħala koordinaturi.

X'tipi ta' organizzazzjonijiet huma eliġibbli biex jipparteċipaw fil-proġett?	Kwalunkwe organizzazzjoni, pubblika jew privata, bl-entitajiet affiljati tagħha (jekk ikun hemm), li taħdem maż-żgħażagħ jew għalihom barra mill-ambjenti formali stabbiliti fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm. Organizzazzjonijiet bħal dawn jistgħu, pereżempju, ikunu: • organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, assoċjazzjoni, NGO (inklużi NGOs Ewropej taż-Żgħażagħ); • Kunsill nazzjonali taż-Żgħażagħ; • awtorità pubblika fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali; • istituzzjoni tal-edukazzjoni jew tar-riċerka; • fondazzjoni; Kumpaniji pubbliċi jew privati (żgħar, medji jew kbar (inkluż intrapriżi soċjali)) jistgħu jiġu inklużi. Għalhekk, filwaqt li din l-azzjoni hija mmirata primarjament lejn organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, organizzazzjonijiet bi skop ta' qligħ jistgħu jkunu involuti jekk jintwera valur miżjud ċar għall-proġett.
Kompożizzjoni tal-Konsorzju	Il-proposti jridu jiġu sottomessi minn konsorzju ta' minimu ta' ħames applikanti (koordinatur u sħab sħaħ) minn mill-inqas ħames Stati Membri tal-UE u/jew pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm. L-entitajiet affiljati ma jgħoddux għall-kriterji minimi tal-eliġibbiltà għall-kompożizzjoni tal-konsorzju.
Post tal-attivitajiet	L-attivitajiet iridu jsiru fil-pajjiżi eliġibbli.
Durata tal-proġett	Normalment il-proġetti għandhom idumu 24 xahar (jistgħu jsiru estensjonijiet, jekk ikunu ġġustifikati kif xieraq u permezz ta' emenda).
Fejn napplika?	Mal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA), ibbażata fi Brussell. L-istess organizzazzjoni tista' tissottometti applikazzjoni waħda biss sal-iskadenza. ID tas-Sejħa: ERASMUS-YOUTH-2023-YOUTH-TOG
Meta napplika?	L-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għal għotja sad-**9 ta' Marzu fil-17:00:00** (ħin ta' Brussell).

L-organizzazzjonijiet applikanti se jiġu vvalutati skont il-kriterji tal-esklużjoni u tal-għażla rilevanti. Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkonsulta l-Parti C ta' din il-Gwida.

STABBILIMENT TA' PROĠETT

Il-proġett "Żgħażagħ Ewropej Flimkien" jikkonsisti f'erba' stadji, li jibdew saħansitra qabel ma tintgħażel il-proposta tal-proġett għall-finanzjament eż. 1) Identifikazzjoni u bidu tal-proġett; 2) It-tħejjija, it-tfassil u l-ippjanar tal-proġett; 3) L-implimentazzjoni tal-proġett u l-monitoraġġ tal-attivitajiet; u 4) Ir-rieżami tal-proġett u l-valutazzjoni tal-impatt. L-organizzazzjonijiet parteċipanti u l-parteċipanti involuti fl-attivitajiet għandhom jieħdu rwol attiv f'dawk l-istadji kollha u b'hekk isaħħu l-esperjenza tal-apprendiment tagħhom.

- Identifikazzjoni u bidu; identifika problema, ħtieġa jew opportunità li tista' tindirizza bl-idea tal-proġett tiegħek fil-kuntest tas-sejħa; identifika l-attivitajiet ewlenin u l-eżiti prinċipali li jistgħu jkunu mistennija mill-proġett; immappja l-partijiet ikkonċernati rilevanti u s-sħab potenzjali; ifformula l-objettiv(i) tal-proġett; żgura l-allinjament tal-proġett mal-objettivi strateġiċi tal-organizzazzjonijiet parteċipanti; wettaq xi ppjanar inizjali biex il-proġett jingħata bidu tajjeb, u iġbor flimkien l-informazzjoni meħtieġa biex titkompla l-fażi li jmiss eċċ.;
- Tħejjija, tfassil u ppjanar; speċifika l-kamp ta' applikazzjoni tal-proġett u l-approċċ xieraq, iddeċiedi dwar skeda għall-kompiti involuti; agħmel stima tar-riżorsi meħtieġa u żviluppa d-dettall tal-proġett eż. valutazzjoni tal-ħtiġijiet; iddefinixxi objettivi sodi u indikaturi tal-impatt (speċifiċi, li jistgħu jitkejlu, li jistgħu jintlaħqu, li huma rilevanti u marbuta biż-żmien); identifika l-eżiti tal-proġett u tal-apprendiment; l-iżvilupp ta' programm ta' ħidma, formati ta' attività, impatt mistenni, baġit kumplessiv stmat; it-tħejjija ta' pjan ta' implimentazzjoni tal-proġett li jinkludi aspetti strateġiċi tal-governanza tal-proġett, il-monitoraġġ, il-kontroll tal-kwalità, ir-rapportar u t-tixrid tar-riżultati; id-definizzjoni ta' arranġamenti prattiċi u l-konferma tal-grupp(i) fil-mira għall-attivitajiet previsti; l-istabbiliment ta' ftehimiet mas-sħab u l-kitba tal-proposta eċċ.;
- Implimentazzjoni u monitoraġġ tal-attivitajiet: it-twettiq tal-implimentazzjoni tal-proġett skont pjanijiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti għar-rapportar u l-komunikazzjoni; il-monitoraġġ tal-attivitajiet li għaddejjin u l-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-proġett skont il-pjanijiet tal-proġett; l-identifikazzjoni u t-teħid ta' azzjoni korrettiva biex jiġu indirizzati d-devjazzjonijiet mill-pjanijiet u biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet u r-riskji; l-identifikazzjoni ta' nuqqasijiet ta' konformità mal-istandards tal-kwalità stabbiliti u t-teħid ta' azzjonijiet korrettivi eċċ.;
- Rieżami u valutazzjoni tal-impatt: il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-proġett skont l-objettivi tal-proġett u l-pjanijiet ta' implimentazzjoni; l-evalwazzjoni tal-attivitajiet u l-impatt tagħhom fuq livelli differenti, kondiviżjoni u użu tar-riżultati tal-proġett, eċċ.

ASPETTI ORIZZONTALI LI GĦANDHOM JIĠU KKUNSIDRATI META TKUN QED TFASSAL IL-PROĠETT TIEGĦEK:

Minbarra l-konformità mal-kriterji formali u l-istabbiliment ta' arranġament ta' kooperazzjoni sostenibbli mas-sħab kollha tal-proġett, l-elementi li ġejjin jistgħu jikkontribwixxu biex jiżdiedu l-impatt u l-implimentazzjoni kwalitattiva tal-"proġetti taż-Żgħażagħ Ewropej Flimkien" matul il-fażijiet differenti tal-proġett. L-applikanti huma mħeġġa jqisu dawn l-opportunitajiet u d-dimensjonijiet meta jfasslu l-proġetti tagħhom.

Sostenibbiltà ambjentali

Il-proġetti għandhom jitfasslu b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent u għandhom jinkorporaw prattiki ekoloġiċi fl-aspetti kollha tagħhom. L-organizzazzjonijiet u l-parteċipanti għandu jkollhom approċċ li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent meta jfasslu l-proġett, li se jħeġġeġ lil dawk kollha involuti fil-proġett biex jiddiskutu u jitgħallmu dwar kwistjonijiet ambjentali, filwaqt li jirriflettu dwar x'jista' jsir f'livelli differenti u jgħin lill-organizzazzjonijiet u lill-parteċipanti sabiex joħorġu b'modi alternattivi u aktar ekoloġiċi ta' implimentazzjoni ta' attivitajiet tal-proġett.

Inklużjoni u Diversità

Il-Programm Erasmus+ ifittex li jippromwovi l-opportunitajiet indaqs u l-aċċess, l-inklużjoni u l-ġustizzja fl-azzjonijiet kollha tiegħu. Sabiex jiġu implimentati dawn il-prinċipji, tfasslet Strateġija għad-Diversità u l-Inklużjoni biex tappoġġa sensibilizzazzjoni aħjar lill-parteċipanti minn sfondi aktar diversi, b'mod partikolari dawk b'inqas opportunitajiet li jiffaċċjaw ostakli ħalli jipparteċipaw fi Proġetti Ewropej. L-organizzazzjonijiet għandhom ifasslu attivitajiet ta' proġetti aċċessibbli u inklużivi, filwaqt li jqisu l-fehmiet tal-parteċipanti b'inqas opportunitajiet u jinvolvuhom fit-teħid tad-deċiżjonijiet matul il-proċess kollu.

Bħala prinċipju trażversali, l-organizzazzjonijiet parteċipanti għandhom isegwu strateġiji biex jingħaqdu maż-żgħażagħ fil-livell lokali minn diversità ta' sfondi. Dan ikopri l-involviment ta' popolazzjoni diversa taż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet, inklużi dawk minn żoni remoti/rurali u/jew bi sfond ta' migrazzjoni. Għalhekk, l-attivitajiet kollha għandhom jikkontribwixxu biex titwessa' kemm is-sensibilizzazzjoni lejn iż-żgħażagħ kif ukoll l-involviment attiv tagħhom biex jiġi żgurat li titlaqqa' flimkien diversità ta' ilħna.

Dimensjoni diġitali

Il-kooperazzjoni virtwali u l-esperimentazzjoni b'opportunitajiet ta' apprendiment virtwali u mħallta huma essenzjali għal proġetti ta' suċċess. B'mod partikolari, il-proġetti huma mħeġġa bil-qawwa biex jużaw il-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ u l-Pjattaforma Ewropea għall-Istrateġija għaż-Żgħażagħ sabiex jaħdmu flimkien qabel, matul u wara l-attivitajiet tal-proġett.

Valuri komuni, involviment ċiviku u parteċipazzjoni

Il-proġetti se jappoġġaw iċ-ċittadinanza attiva u l-etika, kif ukoll irawmu l-iżvilupp ta' kompetenzi soċjali u interkulturali, il-ħsieb kritiku u l-litteriżmu medjatiku. L-enfasi se tkun ukoll fuq is-sensibilizzazzjoni u l-fehim tal-kuntest tal-Unjoni Ewropea.

IMPATT MISTENNI

Il-proġetti mogħtija għandhom juru l-kontribuzzjoni mistennija tagħhom għall-politika tal-UE dwar iż-żgħażagħ billi:

- jibnu fuq l-objettivi tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ 2019-2027 u b'mod aktar speċifiku billi juru kif qegħdin jikkontribwixxu għall-prijoritajiet "Impenn-Konnessjoni-Għoti tas-setgħa" tal-Istrateġija;
- jibnu fuq l-eżiti tal-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażagħ, id-Djalogu maż-Żgħażagħ u proġetti oħrajn ta' dibattitu maż-żgħażagħ u stħarriġ tal-opinjoni relatati mal-futur tal-Ewropa u li jorbtuhom mal-iżvilupp tal-politika fil-livell lokali/reġjonali/nazzjonali/Ewropew;
- jibnu fuq rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi mis-Semestru Ewropew sa fejn dawn huma relatati mal-qasam taż-żgħażagħ;
- itejbu l-involviment taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika, f'termini ta' ċittadinanza attiva u l-involviment ma' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet (l-għoti ta' setgħa, ħiliet ġodda, l-involviment taż-żgħażagħ fit-tfassil tal-proġetti, eċċ.);
- jgħinu fit-titjib tal-kapaċità tas-settur taż-żgħażagħ attiv fil-livell lokali biex jaħdmu b'mod tranżnazzjonali filwaqt li jagħmlu enfasi fuq l-inklużività, is-solidarjetà u s-sostenibbiltà u jippromwovu l-apprendiment u l-kooperazzjoni tranżnazzjonali bejn iż-żgħażagħ u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet;
- isaħħu l-aħjar prattiki u s-sensibilizzazzjoni eżistenti lil hinn min-network(s) regolari inkluż l-użu tajjeb tal-mezzi diġitali sabiex jibqgħu konnessi fiċ-ċirkostanzi kollha anke f'sitwazzjonijiet ta' bogħod, iżolament jew konfinament;
- ixerrdu r-riżultati tagħhom b'mod effettiv u attraenti fost iż-żgħażagħ involuti fl-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ kif ukoll fost iż-żgħażagħ li ma humiex affiljati ma' strutturi taż-żgħażagħ jew b'inqas opportunitajiet, sabiex iwittu t-triq għal sħubijiet aktar sistematiċi.

KRITERJI GĦALL-GĦOTI

Rilevanza tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 30 punt)**	• **Skop u valur miżjud tal-UE:** il-proposta tistabbilixxi u tiżviluppa proġett li jappoġġa l-politiki fil-livell tal-UE rilevanti għaż-żgħażagħ – notevolment l-aktar l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ għall-2019-2027. Il-proposta turi b'mod ċar il-valur miżjud tal-UE fil-livell sistemiku, iġġenerat permezz tat-tranżnazzjonalità u tat-trasferibbiltà potenzjali tagħha. • **Objettivi**: l-objettivi tal-proposta huma rilevanti għall-objettivi ġenerali tal-azzjoni u għall-inqas wieħed mill-objettivi speċifiċi tagħha; barra minn hekk, l-objettivi tal-proposta huma speċifiċi u definiti b'mod ċar, jistgħu jintlaħqu, jistgħu jitkejlu, huma realistiċi u f'waqthom; dawn jindirizzaw kwistjonijiet rilevanti għall-organizzazzjonijiet parteċipanti u ta' valur miżjud ċar għall-gruppi fil-mira magħżula. • **Ħtiġijiet**: il-proposta turi li hija bbażata fuq valutazzjoni bir-reqqa tal-ħtiġijiet ibbażata kemm jista' jkun fuq fatti u ċifri verifikabbli appoġġati minn *data* ġenerali u speċifika rilevanti għall-pajjiżi u l-organizzazzjonijiet kollha fil-konsorzju. Hija mistennija analiżi ċara tal-ħtiġijiet li torbot mar-realtajiet konkreti tal-applikanti, tas-sħab u tal-gruppi fil-mira. **Involviment taż-żgħażagħ**: is-sħubija turi li hija kapaċi tiżgura involviment attiv ma' popolazzjoni diversa taż-żgħażagħ bħal dawk minn żoni remoti/rurali, bi sfond ta' migrazzjoni, u/jew minn sfondi soċjali żvantaġġati diġà mill-fażi tat-tfassil ta' attivitajiet relatati maż-żgħażagħ.
Kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 30 punt)**	• **L-ippjanar:** Il-proposta hija ċara, kompluta u ta' kwalità għolja u tinkludi fażijiet xierqa għat-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-proġett abbażi ta' metodoloġiji robusti ta' ġestjoni tal-proġetti. • **Metodoloġija:** L-implimentazzjoni hija bbażata fuq metodoloġiji xierqa; l-objettivi huma konsistenti mal-attivitajiet u huma deskritti b'mod ċar, b'rabtiet loġiċi bejn il-problemi, il-ħtiġijiet u s-soluzzjonijiet identifikati; il-pjan ta' ħidma huwa koerenti u konkret; hemm miżuri u indikaturi xierqa ta' kontroll tal-kwalità biex jiġi żgurat li l-proġett jiġi implimentat kif xieraq bil-kwalità meħtieġa, fil-kamp ta' applikazzjoni, fil-ħin u skont il-baġit; hemm pjanijiet konkreti u xierqa ta' ġestjoni tar-riskju u ta' kontinġenza. • **Kosteffettività**: il-baġit propost huwa koerenti, dettaljat biżżejjed, adattat għall-implimentazzjoni tal-proġett u mfassal biex jiżgura l-aħjar valur għall-flus. Ir-riżorsi assenjati għall-pakketti ta' ħidma huma konformi mal-objettivi u r-riżultati tanġibbli tagħhom. Il-baġit jaqdi l-ħtiġijiet tal-organizzazzjonijiet ta' bażi u taż-żgħażagħ vulnerabbli biex iħeġġeġ l-inklużjoni tagħhom fil-programm Erasmus+.

Kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni **(punteġġ massimu ta' 20 punt)**	• **Konfigurazzjoni:** is-sħubija tinvolvi taħlita xierqa ta' organizzazzjonijiet komplementari bil-profili, il-ħiliet, l-esperjenza, l-għarfien espert u l-appoġġ għall-ġestjoni neċessarji meħtieġa biex jinkisbu l-objettivi tagħha; il-valur miżjud tal-organizzazzjonijiet għall-profitt jintwera b'mod ċar, jekk ikunu involuti fil-konsorzju. • **Kompożizzjoni ġeografika**: is-sħubija turi l-kapaċità li tirrifletti d-diversità ekonomika, soċjali u/jew kulturali Ewropea permezz tal-kompożizzjoni ġeografika tagħha (jiġifieri l-kopertura taż-żoni tal-Lvant, tal-Punent, tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar madwar l-Ewropa) sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni verament pan-Ewropea. • **Żvilupp tal-NGOs lokali**: is-sħubija għandha l-kapaċità li tiżviluppa l-kapaċitajiet u l-għarfien tal-NGOs lokali li ma humiex diġà stabbiliti sew fil-livell Ewropew biex tinkiseb kollaborazzjoni msaħħa bejn il-pari bejn l-NGOs madwar l-Ewropa. • **Impenn u kompiti**: id-distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet u tal-kompiti fis-sħubija hija ċara u xierqa; il-koordinatur juri ġestjoni ta' kwalità għolja u potenzjal għal koordinazzjoni ta' networks tranżnazzjonali u ta' tmexxija f'ambjenti kumplessi. • **Arranġamenti ta' kooperazzjoni**: il-mekkaniżmi ta' governanza proposti se jiżguraw koordinazzjoni effettiva, teħid ta' deċiżjonijiet, komunikazzjoni u riżoluzzjoni tal-konflitti bejn l-organizzazzjonijiet parteċipanti, il-parteċipanti u kwalunkwe parti kkonċernata rilevanti oħrajn. • **Involviment taż-żgħażagħ**: iż-żgħażagħ huma involuti b'mod xieraq fl-istadji kollha tal-implimentazzjoni tal-proġett u l-inklużjoni taż-żgħażagħ hija indirizzata fl-istadji u fil-livelli kollha tal-proġett, filwaqt li tipprovdi rwoli ta' setgħa u/jew strateġiji konkreti sabiex tiżgura l-parteċipazzjoni diversa tagħhom.
Impatt **(punteġġ massimu ta' 20 punt)**	• **Impatt**: l-impatt potenzjali tal-proġett fuq il-parteċipanti u l-organizzazzjonijiet sħab huwa għoli – b'mod partikolari lejn l-espansjoni tal-fokus tal-organizzazzjonijiet ta' bażi ta' attivitajiet nazzjonali, reġjonali jew lokali li għadhom ma humiex transfruntiera fin-natura tagħhom fejn l-attivitajiet ġew imsaħħa jew żviluppati fil-livell tal-UE matul u wara l-ħajja tal-proġett, kif ukoll fuq il-komunità taż-żgħażagħ inġenerali. Ir-riżultati mistennija juru l-fehim u l-kapaċità tal-applikant u tas-sħab li jikkomunikaw il-valuri tal-Unjoni Ewropea partikolarment fir-rigward taċ-ċittadinanza. • **Tixrid**: il-proposta turi l-kapaċità li twettaq sensibilizzazzjoni taż-żgħażagħ u l-kapaċità li tikkomunika b'mod effettiv dwar il-problemi u s-soluzzjonijiet tal-komunitajiet li jirrappreżentaw lil udjenza globali usa'; b'mod partikolari, il-proposta tipprovdi pjan sod għall-komunikazzjoni u t-tixrid tar-riżultati, u tinkludi miri xierqa, distribuzzjoni ta' attivitajiet u kompiti fost is-sħab, twaqqit rilevanti, għodod u mezzi biex jiġi żgurat li r-riżultati u l-benefiċċji jitqassmu b'mod effettiv lil dawk li jfasslu l-politika u huma aċċessibbli għall-utenti finali matul u wara l-ħajja tal-proġett. • **Sostenibbiltà**: il-proposta tidentifika b'mod ċar kif l-eżiti tal-proġett jistgħu jikkontribwixxu għal bidliet fil-livell tas-sistema fis-settur taż-żgħażagħ kemm fi ħdan il-ħajja tal-proġett kif ukoll lil hinn minnu, b'potenzjal għoli li jippermetti kooperazzjoni fit-tul fil-livell tal-UE u/jew jispiraw politiki u inizjattivi ġodda tal-UE dwar iż-żgħażagħ.

Sabiex jitqiesu għall-finanzjament, l-applikazzjonijiet iridu jiksbu tal-inqas **60 punt**, filwaqt li jqisu wkoll il-punteġġ minimu meħtieġ għal kull wieħed mill-erba' kriterji għall-għoti (jiġifieri minimu ta' 15-il punt għall-kategoriji "rilevanza tal-proġett" u "kwalità tad-disinn u l-implimentazzjoni tal-proġett"; Għaxar punti għall-kategoriji ta' "kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni" u "impatt". F'każijiet *ex aequo*, se tingħata prijorità lill-punteġġi mogħtija għall-kriterju tal-għoti "rilevanza" u mbagħad "impatt".

Bħala regola ġenerali, u fil-limiti tal-oqfsa legali nazzjonali u Ewropej eżistenti, ir-riżultati għandhom ikunu disponibbli bħala **riżorsi edukattivi miftuħa** (OER) kif ukoll fuq pjattaformi rilevanti, professjonali, settorjali jew tal-awtoritajiet

kompetenti. Il-proposta għandha tiddeskrivi kif id-*data*, il-materjali, id-dokumenti u l-attività tal-media awdjoviżiva u soċjali prodotti se jkunu disponibbli bla ħlas u kif se jiġu promossi permezz ta' liċenzji miftuħa, u ma tinkludix limitazzjonijiet sproporzjonati.

SKADENZA U SKEDA TA' ŻMIEN INDIKATTIVA GĦALL-EVALWAZZJONI U L-FTEHIMIET TA' GĦOTJA

Stadji	Data u ħin jew perjodu indikattiv
Data ta' skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet	id-9 ta' Marzu - 17:00 (ħin ta' Brussell)
Perjodu ta' evalwazzjoni	Marzu-Awwissu 2023
Informazzjoni lill-applikanti	Settembru 2023
Iffirmar tal-ftehim ta' għotja	Settembru –Novembru 2023
Data tal-bidu tal-azzjoni	Tmiem l-2023 – Kmieni fl-2024

X'INHUMA R-REGOLI TA' FINANZJAMENT?

Din l-azzjoni ssegwi mudell ta' finanzjament ta' somma f'daqqa. L-ammont tal-kontribuzzjoni ta' somma waħda f'daqqa se jiġi ddeterminat għal kull għotja abbażi tal-baġit stmat tal-azzjoni proposta mill-applikant. L-awtorità tal-għoti se tistabbilixxi s-somma f'daqqa ta' kull għotja bbażata fuq il-proposta, ir-riżultat tal-evalwazzjoni, ir-rati ta' finanzjament u l-ammont massimu tal-għotja stabbilit fis-sejħa.

L-għotja minima għal kull proġett hija ta' EUR 150,000 u l-massimu ma jistax jaqbeż EUR 500,000.

Kif tiġi ddeterminata s-somma f'daqqa tal-proġett?

L-applikanti jeħtiġilhom jimlew tabella tal-baġit dettaljata skont il-formola tal-applikazzjoni, filwaqt li jqisu l-punti li ġejjin:

a) Il-baġit għandu jkun dettaljat kif meħtieġ mill-benefiċjarju/i u organizzat f'pakketti ta' ħidma koerenti (pereżempju maqsum f'"ġestjoni tal-proġetti", "taħriġ", "organizzazzjoni tal-avvenimenti", "preparazzjoni u implimentazzjoni tal-mobbiltà", "komunikazzjoni u tixrid", "assigurazzjoni tal-kwalità", eċċ.);

b) Il-proposta trid tiddeskrivi l-attivitajiet koperti minn kull pakkett ta' ħidma;

c) Fil-proposta tagħhom, l-applikanti jeħtiġilhom jipprovdu tqassim tal-kostijiet stmati li juru s-sehem għal kull pakkett ta' ħidma (u, fi ħdan kull pakkett ta' ħidma, is-sehem assenjat lil kull benefiċjarju u entità affiljata);

d) Il-kostijiet deskritti jistgħu jkopru l-kostijiet tal-persunal, il-kostijiet tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza, il-kostijiet tat-tagħmir u tas-subkuntrattar kif ukoll kostijiet oħrajn (bħat-tixrid tal-informazzjoni, il-pubblikazzjoni jew it-traduzzjoni).

Il-proposti se jiġu evalwati skont il-proċeduri ta' evalwazzjoni standard bl-għajnuna tal-esperti interni u/jew esterni. L-esperti se jivvalutaw il-kwalità tal-proposti, skont ir-rekwiżiti definiti fis-sejħa u l-impatt, il-kwalità u l-effiċjenza mistennija tal-azzjoni.

Wara l-evalwazzjoni tal-proposta, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni se jistabbilixxi l-ammont tas-somma f'daqqa, filwaqt li jqis is-sejbiet tal-valutazzjoni mwettqa. Il-valur tas-somma f'daqqa se jkun limitat għal massimu ta' 80 % tal-baġit stmat iddeterminat wara l-evalwazzjoni.

Il-parametri tal-għotja (l-ammont massimu tal-għotja, ir-rata ta' finanzjament, il-kostijiet totali eliġibbli, eċċ.) se jiġu stabbiliti fil-Ftehim ta' Għotja.

Il-kisbiet tal-proġett se jiġu evalwati fuq l-eżiti mwettqa. L-iskema ta' finanzjament tippermetti li ssir enfasi fuq l-outputs aktar milli fuq l-inputs, u b'hekk titqiegħed enfasi fuq il-kwalità u l-livell tal-kisba tal-objettivi li jistgħu jitkejlu.

Aktar dettalji huma deskritti fil-mudell tal-Ftehim ta' Għotja disponibbli fil-Portal tal-Opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti (FTOP).

AZZJONIJIET JEAN MONNET

L-azzjonijiet Jean Monnet joffru opportunitajiet fil-qasam tal-edukazzjoni għolja u f'oqsma oħra tal-edukazzjoni u t-taħriġ. L-azzjonijiet Jean Monnet jikkontribwixxu għat-tixrid tal-għarfien dwar kwistjonijiet ta' integrazzjoni tal-Unjoni Ewropea. L-azzjonijiet li ġejjin huma appoġġati:

- **Azzjonijiet Jean Monnet fil-qasam tal-edukazzjoni għolja**
- **Azzjonijiet Jean Monnet f'oqsma oħra tal-edukazzjoni u t-taħriġ**
- **Dibattitu ta' orjentazzjoni Jean Monnet (edukazzjoni għolja** u **oqsma oħra tal-edukazzjoni u t-taħriġ)**

Dawn l-azzjonijiet se jiġu implimentati mill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA).

AZZJONIJIET JEAN MONNET FIL-QASAM TAL-EDUKAZZJONI GĦOLJA

L-Azzjonijiet Jean Monnet fil-qasam tal-Edukazzjoni Għolja jappoġġaw **it-tagħlim u r-riċerka** fil-qasam tal-istudji tal-Unjoni Ewropea madwar id-dinja.

L-istudji tal-Unjoni Ewropea jirreferu għat-tagħlim, għall-apprendiment u għar-riċerka dwar l-Unjoni Ewropea, l-istorja, l-għanijiet, l-istrutturi, il-funzjonijiet u/jew il-politiki tagħha.

Billi jiffokaw fuq id-dimensjoni tal-Unjoni Ewropea, l-attivitajiet Jean Monnet għandhom jippromwovu ċittadinanza Ewropea attiva u l-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, tal-libertà, tad-demokrazija, tal-ugwaljanza, tal-istat tad-dritt u tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi (l-Artikolu 2tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea).

Fil-każ tal-politiki tal-Unjoni Ewropea, l-azzjonijiet Jean Monnet iridu jikkontribwixxu għat-tixrid tal-għarfien dwar kif dawn il-politiki jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini fl-UE u/jew barra mill-pajjiż, u/jew kif jistgħu jinfluwenzaw is-sistema tat-tfassil tal-politika, f'oqsma simili, jew fil-livell tal-Istati Membri jew barra mill-pajjiż f'livell nazzjonali, reġjonali jew globali. Għandha tintwera rabta ċara ħafna bejn is-suġġett tal-proposta u l-politika tal-UE u/jew is-suġġett tal-UE li tirreferi għalih.

L-azzjonijiet Jean Monnet ifittxu wkoll li jiffunzjonaw bħala vettur tad-diplomazija pubblika lejn pajjiżi terzi, jippromwovu l-valuri tal-UE u jtejbu l-viżibbiltà ta' dak li tirrappreżenta l-Unjoni Ewropea u ta' dak li għandha l-għan li tikseb.

L-objettivi u l-kriterji li għandhom japplikaw għat-tagħlim u r-riċerka huma deskritti hawn taħt.

TAGĦLIM U RIĊERKA

OBJETTIVI TAL-AZZJONIJIET

L-azzjonijiet tat-"Tagħlim u Riċerka" Jean Monnet se:

- jippromwovu l-eċċellenza fit-tagħlim u r-riċerka fil-qasam tal-istudji tal-Unjoni Ewropea madwar id-dinja;
- irawmu djalogu bejn id-dinja akkademika u s-soċjetà, inklużi dawk li jfasslu l-politika fil-livell lokali, reġjonali, statali u tal-UE, l-impjegati taċ-ċivil, l-atturi tas-soċjetà ċivili, ir-rappreżentanti tal-livelli differenti tal-edukazzjoni u tal-media;
- jiġġeneraw għarfien u intuwizzjonijiet b'appoġġ għat-tfassil tal-politika tal-UE u jsaħħu r-rwol tal-UE fl-Ewropa u f'dinja globalizzata;
- jilħqu pubbliku usa' u jxerrdu l-għarfien dwar l-UE lis-soċjetà ġenerali (lil hinn mid-dinja akkademika u l-udjenzi speċjalizzati) u jressqu l-UE eqreb lejn il-pubbliku.

L-azzjonijiet ifittxu wkoll li jiffunzjonaw bħala vettur għad-diplomazija pubblika lejn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, jippromwovu l-valuri tal-UE u jtejbu l-viżibbiltà ta' dak li fil-verità tirrappreżenta l-Unjoni Ewropea u ta' dak li għandha l-għan li tikseb.

STABBILIMENT TA' PROĠETT

It-"Tagħlim u Riċerka" Jean Monnet irid jieħu waħda mill-forom li ġejjin: **Moduli, Presidenzi u Ċentri ta' Eċċellenza**

- Il-**Moduli** huma programmi jew korsijiet ta' tagħlim qosra fil-qasam tal-istudji tal-Unjoni Ewropea f'istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja. Kull Modulu huwa twil tal-inqas 40 siegħa ta' tagħlim għal kull sena akkademika għal durata ta' tliet snin. Il-moduli jistgħu jikkonċentraw fuq dixxiplina partikolari fl-istudji Ewropej jew ikunu multidixxiplinari fl-approċċ u għalhekk isejjħu għall-kontribut akkademiku ta' diversi professuri u esperti. Dawn

jistgħu jieħdu wkoll il-forma ta' programmi qosra speċjalizzati jew tas-sajf.

- Il-**Katedri** huma pożizzjonijiet ta' għalliema bi speċjalizzazzjoni fl-istudji tal-Unjoni Ewropea (kif deskritt hawn fuq) għal professuri tal-università għal durata ta' tliet snin. Il-Katedra Jean Monnet tinżamm minn professur wieħed biss, li jipprovdi l-minimu ta' 90 siegħa ta' tagħlim għal kull sena akkademika. Il-President jista' wkoll ikollu tim biex jappoġġa u jsaħħaħ l-attivitajiet tal-President, inkluż l-għoti ta' sigħat ta' tagħlim addizzjonali.
- Iċ-**Ċentri ta' Eċċellenza Jean Monnet** huma punti fokali ta' kompetenza u għarfien dwar is-suġġetti tal-Unjoni Ewropea. Dawn għandhom jiġbru l-għarfien espert u l-kompetenzi ta' esperti ta' livell għoli bil-għan li jiżviluppaw sinerġiji bejn id-diversi dixxiplini u riżorsi fl-istudji Ewropej (kif deskritt hawn fuq), kif ukoll li joħolqu attivitajiet tranżnazzjonali konġunti, u jiżguraw ukoll il-ftuħ tas-soċjetà ċivili. Iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Jean Monnet għandhom rwol ewlieni fl-ilħuq tal-istudenti minn fakultajiet li normalment ma jittrattawx il-kwistjonijiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll dawk li jfasslu l-politika, l-impjegati taċ-ċivil, is-soċjetà ċivili organizzata u l-pubbliku inġenerali.

Il-benefiċjarji Jean Monnet (il-moduli u d-detenturi tal-Katedra kif ukoll il-parteċipanti taċ-Ċentru ta' eċċellenza) huma mitluba jorganizzaw attivitajiet u avvenimenti li għandhom jiżguraw ftuħ għal dawk li jfasslu l-politika, l-impjegati taċ-ċivil, is-soċjetà ċivili u l-pubbliku inġenerali.

Għall-iskop tad-detenturi tal-Katedri u tal-Moduli, is-sigħat ta' tagħlim jitqiesu li jinkludu s-sigħat ta' kuntatt dirett fil-kuntest ta' lekċers fi grupp, seminars u tutorials u jistgħu jinkludu kwalunkwe waħda minn dawn li ssemmew qabel f'forma ta' apprendiment mill-bogħod iżda ma jinkludux struzzjoni u/jew superviżjoni individwali. Għall-Moduli, il-korsijiet tas-sajf huma eliġibbli.

LIEMA HUMA L-KRITERJI LI GĦANDHOM JIĠU SSODISFATI BIEX WIEĦED JAPPLIKA GĦALL-AZZJONI TAT-TAGĦLIM U R-RIĊERKA JEAN MONNET?

KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ

Il-kriterji tal-eliġibbiltà li ġejjin japplikaw għall-**Moduli Jean Monnet**:

Min jista' japplika?	L-applikanti jeħtiġilhom ikunu: - istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja (HEI); - stabbiliti fi Stat Membru tal-UE, jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm jew f'pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm, Il-HEIs stabbiliti fl-Istati Membri tal-UE u f'pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm irid ikollhom ECHE valida. L-ECHE ma hijiex meħtieġa għall-HEIs parteċipanti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm. **Eċċezzjoni:** l-organizzazzjonijiet mill-Belarussja (ir-Reġjun 2) u mill-Federazzjoni Russa (ir-Reġjun 4) ma humiex eliġibbli biex jipparteċipaw f'din l-azzjoni.
Kompożizzjoni tal-konsorzju	Huma permessi biss applikazzjonijiet minn applikanti uniċi (benefiċjarji uniċi).
Attivitajiet eliġibbli	Modulu Jean Monnet irid jiġi mgħallem għal minimu ta' 40 siegħa ta' tagħlim għal kull sena akkademika fil-qasam tal-istudji tal-Unjoni Ewropea (kif deskritt hawn fuq) fl-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja applikanti.
Durata tal-proġett	Normalment il-proġetti għandhom idumu 36 xahar (jistgħu jsiru estensjonijiet, jekk ikunu ġġustifikati kif xieraq u permezz ta' emenda).

Fejn napplika?	Mal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA). ID tas-Sejħa: ERASMUS-JMO-2023-MODULE
Meta napplika?	L-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għal għotja sas-**14 ta' Frar fil-17:00:00 (ħin ta' Brussell).**

Il-kriterji tal-eliġibbiltà li ġejjin japplikaw **<u>għall-Katedri Jean Monnet</u>**:

Min jista' japplika?	L-applikanti jeħtiġilhom ikunu: • istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja (HEI); • stabbiliti fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm jew f'pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm. Il-HEIs stabbiliti fl-Istati Membri tal-UE u f'pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm irid ikollhom ECHE valida. L-ECHE ma hijiex meħtieġa għall-HEIs parteċipanti f'Pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm. **Eċċezzjoni:** l-organizzazzjonijiet mill-Belarussja (ir-Reġjun 2) u mill-Federazzjoni Russa (ir-Reġjun 4) ma humiex eliġibbli biex jipparteċipaw f'din l-azzjoni.
Kompożizzjoni tal-konsorzju	Huma permessi biss applikazzjonijiet minn applikanti uniċi (benefiċjarji uniċi).
Attivitajiet eliġibbli	Katedra Jean Monnet trid tiġi mgħallma għal minimu ta' 90 siegħa ta' tagħlim għal kull sena akkademika fil-qasam tal-istudji tal-Unjoni Ewropea (kif deskritt fil-Gwida tal-Programm) fl-Istituzzjoni applikanti tal-Edukazzjoni Għolja mid-detentur tal-Katedra, li jeħtieġlu jkun membru permanenti tal-persunal fl-istituzzjoni applikanti.
Durata tal-proġett	Normalment il-proġetti għandhom idumu 36 xahar (jistgħu jsiru estensjonijiet, jekk ikunu ġġustifikati kif xieraq u permezz ta' emenda)
Fejn napplika?	Mal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA). ID tas-Sejħa: ERASMUS-JMO-2023-CHAIR
Meta napplika?	L-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għal għotja sal-**14 ta' Frar fil-17:00:00 (ħin ta' Brussell)**.

Il-kriterji tal-eliġibbiltà li ġejjin japplikaw **<u>għaċ-Ċentri ta' Eċċellenza Jean Monnet:</u>**

Min jista' japplika?	L-applikanti jeħtiġilhom ikunu: - istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja (HEI); - stabbiliti fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm jew f'pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm. - Ċentru ta' Eċċellenza Jean Monnet wieħed biss se jkun appoġġat fl-istess ħin fi kwalunkwe HEI parteċipanti Il-HEIs stabbiliti fl-Istati Membri tal-UE u f'pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm irid ikollhom ECHE valida. L-ECHE ma hijiex meħtieġa għall-HEIs parteċipanti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm. Eċċezzjoni: l-organizzazzjonijiet mill-Belarussja (ir-Reġjun 2) u mill-Federazzjoni Russa (ir-Reġjun 4) ma humiex eliġibbli biex jipparteċipaw f'din l-azzjoni.
Kompożizzjoni tal-konsorzju	Huma permessi biss applikazzjonijiet minn applikanti uniċi (benefiċjarji uniċi).
Durata tal-proġett	Normalment il-proġetti għandhom idumu 36 xahar (jistgħu jsiru estensjonijiet, jekk ikunu ġġustifikati kif xieraq u permezz ta' emenda).
Fejn napplika?	Mal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA). ID tas-Sejħa: ERASMUS-JMO-2023-COE
Meta napplika?	L-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għal għotja sal-**14 ta' Frar fil-17:00:00 (ħin ta' Brussell)**.

L-organizzazzjonijiet applikanti se jiġu vvalutati skont il-kriterji tal-esklużjoni u tal-għażla rilevanti. Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkonsulta l-Parti C ta' din il-Gwida.

KRITERJI GĦALL-GĦOTI

Il-kriterji għall-għoti li ġejjin japplikaw għall- **Moduli Jean Monnet:**

Rilevanza tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 25 punt)**	Kemm il-proposta tilħaq l-objettivi tal-azzjoni Jean Monnet: • tindirizza l-Istudji tal-UE (kif deskritt fil-paragrafu introduttorju), • trawwem djalogu bejn id-dinja akkademika u s-soċjetà, inklużi dawk li jfasslu l-politika fil-livell lokali, reġjonali, statali u tal-UE, l-impjegati taċ-ċivil, l-atturi tas-soċjetà ċivili, ir-rappreżentanti tal-livelli differenti tal-edukazzjoni u tal-media, • tiġġenera għarfien u ideat li jistgħu jappoġġaw it-tfassil tal-politika tal-UE u jsaħħu r-rwol tal-UE f'dinja globalizzata, • tinkludi sensibilizzazzjoni attiva u xogħol edukattiv li se jifirxu l-għarfien dwar suġġetti tal-UE lis-soċjetà usa' (lil hinn mid-dinja akkademika u l-udjenzi speċjalizzati) u se jġibu l-UE aktar qrib il-pubbliku. Kemm il-proposta tilħaq il-gruppi prijoritarji fil-mira: • studenti tal-edukazzjoni għolja tal-Istudji tal-Unjoni Ewropea (kif deskritt fil-paragrafu introduttorju), • studenti tal-edukazzjoni għolja li b'mod awtomatiku ma jiġux f'kuntatt mal-istudji tal-UE (f'oqsma lil hinn mil-liġi, l-ekonomija u x-xjenzi politiċi), • għal pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, il-potenzjal li tissaħħaħ id-diplomazija pubblika tal-UE.

Kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett
 	
(punteġġ massimu ta' 25 punt)
	• Metodoloġija: il-kwalità, in-novità u l-fattibbiltà tal-proġett innifsu u l-vijabbiltà tal-metodoloġija proposta;
	• Kemm il-programm ta' ħidma:
	  ○ huwa ppreżentat b'mod ċar, huwa komplet u koerenti, b'attenzjoni dovuta biex jiġi ppreżentat l-ippjanar xieraq tal-fażijiet ta' tħejjija, implimentazzjoni, evalwazzjoni, segwitu u tixrid;
	  ○ juri koerenza mal-objettivi u l-attivitajiet tal-proġett;
	• Strateġija ta' monitoraġġ u evalwazzjoni

Kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni **(punteġġ massimu ta' 25 punt)**	• Il-livell ta' kompetenza u l-valur miżjud tat-tim: Il-pertinenza u l-komplementarjetà tal-profil u l-għarfien espert tal-persunal ewlieni involut fl-attivitajiet proposti (fl-oqsma akkademiċi u mhux akkademiċi, jekk ikun xieraq) f'termini tal-Istudji tal-Unjoni Ewropea (kif deskritt fil-paragrafu introduttorju) u f'termini tat-tema speċifika indirizzata mill-proposta

Impatt
 	
(punteġġ massimu ta' 25 punt)
	L-impatt mistenni tal-proġett billi jkollu effetti fit-tul
	• fuq l-istituzzjoni li tospita l-Azzjoni Jean Monnet,
	• fuq l-istudenti li jibbenefikaw mill-Azzjoni Jean Monnet,
	  o kurrikuli mtejba jew innovattivi,
	  o żieda fil-kapaċità biex jiġu attirati studenti eċċellenti,
	  o kooperazzjoni msaħħa ma' sħab minn pajjiżi oħrajn,
	  o allokazzjoni akbar tar-riżorsi finanzjarji għat-tagħlim u r-riċerka dwar suġġetti tal-UE fi ħdan l-istituzzjoni,
	  o kapaċità akbar ta' tagħlim u riċerka dwar suġġetti tal-UE.
	• fuq organizzazzjonijiet u individwi oħrajn involuti fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u/jew Ewropew.
	Tixrid u komunikazzjoni:
	• L-adegwatezza u l-kwalità tal-miżuri li għandhom l-għan li jxerrdu l-eżiti tal-attivitajiet fi ħdan u barra mill-istituzzjoni li tospita l-Azzjoni Jean Monnet:
	  o ixerrdu l-kelma,
	  o iqajmu sensibilizzazzjoni dwar il-proġetti u r-riżultati, itejbu l-viżibbiltà tal-parteċipanti u tal-organizzazzjonijiet,
	  o jilħqu gruppi barra l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja,
	  o it-trasferibbiltà u t-trasformazzjoni f'politiki ġodda u prattiki mtejba.
	• Kemm l-għodod tat-tixrid previsti se jilħaq l-udjenza fil-mira permezz ta':
	  o esponiment fil-media (inklużi l-media soċjali, pubblikazzjonijiet, eċċ.),
	  o avvenimenti.
	Sostenibbiltà u kontinwazzjoni: il-proposta tinkludi miżuri u riżorsi xierqa biex tiżgura li r-riżultati u l-benefiċċji tal-proġett ikunu sostnuti wara l-ħajja tal-proġett.

Sabiex jiġu kkunsidrati għall-finanzjament, il-proposti jridu jiksbu tal-inqas **70 punt** u **15-il punt f'kull kriterju għall-għoti**. Il-proposti *ex aequo* se jingħataw prijorità skont il-punteġġi li ngħataw għall-kriterju tal-għoti "rilevanza tal-proġett" u mbagħad "impatt".

Il-kriterji għall-għoti li ġejjin japplikaw għall-**<u>Katedri Jean Monnet</u>**:

Rilevanza tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 25 punt)**	Kemm il-proposta tilħaq l-objettivi tal-azzjoni Jean Monnet: • tindirizza l-Istudji tal-Unjoni Ewropea (kif deskritti fil-paragrafu introduttorju), • trawwem djalogu bejn id-dinja akkademika u s-soċjetà, inklużi dawk li jfasslu l-politika fil-livell lokali, reġjonali, statali u tal-UE, l-impjegati taċ-ċivil, l-atturi tas-soċjetà ċivili, ir-rappreżentanti tal-livelli differenti tal-edukazzjoni u tal-media, • tiġġenera għarfien u ideat li jistgħu jappoġġaw it-tfassil tal-politika tal-UE u jsaħħu r-rwol tal-UE f'dinja globalizzata, • tinkludi sensibilizzazzjoni attiva u xogħol edukattiv li se jifirxu l-għarfien dwar suġġetti tal-UE lis-soċjetà usa' (lil hinn mid-dinja akkademika u l-udjenzi speċjalizzati) u se jġibu l-UE aktar qrib il-pubbliku. Kemm il-proposta tilħaq il-gruppi prijoritarji fil-mira: • studenti tal-edukazzjoni għolja tal-Istudji tal-Unjoni Ewropea (kif deskritt fil-paragrafu introduttorju), • studenti tal-edukazzjoni għolja li b'mod awtomatiku ma jiġux f'kuntatt mal-istudji tal-UE (kif deskritt fil-paragrafu introduttorju), • għall-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, il-potenzjal li tissaħħaħ id-diplomazija pubblika tal-UE.

Kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett
 	
(punteġġ massimu ta' 25 punt)
	• Metodoloġija: il-kwalità, in-novità u l-fattibbiltà tal-proġett innifsu u l-vijabbiltà tal-metodoloġija proposta.
	• Ġestjoni: kemm il-programm ta' ħidma
	  ○ huwa ppreżentat b'mod ċar, huwa komplet u koerenti, b'attenzjoni dovuta biex jiġi ppreżentat l-ippjanar xieraq tal-fażijiet ta' tħejjija, implimentazzjoni, evalwazzjoni, segwitu u tixrid,
	  ○ juri koerenza mal-objettivi u l-attivitajiet tal-proġett.
	• Strateġija ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

Kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni **(punteġġ massimu ta' 25 punt)**	• Profil eċċellenti u kompetenza tad-detentur tal-Katedra fl-istudji tal-Unjoni Ewropea. (kif deskritt fil-paragrafu introduttorju). • Il-pertinenza u l-komplementarjetà tal-profil u l-għarfien espert tad-detentur tal-Katedra u l-persunal ewlieni involut fl-attivitajiet proposti fil-proġett kemm f'termini tal-Istudji tal-Unjoni Ewropea (kif deskritt fil-paragrafu introduttorju) kif ukoll f'termini tat-temi speċifiċi indirizzati mill-proposta. • Evidenza tal-livell ta' esperjenza fir-riċerka f'suġġetti tal-UE.

Impatt
 	
(punteġġ massimu ta' 25 punt)
	L-impatt mistenni tal-proġett billi jkollu effetti fit-tul
	• fuq l-istituzzjoni li tospita l-Azzjoni Jean Monnet,
	• fuq l-studenti li jibbenefikaw mill-Azzjoni Jean Monnet:
	  ○ kurrikuli mtejba jew innovattivi,
	  ○ żieda fil-kapaċità biex jiġu attirati studenti eċċellenti,
	  ○ kooperazzjoni msaħħa ma' sħab minn pajjiżi oħrajn,
	  ○ allokazzjoni akbar tar-riżorsi finanzjarji għat-tagħlim u r-riċerka dwar suġġetti tal-UE fi ħdan l-istituzzjoni,
	  ○ kapaċità akbar ta' tagħlim u riċerka dwar suġġetti tal-UE.
	• fuq organizzazzjonijiet u individwi oħrajn involuti fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u/jew Ewropew.
	Tixrid u komunikazzjoni:
	• L-adegwatezza u l-kwalità tal-miżuri li għandhom l-għan li jxerrdu l-eżiti tal-attivitajiet fi ħdan u barra mill-istituzzjoni li tospita l-Azzjoni Jean Monnet:
	  ○ ixerrdu l-kelma,
	  ○ iqajmu sensibilizzazzjoni dwar il-proġetti u r-riżultati, itejbu l-viżibbiltà tal-parteċipanti u tal-organizzazzjonijiet,
	  ○ jilħqu gruppi barra l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja,
	  ○ it-trasferibbiltà u t-trasformazzjoni f'politiki ġodda u prattiki mtejba.
	• Kemm l-għodod tat-tixrid previsti se jilħaq l-udjenza fil-mira permezz ta':
	  ○ esponiment fil-media (inkluż il-media soċjali, pubblikazzjonijiet, eċċ.)
	  ○ avvenimenti.
	Sostenibbiltà u kontinwazzjoni: il-proposta tinkludi miżuri u riżorsi xierqa biex tiżgura li r-riżultati u l-benefiċċji tal-proġett ikunu sostnuti wara l-ħajja tal-proġett.

Sabiex jiġu kkunsidrati għall-finanzjament, il-proposti jridu jiksbu tal-inqas **70 punt** u **15-il punt f'kull kriterju għall-għoti**. Il-proposti *ex aequo* se jingħataw prijorità skont il-punteġġi li ngħataw għall-kriterju tal-għoti "rilevanza tal-proġett" u mbagħad "impatt".

Il-kriterji għall-għoti li ġejjin japplikaw għaċ-**<u>Ċentri ta' Eċċellenza Jean Monnet</u>**:

Rilevanza tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 25 punt)**	Kemm il-proposta tilħaq l-objettivi tal-attivitajiet Jean Monnet: • tindirizza l-Istudji tal-UE (kif deskritt fil-paragrafu introduttorju), • trawwem djalogu bejn id-dinja akkademika u s-soċjetà, inklużi dawk li jfasslu l-politika fil-livell lokali, reġjonali, statali u tal-UE, l-impjegati taċ-ċivil, l-atturi tas-soċjetà ċivili, ir-rappreżentanti tal-livelli differenti tal-edukazzjoni u tal-media, • tiġġenera għarfien u ideat li jistgħu jappoġġaw it-tfassil tal-politika tal-UE u jsaħħu r-rwol tal-UE f'dinja globalizzata, • tinkludi sensibilizzazzjoni attiva u xogħol edukattiv li se jifirxu l-għarfien dwar suġġetti tal-UE lis-soċjetà usa' (lil hinn mid-dinja akkademika u l-udjenzi speċjalizzati) u se jġibu l-UE aktar qrib il-pubbliku. Kemm il-proposta tilħaq aktar gruppi fil-mira: • tip ta' benefiċjarji tal-għarfien espert taċ-Ċentru propost, • involviment tal-Fakultajiet/tad-Dipartimenti li ma jkunux f'kuntatt ma' studji speċifiċi tal-UE, • għal pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, il-potenzjal li tissaħħaħ id-diplomazija pubblika tal-UE.

Kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett
 	
(punteġġ massimu ta' 25 punt)
	• Metodoloġija: il-kwalità, in-novità u l-fattibbiltà tal-proġett innifsu u l-vijabbiltà tal-metodoloġija proposta.
	• Kemm il-programm ta' ħidma
	  o huwa ppreżentat b'mod ċar, huwa komplet u koerenti, b'attenzjoni dovuta biex jiġi ppreżentat l-ippjanar xieraq tal-fażijiet ta' tħejjija, implimentazzjoni, evalwazzjoni, segwitu u tixrid,
	  o juri koerenza mal-objettivi u l-attivitajiet tal-proġett.
	• Kemm ir-riżorsi assenjati għall-pakketti ta' ħidma huma konformi mal-objettivi u r-riżultati tanġibbli tagħhom.
	• Strateġija ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

Kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni **(punteġġ massimu ta' 25 punt)**	• Il-kwalità u l-valur miżjud tal-parteċipanti fiċ-Ċentru. • Il-pertinenza u l-komplementarjetà tal-profil u l-għarfien espert tal-persunal involut fl-attivitajiet proposti fil-proġett kemm f'termini tal-Istudji tal-Unjoni Ewropea kif ukoll f'termini tat-temi speċifiċi indirizzati mill-proposta. • L-arranġamenti ta' kooperazzjoni fi ħdan l-Istituzzjoni tal-Edukazzjoni Għolja u d-distribuzzjoni tar-rwoli. • L-impenn tal-istituzzjoni għall-iżvilupp u ż-żamma taċ-Ċentru.

Impatt
 	
(punteġġ massimu ta' 25 punt)
	L-impatt mistenni tal-proġett billi jkollu effetti fit-tul
	• fuq l-istituzzjoni li tospita l-Azzjoni Jean Monnet,
	• fuq il-Fakultajiet/id-Dipartimenti li jibbenefikaw mill-Azzjoni Jean Monnet
	  ○ kontenut imtejjeb jew innovattiv, l-iżvilupp ta' perspettivi ġodda ta' riċerka speċifika,
	  ○ żieda fil-kapaċità biex jiġu attirati studenti u riċerkaturi eċċellenti,
	  ○ kooperazzjoni u kapaċità msaħħa sabiex jingħaqdu ma' sħab minn pajjiżi oħrajn,
	  ○ allokazzjoni akbar tar-riżorsi finanzjarji għat-tagħlim u r-riċerka dwar suġġetti tal-UE fi ħdan l-istituzzjoni,
	  ○ kapaċità akbar ta' tagħlim u riċerka dwar suġġetti tal-UE.
	• fuq organizzazzjonijiet u individwi oħrajn involuti fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u/jew Ewropew.
	Tixrid u komunikazzjoni:
	• L-adegwatezza u l-kwalità tal-miżuri li għandhom l-għan li jxerrdu l-eżiti tal-attivitajiet fi ħdan u barra mill-istituzzjoni li tospita l-Azzjoni Jean Monnet:
	  ○ ixerrdu l-kelma,
	  ○ iqajmu sensibilizzazzjoni dwar il-proġetti u r-riżultati, itejbu l-viżibbiltà tal-parteċipanti u tal-organizzazzjonijiet,
	  ○ jilħqu gruppi barra l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja,
	  ○ it-trasferibbiltà u t-trasformazzjoni f'politiki ġodda u prattiki mtejba.
	• Kemm l-għodod tat-tixrid previsti se jilħaq l-udjenza fil-mira permezz ta':
	  ○ esponiment fil-media (inklużi l-media soċjali, pubblikazzjonijiet, eċċ.),
	  ○ Avvenimenti.
	Sostenibbiltà u kontinwazzjoni: il-proposta tinkludi miżuri u riżorsi xierqa biex tiżgura li r-riżultati u l-benefiċċji tal-proġett ikunu sostnuti wara l-ħajja tal-proġett.

Sabiex jiġu kkunsidrati għall-finanzjament, il-proposti jridu jiksbu tal-inqas **70 punt** u **15-il punt f'kull kriterju għall-għoti**. Il-proposti *ex aequo* se jingħataw prijorità skont il-punteġġi li ngħataw għall-kriterju tal-għoti "rilevanza tal-proġett" u mbagħad "impatt".

MIRI ĠEOGRAFIĊI

L-istrumenti ta' azzjoni esterna tal-UE qegħdin jikkontribwixxu għal din l-azzjoni. Il-baġit disponibbli huwa maqsum bejn reġjuni differenti u d-daqs ta' kull pakkett baġitarju huwa differenti. Aktar informazzjoni dwar l-ammonti disponibbli taħt kull pakkett baġitarju se tiġi ppubblikata fuq il-Portal tal-Opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti (FTOP).

Il-miri ġeografiċi stabbiliti għal din l-azzjoni huma dawn li ġejjin:

Għall-Asja: Massimu ta' 75 % tal-finanzjament jista' jiġi allokat lil pajjiżi b'introjtu għoli f'dan ir-reġjun;
Għall-Afrika sub-Saħarjana: Se tingħata prijorità lill-pajjiżi l-inqas żviluppati; għandha ssir enfasi speċjali wkoll fuq il-pajjiżi prijoritarji tal-migrazzjoni u fuq proġetti reġjonali li jinvolvu l-HEIs minn diversi pajjiżi.

IMPATT MISTENNI

KWANTITATTIV

Numru dejjem akbar ta' istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Għolja li jtejbu d-dimensjoni tal-Unjoni Ewropea tad-dixxiplini li jkopru.

Numru dejjem akbar ta' suġġetti tal-Unjoni Ewropea introdotti fit-tagħlim u r-riċerka tal-Fakultajiet/tad-Dipartimenti fejn il-perspettiva tal-UE normalment ma tkunx żviluppata - lil hinn mis-suġġetti tipikament magħrufa għall-assoċjazzjoni tagħhom mal-UE.

KWALITATTIV

Fir-rigward tal-parteċipanti direttament involuti fl-azzjonijiet, l-azzjonijiet tat-"tagħlim u riċerka" Jean Monnet se jipproduċi effetti pożittivi u fit-tul kemm fuq l-istudenti kif ukoll fuq ir-riċerkaturi/il-professuri u:

- jippromwovu d-demokrazija u sens ta' appartenenza għal żona komuni; miżura ta' interess miżjud miż-żgħażagħ fil-politiki Ewropej tista' tiġi vvalutata permezz ta' stħarriġ speċifiku;
- żieda fl-interess fl-approfondiment tal-għarfien dwar il-politiki speċifiċi tal-Unjoni Ewropea, li possibbilment twassal għal parteċipazzjoni aktar attiva fl-attivitajiet tal-UE u fis-servizz pubbliku;
- żieda fl-opportunitajiet għal riċerkaturi żgħażagħ biex isaħħu l-kompetenzi professjonali tagħhom u jagħtu spinta lill-karriera tagħhom.

Fir-rigward tal-organizzazzjonijiet parteċipanti, il-fergħa tat-"tagħlim u riċerka" Jean Monnet se ssaħħaħ dinamika ġdida u:

- iżżid il-kapaċità tal-Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Għolja li jgħallmu suġġetti tal-Unjoni Ewropea
- tattira aktar studenti u għalliema ġodda interessati li jiksbu l-għarfien dwar l-Unjoni Ewropea
- toħloq ċentri strutturati li jipprovdu għarfien speċifiku ta' livell għoli u riċerka avvanzata dwar l-Unjoni Ewropea lill-Fakultajiet/lid-Dipartimenti li jeħtieġu l-appoġġ.

X'INHUMA R-REGOLI TA' FINANZJAMENT?

Din l-azzjoni ssegwi mudell ta' finanzjament ta' somma f'daqqa. Din l-iskema ta' finanzjament tippermetti li ssir enfasi fuq l-outputs aktar milli fuq l-inputs, u b'hekk titqiegħed enfasi fuq il-kwalità u l-livell tal-kisba ta' objettivi li jistgħu jitkejlu.

L-**għotja massima tal-UE** għal kull proġett hija kif ġej:

- Moduli Jean Monnet: EUR **30,000**
- Katedri Jean Monnet: EUR **50,000**
- Ċentri ta' Eċċellenza Jean Monnet: EUR **100,000**

Il-kontribuzzjonijiet ta' somma f'daqqa se jkopru l-kostijiet tal-persunal, il-kostijiet tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza, il-kostijiet tat-tagħmir u tas-subkuntrattar kif ukoll kostijiet oħrajn (tixrid tal-informazzjoni, pubblikazzjoni, traduzzjoni).

Il-Moduli u l-Kattedri Jean Monnet

L-applikanti jeħtiġilhom jitolbu fl-applikazzjoni l-ammont predefinit tas-somma waħda f'daqqa indikata fit-tabelli ta' hawn taħt. It-tabelli ta' hawn taħt juru s-somma f'daqqa totali għal kull pajjiż li tikkorrispondi għan-numru totali ta' sigħat ta' tagħlim. L-ammonti fit-tabella huma l-kontribuzzjoni finali tal-UE peress li l-kofinanzjament ta' 75 % huwa inkorporat.

a.1) Għall-Moduli Jean Monnet għall-Istati Membri tal-UE u għall-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm

Pajjiż/sigħat ta' tagħlim matul il-perjodu ta' tliet snin (minimu ta' 40 siegħa/sena)	Il-Bulgarija, ir-Rumanija, il-Maċedonja ta' Fuq, il-Liechtenstein, is-Serbja	It-Turkija, il-Kroazja, il-Latvja	L-Ungerija, il-Polonja, il-Litwanja, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, is-Slovakkja	Il-Portugall, il-Greċja, is-Slovenja, Malta	Ċipru, l-Iżlanda, Spanja, l-Italja	L-Irlanda, Franza, il-Finlandja	Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, l-Awstrija, l-Iżvezja, in-Norveġja
120-150	EUR 11,500	EUR 13,500	EUR 15,000	EUR 19,000	EUR 22,000	EUR 26,000	EUR 28,000
151-180	EUR 14,500	EUR 16,500	EUR 18,500	EUR 23,000	EUR 27,500	EUR 30,000	EUR 30,000
181-210	EUR 16,500	EUR 19,500	EUR 22,000	EUR 27,000	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000
211-240	EUR 19,000	EUR 22,500	EUR 25,500	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000
241-270	EUR 21,500	EUR 25,500	EUR 29,000	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000
271-300	EUR 24,000	EUR 28,500	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000
301-330	EUR 26,500	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000
331-360	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000

a.2) Moduli Jean Monnet għall-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm

Pajjiż/sigħat ta' tagħlim matul il-perjodu ta' tliet snin (minimu ta' 40 siegħa/sena)	Iċ-Ċilì, Saint Kitts u Nevis, il-Messiku, il-Libja, Antigua u Barbuda, il-Barbados, Pajjiżi oħrajn	Il-Bahrain, Trinidad u Tobago	L-Arabja Sawdija, is-Seychelles, il-Guinea Ekwatorjali, l-Oman, Iżrael	Il-Korea, ir-Repubblika ta' New Zealand	Il-Ġappun, ir-Renju Unit	L-Awstralja, il-Brunej, il-Kanada, Hong Kong, il-Kuwajt, Il-Qatar, Singapore, l-Iżvizzera, l-Emirati Għarab Magħquda, l-Istati Uniti tal-Amerka

120-150	EUR 11,500	EUR 15,000	EUR 19,000	EUR 22,000	EUR 26,000	EUR 28,000
151-180	EUR 14,000	EUR 18,500	EUR 23,000	EUR 27,500	EUR 30,000	EUR 30,000
181-210	EUR 16,500	EUR 22,000	EUR 27,000	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000
211-240	EUR 19,000	EUR 25,500	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000
241-270	EUR 21,500	EUR 29,000	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000
271-300	EUR 24,000	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000
301-330	EUR 26,500	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000
331-360	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000

Aktar dettalji huma deskritti fil-mudell tal-Ftehim ta' Għotja disponibbli fil-Portal tal-Opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti (FTOP).

b.1) Katedri Jean Monnet għall-Istati Membri tal-UE u pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm

Pajjiż/ sigħat ta' tagħlim matul il-perjodu ta' tliet snin (minimu ta' 90 siegħa/sena)	**Il-Bulgarija, ir-Rumanija, il-Maċedonja ta' Fuq, il-Liechtenstein, is-Serbja**	**It-Turkija, il-Kroazja, il-Latvja**	**L-Ungerija, il-Polonja, il-Litwanja, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, is-Slovakkja**	**Il-Portugall, il-Greċja, is-Slovenja, Malta**	**Ċipru, l-Iżlanda, Spanja, l-Italja**	**L-Irlanda, Franza, il-Finlandja**	**Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, l-Awstrija, l-Iżvezja, in-Norveġja**
270-300	EUR 18,000	EUR 19,000	EUR 25,000	EUR 31,000	EUR 37,000	EUR 43,000	EUR 47,000
301-330	EUR 20,000	EUR 21,000	EUR 28,000	EUR 34,000	EUR 41,000	EUR 47,000	EUR 50,000
331-360	EUR 22,000	EUR 23,000	EUR 31,000	EUR 37,000	EUR 45,000	EUR 50,000	EUR 50,000

361-390	EUR 24,000	EUR 25,000	EUR 34,000	EUR 40,000	EUR 49,000	EUR 50,000	EUR 50,000
391-420	EUR 26,000	EUR 27,000	EUR 37,000	EUR 43,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000
421-450	EUR 28,000	EUR 29,000	EUR 40,000	EUR 46,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000
451-480	EUR 30,000	EUR 31,000	EUR 43,000	EUR 49,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000
481-510	EUR 32,000	EUR 33,000	EUR 46,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000
511-540	EUR 34,000	EUR 35,000	EUR 49,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000
541-570	EUR 36,000	EUR 37,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000
571-600	EUR 38,000	EUR 39,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000
601-630	EUR 40,000	EUR 41,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000
631-660	EUR 42,000	EUR 43,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000
661-690	EUR 44,000	EUR 45,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000
691-720	EUR 46,000	EUR 47,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000
721-750	EUR 48,000	EUR 49,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000
>750	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000

b.2) Katedri Jean Monnet għal pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm

Pajjiż/ sigħat ta' tagħlim matul il-perjodu ta' tliet snin	**Iċ-Ċilì, Saint Kitts u Nevis, il-Messiku, il-Libja, Antigua u Barbuda, il-**	**Il-Bahrain, Trinidad u Tobago**	**L-Arabja Sawdija, is-Seychelles, il-Guinea Ekwatorjali, l-**	**Ir-Repubblika tal-Korea, New Zealand**	**Il-Ġappun, ir-Renju Unit**	**L-Awstralja, il-Brunej, il-Kanada, Hong Kong, il-Kuwajt, Il-Qatar,**

(minimu ta' 90 siegħa/sena)	Barbados, Pajjiżi oħrajn		Oman, Iżrael			Singapore, l-Iżvizzera, l-Emirati Għarab Magħquda, l-Istati Uniti tal-Amerka
270-300	EUR 21,000	EUR 24,000	EUR 31,000	EUR 37,000	EUR 43,000	EUR 47,000
301-330	EUR 23,000	EUR 27,000	EUR 34,000	EUR 41,000	EUR 47,000	EUR 50,000
331-360	EUR 25,000	EUR 30,000	EUR 37,000	EUR 45,000	EUR 50,000	EUR 50,000
361-390	EUR 27,000	EUR 33,000	EUR 40,000	EUR 49,000	EUR 50,000	EUR 50,000
391-420	EUR 29,000	EUR 36,000	EUR 43,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000
421-450	EUR 31,000	EUR 39,000	EUR 46,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000
451-480	EUR 33,000	EUR 42,000	EUR 49,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000
481-510	EUR 35,000	EUR 45,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000
511-540	EUR 37,000	EUR 48,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000
541-570	EUR 39,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000
571-600	EUR 41,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000
601-630	EUR 43,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000
631-660	EUR 45,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000
661-690	EUR 47,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000
691-720	EUR 49,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000
721-750	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000
>750	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000	EUR 50,000

Aktar dettalji huma deskritti fil-mudell tal-Ftehim ta' Għotja disponibbli fil-Portal tal-Opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti (FTOP).

a) Ċentri ta' Eċċellenza Jean Monnet

Din l-azzjoni ssegwi mudell ta' finanzjament ta' somma f'daqqa. L-ammont tal-kontribuzzjoni ta' somma waħda f'daqqa se jiġi ddeterminat għal kull għotja abbażi tal-baġit stmat tal-azzjoni proposta mill-applikant. L-awtorità tal-għoti se tistabbilixxi s-somma f'daqqa ta' kull għotja bbażata fuq il-proposta, ir-riżultat tal-evalwazzjoni, ir-rati ta' finanzjament u l-ammont massimu tal-għotja stabbilit fis-sejħa.

Il-kontribuzzjoni massima tal-UE għal kull proġett hija ta' EUR 100 000

Kif tiġi ddeterminata s-somma f'daqqa tal-proġett?

L-applikanti jeħtiġilhom jimlew tabella tal-baġit dettaljata skont il-formola tal-applikazzjoni, filwaqt li jqisu l-punti li ġejjin:

a) Il-baġit għandu jkun dettaljat kif meħtieġ f'pakketti ta' ħidma koerenti (pereżempju maqsum f'"ġestjoni tal-proġetti", "taħriġ", "organizzazzjoni tal-avvenimenti", "preparazzjoni u implimentazzjoni tal-mobbiltà", "komunikazzjoni u tixrid", "assigurazzjoni tal-kwalità", eċċ.);

b) Il-proposta trid tiddeskrivi l-attivitajiet koperti minn kull pakkett ta' ħidma;

c) Fil-proposta tagħhom, l-applikanti jeħtiġilhom jipprovdu tqassim tal-kostijiet stmati li juru s-sehem għal kull pakkett ta' ħidma;

d) Il-kostijiet jistgħu jkopru l-kostijiet tal-persunal, il-kostijiet tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza, il-kostijiet tat-tagħmir u tas-subkuntrattar kif ukoll kostijiet oħrajn (bħat-tixrid tal-informazzjoni, il-pubblikazzjoni jew it-traduzzjoni).

Il-proposti se jiġu evalwati skont il-proċeduri ta' evalwazzjoni standard bl-għajnuna tal-esperti interni u/jew esterni. L-esperti se jivvalutaw il-kwalità tal-proposti, skont ir-rekwiżiti definiti fis-sejħa u l-impatt, il-kwalità u l-effiċjenza mistennija tal-azzjoni.

Wara l-evalwazzjoni tal-proposta, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni se jistabbilixxi l-ammont tas-somma f'daqqa, filwaqt li jqis is-sejbiet tal-valutazzjoni mwettqa. Il-valur tas-somma f'daqqa se jkun limitat għal massimu ta' 80 % tal-baġit stmat iddeterminat wara l-evalwazzjoni.

Il-parametri tal-għotja (l-ammont massimu tal-għotja, ir-rata ta' finanzjament, il-kostijiet totali eliġibbli, eċċ.) se jiġu stabbiliti fil-Ftehim ta' Għotja.

Il-kisbiet tal-proġett se jiġu evalwati fuq l-eżiti mwettqa. L-iskema ta' finanzjament tippermetti li ssir enfasi fuq l-outputs aktar milli fuq l-inputs, u b'hekk titqiegħed enfasi fuq il-kwalità u l-livell tal-kisba tal-objettivi li jistgħu jitkejlu.

Aktar dettalji huma deskritti fil-mudell tal-Ftehim ta' Għotja disponibbli fil-Portal tal-Opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti (FTOP).

AZZJONIJIET JEAN MONNET F'OQSMA OĦRA TAL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ

L-apprendiment dwar l-objettivi u l-funzjonament tal-Unjoni Ewropea huwa parti importanti mill-promozzjoni ta' ċittadinanza attiva u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni.

L-għalliema u l-ħarrieġa huma ħerqana li jinvolvu ruħhom f'opportunitajiet għall-iżvilupp professjonali tagħhom stess; numru sinifikanti ta' għalliema jesprimu l-ħtieġa li jespandu l-kompetenzi tagħhom biex jiżviluppaw atmosfera ta' klassi inklużiva bl-użu tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Innovazzjoni (ICT), u biex jgħallmu fi klassijiet multilingwi u multikulturali. Jeħtieġu wkoll opportunitajiet għall-espansjoni professjonali rigward id-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim fl-iskola, b'mod partikolari dwar it-tagħlim dwar l-Unjoni Ewropea b'modi li jinvolvu lill-istudenti.

L-objettiv kumplessiv huwa li jiġi promoss fehim aħjar, kemm fl-edukazzjoni ġenerali kif ukoll fit-taħriġ vokazzjonali (ISCED 1 – 4), tal-Unjoni Ewropea u l-funzjonament tal-Istituzzjonijiet tagħha u li jiġi indirizzat in-nuqqas mifrux ta' għarfien dwar l-Unjoni Ewropea u ħafna diżinformazzjoni, li dawn min-naħa tagħhom iżidu d-diżillużjoni tal-persuni dwar l-Unjoni u l-politiki tagħha.

TAĦRIĠ TAL-GĦALLIEMA JEAN MONNET

L-Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Għolja jew l-Istituti/Aġenziji tat-Taħriġ tal-Għalliema se jorganizzaw attivitajiet fil-qafas ta' din l-azzjoni li jippermettu lill-għalliema fl-iskejjel u lill-forniturі tal-Edukazzjoni u t-taħriġ Vokazzjonali (VET) jiżviluppaw ħiliet ġodda, biex jgħallmu u jinvolvu ruħhom fi kwistjonijiet tal-UE, u b'hekk jagħtuhom is-setgħa permezz ta' fehim aħjar tal-UE u l-funzjonament tagħha.

Il-korpi tat-taħriġ tal-għalliema (kemm għall-edukazzjoni inizjali tal-għalliema kif ukoll għall-iżvilupp professjonali kontinwu għall-għalliema) se jsaħħu l-għarfien u l-ħiliet interni tagħhom dwar it-tagħlim fuq kwistjonijiet tal-UE, u b'hekk, l-għalliema se jkunu mgħammra aħjar meta jintroduċu kontenut tal-UE fl-attivitajiet tagħhom.

L-attivitajiet ta' Taħriġ tal-Għalliema se jappoġġaw lill-persunal edukattiv fl-iskejjel u lill-forniturі tal-VET (ISCED 1 – 4).

OBJETTIVI TAL-AZZJONI

It-Taħriġ tal-Għalliema Jean Monnet għandu l-għan li jappoġġa l-iskejjel u l-forniturі tal-VET fl-ippjanar, l-organizzazzjoni u t-twassil tal-kontenut tal-UE fl-attivitajiet kurrikulari u ekstrakurrikulari tagħhom. L-objettivi ewlenin huma li:

- jippermettu lill-iskejjel u lill-forniturі tal-VET (ISCED 1- 4) jibnu għarfien dwar l-UE fost il-persunal tat-tagħlim tagħhom;
- joffru proposti ta' taħriġ strutturat fuq is-suġġetti dwar l-UE għall-iskejjel u l-forniturі tal-VET, jipprovdu kontenut u metodoloġiji għat-tagħlim tal-għalliema f'diversi livelli, minn sfondi u esperjenzi differenti;
- jipprovdu korsijiet speċifiċi ta' taħriġ individwali jew fi gruppi (modulari, residenzjali, imħallat jew online) għall-għalliema li huma interessati fl-UE u li lesti jintegraw is-suġġetti dwar l-UE fix-xogħol ta' kuljum tagħhom;
- irawmu l-fiduċja tal-għalliema fl-integrazzjoni tal-perspettiva tal-UE fix-xogħol tagħhom ta' kuljum.

LIEMA HUMA L-KRITERJI LI GĦANDHOM JIĠU SSODISFATI BIEX WIEĦED JAPPLIKA GĦAT-TAĦRIĠ/EDUKAZZJONI TAL-GĦALLIEMA JEAN MONNET?

KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ

Min jista' japplika?	L-applikanti jeħtiġilhom ikunu: - Istituzzjoni tal-Edukazzjoni Għolja li tipprovdi taħriġ inizjali u/jew fuq il-lant tax-xogħol lill-għalliema tal-iskejjel u/jew tal-istituzzjonijiet tal-VET (ISCED 1 - 4) u li jkollha ECHE valida; jew - Istituzzjoni/Aġenzija tat-Taħriġ/tal-Edukazzjoni tal-Għalliema li tipprovdi taħriġ inizjali u/jew fuq il-lant tax-xogħol lill-għalliema tal-iskejjel u/jew tal-istituzzjonijiet tal-VET (ISCED 1 - 4). L-applikanti jeħtiġilhom ikunu stabbiliti fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm.
Kompożizzjoni tal-konsorzju	Huma permessi biss applikazzjonijiet minn applikanti uniċi (benefiċjarji uniċi).
Durata tal-proġett	Normalment il-proġetti għandhom idumu 36 xahar (jistgħu jsiru estensjonijiet, jekk ikunu ġġustifikati kif xieraq u permezz ta' emenda).
Fejn napplika?	Mal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA) ID tas-Sejħa: ERASMUS-JMO-2023-OFET-TT
Meta napplika?	L-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għal għotja sal-**14 ta' Frar fil-17.00.00 (ħin ta' Brussell)**

L-organizzazzjonijiet applikanti se jiġu vvalutati skont il-kriterji tal-esklużjoni u tal-għażla rilevanti. Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkonsulta l-Parti C ta' din il-Gwida.

STABBILIMENT TA' PROĠETT

Għalliema mgħammra b'metodoloġiji ġodda u innovattivi biex jipproponu kontenut dwar l-Unjoni Ewropea lill-istudenti se jgħinu biex jiġu introdotti fatti u għarfien dwar l-Unjoni Ewropea f'attivitajiet kurrikulari u ekstrakurrikulari.

L-Istitut/Aġenzija għat-Taħriġ tal-Għalliema - hija istituzzjoni li fost l-attivitajiet ewlenin tagħha għandha l-provvista tat-taħriġ/tal-edukazzjoni tal-għalliema.

L-attivitajiet ta' **Taħriġ/Edukazzjoni tal-Għalliema** Jean Monnet għandhom jinkludu t-tħejjija u t-twassil ta' attivitajiet ta' taħriġ/edukazzjoni għall-għalliema. Dawn l-attivitajiet jistgħu jieħdu l-forma ta' korsijiet jew moduli mmirati inkluż l-apprendiment mill-bogħod (MOOC u/jew attivitajiet imħallta). **It-Taħriġ/l-Edukazzjoni** tal-Għalliema għandu jkun formali u jintemm b'ċertifikat.

L-attivitajiet proposti għandhom jinkludu wkoll appoġġ lill-parteċipanti (eż. kontribuzzjoni għall-ivvjaġġar u s-sussistenza, l-għoti ta' manwali u għodod speċifiċi oħrajn, eżenzjoni mit-tariffi).

It-**Taħriġ/l-Edukazzjoni tal-Għalliema** Jean Monnet irid jirrispetta waħda minn dawn li ġejjin:

- taħriġ dwar il-metodoloġiji tat-tagħlim sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet tal-Unjoni Ewropea;
- taħriġ dwar kwistjonijiet tal-Unjoni Ewropea;
- esperjenzi ta' apprendiment fuq is-suġġetti dwar l-Unjoni Ewropea li jikkomplementaw korsijiet diġà eżistenti (l-apprendiment kollaborattiv fost il-klassijiet, il-kotagħlim);

- seminars, korsijiet tas-sajf u intensivi, tipi oħrajn ta' esperjenzi tal-UE li jinvolvu partijiet ikkonċernati oħrajn.

Dan ta' hawn fuq jista' jsir permezz ta':

- L-għoti ta' gwida *ad hoc* għall-għażla tat-taħriġ;
- Taħriġ fiżiku, online u/jew imħallat.

IMPATT MISTENNI

Kwantitattiv

- in-numru ta' benefiċjarji minn Stat Membru tal-UE jew pajjiż terz assoċjat mal-Programm / reġjun
- in-numru **ta' benefiċjarji tat-taħriġ/edukazzjoni** tal-għalliema skont il-pajjiż/ir-reġjun

Kwalitattiv

It-Taħriġ/l-Edukazzjoni tal-Għalliema Jean Monnet huwa mistenni jġib effetti pożittivi u fit-tul kemm lill-organizzazzjonijiet li jipprovdu taħriġ inizjali u/jew fuq il-lant tax-xogħol lill-għalliema kif ukoll lill-parteċipanti fl-attivitajiet tagħhom.

It-Taħriġ tal-Għalliema se jżid l-opportunitajiet għall-persunal tat-tagħlim f'termini ta' żvilupp professjonali u tal-karriera.

L-attivitajiet appoġġati mit-**Taħriġ/l-Edukazzjoni tal-Għalliema Jean Monnet** għandhom l-għan li jipproduċu l-eżiti li ġejjin:

- għalliema mgħammra aħjar permezz tal-akkwist ta' metodoloġiji sabiex jgħallmu kwistjonijiet tal-Unjoni Ewropea;
- kapaċità akbar sabiex jgħallmu s-suġġetti dwar l-UE;
- għarfien akbar dwar is-suġġetti tal-UE;
- offerta estiża ta' taħriġ speċifiku minn organizzazzjonijiet li jipprovdu taħriġ inizjali u/jew fuq il-lant tax-xogħol lill-għalliema.

KRITERJI GĦALL-GĦOTI

Il-proġetti se jiġu vvalutati skont il-kriterji li ġejjin:

Rilevanza tal-proġett
 	
(punteġġ massimu ta' 25 punt)
	• Kemm il-proposta tilħaq l-objettivi tal-azzjoni Jean Monnet:
	  ○ tindirizza l-Istudji tal-UE (kif deskritt fil-paragrafu introduttorju),
	  ○ tippermetti lill-għalliema fl-iskejjel jiżviluppaw ħiliet ġodda,
	  ○ tagħti fehim aħjar tal-UE u l-funzjonament tagħha,
	  ○ tippermetti lill-għalliema jintroduċu kontenut tal-UE fl-attivitajiet tagħhom.
	• Kemm il-proposta tilħaq il-gruppi prijoritarji fil-mira:
	  ○ skejjel u fornituri tal-VET (ISCED 1 - 4),
	  ○ Għalliema.

Kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett
 	
(punteġġ massimu ta' 25 punt)
	• Metodoloġija: il-kwalità, in-novità u l-fattibbiltà tal-proposta nnifisha u l-vijabbiltà tal-metodoloġija tagħha.
	• Kemm il-programm ta' ħidma:
	  ○ huwa ppreżentat b'mod ċar, huwa komplet u koerenti, b'attenzjoni dovuta biex jiġi ppreżentat l-ippjanar xieraq tal-fażijiet ta' tħejjija, implimentazzjoni, evalwazzjoni, segwitu u tixrid,
	  ○ juri koerenza mal-objettivi u l-attivitajiet tal-proposta,
	  ○ jinkludi appoġġ lill-parteċipanti (eż. kontribuzzjoni għall-ivvjaġġar u s-sussistenza, provvista ta' manwali u għodod speċifiċi oħrajn, eżenzjoni mit-tariffi).
	• Kemm ir-riżorsi assenjati għall-pakketti ta' ħidma huma konformi mal-objettivi u r-riżultati tanġibbli tagħhom.
	• Strateġija ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

Kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni
 	
(punteġġ massimu ta' 25 punt)
	• Il-livell ta' kompetenza u l-valur miżjud tat-tim:
	  ○ Il-pertinenza u l-komplementarjetà tal-profil u l-għarfien espert tal-persunal ewlieni involut fl-attivitajiet proposti (fl-oqsma akkademiċi u mhux akkademiċi, jekk xierqa):
	  ▪ f'termini ta' Studji tal-Unjoni Ewropea (kif deskritt fil-paragrafu introduttorju),
	  ▪ f'termini tat-tema speċifika indirizzata mill-proposta.

Impatt
 	
(punteġġ massimu ta' 25 punt)
	• L-impatt mistenni tat-taħriġ tal-għalliema u l-effetti fit-tul tiegħu:
	Fuq l-iskejjel u l-forniturі tal-VET (ISCED 1 – 4),
	  ○ kapaċità akbar biex jgħallmu dwar is-suġġetti tal-UE,
	  ○ kontenut imtejjeb jew innovattiv, l-iżvilupp ta' perspettivi ġodda biex jiġu inklużi s-suġġetti tal-UE fil-kurrikuli,
	  ○ fuq l-istituzzjoni li torganizza l-attivitajiet,
	  ○ kooperazzjoni u kapaċità msaħħa biex jingħaqdu ma' sħab,
	  ○ in-numru u l-livell tat-taħriġ propost u n-numru potenzjali ta' benefiċjarji,
	  ○ żieda fl-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji biex jissaħħu l-attivitajiet ta' taħriġ aktar immirati fi ħdan l-istituzzjoni.
	
	Fuq il-benefiċjarji mill-Azzjoni Jean Monnet
	  ○ Jissaħħu l-ħiliet tal-għalliema dwar il-kontenut tal-UE fl-attivitajiet tagħhom.
	
	• Tixrid u komunikazzjoni:
	  ○ L-adegwatezza u l-kwalità tal-azzjonijiet li għandhom l-għan li jxerrdu l-eżiti tal-attivitajiet fi ħdan l-istituzzjoni li tospita l-Azzjoni Jean Monnet u lil hinn minnha,
	  ○ iqajmu sensibilizzazzjoni dwar il-proġetti u r-riżultati, itejbu l-viżibbiltà tal-parteċipanti u tal-organizzazzjonijiet,
	  ○ jilħqu gruppi barra mill-grupp fil-mira dirett,
	  ○ Kemm l-għodod tat-tixrid previsti se jilħqu l-udjenza fil-mira,
	  ○ Sostenibbiltà u kontinwazzjoni: il-proposta tinkludi miżuri u riżorsi xierqa biex tiżgura li r-riżultati u l-benefiċċji tal-proġett ikunu sostnuti wara l-ħajja tal-proġett.

Sabiex jiġu kkunsidrati għall-finanzjament, il-proposti jridu jiksbu tal-inqas **70 punt** u mill-inqas **15-il punt f'kull kriterju għall-għoti**.Il-proposti *ex aequo* fi ħdan l-istess suġġett se jingħataw prijorità skont il-punteġġi li ngħataw għall-kriterju tal-għoti "rilevanza tal-proġett" u mbagħad "impatt".

X'INHUMA R-REGOLI TA' FINANZJAMENT?

Din l-azzjoni ssegwi mudell ta' finanzjament ta' somma f'daqqa. L-ammont tal-kontribuzzjoni ta' somma waħda f'daqqa se jiġi ddeterminat għal kull għotja abbażi tal-baġit stmat tal-azzjoni proposta mill-applikant. L-awtorità tal-għoti se tistabbilixxi s-somma f'daqqa ta' kull għotja bbażata fuq il-proposta, ir-riżultat tal-evalwazzjoni, ir-rati ta' finanzjament u l-ammont massimu tal-għotja stabbilit fis-sejħa.

Il-**kontribuzzjoni massima tal-UE** għal kull proġett hija ta' EUR 300,000

<u>Kif tiġi ddeterminata s-somma f'daqqa tal-proġett?</u>

L-applikanti jeħtiġilhom jimlew tabella tal-baġit dettaljata skont il-formola tal-applikazzjoni, filwaqt li jqisu l-punti li ġejjin:

a) Il-baġit għandu jkun dettaljat kif meħtieġ mill-benefiċjarju/i u organizzat f'pakketti ta' ħidma koerenti (pereżempju maqsum f'"ġestjoni tal-proġetti", "taħriġ", "organizzazzjoni tal-avvenimenti", "preparazzjoni u implimentazzjoni tal-mobbiltà", "komunikazzjoni u tixrid", "assigurazzjoni tal-kwalità", eċċ.);

b) Il-proposta trid tiddeskrivi l-attivitajiet koperti minn kull pakkett ta' ħidma;

c) Fil-proposta tagħhom, l-applikanti jeħtiġilhom jipprovdu tqassim tal-kostijiet stmati li juru s-sehem għal kull pakkett ta' ħidma (u, fi ħdan kull pakkett ta' ħidma, is-sehem assenjat lil kull benefiċjarju u entità affiljata);

d) Il-kostijiet jistgħu jkopru l-kostijiet tal-persunal, il-kostijiet tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza, il-kostijiet tat-tagħmir u tas-subkuntrattar kif ukoll kostijiet oħrajn (bħat-tixrid tal-informazzjoni, il-pubblikazzjoni jew it-traduzzjoni).

Il-proposti se jiġu evalwati skont il-proċeduri ta' evalwazzjoni standard bl-għajnuna tal-esperti interni u/jew esterni. L-esperti se jivvalutaw il-kwalità tal-proposti, skont ir-rekwiżiti definiti fis-sejħa u l-impatt, il-kwalità u l-effiċjenza mistennija tal-azzjoni

Wara l-evalwazzjoni tal-proposta, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni se jistabbilixxi l-ammont tas-somma f'daqqa, filwaqt li jqis is-sejbiet tal-valutazzjoni mwettqa. Il-valur tas-somma f'daqqa se jkun limitat għal massimu ta' 80 % tal-baġit stmat iddeterminat wara l-evalwazzjoni.

Il-parametri tal-għotja (l-ammont massimu tal-għotja, ir-rata ta' finanzjament, il-kostijiet totali eliġibbli, eċċ.) se jiġu stabbiliti fil-Ftehim ta' Għotja.

Il-kisbiet tal-proġett se jiġu evalwati fuq l-eżiti mwettqa. L-iskema ta' finanzjament tippermetti li ssir enfasi fuq l-outputs aktar milli fuq l-inputs, u b'hekk titqiegħed enfasi fuq il-kwalità u l-livell tal-kisba tal-objettivi li jistgħu jitkejlu.

Aktar dettalji huma deskritti fil-mudell tal-Ftehim ta' Għotja disponibbli fil-Portal tal-Opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti (FTOP).

INIZJATTIVI GĦALL-APPRENDIMENT DWAR L-UE F'OQSMA OĦRA TAL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ

L-inizjattivi għall-Apprendiment dwar l-UE se jappoġġaw lill-iskejjel u lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ Vokazzjonali (VETs), ISCED 1 – 4, u b'hekk jippermettulhom jipprovdu kontenut speċifiku dwar suġġetti bbażati fl-UE (id-demokrazija, l-istorja tal-UE, kif taħdem l-UE, id-diversità kulturali – fost oħrajn). L-attivitajiet għandhom jiġu mgħallma matul is-sena skolastika u jistgħu jinkludu ġimgħat tal-proġett, żjarat ta' studju, u attivitajiet immersivi oħrajn.

L-attivitajiet se jiġu offruti mill-iskejjel u mill-VETs (ISCED 1 – 4). Dawn jistgħu jfasslu u jwasslu kontenut dwar kwistjonijiet tal-UE u joħolqu esperjenzi ta' apprendiment huma stess jew bl-appoġġ ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jew ta' organizzazzjonijiet rilevanti oħrajn (NGOs, Assoċjazzjonijiet, eċċ.). L-attivitajiet organizzati taħt din it-taqsima se jagħtu spinta lill-apprendiment dwar l-Unjoni Ewropea b'modi li jispiraw. Dawn se jgħinu lill-istudenti jsaħħu s-sens ta' appartenenza tagħhom mal-UE, l-impatt li għandha fuq ħajjithom u l-fehim tagħhom dwar il-mekkaniżmi u l-politiki tal-UE.

OBJETTIVI TAL-AZZJONI

L-**Inizjattivi Jean Monnet għall-Apprendiment dwar l-UE** se jrawmu l-introduzzjoni ta' perspettiva tal-Unjoni Ewropea fil-kultura edukattiva tal-iskejjel u l-VETs (ISCED 1-4) u se jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-identità Ewropea u ċ-ċittadinanza attiva fost l-istudenti u l-għalliema.

- Sabiex **jagħtu s-setgħa lill-għalliema** li jgħallmu dwar l-UE permezz ta' metodi li jinvolvu lill-istudenti u jġibu fatti u għarfien dwar l-Unjoni Ewropea lill-istudenti tagħhom;
- Biex **itejbu l-eżiti tal-apprendiment** dwar kwistjonijiet tal-UE;
- Biex isaħħu **l-litteriżmu dwar l-UE** fl-iskejjel (ISCED 1-4);
- Ħalli joħolqu interess fl-Unjoni Ewropea u jikkostitwixxu bażi **għat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni tal-istudenti fil-proċess demokratiku** u jħalluhom mgħammra aħjar sabiex isiru ċittadini attivi.

LIEMA HUMA L-KRITERJI LI GĦANDHOM JIĠU SSODISFATI BIEX WIEĦED JAPPLIKA GĦALL-INIZJATTIVI JEAN MONNET GĦALL-APPRENDIMENT DWAR L-UE?

KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ

Min jista' japplika?	L-applikanti jeħtiġilhom ikunu: - skola jew istituzzjoni tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali (VET) (ISCED 1 - 4); - stabbiliti fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm.
Kompożizzjoni tal-konsorzju	Huma permessi biss applikazzjonijiet minn applikanti uniċi (benefiċjarji uniċi).
Attivitajiet eliġibbli	Inizjattiva Jean Monnet għall-Apprendiment dwar l-UE trid tiġi implimentata għal minimu ta' 40 siegħa tagħlim għal kull sena skolastika għal tliet snin konsekuttivi b'rabta ma' suġġetti bbażati fl-UE.
Durata tal-proġett	Normalment il-proġetti għandhom idumu 36 xahar (jistgħu jsiru estensjonijiet, jekk ikunu ġġustifikati kif xieraq u permezz ta' emenda).
Fejn napplika?	Mal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA) ID tas-Sejħa: ERASMUS-JMO-2023-OFET-LEARNING-EU
Meta napplika?	L-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għal għotja sal-**14 ta' Frar fil-17:00:00 (ħin ta' Brussell)**

STABBILIMENT TA' PROĠETT

L-inizjattivi Jean Monnet għall-Apprendiment dwar l-UE huma speċifikament immirati lejn l-iskejjel u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VETs) (ISCED 1 – 4). **L-inizjattivi Jean Monnet għall-Apprendiment dwar l-UE** jridu jirrispettaw waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

- it-tagħlim dwar kwistjonijiet tal-Unjoni Ewropea inkorporati uffiċjalment fil-kurrikuli (it-tagħlim f'suġġett eżistenti wieħed jew aktar)
- esperjenzi ta' apprendiment dwar suġġetti tal-Unjoni Ewropea li jikkomplementaw korsijiet diġà eżistenti: apprendiment kollaborattiv, kotagħlim, fost suġġetti oħrajn
- seminars ekstrakurrikulari, żjarat ta' studju, tipi oħrajn ta' esperjenzi tal-UE li jinvolvu organizzazzjonijiet oħrajn

Għall-iskop tal-azzjoni, siegħa ta' tagħlim tinftiehem bħala siegħa ta' esperjenza ta' apprendiment fil-kuntest tal-attivitajiet tal-iskola jew tal-VET. Dan jista' jkun tagħlim fil-klassi jew mhux fil-klassi (jiġifieri workshops, laqgħat mal-esperti, żjarat ta' studju) iżda jeħtieġ ikun marbut ma' eżiti konkreti ta' apprendiment u ma' studji tal-UE/tal-valuri tal-UE.

IMPATT MISTENNI

Kwantitattiv

- numru akbar ta' skejjel u VETs (ISCED 1 – 4) li jgħallmu dwar kwistjonijiet tal-Unjoni Ewropea skont l-Istat Membru tal-UE jew il-pajjiż terz assoċjat mal-Programm.
- numru akbar ta' klassijiet fl-iskejjel u fil-VETs (ISCED 1 – 4) involuti fl-esperjenzi ta' apprendiment dwar suġġetti tal-Unjoni Ewropea
- numru akbar ta' oqsma ta' suġġett ewlenin, jew attivitajiet ekstrakurrikulari, fejn l-UE qiegħda tiġi mgħallma fl-iskejjel u fil-VETs (ISCED 1-4) għal kull Stat Membru tal-UE jew pajjiż terz assoċjat mal-Programm.
- numru akbar ta' għalliema sabiex jinvolvu ruħhom fit-titjib tal-litteriżmu dwar l-UE

Kwalitattiv

Fir-rigward tal-**parteċipanti** direttament involuti fl-azzjonijiet, l-**inizjattivi Jean Monnet għall-Apprendiment dwar l-UE** se jipproduċu effetti pożittivi u fit-tul fuq l-iskejjel u l-VETs (ISCED 1 –4) għall-**istudenti u l-għalliema, inkluż permezz ta'**:

- titjib fil-kwalità ta' metodi innovattivi ta' tagħlim u apprendiment tal-UE, b'attenzjoni partikolari għall-prijoritajiet tal-UE[305]
- żieda fl-opportunitajiet għall-persunal tat-tagħlim f'termini ta' żvilupp professjonali
- riżultati mtejba tal-apprendiment dwar l-UE ta' studenti li jkunu mgħammra aħjar b'għarfien u fehim tal-UE, l-istorja, il-valuri, l-objettivi tagħha kif ukoll l-istituzzjonijiet, il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet li jinfluwenzaw il-ħajja ta' kuljum taż-żgħażagħ Ewropej
- ħsieb kritiku msaħħaħ dwar l-UE permezz tat-twassil ta' fatti u għarfien f'sitwazzjonijiet ta' klassi u attivitajiet oħrajn tal-iskola bħal żjarat ta' studju, skambji, proġetti, sabiex tintwera l-importanza taċ-ċittadinanza u d-drittijiet tal-UE

[305] Informazzjoni dwar il-prijoritajiet tal-Kummissjoni Ewropea għall-2019-2024 hija disponibbli hawnhekk: https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024_mt

Fir-rigward tal-organizzazzjonijiet parteċipanti, **l-inizjattivi Jean Monnet għall-Apprendiment dwar l-UE** se ssaħħaħ dinamika ġdida u se:

- iżżid u tissistematizza l-kapaċità tagħhom li jgħallmu dwar suġġetti tal-Unjoni Ewropea b'approċċ multidixxiplinarju
- tattira aktar għalliema u studenti ġodda interessati li jiksbu fatti u għarfien dwar l-UE

KRITERJI GĦALL-GĦOTI

Il-proġetti se jiġu vvalutati skont il-kriterji li ġejjin:

Rilevanza tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 25 punt)**	Il-proposta trid turi r-rilevanza meta mqabbla mal-objettivi ta' din l-azzjoni u fost l-oħrajn, se titqies ir-rilevanza, permezz ta': • it-tip u n-numru ta' suġġetti tal-UE proposti għall-proġett • l-innovazzjoni u l-kreattività fil-proposta • l-użu ta' metodoloġija diġitali – fejn possibbli • il-metodoloġiji ġodda ta' tagħlim u apprendiment biex is-suġġetti tal-Unjoni Ewropea jsiru aktar attraenti u mfassla apposta għall-ħtiġijiet tal-istudenti
Kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett **(massimu ta' 25 punt)**	F'termini ta' kwalità, il-proposta għandha turi: • il-kwalità u l-fattibbiltà tal-metodoloġija proposta • il-metodoloġiji tat-tagħlim użati, inklużi l-lekċers fi gruppi, is-seminars, it-tutorials, l-apprendiment mill-bogħod iżda mhux l-istruzzjoni individwali • evidenza taċ-ċarezza u s-sustanza tal-programm ta' ħidma propost, fil-fażijiet kollha tiegħu (tħejjija, implimentazzjoni, evalwazzjoni u segwitu)
Kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni **(massimu ta' 25 punt)**	Il-proposta tal-proġett għandha tipprovdi: • evidenza ta' impenn ċar tal-ġestjoni tal-iskejjel/tal-VET • evidenza ta' impenn ċar b'appoġġ għall-għalliema fit-tħejjija tal-kontenut kif ukoll fl-attivitajiet ta' tagħlim tagħhom • evidenza tal-monitoraġġ tal-attivitajiet u l-viżibbiltà tar-riżultati miksuba mill-persunal involut f'din l-inizjattiva • evidenza tal-involviment tal-persunal bil-ħiliet pedagoġiċi rilevanti
Impatt, tixrid u sostenibbiltà **(massimu ta' 25 punt)**	Il-proposta tal-proġett għandha tipprovdi: • evidenza ta' miżuri u riżorsi xierqa biex tiżgura li r-riżultati u l-benefiċċji jkunu sostnuti wara l-ħajja tal-proġett • deskrizzjoni ċara tal-istrateġija ta' tixrid fi ħdan l-istituzzjoni u lil hinn minnha • spjegazzjoni tal-impatt mistenni fuq l-iskejjel u l-VETs (ISCED 1 – 4), fuq l-istudenti tal-iskola, l-istudenti u l-għalliema li jibbenefikaw mill-attivitajiet

Sabiex jiġu kkunsidrati għall-finanzjament, il-proposti jridu jiksbu tal-inqas **70 punt** u mill-inqas **15-il punt f'kull kriterju għall-għoti**.Il-proposti *ex aequo* fi ħdan l-istess suġġett se jingħataw prijorità skont il-punteġġi li ngħataw għall-kriterju tal-għoti "rilevanza tal-proġett" u mbagħad "impatt".

X'INHUMA R-REGOLI TA' FINANZJAMENT?

Din l-azzjoni ssegwi mudell ta' finanzjament ta' somma f'daqqa. Din l-iskema ta' finanzjament tippermetti li ssir enfasi fuq l-outputs aktar milli fuq l-inputs, u b'hekk titqiegħed enfasi fuq il-kwalità u l-livell tal-kisba ta' objettivi li jistgħu jitkejlu. L-għotja massima tal-UE għal kull proġett hija ta' EUR **30,000.**

Il-kontribuzzjonijiet ta' somma f'daqqa se jkopru l-kostijiet tal-persunal, il-kostijiet tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza, il-kostijiet tat-tagħmir u tas-subkuntrattar kif ukoll kostijiet oħrajn (tixrid tal-informazzjoni, pubblikazzjoni, traduzzjoni).

L-applikanti jeħtiġilhom jitolbu l-ammont predefinit tas-somma waħda f'daqqa indikata, li tikkorrispondi għall-pajjiż, kif indikat fit-tabella ta' hawn taħt. Innota li s-somma f'daqqa għal kull pajjiż tirrifletti n-numru totali ta' sigħat ta' tagħlim fuq perjodu ta' tliet snin. L-ammonti fit-tabella jirrappreżentaw il-kontribuzzjoni finali tal-UE b'rata ta' kofinanzjament ta' 80 %.

Inizjattivi għall-Apprendiment dwar l-UE							
Pajjiżi/ sigħat ta' tagħlim matul il-perjodu ta' tliet snin (minimu ta' 40 siegħa/sena)	**Il-Bulgarija, ir-Rumanija, il-Maċedonja ta' Fuq, il-Liechtenstein, is-Serbja**	**It-Turkija, il-Kroazja, il-Latvja**	**L-Ungerija, il-Polonja, il-Litwanja, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, is-Slovakkja**	**Il-Portugall, il-Greċja, is-Slovenja, Malta**	**Ċipru, l-Iżlanda, Spanja, l-Italja**	**L-Irlanda, Franza, il-Finlandja**	**Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, l-Awstrija, l-Iżvezja, in-Norveġja**
120-150 siegħa ta' tagħlim	EUR 10,250	EUR 12,000	EUR 13,500	EUR 17,000	EUR 19,750	EUR 23,250	EUR 25,000
151-180 siegħa ta' tagħlim	EUR 12,500	EUR 14,750	EUR 16,500	EUR 20,500	EUR 24,500	EUR 28,500	EUR 30,000
181-210 sigħat tagħlim	EUR 14,750	EUR 17,500	EUR 19,750	EUR 24,000	EUR 29,000	EUR 30,000	EUR 30,000
211 - 240 siegħa ta' tagħlim	EUR 17,000	EUR 20,000	EUR 22,750	EUR 27,750	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000
≥241 siegħa tagħlim	EUR 19,250	EUR 22,750	EUR 26,000	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000	EUR 30,000

DIBATTITU TA' ORJENTAZZJONI JEAN MONNET

Networks tematiċi kbar fl-Edukazzjoni Għolja (b'mod indikattiv network wieħed dwar kwistjonijiet interni tal-UE u żewġ networks dwar kwistjonijiet ta' politika barranija li jindirizzaw prijoritajiet speċifiċi se jiġu appoġġati din is-sena) se jkollhom bħala objettiv primarju li jiġbru, jikkondividu u jiddiskutu fost is-sħab is-sejbiet tar-riċerka, il-kontenut ta' korsijiet u esperjenzi, il-prodotti (studji, artikli, eċċ.). Kull network se jistabbilixxi għodda li tippermetti lis-sħab jikkondividu x-xogħlijiet akkademiċi tagħhom u jwettqu eżerċizzji ta' rieżami bejn il-pari, u se jikkummenta wkoll dwar id-dokumenti ppubblikati. Il-koordinatur tan-network se jagħżel regolarment l-aktar riżultati innovattivi u interessanti li għandhom jiġu pprovduti lill-Kummissjoni.

Fl-2023 huma previsti tliet networks tematiċi:

- In-Network Jean Monnet dwar il-politika interna: It-Trasformazzjoni Diġitali fl-Ewropa
- In-Network Jean Monnet dwar il-politika esterna: Il-Valuri u d-Demokrazija
- In-Network Jean Monnet dwar il-politika esterna: UE-Afrika

L-għan aħħari tan-networks tematiċi huwa li jipprovdu feedback regolari (eż. bullettin online) dwar l-aktar prattiki avvanzati u innovattivi fil-qasam, li jappoġġaw u jżidu l-valur għad-dibattitu.

In-networks Jean Monnet f'oqsma oħra tal-edukazzjoni u t-taħriġ se jrawmu l-ħolqien u l-iżvilupp ta' networks ta' skejjel u istituzzjonijiet tal-VET li għandhom l-għan li jiskambjaw prattiki tajba, jikkondividu l-esperjenzi kemm dwar il-kontenut kif ukoll dwar il-metodoloġiji u jibnu għarfien fit-tagħlim ta' kwistjonijiet Ewropej. In-networks għandhom jiffokaw b'mod partikolari fuq it-twassil tal-fatti u l-għarfien dwar l-UE lill-istudenti tagħhom b'mod innovattiv u kreattiv.

L-applikanti fil-mira ta' din is-sejħa huma skejjel u istituti ta' taħriġ vokazzjonali stabbiliti fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-programm.

NETWORKS TEMATIĊI FL-EDUKAZZJONI GĦOLJA

Il-kriterji tal-eliġibbiltà li ġejjin japplikaw għan-**networks** Jean Monnet fl-edukazzjoni għolja

Min jista' japplika?	**Għan-network dwar kwistjonijiet interni tal-UE: It-Trasformazzjoni Diġitali fl-Ewropa**, l-applikanti (koordinatur u sħab sħaħ) jeħtiġilhom ikunu: • istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja (HEI) li jkollha ECHE valida; • stabbilita fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm **Għan-network dwar kwistjonijiet ta' politika esterna: Il-Valuri u d-Demokrazija, l-applikanti (koordinatur u sħab sħaħ) jeħtiġilhom ikunu**: • istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja (HEI); • stabbiliti fi Stat Membru tal-UE, f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm jew f'pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm; Il-HEIs stabbiliti fl-Istati Membri tal-UE u f'pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm irid ikollhom ECHE valida. L-ECHE ma hijiex meħtieġa għall-HEIs parteċipanti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm Eċċezzjoni: l-organizzazzjonijiet mill-Belarussja (ir-Reġjun 2) u mill-Federazzjoni Russa (ir-Reġjun 4) ma humiex eliġibbli biex jipparteċipaw f'din l-azzjoni. **Għan-network dwar kwistjonijiet ta' politika esterna: UE-Afrika**, l-applikanti

	(koordinatur u sħab sħaħ) jeħtiġilhom ikunu: • istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja (HEI); • stabbiliti fi Stat Membru tal-UE, f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm jew fil-pajjiżi terzi li ġejjin mhux assoċjati mal-Programm: il-pajjiżi tal-Afrika sub-Saħarjana (ir-reġjun 9); l-Alġerija, l-Eġittu, il-Libja, il-Marokk, it-Tuneżija (ir-Reġjun 3). Il-HEIs stabbiliti fl-Istati Membri tal-UE u f'pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm irid ikollhom ECHE valida. L-ECHE ma hijiex meħtieġa għall-HEIs parteċipanti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm ***Nota Bene* ġħan-Networks kollha:** L-istituzzjonijiet Ewropej maħtura (iddefiniti fir-Regolament li jistabbilixxi l-Programm Erasmus+) li jsegwu mira ta' interess Ewropew ma humiex eliġibbli biex japplikaw taħt din l-Azzjoni.
Kompożizzjoni tal-konsorzju	**Ġħan-network dwar kwistjonijiet interni tal-UE: Trasformazzjoni Diġitali fl-Ewropa**, il-proposti jridu jiġu sottomessi: • minn konsorzju ta' mill-inqas 12-il applikant, li minnhom mill-inqas seba' Stati Membri differenti tal-UE u/jew pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm. L-entitajiet affiljati ma jgħoddux għall-kriterji minimi tal-eliġibbiltà għall-kompożizzjoni tal-konsorzju. **Ġħan-network dwar kwistjonijiet ta' politika esterna: Valuri u d-Demokrazija**, il-proposti jridu jiġu sottomessi: • minn konsorzju ta' mill-inqas 12-il applikant li minnhom mill-inqas sitt pajjiżi terzi differenti mhux assoċjati mal-Programm u koperti mill-istrumenti ta' azzjoni esterna. L-entitajiet affiljati ma jgħoddux għall-kriterji minimi tal-eliġibbiltà għall-kompożizzjoni tal-konsorzju. • Il-koordinatur irid ikun stabbilit fi Stat Membru tal-UE u/jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm. **Ġħan-network dwar kwistjonijiet ta' politika esterna: UE-Afrika**, il-proposti jridu jiġu sottomessi: minn konsorzju ta' mill-inqas 10 applikanti minn mill-inqas 5 pajjiżi tal-Afrika sub-Saħarjana differenti (ir-Reġjun 9). Il-koordinatur irid ikun stabbilit fi Stat Membru tal-UE u/jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm. L-entitajiet affiljati ma jgħoddux għall-kriterji minimi tal-eliġibbiltà għall-kompożizzjoni tal-konsorzju.
Durata tal-proġett	Normalment il-proġetti għandhom idumu 36 xahar (jistgħu jsiru estensjonijiet, jekk ikunu ġġustifikati kif xieraq u permezz ta' emenda).
Fejn napplika?	Mal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA) ID tas-Sejħa:

	ERASMUS-JMO-2023-NETWORKS-HEI-EU ERASMUS-JMO-2023-NETWORKS-HEI-NON-EU-VAL-DEM ERASMUS-JMO-2023-NETWORKS-HEI-NON- EU-AFRICA
Meta napplika?	L-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għal għotja sal-**14 ta' Frar fil-17:00:00 (ħin ta' Brussell)**

Il-kriterji għall-għoti li ġejjin japplikaw **għan-Networks**:

Rilevanza tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 25 punt)**	• Ir-rilevanza tal-proposta għas-suġġett ta' prijorità kif definit fis-sejħa; • Kemm il-proposta hija xierqa sabiex jitrawwem l-iżvilupp ta' attivitajiet ġodda ta' tagħlim, riċerka jew dibattitu • L-evidenza tal-valur akkademiku miżjud;
Kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 25 punt)**	• Metodoloġija: il-kwalità, in-novità u l-fattibbiltà tal-attivitajiet proposti • Il-kwalità tas-sistema proposta għall-analiżi u r-rieżami tal-produzzjoni akkademika • Il-kwalità tal-mudell propost biex jikkontribwixxi għall-politika tal-UE • Kemm il-programm ta' ħidma huwa ppreżentat b'mod ċar, huwa komplet u koerenti, b'attenzjoni dovuta biex jiġi ppreżentat l-ippjanar xieraq tal-fażijiet ta' tħejjija, implimentazzjoni, evalwazzjoni, segwitu u tixrid, • Kemm ir-riżorsi assenjati għall-attivitajiet huma konformi mal-objettivi u r-riżultati tanġibbli tagħhom. • Strateġija ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.
Kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni **(punteġġ massimu ta' 25 punt)**	• Il-kompożizzjoni tan-Network f'termini ta' kopertura ġeografika u komplementarjetà tal-kompetenzi. • Organizzazzjoni interna tas-sħubija: ○ Il-pertinenza u l-komplementarjetà tal-profil u l-għarfien espert tal-parteċipanti involuti fl-attivitajiet proposti, f'konformità mat-tema speċifika indirizzata mill-proposta. • L-arranġamenti ta' kooperazzjoni u d-distribuzzjoni tar-rwoli, ir-responsabbiltajiet u l-kompiti.

Impatt
 	
(punteġġ massimu ta' 25 punt)
	L-impatt mistenni tan-networks li jkollhom effetti fit-tul.
	
	Tixrid u komunikazzjoni:
	• L-adegwatezza u l-kwalità tal-azzjonijiet li għandhom l-għan li jxerrdu l-eżiti tal-attivitajiet fi ħdan u barra l-istituzzjoni involuta fin-networks:
	  ○ iqajmu sensibilizzazzjoni dwar l-attivitajiet u r-riżultati, itejbu l-viżibbiltà tal-parteċipanti u tal-organizzazzjonijiet,
	• Kemm l-għodod tat-tixrid previsti se jilħqu l-udjenza
	  ○ (inklużi l-media soċjali, pubblikazzjonijiet, eċċ.),
	  ○ avvenimenti.
	• Sostenibbiltà u kontinwazzjoni: il-proposta tinkludi miżuri u riżorsi xierqa biex tiżgura li r-riżultati u l-benefiċċji jkunu sostnuti wara l-ħajja tal-proġett.

Sabiex jiġu kkunsidrati għall-finanzjament, il-proposti jridu jiksbu tal-inqas **70 punt** u mill-inqas **15-il punt f'kull kriterju għall-għoti**. Il-proposti *ex aequo* fi ħdan l-istess suġġett se jingħataw prijorità skont il-punteġġi li ngħataw għall-kriterju tal-għoti "rilevanza tal-proġett" u mbagħad "impatt".

X'INHUMA R-REGOLI TA' FINANZJAMENT?

Din l-azzjoni ssegwi mudell ta' finanzjament ta' somma f'daqqa. L-ammont tal-kontribuzzjoni ta' somma waħda f'daqqa se jiġi ddeterminat għal kull għotja abbażi tal-baġit stmat tal-azzjoni proposta mill-applikant. L-awtorità tal-għoti se tistabbilixxi s-somma f'daqqa ta' kull għotja bbażata fuq il-proposta, ir-riżultat tal-evalwazzjoni, ir-rati ta' finanzjament u l-ammont massimu tal-għotja stabbilit fis-sejħa.

Il-**kontribuzzjoni massima tal-UE** għal kull network dwar il-kwistjonijiet interni tal-UE hija ta' EUR 1,000,000

Il-**kontribuzzjoni massima tal-UE** għal kull network dwar il-kwistjonijiet ta' politika esterna hija ta' EUR 1,200,000

Kif tiġi ddeterminata s-somma f'daqqa tal-proġett?

L-applikanti jeħtiġilhom jimlew tabella tal-baġit dettaljata skont il-formola tal-applikazzjoni, filwaqt li jqisu l-punti li ġejjin:

a) Il-baġit għandu jkun dettaljat kif meħtieġ mill-benefiċjarju/i u organizzat f'pakketti ta' ħidma koerenti (pereżempju maqsum f'"ġestjoni tal-proġetti", "taħriġ", "organizzazzjoni tal-avvenimenti", "preparazzjoni u implimentazzjoni tal-mobbiltà", "komunikazzjoni u tixrid", "assigurazzjoni tal-kwalità", eċċ.);

b) Il-proposta trid tiddeskrivi l-attivitajiet koperti minn kull pakkett ta' ħidma;

c) Fil-proposta tagħhom, l-applikanti jeħtiġilhom jipprovdu tqassim tal-kostijiet stmati li juru s-sehem għal kull pakkett ta' ħidma (u, fi ħdan kull pakkett ta' ħidma, is-sehem assenjat lil kull benefiċjarju u entità affiljata);

d) Il-kostijiet jistgħu jkopru l-kostijiet tal-persunal, il-kostijiet tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza, il-kostijiet tat-tagħmir u tas-subkuntrattar kif ukoll kostijiet oħrajn (bħat-tixrid tal-informazzjoni, il-pubblikazzjoni jew it-traduzzjoni).

Il-proposti se jiġu evalwati skont il-proċeduri ta' evalwazzjoni standard bl-għajnuna tal-esperti interni u/jew esterni. L-esperti se jivvalutaw il-kwalità tal-proposti, skont ir-rekwiżiti definiti fis-sejħa u l-impatt, il-kwalità u l-effiċjenza mistennija tal-azzjoni

Wara l-evalwazzjoni tal-proposta, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni se jistabbilixxi l-ammont tas-somma f'daqqa, filwaqt li jqis is-sejbiet tal-valutazzjoni mwettqa. Il-valur tas-somma f'daqqa se jkun limitat għal massimu ta' 80 % tal-baġit stmat iddeterminat wara l-evalwazzjoni.

Il-parametri tal-għotja (l-ammont massimu tal-għotja, ir-rata ta' finanzjament, il-kostijiet totali eliġibbli, eċċ.) se jiġu stabbiliti fil-Ftehim ta' Għotja.

Il-kisbiet tal-proġett se jiġu evalwati fuq l-eżiti mwettqa. L-iskema ta' finanzjament tippermetti li ssir enfasi fuq l-outputs aktar milli fuq l-inputs, u b'hekk titqiegħed enfasi fuq il-kwalità u l-livell tal-kisba tal-objettivi li jistgħu jitkejlu.

Aktar dettalji huma deskritti fil-mudell tal-Ftehim ta' Għotja disponibbli fil-Portal tal-Opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti (FTOP).

NETWORKS JEAN MONNET F'OQSMA OĦRA TAL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ

In-networks tal-iskejjel u tal-Istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VETs), ISCED 1 – 4, u/jew Istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja li jipprovdu Taħriġ/Edukazzjoni tal-Għalliema għandhom iservu l-iskop li jagħtu aspett internazzjonali lill-fergħa l-ġdida Jean Monnet u jippermettu l-iskambju ta' prattiki tajba kif ukoll li jesperjenzaw il-kotagħlim fi ħdan grupp ta' pajjiżi.

L-attivitajiet se jiffaċilitaw fehim komuni dwar il-metodoloġiji tal-apprendiment fuq kwistjonijiet tal-Unjoni Ewropea fost il-prattikanti li jaħdmu f'kuntest differenti, li jiffaċċjaw sfidi u limitazzjonijiet differenti minħabba l-leġiżlazzjonijiet nazzjonali u l-istruttura tal-kurrikuli.

OBJETTIVI TAL-AZZJONI

In-**Networks** Jean Monnet f'oqsma oħra tal-edukazzjoni u tat-taħriġ għandhom l-għan li joffru appoġġ lill-iskejjel u lill-VETs, (ISCED 1 – 4), u/jew lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja involuti fit-Taħriġ/fl-Edukazzjoni tal-Għalliema sabiex jagħtu spinta lill-għarfien dwar kif għandhom jgħallmu s-suġġetti tal-Unjoni Ewropea, u dawn se jagħtu wkoll vantaġġ internazzjonali lill-eżerċizzju tal-apprendiment.

L-iskambju tal-għarfien tal-għalliema (il-ħidma kollaborattiva fuq suġġetti speċifiċi u fuq metodoloġiji, l-esperjenzi tal-kotagħlim, l-attivitajiet komuni huma l-bażi tal-attivitajiet tan-network. Pereżempju:

- L-iskambju ta' informazzjoni dwar il-kontenut u l-promozzjoni tar-riżultati tal-metodoloġiji applikati;
- It-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn skejjel/VETs differenti (ISCED 1 – 4), forniturі tat-taħriġ/l-edukazzjoni tal-għalliema li tagħtihom l-esperjenza internazzjonali u l-pożizzjoni Ewropea;
- L-iskambju tal-għarfien u l-mobbiltà għall-kotagħlim;
- It-trawwim tal-kooperazzjoni u l-ħolqien ta' pjattaforma ta' għarfien soda u sostenibbli fost l-iskejjel u l-VETs (ISCED 1 – 4), u/jew l-Istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja involuti fit-Taħriġ/l-Edukazzjoni tal-Għalliema.

LIEMA HUMA L-KRITERJI LI GĦANDHOM JIĠU SSODISFATI BIEX WIEĦED JAPPLIKA GĦAN-NETWORKS JEAN MONNET F'OQSMA OĦRA TAL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ?

KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ

Min jista' japplika?	L-applikanti (koordinatur u sħab sħaħ) jeħtiġilhom ikunu: • skola, istituzzjoni tal-VET (ISCED 1 - 4) jew istituzzjoni tal-Edukazzjoni Għolja li għandha ECHE valida, u li tipprovdi taħriġ inizjali u/jew fuq il-lant tax-xogħol lill-għalliema tal-iskejjel u/jew tal-istituzzjoni tal-VET (ISCED 1 - 4); • stabbiliti fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm.

Kompożizzjoni tal-konsorzju	Il-proposti jridu jiġu sottomessi minn konsorzju ta' mill-inqas sitt applikanti (koordinatur u sħab sħaħ) minn mill-inqas tliet Stati Membri tal-UE u/jew pajjiżi terzi differenti assoċjati mal-Programm. Il-konsorzju jrid jinkludi: - mill-inqas erba' skejjel u/jew forniturі tal-VET (ISCED 1 – 4); - massimu ta' żewġ istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja li jipprovdu taħriġ inizjali u/jew fuq il-lant tax-xogħol lill-għalliema tal-iskejjel u/jew lill-istituzzjoni tal-VET (ISCED 1 – 4); L-entitajiet affiljati ma jgħoddux għall-kriterji minimi tal-eliġibbiltà għall-kompożizzjoni tal-konsorzju.
Durata tal-proġett	Normalment il-proġetti għandhom idumu 36 xahar (jistgħu jsiru estensjonijiet, jekk ikunu ġġustifikati kif xieraq u permezz ta' emenda).
Fejn napplika?	Mal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA) ID tas-Sejħa: ERASMUS-JMO-2023-NETWORKS-SCHOOLS
Meta napplika?	L-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għal għotja sal-**14 ta' Frar fil-17:00:00 (ħin ta' Brussell)**

L-organizzazzjonijiet applikanti se jiġu vvalutati skont il-kriterji tal-esklużjoni u tal-għażla rilevanti. Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkonsulta l-Parti C ta' din il-Gwida.

STABBILIMENT TA' PROĠETT

In-**Networks** Jean Monnet f'oqsma oħra tal-edukazzjoni u tat-taħriġ iridu jirrispettaw waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

- jiġbru u jiddiskutu l-metodoloġiji tat-tagħlim għall-attivitajiet kurrikulari u ekstrakurrikulari;
- jiġbru u jikkondividu prattiki tajba dwar l-apprendiment fuq suġġetti tal-Unjoni Ewropea;
- jorganizzaw il-kotagħlim u esperjenzi ta' tagħlim kollaborattiv kemm permezz tal-mobbiltà kif ukoll online.

Dan ta' hawn fuq jista' jsir permezz ta':

- Il-produzzjoni ta' dokumenti u gwida għat-tixrid ta' prattiki tajba;
- Laqgħat fiżiċi u online;
- Il-kotagħlim u t-tagħlim kollaborattiv.

IMPATT MISTENNI

Kwantitattiv

- numru ta' benefiċjarji minn Stat Membru tal-UE jew pajjiż terz assoċjat mal-Programm / reġjun

Kwalitattiv

In-**Networks** Jean Monnet f'oqsma oħra tal-edukazzjoni u tat-taħriġ huma mistennija jġibu effetti pożittivi u fit-tul għall-edukazzjoni ġenerali u l-edukazzjoni tal-VET (ISCED 1- 4), u jipprovdu lill-parteċipanti għarfien dwar prattiki ta' suċċess biex jitwasslu l-fatti u l-għarfien dwar l-Unjoni Ewropea lill-istudenti.

In-**Networks** f'oqsma oħra tal-edukazzjoni u tat-taħriġ se jżidu l-opportunitajiet għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ġenerali u l-istituzzjonijiet tal-VET biex jestendu l-attivitajiet tagħhom li jintegraw il-kontenut tal-Unjoni Ewropea.

L-attivitajiet appoġġati taħt in-**Networks** Jean Monnet f'oqsma oħra tal-edukazzjoni u tat-taħriġ għandhom ukoll l-għan li jipproduċu l-eżiti li ġejjin fuq l-organizzazzjonijiet parteċipanti:

- kapaċità akbar biex is-suġġetti tal-UE jiġu integrati fl-attivitajiet tagħhom;
- esponiment internazzjonali msaħħaħ.

KRITERJI GĦALL-GĦOTI

Il-proġetti se jiġu vvalutati skont il-kriterji li ġejjin:

Rilevanza tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 25 punt)**	• Kemm il-proposta tilħaq l-objettivi tal-azzjoni Jean Monnet: ○ tindirizza l-Istudji tal-UE (kif deskritt fil-paragrafu introduttorju), ○ tippermetti lill-għalliema fl-iskejjel jiżviluppaw ħiliet ġodda, ○ tgħin fl-iskambju ta' informazzjoni u prattiki dwar x'inhu dak li jagħti lill-istudenti tagħhom għarfien akbar dwar l-UE u kif għandhom jagħmlu dan, ○ tiffaċilita l-esperjenzi ta' mobbiltà tal-għalliema sabiex jipprovdu kotagħlim/kotutoraġġ mas-sħab tagħhom, ○ iġġib fehim aħjar tal-UE u tal-funzjonament tagħha, ○ tippermetti lill-għalliema jintroduċu kontenut tal-UE fl-attivitajiet tagħhom. • Kemm il-proposta tilħaq il-gruppi prijoritarji fil-mira: ○ skejjel u forniturі tal-VET (ISCED 1 – 4), ○ għalliema, ○ studenti.
Kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett **(punteġġ massimu ta' 25 punt)**	• Metodoloġija: il-kwalità, in-novità u l-fattibbiltà tal-attivitajiet proposti. • Kemm il-programm ta' ħidma ○ huwa ppreżentat b'mod ċar, huwa komplet u koerenti, b'attenzjoni dovuta biex jiġi ppreżentat l-ippjanar xieraq tal-fażijiet ta' tħejjija, implimentazzjoni, evalwazzjoni, segwitu u tixrid, ○ juri koerenza mal-objettivi u l-attivitajiet tal-proġett. • Kemm ir-riżorsi assenjati għall-pakketti ta' ħidma huma konformi mal-objettivi u r-riżultati tanġibbli tagħhom. • Strateġija ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.
Kwalità tas-sħubija u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni **(punteġġ massimu ta' 25 punt)**	• Organizzazzjoni interna tas-sħubija: ○ Il-pertinenza u l-komplementarjetà tal-profil u l-għarfien espert tal-parteċipanti involuti fl-attivitajiet proposti, f'termini tal-Istudji tal-Unjoni Ewropea (kif deskritt fil-paragrafu introduttorju) u f'termini tat-tema speċifika indirizzata mill-proposta. • L-arranġamenti ta' kooperazzjoni u d-distribuzzjoni tar-rwoli, ir-responsabbiltajiet u l-kompiti.

Impatt
 	
(punteġġ massimu ta' 25 punt)
	• L-impatt mistenni tan-networks li jkollu effetti fit-tul
	  • fuq l-iskejjel u l-forniturі tal-VET:
	  ○ kapaċità akbar biex jgħallmu dwar is-suġġetti tal-UE,
	  ○ kontenut innovattiv fl-iżvilupp ta' perspettivi ġodda tas-suġġetti tal-UE fl-iskejjel,
	  ○ kooperazzjoni u kapaċità msaħħa biex jingħaqdu ma' sħab,
	  ○ żieda fl-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji għat-tagħlim dwar suġġetti tal-UE fi ħdan l-istituzzjoni.
	  • fuq l-għalliema involuti direttament u indirettament fin-networks:
	  ○ It-tisħiħ tal-ħiliet tagħhom dwar kwistjonijiet tal-UE u l-progress fit-twassil tal-kontenut tal-UE fl-attivitajiet tagħhom.
	
	• Tixrid u komunikazzjoni:
	  • L-adegwatezza u l-kwalità tal-miżuri li għandhom l-għan li jxerrdu l-eżiti tal-attivitajiet fi ħdan u barra mill-istituzzjoni involuta fin-networks:
	  ○ iqajmu sensibilizzazzjoni dwar l-attivitajiet u r-riżultati, itejbu l-viżibbiltà tal-parteċipanti u tal-organizzazzjonijiet,
	  ○ jilħqu gruppi barra mill-iskejjel u l-forniturі tal-VET.
	  • Kemm l-għodod tat-tixrid previsti se jilħaq l-udjenza fil-mira permezz ta':
	  ○ esponiment fil-media (inklużi l-media soċjali, pubblikazzjonijiet, eċċ.),
	  ○ avvenimenti.
	
	• Sostenibbiltà u kontinwazzjoni: il-proposta tinkludi miżuri u riżorsi xierqa biex tiżgura li r-riżultati u l-benefiċċji tal-proġett ikunu sostnuti wara l-ħajja tal-proġett.

Sabiex jiġu kkunsidrati għall-finanzjament, il-proposti jridu jiksbu tal-inqas **70 punt** u mill-inqas **15-il punt f'kull kriterju għall-għoti**. Il-proposti *ex aequo* fi ħdan l-istess suġġett se jingħataw prijorità skont il-punteġġi li ngħataw għall-kriterju tal-għoti "rilevanza tal-proġett" u mbagħad "impatt".

X'INHUMA R-REGOLI TA' FINANZJAMENT?

Din l-azzjoni ssegwi mudell ta' finanzjament ta' somma f'daqqa. L-ammont tal-kontribuzzjoni ta' somma waħda f'daqqa se jiġi ddeterminat għal kull għotja abbażi tal-baġit stmat tal-azzjoni proposta mill-applikant. L-awtorità tal-għoti se tistabbilixxi s-somma f'daqqa ta' kull għotja bbażata fuq il-proposta, ir-riżultat tal-evalwazzjoni, ir-rati ta' finanzjament u l-ammont massimu tal-għotja stabbilit fis-sejħa.

Il-**kontribuzzjoni massima tal-UE** għal kull proġett hija ta' EUR 300,000

<u>Kif tiġi ddeterminata s-somma f'daqqa tal-proġett?</u>

L-applikanti jeħtiġilhom jimlew tabella tal-baġit dettaljata skont il-formola tal-applikazzjoni, filwaqt li jqisu l-punti li ġejjin:

a) Il-baġit għandu jkun dettaljat kif meħtieġ mill-benefiċjarju/i u organizzat f'pakketti ta' ħidma koerenti (pereżempju maqsum f'"ġestjoni tal-proġetti", "taħriġ", "organizzazzjoni tal-avvenimenti", "preparazzjoni u implimentazzjoni tal-mobbiltà", "komunikazzjoni u tixrid", "assigurazzjoni tal-kwalità", eċċ.);

b) Il-proposta trid tiddeskrivi l-attivitajiet koperti minn kull pakkett ta' ħidma;

c) Fil-proposta tagħhom, l-applikanti jeħtiġilhom jipprovdu tqassim tal-kostijiet stmati li juru s-sehem għal kull pakkett ta' ħidma (u, fi ħdan kull pakkett ta' ħidma, is-sehem assenjat lil kull benefiċjarju u entità affiljata);

d) Il-kostijiet jistgħu jkopru l-kostijiet tal-persunal, il-kostijiet tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza, il-kostijiet tat-tagħmir u tas-subkuntrattar kif ukoll kostijiet oħrajn (bħat-tixrid tal-informazzjoni, il-pubblikazzjoni jew it-traduzzjoni).

Il-proposti se jiġu evalwati skont il-proċeduri ta' evalwazzjoni standard bl-għajnuna tal-esperti interni u/jew esterni. L-esperti se jivvalutaw il-kwalità tal-proposti, skont ir-rekwiżiti definiti fis-sejħa u l-impatt, il-kwalità u l-effiċjenza mistennija tal-azzjoni. Il-valur tas-somma f'daqqa se jkun limitat għal massimu ta' 80 % tal-baġit stmat iddeterminat wara l-evalwazzjoni

Wara l-evalwazzjoni tal-proposta, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni se jistabbilixxi l-ammont tas-somma f'daqqa, filwaqt li jqis is-sejbiet tal-valutazzjoni mwettqa.

Il-parametri tal-għotja (l-ammont massimu tal-għotja, ir-rata ta' finanzjament, il-kostijiet totali eliġibbli, eċċ.) se jiġu stabbiliti fil-Ftehim ta' Għotja.

Il-kisbiet tal-proġett se jiġu evalwati fuq l-eżiti mwettqa. L-iskema ta' finanzjament tippermetti li ssir enfasi fuq l-outputs aktar milli fuq l-inputs, u b'hekk titqiegħed enfasi fuq il-kwalità u l-livell tal-kisba tal-objettivi li jistgħu jitkejlu.

Aktar dettalji huma deskritti fil-mudell tal-Ftehim ta' Għotja disponibbli fil-Portal tal-Opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti (FTOP).

PARTI C - INFORMAZZJONI GĦALL-APPLIKANTI

L-applikanti potenzjali kollha li beħsiebhom jissottomettu proposta tal-proġett biex jirċievu appoġġ finanzjarju mill-UE fil-qafas tal-Programm Erasmus+ huma mistiedna jaqraw b'attenzjoni din it-taqsima li hija abbozzata f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea[306] (minn hawn 'il quddiem ir-"Regolament Finanzjarju tal-UE").

Id-dispożizzjonijiet kuntrattwali u finanzjarji kollha li japplikaw għall-għotjiet mogħtija huma ppreżentati fil-mudell tal-ftehimiet ta' għotja, li jsiru disponibbli għal proġetti implimentati mill-EACEA fil-Portal tal-Opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti[307] u għal proġetti implimentati mill-Aġenziji Nazzjonali fuq is-sit web tal-Aġenzija Nazzjonali ta' Erasmus+ rilevanti. F'każ ta' diskrepanzi mal-informazzjoni ppreżentata f'din il-Gwida, id-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet ta' għotja u tal-Mudell tal-Ftehim ta' Għotja, (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-mudell tal-ftehim ta' għotja jew l-MGA), jipprevalu fuq dawk tal-Parti C.

KIF TISSOTTOMETTI APPLIKAZZJONI TA' ERASMUS+?

Sabiex jissottomettu proġett tal-Erasmus+, l-applikanti jeħtiġilhom isegwu l-erba' passi deskritti hawn taħt:

1) Reġistrazzjoni. Kull applikant jeħtieġ ikun irreġistrat kif ġej:

   a. Għall-azzjonijiet ġestiti mill-Aġenzija Eżekuttiva, l-applikanti, l-entitajiet affiljati u s-sħab assoċjati jeħtiġilhom jirreġistraw fil-portal tal-opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti (FTOP)[308] u jirċievu Kodiċi tal-Identifikazzjoni tal-Parteċipanti (PIC)[309]. Organizzazzjonijiet/gruppi li diġà kisbu PIC permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fi programmi tal-UE oħrajn ma għandhomx għalfejn jirreġistraw mill-ġdid. Il-PIC miksub minn din ir-reġistrazzjoni preċedenti huwa validu wkoll għall-applikazzjoni taħt l-Erasmus+;

   b. Għall-azzjonijiet ġestiti mill-Aġenziji Nazzjonali, l-applikanti jeħtiġilhom, jekk mhux diġà għamlu dan, jirreġistraw permezz tas-sistema tar-Reġistrazzjoni tal-Organizzazzjonihttps://webgate.ec.europa.eu/erasmus-esc għall-Erasmus+ u għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u jirċievu ID tal-Organizzazzjoni.

2) Jiċċekkjaw il-konformità mal-kriterji tal-programm għall-Azzjoni/qasam rilevanti;
3) Jiċċekkjaw il-kundizzjonijiet finanzjarji;
4) Jimlew il-formola tal-applikazzjoni u jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni.

[306] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (1) ĠU L 193/30.7.2018, p 1. Ir-Regolament Finanzjarju tal-UE jinsab fuq: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32018R1046&from=MT

307 https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/portal/screen/home

308 https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/portal/screen/home

[309] Il-PIC huwa informazzjoni obbligatorja fil-formola tal-applikazzjoni.

PASS 1: REĠISTRAZZJONI

L-applikanti kollha jeħtiġilhom ikunu rreġistrati https://webgate.ec.europa.eu/erasmus-esc jekk ma jkunux diġà għamlu dan.

Għall-azzjonijiet ġestiti mill-Aġenzija Eżekuttiva

Sabiex jirreġistra fil-Portal tal-Opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti tas-Sistema tas-Sottomissjoni Elettronika, ir-rappreżentant legali tal-applikant jeħtieġlu jwettaq il-passi li ġejjin:

- Joħloq kont tal-utent, l-hekk imsejjaħ kont tal-EU Login (sakemm il-persuna li tirrappreżenta l-applikant ma jkollhiex kont diġà). Il-kontijiet il-ġodda tal-EU Login jistgħu jinħolqu fuq is-sit web li ġej: https://webgate.ec.europa.eu/cas/

- Jaċċessa l-Portal tal-Opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti fuq: https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/portal/screen/home u jirreġistra (jekk applikabbli) f'isem l-organizzazzjoni/il-grupp li jirrappreżenta. Il-Gwida u l-Mistoqsijiet Frekwenti huma disponibbli fuq il-portal.

  Jeħtieġ li l-applikant jirreġistra darba biss permezz tar-Reġistru tal-Parteċipanti tal-Kummissjoni Ewropea[310]. Ladarba r-reġistrazzjoni tkun lesta, l-applikant jingħata PIC[311]. Il-PIC, li huwa identifikatur uniku b'disa' ċifri u huwa neċessarju għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, jippermetti lill-applikant jimla l-formola tal-applikazzjoni b'mod aktar sempliċi (jiġifieri l-informazzjoni kollha pprovduta mill-applikant fl-istadju tar-reġistrazzjoni tintwera awtomatikament fil-formola billi jiddaħħal in-numru tal-PIC fil-formola).

Għall-azzjonijiet ġestiti mill-Aġenziji Nazzjonali tal-Erasmus+

Sabiex jirreġistra fis-sistema tar-Reġistrazzjoni tal-Organizzazzjoni tal-Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, ir-rappreżentant legali tal-applikant jeħtieġlu jwettaq il-passi li ġejjin:

- Joħloq kont tal-EU Login (sakemm l-applikant ma jkollux kont). Il-kontijiet il-ġodda tal-EU Login jistgħu jinħolqu fuq is-sit web li ġej: https://webgate.ec.europa.eu/cas/eim/external/register.cgi;

- Jaċċessa s-sistema tar-Reġistrazzjoni tal-Organizzazzjoni għall-Erasmus+ u għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetàhttps://webgate.ec.europa.eu/erasmus-esc u jirreġistra (jekk applikabbli) f'isem l-organizzazzjoni/il-grupp li jirrappreżenta.

  Jeħtieġ li l-applikanti jirreġistraw darba biss. Ladarba r-reġistrazzjoni tkun lesta, l-applikant jingħata l-ID tal-Organizzazzjoni.

  L-applikant jista' jiċċekkja l-ID tal-Organizzazzjoni tiegħu jew jibdel xi informazzjoni marbuta magħha permezz tas-sistema tar-Reġistrazzjoni tal-Organizzazzjoni għall-Erasmus+ u għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

  L-informazzjoni kollha pprovduta mill-applikant fl-istadju tar-reġistrazzjoni se tillowdja u tintwera awtomatikament fil-formola meta jiddaħħal l-ID tal-Organizzazzjoni fil-formola

Prova tal-istatus legali

[310] Il-Kummissjoni Ewropea għandha reġistru online tal-organizzazzjonijiet li jipparteċipaw f'diversi programmi tal-UE msejjaħ ir-Reġistru tal-Parteċipanti.
311 Il-PIC huwa informazzjoni obbligatorja fil-formola tal-applikazzjoni.

Bħala parti mill-proċess tar-reġistrazzjoni, l-applikanti jeħtiġilhom itellgħu wkoll id-dokumenti li ġejjin:

- il-formola tal-Entità Legali (għandha titniżżel mis-sit web tal-Kummissjoni Ewropea minn: https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/procedures-guidelines-tenders/information-contractors-and-beneficiaries/forms-contracts_mt). Fil-każ ta' konsorzju, il-Formola tal-Entità Legali għandha tiġi pprovduta mill-membri kollha tal-konsorzju;

- il-formola tal-Identifikazzjoni Finanzjarja (għandha titniżżel mis-sit web tal-Kummissjoni Ewropea minn: https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/procedures-guidelines-tenders/information-contractors-and-beneficiaries/forms-contracts_mt). Jekk jogħġbok imla l-formola relatata mal-pajjiż li fih jinsab il-bank, anke jekk l-applikant ikun uffiċjalment irreġistrat f'pajjiż ieħor. Fil-każ ta' konsorzju, il-Formola tal-Identifikazzjoni Finanzjarja għandha tiġi pprovduta biss għall-koordinatur.

Għall-għotjiet li jaqbżu s-EUR 60 000, jista' jkun meħtieġ li l-applikanti jtellgħu dokumenti speċifiċi biex jagħtu prova tal-kapaċità finanzjarja tagħhom. Għal aktar dettalji, ara t-taqsima "Kriterji tal-Għażla" hawn taħt.

PASS 2: IĊĊEKKJA L-KONFORMITÀ MAL-KRITERJI TAL-PROGRAMM

Meta jiżviluppaw il-proġett tagħhom u qabel japplikaw għall-finanzjament mill-UE, il-parteċipanti jeħtiġilhom jivverifikaw li huma u l-proġett tagħhom iħarsu l-kriterji li ġejjin: l-ammissibbiltà, l-eliġibbiltà, l-esklużjoni, l-għażla u l-għoti.

Kriterji tal-ammissibbiltà

L-applikazzjonijiet iridu jintbagħtu **mhux aktar tard mill-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet kif indikat fis-sejħa**.

L-applikazzjonijiet iridu jkunu jistgħu jinqraw u jkunu aċċessibbli.

L-applikazzjonijiet iridu jkunu kompluti bil-partijiet u l-annessi obbligatorji kollha. Żbalji klerikali biss jistgħu jiġu kkoreġuti wara l-iskadenza tas-sottomissjoni fuq talba tal-aġenzija ta' ġestjoni għall-każijiet iġġustifikati kif xieraq.

Għall-azzjonijiet ġestiti mill-Aġenzija Eżekuttiva, l-applikazzjonijiet iridu jiġu sottomessi **b'mod elettroniku** permezz tas-Sistema tas-Sottomissjoni Elettronika tal-Portal ta' Finanzjament u ta' Offerti: https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/portal/screen/home. L-applikazzjonijiet (inklużi l-annessi u d-dokumenti ta' sostenn) iridu jiġu sottomessi bl-użu tal-formoli pprovduti fis-Sistema ta' Sottomissjoni.

Il-proposti jridu jkunu kompluti u jkun fihom l-informazzjoni kollha mitluba u l-annessi u d-dokumenti ta' sostenn kollha meħtieġa:

- Il-Parti A tal-Formola ta' Applikazzjoni — fiha informazzjoni amministrattiva dwar il-parteċipanti (koordinatur futur, benefiċjarji u entitajiet affiljati) u l-baġit fil-qosor għall-proġett (għandha timtela direttament online)

- Il-Parti B tal-Formola ta' Applikazzjoni — fiha d-deskrizzjoni teknika tal-proġett (għandha titniżżel mis-Sistema ta' Sottomissjoni tal-Portal, mimlija u mbagħad miġbura u mtella' mill-ġdid)

- Il-Parti C (għandha timtela direttament online, jekk ikun hemm) li jkun fiha *data* addizzjonali dwar il-proġett

L-applikazzjonijiet huma limitati għal 40 paġna għal sejħiet b'għotjiet ta' valur baxx (EUR 60,000 jew inqas); Mija u għoxrin paġna għal sejħiet b'għotjiet ta' valur għoli (EUR 4,000,000) u 70 għas-sejħiet l-oħra kollha. L-evalwaturi mhux se jikkunsidraw paġni addizzjonali.

Għall-azzjonijiet ġestiti mill-Aġenziji Nazzjonali tal-Erasmus+, l-applikazzjonijiet iridu jiġu sottomessi **b'mod elettroniku** permezz tal-formoli disponibbli fis-sit web tal-Erasmus+ u s-siti web tal-Aġenziji Nazzjonali tal-Erasmus+.

Kriterji tal-eliġibbiltà

Il-kriterji tal-eliġibbiltà jintużaw biex jiġi ddeterminat jekk l-applikant huwiex permess jipparteċipa f'sejħa għal proposti u sabiex jissottometti proposta għal azzjoni. Dawn japplikaw għall-applikanti u għall-proġetti/għall-attivitajiet li għalihom tintalab l-għotja (eż. il-profil u/jew in-numru ta' organizzazzjonijiet parteċipanti involuti, it-tip ta' proġett jew/u attivitajiet, il-perjodu ta' implimentazzjoni, il-profil u/jew in-numru ta' parteċipanti involuti).

Sabiex ikun eliġibbli, l-applikant u l-proġett iridu jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibbiltà kollha relatati mal-Azzjoni taħt liema tiġi sottomessa l-proposta. Jekk il-proġett ma jissodisfax il-kriterji tal-eliġibbiltà fl-istadju tal-applikazzjoni, dan se jiġi rrifjutat mingħajr ma kompli jiġi evalwat. Jekk fl-istadju tal-implimentazzjoni jew tar-rapport finali jidher li dawn il-kriterji ma ġewx issodisfati, l-attivitajiet jistgħu jiġu kkunsidrati ineliġibbli bl-irkupru konsegwenti tal-għotja tal-UE mogħtija inizjalment lill-proġett.

Il-kriterji tal-eliġibbiltà li japplikaw għal kull waħda mill-Azzjonijiet implimentati permezz tal-Gwida tal-Programm Erasmus+ huma deskritti fil-Parti B tal-Gwida.

Kriterji tal-esklużjoni

L-applikant se jiġi eskluż milli jipparteċipa f'sejħiet għal proposti fil-qafas tal-Programm Erasmus+ jekk jinsab f'waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni deskritti hawn taħt, f'konformità mal-Artikoli 136 sa 141 tar-Regolament Finanzjarju:

a) l-applikant ikun falla, ikun soġġett għal proċeduri ta' insolvenza jew ta' stralċ, ikollu l-assi tiegħu qed jiġu amministrati minn likwidatur jew minn qorti, ikun jinsab fi ftehim ma' krediturі, ikollu l-attivitajiet kummerċjali tiegħu sospiżi, jew ikun qiegħed fi kwalunkwe sitwazzjoni analoga li tirriżulta minn proċedura simili prevista taħt il-liġi tal-Unjoni jew taħt il-liġi nazzjonali;

b) sentenza finali jew deċiżjoni amministrattiva finali tkun stabbiliet li l-applikant ikun qiegħed jikser l-obbligi tiegħu relatati mal-pagamenti tat-taxxi jew mal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali skont il-liġi applikabbli;

c) sentenza finali jew deċiżjoni amministrattiva finali tkun stabbiliet li l-applikant huwa ħati ta' mġiba professjonali ħażina serja billi jkun kiser il-liġijiet jew ir-regolamenti jew l-istandards etiċi applikabbli tal-professjoni li jappartjeni għaliha l-applikant, jew billi jkun involut fi kwalunkwe aġir illegali li għandu impatt fuq il-kredibbiltà professjonali tiegħu fejn dan it-tip ta' aġir jindika intenzjoni ħażina jew negligenza serja, fosthom, b'mod partikolari, kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) rappreżentazzjoni ħażina b'mod frodulenti jew b'negligenza ta' informazzjoni meħtieġa għall-verifika tan-nuqqas ta' raġunijiet għall-esklużjoni jew għall-adempiment tal-kriterji ta' eliġibbiltà jew tal-għażla jew fl-eżekuzzjoni ta' kuntratt jew ta' ftehim;

(ii) id-dħul fi ftehim ma' persuni jew ma' entitajiet oħrajn bl-għan li tiġi kkawżata distorsjoni tal-kompetizzjoni;

(iii) il-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

(iv) it-tentattiv li jiġi influwenzat il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli matul il-proċedura ta' għoti;

(v) it-tentattiv li tinkiseb informazzjoni kunfidenzjali li tista' tagħtih vantaġġi mhux xierqa fil-proċedura ta' għoti;

d)sentenza finali tkun stabbiliet li l-applikant ikun ħati ta' kwalunkwe minn dawn li ġejjin:

(i) frodi, fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[312] u l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, imfassla mill-Att tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 1995[313];

(ii) korruzzjoni, kif definita fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva (UE) 2017/1371 jew korruzzjoni attiva fis-sens tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imfassla mill-Att tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 1997[314], jew aġir imsemmi fl-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/ĠAI[315], jew korruzzjoni kif iddefinita f'liġijiet applikabbli oħrajn;

(iii) imġiba relatata ma' organizzazzjoni kriminali kif imsemmija fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI[316];

iv) ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu fis-sens tal-Artikolu 1(3), (4) u (5) tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[317];

"(v) reati terroristiċi jew reati relatati ma' attivitajiet terroristiċi kif ukoll inċitament, għajnuna, tixwix jew tentattivi għat-twettiq ta' tali reati kif iddefinit fl-Artikoli 3, 14 u fit-Titolu III tad-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu;

(vi)tħaddim tat-tfal jew ***reati oħra li jikkonċernaw*** it-traffikar tal-bnedmin kif ***imsemmi*** fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[318];

e)l-applikant ikun wera nuqqasijiet sinifikanti fil-konformità mal-obbligi ewlenin fl-eżekuzzjoni ta' kuntratt jew ta' ftehim iffinanzjat mill-baġit, li jkunu:

(i) ***wasslu għat-terminazzjoni bikrija tiegħu***;

(ii) ***wasslu għall-applikazzjoni ta' danni likwidati jew penali kuntrattwali oħrajn; jew***;

(iii) ***ġew skoperti minn uffiċjal tal-awtorizzazzjoni, mill-OLAF, mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), mill-Qorti tal-Awdituri wara verifiki, awditjar jew investigazzjonijiet***;

f)sentenza finali jew deċiżjoni amministrattiva finali tkun stabbiliet li l-applikant ikun wettaq irregolarità fis-sens tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95[319];

g)sentenza finali jew deċiżjoni amministrattiva finali tkun stabbiliet li l-applikant ħoloq entità f'ġuriżdizzjoni differenti bil-ħsieb li jiġu evitati obbligazzjonijiet fiskali, soċjali jew kwalunkwe obbligazzjoni legali oħra fil-ġurisdizzjoni tal-uffiċċju rreġistrat, amministrazzjoni ċentrali jew post prinċipali tan-negozju tiegħu;

h)sentenza finali jew deċiżjoni amministrattiva finali tkun stabbiliet li entità tkun inħolqot bil-ħsieb imsemmi fil-punt (g);

i)fin-nuqqas ta' sentenza finali jew fejn applikabbli deċiżjoni amministrattiva finali, l-applikant ikun f'wieħed mill-każijiet previsti fil-punti (c), (d), (f), (g) u (h) hawn fuq abbażi b'mod partikolari ta':

---

[312] Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p 29).

[313] ĠU C 316, 27.11.1995, p. 48.

[314] ĠU C 195, 25.6.1997, p. 1.

[315] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/ĠAI tat-22 ta' Lulju 2003 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fis-settur privat (ĠU L 192, 31.7.2003, p 54).

[316] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata (ĠU L 300, 11.11.2008, p 42).

[317] Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p 73).

[318] Id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI (ĠU L 101, 15.4.2011, p 1).

[319] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

i. fatti stabbiliti fil-kuntest ta' awditi jew ta' investigazzjonijiet imwettqa ***mill-UPPE, għal dawk l-Istati Membri parteċipanti f'kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939,*** il-Qorti tal-Awdituri, l-OLAF jew ***l-awditur*** intern, jew kwalunkwe verifika, awditu jew kontroll ieħor li jitwettaq taħt ir-responsabbiltà tal-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni;

ii. deċiżjonijiet amministrattivi mhux finali li jistgħu jinkludu miżuri dixxiplinari meħuda mill-korp ta' superviżjoni kompetenti responsabbli għall-verifika tal-applikazzjoni tal-istandards ta' etika professjonali;

iii. il-fatti ***msemmija*** fid-deċiżjonijiet ta' persuni u entitajiet li jimplimentaw fondi tal-Unjoni skont il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 62(1);

iv. l-informazzjoni ***trażmessa skont il-punt (d) tal-Artikolu 142(2) tar-Regolament Finanzjarju tal-UE minn*** entitajiet li jimplimentaw il-***fondi tal-Unjoni*** skont il-***punt (b)*** tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu ***62(1) tar-Regolament Finanzjarju tal-UE***.

v. deċiżjonijiet tal-Kummissjoni marbuta mal-ksur tal-***liġi*** tal-kompetizzjoni tal-Unjoni jew ta' awtorità kompetenti nazzjonali relatati mal-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni jew dik nazzjonali.

vi. informata, b'xi mezz, li hija soġġetta għal investigazzjoni mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF): jew għax ingħatat l-opportunità li tikkummenta dwar fatti li jikkonċernawha mill-OLAF, jew għax kienet soġġetta għal kontrolli fuq il-post mill-OLAF tul investigazzjoni, jew għax ġiet notifikata dwar il-ftuħ, l-għeluq jew dwar kwalunkwe ċirkostanza relatata ma' investigazzjoni tal-OLAF li tikkonċernaha.

j)applikant imsemmi fl-Artikolu 135(2) fejn:

i. persuna fiżika jew ġuridika li hija membru tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-applikant imsemmi fl-Artikolu 135(2), jew li għandha setgħat ta' rappreżentazzjoni, ta' deċiżjoni jew ta' kontroll fir-rigward ta' dak l-applikant, hija f'waħda jew aktar mis-sitwazzjonijiet imsemmijin fil-punti (c) sa (h) hawn fuq;

ii. persuna fiżika jew ġuridika li tassumi responsabbiltà bla limiti għad-djun tal-applikant imsemmi fl-Artikolu 135(2) hija f'waħda jew aktar mis-sitwazzjonijiet imsemmijin fil-punti (a) jew (b) hawn fuq;

iii. persuna fiżika li hija essenzjali għall-għoti jew għall-implimentazzjoni tal-impenn legali hija f'waħda jew aktar mis-sitwazzjonijiet imsemmijin fil-punti (c) sa (h) hawn fuq;

Jekk applikant ikun f'waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni elenkati hawn fuq, jeħtieġlu jindika l-miżuri li jkun ħa biex jirrimedja s-sitwazzjoni ta' esklużjoni, u b'hekk juri l-affidabbiltà tiegħu. Dawn jistgħu jinkludu eż. il-miżuri tekniċi, organizzazzjonali u tal-persunal biex jipprevjenu aktar okkorrenza, il-kumpens tad-danni jew il-pagament ta' multi. Dan ma japplikax għas-sitwazzjonijiet imsemmija fil-punt (d) ta' din it-taqsima.

Fil-każijiet previsti fil-punti (c) sa (h) hawn fuq, fin-nuqqas ta' sentenza finali jew fejn applikabbli deċiżjoni amministrattiva finali, l-Aġenzija Nazzjonali jew Eżekuttiva tista' teskludi applikant provviżorjament milli jipparteċipa f'sejħa għal proposti.

Jekk l-azzjoni tiġi implimentata minn applikant li jkollu entitajiet affiljati, jeħtieġ jikkonformaw ukoll mal-istess kriterji tal-esklużjoni bħall-applikant ewlieni.

Applikant jista' jiġi miċħud minn proċedura ta' għoti jekk kwalunkwe waħda mid-dikjarazzjonijiet jew l-informazzjoni pprovduta bħala kundizzjoni għall-parteċipazzjoni fil-proċedura tkun falza.

L-Aġenzija Nazzjonali jew Eżekuttiva tista' tippubblika fuq is-sit web tagħha l-informazzjoni li ġejja relatata mal-esklużjoni u, fejn applikabbli, il-penali finanzjarja fil-każijiet imsemmija fil-punti (c) sa (h) hawn fuq:

(a) l-isem tal-applikant ikkonċernat;

(b) is-sitwazzjoni ta' esklużjoni;

(c) id-durata tal-esklużjoni u/jew l-ammont tal-penali finanzjarja.

Dawn il-kriterji tal-esklużjoni japplikaw għall-applikanti taħt l-Azzjonijiet kollha tal-Programm Erasmus+. Sabiex jiċċertifikaw li ma humiex f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija hawn fuq, l-applikanti għal għotja tal-UE jeħtiġilhom jipprovdu Dikjarazzjoni fuq l-Unur. Din id-dikjarazzjoni fuq l-unur tikkostitwixxi taqsima jew anness speċifiku tal-formola ta' applikazzjoni.

Fil-każ ta' proposti sottomessi f'isem konsorzju, il-kriterji tal-esklużjoni deskritti hawn fuq japplikaw għall-membri parteċipanti kollha involuti fil-proġett.

F'konformità mal-Artikoli 135(4) u 138FR, jistgħu jiġu imposti penali finanzjarji fuq riċevitur ta' fondi tal-UE li miegħu jkun sar kuntratt jew ftehim u li jkun wera nuqqasijiet sinifikanti fil-konformità mal-obbligi prinċipali fl-implimentazzjoni ta' kuntratt jew ftehim iffinanzjat mill-UE.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni jidhrilha li għall-implimentazzjoni tal-Azzjonijiet koperti mill-Gwida tal-Programm, l-entitajiet li ġejjin huma jew jistgħu jkunu f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess u għalhekk jew huma ineliġibbli jew jistgħu jkunu ineliġibbli li jipparteċipaw:

- L-Awtoritajiet Nazzjonali inkarigati mis-superviżjoni tal-Aġenziji Nazzjonali u l-implimentazzjoni tal-Programm Erasmus+ fil-pajjiż tagħhom ma jistgħux japplikaw jew jipparteċipaw fi kwalunkwe Azzjoni ġestita mill-Aġenzija Nazzjonali fl-ebda pajjiż, iżda jistgħu japplikaw għall-parteċipazzjoni (bħala applikanti jew sħab) f'Azzjonijiet ġestiti mill-Aġenzija Eżekuttiva jew minn DĠ EAC sakemm dan ma jkunx eskluż b'mod espliċitu għall-Azzjoni kkonċernata (kif indikat fil-Parti B tal-Gwida);

- L-Aġenziji Nazzjonali (attività unika tal-entità legali tagħhom) jew id-dipartimenti tal-Aġenziji Nazzjonali tal-entitajiet legali b'attivitajiet barra mill-mandat tal-Aġenziji Nazzjonali ma jistgħux japplikaw jew jieħdu sehem fl-ebda Azzjoni implimentata permezz ta' din il-Gwida;

- Strutturi u networks identifikati jew magħżula fil-Programm Erasmus+ jew fi kwalunkwe programm ta' Ħidma Annwali tal-Kummissjoni adottati għall-implimentazzjoni tal-Programm Erasmus+ biex jirċievu b'mod speċifiku kontribuzzjoni finanzjarja mill-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Programm Erasmus+, li huma ospitati minn entità legali li tospita wkoll lill-Aġenzija Nazzjonali, ma jistgħux japplikaw jew jipparteċipaw fi kwalunkwe Azzjoni ġestita mill-Aġenziji Nazzjonali tal-Erasmus+ fl-ebda pajjiż, iżda jistgħu japplikaw għall-parteċipazzjoni (bħala applikanti jew sħab) fl-Azzjonijiet ġestiti mill-Aġenzija Eżekuttiva jew mid-DĠ EAC sakemm dan ma jkunx espliċitament eskluż għall-Azzjoni kkonċernata (kif indikat fil-Parti B tal-Gwida); għandhom ikunu jistgħu juru, qabel jingħataw għotja jew kuntratt, li huma ma humiex f'kunflitt ta' interess jew minħabba li jkunu ttieħdu miżuri ta' prekawzjoni minnhom jew minħabba li l-organizzazzjoni interna tagħhom tkun tali mod li jkun hemm separazzjoni ċara tal-interessi. Barra minn hekk, il-kostijiet u d-dħul ta' kull azzjoni jew attività li għalihom jingħataw il-fondi tal-UE jridu jiġu identifikati. Id-deċiżjoni dwar l-ammissjoni li hemm assigurazzjoni biżżejjed li huma ma humiex f'kunflitt reali ta' interess tittieħed mill-Aġenzija Eżekuttiva jew minn DĠ EAC, taħt ir-responsabbiltà tagħhom stess, li magħha japplikaw;

- Entitajiet legali li jospitaw l-Aġenziji Nazzjonali tal-Erasmus+ iżda li jittrattaw attivitajiet oħrajn fil-mandat tal-Programm Erasmus+ jew barra minnu, kif ukoll entitajiet affiljati ma' dawn l-entitajiet legali, ma jistgħux japplikaw jew jipparteċipaw f'xi Azzjoni ġestita minn Aġenziji Nazzjonali f'xi pajjiż, iżda jistgħu fi prinċipju japplikaw sabiex jipparteċipaw f'Azzjonijiet ġestiti mill-Aġenzija Eżekuttiva jew minn DĠ EAC sakemm dan ma jkunx espliċitament eskluż għall-Azzjoni kkonċernata (kif indikat fil-Parti B tal-Gwida). Madankollu, jridu juru, qabel jingħataw għotja jew kuntratt, li huma ma humiex f'kunflitt ta' interess jew minħabba li jkunu ttieħdu miżuri ta' prekawzjoni minnhom jew minħabba l-organizzazzjoni interna tagħhom tkun tali li hemm separazzjoni ċara tal-interessi (eż. separazzjoni minima tal-kontijiet, separazzjoni tar-rapportar u linji ta' teħid ta' deċiżjonijiet, miżuri għall-prevenzjoni tal-aċċess għal informazzjoni privileġġata). Barra minn hekk, il-kostijiet u d-dħul ta' kull azzjoni jew attività li għalihom jingħataw il-fondi tal-UE jridu jiġu identifikati. Id-deċiżjoni dwar l-ammissjoni li hemm biżżejjed assigurazzjoni li huma ma jinsabux f'kunflitt reali ta' interess tittieħed mill-Istituzzjoni li jkunu applikaw magħha, taħt ir-responsabbiltà tagħhom stess.

KRITERJI TAL-GĦAŻLA

Permezz tal-kriterji tal-għażla, l-Aġenzija Nazzjonali jew Eżekuttiva tivvaluta l-kapaċità finanzjarja u operazzjonali tal-applikant biex ilesti l-proġett propost.

Kapaċità finanzjarja

Il-kapaċità finanzjarja tfisser li l-applikant għandu sorsi stabbli u suffiċjenti ta' finanzjament biex imantni l-attività tiegħu tul il-perjodu sħiħ li matulu jitwettaq il-proġett jew is-sena li għaliha tingħata l-għotja u biex jieħu sehem fil-finanzjament tiegħu.

Il-verifika tal-kapaċità finanzjarja ma tapplikax għal:

- korpi pubbliċi, inklużi l-organizzazzjonijiet tal-Istati Membri[320];
- organizzazzjonijiet internazzjonali;
- jekk l-ammont tal-għotja individwali mitlub ma jkunx aktar minn EUR 60,000.

Fil-każ ta' talbiet għal għotja tal-UE li ma jaqbżux is-EUR 60,000 u sottomessi minn tipi oħrajn ta' entitajiet minbarra dawk imsemmija hawn fuq, l-applikanti jeħtiġilhom jipprovdu dikjarazzjoni fuq l-unur li tiċċertifika li għandhom il-kapaċità finanzjarja li jimplimentaw il-proġett. Din id-dikjarazzjoni fuq l-unur tikkostitwixxi taqsima speċifika tal-formola ta' applikazzjoni.

F'każ ta' talbiet għal għotja tal-UE sottomessi minn tipi ta' entitajiet oħrajn u li jaqbżu s-EUR 60,000, l-applikant jeħtieġlu jissottometti, flimkien mad-dikjarazzjoni fuq l-unur, id-dokumenti li ġejjin permezz tal-portal tal-opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti / is-Sistema tar-Reġistrazzjoni tal-Organizzazzjoni:

- Il-kont tal-profitt u t-telf tal-applikant;
- Il-karta bilanċjali għall-aħħar sena finanzjarja li għaliha ngħalqu l-kontijiet.
- Dokumenti oħrajn, jekk mitluba.

Għal aktar informazzjoni dwar l-azzjonijiet ġestiti mill-Aġenzija Eżekuttiva ara "Regoli għall-Validazzjoni ta' Entità Legali, il-Ħatra ta' LEAR u l-Valutazzjoni tal-Kapaċità Finanzjarja": https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/docs/2021-2027/common/guidance/rules-lev-lear-fca_mt.pdf

Meta l-applikazzjoni tkun tikkonċerna għotjiet għal proġett li l-ammont għalih jaqbeż is-EUR 750,000, minbarra dan ta' hawn fuq, jista' jintalab rapport tal-awditjar prodott minn awditur estern approvat. Dak ir-rapport għandu jiċċertifika l-kontijiet għall-aħħar sena finanzjarja disponibbli.

Għal entitajiet li ma jistgħux jipprovdu d-dokumenti ta' hawn fuq peress li għadhom kif jinħolqu, dikjarazzjoni tad-*data* finanzjarja stmata/dikjarazzjoni finanzjarja jew dikjarazzjoni tal-assigurazzjoni li tiddikjara r-riskji finanzjarji tal-applikant tista' tissostitwixxi d-dokumenti ta' hawn fuq.

L-applikanti jeħtiġilhom itellgħu dawn id-dokumenti fil-portal tal-opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti/fis-Sistema ta' Reġistrazzjoni tal-Organizzazzjoni jew fil-ħin tar-reġistrazzjoni tagħhom (ara t-taqsima "Pass 1: Irreġistra l-organizzazzjoni" hawn fuq) jew meta jiġu kkuntattjati mis-servizzi ta' validazzjoni tal-UE li jitolbu lill-applikant jipprovdi d-dokumenti ta' sostenn meħtieġa. Fil-każ ta' azzjonijiet ġestiti direttament mill-Aġenzija Eżekuttiva EACEA, din it-talba tintbagħat permezz tas-sistema ta' messaġġi inkorporata fis-sistema rispettiva.

[320] Fosthom skejjel, istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u organizzazzjonijiet fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport li rċevew aktar minn 50 % tad-dħul annwali tagħhom minn sorsi pubbliċi matul l-aħħar sentejn għandhom jitqiesu li għandhom il-kapaċità finanzjarja, professjonali u amministrattiva meħtieġa biex iwettqu l-attivitajiet fil-qafas tal-Programm.

Fil-każ ta' proposti sottomessi f'isem konsorzju ta' sħab, f'każ li l-Aġenzija Nazzjonali jew l-Aġenzija Eżekuttiva jkollhom dubji dwar il-kapaċità finanzjarja tal-konsorzju, għandha twettaq valutazzjoni tar-riskju li abbażi tagħha jistgħu jintalbu l-istess dokumenti kif indikat hawn fuq mill-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha fil-konsorzju. Dan huwa applikabbli irrispettivament mill-ammont mogħti.

Jekk, wara l-analiżi ta' dawn id-dokumenti, l-Aġenzija Nazzjonali jew Eżekuttiva tikkonkludi li l-kapaċità finanzjarja meħtieġa hija dgħajfa, allura jistgħu:

- jitolbu aktar informazzjoni;
- jirrikjedu reġim ta' responsabbiltà finanzjarja msaħħaħ, jiġifieri responsabbiltà *in solidum* għall-kobeneficjarji kollha jew obbligazzjoni *in solidum* tal-entitajiet affiljati;
- jiddeċiedu li jagħtu prefinanzjament f'pagamenti parzjali;
- jiddeċiedu li jagħtu prefinanzjament (wieħed jew aktar) kopert minn garanzija bankarja jew;
- jiddeċiedu li ma jagħtux prefinanzjament;

Jekk il-kapaċità finanzjarja titqies insufficjenti, il-proposta korrispondenti għandha tiġi miċħuda.

Kapaċità operazzjonali

Kapaċità operazzjonali tfisser li l-applikant għandu l-kompetenzi professjonali u l-kwalifiki meħtieġa biex iwettaq il-proġett propost. L-applikanti jeħtieġ ikollhom **l-għarfien espert, il-kwalifiki** u **r-riżorsi** biex jimplimentaw b'suċċess il-proġetti u jikkontribwixxu s-sehem tagħhom (inkluża esperjenza suffiċjenti fi proġetti ta' daqs u natura komparabbli). L-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli jista', abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju tiegħu, jirrinunzja l-obbligu ta' verifika tal-kapaċità operazzjonali tal-korpi pubbliċi, tal-organizzazzjonijiet tal-Istati Membri, jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali

Għall-applikazzjonijiet sottomessi lill-Aġenziji Nazzjonali:

L-applikanti jeħtiġilhom jipprovdu dikjarazzjoni fuq l-unur li tiċċertifika li għandhom il-kapaċità operazzjonali biex jimplimentaw il-proġett. Barra minn hekk, jekk ikun meħtieġ fil-formola ta' applikazzjoni u jekk l-għotja taqbeż is-EUR 60,000, l-applikanti jistgħu jintalbu jissottomettu s-CVs tal-persuni ewlenin involuti fil-proġett biex juru l-esperjenza professjonali rilevanti tagħhom jew dokumenti oħrajn ta' sostenn bħal:

- Lista ta' pubblikazzjonijiet rilevanti tat-tim prinċipali;
- Lista eżawrjenti ta' proġetti u attivitajiet preċedenti mwettqa u konnessi mal-qasam tal-politika jew ma' din l-azzjoni speċifika.

Barra minn hekk, l-applikanti għall-akkreditazzjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni għall-adulti, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni skolastika u ż-żgħażagħ jeħtieġ ikollhom mill-inqas sentejn esperjenza fl-implimentazzjoni ta' attivitajiet li jagħmluhom eliġibbli bħala applikanti għall-akkreditazzjoni. L-esperjenza ta' fużjonijiet preċedenti jew bidliet strutturali simili ta' entitajiet pubbliċi (eż. skejjel jew ċentri edukattivi) se titqies bħala esperjenza rilevanti fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

Għall-koordinaturi ta' konsorzju ta' mobbiltà: l-organizzazzjoni applikanti jrid ikollha l-kapaċità li tikkoordina l-konsorzju skont il-Pjan tal-Erasmus propost, l-iskop tal-konsorzju, l-allokazzjoni ppjanata tal-kompiti, u l-Istandards tal-Kwalità tal-Erasmus (ippreżentati fuq is-sit web Europa: https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/sites/erasmusplus2/files/eac-a02-2020-quality-standards.pdf).

Il-kundizzjonijiet ta' hawn fuq se jiġu vverifikati abbażi tal-applikazzjoni (inkluża informazzjoni dwar il-parteċipazzjoni preċedenti tal-applikant fil-programm Erasmus+ 2014-2020) u d-dokumenti sottomessi fis-

Sistema ta' Reġistrazzjoni tal-Organizzazzjoni. L-applikanti li ma jimlewx l-informazzjoni mitluba fil-formola tal-applikazzjoni jistgħu jiġu skwalifikati fuq din il-bażi.

Għall-applikazzjonijiet sottomessi lill-Aġenzija Eżekuttiva:

Il-kapaċità operazzjonali se tiġi vvalutata b'mod parallel mal-kriterju tal-għoti tal-"Kwalità", abbażi tal-kompetenza u l-esperjenza tal-applikanti u tat-timijiet tal-proġett tagħhom, inklużi r-riżorsi operazzjonali (umani, tekniċi u oħrajn).

L-applikanti jitqiesu li għandhom kapaċità operazzjonali suffiċjenti meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li jirreferu għall-kapaċità operazzjonali stabbilita fis-sejħa għall-proposti.

L-applikanti se jkollhom juru l-kapaċità tagħhom permezz tal-informazzjoni li ġejja fil-Formola tal-Applikazzjoni (Parti B):

- il-profili ġenerali (kwalifiki u esperjenzi) tal-persunal responsabbli għall-ġestjoni u għall-implimentazzjoni tal-proġett
- deskrizzjoni tal-kompożizzjoni tal-konsorzju
- lista ta' proġetti ffinanzjati mill-UE għall-aħħar erba' snin.

L-Aġenzija Nazzjonali jew l-Aġenzija Eżekuttiva tista' titlob dokumenti ta' sostenn addizzjonali sabiex tivverifika l-informazzjoni inkluża fl-applikazzjoni.

Kriterji għall-għoti

Il-kriterji għall-għoti jippermettu lill-Aġenzija Nazzjonali jew Eżekuttiva tivvaluta l-kwalità tal-proposti tal-proġett sottomessi fil-qafas tal-Azzjonijiet Ewlenin tal-Programm Erasmus+.

Il-proposti li jissodisfaw il-livell limitu individwali u l-livell limitu kumplessiv tal-kwalità se jiġu kkunsidrati għal finanzjament, fil-limiti tal-baġit disponibbli għas-sejħa. Il-bqija tal-proposti se jitqiegħdu fuq il-lista ta' riżerva jew jiġu ddikjarati li ma rnexxewx.

Il-kriterji għall-għoti li japplikaw għal kull waħda mill-Azzjonijiet implimentati permezz tal-Gwida tal-Programm Erasmus+ huma deskritti fil-Parti B tal-Gwida.

PASS 3: IĊĊEKKJA L-KUNDIZZJONIJIET FINANZJARJI

Forom ta' għotja

L-għotja tista' tieħu l-forma li ġejja:

1) għotja tal-kostijiet reali mħallta:
    - rimborż tal-kostijiet eliġibbli effettivament imġarrba: eż. il-kostijiet eċċezzjonali taħt azzjonijiet tal-mobbiltà tal-Azzjoni Ewlenija 1.
    - rimborż fuq il-bażi tal-kostijiet unitarji, li jkopru l-kategoriji kollha jew ċerti kategoriji speċifiċi ta' kostijiet eliġibbli li huma identifikati b'mod ċar bil-quddiem permezz ta' referenza għal ammont għal kull unità: eż. l-appoġġ individwali taħt proġetti ta' mobbiltà tal-Azzjoni Ewlenija 1;

2) kontribuzzjonijiet ta' somom f'daqqa, li f'termini globali jkopru l-kategoriji kollha tal-kostijiet eliġibbli li jkunu identifikati b'mod ċar minn qabel: eż. il-kostijiet taħt proġetti ta' sħubija fuq skala żgħira tal-Azzjoni Ewlenija 2. L-ammont tas-somma f'daqqa jrid jiġi kkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fid-deċiżjoni dwar is-somma f'daqqa321 u bl-użu tat-tabella/tal-kalkulatur tal-baġit dettaljat ipprovdut (jekk ikun hemm). Jekk il-kalkolu tas-somma f'daqqa jkun ibbażat fuq il-baġits stmati tal-proġetti, il-baġit stmat irid jikkonforma mal-kundizzjonijiet bażiċi ta' eliġibbiltà għall-għotjiet tal-kostijiet reali tal-UE (ara l-Artikolu 6 tal-MGA ġenerali)
3) taħlita ta' dawn ta' hawn fuq.

Il-mekkaniżmu ta' finanzjament applikat fil-qafas tal-Programm Erasmus+ fil-biċċa l-kbira tal-każijiet jipprovdi għotjiet ibbażati fuq ir-rimborż fuq il-bażi tal-kostijiet unitarji jew tas-somom f'daqqa. Dawn it-tipi ta' għotjiet jgħinu lill-applikanti biex jikkalkulaw faċilment l-ammont tal-għotja mitlub u biex jiffaċilitaw ippjanar finanzjarju realistiku tal-proġett.

Sabiex issir taf liema tip ta' għotja hija applikata għal kull element ta' finanzjament skont kull Azzjoni tal-Erasmus+ koperta minn din il-Gwida, jekk jogħġbok irreferi għad-deskrizzjoni ta' kull azzjoni fil-Parti B, it-taqsima "X'inhuma r-regoli ta' finanzjament?".

PRINĊIPJI LI JAPPLIKAW GĦALL-GĦOTJIET TAL-UE

Nonretroattività

Ma tista' tingħata l-ebda għotja mill-UE b'mod retroattiv għal proġetti li diġà tlestew.

Tista' tingħata għotja tal-UE għal proġett li jkun diġà beda, biss meta l-applikant ikun jista' juri, fil-proposta tal-proġett, il-ħtieġa li jibda l-proġett qabel ma jkun ġie ffirmat il-ftehim ta' għotja. F'każijiet bħal dawn, il-kostijiet eliġibbli għall-finanzjament ma jridux ikunu ġġarrbu qabel id-data ta' sottomissjoni tal-applikazzjoni tal-għotja.

Jekk l-applikant jibda jimplimenta l-proġett qabel ma jiġi ffirmat il-ftehim ta' għotja, dan isir b'riskju għall-applikant.

Sottomissjonijiet multipli

Għal azzjonijiet ġestiti mill-Aġenzija Eżekuttiva, l-applikanti jistgħu jissottomettu aktar minn proposta waħda għal proġetti differenti taħt l-istess sejħa (u jingħataw finanzjament għalihom). L-organizzazzjonijiet jistgħu jipparteċipaw f'diversi proposti. Madankollu, jekk ikun hemm diversi proposti għal proġetti simili ħafna, proposta waħda biss tiġi aċċettata u evalwata; l-applikanti se jintalbu jirtiraw waħda minnhom (jew tiġi rrifjutata).

Il-proposti jistgħu jinbidlu u jiġu sottomessi mill-ġdid sal-iskadenza għas-sottomissjoni.

Għall-azzjonijiet ġestiti mill-Aġenziji Nazzjonali, fil-każ ta' sottomissjonijiet multipli tal-istess applikazzjoni mill-istess applikant għal Aġenziji differenti, l-applikazzjonijiet kollha jiġu miċħuda. Jekk jiġu sottomessi applikazzjonijiet kważi identiċi jew simili mill-istess applikant jew applikanti differenti għall-istess Aġenziji jew Aġenziji differenti, dawn kollha jkunu soġġetti għal valutazzjoni speċifika u jistgħu jiġu miċħuda kollha.

Kontenut oriġinali u xogħol ta' awturi

L-applikazzjonijiet kollha għal proġetti u akkreditazzjonijiet iridu jinkludu kontenut oriġinali miktub mill-applikant. Fl-abbozzar tal-applikazzjoni tagħhom, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja li japplikaw għal attivitajiet ta' mobbiltà

321 Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar is-somom f'daqqa -and-unit-cost-decision_erasmus_en.pdf (europa.eu)

internazzjonali jistgħu jinvolvu wkoll il-HEIs sħab tagħhom minn pajjiżi mhux assoċjati mal-programm. L-ebda organizzazzjoni jew individwi esterni oħra ma jistgħu jitħallsu jew jiġu kkumpensati b'xi mod ieħor għall-abbozzar tal-applikazzjoni. L-Aġenzija Nazzjonali tista' tirrifjuta lill-applikant mill-proċess tal-għażla jew tista' ttemm proġett/akkreditazzjoni mogħtija fi kwalunkwe ħin jekk tiddetermina li dawn ir-regoli ma jkunux ġew irrispettati.

.

Għotja mhux kumulattiva

Kull proġett iffinanzjat mill-UE huwa intitolat jirċievi għotja waħda biss mill-baġit tal-UE għal kwalunkwe benefiċjarju wieħed. L-istess kostijiet fl-ebda ċirkostanza ma għandhom jiġu ffinanzjati darbtejn mill-baġit tal-UE.

Sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' finanzjament doppju, l-applikant jeħtieġlu jindika s-sorsi u l-ammonti ta' kull finanzjament ieħor li rċieva jew li applika għalih fis-sena, kemm jekk għall-istess proġett kif ukoll għal kwalunkwe proġett ieħor, inklużi l-għotjiet operattivi. Għall-azzjonijiet ġestiti mill-Aġenziji Nazzjonali, dan se jiġi indikat fil-formola tal-applikazzjoni. Għall-azzjonijiet ġestiti mill-Aġenzija Eżekuttiva, dan se jiġi ċċekkjat permezz tad-Dikjarazzjoni fuq l-Unur.

Nonprofitt

Għotja ffinanzjata mill-baġit tal-Unjoni ma jridx ikollha l-iskop jew l-effett li tipproduċi profitt fi ħdan il-qafas tal-proġett imwettaq mill-benefiċjarju. Il-profitt huwa ddefinit bħala s-surplus ikkalkulat mal-pagament tal-bilanċ, tal-irċevuti fuq il-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni jew tal-programm ta' ħidma, fejn l-irċevuti huma limitati għall-għotja mill-Unjoni u għad-dħul iġġenerat minn dik l-azzjoni jew mill-programm ta' ħidma[322]. Il-prinċipju tan-nonprofitt ma japplikax għall-għotjiet mogħtija fil-forma ta' kost unitarju, somma f'daqqa jew finanzjament b'rata fissa, inklużi boroż ta' studju, u lanqas għal talbiet għal għotja li ma jaqbżux is-EUR 60,000.

Fejn isir profitt, il-Kummissjoni għandha tkun intitolata tirkupra l-perċentwal tal-profitt li jikkorrispondi għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-kostijiet eliġibbli li jiġġarrbu effettivament mill-benefiċjarju meta wettaq l-azzjoni.

Bl-iskop li jiġi kkalkulat il-profitt iġġenerat mill-għotja, mhux se jitqies il-kofinanzjament f'għamla ta' kontribuzzjonijiet *in natura*.

Kofinanzjament

Barra minn hekk, għotja tal-UE hija inċentiv biex jitwettaq proġett li ma jkunx fattibbli mingħajr l-appoġġ finanzjarju tal-UE, u hija bbażata fuq il-prinċipju ta' kofinanzjament. Il-kofinanzjament jimplika li l-għotja tal-UE jaf ma tiffinanzjax il-kostijiet sħaħ tal-proġett; il-proġett irid jiġi ffinanzjat minn sorsi ta' kofinanzjament minbarra l-għotja tal-UE (eż. ir-riżorsi proprji tal-benefiċjarju, l-introjtu ġġenerat mill-azzjoni, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn partijiet terzi).

[322] Għal dan l-għan, l-irċevuti huma limitati għall-introjtu ġġenerat mill-proġett, kif ukoll għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji assenjati speċifikament mid-donaturi għall-finanzjament tal-kostijiet eliġibbli. Il-profitt (jew it-telf) kif definit hawn fuq huwa għalhekk id-differenza bejn:

- l-ammont tal-għotja aċċettat b'mod proviżorju u l-introjtu ġġenerat mill-azzjoni u
- il-kostijiet eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarju.

Barra minn hekk, kull meta jsir profitt, dan jiġi rkuprat. L-Aġenzija Nazzjonali jew l-Aġenzija Eżekuttiva huma intitolati jirkupraw il-perċentwal tal-profitt li jikkorrispondi għall-kontribuzzjoni mill-Unjoni għall-kostijiet eliġibbli li jiġġarrbu effettivament mill-benefiċjarju biex iwettaq l-azzjoni. Se jiġu pprovduti aktar kjarifiki dwar il-kalkolu tal-profitt għal azzjonijiet li l-għotjiet tagħhom ikunu fl-għamla ta' rimborż għal proporzjon speċifikat tal-kostijiet eliġibbli.

Meta l-għotja tal-UE tiġi pprovduta fil-forma ta' kost unitarju, somma f'daqqa jew finanzjament b'rata fissa - dan huwa l-każ għall-biċċa l-kbira tal-Azzjonijiet koperti minn din il-Gwida - il-prinċipji tan-nonprofitt u tal-kofinanzjament huma żgurati mill-Kummissjoni għall-Azzjoni kollha kemm hi bil-quddiem meta tiddefinixxi r-rati jew il-perċentwali ta' tali unitajiet, is-somom f'daqqa u r-rati fissi. Wieħed ġeneralment jassumi l-ħarsien tal-prinċipji tan-nonprofitt u tal-kofinanzjament u għalhekk, l-applikanti la għandhom għalfejn jipprovdu informazzjoni dwar is-sorsi ta' finanzjament għajr l-għotja tal-UE, u lanqas jiġġustifikaw il-kostijiet imġarrba mill-proġett.

Madankollu, il-pagament tal-għotja abbażi tar-rimborż fuq il-bażi ta' kostijiet unitarji, somom f'daqqa, jew finanzjament b'rata fissa huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' aċċess għar-rekords statutorji tal-benefiċjarji. Jekk kontroll jew awditu jiżvela li ma jkunx seħħ l-avveniment ta' ġenerazzjoni (eż. attivitajiet ta' proġett li ma twettqux kif approvat fl-istadju tal-applikazzjoni, parteċipanti li ma ħadux sehem fl-attivitajiet, eċċ.) u jkun sar pagament mhux dovut lill-benefiċjarju fuq għotja bbażata fuq ir-rimborż abbażi tal-kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji, somom f'daqqa, jew finanzjament b'rata fissa, l-Aġenzija Nazzjonali jew Eżekuttiva għandha tkun intitolata tirkupra l-ammont tal-għotja. Bl-istess mod, jekk l-attivitajiet imwettqa jew l-outputs prodotti ma jiġux implimentati jew jiġu implimentati ħażin (inkluż in-nuqqas ta' konformità ma' obbligu kuntrattwali), l-għotja tista' titnaqqas, filwaqt li jitqies il-punt sa fejn l-azzjoni tkun tlestiet. Barra minn hekk, għall-iskopijiet ta' statistika u monitoraġġ, il-Kummissjoni Ewropea tista' twettaq stħarriġ fuq kampjuni tal-benefiċjarji li jkollhom l-għan li jikkwantifikaw il-kostijiet reali mġarrba fil-proġetti ffinanzjati abbażi tar-rimborż fuq il-bażi tal-kontribuzzjoni għall-kostijiet unitarji, għas-somom f'daqqa, jew għall-finanzjament b'rata fissa.

KOSTIJIET U KONTRIBUZZJONIJIET ELIĠIBBLI U INELIĠIBBLI LI JAPPLIKAW GĦALL-GĦOTJIET TAL-KOSTIJIET REALI MĦALLTA

Sabiex ikunu eliġibbli, il-kostijiet u l-kontribuzzjoni jridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà stabbiliti hawn taħt[323]:

<u>Kostijiet eliġibbli – kundizzjonijiet ġenerali</u>

1) Għall-kostijiet reali:

- iridu jiġġarrbu effettivament mill-benefiċjarju;
- iridu jiġġarrbu matul il-ħajja tal-proġett, bl-eċċezzjoni tal-kostijiet relatati mar-rapporti finali u maċ-ċertifikati tal-awditjar, li jistgħu jiġġarrbu wara;
- iridu jkunu indikati fil-baġit stmat tal-proġett;
- iridu jkunu neċessarji għall-implimentazzjoni tal-proġett li jkun is-suġġett tal-għotja;
- iridu jkunu identifikabbli u verifikabbli, u b'mod partikolari jkunu rreġistrati fir-rekords kontabilistiċi tal-benefiċjarju u determinati skont l-istandards tal-kontabbiltà applikabbli tal-pajjiż fejn il-benefiċjarju jkun stabbilit u skont il-prattiki komuni tal-kontabbiltà tal-kostijiet tal-benefiċjarju;
- iridu jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni fiskali u soċjali applikabbli;
  ikunu raġonevoli, ġustifikati, u jikkonformaw mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, b'mod partikolari rigward l-ekonomija u l-effiċjenza.

2) Għall-kostijiet unitarji u għall-kontribuzzjonijiet:

- iridu jiġu ddikjarati taħt waħda mill-kategoriji tal-baġit stabbiliti fil-baġit stmat tal-proġett;
  (i) l-unitajiet iridu:
  - fil-fatt jintużaw jew jiġu prodotti mill-benefiċjarju fil-perjodu tal-implimentazzjoni;
  - ikunu neċessarji għall-implimentazzjoni tal-azzjoni u

(ii) in-numru ta' unitajiet irid ikun identifikabbli u verifikabbli u, fejn neċessarju, appoġġat minn rekords u minn dokumentazzjoni;

3) Kontribuzzjonijiet ta' somma f'daqqa:

- iridu jiġu ddikjarati taħt waħda mill-attivitajiet/pakketti ta' ħidma stabbiliti fil-baġit stmat tal-proġett;
- ix-xogħol irid jiġi implimentat kif suppost mill-benefiċjarju f'konformità mal-ftehim ta' għotja;
- ir-riżultati tanġibbli/l-outputs iridu jinkisbu fil-perjodu ta' implimentazzjoni;

Kostijiet eliġibbli - Kundizzjonijiet speċifiċi

Il-kostijiet eliġibbli jistgħu jkunu diretti jew indiretti.

Kostijiet diretti

Il-kostijiet diretti eliġibbli għall-azzjoni huma dawk il-kostijiet li, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà msemmija hawn fuq, ikunu identifikabbli bħala kostijiet speċifiċi marbuta direttament mat-twettiq tal-azzjoni u li għalhekk jistgħu jiġu assenjati direttament lilha. Minbarra l-kostijiet diretti eliġibbli li se jiġu indikati fis-sejħa għal proposti, il-kategoriji ta' kostijiet jitqiesu eliġibbli wkoll:

- kostijiet relatati ma' garanzija ta' prefinanzjament ippreżentata mill-benefiċjarju tal-għotja, meta dik il-garanzija tkun meħtieġa mill-Aġenzija Nazzjonali;
- kostijiet relatati maċ-ċertifikati tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji u r-rapporti ta' verifika operazzjonali fejn ċertifikati u rapporti bħal dawn huma meħtieġa bħala appoġġ tat-talbiet għall-pagamenti mill-Aġenzija Nazzjonali;
  kostijiet ta' deprezzament, diment li dawn jiġġarrbu effettivament mill-benefiċjarju.

Il-proċeduri kontabilistiċi interni u tal-awditjar tal-benefiċjarju jridu jippermettu rikonċiljazzjoni diretta tal-kostijiet u tad-dħul iddikjarati fir-rigward tal-proġett mar-rapporti korrispondenti tal-kontabbiltà u d-dokumenti ta' sostenn.

Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT)

It-taxxa fuq il-valur miżjud titqies bħala kost eliġibbli biss jekk din ma tkunx rekuperabbli skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli dwar il-VAT[324]. L-unika eċċezzjoni hija relatata ma' attivitajiet jew tranżazzjonijiet li fihom l-istati, l-awtoritajiet tal-gvern reġjonali u lokali u korpi pubbliċi oħrajn ikunu involuti bħala awtoritajiet pubbliċi[325]. Barra minn hekk:

- il-VAT deduċibbli li effettivament ma titnaqqasx (minħabba l-kundizzjonijiet nazzjonali jew it-traskuraġni tal-benefiċjarji) ma hijiex eliġibbli;
- id-Direttiva dwar il-VAT ma tapplikax għall-pajjiżi mhux tal-UE. Organizzazzjonijiet minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm jistgħu jiġu eżentati mit-taxxi (inkluża l-VAT), dazji u tariffi, jekk ikun ġie ffirmat

[324] Fl-Istati Membri, il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-VAT tittrasponi d-Direttiva 2006/112/KE dwar il-VAT.
[325] Ara l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva.

ftehim bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm fejn tkun stabbilita l-organizzazzjoni.

Kostijiet indiretti eliġibbli

Il-kostijiet indiretti huma kostijiet li ma jkunux marbuta direttament mal-implimentazzjoni tal-azzjoni u għaldaqstant ma jistgħux jiġu attribwiti direttament għaliha.

Għal ċerti tipi ta' proġetti (għad-dettalji dwar ir-regoli ta' finanzjament għall-Azzjonijiet, jekk jogħġbok ikkonsulta l-Parti B ta' din il-Gwida), huwa eliġibbli ammont b'rata fissa li ma jaqbiżx is-7 % tal-kostijiet diretti eliġibbli tal-proġett taħt il-kostijiet indiretti, li jirrappreżentaw il-kostijiet amministrattivi ġenerali tal-benefiċjarju li ma humiex diġà koperti mill-kostijiet diretti eliġibbli (eż. il-kontijiet tad-dawl jew tal-Internet, il-kost għall-bini, eċċ.) iżda li jistgħu jitqiesu bħala attribwibbli għall-proġett.

Il-kostijiet indiretti jistgħu ma jinkludux il-kostijiet li jiddaħħlu taħt kategorija baġitarja oħra. Il-kostijiet indiretti ma humiex eliġibbli meta l-benefiċjarju diġà jkun qiegħed jirċievi għotja operattiva mill-baġit tal-Unjoni (pereżempju fil-qafas tas-sejħa għal proposti dwar il-Kooperazzjoni tas-Soċjetà Ċivili fil-qafas tal-Programm Erasmus+).

Jekk ikunu awtorizzati għal azzjoni speċifika, jekk jogħġbok qis li l-kostijiet tal-voluntiera ma humiex kategorija klassika ta' kostijiet. Ma hemm l-ebda kost minħabba li l-voluntiera jaħdmu mingħajr ħlas, iżda xorta waħda jistgħu jiddaħħlu fil-baġit fil-forma ta' kost unitarju prestabbilit (għal kull voluntier)[326] u b'hekk jippermettulek tibbenefika mill-ħidma tal-voluntiera għall-għotja (billi żżid l-ammont ta' rimborż sa 100 % tal-kostijiet normali, jiġifieri l-kategoriji tal-kostijiet minbarra l-voluntiera).

Għall-azzjonijiet ġestiti mill-Aġenzija Eżekuttiva, meta tkun qed tikkalkula l-kostijiet tal-akkomodazzjoni tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza tiegħek, jekk jogħġbok uża l-kostijiet unitarji għall-ivvjaġġar, għall-akkomodazzjoni u għas-sussistenza speċifikati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 35[327]. Barra minn hekk, jekk jogħġbok innota li s-sidien ta' SMEs u l-benefiċjarji li jkunu persuni fiżiċi huma eliġibbli billi tiġi applikata d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ottubru 2020 li tawtorizza l-użu ta' kostijiet unitarji għall-kostijiet tal-persunal tas-sidien ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u benefiċjarji li huma persuni fiżiċi li ma jirċevux salarju għax-xogħol imwettaq minnhom infushom taħt programm ta' azzjoni jew ta' ħidma[328].

F'termini ta' siti web tal-proġetti, il-kostijiet tal-komunikazzjoni għall-preżentazzjoni tal-proġett fuq is-siti web tal-parteċipanti jew fuq il-kontijiet tal-media soċjali huma eliġibbli.

L-Appoġġ Finanzjarju lil Partijiet terzi jkun eliġibbli biss jekk ikun previst mis-Sejħa (il-Parti B ta' din il-Gwida tal-Programm).

Kostijiet ineliġibbli

Il-kostijiet li ġejjin ma għandhomx jitqiesu bħala eliġibbli:

- id-dħul minn kapital u d-dividendi mħallsa minn benefiċjarju;
- id-dejn u t-tariffi tas-servizz tad-dejn;
- id-dispożizzjonijiet għat-telf jew għad-djun;

[326] https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/docs/2021-2027/common/guidance/unit-cost-decision-volunteers_en.pdf
[327] https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/docs/2021-2027/common/guidance/unit-cost-decision-travel_en.pdf
[328] https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/docs/2021-2027/common/guidance/unit-cost-decision-sme-owners-natural-persons_en.pdf

- l-imgħax dovut;
- id-djun dubjużi;
- it-telf mill-kambju;
- il-kostijiet iddikjarati mill-benefiċjarju skont azzjoni oħra li tirċievi għotja ffinanzjata mill-baġit tal-Unjoni
- nefqa eċċessiva jew imprudenti;
- il-kontribuzzjonijiet *in natura* minn terzi;
- f'każ ta' kiri jew il-lokazzjoni ta' tagħmir, il-kost ta' kwalunkwe opzjoni ta' akkwiżizzjoni fi tmiem il-perjodu ta' lokazzjoni jew kiri;
- il-kostijiet għall-ftuħ u t-tħaddim ta' kontijiet tal-bank (inklużi l-kostijiet tat-trasferimenti minn jew lill-Aġenzija Nazzjonali jew Eżekuttiva imposti mill-bank tal-benefiċjarju).
- il-VAT, meta titqies bħala rekuperabbli skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli dwar il-VAT (ara l-paragrafu ta' fuq dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud);
- kontribuzzjonijiet *in natura* huma permessi, iżda ma jistgħux jiġu ddikjarati bħala kostijiet.

Sorsi ta' finanzjament

Fil-formola ta' applikazzjoni tiegħu l-applikant jeħtieġlu jindika l-kontribuzzjoni minn sorsi oħrajn apparti l-għotja tal-UE. Il-kofinanzjament estern jista' jieħu l-forma tar-riżorsi proprji tal-benefiċjarju, kontribuzzjonijiet finanzjarji minn terzi jew introjtu ġġenerat mill-proġett. Jekk, meta jsir ir-rapport finali u t-talba għall-pagament tal-bilanċ, ikun hemm evidenza li hemm surplus tal-introjtu (ara t-taqsima dwar in-Nonprofitt u l-Kofinanzjament) fuq il-kostijiet eliġibbli mġarrba mill-proġett, l-Aġenzija Nazzjonali jew l-Aġenzija Eżekuttiva hija intitolata tirkupra l-perċentwal tal-profitt li jikkorrispondi għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-kostijiet eliġibbli li jiġġarrbu effettivament mill-benefiċjarju biex iwettaq il-proġett. Din id-dispożizzjoni ma tapplikax għall-proġetti li jitolbu għotja li ma taqbiżx is-EUR 60,000.

Il-kontribuzzjonijiet *in natura* minn terzi ma jitqisux bħala sors possibbli ta' kofinanzjament.

PASS 4: IMLA U SSOTTOMETTI L-FORMOLA TAL-APPLIKAZZJONI

Sabiex jagħmlu talba għal għotja mill-UE fil-qafas tal-Programm Erasmus+, l-applikanti jeħtiġilhom jużaw il-formoli speċifiċi għal kul azzjoni u li huma disponibbli fuq is-siti web tal-Kummissjoni Ewropea jew tal-Aġenziji Nazzjonali (għad-dettalji ta' kuntatt, jekk jogħġbok segwi l-link li ġej: http://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/contact_mt).

F'każ ta' proġetti sottomessi f'konsorzju, il-koordinatur jissottometti applikazzjoni unika għall-proġett sħiħ f'isem il-membri kollha tal-konsorzju. L-applikazzjoni trid tiġi sottomessa lill-Aġenzija Nazzjonali jew Eżekuttiva xierqa (ara t-taqsimiet "fejn napplika" għal kull azzjoni, fil-Parti B ta' din il-Gwida).

-

L-applikazzjonijiet mibgħuta bil-posta, b'servizz ta' kurrier, bil-faks jew bil-posta elettronika mhux se jiġu aċċettati.

Fil-każ ta' azzjonijiet ġestiti minn Aġenzija Nazzjonali, il-formola elettronika trid timtela b'waħda mil-lingwi uffiċjali użati fl-Istati Membri tal-UE u fil-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm. F'każ ta' azzjonijiet ġestiti mill-Aġenzija Eżekuttiva, l-applikanti jeħtiġilhom jimlew il-formola f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE. Madankollu, l-astratt/is-sommarju tal-proġett dejjem għandu jkun bl-Ingliż.

L-applikazzjonijiet iridu jiġu sottomessi biss lil Aġenzija Nazzjonali waħda jew lill-Aġenzija Eżekuttiva. F'każ ta' aktar minn sottomissjoni waħda tal-istess applikazzjoni fl-istess ċiklu ta' għażla lill-istess Aġenzija Nazzjonali jew lill-Aġenzija Eżekuttiva, l-Aġenzija Nazzjonali jew Eżekuttiva dejjem se jqisu l-aħħar verżjoni sottomessa qabel ma tkun skadiet id-data ta' skadenza bħala valida. F'każ ta' aktar minn sottomissjoni waħda tal-istess applikazzjoni jew ta' applikazzjonijiet li

huma simili ħafna mill-istess organizzazzjoni jew konsorzju applikanti lil Aġenziji Nazzjonali differenti, l-applikazzjonijiet kollha jistgħu jiġu rrifjutati awtomatikament (ara t-taqsima dwar l-għotja mhux kumulattiva).

Għal aktar informazzjoni dwar kif timla u tissottometti l-formola tal-applikazzjoni, jekk jogħġbok żur is-siti web li ġejjin:

- **Għall-azzjonijiet ġestiti mill-Aġenziji Nazzjonali tal-Erasmus+**: jekk jogħġbok ikkonsulta l-linji gwida dwar kif timla u tissottometti formola elettronika. Dawn il-linji gwida jipprovdu wkoll informazzjoni dwar x'għandek tagħmel fil-każ ta' problemi tekniċi; dawn huma disponibbli fuq is-siti web tal-Aġenziji Nazzjonali (għall-Azzjonijiet ġestiti minnhom) u tal-Kummissjoni Ewropea.

- **Għall-azzjonijiet ġestiti mill-Aġenzija Eżekuttiva**: L-applikazzjonijiet iridu jiġu sottomessi b'mod elettroniku permezz tas-Sistema tas-Sottomissjoni Elettronika tal-Portal ta' Finanzjament u ta' Offerti. Għal aktar informazzjoni dwar il-proċess ta' sottomissjoni (inklużi aspetti tal-IT), ikkonsulta l-Manwal Online disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/docs/2021-2027/common/guidance/om_en.pdf

Irrispetta l-iskadenza

L-applikazzjoni trid tiġi sottomessa sal-iskadenza stabbilita għal kull Azzjoni. Id-dati ta' skadenza għas-sottomissjoni tal-proġetti huma speċifikati għal kull Azzjoni fil-Parti B "Kriterji tal-Eliġibbiltà" ta' din il-Gwida.

N.B.:

Għall-azzjonijiet ġestiti mill-Aġenziji Nazzjonali tal-Erasmus+, irrispettivament mill-jum tal-iskadenza, id-data tal-iskadenza għas-sottomissjoni tal-formoli elettroniċi hija dejjem stabbilita għal 12:00:00 (nofsinhar, ħin ta' Brussell).

Għall-azzjonijiet ġestiti mill-Aġenzija Eżekuttiva EACEA u koperti f'din il-Gwida tal-Programm, f'konformità mar-rekwiżiti tal-Portal tal-Opportunitajiet ta' Finanzjament u ta' Offerti (FTOP) tal-Kummissjoni, l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-proposti lill-EACEA hija fil-17:00:00 (ħin ta' Brussell).

L-applikanti stabbiliti f'pajjiżi li għandhom żona tal-ħin differenti għandhom iqisu b'attenzjoni d-differenzi fil-ħin sabiex jevitaw li jiġu rrifjutati.

X'JIĠRI LADARBA TIĠI SOTTOMESSA L-APPLIKAZZJONI?

L-applikazzjonijiet kollha riċevuti mill-Aġenziji Nazzjonali jew mill-Aġenzija Eżekuttiva jgħaddu minn proċedura ta' evalwazzjoni.

Il-proċedura ta' evalwazzjoni

Il-proposti tal-proġett huma evalwati mill-Aġenzija Nazzjonali jew Eżekuttiva li tirċievi l-applikazzjoni, esklużivament abbażi tal-kriterji deskritti f'din il-Gwida. L-evalwazzjoni timplika:

- kontroll biex jiġi vverifikat li l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji tal-ammissibbiltà
- kontroll biex jiġi vverifikat li l-applikant u l-attivitajiet proposti jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibbiltà
- kontroll biex jiġi vverifikat li l-applikant jissodisfa l-kriterji tal-esklużjoni u tal-għażla (jiġifieri l-kapaċità operazzjonali u finanzjarja);
- valutazzjoni tal-kwalità biex jiġi evalwat kemm l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji għall-għoti. Ħafna tad-drabi tali valutazzjoni tal-kwalità titwettaq bl-appoġġ tal-esperti indipendenti. Fil-valutazzjoni tagħhom, l-esperti se jiġu

appoġġati minn linji gwida żviluppati mill-Kummissjoni Ewropea; Għal-azzjonijiet ġestiti mill-Aġenziji Nazzjonali tal-Erasmus+, dawn il-linji gwida se jkunu disponibbli fuq is-siti web tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Aġenziji responsabbli għall-ġestjoni tal-proġetti tal-Erasmus+ f'kull pajjiż;
- verifika li l-proposta ma tippreżentax riskji ta' finanzjament doppju. Jekk ikun neċessarju, tali verifika titwettaq f'kooperazzjoni ma' Aġenziji oħrajn jew ma' partijiet ikkonċernati oħrajn.

L-Aġenzija Nazzjonali jew Eżekuttiva se taħtar kumitat ta' evalwazzjoni biex jiġġestixxi l-proċess kollu tal-għażla. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni mwettqa mill-kumitat ta' evalwazzjoni – jekk ikun meħtieġ bl-appoġġ tal-esperti – se jagħżel u jistabbilixxi lista ta' proġetti proposti għall-għoti tal-għotja.

Għall-azzjonijiet kollha koperti minn din il-Gwida, matul il-proċess ta' evalwazzjoni, l-applikanti jistgħu jintalbu jipprovdu informazzjoni addizzjonali jew jiċċaraw id-dokumenti ta' sostenn sottomessi b'rabta mal-applikazzjoni, bil-kundizzjoni li dik l-informazzjoni jew kjarifika ma tibdilx il-proposta b'mod sostanzjali. Informazzjoni u kjarifiki addizzjonali jkunu partikolarment iġġustifikati fil-każ ta' żbalji klerikali ovvji li jsiru mill-applikant, jew f'dawk il-każijiet li fihom – għall-proġetti ffinanzjati permezz ta' ftehimiet multibenefiċjarji – wieħed jew aktar mill-mandati tas-sħab ikunu neqsin (għal ftehimiet multibenefiċjarji, ara t-taqsima "Ftehim ta' għotja" hawn taħt).

Deċiżjoni finali

Fi tmiem il-proċedura ta' evalwazzjoni, l-Aġenzija Nazzjonali jew Eżekuttiva tiddeċiedi dwar il-proġetti li għandhom jingħataw għotja fuq abbażi:

- tal-lista ta' klassifikazzjoni proposta mill-kumitat għall-evalwazzjoni;
- tal-baġit disponibbli għal kwalunkwe Azzjoni partikolari (jew kwalunkwe attività partikolari fi ħdan Azzjoni)

Wara t-tlestija tal-proċedura ta' evalwazzjoni, il-fajls tal-applikazzjoni u l-materjal ta' akkumpanjament ma jintbagħtux lura lill-applikant, irrispettivament mill-eżitu tal-proċedura.

Notifika tar-riżultati

L-applikanti kollha se jiġu informati dwar ir-riżultat tal-evalwazzjoni permezz ta' ittra tar-riżultat tal-evalwazzjoni. Din l-ittra se jkun fiha aktar struzzjonijiet dwar il-passi li jmiss fil-proċess lejn l-iffirmar tal-ftehim ta' għotja.

Għall-azzjonijiet ġestiti mill-Aġenzija Eżekuttiva:

L-applikanti li l-applikazzjonijiet tagħhom jirnexxu jiġu mistiedna għat-tħejjija tal-għotja; l-oħrajn jitqiegħdu fil-lista ta' riżerva jew jiġu rrifjutati. L-istedina għat-tħejjija tal-għotja ma tikkostitwixxix impenn formali għall-finanzjament. L-Aġenzija Eżekuttiva xorta se tkun meħtieġa tagħmel diversi kontrolli legali qabel ma tagħti l-għotjiet: il-validazzjoni tal-entità legali, il-kapaċità finanzjarja, il-verifika tal-esklużjoni, eċċ. F'dan iż-żmien, l-applikanti se jintalbu jissottomettu d-*data* finanzjarja tal-organizzazzjoni tagħhom u jaħtru LEAR.

Jekk l-applikant jemmen li l-proċedura ta' evalwazzjoni kienet żbaljata, huwa jista' jissottometti lment (wara l-iskadenzi u l-proċeduri stabbiliti fl-ittra ta' notifika dwar l-eżitu tal-evalwazzjoni). Jekk jogħġbok innota li n-notifiki li ma jkunux nfetħu fi żmien 10 ijiem wara li jintbagħtu jitqiesu li jkunu ġew aċċessati u li l-iskadenzi se jingħaddu mill-ftuħ/aċċess (ara wkoll it-Termini u l-Kundizzjonijiet tal-Portal ta' Finanzjament u ta' Offerti: https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/docs/2021-2027/common/ftp/tc_en.pdf). Jekk jogħġbok kun af ukoll li għall-ilmenti sottomessi b'mod elettroniku, jista' jkun hemm limitazzjonijiet fil-karattri.

Skeda ta' żmien indikattiva għan-notifika tad-deċiżjoni dwar l-għoti tal-għotja u l-iffirmar tal-ftehim ta' għotja:

Fil-każ ta' proġetti tal-Azzjoni Ewlenija 1 ġestiti mill-Aġenziji Nazzjonali tal-Erasmus+, in-notifika tad-deċiżjoni ta' għoti u l-iffirmar tal-ftehim ta' għotja se jsiru, b'mod indikattiv, erba' xhur wara l-iskadenza tas-sottomissjoni.

Fil-każ ta' proġetti tal-Azzjoni Ewlenija 2 ġestiti mill-Aġenziji Nazzjonali tal-Erasmus+, in-notifika tad-deċiżjoni ta' għoti u l-iffirmar tal-ftehim ta' għotja se jsiru, b'mod indikattiv, ħames xhur wara l-iskadenza tas-sottomissjoni.

Fil-każ ta' proġetti Azzjoni Ewlenija 2 u tal-Azzjoni Ewlenija 3 ġestiti mill-Aġenzija Eżekuttiva, in-notifika tad-deċiżjoni ta' għoti se ssir, b'mod indikattiv, sitt xhur wara l-iskadenza tas-sottomissjoni u l-iffirmar tal-ftehim ta' għotja se jsir, b'mod indikattiv, disa' xhur wara l-iskadenza tas-sottomissjoni.

X'JIĠRI META L-APPLIKAZZJONI TIĠI APPROVATA?

Ftehim ta' għotja

Jekk il-proġett jintgħażel għal għotja mill-UE fil-qafas tal-Erasmus+:

- il-ftehim ta' għotja jiġi ffirmat bejn l-Aġenzija Nazzjonali jew Eżekuttiva u l-applikant. L-applikant se jirċievi l-ftehim ta' għotja, li jrid jiġi ffirmat u mibgħut lura lill-Aġenzija Nazzjonali jew Eżekuttiva; l-Aġenzija Nazzjonali jew Eżekuttiva hija l-aħħar parti li tiffirma. Meta l-għotja tiġi ffirmata miż-żewġ partijiet, l-applikant isir il-benefiċjarju ta' għotja mill-UE u jista' jibda l-proġett[329].

Il-ftehimiet ta' għotja jistgħu jieħdu l-forma ta' ftehimiet monobenefiċjarji, fejn l-applikant ikun l-uniku benefiċjarju, jew ftehimiet multibenefiċjarji, li fihom is-sħab kollha tal-organizzazzjoni tal-konsorzju jsiru l-benefiċjarji tal-ftehim. Il-ftehim multibenefiċjarju jiġi ffirmat mill-koordinatur li huwa l-uniku punt ta' kuntatt għall-Aġenzija Nazzjonali jew Eżekuttiva. Madankollu, l-organizzazzjonijiet l-oħrajn kollha li jieħdu sehem fi proġett (kobenefiċjarji) jiffirmaw mandat biex jagħtu lill-koordinatur, ir-responsabbiltà li jaġixxi bħala l-benefiċjarju ewlieni. Bħala regola ġenerali, il-mandati ta' kull sieħeb lill-koordinatur għandhom jingħataw fl-istadju tal-applikazzjoni. Jekk dawn il-mandati jiġu pprovduti fi stadju aktar avvanzat, dawn iridu jsiru disponibbli sa mhux aktar tard minn meta jiġi ffirmat il-ftehim ta' għotja.

Nota bene: Ma humiex meħtieġa mandati għal organizzazzjonijiet sħab f'pajjiżi differenti mill-pajjiż tal-organizzazzjoni applikanti fil-każ ta' proġetti ta' mobbiltà għall-istudenti u l-persunal tal-Edukazzjoni Għolja, proġetti ta' mobbiltà għall-istudenti u l-persunal fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, proġetti ta' mobbiltà għall-istudenti tal-iskola u l-persunal fl-edukazzjoni tal-iskola u fi proġetti ta' mobbiltà għall-persunal fl-edukazzjoni għall-adulti. Madankollu, l-organizzazzjonijiet membri ta' konsorzji nazzjonali fl-oqsma tal-edukazzjoni għolja, il-VET, l-edukazzjoni skolastika u għall-adulti huma meħtieġa jipprovdu mandat lill-organizzazzjoni applikanti.

Ammont tal-għotja

L-aċċettazzjoni ta' applikazzjoni ma tfissirx impenn biex jingħata finanzjament ugwali għall-ammont mitlub mill-applikant. Il-finanzjament mitlub jista' jitnaqqas abbażi tar-regoli ta' finanzjament speċifiċi li japplikaw għal Azzjoni partikolari.

[329] Ara n-nota f'qiegħ il-paġna ta' hawn fuq.

L-għoti ta' għotja f'sessjoni partikolari ta' għażla ma jistabbilixxix intitolament għal sessjonijiet sussegwenti. Għandu jiġi nnotat li l-ammont ta' għotja previst mill-ftehim huwa massimu li ma jistax jiżdied, anke jekk il-benefiċjarju jitlob ammont ogħla.

Il-fondi ttrasferiti mill-Aġenzija Eżekuttiva jew l-Aġenzija Nazzjonali jridu jiġu identifikati fil-kont jew is-subkont indikat mill-benefiċjarju għall-pagament tal-għotja.

Proċeduri tal-pagament

Skont it-tip ta' Azzjoni, id-durata tal-ftehim ta' għotja u l-valutazzjoni tar-riskju finanzjarju, il-proġetti appoġġati fil-qafas tal-Programm Erasmus+ se jkunu soġġetti għal proċeduri ta' pagament differenti.

Għajr għall-ewwel pagament ta' prefinanzjament, il-pagamenti jew l-irkupri l-oħrajn se jsiru abbażi tal-analiżi tar-rapporti jew it-talbiet għall-pagament sottomessi mill-benefiċjarju (il-mudelli ta' dawn id-dokumenti se jsiru disponibbli matul is-sena fuq is-siti web tal-Aġenziji Nazzjonali jew fil-Portal tal-Finanzjament u l-Offerti għall-Aġenzija Eżekuttiva).

Il-proċeduri ta' pagament applikati fil-qafas tal-Erasmus+ huma deskritti hawn taħt.

Pagament ta' prefinanzjament

Il-pagament ta' prefinanzjament se jiġi ttrasferit lill-benefiċjarju fi żmien 30 jum mid-data minn meta l-aħħar waħda miż-żewġ -partijiet tiffirma l-ftehim ta' għotja ("dħul fis-seħħ"), u fejn rilevanti, meta tiġi riċevuta kwalunkwe garanzija xierqa (ara t-taqsima "garanzija finanzjarja" hawn taħt). Il-prefinanzjament huwa maħsub biex il-benefiċjarju jkollu xi fondi għad-dispożizzjoni tiegħu fil-bidu. L-Aġenziji Nazzjonali jew l-Aġenzija Eżekuttiva tista' tiddeċiedi li taqsam l-ewwel pagament ta' prefinanzjament f'aktar minn pagament wieħed. Huma jistgħu jiddeċiedu wkoll li jnaqqsu l-prefinanzjament jew li ma jħallsu l-ebda prefinanzjament, jekk il-kapaċità finanzjarja tal-benefiċjarju titqies dgħajfa.

Aktar pagamenti ta' prefinanzjament

Għal ċerti Azzjonijiet, se jiġi ttrasferit it-tieni – u f'xi każijiet anke t-tielet – pagament ta' prefinanzjament lill-benefiċjarju fi żmien 60 jum kalendarju mir-riċevuta, mill-Aġenzija Nazzjonali jew mill-Aġenzija Eżekuttiva, tat-talbiet għall-pagament ta' prefinanzjament ulterjuri mressqa mill-benefiċjarju, iżda biss jekk it-talba għall-pagament ta' prefinanzjament ulterjuri tkun akkumpanjata minn rapport dwar il-prefinanzjament. Dawn il-pagamenti ta' prefinanzjament ulterjuri jistgħu jintalbu meta jkun intuża tal-inqas 70 % tal-pagament ta' prefinanzjament preċedenti. Meta d-dikjarazzjoni dwar l-użu tal-pagament(i) ta' prefinanzjament preċedenti turi li ntużaw inqas minn 70 % tal-pagament(i) ta' prefinanzjament preċedenti biex jiġu koperti l-kostijiet tal-azzjoni, l-ammont tal-prefinanzjament il-ġdid li jrid jitħallas għandu jitnaqqas mill-ammonti mhux użati tal-prefinanzjament preċedenti.

Rapporti *interim* jew ta' progress/tekniċi

Il-benefiċjarji jistgħu jintalbu jissottomettu rapport perjodiku jew *interim* li jakkumpanja t-talba għal pagament *interim*.

F'każijiet oħrajn, il-benefiċjarji jistgħu jintalbu wkoll jissottomettu rapport ta' progress li jagħti informazzjoni dwar l-istat tal-implimentazzjoni tal-proġett. Ir-rapporti ta' progress ma jagħtux lok għal pagament ulterjuri. Ir-rapporti *interim* u dawk ta' progress iridu jiġu sottomessi sad-data tal-għeluq indikata fil-ftehim ta' għotja.

Pagament jew irkupru tal-bilanċ

L-ammont tal-pagament finali li jrid isir lill-benefiċjarju se jiġi stabbilit abbażi ta' rapport finali li għandu jiġi sottomess sad-data tal-għeluq indikata fil-ftehim ta' għotja. Jekk a) l-avvenimenti li jiġġeneraw l-għotja ma jiġux implimentati jew

jiġu implimentati b'mod differenti milli ppjanat; jew b) il-kostijiet eliġibbli li jiġġarrbu effettivament mill-benefiċjarju huma inqas minn dawk ippjanati fl-istadju ta' applikazzjoni, jew c) il-kwalità tal-attivitajiet/outputs realizzati hija ta' kwalità insuffiċjenti, il-finanzjament jista' jitnaqqas b'mod proporzjonali jew, fejn ikun applikabbli, il-benefiċjarju jintalab iħallas lura kwalunkwe ammont żejjed li diġà jkun irċieva bħala pagament ta' prefinanzjament.

Għal ċerti Azzjonijiet, l-Aġenzija Nazzjonali jew Eżekuttiva tittrasferixxi 100 % tal-għotja mogħtija permezz ta' ħlasijiet parzjali ta' prefinanzjament. F'każijiet bħal dawn, ma huwiex dovut pagament tal-bilanċ. Madankollu, jekk - abbażi ta' rapport finali li għandu jiġu sottomess mill-benefiċjarju sad-data tal-għeluq indikata fil-ftehim ta' għotja - a) l-avvenimenti li jiġġeneraw l-għotja ma jiġux implimentati jew jiġu implimentati b'mod differenti minn kif ippjanat; jew b) il-kostijiet eliġibbli li jiġġarrbu effettivament mill-benefiċjarju huma inqas minn dawk ippjanati fl-istadju ta' applikazzjoni, jew c) il-kwalità tal-attivitajiet/outputs realizzati hija waħda insuffiċjenti, il-benefiċjarju jintalab iħallas lura kwalunkwe ammont żejjed li diġà jkun irċieva bħala pagament ta' prefinanzjament.

Il-pagamenti ta' prefinanzjament (jew partijiet minnhom) jistgħu jiġu kkumpensati (mingħajr il-kunsens tal-benefiċjarji) kontra ammonti dovuti minn benefiċjarju lill-awtorità tal-għoti — sal-ammont dovut lil dak il-benefiċjarju.

Bħala regola ġenerali, il-pagament finali jew it-talba għall-irkupru tal-bilanċ se jinħarġu fi żmien 60 jum kalendarju minn meta jasal ir-rapport finali.

DISPOŻIZZJONIJIET KUNTRATTWALI IMPORTANTI OĦRA

Garanzija finanzjarja

Jekk il-kapaċità finanzjarja titqies dgħajfa, l-Aġenzija Nazzjonali jew Eżekuttiva tista' titlob lil kwalunkwe benefiċjarju li jkun ingħata għotja li taqbeż is-EUR 60,000 biex jippreżenta garanzija bil-quddiem ħalli jillimita r-riskji finanzjarji marbuta mal-pagament ta' prefinanzjament. Din il-garanzija tista' tintalab sal-istess ammont ta' pagament(i) ta' prefinanzjament.

L-iskop ta' tali garanzija huwa li tirrendi bank jew istituzzjoni finanzjarja kollateral irrevokabbli, jew l-ewwel garanti tal-obbligi tal-benefiċjarju li huma derivati mill-ftehim ta' għotja.

Il-garanzija finanzjarja, f'euro, għandha tiġi pprovduta minn bank jew istituzzjoni finanzjarja approvati stabbiliti fi Stat Membru tal-UE. Meta l-benefiċjarju jkun stabbilit f'pajjiż mhux tal-UE, l-Aġenzija Nazzjonali jew Eżekuttiva tista' taqbel li bank jew istituzzjoni finanzjarja stabbiliti f'tali pajjiż jipprovdu l-garanzija, jekk tqis li l-bank jew l-istituzzjoni finanzjarja joffru sigurtà finanzjarja u karatteristiċi ekwivalenti bħal dawk offruti fi Stat Membru tal-UE.

Il-garanzija tista' tiġi ssostitwita minn garanzija konġunta ta' partijiet terzi, jew garanziji minn diversi partijiet terzi mill-organizzazzjonijiet parteċipanti li huma partijiet mill-istess ftehim ta' għotja.

Il-garanzija se tiġi rilaxxata wara li l-prefinanzjament jiġi approvat b'mod gradwali kontra pagament *interim* jew pagament ta' bilanċ lill-benefiċjarju, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim ta' għotja. F'każ li l-pagament tal-bilanċ jieħu l-forma ta' rkupru, jew il-garanzija tiġi rilaxxata wara li l-benefiċjarju jiġi nnotifikat jew tibqa' fis-seħħ b'mod espliċitu sal-pagament finali u, jekk il-pagament finali jieħu l-forma ta' rkupru, sa tliet xhur wara li n-nota ta' debitu tiġi nnotifikata lil benefiċjarju.

Subkuntrattar u għoti ta' kuntratt ta' akkwist

Il-benefiċjarju jista' jirrikorri għas-subkuntrattar għal servizzi tekniċi speċifiċi, li jkunu parti mill-kompiti tal-azzjoni, u li jeħtieġu ħiliet speċjalizzati (relatati mal-qasam legali, kontabilistiku, tat-taxxa, tar-riżorsi umani, mal-IT, eċċ.) jew

kuntratti ta' implimentazzjoni. Il-kostijiet imġarrba mill-benefiċjarju għal dan it-tip ta' servizzi jistgħu għalhekk jitqiesu bħala kostijiet eliġibbli sakemm ikunu jissodisfaw il-kriterji l-oħrajn kollha deskritti fil-ftehim ta' għotja.

Meta l-implimentazzjoni tal-proġett tkun teħtieġ l-akkwist ta' prodotti, xogħlijiet jew servizzi (kuntratt), il-benefiċjarji jeħtiġilhom jagħtu l-kuntratt lill-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża, jiġifieri l-offerta li toffri l-aħjar valur għall-flus, jew, kif ikun xieraq lill-offerta bl-irħas prezz, filwaqt li jiżguraw li ma jkunx hemm kunflitt ta' interessi u li d-dokumentazzjoni tinżamm f'każ ta' awditjar.

F'każ ta' kuntratt ta' implimentazzjoni li jaqbeż il-valur ta' EUR 60 000, l-Aġenzija Nazzjonali jew Eżekuttiva tista' timponi regoli speċjali fuq il-benefiċjarju, minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu preċedenti. Dawk ir-regoli speċjali jiġu ppubblikati fuq is-siti web tal-Aġenziji Nazzjonali jew l-Aġenzija Eżekuttiva.

Informazzjoni dwar l-għotjiet mogħtija

F'konformità mal-prinċipju ta' trasparenza u r-rekwiżit għall-pubbliċità *ex post*, l-informazzjoni dwar ir-riċevituri tal-fondi tal-Unjoni trid tiġi ppubblikata fuq is-sit web tal-Kummissjoni, tal-Aġenzija Eżekuttiva u/jew tal-Aġenziji Nazzjonali matul l-ewwel nofs tas-sena wara l-għeluq tas-sena finanzjarja li ngħataw għotja għaliha.

L-informazzjoni tista' tiġi ppubblikata wkoll fi kwalunkwe mezz xieraq ieħor, inkluż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Aġenziji Nazzjonali u l-Aġenzija Eżekuttiva se jippubblikaw l-informazzjoni li ġejja:

- l-isem u l-lokalità tal-benefiċjarju;
- l-ammont tal-għotja mogħtija;
- in-natura u l-iskop tal-għotja.

Fuq talba motivata u sostanzjata kif xieraq mill-benefiċjarju, il-pubblikazzjoni għandha tiġi rrinunzjata jekk tali divulgazzjoni tkun ta' theddida għad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi kkonċernati kif imħarsa mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jew tkun ta' ħsara għall-interessi kummerċjali tal-benefiċjarji.

Sa fejn hija kkonċernata d-*data* personali li tirreferi għal persuni fiżiċi, l-informazzjoni ppubblikata għandha titneħħa sentejn wara l-għeluq tas-sena finanzjarja li matulha ngħataw il-fondi.

L-istess għandu japplika għad-*data* personali indikata fit-titli uffiċjali tal-persuni ġuridiċi (eż. assoċjazzjoni jew kumpanija li għandha bħala titlu l-isem tal-fundaturi tagħha).

Din l-informazzjoni ma għandhiex tiġi ppubblikata għal boroż ta' studju mħallsa lil persuni fiżiċi u appoġġ dirett ieħor imħallas lil persuni fiżiċi l-aktar fil-bżonn (refuġjati u persuni qiegħda). Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet benefiċjarji ma humiex awtorizzati jippubblikaw din it-tip ta' informazzjoni fir-rigward tal-persuni li jirċievu għotja ta' mobbiltà skont l-Erasmus+.

Pubbliċità

Minbarra r-rekwiżiti rigward il-viżibbiltà tal-proġett u għall-kondiviżjoni tar-riżultati tal-proġett u l-impatt tal-proġett (li huma kriterji għall-għoti), hemm obbligu ta' pubbliċità minima għal kull proġett aġġudikat.

Il-benefiċjarji jeħtiġilhom jirrikonoxxu biċ-ċar l-appoġġ tal-Unjoni Ewropea fil-komunikazzjonijiet jew il-pubblikazzjonijiet kollha, fi kwalunkwe forma jew mezz, inkluż l-Internet, jew fl-okkażjoni ta' attivitajiet li għalihom tintuża l-għotja.

Dan irid isir skont id-dispożizzjonijiet inklużi fil-ftehim ta' għotja. Jekk dawn id-dispożizzjonijiet ma jiġux osservati għal kollox, l-għotja tal-benefiċjarju tista' titnaqqas.

Kontrolli u awditjar

L-Aġenzija Nazzjonali jew Eżekuttiva u/jew il-Kummissjoni Ewropea jistgħu jwettqu kontrolli u awditjar tekniċi u finanzjarji fir-rigward tal-użu tal-għotja. Jistgħu jivverifikaw ukoll ir-rekords statutorji tal-benefiċjarju (jew il-kobenefiċjarju) għall-iskop ta' valutazzjonijiet perjodiċi ta' somma f'daqqa, il-kost unitarju jew il-finanzjament b'rata fissa. Il-benefiċjarju (jew il-kobenefiċjarju) se jieħu impenn, bil-firma tar-rappreżentant legali tiegħu, li jipprovdi evidenza li turi li l-għotja ntużat b'mod korrett. Il-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenzija Eżekuttiva, l-Aġenziji Nazzjonali u/jew il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-OLAF, l-UPPE jew korp mandat minnhom, jistgħu jivverifikaw il-mod li bih intużat l-għotja fi kwalunkwe żmien sa ħames snin, jew sa tliet snin għall-għotjiet li ma jaqbżux is-EUR 60,000, li jibdew mid-data tal-pagament tal-bilanċ jew l-eżekuzzjoni tal-irkupru mill-Aġenzija Nazzjonali jew Eżekuttiva. Għalhekk, il-benefiċjarji għandhom iżommu rekords, dokumenti ta' sostenn oriġinali, rekords statistiċi u dokumenti oħrajn marbuta mal-għotja matul dan il-perjodu.

Għall-proġetti ġestiti mill-Aġenzija Eżekuttiva EACEA, jistgħu jiġu applikati tipi differenti ta' proċeduri tal-awditjar skont it-tip ta' Azzjoni kkonċernata, id-daqs tal-għotja mogħtija u l-forma tal-għotja.

Id-dispożizzjonijiet dettaljati li jikkonċernaw il-kontrolli u l-awditjar huma deskritti fil-ftehim ta' għotja.

Protezzjoni tad-*data*

Kwalunkwe *data* personali inkluża fil-formola tal-applikazzjoni jew fil-ftehim ta' għotja għandha tiġi pproċessata mill-Aġenzija Nazzjonali jew Eżekuttiva, jew mill-Kummissjoni Ewropea f'konformità ma' dawn:

- Għall-ipproċessar kollu li huwa meħtieġ minn kwalunkwe gwida uffiċjali jew struzzjonijiet mill-Kummissjoni Ewropea jew li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Programm Erasmus+: ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018[1] dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE.);
- Għall-ipproċessar kollu għal skopijiet oħrajn, mhux meħtieġ minn kwalunkwe gwida uffiċjali jew struzzjonijiet mill-Kummissjoni Ewropea u lanqas meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-Programm Erasmus+:
    - ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR jew ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016[2]):
        - għad-*data* personali kollha pproċessata minn kontrollur jew proċessur fl-UE/fiż-ŻEE;
        - għad-*data* personali kollha dwar is-suġġetti tad-*data* li jinsabu fl-UE/fiż-ŻEE fil-bidu tal-ipproċessar;
    - għal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-*data* għall-ipproċessar l-ieħor kollu.

F'dawn il-każijiet, l-entità li tiddeċiedi dwar il-mezzi u l-iskopijiet tal-ipproċessar għal dawn l-iskopijiet l-oħrajn għandha tissostitwixxi lill-Kummissjoni Ewropea bħala l-Kontrollur tad-*Data* responsabbli skont il-leġiżlazzjoni applikabbli tagħha dwar il-protezzjoni tad-*data*.

Sakemm ma jkunux immarkati bħala fakultattivi, it-tweġibiet tal-applikant għall-mistoqsijiet fil-formola tal-applikazzjoni huma meħtieġa biex tiġi evalwata u tkompli tiġi pproċessata l-applikazzjoni għal għotja f'konformità mal-Gwida tal-Programm Erasmus+. Id-*data* personali se tiġi pproċessata biss għal dak l-iskop mid-dipartiment jew l-Unità responsabbli għall-programm ta' għotjiet tal-Unjoni kkonċernati (entità li taġixxi bħala kontrollur tad-*data*). Id-*data*

personali tista' tiġi ttrasferita fuq bażi tal-ħtieġa ta' għarfien lill-partijiet terzi involuti fl-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet jew fil-proċedura ta' ġestjoni tal-għotja, mingħajr preġudizzju ta' trasferiment lill-korpi responsabbli mill-kompiti ta' monitoraġġ u spezzjoni f'konformità mad-dritt tal-Unjoni Ewropea jew lill-korpi b'mandat li jwettqu l-evalwazzjonijiet tal-Programm jew kwalunkwe waħda mill-Azzjonijiet tiegħu. B'mod partikolari, għall-iskopijiet li jiġu ssalvagwardjati l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, id-*data* personali tista' tiġi ttrasferita lis-servizzi tal-awditjar intern, lill-Qorti tal-Awdituri Ewropea, lill-Grupp Speċjalizzat dwar l-Irregolaritajiet Finanzjarji jew lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi u bejn l-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi. L-applikant għandu jkollu d-dritt ta' aċċess għad-*data* personali tiegħu u għandu jkollu d-dritt li jikkoreġi kwalunkwe *data* bħal din. Jekk l-applikant ikollu kwalunkwe mistoqsija dwar l-ipproċessar tad-*data* personali tiegħu, għandu jindirizzaha lill-Aġenzija li għażlet il-proġett. F'każ ta' kunflitti; l-applikant għandu wkoll id-dritt li fi kwalunkwe waqt jirrikorri għand il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*.

Fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali fil-qafas tal-Programm Erasmus+, hemm disponibbli stqarrija dettaljata ta' privatezza, inkluż informazzjoni ta' kuntatt, fuq is-sit web tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija Eżekuttiva: https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/help/erasmus-and-data-protection_mt

Għall-azzjonijiet ġestiti mill-EACEA: https://ec.europa.eu/research/participants/data/support/legal_notice/h2020-ssps-grants-sedia_en.pdf

L-applikant għandu jinforma lill-individwi li d-*data* personali tagħhom tinsab fil-proposta tad-dikjarazzjoni ta' privatezza rilevanti kif indikat hawn fuq, qabel ma jissottometti l-proposti tagħhom.

Fil-qafas ta' azzjonijiet ġestiti mill-Aġenzija Eżekuttiva, l-applikanti – u, jekk ikunu entitajiet legali, il-persuni li jkunu membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' dak l-applikant jew li jkollhom setgħat ta' rappreżentanza, ta' deċiżjoni jew ta' kontroll fir-rigward ta' dak l-applikant, jew inkella l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jassumu responsabbiltà illimitata għad-djun ta' dak l-applikant – huma informati li d-*data* personali tagħhom (l-isem, l-isem mogħti jekk ikunu persuna fiżika, l-indirizz, il-forma ġuridika, u l-isem u l-isem mogħti tal-persuni b'setgħat ta' rappreżentanza, ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew ta' kontroll, jekk ikunu persuna ġuridika) tista' tiġi rreġistrata fis-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni (EDES) mill-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni tal-Aġenzija, jekk ikunu f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

PARTI D – GLOSSARJU TAT-TERMINI

It-taqsima li ġejja tippreżenta d-definizzjonijiet tal-kunċetti ewlenin u t-termini użati b'mod komuni relatati mal-Programm Erasmus+. Il-glossarju huwa maqsum f'taqsimiet organizzati f'ordni alfabetika, li jkopru terminoloġija komuni u blokok speċifiċi b'kunċetti relatati biss ma' settur partikolari.

Termini komuni

Akkumpanjatur	Persuna li takkumpanja lill-parteċipanti (studenti, persunal, żgħażagħ jew persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ) f'attività tal-mobbiltà biex tiżgura s-sikurezza tagħhom, tipprovdi appoġġ u assistenza, kif ukoll tassisti fl-apprendiment effettiv tal-parteċipant matul l-esperjenza tal-mobbiltà. F'attivitajiet individwali, l-akkumpanjatur jista' jakkumpanja lill-parteċipanti b'inqas opportunitajiet jew lill-minorenni u liż-żgħażagħ bi ftit esperjenza barra minn pajjiżhom. Fil-każ ta' attivitajiet ta' grupp fil-qasam tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, il-persunal tal-edukazzjoni kwalifikat jeħtieġlu jakkumpanja lill-grupp biex jiffaċilita l-proċess tal-apprendiment.
Akkreditazzjoni	Proċess li jiżgura li l-organizzazzjonijiet li jixtiequ jirċievu finanzjament fil-qafas ta' Azzjoni tal-Programm Erasmus+ jikkonformaw ma; sett ta' standards kwalitattivi jew prerekwiżiti stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea għal dik l-Azzjoni.
Entità affiljata	Dawn li ġejjin jistgħu jitqiesu bħala Entitajiet Affiljati (f'konformità mal-Artikolu 187 tar-Regolament Finanzjarju): • l-entitajiet legali li għandhom rabta legali jew kapitali mal-benefiċjarji; din ir-rabta la hija limitata għall-azzjoni u lanqas ma hija stabbilita għall-iskop uniku tal-implimentazzjoni tagħha; • diversi entitajiet li jissodisfaw il-kriterji biex jingħataw għotja u flimkien jifformaw entità waħda li tista' tkun trattata bħala l-benefiċjarju uniku, inkluż fejn l-entità hija speċifikament stabbilita għall-iskopijiet tal-implimentazzjoni tal-azzjoni. L-Entitajiet Affiljati jridu jikkonformaw mal-kriterji tal-eliġibbiltà u tan-nonesklużjoni, u fejn applikabbli anke mal-kriterji tal-għażla li japplikaw għall-applikanti.
Applikant	Kwalunkwe organizzazzjoni parteċipanti jew grupp informali ta' żgħażagħ li jissottometti applikazzjoni għal għotja. L-applikanti jistgħu japplikaw jew individwalment jew f'isem organizzazzjonijiet oħrajn involuti fil-proġett. Fil-każ tal-aħħar, l-applikant huwa ddefinit ukoll bħala koordinatur
Skadenza tal-applikazzjoni	Id-data finali għas-sottomissjoni tal-formola ta' applikazzjoni lill-Aġenzija Nazzjonali jew Eżekuttiva biex tiġi kkunsidrata ammissibbli.

Sħab assoċjati	Dawn huma sħab mis-settur pubbliku jew privat li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' kompiti/attivitajiet speċifiċi tal-proġett jew jappoġġaw il-promozzjoni u s-sostenibbiltà tal-proġett, iżda li għal aspetti ta' ġestjoni kuntrattwali ma jitqisux bħala benefiċjarji, u ma jirċievu l-ebda finanzjament mill-Programm bħala parti mill-proġett (ma għandhomx id-dritt li jitolbu ħlas għall-kostijiet jew kontribuzzjonijiet.).
Ħiliet bażiċi	Il-litteriżmu, il-matematika, ix-xjenza u t-teknoloġija; dawn il-ħiliet huma inklużi fil-kompetenzi ewlenin.
Benefiċjarju	Meta proġett jiġi approvat għal għotja tal-Erasmus+, l-organizzazzjoni applikanti ssir benefiċjarju billi tiffirma kuntratt mal-Aġenzija Nazzjonali jew Eżekuttiva li tkun għażlet il-proġett. Jekk l-applikazzjoni tkun saret f'isem organizzazzjonijiet oħrajn parteċipanti, is-sħab jistgħu jsiru kobenefiċjarji tal-għotja.
Mobbiltà mħallta	Taħlita ta' mobbiltà fiżika u komponent virtwali, li tiffaċilita l-apprendiment kollaborattiv online abbażi ta' skambju u l-ħidma f'tim.
Sejħa għal proposti	Stedina ppubblikata minn jew f'isem il-Kummissjoni biex tiġi ppreżentata, fi żmien skadenza partikolari, proposta għal azzjoni li tikkorrispondi għall-objettivi segwiti u li tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa. Is-sejħiet għal proposti huma ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (Serje C) u/jew fuq is-siti web rilevanti tal-Kummissjoni, tal-Aġenzija Nazzjonali jew Eżekuttiva.
Ċertifikat tal-parteċipazzjoni	Fil-kuntest tal-Erasmus+, dokument maħruġ lil kwalunkwe persuna li tkun lestiet attività ta' apprendiment fil-qasam tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u taż-żgħażagħ, fejn applikabbli. Dan jiċċertifika l-attendenza u, fejn applikabbli, l-eżiti tal-apprendiment tal-parteċipant fl-attività.
Żball klerikali	Żball żgħir jew nuqqas imwettaq b'mod involontarju magħmul f'dokument li jbiddel it-tifsira tiegħu, bħal żball tipografiku jew iż-żieda jew l-ommissjoni mhux intenzjonata ta' kelma, frażi, jew ċifra.
Kofinanzjament	Il-prinċipju li jimplika li parti mill-kostijiet tal-proġett appoġġati mill-UE jridu jitħallsu mill-benefiċjarju, jew jiġu koperti permezz ta' kontribuzzjonijiet esterni minbarra l-għotja tal-UE.
Kumpanija	Il-persuni ġuridiċi stabbiliti skont id-dritt ċivili jew kummerċjali, inkluż soċjetajiet kooperattivi, u persuni ġuridiċi oħrajn irregolati mid-dritt pubbliku jew privat, minbarra dawk li ma għandhomx skop ta' qligħ.
Konsorzju	Żewġ organizzazzjonijiet parteċipanti jew aktar li jaħdmu flimkien biex iħejju, jimplimentaw u jsegwu proġett jew attività fi ħdan proġett. Il-konsorzju jista' jkun nazzjonali (jiġifieri jinvolvi organizzazzjonijiet stabbiliti fl-istess pajjiż) jew internazzjonali (jinvolvi organizzazzjonijiet parteċipanti minn pajjiżi differenti).
Koordinatur/Organizzazzjoni li tikkoordina	L-organizzazzjoni parteċipanti li tapplika għal għotja tal-Erasmus+ f'isem konsorzju ta' organizzazzjonijiet sħab. Il-koordinatur għandu obbligi speċjali previsti fil-ftehim ta' għotja.

Kompetenza Diġitali	Tinvolvi l-użu kunfidenti, kritiku u responsabbli tat-teknoloġiji diġitali u l-involviment tagħhom għall-apprendiment, fuq il-post tax-xogħol, u għall-parteċipazzjoni fis-soċjetà. Din tinkludi l-litteriżmu tal-informazzjoni u tad-*data*, il-komunikazzjoni u l-kollaborazzjoni, il-litteriżmu medjatiku, il-ħolqien ta' kontenut diġitali (inkluż l-ipprogrammar), is-sikurezza (inkluż il-benesseri diġitali u l-kompetenzi relatati maċ-ċibersigurtà), il-mistoqsijiet relatati mal-proprjetà intellettwali, is-soluzzjoni tal-problemi u l-ħsieb kritiku.
Intrapriża	Kwalunkwe impriża involuta f'attività ekonomika, irrispettivament mid-daqs jew il-forma ġuridika tagħha jew tas-settur ekonomiku li topera fih.
Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK)	Qafas ta' referenza komuni ta' tmien livelli ta' kwalifiki, espressi bħala l-eżiti tal-apprendiment b'livelli dejjem akbar ta' profiċjenza. Huma jservu bħala mezz ta' traduzzjoni bejn sistemi ta' kwalifiki differenti u l-livelli tagħhom. L-iskop tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK) għat-tagħlim tul il-ħajja huwa li jtejjeb it-trasparenza, il-komparabbiltà u l-portabbiltà tal-kwalifiki tan-nies (ĠU 2017/C 189/03)
ESCO (klassifikazzjoni multilingwi Ewropea tal-Ħiliet, il-Kompetenzi, il-Kwalifiki u l-Impjiegi)	Tidentifika u tikkategorizza l-ħiliet u l-kompetenzi, il-kwalifiki u l-okkupazzjonijiet rilevanti għas-suq tax-xogħol tal-UE u l-edukazzjoni u t-taħriġ, f'25 lingwa Ewropea. Is-sistema tipprovdi profili okkupazzjonali li juru r-relazzjonijiet bejn l-okkupazzjonijiet, il-ħiliet, il-kompetenzi u l-kwalifiki. L-ESCO ġiet żviluppata f'format tal-IT miftuħ u jista' jintuża minn kulħadd mingħajr ħlas.
Stabbilit	Dan il-kunċett hu marbut ma' organizzazzjoni jew korp li jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet nazzjonali (reġistrazzjoni, dikjarazzjoni, pubblikazzjoni, eċċ.) li jippermettu li tali organizzazzjoni jew korp ikunu rikonoxxuti formalment mill-awtorità nazzjonali tagħhom. F'każ ta' grupp informali ta' żgħażagħ, ir-residenza legali tar-rappreżentant legali tiegħu titqies li għandha effetti ekwivalenti għall-iskopijiet tal-eliġibbiltà għal għotja tal-Erasmus+.
L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm	Il-pajjiżi tal-UE u dawk mhux tal-UE li stabbilew Aġenzija Nazzjonali li tipparteċipa b'mod sħiħ fil-Programm Erasmus+. Il-lista tal-Istati Membri tal-UE u tal-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm hija pprovduta fil-Parti A ta' din il-Gwida, fit-taqsima "Min jista' jipparteċipa fil-Programm Erasmus+?".
Europass	Il-pjattaforma online tal-Europass, azzjoni tal-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa, tipprovdi lill-individwi u lill-organizzazzjonijiet b'għodod ibbażati fuq il-web u informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' apprendiment, l-oqfsa ta' kwalifiki u l-kwalifiki, il-gwida, l-informazzjoni dwar il-ħiliet, l-għodod ta' awtovalutazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-ħiliet u l-kwalifiki, u l-konnettività ma' opportunitajiet ta' apprendiment u ta' impjieg. Il-pjattaforma tal-Europass toffri wkoll għodod u software biex tappoġġa kredenzjali ffirmati b'mod diġitali, kif imħabbar fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali, permezz tal-Kredenzjali Diġitali Ewropej għall-Apprendiment. Il-pjattaforma jkollha interkonnessjoni ma' sorsi tad-*data* nazzjonali għal opportunitajiet ta' apprendiment u bażijiet tad-*data* jew reġistri nazzjonali tal-kwalifiki.

NGO Ewropea	**Għall-iskopijiet ta' dan il-programm**, dawn huma NGOs li joperaw permezz ta' struttura rikonoxxuta formalment magħmula minn korp/segretarjat Ewropew stabbilit legalment għal mill-inqas sena fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm u ta' organizzazzjonijiet/fergħat nazzjonali f'mill-inqas disa' Stati Membri tal-UE u pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm. Dawn l-organizzazzjonijiet/fergħat nazzjonali jridu: • ikollhom rabta statutorja pprovata[330] mal-korp/is-segretarjat Ewropew; • ikunu attivi fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ jew iż-żgħażagħ;
Applikant għall-ewwel darba	Kwalunkwe organizzazzjoni parteċipanti li preċedentement ma rċevietx appoġġ bħala koordinatur tal-proġett (applikant) taħt tip partikolari ta' azzjoni appoġġat minn dan il-Programm jew mill-programm predeċessur tiegħu fl-aħħar seba' snin.
Force majeure	Sitwazzjoni eċċezzjonali li ma setgħetx titbassar qabel jew avveniment lil hinn mill-kontroll tal-parteċipant u mhux attribwibbli għal żball jew negligenza min-naħa tiegħu/tagħha.
Ħiliet ekoloġiċi	Ħiliet fundamentali għat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, li jistgħu jkunu ġenerali bħall-agrikoltura sostenibbli, il-protezzjoni tal-ħamrija, l-użu tal-enerġija u t-tnaqqis tal-iskart, jew aktar tekniċi bħall-għarfien dwar l-enerġija rinnovabbli.
Vjaġġar ekoloġiku	vjaġġar li juża mezzi tat-trasport b'livell baxx ta' emissjonijiet għall-parti ewlenija tal-vjaġġ, bħal karozzi tal-linja, ferroviji jew car-pooling.
Apprendiment informali	Apprendiment li jirriżulta minn attivitajiet u esperjenzi ta' kuljum li ma huwiex organizzat jew strutturat f'termini ta' objettivi, żmien jew appoġġ għall-apprendiment; dan jista' ma jkunx intenzjonat mill-perspettiva tal-istudent.
Internazzjonali	Fil-kuntest tal-Erasmus+, dan il-kunċett huwa relatat ma' kwalunkwe azzjoni li tinvolvi mill-inqas Stat Membru wieħed tal-UE jew pajjiż terz assoċjat mal-Programm u mill-inqas pajjiż terz wieħed mhux assoċjat mal-Programm.
Job shadowing	Soġġorn qasir f'organizzazzjoni sieħba f'pajjiż ieħor bil-għan li jingħata taħriġ billi jiġu segwiti l-prattikanti fil-ħajja tax-xogħol ta' kuljum tagħhom fl-organizzazzjoni li tilqa', l-iskambju ta' prattiki tajba, il-kisba tal-ħiliet u l-għarfien u/jew il-bini ta' sħubijiet fit-tul permezz ta' osservazzjoni parteċipattiva.
Kompetenzi ewlenin	Is-sett bażiku ta' għarfien, ta' ħiliet u ta' attitudnijiet li l-individwi kollha jeħtieġu għas-sodisfazzjon u l-iżvilupp personali, l-impjegabilità, l-inklużjoni soċjali, stil ta' ħajja sostenibbli, ħajja ta' suċċess f'soċjetajiet paċifiċi, ġestjoni ta' ħajja konxja dwar is-saħħa, u ċittadinanza attiva, kif deskritti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2018/C 189/01 tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim tul il-Ħajja.
Mobbiltà għall-apprendiment	Li tmur tgħix fiżikament f'pajjiż li mhux il-pajjiż ta' residenza, biex tistudja, titħarreġ jew għall-apprendiment mhux formali jew informali.

[330] Iddefinit taħt it-terminu "rabta statutorja" f'dan il-Glossarju.

Eżiti tal-apprendiment	Dikjarazzjonijiet dwar dak li parteċipant jaf, jifhem u huwa kapaċi jagħmel wara li jtemm proċess ta' apprendiment, li huma ddefiniti f'termini ta' għarfien, ta' ħiliet u ta' kompetenzi.
Entità legali	Persuna fiżika jew persuna ġuridika maħluqa u rikonoxxuta bħala tali skont id-dritt nazzjonali, id-dritt tal-Unjoni jew id-dritt internazzjonali li jkollha personalità ġuridika u li tista', filwaqt li taġixxi f'isimha stess, teżerċita drittijiet u tkun soġġetta għal obbligi, jew entità li ma jkollhiex personalità ġuridika kif imsemmi fl-Artikolu 197(2), il-punt (c) tar-Regolament Finanzjarju.
Rappreżentant Maħtur tal-Entità Legali (LEAR)	Għal azzjoni ġestita mill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura, b'mod parallel mal-validazzjoni ta' organizzazzjoni fir-Reġistru tal-Parteċipanti, ir-rappreżentant(i) legali tagħha jeħtieġlu/jeħtiġilhom jinnomina(w) Rappreżentant(Maħtur tal-Entità Legali (LEAR). Ir-rwol ta' LEAR, huwa importanti: ladarba jiġi vvalidat mill-Kummissjoni, il-LEAR se jkun awtorizzat li: • jiġġestixxi l-informazzjoni legali u finanzjarja dwar l-organizzazzjoni • jiġġestixxi d-drittijiet ta' aċċess tal-persuni fl-organizzazzjoni (iżda mhux fil-livell tal-proġett) • jaħtar rappreżentanti tal-organizzazzjoni biex jiffirmaw il-ftehimiet ta' għotja b'mod elettroniku ("Firmatarji Legali" - LSIGN) jew rapporti finanzjarji ("Firmatarji Finanzjarji" - FSIGN) permezz tal-Portal ta' Finanzjament u ta' Offerti. Il-passi kollha għall-validazzjoni tal-LEAR huma ċċarati fil-Portal ta' Finanzjament u ta' Offerti.
Organizzazzjoni b'inqas esperjenza	Kwalunkwe organizzazzjoni parteċipanti li ma rċevietx appoġġ f'tip partikolari ta' azzjoni appoġġata minn dan il-Programm jew mill-programm predeċessur tiegħu aktar minn darbtejn fl-aħħar seba' snin. Din il-kategorija tinkludi l-kategorija ta' "applikanti għall-ewwel darba", kif definit hawn fuq.
Apprendiment tul il-ħajja	L-apprendiment fil-forom kollha tiegħu, kemm jekk formali, mhux formali jew informali, li jseħħ fl-istadji kollha tal-ħajja u li jirriżulta f'titjib jew f'aġġornament fl-għarfien, fil-ħiliet, fil-kompetenzi u fl-attitudnijiet jew fil-parteċipazzjoni fis-soċjetà minn perspettiva personali, ċivika, kulturali, soċjali jew relatata mal-impjiegi, inkluż il-provvista ta' servizzi ta' konsulenza u ta' gwida; dan jinkludi l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, l-edukazzjoni ġenerali, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni tal-adulti, il-ħidma fost iż-żgħażagħ u kuntesti oħrajn ta' apprendiment barra mill-edukazzjoni u t-taħriġ formali u tipikament jippromwovi l-kooperazzjoni transsettorjali u l-perkorsi ta' apprendiment flessibbli.
Organizzazzjoni ġdida	Kwalunkwe organizzazzjoni parteċipanti li preċedentement ma rċevietx appoġġ f'tip partikolari ta' azzjoni appoġġata minn dan il-Programm jew mill-programm predeċessur tiegħu bħala koordinatur jew sieħeb.

Mikrokredenzjali	Il-mikrokredenzjali hija prova rikonoxxuta tal-eżiti tal-apprendiment li student ikun kiseb wara esperjenza ta' apprendiment qasira, skont standards u rekwiżiti trasparenti u wara valutazzjoni. Il-prova tinsab f'dokument iċċertifikat li jelenka l-isem tad-detentur, l-eżiti tal-apprendiment miksuba, il-metodu ta' valutazzjoni, il-korp tal-għoti u, fejn applikabbli, il-livell qafas tal-kwalifiki u l-krediti miksuba. Il-mikrokredenzjali huma proprjetà tal-istudent, jistgħu jiġu kondiviżi, huma portabbli u jistgħu jiġu kkombinati fi kredenzjali jew kwalifiki akbar.
Ftehim tal-Mobbiltà/tal-Apprendiment	Il-ftehim bejn l-organizzazzjoni li tibgħat u dik li tilqa' u l-individwi parteċipanti, li jiddefinixxi l-għanijiet u l-kontenut tal-perjodu ta' mobbiltà biex jiġu żgurati r-rilevanza u l-kwalità tiegħu. Jista' jintuża wkoll bħala bażi għar-rikonoxximent tal-perjodu barra mill-pajjiż mill-organizzazzjoni li tilqa'.
Xahar	Fil-kuntest tal-Programm Erasmus+ u għall-iskop tal-kalkolu tal-għotjiet, xahar huwa ugwali għal 30 jum.
MOOC	Abbrevjazzjoni ta' "Kors Online Miftuħ Massiv," tip ta' kors li jitwassal kompletament online, huwa miftuħ biex jiġi aċċessat minn kulħadd mingħajr kost, kwalifiki ta' dħul jew restrizzjonijiet oħrajn; in-numri tal-parteċipanti spiss ikunu kbar. Dawn il-korsijiet jista' jkollhom komponenti personali, eż. jinkoraġġixxu laqgħat tal-parteċipanti lokali, u valutazzjoni formali, iżda għandhom it-tendenza li jużaw ir-rieżami bejn il-pari, l-awtovalutazzjoni u l-gradazzjoni awtomatizzata. Hemm bosta varjanti tal-MOOCs, iffokati fuq setturi speċifiċi, gruppi fil-mira (eż. fokus vokazzjonali, għalliema, eċċ.) jew metodi ta' tagħlim speċifiċi. Il-MOOCs iffinanzjati fil-qafas tal-Erasmus+ iridu jkunu miftuħin għal kulħadd u kemm il-parteċipazzjoni kif ukoll iċ-ċertifikat jew il-badge ta' tlestija jkunu mingħajr ħlas għall-parteċipanti. Ir-rekwiżit ta' aċċess miftuħ għar-riżorsi edukattivi japplika wkoll għall-MOOCs u korsijiet sħaħ oħrajn.
Aġenzija Nazzjonali	Korp inkarigat mill-ġestjoni tal-implimentazzjoni tal-Programm fil-livell nazzjonali fi Stat Membru jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm. Tista' tkun teżisti Aġenzija Nazzjonali waħda jew aktar f'kull pajjiż.
Awtorità Nazzjonali	Awtorità responsabbli, fil-livell nazzjonali, tal-monitoraġġ u s-superviżjoni tal-ġestjoni tal-Programm fi Stat Membru jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm. Tista' tkun teżisti Awtorità Nazzjonali waħda jew aktar f'kull pajjiż.
Apprendiment mhux formali	Apprendiment li jseħħ permezz ta' attivitajiet tal-apprendiment ippjanati fejn ikun hemm xi forma ta' appoġġ għall-apprendiment, iżda li ma jkunx jagħmel parti mis-sistema ta' edukazzjoni u ta' taħriġ formali.
Profil okkupazzjonali	Is-sett ta' ħiliet, kompetenzi, għarfien u kwalifiki li normalment huma rilevanti għal okkupazzjoni speċifika.
OID	L-ID tal-Organizzazzjoni (OID) tidentifika l-organizzazzjoni tiegħek b'mod uniku fost l-organizzazzjonijiet kollha li jipparteċipaw fl-azzjonijiet tal-Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà ġestiti mill-Aġenziji Nazzjonali. Tista' tuża l-OID tal-organizzazzjoni tiegħek meta tapplika għall-akkreditazzjoni jew għotja taħt l-azzjonijiet tal-Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà ġestiti mill-Aġenziji Nazzjonali

Aċċess Miftuħ	Kunċett ġenerali ta' pubblikazzjoni ta' materjali ta' tip speċifiku b'mod miftuħ, jiġifieri mfassal biex ikun aċċessibbli u jista' jiġi użat mill-akbar grupp ta' utenti possibbli u għall-akbar numru ta' każijiet ta' użu. L-Erasmus+ għandu Rekwiżit ta' Aċċess Miftuħ għar-riżorsi edukattivi u jħeġġeġ Aċċess Miftuħ għar-riżultati u d-*data* tar-riċerka.
Riżorsi Edukattivi Miftuħa (OER)	Il-materjali edukattivi ta' kull xorta (eż. kotba tal-iskola, worksheets, pjanijiet tal-lezzjonijiet, vidjos tat-tagħlim, korsijiet sħaħ online, logħob edukattiv) li jistgħu jintużaw, jiġu adattati u kondiviżi liberament. L-OERs jew ġew rilaxxati taħt liċenzja miftuħa jew huma fl-isfera pubblika (eż. il-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur tkun skadiet). Il-materjali mingħajr kost li ma jistgħux jiġu adattati u kondiviżi mill-pubbliku ma humiex OERs.
Liċenzja miftuħa	Il-mod għad-detenturi tad-drittijiet tal-awtur (ħallieqa jew detenturi ta' drittijiet oħrajn) biex jagħtu lill-pubbliku ġenerali l-permess legali li jużaw xogħolhom liberament. Fil-kuntest tar-Rekwiżit ta' Aċċess Miftuħ tal-Erasmus+, kwalunkwe liċenzja miftuħa bħal din trid tippermetti tal-inqas l-użu, l-adattament u d-distribuzzjoni. Il-liċenzja miftuħa għandha tkun indikata fuq ix-xogħol innifsu jew kull fejn jiġi distribwit ix-xogħol. Il-materjali edukattivi b'liċenzja miftuħa jissejħu Riżorsi Edukattivi Miftuħa (OERs).
Parteċipant f'attivitajiet tal-proġetti tal-Erasmus+	L-individwu li huwa involut bis-sħiħ fi proġett u li jista' jirċievi finanzjament mill-Unjoni Ewropea maħsub biex ikopri l-kostijiet ta' parteċipazzjoni (b'mod partikolari l-ivvjaġġar u s-sussistenza).
Organizzazzjoni parteċipanti	Organizzazzjoni jew grupp informali ta' żgħażagħ involuti fi proġett tal-Erasmus+, bħala koordinatur jew sieħeb.
Organizzazzjoni sieħba	organizzazzjoni sieħba hija organizzazzjoni formalment involuta fil-proġett (kobeneficjarji) iżda ma jkollhiex ir-rwol ta' koordinatur.
Sħubija	Ftehim bejn grupp ta' istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet biex iwettqu attivitajiet u proġetti konġunti.
Parteċipant b'inqas opportunitajiet	Persuni b'inqas opportunitajiet tfisser persuni li, għal raġunijiet ekonomiċi, soċjali, kulturali, ġeografiċi jew ta' saħħa, sfond ta' migrazzjoni, jew għal raġunijiet bħad-diżabilità u d-diffikultajiet edukattivi jew għal kwalunkwe raġuni oħra, inklużi dawk li jistgħu jwasslu għal diskriminazzjoni skont l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jiffaċċjaw ostakli li jżommuhom milli jkollhom aċċess effettiv għall-opportunitajiet skont il-programm.
Apprendiment bejn il-Pari	Attività ta' apprendiment reċiproku, li hija ta' benefiċċju reċiproku u tinvolvi l-kondiviżjoni tal-għarfien, l-ideat u l-esperjenza bejn il-parteċipanti. Il-prattiċi tal-apprendiment bejn il-pari jippermettu li jkun hemm interazzjoni ma' parteċipanti oħrajn, ma' sħabhom, u li jipparteċipaw f'attivitajiet fejn jistgħu jitgħallmu minn xulxin u jilħqu l-għanijiet edukattivi, professjonali u/jew ta' żvilupp personali.
Żjara Preparatorja	Żjarat fil-pajjiż tal-organizzazzjoni li tilqa' qabel il-bidu tal-attivitajiet ta' mobbiltà sabiex titħejja u tiġi żgurata l-kwalità għolja ta' dawk l-attivitajiet. L-eżempji jinkludu kompiti li jiffaċilitaw l-arranġamenti amministrattivi u jibnu l-fiduċja u l-fehim bejn l-organizzazzjonijiet involuti.

Żvilupp professjonali	Il-proċess tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet professjonali tal-parteċipanti (studenti u persunal) billi jiġu żviluppati kompetenzi u għarfien espert u jinkisbu ħiliet ġodda, li normalment jiġu identifikati f'analiżi tal-ħtiġijiet tal-iżvilupp. L-iżvilupp professjonali jinkludi t-tipi kollha ta' opportunitajiet ta' apprendiment, li jvarjaw minn taħriġ strutturat u seminars għal opportunitajiet ta' apprendiment informali.
Korp bi skop ta' qligħ attiv fir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva	Kumpanija privata li a) twettaq in-negozju tagħha f'konformità ma' standards etiċi u/jew b) minbarra l-attivitajiet tan-negozju tagħha, twettaq xi azzjonijiet li għandhom valur soċjali.
Proġett	Sett koerenti ta' attivitajiet li huma mfassla u organizzati biex jintlaħqu l-objettivi u r-riżultati ddefiniti.
Kwalifika	L-eżitu formali ta' proċess ta' valutazzjoni u validazzjoni li jinkiseb meta korp kompetenti jiddetermina li individwu kiseb eżiti tal-apprendiment li jilħqu standards partikolari.
Organizzazzjoni li tilqa'	Organizzazzjoni parteċipanti li tirċievi l-parteċipanti u torganizza l-attivitajiet ta' proġett tal-Erasmus+.
Skola	Istituzzjoni li tipprovdi edukazzjoni ġenerali, vokazzjonali jew teknika, fi kwalunkwe livell mill-preprimarja sa dik sekondarja tat-tieni livell, inkluż l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal. Sabiex tivverifika l-eliġibbiltà taħt il-qasam tal-"edukazzjoni skolastika", jekk jogħġbok ikkonsulta d-definizzjoni ta' skejjel eliġibbli f'kull pajjiż fuq is-sit web tal-Aġenzija Nazzjonali rilevanti.
Student tal-iskola	Persuna rreġistrata f'kapaċità ta' apprendiment f'istituzzjoni li tipprovdi l-edukazzjoni ġenerali fi kwalunkwe livell mill-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal sal-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell, jew persuna li tkun ħadet edukazzjoni barra minn ambjent istituzzjonali meqjus mill-awtoritajiet kompetenti bħala eliġibbli biex tipparteċipa fil-Programm fit-territorji rispettivi tagħhom.
Organizzazzjoni li tibgħat	Organizzazzjoni parteċipanti li tibgħat parteċipant wieħed jew aktar f'attività ta' proġett tal-Erasmus+.
Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)	L-intrapriżi (ara d-definizzjoni ta' hawn fuq) li jimpjegaw inqas minn 250 persuna u li għandhom fatturat annwali li ma jaqbiżx il-EUR 50 miljun, u/jew karta tal-bilanċ annwali li ma taqbiżx it-EUR 43 miljun.

Intrapriża soċjali	Impriża, tkun xi tkun il-forma ġuridika tagħha, li ma hijiex elenkata fuq suq regolat fis-sens tal-Artikolu 4(21) tad-Direttiva 2014/65/UE, u li: 1) f'konformità mal-artikoli ta' assoċjazzjoni, l-istatuti jew kwalunkwe dokument statutorju ieħor tagħha li jistabbilixxi n-negozju, għandha bħala l-objettiv primarju tagħha, il-kisba ta' impatti soċjali pożittivi li jistgħu jitkejlu aktar milli tiġġenera profitt għas-sidien, il-membri u l-partijiet ikkonċernati tagħha, meta l-impriża: a) tipprovdi servizzi jew prodotti innovattivi li jiġġeneraw redditu soċjali u/jew b) tuża metodu innovattiv ta' produzzjoni ta' prodotti u servizzi u dak il-metodu ta' produzzjoni jinkorpora l-objettiv soċjali tagħha; 2) tinvesti mill-ġdid il-profitt l-ewwel u qabel kollox biex tikseb l-objettiv primarju tagħha u għandha fis-seħħ proċeduri u regoli predefiniti għal kwalunkwe ċirkostanza li fiha l-profitti huma distribwiti lill-azzjonisti u lis-sidien, biex jiġi żgurat li d-distribuzzjoni tal-profitti ma timminax l-objettiv primarju; 3) hija ġestita b'mod intraprenditorjali, responsabbli u trasparenti, b'mod partikolari billi tinvolvi l-ħaddiema, il-klijenti, u/jew il-partijiet ikkonċernati affettwati mill-attivitajiet tan-negozju tagħha.
Persunal	Persuna li, fuq bażi professjonali jew volontarja, tkun involuta fl-edukazzjoni, fit-taħriġ jew fl-apprendiment mhux formali fil-livelli kollha. Jinkludi l-professuri, l-għalliema (inklużi l-għalliema tal-iskola preprimarja), il-ħarrieġa, il-mexxejja tal-iskejjel, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, il-persunal tal-isport, il-persunal tal-edukazzjoni u tal-kura bikrija tat-tfal, il-persunal mhux edukattiv u prattikanti oħrajn involuti fuq bażi regolari fil-promozzjoni tal-apprendiment.
Rabta statutorja	Din in-nozzjoni timplika li l-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet ikkonċernati hija bbażata fuq relazzjoni fformalizzata/dokumentata, li la hija limitata għall-proġett li japplikaw għalih u lanqas ma hija stabbilita għall-iskop uniku tal-implimentazzjoni tiegħu. Din ir-rabta tista' tkopri diversi forom, minn waħda integrata ħafna (eż. "organizzazzjoni omm" waħda bil-fergħat nazzjonali/bl-entitajiet affiljati tagħha b'entità legali proprja jew mingħajrha) għal waħda aktar laxka (eż network li jiffunzjona permezz ta' modalità ta' sħubija definita b'mod ċar li tkun tirrikjedi pereżempju: il-pagament ta' tariffa, il-firma ta' kuntratt/ftehim ta' sħubija, id-definizzjoni tad-drittijiet u l-obbligi miż-żewġ partijiet, eċċ.)
Żjarat ta' studju	Vjaġġ fejn il-parteċipant isir jaf u jistudja organizzazzjoni jew istituzzjoni oħra, il-prattiki u s-sistemi tagħha. Dan jippermetti lill-parteċipant li jkollu esperjenza ta' apprendiment ibbażata fuq kuntatt dirett u fuq osservazzjoni tal-metodi u l-prattiki tal-organizzazzjoni ospitanti.
Pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm	Pajjiżi li ma jipparteċipawx bis-sħiħ fil-Programm Erasmus+, iżda li jistgħu jieħdu sehem (bħala sħab jew applikanti) f'ċerti Azzjonijiet tal-Programm. Il-lista ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm hija stabbilita fil-Parti A ta' din il-Gwida, fit-taqsima "Min jista' jieħu sehem fil-Programm Erasmus+?".
Traineeship (kollokament ta' xogħol)	Il-perjodu ta' żmien li persuna tqatta' f'intrapriża jew organizzazzjoni f'pajjiż ieħor, bil-għan li tikseb kompetenzi speċifiċi li huma meħtieġa mis-suq tax-xogħol, tikseb esperjenza tax-xogħol u takkwista fehim aħjar tal-kultura ekonomika u soċjali ta' dak il-pajjiż.

Tranżnazzjonali	Fil-kuntest tal-Erasmus+, huwa relatat, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, ma' kwalunkwe attività li tinvolvi mill-inqas żewġ Stati Membri tal-UE u pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm.
Ħiliet trażversali (ħiliet personali; tal-ħajja)	Jinkludu l-kapaċità li persuna taħseb b'mod kritiku, tkun kurjuża u kreattiva, tieħu inizjattiva, issolvi l-problemi u taħdem b'mod kollaborattiv, tkun kapaċi tikkomunika b'mod effiċjenti f'ambjent multikulturali u interdixxiplinarju, tkun kapaċi għall-kuntest u timmaniġġja l-istress u l-inċertezza. Dawn il-ħiliet jagħmlu parti mill-kompetenzi ewlenin.
Għodod ta' trasparenza u rikonoxximent tal-Unjoni	Strumenti li jgħinu lill-partijiet ikkonċernati jifhmu, japprezzaw u, fejn ikun xieraq, jirrikonoxxu l-eżiti tal-apprendiment u l-kwalifiki madwar l-Unjoni Ewropea kollha.
Validazzjoni tal-apprendiment mhux formali u informali	Proċess ta' konferma minn korp awtorizzat li individwu kiseb l-eżiti tal-apprendiment imkejla skont standard rilevanti u li jikkonsisti mill-erba' fażijiet distinti li ġejjin: 1.Identifikazzjoni permezz ta' djalogu ta' esperjenzi partikolari ta' individwu; 2.Dokumentazzjoni biex l-esperjenzi tal-individwu jsiru viżibbli; 3.Valutazzjoni formali ta' dawn l-esperjenzi; kif ukoll 4.Ċertifikazzjoni tar-riżultati tal-valutazzjoni li tista' twassal għal kwalifika parzjali jew sħiħa
Kooperazzjoni virtwali	Kwalunkwe forma ta' kooperazzjoni li tuża għodod tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni biex tiġi ffaċilitata u appoġġata kwalunkwe azzjoni rilevanti tal-Programm.
Apprendiment virtwali	L-akkwist tal-għarfien, tal-ħiliet u tal-kompetenzi permezz tal-użu ta' għodod tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni li jippermettu lill-parteċipanti jkollhom esperjenza sinifikanti ta' apprendiment tranżnazzjonali jew internazzjonali.
Pakkett ta' Ħidma	Komponent tat-tqassim tax-xogħol tal-proġett. Dan jirrappreżenta grupp ta' attivitajiet ta' proġett li jimmiraw lejn objettivi speċifiċi komuni.
Żgħażagħ	Fil-kuntest tal-Programm Erasmus+, l-individwi li għandhom bejn it-13-il sena u t-30 sena.

Edukazzjoni Għolja

Kreditu	Sett ta' eżiti tal-apprendiment ta' individwu li jkunu ġew ivvalutati u li jistgħu jiġu akkumulati lejn kwalifika jew jistgħu jiġu ttrasferiti għal programmi ta' apprendiment jew kwalifiki oħrajn.
Mobbiltà tal-kreditu	Perjodu limitat ta' studju jew traineeship barra mill-pajjiż fil-qafas ta' studji kontinwi f'istituzzjoni lokali - bl-iskop li jinkisbu l-krediti. Wara l-fażi ta' mobbiltà, l-istudenti jirritornaw lejn l-istituzzjoni lokali tagħhom biex ilestu l-istudji tagħhom.
Mobbiltà tal-lawrja	Perjodu ta' studju barra mill-pajjiż bil-għan li matulu tinkiseb lawrja jew ċertifikat sħiħ fil-pajjiż/i ta' destinazzjoni.

Suppliment tad-Diploma	Anness tad-dokumentazzjoni uffiċjali tal-kwalifika, li huwa mfassal biex jipprovdi informazzjoni aktar dettaljata dwar l-istudji li tlestew skont format maqbul, li huwa rikonoxxut internazzjonalment; dokument li jakkumpanja diploma fl-edukazzjoni għolja, li jipprovdi deskrizzjoni standardizzata tan-natura, il-livell, il-kuntest, il-kontenut u l-istatus tal-istudji mwettqa mid-detentur tagħha. Dan jiġi prodott minn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja skont l-istandards maqbula mill-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill tal-Ewropa u l-UNESCO. Fil-kuntest ta' programm ta' studju konġunt internazzjonali, huwa rrakkomandat li jingħata "suppliment ta' diploma konġunta" li jkopri l-programm kollu u huwa approvat mill-universitajiet ta' ħruġ tal-lawrji kollha.
Lawrja doppja/lawrja multipla	(Mill-inqas) żewġ ċertifikati separati tal-lawrja mogħtija lil student mat-tlestija b'suċċess ta' programm konġunt. Lawrja doppja hija tip speċifiku ta' lawrja multipla.Kull lawrja trid tkun iffirmata mill-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni kkonċernata, u rikonoxxuta b'mod uffiċjali fil-pajjiżi fejn ikunu jinsabu l-istituzzjonijiet differenti li jagħtu l-għotja.
ECHE (Karta Erasmus għall-Edukazzjoni Għolja)	Akkreditazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni Ewropea li tagħti l-possibbiltà lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja mill-Istati Membri tal-UE u mill-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm biex ikunu eliġibbli li japplikaw u jieħdu sehem fl-attivitajiet ta' mobbiltà għall-apprendiment u l-kooperazzjoni fil-qafas tal-Erasmus+. L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja mill-pajjiżi terzi tal-Balkani tal-Punent mhux assoċjati mal-Programm jistgħu japplikaw għal ECHE u tingħatalhom għall-iskopijiet tas-Sejħa għal Proposti dwar l-Universitajiet Ewropej, li għaliha huma eliġibbli. Il-Karta tiddeskrivi l-prinċipji fundamentali li istituzzjoni għandha taderixxi magħhom fl-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' mobbiltà u kooperazzjoni ta' kwalità għolja. Din tiddikjara r-rekwiżiti li l-istituzzjoni taqbel li tikkonforma magħhom biex tiżgura servizzi u proċeduri ta' kwalità għolja, kif ukoll l-għoti ta' informazzjoni affidabbli u trasparenti.
ECTS (Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti)	Sistema ċċentrata fuq l-istudent għall-akkumulazzjoni u t-trasferiment ta' krediti, abbażi tat-trasparenza tal-proċessi ta' apprendiment, tagħlim u valutazzjoni. L-objettiv tagħha huwa li tiffaċilita l-ippjanar, it-twassil u l-evalwazzjoni tal-programmi ta' studju u l-mobbiltà tal-istudent permezz tar-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-perjodi ta' apprendiment. Sistema li tgħin fit-tfassil, id-deskrizzjoni u t-twettiq ta' programmi ta' studju u fl-għoti ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja. L-użu tal-ECTS, flimkien ma' oqfsa ta' kwalifiki bbażati fuq l-eżiti, jagħmel il-programmi ta' studju u l-kwalifiki aktar trasparenti u jiffaċilita r-rikonoxximent tal-kwalifiki.
Istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja	Tfisser istituzzjoni li, f'konformità mad-dritt jew il-prattika nazzjonali, toffri lawrji rikonoxxuti jew kwalifiki rikonoxxuti oħrajn fil-livell terzjarju, irrispettivament minn dak li jissejjaħ tali stabbiliment, jew istituzzjoni komparabbli fil-livell terzjarju li skont l-awtoritajiet nazzjonali titqies bħala eliġibbli li tipparteċipa fil-Programm fit-territorji rispettivi tagħhom.

Lawrja konġunta	Ċertifikat ta' lawrja unika mogħti lil student mat-tlestija b'suċċess ta' programm konġunt. Il-lawrja konġunta trid tkun iffirmata mill-awtoritajiet kompetenti ta' żewġ istituzzjonijiet parteċipanti jew aktar b'mod konġunt u rikonoxxuta b'mod uffiċjali fil-pajjiżi fejn ikunu jinsabu dawk l-istituzzjonijiet parteċipanti.
Programmi konġunti	Programmi ta' edukazzjoni għolja (studju jew riċerka) imfassla b'mod konġunt, imwassla u rikonoxxuti b'mod sħiħ minn żewġ istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jew aktar. Il-programmi konġunti jistgħu jiġu implimentati fi kwalunkwe ċiklu ta' edukazzjoni għolja, jiġifieri baċellerat, master jew dottorat jew anke ċiklu qasir. Il-programmi konġunti jistgħu jkunu nazzjonali (jiġifieri meta l-universitajiet kollha involuti jkunu mill-istess pajjiż) jew tranżnazzjonali/internazzjonali (jiġifieri meta tal-inqas żewġ pajjiżi differenti huma rrappreżentati fost l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja involuti).
Programmi ta' studju ta' ċiklu wieħed	Programmi integrati/twal li jwasslu jew għall-ewwel lawrja jew għal lawrja tat-tieni ċiklu u li, f'xi pajjiżi, għadhom jistgħu jiġu kkaratterizzati aħjar skont id-durata fi snin milli skont il-krediti. F'ħafna minn dawn il-pajjiżi, il-programmi barra mill-mudell tal-ewwel ċiklu ta' Bolonja huma fl-oqsma tal-mediċina, id-dentistrija, il-mediċina veterinarja, l-infermerija u l-kura mill-qwiebel u f'ħafna każijiet jinvolvu 1-8 % tal-popolazzjoni ta' studenti. It-tul normali ta' programmi integrati li jwasslu għall-professjonijiet regolati huwa b'mod ġenerali ta' 300-360 ECTS jew ħames sa sitt snin skont il-professjoni regolata partikulari.
It-tielet ċiklu	Il-livell tat-tielet ċiklu fil-Qafas tal-Kwalifiki għaż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja maqbul mill-ministri responsabbli għall-edukazzjoni għolja fil-laqgħa tagħhom f'Bergen f'Mejju 2005 fil-qafas tal-proċess ta' Bolonja. Id-deskrittur tat-tielet ċiklu tal-QF-EHEA jikkorrispondi għall-eżiti tal-apprendiment tal-livell 8 tal-QEK.

Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali[331]

[331] Għal terminoloġija oħra tal-VET jekk jogħġbok uża l-pubblikazzjoni uffiċjali tas-Cedefop: https://www.cedefop.europa.eu/files/4117_en.pdf

Apprendistat (Apprendista) [332]	Mingħajr preġudizzju għat-terminoloġija nazzjonali, l-apprendistati jinftiehmu bħala skemi formali ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali li: a) jikkombinaw l-apprendiment fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni jew tat-taħriġ ma' apprendiment sostanzjali msejjes fuq ix-xogħol f'kumpaniji u postijiet tax-xogħol oħrajn, b) iwasslu għal kwalifiki rikonoxxuti fil-livell nazzjonali, c) huma bbażati fuq ftehim li jiddefinixxi d-drittijiet u l-obbligi tal-apprendist, tal-impjegatur u, fejn xieraq, tal-istituzzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u d) jinkludu pagament jew kumpens ieħor lill-apprendist għall-komponent imsejjes fuq ix-xogħol.
EQAVET (Qafas ta' Referenza Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali)	Għodda ta' referenza għal dawk li jfasslu l-politika bbażata fuq ċiklu ta' kwalità f'erba' stadji li jinkludu l-istabbiliment tal-miri u l-ippjanar, l-implimentazzjoni, l-evalwazzjoni u r-rieżami. Tirrispetta l-awtonomija tal-gvernijiet nazzjonali u hija sistema volontarja li għandha tintuża mill-awtoritajiet pubbliċi u korpi oħrajn involuti fl-assigurazzjoni tal-kwalità.
Kompetizzjonijiet tal-ħiliet tal-VET	Avvenimenti settorjali internazzjonali li fihom id-dimostrazzjoni kompetittiva tal-ħiliet mill-istudenti tal-VET hija ċentrali għall-promozzjoni, ir-rikonoxximent u l-iskambju tal-esperjenza, l-għarfien espert u l-innovazzjonijiet teknoloġiċi fil-VET. L-avvenimenti huma r-riżultat ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn in-negozji, il-forituri tal-VET, il-kmamar tal-kummerċ u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn li għandhom l-għan li jtejbu l-attraenza u l-eċċellenza fil-VET, joħolqu standards ta' taħriġ globali u sistemi ta' valutazzjonijiet komparattivi, u jinfluwenza lill-industrija, lill-gvern, u lill-edukaturi permezz ta' kooperazzjoni u riċerka. L-iskop tal-kompetizzjonijiet tal-ħiliet huwa li jtejbu l-profil u r-rikonoxximent ta' persuni b'ħiliet speċjalizzati, u juru kemm huma importanti l-ħiliet fil-kisba tat-tkabbir ekonomiku u s-suċċess personali. Dawn huma mfassla biex jispiraw liż-żgħażagħ biex jiżviluppaw passjoni għall-ħiliet u jsegwu l-eċċellenza, permezz ta' kompetizzjonijiet u promozzjonijiet.
Edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali (VET)	L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għandhom jinftiehmu bħala l-edukazzjoni u t-taħriġ li għandhom l-għan li jgħammru liż-żgħażagħ u lill-adulti b'għarfien, ħiliet u kompetenzi meħtieġa f'okkupazzjonijiet partikolari jew b'mod aktar wiesa' fis-suq tax-xogħol. Dan jista' jiġi pprovdut f'ambjenti formali u mhux formali, fil-livelli kollha tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK), inkluż fil-livell terzjarju, jekk applikabbli. Għall-iskopijiet tal-Erasmus+, il-proġetti li jiffokaw fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali jew kontinwu huma eliġibbli taħt l-azzjonijiet tal-VET.

[332] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32018H0502(01)

Student tal-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali (VET)	Persuna rreġistrata fi programm inizjali jew kontinwu ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali jew persunali tkun gradwat jew kisbet kwalifika dan l-aħħar minn programm bħal dan.
Apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol	Akkwist ta' għarfien u ħiliet permezz tat-twettiq tal-kompiti f'kuntest vokazzjonali, jew fuq il-post tax-xogħol (bħal taħriġ b'alternanza) jew f'istituzzjoni tal-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali u r-riflessjoni fuqhom.

Edukazzjoni għall-Adulti

Edukazzjoni għall-Adulti	Il-forom kollha ta' edukazzjoni għall-adulti mhux vokazzjonali, kemm jekk ta' natura formali, mhux formali jew informali (għal taħriġ vokazzjonali kontinwu ara "VET").
Student adult	Kwalunkwe adult li jkun lesta jew li ma jkunx għadu involut f'edukazzjoni jew taħriġ inizjali, li jirritorna għal xi forom ta' apprendiment kontinwu mhux vokazzjonali (formali, mhux formali jew informali). Għall-iskopijiet tal-proġetti tal-Erasmus+, il-persunal edukattiv (għalliema, ħarrieġa, edukaturi, persunal akkademiku u li jaħdem maż-żgħażagħ, eċċ.) fi kwalunkwe settur tal-Erasmus+ ma jistax jitqies bħala student adult fl-Edukazzjoni għall-Adulti. Il-membri tal-persunal marbuta formalment mal-organizzazzjoni edukattiva tax-xogħol tagħhom (l-iskola, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni tal-iskola, l-edukazzjoni għolja u organizzazzjoni tal-edukazzjoni għall-adulti, eċċ.) jistgħu jipparteċipaw f'attivitajiet għall-persunal f'settur rilevanti tal-programm Erasmus+.

Żgħażagħ

Kowċ	Persuna ta' riżorsa - mhux membru tal-grupp - li tappoġġa liż-żgħażagħ fit-tħejjija, fl-implimentazzjoni u fl-evalwazzjoni tal-proġett tagħhom.
Bini tal-komunità	Il-ħolqien jew it-tisħiħ ta' komunità fost individwi li għandhom ħtieġa jew interess komuni jew li għexu esperjenza konġunta li ħolqot bażi komuni. Il-komunità maħluqa permezz tal-proċess tal-bini ta' komunità hija grupp vivaċi ta' membri li jiskambjaw prattiki u ideat għal aktar żvilupp għall-benefiċċju tal-komunità nnifisha.
Mekkaniżmi tad-djalogu	Id-djalogu maż-żgħażagħ u mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u ma' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet li jservi bħala forum għal riflessjoni konġunta kontinwa dwar il-prijoritajiet, l-implimentazzjoni u s-segwitu għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ.

Ħidma Diġitali fost iż-Żgħażagħ	L-użu proattiv jew l-indirizzar tal-media diġitali u t-teknoloġija fil-ħidma fost iż-żgħażagħ. Il-media diġitali u t-teknoloġija jistgħu jkunu għodda, attività jew kontenut fil-ħidma fost iż-żgħażagħ. Il-ħidma diġitali fost iż-żgħażagħ ma hijiex metodu ta' ħidma fost iż-żgħażagħ, tista' tiġi inkluża fi kwalunkwe ambjent tal-ħidma fost iż-żgħażagħ u għandha l-istess objettivi bħall-ħidma fost iż-żgħażagħ inġenerali.
Mexxej ta' Grupp	Fi proġetti ta' mobbiltà taż-żgħażagħ, mexxej ta' grupp huwa adult li jkollu mill-inqas 18-il sena li jingħaqad maż-żgħażagħ li jkunu qed jipparteċipaw fi Skambju taż-Żgħażagħ jew f'Azzjoni ta' Inklużjoni ta' DiscoverEU sbiex jiżgura l-apprendiment (Youthpass), il-protezzjoni u s-sikurezza effettivi tagħhom.
Grupp informali ta' żgħażagħ	Grupp ta' mill-inqas erba' żgħażagħ li ma għandhomx personalità ġuridika skont id-dritt nazzjonali applikabbli, diment li r-rappreżentanti tagħhom ikollhom il-kapaċità li jwettqu obbligi legali f'isimhom. Dawn il-gruppi ta' żgħażagħ jistgħu jkunu applikanti u sħab f'xi Azzjonijiet tal-Erasmus+. Għall-iskop tas-simplifikazzjoni, huma assimilati mal-persuni ġuridiċi (organizzazzjonijiet, istituzzjonijiet, eċċ.) f'din il-Gwida u jagħmlu parti mill-kunċett ta' organizzazzjonijiet parteċipanti tal-Erasmus+ għall-azzjonijiet tal-Azzjoni Ewlenija 1 li jistgħu jieħdu sehem fihom. Il-grupp irid ikun magħmul tal-inqas minn erba' żgħażagħ u l-età tagħhom għandha tkun skont l-età kumplessiva taż-żgħażagħ fil-programm (13-30). F'każijiet eċċezzjonali u jekk iż-żgħażagħ kollha jkunu minuri, il-grupp jista' jiġi rappreżentat minn persuna adulta. Dan jippermetti li grupp ta ' żgħażagħ (fejn kollha jkunu minuri) jissottometti applikazzjoni bl-għajnuna ta' persuna li taħdem maż-żgħażagħ/mal-kowċ.
Attività itineranti	Attività li sseħħ f'aktar minn pajjiż wieħed. L-attivitajiet itineranti jimplikaw il-moviment tal-parteċipanti kollha fl-istess ħin.
Ħidma Intelliġenti fost iż-Żgħażagħ	L-iżvilupp innovattiv tal-ħidma fost iż-żgħażagħ li jinkludi l-prattika tal-ħidma diġitali fost iż-żgħażagħ, u li tinkludi komponent ta' riċerka, kwalità u politika.
Attività taż-żgħażagħ	Attività barra mill-iskola (bħal skambju taż-żgħażagħ, volontarjat jew taħriġ taż-żgħażagħ) imwettqa minn persuna żagħżugħa, jew individwalment jew fi grupp, b'mod partikolari permezz ta' organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, u kkaratterizzata minn approċċ ta' apprendiment mhux formali.
Persuna li taħdem maż-żgħażagħ	Professjonist jew voluntier involut f'apprendiment mhux formali li jappoġġa liż-żgħażagħ fl-iżvilupp soċjoedukattiv u professjonali personali tagħhom.

Youthpass	L-għodda Ewropea biex jittejjeb ir-rikonoxximent tal-eżiti tal-apprendiment taż-żgħażagħ u tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ mill-parteċipazzjoni tagħhom fi proġetti appoġġati mill-Programm Erasmus+. Il-Youthpass tikkonsisti minn: a) ċertifikati li jistgħu jinkisbu mill-parteċipanti f'diversi Azzjonijiet tal-Programm; u b) proċess definit li jappoġġa liż-żgħażagħ, lill-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ u lill-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ biex jirriflettu dwar l-eżiti tal-apprendiment mill-proġett tal-Erasmus+ fil-qasam taż-żgħażagħ u tal-apprendiment mhux formali. Il-Youthpass hija wkoll parti minn strateġija usa' tal-Kummissjoni Ewropea li għandha l-għan li ssaħħaħ ir-rikonoxximent tal-apprendiment mhux formali u informali u l-ħidma fost iż-żgħażagħ fl-Ewropa u lil hinn.

Sport

Sport għad-dilettanti	Attivitajiet ta' rikreazzjoni fiżika pprattikati regolarment fil-livell mhux professjonali minn persuni ta' kull età għal skopijiet ta' saħħa, edukattivi jew soċjali
Persunal tal-isport	Persuna involuta fl-istruzzjoni, fit-taħriġ u fil-ġestjoni ta' tim tal-isport jew persuni sportivi individwali, jew fuq bażi bi ħlas inkella fuq bażi volontarja